Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 252

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 61

18 ta' Lulju 2018

Werrej

IL-PARLAMENT EWROPEW

SESSJONI 2016–2017

Dati tas-seduti: 1 u 2 ta' Frar 2017

Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 397, 23.1.2017.

TESTI ADOTTATI

Dati tas-seduti: 13-16 ta' Frar 2017

Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 407, 30.1.2017.

TESTI ADOTTATI

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RIŻOLUZZJONIJIET

Il-Parlament Ewropew

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

2018/C 252/01 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Frar 2017 dwar approċċ integrat għall-Politika tal-Isport: governanza tajba, aċċessibilità u integrità (2016/2143(INI)) 2

2018/C 252/02 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Frar 2017 li jinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-aspetti transfruntiera tal-adozzjonijiet (2015/2086(INL)) 14

2018/C 252/03 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Frar 2017 dwar il-kriżi tal-istat tad-dritt fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo u fil-Gabon (2017/2510(RSP)) 26

MT

2018/C 252/04 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Frar 2017 dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi "Erasmus +": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażagħ u sport u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE (2015/2327(INI)) 31

It-Tlieta 14 ta' Frar 2017

2018/C 252/05 Riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Frar 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (07592/2016 – C8-0431/2016 – 2016/0077(NLE) – 2016/2230(INI)) 48

2018/C 252/06 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Frar 2017 dwar kontroll tar-Reġistru u kompożizzjoni tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni (2015/2319(INI)) 52

2018/C 252/07 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Frar 2017 dwar ir-rwol tal-informaturi fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE (2016/2055(INI)) 56

2018/C 252/08 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Frar 2017 dwar ir-reviżjoni tal-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp (2016/2094(INI)) 62

2018/C 252/09 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Frar 2017 dwar ir-Rapport Annwali dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni tal-UE (2016/2100(INI)) 78

2018/C 252/10 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Frar 2017 dwar il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fir-riċerka dwar is-saħħa mentali u dik klinika (2016/2096(INI)) 99

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

2018/C 252/11 Riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Mongolja, min-naħa l-oħra (08919/2016 – C8-0218/2016 – 2015/0114(NLE) – 2016/2231(INI)) 113

2018/C 252/12 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2017 dwar ir-Rapport tal-Kummissjoni 2016 dwar l-Albanija (2016/2312(INI)) 122

2018/C 252/13 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2017 dwar ir-Rapport tal-Kummissjoni 2016 dwar il-Bożnija-Ħerzegovina (2016/2313(INI)) 129

2018/C 252/14 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2017 dwar is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika: Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2017 (2016/2306(INI)) . . 138

2018/C 252/15 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2017 dwar is-Semestru Ewropew għall-Koordinazzjoni tal-Politika Ekonomika: Impjieg u aspetti soċjali fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2017 (2016/2307(INI)) 148

2018/C 252/16 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2017 dwar ir-Rapport Annwali dwar il-Governanza tas-Suq Uniku fi ħdan is-Semestru Ewropew 2017 (2016/2248(INI)) 164

2018/C 252/17 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2017 dwar l-Unjoni Bankarja – Rapport Annwali 2016 (2016/2247(INI)) 171

2018/C 252/18 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2017 dwar pestiċidi b'riskju baxx ta' oriġini bijoloġika (2016/2903(RSP)) 184

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

2018/C 252/19 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2017 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fin-Nikaragwa – il-każ ta' Francisca Ramirez (2017/2563(RSP)) 189

2018/C 252/20 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2017 dwar l-eżekuzzjonijiet fil-Kuwajt u fil-Bahrain (2017/2564(RSP)) 192

2018/C 252/21 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2017 dwar il-Gwatemala, partikolarment is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem (2017/2565(RSP)) 196

2018/C 252/22 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2017 dwar evoluzzjonijiet u aġġustamenti possibbli tal-istruttura istituzzjonali attwali tal-Unjoni Ewropea (2014/2248(INI)) 201

2018/C 252/23 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2017 dwar it-titjib tal-funzjonament tal-Unjoni Ewropea bl-isfruttament tal-potenzjal tat-Trattat ta' Lisbona (2014/2249(INI)) 215

2018/C 252/24 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2017 dwar il-kapaċità baġitarja għaż-żona tal-euro (2015/2344(INI)) 235

2018/C 252/25 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2017 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar Regoli ta' Dritt Ċivili dwar ir-Robotika (2015/2103(INL)) 239

2018/C 252/26 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2017 dwar l-Inizjattiva Ewropea dwar il-Cloud Computing (2016/2145(INI)) 258

2018/C 252/27 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2017 dwar l-investiment f'impjiegi u tkabbir – nimmassimizzaw il-kontribuzzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej: evalwazzjoni tar-rapport skont l-Artikolu 16(3) tas-CPR (2016/2148(INI)) 273

2018/C 252/28 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2017 dwar Strateġija tal-Avjazzjoni għall-Ewropa (2016/2062(INI)) 284

2018/C 252/29 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2017 dwar dewmien fl-implimentazzjoni tal-programmi operattivi tal-Fondi SIE – l-impatt fuq il-politika ta' koeżjoni u t-triq 'il quddiem (2016/3008(RSP)) 294

RAKKOMANDAZZJONIJIET

Il-Parlament Ewropew

It-Tlieta 14 ta' Frar 2017

2018/C 252/30 Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Frar 2017 lill-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE għall-61 Sessjoni tal-Kummissjoni tan-NU dwar l-Istatus tan-Nisa (2017/2001(INI)) 298

III *Atti preparatorji*

IL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

2018/C 252/31 P8_TA(2017)0014

Klawsola ta' salvagwardja bilaterali u mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim Kummerċjali UE-Kolombja u Perù***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Frar 2017 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 19/2013 li jimplimenta l-klawsola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 20/2013 li jimplimenta l-klawsola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Amerika Ċentrali, min-naħa l-oħra (COM(2015)0220 – C8-0131/2015 – 2015/0112(COD))

P8_TC1-COD(2015)0112

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-2 ta' Frar 2017 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2017/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 19/2013 li jimplimenta l-klawsola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fuq naħa, u l-Kolombja u l-Perù fuq in-naħa l-oħra, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 20/2013 li jimplimenta l-klawsola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerika Ċentrali, min-naħa l-oħra 303

2018/C 252/32 P8_TA(2017)0015

Ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Frar 2017 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 (COM(2015)0636 – C8-0393/2015 – 2015/0289(COD))

P8_TC1-COD(2015)0289

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-2 ta' Frar 2017 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2017/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 306

2018/C 252/33 P8_TA(2017)0016

Pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom huma soġġetti għal jew eżenti minn ħtieġa ta' viża: il-Georgia ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Frar 2017 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 539/2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk iċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa (il-Georgia) (COM(2016)0142 – C8-0113/2016 – 2016/0075(COD))

P8_TC1-COD(2016)0075

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-2 ta' Frar 2017 bil-ħsieb li tadotta r-Regolament (UE) Nru …/2017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 539/2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżenti minn dik il-ħtieġa (Georgia) 338

It-Tlieta 14 ta' Frar 2017

2018/C 252/34 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Frar 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (07592/2016 – C8-0431/2016 – 2016/0077(NLE)) 339

2018/C 252/35 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Frar 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill li jemenda d-Deċiżjoni 2009/935/ĠAI fir-rigward tal-lista ta' Stati terzi u organizzazzjonijiet li magħhom il-Europol għandu jikkonkludi ftehimiet (15778/2016 – C8-0007/2017 – 2016/0823(CNS)) 340

2018/C 252/36 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Frar 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill dwar is-soġġettar tas-sustanza psikoattiva ġdida metil-2-[[1-(ċikloħeksil-metil)-1H-indol-3-karbonil]amino]-3,3-dimetilbutanoat (MDMB-CHMICA) għal miżuri ta' kontroll (12356/2016 – C8-0405/2016 – 2016/0262(NLE)) 342

2018/C 252/37 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Frar 2017 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (applikazzjoni min-Netherlands – EGF/2016/005 NL/Drenthe Overijssel Retail) (COM(2016)0742 – C8-0018/2017 – 2017/2014(BUD)) 343

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

2018/C 252/38 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra (10975/2016 – C8-0438/2016 – 2016/0205(NLE)) 348

2018/C 252/39 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Sħubija Strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kanada, min-naħa l-oħra (14765/2016 – C8-0508/2016 – 2016/0373(NLE)) 349

2018/C 252/40 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Mongolja, min-naħa l-oħra (08919/2016 – C8-0218/2016 – 2015/0114(NLE)) 350

2018/C 252/41 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll (2015) li jemenda l-Anness għall-Ftehim dwar Kummerċ f'Inġenji tal-Ajru Ċivili (11018/2016 – C8-0391/2016 – 2016/0202(NLE)) . 351

2018/C 252/42 Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fil-15 ta' Frar 2017 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex ittejjeb it-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u investimenti b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju (COM(2015)0337 – C8-0190/2015 – 2015/0148(COD)) 352

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

2018/C 252/43 P8_TA(2017)0046

Ġlieda kontra t-terroriżmu ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2017 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u s-sostituzzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru 2002/475/ĠAI dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu (COM(2015)0625 – C8-0386/2015 – 2015/0281(COD))

P8_TC1-COD(2015)0281

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-16 ta' Frar 2017 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2017/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI 428

2018/C 252/44 P8_TA(2017)0047

Tisħiħ tal-kontrolli fil-fruntieri esterni abbażi ta' bażijiet tad-dejta rilevanti ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2017 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 562/2006 dwar it-tisħiħ tal-kontrolli fil-fruntieri esterni abbażi ta' bażijiet tad-dejta rilevanti (COM(2015)0670 – C8-0407/2015 – 2015/0307(COD))

P8_TC1-COD(2015)0307

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-16 ta' Frar 2017 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2017/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 dwar it-tisħiħ tal-verifiki fuq il-fruntieri esterni ma' bażijiet ta' data rilevanti 431

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tielet qari

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att)

Emendi tal-Parlament:

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.

IL-PARLAMENT EWROPEW

SESSJONI 2016–2017

Dati tas-seduti: 1 u 2 ta' Frar 2017

Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 397, 23.1.2017.

TESTI ADOTTATI

Dati tas-seduti: 13-16 ta' Frar 2017

Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 407, 30.1.2017.

TESTI ADOTTATI

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RIŻOLUZZJONIJIET

IL-PARLAMENT EWROPEW

P8_TA(2017)0012

Approċċ integrat għall-Politika tal-Isport: governanza tajba, aċċessibbiltà u integrità

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Frar 2017 dwar approċċ integrat għall-Politika tal-Isport: governanza tajba, aċċessibilità u integrità (2016/2143(INI))

(2018/C 252/01)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 165 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jispeċifika l-għanijiet tal-politika tal-isport tal-UE,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Jannar 2011 bit-titolu "L-Iżvilupp tad-Dimensjoni Ewropea fl-Isport" (COM(2011)0012),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Grupp ta' Esperti tal-UE dwar il-Governanza Tajba bl-isem "The Principles for Good Governance of Sport in the EU" (Il-Prinċipji ta' Governanza Tajba tal-Isport fl-UE) ta' Ottubru 2013,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Isport tal-Massa bl-isem "Grassroots Sport – Shaping Europe" (L-Isport tal-Massa – Insawru l-Ewropa) ta' Ġunju 2015,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar id-Diplomazija fl-Isport ta' Ġunju 2016,

— wara li kkunsidra l-programm Erasmus+, li għandu l-għan li jindirizza t-theddid transkonfinali għall-intergrità tal-isport, jippromwovi u jappoġġja l-governanza tajba fl-isport, il-karrieri doppji tal-isportivi u l-attivitajiet ta' volontarjat fl-isport, flimkien mal-inklużjoni soċjali u l-opportunitajiet indaqs,

— wara li kkunsidra l-White Paper tal-Kummissjoni dwar l-Isport (COM(2007)0391),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Ġunju 2015 dwar l-iżvelar reċenti ta' każijiet ta' korruzzjoni fl-ogħla livelli tal-FIFA ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2013 dwar il-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus: rakkomandazzjonijiet dwar azzjonijiet u inizjattivi li għandhom jittieħdu ([2]),

([1]) ĠU C 407, 4.11.2016, p. 81.
([2]) ĠU C 208, 10.6.2016, p. 89.

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Settembru 2013 dwar il-logħob tal-azzard onlajn fis-suq intern ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2013 dwar ix-xiri tal-logħob u l-korruzzjoni fl-isport ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-2 ta' Frar 2012 dwar id-dimensjoni Ewropea fl-isport ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Mejju 2008 dwar il-White Paper dwar l-Isport ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' Marzu 2007 dwar il-futur tal-futbol professjonali fl-Ewropa ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Ġunju 2010 dwar l-aġenti tal-plejers fl-isports ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Novembru 2013 dwar il-Qatar: is-sitwazzjoni tal-ħaddiema migranti ([7]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Jannar 2016 dwar ir-rwol tad-djalogu interkulturali, id-diversità kulturali u l-edukazzjoni fil-promozzjoni tal-valuri fundamentali tal-UE ([8]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2016 dwar it-tisħiħ tal-integrità, it-trasparenza u l-governanza tajba fl-avvenimenti sportivi ewlenin,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2015 dwar il-massimizzazzjoni tar-rwol tal-isport tal-massa fl-iżvilupp tal-ħiliet trasversali, speċjalment fost iż-żgħażagħ,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2014 dwar Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport (2014–2017),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2013 dwar il-kontribut tal-isport għall-ekonomija tal-UE, b'mod partikolari biex jiġi indirizzat il-qgħad fost iż-żgħażagħ u l-inklużjoni soċjali tagħhom,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2013 dwar il-promozzjoni transettorjali ta' attività fiżika favur is-saħħa,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Novembru 2010 dwar ir-rwol tal-isport bħala sors u mutur ta' inklużjoni soċjali attiva ([9]),

— wara li kkunsidra l-konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tat-3 ta' Lulju 2016 dwar approċċ integrat għas-sikurezza, is-sigurtà u s-servizzi waqt partiti tal-futbol u avvenimenti sportivi oħra,

— wara li kkunsidra l-konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tat-18 ta' Settembru 2014 dwar il-manipulazzjoni ta' kompetizzjonijiet sportivi,

---

([1]) ĠU C 93, 9.3.2016, p. 42.
([2]) ĠU C 36, 29.1.2016, p. 137.
([3]) ĠU C 239 E, 20.8.2013, p. 46.
([4]) ĠU C 271 E, 12.11.2009, p. 51.
([5]) ĠU C 27 E, 31.1.2008, p. 232.
([6]) ĠU C 236 E, 12.8.2011, p. 99.
([7]) ĠU C 436, 24.11.2016, p. 42.
([8]) Testi adottati, P8_TA(2016)0005.
([9]) ĠU C 326, 3.12.2010, p. 5.

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

— wara li kkunsidra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea u d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar kwistjonijiet relatati mal-isport, l-imħatri u l-logħob tal-azzard,

— wara li kkunsidra l-Aġenda Globali għall-2030 dwar l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 6 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A8-0381/2016),

A. billi, bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-2009, l-Unjoni Ewropea kisbet kompetenza speċifika għall-isport biex tibni u timplimenta politika kkoordinata tal-isport tal-UE li hija appoġġjata minn linja baġitarja speċifika, u biex tiżviluppa kooperazzjoni ma' korpi internazzjonali fil-qasam tal-isport, filwaqt li tqis in-natura speċifika tal-isport u tirrispetta l-awtonomija tal-istrutturi governattivi tal-isport;

B. billi l-isport għandu rwol prominenti fil-ħajja ta' miljuni ta' ċittadini tal-UE; billi l-isport tad-dilettanti u l-isport professjonali mhumiex biss kwistjoni ta' kapaċitajiet atletiċi, riżultati pożittivi u kompetizzjonijiet fl-isport, iżda jagħtu wkoll kontribut soċjali, edukattiv, ekonomiku, kulturali u unifikanti sinifikanti lill-ekonomija u s-soċjetà tal-UE, kif ukoll lill-objettivi strateġiċi u l-valuri soċjali tal-UE;

C. billi l-isport jirrappreżenta settur kbir tal-ekonomija tal-UE li qed jikber malajr u jagħti kontribut importanti għat-tkabbir, l-impjiegi u s-soċjetà, anke fil-livell lokali, b'effetti fuq il-valur miżjud u l-impjiegi li jaqbżu l-medja tar-rati ta' tkabbir; billi l-impjiegi relatati mal-isport ġew stmati li huma ekwivalenti għal 3,51 % tal-impjiegi totali tal-UE, u s-sehem tal-valur miżjud gross relatat mal-isport għal EUR 294 biljun (2,98 % tal-valur miżjud gross totali tal-UE);

D. billi l-isport mhuwiex biss realtà ekonomika li qed tikber, iżda wkoll fenomenu soċjali li jagħti kontribut importanti lill-objettivi strateġiċi u lill-valuri soċjali tal-Unjoni Ewropea bħat-tolleranza, is-solidarjetà, il-prosperità, il-paċi, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-fehim fost in-nazzjonijiet u l-kulturi;

E. billi l-ipprattikar tal-isport jikkontribwixxi għal kwalità tal-ħajja aħjar, jevita l-mard u għandu rwol fundamentali fit-tisħiħ tal-iżvilupp personali u l-kundizzjoni tas-saħħa;

F. billi l-konformità mad-drittijiet bażiċi tax-xogħol hija essenzjali għall-atleti professjonisti;

G. billi l-isport jikkontribwixxi wkoll għall-integrazzjoni tan-nies u jmur lil hinn mir-razza, ir-reliġjon u l-etniċità;

H. billi l-integrità tal-isport hija ta' importanza kbira jekk il-kredibilità tiegħu u l-attrazzjoni tiegħu għandhom jiġu promossi;

I. billi l-isport għandu natura speċifika li hija bbażata fuq strutturi ta' volontarjat u li hija prerekwiżit tal-funzjonijiet edukattivi u soċjali tiegħu;

J. billi l-iskandli reċenti ta' korruzzjoni fl-isport, u fl-organizzazzjonijiet sportivi fil-livell Ewropew u dak internazzjonali, ħassru l-immaġni tal-isport billi qajmu tħassib u mistoqsijiet dwar il-bżonn ta' riformi ġenwini u strutturali tal-korpi u l-organizzazzjonijiet ta' tmexxija tal-isport filwaqt li titqies id-diversità kbira tal-istrutturi tal-isport f'pajjiżi Ewropej differenti u l-fatt li l-organizzazzjonijiet sportivi huma min-natura tagħhom fil-biċċa l-kbira awtoregolatorji;

K. billi kemm l-isport professjonali kif ukoll dak tal-massa għandhom rwol ewlieni fil-promozzjoni globali tal-paċi, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u s-solidarjetà, iġibu benefiċċji tas-saħħa u ekonomiċi għas-soċjetajiet u għandhom rwol essenzjali fl-enfasizzar tal-valuri edukattivi u kulturali fundamentali kif ukoll fil-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali;

L. billi l-governanza tajba fl-isport jenħtieġ li tirrispetta r-regolamentazzjoni xierqa tal-isport permezz ta' prinċipji ta' ġestjoni effettiva, trasparenti, etika u demokratika, governanza parteċipattiva, u proċessi u strutturi bil-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati;

M. billi l-organizzazzjonijiet sportivi huma responsabbli mill-iżgurar ta' standards ta' governanza u ta' integrità għoljin u għandhom jgħolluhom iktar, u jaderixxu magħhom fiċ-ċirkostanzi kollha, sabiex terġa' tinkiseb il-fiduċja taċ-ċittadini u tiżdied il-fiduċja pubblika fil-valur pożittiv tal-isport;

N. billi politiki bbilanċjati li għandhom l-għan li jżidu t-trasparenza finanzjarja, l-istabilità u l-kredibilità fl-isport huma kruċjali biex jittejbu l-istandards finanzjarji u ta' governanza;

O. billi l-mudell Ewropew tal-isport organizzat huwa bbażat fuq il-prinċipji ta' territorjalità u nazzjonalità, b'federazzjoni waħda għal kull dixxiplina, u b'mekkaniżmi ta' solidarjetà bejn l-isport tal-atleti tal-ogħla livell u dak tal-massa, kif ukoll fuq ir-relegazzjoni u l-promozzjoni, kompetizzjonijiet miftuħa u rridistribuzzjoni finanzjarja;

P. billi r-rikonoxximent tal-prinċipju ta' federazzjoni unika għal kull sport huwa ta' rilevanza partikolari u jsib l-għeruq tiegħu fl-importanza soċjali tal-isport bħala l-aħjar mezz biex jitħarsu l-interessi tal-isport u l-benefiċċji li jipprovdi lis-soċjetà;

Q. billi huwa leġittimu u neċessarju għall-partijiet ikkonċernati kollha li jiġi meħtieġ li kwalunkwe kompetizzjoni sportiva tintlagħab u tiġi deċiża skont ir-regoli tal-logħba rikonoxxuti fuq livell internazzjonali;

R. billi t-tribunali sportivi għandhom rwol ċentrali fil-garanzija tal-universalità tar-regoli tal-logħba, id-dritt għal proċess ġust f'kawżi relatati mal-isport u l-governanza tajba, peress li dawn jikkostitwixxu l-aktar mezzi xierqa ta' soluzzjoni tat-tilwimiet fil-qasam tal-isport b'konformità mad-drittijiet proċedurali fundamentali tal-UE;

S. billi l-ammonti dejjem jiżdiedu ta' flus li jiċċirkolaw fis-settur tal-isport u fl-organizzazzjonijiet involuti wasslu għal talbiet ta' governanza u trasparenza aħjar; billi l-isport, bħala attività ekonomika, huwa kkonfrontat minn sensiela ta' skandli ta' xiri tal-logħob li jinvolvu diversi reati u attivitajiet illegali oħra bħall-ħasil tal-flus, il-korruzzjoni u t-tixħim;

T. billi l-prattiki tad-doping li qed jiżdiedu huma theddida għall-integrità u r-reputazzjoni tal-isport peress li dawn jiksru l-valuri u l-prinċipji etiċi tal-isport bħal-logħob ġust, u billi l-użu tad-doping jipperikola b'mod serju s-saħħa tal-atleti kkonċernati, u ħafna drabi jikkawża ħsara serja u permanenti, u billi l-ġlieda kontra d-doping hi kwistjoni ta' interess pubbliku u ta' saħħa pubblika;

U. billi kwalunkwe att ta' vjolenza, ħulliganiżmu u diskriminazzjoni diretta kontra grupp ta' persuni jew membru ta' tali grupp, sew jekk fl-isport tad-dilettanti jew f'dak professjonali, iħammeġ l-immaġni tiegħu u jiskoraġġixxi lill-ispettaturi milli jattendu avvenimenti sportivi;

V. billi l-promozzjoni tal-isport għall-persuni b'diżabilità intellettwali u fiżika għandha tkun prijorità ewlenija fil-livell Ewropew, nazzjonali u lokali;

W. billi l-parteċipazzjoni u l-viżibilità tan-nisa fl-isport u l-kompetizzjonijiet sportivi jeħtieġ li jitjiebu;

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

X. billi l-atleti, b'mod partikolari l-minuri, iħabbtu wiċċhom ma' pressjonijiet ekonomiċi u jiġu ttrattati bħala oġġetti u, għalhekk, għandhom jiġu protetti kontra kwalunkwe forma ta' abbuż, vjolenza jew diskriminazzjoni li jistgħu jseħħu waqt il-parteċipazzjoni tagħhom fl-isport;

Y. billi fl-isports tat-timijiet fl-Ewropa hemm tendenza dejjem tikber u inkwetanti ta' sjieda minn partijiet terzi li permezz tagħha l-plejers, li spiss ikunu ta' età żgħira ħafna, ikunu parzjalment jew integralment proprjetà ta' investituri privati u ma jistgħux jiddeterminaw aktar it-toroq li jridu jaqbdu fil-karrieri tagħhom;

Z. billi l-prattiki ħżiena marbuta mal-aġenti u t-trasferimenti tal-plejers wasslu għal każijiet ta' ħasil tal-flus, frodi u sfruttament tal-minuri;

AA. billi l-isport tal-massa joffri opportunitajiet biex tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni, jitrawmu l-inklużjoni, il-koeżjoni u l-integrazzjoni soċjali u jsir kontribut siewi għall-iżvilupp tal-ħiliet trasversali;

AB. billi numru dejjem jiżdied ta' klabbs jiddependu prinċipalment fuq is-suq tat-trasferimenti biex jifformaw it-timijiet tagħhom, meta għandhom jagħtu aktar attenzjoni lit-taħriġ lokali;

AC. billi l-isport jitqies bħala dritt fundamentali għal kulħadd u billi kulħadd għandu jkollu dritt ugwali biex jieħu sehem fl-attività fiżika u fl-isport;

AD. billi, b'mod ġenerali, l-attività fiżika qed tistaġna minkejja evidenza qawwija li din ittejjeb is-saħħa personali, inkluża s-saħħa mentali u l-benesseri, u billi b'konsegwenza ta' dan l-Istati Membri jiffrankaw b'mod sinifikanti f'termini ta' nefqa pubblika fuq is-saħħa, u minkejja tendenza dejjem tikber lejn l-isport rikreazzjonali, bħall-ġogging, li jiġi wkoll ipprattikat barra minn struttura organizzata;

AE. billi l-avvenimenti u l-attivitajiet sportivi, u b'mod partikolari l-kompetizzjonijiet internazzjonali ewlenin, juru l-benefiċċji pożittivi tal-isport u għandhom impatt soċjali, ekonomiku u ambjentali;

AF. billi t-timijiet nazzjonali għandhom rwol essenzjali mhux biss f'termini ta' trawwim ta' identità nazzjonali u ta' ispirazzjoni lill-atleti żgħażagħ biex jilħqu l-ogħla livell ta' prestazzjoni sportiva, iżda anki billi jippromwovu s-solidarjetà bl-isport tal-massa;

AG. billi l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali ulterjuri tal-atleti huma parti kruċjali biex dawn jitħejjew għall-karrieri tagħhom fl-aħħar tal-karrieri sportivi tagħhom;

AH. billi l-investiment fi u l-promozzjoni tat-taħriġ u fl-edukazzjoni ta' atleti żgħażagħ b'talent fil-livell lokali huma kruċjali għall-iżvilupp fit-tul u r-rwol tal-isport fis-soċjetà;

AI. billi l-voluntiera huma s-sinsla tal-isport organizzat, billi jipprovdu għall-iżvilupp u l-aċċessibilità tal-attivitajiet sportivi, speċjalment fil-livell tal-massa; billi, barra minn hekk, dan joffri opportunità eċċellenti oħra ta' taħriġ u ta' edukazzjoni mhux formali għaż-żgħażagħ, kemm internazzjonalment kif ukoll flimkien ma' programmi ta' kooperazzjoni u żvilupp f'żoni barra l-UE fejn jeħtieġ li d-djalogu jissaħħaħ u l-politika esterna tal-UE tiġi appoġġjata;

AJ. billi l-isport, fl-aktar sens wiesa' tiegħu, jirrappreżenta sistema ta' valuri għal komunità, u billi dawn il-valuri jiffurmaw il-bażi ta' lingwa kondiviża li tisboq l-ostakli kulturali u lingwistiċi kollha; billi dan jista' jgħin u għandu jitqies bħala opportunità biex jissaħħu d-djalogu u s-solidarjetà ma' pajjiżi terzi, biex tiġi promossa l-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet bażiċi tal-bniedem fid-dinja kollha u biex tiġi appoġġjata l-politika esterna tal-UE;

AK. billi l-każjiet ta' ksur tad-dritt ta' proprjetà intellettwali tal-organizzazzjonijiet sportivi, inkluż fil-forma ta' piraterija diġitali, speċjalment it-trażmissjoni diretta mingħajr liċenzja ta' avvenimenti sportivi, iqajmu tħassib serju għall-finanzjament fuq terminu twil tal-isport, fil-livelli kollha;

AL. billi l-libertà tal-istampa għandha tiġi żgurata fl-avvenimenti sportivi kollha;

AM. billi l-isport jista' jikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020;

L-integrità u l-governanza tajba tal-isport

1. Jirrepeti li l-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-isport teħtieġ sforzi transnazzjonali u kooperazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi l-awtoritajiet pubbliċi, l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, l-industrija tal-isport, l-atleti u l-partitarji;

2. Jistieden lill-organizzazzjonijiet sportivi internazzjonali, Ewropej u nazzjonali jimpenjaw ruħhom biex ikollhom prattiki ta' governanza tajba u biex jiżviluppaw kultura ta' trasparenza u finanzjament sostenibbli, billi jagħmlu disponibbli għall-pubbliku rekords finanzjarji u l-kontijiet tal-attivitajiet, inklużi l-obbligi ta' divulgazzjoni fir-rigward tal-kumpens tal-ogħla diriġenti u l-limiti tal-mandati;

3. Iqis li l-iżvilupp ta' kultura ta' trasparenza għandu jiġi kkumplimentat minn separazzjoni aħjar tas-setgħat fil-korpi ta' tmexxija tal-isport, tqassim aħjar bejn l-attivitajiet kummerċjali u ta' karità u proċeduri awtoregolatorji interni aħjar biex jikxfu, jidentifikaw, jinvestigaw u jissanzjonaw reati marbuta mal-isport u attivitajiet illegali fl-organizzazzjonijiet sportivi;

4. Ifakkar li l-governanza tajba, li jenħtieġ li tkun prijorità fil-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Isport li jmiss, trid tkun kundizzjoni għall-awtonomija tal-organizzazzjonijiet sportivi, f'konformità mal-prinċipji tat-trasparenza, tar-responsabilità, tal-opportunitajiet indaqs, tal-inklużjoni soċjali u tad-demokrazija, inkluża inklużività xierqa tal-partijiet ikkonċernati;

5. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' politika ta' tolleranza żero għall-korruzzjoni u tipi oħra ta' kriminalità fl-isport;

6. Jissottolinja li l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' governanza tajba fl-isport, flimkien mal-monitoraġġ, is-superviżjoni u l-istrumenti legali xierqa, hija fattur ewlieni li jgħin biex tinqered il-korruzzjoni u abbużi oħra;

7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, u lill-organizzazzjonijiet sportivi u lill-entitajiet li jressqu kandidaturi, jiżguraw li l-offerti biex jiġu ospitati avvenimenti kbar jikkonformaw mal-istandards ta' governanza tajba, mad-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol, u mal-prinċipju tad-demokrazija, sabiex ikun żgurat impatt soċjali, ekonomiku u ambjentali pożittiv fuq il-komunitajiet lokali, filwaqt li jiġu rrispettati d-diversità u t-tradizzjonijiet bil-għan li jiġu garantiti wirt sostenibbli u kredibilità fl-isport;

8. Huwa tal-opinjoni li l-pajjiżi li jressqu kandidaturi għal avvenimenti sportivi jew li jospitawhom jeħtieġ li jimplimentaw ippjanar, organizzazzjoni, implimentazzjoni, parteċipazzjoni u segwitu ta' dawn l-avvenimenti li jkunu soċjalment, ambjentalment u ekonomikament responsabbli; jistieden lill-organizzazzjonijiet sportivi u lill-pajjiżi li jospitaw tali avvenimenti biex jevitaw tibdil mhux mixtieq fl-ambjent fejn jgħixu r-residenti lokali, inkluż l-ispostament ta' popolazzjonijiet lokali;

9. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa bord ta' impenn u tesplora l-possibilità li jinħoloq kodiċi ta' kondotta fl-oqsma ta' governanza tajba u integrità fl-isport; huwa tal-fehma li l-organizzazzjonijiet sportivi jenħtieġ li jistabbilixxu regoli dwar it-trasparenza, standards etiċi, kodiċi ta' kondotta għall-korpi superviżorji, il-kumitati eżekuttivi u l-membri tagħhom, kif ukoll politiki u prattiki operattivi li jiggarantixxu l-indipendenza u l-konformità mar-regoli stabbiliti; jemmen, barra minn hekk, li l-esplorazzjoni ta' strumenti ġodda għall-kooperazzjoni bejn il-gvernijiet, l-organizzazzjonijiet sportivi u l-UE tista' tgħin biex jiġu indirizzati ftit mill-isfidi attwali li qed tiffaċċja l-industrija sportiva;

10. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħtu finanzjament pubbliku għall-isport, suġġett għall-konformità mal-istandards minimi ta' governanza, monitoraġġ u rapportaġġ stabbiliti u disponibbli għall-pubbliku;

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

11. Jemmen li t-titjib tal-governanza tajba u l-integrità fl-isport jeħtieġ bidla fil-mentalità tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha; jappoġġja l-inizjattivi meħuda mill-organizzazzjonijiet sportivi u mill-partijiet ikkonċernati rilevanti oħra biex itejbu l-istandards ta' governanza sportiva u jsaħħu d-djalogu u l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet lokali u nazzjonali;

12. Jitlob lill-organizzazzjonijiet sportivi biex sal-2018 iressqu, u jimplimentaw kif dovut, proposti konkreti biex itejbu l-istandards ta' governanza tajba għall-organizzazzjonijiet sportivi, il-korpi governattivi sportivi u l-assoċjazzjonijiet membri tagħhom, u biex jippubblikaw ir-riżultati; jenfasizza li monitoraġġ xieraq huwa essenzjali f'dan ir-rigward;

13. Jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu x-xiri tal-logħob bħala reat kriminali speċifiku u jiżguraw li kwalunkwe attività kriminali, bħax-xiri tal-logħob u l-korruzzjoni fl-isports, tkun suġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji u sanzjoni xierqa, fejn dan għadu mhux il-każ, peress li x-xiri tal-logħob u l-manipulazzjoni tal-kompetizzjonijiet sportivi jiksru l-etika u l-integrità tal-isport u diġà huma suġġetti għal sanzjonijiet mill-awtoritajiet sportivi;

14. Jirrimarka li l-isfidi assoċjati mal-investigazzjoni ta' każijiet internazzjonali ta' xiri tal-logħob jeħtieġu l-iskambju ta' informazzjoni transkonfinali u l-kooperazzjoni bejn il-korpi sportivi, l-awtoritajiet statali u l-operaturi tal-logħob tal-azzard, fil-qafas tal-pjattaformi nazzjonali, sabiex jiġi identifikat, investigat u jitressaq quddiem il-ġustizzja x-xiri tal-logħob; Jistieden lill-Istati Membri jikkunsidraw li jdaħħlu, fejn għadhom m'għamlux dan, servizzi ta' prosekuzzjoni dedikati inkarigati speċifikament biex jinvestigaw każijiet ta' frodi fl-isports; ifakkar, f'dan ir-rigward, li r-raba' Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus iddaħħal rekwiżit għall-forniturі tal-logħob tal-azzard biex iwettqu kontrolli ta' diliġenza dovuta fuq tranżazzjonijiet għoljin;

15. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsibu soluzzjoni li tippermetti lill-UE u l-Istati Membri tagħha jiffirmaw u jirratifikaw il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-manipulazzjoni tal-kompetizzjonijiet sportivi bil-għan li din tiġi implimentata u ratifikata b'mod sħiħ, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tappoġġja u tiffaċilita dan il-proċess u tiżgura li dan ikun segwit b'mod effettiv;

16. Ifakkar lill-Kummissjoni dwar il-wegħda tagħha li toħroġ rakkomandazzjoni dwar l-iskambju tal-aħjar prattiki fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra it-tqarriq tal-logħob relatat mal-azzard u jħeġġiġha tippubblika din ir-rakkomandazzjoni mingħajr dewmien;

17. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ ir-rabtiet interistituzzjonali mal-Kunsill tal-Ewropa, u sussegwentement tiżviluppa programmi operattivi kkoordinati li jiżguraw l-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi;

18. Jappoġġja, u jinkoraġġixxi iktar, il-prevenzjoni, l-edukazzjoni u l-kampanji ta' sensibilizzazzjoni u l-programmi ta' informazzjoni li jservu biex jipprovdu lill-atleti, il-kowċis, l-uffiċjali u l-partijiet ikkonċernati rilevanti fil-livelli kollha b'pariri dwar it-theddid tax-xiri tal-logħob, id-doping u kwistjonijiet oħra relatati mal-integrità, inklużi r-riskji li jistgħu jiltaqgħu magħhom u modi kif jistgħu jirrapportaw approċċi dubjużi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipproponu miżuri konkreti biex dawn jiddaħħlu fil-Pjan ta' Ħidma li jmiss tal-UE, bħal programmi u proġetti pilota, immirati li jiżguraw li ż-żgħażagħ jingħataw edukazzjoni ċivika fl-isport minn età kemm jista' jkun żgħira;

19. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tkompli tappoġġja l-proġetti kontra d-doping permezz tal-programm Erasmus+, filwaqt li tivvaluta l-impatt tiegħu u tiżgura li dan jikkumplimenta b'mod utli l-iskemi ta' finanzjament eżistenti fil-ġlieda kontra d-doping;

20. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja l-governanza tajba fi proġetti ta' ġestjoni tal-isport permezz tal-programm Erasmus+;

21. Jistieden lill-Istati Membri jappoġġjaw il-kontrolli tad-doping, il-programmi ta' ttestjar nazzjonali u l-leġiżlazzjonijiet li jippermettu l-koordinazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-istat u l-aġenziji kontra d-doping; jistieden lill-Istati Membri jippermettu lil dawn tal-aħħar jistabbilixxu programmi ta' monitoraġġ estensiv għad-doping, u jipproċessaw u jiskambjaw id-data b'konformità mar-regoli attwali u futuri dwar il-protezzjoni tad-data tal-UE;

22. Jinnota l-importanza tal-Aġenzija Dinjija tal-Antidoping (World Anti-Doping Agency – WADA) għall-monitoraġġ u l-koordinazzjoni ta' politiki u regoli kontra d-doping fid-dinja kollha; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaħdmu mill-qrib mal-Aġenzija Dinjija tal-Antidoping, il-UNESCO u l-Kunsill tal-Ewropa bil-għan li jevitaw u jiġġieldu kontra d-doping b'mod iktar effikaċi billi jsaħħu l-impenji legali u politiċi tal-Kodiċi Dinji Kontra d-Doping (World Anti-Doping Code – WADAC); jistieden lill-UE tinkoraġġixxi l-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki dwar il-politiki dwar is-saħħa u l-prevenzjoni fil-ġlieda kontra d-doping;

23. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jinkoraġġixxu u jiffaċilitaw in-negozjar tal-ftehimiet bejn il-pajjiżi li jippermettu lit-timijiet ta' kontroll tad-doping awtorizzati kif xieraq minn pajjiżi oħra iwettqu testijiet, filwaqt li jirrispettaw id-drittijiet fundamentali tal-atleti, b'konformità mal-Konvenzjoni Internazzjonali kontra d-doping fl-isport;

24. Huwa tal-opinjoni li d-doping huwa wkoll problema li qed tikber fis-settur tal-isport rikreattiv, fejn kampanji ta' edukazzjoni u informazzjoni u strutturi u ħarrieġa esperjenzati u professjonali huma meħtieġa biex jgħinu biex tiġi promossa imġiba sana fir-rigward tad-doping;

25. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jaħdmu mill-qrib mal-Aġenzija Dinjija tal-Antidoping u mal-Kunsill tal-Ewropa fid-definizzjoni ta' politika għall-protezzjoni tal-informaturi;

26. Iħeġġeġ lill-organizzazzjonijiet sportivi u lill-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali jistabbilixxu sistemi koordinati kontra d-doping għall-monitoraġġ transkonfinali u jieħdu miżuri konkreti kontra l-manifattura u t-traffikar ta' sustanzi illegali li jtejbu l-prestazzjoni fid-dinja tal-isport;

27. Jilqa' l-Konvenzjoni l-ġdida tal-Kunsill tal-Ewropa dwar Approċċ Integrat ta' Sikurezza, Sigurtà u Servizz f'Partiti tal-Futbol u Avvenimenti Sportivi oħra, u jħeġġeġ lill-Istati Membri jiffirmawha u jirratifikawha mingħajr dewmien; itenni l-proposta tiegħu biex fl-Ewropa jiddaħħal ir-rikonoxximent reċiproku tal-projbizzjonijiet mill-istadiums u l-iskambju ta' data f'dan ir-rigward;

28. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora modi ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni fil-kuntest tal-vjolenza fl-isport permezz tan-netwerks eżistenti;

29. Jinnota li t-theddida tat-terroriżmu titlob sforzi ġodda biex jiġu żgurati s-sikurezza u s-sigurtà operattivi waqt avvenimenti sportivi;

30. Jenfasizza li l-korpi sportivi għandhom jiżguraw l-aċċess meħtieġ u opportunitajiet ta' ġbir ta' aħbarijiet fl-avvenimenti sportivi kollha għall-midja ta' aħbarijiet indipendenti sabiex jippermettulhom jaqdu r-rwol tagħhom bħala osservaturi importanti u kritiċi ta' avvenimenti sportivi u tal-amministrazzjoni sportiva;

31. Jikkundanna bil-qawwa l-forom kollha ta' diskriminazzjoni fl-isport, kemm fil-grawnd kif ukoll barra l-grawnd, u jissottolinja l-ħtieġa li tali mġiba tiġi evitata fil-livelli kollha, li jitjiebu r-rappurtar u l-monitoraġġ ta' tali inċidenti u li jiġu promossi valuri fundamentali bħar-rispett, il-ħbiberija it-tolleranza u l-ispirtu ta' logħob ġust; huwa tal-fehma li l-organizzazzjonijiet sportivi li josservaw standards għoljin ta' governanza tajba huma mgħammra aħjar biex jippromwovu r-rwol tal-isport fis-soċjetà u biex jiġġieldu kontra r-razziżmu, id-diskriminazzjoni u l-vjolenza;

32. Ifakkar fil-ħtieġa li tissaħħaħ il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin fl-isport, b'mod partikolari t-traffikar tat-tfal;

33. Jilqa' l-prattiki awtoregolatorji tajbin bħall-inizjattiva tal-Fair Play Finanzjarju, fis-sens li dawn jinkoraġġixxu razzjonalità aktar ekonomika u standards aħjar ta' ġestjoni finanzjarja fl-isport professjonali b'fokus fuq terminu twil minflok fuq terminu qasir u b'hekk jikkontribwixxu għall-iżvilupp san u sostenibbli tal-isport fl-Ewropa; Jenfasizza li l-inizjattiva tal-Fair Play Finanzjarju ħeġġet standards ta' ġestjoni finanzjarja aħjar u għandha, għalhekk, tiġi applikata strettament;

34. Jilqa' l-investiment trasparenti u sostenibbli fl-isport u fl-organizzazzjonijiet sportivi, dment li dawn ikunu suġġetti għal kontrolli stretti u rekwiżiti ta' divulgazzjoni u ma jkunux ta' ħsara għall-integrità tal-kompetizzjonijiet u l-atleti;

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

35. Iqis il-mudell ta' sjieda fejn il-membri tal-klabbs iżommu l-kontroll tal-klabb (permezz tar-regola 50+1) bħala prattika tajba fl-UE, u jistieden lill-Istati Membri, lill-korpi tat-tmexxija tal-isport, lill-federazzjonijiet nazzjonali u lill-kampjonati biex jibdew djalogu u skambju kostruttiv fuq dan il-mudell;

36. Jisħaq fuq il-fatt li l-atleti, b'mod partikolari l-minuri, għandhom ikunu protetti minn prattiki abbużivi bħas-sjieda minn parti terza, prattiki li jqajmu għadd ta' mistoqsijiet dwar l-integrità u l-etika ta' natura usa'; jappoġġja deċiżjonijiet minn korpi governattivi biex il-projbizzjoni tas-sjieda minn parti terza ta' plejers, u jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra il-projbizzjoni ta' sjieda ta' parti terza skont il-liġi tal-UE u jistieden lill-Istati Membri jieħdu miżuri addizzjonali biex jindirizzaw id-drittijiet tal-atleti;

37. Iqis li hija meħtieġa valutazzjoni mill-ġdid tar-regoli li jippromwovu lill-plejers lokali sabiex jitwessgħu l-opportunitajiet għall-plejers żgħażagħ b'talent biex jilagħbu fl-ewwel tim tal-klabb tagħhom u b'hekk jissaħħaħ il-bilanċ kompetittiv fl-Ewropa kollha;

38. Jistieden lill-korpi tat-tmexxija u lill-awtoritajiet nazzjonali fil-livelli kollha jieħdu miżuri li jiggarantixxu kumpens lill-klabbs li jħarrġu sabiex jiġi inkoraġġit ir-reklutaġġ u t-taħriġ tal-plejers żgħażagħ, b'konformità mas-Sentenza Bernard tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tas-16 ta' Marzu 2010;

39. Itenni l-impenn tiegħu lejn il-mudell Ewropew tal-isport organizzat, fejn il-federazzjonijiet għandhom rwol ċentrali, peress li dan jibbilanċja l-bosta interessi diverġenti bejn il-partijiet ikkonċernati kollha, bħall-atleti, il-plejers, il-klabbs, il-kampjonati, l-assoċjazzjonijiet u l-voluntiera, b'rappreżentanza xierqa u demokratika u mekkaniżmi ta' trasparenza tul il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet, u b'kompetizzjonijiet mifuħa bbażati fuq il-mertu sportiv; jitlob li jkun hemm iktar solidarjetà finanzjarja fil-livelli kollha;

40. Jilqa' l-Forum annwali tal-Isport tal-UE li jippromwovi djalogu annwali mal-partijiet ikkonċernati minn federazzjonijiet tal-isport internazzjonali u Ewropej, il-moviment Olimpiku, l-organizzazzjonijiet umbrella tal-isport Ewropej u nazzjonali u organizzazzjonijiet oħra relatati mal-isport; jirrimarka li l-istruttura ta' djalogu mal-partijiet ikkonċernati, il-funzjonijiet tal-forum u s-segwitu tad-diskussjoni jeħtieġ li jitjiebu aktar;

41. Jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni, u tal-partijiet kkonċernati kollha, biex jippromwovu d-djalogu soċjali fl-isport, li huwa opportunità eċċellenti biex jiġi pprovdut bilanċ bejn id-drittijiet fundamentali u tax-xogħol tal-isportivi u n-natura ekonomika tal-isport bl-involviment tal-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi s-sħab soċjali fid-diskussjoni u l-konklużjoni tal-ftehimiet; jirrikonoxxi r-responsabilità tal-organizzazzjonijiet sportivi li jimpenjaw ruħhom li jiżviluppaw kultura ta' trasparenza; jinsisti li l-UE għandha tippromwovi b'mod attiv standards minimi ta' impjieg u ta' xogħol għall-atleti professjonali fl-Ewropa kollha;

42. Itenni t-talba tiegħu biex jiġu stabbiliti reġistri ta' trasparenza għall-pagament tal-aġenti sportivi, sostnuti minn sistema ta' monitoraġġ effiċjenti, bħal kamra tal-ikklirjar għal pagamenti u sanzjonijiet xierqa, b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi rilevanti, sabiex jiġu indirizzati l-prattiki ħżiena tal-aġenti; itenni t-talba tiegħu biex l-aġenti sportivi jingħataw liċenzja u jiġu rreġistrati, kif ukoll biex jiddaħħal livell minimu ta' kwalifiki; jistieden lill-Kummissjoni tagħti segwitu għall-konklużjonijiet tal-istudju tagħha bl-isem "Study on sports agents in the European Union" (Studju dwar l-aġenti sportivi fl-Unjoni Ewropea), b'mod partikolari fir-rigward tal-osservazzjoni li l-aġenti huma ċentrali fi flussi finanzjarji li spiss ma jkunux trasparenti, u b'hekk ikunu suxxettibbli għal attivitajiet illegali;

43. Jemmen li approċċ integrat għall-ugwaljanza bejn is-sessi fl-isport jista' jgħin biex jiġu evitati l-isterjotipi u jinħoloq ambjent soċjali pożittiv għal kulħadd; Jilqa' l-inizjattivi li jinkoraġġixxu l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-parteċipazzjoni ugwali f'karigi ta' teħid ta' deċiżjonijiet fl-isport, li jipperemettu lill-atleti nisa jirrikonċiljaw il-ħajja tal-familja mal-ħajja professjonali tagħhom, u li jfittxu li jnaqqsu d-differenza bejn il-pagi tan-nisa u tal-irġiel u d-disparitajiet fl-għotijiet, kif ukoll kwalunkwe tip ta' sterjotipu jew fastidju fl-isport; jitlob lill-assoċjazzjonijiet sportivi jagħtu attenzjoni partikolari lid-dimensjoni tal-ġeneru billi jħeġġu l-parteċipazzjoni tan-nisa fl-isport;

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

L-inklużjoni soċjali, il-funzjoni soċjali u l-aċċessibilità tal-isport

44. Jemmen li l-investiment fl-isports se jgħinna nibnu soċjetajiet uniti u inklużivi, inwarrbu l-ostakli u nagħmluha possibbli li n-nies jirrispettaw lil xulxin billi jibnu pontijiet bejn il-kulturi u bejn il-firdiet etniċi u soċjali, u nippromwovu messaġġ pożittiv ta' valuri kondiviżi, bħar-rispett reċiproku, it-tolleranza, il-kompassjoni, it-tmexxija, l-ugwaljanza fl-opportunitajiet u l-istat tad-dritt;

45. Jilqa' l-avvenimenti sportivi transnazzjonali li jsiru f'diversi pajjiżi Ewropej sakemm dawn jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-valuri komuni ewlenin tal-UE bħall-pluraliżmu, it-tolleranza, il-ġustizzja, l-ugwaljanza u s-solidarjetà; ifakkar li l-attivitajiet u l-avvenimenti sportivi jippromwovu t-turiżmu fil-bliet u t-territorji Ewropej;

46. Jenfasizza l-valur tal-ħiliet trasversali miksuba permezz tal-isport bħala parti mit-tagħlim mhux formali u informali, u jenfasizza ulterjorment ir-rabta bejn l-isport, l-impjegabilità, l-edukazzjoni u t-taħriġ;

47. Jenfasizza r-rwol tal-isport fl-inklużjoni u l-integrazzjoni tal-gruppi żvantaġġjati; jilqa' inizjattivi li jagħtu lir-rifuġjati, lill-migranti u lil dawk li jfittxu l-asil il-possibilità li jikkompetu bħala atleti fil-kompetizzjonijiet sportivi;

48. Jenfasizza l-importanza tal-edukazzjoni permezz tal-isport u l-potenzjal tal-isport li jgħin biex iż-żgħażagħ soċjalment vulnerabbli jerġgħu jqumu lura fuq saqajhom; jirrikonoxxi l-importanza tal-isport tal-massa fil-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u l-ġlieda kontra dan il-fenomenu, u jinkoraġġixxi u jappoġġja inizjattivi f'dan ir-rigward; jilqa', f'dan ir-rigward, żewġ proġetti pilota adottati mill-Parlament Ewropew: "Sport as a tool for integration and social inclusion of the refugees" (L-isports bħala għodda għall-integrazzjoni u l-inklużjoni soċjali tar-refuġjati) u "Monitoring and coaching through sports of youngsters at risk of radicalisation" ("Il-monitoraġġ u t-taħriġ permezz tal-isports ta' żgħażagħ f'riskju ta' radikalizzazzjoni)";

49. Ifakkar li l-atleti żgħażagħ Ewropej spiss jiffaċċjaw sfidi fejn ikollhom jikkombinaw il-karrieri sportivi tagħhom mal-edukazzjoni u x-xogħol; jirrikonoxxi li l-edukazzjoni ogħla u t-taħriġ vokazzjonali huma kruċjali għall-għan li tiġi massimizzata l-inklużjoni futura ta' atleti fis-suq tax-xogħol; jappoġġja l-introduzzjoni ta' sistemi effettivi ta' karriera doppja, b'rekwiżiti minimi ta' kwalità u monitoraġġ xieraq tal-progress tal-programmi ta' karriera doppja fl-Ewropa, kif ukoll il-forniment ta' servizzi ta' gwida għall-karriera permezz ta' ftehimiet ma' universitajiet jew istituti ta' edukazzjoni ogħla; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiffaċilitaw il-mobilità transkonfinali tal-atleti, jarmonizzaw ir-rikonoxximent tal-kwalifiki tal-isport u tal-edukazzjoni, inkluża l-edukazzjoni mhux formali u informali miksuba permezz tal-isport, u jsaħħu l-iskambju ta' prattiki tajbin;

50. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat appoġġ finanzjarju sostenibbli għall-progammi ta' skambju ta' karriera doppja fil-livell tal-UE u dak nazzjonali permezz tal-kapitolu tal-isport tal-Erasmus+ u li titħeġġeġ iktar riċerka f'dan il-qasam; jistieden lill-Istati Membri jippromwovu, b'kollaborazzjoni mal-istituzzjonijiet edukattivi, l-iskambji transkonfinali ta' atleti u jipprovdu aċċess għal boroż ta' studju għall-atleti;

51. Jappoġġja l-mobilità tal-kowċis u ta' fornituri oħra tas-servizzi (bħall-fiżjoterapisti u l-konsulenti dwar il-karriera doppja), u l-iskambju ta' prattiki tajbin, b'enfasi fuq ir-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-innovazzjonijiet tekniċi;

52. Jistieden lill-organizzazzjonijiet sportivi jippromvowu, flimkien mal-Istati Membri, standards minimi għall-kowċis li jinkludu kontrolli tal-kondotta kriminali, taħriġ fis-salvagwardja u l-protezzjoni tal-minuri u tal-adulti vulnerabbli, kif ukoll fil-prevenzjoni tad-doping u tax-xiri tal-logħob u fil-ġlieda kontrihom;

53. Jenfasizza li n-nuqqas ta' attività fiżika huwa identifikat mid-WHO bħala r-raba' fattur ta' riskju ewlieni ta' mortalità globali, b'impatti u spejjeż soċjali u ekonomiċi diretti u indiretti konsiderevoli għall-Istati Membri; jinsab imħasseb li, minkejja l-flejjes konsiderevoli li ntefqu biex tiġi promossa l-attività fiżika, u minkejja l-impatt sinifikanti fuq is-saħħa ġenerali tan-nuqqas tagħha, il-livelli tal-attività fiżika qed jonqsu f'xi Stati Membri;

54. Jistieden lill-organizzazzjonijiet sportivi u lill-Istati Membri jikkooperaw biex jappoġġjaw l-impjegabilità u l-mobilità tal-kowċis li qed ifittxu li jaħdmu fl-UE, permezz ta' impenn li jiġu żgurati l-kontrolli tal-kwalità tal-kompetenza tagħhom u l-istandards tal-kwalifiki u t-taħriġ;

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

55. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jagħmlu lill-attività fiżika prijorità politika fil-Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport li jmiss, speċjalment għaż-żgħażagħ u l-komunitajiet vulnerabbli minn żoni soċjalment deprivati fejn il-parteċipazzjoni fiżika hija baxxa;

56. Jistieden lill-federazzjonijiet internazzjonali u nazzjonali, u lil fornituri oħra tal-edukazzjoni, jiżguraw li l-kwistjonijiet relatati mal-integrità fl-isport jiġu inklużi fil-kurrikulu tal-kwalifiki tat-taħriġ fl-isport;

57. Jissottolinja li l-promozzjoni tal-edukazzjoni fiżika fl-iskejjel hija punt tad-dħul essenzjali għat-tfal biex jitgħallmu ħiliet għall-ħajja, attitudnijiet, valuri, għarfien u fehim, kif ukoll biex igawdu minn attività fiżika tul il-ħajja; ifakkar li l-parteċipazzjoni fl-isport fl-universitajiet u mill-persuni anzjani għandha rwol vitali fiż-żamma ta' stili ta' ħajja sani u fil-promozzjoni tal-interazzjoni soċjali;

58. Iqis il-fatt li l-popolazzjoni tal-UE qed tixjieħ, u li għalhekk għandha tingħata attenzjoni speċifika lill-impatt pożittiv li l-attività fiżika jista' jkollha fuq is-saħħa u l-benesseri tal-anzjani;

59. Jenfasizza l-fatt li l-isport u l-attività fiżika jenħtieġ li jiġu promossi b'mod aħjar fis-setturi politiċi kollha; jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet lokali u lill-muniċipalitajiet jippromwovu aċċess ugwali għall-attività fiżika; jirrakkomanda lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jinkoraġġixxu liċ-ċittadini biex jipprattikaw attivitajiet fiżiċi fuq bażi aktar regolari permezz ta' politiki u programmi xierqa dwar is-saħħa għall-ħajja ta' kuljum tagħhom;

60. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu aħjar l-isport fost il-gruppi soċjalment eskluży u fost il-persuni li jgħixu f'żoni soċjalment deprivati, fejn il-parteċipazzjoni fl-isport spiss tkun baxxa, u jtejbu l-kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet mhux governattivi u mal-iskejjel attivi f'dan il-qasam, b'mod partikolari fl-ippjanar urban u fil-kostruzzjoni ta' faċilitajiet sportivi, sabiex jitqiesu l-ħtiġijiet speċjali tal-pubbliku u b'mod partikolari tal-gruppi vulnerabbli; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw aċċess sħiħ u ugwali għall-faċilitajiet sportivi pubbliċi fl-oqsma kollha u jippromwovu l-istabbiliment ta' klabbs sportivi ġodda, b'mod partikolari fiż-żoni rurali u urbani żvantaġġjati;

61. Jenfasizza li l-persuni b'diżabilità għandu jkollhom aċċess ugwali għall-faċilitajiet sportivi kollha, u għat-trasport u faċilitajiet oħra, u l-persunal ta' appoġġ, li dan jeħtieġ, u jitlob li jkun hemm integrazzjoni akbar tal-komponenti kollha relatati mal-isport skont il-prinċipju li l-faċilitajiet sportivi għandhom ikunu aċċessibbli għal kulħadd; iħeġġeġ lill-Istati Membri jimplimentaw programmi sportivi inklużivi għall-persuni b'diżabilità fl-iskejjel u fl-universitajiet, inkluż billi jipprovdu kowċis imħarrġa u programmi adattati ta' attività fiżika, billi jibdew mil-livelli l-aktar baxxi fl-iskejjel, sabiex l-istudenti b'diżabilità jkunu jistgħu jipparteċipaw fil-lezzjonijiet tal-isport u fl-attivitajiet extrakurrikulari sportivi;

62. Jagħraf ir-rwol fundamentali tal-Logħob Paralimpiku Internazzjonali fit-trawwim tal-kuxjenza, fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u fil-promozzjoni ta' aċċess għall-isport għall-persuni b'diżabilità; jistieden lill-Istati Membri jżidu l-isforzi lejn l-inklużjoni tal-persuni b'diżabilità f'attivitajiet sportivi u jżidu l-viżibilità fil-midja pubblika u x-xandir pubbliku tal-Logħob Paralimpiku u kompetizzjonijiet oħra li jinvolvu atleti b'diżabilità;

63. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżguraw li t-tfal jipprattikaw l-isport f'ambjent sikur;

64. Jilqa' l-inizjattivi meħuda biex jiġu promossi l-inklużjoni, l-integrità u l-aċċessibilità fl-isports permezz tal-użu ta' teknoloġiji ġodda u l-innovazzjoni;

65. Jilqa' s-suċċess tal-Ġimgħa Ewropea tal-Isport, li għandha l-għan li tippromwovi l-isport, l-attività fiżika u stil ta' ħajja aktar san għal kulħadd fl-Ewropa kollha irrispettivament mill-età, l-isfond jew il-livell ta' saħħa fiżika, u jistieden lill-istituzzjonijiet u l-Istati Membri jieħdu sehem f'din l-inizattiva u jippromwovuha ulterjorment, filwaqt li jiżguraw li din tkun aċċessibbli għall-akbar għadd ta' persuni possibbli, partikolarment fl-iskejjel;

66. Iqis li l-isports tradizzjonali huma parti mill-wirt kulturali Ewropew;

67. Jilqa' l-istudju tal-Kummissjoni dwar l-ispeċifiċità tal-isport; jistieden lill-Kummissjoni u lill-organizzazzjonijiet sportivi jikkunsidraw passi ulterjuri biex tiġi żviluppata l-ispeċifiċità tal-isport;

68. Jenfasizza li l-finanzjament huwa għodda politika importanti tal-UE li tintuża biex ittejjeb l-oqsma ewlenin tal-attività tal-UE fl-isport; jistieden lill-Kummissjoni talloka aktar fondi lill-isport fl-ambitu ta' Erasmus+, b'enfasi fuq l-isport u l-edukazzjoni tal-massa, u żżid il-viżibilità u l-aċċesibilità tiegħu sabiex ittejjeb l-integrazzjoni tal-isport fi programmi oħra ta' finanzjament bħall-FSIE jew il-Programm tas-Saħħa; jitlob li jkun hemm komunikazzjoni aħjar bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri sabiex dawn il-fondi jkunu jistgħu jintużaw b'mod aktar effikaċji u sabiex jiġi minimizzat il-piż amministrattiv fuq organizzazzjonijiet tal-isport tal-massa;

69. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jappoġġjaw miżuri u programmi li jippromwovu l-mobilità, il-parteċipazzjoni, l-edukazzjoni, l-iżvilupp tal-ħiliet u t-taħriġ tal-voluntiera fl-isport, kif ukoll ir-rikonoxximent tal-ħidma tagħhom; jirrakkomanda l-iskambju tal-aħjar prattiki fil-volontarjat billi tingħata daqqa t'id lill-promozzjoni tal-iżvilupp ta' prattiki u kultura tal-isports, inkluż permezz tal-linji previsti mill-programm Erasmus+;

70. Jitlob lill-Kummissjoni toħroġ linji gwida rigward l-applikazzjoni tar-regoli antitrust filwaqt li jitqiesu l-miri soċjali, kulturali u edukattivi tal-isport sabiex ikun hemm iktar ċertezza legali; iqis, f'dan ir-rigward, li l-ebda organizzazzjoni sportiva, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet tal-isport tal-massa, ma għandha tiġi diskriminata meta tapplika għall-fondi pubbliċi fil-livell nazzjonali u lokali;

71. Iqis li huwa kruċjali li l-mekkaniżmi ta' solidarjetà finanzjarja fl-isports jistabbilixxu r-rabta meħtieġa bejn l-isport professjonali u dak tad-dilettanti; jilqa', f'dan ir-rigward, il-kontribut li jagħtu l-lotteriji nazzjonali għall-isport tal-massa, u jħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw li l-operaturi tal-logħob tal-azzard bil-liċenzja jkunu suġġetti għal introjtu finanzjarju obbligatorju u ġust għall-isport tal-massa u l-proġetti mmirati biex itejbu l-aċċess tal-massa għall-isport, bil-ħsieb li tiġi żgurata s-sostenibilità, it-trasparenza u t-traċċabilità tagħhom, flimkien mal-kontributi finanzjarji li diġà saru permezz tal-bejgħ ta' drittijiet tal-midja u tax-xandir;

72. Jisħaq li l-bejgħ tad-drittijiet televiżivi fuq bażi ċentralizzata, esklużiva u territorjali, bil-kondiviżjoni ekwa tad-dħul, huwa essenzjali għall-finanzjament sostenibbli tal-isport fil-livelli kollha u biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ekwi;

73. Jenfasizza li l-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali fl-isport jhedded il-finanzjament fit-tul tiegħu;

74. Jirrakkomanda li l-Istati Membri jdaħħlu u jużaw b'mod attiv is-sistemi tat-taxxa rispettivi tagħhom biex jappoġġjaw l-eżenzjoni mill-VAT, il-ħelsien mit-taxxa u forom oħra ta' inċentivi finanzjarji għall-isport tal-massa; jirrikonoxxi li r-regoli dwar l-għajnuna statali jenħtieġ li ma japplikawx għal tali appoġġ;

75. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jallokaw aktar fondi biex jinfetħu grawnds sportivi u żoni tal-logħob rikreattiv pubbliċi sabiex tissaħħaħ l-aċċessibilità faċli għall-isport tal-massa;

76. Iqis li s-sostenibilità u l-protezzjoni ambjentali għandhom jikkostitwixxu parti integrali mill-avvenimenti sportivi u li l-partijiet ikkonċernati sportivi jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-Aġenda Globali għall-2030 dwar l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli;

77. Iħeġġeġ lill-kumitati Olimpiċi nazzjonali u lill-federazzjonijiet sportivi tal-Istati Membri jadottaw u jużaw il-bandiera u s-simbolu tal-UE, flimkien ma' bnadar individwali u simboli nazzjonali fl-okkażjoni ta' avvenimenti sportivi internazzjonali;

78. Jenfasizza li l-isport huwa fattur qawwi fil-ħolqien u t-tisħiħ ta' sentiment ta' appartenenza lokali, nazzjonali u anki Ewropea;

79. Jenfasizza l-importanza li jkun hemm trasparenza sħiħa ta' sjieda fil-klabbs sportivi professjonali;

o

o o

80. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jibgħat din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, u lill-federazzjonijiet u l-kampjonati sportivi Ewropej, internazzjonali u nazzjonali.

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

P8_TA(2017)0013

Aspetti transfruntiera tal-adozzjonijiet

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Frar 2017 li jinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-aspetti transfruntiera tal-adozzjonijiet (2015/2086(INL))

(2018/C 252/02)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 67(4) u 81(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-20 ta' Novembru 1989 dwar id-Drittijiet tat-Tfal, u b'mod partikolari l-Artikoli 7, 21 u 35 tagħha,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 2 tal-Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal dwar il-Bejgħ tat-Tfal, il-Prostituzzjoni tat-Tfal u l-Pornografija tat-Tfal, tal-25 ta' Mejju 2000,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar ir-Relazzjonijiet Konsulari tal-24 ta' April 1963,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni ta' The Hague tad-29 ta' Mejju 1993 dwar il-Protezzjoni tal-Ulied u l-Kooperazzjoni f'Adozzjonijiet bejn Pajjiż u ieħor,

— wara li kkunsidra d-dokument ta' analiżi tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa, dwar l-Adozzjoni u t-Tfal: perspettiva tad-drittijiet tal-bniedem, ippubblikat fit-28 ta' April 2011,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 46 u 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet (A8-0370/2016),

Standards minimi komuni għall-adozzjonijiet

A. billi fil-qasam tal-adozzjoni, huwa essenzjali li kwalunkwe deċiżjoni jenħtieġ li tittieħed f'konformità mal-prinċipju tal-aħjar interessi tat-tfal, in-nondiskriminazzjoni, u b'rispett għad-drittijiet fundamentali tiegħu jew tagħha;

B. billi l-iskop tal-adozzjoni mhuwiex li tagħti lill-adulti d-dritt għal tifel, iżda li tagħti lit-tfal ambjent stabbli, ta' mħabba u indokrar biex fih jikbru u jiżviluppaw b'mod armonjuż;

C. billi l-proċedura ta' adozzjoni tikkonċerna tfal li fil-mument meta tkun tressqet l-applikazzjoni għall-adozzjoni jkunu għadhom ma għalqux it-18-il sena jew l-età maġġuri fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom;

D. billi jenħtieġ li jinstab bilanċ tajjeb bejn id-dritt tat-tfal adottati li jkunu jafu l-identità vera tagħhom u d-dritt tal-ġenituri bijoloġiċi li jipproteġu l-identità tagħhom;

E. billi jenħtieġ li l-awtoritajiet rilevanti ma jqisux iċ-ċirkostanzi ekonomiċi tal-ġenituri bijoloġiċi bħala l-unika bażi u ġustifikazzjoni għaċ-ċħid tal-awtorità tal-ġenituri u l-għoti tat-tfal għall-adozzjoni;

F. billi l-proċedimenti tal-adozzjoni jenħtieġ li ma jinbdewx qabel ma tkun finali kwalunkwe deċiżjoni ta' ċħid tal-awtorità tal-ġenituri fir-rigward tal-ġenituri bijoloġiċi, u qabel ma huma jkunu ġew mogħtija l-opportunità li jeżawrixxu l-possibilitajiet legali kollha ta' appell kontra d-deċiżjoni ta' ċħid tal-awtorità tal-ġenituri; billi r-rikonoxximent tal-ordni ta' adozzjoni meħud fin-nuqqas ta' dawn il-garanziji proċedurali jista' jiġi miċħud minn Stati Membri oħra;

G. billi effiċjenza u trasparenza akbar jippermettu li jsir titjib tal-proċeduri ta' adozzjoni domestika u jistgħu jagħmlu l-adozzjonijiet internazzjonali aktar faċli, li jista' jżid l-għadd ta' tfal li jiġu adottati; billi, f'dan ir-rigward, konformità mal-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, li l-Istati Membri kollha rratifikaw, jenħtieġ li tkun l-ewwel punt ta' riferiment għall-proċeduri, il-miżuri u l-istrateġiji kollha fir-rigward tal-adozzjonijiet f'kuntest transfruntier, filwaqt li jiġu rrispettati l-aħjar interessi tat-tfal;

H. billi jenħtieġ li ssir aktar ħidma b'mod determinat sabiex jiġi evitat li ġenituri prospettivi interessati fl-adozzjoni jiġu sfruttati minn organizzazzjonijiet intermedjarji bla skruplu, u billi l-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra l-kriminalità u l-korruzzjoni fl-UE, għalhekk, jeħtieġ li tiġi intensifikata f'dan il-qasam ukoll;

I. billi t-tqegħid ta' aħwa fl-istess familja adottiva jenħtieġ li jiġi mħeġġeġ kemm jista' jkun, bl-għan li nevitawlhom it-trawma addizzjonali li tirriżulta mill-firda tagħhom;

Adozzjonijiet bejn pajjiż u ieħor taħt il-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1993

J. billi l-Konvenzjoni ta' The Hague tad-29 ta' Mejju 1993 dwar il-Protezzjoni tal-Ulied u l-Kooperazzjoni f'Adozzjonijiet bejn Pajjiż u ieħor (il-Konvenzjoni ta' The Hague), li l-Istati Membri kollha rratifikaw, tipprovdi sistema ta' kooperazzjoni amministrattiva u rikonoxximent tal-adozzjonijiet bejn pajjiż u ieħor, jiġifieri adozzjonijiet fejn l-adottanti u t-tifel jew tfal ma jkollhomx ir-residenza abitwali tagħhom fl-istess pajjiż;

K. billi l-Konvenzjoni ta' The Hague tistipula li r-rikonoxximent tal-adozzjonijiet bejn pajjiż u ieħor huwa awtomatiku fl-istati firmatarji kollha, mingħajr il-ħtieġa ta' kwalunkwe proċedura speċifika biex ir-rikonoxximent ikun effettiv;

L. billi, skont il-Konvenzjoni ta' The Hague, ir-rikonoxximent jista' jiġi rifjutat biss jekk l-adozzjoni tmur manifestament kontra l-ordni pubbliku tal-istat ikkonċernat, filwaqt li jitqiesu l-aħjar interessi tat-tfal;

Il-kooperazzjoni fil-ġustizzja ċivili fil-qasam tal-adozzjoni

M. billi t-taħriġ ġudizzjarju fl-aktar sens wiesa' huwa kruċjali għall-fiduċja reċiproka fl-oqsma kollha tal-liġi, inkluż dak tal-adozzjoni; billi l-programmi eżistenti tal-UE li jkopru t-taħriġ ġudizzjarju u l-appoġġ għan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew għaldaqstant jenħtieġ li jinkludu enfasi akbar fuq qrati speċjalizzati, bħal qrati tal-familja u qrati tal-minorenni;

N. billi ċ-ċittadini jenħtieġ li jingħataw aċċess aħjar għal informazzjoni komprensiva dwar l-aspetti legali u proċedurali tal-adozzjoni interna fl-Istati Membri, billi l-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika jista' jitwessa' f'dan ir-rigward;

O. billi l-kooperazzjoni fi ħdan in-Netwerk Ewropew ta' Ombudspersons għat-Tfal ġiet stabbilita fl-1997, u l-ombudsperson tal-Ewropa dwar kwistjonijiet relatati mat-tfal jenħtieġ li jiġu mħeġġa jikkooperaw u jikkoordinaw aktar mill-qrib f'dak il-forum; billi l-isforzi li jagħmlu dan jistgħu jinkludu li jiġu involuti fl-iskemi eżistenti ta' taħriġ ġudizzjarju ffinanzjati mill-UE;

P. billi jenħtieġ li titwettaq analiżi fil-fond, peress li hemm bżonn li jsir aktar għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar transfruntier tat-tfal għall-finijiet ta' adozzjoni u biex tittejjeb l-implimentazzjoni xierqa u effiċjenti tar-regoli u l-linji gwida eżistenti għall-ġlieda kontra t-traffikar tat-tfal; billi l-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra l-kriminalità u l-korruzzjoni fl-UE, għalhekk, jeħtieġ li tiġi intensifikata f'dan il-qasam għall-prevenzjoni tal-ħtif, il-bejgħ jew it-traffikar tat-tfal;

Rikonoxximent transfruntier ta' digrieti ta' adozzjoni interna

Q. billi l-prinċipju ta' fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri huwa ta' importanza fundamentali fid-dritt tal-Unjoni, peress li hija tippermetti li tinħoloq u tinżamm żona mingħajr fruntieri interni; billi l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, li huwa bbażat fuq il-fiduċja reċiproka, jobbliga lill-Istati Membri jagħtu effett lil sentenza jew deċiżjoni li toriġina minn Stat Membru ieħor;

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

R. billi, minkejja r-regoli internazzjonali li jeżistu f'dan il-qasam, l-opinjonijiet għadhom ivarjaw fl-Istati Membri f'dak li għandu x'jaqsam mal-prinċipji li jenħtieġ li jirregolaw il-proċess tal-adozzjoni, l-istess bħalma jeżistu differenzi fir-rigward tal-proċeduri ta' adozzjoni u l-effetti legali tal-proċess ta' adozzjoni;

S. billi l-Unjoni Ewropea għandha l-kompetenza biex tieħu miżuri bl-għan li titjieb il-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri mingħajr ma taffettwa l-liġi nazzjonali tal-familja, inkluż fil-qasam tal-adozzjonijiet;

T. billi l-eżenzjonijiet għall-ordni pubbliku jservu biex jissalvagwardjaw l-identità tal-Istati Membri, li hija riflessa fil-liġi sostantiva tal-familja tal-Istati Membri;

U. billi attwalment m'hemm ebda dispożizzjoni Ewropea għar-rikonoxximent – kemm jekk awtomatiku jew le – ta' digrieti ta' adozzjoni interna, jiġifieri dwar adozzjonijiet li jsiru fi ħdan Stat Membru uniku;

V. billi n-nuqqas ta' tali dispożizzjonijiet jikkawża problemi sinifikanti għal familji Ewropej li jmorru joqogħdu fi Stat Membru ieħor wara li jkunu adottaw tifel, peress li l-adozzjoni jaf ma tiġix rikonoxxuta, u dan ifisser li l-ġenituri jista' jkollhom diffikultà biex jeżerċitaw legalment l-awtorità tal-ġenituri, kif ukoll li jiltaqgħu ma' diffikultajiet finanzjarji fir-rigward tat-tariffi differenti applikabbli f'dan il-qasam;

W. billi n-nuqqas ta' tali dispożizzjonijiet ipoġġi f'riskju d-dritt tat-tfal għal familja stabbli u permanenti;

X. billi attwalment, meta jmorru joqogħdu fi Stat Membru ieħor, il-ġenituri jaf jiġu obbligati jgħaddu minn proċeduri ta' rikonoxximent nazzjonali speċifiċi, jew saħansitra jerġgħu jadottaw it-tifel u dan joħloq inċertezzi ġuridiċi sinifikanti;

Y. billi s-sitwazzjoni attwali tista' toħloq problemi u żżomm lil familji milli jeżerċitaw il-moviment liberu b'mod sħiħ;

Z. billi jista' jkun hemm ħtieġa li s-sitwazzjoni ġenerali tiġi rieżaminata u vvalutata permezz ta' konsultazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri;

AA. billi r-Regolament Brussell II ma jindirizzax il-kwistjoni tar-rikonoxximent ta' digrieti ta' adozzjoni, peress li jkopri b'mod esklużiv ir-responsabilità tal-ġenituri;

AB. billi għaldaqstant huwa ta' importanza kbira li tiġi adottata leġiżlazzjoni li tipprevedi r-rikonoxximent awtomatiku fi Stat Membru ta' digriet ta' adozzjoni interna mogħti fi Stat Membru ieħor, dment li jiġi żgurat ir-rispett sħiħ għad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-ordni pubbliku u għall-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità;

AC. billi tali leġiżlazzjoni tikkomplementa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 ([1]) (Brussell IIa) dwar kwistjonijiet ta' ġurisdizzjoni u ta' responsabilità tal-ġenituri u timla l-lakuna eżistenti dwar ir-rikonoxximent tal-adozzjonijiet kif previst skont il-liġi internazzjonali (il-Konvenzjoni ta' The Hague);

Standards minimi komuni għall-adozzjonijiet

1. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Istati Membri biex jieħdu d-deċiżjonijiet kollha fi kwistjonijiet ta' adozzjoni waqt li jqisu l-aħjar interessi tat-tfal u r-rispett għad-drittijiet fundamentali tagħhom, u waqt li dejjem jikkunsidraw iċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ partikolari;

2. Jenfasizza li t-tfal li jkunu ġew proposti għall-adozzjoni jenħtieġ li ma jitqisux bħala proprjetà ta' stat iżda bħala individwi, bi drittijiet fundamentali rikonoxxuti internazzjonalment;

3. Jissottolinja li kull każ ta' adozzjoni huwa differenti u irid jiġi valutat fuq il-merti individwali tiegħu;

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (ĠU L 338, 23.12.2003, p. 1).

4. Iqis li f'każijiet ta' adozzjoni b'aspetti transfruntiera t-tradizzjonijiet kulturali u lingwistiċi tat-tfal jenħtieġ li jiġu kkunsidrati u rrispettati kemm jista' jkun;

5. Iqis li fil-kuntest ta' proċedimenti ta' adozzjoni, it-tfal jenħtieġ li dejjem jingħataw l-opportunità li jinstemgħu mingħajr pressjoni, u li jesprimu l-opinjoni tagħhom dwar il-proċess ta' adozzjoni, filwaqt li jitqiesu l-età u l-maturità tagħhom; iqis, għalhekk, li huwa ta' importanza kbira li, fejn ikun possibbli u rrispettivament mill-età, il-kunsens tat-tfal għall-adozzjoni jenħtieġ li jitfittex; f'dan ir-rigward, jitlob li tingħata attenzjoni speċjali lit-tfal żgħar u lit-trabi, li ma jistgħux jinstemgħu;

6. Iqis li jenħtieġ li l-ebda deċiżjoni dwar l-adozzjoni ma tittieħed qabel ma l-ġenituri bijoloġiċi jkunu nstemgħu u, fejn applikabbli, eżawrew ir-rimedji legali kollha li jikkonċernaw l-awtorità tal-ġenituri tagħhom u qabel ma ċ-ċhid tal-awtorità tal-ġenituri mill-ġenituri bijoloġiċi jkun finali; jistieden għalhekk lill-awtoritajiet fl-Istati Membri biex jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa għall-benesseri tat-tifel jew tifla waqt li jkunu qed jiġu eżawriti r-rimedji legali, u matul il-proċedimenti ġudizzjarji kollha relatati mal-adozzjoni, filwaqt li jipprovdu lit-tifel jew tifla bil-protezzjoni u l-kura li jkunu meħtieġa għall-iżvilupp armonjuż tiegħu jew tagħha;

7. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra studju komparattiv li janalizza l-ilmenti dwar adozzjonijiet mhux kunsenswali b'aspetti transfruntiera;

8. Jenfasizza li jenħtieġ li l-awtoritajiet rilevanti l-ewwel dejjem jikkunsidraw il-possibilità ta' tqegħid tat-tfal ma' qraba, anke meta dawn il-qraba jgħixu f'pajjiż ieħor, jekk it-tfal ikollhom relazzjonijiet ma' dawk il-membri tal-familja u wara li ssir valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet tat-tfal, qabel ma t-tfal jingħataw biex jiġu adottati minn persuni stranġieri; iqis li jenħtieġ li r-residenza abitwali tal-membri tal-familja li jixtiequ jieħdu r-responsabilità tat-tfal ma tiġix meqjusa li tkun fattur deċiżiv;

9. Jitlob it-trattament indaqs ta' ġenituri ta' ċittadinanzi differenti matul il-proċeduri relatati mar-responsabilità tal-ġenituri u l-adozzjoni; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw l-ugwaljanza tad-drittijiet proċedurali tal-qraba li jkunu involuti fil-proċeduri ta' adozzjoni u li jkunu ċittadini ta' Stat Membru ieħor, inkluż il-forniment ta' assistenza legali, tal-informazzjoni puntwali rigward is-seduti ta' smigħ, id-dritt għal interpretu u l-forniment tad-dokumenti kollha rilevanti għall-kawża b'ilsien pajjiżhom;

10. Jenfasizza li fejn tifel li jkun qed jiġi kkunsidrat għall-adozzjoni jkun ċittadin ta' Stat Membru ieħor, l-awtoritajiet konsulari ta' dak l-Istat Membru u l-familja tiegħu residenti f'dak l-Istat Membru jenħtieġ li jiġu infurmati u kkonsultati qabel ma tittieħed kwalunkwe deċiżjoni;

11. Barra minn hekk jistieden lill-Istati Membri biex jagħtu attenzjoni partikolari ħafna lill-minorenni mhux akkumpanjati li jkunu applikaw għal status ta' rifuġjati jew li jkollhom status ta' rifuġjati, filwaqt li jiżguraw li dawn jirċievu l-protezzjoni, l-assistenza u l-kura li l-Istati Membri huma meħtieġa li jipprovdu bis-saħħa tal-obbligi internazzjonali tagħhom, preferibbilment billi jpoġġuhom f'familji ta' akkoljenza waqt il-perjodu interim;

12. Jenfasizza l-importanza li jkunu garantiti kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati għall-assistenti soċjali biex ikunu jistgħu jwettqu kif jixraq il-valutazzjoni tagħhom ta' każijiet individwali, mingħajr kwalunkwe tip ta' pressjoni finanzjarja jew ġuridika u li jitqiesu b'mod sħiħ l-aħjar interessi tat-tfal filwaqt li jiġu kkunsidrati l-perspettivi kollha għal żmien qasir, medju u twil;

Adozzjonijiet bejn pajjiż u ieħor taħt il-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1993

13. Jinnota s-suċċessi u l-importanza tal-applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' The Hague, u tħeġġeġ lill-pajjiżi kollha biex jiffirmawha, jirratifikawha jew jaderixxu magħha;

14. Jiddeplora l-fatt li sikwit ikun hemm problemi rigward il-ħruġ ta' ċertifikati ta' adozzjoni; jistieden, għaldaqstant, lill-awtoritajiet tal-Istati Membri jiżguraw li l-proċeduri u s-salvagwardji stabbiliti mill-Konvenzjoni ta' The Hague jiġu dejjem segwiti sabiex jiġi żgurat li r-rikonoxximent ikun awtomatiku; jistieden lill-Istati Membri ma joħolqux ostakli burokratiċi bla bżonn għar-rikonoxximent tal-adozzjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' The Hague li jistgħu itawwlu l-proċedura u jagħmluha aktar għalja;

15. Jirrimarka li jistgħu jsiru sforzi ulterjuri sabiex jiġu rrispettati u skrupolożament infurzati d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' The Hague, peress li xi Stati Membri jeħtieġu proċeduri amministrattivi addizzjonali jew jimponu tariffi sproporzjonati b'rabta mar-rikonoxximent ta' adozzjonijiet, pereżempju sabiex jiġu stabbiliti jew emendati l-atti ta' stat ċivili jew biex tinkiseb iċ-ċittadinanza, għalkemm dan imur kontra d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' The Hague;

16. Jistieden lill-Istati Membri jirrispettaw il-proċeduri li jikkonċernaw ir-rekwiżiti ta' counselling u ta' kunsens stabbiliti fl-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni ta' The Hague;

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

Il-kooperazzjoni fil-ġustizzja ċivili fil-qasam tal-adozzjoni

17. Jistieden lill-Istati Membri jintensifikaw il-kooperazzjoni tagħhom fil-qasam tal-adozzjoni, inklużi kemm l-aspetti legali kif ukoll l-aspetti soċjali, u jitlob għal kooperazzjoni akbar bejn l-awtoritajiet responsabbli għal valutazzjonijiet ta' segwitu fejn meħtieġ; f'dan ir-rigward, jitlob ukoll lill-UE biex iżżomm approċċ konsistenti mad-drittijiet tat-tfal fil-firxa kollha tal-politiki interni u esterni tagħha;

18. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi netwerk Ewropew effettiv ta' mħallfin u awtoritajiet speċjalizzati fl-adozzjoni sabiex jiġi faċilitat l-iskambju ta' informazzjoni u prattika tajba, li huwa partikolarment utli meta l-adozzjoni tinvolvi element barrani; jemmen li huwa estremament importanti li jiġu ffaċilitati l-koordinazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattika man-netwerks Ewropej attwali ta' taħriġ ġudizzjarju, bil-għan li jintlaħaq l-akbar grad possibbli ta' konsistenza mal-iskemi li diġà qed jiġu ffinanzjati mill-UE; f'dan ir-rigward, jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi finanzjament għat-taħriġ speċjalizzat tal-imħallfin li jaħdmu fil-qasam tal-adozzjonijiet transfruntiera;

19. Jemmen li opportunitajiet ta' taħriġ u ta' laqgħat għal imħallfin li jaħdmu fil-qasam ta' adozzjoni transfruntiera jistgħu jgħinu biex jidentifikaw bi preċiżjoni s-soluzzjonijiet legali mistennija u meħtieġa fil-qasam tar-rikonoxximent ta' adozzjonijiet interni; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni tipprovdi fondi għal tali taħriġ u opportunitajiet għal-laqgħat fl-istadju tal-abbozzar ta' proposta għar-Regolament;

20. Jistieden lill-Kummissjoni tippubblika, fil-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika, informazzjoni legali u proċedurali rilevanti dwar il-liġi u l-prattika tal-adozzjoni fl-Istati Membri kollha;

21. Jieħu nota tal-attivitajiet tan-Netwerk Ewropew ta' Ombudspersons għat-Tfal u jqis li din il-kooperazzjoni jenħtieġ li tiġi żviluppata u msaħħa ulterjorment;

22. Jenfasizza l-ħtieġa ta' kooperazzjoni mill-qrib, permezz ta' awtoritajiet Ewropej bħalma hi l-Europol, għall-prevenzjoni tal-ħtif, il-bejgħ u t-traffikar transfruntier tat-tfal għal finijiet ta' adozzjoni; jinnota li sistemi nazzjonali affidabbli tar-reġistrazzjoni tat-twelid jistgħu jipprevjenu t-traffikar tat-tfal għal finijiet ta' adozzjoni; jitlob, f'dan ir-rigward, koordinazzjoni mtejba fil-qasam sensittiv tal-adozzjoni tat-tfal minn pajjiżi terzi;

Rikonoxximent transfruntier ta' digrieti ta' adozzjoni interna

23. Jiddikjara li hemm ħtieġa ċara ta' leġiżlazzjoni Ewropea li tipprevedi r-rikonoxximent transfruntier awtomatiku ta' digrieti ta' adozzjoni interna;

24. Jitlob lill-Kummissjoni biex sal-31 ta' Lulju 2017 tissottometti, abbażi tal-Artikoli 67 u 81 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, proposta għal att dwar ir-rikonoxximent transfruntier ta' digrieti ta' adozzjoni, b'segwitu għar-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-Anness mehmuż, flimkien mal-liġijiet internazzjonali eżistenti f'dan il-qasam;

25. Jikkonferma li r-rakkomandazzjonijiet annessi ma' din il-mozzjoni għal riżoluzzjoni jirrispettaw id-drittijiet fundamentali u l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità;

26. Iqis li l-proposta mitluba m'għandhiex implikazzjonijiet finanzjarji negattivi, peress li l-għan aħħari, ir-rikonoxximent awtomatiku ta' digrieti ta' adozzjoni, se jġib miegħu tnaqqis fl-ispejjeż;

o

o o

27. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni u r-rakkomandazzjonijiet dettaljati li jinsabu fl-Annessi lill-Kummissjoni u lill-Kunsill, kif ukoll lill-Parlamenti u lill-Gvernijiet tal-Istati Membri.

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

ANNESS GĦALL-MOZZJONI GĦAR-RIŻOLUZZJONI:

RAKKOMANDAZZJONIJIET DETTALJATI GĦAL REGOLAMENT TAL-KUNSILL DWAR IR-RIKONOXXIMENT TRANSFRUNTIER TA' DIGRIETI TA' ADOZZJONI

A. **PRINĊIPJI U OBJETTIVI TAL-PROPOSTA MITLUBA**

1. Fl-eżerċizzju tad-dritt tagħhom għal moviment liberu, għadd li dejjem qed jiżdied ta' ċittadini tal-Unjoni kull sena jiddeċiedu li jmorru jgħixu fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni. Dan joħloq għadd ta' diffikultajiet fir-rigward tar-rikonoxximent u r-riżoluzzjoni legali tas-sitwazzjoni personali u tal-liġi tal-familja ta' individwi mobbli. L-Unjoni Ewropea tat bidu għall-indirizzar ta' dawn is-sitwazzjonijiet problematiċi, pereżempju billi adottat ir-Regolament (UE) Nru 650/2012 tal-Parlament Ewropew u tal Kunsill ([1]), u billi stabbiliet kooperazzjoni msaħħa rigward ir-rikonoxximent ta' ċerti aspetti ta' reġimi ta' proprjetà matrimonjali u l-effetti patrimonjali ta' sħubijiet reġistrati.

2. Il-Konvenzjoni ta' The Hague tad-29 ta' Mejju 1993 dwar il-Protezzjoni tal-Ulied u l-Kooperazzjoni f'Adozzjonijiet bejn Pajjiż u ieħor (il-Konvenzjoni ta' The Hague) hija fis-seħħ fl-Istati Membri kollha. Hija tikkonċerna l-proċedura ta' adozzjonijiet bejn il-fruntieri, u timponi r-rikonoxximent awtomatiku ta' tali adozzjonijiet. Madankollu, il-Konvenzjoni ta' The Hague ma tkoprix is-sitwazzjoni ta' familji bi tfal adottati skont proċedura purament nazzjonali li mbagħad imorru joqgħodu fi Stat Membru ieħor. Dan jista' jwassal għal diffikultajiet legali sinifikanti jekk ir-relazzjoni legali bejn il-ġenitur (i) u t-tfal adottati ma tiġix awtomatikament rikonoxxuta. Jaf ikunu meħtieġa proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji addizzjonali, u f'każijiet estremi, ir-rikonoxximent jaf jiġi miċħud għalkollox.

3. Huwa għaldaqstant meħtieġ, sabiex jiġu mħarsa d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ta' tali ċittadini tal-Unjoni, li jiġi adottat regolament li jipprevedi r-rikonoxximent transfruntier awtomatiku ta' digrieti ta' adozzjoni. Il-bażi ġuridika xierqa għal tali proposta huwa l-Artikolu 67(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonċerna r-rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi u deċiżjonijiet, u l-Artikolu 81(3) tat-Trattat, li jikkonċerna miżuri fil-qasam tal-liġi tal-familja. Ir-regolament għandu jiġi adottat mill-Kunsill wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.

4. Ir-regolament propost jipprevedi r-rikonoxximent awtomatiku ta' digrieti ta' adozzjoni li jsiru fi Stat Membru skont kwalunkwe proċedura oħra għajr skont il-qafas tal-Konvenzjoni ta' The Hague. Peress li familji Ewropej jista' wkoll ikollhom konnessjonijiet ma' pajjiż terz jew ikunu għexu f'pajjiż terz fil-passat, ir-regolament jipprevedi wkoll li, ladarba Stat Membru jkun irrikonoxxa digriet ta' adozzjoni mogħti f'pajjiż terz skont ir-regoli proċedurali nazzjonali rilevanti tiegħu, dak id-digriet ta' adozzjoni għandu jkun rikonoxxut fl-Istati Membri l-oħra kollha.

5. Madankollu, sabiex tiġi evitata għażla opportunistika tal-ġurisdizzjoni jew l-applikazzjoni ta' liġijiet nazzjonali mhux xierqa, dan ir-rikonoxximent awtomatiku huwa soġġett, l-ewwel nett, għall-kundizzjoni li r-rikonoxximent ma jridx ikun manifestament kontra l-ordni pubbliku tal-Istat Membru li jirrikonoxxi, filwaqt li jiġi enfasizzat li tali ċaħdiet qatt ma jistgħu jwasslu għal diskriminazzjoni *de facto* pprojbita mill-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u, it-tieni nett, li l-Istat Membru li jkun ħa d-deċiżjoni tal-adozzjoni kellu l-ġurisdizzjoni biex jagħmel dan skont l-Artikolu 4 tal-proposta mitluba fil-Parti B (il-proposta). Huwa biss l-Istat Membru tar-residenza abitwali tal-ġenitur jew ġenituri jew tat-tfal li jista' jkollu dik il-ġurisdizzjoni. Madankollu, meta d-deċiżjoni tal-adozzjoni tkun ittieħdet f'pajjiż terz, il-ġurisdizzjoni għar-rikonoxximent inizjali fl-Unjoni ta' dik l-adozzjoni tista' wkoll tkun tal-Istat Membru tan-nazzjonalità tal-ġenituri jew tat-tfal. Dan sabiex jiġi garantit aċċess għall-ġustizzja għal familji Ewropej residenti barra.

6. Huma meħtieġa proċeduri speċifiċi sabiex jittieħdu deċiżjonijiet dwar kwalunkwe oġġezzjoni għal rikonoxximent f'każijiet speċifiċi. Dawn id-dispożizzjonijiet huma simili għal dawk misjuba f'atti oħra tal-Unjoni fil-qasam tal-ġustizzja ċivili.

7. Jenħtieġ li jinħoloq Ċertifikat Ewropew tal-Adozzjoni sabiex titħaffef kwalunkwe inkjesta amministrattiva dwar ir-rikonoxximent awtomatiku. Il-mudell għaċ-ċertifikat għandu jiġi adottat bħala att delegat tal-Kummissjoni.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 650/2012 tal-Parlament Ewropew u tal Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar ta' strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 107).

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

8. Il-proposta tikkonċerna biss ir-relazzjoni individwali bejn il-ġenituri u l-ulied. Hi ma tobbligax lill-Istati Membri jirrikonoxxu kwalunkwe relazzjoni legali partikolari bejn il-ġenituri ta' tifel adottat, peress li l-liġijiet nazzjonali relatati mal-koppji jvarjaw b'mod konsiderevoli.

9. Fl-aħħar nett, il-proposta fiha d-dispożizzjonijiet finali u tranżitorji li normalment jinsabu fi strumenti tal-ġustizzja ċivili. Ir-rikonoxximent awtomatiku tal-adozzjonijiet japplika biss għal deċiżjonijiet tal-adozzjoni meħuda mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-regolament u, minn din id-data wkoll, għal kwalunkwe digriet ta' adozzjoni aktar bikri jekk it-tfal adottati jkunu għadhom taħt l-età.

10. Il-proposta tikkonforma mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, peress li l-Istati Membri ma jistgħux jaġixxu waħedhom biex jiġi stabbilit qafas legali għar-rikonoxximent transfruntier tad-digrieti ta' adozzjoni u l-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li huwa assolutament meħtieġ biex tiġi żgurata l-istabilità tas-sitwazzjoni legali tat-tfal adottati. Dan ma jaffettwax il-liġi tal-familja tal-Istati Membri.

B. **TEST TAL-PROPOSTA MITLUBA**

Regolament tal-Kunsill dwar ir-rikonoxximent transfruntier tad-digrieti ta' adozzjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 67(4) u l-Artikolu 81 (3) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-talba tal-Parlament Ewropew lill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

(1) L-Unjoni għandha l-għan li żżomm u tiżviluppa spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja li fih jiġi żgurat il-moviment liberu tal-persuni. Għall-istabbiliment gradwali ta' tali spazju, huwa meħtieġ li l-Unjoni tadotta miżuri relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili li jkollhom implikazzjonijiet transfruntiera, anke fil-qasam tal-liġi tal-familja.

(2) Skont l-Artikoli 67 u 81 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), dawn il-miżuri għandhom jinkludu miżuri li għandhom l-għan li jiżguraw ir-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet f'każijiet ġudizzjarji u extraġudizzjarji.

(3) Sabiex jiġi żgurat il-moviment liberu tal-familji li jkunu adottaw tifel, huwa meħtieġ u xieraq li r-regoli li jirregolaw il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent tad-digrieti ta' adozzjoni jkunu regolati minn strument legali tal-Unjoni li jkun vinkolanti u direttament applikabbli.

(4) Dan ir-Regolament jenħtieġ li joħloq qafas legali ċar u komprensiv fil-qasam tar-rikonoxximent transfruntier tad-digrieti ta' adozzjoni, jagħti lill-familji riżultati xierqa f'termini ta' ċertezza legali, prevedibilità u flessibilità, u jipprevjeni li tirriżulta sitwazzjoni fejn digriet ta' adozzjoni mogħti legalment fi Stat Membru ma jiġix rikonoxxut fi Stat Membru ieħor.

(5) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri r-rikonoxximent ta' digrieti ta' adozzjoni mogħtija fi Stat Membru jew rikonoxxuti minnu. Madankollu, dan ma jkoprix ir-rikonoxximent tal-adozzjonijiet bejn pajjiż u ieħor magħmula skont il-Konvenzjoni ta' The Hague tad-29 ta' Mejju 1993 dwar il-Protezzjoni tal-Ulied u l-Kooperazzjoni f'Adozzjonijiet bejn Pajjiż u ieħor, peress li dik il-Konvenzjoni diġà tipprevedi r-rikonoxximent awtomatiku ta' tali adozzjonijiet. Dan ir-Regolament għaldaqstant jenħtieġ li japplika biss għar-rikonoxximent tal-adozzjonijiet interni, u għall-adozzjonijiet internazzjonali li ma jkunux saru skont dik il-Konvenzjoni.

(6) Irid ikun hemm konnessjoni bejn l-adozzjoni u t-territorju tal-Istat Membru li jkun għamel jew irrikonoxxa d-digriet ta' adozzjoni. Għaldaqstant, ir-rikonoxximent jenħtieġ li jkun soġġett għall-konformità mar-regoli komuni ta' ġurisdizzjoni.

(7) Ir-regoli ta' ġurisdizzjoni jenħtieġ li jkunu prevedibbli ħafna u jenħtieġ li jkunu stabbiliti fuq il-prinċipju li l-ġurisdizzjoni hija ġeneralment ibbażata fuq ir-residenza abitwali tal-ġenituri li jadottaw, jew ir-residenza abitwali ta' wieħed minn dawk il-ġenituri jew tat-tfal. Ġurisdizzjoni jenħtieġ li tkun limitata għal din ir-raġuni, ħlief f'sitwazzjonijiet li jinvolvu pajjiżi terzi, fejn l-Istat Membru taċ-ċittadinanza jista' jkun fattur ta' konnessjoni.

(8) Billi l-adozzjoni ġeneralment tikkonċerna minuri, mhuwiex xieraq li tingħata lill-ġenituri jew lit-tfal kwalunkwe flessibilità fl-għażla tal-awtoritajiet li se jiddeċiedu dwar l-adozzjoni.

(9) Il-fiduċja reċiproka fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja fl-Unjoni tiġġustifika l-prinċipju li d-digrieti ta' adozzjoni mogħtija jew rikonoxxuti fi Stat Membru jenħtieġ li jiġu rikonoxxuti fl-Istati Membri kollha mingħajr il-ħtieġa ta' kwalunkwe proċedura speċjali. Bħala riżultat, digriet ta' adozzjoni mogħti fi Stat Membru jenħtieġ li jiġi ttrattat bħallikieku kien mogħti fl-Istat Membru indirizzat.

(10) Ir-rikonoxximent awtomatiku fl-Istat Membru indirizzat ta' digriet ta' adozzjoni mogħti fi Stat Membru ieħor jenħtieġ li ma jipperikolax l-osservanza tad-drittijiet tad-difiża. Għaldaqstant, kwalunkwe parti interessata jenħtieġ li tkun tista' tapplika għaċ-ċaħda tar-rikonoxximent ta' digriet ta' adozzjoni jekk tqis li waħda mir-raġunijiet għaċ-ċaħda ta' rikonoxximent hi preżenti.

(11) Ir-rikonoxximent tad-digrieti ta' adozzjoni interna jenħtieġ li jkun awtomatiku sakemm l-Istat Membru fejn l-adozzjoni tkun saret ma jkollux ġurisdizzjoni jew jekk tali rikonoxximent imur manifestament kontra l-ordni pubbliku tal-Istat Membru li jirrikonoxxi, kif interpretat f'konformità mal-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

(12) Dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jaffettwax il-liġi sostantiva tal-familja, inkluża l-liġi dwar l-adozzjoni, tal-Istati Membri. Barra minn hekk, kwalunkwe rikonoxximent ta' ordni ta' adozzjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li ma timplikax rikonoxximent ta' kwalunkwe relazzjoni legali bejn il-ġenituri adottivi bħala konsegwenza tar-rikonoxximent tad-digriet ta' adozzjoni mingħajr, madankollu, ma tiġix prekondizzjonata d-deċiżjoni possibbli dwar ir-rikonoxximent tad-digriet ta' adozzjoni.

(13) Kwalunkwe kwistjoni proċedurali mhux indirizzata f'dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi ttrattata b'konformità mal-liġi nazzjonali.

(14) Meta digriet ta' adozzjoni jimplika relazzjoni legali li ma tkunx magħrufa fil-liġi tal-Istat Membru indirizzat, dik ir-relazzjoni legali, inkluż kwalunkwe dritt jew obbligu li joħroġ minnha, jenħtieġ li, sa fejn ikun possibbli, tiġi adattata għal waħda li, skont il-liġi ta' dak l-Istat Membru, ikollha effetti ekwivalenti marbutin magħha u li ssegwi għanijiet simili. Kull Stat Membru għandu jiddetermina kif u minn min jenħtieġ li jsir l-adattament.

(15) Sabiex jiġi faċilitat ir-rikonoxximent awtomatiku previst f'dan ir-regolament, jenħtieġ li jitfassal mudell għat-trażmissjoni ta' digrieti ta' adozzjoni, iċ-Ċertifikat Ewropew ta' Adozzjoni. Għal dak l-iskop, is-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment u l-emendar ta' dak iċ-ċertifikat mudell. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjoni xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, anke fil-livell tal-esperti. Il-Kummissjoni, hi u tħejji u tfassal l-atti delegati, jenħtieġ li tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa ta' dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(16) Peress li l-objettiv ta' dan ir-Regolament ma jistax jintlaħaq suffiċjentement mill-Istati Membri u jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-objettiv.

(17) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward taż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja mehmuż mat-TUE u mat-TFUE, [ir-Renju Unit u l-Irlanda ppreżentaw avviż dwar ix-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament]/[mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 tal-Protokoll, ir-Renju Unit u l-Irlanda mhux se jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhumiex se jkunu marbutin bih jew inkella soġġetti għall-applikazzjoni tiegħu].

(18) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex se tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u għalhekk mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għar-rikonoxximent ta' digrieti ta' adozzjoni.

2. Dan ir-Regolament ma japplikax għal, u ma jaffettwax:

(a) il-liġijiet tal-Istati Membri dwar id-dritt għall-adozzjoni jew dwar kwistjonijiet oħra tal-liġi tal-familja;

(b) adozzjonijiet bejn pajjiż u ieħor skont il-Konvenzjoni ta' The Hague tad-29 ta' Mejju 1993 dwar il-Protezzjoni tal-Ulied u l-Kooperazzjoni f'Adozzjonijiet bejn Pajjiż u ieħor (il-Konvenzjoni ta' The Hague),

3. Xejn f'dan ir-Regolament ma jeħtieġ li Stat Membru:

(a) jirrikonoxxi l-eżistenza ta' kwalunkwe relazzjoni legali bejn il-ġenituri ta' tifel adottat b'konsegwenza tar-rikonoxximent ta' digriet ta' adozzjoni;

(b) jagħti digrieti ta' adozzjoni f'ċirkustanzi fejn il-liġi nazzjonali rilevanti ma tippermettix dan.

Artikolu 2

Definizzjoni

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "digriet ta' adozzjoni" tfisser sentenza jew deċiżjoni li toħloq jew tirrikonoxxi relazzjoni legali permanenti ta' ġenitur-wild, bejn tfal li ma jkunux għadhom laħqu l-età maġġuri u ġenitur jew ġenituri ġodda li mhumiex il-ġenituri bijoloġiċi ta' dawk it-tfal, tkun liema tkun din ir-relazzjoni legali msemmija fil-liġi nazzjonali.

Artikolu 3

Rikonoxximent awtomatiku tad-digrieti ta' adozzjoni

1. Digriet ta' adozzjoni mogħti fi Stat Membru għandu jiġi rikonoxxut fl-Istati Membri l-oħra mingħajr ma tkun meħtieġa kwalunkwe proċedura speċjali, sakemm l-Istat Membru li joħroġ id-digriet ikollu ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 4.

2. Kwalunkwe parti interessata tista', f'konformità mal-proċedura prevista fl-Artikolu 7, tapplika għal deċiżjoni li m'hemm l-ebda raġuni għal ċaħda ta' rikonoxximent kif imsemmi fl-Artikolu 6.

3. Jekk ir-riżultat tal-proċedimenti f'qorti ta' Stat Membru jiddependi mid-determinazzjoni ta' kwistjoni inċidentali ta' ċaħda ta' rikonoxximent, dik il-qorti għandu jkollha ġurisdizzjoni fuq dik il-kwistjoni.

Artikolu 4

Ġurisdizzjoni għal digrieti ta' adozzjoni

1. L-awtoritajiet ta' Stat Membru jistgħu biss joħorġu digriet ta' adozzjoni jekk il-ġenitur jew ġenituri jew it-tifel adottat ikunu abitwalment residenti f'dak l-Istat Membru.

2. Meta d-digriet ta' adozzjoni jkun sar fir-rigward ta' minuri mill-awtoritajiet ta' pajjiż terz, l-awtoritajiet ta' Stat Membru jistgħu wkoll joħorġu tali digriet, jew jiddeċiedu dwar ir-rikonoxximent ta' digriet mogħti minn pajjiż terz skont il-proċeduri stabbiliti mil-liġi nazzjonali, jekk il-ġenitur/i adottivi jew it-tifel adottat ma jkunux abitwalment residenti f'dak l-Istat Membru, iżda jkunu ċittadini tal-istess Stat Membru.

Artikolu 5

Id-dokumentazzjoni meħtieġa għar-rikonoxximent

Parti li tkun tixtieq tinvoka, fi Stat Membru wieħed, digriet ta' adozzjoni mogħti fi Stat Membru ieħor għandha tippreżenta:

(a) kopja tad-digriet ta' adozzjoni li tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa biex tiġi stabbilita l-awtenticità tagħha; and

(b) iċ-Ċertifikat Ewropew ta' Adozzjoni maħruġ skont l-Artikolu 11.

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

Artikolu 6

Ċaħda ta' rikonoxximent

Fuq talba ta' kwalunkwe parti interessata, ir-rikonoxximent ta' digriet ta' adozzjoni mogħti fi Stat Membru jista' jiġi miċħud biss:

(a) jekk tali rikonoxximent imur manifestament kontra l-ordni pubbliku (*ordre public*) fl-Istat Membru indirizzat;

(b) jekk l-Istat Membru minn fejn ikun inħareġ id-digriet ikollu ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 4.

Artikolu 7

Talba għal ċaħda ta' rikonoxximent

1. Fuq talba ta' kwalunkwe parti interessata kif definit mil-liġi nazzjonali, ir-rikonoxximent ta' digriet ta' adozzjoni għandu jiġi miċħud jekk jinstab li teżisti xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 6.

2. It-talba għal ċaħda ta' rikonoxximent għandha tiġi ppreżentata lill-qorti li l-Istat Membru kkonċernat ikun għarraf biha lill-Kummissjoni skont il-punt (a) tal-Artikolu 13 bħala l-qorti li quddiemha għandha tiġi ppreżentata t-talba.

3. Il-proċedura għal ċaħda ta' rikonoxximent, sakemm ma tkunx koperta minn dan ir-Regolament, għandha tiġi regolata bil-liġi tal-Istat Membru indirizzat.

4. L-applikant għandu jipprovdi lill-qorti b'kopja tad-digriet u, fejn meħtieġ, traduzzjoni jew traskrizzjoni tiegħu.

5. Il-qorti tista' ma teħtieġx il-preżentazzjoni tad-dokumenti msemmija fil-paragrafu 4 jekk dawn ikunu diġà fil-pussess tagħha jew jekk tqis li ma jkunx raġonevoli li teħtieġ lir-rikorrent jipprovdihom. F'dan l-aħħar każ, il-qorti tista' teħtieġ lill-parti l-oħra tipprovdi dawk id-dokumenti.

6. Il-parti li titlob ċaħda ta' rikonoxximent ta' digriet ta' adozzjoni mogħti fi Stat Membru ieħor m'għandhiex tkun meħtieġa jkollha indirizz postali fl-Istat Membru indirizzat. Dik il-parti lanqas m'għandha tkun meħtieġa jkollha rappreżentant awtorizzat fl-Istat Membru indirizzat sakemm tali rappreżentant ma jkunx obbligatorju irrispettivament miċ-ċittadinanza jew id-domiċilju tal-partijiet.

7. Il-qorti għandha tiddeċiedi dwar it-talba għal ċaħda ta' rikonoxximent mingħajr dewmien.

Artikolu 8

Appelli kontra d-deċiżjoni dwar talba għal ċaħda ta' rikonoxximent

1. Id-deċiżjoni dwar it-talba għal ċaħda ta' rikonoxximent tista' tiġi appellata minn kwalunkwe waħda mill-partijiet.

2. L-appell għandu jiġi ppreżentat fil-qorti li l-Istat Membru kkonċernat ikun għarraf lill-Kummissjoni skont il-punt (b) tal-Artikolu 13 bħala l-qorti li quddiemha għandu jiġu ppreżentat tali appell.

3. Id-deċiżjoni mogħtija fl-appell tista' tiġi kkontestata biss permezz ta' appell fejn l-Istat Membru kkonċernat ikun għarraf lill-Kummissjoni bil-qrati li quddiemhom kwalunkwe appell ulterjuri għandu jiġi ppreżentat, skont il-punt (c) tal-Artikolu 13.

Artikolu 9

Appelli fl-Istat Membru ta' oriġini tad-digriet ta' adozzjoni

Il-qorti li quddiemha tkun ġiet ippreżentata talba għal ċaħda ta' rikonoxximent jew il-qorti li tisma' appell imressaq skont l-Artikoli 8(2) jew (3) tista' tissospendi l-proċedimenti jekk ikun tressaq appell ordinarju kontra d-digriet ta' adozzjoni fl-Istat Membru tal-oriġini jew jekk iż-żmien għal tali appell ma jkunx għadu ġie preskritt. F'dan l-aħħar każ, il-qorti tista' tispeċifika ż-żmien li fih għandu jitressaq dan l-appell.

Artikolu 10

Ebda reviżjoni dwar il-mertu

Taħt l-ebda ċirkostanza, ma jista' jiġi rivedut digriet ta' adozzjoni jew sentenza mogħtija fi Stat Membru fir-rigward tal-mertu tiegħu/tagħha fl-Istat Membru indirizzat.

Artikolu 11

Ċertifikat Ewropew ta' Adozzjoni

L-awtoritajiet tal-Istat Membru li jkun ħareġ id-digriet ta' adozzjoni għandhom, fuq talba ta' kwalunkwe parti interessata, joħorġu Ċertifikat Ewropew ta' Adozzjoni multilingwi li jkun konformi mal-mudell stabbilit skont l-Artikolu 15.

Artikolu 12

L-adattament tad-digriet ta' adozzjoni

1. Jekk deċiżjoni jew sentenza jkun fiha miżura jew digriet li ma jkunux magħrufa fil-liġi tal-Istat Membru indirizzat, dik il-miżura jew digriet għandhom, sa fejn ikun possibbli, jiġu adattati għall-miżura jew digriet magħrufa fil-liġi ta' dak l-Istat Membru li jkollha effetti ekwivalenti marbutin magħha u li ssegwi għanijiet u interessi simili. Tali adattament m'għandux jirriżulta f'effetti li jmorru lil hinn minn dawk previsti fil-liġi tal-Istat Membru ta' oriġini.

2. Kwalunkwe parti tista' tikkontesta l-adattament tal-miżura jew id-digriet quddiem qorti.

Artikolu 13

Informazzjoni li għandha tingħata mill-Istati Membri

1. Sal-1 ta' Lulju 2018, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bid-dispożizzjonijiet nazzjonali tagħhom, jekk ikun hemm, dwar:

(a) il-qrati li quddiemhom għandha tiġi ppreżentata t-talba għaċ-ċaħda ta' rikonoxximent skont l-Artikolu 7(2);

(b) il-qrati li quddiemhom għandu jiġi ppreżentat appell kontra t-talba taċ-ċaħda ta' rikonoxximent skont l-Artikolu 8(2); u

(c) il-qrati li quddiemhom għandu jiġi ppreżentat kwalunkwe appell ulterjuri skont l-Artikolu 8(3);

2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, kif ukoll kwalunkwe informazzjoni oħra rilevanti dwar il-proċeduri ta' adozzjonijiet u r-rikonoxximent tagħhom fl-Istati Membri, permezz ta' kwalunkwe mezz xieraq, partikolarment permezz tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika.

Artikolu 14

Legalizzazzjoni u formalità simili

L-ebda legalizzazzjoni jew formalità simili oħra m'għandha tkun meħtieġa għal dokumenti maħruġa fi Stat Membru taħt dan ir-Regolament.

Artikolu 15

Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 16 li jikkonċerna l-istabbiliment u l-emendar tal-mudell taċ-Ċertifikat Ewropew ta' Adozzjoni multilingwi msemmi fl-Artikolu 11.

Artikolu 16

Eżerċitar tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġetta għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 15 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mill-1 ta' Lulju 2018.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 15 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata hemmhekk. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li huwa diġà fis-seħħ.

4. Att delegat adottat skont l-Artikolu 15 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Kunsill ikun infurma lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Kunsill.

5. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew dwar l-adozzjoni tal-atti delegati, dwar kwalunkwe oġġezzjoni magħmula fir-rigward ta' dawn l-atti, jew dwar ir-revoka tad-delega tas-setgħat mill-Kunsill.

Artikolu 17

Dispożizzjonijiet tranżitorji

Dan ir-Regolament għandu japplika biss għal digrieti ta' adozzjoni maħruġa fl-1 ta' Jannar 2019 jew wara.

Madankollu, id-digrieti ta' adozzjoni li saru qabel l-1 ta' Jannar 2019 għandhom ukoll ikunu rikonoxxuti mid-data fil-każ li l-wild inkwistjoni ma jkunx għadu laħaq l-età maġġuri f'dik id-data.

Artikolu 18

Relazzjoni ma' konvenzjonijiet internazzjonali eżistenti

1. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal digrieti ta' adozzjoni mogħtija skont il-Konvenzjoni ta' The Hague.

2. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri skont l-Artikolu 351 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-applikazzjoni ta' konvenzjonijiet internazzjonali li Stat Membru wieħed jew aktar li jkunu parti fihom fiż-żmien meta dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ u li jistabbilixxu regoli dwar ir-rikonoxximent tal-adozzjonijiet.

3. Madankollu, dan ir-Regolament għandu, bħal bejn Stati Membri, ikollu preċedenza fuq konvenzjonijiet konklużi esklużivament bejn żewġ Stati Membri jew aktar sa fejn dawn il-konvenzjonijiet jikkonċernaw materji regolati minn dan ir-Regolament.

Artikolu 19

Klawsola ta' reviżjoni

1. Sal-31 ta' Diċembru 2024, u kull ħames snin minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, fejn ikun il-każ, bi proposti għall-adattament ta' dan ir-Regolament.

2. Għal dan l-għan, l-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bl-informazzjoni rilevanti dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament mill-qrati tagħhom.

Artikolu 20

Dħul fis-seħħ u data tal-applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2019, bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 13, 15 u 16, li għandhom japplikaw mill-1 ta' Lulju 2018.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell, …

Għall-Kunsill

Il-President

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

P8_TA(2017)0017

Kriżi tal-istat tad-dritt fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo u fil-Gabon

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Frar 2017 dwar il-kriżi tal-istat tad-dritt fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo u fil-Gabon (2017/2510(RSP))

(2018/C 252/03)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tad-Delegazzjoni tal-UE għar-RDK dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż,

— wara li kkunsidra l-ftehimiet politiċi li ntlaħqu fir-RDK fit-18 ta' Ottubru 2016 u fil-31 ta' Diċembru 2016,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tat-18 ta' Diċembru 2016 mill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ), Federica Mogherini, dwar il-falliment tat-tentattiv għall-ilħiq ta' ftehim fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tat-23 ta' Novembru 2016 mill-kelliem tal-VP/RGħ dwar l-isforzi politiċi kurrenti fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2016 u tas-17 ta' Ottubru 2016 dwar ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet lokali tal-UE tat-2 ta' Awwissu 2016 u tal-24 ta' Awwissu 2016 dwar il-proċess elettorali fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo wara t-tnedija tad-djalogu nazzjonali fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, b'mod partikolari r-riżoluzzjoni 2293(2016) dwar it-tiġdid tar-reġim ta' sanzjonijiet fuq ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo u l-mandat tal-Grupp ta' Esperti, u r-riżoluzzjoni 2277(2016), li ġeddet il-mandat tal-Missjoni ta' Stabbilizzazzjoni tal-Organizzazzjoni tan-NU fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (MONUSCO),

— wara li kkunsidra l-istqarrijiet għall-istampa tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU tal-15 ta' Lulju 2016 u tal-21 ta' Settembru 2016 dwar is-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo,

— wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, ippubblikat fis-27 ta' Lulju 2015, dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo,

— wara li kkunsidra r-rapporti tas-Segretarju Ġenerali tan-NU tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-Missjoni ta' Stabbilizzazzjoni tal-Organizzazzjoni tan-NU fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, u dwar l-implimentazzjoni tal-Qafas għall-Paċi, is-Sigurtà u l-Kooperazzjoni għar-Repubblika Demokratika tal-Kongo u r-Reġjun,

— wara li kkunsidra l-istqarrijiet konġunti għall-istampa tas-16 ta' Frar 2016 u tal-5 ta' Ġunju 2016 mill-Unjoni Afrikana, in-Nazzjonijiet Uniti, l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Frankofonija dwar il-ħtieġa ta' djalogu politiku inklussiv fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo u l-impenn tagħhom li jappoġġjaw atturi Kongoliżi fl-isforzi tagħhom għall-konsolidament tad-demokrazija fil-pajjiż,

— wara li kkunsidra l-Ftehim Qafas għall-Paċi, is-Sigurtà u l-Kooperazzjoni għar-Repubblika Demokratika tal-Kongo u r-Reġjun, li ġie ffirmat f'Addis Ababa fi Frar 2013,

— wara li kkunsidra r-rapport finali tal-Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali tal-Unjoni Ewropea (MOE),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta maħruġa fl-24 ta' Settembru 2016 mill-VP/RGħ u mill-Kummissarju għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Internazzjonali, Neven Mimica, wara li l-Qorti Kostituzzjonali Gaboniża ħabbret ir-riżultati uffiċjali tal-elezzjoni presidenzjali,

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni dwar il-Gabon maħruġa mill-kelliem għall-VP/RGħ fil-11 ta' Settembru 2016,

— wara li kkunsidra l-istqarrija għall-istampa maħruġa mill-Unjoni Afrikana fl-1 ta' Settembru 2016 li tikkundanna l-vjolenza tal-kunflitt postelettorali fil-Gabon u tappella għar-riżoluzzjoni paċifika tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fid-Dinja fl-2014, li ġie adottat mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fit-22 ta' Ġunju 2015,

— wara li kkunsidra l-Programm Nazzjonali Indikattiv tal-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp 2014-2020, li jagħti prijorità lit-tisħiħ tad-demokrazija, tal-governanza u tal-istat tad-dritt,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet adottati mill-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE tat-18 ta' Mejju 2011 dwar l-isfidi għall-futur tad-demokrazija u r-rispett tal-ordni kostituzzjonali fil-pajjiżi tal-AKP u tal-UE, u tas-27 ta' Novembru 2013 dwar ir-rispett tal-istat tad-dritt u r-rwol ta' ġudikatura imparzjali u indipendenti,

— wara li kkunsidra l-Memorandum ta' Qbil iffirmat bejn ir-Repubblika Gaboniża u l-Unjoni Ewropea dwar il-Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE (MOE),

— wara li kkunsidra l-Kostituzzjoni Kongoliża u dik Gaboniża,

— wara li kkunsidra l-Karta Afrikana tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli ta' Ġunju 1981,

— wara li kkunsidra l-Karta Afrikana dwar id-Demokrazija, l-Elezzjonijiet u l-Governanza,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Unjoni Afrikana dwar il-Prinċipji li Jirregolaw l-Elezzjonijiet Demokratiċi fl-Afrika (2002),

— wara li kkunsidra l-Karta Internazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Cotonou,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 123(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-istat tad-dritt, l-obbligu li jingħata rendikont, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll elezzjonijiet ħielsa u ġusti huma elementi essenzjali ta' kwalunkwe demokrazija li tiffunzjona; billi dawn l-elementi ġew ikkontestati f'xi pajjiżi tal-Afrika Sub-Saħarjana, b'mod partikolari fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo u fil-Gabon, u b'hekk għarrqu lil dawn il-pajjiżi f'perjodu twil ta' instabbiltà politika u vjolenza;

B. billi aktar reċentement, Ali Bongo, li spiċċa mill-kariga ta' President tal-Gabon wara li kien ilu fil-poter mill-mewt ta' missieru Omar Bongo fl-2009, ġie ddikjarat rebbieħ tal-elezzjoni presidenzjali tal-2016; billi l-osservaturi internazzjonali, u b'mod partikolari l-MOE tal-UE, identifikaw anomaliji ċari fil-ġbir tar-riżultati;

C. billi Jean Ping, l-avversarju ewlieni tiegħu, immedjatament ikkontesta u kkundanna dan ir-riżultat; billi tressaq rikors, li jallega li seħħew irregolaritajiet elettorali u li jitlob li l-voti jerġgħu jingħaddu, quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, liema Qorti eventwalment ikkonfermat ir-riżultat; billi, madankollu, l-eżami tal-appell ma warrabx id-dubji kollha dwar l-eżitu tal-elezzjoni presidenzjali;

D. billi l-President Kongoliż Joseph Kabila, li ilu fil-poter mill-2001, ippospona l-elezzjoni u baqa' fil-poter lil hinn mit-tmiem tal-mandat kostituzzjonali tiegħu; billi dan il-fatt ikkawża tensjoni politika, kunflitti u vjolenza bħal qatt qabel fil-pajjiż kollu;

E. billi, madankollu, il-vjolenza kompliet tiħrax wara d-data ta' skadenza tal-mandat tal-President Kabila, biex b'hekk wasslet għall-imwiet ta' mill-inqas 40 ruħ fi ġlied bejn id-dimostranti u l-forzi tas-sigurtà; billi, skont in-NU, 107 persuni ndarbu jew ġew maltrattati, filwaqt li tal-anqas 460 ruħ sfaw arrestati;

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

F. billi fit-18 ta' Ottubru 2016 ġie ffirmat ftehim bejn il-President Kabila u parti mill-oppożizzjoni, liema ftehim jipposponi l-elezzjoni presidenzjali għal April 2018; billi wara xhur ta' negozjati, il-partijiet fil-ftehim tat-18 ta' Ottubru 2016 laħqu ftehim politiku globali u inklussiv fil-31 ta' Diċembru 2016; billi dan il-ftehim jipprevedi l-ewwel trasferiment paċifiku tal-poter fil-pajjiż mill-1960 'il hawn, l-installazzjoni ta' gvern tranżizzjonali ta' unità nazzjonali, l-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet qabel tmiem l-2017, u r-riżenja tal-President Kabila;

G. billi, fiż-żewġ pajjiżi, faqqgħu fit-toroq dimostrazzjonijiet li ġew repressi bi vjolenza, hekk li ħallew għadd ta' persuni mejta; billi l-awtoritajiet wettqu azzjonijiet repressivi fuq il-membri tal-oppożizzjoni u tas-soċjetà ċivili li jopponu 'l min għandu l-poter f'idejh; billi l-gruppi tad-drittijiet tal-bniedem jirrapportaw il-ħin kollu dwar is-sitwazzjoni li sejra għall-agħar fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertà tal-espressjoni u ta' għaqda, inkluż l-użu ta' forza eċċessiva kontra dimostranti paċifiċi, arresti u detenzjonijiet arbitrarji u proċessi politikament motivati;

H. billi kien hemm deterjorament serju fir-rigward tal-libertà tal-midja, li hija mxekkla minn theddidiet u attakki kontinwi kontra l-ġurnalisti; billi l-awtoritajiet għalqu kumpaniji tal-midja u stazzjonijiet tar-radju, u billi restrizzjonijiet ġew imposti fuq l-internet u n-netwerks soċjali;

I. billi waħda mill-karatteristiċi tad-demokraziji hija r-rispett tal-Kostituzzjoni, li fuqha jissejsu l-istat, l-istituzzjonijiet u l-istat tad-dritt; billi elezzjonijiet paċifiċi, liberi u ġusti f'dawn il-pajjiżi kienu jikkontribwixxu bil-kbir biex tiġi indirizzata l-isfida tal-progress demokratiku u tal-alternanza tal-poter li qed iħabbat wiċċu magħha r-reġjun tal-Afrika Ċentrali;

J. billi l-Programm Nazzjonali Indikattiv tal-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp 2014-2020 jagħti prijorità lit-tisħiħ tad-demokrazija, tal-governanza u tal-istat tad-dritt, billi kemm l-UE kif ukoll is-sħab Afrikani għandhom interess komuni qawwi fl-iżvilupp kontinwu tad-demokrazija u fl-istabbiliment ta' kostituzzjonaliżmu li jiffunzjona sewwa;

1. Jiddeplora l-imwiet li seħħew fid-dimostrazzjonijiet matul dawn l-aħħar xhur fiż-żewġ pajjiżi, u jesprimi l-kondoljanzi l-aktar sinċieri tiegħu lill-familji tal-vittmi u lill-poplu tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo u tal-Gabon;

2. Huwa profondament imħasseb dwar is-sitwazzjoni dejjem aktar instabbli fiż-żewġ pajjiżi; iħeġġeġ lill-awtoritajiet, u fuq kollox lill-presidenti, biex jirrispettaw l-obbligi internazzjonali tagħhom, li jiggarantixxu d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u li jeżerċitaw il-kompitu tagħhom li jiggvernaw bir-rispett l-aktar strett tal-istat tad-dritt;

3. Jikkundanna bil-qawwa l-vjolenza kollha mwettqa fil-Gabon u fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, l-atti ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, l-arresti arbitrarji u d-detenzjonijiet illegali, l-intimidazzjoni politika ta' membri tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni, kif ukoll l-atti ta' ksur tal-libertà tal-istampa u tal-espressjoni mwettqa fil-kuntest tal-elezzjonijiet presidenzjali; jitlob li r-restrizzjonijiet kollha fuq il-midja jitneħħew u li d-detenuti politiċi kollha jinħelsu;

Il-Gabon

4. Iqis li r-riżultati uffiċjali tal-elezzjoni presidenzjali mhumiex trasparenti u huma dubjużi ferm, hekk li jqajmu dubji dwar il-leġittimità tal-President Bongo; jiddeplora l-fatt li l-proċedura ta' appell li wasslet biex Ali Bongo jiġi ddikjarat rebbieħ tal-elezzjoni tmexxiet b'mod xejn trasparenti, u li l-Qorti Kostituzzjonali naqset milli tqis debitament l-irregolaritajiet osservati f'xi provinċji, b'mod partikolari fl-Haut-Ogooué, il-fewdu ta' Ali Bongo; jiddispjaċih li l-Qorti Kostituzzjonali rrifjutat li jerġa' jsir l-għadd tal-voti u li jsir tqabbil tal-poloz tal-vot, qabel ma dawn sfaw meqruda;

5. Huwa mħasseb profondament dwar il-kriżi politika fil-Gabon u l-vjolenza li qed isseħħ bejn id-dimostranti u l-forzi tas-sigurtà wara l-proklamazzjoni tar-riżultati tal-elezzjoni presidenzjali tal-2016;

6. Jikkundanna bil-qawwa l-intimidazzjoni u t-theddidiet kontra l-MOE tal-Unjoni Ewropea u l-attakki li jikkontestaw in-newtralità u t-trasparenza tagħha; jiddispjaċih profondament għall-fatt li, minkejja li l-Memorandum ta' Qbil iffirmat mal-Gvern Gaboniż, il-MOE tal-UE ngħatat biss aċċess limitat għas-sessjonijiet tal-għadd tal-voti ċentralizzati fil-kummissjonijiet elettorali lokali (LECs) u fil-kwartieri ġenerali tal-Kummissjoni Elettorali Nazzjonali (CENAP), u li dan żamm lill-MOE tal-UE milli tosserva partijiet ewlenin tal-proċess tal-elezzjoni presidenzjali;

7. Jinnota t-tnedija prevista ta' djalogu nazzjonali, kif propost minn Ali Bongo,; isemma' r-riservi tiegħu rigward il-kredibbiltà u r-rilevanza ta' dawn il-proċessi; jirrimarka li l-protagonist ewlieni tal-oppożizzjoni, Jean Ping, qed jirrifjuta li jieħu sehem u huwa nieda u kkonkluda djalogu nazzjonali tiegħu stess;

8. Iħeġġeġ lill-Gvern tal-Gabon biex iwettaq riforma eżawrjenti u f'waqtha tal-qafas elettorali, fil-qies tar-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-MOE tal-UE bil-għan li jtejbu dan il-qafas u jagħmluh għalkollox trasparenti u kredibbli; jenfasizza li l-awtoritajiet Gaboniżi jeħtiġilhom jiggarantixxu kooperazzjoni sħiħa u sinċiera mal-partijiet interessati rilevanti, nazzjonali u internazzjonali, biex jiżguraw li l-elezzjonijiet parlamentari li jmiss ikunu trasparenti u ġusti u li jseħħu f'ambjent liberu, demokratiku, inklussiv u paċifiku;

9. Jitlob li ssir investigazzjoni indipendenti u oġġettiva dwar il-vjolenza relatata mal-elezzjonijiet u dwar l-allegazzjonijiet ta' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, u jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat li kull min jinstab responsabbli jitressaq quddiem il-ġustizzja; jitlob, barra minn hekk, li l-UE, f'kollaborazzjoni man-NU u mal-Unjoni Afrikana, tkompli tissorvelja mill-qrib is-sitwazzjoni ġenerali fil-Gabon u tirrapporta l-każijiet kollha ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali; jieħu nota tat-talbiet għal inkjesta preliminari fil-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI) dwar il-vjolenza li seħħet wara l-elezzjoni;

10. Iħeġġeġ lill-Kunsill Ewropew biex jibda proċess ta' konsultazzjoni skont l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Cotonou malli jkun hemm nuqqas ta' progress fid-djalogu politiku intensifikat; jitlob li l-Kunsill, jekk ma jkun jista' jintlaħaq l-ebda qbil fi ħdan il-proċess ta' konsultazzjoni, jikkunsidra li jimponi sanzjonijiet immirati fuq dawk responsabbli għall-vjolenza postelettorali u għall-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem, u għall-imminar tal-proċess demokratiku fil-pajjiż;

Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo

11. Jiddeplora l-fatt li l-Gvern Kongoliż naqas milli jorganizza l-elezzjoni presidenzjali fi żmien l-iskadenza kostituzzjonali; itenni s-sejħa tiegħu biex jittieħdu l-passi kollha meħtieġa ħalli jinħoloq ambjent li jwassal għal elezzjonijiet ħielsa, ġusti u kredibbli mhux aktar tard minn Diċembru 2017, f'konformità sħiħa mal-Kostituzzjoni Kongoliża u mal-Karta Afrikana dwar id-Demokrazija, l-Elezzjonijiet u l-Governanza;

12. Iħeġġeġ lill-atturi politiċi kollha biex jinvolvu ruħhom fi djalogu paċifiku u kostruttiv, jipprevjenu kwalunkwe deterjorament tal-kriżi politika kurrenti u joqogħdu lura milli jwettqu aktar vjolenza u provokazzjonijiet;

13. Jilqa' l-isforzi tal-Konferenza Episkopali Nazzjonali tal-Kongo (CENCO) biex issawwar kunsens usa' dwar tranżizzjoni politika; jieħu nota tal-ftehim li ntlaħaq lejn tmiem Diċembru 2016 li jiċħad it-tielet mandat lill-President Kabila u li jitlob li l-elezzjoni ssir qabel tmiem l-2017; ifakkar lill-partijiet kollha dwar l-impenn tagħhom fil-konfront ta' dan il-ftehim, u għalhekk iħeġġiġhom japplikawh fil-komponenti kollha tiegħu u jistabbilixxu mill-aktar fis kalendarju konkret għall-elezzjonijiet li jmiss; ifakkarhom fil-konsegwenzi gravi li jkun hemm kemm-il darba ma jirnexxilhomx iwasslu għal eżitu ta' suċċess;

14. Iħeġġeġ lill-Gvern Kongoliż biex jindirizza minnufih il-kwistjonijiet miftuħa relatati mal-istabbiliment tas-sekwenza tal-kalendarju elettorali, il-baġit tiegħu u l-aġġornament tar-reġistru elettorali bil-għan li elezzjonijiet liberi, ġusti u trasparenti jkunu jistgħu jsiru; ifakkar li l-Kummissjoni Elettorali Nazzjonali Indipendenti għandha tkun istituzzjoni imparzjali u inklussiva mogħnija b'riżorsi suffiċjenti li jippermettu proċess trasparenti u komprensiv;

15. Jitlob li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-ftehim u l-organizzazzjoni tal-proċess elettorali; u jitlob li l-atturi internazzjonali kollha jagħtu lir-Repubblika Demokratika tal-Kongo l-appoġġ politiku, finanzjarju, tekniku u loġistiku kollu meħtieġ biex l-elezzjonijiet isiru sa Diċembru 2017; jitlob trasparenza rigward kull appoġġ finanzjarju mill-Unjoni Ewropea u mill-Istati Membri tagħha għall-elezzjonijiet Kongoliżi;

16. Iħeġġeġ li ssir investigazzjoni sħiħa, eżawrjenti u trasparenti dwar l-atti ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem li allegatament seħħew waqt il-protesti sabiex dawk responsabbli jiġu identifikati u jkollhom jagħtu rendikont ta' għemilhom;

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

17. Jilqa' l-adozzjoni tas-sanzjonijiet immirati tal-UE, inklużi l-projbizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar u l-iffriżar tal-assi, kontra dawk responsabbli għar-repressjoni vjolenti u għall-imminar tal-proċess demokratiku fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo; jitlob li l-Kunsill jikkunsidra li jestendi dawn il-miżuri restrittivi jekk iseħħu każijiet ulterjuri ta' vjolenza, kif jipprevedi l-Ftehim ta' Cotonou;

o

o o

18. Jistieden lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU biex jinvestiga l-atti ta' ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem li seħħew dan l-aħħar fiż-żewġ pajjiżi;

19. Jistieden lill-awtoritajiet Kongoliżi u Gaboniżi biex jirratifikaw il-Karta Afrikana dwar id-Demokrazija, l-Elezzjonijiet u l-Governanza mill-aktar fis possibbli;

20. Jitlob li d-Delegazzjoni tal-UE tuża l-għodod u l-istrumenti kollha xierqa biex tappoġġja lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u lill-movimenti favur id-demokrazija, u tibda djalogu politiku msaħħaħ mal-awtoritajiet, kif jipprevedi l-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Cotonou;

21. Jitlob, barra minn hekk, li l-UE u l-pajjiżi tal-AKP, f'kollaborazzjoni man-NU u mal-Unjoni Afrikana, jibqgħu jissorveljaw mill-qrib is-sitwazzjoni ġenerali fiż-żewġ pajjiżi;

22. Jenfasizza li s-sitwazzjoni fil-Gabon u fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo tikkostitwixxi theddida serja għall-istabbiltà tar-reġjun tal-Afrika Ċentrali kollu kemm hu; itenni l-appoġġ tiegħu għall-Unjoni Afrikana fir-rwol kruċjali tagħha fil-prevenzjoni ta' kriżi politika fir-reġjun u ta' kwalunkwe destabbilizzazzjoni ulterjuri tar-Reġjun tal-Lagi l-Kbar;

23. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Unjoni Afrikana, lill-Presidenti, lill-Prim Ministri u lill-Parlamenti tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo u tal-Gabon, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU u lill-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE.

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

P8_TA(2017)0018

Implimentazzjoni dwar Erasmus +

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Frar 2017 dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi "Erasmus+": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażagħ u sport u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE (2015/2327(INI))

(2018/C 252/04)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 165 u 166 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 14 tagħha,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi "Erasmus+": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażagħ u sport u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE ([1]),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni 2006/962/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim ta' matul il-ħajja, ([2])

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2009 dwar qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ (2010-2018) ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2010 dwar il-promozzjoni tal-aċċess taż-żgħażagħ għas-suq tax-xogħol, it-tisħiħ tal-istejtus ta' min jitħarreġ, tal-internship u l-apprendistat ([4]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2010 dwar l-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Jannar 2011 bit-titolu "L-Iżvilupp tad-Dimensjoni Ewropea fl-Isport" (COM(2011)0012),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Mejju 2011 dwar "Żgħażagħ attivi: qafas biex jittejbu s-sistemi Ewropej ta' edukazzjoni u taħriġ" ([5]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Settembru 2011 bit-titolu "Insostnu t-tkabbir u l-impjiegi – aġenda għall-immodernizzar tas-sistemi ta' edukazzjoni għolja fl-Ewropa" (COM(2011)0567),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2011 dwar "Aġenda Ewropea mġedda għat-tagħlim għall-adulti" ([6]),

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 50.
([2]) ĠU L 394, 30.12.2006, p. 10.
([3]) ĠU C 311, 19.12.2009, p. 1.
([4]) ĠU C 351 E, 2.12.2011, p. 29.
([5]) ĠU C 377 E, 7.12.2012, p. 77.
([6]) ĠU C 372, 20.12.2011, p. 1.

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-28 u tad-29 ta' Novembru 2011 dwar punt ta' riferiment għall-mobbiltà għat-tagħlim ([1]),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali ([2]),

— wara li kkunsidra r-Rapport Konġunt tal-Kunsill u l-Kummissjoni tal-2012 dwar l-implimentazzjoni tal-Qafas Strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET2020) – "L-Edukazzjoni u t-Taħriġ f'Ewropa intelliġenti, sostenibbli u inklussiva" ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar "Reviżjoni tal-edukazzjoni" ([4]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2014 dwar l-edukazzjoni effettiva tal-għalliema,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2014 dwar l-assigurazzjoni tal-kwalità li tappoġġa l-edukazzjoni u t-taħriġ,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni dwar il-promozzjoni taċ-ċittadinanza u l-valuri komuni tal-libertà, it-tolleranza u n-nondiskriminazzjoni permezz tal-edukazzjoni (id-"Dikjarazzjoni ta' Pariġi"), adottata fil-laqgħa informali tal-Ministri tal-Edukazzjoni tal-Unjoni Ewropea fis-17 ta' Marzu 2015 f'Pariġi,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Settembru 2015 dwar il-promozzjoni tal-intraprenditorija fost iż-żgħażagħ permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ ([5]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Settembru 2015 bit-titolu "L-Abbozz tar-Rapport Konġunt tal-2015 tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-implementazzjoni tal-qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ (mill-2010 sal-2018)" (COM(2015)0429),

— wara li kkunsidra r-Rapport Konġunt tal-2015 tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Qafas Strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET 2020) "Prijoritajiet ġodda għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u fit-taħriġ" ([6]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tal-edukazzjoni bikrija tat-tfal u l-edukazzjoni primarja fit-trawwim tal-kreattività, l-innovazzjoni u l-kompetenza diġitali ([7]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskejjel u l-promozzjoni tas-suċċess fl-iskola ([8]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' April 2016 dwar it-tagħlim tal-UE fl-iskejjel ([9]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' April 2016 dwar il-programm Erasmus+ u strumenti oħra sabiex titrawwem il-mobilità fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali – approċċ ta' tagħlim tul il-ħajja ([10]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2016 dwar l-iżvilupp tal-litteriżmu fil-media u l-ħsieb kritiku permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2016 dwar ir-rwol tas-settur taż-żgħażagħ f'approċċ integrat u transsettorjali biex tiġi evitata u miġġielda r-radikalizzazzjoni vjolenti taż-żgħażagħ,

([1]) ĠU C 372, 20.12.2011, p. 31.
([2]) ĠU C 398, 22.12.2012, p. 1.
([3]) ĠU C 70, 8.3.2012, p. 9.
([4]) ĠU C 208, 10.6.2016, p. 32.
([5]) Testi adottati, P8_TA(2015)0292.
([6]) ĠU C 417, 15.12.2015, p. 25.
([7]) ĠU C 172, 27.5.2015, p. 17.
([8]) ĠU C 417, 15.12.2015, p. 36.
([9]) Testi adottati, P8_TA(2016)0106.
([10]) Testi adottati, P8_TA(2016)0107.

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Ġunju 2016 bit-titolu "Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa" (COM(2016)0381),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ġunju 2016 dwar is-segwitu tal-Qafas Strateġiku għall-Kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET 2020) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, kif ukoll l-Artikolu 1(1)(e) tar-Regoli ta' Proċedura, u l-Anness 3 tad-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tat-12 ta' Diċembru 2002 dwar il-proċedura għall-għoti ta' awtorizzazzjoni biex jiġu ppreparati rapporti ta' inizjattiva proprja,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Baġits u l-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, (A8-0389/2016),

A. billi Erasmus+ hu wieħed mill-programmi tal-UE li l-iktar irnexxew u huwa għodda ewlenija favur l-appoġġ ta' attivitajiet fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport u huwa mfassal biex itejjeb il-potenzjal tal-karriera taż-żgħażagħ u joffri rabtiet soċjali lill-parteċipanti; billi matul il-perjodu 2014-2020 ingħatat l-opportunità lil aktar minn erba' miljun Ewropew biex jistudjaw, jitħarrġu u jagħmlu volontarjat f'pajjiż ieħor;

B. billi l-Kummissjoni Ewropea wriet flessibilità u ħadet passi innovattivi biex timmira lejn sfidi ġodda, bħalma hi proposta għar-rifuġjati, u biex trawwem valuri ċiviċi fi ħdan l-inċentivi li joffri Erasmus+ lejn djalogu interkulturali aktar attiv u parteċipattiv;

C. billi r-rilevanza kbira edukattiva, politika u ekonomika kif ukoll ir-rilevanza għas-soċjetà tal-programm hija riflessa fiż-żieda fil-baġit ta' 40 % għall-perjodu tal-programm, u fir-rata ta' impenn tal-baġit previst, li laħqet kważi 100 % minħabba għadd kbir ta' applikazzjonijiet;

D. billi għadha mhix disponibbli d-data kollha rilevanti għal analiżi kwantitattiva u kwalitattiva sħiħa tal-implimentazzjoni, u billi għadu kmieni wisq biex issir valutazzjoni kwalitattiva tal-impatt tal-programm;

E. billi r-riżultati tal-Istudju dwar l-Impatt ta' Erasmus tal-2014 ([2]) juru li dawk li studjaw jew tħarrġu barra mill-pajjiż għandhom darbtejn aktar ċans li jsibu impjieg meta mqabbla ma' oħrajn li m'għandhomx esperjenza simili, li 85 % tal-istudenti ta' Erasmus jistudjaw jew jitħarrġu barra minn pajjiżhom sabiex itejbu l-impjegabilità tagħhom barra mill-pajjiż, li r-rata tal-qgħad ta' dawk li studjaw jew tħarrġu barra l-pajjiż huwa 23 % inqas ħames snin wara li jiggradwaw; billi l-Istudju dwar l-Impatt ta' Erasmus juri wkoll li 64 % ta' dawk li jħaddmu jaħsbu li esperjenza internazzjonali hija importanti għar-reklutaġġ (meta mqabbla ma' 37 % biss fl-2006) u li l-gradwati bi sfond internazzjonali jingħataw responsabilità professjonali akbar; billi wieħed minn kull tliet trainees ta' Erasmus jiġu offruti impjieg fl-intrapriża fejn ikunu għamlu t-traineeship tagħhom u kważi wieħed minn kull għaxar trainee ta' Erasmus li jkun għadda minn esperjenza ta' xogħol fetaħ kumpanija tiegħu stess u tlieta minn kull erbgħa jippjanaw jew għandhom il-ħsieb li jagħmlu l-istess;

Konklużjonijiet prinċipali

1. Jinnota li Erasmus+ hu l-programm ewlieni tal-UE dwar il-mobilità, l-edukazzjoni u t-taħriġ, li ġie allokat żieda ta' 40 % fil-baġit meta mqabbel mal-perjodu 2007-2013, minħabba r-riżultati pożittivi tiegħu u d-domanda għolja għalih;

2. Jinnota li l-maġġoranza l-kbira tal-aġenziji nazzjonali jistennew li l-objettivi tal-programm Erasmus+ fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażagħ jintlaħqu;

3. Iqis li l-programm Erasmus+ għandu rwol vitali fit-trawwim tal-identità u l-integrazzjoni Ewropej, is-solidarjetà, it-tkabbir inklużiv u sostenibbli, l-impjiegi ta' kwalità, il-kompetittività, il-koeżjoni soċjali u l-mobilità tal-ħaddiema żgħażagħ billi jagħti kontribut pożittiv għat-titjib tas-sistemi Ewropej ta' edukazzjoni u taħriġ, it-tagħlim tul il-ħajja, iċ-ċittadinanza Ewropea attiva, u prospetti aħjar għall-impjiegi, billi jipprovdi lill-Ewropej bl-opportunità li jakkwistaw numru ta' ħiliet u kompetenzi personali u professjonali trasversali u trasferibbli permezz ta' studji, taħriġ, esperjenza ta' xogħol barra mill-pajjiż, u ta' volontarjat, kif ukoll billi joffri lill-individwi l-possibilità li jgħixu b'mod aktar indipendenti, li jadattaw aktar faċilment u jiksbu żvilupp personali;

([1]) Testi adottati, P8_TA(2016)0291.
([2]) http://ec.europa.eu/dgs/education_culture/repository/education/library/study /2014/erasmus-impact_en.pdf

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

4. Jenfasizza li, għalkemm il-programm b'mod ġenerali huwa aktar viżibbli mill-predeċessur tiegħu, il-programmi settorjali differenti għad m'għandhomx viżibilità; ifakkar f'dan il-kuntest li l-fatturi u l-karatteristiċi speċifiċi tas-setturi differenti jridu jiġu kkunsidrati matul l-implimentazzjoni tal-programm;

5. Jenfasizza li formati speċifiċi għas-settur bħas-sessjonijiet ta' ħidma Grundtvig u inizjattivi nazzjonali taż-żgħażagħ miftuħa għal gruppi informali jeħtiġilhom jerġgħu jiġu introdotti, u inizjattivi transnazzjonali taż-żgħażagħ għandhom ikunu aċċessibbli b'mod aktar faċli; jipproponi li l-impatt tal-programm jiġi massimizzat permezz ta' azzjonijiet eliġibbli ġodda, pereżempju bl-introduzzjoni ta' skambji taż-żgħażagħ fuq skala kbira abbażi tal-istruttura fuq skala kbira tas-Servizz Volontarju Ewropew (SVE) fil-qafas tal-Azzjoni Ewlenija 1 (KA1);

6. Jenfasizza li l-kapitolu tal-programm dwar iż-żgħażagħ hu l-iktar wieħed milqut mill-interess dejjem akbar taċ-ċittadini Ewropej f'Erasmus+; jinnota li, attwalment, 36 % tas-sottomissjonijiet kollha ta' Erasmus+ huma fil-qasam taż-żgħażagħ, b'żieda ta' 60 % f'sottomissjonijiet bejn l-2014 u l-2016;

7. Jirrikonoxxi l-importanza tad-Djalogu Strutturat tal-UE dwar iż-żgħażagħ, proċess parteċipattiv li jagħti liż-żgħażagħ u lill-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ l-opportunità li jipparteċipaw fit-tfassil tal-politika tal-UE għaż-żgħażagħ u jinfluwenzawha, u jilqa' l-appoġġ li l-programm qed jipprovdi għall-proċess permezz tal-appoġġ għall-Gruppi ta' Ħidma Nazzjonali u l-Azzjoni Ewlenija 3 (KA3) tal-proġetti ta' Djalogu Strutturat; jinnota li s-Servizz Volontarju Ewropew huwa format ta' tagħlim u esperjenza intensiv għaż-żgħażagħ u jirrikjedi qafas ta' kwalità għolja; jenfasizza li l-aċċess għall-programm Erasmus+ għandu jkompli jibqa' riżervat primarjament għas-soċjetà ċivili;

8. Jirrikonoxxi li, skont rapporti minn partijiet interessati fil-livelli kollha, filwaqt li l-ewwel sentejn u nofs tal-implimentazzjoni tal-programmi kienu diffiċli u ta' sfida, sadanittant sar titjib, għalkemm is-simplifikazzjonijiet introdotti permezz ta' approċċ wieħed tajjeb għal kulħadd f'ħafna każijiet kellhom effett negattiv; iqis li l-fatt li jkun hemm inqas ostakoli burokratiċi jwassal għal programm usa' u aktar aċċessibbli; għalhekk jitlob li jsiru iżjed sforzi biex titnaqqas il-burokrazija tul iċ-ċiklu tal-proġett u biex jiġu stabbiliti l-ispejjeż b'mod xieraq u b'rabta mal-baġit jew it-tip ta' proġett; fl-istess ħin, iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ id-djalogu mas-sħab soċjali, l-awtoritajiet lokali u s-soċjetà ċivili sabiex jiġi żgurat l-akbar aċċess possibbli għall-programm; jiddispjaċih li, minħabba l-piż amministrattiv għoli, il-finanzjament ta' Erasmus+ jista' ma jkunx possibbli għal organizzazzjonijiet iżgħar; jemmen li r-rekwiżiti burokratiċi u ta' rappurtar għandhom jiġu ssimplifikati;

9. Jiddispjaċih dwar il-fatt li l-Kummissjoni ma tipprovdi l-ebda data dwar il-kwalità ta' proġetti ta' suċċess; jenfasizza li l-analiżi tal-kwalità ta' kull proġett u l-espożizzjoni trasparenti tar-riżultati huma pass ovvju li l-Kummissjoni għandha tieħu, u dan jista' jikkontribwixxi għal rata ogħla ta' suċċess fl-applikazzjonijiet;

10. Jenfasizza l-għan ta' implimentazzjoni aktar sempliċi, aktar faċli għall-utent u aktar flessibbli għadu ma ntlaħaqx; jiddeplora f'dan il-kuntest in-nuqqas kontinwu ta' ċarezza u livell mhux ugwali ta' dettall fil-Gwida tal-Programm, kif ukoll il-formoli ta' applikazzjoni kkumplikati ż-żejjed li poġġew lill-applikanti iżgħar, mingħajr esperjenza u mhux professjonisti fi żvantaġġ konsiderevoli; jenfasizza l-ħtieġa li wieħed jimpenja ruħu favur titjib fil-programm, jagħmlu aktar faċli għall-utent filwaqt li titqies l-importanza li ssir distinzjoni bejn id-diversi setturi u gruppi ta' benefiċjarji; jiddispjaċih dwar il-perjodi twal ta' pagament ta' Erasmus+ li jaffettwaw il-possibilitajiet ta' organizzazzjonijiet iżgħar biex japplikaw għal finanzjament;

11. Jistieden lill-Kummissjoni tissimplifika b'mod sinifikanti l-proċedura ta' applikazzjoni, u tibdel il-Gwida tal-Programm u tagħmilha aktar faċli għall-utent u speċifika għas-settur, billi tgħaqqad flimkien l-informazzjoni rilevanti kollha għal kull programm settorjali f'kapitolu wieħed, u tippubblika l-formoli ta' applikazzjoni fil-lingwi uffiċjali kollha fl-istess ħin tal-gwida tal-programm u ferm qabel id-data ta' skadenza tal-applikazzjoni, u kif ukoll tipprovdi indikazzjoni ċara tad-dokumenti meħtieġa f'kull stadju; jitlob kjarifika u simplifikazzjoni tat-taqsima finanzjarja tal-formola elettronika; jenfasizza li valutazzjoni kkoordinata u kosistenti, appoġġata minn esperti indipendenti, hija meħtieġa għall-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet;

12. Jenfasizza l-importanza ta' eżiti ċari tat-tagħlim u deskrizzjonijiet ta' impjieg speċifiċi għall-esperjenzi ta' xogħol f'pajjiż ieħor fil-kuntest ta' Erasmus+ għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-istudenti, it-trainees, l-apprendisti u l-voluntiera; jenfasizza li t-tħejjija tal-kandidati qabel l-esperjenzi internazzjonali tagħhom hija parti integrali tal-attività u jeħtieġ li tinkludi sessjonijiet ta' gwida għall-karriera u korsijiet tal-lingwa, kif ukoll korsijiet ta' taħriġ ta' integrazzjoni soċjali u kulturali, inkluża komunikazzjoni bejn il-kulturi li trawwem il-parteċipazzjoni tal-persuni fis-soċjetà u ttejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien tagħhom; meta wieħed iqis l-importanza tal-multilingwiżmu fit-titjib tal-

impjegabilità taż-żgħażagħ, iqis li għandhom isiru aktar sforzi għall-promozzjoni u l-appoġġ tal-multilingwiżmu fil-programm Erasmus+; jilqa' l-fatt li l-ħiliet fil-lingwi barranin tal-parteċipanti f'Erasmus+ se jissaħħu, inklużi lingwi ġirien li jistgħu iżidu l-mobilità u l-impjegabilità fis-suq tax-xogħol transfruntier; iqis li l-korsijiet tal-lingwa għal parteċipanti tal-mobilità li jiġu f'pajjiż jistgħu jitwasslu b'kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet edukattivi u l-kumpaniji ospitanti, u jiġu adattati għall-qasam ta' studju jew traineeship tagħhom;

13. Ifakkar li minkejja ż-żieda sinifikanti fil-baġit ġenerali, żieda limitata biss għall-ewwel nofs tal-perjodu tal-programm ġiet prevista fil-QFP, li wassal, sfortunatament, għaċ-ċaħda ta' ħafna proġetti ta' kwalità għolja u għalhekk rata baxxa ta' suċċess u ta' nuqqas ta' sodisfazzjon kbir fost l-applikanti;

14. Jilqa' ż-żieda ta' fondi disponibbli għall-programm Erasmus+ għas-sena 2017 bi kważi EUR 300 miljun meta mqabbel mal-2016; jenfasizza wkoll il-ħtieġa li dawn il-fondi jintużaw parzjalment għal titjib fil-partijiet dgħajfa tal-programm u l-iktar biex jiżdied l-għadd ta' proġetti ta' kwalità;

15. Jirrikonoxxi li l-investiment mill-baġit tal-UE taħt Erasmus+ jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-titjib tal-ħiliet, għall-impjegabilità u anqas riskju ta' qgħad fit-tul għaż-żgħażagħ Ewropej, kif ukoll għaċ-ċittadinanza attiva u l-inklużjoni soċjali taż-żgħażagħ;

16. Jemmen li ż-żieda ta' 12,7 % fil-baġit totali fl-2017 meta mqabbel mal-2016 u żidiet annwali ulterjuri tal-bqija tas-snin tal-programm se jirriżultaw f'rati ta' suċċess ogħla u sodisfazzjon akbar fost l-applikanti; jistenna l-implimentazzjoni tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li talloka EUR 200 miljun addizzjonali għall-perjodu li fadal tal-programm, għalkemm hu meħtieġ sforz baġitarju anki akbar biex tiġi koperta d-domanda f'setturi sottofinanzjati, li fil-fatt huwa ħafna ogħla mill-fondi disponibbli; jinnota li 48 % tal-aġenziji nazzjonali jirrapportaw li l-azzjonijiet tal-programm mhumiex iffinanzjati b'baġit suffiċjenti;

17. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tanalizza l-azzjonijiet ewlenin tal-programm u s-setturi li jidhru li għandhom nuqqas ta' finanzjament, bħal l-Azzjoni Ewlenija 2 tas-Sħubiji Strateġiċi (KA2), l-edukazzjoni tal-adulti, iż-żgħażagħ, l-edukazzjoni skolastika, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (ETV) u l-edukazzjoni ogħla, u dawk li jistgħu jibbenefikaw l-aktar minn żidiet baġitarji; jissottolija l-ħtieġa li jinżamm monitoraġġ kontinwu tal-programm bl-għan li jiġu identifikati dawk l-oqsma u s-setturi, biex jiġu adottati miżuri korrettivi malajr kemm jista' jkun; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat biżżejjed finanzjament għall-mobilità, filwaqt li tingħata attenzjoni speċifika biex tiżdied il-mobilità ta' gruppi sottorappreżentati; jenfasizza li, minħabba ħtiġijiet speċifiċi għas-settur, huma meħtieġa linji baġitarji speċjali għal setturi differenti; jirrimarka li l-baġit għandu jintuża esklużivament bħala parti mid-dipożizzjonijiet tal-programm;

18. Jenfasizza li mezzi virtwali huma mod wieħed biex jiġi appoġġat it-tixrid u l-isfruttament tar-riżultati, iżda li l-kuntatti personali u l-attivitajiet wiċċ imb'wiċċ għandhom rwol importanti ħafna għas-suċċess ta' proġett u tal-programm inġenerali; f'dan ir-rigward jemmen li l-kampanji ta' sensibilizzazzjoni fl-Istati Membri jenħtieġ li jinkludu seminars u attivitajiet li jilħqu l-parteċipanti potenzjali in persona;

19. Jenfasizza wkoll li komponent qawwi għall-parteċipanti kollha f'Erasmus+ huwa l-iżvilupp tal-ħiliet lingwistiċi tagħhom; jilqa', għalhekk, l-għodod online tal-lingwa li huma offruti mill-Kummissjoni, iżda jinnota li l-qafas (nazzjonali, reġjonali, lokali) akkompanjanti għandu jiġi stabbilit sabiex il-mobilità tkun ta' suċċess, b'mod partikolari għal tfal tal-età tal-iskola u l-istudenti tal-ETV, kif ukoll il-persunal, biex jiġu megħjuna fl-integrazzjoni tagħhom f'ambjenti differenti;

20. Jinnota li, attwalment, 1 % biss taż-żgħażagħ fi skemi ta' taħriġ relatati max-xogħol, inklużi l-apprendisti, huma involuti fi skemi ta' mobilità matul it-taħriġ tagħhom; jirrimarka li huwa essenzjali li jinħolqu l-kundizzjonijiet għal mobilità akbar tal-apprendisti fi ħdan l-UE, sabiex l-apprendisti jingħataw l-istess opportunitajiet bħal studenti ta' edukazzjoni għolja u b'hekk jintlaħqu l-objettivi tal-ġlieda kontra l-qgħad, b'mod partikolari l-qgħad fost iż-żgħażagħ;

21. Jenfasizza l-importanza ta' edukazzjoni informali u mhux formali, il-ħaddiema fil-qasam taż-żgħażagħ, il-parteċipazzjoni fl-isport u l-volontarjat fil-Programm Erasmus+ bħala modi kif jiġi stimulat l-iżvilupp tal-kompetenzi ċiviċi, soċjali u interkulturali, biex jitrawmu l-inklużjoni soċjali u ċ-ċittadinanza attiva taż-żgħażagħ u biex jingħata kontribut għall-iżvilupp tal-kapital uman u soċjali tagħhom;

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

22. Jenfasizza li preċedentement, Erasmus u Leonardo kienu primarjament immirati lejn żgħażagħ b'livelli ogħla ta' ħiliet u b'għażliet ta' aċċess għas-suq tax-xogħol aħjar, u ma rnexxilhomx jilħqu lill-aktar vulnerabbli; jiġbed l-attenzjoni lejn l-objettiv tal-UE li jitnaqqsu t-tluq bikri mill-iskola u l-faqar; jenfasizza li l-persuni li jieqfu mill-iskola qabel iż-żmien, li huma grupp ta' individwi b'riskju għoli ta' faqar u qgħad, għandhom ikunu sew fil-mira tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-programm Erasmus+; jenfasizza li l-programmi għal dawk li jitilqu mill-iskola qabel iż-żmien ma jistgħux ikunu l-ETV ġenerali standard jew programmi ta' skambju iżda għandhom jiffukaw fuq il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, fuq aċċess faċli u finanzjament sempliċi fl-imkien ma' ambjenti ta' tagħlim informali jew mhux formali;

23. Jinnota l-isfidi l-ġodda tas-soċjetà u l-kontenut tal-impjiegi li jinsab f'evoluzzjoni kontinwa; ifakkar li l-programm Erasmus+ iħejji wkoll liż-żgħażagħ għax-xogħol u jqis li għandu jkun hemm attenzjoni speċjali lejn bidla minn kompetenzi speċifiċi għax-xogħol għal ħiliet personali, il-promozzjoni tal-akkwist ta' settijiet ta' ħiliet u ta' kompetenzi trasversali u trasferibbli bħall-intraprenditorjat, il-litterizmu fl-ICT, il-ħsieb kreattiv, is-soluzzjoni tal-problemi u mentalità innovattiva, l-awtostima, l-adattabilità, il-bini tal-ispirtu ta' tim, il-ġestjoni ta' proġetti, il-valutazzjoni tar-riskju u t-teħid ta' riskju, kif ukoll kompetenzi soċjali u ċiviċi li huma ta' rilevanza għolja għas-suq tax-xogħol; iqis li dan għandu jinkludi wkoll il-benesseri fuq il-post tax-xogħol, bilanċ tajjeb bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, u l-integrazzjoni ta' persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà;

24. Jinnota li l-Faċilità ta' Garanzija ta' Self lill-Istudenti kienet biss imnieda fi Frar 2015 wara l-iffirmar tal-ftehim ta' delega mal-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI) f'Diċembru 2014, u li sal-lum hemm biss tliet banek fi Franza u Spanja li jipparteċipaw f'din l-għodda innovattiva; jiddispjaċih li din l-għodda finanzjarja għadha 'l bogħod milli tilħaq ir-riżultati mistennija, peress li sa llum huma biss 130 student tal-Masters li qed jipparteċipaw; jitlob li ssir valutazzjoni kritika tal-Faċilità ta' Garanzija ta' Self, billi jiġu eżaminati l-iskop u l-aċċessibilità tagħha madwar l-Ewropa, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-Parlament, tipproponi strateġija biex talloka mill-ġdid parti mill-baġit li probabbilment mhux se tintuża sal-2020; jissottolinja li r-rata ġenerali ta' studenti bid-dejn għandha tiġi mmonitorjata sabiex jiġi ggarantit li l-istrumenti finanzjarji komprensivi użati mill-programm jissarrfu f'aktar individwi megħjuna;

25. Jiddispjaċih li l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lid-dilettanti sportivi, u d-dilettanti sportivi b'diżabilità b'mod partikolari, fil-livell lokali huma estremament sottorappreżentati bħala parteċipanti tal-proġett fl-implimentazzjoni ta' proġetti tal-isports tal-massa; jilqa' l-introduzzjoni ta' Sħubiji Kollaborattivi Żgħar b'inqas rekwiżiti amministrattivi bħala pass importanti li jippermetti lill-organizzazzjonijiet tal-isports tal-massa iżgħar biex jieħdu sehem fil-programm u jissaħħu aktar; jenfasizza li azzjoni intersettorjali, li f'dan il-każ issaħħaħ aktar mill-qrib ir-rabta bejn l-isport u l-edukazzjoni, tista' tikkontribwixxi biex jiġi indirizzat dan in-nuqqas; jinnota li din il-prattika għandha tiġi estiża għal oqsma oħra ta' finanzjament tal-proġett Erasmus+, speċjalment għal organizzazzjonijiet volontarji;

26. Jilqa' b'mod partikolari l-involviment tal-programm Erasmus+ fil-kooperazzjoni u l-attivitajiet tal-isport tal-massa; iħeġġeġ lill-Kummissjoni ttejjeb l-aċċessibilità u l-parteċipazzjoni fil-programm minn atturi dilettanti bħall-klabbs tal-isport; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta jekk il-finanzjament eżistenti disponibbli għall-isport taħt il-programm Erasmus+ huwiex qed jintuża b'mod effettiv u għall-benefiċċju tal-isport għad-dilettanti, u, jekk le, biex jiġu identifikati alternattivi għal titjib b'enfasi fuq l-isport u l-edukazzjoni fil-livelli bażiċi biex tissaħħaħ il-viżibilità, biex tiġi promossa l-attività fiżika u l-isport isir aktar aċċessibbli għaċ-ċittadini kollha tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ approċċ transsettorjali rigward l-isport għad-dilettanti fost l-azzjonijiet rilevanti kollha ta' Erasmus+ u biex tikkoordina l-azzjonijiet f'dan il-qasam sabiex jiġu żgurati l-effikaċja u l-impatt mixtieq tagħhom;

27. Jenfasizza l-valur miżjud ta' azzjonijiet tal-ETV ta' Erasmus+ fl-appoġġ tal-integrazzjoni jew l-integrazzjoni mill-ġdid ta' gruppi żvantaġġati f'opportunitajiet ta' edukazzjoni jew ta' taħriġ vokazzjonali sabiex tissaħħaħ it-tranżizzjoni tagħhom għas-suq tax-xogħol;

28. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, inklużi l-aġenziji tal-UE bħal Cedefop itejbu l-kwalità, l-aċċessibilità u l-ugwaljanza fl-aċċess tal-programmi ta' mobilità ETV sabiex dawn jagħtu valur miżjud lill-parteċipanti kollha f'termini ta' kwalifiki, rikonoxximent u kontenut, u biex jiġi żgurat li jiġu introdotti standards ta' kwalità għall-programmi ta' apprendistati;

29. Jirrikonoxxi li, fir-rigward tar-rati għolja ta' qgħad fost iż-żgħażagħ f'ċerti Stati Membri, objettiv ewlieni ta' Erasmus+ huwa li jħejji ż-żgħażagħ għall-impjieg; fl-istess ħin jenfasizza b'mod partikolari l-ħtieġa li jiġi ppreservat l-istatus ta' attivitajiet barra mill-iskola, it-taħriġ vokazzjonali u l-istudju fi ħdan il-programm Erasmus+;

30. Ifakkar lill-Kummissjoni li p-persuni b'diżabilitajiet, bħall-persuni neqsin mis-smigħ, għandhom ħtiġijiet speċjali, u għalhekk jeħtieġu finanzjament adegwat u appoġġ xieraq, bħal interpreti tal-lingwa tas-sinjali, u aċċess għal aktar informazzjoni u għotja raġonevoli biex jiksbu aċċess għall-programm Erasmus+; jistieden lill-Kummissjoni tkompli l-ħidma tagħha biex tintroduċi miżuri ulterjuri sabiex tagħti lill-persuni b'diżabilità aċċess mingħajr ostakli u nondiskriminatorju għall-programmi ta' boroż ta' studju kollha fil-qafas ta' Erasmus+; iqis li jkun utli, jekk ikun hemm bżonn, li jinħatru l-ħekk imsejħa "coaches" fi ħdan l-aġenziji nazzjonali, bil-għan li jagħtu pariri dwar l-aħjar allokazzjoni possibbli ta' finanzjament;

31. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu appoġġati, jew finanzjarjament jew permezz ta' inċentivi fiskali, l-SMEs li joffru taħriġ vokazzjonali taħt il-programm Erasmus+;

Rakkomandazzjonijiet

32. Iqis li l-programm Erasmus+ huwa wieħed mill-pilastri ewlenin għall-adattament tal-popolazzjoni Ewropea għat-tagħlim tul il-ħajja; jitlob lill-Kummissjoni, għalhekk, tisfrutta bis-sħiħ id-dimensjoni tat-tagħlim tul il-ħajja tal-programm billi trawwem u tinkoraġġixxi kooperazzjoni transettorjali taħt Erasmus+, li hija ħafna ogħla minn dik taħt il-programmi preċedenti, u biex tevalwa l-kooperazzjoni transsettorjali fl-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-programm ippreżentat fi tmiem l-2017; jirrikonoxxi li l-proġetti u l-attivitajiet transsettorjali juru l-potenzjal li jittejjeb ir-rendiment tal-programm; jitlob li l-mobilità edukattiva ssir parti minn kwalunkwe programm ta' edukazzjoni għolja jew vokazzjonali sabiex titjieb il-kwalità tal-edukazzjoni għolja u tas-sistema tal-ETV, biex individwi jiġu megħjuna jtejbu l-ħiliet professjonali tagħhom, il-kompetenzi tagħhom u l-iżvilupp tal-karriera tagħhom, kif ukoll biex tissaħħaħ is-sensibilizzazzjoni tal-kompetenzi miksuba matul il-mobilità fis-setturi mmirati kollha u biex jitrawwem l-għarfien dwar it-tagħlim, it-taħriġ u l-ħidma taż-żgħażagħ; jitlob opportunitajiet aħjar għall-istudenti tal-ETV biex isegwu internship jew parti mill-istudji tagħhom f'pajjiżi ġirien, pereżempju permezz tal-finanzjament tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar ta' studenti li jibqgħu jgħixu f'pajjiżhom stess;

33. Jindika Erasmus+ bħala strument importanti għal titjib fil-kwalità tal-ETV madwar l-UE; jenfasizza l-fatt li l-ETV inklużiva ta' kwalita u l-mobilità tal-ETV għandhom rwol ekonomiku u soċjali essenzjali fl-Ewropa, f'suq tax-xogħol li qiegħed jinbidel rapidament, bħala mezz biex jipprovdu liż-żgħażagħ u lill-adulti bil-ħiliet professjonali u l-ħiliet tal-ħajja meħtieġa għat-tranżizzjoni mill-edukazzjoni u t-taħriġ għax-xogħol; jenfasizza li l-ETV u l-mobilità tal-ETV għandhom irawmu opportunitajiet indaqs, in-nondiskriminazzjoni u l-inklużjoni soċjali għaċ-ċittadini kollha, inklużi n-nisa li huma sottorappreżentati fl-ETV u persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, inklużi r-Rom, iż-żgħażagħ qiegħda, il-persuni b'diżabilitajiet, l-abitanti ta' żoni remoti, l-abitanti tar-reġjuni ultraperiferiċi u l-migranti; jissuġġerixxi wkoll li tingħata attenzjoni lill-benefiċjarji bi kwalifiki baxxi sabiex tiżdied il-parteċipazzjoni tagħhom u b'hekk tittejjeb il-kapaċità tal-programmi li jilħqu lill-udjenza fil-mira;

34. Jirrimarka li f'xi Stati Membri għad hemm selettività soċjali biex wieħed ikollu aċċess għall-mobilità; jiddispjaċih li l-inugwaljanzi fi ħdan u bejn l-Istati Membri qegħdin jagħmlu l-aċċess għall-programm diffiċli għaliex joħolqu ostakli għall-applikanti, speċjalment għall-studenti bi dħul baxx; jinnota l-perċentwal għoli ta' studenti fil-mobilità appoġġati minn partijiet terzi (il-familja, il-ġenituri, is-sħab, l-atturi lokali qrib il-benefiċjarji); jinnota li ħafna studenti ħaddiema jirriżenjaw mill-parteċipazzjoni tagħhom fil-mobilità minħabba t-telf potenzjali ta' dħul; jinnota li t-tneħħija ta' ostakli għall-mobilità, bħall-ostakli finanzjarji, u rikonoxximent aħjar ta' eżiti ta' xogħol/studju internazzjonali huma għodod importanti biex l-objettivi KA1 jintlaħqu; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jżidu l-għajnuna finanzjarja għal dawk li ma jistgħux jipparteċipaw minħabba restrizzjonijiet finanzjarji, u jfittex possibilitajiet oħra biex tiġi ffaċilitata l-mobilità tagħhom sabiex Erasmus+ isir verament aċċessibbli għal kulħadd; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw l-ugwaljanza bejn is-sessi u aċċess ugwali għall-programm;

35. Jistieden lill-Kummissjoni tiggarantixxi l-mobilità mal-Ewropa kollha anki fi żminijiet ta' kriżi u biex iżżomm għażliet li jagħmluha possibbli għall-pajjiżi li jipparteċipaw fiż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja biex ikollhom aċċess għall-programm Erasmus+;

36. Ikompli jesprimi tħassib dwar il-fatt li Erasmus+ huwa kkunsidrat miż-żgħażagħ u mill-pubbliku ġenerali prinċipalment bħala programm għall-edukazzjoni għolja; jirrakkomanda, għaldaqstant, li tingħata aktar importanza biex il-profil jissaħħaħ fil-livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali tas-setturi differenti li l-persuni jistgħu japplikaw għalihom, inkluż l-edukazzjoni fil-livell tal-iskola, l-edukazzjoni għolja, l-edukazzjoni għolja internazzjonali, l-ETV, l-edukazzjoni għall-adulti, iż-żgħażagħ u l-isport u l-volontarjat kif ukoll b'enfasi fuq il-possibilità ta' proġetti trasversali, b'mod partikolari permezz ta' kampanja ta' informazzjoni u ħidma fir-relazzjonijiet pubbliċi dwar il-kontenut tal-programmi kollha;

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

37. Iqis il-marki stabbiliti (Comenius, Erasmus, Erasmus Mundus, Leonardo da Vinci, Grundtvig u Żgħażagħ fl-Azzjoni) u logos tagħhom bħala għodda importanti fil-promozzjoni tal-varjetà tal-programm; jinnota wkoll li l-isem "Erasmus+" qed isir l-iktar wieħed magħruf, speċjalment għall-persuni żodda; jenfasizza li l-programm għandu jiddefendi l-isem ġdid tiegħu "Erasmus+" u jenħtieġ li jkompli juża metodi differenti biex tiġi promossa s-sensibilizzazzjoni; jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tkompli tenfasizza r-relazzjoni tal-programm Erasmus+ bl-ismijiet tal-marki stabbiliti u l-varjetà wiesgħa tiegħu ta' sottoprogrammi; jappella li l-isem "Erasmus+" jiżdied mal-programmi individwali (sabiex isiru "Erasmus+ Comenius", "Erasmus+ Mundus", "Erasmus+ Leonardo da Vinci", "Erasmus+ Grundtvig" u "Erasmus+ Żgħażagħ fl-Azzjoni"); jistieden lill-partijiet interessati kollha jkomplu jużawhom, speċjalment fil-pubblikazzjonijiet u l-fuljetti, sabiex tinżamm u tissaħħaħ l-identità tal-programmi settorjali, biex jiġi żgurat ir-rikonoxximent imtejjeb u biex tingħeleb kull konfużjoni fost il-benefiċjarji; jistieden lill-Kummissjoni tfassal il-gwida ta' Erasmus+ bl-għajnuna ta' marki stabbiliti sew u biex tuża dawn it-tikketti rigorożament fil-gwida;

38. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-isforzi tagħha lejn mod ta' ħidma miftuħ, konsultattiv u trasparenti u biex tkompli ttejjeb il-kooperazzjoni tagħha mas-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili (inkluż, fejn xieraq, l-assoċjazzjonijiet tal-ġenituri, l-istudenti, l-għalliema u l-persunal mhux għalliem, u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ) fil-livelli kollha ta' implimentazzjoni; jenfasizza li l-programm Erasmus+ għandu jsir xempju tat-trasparenza tal-Unjoni Ewropea, rikonoxxut bħala tali miċ-ċittadini tagħha, li jevolvi lejn sitwazzjoni fejn 100 % tad-deċiżjonijiet u l-proċessi tiegħu isiru kompletament trasparenti, speċjalment rigward id-dimensjonijiet finanzjarji tagħhom; ifakkar li deċiżjonijiet kompletament trasparenti jipprovdu fehim aktar ċar għal dawn il-proġetti u individwi li l-applikazzjonijiet tagħhom ma kinux ta' suċċess;

39. Jenfasizza r-rwol importanti tal-Kumitat tal-Programm, kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 li jistabbilixxi Erasmus+, bħala attur ewlieni fl-implimentazzjoni tal-programm u sabiex jitkattar il-valur miżjud Ewropew permezz ta' komplementarjetà u sinerġija mtejba bejn Erasmus+ u l-politiki fil-livell nazzjonali; jitlob rwol aktar b'saħħtu għall-Kumitat tal-programm u r-rwol tiegħu fid-deċiżjonijiet politiċi; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tikkondividi informazzjoni ddettaljata dwar id-distribuzzjoni ta' fondi ċentralizzati lill-Kumitat tal-Programm;

40. Jenfasizza li dawn l-għodod tal-IT ma jenħtieġx li jinftiehmu biss bħala mezz għall-proċessi ta' ġestjoni, applikazzjoni u amministrazzjoni, iżda li jistgħu wkoll jipprovdu modi importanti biex jinżamm kuntatt mal-benefiċjarji, u l-iffaċilitar ta' kuntatt bejn il-pari fosthom, billi potenzjalment jipprovdu appoġġ għal bosta proċessi oħrajn, p.e. rispons mingħand il-benefiċjarji, mentoring reċiproku u tisħiħ fil-viżibilità tal-programm;

41. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura skambju regolari ta' informazzjoni u kooperazzjoni tajba bejn l-awtoritajiet nazzjonali, il-korpi ta' implimentazzjoni u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-livell Ewropew u l-aġenziji nazzjonali kemm fl-azzjonijiet tal-programm deċentralizzati u dawk ċentralizzati; jistieden lill-aġenziji nazzjonali jagħtu l-informazzjoni kollha meħtieġa fuq il-homepages tagħhom fl-istess format u bl-istess kontenut kulfejn dan ikun possibbli;

42. Jistieden lill-Kummissjoni u, rispettivament, lid-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni u l-Kultura (DĠ EAC) u lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA) rispettivament, biex jabilitaw aktar promozzjoni ta' azzjonijiet deċentralizzati, bħall-KA2, billi jipproponu finanzjament adegwat li jkun proporzjonali għad-daqs tal-azzjonijiet;

43. Jinkoraġġixxi aktar tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-aġenziji nazzjonali u l-EACEA sabiex jiġu promossi azzjonijiet ċentralizzati tal-Programm Erasmus+, biex jingħata l-appoġġ meħtieġ, sabiex tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-programm, biex tingħata informazzjoni addizzjonali dwar il-programm fost applikanti potenzjali, u biex jiġi skambjat feedback dwar titjib fil-proċess ta' implimentazzjoni tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa, b'kollaborazzjoni mal-aġenziji nazzjonali, linji gwida ta' implimentazzjoni Ewropej għall-aġenziji nazzjonali; jitlob li jiġu ffaċilitati l-kuntatti bejn il-Kummissjoni, l-aġenziji nazzjonali, il-benefiċjarji tal-programm, ir-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-EACEA bl-iżvilupp ta' pjattaforma ta' komunikazzjoni għall-iskambju ta' informazzjoni u prattiki tajbin, fejn il-partijiet kollha interessati jistgħu jirċievu informazzjoni ta' kwalità, kif ukoll biex dawn jikkondividu l-esperjenzi u s-suġġerimenti tagħhom u għal aktar titjib fil-programm; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu involuti l-partijiet interessati u l-benefiċjarji fil-laqgħat tal-Kumitat tal-Programm; jenfasizza li, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1288/2013, dan jista' jiġi ffaċilitat bil-ħolqien ta' sottokumitati permanenti li jinvolvi lir-rappreżentanti tal-partijiet interessati u l-benefiċjarji, l-aġenziji nazzjonali settorjali, il-Membri tal-Parlament Ewropew u rappreżentanti mill-Istati Membri;

44. Jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi l-modalitajiet ta' ħlas lill-aġenziji nazzjonali, l-iskadenzi għall-applikazzjonijiet u l-perjodi ta' approprjazzjoni, u li taġġustahom b'mod korrispondenti; jinnota li aktar flessibilità fl-għotjiet għall-mobilità u l-ispejjeż amministrattivi favur soġġorni itwal barra mill-pajjiż għandhom jiġu magħmula possibbli għall-aġenziji nazzjonali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tagħti aktar flessibilità lill-aġenziji nazzjonali biex iċaqalċu fondi bejn il-KAs sabiex jegħlbu n-nuqqasijiet potenzjali fil-finanzjament abbażi tal-ħtiġijiet tal-benefiċjarji; jissuġġerixxi l-aġenziji nazzjonali jiġu fdati b'dan il-proċess, minħabba l-familjarità tagħhom man-nuqqasijiet potenzjali fil-finanzjament fil-pajjiż rispettiv tagħhom; jinnota li żieda fil-flessibilità twassal għall-ħtieġa ta' monitoraġġ u għal trasparenza korrispondenti;

45. Jinsab imħasseb dwar l-għadd dejjem jonqos ta' pool projects taħt Leonardo u jitlob li l-aġenziji nazzjonali jkollhom ambitu akbar ta' teħid ta' deċiżjonijiet fir-rigward tal-ammont ta' sussidji tan-nefqa amministrattiva, sabiex ikunu jistgħu jqisu b'mod aktar effettiv partikolaritajiet nazzjonali bħas-sistema doppja;

46. Huwa mħasseb dwar id-diffikultajiet tal-aġenziji nazzjonali fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' regoli tal-programmi u jfakkar li 82 % tal-baġit ta' Erasmus+ huwa ġestit taħt azzjonijiet deċentralizzati; jistieden lill-Kummissjoni tissimplifika d-definizzjonijiet u jtejjeb il-gwida dwar l-azzjonijiet deċentralizzati u tiżgura l-applikazzjoni konsistenti tar-regoli u r-regolamenti tal-programmi bejn l-aġenziji nazzjonali, waqt li jiġu osservati standards komuni ta' kwalità, l-evalwazzjoni tal-proġetti, u l-proċeduri amministrattivi, u b'hekk tiġi ggarantita implimentazzjoni uniformi u koerenti tal-programm Erasmus+, l-aħjar riżultati għall-baġit tal-UE u l-evitar ta' rati ta' żball;

47. Jemmen li l-prestazzjoni tal-aġenziji nazzjonali jenħtieġ li tiġi evalwata u mtejba b'mod regolari sabiex tiġi ssalvagwardjata l-prestazzjoni tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-UE; jirrikonoxxi li r-rati ta' parteċipazzjoni u l-esperjenza tal-parteċipanti u tas-sħab jenħtieġ li jkunu element ewlieni f'dan ir-rigward;

48. Jissuġġerixxi li l-istruttura organizzattiva tas-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni tiġi allinjata mal-istruttura tal-programm;

49. Jitlob aktar titjib fl-għodod rilevanti tal-IT u li jsir enfasi fuq is-simplifikazzjoni, il-faċilita' tal-użu u titjib fir-rabtiet bejn l-għodod differenti pjuttost milli jiġu żviluppati oħrajn ġodda; ifakkar, f'dan il-kuntest, li għodod ġodda tal-IT huma fost l-iktar mezzi favoriti ta' interazzjoni bil-web użati minn ċittadini żgħażagħ; jissottolinja li t-teknoloġiji tal-IT jistgħu jaqdu rwol importanti biex tissaħħaħ il-viżibilità tal-programm;

50. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tiżviluppa l-eTwinning, l-iSchool Education Gateway, l-Open Education Europe, EPALE, il-Portal Ewropew taż-Żgħażagħ u l-pjattaformi tal-VALOR IT sabiex tagħmilhom aktar attraenti u faċli għall-utent; jitlob lill-Kummissjoni tinkludi evalwazzjoni ta' dawn il-pjattaformi fl-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu ta' Erasmus+, li għandha tiġi ppreżentata fi tmiem l-2017;

51. Jistieden lill-Kummissjoni tottimizza l-prestazzjoni u l-faċilità tal-użu tal-għodod tal-IT, bħall-Mobility Tool, u pjattaformi oħra ta' appoġġ tal-IT bħall-Pjattaforma Elettronika għat-Tagħlim tal-Adulti fl-Ewropa (EPALE), biex jiġi żgurat li l-benefiċjarji tal-programm jisfruttaw bis-sħiħ l-esperjenzi tagħhom, kif ukoll jippromwovu l-kollaborazzjoni transfruntiera u l-iskambju tal-aħjar prattiki;

52. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ id-dimensjoni tal-edukazzjoni skolastika tal-programm, billi tippermetti aktar mobilità tal-istudenti, is-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi u ta' finanzjament għall-iskejjel u l-fornituri tal-edukazzjoni mhux formali, u b'hekk tieħu vantaġġ tal-intenzjoni ġenerali ta' Erasmus+ biex trawwem il-kooperazzjoni transettorjali, u bil-ħsieb li tinkoraġġixxi lill-fornituri tal-edukazzjoni mhux formali sabiex jinvolv ruħhom fi sħubiji mal-iskejjel; iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-ħidma fil-qasam taż-żgħażagħ u l-prattiki ta' żvilupp tal-edukazzjoni mhux formali fi ħdan il-programm billi tappoġġa l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u ta' fornituri oħra ta' ħidma fost iż-żgħażagħ, kif ukoll permezz ta' appoġġ kontinwu għas-sħubija taż-żgħażagħ bejn l-UE u l-Kunsill tal-Ewropa;

53. Jilqa' l-introduzzjoni ta' żewġ tipi ta' sħubija strateġika bħala l-ewwel pass pożittiv u importanti biex jiżdiedu l-possibilitajiet biex organizzazzjonijiet żgħar jieħdu sehem fil-programm, peress li ħafna drabi jesperjenzaw diffikultajiet biex jissodisfaw ir-rekwiżiti u b'hekk isofru diskriminazzjoni, li tippreġudika r-reputazzjoni u s-sens ta' persważjoni tal-programm; jistieden lill-Kummissjoni twettaq titjib li se jagħmel il-programm aktar attraenti sabiex jiġi żgurat li aktar organizzazzjonijiet żgħar jiġu inklużi fl-attivitajiet tal-programm bl-għan aħħari li jiżdied is-sehem tagħhom fil-programm, b'kont meħud tar-rekwiżiti tal-kwalità; jilqa' l-istabbiliment tal-linji gwida ta' implimentazzjoni Ewropej u sit tal-FAQs aktar

dettaljata għar-razzjonalizzazzjoni tat-tweġibiet dwar il-kriterji ta' selezzjoni u biex jintwerew il-proġetti magħżula sabiex tiġi ċċarata s-selezzjoni u l-organizzazzjonijiet żgħar jingħataw appoġġ aħjar; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu involuti diversi organizzazzjonijiet parteċipanti fl-attivitajiet tal-programm u biex jinżamm bilanċ bejniethom;

54. Jirrakkomanda li l-ammonti ta' sussidju fis-settur ta' kooperazzjoni bejn l-iskejjel jitnaqqsu għall-benefiċċju tal-ammont ta' proġetti ssussidjati, sabiex jiġu ssussidjati direttament l-iskambji skolastiċi, u b'hekk aktar laqgħat personali bejn nies ta' kulturi u lingwi differenti jkunu possibbli; jissottolinja s-sinifikat ta' esperjenzi personali ma' persuni minn sfondi kulturali differenti fir-rigward tal-promozzjoni ta' identità Ewropea u l-idea fundamentali tal-integrazzjoni Ewropea, u jirrakkomanda li jsiru tentattivi biex l-akbar numru possibbli ta' persuni jieħdu sehem, li għandu ċertament ikun il-każ għall-għanijiet tal-programmi kollha; jilqa' f'dan il-kuntest it-titjib li diġà seħħ, iżda jistenna li r-regoli jsiru aktar flessibbli bħala parti mis-sħubiji strateġiċi mill-aġenziji nazzjonali u l-Kummissjoni;

55. Meta wieħed iqis l-importanza tal-multilingwiżmu fiż-żieda tal-impjegabilità taż-żgħażagħ ([1]), iqis li għandhom isiru iktar sforzi għall-promozzjoni u l-appoġġ tal-multilingwiżmu fil-programm Erasmus+;

56. Jinnota, fil-kuntest tal-isfidi l-ġodda tas-soċjetà għall-Ewropa, il-ħtieġa li jissaħħaħ approċċ Ewropew biex jiġu ffaċċati l-isfidi komuni Ewropej permezz ta' appoġġ għall-proġetti ta' innovazzjoni fuq skala kbira fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażagħ imwettqa min-netwerks tas-Soċjetà Ċivili Ewropea; jirrimarka li dan jista' jsir billi tiġi allokata parti mill-finanzjament totali ta' Erasmus+ ta' KA2 għall-"Kooperazzjoni għall-innovazzjoni u l-iskambju tal-prattiki tajba" tal-azzjonijiet ċentralizzati;

57. Jinnota li 75 % tal-aġenziji nazzjonali rrapportaw piż amministrattiv għoli, li jnaqqas il-kapaċità ta' investiment tal-baġit tal-UE u li jhedded li jkollu impatt dirett fuq il-benefiċjarji; jappella lid-DĠ EAC u lill-EACEA jtejbu l-implimentazzjoni, speċjalment fil-proċess ta' applikazzjoni;

58. Jilqa' l-introduzzjoni tas-sistema tal-ispejjeż unitarji fil-programm sabiex jiġi minimizzat il-piż amministrattiv; jilqa' wkoll l-aġġustamenti magħmula fl-2016 u previsti għall-2017 mill-Kummissjoni; jinnota li, minħabba r-rekwiżiti regolatorji, xi Stati Membri ma jistgħux japplikaw din is-sistema jew inkella jsibu li l-livelli ta' nfiq mhumiex adegwati meta mqabbla mal-infiq reali; iqis iż-żieda ulterjuri fir-rati tal-ispiża unitarja bħala neċessarji biex jipprovdu appoġġ finanzjarju suffiċjenti għall-parteċipanti tal-proġett, u jenfasizza l-ħtieġa li jiġi garantit li l-parteċipanti u l-organizzazzjonijiet minn żoni remoti u reġjuni fil-fruntieri ma jkunux żvantaġġati mis-sistema tal-ispiża unitarja; jitlob li l-impenn personali qawwi, b'mod partikolari mill-ħafna voluntiera u l-għalliema, kif ukoll tal-applikanti l-oħra kollha, jiġu ppremjati b'mod xieraq; jitlob l-introduzzjoni (mill-ġdid) ta' finanzjament għall-bidu ta' proġetti sabiex isir kuntatt ma' sħab ta' kooperazzjoni potenzjali jew għal-laqgħat preparatorji, jew allowance totali suffiċjenti biex dawn l-ispejjeż jiġu koperti, pereżempju; jenfasizza li f'dan il-qasam it-trasparenza hija komponent essenzjali tar-rekwiżiti ta' trasparenza u l-miri ġenerali tal-programm Erasmus+;

59. Jilqa' s-simplifikazzjoni introdotta bl-użu ta' somom f'daqqa u finanzjament b'rata fissa; iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssib modi biex ittejjeb aktar il-proċedura amministrattiva kkumplikata għall-applikanti f'setturi differenti tal-programm; jinsab imħasseb li l-aġenziji nazzjonali qed jirrapportaw piż tal-awditjar ogħla;

60. Jinnota l-ħtieġa li jiżdied l-appoġġ operazzjonali għal netwerks Ewropej taħt KA3 "Appoġġ għar-riforma tal-politika" sabiex jiġu mmassimizzati l-promozzjoni u t-tixrid tal-opportunitajiet offruti mill-programm Erasmus+;

61. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu l-passi rilevanti biex tagħmel il-volontarjat eliġibbli bħala sors ta' kontribuzzjonijiet proprji għall-baġit tal-proġett, peress li dan jiffaċilita l-parteċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet iżgħar, speċjalment fl-isport, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li Erasmus+ jippermetti r-rikonoxximent tal-ħin iddedikat għall-attivitajiet tal-volontarjat bħala kofinanzjament fil-forma ta' kontribuzzjonijiet materjali, u li l-proposta l-ġdida tal-Kummissjoni għal linji gwida finanzjarji tinkludi dan bħala possibilità; jenfasizza li l-kontribut tal-volontarjat irid ikun rikonoxxut u jingħata viżibilità, jingħata s-sinjifikat speċjali tiegħu għall-programm, dejjem jekk ikun immonitorjat sabiex jiġi żgurat li l-volontarjat jikkomplimenta, iżda ma jissostitwixxix, l-investiment ta' riżorsi pubbliċi;

62. Jirrikonoxxi l-valur ekonomiku u soċjali tal-volontarjat u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tappoġġa aħjar lill-organizzazzjonijiet ibbażati fuq il-volontarjat fl-azzjonijiet tal-programm;

([1]) JRC Science and Policy Report on Languages and Employability, 2015.

63. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex jitwaqqaf Korp Ewropew ta' Solidarjetà; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tinvolvi organizzazzjonijiet tal-volontarjat fl-iżvilupp ta' din l-inizjattiva ġdida sabiex tiżgura valur miżjud u valur kumplimentari fit-tisħiħ tal-volontarjat fl-Unjoni Ewropea; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħmlu sforz baġitarju biex jilqgħu din l-inizjattiva ġdida mingħajr ma jippermettu sottofinanzjament ta' programmi oħra attwali u ta' prijorità, u jitlob li jiġu eżaminati possibilitajiet li jintegrawha fis-Servizz Volontarju Ewropew sabiex jissaħħaħ il-volontarjat fl-UE mingħajr ma jiġu dduplikati inizjattivi u programmi;

64. Jenfasizza li l-volontarjat huwa espressjoni ta' solidarjetà, libertà u responsabilità li tikkontribwixxi għat-tisħiħ taċ-ċittadinanza attiva u għall-żvilupp personali tal-bniedem; iqis li l-volontarjat huwa wkoll għodda essenzjali għall-inklużjoni u l-koeżjoni soċjali, kif ukoll għat-taħriġ, l-edukazzjoni u d-djalogu interkulturali, filwaqt li jingħata kontribut importanti għat-tixrid tal-valuri Ewropej; jemmen li s-Servizz Volontarju Ewropew għandu jiġi rikonoxxut għar-rwol tiegħu fit-trawwim tal-iżvilupp ta' ħiliet u kompetenzi li jistgħu jiffaċilitaw l-aċċess tal-parteċipanti tas-Servizz Volontarju Ewropew fis-suq tax-xogħol; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol diċenti għall-voluntiera u jimmonitorjaw jekk jiġux rispettati bis-sħiħ il-kuntratti li taħthom jaħdmu l-voluntiera; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-parteċipanti fis-Servizz Volontarju Ewropew qatt ma jitqiesu jew jintużaw bħala sostituzzjoni għax-xogħol;

65. Jitlob li l-perjodu tat-teħid ta' deċiżjonijiet jinżamm qasir kemm jista' jkun, sabiex l-evalwazzjoni ta' applikazzjonijiet issir b'mod koerenti u kkoordinat u sabiex l-applikazzjonijiet miċħuda jkunu akkumpanjati minn ġustifikazzjoni trasparenti u komprensibbli, sabiex ma jkunx hemm telf drastiku ta' inċentiv fost l-utenti tal-programmi tal-UE;

66. Iħeġġeġ bil-qawwa aktar trasparenza fl-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet u l-kwalità tal-feedback lill-applikanti kollha; jistieden lill-Kummissjoni tiggarantixxi li jkun hemm sistema effettiva ta' feedback biex il-benefiċjarji tal-programm jirrapportaw lura lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe irregolarità li huma jkunu jistgħu jidentifikaw fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-programm Erasmus+; jistieden ukoll lill-Kummissjoni ttejjeb u żżid il-fluss ta' informazzjoni bejn l-istituzzjonijiet Ewropej responsabbli għall-implimentazzjoni tal-programm u l-korpi nazzjonali; iħeġġeġ lill-aġenziji nazzjonali u l-EACEA, bl-għan li titjieb l-implimentazzjoni tal-programm, biex jingħataw opportunitajiet ta' taħriġ għall-evalwaturi, u biex jiġu organizzati laqgħat regolari mal-benefiċjarji u żjarat lejn il-proġetti;

67. Jinnota l-importanza tat-tisħiħ tad-dimensjoni lokali tas-Servizz Volontarju Ewropew; jissuġġerixxi li l-voluntiera tas-Servizz Volontarju Ewropew jingħataw appoġġ akbar mhux biss qabel it-tluq, iżda ukoll mar-ritorn tagħhom fil-komunitajiet lokali tagħhom fil-forom ta' taħriġ orjentat lejn is-segwitu u l-integrazzjoni tiegħu sabiex dan jgħinhom jiskambjaw l-għarfien espert Ewropew bil-promozzjoni tal-volontarjat fil-livell lokali;

68. Jappoġġa ż-żieda fl-effikaċja u fl-effiċjenza permezz ta' proġetti fuq skala akbar; jinnota, madankollu, li għandu jkun hemm bilanċ bejn il-gruppi ta' applikanti żgħar u dawk kbar;

69. Jitlob lill-Kummissjoni tarmonizza r-rati ta' prefinanzjament indikati kemm jista' jkun matul il-programm sabiex il-benefiċjarji kollha jingħataw l-istess vantaġġi u biex tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-proġett, speċjalment għal organizzazzjonijiet żgħar; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-istituzzjonijiet il-kbar ma jingħatawx preferenza fuq il-kontropartijiet iżgħar u anqas stabbiliti sew tagħhom, f'termini ta' applikanti għall-programm;

70. Jieħu nota tal-iżbilanċi reġjonali fil-parteċipazzjoni fl-azzjonijiet iffinanzjati minn Erasmus+, fil-livell tal-UE u f'xi żoni fl-Istati Membri; jinsab imħasseb li r-rati ta' suċċess tal-azzjonijiet tiegħu huma relattivament baxxi, u li huma diverġenti madwar l-UE; jappella għal azzjoni mmirata u f'waqtha sabiex titwessa' l-parteċipazzjoni u jittejbu r-rati ta' suċċess irrispettivament mill-oriġini tal-applikanti, ħaġa li tfittex li talloka ftit mill-finanzjament għal miżuri speċifiċi biex tippromwovi u tissensibilizza l-għarfien dwar din l-inizjattiva, partikolarment f'dawk ir-reġjuni fejn l-aċċess għall-finanzjament għadu relattivament baxx;

71. Jinnota li l-implimentazzjoni ta' Erasmus+ fir-reġjuni tal-UE turi talbiet ta' finanzjament u prijoritajiet ta' intervent differenti li jirrikjedu lil xi Stati Membri jiffokaw mill-ġdid l-interventi tal-programm biex jiżguraw li l-effikaċja tirrifletti l-flus minfuqa;

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

72. Jinnota d-diskrepanzi mhux ġustifikati fl-għotjiet bejn il-pajjiżi u l-metodi ta' allokazzjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinvestiga l-eżiti tal-konsegwenzi ta' tali differenzi fi sforz biex jiġu minimizzati d-differenzi soċjoekonomiċi fl-Unjoni Ewropea; jinkoraġġixxi żieda ulterjuri fir-rati ta' għotjiet, kif ukoll l-aġġustament tagħhom għall-għoli tal-ħajja fil-pajjiż ospitanti ta' mobilità, sabiex titħeġġeġ il-parteċipazzjoni ta' studenti żvantaġġati soċjoekonomikament, l-istudenti u l-persunal bi ħtiġijiet speċjali, u l-istudenti u l-persunal minn reġjuni mbiegħda;

73. Jinnota li l-akbar effett pożittiv ta' għotjiet ta' mobilità Erasmus+, u d-domanda ogħla għalihom, fl-Ewropa tal-Lvant u tan-Nofsinhar jikkuntrastaw mal-baġit ġenerali limitat għall-programm, li jwassal għal proporzjon kbir ta' applikazzjonijiet rifjutati; jipproponi li l-Kummissjoni tintensifika l-isforzi tagħha għall-promozzjoni tal-mobilità mill-Ewropa tal-Punent lejn l-Ewropa tal-Lvant;

74. Jiddispjaċih li l-inugwaljanza dejjem tikber fi ħdan u bejn l-Istati Membri, u r-rata għolja ta' qgħad fost iż-żgħażagħ fl-UE qed jagħmlu l-aċċess għall-programm diffiċli minħabba li dawn joħolqu ostakli għall-mobilità għall-applikanti minn reġjuni bi dħul baxx li ġew milquta aktar bil-kbir mill-kriżi ekonomika u mit-tnaqqis; jiddikjara li l-programm Erasmus+ u l-(ETV) jeħtieġ li jkunu attivi f'żoni remoti u reġjuni tal-fruntiera tal-UE wkoll; iqis li l-għoti ta' aċċess u ta' opportunitajiet indaqs għall-abitanti ta' dawn ir-reġjuni hija bidla pożittiva ħafna u mezz biex jitnaqqas il-qgħad fost iż-żgħażagħ u jiġi appoġġat l-irkupru ekonomiku;

75. Jenfasizza li l-għotjiet ta' appoġġ għall-mobilità tal-individwi fi ħdan il-programm Erasmus+ għandhom ikunu eżentati mit-tassazzjoni u mill-imposti soċjali;

76. Jistieden lill-Kummissjoni tirrikonoxxi n-natura speċjali tal-proġetti u l-mobilità li jinvolvu nies bi bżonnijiet speċjali u persuni ġejjin minn ambjenti żvantaġġati; iħeġġeġ promozzjoni akbar tal-possibilitajiet għal persuni bi bżonnijiet speċjali u għal dawk li ġejjin minn ambjenti żvantaġġati biex jipparteċipaw fil-programm, inklużi r-rifuġjati, u jitlob li jiġi ffaċilitat l-aċċess tagħhom għalih;

77. Jenfasizza li għalkemm sar progress fir-rikonoxximent ta' perjodi ta' studju, krediti, kompetenzi u ħiliet permezz ta' tagħlim mhux formali u informali miksub barra mill-pajjiż, dawn l-isfidi jibqgħu; jissottolinja li r-rikonoxximent ta' kwalifiki internazzjonali huwa essenzjali għall-mobilità u jifforma l-bażi għal kooperazzjoni ulterjuri fil-qasam Ewropew tal-edukazzjoni għolja; jenfasizza l-importanza li jsir użu sħiħ tal-għodod kollha tal-UE għall-validazzjoni tal-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi essenzjali għar-rikonoxximent tal-kwalifiki;

78. Jenfasizza li l-għadd ta' perjodi ta' studju mitmuma barra mill-pajjiż permezz tal-iskema Erasmus żdied b'mod kostanti mill-2008, minkejja l-kriżi ekonomika, finanzjarja u soċjali; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, fl-istess ħin, l-għadd ta' kollokazzjonijiet tax-xogħol barra mill-pajjiż żdied b'mod esponenzjali; jikkonkludi li l-kollokazzjonijiet tax-xogħol huma ovvjament ikkunsidrati miż-żgħażagħ bħala opportunità eċċellenti biex itejbu l-impjegabilità tagħhom; jirrakkomanda lill-Kummissjoni u lill-aġenziji, l-organizzaturi u l-istituzzjonijiet nazzjonali, biex iqisu dan l-iżvilupp;

79. Jenfasizza li, minħabba l-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki ([1]), sar titjib fir-rikonoxximent u l-validazzjoni tas-sistemi ta' diplomi, kwalifiki, krediti, ċertifikati ta' ħiliet, akkreditazzjoni tal-kompetenzi fl-edukazzjoni u l-ETV, iżda jinnota li għad hemm il-problemi; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li l-kompetenzi u l-kwalifiki żviluppati permezz tal-esperjenza ta' mobilità internazzjonali fi kwalunkwe ambjent – ambjent ta' tagħlim formali, traineeship ta' kumpaniji jew volontarjat u attività għaż-żgħażagħ – ikunu dokumentati kif suppost, validati, rikonoxxuti u magħmula komparabbli fi ħdan is-sistema nazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni tirriforma u tagħmel progress lejn it-tisħiħ tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki mir-rakkomandazzjoni attwali għal strument aktar b'saħħtu sabiex ikun appoġġjat il-moviment ħieles; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu użu sistematiku u jkomplu jiżviluppaw l-istrumenti Ewropej eżistenti bħall-Europass, il-Youthpass u l-ECVET; iħeġġeġ l-iżvilupp ta' kwalifiki tal-ETV konġunti li jistgħu jiżguraw ir-rikonoxximent internazzjonali tal-kwalifiki; jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw b'mod sħiħ u f'waqtu r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali;

80. Jenfasizza li l-edukazzjoni mhux formali u t-tagħlim għall-adulti jippromwovu ħiliet bażiċi u ħiliet personali bħall-kompetenzi soċjali u ċiviċi li huma rilevanti għas-suq tax-xogħol kif ukoll il-benesseri fix-xogħol u bilanċ tajjeb bejn ix-xogħol u l-ħajja privata; jirrimarka li l-edukazzjoni mhux formali u t-tagħlim għall-adulti għandhom rwol kruċjali biex jilħqu lill-gruppi żvantaġġati tas-soċjetà u jgħinuhom jiżviluppaw ħiliet li jappoġġjawhom biex jidħlu fis-suq tax-xogħol u jsibu impjiegi sostenibbli u ta' kwalità, jew li jtejbu s-sitwazzjoni tal-impjieg tagħhom, kif ukoll jikkontribwixxu għal Ewropa aktar demokratika;

([1]) ĠU C 111, 6.5.2008, p. 1.

81. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu programmi tal-ETV, jindika li sistemi ta' traineeship u ta' intership ikunu opportunitajiet formattivi li ma jissostitwixxux karigi professjonali full-time, li jiggarantixxu kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u paga xierqa għall-apprendisti u li fl-ebda każ il-kompetenzi attribwiti lil benefiċjarji ma għandhom jiġu sostitwiti b'dawk adattati għal impjegat;

82. Jinnota l-ħidma ta' implimentazzjoni aktar impenjattiva għall-aġenziji nazzjonali fil-programm attwali; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi lill-aġenziji nazzjonali b'riżorsi suffiċjenti u l-assistenza meħtieġa, biex b'hekk l-implimentazzjoni tal-programm issir aktar effiċjenti u l-aġenziji nazzjonali jkunu jistgħu jindirizzaw sfidi ġodda li jirriżultaw minn żieda fil-baġit;

83. Jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja l-kriterji ta' kwalità użati mill-aġenziji nazzjonali fl-evalwazzjonijiet tal-proġetti u l-iskambji tal-aħjar prattika f'dan ir-rigward; jinkoraġġixxi programmi ta' taħriġ għall-evalwaturi sabiex ikomplu l-iżvilupp tagħhom, speċjalment fi proġetti transsettorjali, u sabiex ikunu jistgħu jagħtu feedback ta' kwalità lill-applikanti kollha sabiex jitħeġġeġ it-twettiq tal-għanijiet fi proġetti futuri u biex titjieb il-prestazzjoni ta' applikanti futuri;

84. Jemmen li l-kejl tal-kwalità jenħtieġ li jkun importanti bħala kejl kwantitattiv; jitlob it-tfassil ta' kejl ta' kwalità fil-kuntest tal-programm Erasmus+;

85. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jivvalidaw u jirrikonoxxu t-tagħlim formali u mhux formali u l-apprendistati; iħeġġeġ lill-Istati Membri jipprovdu lill-apprendisti żgħażagħ b'informazzjoni aħjar dwar il-possibilitajiet li huma miftuħa għalihom u biex jagħtu aktar appoġġ liċ-ċentri ta' tagħlim bl-għan li jipparteċipaw fil-programm Erasmus+, iżda wkoll biex jistabbilixxu miżuri anċillari fil-każijiet ta' esperjenza ta' mobilità transfruntiera f'pajjiżi ġirien sabiex l-apprendisti jiġu megħjuna fl-akkomodazzjoni u t-trasport;

86. Jappoġġja mobilità akbar fl-edukazzjoni u fil-programmi ta' apprendistat u l-perjodi ta' traineeship taħt il-programmi tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ, bl-għan li jittaffew il-livelli għolja ta' qgħad fost iż-żgħażagħ u l-iżbilanċi ġeografiċi fl-Unjoni Ewropea;

87. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tidentifika l-parteċipazzjoni inugwali attwali tal-istituzzjonijiet tal-ETV fil-programmi ta' mobilità tal-UE f'pajjiżi u reġjuni sabiex tnaqqas dawn id-differenzi permezz ta' kollaborazzjoni u skambju ta' informazzjoni mtejba fost l-aġenziji nazzjonali għal Erasmus+, bl-appoġġ tal-ħidma komuni fost l-istituzzjonijiet tal-ETV billi l-istituzzjonijiet tal-ETV b'esperjenza jiġu konnessi ma' istituzzjonijiet oħra, billi dawn joffru miżuri ta' appoġġ għall-politika u suġġerimenti speċifiċi lill-istituzzjonijiet tal-ETV, u t-titjib tas-sistemi ta' appoġġ tal-ETV diġà eżistenti;

88. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, sabiex titrawwem il-mobilità tal-għalliema, il-letturi u l-persunal mhux akkademiku, biex jirrikonoxxu l-parteċipazzjoni tagħhom fil-programmi ta' mobilità bħala parti importanti ta' progress fil-karriera tagħhom, u jekk ikun possibbli, biex jintroduċu sistema ta' ppremjar marbuta mal-parteċipazzjoni fi programmi ta' mobilità, pereżempju fil-forma ta' benefiċċji finanzjarji jew it-tnaqqis tal-ammont tax-xogħol;

89. Jistieden lill-aġenziji nazzjonali jipprovdu trasparenza sħiħa filwaqt li jevalwaw il-proġetti billi jippubblikaw il-lista ta' proġetti magħżula, flimkien mal-progress kontinwu tagħhom u l-appoġġ finanzjarju allokat;

90. Jinkoraġġixxi t-tkomplija fil-KA1 tal-aħjar prattiki fil-funzjonament ta' Comenius, bħat-tisħiħ ta' skambji ta' klassijiet tal-iskejjel u l-possibilità li membri tal-persunal japplikaw individwalment għal għotjiet ta' mobilità taħt il-KA1;

91. Jinnota li minkejja l-kwalità għolja tal-proġetti fil-KA2, ħafna minnhom ġew rifjutati minħabba fondi limitati; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu nota ta' dawn il-proġetti sabiex tgħinhom jattiraw investimenti minn sorsi oħra; iħeġġeġ lill-Istati Membri jirrikonoxxu l-proġetti li ngħataw marki billi jagħtuhom prijorità fl-aċċess għal fondi pubbliċi għall-implimentazzjoni tagħhom, jekk dawn il-fondi jkunu aċċessibbli;

92. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli bl-isforzi biex issolvi l-isfida ta' finanzjament għal organizzazzjonijiet Ewropej ibbażati fi Brussell sabiex iżidu l-kontribut tagħhom lejn l-iżvilupp ta' politiki Ewropej fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport;

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

93. Jinnota l-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom l-aġenziji nazzjonali fl-implimentazzjoni tal-International Credit Mobility (ICM); jitlob aktar flessibbiltà għall-aġenziji nazzjonali biex jallokaw riżorsi minn xi pajjiżi u reġjuni lil oħrajn bl-iskop li jintlaħqu l-prijoritajiet ta' kooperazzjoni tal-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja;

94. Jinnota t-tnaqqis fin-numru ta' parteċipanti individwali ta' mobilità barra minn Erasmus+ bħala riżultat ta' trattament preferenzjali mill-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja Ewropej ta' sistema ta' mobilità istituzzjonalizzata; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet nazzjonali jġeddu l-opportunitajiet għal kandidati individwali biex jieħdu sehem fil-mobilità;

95. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssostni s-sistema tal-ETV permezz tal-promozzjoni ta' sottoprogrammi ta' Leonardo da Vinci fost organizzazzjonijiet ġodda u istituzzjonijiet iżgħar, minbarra li jiġu pprovduti b'assistenza fl-applikazzjoni għal finanzjament xieraq billi joffru aktar għajnuna, taħriġ online u appoġġ personalizzat fit-tħejjija ta' applikazzjonijiet ta' kwalità għolja għall-finanzjament permezz ta' kuntatt ma' aġenziji nazzjonali għall-programm Erasmus+;

96. Iħeġġeġ il-promozzjoni taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja madwar id-dinja, kif ukoll l-avvanz tal-għarfien individwali madwar id-dinja billi jissaħħu l-partijiet interessati kollha rilevanti (l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja, l-assoċjazzjonijiet tal-edukazzjoni għolja) biex jagħmlu l-Lawrji Master's Konġunti ta' Erasmus Mundus iktar attraenti għall-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja u għall-applikanti potenzjali;

97. Jissuġġerixxi involviment akbar tal-aġenziji nazzjonali fl-iżvilupp tal-politika tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport permezz tat-tisħiħ tar-rabtiet bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-aġenziji nazzjonali;

Perjodu tal-programm li jmiss

98. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom biex jissimplifikaw il-proċeduri u jnaqqsu l-piż amministrattiv kbir għall-istudenti, l-istituzzjonijiet u l-kumpaniji ospitanti involuti fi proġetti Erasmus+, b'mod partikolari dawk li mhumiex jisfruttaw biżżejjed din l-opportunità sabiex itejbu u jiffaċilitaw il-proċessi ta' aċċess ugwali, reġistrazzjoni, validazzjoni u rikonoxximent; isostni li l-informazzjoni dwar dan il-programm għandha tiġi pprovduta fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE sabiex titħeġġeġ parteċipazzjoni akbar; jistieden lill-Kummissjoni u lill-aġenziji nazzjonali jistandardizzaw il-kriterji ta' aċċess bl-għan li jkun żgurat aċċess għall-akbar għadd ta' applikanti possibbli;

99. Jissuġġerixxi li jenħtieġ li tingħata prijorità lill-fatt li ma jsirux aktar armonizzazzjoni u bidliet kbar fl-istruttura tal-programm, u minflok jiġu ssalvagwardjati u kkonsolidati l-kisbiet u jsir titjib inkrementali fejn meħtieġ;

100. Jirrakkomanda li l-importanza u l-viżibilità tal-edukazzjoni mhux formali jenħtieġ li tiżdied kemm għall-impjiegi għaż-żgħażagħ u l-edukazzjoni għall-adulti f'Erasmus+, peress li l-edukazzjoni mhux formali hija importanti fis-settur taċ-ċittadinanza Ewropea u l-promozzjoni tad-demokrazija u l-edukazzjoni dwar il-valuri; il-programm, madankollu, huwa ħafna drabi assoċjat mal-edukazzjoni formali minħabba l-isem tiegħu;

101. Jistieden lill-Kummissjoni tinvolvi lill-partijiet interessati rilevanti fil-ħidma dwar il-perjodu ta' programmazzjoni għall-finanzjament li jmiss, u fl-introduzzjoni ta' titjib possibbli, sabiex jiġi żgurat is-suċċess ulterjuri u l-valur miżjud tal-programm;

102. Jirrakkomanda li Erasmus+ ikompli jiżviluppa l-mobilità transsettorjali ta' individwi fi ħdan KA1, b'tali mod li l-istudenti, l-għalliema, l-edukaturi, dawk li jħarrġu, l-apprendisti, il-ħaddiema u ż-żgħażagħ ikunu jistgħu jinvolvu ruħhom b'mod sħiħ fil-mobilità transsettorjali;

103. Jitlob li tiġi żviluppata definizzjoni ċara ta' proġetti transsettorjali sabiex tiġi evitata l-konfużjoni minħabba t-ttikkettar ħażin ta' proġetti;

104. Jitlob mhux biss biex il-livell baġitarju attwali jiġi żgurat għall-ġenerazzjoni tal-programmi li jmiss taħt il-QFP l-ġdid, iżda jikkunsidra li żieda ulterjuri fil-baġit, li tiżgura livell ta' finanzjament annwali għall-ġenerazzjoni li jmiss tal-programmi ta' mill-inqas l-istess livell bħal l-aħħar sena ta' implimentazzjoni tal-qafas attwali bħala prekundizzjoni assolutament essenzjali għas-suċċess kontinwu tal-programm; jipproponi li l-Kummissjoni tesplora l-possibilità li żżid il-prefinanzjament;

105. Jilqa' l-istruttura tal-programm u jitlob lill-Kummissjoni żżomm fil-proposta għall-ġenerazzjoni tal-programmi li jmiss il-kapitoli separati u l-baġits separati għall-edukazzjoni u t-taħriġ, għaż-żgħażagħ u għall-isport, filwaqt li żżomm f'moħħha l-karattri speċifiċi tagħhom, u biex il-formoli tal-applikazzjoni, is-sistemi ta' rappurtar u r-rekwiżiti rigward prodotti żviluppati speċifikament għas-settur jiġu adattati;

106. Iħeġġeġ lill-aġenziji nazzjonali biex jagħmlu l-baġits disponibbli għal kull azzjoni ewlenija u għal kull settur faċilment aċċessibbli wara kull sensiela ta' applikazzjonijiet sabiex jippermettu lill-applikanti jippjanaw b'mod strateġiku l-azzjonijiet futuri tagħhom, u kif ukoll jippubblikaw ir-riżultati tal-għażla tal-proġetti u tal-linji baġitarji, b'mod li jkun jista' jseħħ il-monitoraġġ adegwat estern tal-programm;

107. Jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi regolarment il-livelli ta' appoġġ finanzjarju, bħal ħlas ta' somom f'daqqa għall-ivvjaġġar u s-sussistenza, sabiex ikun żgurat li jissodisfaw l-ispejjeż tal-ħajja reali u biex jiġi evitat dejn ikkawżat minn perjodu ta' taħriġ, u għalhekk biex jiġu evitati d-diskriminazzjoni u l-abbandun ta' nies li għandhom inqas mezzi finanzjarji u/jew ħtiġijiet speċjali;

108. Jindika li l-gruppi żvantaġġati huma fil-mira speċifikament fis-settur taż-żgħażagħ; jissuġġerixxi l-estensjoni tal-Istrateġija ta' Inklużjoni u Diversità għas-setturi kollha tal-programmi biex jiġu promossi l-inklużjoni soċjali u l-parteċipazzjoni ta' persuni bi bżonnijiet speċjali jew b'inqas opportunitajiet fil-Programm Erasmus+;

109. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta, u lill-Istati Membri japprovaw, qafas ta' kwalità għall-apprendistati u proposta dwar mobilità akbar għall-apprendisti biex jiġi żgurat sett ta' drittijiet għall-apprendisti, il-parteċipanti f'internships, it-trainees u l-istudenti tal-ETV sabiex jiġi żgurat li jkunu protetti b'mod xieraq u li dawn il-programmi ta' mobilità qatt ma jissostitwixxu l-kuntratti standard tal-impjieg; jitlob li jkun hemm traineeships u internships ta' kwalità u remunerati, u jitlob li l-Istati Membri jirrappurtaw is-sitwazzjonijiet meta l-kundizzjonijiet li jikkonċernaw il-kompiti jew id-drittijiet ta' benefiċjarji ta' Erasmus+ jinkisru;

110. Jistieden lill-Kummissjoni taħdem mal-Istati Membri biex toħloq kooperazzjoni aktar b'saħħitha bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u l-partijiet interessati ewlenin (l-awtoritajiet lokali/reġjonali, is-sħab soċjali, is-settur privat, ir-rappreżentanti taż-żgħażagħ, il-faċilitajiet tal-ETV, l-organizzazzjonijiet ta' riċerka, u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili) sabiex tittejjeb il-kapaċità ta' reazzjoni tas-sistemi ta' edukazzjoni u tal-ETV għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol ġenwini, u biex jiġi ggarantit li din il-kooperazzjoni tiġi riflessa fil-Programm Erasmus+; jemmen li l-involviment attiv tal-benefiċjarji u tal-partijiet interessati kollha fit-tfassil, l-organizzazzjoni, il-monitoraġġ, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-programm jiżgura l-vijabilità, is-suċċess u l-valur miżjud tiegħu;

111. Hu favur li studenti mobbli jitħallew jikkombinaw l-istudji barra mill-pajjiż b'kollokament relatat mal-istudju fi ħdan il-programm, biex b'hekk jiġi ffaċilitat is-soġġorn tagħhom barra l-pajjiż, titnaqqas is-selettività soċjali, jiżdied l-għadd ta' studenti mobbli, jogħla l-livell tal-ħiliet tal-istudenti u jissaħħu l-konnessjonijiet bejn l-edukazzjoni għolja u l-ambjent tax-xogħol; jappella lill-Kummissjoni biex tagħti attenzjoni partikolari lill-mobilità fit-tul tal-apprendisti fl-allokazzjoni tal-għotjiet ta' Erasmus+;

112. Jinnota l-iżbilanċi bejn l-Istati Membri dwar il-kriterji ta' ammissjoni għal Erasmus+; jinsisti li l-Kummissjoni tiżgura li r-regoli tal-programm jiġu applikati b'mod armonizzat madwar l-aġenziji nazzjonali, filwaqt li jiġu rispettati standards komuni ta' kwalità u prattiki proċedurali, u b'hekk tiġi żgurata l-koerenza interna u esterna ta' Erasmus+ u jiġi pożizzjonat bħala programm tassew Ewropew; f'dan ir-rigward, jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa linji gwida Ewropej għall-implimentazzjoni ta' Erasmus+ għall-aġenziji nazzjonali; iħeġġeġ lill-aġenziji nazzjonali, li għandhom ikunu parti integrali tal-proċess ta' monitoraġġ, biex jiffokaw ukoll fuq l-istabbiliment jew il-faċilitazzjoni ta' forum għal djalogu kostruttiv bejn l-awtoritajiet responsabbli għall-edukazzjoni u l-politiki tax-xogħol f'kull Stat Membru; iħeġġeġ bil-qawwa koordinazzjoni aħjar bejn l-aġenziji sabiex iqabblu l-proġetti li jittrattaw kwistjonijiet simili;

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

113. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-opportunitajiet ta' taħriġ barra l-pajjiż għall-ETV u biex iqisu l-ETV bħala l-aqwa għażla biex jinstab impjieg u tinbeda karriera promettenti, jiżguraw aċċess għaċ-ċittadini kollha ta' kull età, u jipprovdu fondi xierqa peress li l-fondi mwarrba għall-ETV mhumiex proporzjonali ([1]) mal-għadd ta' applikanti potenzjali għall-programmi ta' mobilità disponibbli; jappoġġa bil-qawwa l-promozzjoni effiċjenti u l-inkoraġġiment tal-mobilità ETV fost in-nisa, u jqis li għandhom jiġu stabbiliti miri ambizzjużi mill-Istati Membri f'dan ir-rigward, u l-progress għandu jkun immonitorjat b'mod strett;

114. Jirrileva li qed issir definizzjoni mill-ġdid tal-impjiegi u l-ħiliet, speċjalment minħabba li għaddejja tranżizzjoni lejn ekonomija aktar diġitalizzata li minnha qed jitfaċċaw ħtiġijiet kummerċjali ġodda, u setturi orjentati lejn il-futur; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jiżguraw li l-programm Erasmus+ jirrifletti din ir-realtà;

115. Jitlob li ssir promozzjoni akbar ta' programmi ta' mobilità għal livelli avvanzati ta' edukazzjoni għolja sabiex tiġi żgurata mobilità bejn ċentri Ewropej tar-riċerka u tiġi żviluppata aktar il-mira li l-universitajiet Ewropej isiru internazzjonali;

116. Jenfasizza l-ħtieġa li jiżdied l-għarfien dwar l-istrument ta' Erasmus+ bħala mezz ta' titjib tal-ħiliet tal-individwi, biex jingħataw dimensjoni miżjuda li għandha tiżgura l-aħjar approċċ għal dan l-istrument sabiex tiġi ggarantita l-effikaċja tiegħu, u jiġi eliminat ir-riskju li sempliċement isir esperjenza tal-ħajja;

117. Jistieden lill-Kummissjoni tfassal u tagħmel disponibbli statistika aġġornata u twettaq studji ta' segwitu dwar l-implimentazzjoni ta' Erasmus+, b'mod partikolari r-rata ta' użu fost iż-żgħażagħ, maqsuma skont ir-reġjun u l-ġeneru, l-impatt li kellu fuq l-impjegabilità, kif ukoll it-tip u r-rata tal-impjieg, u l-impatt fuq is-salarji u kif jista' potenzjalment jittejjeb; jistieden lill-Kummissjoni tanalizza r-raġunijiet li għalihom xi pajjiżi qed japplikaw għal aktar mobilità tal-ETV, fejn id-differenza bejn is-sessi hija l-akbar u r-raġunijiet għal din id-differenza, jew fejn hemm aktar applikanti b'diżabilità, u tfassal pjan dwar kif iżżid l-involviment ta' pajjiżi oħra; jistieden għalhekk lill-aġenziji nazzjonali fl-Istati Membri biex jaħdmu mill-qrib fuq l-iskambju ta' informazzjoni u statistika; isostni li r-riżultati tal-istudji u l-istatistika għandhom jiġu inklużi u kkunsidrati fir-rieżami ta' nofs it-terminu li jmiss ta' Erasmus+;

118. Ifakkar li fi żmien ta' kriżi partikolari fir-rigward tal-valuri fundamentali tal-UE, l-istrument Erasmus+ jista' jipprovdi opportunità fundamentali fil-promozzjoni tal-integrazzjoni, tal-fehim u tas-solidarjetà fost iż-żgħażagħ; jitlob għaldaqstant sabiex l-integrazzjoni taż-żgħażagħ tiġi promossa permezz ta' għarfien ta' kulturi u tradizzjonijiet differenti, u r-rispett reċiproku u neċessarju ruċjali tagħhom;

119. Jipproponi li l-Kummissjoni żżomm l-edukazzjoni u t-taħriġ intraprenditorjali bħala wieħed mill-objettivi tal-programm futur Erasmus+ fil-perjodu finanzjarju li jmiss (wara l-2020), inkluża l-mobilità, u inklużi l-elementi li ġejjin bħala parti mill-programm:

(i) il-valutazzjoni bir-reqqa tal-impatt ta' miżuri eżistenti li jippromwovu l-intraprenditorija permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ u l-adattament potenzjali tagħhom, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali lill-impatt fuq gruppi sottorappreżentati u żvantaġġati;

(ii) il-promozzjoni ta' kontenut u għodod tat-tagħlim definiti aħjar għall-edukazzjoni formali u mhux formali mmirati lejn l-istudenti kollha – kemm moduli teoretiċi kif ukoll prattiċi, bħal proġetti intraprenditorjali tal-istudenti;

(iii) il-promozzjoni ta' sħubijiet bejn l-istituzzjonijiet edukattivi, l-intrapriżi, l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, u l-fornituri tal-edukazzjoni mhux formali, sabiex jitfasslu korsijiet xierqa u l-istudenti jingħataw l-esperjenza prattika u l-mudelli rekwiżiti;

(iv) l-iżvilupp ta' ħiliet fl-oqsma tal-proċessi intraprenditorjali, il-litteriżmu finanzjarju, l-għarfien u l-ħiliet tal-ICT, il-ħsieb kreattiv, is-soluzzjoni tal-problemi u mentalità innovattiva, l-awtostima, l-adattabilità, il-bini tal-ispirtu ta' tim, il-ġestjoni ta' proġetti, il-valutazzjoni tar-riskji u t-teħid ta' riskju, kif ukoll ħiliet u għarfien speċifiċi tan-negozju;

([1]) Skont il-Kummissjoni, fl-2016, minħabba nuqqas ta' finanzjament, ir-rata ta' suċċess tal-applikazzjonijiet eliġibbli għall-mobilità tal-ETV taħt il-Programm Erasmus+ kienet ta' 42 %. Is-sitwazzjoni marret għall-agħar tul is-snin – fl-2014 ir-rata ta' suċċess kienet ta' 54 % u fl-2015 kienet ta' 48 %. Minkejja li l-finanzjament disponibbli żdied bi ftit matul is-snin, id-domanda kibret ferm aktar malajr, iżda r-riżorsi limitati ta' Erasmus+ ma jippermettux li l-finanzjament ilaħħaq mad-domanda.

(v) l-enfasi fuq it-tagħlim mhux formali u informali bħala ambjent privileġġat fejn jistgħu jinkisbu kompetenzi intraprenditorjali;

120. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jieħdu sehem akbar fil-programm Erasmus għall-Imprendituri Żgħażagħ u jippromwovuh aktar fost iż-żgħażagħ li jixtiequ jidħlu għal proġetti intraprenditorjali, sabiex dawn ikunu jistgħu jiksbu esperjenza barra minn pajjiżhom u jiksbu ħiliet ġodda li jgħinuhom iwettqu l-pjanijiet intraprenditorjali tagħhom;

121. Iħeġġeġ bil-qawwa t-tagħlim bejn il-pari b'segwitu għall-istudju, it-taħriġ u l-esperjenza ta' xogħol barra minn pajjiżhom sabiex jiżdied l-impatt ta' Erasmus+ fuq il-komunitajiet lokali; jissottolinja li l-iskambju ta' prattiki tajbin huwa vitali biex tittejjeb il-kwalità tal-proġetti taħt il-programm Erasmus+; jilqa' l-pjattaforma Erasmus+ għat-tixrid tar-riżultati tal-proġetti u jitlob approċċ aktar b'saħħtu għall-kondiviżjoni ta' prattiki tajba u skambji internazzjonali ta' fehmiet għal aġenziji nazzjonali, sħab u benefiċjarji tal-programm; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi appoġġ għall-applikanti tal-programm biex isibu sħab internazzjonali, billi jiġu żviluppati l-pjattaformi ta' użu faċli għall-utent li jikkombinaw l-informazzjoni pubblika dwar id-diversi benefiċjarji u l-proġetti tagħhom;

122. Jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb il-gwida tal-programm u tagħmilha aktar faċli għall-utent u li tinftiehem, kif ukoll biex tiżviluppa fuljetti ta' informazzjoni speċifika dwar kull waħda mill-azzjonijiet ewlenin; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tissimplifika l-proċess ta' applikazzjoni f'termini ta' piżijiet amministrattivi;

123. Jappoġġja l-iżvilupp ta' istituzzjonijiet ta' tagħlim għall-adulti permezz ta' żvilupp professjonali kontinwu u opportunitajiet ta' mobilità għall-għalliema, il-mexxejja tal-skejjel, min iħarreġ, u persunal edukattiv ieħor; iħeġġeġ l-iżvilupp ta' ħiliet u kompetenzi, b'mod partikolari l-użu effettiv tal-ICT fit-tagħlim għall-adulti, għal titjib fir-riżultati tat-tagħlim; jenfasizza l-importanza tal-iskambju tal-aħjar prattiki;

124. Jilqa' l-iżvilupp ta' proġetti pilota bħall-"Qafas Ewropew għall-mobilità tal-apprendisti: l-iżvilupp taċ-ċittadinanza Ewropea u l-ħiliet permezz tal-integrazzjoni taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol", bl-għan li jiġu implimentati skemi ta' mobilità transfruntiera ta' apprendisti, li jiksbu valur għall-ispiża tagħhom, bejn l-istituzzjonijiet tal-ETV, kumpaniji u/jew organizzazzjonijiet rilevanti oħra, kif ukoll li jiġu rikonoxxuti u vvalidati formalment ir-riżultati tat-tagħlim u jiġi appoġġat ir-rikonoxximent reċiproku tad-diplomi, u "Il-mobilità taż-żgħażagħ fit-taħriġ vokazzjonali – Mobilità aħjar taż-żgħażagħ", immirat lejn it-titjib tal-mobilità taż-żgħażagħ fit-taħriġ vokazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni twettaq implimentazzjoni effettiva taż-żewġ proġetti pilota u l-integrazzjoni tagħhom fit-tul fil-programm Erasmus+;

125. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiggarantixxu appoġġ strutturali akbar u aktar fit-tul ta' organizzazzjonijiet Ewropej tas-soċjetà ċivili fil-qasam tal-edukazzjoni, tat-taħriġ, taż-żgħażagħ u tal-isport fil-forma ta' għotjiet operattivi, peress li huma l-organizzazzjonijiet li jipprovdu opportunitajiet ta' tagħlim u spazji ta' parteċipazzjoni liċ-ċittadini u r-residenti Ewropej biex jiżviluppaw u jimplimentaw il-politiki Ewropej;

126. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra soluzzjoni xierqa għas-sitwazzjoni tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi ta' livell Ewropew ibbażati fi Brussell li japplikaw għall-fondi minn aġenziji nazzjonali Belġjani;

o

o o

127. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-parlamenti u lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

It-Tlieta 14 ta' Frar 2017

P8_TA(2017)0020

Ftehim ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli bejn l-UE u l-Gżejjer Cook (Riżoluzzjoni)

Riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Frar 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (07592/2016 – C8-0431/2016 – 2016/0077(NLE) – 2016/2230(INI))

(2018/C 252/05)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (07592/2016),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 43d, l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a)(v), u l-Artikolu 218(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0431/2016),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tal-14 ta' Frar 2017 ([1]) dwar l-abbozz ta' deċiżjoni,

— wara li kkunsidra r-rapport ta' evalwazzjoni ex ante ta' Ġunju 2013 dwar il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Cook u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu,

— wara li kkunsidra l-linji gwida strateġiċi mfassla mill-awtoritajiet tal-Gżejjer Cook dwar l-iżvilupp tas-settur tas-sajd lokali, b'mod partikolari dawk li jinsabu fid-dokument "Cook Islands Offshore Fisheries Policy" ("Il-Politika tas-Sajd 'il barra mix-Xtut tal-Gżejjer Cook"),

— wara li kkunsidra l-qafas tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-Nazzjonijiet Uniti, b'mod partikolari l-SDGs 1, 2, 9, 10 u 14,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-laqgħa tat-tnax-il-Kumitat Xjentifiku tal-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali (WCPFC) għall-konservazzjoni fit-tul u għall-użu sostenibbli tal-istokkijiet ta' ħut li jpassi ħafna fl-Oċean Paċifiku Ċentrali u tal-Punent,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 99(2), tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A8-0015/2017),

A. billi l-Kummissjoni nnegozjat "Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli" ġdid bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Cook (Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli UE-Gżejjer Cook), u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu, mal-Gvern tal-Gżejjer Cook, li jkopru perjodu ta' tmien snin u ta' erba' snin rispettivament;

B. billi dan huwa l-ewwel Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli EU-Gżejjer Cook, li jiggarantixxi preżenza Ewropea fl-ilmijiet tal-Paċifiku tal-Lvant wara li l-ftehim ma' Kiribati ma ġiex imġedded (u l-ftehimiet iffirmati iżda mhux implimentati mal-Mikroneżja u mal-Gżejjer Solomon);

C. billi l-objettiv ġenerali tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli/il-Protokoll UE-Gżejjer Cook huwa li tikber il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Gżejjer Cook fil-qasam tas-sajd, fl-interess taż-żewġ partijiet, billi jinħoloq qafas ta' sħubija li se jippromwovi politika tas-sajd sostenibbli u sfruttament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona ekonomika esklużiva (ŻEE) tal-Gżejjer Cook;

D. billi jenħtieġ li l-preżenza tagħna fir-reġjun isservi biex tippromwovi politika tas-sajd sostenibbli u l-isfruttament responsabbli tar-riżorsi, filwaqt li tiggarantixxi ġestjoni xierqa tar-riżorsi tat-tonn tal-Paċifiku;

E. billi l-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli UE-Gżejjer Cook huwa bbażat fuq l-aħjar parir xjentifiku disponibbli, li li jirrispetta l-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni tal-Kummissjoni għas-Sajd fil-WCPFC fil-limiti tal-eċċess disponibbli;

([1]) Testi adottati, P8_TA(2017)0019.

F. billi jeżistu problemi f'dak li għandu x'jaqsam ma' spezzjoni u kontroll, u billi s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) jikkostitwixxi problema li hija diffiċli biex tingħeleb, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu n-natura mferrxa tat-territorju u tar-riżorsi;

G. billi hemm diversi bastimenti mill-istati Membri tal-UE fir-reġjun tal-Paċifiku tal-Punent u tal-Paċifiku Ċentrali u billi l-ftehimiet tas-sajd l-oħra fir-reġjun skadew;

H. billi ngħata impenn li ma jingħatawx lil flotot oħra mhux Ewropej kundizzjonijiet aktar favorevoli minn dawk li jiddisponi għalihom dan il-Ftehim, u billi l-Ftehim fih il-klawżola ta' Cotonou dwar id-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji demokratiċi u l-istat tad-dritt;

I. billi, l-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli UE-Gżejjer Cook għandu l-għan li jippromwovi l-iżvilupp aktar effikaċi u sostenibbli tas-settur tas-sajd fil-gżejjer, kif ukoll dak tal-industriji u l-attivitajiet relatati, f'konformità mal-objettivi tal-politika nazzjonali tas-sajd tal-Gżejjer Cook, b'mod partikolari f'dawk li huma appoġġ għar-riċerka xjentifika u s-sajd artiġjanali, żieda fil-qabdiet imħatta l-art fil-portijiet lokali, l-intensifikar tal-kapaċità ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza fir-rigward tal-attivitajiet tas-sajd u l-ġlieda kontra l-IUU, u f'konformità mal-qafas tal-SDG;

J. billi l-kontribuzzjonijiet intiżi bħala appoġġ għall-iżvilupp tal-politika tas-sajd tal-Gżejjer Cook, li jvarjaw bejn 47,6 % u 50 % tal-ammont totali li għandu jiġi trasferit, jammontaw għal kontribut kbir f'termini perċentwali;

K. billi l-istokkijiet tat-tonn obeż ilhom jonqsu sa mill-2012, billi, bħala konsegwenza ta' dan, id-WCPFC daħħlet miżura ta' ġestjoni li se terġa' tiġi nnegozjata fl-2017, u billi l-qabdiet bit-tartarun tal-borża naqsu b'26 % fl-2015 meta mqabbel ma' dak tal-2014; billi, barra minn hekk, fl-ilmijiet tal-Gżejjer Cook huma meqjusa bħala "santwarju tal-klieb il-baħar", alavolja ta' min jisħaq li din mhijiex speċi fil-mira għall-flotta Ewropea li tistad f'dawk l-ilmijiet taħt il-ftehim il-ġdid;

L. billi l-qabdiet tal-bastimenti tas-sajd bil-konz tal-UE kellhom it-tendenza li jkunu lokalizzati fl-ibħra aktar sħan fin-nofsinhar tal-Gżejjer Cook; filwaqt li wieħed jiftakar fir-rekwiżiti imposti mir-regolament tal-Gżejjer Cook dwar il-konservazzjoni tal-klieb il-baħar; billi l-valutazzjoni ex ante sabet li ma kien se jkun hemm l-ebda interess fil-ġejjieni biex il-bastimenti tas-sajd bil-konz tal-UE jistadu fiż-ŻEE tal-Gżejjer Cook;

M. billi l-Gżejjer Cook huma dipendenti ħafna mill-importazzjoni tal-ikel;

1. Hu tal-fehma li jenħtieġ li l-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli UE-Gżejjer Cook jippromwovi b'mod effikaċi s-sajd sostenibbli fl-ilmijiet tal-Gżejjer Cook permezz ta' appoġġ settorjali adegwat tal-UE, u li jenħtieġ li jsegwi żewġ għanijiet ugwalment importanti: (1) li jipprovdi opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tal-UE fiż-żona tas-sajd tal-Gżejjer Cook, abbażi tal-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli u bir-rispett dovut għall-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni tad-WCPFC fil-limiti tal-eċċess disponibbli, li l-kalkolu tiegħu jenħtieġ li jqis l-iżvilupp sħiħ tal-kapaċità tas-sajd tal-pajjiż; u (2) li jippromwovi l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Gżejjer Cook bil-ħsieb li tinħoloq politika tas-sajd sostenibbli u jsir sfruttament responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Gżejjer Cook, u li jikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli tas-settur tas-sajd tal-Gżejjer Cook, permezz ta' kooperazzjoni ekonomika, finanzjarja, teknika u xjentifika filwaqt li jirrispetta l-għażliet sovrani tal-pajjiż fir-rigward dan l-iżvilupp;

2. Jieħu nota tal-konklużjonijiet tar-rapport ta' evalwazzjoni ex ante ta' Ġunju 2013 dwar il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli UE-Gżejjer Cook u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu, skont liema konklużjonijiet il-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd/il-Protokolli preċedenti fir-reġjun (il-Kiribati, il-Gżejjer Solomon) ma taw l-ebda kontribut sinifikattiv għall-iżvilupp tas-setturi tas-sajd lokali, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda inizjattivi intraprenditorjali konġunti (b'investimenti komuni) u l-iżvilupp ta' kapaċità lokali fil-qasam tal-ipproċessar tal-ħut; huwa tal-fehma li jenħtieġ li Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli UE-Gżejjer Cook jikkontribwixxi sa fejn hu possibbli għall-iżvilupp tas-settur tas-sajd lokali billi jiggarantixxi l-provvista ta' ħut meħtieġa għall-konsum domestiku u b'hekk jilħaq l-objettivi mħabbra għall-ġenerazzjoni l-ġdida ta' ftehimiet tal-UE dwar is-sajd u dawk tal-qafas tal-SDGs;

3. Jiddispjaċih li pajjiżi oħra fir-reġjun ma laħqux ftehim ta' sħubija mal-UE u qed jifthu ż-żoni tas-sajd tagħhom għal pajjiżi u reġjuni oħra fid-dinja li kultant jużaw prattiki tas-sajd li ma jeħdux kont tar-riżorsi disponibbli, minflok ma jagħżlu ftehim mal-UE li jippromwovi s-sajd sostenibbli u jipprovdi appoġġ settorjali;

It-Tlieta 14 ta' Frar 2017

4. Jilqa' l-inklużjoni tal-obbligu li l-Gżejjer Cook jippubblikaw l-eżistenza ta' kwalunkwe ftehim li jawtorizza lil flotot barranin jistadu fl-ilmijiet tagħhom iżda jiddispjaċih minħabba n-nuqqas ta' preċiżjoni fl-isforz ġenerali li sar, kif kien mitlub taħt ċerti ftehimiet oħra li daħlet għalihom l-UE;

5. Jirrimarka li jenħtieġ li l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli UE-Gżejjer Cook u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu, u r-reviżjonijiet u/jew tiġdidiet possibbli, iqisu l-istrateġija stabbilita mill-awtoritajiet tal-Gżejjer Cook għall-iżvilupp tas-settur tas-sajd tal-Gżejjer Cook u jkunu allinjati magħha, b'mod partikolari billi ssir dispożizzjoni għal:

— kontribut għall-bini tal-kapaċitajiet ta' monitoraġġ, ta' kontroll u ta' spezzjoni fir-rigward tar-riżorsi tas-sajd tal-Gżejjer Cook u l-attivitajiet tas-sajd li jkunu qed jitwettqu fl-ilmijiet ta' dak il-pajjiż, b'enfasi partikolari fuq il-ġlieda kontra s-sajd IUU;

— azzjoni biex jittejjeb l-għarfien xjentifiku disponibbli dwar l-istat tal-ekosistemi tal-baħar lokali u r-riżorsi tas-sajd lokali fl-ilmijiet tal-Gżejjer Cook;

— appoġġ speċifiku għall-iżvilupp tas-sajd artiġjanali lokali u tal-komunitajiet lokali li jiddependu minnu, billi jiżdied il-kontribut tiegħu għall-ekonomija lokali, jiġi megħjun itejjeb is-sikurezza abbord u l-introjti għas-sajjieda, u jingħata appoġġ għall-iżvilupp tal-infrastruttura lokali għall-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-ħut, sew jekk biex iforni lis-suq domestiku sew jekk għall-esportazzjoni;

6. Iqis li l-appoġġ għall-iżvilupp settorjali huwa aspett importanti tal-kontribuzzjoni għas-sostenibilità ta' pajjiż sieħeb, peress li jgħin biex tissaħħaħ l-indipendenza operattiva tal-pajjiż, filwaqt li jirfed l-istrateġija ta' żvilupp tiegħu u jiggarantixxi s-sovranità tiegħu;

7. Iqis li l-possibilitajiet ta' impjieg għall-baħħara lokali abbord il-bastimenti tal-UE taħt il-ftehimiet ta' sħubija ma jissodisfawx l-istandards internazzjonali; itenni l-ħtieġa li l-prinċipji tal-ILO jiġu rispettati u li tiġi promossa l-Konvenzjoni Nru 188 tal-ILO waqt li fl-istess ħin jiġu rispettati l-prinċipji ġenerali tal-libertà ta' assoċjazzjoni u tan-negozjar kollettiv għall-ħaddiema, u n-nondiskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol u fl-attività professjonali; jindika, madankollu, li minħabba l-iskarsezza ta' baħħara tas-sengħa għall-bastimenti tat-tonn, l-awtoritajiet tal-Gżejjer Cook ma talbux l-imbarkazzjoni fil-flotta tal-UE;

8. Huwa tal-fehma li jenħtieġ li l-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli UE-Gżejjer Cook u l-Protokoll rilevanti jippermettu li l-kooperazzjoni bilaterali dwar il-ġlieda kontra s-sajd illegali tiġi msaħħa u jagħtu lill-Gżejjer Cook il-mezzi biex jiffinanzjaw programmi ta' sorveljanza, u jemmen li l-miżuri għall-prevenzjoni tas-sajd IUU fiż-żona ekonomika esklussiva tal-Gżejjer Cook għandhom jiġu msaħħa, inkluż billi l-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza jittejbu permezz tal-użu ta' sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti abbażi ta' satellita, ġurnali ta' abbord, spetturi u l-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet minn organizzazzjonijiet reġjonali tas-sajd;

9. Iqis li huwa mixtieq li jittejbu l-kwantità u l-eżattezza tad-data dwar il-qabdiet kollha (il-qabdiet fil-mira kif ukoll dawk aċċessorji) u, b'mod aktar ġenerali, dwar l-istat ta' konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd bil-għan li l-impatt tal-Ftehim fuq l-ekosistema tal-baħar u fuq il-komunitajiet tas-sajd ikun jista', bl-involviment tal-assoċjazzjonijiet tas-sajjieda, jitkejlu b'eżattezza akbar; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippromwovi l-funzjonament regolari u trasparenti tal-korpi responsabbli għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim, u tisħiħ tal-valutazzjonijiet xjentifiċi mid-WCPFC;

10. Jistieden lill-Kummissjoni, għaldaqstant, tikkunsidra li tapplika l-prinċipju ta' prekawzjoni għar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd u tanalizzat l-użu ta' Rkaptu li Jżomm f'Wiċċ l-Ilma li Jiġma' l-Ħut fiż-żona u l-influwenza tiegħu fl-ekoloġija tat-tonn u tagħmel proposti għall-użu tiegħu abbażi tas-sejbiet tal-analiżi;

11. Jistieden lill-Kummissjoni tgħarraf lill-Parlament fi żmien xieraq dwar il-laqgħat li jmiss tal-Kumitat Konġunt u tgħaddi lill-Parlament il-minuti u l-konklużjonijiet tal-laqgħat tal-Kumitat Konġunt kif previst fl-Artikolu 6 tal-Ftehim, il-programm settorjali pluriennali kif imsemmi fl-Artikolu 3 tal-Protokoll u dak li jkun instab mill-evalwazzjonijiet annwali korrispondenti, biex tippermetti lir-rappreżentanti tal-Parlament jassistu għal-laqgħa tal-Kumitat Konġunt bħala osservaturi, u tippromwovi l-parteċipazzjoni tal-komunitajiet tas-sajd tal-Gżejjer Cook;

12. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill, filwaqt li jaġixxu fil-limiti tas-setgħat rispettivi tagħhom, iżommu lill-Parlament infurmat minnufih u bis-sħiħ fl-istadji kollha tal-proċeduri marbuta mal-Protokoll u t-tiġdid possibbli tiegħu, skont l-Artikolu 13(2) tat-TUE u l-Artikolu 218(10) tat-TFUE;

It-Tlieta 14 ta' Frar 2017

13. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Gżejjer Cook.

It-Tlieta 14 ta' Frar 2017

P8_TA(2017)0021

Kontroll tar-Reġistru u kompożizzjoni tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Frar 2017 dwar kontroll tar-Reġistru u kompożizzjoni tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni (2015/2319(INI))

(2018/C 252/06)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Mejju 2016 li tistabbilixxi regoli orizzontali dwar il-ħolqien u l-funzjonament tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni (C(2016)3301),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kummissjoni – Qafas għall-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni: regoli orizzontali u r-reġistru pubbliku (C(2016)3300),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' April 2016 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014, Taqsima III – Il-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-Kumitat għall-Baġits (A8-0002/2017),

A. billi esprima t-tħassib tiegħu fir-rigward tal-funzjonament tal-qafas preċedenti għall-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni ta' Novembru 2010 ([3]), li kien twaqqaf bl-għan li jintroduċi innovazzjonijiet operattivi sinifikanti sabiex isaħħu t-trasparenza u l-koordinazzjoni tal-ħidma interistituzzjonali;

B. billi, b'mod partikolari, il-Kumitat għall-Baġits tiegħu, fid-dawl tan-nuqqas ta' trasparenza u l-iżbilanċ fil-kompożizzjoni ta' ċertu għadd ta' gruppi ta' esperti, u minħabba l-ħtieġa li jiżgura li l-kompożizzjoni tal-gruppi ta' esperti tikseb bilanċ ġust f'termini ta' għarfien espert u ta' opinjonijiet rappreżentati, adotta riżervi baġitarji fl-2011 u l-2014 u fformola talbiet li għadhom ma ġewx aċċettati għar-riforma tagħhom;

C. billi studju riċenti kkummissjonat minnu identifika nuqqas ta' trasparenza mifrux kif ukoll żbilanċ fil-kompożizzjoni ta' ċertu għadd ta' gruppi ta' esperti ([4]);

D. billi l-kompożizzjoni bilanċjata u t-trasparenza huma prekundizzjonijiet essenzjali biex l-għarfien espert jirrifletti b'mod adegwat il-ħtiġijiet għal azzjoni regolatorja u biex tittrawwem il-leġittimità ta' dan l-għarfien espert u ta' din l-azzjoni regolatorja f'għajnejn iċ-ċittadini Ewropej;

E. billi l-Ombudsman Ewropew, fl-inkjesta strateġika ([5]) tagħha, ressqet rakkomandazzjoni dwar il-kompożizzjoni tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni, b'mod partikolari b'enfasi fuq il-ħtieġa għal trasparenza akbar fi ħdan il-gruppi ta' esperti;

F. billi qabel ma adottat id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni impenjat ruħha ma' rappreżentanti tal-Parlament u mal-Ombudsman Ewropew;

([1]) ĠU L 304, 20.11.2010, p. 47.
([2]) ĠU L 246, 14.9.2016, p. 27.
([3]) C(2010)7649 tal-10 ta' Novembru 2010.
([4]) Dipartiment Tematiku D Affarijiet Baġitarji, Kompożizzjoni tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni u l-istatus tar-reġistru tal-gruppi ta' esperti, 2015.
([5]) OI/6/2014/NF.

G. billi l-Kummissjoni ppreżentat lill-Parlament dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni, b'reazzjoni għar-rakkomandazzjonijiet li jinsabu f'dokument ta' ħidma tar-Rapporteur tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit;

H. billi, sfortunatament, minkejja dan, la d-dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni, u lanqas id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, ma jipprovdu soluzzjonijiet għat-tħassib kollu mqajjem mill-Parlament;

1. Jilqa' b'sodisfazzjon id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Mejju 2016 li tistabbilixxi regoli orizzontali dwar il-ħolqien u l-funzjonament tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni, iżda jiddispjaċih għall-fatt li, minkejja l-bosta organizzazzjonijiet nongovernattivi li wrew l-interess tagħhom, il-Kummissjoni ma organizzatx konsultazzjoni pubblika sħiħa; itenni l-importanza li terġa' tingħata l-ħajja lit-tipi ta' involviment tar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u tas-sħab soċjali f'oqsma kruċjali bħalma huma t-trasparenza u l-funzjonament tal-istituzzjonijiet Ewropej;

2. Jirrimarka li, permezz tal-adozzjoni tar-regoli orizzontali l-ġodda, ħafna mit-tħassib espress preċedentement mill-Parlament jidher li ġie solvut, partikolarment it-tħassib dwar il-ħtieġa għal sejħiet pubbliċi għall-applikazzjonijiet għall-għażla tal-membri ta' gruppi ta' esperti u fir-rigward tar-reviżjoni tar-Reġistru tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni u l-ħolqien ta' sinerġija bejn dan ir-Reġistru, ir-Reġistru ta' Trasparenza tal-Kummissjoni u tal-Parlament, u dawk ir-regoli dwar il-ħtieġa li jiġu evitati kunflitti ta' interess, speċjalment rigward esperti li jinħatru f'kapaċità personali;

3. Jinnota li t-trasparenza u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet interistituzzjonali huma tal-akbar importanza, billi jgħinu biex jintlaħaq bilanċ xieraq mill-perspettiva tal-għarfien espert u tal-opinjonijiet rappreżentati fil-kompożizzjoni tal-gruppi ta' esperti, sabiex itejbu l-operat tagħhom; jilqa', għaldaqstant, il-fatt li issa l-proċess ta' għażla qed isir pubblikament; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-esperjenza prattika u l-kwalifiki tal-esperti jeħtieġu jsiru evidenti; huwa tal-fehma li l-proċess tal-għażla kollu għandu jiggarantixxi livell għoli ta' trasparenza u għandu jiġi rregolat minn kriterji aktar ċari, aktar konċiżi u b'enfasi partikolari fuq l-esperjenza prattika tal-kandidati flimkien mal-kwalifiki akkademiċi tagħhom u fuq il-kunflitti ta' interess potenzjali li jista' jkollhom;

4. Jilqa' l-fatt li diġà ġiet stabbilita rabta bejn il-gruppi ta' esperti tar-Reġistru tal-Kummissjoni u r-Reġistru tat-Trasparenza, biex b'hekk jiġi żgurat titjib fit-trasparenza;

5. Jiddispjaċih li t-tentattiv biex titwettaq konsultazzjoni pubblika dwar l-istabbiliment tar-regoli l-ġodda ma rnexxiex; jistieden lill-Kummissjoni taġixxi b'mod trasparenti u b'mod responsabbli lejn iċ-ċittadini tal-UE;

6. Ifakkar li nuqqas ta' trasparenza għandu effett negattiv fuq il-fiduċja li ċ-ċittadini tal-UE għandhom fl-istituzzjonijiet tal-UE; jemmen li r-riforma effikaċi tas-sistema tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni, imsejsa fuq prinċipji ċari ta' trasparenza u kompożizzjoni bilanċjata, se ttejjeb id-disponibbiltà u l-affidabbiltà tad-data, li mbagħad tgħin biex iżżid il-fiduċja tan-nies fl-UE;

7. Jenfasizza li r-regoli l-ġodda għandhom japplikaw b'mod strett u ugwali għal kull grupp ta' esperti tal-Kummissjoni, irrispettivament mit-titolu tagħhom (b'hekk huma inklużi gruppi speċjali, ta' livell għoli jew gruppi "straordinarji" oħra, u gruppi formali jew informali), li mhumiex esklussivament magħmula minn rappreżentanti tal-Istati Membri jew immexxija mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/500/KE tal-20 ta' Mejju 1998 dwar it-twaqqif ta' Kumitati ta' Djalogu Settorjali biex iġibu 'il quddiem id-djalogu bejn is-sħab soċjali fuq livell Ewropew; itenni li r-regoli l-ġodda jridu jiżguraw rappreżentazzjoni bilanċjata permezz tal-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-partijiet interessati kollha;

8. Huwa tal-fehma li l-Kummissjoni għandha tagħmel progress biex ikun hemm kompożizzjoni aktar bilanċjata tal-gruppi ta' esperti; jikkundanna l-fatt, madankollu, li għad ma ssirx distinzjoni espliċita bejn il-partijiet li jirrappreżentaw interessi ekonomiċi u dawk li jirrappreżentaw interessi mhux ekonomiċi, b'mod li jkun iggarantit l-ogħla livell ta' trasparenza u bilanċ; jenfasizza l-ħtieġa li, f'dan ir-rigward, fis-sejħa pubblika għal applikazzjoni, il-Kummissjoni tikkjarifika l-mod kif tiddefinixxi kompożizzjoni bilanċjata u liema huma l-interessi li hija tfittex li jkunu rappreżentati meta jiġu stabbiliti l-gruppi ta' esperti; jikkunsidra għalhekk li huwa importanti li jiġu involuti l-Parlament u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali bil-għan li tingħata definizzjoni aktar bilanċjata ta' dik id-distinzjoni;

9. Jistieden lill-Kummissjoni biex, meta toħloq gruppi ta' esperti ġodda jew meta tbiddel il-kompożizzjoni ta' dawk li diġà jeżistu, tiddikjara b'mod ċar, f'sejħa pubblika għall-applikazzjonijiet, kif tiddefinixxi kompożizzjoni bilanċjata, liema huma l-interessi li hija tfittex li jiġu ppreżentati, u għalfejn, u saħansitra biex tiġġustifika kwalunkwe devjazzjoni possibbli mill-kompożizzjoni bilanċjata kif definit minn qabel, meta jkunu stabbiliti l-gruppi ta' esperti;

It-Tlieta 14 ta' Frar 2017

10. Jirrimarka, f'dan il-kuntest u fir-rigward tal-paragrafi 34-45 tal-opinjoni tal-Ombudsman imsemmija hawn fuq, li, għalkemm il-Kummissjoni għadha ma ddefinietx formalment il-kunċett tagħha ta' "bilanċ", dan tal-aħħar m'għandux jinftiehem bħala r-riżultat ta' eżerċizzju aritmetiku, iżda pjuttost bħala r-riżultat tal-isforzi biex jiġi żgurat li l-membri ta' grupp ta' esperti, flimkien, ikollhom l-għarfien espert tekniku u l-varjetà ta' perspettivi meħtieġa biex iwettqu l-mandat tal-grupp ta' esperti kkonċernat; jikkunsidra li l-kunċett ta' bilanċ għandu, għalhekk, jinftiehem f'relazzjoni mal-mandat speċifiku ta' kull grupp ta' esperti individwali; jikkunsidra li l-kriterji li jiddeterminaw jekk grupp ta' esperti huwiex bilanċjat jew le għandhom jinkludu l-kompiti tal-grupp, l-għarfien espert tekniku meħtieġ, il-partijiet interessati li probabbli l-aktar li jkunu milquta mill-kwistjoni, l-organizzazzjoni ta' gruppi ta' partijiet interessati, u proporzjon adegwat ta' interessi ekonomiċi u mhux ekonomiċi;

11. Jistieden lill-Kummissjoni biex minnufih tinvestiga jekk huwiex meħtieġ mekkaniżmu ġdid ta' lmenti, jekk id-definizzjoni ta' kompożizzjoni bilanċjata hix qed tiġi kkontestata minn partijiet interessati jew jekk l-arranġamenti attwali humiex adegwati; jitlob li l-Parlament ikun assoċjat f'dan il-mekkaniżmu ta' kontroll;

12. Ifakkar li, fil-passat, mhux dejjem kien possibbli li l-Kummissjoni ssib biżżejjed esperti li jirrappreżentaw lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), lill-konsumaturi, lit-trade unions jew lil organizzazzjonijiet oħra ta' interess pubbliku ġenerali, u li ħafna drabi dan kien kawża tal-ispejjeż involuti, jew fit-teħid tal-liv jew, pereżempju fil-każ ta' SMEs, biex isibu mod kif jissostitwixxu l-ħin li jqattgħu fil-gruppi ta' esperti, minn hawn 'il quddiem imsejħa "spejjeż alternattivi";

13. Jitlob, għalhekk, li l-Kummissjoni tesplora modi biex tiffaċilita u tħeġġeġ il-parteċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet jew gruppi soċjali li m'humiex rappreżentati biżżejjed fil-gruppi ta' esperti, billi tevalwa, *inter alia*, id-dispożizzjonijiet tagħha għal rimborż ta' spejjeż b'mod effiċjenti u ekwu, inklużi modi possibbli biex tkopri l-infiq għal kwalunkwe "spiża alternattiva" ta' dan it-tip, filwaqt li jkun rispettat kif xieraq il-prinċipju ta' proporzjonalità;

14. Jitlob lill-Kummissjoni tivvaluta l-iżvilupp ta' sistema ta' allowances li tappoġġa lill-gruppi li mhumiex rappreżentati biżżejjed sabiex jiksbu l-għarfien espert meħtieġ biex ikunu jistgħu jipparteċipaw/jieħdu sehem b'mod sħiħ u effikaċi fil-grupp ta' esperti;

15. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmilha possibbli biex l-organizzazzjonijiet nongovernattivi Ewropej jiġu rappreżentati fil-gruppi ta' esperti minn rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet li jkunu l-membri tagħhom fil-livell nazzjonali, meta jingħatalhom mandat ċar mill-organizzazzjonijiet Ewropej;

16. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li – anke jekk, minkejja arranġamenti speċifiċi, għadu mhux possibbli li jinstabu biżżejjed esperti li jirrappreżentaw l-interessi rilevanti kollha – il-grupp ta' esperti konċernat jieħu l-miżuri kollha xierqa, pereżempju permezz ta' proċeduri ta' votazzjoni ponderati, biex jiżgura li r-rapporti finali ta' dawn il-gruppi ta' esperti effettivament jirrappreżentaw l-interessi rilevanti kollha b'mod bilanċjat;

17. Ifakkar li kemm il-Parlament kif ukoll l-Ombudsman Ewropew irrakkomandaw lill-Kummissjoni biex tippubblika l-aġendi, id-dokumenti ta' sfond, il-minuti tal-laqgħat u d-deliberazzjonijiet tal-gruppi ta' esperti, sakemm maġġoranza kwalifikata tal-membri tagħhom tiddeċiedi li jkun hemm bżonn li laqgħa speċifika jew parti minn laqgħa jibqgħu sigrieti, u jiddispjaċih li l-Kummissjoni qed tippersisti f'sistema fejn il-laqgħat jibqgħu sigrieti sakemm ma jkunx hemm maġġoranza sempliċi tal-membri tal-gruppi ta' esperti li tiddeċiedi li d-deliberazzjonijiet għandhom isiru pubbliċi; iqis li huwa essenzjali li tiġi implimentata l-akbar trasparenza possibbli, u jistieden lill-Kummissjoni tipprevedi li l-laqgħat u l-minuti jsiru pubbliċi;

18. Jenfasizza li l-utenti jeħtieġ jingħatalhom aċċess għal firxa ta' dokumenti (aġendi, dokumenti ta' referenza, diversi rapporti), bil-għan li jiġi żgurat monitoraġġ effiċjenti mill-partijiet interessati; huwa tal-fehma, barra minn hekk, li s-sit web tar-Reġistru tal-gruppi ta' esperti – kemm minnu nnifsu jew permezz ta' hyperlinks għal siti web rilevanti oħrajn – għandu jkun wieħed mill-istrumenti jew mill-mekkaniżmi li jintużaw biex tinkiseb informazzjoni aġġornata b'mod kostanti dwar l-iżviluppi politiċi, u b'hekk jiġi garantit livell għoli ta' trasparenza;

19. Jistieden lill-Kummissjoni biex minnufih tiżviluppa linji gwida speċifiċi – f'konsultazzjoni mal-partijiet interessati, inkluż il-Parlament – li jispjegaw kif hija tinterpreta d-dispożizzjoni li l-minuti tal-gruppi ta' esperti għandhom ikunu sinifikanti u kompluti, speċjalment meta dawn il-laqgħat ma jkunux pubbliċi, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex, f'dan ir-rigward, tipprovdi t-trasparenza massima possibbli, li tinkludi l-pubblikazzjoni tal-aġenda, tad-dokumenti ta' sfond, tar-rekords tal-votazzjoni u tal-minuti dettaljati, flimkien mal-opinjonijiet kuntrarji f'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-Ombudsman Ewropew;

20. Ifakkar li, apparti l-esperti maħtura fil-kapaċità personali tagħhom, anke l-membri minn universitajiet, istituti ta' riċerka, ditti legali, gruppi ta' riflessjoni u konsulenzi Ewropej u oħrajn jista' jkollhom kunflitti ta' interess, u jitlob lill-Kummissjoni tiċċara kif hija tevita l-kunflitti ta' interess għal dawn il-kategoriji speċifiċi ta' esperti;

21. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura – waqt li tibni fuq eżempji pożittivi eżistenti – implimentazzjoni sistematika ta' regoli orizzontali mtejba permezz ta' superviżjoni ċentrali tal-implimentazzjoni ta' dawn ir-regoli orizzontali, u biex dan ma tiddelegahx lil Direttorati Ġenerali individwali;

22. Jistieden lill-Kummissjoni tiddedika, b'mod partikolari, biżżejjed riżorsi għall-attivitajiet li għandhom x'jaqsmu mar-Reġistru, billi tiżviluppa metodi innovattivi u partikolarment effikaċi sabiex jinżamm aġġornat mingħajr ebda żball fattwali u/jew ommissjonijiet, u jippermetti l-esportazzjoni tad-data f'format li jinqara mill-magni;

23. Jinnota li l-Kummissjoni ddikjarat li, sa tmiem l-2016, id-Direttorati Ġenerali kollha se jkollhom jimplimentaw il-qafas il-ġdid għall-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni, u jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta lill-Parlament rapport dwar l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni sa mhux aktar tard minn sena wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni, jiġifieri qabel l-1 ta' Ġunju 2017; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li, bħala parti mid-djalogu strutturat mal-Parlament, fi żmien is-sitt xhur li ġejjin tista' diġà ssir l-ewwel preżentazzjoni orali tar-rapport;

24. Jissottolinja barra minn hekk li l-Kummissjoni, meta tkun qed tħejji u tabbozza atti delegati u ta' implimentazzjoni u fit-tfassil ta' linji gwida strateġiċi, jeħtiġilha tiżgura li d-dokumenti kollha, inklużi l-abbozzi tal-atti leġiżlattivi, iridu jaslu għand il-Parlament u l-Kunsill fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, kif maqbul fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet;

25. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

It-Tlieta 14 ta' Frar 2017

P8_TA(2017)0022

Ir-rwol tal-informaturi fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Frar 2017 dwar ir-rwol tal-informaturi fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE (2016/2055(INI))

(2018/C 252/07)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 325 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 22a, 22b u 22c tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-UE,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2013 dwar il-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus: rakkomandazzjonijiet dwar azzjonijiet u inizjattivi li għandhom jittieħdu ([1]),

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Ombudsman Ewropew li tagħlaq l-inkjesta fuq inizjattiva proprja OI/1/2014/PMC dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta,

— wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2016/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni ta' konoxxenza u ta' informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali (sigrieti kummerċjali) kontra l-ksib, l-użu u l-iżvelar illegali tagħhom ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni tal-Liġi Ċivili dwar il-Korruzzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 22(a) tal-Konvenzjoni tal-Liġi Ċivili dwar il-Korruzzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni CM/Rec(2014)7 tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-protezzjoni tal-informaturi,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 8, 13 u 33 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni,

— wara li kkunsidra l-Prinċipju nru 4 tar-Rakkomandazzjoni dwar it-Titjib tal-Kondotta Etika fis-Servizz Pubbliku tal-OECD,

— wara li kkunsidra l-inkjesta tal-Uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew tat-2 ta' Marzu 2015 u l-appell tiegħu lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jadottaw ir-regoli meħtieġa dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta,

— wara li kkunsidra l-pubblikazzjoni tal-OECD bit-titolu "Committing to effective whistle-blower protection" (Impenn għal protezzjoni effikaċi tal-informaturi),

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ *Guja vs Il-Moldova* tat-12 ta' Frar 2008, Rikors nru 14277/04,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 6 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A8-0004/2017),

([1]) ĠU C 208, 10.6.2016, p. 89.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2016, p. 1.

A. billi fil-kuntest tal-proċedura ta' kwittanza, il-Parlament jeħtieġ kemm jista' jkun informazzjoni dwar tali irregolaritajiet; billi f'każijiet li jikkonċernaw irregolaritajiet interni fl-istituzzjonijiet, il-Parlament għandu jkollu d-dritt għal aċċess sħiħ għal informazzjoni sabiex ikun jista' jwettaq il-proċedura ta' kwittanza b'għarfien sħiħ tal-fatti;

B. billi l-Qorti Ewropea tal-Awdituri tipprovdi lill-Parlament b'bażi eċċellenti biex tagħmel l-eżamijiet tagħha, iżda ma tistax tkopri hi stess in-nefqiet individwali;

C. billi l-Kummissjoni u l-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE, bl-istess mod, jipprovdu lill-Parlament b'rapporti informattivi dwar l-infiq tagħhom, iżda wkoll jibbażaw fuq mekkaniżmi ta' rappurtar uffiċjali;

D. billi l-bosta fondi tal-Unjoni huma soġġetti għal ġestjoni kondiviża mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri, li tagħmilha diffiċli għall-Kummissjoni biex tirrapporta dwar l-irregolaritajiet li jikkonċernaw proġetti individwali;

E. billi l-Parlament jirċievi regolarment informazzjoni minn ċittadini individwali jew organizzazzjonijiet mhux governattivi dwar irregolaritajiet li jikkonċernaw proġetti individwali ffinanzjati totalment jew parzjalment mill-baġit tal-Unjoni;

F. billi l-informaturi għandhom rwol importanti fil-prevenzjoni, il-kxif u l-irrappurtar ta' irregolaritajiet fir-rigward tal-ispejjeż relatati mal-baġit tal-UE, kif ukoll fl-identifikazzjoni u l-pubblikità ta' każijiet ta' korruzzjoni; billi hemm bżonn li tkun stabbilita u promossa kultura ta' fiduċja li trawwem il-ġid pubbliku Ewropew li, permezz tagħha, l-uffiċjali u l-impjegati l-oħra tal-UE, kif ukoll il-pubbliku ġenerali, iħossuhom protetti tramite prattiki ta' ġestjoni tajba, u li jintwera li l-istituzzjonijiet tal-UE jappoġġaw, jipproteġu u jinkoraġġixxu l-informaturi potenzjali ta' prattiki ħżiena;

G. billi huwa essenzjali għal qafas ġuridiku orizzontali li għandu jiġi stabbilit bħala kwistjoni ta' urġenza, li, huwa u jistabbilixxi drittijiet u obbligi, jipproteġi l-informaturi fl-UE kollha, kif ukoll fl-Istituzzjonijiet tal-UE (il-protezzjoni ta' anonimat, tal-għoti ta' assistenza legali, psikoloġika u, fejn ikun meħtieġ, finanzjarja, l-aċċess għal diversi kanali ta' informazzjoni, skemi ta' rispons rapidu, eċċ.);

H. billi l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-UE rratifikaw il-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Korruzzjoni, li tagħmilha obbligatorja li protezzjoni xierqa u effikaċi tiġi pprovduta lill-informaturi;

I. billi l-iżvelar ta' informazzjoni protetta hija sors essenzjali ta' informazzjoni fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u fl-investigazzjoni ta' korruzzjoni fis-settur pubbliku;

J. billi l-informaturi għandhom rwol partikolarment importanti f'dak li għandu x'jaqsam mal-kxif u l-irrappurtar ta' korruzzjoni u frodi, minħabba li l-partijiet direttament involuti f'dawn il-prattiki kriminali se jippruvaw jaħbuhom b'mod attiv minn mekkaniżmi ta' rapportar uffiċjali;

K. billi l-iżvelar ta' informazzjoni protetta, ibbażata fuq il-prinċipji tat-trasparenza u tal-integrità, hija essenzjali; il-protezzjoni tal-informaturi għandha għalhekk tiġi garantita bil-liġi u msaħħa fl-UE kollha, iżda biss jekk l-iskop ta' tali azzjoni jkun li dak li jipproteġi l-interess pubbliku billi dak li jkun jaġixxi in bona fede f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

L. billi l-awtoritajiet m'għandhomx jillimitaw jew inaqqsu l-kapaċità ta' informaturi u ta' ġurnalisti li jiddokumentaw u jiżvelaw il-prattiki illegali, kontra l-liġi jew ta' ħsara, meta l-iżvelar ta' din l-informazzjoni tkun in bona fede u l-interess pubbliku huwa prijorità;

M. billi mill-1 ta' Jannar 2014, l-istituzzjonijiet kollha tal-UE ġew obbligati li jintroduċu regoli interni għall-protezzjoni tal-informaturi li jkunu uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-UE, skont l-Artikoli 22a, 22b u 22c tar-Regolamenti tal-Persunal, u l-grupp ta' ħidma tal-Kumitat Preparatorju interistituzzjonali għall-Kwistjonijiet relatati mar-Regolamenti tal-Persunal, li jittratta l-protezzjoni tal-informaturi, għadu ma kkonkludiex il-ħidma tiegħu; billi parti mix-xogħol imwettaq minn dan il-grupp ta' ħidma għandu jkun biex tiġi vvalutata s-sitwazzjoni tal-informaturi li jkunu sofrew konsegwenzi negattivi fl-istituzzjonijiet, sabiex jistabbilixxu l-aħjar prattiki bbażati fuq esperjenzi tal-passat; billi dawk ir-regoli interni

għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni l-istruttura ta' ġestjoni u tal-karatteristiċi speċifiċi tad-diversi kategoriji skont ir-Regolamenti tal-Persunal;

N. billi l-protezzjoni tal-informaturi fil-livell tal-Istati Membri ma ġietx implimentata fl-Istati Membri kollha, u lanqas ġiet armonizzata, li jfisser li anki meta l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea huma kkonċernati, jista' jkun riskjuż għall-informaturi li jipprovdu informazzjoni dwar irregolaritajiet lill-Parlament; billi huwa preċiżament minħabba li n-nies jibżgħu minn x'jista' jiġrilhom minħabba n-nuqqas ta' protezzjoni, u għax jemmnu li l-ebda azzjoni mhi se tittieħed, li l-irregolaritajiet ma jiġux irrappurtati, u, bħala riżultat ta' dan, l-interessi finanzjarji tal-UE huma mminati;

O. billi jeħtieġ li jiġi żgurat li kwalunkwe tip ta' ritaljazzjoni kontra l-informaturi tiġi kkastigata b'mod xieraq;

P. billi fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2013, il-Parlament talab lill-Kummissjoni tressaq proposta leġiżlattiva sa tmiem l-2013 li tistabbilixxi programm Ewropew effettiv u komprensiv dwar il-protezzjoni tal-informaturi fis-setturi pubbliċi u privati, għall-protezzjoni ta' dawk li jidentifikaw ġestjoni ineffiċjenti u irregolaritajiet u jirrapportaw każijiet ta' korruzzjoni nazzjonali u transkonfinali relatati mal-interessi finanzjarji tal-UE; billi, barra minn hekk, huwa stieden lill-Istati Membri jistabbilixxu protezzjoni xierqa u effikaċi tal-informaturi;

Q. billi l-leġiżlatur tal-UE diġà ppreveda l-protezzjoni tal-informaturi fi strumenti settorjali, inkluża d-Direttiva 2013/30/UE dwar l-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore, ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 dwar l-abbuż tas-suq, id-Direttiva (UE) 2015/849 dwar il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu u r-Regolament (UE) Nru 376/2014 dwar ir-rappurtar tal-okkorrenzi;

R. billi l-protezzjoni tal-informaturi fl-Unjoni saret saħansitra aktar urġenti, peress li d-Direttiva dwar is-sigriet kummerċjali tillimita d-drittijiet tal-informaturi u li jista', b'hekk, ikollha l-effett mhux intenzjonat li jiskoraġġixxi lil dawk li jixtiequ jirrapportaw irregolaritajiet fil-kuntest tal-finanzjamenti tal-Unjoni li minnhom ibbenefikaw il-kumpaniji individwali;

S. billi diġà twettqet ħidma importanti minn organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) u l-Kunsill tal-Ewropa, li żviluppaw rakkomandazzjonijiet fir-rigward tal-protezzjoni tal-informaturi ta' prattiki ħżiena;

T. billi skont l-OECD aktar minn terz tal-organizzazzjonijiet b'mekkaniżmu ta' rappurtar ma kellhomx politika bil-miktub dwar il-protezzjoni tal-informaturi mir-ritaljazzjoni, jew ma kinux jafu biha;

U. billi l-organizzazzjonijiet mhux governattivi bħalma huma Transparency International, Whistleblowing International Network u oħrajn żviluppaw, bl-istess mod, prinċipji internazzjonali għal-leġiżlazzjoni tal-informaturi li għandhom iservu bħala sors ta' ispirazzjoni għal inizjattivi tal-UE f'dan ir-rigward;

V. billi, l-Uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew għandu kompetenza ċara f'dak li għandu x'jaqsam mal-investigazzjoni ta' lmenti ta' ċittadini tal-UE dwar amministrazzjoni ħażina fl-istituzzjonijiet tal-UE, iżda m'għandu ebda rwol x'jaqdi fil-protezzjoni tal-informaturi fi ħdan l-Istati Membri;

W. billi fl-aħħar verżjoni tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2014, introduċew diversi dispożizzjonijiet dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta;

X. billi l-protezzjoni tal-informaturi hija essenzjali għall-ġid pubbliku u għas-salvagwardja tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u biex tiġi promossa kultura ta' responsabbiltà pubblika u l-integrità fl-istituzzjonijiet pubbliċi kif ukoll privati;

Y. billi f'ħafna ġurisdizzjonijiet, u b'mod partikolari fis-settur privat, l-impjegati huma soġġetti għad-dmirijiet ta' kunfidenzjalità fir-rigward ta' ċerta informazzjoni, li jfisser li l-informaturi jistgħu jħabbtu wiċċhom ma' azzjonijiet dixxiplinari għar-rappurtar barra l-organizzazzjoni tagħhom;

1. Jiddeplora l-fatt li s'issa l-Kummissjoni naqset milli tressaq proposta leġiżlattiva mmirata lejn l-istabbiliment ta' livell minimu ta' protezzjoni Ewropew għall-informaturi;

2. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tressaq proposta leġiżlattiva li tistabbilixxi programm Ewropew effikaċi u komprensiv dwar il-protezzjoni tal-informaturi li jinkludi mekkaniżmi għall-kumpaniji, għall-korpi pubbliċi u għall-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' lukru u, b'mod partikolari, jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva qabel tmiem din is-sena dwar il-protezzjoni tal-informaturi bħala parti mill-miżuri meħtieġa fl-oqsma tal-prevenzjoni tal-frodi u tal-ġlieda kontrihom li tolqot l-interessi finanzjarji tal-Unjoni bl-għan li tiġi offruta protezzjoni effettiva u ekwivalenti fl-Istati Membri u fl-Unjoni kollha għall-istituzzjonijiet, għall-korpi, għall-uffiċċji u għall-aġenziji;

3. Iqis li l-informaturi jiżvolġu rwol essenzjali biex jgħinu lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet u lill-korpi tal-UE jevitaw u jindirizzaw każijiet ta' ksur tal-prinċipju ta' integrità u ta' abbuż ta' poter li jheddu jew jiksru s-saħħa pubblika u s-sikurezza, l-integrità finanzjarja, l-ekonomija, id-drittijiet tal-bniedem, l-ambjent jew l-istat tad-dritt fil-livell Ewropew u dak nazzjonali, jew li jżidu l-qgħad, jirrestringu jew ifixklu l-kompetizzjoni ġusta u jimminaw il-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet u l-proċessi demokratiċi; jenfasizza li, f'dan ir-rigward, l-informaturi jikkontribwixxu ferm biex tiżdied il-kwalità demokratika tal-istituzzjonijiet pubbliċi kif ukoll il-fiduċja fihom għax b'hekk l-istituzzjonijiet iridu jagħtu rendikont direttament liċ-ċittadini u jkunu aktar trasparenti;

4. Jinnota li kemm l-informaturi kif ukoll il-korp jew l-istituzzjoni pubbliċi involuti għandhom jiżguraw il-protezzjoni legali tad-drittijiet garantiti lilhom mill-Karta Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali u minn dispożizzjonijiet ġuridiċi nazzjonali;

5. Ifakkar li l-Istati Membri, bħala l-ewwel destinatarji tal-fondi tal-UE, għandhom l-obbligu li jeżaminaw il-legalità ta' kif jintefqu;

6. Jinnota li kienu biss ftit l-Istati Membri li introduċew sistemi avvanzati biżżejjed ta' protezzjoni tal-informaturi; jistieden lil dawk l-Istati Membri li għadhom ma adottawx prinċipji sabiex jiġu protetti l-informaturi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, jagħmlu dan mill-aktar fis possibbli;

7. Jistieden lill-Istati Membri jinfurzaw regoli effikaċi kontra l-korruzzjoni u, fl-istess ħin, jimplimentaw kif xieraq l-istandards u l-linji gwida Ewropej u internazzjonali dwar il-protezzjoni tal-informaturi fil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali tagħhom;

8. Jiddispjaċih li ħafna Stati Membri għad iridu jqiegħdu fis-seħħ regoli ddedikati għall-protezzjoni tal-informaturi, minkejja l-ħtieġa essenzjali ta' protezzjoni tal-informatur fil-prevenzjoni tal-korruzzjoni u l-ġlieda kontriha, u minkejja l-fatt li l-protezzjoni tal-informaturi hi rakkomandata fl-Artikolu 33 tal-Konvenzjoni tan-NU kontra l-korruzzjoni;

9. Jenfasizza li l-iżvelar ta' informazzjoni dwar l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jfisser l-iżvelar jew ir-rappurtar ta' għemil ħażin, inklużi, iżda mhux limitat għal, korruzzjoni, frodi, kunflitti ta' interess, evażjoni u evitar tat-taxxa, ħasil tal-flus, infiltrazzjoni tal-kriminalità organizzata u atti maħsubin biex jgħattu xi waħda minn dawn;

10. Iqis li huwa meħtieġ li tiġi promossa kultura etika li tgħin biex tiżgura li l-informaturi ma jsofrux minn ritaljazzjoni jew jiffaċċjaw kunflitti interni;

11. Itenni l-fatt li informatur huwa meħtieġ jagħti informazzjoni dwar irregolaritajiet li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE, kif ukoll il-fatt li l-informaturi għandhom dejjem jikkooperaw billi jiskambjaw informazzjoni ma' awtoritajiet kompetenti tal-UE;

12. Itenni l-fatt li l-informaturi, meta mqabblin mal-persuni esterni, ħafna drabi jkollhom aċċess aħjar għal informazzjoni sensittiva, u b'hekk jista' jkun iktar probabbli li jesperjenzaw il-konsegwenzi negattivi fuq il-karriera professjonali tagħhom jew li s-sikurezza personali tagħhom tkun f'riskju, li hija protetta skont l-Artikolu 6 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE;

It-Tlieta 14 ta' Frar 2017

13. Jenfasizza li d-definizzjoni ta' żvelar ta' informazzjoni tinkludi l-protezzjoni ta' dawk li jikxfu informazzjoni biċ-ċertezza raġonevoli li l-informazzjoni kienet veritiera fiż-żmien li ġiet żvelata, inklużi dawk li jagħmlu żvelar mhux preċiż bi żball ġenwin;

14. Jisħaq fuq ir-rwol tal-ġurnaliżmu investigattiv u jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-proposta tagħha toffri l-istess protezzjoni lill-ġurnalisti investigattivi hekk kif toffri lill-informaturi;

15. Jesprimi l-bżonn li jiġi stabbilit korp indipendenti tal-UE għall-ġbir ta' tagħrif, għall-konsulenza u għall-konsultazzjoni, b'uffiċċji fi Stati Membri li jkunu f'pożizzjoni li jirċievu rapporti ta' irregolaritajiet, b'riżorsi baġitarji suffiċjenti, b'kompetenzi adegwati u bi speċjalisti xierqa, sabiex jgħinu l-informaturi interni u dawk esterni jużaw il-mezzi adatti biex jiżvelaw informazzjoni dwar il-possibbiltà ta' irregolaritajiet li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, filwaqt li titħares il-kunfidenzjalità tagħhom u jiġu offruti l-appoġġ u l-pariri meħtieġa; fl-ewwel fażi, il-ħidma tkun primarjament ibbażata fuq verifika affidabbli tal-informazzjoni riċevuta;

16. Jitlob lill-istituzzjonijiet tal-UE, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti kollha, jintroduċu u jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex iħarsu l-kunfidenzjalità tas-sorsi ta' informazzjoni sabiex tiġi evitata kwalunkwe azzjoni diskriminatorja jew theddid;

17. Jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni meħuda mill-Ombudsman Ewropew fl-2014 biex iniedi investigazzjoni fuq inizjattiva proprja, li tindirizza l-istituzzjonijiet tal-UE, fil-qasam tal-protezzjoni tal-informaturi, u japprezza r-riżultati pożittivi ħafna li kellha; jitlob lill-istituzzjonijiet u lill-korpi l-oħra tal-UE li għadhom m'għamlux dan, biex, mingħajr dewmien, japplikaw il-linji gwida li tfasslu wara l-konklużjoni tal-investigazzjoni;

18. Jitlob lill-istituzzjonijiet tal-UE jagħtu kas tat-tħassib serju tal-informaturi indifiżi; iħeġġeġ, għaldaqstant, lill-Kummissjoni tipprovdi pjan ta' azzjoni komprensiv dwar din il-kwistjoni;

19. Jitlob il-ħolqien ta' unità speċjali b'linja ta' rapportar fi ħdan il-Parlament, kif ukoll ta' faċilitajiet iddedikati (pereżempju hotlines, siti web, punti ta' kuntatt) biex jirċievu informazzjoni relatata mal-interessi finanzjarji tal-Unjoni mingħand informaturi, li se tipprovdihom ukoll b'pariri u għajnuna biex jipproteġihom kontra kull possibbiltà ta' miżuri ta' tpattija, sa meta tiġi stabbilita istituzzjoni indipendenti tal-UE kif imsemmi fil-paragrafu 4;

20. Jitlob li jitnieda sit web fejn jistgħu jitressqu lmenti; jenfasizza li s-sit web għandu jkun aċċessibbli għall-pubbliku u għandu jaħżen id-data tagħhom b'mod anonimu;

21. Jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi qafas ġuridiku ċar li jiggarantixxi li dawk li jikxfu attivitajiet illegali jew mhux etiċi jkunu protetti minn ritaljazzjoni jew prosekuzzjoni;

22. Jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta proposti konkreti għal protezzjoni sħiħa ta' dawk li jikxfu l-illegalitajiet u l-irregolaritajiet, u tipprovdi pjan komprensiv biex tiskoraġġixxi t-trasferiment ta' assi lejn pajjiżi barra l-UE li jservu bħala protetturi tal-anonimat għall-persuni korrotti;

23. Jesprimi l-ħtieġa li jiġi żgurat li mekkaniżmi ta' rappurtar huma aċċessibbli u sikuri, u li l-affermazzjonijiet tal-informaturi jiġu investigati b'mod professjonali;

24. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, sakemm ikun fil-mandat tiegħu, u meta dan jiġi stabbilit, jistabbilixxu kanali ta' komunikazzjoni effiċjenti bejn il-partijiet ikkonċernati, u fl-istess ħin, jistabbilixxu proċeduri biex jirċievu u jipproteġu l-informaturi li jipprovdu informazzjoni dwar l-irregolaritajiet li jirrigwardaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, u biex jinħoloq protokoll ta' ħidma uniku għall-informaturi;

25. Jistieden lill-istituzzjonijiet u lill-korpi kollha tal-UE jieħdu l-azzjoni meħtieġa biex jiġi żgurat rikonoxximent u kunsiderazzjoni u rispett tal-informaturi fil-każijiet kollha li jolqtuhom jew li laqtuhom, u li ġew rikonoxxuti bħala tali, mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, u jindika li dan għandu japplika b'mod retroattiv; jistedinhom, barra minn hekk, jirrapportaw, pubblikament u b'mod sostanzjali, dwar id-deċiżjonijiet kkonċernati lill-istituzzjoni kollha kemm hi;

26. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu lill-Parlament bi kwalunkwe informazzjoni li tasal mingħand informaturi li tolqot l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u jinkludu kapitolu dwar l-allerti tagħhom u fuq is-segwitu ta' dawn fir-rapporti ta' attività annwali; jitlob li tittieħed azzjoni mill-PE biex tiġi stabbilita l-preċiżjoni tal-informazzjoni sabiex jittieħdu miżuri xierqa;

27. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq konsultazzjoni pubblika biex tislet l-opinjonijiet tal-partijiet interessati dwar il-mekkaniżmi ta' rappurtar u dwar in-nuqqasijiet potenzjali tal-proċeduri fil-livell nazzjonali; ir-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika se jirrappreżentaw kontribut siewi għall-Kummissjoni fit-tħejjija tal-proposta futura tagħha dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta;

28. Jistieden lill-korp indipendenti tal-UE, u sakemm dan jitwaqqaf, lill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jiktbu u jippubblikaw rapport annwali dwar l-evalwazzjoni ta' protezzjoni għall-informaturi fl-Unjoni Ewropea;

29. Jistieden, barra minn hekk, lill-Qorti tal-Awdituri tinkludi taqsima speċifika dwar ir-rwol tal-informaturi fir-rigward tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni fir-rapporti annwali tagħha;

30. Jistieden lill-aġenziji tal-UE jipprovdu politika bil-miktub dwar il-protezzjoni ta' dawk li jirrapportaw minn ritaljazzjoni;

31. Jilqa' l-fatt li l-Parlament, il-Kummissjoni, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Kumitat tar-Reġjuni, l-Ombudsman Ewropew u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data implimentaw regoli interni li jipproteġu lill-informaturi, f'konformità mal-Artikoli 22a, 22b u 22c tar-Regolamenti tal-Persunal; iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet kollha jiżguraw li r-regoli interni rispettivi tagħhom dwar il-protezzjoni tal-informaturi li jkunu adottaw ikunu robusti u komprensivi;

32. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jiżviluppaw data, parametri ta' riferiment u indikaturi dwar il-politiki tal-informaturi kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat;

33. Ifakkar li d-Direttiva tal-Kummissjoni 2015/2392 (UE) tistabbilixxi l-proċeduri għar-rappurtar, iż-żamma ta' rekords u miżuri ta' protezzjoni għall-informaturi; jenfasizza l-importanza li jkun żgurat li l-informaturi jistgħu jirrapportaw ksur b'mod kunfidenzjali u li l-anonimat tagħhom jitħares kif suppost u bis-sħiħ, anke fl-ambjent diġitali, imma jiddispjaċih li dan hu wieħed mill-ftit atti leġiżlattivi settorjali li jinkludi dispożizzjonijiet għall-informaturi;

34. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tistudja l-aħjar prattiki dwar l-informaturi minn programmi li diġà huma fis-seħħ f'pajjiżi oħra fid-dinja; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li xi skemi eżistenti jipprovdu premijiet finanzjarji għall-informaturi (bħal perċentwal tas-sanzjonijiet ordnati); iqis li għalkemm dan jeħtieġ li jiġi ġestit bir-reqqa biex jiġi evitat l-abbuż li jista' jkun hemm, tali premijiet jistgħu joffru introjtu importanti lil persuni li jkunu tilfu l-impjieg tagħhom minħabba żvelar ta' informazzjoni;

35. Jistieden lill-Istati Membri jieqfu milli jikkriminalizzaw l-azzjonijiet tal-informaturi meta jiżvelaw informazzjoni dwar attivitajiet illegali jew irregolaritajiet li jagħmlu ħsara lill-interessi finanzjarji tal-UE;

36. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

It-Tlieta 14 ta' Frar 2017

P8_TA(2017)0026

Reviżjoni tal-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Frar 2017 dwar ir-reviżjoni tal-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp (2016/2094(INI))

(2018/C 252/08)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp ta' Diċembru 2005 ([1]),

— wara li kkunsidra s-Sħubija ta' Busan dwar Kooperazzjoni Effettiva għall-Iżvilupp ([2]) u l-Pożizzjoni Komuni tal-UE għat-tieni Laqgħa ta' Livell Għoli tas-Sħubija Globali dwar Kooperazzjoni Effettiva għall-Iżvilupp (GPEDC) li saret f'Nairobi (mit-28 ta' Novembru sal-1 ta' Diċembru 2016) ([3]),

— wara li kkunsidra d-dokument ta' eżitu tar-Raba' Forum ta' Livell Għoli dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna ta' Diċembru 2011, li vara l- GPEDC,

— wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 bit-titolu "Transforming our World: The 2030 Agenda for Sustainable Development" (Nittrasformaw id-Dinja tagħna: L-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli), adottata fis-Summit tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Iżvilupp Sostenibbli tal-25 ta' Settembru 2015 fi New York ([4]),

— wara li kkunsidra l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp ([5]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Dili tal-10 ta' April 2010, dwar il-bini tal-paċi u l-bini tal-istati, kif ukoll "Il-Patt il-Ġdid favur l-Involviment fi Stati Fraġli" varat fit-30 ta' Novembru 2011,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Pariġi (COP 21) skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, adottat fit-12 ta' Diċembru 2015 ([6]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Inżidu l-impatt tal-Politika tal-UE għall-Iżvilupp: Aġenda għall-Bidla" (COM(2011)0637),

— wara li kkunsidra s-Summit Umanitarju Dinji li sar bejn it-23 u l-24 ta' Mejju 2016 f'Istanbul u l-Impenji għal Azzjoni tiegħu ([7]),

— wara li kkunsidra l-Aġenda Urbana Ġdida adottata fil-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Housing u l-Iżvilupp Urban Sostenibbli (Habitat III) li saret mis-17 sal-20 ta' Ottubru 2016 f'Quito, l-Ekwador ([8]),

— wara li kkunsidra r-rapport ta' progress tal-2014 tal-OECD/UNDP bit-titolu "Making Development Cooperation More Effective" (Lejn Kooperazzjoni għall-Iżvilupp Aktar Effikaċi) ([9]),

---

([1]) ĠU C 46, 24.2.2006, p. 1.
([2]) http://www.oecd.org/dac/effectiveness/49650173.pdf
([3]) http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-14684-2016-INIT/mt/pdf
([4]) http://www.un.org/ga/search/view_doc.asp?symbol=A/RES/70/1&Lang=E
([5]) http://www.un.org/esa/ffd/wp-content/uploads/2015/08/AAAA_Outcome.pdf
([6]) https://unfccc.int/resource/docs/2015/cop21/eng/l09r01.pdf
([7]) https://www.worldhumanitariansummit.org/
([8]) https://habitat3.org/the-new-urban-agenda/
([9]) http://effectivecooperation.org/wp-content/uploads/2016/05/4314021e.pdf

— wara li kkunsidra l-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp, li jiddikjara li "l-politika ta' koperazzjoni għall-iżvilupp ta' l-Unjoni u dik ta' l-Istati Membri għandhom jikkomplementaw u jsaħħu lil xulxin", u li jiddefinixxi t-tnaqqis u l-qerda tal-faqar bħala l-għan ewlieni tal-politika tal-iżvilupp tal-UE,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ottubru 2012 dwar l-għeruq tad-demokrazija u tal-iżvilupp sostenibbli: l-involviment tal-Ewropa mas-soċjetà ċivili fir-relazzjonijiet esterni,

— wara li kkunsidra l-Kodiċi ta' Kondotta tal-UE dwar il-Komplementarjetà u t-Tqassim tax-Xogħol fil-Politika dwar l-Iżvilupp ([1]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-UE tad-19 ta' Mejju 2014 dwar approċċ għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp ibbażat fuq id-drittijiet, li jħaddan id-drittijiet tal-bniedem kollha ([2]),

— wara li kkunsidra l-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea ppubblikata f'Ġunju 2016 ([3]),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD), iffirmata u ratifikata mill-UE fl-2011, u l-Osservazzjonijiet Konklużivi tan-NU dwar l-implimentazzjoni tas-CRPD,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Kummerċ għal Kulħadd: Lejn politika aktar responsabbli għall-kummerċ u l-investiment" (COM(2015)0497),

— wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2016-2020 u l-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija (2015-2019),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu, b'mod partikolari dawk tas-17 ta' Novembru 2005 dwar il-proposta għal Dikjarazzjoni Konġunta tal-Kunsill, tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni dwar il-Politika Ewropea għall-Iżvilupp "Il-Kunsens Ewropew" ([4]), tal-5 ta' Lulju 2011 dwar żieda fl-impatt tal-politika tal-iżvilupp tal-UE ([5]), tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-koordinazzjoni tad-donaturi tal-UE dwar l-għajnuna għall-iżvilupp ([6]), tal-25 ta' Novembru 2014 dwar l-UE u l-qafas tal-iżvilupp globali wara l-2015 ([7]), tad-19 ta' Mejju 2015 dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp ([8]), tat-8 ta' Lulju 2015 dwar l-evitar tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa bħala sfidi għall-governanza, il-protezzjoni soċjali u l-iżvilupp fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw ([9]), tal-14 ta' April 2016 dwar is-settur privat u l-iżvilupp ([10]), tat-12 ta' Mejju 2016 dwar is-segwitu u r-rieżami tal-Aġenda 2030 ([11]), tas-7 ta' Ġunju 2016 dwar ir-Rapport 2015 tal-UE dwar il-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp ([12]) u tat-22 ta' Novembru 2016 dwar it-titjib tal-effikaċja tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp ([13]),

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma Konġunt tal-Persunal dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-Emanċipazzjoni tan-Nisa: Nittrasformaw il-Ħajjiet tal-Bniet u n-Nisa permezz tar-Relazzjonijiet Esterni tal-UE 2016-2020 (SWD(2015) 0182) u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2015 li japprovaw il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi korrispondenti,

---

([1]) Konklużjonijiet tal-Kunsill, 15.5.2007.
([2]) Konklużjonijiet tal-Kunsill, 19.5.2014.
([3]) Dokument tal-Kunsill 10715/16.
([4]) ĠU C 280 E, 18.11.2006, p. 484.
([5]) ĠU C 33 E, 5.2.2013, p. 77.
([6]) .ĠU C 468, 15.12.2016, p. 73.
([7]) Testi adottati, P8_TA(2014)0059.
([8]) Testi adottati, P8_TA(2015)0196.
([9]) Testi adottati, P8_TA(2015)0265.
([10]) Testi adottati, P8_TA(2016)0137.
([11]) Testi adottati, P8_TA(2016)0224.
([12]) Testi adottati, P8_TA(2016)0246.
([13]) Testi adottati, P8_TA(2016)0437.

It-Tlieta 14 ta' Frar 2017

— wara li kkunsidra l-qafas il-ġdid għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-Emanċipazzjoni tan-Nisa: Nittrasformaw il-Ħajjiet tal-Bniet u n-Nisa permezz tar-Relazzjonijiet Esterni tal-UE (2016-2020),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2016 dwar strateġija futura ġdida progressiva u innovattiva dwar il-kummerċ u l-investiment ([1]),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-erba' prinċipji fundamentali tiegħu ta' nondiskriminazzjoni (Artikolu 2), l-aħjar interessi tat-tfal (Artikolu 3), is-sopravivenza, l-iżvilupp u l-protezzjoni (Artikolu 6) u l-parteċipazzjoni (Artikolu 12),

— wara li kkunsidra r-rapport li jmiss tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Kumitat għall-Iżvilupp tiegħu dwar l-indirizzar tal-movimenti tar-rifuġjati u tal-migranti: ir-rwol tal-azzjoni esterna tal-UE (2015/2342(INI)), u r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Novembru 2016 dwar iż-żieda fl-effikaċja tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A8-0020/2017),

A. billi reviżjoni tal-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp hija f'waqtha u neċessarja meta jiġi kkunsidrat il-qafas estern mibdul, inkluża l-adozzjoni tal-Aġenda 2030 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), il-Ftehim ta' Pariġi COP 21 dwar it-tibdil fil-klima, il-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri, l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa dwar il-finanzjament għall-iżvilupp u s-Sħubija Globali dwar Kooperazzjoni Effettiva għall-Iżvilupp, sfidi globali ġodda jew li qed jiżdiedu bħat-tibdil fil-klima, il-kuntest tal-migrazzjoni, pajjiżi li qed jiżviluppaw aktar diversifikati bi ħtiġijiet ta' żvilupp differenti u speċifiċi, donaturi emerġenti u atturi globali ġodda, spazju li qed jonqos għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u bidliet interni fl-UE, fosthom dawk li jirriżultaw mit-Trattat ta' Lisbona, mill-Aġenda għall-Bidla u mill-Istrateġija Globali tal-UE għall-Politika Estera u ta' Sigurtà;

B. billi l-Aġenda 2030 universali u l-SDGs interrelatati għandhom l-għan li jiksbu żvilupp sostenibbli fil-limiti tal-pjaneta, filwaqt li jibnu sħubijiet li jqiegħdu lin-nies fiċ-ċentru, jipprovdulhom riżorsi vitali bħall-ikel, l-ilma u s-sanità, il-kura tas-saħħa, l-enerġija, l-edukazzjoni u opportunitajiet ta' impjieg, u jippromwovu l-paċi, il-ġustizzja u l-prosperità għal kulħadd; billi l-azzjonijiet iridu jittieħdu skont il-prinċipji ta' sjieda tal-pajjiż, ta' sħubijiet ta' żvilupp inklużivi, ta' enfasi fuq ir-riżultati, ta' trasparenza u r-responsabbiltà; billi approċċ ibbażat fuq id-drittijiet huwa prerekwiżit għall-iżvilupp sostenibbli f'konformità mar-riżoluzzjoni 41/128 tan-NU, fejn id-dritt għall-iżvilupp huwa definit bħala dritt tal-bniedem inaljenabbli;

C. billi l-Artikolu 208 tat-TFUE jiddikjara li "l-politika ta' koperazzjoni għall-iżvilupp ta' l-Unjoni u dik ta' l-Istati Membri għandhom jikkomplementaw u jsaħħu lil xulxin";

D. billi t-tibdil fil-klima huwa fenomenu li jrid jiġi ttrattat b'mod urġenti, peress li jolqot ferm aktar lill-foqra u lill-pajjiżi l-aktar vulnerabbli;

E. billi tliet kwarti tal-foqra fid-dinja jgħixu f'Pajjiżi b'Introjtu Medju (MICs); billi l-MICs mhumiex grupp omoġenju iżda għandhom ħtiġijiet u sfidi varjati ħafna, u għalhekk il-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE trid tkun differenzjata biżżejjed;

F. billi l-approċċ ta' koerenza tal-politiki għall-iżvilupp previst fit-Trattati jesiġi li l-UE tqis l-objettivi dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp meta taġixxi f'oqsma politiċi oħra li x'aktarx li jaffettwaw lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw; billi oqsma ta' politika marbuta mill-qrib bħall-kummerċ, is-sigurtà, il-migrazzjoni, l-għajnuna umanitarja u l-iżvilupp għalhekk iridu jiġu fformulati u implimentati b'mod li jsaħħu lil xulxin;

([1]) Testi adottati, P8_TA(2016)0299.
([2]) Testi adottati, P8_TA(2016)0437.

G. billi l-migrazzjoni saret kwistjoni dejjem aktar urġenti, b'aktar minn 65 miljun ruħ ikunu vittmi ta' spostament forzat madwar id-dinja; billi l-maġġoranza l-kbira tar-rifuġjati jgħixu f'pajjiżi li qed jiżviluppaw; billi l-fraġilità tal-istati, l-instabbiltà u l-gwerer, il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, il-faqar estrem u n-nuqqas ta' prospetti huma fost il-kawżi ewlenin li jwasslu lin-nies jitilqu minn djarhom; billi miljuni ta' nies emigraw jew ħarbu lejn l-UE fis-snin riċenti;

H. billi xi proposti riċenti mill-Kummissjoni għandhom it-tendenza li jqisu l-politika tal-iżvilupp mill-perspettiva l-ġdida tal-ġestjoni tal-migrazzjoni, sabiex jiġu ssodisfati l-prijoritajiet tal-UE li sikwit ikunu għall-perjodu qasir; billi m'għandu jkun hemm l-ebda kundizzjonalità bejn l-għajnuna għall-iżvilupp u l-kooperazzjoni minn pajjiżi benefiċjarji dwar kwistjonijiet ta' migrazzjoni; billi fondi bħall-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-UE għall-Afrika u l-Pjan ta' Investiment Estern tal-UE ġew stabbiliti bl-għan li jkun hemm reazzjoni għall-kriżijiet migratorji riċenti fl-UE; billi l-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE jrid ikollha bħala l-objettiv primarju tagħha t-tnaqqis u, eventwalment, il-qerda tal-faqar u għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji ta' effikaċja tal-iżvilupp;

I. billi s-saħħa u l-edukazzjoni huma kruċjali għall-iżvilupp sostenibbli; billi l-investiment biex jiġi ggarantit aċċess universali f'dawn l-oqsma għalhekk jidher b'mod prominenti fl-Aġenda 2030 u fl-SDGs u għandu jkollu riżorsi adegwati sabiex ikollu effetti konsegwenzjali għal setturi oħra;

J. billi l-SMEs u l-mikrointrapriżi huma s-sinsla tal-ekonomiji madwar id-dinja, huma parti fundamentali mill-ekonomija tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u, flimkien mas-setturi pubbliċi li jaħdmu tajjeb, huma fattur ewlieni biex jiżdied it-tkabbir ekonomiku, soċjali u kulturali; billi l-SMEs spiss jiffaċċjaw aċċess ristrett għall-kapital, b'mod partikolari f'pajjiżi li qed jiżviluppaw;

K. billi llum aktar minn nofs il-popolazzjoni dinjija hija urbana, u billi huwa mbassar li dan il-proporzjon jilħaq żewġ terzi sal-2050, b'madwar 90 % tat-tkabbir urban iseħħ fl-Afrika u fl-Asja; billi din it-tendenza ssaħħaħ il-ħtieġa għal żvilupp urban sostenibbli; billi s-sigurtà urbana qed issir sfida dejjem akbar f'ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw;

L. billi l-oċeani għandhom rwol vitali għall-bijodiversità, is-sigurtà tal-ikel, l-enerġija, l-impjiegi u t-tkabbir, iżda billi r-riżorsi tal-baħar huma mhedda mit-tibdil fil-klima u minn sfruttament żejjed u ġestjoni insostenibbli;

M. billi d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti qed ifaqqru l-ekosistemi u huma kontributuri importanti għat-tibdil fil-klima;

N. billi l-politika tal-iżvilupp tal-UE tikkomplementa b'mod importanti l-politika tal-iżvilupp tal-Istati Membri li għandha tiffoka fuq oqsma ta' vantaġġ komparattiv u fuq modi li bihom ir-rwol dinji tal-UE bħala organizzazzjoni jista' jiżviluppa aktar l-objettivi tal-politika tal-iżvilupp tagħha;

O. billi l-politika tal-iżvilupp hija aspett kruċjali tal-politika esterna tal-UE; billi l-Unjoni hija l-akbar donatur għall-iżvilupp fid-dinja u, flimkien mal-Istati Membri tagħha, tipprovdi aktar minn nofs l-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp f'livell dinji;

P. billi l-inugwaljanzi fil-ġid u fl-introjtu qed jikbru madwar id-dinja; billi din it-tendenza għandha r-riskju li timmina l-koeżjoni soċjali u li żżid id-diskriminazzjoni, l-instabbiltà politika u l-inkwiet politiku; billi l-mobilizzazzjoni tar-riżorsi domestiċi hija għalhekk kruċjali għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u tirrappreżenta strateġija vijabbli biex eventwalment tingħeleb id-dipendenza mill-għajnuna barranija;

1. Jenfasizza l-importanza tal-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp billi jipprovdi pożizzjoni konġunta u koerenti kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak tal-Istati Membri dwar l-objettivi, il-valuri, il-prinċipji u l-aspetti ewlenin tal-politika tal-iżvilupp, anke fl-implimentazzjoni tagħha; jemmen li l-acquis tal-Kunsens, u b'mod partikolari l-approċċ olistiku tiegħu u l-objettiv primarju ċar tal-ġlieda kontra l-faqar, u eventwalment il-qerda tal-faqar, irid jiġi ssalvagwardjat fir-reviżjoni tiegħu; jemmen, barra minn hekk, li l-indirizzar tal-inugwaljanzi, kif rikonoxxut fl-SDGs, irid ikun mira wkoll; ifakkar li l-politiki tal-iżvilupp fil-livell tal-Istati Membri u tal-UE għandhom isaħħu u jikkomplementaw lil xulxin;

It-Tlieta 14 ta' Frar 2017

2. Iwissi kontra t-twessigħ tal-kriterji tal-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA) bl-għan li jkopru spejjeż għajr dawk marbuta direttament mal-objettivi msemmija preċedentement; jenfasizza li kwalunkwe riforma tal-ODA irid ikollha l-għan li żżid l-impatt tal-iżvilupp;

3. Jirrikonoxxi l-importanza ta' strateġija Ewropea esterna ċara, li tirrikjedi l-koerenza politika, b'mod partikolari dwar il-paċi u s-sigurtà, il-migrazzjoni, il-kummerċ, l-ambjent u t-tibdil fil-klima, l-għajnuna umanitarja u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp; itenni, madankollu, li l-objettivi tal-iżvilupp huma għanijiet fihom infushom; ifakkar fl-obbligu previst fit-Trattat minqux fl-Artikolu 208 tat-TFUE biex jittieħdu "in kunsiderazzjoni l-objettivi ta' koperazzjoni għall-iżvilupp fl-implimentazzjoni tal-politika li x'aktarx tolqot lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw"; jissottolinja bil-qawwa li l-Parlament jista' jaċċetta biss kunċett qawwi ta' politika tal-iżvilupp imsejjes fl-obbligi tat-TFUE b'enfasi ewlenija fuq il-ġlieda kontra l-faqar; ifakkar fil-prinċipji tal-azzjoni esterna tal-UE skont l-Artikolu 21(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, jiġifieri d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-universalità u l-indiviżibilità tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-prinċipji tal-ugwaljanza u tas-solidarjetà, u r-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u tad-dritt internazzjonali;

4. F'konformità mat-Trattat ta' Lisbona, jiddeskrivi l-kooperazzjoni għall-iżvilupp kif ġej: ġlieda għad-DINJITÀ permezz tal-qerda tal-FAQAR;

L-objettivi, il-valuri u l-prinċipji tal-iżvilupp tal-UE

5. Jitlob li l-SDGs, l-Aġenda 2030 u d-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-iżvilupp sostenibbli jiġu inklużi fil-politiki interni u esterni kollha tal-UE u li jitpoġġew fil-qalba tal-Kunsens, filwaqt li jirrikonoxxi l-interkonnessjonijiet importanti bejn l-għanijiet u l-miri tiegħu; jitlob li l-ġlieda kontra l-faqar, u eventwalment il-qerda tal-faqar, jibqgħu l-għan ġenerali u primarju tal-politika tal-iżvilupp tal-UE, b'enfasi partikolari fuq il-gruppi l-aktar emarġinati u bl-għan li ħadd ma jibqa' lura; jisħaq l-importanza li jiddefinixxi l-povertà skont id-definizzjoni tal-Kunsens u l-Aġenda għal Bidla u fi ħdan il-qafas tat-Trattat ta' Lisbona;

6. Jenfasizza n-natura universali u trasformattiva tal-Aġenda 2030; jissottolinja, għalhekk, li pajjiżi żviluppati u dawk li qed jiżviluppaw għandhom responsabbiltà kondiviża biex jintlaħqu l-SDGs, u li l-istrateġija tal-UE dwar l-SDGs trid tikkonsisti minn ġabra koerenti ta' politiki u impenji kemm interni kif ukoll esterni b'sett sħiħ ta' għodod tal-politika tal-iżvilupp;

7. Jinsisti li l-politika tal-iżvilupp trid tirrifletti b'mod aktar konsistenti l-attenzjoni tal-Unjoni fuq l-istati fraġli, il-qgħad fost iż-żgħażagħ, in-nisa u l-bniet vittmi tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru u ta' prattiki dannużi u dawk f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt, u jfakkar fl-impenn tal-UE li talloka tal-anqas 20 % tal-ODA tagħha għall-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp tal-bniedem;

8. Jenfasizza li l-edukazzjoni hija fundamentali għall-iżvilupp ta' soċjetajiet li jistgħu jsostnu lilhom infushom; jitlob lill-UE tistabbilixxi rabtiet bejn l-edukazzjoni ta' kwalità, it-taħriġ tekniku u vokazzjonali u l-kooperazzjoni mal-industrija bħala prekundizzjoni essenzjali għall-impjegabbiltà taż-żgħażagħ u l-aċċess għal impjiegi kwalifikati; jemmen li l-indirizzar b'mod partikolari tal-kwistjoni tal-aċċess għall-edukazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza u ta' kriżi huwa kruċjali kemm għall-iżvilupp kif ukoll għall-protezzjoni tat-tfal;

9. Jenfasizza li fatturi sistemiċi, inklużi l-inugwaljanza bejn is-sessi, l-ostakli politiċi u l-iżbilanċi tal-poter, għandhom impatt fuq is-saħħa u li l-iżgurar ta' aċċess ekwu għal servizzi tal-kura tas-saħħa ta' kwalità pprovduti minn persunal tal-kura tas-saħħa mħarreġ, ikkwalifikat u kompetenti huwa kruċjali; jissottolinja li l-Kunsens il-ġdid għandu għalhekk jippromwovi l-investiment fi, u l-emanċipazzjoni ta', ħaddiema tal-kura tas-saħħa tal-ewwel linja, li għandhom rwol kruċjali biex jiġi garantit l-għoti ta' servizzi tal-kura tas-saħħa f'żoni remoti, foqra u li mhumiex moqdija sew, u f'żoni ta' kunflitt; jenfasizza li l-promozzjoni tar-riċerka u l-iżvilupp ta' teknoloġiji tas-saħħa ġodda biex jiġu indirizzati theddidiet ġodda għas-saħħa bħall-epidemiji u r-reżistenza għall-antimikrobiċi hija kruċjali għall-ilħuq tal-SDGs;

10. Jitlob li jkun hemm impenn kontinwu qawwi tal-UE għall-governanza globali bbażata fuq ir-regoli kif ukoll il-promozzjoni tagħha, u b'mod partikolari l-Isħubija Globali għall-Iżvilupp Sostenibbli;

11. Jenfasizza li l-ġlieda kontra l-inugwaljanzi fil-pajjiżi u bejniethom, id-diskriminazzjoni, b'mod partikolari abbażi tal-ġeneru, l-inġustizzja u l-kunflitt, il-promozzjoni tal-paċi, id-demokrazija parteċipattiva, il-governanza tajba, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, is-soċjetajiet inklużivi u t-tkabbir sostenibbli u l-indirizzar tal-adattament għat-tibdil fil-klima u l-isfidi ta' mitigazzjoni jridu jkunu objettivi trasversali tal-politika tal-iżvilupp tal-UE; jitlob li l-Aġenda 2030 tiġi implimentata kollha kemm hi u b'mod ikkoordinat u koerenti mal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima, anke fir-rigward

tal-ħtieġa urġenti li jitnaqqas id-distakk bejn dak li huwa meħtieġ biex jiġi limitat it-tisħin dinji u biex tiżdied il-ħidma fuq l-adattament u l-finanzjament għalih; ifakkar fl-impenn tal-UE li talloka 20 % tal-baġit tagħha għall-2014-2020 (madwar EUR 180 biljun) għal sforzi biex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima, anke permezz tal-politiki esterni u ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tagħha;

12. Jenfasizza li l-kooperazzjoni għall-iżvilupp tista' tirriżulta mill-inklużjoni, il-fiduċja u l-innovazzjoni msejsa fuq ir-rispett mis-sħab kollha għall-użu ta' strateġiji nazzjonali u oqfsa tar-riżultati tal-pajjiżi;

13. Jirrikonoxxi r-rwol speċjali tad-dimensjoni tal-governanza tajba tal-iżvilupp sostenibbli; jitlob lill-UE ssaħħaħ il-bilanċ bejn l-oqsma ekonomiċi, soċjali u ambjentali billi tappoġġja strateġiji nazzjonali komprensivi ta' żvilupp sostenibbli u billi tappoġġja l-mekkaniżmi u l-proċessi tajbin ta' governanza tajba, b'enfasi partikolari fuq il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili; jenfasizza l-importanza ta' riformi ta' deċentralizzazzjoni amministrattiva u fiskali bħala mezz biex tiġi promossa l-governanza tajba fil-livell lokali skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà;

14. Jitlob li l-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE tħeġġeġ lill-pajjiżi sħab "jigglokalizzaw" l-SDGs, f'konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili nazzjonali u lokali, sabiex dawn jissarrfu f'miri nazzjonali u sottonazzjonali kuntestwalment rilevanti integrati fl-istrateġiji, il-programmi u l-baġits ta' żvilupp nazzjonali; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jinkoraġġixxu lill-pajjiżi sħab tagħhom biex jinkludu l-ilħna tal-komunitajiet emarġinati fil-monitoraġġ tal-SDGs u jippromwovu mekkaniżmi konkreti biex dan ikun possibbli, f'konformità mal-aġenda "ħadd ma jibqa' lura";

15. Jitlob li l-politika tal-iżvilupp tal-UE tkompli tagħti prijorità lill-appoġġ lill-pajjiżi l-inqas żviluppati u lil dawk b'introjtu baxx (LDCs u LICs) kif ukoll lill-istati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw (SIDS) filwaqt li tindirizza l-ħtiġijiet differenti u speċifiċi tal-pajjiżi b'introjtu medju (MICs), fejn jgħixu l-maġġoranza tal-fqar fid-dinja, skont l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa u b'rispett sħiħ għall-prinċipju ta' differenzjazzjoni; jappella għall-integrazzjoni ta' approċċ territorjali għall-iżvilupp sabiex tingħata s-setgħa lill-gvernijiet lokali u reġjonali u biex jiġu indirizzati aħjar l-inugwaljanzi fi ħdan il-pajjiżi;

16. Jenfasizza l-importanza tal-prinċipju ta' sjieda demokratika, li jagħti lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw ir-responsabbiltà primarja għall-iżvilupp tagħhom stess iżda li jippermetti wkoll li l-parlamenti nazzjonali u l-partiti politiċi, l-awtoritajiet reġjonali u lokali, is-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati oħra jiżvolġu bis-sħiħ ir-rwoli rispettivi tagħhom flimkien mal-gvernijiet nazzjonali u jipparteċipaw attivament fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet; jissottolinja, f'dan il-kuntest, l-importanza li titjieb ir-responsabbiltà 'l fuq u 'l isfel bl-għan li jkun hemm rispons aħjar għall-ħtiġijiet lokali u li titrawwem is-sjieda demokratika taċ-ċittadini;

17. Jitlob li l-UE tkompli u ssaħħaħ l-appoġġ tagħha għall-bini tal-kapaċità lokali u reġjonali u għal proċessi ta' deċentralizzazzjoni sabiex il-gvernijiet lokali u reġjonali jingħataw is-setgħa u jsiru aktar trasparenti u responsabbli sabiex ikunu jistgħu jissodisfaw aħjar il-ħtiġijiet u t-talbiet taċ-ċittadini tagħhom;

18. Jappella, f'konformità mal-prinċipju ta' sħubija, għal responsabbiltà kondiviża għall-azzjonijiet konġunti kollha, filwaqt li jiġi promoss l-ogħla livell possibbli ta' trasparenza; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jippromwovu rwol imsaħħaħ għall-parlamenti nazzjonali, il-gvernijiet lokali u reġjonali u s-soċjetà ċivili fis-sorveljanza politika u baġitarja u l-iskrutinju demokratiku; jitlob li l-korruzzjoni u l-impunità jiġu miġġielda b'mod konġunt bil-mezzi kollha u fil-livelli kollha tal-politika;

19. Jitlob li d-djalogu politiku bejn l-UE u l-pajjiżi/ir-reġjuni sħab ikun aspett ċentrali ta' kull kooperazzjoni tal-UE għall-iżvilupp u li tali djalogi jiffukaw fuq valuri komuni u kif dawn għandhom jiġu promossi; jitlob li jkun hemm aktar involviment parlamentari u tas-soċjetà ċivili fid-djalogi politiċi;

20. Jissottolinja l-importanza ta' demokrazija pluralistika u inklużiva, u jitlob lill-UE biex tippromwovi kundizzjonijiet ekwi għall-partiti politiċi u soċjetà ċivili dinamika fl-azzjonijiet kollha tagħha, anke permezz tal-bini ta' kapaċità u permezz tad-djalogu mal-pajjiżi sħab biex jitħalla biżżejjed spazju għas-soċjetà ċivili b'mekkaniżmi xprunati miċ-ċittadini, ta' monitoraġġ parteċipattiv u ta' responsabbiltà fil-livell sottonazzjonali, nazzjonali u reġjonali u biex tiżgura l-involviment tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (CSOs) fid-disinn, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, ir-rieżami u r-responsabbiltà tal-politiki tal-iżvilupp; jitlob li l-UE tirrikonoxxi li l-konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili tkun fattur kruċjali għas-suċċess fis-setturi tal-programmazzjoni kollha, sabiex tinkiseb governanza inklużiva;

It-Tlieta 14 ta' Frar 2017

21. Jirrikonoxxi r-rwol tas-soċjetà ċivili biex titqajjem sensibilizzazzjoni fost il-pubbliku biex jiġu indirizzati l-SDGs fil-livell nazzjonali u globali permezz ta' edukazzjoni u sensibilizzazzjoni globali taċ-ċittadini;

22. Jitlob li l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u l-emanċipazzjoni u d-drittijiet tan-nisa u l-bniet ikunu mira kemm individwali kif ukoll trasversali fil-politika tal-iżvilupp tal-UE skont il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-Aġenda 2030, kif iddikjarat fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2015 dwar id-drittijiet indaqs tan-nisa u tal-irġiel fil-qafas tal-iżvilupp; jitlob li tittieħed azzjoni speċifika xprunata mill-politika biex jiġu indirizzati l-isfidi f'dan il-qasam; jitlob li jsiru aktar sforzi mill-UE sabiex jiġi promoss ir-rwol importanti tan-nisa u taż-żgħażagħ bħala aġenti tal-iżvilupp u l-bidla; jissottolinja, f'dan ir-rigward, li l-ugwaljanza bejn is-sessi tinkludi l-bniet u s-subien u n-nisa u l-irġiel ta' kull età u li l-programmi għandhom jinkoraġġixxu l-kopartečipazzjoni ugwali u l-promozzjoni ta' drittijiet u servizzi, partikolarment fil-każ ta' aċċess għall-edukazzjoni u għall-kura tas-saħħa u dik riproduttiva, mingħajr diskriminazzjoni bbażata fuq l-identità tal-ġeneru jew l-orjentazzjoni sesswali;

23. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jiġu promossi, protetti u ssalvagwardjati d-drittijiet tal-bniedem kollha; jenfasizza li d-difiża tad-drittijiet tan-nisa u l-bniet, kif ukoll is-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi, u l-eliminazzjoni tal-forom kollha ta' vjolenza u diskriminazzjoni sesswali u abbażi tal-ġeneru, inklużi l-prattiki dannużi kontra t-tfal, iż-żwieġ bikri u sfurzat u l-mutilazzjoni ġenitali femminili, huma essenzjali għat-twettiq tad-drittijiet tal-bniedem; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi ggarantit l-aċċess universali għal informazzjoni u edukazzjoni għall-but ta' kulħadd, komprensivi u ta' kwalità għolja dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva u dwar servizzi ta' ppjanar tal-familja; jappella għal aktar azzjonijiet sabiex jitħaffu l-isforzi biex jinkisbu l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-emanċipazzjoni tan-nisa billi jiġu approfonditi s-sħubijiet bejn diversi partijiet ikkonċernati, tissaħħaħ il-kapaċità għal ibbaġitjar u ppjanar abbażi tal-ġeneru u tiġi żgurata l-partečipazzjoni tal-organizzazzjonijiet tan-nisa;

24. Jappella għal strateġiji speċifiċi tal-UE dwar l-iżvilupp biex jindirizzaw, jipproteġu u jappoġġjaw aħjar il-gruppi vulnerabbli u emarġinati bħan-nisa u t-tfal, il-persuni LGBTI, l-anzjani, il-persuni b'diżabilità, il-produtturi żgħar, il-kooperattivi, il-minoranzi lingwistiċi u etniċi u l-popli indiġeni, sabiex joffrulhom l-istess opportunitajiet u drittijiet bħal kulħadd, skont il-prinċipju li ħadd ma jaqa' lura;

25. Itenni l-impenn tal-UE li tinvesti fl-iżvilupp tat-tfal u taż-żgħażagħ billi ttejjeb ir-rappurtar dwar kooperazzjoni għall-iżvilupp u riżorsi domestiċi ffukati fuq it-tfal, u li ssaħħaħ il-kapaċità taż-żgħażagħ biex jipparteċipaw f'eżerċizzji ta' responsabbiltà;

26. Jitlob li jingħata appoġġ lil pajjiżi fraġli u milquta minn kunflitti biex ikollhom aċċess għar-riżorsi u s-sħubijiet meħtieġa biex jinkisbu prijoritajiet tal-iżvilupp, u li jiġi promoss it-tagħlim bejn il-pari bejn dawn il-pajjiżi kif ukoll li jissaħħaħ l-impenn bejn is-sħab favur l-iżvilupp, il-bini tal-paċi, is-sigurtà u l-isforzi umanitarji;

27. Jissottolinja l-importanza kontinwa tal-objettivi stabbiliti fil-kapitolu dwar l-iżvilupp tal-bniedem tal-Kunsens Ewropew attwali; jenfasizza l-ħtieġa li dawn l-objettivi jintrabtu mal-SDGs u li t-tisħiħ tas-sistema tal-kura tas-saħħa orizzontali (għajr l-appoġġ għall-programmi vertikali għal mard speċifiku) jitqiegħed fiċ-ċentru tal-programmazzjoni tal-iżvilupp tas-saħħa, li jsaħħaħ ukoll ir-reżiljenza fil-każ ta' kriżijiet tas-saħħa bħat-tifqigħa tal-Ebola fil-Punent tal-Afrika tal-2013-2014, kif ukoll li jiġi żgurat id-dritt fundamentali għall-kura tas-saħħa universali, kif previst fl-Artikolu 25 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem (UDHR) u mill-Kostituzzjoni tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO); ifakkar li l-Artikolu 168 tat-TFUE jiddikjara li livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem irid ikun żgurat fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet kollha tal-Unjoni; jappella, f'dan ir-rigward, għal innovazzjoni u żvilupp aktar koerenti tal-politika tal-mediċini li tiggarantixxi aċċess għall-mediċini għal kulħadd;

28. Jissuġġerixxi, fid-dawl tat-tkabbir demografiku, b'mod partikolari fl-Afrika u fl-LDCs, u filwaqt li jitqies il-fatt li mill-21 pajjiż bl-ogħla rati ta' fertilità, 19 minnhom jinsabu fl-Afrika, li n-Niġerja hija l-pajjiż bl-aktar popolazzjoni li qiegħda tikber malajr fid-dinja, u li sal-2050 aktar minn nofs it-tkabbir tal-popolazzjoni globali huwa mistenni li jseħħ fl-Afrika u din hija problema għall-iżvilupp sostenibbli, li l-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE għandha tqiegħed aktar enfasi fuq programmi li jindirizzaw din il-kwistjoni;

29. Jilqa' l-fatt li s-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni saret qasam ta' prijorità għall-qafas tal-iżvilupp globali l-ġdid, u jilqa' l-inklużjoni ta' għan individwali għall-eliminazzjoni tal-ġuħ, il-kisba tas-sigurtà tal-ikel u t-titjib tan-nutrizzjoni, u l-promozzjoni ta' agrikoltura sostenibbli; jirrikonoxxi li l-ġuħ u l-faqar mhumiex aċċidenti, iżda r-riżultat ta' inġustizzja u inugwaljanza soċjali u ekonomiċi fil-livelli kollha; itenni li l-Kunsens għandu jenfasizza l-appoġġ kontinwu tal-UE għal

approċċi integrati u transsettorjali li jsaħħu l-kapaċità għal produzzjoni tal-ikel lokali diversifikata u għandu jinkludi interventi speċifiċi għan-nutrizzjoni u sensittivi għan-nutrizzjoni li jindirizzaw espliċitament l-inugwaljanza bejn is-sessi;

30. Jinsisti fuq il-ħtieġa ta' mekkaniżmi ta' responsabbiltà fir-rigward tal-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-SDGs u l-objettivi ODA/GNI ta' 0,7 %; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jippreżentaw skeda ta' żmien dwar kif dawn l-għanijiet u l-objettivi għandhom jintlaħqu gradwalment, b'rappurtar annwali lill-Parlament Ewropew;

31. Jissottolinja l-ħtieġa ta' approċċi multisettorjali u integrati biex tinbena r-reżiljenza b'mod effikaċi, li jimplika li ssir ħidma favur l-azzjoni umanitarja, it-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri, il-protezzjoni soċjali, l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-ġestjoni tar-riżorsi naturali, il-mitigazzjoni tal-kunflitti u azzjonijiet oħra ta' żvilupp; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri jippromwovu governanza inklużiva li tindirizza l-ixpruni tal-emarġinazzjoni u l-inugwaljanza abbażi tal-vulnerabbiltà; jirrikonoxxi li l-popolazzjonijiet vulnerabbli jridu jingħataw is-setgħa li jġestixxu r-riskju u li jkollhom aċċess għal proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet li jkollhom impatt fuq il-futur tagħhom;

32. Jenfasizza r-rwol li tiżvolġi l-kultura fl-iżvilupp uman, soċjali u ekonomiku sostenibbli, u jinsisti li d-dimensjoni kulturali titqies bħala aspett fundamentali tal-politiki ta' solidarjetà, kooperazzjoni u għajnuna għall-iżvilupp tal-UE; jappella għall-promozzjoni tad-diversità kulturali u l-appoġġ għall-politiki kulturali u li jitqiesu ċ-ċirkustanzi lokali meta dan ikun jista' jgħin biex jintlaħaq l-objettiv tal-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli;

33. Jirrimarka li huwa previst li l-popolazzjoni urbana tiżdied bi 2,5 biljun ruħ sal-2050, bi kważi 90 % taż-żieda tkun ikkonċentrata fl-Asja u fl-Afrika; jirrikonoxxi l-problemi li jirriżultaw mit-tkabbir enormi ta' megabliet u l-isfidi li dan il-fenomenu jġib miegħu għas-sostenibbiltà soċjetali u ambjentali; jappella għal żvilupp reġjonali bbilanċjat u jfakkar li attività ekonomika msaħħa fiż-żoni rurali u fil-bliet iżgħar tnaqqas il-pressjoni biex in-nies jemigraw lejn megaċentri urbani, biex b'hekk jittaffu l-problemi ta' urbanizzazzjoni u migrazzjoni inkontrollati;

Differenzjazzjoni

34. Jissottolinja li, biex strateġija għall-iżvilupp tkun effikaċi, l-UE trid tippromwovi ridistribuzzjoni ġusta tal-ġid lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw permezz tal-baġits nazzjonali, jiġifieri kemm fil-pajjiżi kif ukoll bejniethom; jenfasizza li l-għajnuna Ewropea għall-iżvilupp għandha l-ewwel u qabel kollox tiddifferenzja bejn is-sitwazzjonijiet u l-ħtiġijiet għall-iżvilupp tal-pajjiżi individwali, u mhux abbażi ta' indikaturi mikroekonomiċi waħedhom jew ta' kunsiderazzjonijiet politiċi;

35. Jenfasizza li l-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE għandha tiġi implimentata biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet l-aktar importanti u biex jinkiseb l-akbar impatt possibbli kemm fi żmien qasir kif ukoll fit-tul; jenfasizza l-ħtieġa ta' strateġiji dwar l-iżvilupp mfassla apposta, iddisinjati lokalment u b'sjieda lokali, biex jitqiesu l-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw pajjiżi individwali jew gruppi ta' pajjiżi bħall-SIDS, l-istati fraġli u l-pajjiżi li qed jiżviluppaw imdawrin bl-art (LLDCs);

36. Jitlob li jiġu żviluppati strateġiji speċifiċi għall-kooperazzjoni mal-MICs, sabiex jiġi kkonsolidat il-progress tagħhom u jiġu miġġielda l-inugwaljanza, l-esklużjoni, id-diskriminazzjoni u l-faqar, speċjalment permezz tal-promozzjoni ta' sistemi tat-taxxa ġusti u progressivi, filwaqt li jissottolinja li l-MICs mhumiex grupp omoġenju u għalhekk kull wieħed minnhom għandu ħtiġijiet speċifiċi li għandhom jiġu ssodisfati permezz ta' politiki mfassla apposta; jissottolinja l-ħtieġa li l-għajnuna finanzjarja lill-MICs titwaqqaf responsabbilment u gradwalment u li ssir enfasi fuq forom oħra ta' kooperazzjoni, bħall-assistenza teknika, il-kondiviżjoni tal-għarfien espert u l-għarfien industrijali, is-sħubijiet pubbliċi-pubbliċi li jistgħu jappoġġjaw beni pubbliċi globali bħax-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni, l-iskambju tal-aħjar prattiki u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali, Nofsinhar-Nofsinhar u triangolari; jenfasizza l-importanza ta' sorsi alternattivi ta' finanzjament, bħall-mobilizzazzjoni tad-dħul domestiku, self mhux aġevolanti jew inqas aġevolanti, kooperazzjoni fi kwistjonijiet tekniċi, tat-tassazzjoni, f'dawk relatati mal-kummerċ u mar-riċerka, u sħubijiet pubbliċi-privati;

It-Tlieta 14 ta' Frar 2017

Effikaċja u finanzjament tal-iżvilupp

Effikaċja tal-iżvilupp

37. Jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jkunu fuq quddiem fost l-atturi tal-iżvilupp u jerġgħu jimpenjaw ruħhom favur l-implimentazzjoni sħiħa tal-prinċipji ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp effikaċi, il-prijoritizzazzjoni tal-mekkaniżmi, l-għodod u l-istrumenti li jippermettu li aktar riżorsi jaslu għand il-benefiċjarji finali, jiġifieri s-sjieda tal-pajjiż tal-prijoritajiet tal-iżvilupp, l-allinjament ma' strateġiji u sistemi ta' żvilupp nazzjonali tal-pajjiżi sħab, enfasi fuq ir-riżultati, it-trasparenza, ir-responsabbiltà kondiviża u l-inklużività demokratika tal-partijiet ikkonċernati kollha; jenfasizza l-importanza li jissaħħu l-isforzi tal-UE biex il-kooperazzjoni għall-iżvilupp issir kemm jista' jkun effikaċi, bl-intenzjoni li jingħata kontribut biex jintlaħqu l-għanijiet u l-miri ambizzjużi stabbiliti fl-Aġenda 2030 u li jsir l-aħjar użu possibbli mir-riżorsi pubbliċi u privati għall-iżvilupp; jitlob li ssir referenza ċara għall-prinċipji tal-effikaċja tal-iżvilupp fil-Kunsens għall-Iżvilupp il-ġdid tal-UE;

38. Itenni l-importanza li jiżdiedu l-fehim u l-involviment attiv taċ-ċittadini Ewropej f'dibattiti ewlenin dwar l-iżvilupp u fit-tentattivi biex jinqered il-faqar globali u biex jiġi promoss l-iżvilupp sostenibbli; jenfasizza, għal dan l-għan, li l-edukazzjoni u s-sensibilizzazzjoni mhux formali rigward l-iżvilupp, anke permezz tat-tkomplija u l-espansjoni tal-programm Edukazzjoni u Sensibilizzazzjoni għall-Iżvilupp (DEAR), iridu jibqgħu partijiet integrali tal-politiki tal-iżvilupp tal-UE u l-Istati Membri;

39. Jemmen li s-simplifikazzjoni tal-finanzjament u tal-proċeduri burokratiċi tista' tgħin fit-titjib tal-effikaċja; jitlob li ssir riforma tal-UE biex titħaffef l-implimentazzjoni (kif diġà indirizzat fil-paragrafu 122 tal-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp 2005), li tindirizza l-ħtieġa li jiġu riveduti l-proċeduri ta' għażla billi tingħata aktar attenzjoni lill-applikant: identità, kompetenzi, esperjenzi, prestazzjoni u affidabbiltà fil-qasam (mhux biss fuq rekwiżiti formali ta' eliġibbiltà);

40. Itenni l-importanza tal-bini ta' kapaċità biex tittejjeb il-kapaċità taċ-ċittadini, l-organizzazzjonijiet, il-gvernijiet u s-soċjetajiet biex jiżvolġu r-rwoli rispettivi tagħhom b'mod sħiħ fit-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' strateġiji dwar l-iżvilupp sostenibbli;

41. Jilqa' l-progress li sar, iżda jitlob li jsiru sforzi ulterjuri mill-UE u l-Istati Membri tagħha biex jintensifikaw u jwessgħu l-kamp ta' applikazzjoni ta' programmazzjoni konġunta u l-implimentazzjoni konġunta sabiex jinġabru r-riżorsi, titjieb id-diviżjoni tax-xogħol fil-pajjiż, jitnaqqsu l-ispejjeż tat-tranżazzjoni, jiġu evitati t-trikkib u l-frammentazzjoni tal-għajnuna, jittejjeb il-profil tal-UE fil-livell lokali u jiġu promossi s-sjieda tal-pajjiż tal-istrateġiji dwar l-iżvilupp u l-allinjament mal-prijoritajiet tal-pajjiżi sħab; jenfasizza kemm huwa importanti li l-proċess ta' programmazzjoni konġunta jitwettaq minn partijiet ikkonċernati Ewropej u jinfetaħ għal donaturi oħra biss meta s-sitwazzjoni lokali tiġġustifika dan, iżda mingħajr ma jitnaqqas il-livell ta' sjieda Ewropea tal-proċess; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jkomplu jikkoordinaw l-azzjonijiet tagħhom ma' donaturi u organizzazzjonijiet oħra bħal donaturi emerġenti, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, filantropi privati, istituzzjonijiet finanzjarji u kumpaniji tas-settur privat; jinnota bi tħassib li, sa nofs l-2015, ħames Stati Membri biss tal-UE kienu ppubblikaw il-pjanijiet ta' implimentazzjoni ta' Busan; iħeġġeġ lill-Istati Membri jippubblikaw il-pjanijiet ta' implimentazzjoni tagħhom u jirrappurtaw annwalment dwar l-isforzi tagħhom rigward l-effikaċja tal-iżvilupp;

42. Ifakkar fit-talba tiegħu ([1]) għall-kodifikazzjoni u t-tisħiħ tal-mekkaniżmi u l-prattiki biex jiġu żgurati komplementarjetà aħjar u koordinament effikaċi tal-għajnuna għall-iżvilupp fost l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE, waqt li jiġu pprovduti regoli ċari u inforzabbli għall-iżgurar ta' sjieda interna demokratika, armonizzazzjoni, allinjament mal-istrateġiji u s-sistemi tal-pajjiżi speċifiċi, prevedibbiltà tal-fondi, trasparenza u responsabbiltà reċiproka;

43. Jissottolinja li l-effikaċja tal-iżvilupp għandha tkun wieħed mill-ixpruni ewlenin tal-politika tal-iżvilupp il-ġdida tal-UE; ifakkar li dan jiddependi mhux biss minn donaturi tal-għajnuna iżda anke mill-eżistenza ta' istituzzjonijiet effettivi u reattivi, politiki sodi, l-istat tad-dritt, governanza demokratika inklużiva u salvagwardji kontra l-korruzzjoni fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u flussi finanzjarji illeċiti f'livell internazzjonali;

44. Jirrikonoxxi r-rwol tal-gvernijiet lokali u reġjonali fl-iżvilupp, u b'mod partikolari l-kooperazzjoni deċentralizzata bejn il-gvernijiet lokali u reġjonali Ewropej u tal-pajjiżi sħab bħala mezz effikaċi għat-tisħiħ reċiproku tal-kapaċità, u l-implimentazzjoni tal-SDGs fil-livell lokali;

([1]) Ir-riżoluzzjoni tal-11 ta' Diċembru 2013.

Finanzjament għall-iżvilupp

45. Itenni li l-ODA għandha tibqa' s-sinsla tal-politika tal-iżvilupp tal-UE; ifakkar fl-impenn tal-UE li tintlaħaq il-mira tal-ODA ta' 0,7 % tal-ING sal-2030; jenfasizza l-importanza ta' pajjiżi oħra, dawk li qegħdin jiżviluppaw u dawk b'ekonomiji emerġenti, kif ukoll iż-żieda fl-għoti tal-ODA tagħhom; jissottolinja r-rwol importanti tal-ODA bħala katalizzatur għall-bidla u lieva għall-mobilizzazzjoni ta' riżorsi oħra; ifakkar fl-impenn tal-UE favur il-mobilizzazzjoni tar-riżorsi għall-azzjoni klimatika fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, favur l-għoti tas-sehem tagħha għall-ilħuq tal-mira tal-pajjiżi żviluppati li jimmobilizzaw USD 100 biljun fis-sena u favur iż-żamma ta' rduppjar tal-fondi għall-bijodiversità għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

46. Jitlob li jkun hemm kriterji oġġettivi u trasparenti għall-allokazzjoni tar-riżorsi tal-għajnuna għall-iżvilupp fil-livell tal-Istati Membri, kif ukoll f'dak tal-UE; jitlob li dawn il-kriterji jkunu msejsa fuq il-ħtiġijiet, il-valutazzjonijiet tal-impatt u fuq il-prestazzjoni politika, soċjali u ekonomika, bl-għan li l-fondi jintużaw bl-aktar mod effikaċi; jenfasizza, madankollu, li tali allokazzjoni m'għandha qatt tkun soġġetta għall-prestazzjoni f'oqsma li mhumiex marbuta b'mod dirett mal-objettivi tal-iżvilupp; jenfasizza li l-prestazzjoni tajba lejn miri mifthiema b'mod reċiproku għandha tiġi mħeġġa u ppremjata; jenfasizza l-importanza ta' data diżaggregata fil-livell territorjali biex jiġi vvalutat aħjar l-impatt tal-ODA;

47. Jirrikonoxxi li l-appoġġ baġitarju ġenerali jippromwovi s-sjieda nazzjonali, l-allinjament mal-istrateġiji dwar l-iżvilupp nazzjonali tal-pajjiżi sħab, enfasi fuq ir-riżultati, it-trasparenza u r-responsabbiltà reċiproka, iżda jissottolinja li dan għandu jkun ikkunsidrat biss meta u fejn il-kundizzjonijiet ikunu tajbin u jkunu fis-seħħ sistemi ta' kontroll effikaċi; jirrimarka li l-appoġġ baġitarju huwa l-aħjar mezz biex jitrawwem djalogu politiku ġenwin li jwassal għal aktar emanċipazzjoni u sjieda;

48. Jemmen li l-indirizzar tal-SDGs se jeħtieġ finanzjament u azzjoni għall-iżvilupp li jmorru lil hinn mill-ODA u l-politiki pubbliċi; jenfasizza l-ħtieġa ta' finanzjament domestiku u internazzjonali, kif ukoll dak privat u pubbliku, u l-ħtieġa ta' politiki li jorbtu azzjoni pubblika u privata favur l-iżvilupp u li jwasslu għal ambjent li jippromwovi t-tkabbir u t-tqassim ġust tiegħu permezz tal-baġits nazzjonali;

49. Ifakkar li l-pajjiżi li qed jiżviluppaw jiffaċċjaw restrizzjonijiet kbar fiż-żieda tad-dħul mit-taxxi u huma partikolarment affettwati mill-evażjoni tat-taxxa korporattiva u l-flussi finanzjarji illeċiti; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jsaħħu l-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp (PCD) f'dan il-qasam, jinvestigaw l-impatt konsegwenzjali fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw tal-arranġamenti u l-liġijiet tat-taxxa tagħhom stess u jesprimu ruħhom favur rappreżentanza aħjar tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw fil-fora internazzjonali mwaqqfa biex jiġu rriformati l-politiki tat-taxxa globali;

50. Jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jappoġġjaw lill-pajjiżi b'introjtu baxx u medju fil-ħolqien ta' sistemi tat-taxxa ġusti, progressivi, trasparenti u effiċjenti, kif ukoll mezzi oħra ta' mobilizzazzjoni tar-riżorsi domestiċi, sabiex jiżdiedu l-prevedibbiltà u l-istabbiltà ta' tali finanzjament u titnaqqas id-dipendenza mill-għajnuna; jitlob li jkun hemm appoġġ bħal dan f'oqsma bħall-amministrazzjoni tat-taxxa u l-ġestjoni finanzjarja pubblika, is-sistemi ta' ridistribuzzjoni ġusti, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, u l-ġlieda kontra l-ipprezzar ħażin tat-trasferimenti, l-evażjoni tat-taxxa u forom oħra ta' flussi finanzjarji illeċiti; jenfasizza l-importanza tad-deċentralizzazzjoni fiskali u l-ħtieġa ta' bini tal-kapaċità b'appoġġ għall-gvernijiet sottonazzjonali fit-tfassil ta' sistemi lokali tat-taxxa u l-ġbir tat-taxxa;

51. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jistabbilixxu rappurtar obbligatorju pajjiż b'pajjiż dwar il-kumpaniji multinazzjonali, flimkien mal-pubblikazzjoni obbligatorja ta' data komprensiva u komparabbli dwar l-attivitajiet tal-kumpaniji sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u r-responsabbiltà; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jqisu l-effett konsegwenzjali fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw tal-politiki, l-arranġamenti u l-liġijiet tat-taxxa tagħhom stess, u jwettqu r-riformi meħtieġa biex jiżguraw li l-kumpaniji Ewropej li jagħmlu l-profitti f'pajjiżi li qed jiżviluppaw iħallsu s-sehem ġust tagħhom tat-taxxa f'dawk il-pajjiżi;

52. Jissottolinja l-ħtieġa tat-taħlit u s-sħubijiet pubbliċi-privati sabiex jiġi mobilizzat finanzjament lil hinn mill-ODA u biex jiġu segwiti b'mod effikaċi l-prinċipji tal-effikaċja tal-iżvilupp, iżda jissottolinja wkoll il-ħtieġa li dawn ikunu bbażati fuq kriterji trasparenti, biex jintwerew b'mod ċar l-addizzjonalità u l-impatt pożittiv fuq l-iżvilupp tagħhom, sabiex ma jitnaqqarx l-aċċess universali għal servizzi pubbliċi essenzjali ta' kwalità, u l-ħtieġa li l-pagamenti kollha jkunu trasparenti; jissottolinja li l-proġetti ffinanzjati jridu jirrispettaw b'mod vinkolanti l-objettivi nazzjonali tal-iżvilupp, id-drittijiet tal-bniedem u l-istandards soċjali u ambjentali miftiehma f'livell internazzjonali, il-ħtiġijiet u d-drittijiet tal-popolazzjonijiet lokali, kif ukoll il-prinċipji tal-effikaċja tal-iżvilupp; jirrikonoxxi, f'dan ir-rigward, li l-użu tradizzjonali tal-art, pereżempju mis-sidien ta' azjendi żgħar u r-raħħala, normalment mhuwiex dokumentat, iżda jeħtieġ li jiġi rispettat u protett; itenni li l-

It-Tlieta 14 ta' Frar 2017

intrapriżi involuti fis-sħubijiet tal-iżvilupp għandhom jirrispettaw il-prinċipji ta' responsabbiltà soċjali korporattiva (CSR), il-Prinċipji Gwida tan-NU u l-Linji Gwida tal-OECD matul l-operazzjonijiet tagħhom, u għandhom jippromwovu prattiki kummerċjali etiċi; jinnota li l-politiki u l-programmi għall-iżvilupp irendu dividend doppju meta l-effikaċja għall-iżvilupp tiġi ssodisfata; jappella lill-atturi kollha tal-iżvilupp biex jallinjaw bis-sħiħ l-azzjonijiet kollha tagħhom ma' dawn il-prinċipji;

53. Jitlob lill-UE tippromwovi l-investimenti li jiġġeneraw impjiegi deċenti skont l-istandards tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol u l-Aġenda 2030; jissottolinja, f'dan ir-rigward, il-valur tad-djalogu soċjali u l-ħtieġa ta' trasparenza u responsabbiltà tas-settur privat fil-każ ta' sħubijiet pubbliċi-privati u meta l-flus għall-iżvilupp jintużaw għall-finanzjament imħallat;

54. Jenfasizza li l-fondi għall-iżvilupp użati għall-Pjan ta' Investiment Estern (PIE) propost, kif ukoll għall-fondi fiduċjarji eżistenti, iridu jikkonformaw mal-objettivi tal-iżvilupp kompatibbli mal-ODA u mal-SDGs il-ġodda; jitlob li jiġu stabbiliti mekkaniżmi li jippermettu lill-Parlament jaqdi r-rwol tiegħu ta' sorveljanza meta l-fondi tal-UE għall-iżvilupp jintużaw barra mill-proċeduri normali tal-baġit tal-UE, b'mod partikolari billi jingħata l-istatus ta' osservatur fuq il-PIE, il-fond fiduċjajru u bordijiet strateġiċi oħra li jiddeċiedu dwar il-prijoritajiet u l-kamp ta' applikazzjoni tal-programmi u l-proġetti;

55. Jirrikonoxxi r-rwol tal-intrapriżi, mikro, żgħar u medji, tal-kooperattivi, il-mudelli kummerċjali inklużivi u l-istituti tar-riċerka bħala muturi tat-tkabbir, l-impjieg u l-innovazzjoni lokali, li jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-SDGs; jitlob li jiġi promoss ambjent li jippermetti l-investiment, l-industrijalizzazzjoni, l-attività kummerċjali, ix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni sabiex jiġi stimolat u jitħaffef l-iżvilupp ekonomiku u uman domestiku, kif ukoll li jiġu promossi programmi ta' taħriġ u djalogi pubbliċi-privati regolari; jirrikonoxxi r-rwol tal-BEI skont il-PIE tal-UE u jenfasizza li l-inizjattivi tiegħu għandhom jiffukaw b'mod partikolari fuq iż-żgħażagħ u n-nisa, u għandhom – f'konformità mal-prinċipji ta' effikaċja tal-iżvilupp – jikkontribwixxu għall-investiment f'setturi soċjalment importanti bħall-ilma, is-saħħa u l-edukazzjoni, kif ukoll fl-appoġġ tal-intraprenditorija u s-settur privat lokali; jitlob lill-BEI jiddedika aktar riżorsi għall-mikrofinanzjament b'perspettiva qawwija ta' ugwaljanza bejn is-sessi; jistieden lill-BEI, barra minn hekk, biex jaħdem flimkien mal-Bank Afrikan tal-Iżvilupp (AfDB) biex jiffinanzja investimenti fit-tul għall-benefiċċju tal-iżvilupp sostenibbli u jistieden lil banek tal-iżvilupp oħra jipproponu faċilità ta' mikrokreditu biex jissussidjaw self sostenibbli għall-farms tal-familja;

56. Iqis li huwa indispensabbli li l-Kunsens il-ġdid jagħmel referenza għal impenn qawwi tal-UE li tqiegħed fis-seħħ qafas internazzjonali legalment vinkolanti biex iżomm lill-kumpaniji responsabbli għall-prattika ħażina tagħhom fil-pajjiżi fejn joperaw, minħabba li dawn għandhom impatt fuq l-oqsma kollha tas-soċjetà – mill-benefiċċji mix-xogħol tat-tfal għan-nuqqas ta' paga li tiggarantixxi l-għajxien, mit-tixrid taż-żejt għad-deforestazzjoni massiva, u mill-fastidju tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem għall-ħtif tal-art;

57. Jitlob lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri tagħha jippromwovu miżuri vinkolanti biex jiżguraw li l-korporazzjonijiet multinazzjonali jħallsu t-taxxi fil-pajjiżi li fihom il-valur jiġi estratt jew maħluq u biex jippromwovu rappurtar obbligatorju pajjiż b'pajjiż mis-settur privat, u b'hekk jissaħħu l-kapaċitajiet nazzjonali tal-mobilizzazzjoni tar-riżorsi; jitlob analiżi tar-riperkussjonijiet biex jiġu studjati prattiki possibbli ta' trasferiment tal-profitti;

58. Jappella għal approċċ ibbażat fuq il-ħtiġijiet tal-bniedem għas-sostenibbiltà tad-dejn permezz ta' sett vinkolanti ta' standards biex jiġu definiti s-self u t-teħid ta' self responsabbli, l-awditi tad-dejn u mekkaniżmu ġust ta' ristrutturazzjoni tad-dejn, li għandu jivvaluta l-leġittimità u s-sostenibbiltà tal-piż tad-dejn tal-pajjiżi;

Koerenza tal-politiki għall-iżvilupp

59. Jappella għal dibattitu madwar l-UE dwar il-PCD sabiex tiġi ċċarata r-rabta bejn il-PCD u l-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp sostenibbli (PCSD); jenfasizza l-importanza fundamentali tal-applikazzjoni tal-prinċipji PCD fil-politiki kollha tal-UE; jenfasizza li l-PCD għandha tkun element ewlieni tal-istrateġija tal-UE biex jintlaħqu l-SDGs; itenni l-ħtieġa ta' aktar sforzi mill-istituzzjonijiet u l-Istati Membri tal-UE biex jitqiesu l-objettivi tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp fil-politiki interni u esterni kollha li x'aktarx jaffettwaw il-pajjiżi li qed jiżviluppaw, biex jinstabu mekkaniżmi effikaċi u biex jintużaw l-aħjar prattiki eżistenti fil-livell tal-Istati Membri biex tiġi implimentata u evalwata l-PCD, biex jiġi żgurat li l-PCD tiġi

implimentata b'approċċ sensittiv għall-ugwaljanza bejn is-sessi u biex jiġu involuti l-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali u reġjonali, f'dan il-proċess;

60. Jipproponi li għandha tiġi stabbilita sistema ta' arbitraġġ, taħt l-awtorità tal-President tal-Kummissjoni, biex isseħħ il-PCD, u li, f'każ ta' diverġenzi bejn id-diversi politiki tal-Unjoni, il-President tal-Kummissjoni għandu jerfa' bis-sħiħ ir-responsabbiltà politika tiegħu għall-approċċ ġenerali u għandu jkollu l-kompitu li jiddeċiedi bejniethom abbażi tal-impenji tal-Unjoni fir-rigward tal-PCD; huwa tal-fehma li, ladarba l-problemi jkunu ġew identifikati, tista' tingħata kunsiderazzjoni lir-riforma tal-proċeduri ta' teħid ta' deċiżjonijiet fis-servizzi tal-Kummissjoni u fil-qafas tal-kooperazzjoni interdipartimentali;

61. Jappella għal djalogu msaħħaħ bejn l-UE u l-pajjiżi li qed jiżviluppaw fir-rigward tal-promozzjoni u l-implimentazzjoni tal-PCD mill-UE; jemmen li l-feedback mis-sħab tal-UE dwar il-progress tal-PCD jista' jkollu rwol fundamentali fil-kisba ta' evalwazzjoni eżatta tal-impatt tagħha;

62. Itenni t-talba tiegħu biex jiġu żviluppati proċessi ta' governanza li jippromwovu l-PCD fil-livell globali u biex l-UE tkun minn ta' quddiem fil-promozzjoni tal-kunċett tal-PCD fix-xena internazzjonali;

Kummerċ u żvilupp

63. Jissottolinja l-importanza ta' kummerċ regolat b'mod ġust u xieraq fil-promozzjoni tal-integrazzjoni reġjonali, li jikkontribwixxi għat-tkabbir sostenibbli u għall-ġlieda kontra l-faqar; jenfasizza li l-politika kummerċjali tal-UE għandha tkun parti mill-aġenda għall-iżvilupp sostenibbli u għandha tirrifletti l-objettivi tal-politika tal-iżvilupp tal-UE;

64. Jissottolinja li l-preferenzi kummerċjali unilaterali għall-benefiċċju tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw li mhumiex pajjiżi l-inqas żviluppati għadhom jeżistu sabiex jiffavorixxu l-iżvilupp; iqis ukoll li l-Kunsens il-ġdid għandu jkun fih referenza għall-impenn tal-UE favur il-promozzjoni ta' skemi ta' kummerċ ġust u etiku mal-produtturi żgħar fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

65. Jilqa' r-rikonoxximent tal-kontribut qawwi tal-kummerċ ġust għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 tan-NU; jitlob lill-UE timplimenta u tiżviluppa aktar l-impenn tagħha li tappoġġja l-użu tal-iskemi ta' kummerċ ġust fl-UE u fil-pajjiżi sħab sabiex jiġu promossi l-konsum u x-xejriet ta' produzzjoni sostenibbli permezz tal-politiki kummerċjali tagħha;

66. Jenfasizza l-ħtieġa li l-UE tappoġġja aktar lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fil-bini ta' kapaċità kummerċjali, fl-infrastruttura u fl-iżvilupp tas-settur privat domestiku, sabiex ikunu jistgħu jżidu l-valur tal-produzzjoni, kif ukoll jiddiversifikawha, u jżidu l-kummerċ tagħhom;

67. Itenni li ambjent b'saħħtu, inkluża klima stabbli, huwa indispensabbli biex jinqered il-faqar; jappoġġja l-isforzi tal-UE fiż-żieda tat-trasparenza u r-responsabbiltà fil-ġestjoni tar-riżorsi naturali u fl-estrazzjoni u l-kummerċ tar-riżorsi naturali, biex jiġu promossi l-konsum u l-produzzjoni sostenibbli u biex jiġi evitat il-kummerċ illegali f'setturi bħall-minerali, l-injam u l-organiżmi selvaġġi; jemmen bis-sħiħ li jinħtieġu aktar sforzi globali sabiex jiġu żviluppati oqfsa regolatorji għall-ktajjen tal-provvista u responsabbiltà akbar tas-settur privat sabiex jiġu żgurati ġestjoni u kummerċ sostenibbli tar-riżorsi naturali u sabiex il-pajjiżi għonja fir-riżorsi u l-popolazzjonijiet tagħhom li jipproteġu d-drittijiet tal-komunitajiet lokali u indiġeni jkunu jistgħu jibbenefikaw aktar minn tali kummerċ u mill-ġestjoni sostenibbli tal-bijodiversità u l-ekosistemi; jilqa' l-progress li sar minn meta ġie stabbilit il-Patt dwar is-Sostenibbiltà tal-Bangladesh, u jistieden lill-Kummissjoni tespandi tali oqfsa għal setturi oħra; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, biex issaħħaħ ir-responsabbiltà soċjali korporattiva u inizjattivi ta' diliġenza dovuta li jikkomplementaw ir-regolament eżistenti tal-UE dwar l-injam, fl-ambitu tal-proposta għal regolament tal-UE dwar il-minerali ta' kunflitt, billi testendihom għal setturi oħra;

68. Iqis li huwa ta' dispjaċir li għad m'hemmx qafas regolatorju dwar il-mod li bih il-korporazzjonijiet jikkonformaw mad-drittijiet tal-bniedem u l-obbligi fir-rigward tal-istandards soċjali u ambjentali, li jippermetti lil ċerti stati u kumpaniji jevitawhom b'impunità; jitlob li l-UE u l-Istati Membri tagħha jimpenjaw ruħhom b'mod attiv fil-ħidma tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU u tal-Programm Ambjentali tan-NU fuq trattat internazzjonali li jżomm il-korporazzjonijiet transnazzjonali responsabbli għall-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u l-ksur ta' standards ambjentali;

It-Tlieta 14 ta' Frar 2017

69. Jafferma mill-ġdid l-importanza ta' azzjonijiet koordinati u aċċellerati biex jindirizzaw il-malnutrizzjoni sabiex titwettaq l-Aġenda 2030 u jintlaħaq l-SDG 2 dwar il-qerda tal-ġuħ;

70. Ifakkar li l-foresti għandhom rwol kruċjali fil-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, il-konservazzjoni tal-bijodiversità u t-taffija tal-faqar, u jitlob lill-UE biex tikkontribwixxi għat-twaqqif u t-treġġigħ lura tad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti, u biex tippromwovi l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

Sigurtà u żvilupp

71. Itenni r-rabta diretta bejn is-sigurtà u l-iżvilupp, iżda jissottolinja l-ħtieġa li tiġi segwita strettament ir-riforma riċenti tal-ODA dwar l-użu ta' strumenti ta' żvilupp għall-politika tas-sigurtà bl-applikazzjoni ta' objettiv ċar ta' qerda tal-faqar u promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli; jenfasizza li l-objettiv ta' soċjetajiet paċifiċi u inklużivi b'aċċess għall-ġustizzja għal kulħadd għandu jissarraf f'azzjoni esterna tal-UE li, bl-appoġġ għall-partijiet ikkonċernati lokali kollha li jistgħu jgħinu biex dan iseħħ, jibni r-reżiljenza, jippromwovi s-sigurtà tal-bniedem, isaħħaħ l-istat tad-dritt, idaħħal mill-ġdid il-fiduċja u jittratta l-isfidi kumplessi rigward in-nuqqas ta' sigurtà, il-fraġilità u t-tranżizzjoni demokratika;

72. Jemmen li jeħtieġ li jitrawmu sinerġiji bejn il-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK) u l-istrumenti għall-iżvilupp sabiex jinstab il-bilanċ tajjeb bejn il-prevenzjoni tal-kunflitti, ir-riżoluzzjoni tal-kunflitti u r-riabilitazzjoni u l-iżvilupp ta' wara l-kunflitti; jenfasizza li għal dan l-għan, il-programmi u l-miżuri tal-politika esterna għandhom ikunu komprensivi, imfassla speċifikament għas-sitwazzjoni tal-pajjiżi u, meta jiġu ffinanzjati b'mezzi intiżi għall-politika tal-iżvilupp, jgħinu biex jintlaħqu l-objettivi ewlenin tal-iżvilupp kif definiti skont l-ODA; jissottolinja li l-kompiti ewlenin tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp jibqgħu dawk li tappoġġja l-pajjiżi fl-isforzi tagħhom biex joħolqu stati stabbli u paċifiċi li jirrispettaw il-governanza tajba, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, u li tfittex li tistabbilixxi ekonomiji tas-suq li jitħaddmu b'mod sostenibbli bl-għan li jġibu prosperità lin-nies u li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet bażiċi kollha tal-bniedem; jenfasizza l-ħtieġa li jiżdied il-finazjament limitat ħafna tal-PSDK f'dan il-kuntest sabiex ikun jista' jintuża b'mod usa', inter alia, għall-benefiċċju tal-iżvilupp skont il-PCD;

Migrazzjoni u żvilupp

73. Jenfasizza r-rwol ċentrali tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp fl-indirizzar tal-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni u l-ispostament forzati, bħall-fraġilità tal-istati, il-kunflitti, in-nuqqas ta' sigurtà u l-emarġinazzjoni, il-faqar, l-inugwaljanza u d-diskriminazzjoni, il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, l-aċċess limitat għas-servizzi bażiċi bħas-saħħa u l-edukazzjoni, u t-tibdil fil-klima; jidentifika l-għanijiet u l-objettivi li ġejjin bħala prekundizzjonijiet għal stati stabbli u reżiljenti li jkunu inqas suxxettibbli għal sitwazzjonijiet li jistgħu eventwalment jirriżultaw f'migrazzjoni forzata: il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-dinjità tal-popli, il-bini tad-demokrazija, il-governanza tajba u l-istat tad-dritt, l-inklużjoni u l-koeżjoni soċjali, l-opportunitajiet ekonomiċi b'impjiegi deċenti u permezz ta' negozji ffukati fuq in-nies u spazju politiku għas-soċjetà ċivili; jitlob li l-kooperazzjoni għall-iżvilupp tiffoka fuq dawn l-għanijiet u l-objettivi sabiex titrawwem ir-reżiljenza, u jitlob għajnuna għall-iżvilupp marbuta mal-migrazzjoni f'każijiet ta' emerġenza sabiex tiġi stabbilizzata s-sitwazzjoni, jinżamm il-funzjonament tal-istati u biex il-persuni spostati jkunu jistgħu jgħixu b'dinjità;

74. Ifakkar, kif enfasizzat mill-Aġenda 2030 tan-NU, il-kontribut pożittiv tal-migranti għall-iżvilupp sostenibbli, inklużi r-rimessi, li l-ispejjeż tat-trasferiment tagħhom għandhom jitnaqqsu aktar; jissottolinja li reazzjoni magħquda għal sfidi u kriżijiet relatati mal-migrazzjoni b'mod sinifikanti tirrikjedi approċċ aktar koordinat, sistematiku u strutturat, filwaqt li jitqabblu l-interessi tal-pajjiżi tal-oriġini u tad-destinazzjoni; jenfasizza li mod effikaċi biex għadd kbir ta' rifuġjati u ta' persuni li jfittxu l-asil jiġu megħjuna huwa billi jittejbu l-kundizzjonijiet u jiġu offruti kemm l-għajnuna umanitarja kif ukoll dik għall-iżvilupp; fl-istess ħin jopponi kull tentattiv biex l-għajnuna tintrabat mal-kontrolli fil-fruntieri, il-ġestjoni tal-flussi migratorji jew il-ftehimiet ta' riammissjoni;

75. Jenfasizza li l-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu għall-migranti jirrikjedu soluzzjonijiet imfassla apposta għall-iżvilupp, li huma adattati għas-sitwazzjonijiet politiċi u soċjoekonomiċi rispettivi tagħhom; jenfasizza l-ħtieġa li tali kooperazzjoni tippromwovi d-drittijiet tal-bniedem u d-dinjità għal kulħadd, il-governanza tajba, il-paċi u l-bini tad-demokrazija u li għandha tkun ibbażata fuq interessi komuni u valuri kondiviżi u r-rispett għad-dritt internazzjonali;

76. Jissottolinja l-ħtieġa ta' skrutinju parlamentari mill-qrib u ta' monitoraġġ tal-ftehimiet marbuta mal-ġestjoni tal-migrazzjoni u ta' użu marbut mal-migrazzjoni ta' fondi għall-iżvilupp; jenfasizza l-importanza ta' kooperazzjoni mill-qrib u tal-istabbiliment ta' prattika tajba ta' skambju ta' informazzjoni bejn l-istituzzjonijiet, b'mod partikolari fil-qasam tal-

migrazzjoni u s-sigurtà; ifakkar fit-tħassib tiegħu dwar l-użu li qed jiżdied ta' fondi fiduċjarji, bħat-trasparenza limitata, in-nuqqas ta' konsultazzjoni u s-sjieda reġjonali;

77. Jirrimarka, meta jitqiesu l-miżuri politiċi riċenti Ewropej biex jiġu miġġielda l-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni forzata, li l-politika tal-iżvilupp Ewropea trid taqa' fi ħdan id-definizzjoni tal-OECD-DAC u trid tkun ibbażata fuq il-ħtiġijiet tal-iżvilupp u d-drittijiet tal-bniedem; jenfasizza wkoll li l-għajnuna għall-iżvilupp m'għandhiex tiddependi fuq il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet tal-migrazzjoni bħall-ġestjoni tal-fruntieri jew il-ftehimiet ta' riammissjoni;

Għajnuna umanitarja

78. Jenfasizza l-ħtieġa ta' rabtiet aktar mill-qrib bejn l-għajnuna umanitarju u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp, sabiex jiġu indirizzati l-lakuni fil-finanzjament, jiġu evitati t-trikkib u l-ħolqien ta' sistemi paralleli, u jinħolqu kundizzjonijiet għall-iżvilupp sostenibbli b'reżiljenza u għodod inkorporati għall-prevenzjoni u t-titjib fit-tħejjija tal-kriżijiet; jitlob lill-UE tonora l-impenn tagħha li, sal-2020, talloka mill-inqas 25 % tal-għajnuna umanitarja tagħha għall-atturi lokali u nazzjonali b'mod kemm jista' jkun dirett, kif miftiehem fil-Grand Bargain;

79. Ifakkar il-prinċipji fundamentali tal-għajnuna umanitarja: l-umanità, in-newtralità, l-indipendenza u l-imparzjalità; jilqa' t-tenaċja tal-Kummissjoni biex il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp ma jingħaqadx mal-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja;

80. Jenfasizza l-importanza li jissaħħu l-għajnuna internazzjonali, il-koordinazzjoni u r-riżorsi għal rispons f'emerġenza, l-irkupru u l-kostruzzjoni mill-ġdid f'sitwazzjonijiet wara diżastru;

81. Jilqa' l-impenn li jiġu appoġġjati kemm il-promozzjoni tat-teknoloġiji tal-ICT fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw kif ukoll li jinħolqu ambjenti favorevoli għall-ekonomija diġitali, billi tittejjeb il-konnettività libera, miftuħa u sigura; ifakkar li s-satelliti jistgħu jipprovdu soluzzjonijiet kosteffikaċi biex jiġu konnessi l-assi u n-nies f'żoni remoti, u jħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex iqisu dan fil-ħidma tagħhom f'dan il-qasam;

Beni u sfidi pubbliċi globali

82. Jemmen bis-sħiħ li l-preżenza globali tal-UE u tal-Istati Membri tagħha tqegħidhom f'pożizzjoni partikolarment tajba biex ikomplu jaqdu rwol internazzjonali ewlieni fl-indirizzar tal-beni u l-isfidi pubbliċi globali (GPGC), li huma dejjem aktar taħt stress u qed jaffettwaw lill-foqra b'mod sproporzjonat; jitlob li l-beni u l-isfidi ambjentali globali jiġu integrati fil-Kunsens kollu, fosthom l-iżvilupp tal-bniedem, l-ambjent, inklużi t-tibdil fil-klima u l-aċċess għall-ilma, in-nuqqas ta' sigurtà u l-fraġilità tal-istati, il-migrazzjoni, is-servizzi tal-enerġija bi prezzijiet raġonevoli, is-sigurtà tal-ikel u l-qerda tal-malnutrizzjoni u tal-ġuħ;

83. Ifakkar li l-farms fuq skala żgħira u dawk immexxija mill-familji, li huma l-iżjed mudell agrikolu komuni fid-dinja, għandhom rwol fundamentali fit-twettiq tal-SDGs: jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għas-sigurtà tal-ikel, għall-ġlieda kontra l-erożjoni tal-ħamrija u t-telf tal-bijodiversità, u għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, filwaqt li joħolqu l-impjiegi; jenfasizza li l-UE għandha tippromwovi, minn naħa waħda, il-ħolqien ta' organizzazzjonijiet tal-bdiewa, inklużi l-kooperattivi, u min-naħa l-oħra, l-agrikoltura sostenibbli li tiffoka fuq il-prattiki agroekoloġiċi, produttività aħjar tal-farms tal-familji, id-drittijiet tar-raħħala u tal-użu tal-art u s-sistemi taż-żieragħ informali bħala mezz kif jiġu żgurati s-sigurtà tal-ikel, il-forniment tas-swieq lokali u reġjonali, introjtu ġust u ħajja diċenti għall-bdiewa;

84. Ifakkar li s-"settur privat" mhuwiex sett omoġenju ta' atturi; jenfasizza għalhekk li, f'dak li għandu x'jaqsam mas-settur privat, il-politika tal-iżvilupp tal-UE u tal-Istati Membri għandha tinkludi strateġiji differenzjati biex jinvolvu d-diversi tipi ta' atturi tas-settur privat, inklużi l-atturi tas-settur privat immexxija mill-produtturi, l-intrapriżi mikro, żgħar u medji, il-kooperattivi, l-intrapriżi soċjali u dawk fl-ekonomija solidali;

85. Itenni li l-iżgurar tal-aċċess għal enerġija bi prezzijiet raġonevoli, affidabbli, sostenibbli u moderna għal kulħadd sal-2030 (SDG 7) huwa kruċjali sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet bażiċi tal-bniedem, inkluż l-aċċess għall-ilma nadif, is-sanità, il-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni, u huwa essenzjali għall-appoġġ tal-ħolqien tan-negozju lokali u kull tip ta' attività ekonomika, kif ukoll xprun ewlieni tal-progress fil-qasam tal-iżvilupp;

It-Tlieta 14 ta' Frar 2017

86. Jenfasizza li ż-żieda fil-produttività tal-azjendi agrikoli żgħar u l-kisba ta' agrikoltura u sistemi tal-ikel sostenibbli u reżiljenti għall-klima għandhom rwol fundamentali fit-twettiq tal-SDG 2, u l-kunċett ta' konsum u produzzjoni sostenibbli fl-SDG 12, li jmur lil hinn mill-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari u jindirizza l-impatti ambjentali, soċjali u fuq id-drittijiet tal-bniedem; jenfasizza li l-UE għalhekk għandha tiffoka fuq il-promozzjoni ta' produzzjoni tal-ikel sostenibbli u prattiki agrikoli reżiljenti li jżidu l-produttività u l-produzzjoni; jirrikonoxxi l-ħtiġijiet speċifiċi tal-bdiewa nisa fir-rigward tas-sigurtà tal-ikel;

87. Jenfasizza l-importanza li titkompla l-ħidma sabiex jitjieb l-aċċess għall-ilma, is-sanità u l-iġjene bħala kwistjonijiet trasversali li jaffettwaw l-ilħuq ta' miri oħra fl-aġenda wara l-2015, inklużi s-saħħa, l-edukazzjoni u l-ugwaljanza bejn is-sessi;

88. Jitlob lill-UE tippromwovi inizjattivi globali bl-għan li tindirizza l-isfidi marbuta ma' urbanizzazzjoni li qed tiżdied b'rata mgħaġġla u li toħloq bliet aktar inklużivi, reżiljenti u sostenibbli; jilqa', f'dan il-kuntest, l-adozzjoni riċenti tal-Aġenda Urbana Ġdida mill-Konferenza tan-NU dwar il-Housing u l-Iżvilupp Urban Sostenibbli (Habitat III), li għandha l-għan li tesplora modi aħjar ta' ppjanar, tfassil, finanzjament, żvilupp, governanza u ġestjoni tal-bliet sabiex jgħinu fil-ġlieda kontra l-faqar u l-ġuħ, it-titjieb fis-saħħa u l-ħarsien tal-ambjent;

89. Jappella għal aktar sforzi tal-UE biex jiġu protetti l-oċeani u r-riżorsi tal-baħar; jilqa', f'dan il-kuntest, l-inizjattivi riċenti tal-Kummissjoni biex ittejjeb il-governanza internazzjonali tal-oċeani sabiex tippromwovi ġestjoni aħjar u biex ittaffi l-impatt tat-tibdil fil-klima fuq l-ibħra u l-ekosistemi;

90. Jenfasizza l-importanza li jiġu indirizzati r-rabtiet mal-produttività mtejba tal-agrikoltura u s-sajd sostenibbli għat-tnaqqis fit-telf u l-ħela tal-ikel, il-ġestjoni trasparenti tar-riżorsi naturali u l-adattament għat-tibdil fil-klima;

Politika tal-iżvilupp tal-UE

91. Itenni l-vantaġġi komparattivi offruti mill-azzjoni tal-UE għall-iżvilupp, inklużi l-preżenza globali tagħha, il-flessibbiltà offruta mill-firxa tagħha ta' strumenti u ta' metodi ta' għoti, ir-rwol tagħha fil-koerenza u l-koordinazzjoni tal-politika kif ukoll l-impenn tagħha lejhom, l-approċċ tagħha msejjes fuq id-drittijiet u d-demokrazija, l-iskala tagħha f'termini tal-provvediment ta' massa kritika fl-għotjiet u l-appoġġ konsistenti tagħha lis-soċjetà ċivili;

92. Jenfasizza l-ħtieġa li l-vantaġġi komparattivi tal-UE jissarrfu f'azzjoni ffukata fuq ċertu numru ta' oqsma ta' politika, inklużi, iżda mhux limitati għal, id-demokrazija, il-governanza tajba u d-drittijiet tal-bniedem, il-beni u l-isfidi pubbliċi globali, il-kummerċ u l-integrazzjoni reġjonali, u l-indirizzar tal-kawżi ewlenin tan-nuqqas ta' sigurtà u l-migrazzjoni forzata; jissottolinja li tali konċentrazzjoni jeħtieġ li tiġi adattata għall-ħtiġijiet u l-prijoritajiet ta' pajjiżi u reġjuni individwali li qed jiżviluppaw skont il-prinċipji tas-sjieda u s-sħubija;

93. Ifakkar fir-rwol dejjem ikbar tal-isport fl-iżvilupp u l-paċi permezz tal-promozzjoni tat-tolleranza u ta' kultura ta' rispett reċiproku, kif ukoll il-kontribut li l-isport jagħti lill-emanċipazzjoni tan-nisa u ż-żgħażagħ, l-individwi u l-komunitajiet, u kif ukoll lis-saħħa, l-edukazzjoni u l-inklużjoni soċjali;

94. Jissottolinja l-importanza ta' sistema kollettiva komprensiva, trasparenti u f'waqtha ta' responsabbiltà għall-monitoraġġ u r-rieżami tal-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u tal-Kunsnes mill-UE u l-Istati Membri tagħha, jenfasizza li rappurtar annwali dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-impenji kollha favur il-politika tal-iżvilupp, fosthom dawk dwar l-effikaċja, il-PCD u l-impenji tal-ODA, għadu meħtieġ għar-responsabbiltà u s-sorveljanza parlamentari; jiddispjaċih dwar il-lakuni fir-rappurtar riċenti u mistennija; jilqa' l-pjanijiet tal-Kummissjoni biex twettaq valutazzjoni ta' nofs it-terminu dwar l-implimentazzjoni tal-Kunsens;

o

o o

95. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna.

It-Tlieta 14 ta' Frar 2017

P8_TA(2017)0027

Rapport annwali dwar il-politika tal-kompetizzjoni tal-UE

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Frar 2017 dwar ir-Rapport Annwali dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni tal-UE (2016/2100(INI))

(2018/C 252/09)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tal-15 ta' Ġunju 2016 dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni 2015 (COM(2016)0393) u d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni ppubblikat bħala dokument ġustifikattiv fl-istess data (SWD(2016)0198),

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), b'mod partikolari l-Artikoli 39, 42 u 101 sa 109 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 26 dwar is-servizzi ta' interess ġenerali,

— wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità,

— wara li kkunsidra l-qafas universali għas-sistemi ta' Valutazzjoni tas-Sostenibbiltà tal-Ikel u l-Agrikoltura (SAFA) żviluppat mill-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO),

— wara li kkunsidra r-regoli, il-linji gwida, ir-riżoluzzjonijiet, il-komunikazzjonijiet u d-dokumenti rilevanti tal-Kummissjoni dwar is-suġġett tal-kompetizzjoni,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2016 dwar id-deċiżjonijiet fil-qasam tat-taxxa u miżuri oħra ta' natura jew effett simili ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ġunju 2016 dwar ir-rapport dwar il-progress fl-enerġija rinnovabbli ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Settembru 2016 dwar id-dumping soċjali fl-Unjoni Ewropea ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Jannar 2016 dwar ir-Rapport Annwali tal-2014 dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni tal-UE ([4]) u r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu 2015 dwar ir-Rapport Annwali tal-2013 dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni tal-UE ([5]),

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2015 dwar il-ftuħ ta' investigazzjoni rigward il-kummerċ elettroniku f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 (C(2015)3026),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2015 bit-titolu "Strateġija għal Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa" (COM(2015)0192),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Frar 2015 bit-titolu "Qafas Strateġiku għal Unjoni tal-Enerġija Reżiljenti b'Politika dwar it-Tibdil fil-Klima li tħares 'il quddiem" (COM(2015)0080),

([1]) Testi adottati, P8_TA(2016)0310.
([2]) Testi adottati, P8_TA(2016)0292.
([3]) Testi adottati, P8_TA(2016)0346.
([4]) Testi adottati, P8_TA(2016)0004.
([5]) Testi adottati, P8_TA(2015)0051.

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2015/751 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar it-tariffi tal-interkambju għat-tranżazzjonijiet ta' pagament permezz ta' kard ([1]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat ([2]) (ir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa (GBER)),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([3]),

— wara li kkunsidra l-White Paper tad-9 ta' Lulju 2014 bit-titolu "Lejn kontroll aktar effettiv tal-fużjonijiet tal-UE" (COM(2014)0449),

— wara li kkunsidra t-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-mistoqsijiet bil-miktub E-000344/2016, E-002666/2016 u E-002112/2016 tal-membri tal-Parlament,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Novembru 2015 dwar l-avjazzjoni ([4]), b'mod partikolari l-paragrafi 6, 7 u 11 tagħha rigward ir-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 868/2004 għall-protezzjoni tal-kompetizzjoni ġusta fir-relazzjonijiet esterni tal-UE fil-qasam tal-avjazzjoni u t-tisħiħ tal-pożizzjoni kompetittiva tal-industrija tal-avjazzjoni tal-UE, il-prevenzjoni tal-kompetizzjoni inġusta b'mod aktar effikaċi, l-iżgurar tar-reċiproċità u l-eliminazzjoni ta' prattiki inġusti, inklużi s-sussidji u l-għajnuna mogħtija mill-istat lil-linji tal-ajru minn ċerti pajjiżi terzi li joħolqu distorsjoni fis-suq, billi t-trasparenza finanzjarja fil-klawżola ta' kompetizzjoni ġusta tikkostitwixxi element fundamentali biex jiġu żgurati dawn il-kundizzjonijiet ekwi,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([5]) (ir-Regolament dwar l-OKS Unika),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1218/2010 tal-14 ta' Diċembru 2010 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 101(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal ċerti kategoriji ta' akkordji ta' speċjalizzazzjoni ([6]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, kif ukoll tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A8-0001/2017),

A. billi politika tal-kompetizzjoni b'saħħitha u effikaċi minn dejjem kienet fil-qofol tas-suq intern, billi tħeġġeġ l-effiċjenza ekonomika u toħloq klima favorevoli għat-tkabbir, l-innovazzjoni u l-progress teknoloġiku filwaqt li tbaxxi l-prezzijiet;

B. billi l-politika tal-kompetizzjoni tal-UE hija strument essenzjali għall-ġlieda kontra l-frammentazzjoni tas-suq intern u b'hekk toħloq u tippreserva kundizzjonijiet ekwi għan-negozji madwar l-UE;

C. billi l-Unjoni Ewropea, taħt it-tmexxija tal-Kummissjoni, għandha tippromwovi "kultura ta' kompetizzjoni" fl-UE u madwar id-dinja;

([1]) ĠU L 123, 19.5.2015, p. 1.
([2]) ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1.
([3]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.
([4]) Testi adottati, P8_TA(2015)0394.
([5]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([6]) ĠU L 335, 18.12.2010, p. 43.

It-Tlieta 14 ta' Frar 2017

D. billi l-politika tal-kompetizzjoni hija, fiha nfisha, għodda li tipproteġi d-demokrazija Ewropea, peress li timpedixxi l-konċentrazzjoni eċċessiva tal-poter ekonomiku u finanzjarju fi ftit idejn, ħaġa li tista' ddgħajjef l-abilità tal-awtoritajiet politiċi Ewropej li jaġixxu b'mod indipendenti fil-konfront tal-gruppi industrijali u bankarji l-kbar;

E. billi l-implimentazzjoni xierqa tar-regoli tal-kompetizzjoni (inklużi r-regoli antitrust) f'konformità mal-ekonomija soċjali tas-suq għandha timpedixxi l-konċentrazzjoni eċċessiva tal-poter ekonomiku u finanzjarju f'idejn ftit kumpaniji privati u tistimula wkoll lill-atturi billi tagħtihom inċentiv biex ikunu dinamiċi u innovattivi u biex jiddivrenzjaw ruħhom fis-swieq;

F. billi politika tal-kompetizzjoni ġusta żżomm is-swieq effiċjenti u miftuħa, u dan iwassal għal prezzijiet aktar baxxi, atturi ġodda, prodotti u servizzi ta' kwalità ogħla, kif ukoll għażla akbar għall-konsumaturi, filwaqt li jitrawmu wkoll ir-riċerka u l-innovazzjoni, it-tkabbir ekonomiku u kumpaniji aktar reżiljenti;

G. billi l-politika tal-kompetizzjoni tista' u għandha tagħti kontribut sinifikanti fir-rigward ta' prijoritajiet politiċi ewlenin bħalma huma l-promozzjoni tal-innovazzjoni, impjiegi ta' kwalità, il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, it-tkabbir u l-iżvilupp sostenibbli, l-investiment, l-użu effiċjenti tar-riżorsi, kif ukoll il-ħarsien tal-konsumaturi u ta' saħħet il-bniedem, filwaqt li ssaħħaħ is-suq uniku, b'enfasi partikolari fuq is-suq uniku diġitali u l-Unjoni tal-Enerġija;

H. billi politika tal-kompetizzjoni li tirnexxi ma tridx tkun orjentata esklużivament lejn it-tnaqqis fil-prezzijiet għall-konsumaturi, iżda għandha żżomm quddiem għajnejha wkoll il-kapaċità innovattiva u l-investimenti tal-industrija Ewropea u l-kundizzjonijiet kompetittivi speċifiċi għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju;

I. billi l-politika tal-kompetizzjoni hija definita wkoll mill-valuri tal-ġustizzja soċjali, l-indipendenza politika, it-trasparenza u l-proċess ġust;

J. billi l-politika tal-kompetizzjoni tal-UE hija interdipendenti ma' politiki ewlenin oħra tal-UE, inklużi l-politiki industrijali, diġitali u tat-taxxa, li l-koordinazzjoni tagħhom hija intiża sabiex tiżgura l-konformità mal-prinċipji fundamentali minquxa fit-Trattati, b'mod partikolari t-trasparenza u l-lealtà;

K. billi l-evażjoni tat-taxxa, il-frodi tat-taxxa u r-rifuġji fiskali qed jiswew lill-kontribwenti tal-UE biljuni ta' euro (xi stimi saħansitra jindikaw ċifra ta' triljun euro) kull sena fi dħul mitluf, u huma distorsivi fir-rigward tal-kompetizzjoni fis-suq uniku bejn il-kumpaniji li jħallsu s-sehem ġust tagħhom tat-taxxa u dawk li ma jagħmlux hekk;

L. billi l-kooperazzjoni globali fl-infurzar fil-qasam tal-kompetizzjoni tgħin biex jiġu evitati l-inkonsistenzi fir-rimedji u l-eżiti tal-azzjonijiet ta' infurzar, u tgħin lin-negozji jnaqqsu l-ispejjeż ta' konformità tagħhom;

M. billi l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-prattika tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni jagħtu interpretazzjoni differenti tal-kunċett ta' "attività ekonomika" skont jekk ikunux involuti r-regoli tas-suq intern jew ir-regoli tal-kompetizzjoni; billi din il-prattika mħawda tikkumplika l-kunċett diġà diffiċli ta' "attività ekonomika";

N. billi ambjent regolatorju ċar, koerenti u effikaċi f'termini ta' adattament tal-politika tal-kompetizzjoni għall-ispeċifiċitajiet agrikoli jista' jikkontribwixxi biex tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel billi jindirizza b'mod determinat l-iżbilanċi tal-poter bejn l-operaturi, iżid l-effiċjenza tas-suq u jiżgura ċ-ċertezza legali u kundizzjonijiet ekwi fis-suq uniku;

O. billi l-forma u s-saħħa tal-perikli ekonomiċi u ż-żmien li fih iseħħu huma diffiċli li jiġu antiċipati u jeħtieġ li l-politika agrikola komuni (PAK) orjentata lejn is-suq tagħti appoġġ lill-bdiewa u aktar eżenzjonijiet limitati fiż-żmien għar-regoli tal-kompetizzjoni, fil-każ ta' żbilanċi serji fis-suq; billi matul il-kriżi tal-ħalib, il-Kummissjoni ddeċidiet li tattiva l-Artikolu 222 tar-Regolament dwar l-OKS Unika bħala l-aħħar għażla biex teżenta mill-applikazzjoni tal-liġi tal-kompetizzjoni l-ippjanar kollettiv tal-produzzjoni tal-ħalib minn raggruppamenti ta' produtturi rikonoxxuti;

P. billi l-politika tal-kompetizzjoni waħedha mhijiex biżżejjed biex twaqqaf il-prattiki kummerċjali żleali (PKŻ) fil-katina tal-provvista tal-ikel;

Q. billi l-Artikolu 102 tat-TFUE jindika b'mod ċar li l-impożizzjoni diretta jew indiretta ta' prattiki kummerċjali żleali fuq setturi oħra tal-katina alimentari tikkostitwixxi ksur ta' dan it-Trattat;

R. billi t-Task Force dwar is-Swieq Agrikoli (AMTF) inħolqot bil-għan li tittejjeb il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel billi jiġu esplorati l-possibbiltajiet biex tissaħħaħ il-pożizzjoni tagħhom, inklużi l-possibbiltajiet legali għall-iżvilupp ta' relazzjonijiet kuntrattwali u l-organizzazzjoni ta' azzjonijiet kollettivi tal-bdiewa; billi l-konklużjonijiet tal-AMTF jeħtieġ jitqiesu, jekk applikabbli, fir-rigward tad-diskussjonijiet futuri u l-miżuri li għandhom jittieħdu;

1. Jilqa' r-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar il-politika tal-kompetizzjoni, li juri li politika tal-kompetizzjoni tal-UE adegwata tista' tikkontribwixxi biex jerġa' jkun hemm livell suffiċjenti ta' investiment u innovazzjoni billi toħloq ambjent ta' kompetizzjoni ġusta; jilqa' l-attenzjoni li r-rapport jagħti lill-kontribut tal-politika tal-kompetizzjoni għall-eliminazzjoni tal-ostakli u l-miżuri distorsivi ta' għajnuna mill-Istat għall-benefiċċju tas-suq uniku; itenni wkoll li l-ġejjieni tal-Ewropa għandu jkun ibbażat fuq l-innovazzjoni, ekonomija soċjali tas-suq u użu effiċjenti tar-riżorsi, li joħloq standard ta' għajxien għoli għaċ-ċittadini kollha tal-UE;

L-integrazzjoni tas-suq uniku

2. Jilqa' l-għan tal-Kummissjoni li tiftaħ opportunitajiet ġodda għaċ-ċittadini u n-negozji u jfakkar li l-moviment liberu tal-kapital, is-servizzi, il-prodotti u l-persuni huma l-erba' libertajiet tas-suq uniku u li l-implimentazzjoni tagħhom hija kruċjali sabiex l-UE titressaq eqreb lejn iċ-ċittadini tagħha; jenfasizza li, mingħajr politika tal-kompetizzjoni tal-UE effikaċi, is-suq intern ma jistax jilħaq il-potenzjal sħiħ tiegħu; jilqa' l-użu mill-Kummissjoni tad-diversi strumenti għad-dispożizzjoni tagħha, fosthom il-kontroll tal-fużjonijiet, il-ġlieda kontra l-abbuż ta' pożizzjoni dominanti u prattiki antikompetittivi, il-ġlieda kontra l-kartelli, il-kontroll tal-għajnuna mill-Istat, il-koordinazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni u inkjesti settorjali;

3. Iqis li politika tal-kompetizzjoni effikaċi trid tqis il-kundizzjonijiet tas-suq speċifiċi li japplikaw għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), il-mikrointrapriżi u l-istartups, u jeħtieġ tipproteġi d-drittijiet tal-ħaddiema u tiggarantixxi tassazzjoni ġusta;

4. Jistieden lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE jipprijoritizzaw it-tisħiħ tas-Suq Uniku post-Brexit billi jiżguraw konformità sħiħa mal-liġijiet tal-kompetizzjoni tal-UE u billi tiżdied il-kooperazzjoni fost l-Istati Membri dwar kwistjonijiet ta' taxxa; jinnota wkoll li l-Brexit jista' jaffettwa b'mod negattiv il-politika tal-kompetizzjoni tal-UE; jenfasizza, b'mod partikolari, ir-riskju ta' duplikazzjoni ta' proċeduri li żżid l-ispejjeż amministrattivi u ddewwem il-proċessi investigattivi;

5. Itenni li kompetizzjoni ġusta fil-qasam tat-taxxa hija essenzjali għall-integrità tas-suq intern tal-UE, u għalhekk il-parteċipanti kollha tas-suq għandhom iħallsu s-sehem ġust tagħhom ta' taxxa u t-taxxi għandhom jitħallsu fil-post fejn jiġi ġġenerat il-qligħ; jenfasizza li mindu ġew żvelati l-Lux Leaks, l-UE rrikonoxxiet li – sabiex issaħħaħ il-kompetizzjoni ġusta fis-suq uniku – teħtieġ politiki u regolamentazzjoni sempliċi u trasparenti f'dak li għandu x'jaqsam mat-taxxa, u rrikonoxxiet ukoll li hemm bżonn tintemm darba għal dejjem il-kompetizzjoni inġusta fil-qasam tat-taxxa (inklużi l-benefiċċji tat-taxxa mogħtija illegalment) min-naħa tal-Istati Membri, li toħloq periklu morali u tqiegħed piż tat-taxxa addizzjonali fuq il-kontribwenti onesti u timpedixxi l-iżvilupp tal-SMEs, anke meta parteċipanti ġodda u SMEs preżenti f'pajjiż wieħed biss ikunu penalizzati meta mqabbla mal-kumpaniji multinazzjonali, li jistgħu jittrasferixxu l-qligħ jew jimplimentaw forom oħra ta' pjanifikazzjoni fiskali aggressiva permezz ta' varjetà ta' deċiżjonijiet u strumenti disponibbli għalihom biss; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu investigati bir-reqqa l-każijiet kollha fejn ikun hemm suspett li l-għan huwa l-ottimizzazzjoni tat-taxxa min-naħa tal-kumpaniji multinazzjonali; jilqa', sadanittant, l-investigazzjonijiet dettaljati tal-Kummissjoni dwar il-prattiki antikompetittivi, bħal benefiċċji selettivi fuq it-taxxa jew sistemi deċiżjonali ta' qligħ eċċessiv, u jilqa' wkoll l-eżiti reċenti tal-investigazzjonijiet li juru li ħelsien selettiv mit-taxxa jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat li hija illegali skont il-liġi tal-kompetizzjoni tal-UE; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-Kummissjoni jkollha aċċess wiesa' għall-informazzjoni sabiex jingħata bidu għal aktar investigazzjonijiet dwar każijiet suspettużi; jistieden lill-Kummissjoni tfassal linji gwida ċari dwar għajnuna mill-Istat relatata mat-taxxa sabiex tkopri każijiet ta' kompetizzjoni inġusta u tagħmel użu

It-Tlieta 14 ta' Frar 2017

sħiħ mill-poteri tagħha skont il-liġi tal-kompetizzjoni biex tgħin lill-Istati Membri jindirizzaw b'mod effiċjenti l-prattiki tat-taxxa dannużi; isostni li hemm bżonn sforzi akbar, anke fir-rigward tal-prattiki tat-taxxa aggressivi; jenfasizza li l-informazzjoni dwar deċiżjonijiet dwar it-taxxa u l-arranġamenti tal-ipprezzar ta' trasferiment skambjata bejn l-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri hija partikolarment deċiżiva; jiddeplora l-fatt li l-Istati Membri qed jiċħdu l-aċċess tad-DĠ Kompetizzjoni għal din l-informazzjoni; jirrakkomanda kondiviżjoni akbar tal-informazzjoni fost l-awtoritajiet nazzjonali, u jistieden ukoll lill-Istati Membri jippubblikaw informazzjoni dwar deċiżjonijiet tat-taxxa u jissuġġerixxi li, jekk ikun il-każ, din l-informazzjoni tiġi ppreżentata fl-għamla ta' klassifikazzjoni fuq bażi reġjonali; jemmen li d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li ddefinixxew metodoloġija ċara għall-kalkolu tal-valur u tal-vantaġġi kompetittivi mhux dovuti li jgawdu l-kumpaniji involuti f'deċiżjonijiet żbaljati jipprovdu bażi legali tajba għal aktar konverġenza;

6. Jenfasizza li l-korruzzjoni fl-akkwist pubbliku għandha effetti distorsivi serji fuq il-kompetittività tas-suq Ewropew; itenni li l-akkwist pubbliku jikkostitwixxi waħda mill-aktar attivitajiet governattivi esposti għall-korruzzjoni; jenfasizza li, f'xi Stati Membri, l-akkwist iffinanzjat mill-UE jġorr riskji ogħla ta' korruzzjoni minn akkwist iffinanzjat b'mod nazzjonali; ifakkar li stediniet għal offerti mfassla apposta jintużaw ħafna biex jillimitaw il-kompetizzjoni fis-suq; jistieden lill-Kummissjoni tkompli bl-isforzi tagħha biex jiġi evitat l-użu ħażin tal-fondi tal-UE u tiġi stimulata r-responsabbiltà fl-akkwist pubbliku; iħeġġeġ il-ħolqien ta' Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew bid-drittijiet meħtieġa sabiex jinvestiga aħjar l-allegati reati kontra l-fondi tal-UE;

7. Jenfasizza li l-proċedimenti tal-għajnuna mill-Istat waħedhom ma jistgħux itemmu b'mod permanenti l-kompetizzjoni inġusta fil-qasam tat-taxxa fl-Istati Membri; jirrakkomanda, għalhekk, il-ħolqien ta' bażi komuni konsolidata għat-taxxa korporattiva (BKKTK), li għandha tgħin biex tiġi eliminata d-distorsjoni tal-kompetizzjoni u tingħata garanzija li l-ebda qligħ ma jitħalla joħroġ mill-UE mingħajr ma jiġi intaxxat, l-iżvelar pubbliku ta' informazzjoni rilevanti dwar deċiżjonijiet tat-taxxa, rieżami tad-Direttiva tal-VAT sabiex tiġi evitata l-frodi, u obbligu fuq il-kumpaniji internazzjonali kbar biex jirrappurtaw pubblikament il-fatturat u l-qligħ tagħhom abbażi ta' "pajjiż b'pajjiż", u jistieden lill-Istati Membri jintroduċu trasparenza akbar fil-prattiki tagħhom fil-qasam tat-taxxa kif ukoll rekwiżiti ta' rappurtar reċiproku; itenni l-ħtieġa li jiġu implimentati l-Pakkett Kontra l-Evitar tat-Taxxa, ir-regoli dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-pajjiżi tal-UE kif ukoll il-mekkaniżmu ta' reazzjoni rapida fil-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT sabiex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta;

8. Jemmen li l-kompetizzjoni ġusta tista' tixxekkel bil-pjanifikazzjoni fiskali; jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni biex tiġi aġġustata d-definizzjoni ta' "stabbiliment permanenti" sabiex il-kumpaniji ma jkunux jistgħu jevitaw artifiċjalment li jkollhom preżenza taxxabbli fl-Istati Membri li jkollhom attività ekonomika fihom; jenfasizza li din id-definizzjoni għandha tindirizza wkoll is-sitwazzjoni speċifika tas-settur diġitali, sabiex jiġi żgurat li l-kumpaniji involuti f'attivitajiet kompletament dematerjalizzati jitqiesu li għandhom stabbiliment permanenti fi Stat Membru jekk dawn iżommu preżenza diġitali sinifikanti fl-ekonomija ta' dak il-pajjiż;

9. Jenfasizza l-ħtieġa li r-regoli tas-suq uniku jiġu infurzati fil-livell tal-Istati Membri wkoll u li l-ksur jiġi ttrattat sabiex tiġi indirizzata l-frammentazzjoni tas-suq uniku;

10. Jappella għal titjib fil-one-stop shop abbażi tal-esperjenza attwali tal-mini one-stop shops għall-prodotti diġitali; jinnota li anke bil-mini one stop shop, in-negozji żgħar u mikro jistgħu jiffaċċjaw piż amministrattiv sinifikanti;

11. Jenfasizza l-ħtieġa li s-suq uniku jissaħħaħ ulterjorment billi jitneħħew l-ixkiel u l-ostakli li fadal;

12. Ifakkar lill-Kummissjoni li, sabiex is-suq uniku tal-UE jaħdem tajjeb, huwa essenzjali li l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali jitħallew jintervjenu f'sitwazzjonijiet li jirriżultaw minn żvantaġġi ġeografiċi li jfixklu l-abilità tas-suq li jiffjorixxi, kemm fid-dimensjoni ekonomika u kemm f'dik soċjali;

13. Jinsisti fuq il-ħtieġa tal-ġlieda kontra d-dumping fiskali u soċjali, il-pjanifikazzjoni fiskali abbużiva u l-evażjoni tat-taxxa biex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta fis-suq uniku kollu kemm hu;

14. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tlesti l-implimentazzjoni taż-Żona Ferrovjarja Unika Ewropea, tiżgura trasparenza sħiħa fil-flussi ta' flus bejn il-maniġers tal-infrastrutturi u l-impriżi ferrovjarji, u tivverifika li kull Stat Membru għandu regolatur nazzjonali b'saħħtu u indipendenti;

15. Iħeġġeġ lill-Kunsill jieħu azzjoni rapida biex jadotta l-proposta tal-Kummissjoni dwar l-armonizzazzjoni tal-bażi komuni konsolidata għat-taxxa korporattiva (BKKTK);

16. Huwa tal-fehma li l-adozzjoni tal-euro min-naħa tal-Istati Membri li għadhom ma jagħmlux parti mill-munita unika ssaħħaħ il-kompetizzjoni ħielsa fis-suq intern;

Is-suq uniku diġitali

17. Jilqa' l-Istrateġija tal-Kummissjoni għal Suq Uniku Diġitali u jenfasizza r-rwol kruċjali tal-politika tal-kompetizzjoni fit-tlestija tas-suq intern diġitali; jappoġġja wkoll l-isforzi tal-Kummissjoni biex tiżgura li l-politika tal-kompetizzjoni tal-UE tapplika b'mod sħiħ għas-suq uniku diġitali, peress li l-kompetizzjoni mhux biss tagħti aktar għażla lill-konsumaturi iżda tipprovdi wkoll kundizzjonijiet ekwi, u jiddispjaċih li n-nuqqas attwali ta' qafas diġitali Ewropew issottolinja l-fatt li l-interessi tal-forniturі kbar u żgħar ma rnexxilhomx jiġu rrikonċiljati; jenfasizza li l-mudelli tas-suq tradizzjonali tal-politika tal-kompetizzjoni sikwit ma jkunux rilevanti biżżejjed għas-suq intern diġitali; jitlob li tingħata attenzjoni akbar fir-rigward tal-mudelli kummerċjali l-ġodda li jintużaw mill-kumpaniji diġitali; itenni li suq uniku diġitali unifikat jista' joħloq mijiet ta' eluf ta' impjiegi ġodda u jista' jikkontribwixxi EUR 415-il biljun fis-sena għall-ekonomija tal-UE;

18. Jenfasizza li, sabiex l-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali tibqa' kredibbli, il-Kummissjoni għandha tlesti bir-reqqa l-investigazzjonijiet pendenti l-oħra kollha dwar il-kartelli mingħajr ma tippreġudika l-kwalità; jitlob li l-proċedimenti jitħaffu b'tali mod li r-riżultati jkunu jistgħu jinkisbu malajr kemm jista' jkun; jilqa', għaldaqstant, id-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet supplimentari mibgħuta mill-Kummissjoni dwar is-servizz ta' tqabbil tax-xiri u d-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet dwar il-każ Android; jistieden lill-Kummissjoni tkompli teżamina b'mod determinat it-tħassib kollu identifikat fl-investigazzjonijiet tagħha, inklużi oqsma oħra ta' tfittxija bi preġudizzju (lukandi, tfittxijiet lokali, titjiriet), sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-atturi kollha tas-suq fis-suq diġitali; jitlob investigazzjoni dwar il-pjattaformi dominanti għall-prenotazzjoni tal-lukandi;

19. Jilqa' l-investigazzjoni settorjali tal-Kummissjoni dwar il-kummerċ elettroniku, li r-riżultati preliminari tagħha identifikaw ċerti prattiki tan-negozju f'dan is-settur li jistgħu jillimitaw il-kompetizzjoni online; jilqa' wkoll l-impenn tal-Kummissjoni favur suq uniku diġitali Ewropew u l-proposta tagħha dwar l-imblukkar ġeografiku u forom oħra ta' diskriminazzjoni bbażati fuq in-nazzjonalità tal-klijenti u l-post ta' residenza tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tieħu passi ambizzjużi biex telimina l-ostakli illeġittimi għall-kompetizzjoni online, sabiex jiġi żgurat xiri online bla xkiel għall-konsumaturi tal-UE meta jixtru mingħand bejjiegħa bbażati fi Stat Membru ieħor; iqis, għalhekk, li hemm bżonn azzjonijiet ambizzjużi u speċifiċi biex jitjieb l-aċċess għall-prodotti u s-servizzi online, b'mod partikolari billi jintemmu l-prattiki ta' imblukkar ġeografiku mhux ġustifikati u d-diskriminazzjoni ta' prezzijiet inġusti bbażati fuq il-pożizzjoni ġeografika jew in-nazzjonalità, li ta' spiss ikollhom l-effett li jibnu monopolji u li jwasslu lill-konsumaturi biex jagħżlu kontenut illegali; jappella għat-tikkettar elettroniku fil-livell tal-UE biex jiġu ggarantiti l-eżistenza u l-kwalità tas-servizzi jew il-prodotti offruti sabiex jiġi żgurat livell saħansitra ogħla ta' kompetizzjoni ġusta u anke jiżdied il-ħarsien tal-konsumatur;

20. Iqis li t-tisħiħ tal-parteċipazzjoni tal-SMEs għandu jkollu rwol essenzjali fl-isforzi għall-promozzjoni ta' suq uniku diġitali unifikat u jenfasizza l-ħtieġa li jiġi vvalutat l-impatt potenzjali ta' kull inizjattiva, partikolarment dawk li jimmiraw biex jippromwovu l-kummerċ elettroniku u biex jiġi ċċarat l-istatus ta' stabbiliment permanenti tas-settur diġitali, fuq il-kapaċità tal-SMEs li jibbenefikaw mis-suq uniku diġitali;

21. Ifakkar li n-"newtralità tan-netwerk" hija ta' importanza fundamentali biex jiġi żgurat li ma jkunx hemm diskriminazzjoni fost is-servizzi tal-internet u li l-kompetizzjoni tkun iggarantita b'mod sħiħ ("newtralità tan-netwerk" tfisser il-prinċipju li t-traffiku kollu tal-internet jiġi ttrattat b'mod ugwali, mingħajr diskriminazzjoni, restrizzjoni jew interferenza, b'mod indipendenti minn min jibgħat, ir-riċevitur, it-tip, il-kontenut, it-tagħmir, is-servizz jew l-applikazzjoni tiegħu);

It-Tlieta 14 ta' Frar 2017

22. Jenfasizza li l-preżenza dejjem akbar ta' negozji ġodda b'kapaċità diġitali, b'mod partikolari applikazzjonijiet tal-internet u tal-mobile, flimkien ma' operaturi eżistenti, fetħet kanali ġodda għall-konsumaturi biex isibu, iqabblu u jagħżlu prodotti u servizzi fis-suq uniku, u b'hekk tirriżulta f'konsumaturi emanċipati li jistgħu jagħmlu għażliet infurmati skont il-ħtiġijiet u l-għanijiet personali tagħhom;

23. Jenfasizza li l-ekonomija kollaborattiva toffri lill-konsumaturi tal-UE għadd kbir ta' prodotti u servizzi innovattivi; jenfasizza li l-pjattaformi tal-ekonomija kollaborattiva introduċew l-idea li jisfidaw lill-atturi dominanti diġà eżistenti sabiex jinħoloq ambjent aktar kompetittiv kemm għall-konsumaturi kif ukoll għan-negozji; itenni li minbarra t-tassazzjoni, il-qafas amministrattiv u s-sigurtà, il-Kummissjoni għandha teżamina wkoll l-aspetti marbutin mal-kompetizzjoni u tneħħi l-ostakli għad-dħul fis-suq tan-negozji sabiex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi; jenfasizza li din it-tip ta' ekonomija diġà ġiet stabbilita bosta snin ilu, u li għal raġunijiet ta' konsistenza legali kwalunkwe irregolarità għandha tiġi solvuta fil-livell tal-UE f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi garantit livell għoli ta' protezzjoni tad-data personali u tal-konsumatur b'rabta mas-suq uniku diġitali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni toħloq sett ta' miżuri, li huwa indispensabbli sabiex l-għadd kbir ta' forom u varjanti tal-ekonomija kollaborattiva jirċievu appoġġ fil-livell tal-UE u fl-Istati Membri individwali, jiġu applikati, isiru kredibbli u jirbħu l-fiduċja, u huwa konxju li dan il-qafas regolatorju permessiv u ta' appoġġ mhux se jwassal għal distorsjonijiet fil-kompetizzjoni; jistieden lill-Kummissjoni terġa' tindirizza dan it-tħassib, b'mod li l-benefiċċji għas-soċjetà ta' dawn il-mudelli kummerċjali jkunu jistgħu jsiru tanġibbli fir-realtà fil-kuntest ta' oqfsa legali;

24. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq rieżami wiesa' tal-effikaċja tal-istrumenti eżistenti tal-liġi tal-kompetizzjoni fl-era diġitali u, jekk ikun hemm bżonn, tiżviluppahom aktar;

25. Jenfasizza li, partikolarment f'settur dinamiku bħall-ekonomija diġitali, huwa assolutament kruċjali li l-proċedimenti tal-kompetizzjoni jiġu konklużi b'ħeffa, b'tali mod li l-abbuż ta' pożizzjoni dominanti fis-suq ma jkunx jista' jwassal għal taqlib (shakeout) fis-suq;

26. Jistieden lill-Kummissjoni tqis il-konverġenza dejjem akbar fis-swieq diġitali, billi tqabbel servizzi simili, bħall-applikazzjonijiet tal-messaġġi istantanji (IM), ma' servizzi ekwivalenti mogħtija mis-settur tat-telekomunikazzjoni ġenerali;

27. Jilqa' l-investigazzjonijiet tal-Kummissjoni fir-rigward ta' ċerti prattiki antikompetittivi minn għadd ta' kumpaniji, b'mod partikolari mill-ġganti tal-internet u t-telekomunikazzjoni u kumpaniji medjatiċi, studios ċinematografiċi u distributuri televiżivi oħrajn; jistieden lill-Kummissjoni tħaffef il-proċeduri kollha kontra mġiba antikompetittiva li tikser ir-regoli antitrust tal-UE;

28. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-irkupru fil-każ li jirrigwarda l-għajnuna mill-Istat lil Apple, li tirrappreżenta pass ewlieni biex tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-għajnuna illegali mill-Istat permezz ta' benefiċċji fuq it-taxxa; jirrimarka, madankollu, li l-UE jeħtieġ ikollha leġiżlazzjoni aktar stretta rigward id-deċiżjonijiet dwar it-taxxa, billi tipprevedi wkoll sistema effikaċi u proċedura ta' rkupru tad-dejn favur ir-riżorsi proprji tal-baġit tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tirrettifika kwalunkwe ksur bil-għan li tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta fis-suq uniku kollu kemm hu;

29. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq strateġija regolatorja li tqis il-konverġenza teknoloġika u, b'mod partikolari, il-multiplikazzjoni tal-pjattaformi; ifakkar li, għal dan il-għan, ir-regolamenti settorjali ex ante għandhom jibbilanċjaw id-difiża tal-pluraliżmu, il-libertà tal-espressjoni, il-protezzjoni tad-data personali, il-protezzjoni tal-awtonomija u l-libertà tal-għażla tal-konsumatur u l-promozzjoni ugwali ta' offerti kompetittivi fl-Ewropa u ta' offerti konverġenti għall-aqwa esponenti Ewropej fil-kompetizzjoni internazzjonali; jitlob li jiġu korretti l-inugwaljanzi fil-bilanċ tal-poter u li jittaffew sitwazzjonijiet ta' dipendenza bejn l-operaturi ekonomiċi bil-ħsieb li jkun hemm tqassim ġust tal-valur;

30. Jilqa' l-attenzjoni akbar li qed tingħata lill-effetti tan-netwerk u lill-akkumulazzjoni u l-analiżi tad-data fl-identifikazzjoni tal-poter tas-suq fis-swieq diġitali; huwa tal-fehma li d-data għandha rwol ewlieni fl-ekonomija diġitali u għalhekk għandha titqies fil-valutazzjoni fil-qafas tar-regoli tal-kompetizzjoni;

31. Iqis li l-kompetizzjoni fis-setturi tat-tiftix fuq l-internet u tat-telekomunikazzjoni hija essenzjali, mhux biss biex tingħata spinta lill-innovazzjoni u l-investiment fin-netwerks u fl-ekonomija diġitali, iżda anke għall-promozzjoni ta' prezzijiet aċċessibbli u għażla fis-servizzi għall-konsumaturi; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, tipproteġi l-kompetizzjoni f'dawn is-setturi, anke fir-rigward tal-allokazzjoni tal-ispettru u tas-servizzi tal-internet; jilqa', b'rabta ma' dan, l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tħares b'mod favorevoli lejn l-għanijiet strateġiċi tal-pakkett tat-telekomunikazzjoni fl-applikazzjoni tal-linji gwida għall-għajnuna mill-Istat għan-netwerks tal-broadband; jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li twaqqaf il-fużjoni tal-fornituri tas-servizzi tat-telefonija ċellulari O2 u Three fir-Renju Unit, għall-benefiċċju tal-konsumaturi Ewropej; itenni l-importanza tal-applikazzjoni tal-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi u t-tisħiħ tal-konnettività fl-UE kollha;

32. Iqis li t-tmiem tat-tariffi tar-roaming fl-UE mhuwiex biżżejjed u li t-telefonati intra-UE jeħtieġ ukoll jiġu regolati fuq l-istess livell bħat-telefonati lokali; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta leġiżlattiva għar-regolamentazzjoni tat-telefonati intra-UE;

33. Jemmen li, minn perspettiva fit-tul, il-passi lejn it-tmiem tat-tariffi tar-roaming għall-konsumaturi fl-UE mhumiex biżżejjed jekk irridu li s-suq uniku jiġi approfondit aktar, u li għandhom jinħolqu inċentivi biex it-telefonati intra-UE jkunu fuq l-istess livell bħat-telefonati lokali, billi jiġu faċilitati investimenti f'netwerks kompletament Ewropej jew kondiviżi; jistieden lill-Kummissjoni twettaq konsultazzjoni dettaljata mal-operaturi tan-netwerks u mal-partijiet interessati rilevanti dwar kif jistgħu jnaqqsu t-tariffi għat-telefonati intra-UE għal-livell tat-telefonati lokali bl-aktar mod effiċjenti, li fl-istess ħin jinkoraġġixxi l-investimenti u jiżgura l-innovazzjoni u l-kompetittività globali;

34. Jistieden lill-Kummissjoni tuża l-politika u l-istrumenti finanzjarji tagħha u tippromwovi l-iskambji tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri sabiex jitrawwem l-investiment f'diversi setturi tradizzjonali u SMEs li għadhom lura fir-rivoluzzjoni industrijali diġitali;

35. Jenfasizza li l-Unjoni Ewropea għandha tħeġġeġ in-negozji kollha (bħal dawk b'sehem dominanti fis-suq u anke l-istartups) biex jinnovaw;

36. Jistieden lill-Kummissjoni turi l-istess determinazzjoni fit-twettiq u r-riżultati tal-inkjesta li għaddejja bħalissa kontra McDonald's;

L-għajnuna mill-Istat

37. Jilqa' r-reviżjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u jissuġġerixxi li jintbagħat rapport annwali speċifiku lill-Parlament; ifakkar lill-Istati Membri li l-għan kien li l-miżuri ta' għajnuna jkunu mmirati aħjar lejn tkabbir ekonomiku sostenibbli u fit-tul, ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u koeżjoni soċjali, filwaqt li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u l-funzjonament liberu tal-ekonomija soċjali tas-suq; jenfasizza li l-Istati Membri għandhom responsabbiltà akbar meta jagħtu għajnuna mingħajr notifika minn qabel lill-Kummissjoni; jenfasizza li l-Kummissjoni għandha tipprovdi bażi legali suffiċjenti fil-liġi tal-kompetizzjoni sabiex tingħata spinta lit-turiżmu bħala fattur ekonomiku importanti fl-UE, u li, għaldaqstant, il-finanzjament tal-organizzazzjonijiet turistiċi pubbliċi għandhom jaqgħu taħt eżenzjoni GBER ġenerali; jistieden lill-Kummissjoni tiskrutinizza kwalunkwe tranżazzjoni tal-aħħar minuta magħmula minn Stat Membru mingħajr kunsiderazzjoni għall-pressjoni politika applikata minn dan tal-aħħar; ifakkar ukoll lill-Kummissjoni fil-ħtieġa li timpedixxi li ċerti gvernijiet jagħixxu in mala fede bħalma jagħmlu meta jonfqu l-fondi tal-UE b'mod ħażin;

38. Jenfasizza li intervent statali jew reġjonali jikkostitwixxi waħda mill-għodod ta' politika kruċjali għas-sostenn tal-kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali f'reġjuni u ġzejjer iżolati, remoti jew periferiċi fl-Unjoni, iżda li għandhom jitqiesu wkoll l-esperjenzi tal-passat u li dawn l-interventi m'għandhomx imorru kontra l-prinċipji tas-suq uniku; jenfasizza li l-konnettività tar-reġjuni insulari periferiċi hija essenzjali wkoll u jilqa' l-inklużjoni tal-għajnuna soċjali għat-trasport tar-residenti f'reġjuni remoti fil-GBER fejn qed tiġi rikonoxxuta l-problema tal-konnettività; jitlob lill-Kummissjoni biex, waqt ir-reviżjoni li għaddejja tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa, tqis bis-sħiħ l-ispeċifiċitajiet tar-Reġjuni Ultraperiferiċi (ORs) kif stipulati fl-Artikolu 349 tat-TFUE, peress li l-konnettività hija fundamentali għall-SMEs lokali fl-ORs u anke l-inqas waħda li x'aktarx taffettwa l-kompetizzjoni fis-suq intern;

39. Jilqa' l-avviż tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat bħala parti mill-Inizjattiva dwar il-Modernizzazzjoni tal-Għajnuna mill-Istat; jirrikonoxxi l-benefiċċji tar-regoli ssimplifikati li jipprovdu ċertezza kemm lill-awtoritajiet pubbliċi kif ukoll lill-kumpaniji; jistieden lill-Kummissjoni biex, fl-istess ħin, tiskrutinizza aktar mill-qrib l-għajnuna mill-Istat ipprojbita, li għandha impatt negattiv kbir ħafna fuq is-Suq Uniku;

It-Tlieta 14 ta' Frar 2017

40. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi – mill-aktar fis possibbli – dokument ta' gwida dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat, fid-dawl ta' bidliet importanti fil-ġurisprudenza u l-prattika ta' infurzar, sabiex tiżgura ċ-ċertezza u l-prevedibbiltà legali;

41. Jistieden lill-Kummissjoni tniedi pjan direzzjonali għal inqas għajnuna mill-Istat imma għal waħda li tkun immirata aħjar, bil-għan li tiżdied il-possibbiltà li titnaqqas l-għajnuna mill-Istat billi jitbaxxew it-taxxi, u b'hekk jiġu stimulati negozji ġodda u kompetizzjoni ġusta minflok ma jiġu appoġġjati l-istrutturi qodma u l-operaturi stabbiliti;

42. Jenfasizza li meta tintuża l-għajnuna mill-Istat sabiex jiġu promossi s-servizzi ta' interess ġenerali, huwa l-benefiċċju għall-konsumaturi u ċ-ċittadini li huwa kruċjali, u mhux il-benefiċċju għall-kumpaniji individwali jew l-entitajiet pubbliċi;

43. Jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja mill-qrib ir-rinazzjonalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi fl-Istati Membri tal-UE u timpedixxi l-għajnuna illegali mill-Istat mogħtija fl-għamla ta' kumpens għas-servizzi pubbliċi;

44. Jistieden lill-Kummissjoni tħeġġeġ definizzjoni armonizzata ta' għajnuna mill-Istat f'organizzazzjonijiet tal-kompetizzjoni internazzjonali, bħan-Netwerk Internazzjonali dwar il-Kompetizzjoni;

45. Jenfasizza li, sabiex ikun hemm Unjoni tal-Enerġija li tiffunzjona sew u jiġi evitat li ma jiġux rispettati r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, kif ukoll biex jiġi evitat l-użu ħażin tal-fondi tal-UE, għandhom jiġu ssorveljati b'mod strett u investigati fil-fond il-każijiet kollha ta' għajnuna mill-Istat u ta' irregolaritajiet fl-akkwist pubbliku b'rabta mal-investimenti fl-enerġija u fl-ambjent, bħall-proġett kontroversjali biex jitkabbar l-impjant tal-enerġija nukleari ta' Paks fl-Ungerija;

46. Jenfasizza li – kif iddikjarat il-Kummissjoni għas-sitt darba fir-rapport annwali tagħha dwar il-kompetizzjoni – l-għajnuna temporanja mill-Istat fis-settur finanzjarju kienet meqjusa meħtieġa għall-istabbilizzazzjoni tas-sistema finanzjarja globali, iżda li din trid titnaqqas malajr, jew titneħħa kompletament u tiġi eżaminata, mill-aktar fis possibbli; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) jiżguraw li l-leġiżlazzjoni kollha tal-ħarsien tal-konsumatur – bħall-MIFID jew l-IDD – tiġi applikata b'mod konsistenti fis-Suq Uniku kollu u jitlob lill-Kummissjoni u lill-ESMA jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda arbitraġġ regolatorju fl-implimentazzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tqis il-possibbiltà li torbot l-għajnuna mill-Istat lill-banek mal-kundizzjonalità ta' kreditu lill-SMEs;

47. Ifakkar il-pożizzjoni tiegħu dwar l-inkjesta attwali tal-Kummissjoni fir-rigward ta' Assi u Krediti ta' Taxxa Differita (DTAs/DTCs) għall-benefiċċju tas-settur bankarju f'bosta Stati Membri; huwa tal-fehma li d-DTA/DTCs għandhom jiġu awtorizzati b'mod retroattiv skont id-dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna mill-Istat jekk ikunu marbuta ma' kundizzjonijiet espliċiti dwar il-miri ta' finanzjament għall-ekonomija reali;

48. Iqis li huwa ta' dispjaċir li ma ttieħdet ebda azzjoni mill-Kummissjoni biex tindirizza l-abbużi mwettqa fir-ristrutturar tal-banek privati, inklużi dawk li jaffettwaw depożitanti żgħar u sidien żgħar ta' strumenti finanzjarji bħal ishma preferuti, li f'ħafna każijiet kienu ġew kummerċjalizzati mingħajr konformità sħiħa mal-leġiżlazzjoni tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tindirizza l-effetti mifruxa tal-bejgħ irregolari ta' prodotti finanzjarji li nkixef fir-ristrutturar tal-banek affettwati mill-kriżi ekonomika;

49. Ifakkar fit-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex teżamina jekk is-settur bankarju bbenefikax sa mill-bidu tal-kriżi minn sussidji impliċiti u għajnuna mill-Istat permezz tal-forniment ta' appoġġ ta' likwidità mhux konvenzjonali;

50. Jinnota li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri identifikat żbalji fl-għajnuna mill-Istat f'madwar wieħed minn kull ħames proġetti li għamlet awditu tagħhom u li kienu ġew kofinanzjati permezz ta' programmi ta' koeżjoni u li kienu meqjusa li kellhom rilevanza għall-għajnuna mill-Istat matul il-perjodu 2010-2014 ([1]); jinnota li terz minn dawn l-iżbalji ġew ivvalutati bħala li kellhom impatt finanzjarju u huma meqjusa li kkontribwew għal-livell ta' żball fil-politika ta' koeżjoni; iqis, għalhekk, li hemm lok għal progress fl-indirizzar tan-nonkonformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat fil-politika ta' koeżjoni; iqis li huwa partikolarment neċessarju li jitjieb l-għarfien tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat fil-pajjiżi

([1]) Rapport Speċjali Nru 24/2016 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Jeħtieġ li jsiru aktar sforzi biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni u tiġi infurzata l-konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat fil-politika ta' koeżjoni" – http://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/SR16_24/SR_STATE_AIDS_MT.pdf

benefiċjarji sabiex jiġu evitati żbalji magħmula in buona fede, kif ukoll titjieb ir-reġistrazzjoni tal-irregolaritajiet sabiex ikun hemm perspettiva aħjar tal-kwistjoni;

51. Huwa tal-fehma li hemm bżonn għarfien aħjar fil-livell lokali u nazzjonali fir-rigward tal-klassifikazzjoni ta' għajnuna illegali mill-Istat; jilqa' d-deċiżjonijiet reċenti tal-Kummissjoni li fihom ġie ċċarat liema miżuri ta' appoġġ pubbliku min-naħa tal-Istati Membi jistgħu jitwettqu mingħajr valutazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni fir-rigward tal-għajnuna mill-Istat; iqis li dawn id-deċiżjonijiet jipprovdu gwida utli għall-proġetti lokali u muniċipali, inaqqsu l-piż amministrattiv u fl-istess ħin iżidu ċ-ċertezza legali;

52. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel rieżami tal-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti dwar il-kompetizzjoni b'rabta mad-Direttiva dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti (DGSD) sabiex l-istrumenti ta' stabbilizzazzjoni bikrija previsti mill-awtorità leġiżlattiva tal-UE jkunu, fil-fatt, jistgħu jintużaw;

53. Jenfasizza l-importanza tal-investigazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar għajnuna mill-Istat ta' natura fiskali, li jipprovdu appoġġ meħtieġ għall-aġenda Ewropea u internazzjonali dwar it-taxxa, speċjalment fil-ġlieda kontra l-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva;

54. Jistieden lill-Kummissjoni talloka riżorsi akbar biex jiġu investigati deċiżjonijiet tat-taxxa li joħolqu tħassib mil-lat tal-għajnuna mill-Istat u twettaq dawn l-investigazzjonijiet b'mod sistematiku; jinnota l-fatt li l-Kummissjoni tqis li d-deċiżjonijiet tat-taxxa mhux trasparenti li ngħataw minn xi Stati Membri lil ċerti kumpaniji multinazzjonali jikkostitwixxu għajnuna illegali mill-Istat, peress li huma distorsivi fir-rigward tal-kompetizzjoni fis-suq intern; jilqa' wkoll iż-żieda fis-sensibilizzazzjoni tal-interkonnessjonijiet bejn il-politiki dwar it-taxxa u l-prattiki amministrattivi fil-qasam tat-tassazzjoni, fuq naħa, u l-politika tal-kompetizzjoni, fuq in-naħa l-oħra; jistieden lill-Kummissjoni tippubblika sommarju tad-deċiżjonijiet tat-taxxa ewlenin li ttieħdu fid-deċiżjonijiet preċedenti, abbażi ta' informazzjoni f'direttorju ċentrali sigur, li jkun jinkludi, tal-inqas, deskrizzjoni tal-kwistjonijiet indirizzati fid-deċiżjoni tat-taxxa u deskrizzjoni tal-kriterji użati biex jiġi determinat arranġament preliminari ta' prezzijiet ta' trasferiment u l-identifikazzjoni tal-Istati Membri li x'aktarx jiġu affettwati;

Ir-regoli antitrust, il-proċedimenti rigward il-kartelli, u l-kontroll tal-fużjonijiet

55. Jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni biex tħejji gwida dwar il-proċeduri u l-evalwazzjoni kontinwa tagħha fir-rigward tal-qafas legali tal-UE;

56. Jenfasizza l-importanza li l-kartelli jitkissru, fl-interess taċ-ċittadini u n-negozji Ewropej, b'mod partikolari l-SMEs; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tissimplifika l-proċeduri amministrattivi f'dan ir-rigward sabiex tipprijoritizza l-proċedimenti;

57. Huwa tal-fehma li l-fużjonijiet proposti bejn l-akbar kumpaniji mondjali fil-qasam tal-agrokimika u ż-żrieragħ jistgħu jwasslu għar-riskju ta' żieda fil-prezzijiet taż-żrieragħ u għal inqas għażla fil-varjetajiet adattati għall-kundizzjonijiet agroekoloġiċi; jenfasizza li jekk dawn il-fużjonijiet ikomplu, 61 % tas-suq taż-żrieragħ globali u 65 % tas-suq tal-pestiċidi globali jkun taħt il-kontroll ta' tliet kumpaniji biss;

58. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-azzjoni tagħha fil-livell globali sabiex tiżgura li r-regoli tal-kompetizzjoni ta' pajjiżi terzi ma jkunux f'kunflitt mad-dispożizzjonijiet tal-UE għad-detriment tan-negozji Ewropej;

59. Jistieden lill-Kummissjoni żżomm ir-rekord b'saħħtu u effikaċi tagħha fir-rigward tal-infurzar fil-kuntest tal-kartelli fil-każijiet kollha fejn ikollha biżżejjed evidenza ta' ksur; jirrimarka li l-politika tal-kompetizzjoni tippermetti lill-kompetituri jikkooperaw fl-innovazzjoni mingħajr ma dik il-kooperazzjoni tiġi abbużata għal skopijiet antikompetittivi; jieħu nota tal-ħames deċiżjonijiet tas-sena l-oħra b'rabta ma' total ta' madwdar EUR 365 mijun f'multi, kif dokumentat fid-dokument tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja r-rapport tagħha dwar il-politika tal-kompetizzjoni tal-2015;

60. Jemmen li r-regoli eżistenti dwar il-multi fil-każ ta' ksur jistgħu jiġu ssupplimentati minn sanzjonijiet eħrex kontra l-atturi responsabbli; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra l-possibbiltà li tikkomplementa l-multi lill-kartelli b'sanzjonijiet personali mmirati għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet f'dawn il-kumpaniji, kif ukoll penali individwali għall-impjegati li jkunu fil-fatt wasslu lill-kumpanija tagħhom biex twettaq ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni – il-Kummissjoni għandha, għalhekk, tkun kapaċi timponi miżuri bħal skwalifiki tad-diretturi jew sanzjonijiet pekunarji personali meta jkun hemm bżonn;

It-Tlieta 14 ta' Frar 2017

61. Jemmen li l-użu ta' multi dejjem akbar bħala l-uniku strument tal-antitrust jista' ma jkunx drastiku biżżejjed; jenfasizza li politika ta' multi kbar m'għandhiex tintuża bħala mekkaniżmu alternattiv għall-finanzjament tal-baġit; jippreferi l-approċċ "tal-inċentiv u l-kastig", b'penali li jservu bħala deterrent effikaċi, b'mod partikulari għal dawk li jiksru l-liġi ripetutament, filwaqt li jħeġġu l-konformità;

62. Jinnota li l-għadd ta' fużjonijiet notifikati żdied b'mod sinifikanti fl-2015; jitlob, għalhekk, li s-servizzi rilevanti jingħataw ir-riżorsi meħtieġa (permezz tar-riallokazzjoni interna tal-persunal) biex ikunu jistgħu jkomplu jindirizzaw b'mod effikaċi din is-sitwazzjoni;

63. Jilqa' l-konsultazzjoni mnedija reċentement mill-Kummissjoni dwar ċerti aspetti proċedurali u legali tal-kontroll tal-fużjonijiet tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni, b'rabta mar-riforma ppjanata tar-Regolament dwar il-Fużjonijiet, teżamina bir-reqqa jekk il-proċeduri ta' valutazzjoni attwali jikkunsidrawx biżżejjed iċ-ċirkustanzi fis-swieq diġitali u l-internazzjonalizzazzjoni tas-swieq; iqis li, speċjalment fl-ekonomija diġitali, il-kriterji ta' valutazzjoni tal-fużjonijiet għandhom jiġu adattati;

64. Jikkondividi t-tħassib dwar in-negozjati attwali dwar il-fużjoni bejn Bayer AG u Monsanto Company Inc.; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-fużjoni ppjanata tista' toħloq oligopolju Ewropew u globali potenzjali jekk titħalla ssir; jenfasizza li din il-fużjoni tista' tirriżulta f'sitwazzjoni ta' monopolju fis-swieq taż-żrieragħ u tal-pestiċidi, li huma importanti għas-settur agrikolu; jitlob lill-Kummissjoni, għaldaqstant, twettaq valutazzjoni tal-impatt ex ante ta' din il-fużjoni u jitlob idea ċara tal-kalendarju tal-Kummissjoni;

65. Huwa tal-fehma li l-arranġamenti ta' kontroll tal-fużjonijiet tal-UE għandhom iqisu l-prezz tax-xiri bħala kriterju, peress li l-fużjonijiet fis-swieq diġitali għamluha ċara li l-limiti tal-fatturat mhumiex biżżejjed;

66. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta leġiżlattiva għall-ħolqien ta' qafas tal-UE għall-koordinazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni dwar il-kontroll tal-fużjonijiet;

67. Jistieden mill-ġdid lill-Kummissjoni tivverifika bir-reqqa t-traspożizzjoni tad-Direttiva 2014/104/UE dwar id-danni fi kwistjonijiet relatati mal-antitrust;; jirrimarka li din id-Direttiva għandha tiġi trasposta kif xieraq sas-27 ta' Diċembru 2016; jiddeplora l-fatt li s'issa l-progress fit-traspożizzjoni kien batut u li ħafna Stati Membri għadhom ma ressqux abbozzi ta' leġiżlazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni biex, bħala l-gwardjan tat-Trattati, tfakkar lill-Istati Membri fl-obbligu tagħhom;

Aspetti settorjali

68. Jilqa' l-Qafas Strateġiku għal Unjoni tal-Enerġija Reżiljenti b'Politika dwar it-Tibdil fil-Klima li tħares 'il quddiem, u jaqbel mal-ħames dimensjonijiet politiċi interkonnessi tagħha; jenfasizza li d-deċiżjonijiet dwar it-taħlita enerġetika huma f'idejn l-Istati Membri;

69. Jilqa' l-investigazzjonijiet differenti dwar l-antitrust, b'mod partikolari dawk fir-rigward ta' Gazprom u Bulgargaz, bil-għan li tiġi żgurata l-integrazzjoni tas-suq fl-Unjoni tal-Enerġija; jiddeplora, madankollu, il-prattika min-naħa ta' ċerti Stati Membri li jixtru l-gass permezz ta' kumpaniji offshore bħala eżempju tipiku ta' evitar tat-taxxa u att li jmur kontra l-funzjonament tajjeb tal-Unjoni tal-Enerġija; jenfasizza wkoll l-importanza li jiġi evitat il-ħolqien ta' strutturi tas-suq li jistgħu jimpedixxu kompetizzjoni effikaċi fis-settur tal-enerġija;

70. Jieħu nota tal-isforzi tal-Kummissjoni biex tippromwovi l-integrazzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fis-suq sabiex jiġu evitati distorsjonijiet fir-rigward tal-kompetizzjoni; jenfasizza, madankollu, l-impenji legalment vinkolanti li ħadu l-Istati Membri fil-konferenza dwar il-klima COP21, li ma jistgħux jintlaħqu mingħajr miżuri (statali) konkreti għall-promozzjoni u l-finanzjament tal-produzzjoni u l-użu tal-enerġija rinnovabbli;

71. Jenfasizza li l-politika tal-kompetizzjoni Ewropea għandha potenzjal kbir biex tippromwovi standards ambjentali u soċjali ogħla; jinnota b'dispjaċir li l-Gvern Ungeriż qed ifixkel il-kompetizzjoni fis-settur tal-enerġija rinnovabbli billi jimponi taxxi għoljin u billi jimpedixxi l-użu ta' teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tappoġġja l-użu tal-enerġiji rinnovabbli fl-Ewropa sabiex tilħaq l-għanijiet ambjentali stabbiliti fl-istrateġija tat-tkabbir fuq għaxar snin "Ewropa 2020" tal-Unjoni Ewropea; jitlob lill-Kummissjoni tkompli tappoġġja l-integrazzjoni tar-rekwiżiti ambjentali, soċjali u tax-xogħol fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku;

72. Jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 267/2010 li jeżenta ċerti ftehimiet fis-settur tal-assigurazzjoni, peress li l-iskambju ta' informazzjoni meħtieġa għall-kalkolu tar-riskju u l-kopertura tar-riskju konġunt iżid iċ-ċertezza legali u l-kompetittività fis-settur, u b'hekk jiffaċilita d-dħul fis-suq għal intrapriżi ġodda, iżid l-għażla għall-konsumaturi u jtejjeb il-kundizzjonijiet ekonomiċi;

73. Jirrimarka l-ħtieġa li ssir distinzjoni fuq livell kunċettwali u mil-lat ta' politika bejn ir-regoli tal-kompetizzjoni u l-politika soċjali tal-Istat Membru rispettiv; jirrikonoxxi li huwa l-obbligu ta' kull gvern li jintervjeni sabiex jevita li ċ-ċittadini tiegħu jsofru l-faqar enerġetiku;

74. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jnaqqsu t-taxxi fuq il-prodotti tal-enerġija u jieħdu miżuri effikaċi kontra l-faqar enerġetiku;

75. Jirrimarka li l-grilja enerġetika hija infrastruttura bbażata fuq netwerk li teħtieġ trattament speċjali, biex tippermetti u tinkoraġġixxi l-konsum proprju;

76. Jinnota li l-monopolji governattivi eżistenti, bħall-monopolji fuq il-logħob tal-azzard, jista' jwassal għal prattiki inġusti u antikompetittivi; jiġbed l-attenzjoni għar-riskju li bl-għoti ta' liċenzji mingħajr sejħiet għall-konċessjonijiet, jew permezz ta' sejħiet dubjużi u mhux trasparenti, il-gvernijiet tal-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jiffavorixxu ċerti kumpaniji fuq oħrajn, u b'hekk jistgħu joħoloqu ambjent antikompetittiv ħafna; jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja strettament il-monopolji governattivi eżistenti u l-legalità tas-sejħiet għall-konċessjonijiet sabiex timpedixxi kwalunkwe distorsjoni eċċessiva tal-kompetizzjoni;

77. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi bidliet fir-Regolament (KE) Nru 261/2004 sabiex tiżgura l-istess protezzjoni għall-vjaġġaturi bl-ajru fuq titjiriet minn pajjiżi terzi, irrispettivament minn jekk it-trasportatur ikunx mill-UE jew le;

78. Ifakkar li l-Artikolu 42 tat-TFUE jagħti status speċjali lis-settur agrikolu fir-rigward tal-liġi tal-kompetizzjoni, skont kif affermat matul l-aħħar riforma tal-PAK bl-għoti ta' sensiela ta' derogi u eżenzjonijiet mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 101 tat-TFUE; iqis li l-kriżi attwali fis-settur tal-biedja qed tiggrava l-pożizzjoni diġà dgħajfa tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel;

79. Iqis li l-attivitajiet kollettivi tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-assoċjazzjonijiet tagħhom, bħall-ippjanar tal-produzzjoni u n-negozjar ta' bejgħ u, fejn xieraq, in-negozjar tat-termini ta' kuntratti, huma meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi tal-PAK stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-TFUE, u għandhom għalhekk igawdu fil-prinċipju minn preżunzjoni ta' kompatibbiltà mal-Artikolu 101 tat-TFUE; jinnota li d-derogi attwali mhux qed jintużaw bl-aħjar mod u li n-nuqqas ta' ċarezza ta' dawn id-derogi, id-diffikultajiet fl-implimentazzjoni u n-nuqqas ta' applikazzjoni uniformi mill-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni ma jagħtux biżżejjed ċertezza legali lill-bdiewa u l-organizzazzjonijiet tagħhom, u b'hekk jimpeduhom milli jorganizzaw ruħhom u jxekklu l-funzjonament tajjeb tas-suq intern; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, ittejjeb l-għodod disponibbli billi tiżgura li l-politika tal-kompetizzjoni tqis b'mod aħjar l-ispeċifiċitajiet tas-settur agrikolu u tikkjarifika b'mod xieraq il-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga ġenerali għall-agrikoltura, ir-regoli speċifiċi għas-setturi tal-ħalib, taż-żejt taż-żebbuġa, taċ-ċanga u l-vitella u tal-prodotti tar-raba' li jinħadem u l-eżenzjonijiet individwali skont l-Artikolu 101(3) tat-TFUE;

80. Jistieden lill-Kummissjoni tiġġieled u tieħu azzjonijiet regolatorji vinkolanti fil-livell tal-UE kontra prattiki kummerċjali żleali fil-katina alimentari, li jxekklu l-bdiewa u l-konsumaturi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni jindirizzaw it-tħassib imqajjem mil-impatt kumulattiv fin-naħa ta' fuq tal-katina tal-provvista tal-ikel, kif ukoll fuq il-bejjiegħa bl-imnut u l-konsumaturi, tal-konċentrazzjoni rapida fil-livell nazzjonali fis-settur tad-distribuzzjoni u l-iżvilupp ta' alleanzi ta' distributuri kbar fil-livell internazzjonali u Ewropew; jinnota li dan l-iżvilupp strutturali jista' jwassal għall-volatilità tal-prezzijiet u għal tnaqqis fid-dħul tal-bdiewa, u jqajjem tħassib ta' possibbiltà ta' allinjamenti strateġiċi, tnaqqis fil-kompetizzjoni u marġnijiet ridotti għall-investiment fl-innovazzjoni fil-katina tal-provvista tal-ikel;

81. Jenfasizza li l-politika tal-kompetizzjoni tiddefendi l-interessi tal-konsumaturi mingħajr ma tqis l-interessi tal-produtturi agrikoli; jenfasizza li l-politika tal-kompetizzjoni trid tagħti l-istess importanza biex tiddefendi l-interessi tal-produtturi agrikoli kif tagħmel biex tiddefendi l-interessi tal-konsumatur, billi tiżgura li l-kundizzjonijiet għall-kompetizzjoni u għall-aċċess għas-suq intern ikunu ġusti sabiex jitrawmu l-investiment, l-impjiegi, l-innovazzjoni, il-vijabbiltà tal-impriżi agrikoli u l-iżvilupp ibbilanċjat taż-żoni rurali fl-UE;

It-Tlieta 14 ta' Frar 2017

82. Jinsisti li l-kunċett ta' "prezz ġust" m'għandux jitqies bħala l-inqas prezz possibbli għall-konsumatur, iżda minflok għandu jkun raġonevoli u jippermetti rimunerazzjoni ġusta ta' kull parti fil-katina tal-provvista tal-ikel;

83. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi lill-Parlament u lill-Kunsill rekord tal-użu tal-eżenzjonijiet eżistenti mill-bdiewa fl-Istati Membri differenti fl-applikazzjoni tal-Artikolu 225 tar-Regolament dwar l-OKS Unika u b'mod xieraq tiċċara l-kamp ta' applikazzjoni ta' tali derogi kif ukoll l-eżenzjonijiet individwali mir-regoli tal-kompetizzjoni skont l-Artikolu 101 (3) tat-TFUE; jistieden lill-Kummissjoni tiċċara b'mod partikolari jekk il-ftehimiet ta' sostenibbiltà li ġew konklużi fil-katina tal-provvista tal-ikel biex jissodisfaw l-eżiġenzi tas-soċjetà u li l-miżuri tagħhom imorru lil hinn mir-rekwiżiti statutorji jistgħux jiġu eżentati mil-liġi tal-kompetizzjoni jekk dawn jikkontribwixxu għat-titjib tal-produzzjoni u jippromwovu l-innovazzjoni filwaqt li jkunu ta' benefiċċju għall-konsumaturi;

84. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta approċċ aktar estensiv fid-definizzjoni ta' "pożizzjoni dominanti" u tal-abbuż minn tali pożizzjoni minn impriża agrikola jew numru ta' tali impriżi marbuta bi ftehim orizzontali, filwaqt li jitqies il-grad ta' konċentrazzjoni u l-limitazzjonijiet li jirriżultaw mis-saħħa ta' negozjar tas-setturi tal-fatturi produttivi, tal-ipproċessar u tal-bejgħ bl-imnut;

85. Isostni li, f'suq agrikolu uniku, il-kunċett ta' "suq rilevanti" jeħtieġ jevolvi u jiġi mifhum primarjament fil-livell tal-Unjoni, qabel ma jitqiesu livelli iktar baxxi, sabiex ma jitpoġġiex fil-periklu l-objettiv tal-konċentrazzjoni tal-offerta agrikola billi jingħalaq b'mod restrittiv il-qasam tal-attività tal-impriżi agrikoli;

86. Jemmen li l-bdiewa fis-setturi kollha tal-produzzjoni għandhom jiġu garantiti d-dritt għal negozjar kollettiv, inkluż id-dritt li jaqblu dwar il-prezzijiet minimi;

87. Jemmen li l-bdiewa għandhom jinvolvu ruħhom b'mod sħiħ u jisfruttaw il-potenzjal tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi, inklużi l-kooperattivi tal-produtturi, l-assoċjazzjonijiet tagħhom u l-entitajiet interprofessjonali; jistieden lill-Kummissjoni tinkoraġġixxi lil tali għodod kollettivi ta' għajnuna proprja jikbru fil-kompetenzi u l-effiċjenzi tagħhom billi jiġu ċċarati u ssimplifikati r-regoli applikabbli għalihom, bil-għan li jissaħħu l-kapaċità ta' negozjar tagħhom u l-kompetittività tagħhom, filwaqt li jitħarsu l-prinċipji stipulati fl-Artikolu 39 tat-TFUE;

88. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 222 tar-Regolament dwar l-OKS Unika jiġu attivati malajr f'perjodi ta' żbilanċi serji ħafna fis-suq u tkompli tivvaluta l-effiċjenza ta' din il-miżura meta tiġi applikata għas-suq tal-prodotti tal-ħalib bil-ħsieb li jiġu proposti adattamenti temporanji ulterjuri tal-liġi u l-proċedura tal-kompetizzjoni fi żminijiet ta' żbilanċi serji fis-suq;

89. Jilqa', f'dan ir-rigward, il-pubblikazzjoni reċenti tal-linji gwida dwar l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli speċifiċi; iqis, madankollu, li l-kamp ta' applikazzjoni ġuridiku tagħhom huwa limitat wisq, u li l-kriterji li jridu jiġu mħarsa minn settur għal ieħor huma eteroġenei u stretti wisq biex jipprovdi ċ-ċarezza u ċ-ċertezza legali meħtieġa lill-bdiewa li jixtiequ jibbenefikaw minn dawn id-derogi;

90. Jemmen li kategorizzazzjoni tas-suq rilevanti mhijiex għalkollox adatta għas-sitwazzjoni attwali tas-settur taż-żejt taż-żebbuġa u għalhekk jipproponi li s-suq taż-żejt taż-żebbuġa għall-konsumaturi jitqies bħala suq uniku, bil-ħsieb li tittejjeb l-implimentazzjoni tar-regoli tal-Artikolu 169 tar-Regolament dwar l-OKS Unika;

91. Jemmen li, minħabba l-varjazzjonijiet fil-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa, l-iżjed minħabba kundizzjonijiet klimatiċi, u sabiex jiġu garantiti l-objettivi tal-membri tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew l-assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi, għandhom jitqiesu l-każijiet fejn l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jiġu mġiegħla jixtru mingħand produtturi taż-żejt taż-żebbuġa li mhumiex membri, filwaqt li tiġi garantita n-natura anċillari ta' din l-attività fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-membri tagħhom stess;

92. Jipproponi li l-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli tal-Artikolu 170 dwar il-produzzjoni tal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella jiġi estiż għas-settur tat-tismin tal-bhejjem tal-ifrat sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni mtejba;

93. Jilqa', fil-kuntest ta' tmiem il-kwoti fis-settur taz-zokkor, l-eżistenza kontinwa ta' qafas kuntrattwali ([1]) fost il-bdiewa tal-pitravi, l-organizzazzjonijiet tagħhom u l-kumpaniji taz-zokkor, li jippermettilhom b'mod partikolari jinnegozjaw it-termini ta' kondiviżjoni tal-valur skont l-iżviluppi fis-suq taz-zokkor u s-swieq ta' materja prima oħra; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li din il-possibbiltà tingħata lill-operaturi kollha fis-settur sabiex jintlaħqu l-objettivi tar-Regolament dwar l-OKS Unika, biex b'hekk jiġi żgurat bilanċ ġust tad-drittijiet u l-obbligi bejn l-impriżi taz-zokkor u l-produtturi tal-pitravi zokkrija;

94. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-influwenza eżerċitata mill-bejjiegħa bl-imnut fuq il-kumpaniji li jimmanifatturaw prodotti tad-ditta proprja tagħhom;

95. Itenni l-pożizzjoni tal-Parlament ([2]) favur l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni qafas fil-livell tal-UE sabiex jiġu indirizzati l-PKŻ fil-katina tal-provvista tal-ikel; jenfasizza li din il-leġiżlazzjoni għandha tiżgura li l-bdiewa u l-konsumaturi tal-UE jkollhom l-opportunità li jibbenefikaw minn kundizzjonijiet ġusti tax-xiri u tal-bejgħ;

96. Jemmen li l-implimentazzjoni sħiħa u sodisfaċenti tal-"Pakkett tal-Ħalib" ([3]) hija essenzjali sabiex jissaħħaħ is-settur tal-ħalib u jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tipproponi l-estensjoni tal-"Pakkett tal-Ħalib" lil hinn minn nofs l-2020 u biex tistudja l-possibbiltà li testendi r-regoli għal setturi agrikoli oħra;

97. Jieħu nota tal-konklużjonijiet tal-istudju tad-Direttorat Ġenerali tal-Kompetizzjoni bit-titolu "Economic impact of modern retail on choice and innovation in the EU food sector" (L-impatt ekonomiku tal-bejgħ bl-imnut modern fuq l-għażla u l-innovazzjoni fis-settur alimentari tal-UE), inkluża r-relazzjoni negattiva li jista' jkun hemm bejn l-innovazzjoni u l-penetrazzjoni fis-suq ta' prodotti taħt marki privati; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta lill-Parlament il-kontenut tad-diskussjonijiet li għaddejjin biex jiġi determinat jekk din ir-relazzjoni negattiva tnaqqasx l-innovazzjoni u l-varjetà ta' prodotti disponibbli għall-konsumaturi, u dwar xi jkunu l-konsegwenzi fit-tul għall-katina kollha tal-provvista tal-ikel u għas-sitwazzjoni tal-bdiewa;

98. Itenni l-ħtieġa li jiġi żviluppat b'mod progressiv qafas tal-UE dwar il-kompetizzjoni biex fil-monitoraġġ tal-katina tal-provvista tal-ikel fl-Ewropa jiġu inklużi l-indikaturi tas-sistemi ta' Valutazzjoni tas-Sostenibbiltà tal-Ikel u l-Agrikoltura (SAFA) tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO), inklużi l-indikaturi taħt l-intestaturi ta' Ipprezzar Ġust u Kuntratti Trasparenti (S.2.1.1) u d-Dritt tal-Forniturі (S2.2.1);

99. Jenfasizza li t-tassazzjoni eċċessiva ta' kwalunkwe industrija tista' faċilment teqred il-kompetizzjoni u tmur kontra l-interessi tal-konsumaturi;

100. Jitlob li jiġi żviluppat ulterjorment l-Istrument Ewropew għall-Monitoraġġ tal-Prezzijiet tal-Ikel biex titjieb l-identifikazzjoni tal-kriżijiet fis-settur agroalimentari permezz ta' data aħjar u aktar diżaggregata; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li l-organizzazzjonijiet tal-bdiewa jkunu involuti fid-definizzjoni u l-ġbir tad-data;

101. Jistieden lill-Kummissjoni tqis bis-sħiħ l-effett tad-distorsjonijiet tas-suq li jistgħu jirriżultaw minn ftehimiet kummerċjali ma' pajjiżi terzi fuq il-produtturi agrikoli fl-Ewropa, minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja delikata tagħhom u r-rwol fundamentali tagħhom fis-soċjetà tagħna; jemmen li l-Kummissjoni għandha tagħti attenzjoni partikolari lil ftehimiet ma' dawk il-pajjiżi li għandhom ferm inqas regolamenti fl-agrikoltura u s-saħħa mill-UE;

([1]) Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1166 tas-17 ta' Mejju 2016 li jemenda l-Anness X tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-termini tax-xiri tal-pitravi fis-settur taz-zokkor mill-1 ta' Ottubru 2017 (ĠU L 193, 19.7.2016, p. 17).

([2]) Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ġunju 2016 dwar prattiki kummerċjali inġusti fil-katina tal-provvista tal-ikel (P8_TA (2016)0250).

([3]) Regolament (UE) Nru 261/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tar-relazzjonijiet kuntrattwali fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib (ĠU L 94, 30.3.2012, p. 38).

It-Tlieta 14 ta' Frar 2017

102. Jistieden lill-Kummissjoni tinvestiga n-natura u s-sustanza tad-distorsjonijiet fis-suq tal-bejgħ bl-imnut u tinkludi l-effett potenzjali tar-restrizzjonijiet territorjali fuq il-provvista fil-konfront tal-bejjiegħa bl-imnut, peress li d-distorsjoni twassal għall-framentazzjoni tas-suq u l-potenzjal biex is-supermarkets il-kbar jiddominaw is-suq u joħolqu distorsjonijiet fil-kompetizzjoni fil-ktajjen tal-provvista; jenfasizza l-importanza li l-partijiet ikkonċernati kollha jiżvelaw l-informazzjoni rilevanti; iħeġġeġ lill-Kummissjoni terġa' tibda tinvestiga kwistjonijiet ta' żamma tal-prezzijiet tal-bejgħ bl-imnut;

103. Jemmen li l-Kummissjoni għandha tkompli ssaħħaħ ir-rabtiet bejn il-politika tal-kompetizzjoni u l-politika tat-trasport; jinnota li r-Rapport Speċjali Nru 21/2014 tal-Qorti tal-Awdituri jsostni li, apparti l-każijiet speċifiċi tal-ajruporti reġjonali jew l-ajruporti f'inħawi remoti, il-konnettività fl-Ewropa għandha tkun ibbażata fuq is-sostenibbiltà ekonomika; jiddeplora l-fatt li l-investimenti fl-ajruporti mhux dejjem ipproduċew ir-riżultati antiċipati; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, tidentifika l-proġetti ta' żvilupp tal-arjuporti li rnexxew u dawk li ma rnexxewx; jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi r-Regolament (KE) Nru 868/2004 bil-għan li ssaħħaħ il-pożizzjoni kompetittiva tal-industrija tal-avjazzjoni tal-UE, tipprevjeni l-kompetizzjoni inġusta b'mod aktar effikaċi, tiżgura r-reċiproċità u telimina l-prattiki inġusti, inklużi s-sussidji u l-għajnuna mill-Istat lil-linji tal-ajru minn ċerti pajjiżi terzi; jistieden lill-Kummissjoni tinvestiga jekk ċerti prattiki – ibbażati fuq ftehimiet bilaterali eżistenti dwar is-servizzi tal-ajru ffirmati mill-Istati Membri ma' pajjiżi mhux tal-UE – humiex ta' detriment għall-kompetizzjoni ġusta bejn it-trasportaturi u l-ajruporti, u kontra l-interessi tal-konsumaturi Ewropej; jistieden lill-Kummissjoni tindirizza wkoll il-prattiki antikompetittivi li jistgħu jxekklu l-ħila tal-konsumaturi Ewropej li jużaw varjetà ta' mezzi online, inklużi servizzi ta' tqabbil metasearch u aġenti tal-ivvjaġġar online;

104. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri juru aktar rieda politika favur l-approfondiment u t-tisħiħ ulterjuri tas-suq uniku għat-trasport u l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet ekwi, sabiex tiġi żgurata kompetizzjoni miftuħa u ġusta bejn l-operaturi pubbliċi u privati fis-setturi tat-trasport, tal-posta u tat-turiżmu, filwaqt li jiġu rispettati politiki, miri u prinċipji oħra tal-UE, inkluża d-dimensjoni soċjali li hi importanti għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern tat-trasport;

105. Jenfasizza l-importanza tal-konnettività u tal-infrastruttura tat-trasport għas-sopravivenza, l-iżvilupp ekonomiku u l-provvista ta' servizzi pubbliċi u privati f'żoni reġjonali u remoti;

106. Jittama, għalhekk, li jitlesta n-netwerk globali TEN-T;

107. Jenfasizza li l-ħtieġa li tiġi ggarantita protezzjoni aktar effettiva tad-drittijiet tal-ħaddiema tat-trasport mill-abbuż ma għandhiex tintuża bħala pretest biex tiġi limitata l-kompetizzjoni ħielsa bejn l-entitajiet minn Stati Membri differenti; jistieden lill-Kummissjoni tirrispetta l-prinċipji ta' proporzjonalità u sussidjarjetà meta tfassal liġijiet li jħallu impatt sinifikanti fuq il-funzjonament tas-suq uniku tat-trasport;

108. Jinnota l-isfidi li jiffaċċjaw l-operaturi postali bħala riżultat tal-ħolqien tas-suq uniku diġitali; jenfasizza li s-suċċess ta' dan il-proġett ambizzjuż, b'mod partikolari fil-qasam tal-kummerċ online, jiddependi fil-biċċa l-kbira tiegħu fuq l-organizzazzjoni tas-suq tas-servizzi postali tal-konsenja tal-pakketti; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu ggarantiti kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni transfruntiera ġusti u ugwali għall-entitajiet privati u l-operaturi pubbliċi li jipprovdu servizzi kummerċjali;

109. Jenfasizza li kwalunkwe politika tal-kompetizzjoni għandha tirrispetta d-drittijiet soċjali tal-operaturi kollha fis-setturi kkonċernati;

110. Jenfasizza l-fatt li l-leġiżlazzjoni dwar it-trasport tal-UE sikwit ma tkunx implimentata sew u li l-prinċipji tat-trattat mhux qed ikunu rispettati mill-Istati Membri, b'mod partikolari fejn it-trasport huwa ġestit bħala monopolju mill-gvern ċentrali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, rispettivament, jimplimentaw kif xieraq u jinfurzaw il-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE, li hi ferm importanti għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern, bil-għan li jinġiebu benefiċċji addizzjonali għall-kummerċ u l-industrija, il-konsumaturi, il-kundizzjonijiet soċjali tal-ħaddiema u l-ambjent;

111. Jenfasizza l-importanza li jitneħħew l-ostakli fiżiċi, tekniċi u regolatorji bejn l-Istati Membri sabiex tiġi evitata l-frammentazzjoni fis-suq uniku u tiġi faċilitata l-mobilità transfruntiera u l-kooperazzjoni territorjali, b'hekk tiġi stimolata l-kompetizzjoni;

112. Jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni lejn l-ostakli indiretti għall-kompetizzjoni li jirriżultaw mid-disparità fir-regoli dwar it-tassazzjoni, is-sigurtà, id-disparità bejn il-ħinijiet ta' sewqan u ta' mistrieħ, id-drittijiet ta' approvazzjoni tat-tip u d-drittijiet tal-passiġġieri;

113. Jilqa' l-progress li sar fit-teknoloġiji diġitali fis-setturi tat-trasport u tat-turiżmu, li jippromwovu l-kompetizzjoni, joħolqu l-impjiegi, jiffaċilitaw l-aċċess tal-SMEs għal swieq akbar u jwasslu għal benefiċċji tanġibbli għall-konsumatur; jirrimarka li d-diġitalizzazzjoni u l-iżvilupp pożittiv tal-ekonomija kollaborattiva se jwasslu għal bidliet sinifikanti fl-ambjent operattiv tas-setturi, kif ukoll li hu meħtieġ qafas legali xieraq u ċar biex jinkisbu l-benefiċċji tal-proċess ta' diġitalizzazzjoni;

114. Jenfasizza li l-entitajiet li joperaw abbażi ta' mudelli kummerċjali ġodda jinfluwenzaw is-suq tat-trasport u tat-turiżmu tal-UE b'mod pożittiv, partikolarment billi jagħmlu s-servizzi aktar aċċessibbli u jtejbu l-kwalità tagħhom;

115. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tinnegozja ftehimiet esterni dwar l-avjazzjoni ma' diversi pajjiżi u reġjuni importanti fid-dinja; jemmen li dan mhux biss se jtejjeb l-aċċess għas-suq, iżda jipprovdi wkoll opportunitajiet ġodda ta' negozju għal settur tal-avjazzjoni Ewropew ta' importanza dinjija, joħloq impjiegi ta' kwalità għolja, iżomm standards għoljin ta' sikurezza, jikkunsidra d-drittijiet tal-ħaddiema fis-settur u jkun ta' benefiċċju għall-konsumaturi; jenfasizza li l-Parlament għandu jiżvolġi rwol importanti f'dawn in-negozjati;

116. Jistieden lill-Kummissjoni, meta tinnegozja dawn il-ftehimiet esterni fil-qasam tal-avjazzjoni, tinkludi klawsola ta' kompetizzjoni ġusta bil-ħsieb li tiżgura kundizzjonijiet ekwi għal kulħadd;

117. Iqis li fir-rigward tas-servizzi portwarji, jeħtieġ li jinħoloq qafas regolatorju dejjem aktar miftuħ, kompetittiv u trasparenti għal portijiet pubbliċi fl-Ewropa, filwaqt li jinħolqu opportunitajiet ulterjuri ta' impjieg;

118. Jemmen li żieda fil-kompetizzjoni li rriżultat mill-ftuħ gradwali tas-suq tat-trasport tal-merkanzija bit-triq fl-UE tista' tkun ta' benefiċċju għall-konsumaturi, iżda jikkundanna bil-qawwa l-fatt li ċerti miżuri applikati minn xi Stati Membri qegħdin idgħajfu l-integrità tas-suq uniku f'dan il-qasam; jappoġġja l-pożizzjoni tal-Kummissjoni hi u tikkuntrasta dawn il-miżuri;

119. Jittama li dan il-ftuħ tas-suq tat-trasport tal-merkanzija bit-triq ma jkunx kawża oħra ta' dumping soċjali u jiddeplora wkoll il-fenomenu tal-"kumpaniji tal-isem";

120. Jiddeplora barra minn hekk il-fatt li l-vannijiet iż-żgħar mhumiex indirizzati kif suppost fil-politika tal-UE minkejja l-fatt li huma qed jintużaw dejjem aktar biex tiġi evitata l-applikazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni dwar l-impjiegi, is-sigurtà u l-ħarsien tal-ambjent;

121. Jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja mill-qrib it-tendenzi oligopolistiċi tad-dumping tal-prezzijiet b'mod partikolari fl-avjazzjoni u fis-setturi tax-xarabanks ta' distanzi/rotot twal u jinsisti fuq l-applikazzjoni korretta tad-dritt tal-UE u ta' kundizzjonijiet ġusti, kompetittivi u intermodali;

122. Jitlob konklużjoni rapida tan-negozjati dwar ir-Raba' Pakkett Ferrovjarju, u jemmen li dan jenħtieġ jiftaħ aktar servizzi ta' trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija għall-kompetizzjoni u jtejjeb l-effiċjenza tas-settur ferrovjarju, filwaqt li jiżgura l-kwalità u l-kontinwità tal-obbligi tas-servizz pubbliku;

123. Jilqa' l-adozzjoni tal-pilastru tekniku tar-Raba' Pakkett Ferrovjarju, u jemmen li dan se jsaħħaħ is-sikurezza ferrovjarja, filwaqt li fl-istess ħin ineħħi l-ostakli tekniċi għall-kompetizzjoni permezz tal-interoperabbiltà;

124. Jenfasizza l-importanza tat-turiżmu bħala mutur vitali għat-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi, u jistieden lill-Kummissjoni tieħu approċċ proattiv biex tippromwovi l-kompetittività tas-settur tat-turiżmu Ewropew u toħloq ambjent favorevoli għat-tkabbir u l-iżvilupp tiegħu;

It-Tlieta 14 ta' Frar 2017

125. Jenfasizza li s-servizzi postali u partikolarment il-konsenja ta' pakketti transfruntiera huma ta' importanza fundamentali għall-iżvilupp tas-settur tal-kummerċ elettroniku fl-UE kollha; jilqa' l-inkjesta antitrust tal-Kummissjoni fis-settur tal-kummerċ elettroniku u jħeġġiġha tkompli tissorvelja l-iżvilupp tas-swieq postali u tal-pakketti;

126. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu ffinanzjati proġetti tat-trasport sostenibbli, aċċessibbli u sikuri li jistgħu jgħinu biex itejbu l-funzjonament tas-sistema tat-trasport Ewropea kollha;

127. Jitlob l-użu ta' fondi tal-UE bħall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF), il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u Orizzont 2020 biex tiġi żviluppata l-infrastruttura Ewropea tat-trasport u tiżdied il-kwantità u l-kwalità tas-servizzi;

128. Jistieden lill-Istati Membri jiddedikaw biżżejjed attenzjoni biex jitlestew il-proġetti infrastrutturali transfruntiera u biex jikkoordinaw il-pjanijiet ta' trasport l-iktar importanti tagħhom mal-Istati Membri ġirien;

129. Iqis li huwa importanti li jintużaw b'mod sħiħ strumenti finanzjarji innovattivi bħall-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, li huma xierqa għall-finanzjament ta' proġetti tas-settur tat-trasport b'appoġġ għat-tkabbir u l-kompetittività; jenfasizza, madankollu, li r-riżorsi allokati għall-Fond ta' Garanzija tal-FEIS ma jistgħux jiffunzjonaw għad-detriment tas-CEF jew ta' Orizzont 2020, li huma strumenti vitali għall-iżvilupp ta' suq komuni fis-settur tat-trasport;

130. Jenfasizza li suq tat-trasport ferrovjarju miftuħ kompletament jista' jwassal għal diversi benefiċċji għall-operaturi u l-passiġġieri mill-Istati Membri kollha; jinnota, madankollu, il-ħtieġa li jitqiesu l-gradi differenti ta' żvilupp tal-infrastruttura ferrovjarja fl-Istati Membri f'dak il-proċess; jenfasizza l-ħtieġa li fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss, jinżammu l-livelli ta' investiment attwali biex tiġi bbilanċjata d-differenza fl-infrastruttura ferrovjarja;

131. Jenfasizza li l-ħtieġa li tiġi ggarantita protezzjoni aktar effettiva tad-drittijiet tal-ħaddiema tat-trasport mill-abbuż ma għandhiex tintuża bħala pretest biex tiġi limitata l-kompetizzjoni ħielsa bejn l-entitajiet minn Stati Membri differenti; jistieden lill-Kummissjoni tirrispetta l-prinċipji ta' proporzjonalità u sussidjarjetà meta tfassal liġijiet li jħallu impatt sinifikanti fuq il-funzjonament tas-suq uniku tat-trasport;

132. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipprovdi metodi analitiċi għad-definizzjoni ta' swieq rilevanti ġodda b'rabta mad-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija u b'mod partikolari mal-fenomenu tal-konverġenza tat-teknoloġiji u l-użu kummerċjali tad-data personali fuq skala kbira;

133. Jistieden lill-Istati Membri biex, bil-ħsieb li tiġi żgurata kompetizzjoni ġenwina fost id-ditti tat-trasport tal-merkanzija bit-triq fl-UE, itemmu darba għal dejjem l-għoti ta' konċessjonijiet fuq toroq madwar iż-żoni urbani li jirriżultaw fil-ħlas ta' pedaġġi;

134. Jitlob lill-Kummissjoni tinvestiga l-kazi allegati ta' frodi tal-VAT fl-industrija tal-majjal; jiddispjaċih li l-Kummissjoni għadha ma fetħitx inkjesta dwar din il-kwistjoni, minkejja l-ilmenti li rċeviet mingħand l-assoċjazzjonijiet tal-bdiewa;

135. Huwa tal-fehma li l-kontijiet kurrenti u ta' tfaddil ma għandhomx jiġġeneraw kummissjoni għall-utenti sakemm dawn ma jkunux marbuta ma' servizzi speċifiċi;

136. Itenni t-tħassib tiegħu (kif espress fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Ġunju 2013 dwar l-akkomodazzjoni soċjali fl-Unjoni Ewropea ([1])) dwar id-definizzjoni restrittiva ta' "akkomodazzjoni soċjali" mogħtija mill-Kummissjoni fil-qasam tal-politika tal-kompetizzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiċċara din id-definizzjoni abbażi ta' skambju tal-aħjar prattika u esperjenza fost l-Istati Membri, filwaqt li tqis il-fatt li l-akkomodazzjoni soċjali hija kunċettwalizzata u ġestita b'modi differenti fi Stati Membri, reġjuni u komunitajiet lokali differenti;

([1]) ĠU C 65, 19.2.2016, p. 40.

137. Jiddispjaċih li l-Kummissjoni naqset milli tirreaġixxi malajr u b'mod deċiżiv għat-tentattivi minn xi Stati Membri biex jillimitaw il-kompetizzjoni ħielsa fis-settur tat-trasport; jitlob li dawn il-prattiki jiġu aboliti u li jittieħdu l-miżuri kollha possibbli biex jiġi ggarantit aċċess ugwali għas-suq uniku bl-istess kundizzjonijiet għall-entitajiet li joperaw f'dak is-settur mill-Istati Membri kollha;

138. Iqis li huwa importanti li tiġi ggarantita l-kompetizzjoni fis-suq intra-Ewropew fis-servizzi finanzjarji, inkluża l-assigurazzjoni, li jinvolvi l-protezzjoni tal-possibbiltà ta' xiri transfruntier;

139. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tippubblika l-konklużjonijiet tal-investigazzjonijiet attwali fil-prattiki kompetittivi fis-setturi tal-provvista tal-ikel, tal-enerġija, tat-trasport u tal-midja;

140. Jopponi l-obbligu li l-utenti jkunu bbażati fl-Istat Membru fejn l-istituzzjoni finanzjarja jew il-kumpanija tal-assigurazzjoni jkollha d-domiċilju tagħha għal finijiet ta' forniment tas-servizz, peress li dan mhuwiex kompatibbli mal-għan ta' suq intern fis-servizzi finanzjarji bl-imnut;

141. Jitlob investigazzjoni immedjata dwar it-tħassib marbut mal-kompetizzjoni fl-industrija tat-tlielaq tal-karozzi tal-Formula Wieħed;

142. Jistieden lill-Kummissjoni biex, fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika tal-kompetizzjoni, tqis il-fatt li l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju jikkositwixxu l-maġġoranza assoluta tal-kumpaniji fl-UE: jenfasizza, f'dan il-kuntest, il-ħtieġa ta' regoli sempliċi f'dak li għandu x'jaqsam mal-kompetizzjoni għan-negozji ż-żgħar li jkunu jixtiequ joperaw online u fil-livell transfruntier fis-suq uniku;

143. Ifakkar lill-Kummissjoni li, bl-istess mod, l-istituzzjonijiet finanzjarji għadhom qed jikkanċellaw il-karti ta' pagament jekk id-detentur jiċċaqlaq fi Stat Membru ieħor u jitlob li għandha tittieħed azzjoni f'dan ir-rigward, inkluż billi jiġu mwissija l-awtoritajiet nazzjonali;

144. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat aċċess għall-mediċini billi jiġu miġġielda l-abbużi fl-industrija farmaċewtika; jinnota l-ħtieġa li jitħeġġeġ l-użu tal-mediċini ġeneriċi, meta jkunu disponibbli, fis-sistemi tas-saħħa tal-Istati Membri;

145. Jenfasizza li l-aċċess għall-flus kontanti permezz tal-ATMs huwa servizz pubbliku essenzjali li għandu jiġi pprovdut mingħajr ebda prattika diskriminatorja, antikompetittiva jew inġusta u ma għandux, għalhekk, iġarrab spejjeż eċċessivi;

146. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu miġġielda l-boycotts kollettivi inġusti, definiti bħala sitwazzjoni li fiha grupp ta' kompetituri jaqblu li jeskludu kompetitur attwali jew potenzjali, bħala forma ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni mmirata lejn suġġett partikolari;

147. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-iskandli ta' "revolving door" li jinteressaw lill-awtoritajiet tal-UE, u b'mod partikolari l-każ tal-ex Kummissarju għall-Kompetizzjoni Neelie Kroes, li mhux biss se tagħmel pressjoni favur Uber iżda kienet anke involuta fil-Bahamas Leaks;

Lejn awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni aktar effikaċi fl-UE

148. Jilqa' l-infurzar deċentralizzat tar-regoli tal-UE dwar il-kompetizzjoni fl-Ewropa, iżda jqis li l-effikaċja tal-ħarsien taċ-ċittadini u l-kumpaniji minn prattiki antikompetittivi m'għandhiex tiddependi biss fuq l-Istat Membru li huma residenti fih; huwa tal-fehma li r-regolament dwar il-proċedura tal-kartelli (ir-Regolament (UE) Nru 1/2003) ikkontribwixxa ħafna biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi għan-negozji fis-suq intern kollu kemm hu; jenfasizza, madankollu, li għad hemm differenzi bejn is-sistemi nazzjonali u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni, b'mod partikolari rigward l-indipendenza, l-iffissar ta' multi u l-programmi ta' klemenza; huwa tal-fehma li dispożizzjonijiet proċedurali effikaċi u uniformi huma essenzjali biex tiġi infurzata l-liġi tal-UE dwar il-kartelli u tiġi ggarantita ċ-ċertezza legali għall-konsumaturi u n-negozji; jistieden lill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni fl-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-possibbiltajiet offruti mill-kooperazzjoni Ewropea fil-kuntest tan-Netwerk Ewropew għall-Kompetizzjoni (ECN);

It-Tlieta 14 ta' Frar 2017

149. Iqis li huwa essenzjali, għalhekk, li l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni fl-UE jkollhom il-mezzi u l-istrumenti li jeħtieġu biex jinfurzaw b'mod effikaċi r-regoli tal-UE dwar il-kompetizzjoni, inklużi l-għodod biex jidentifikaw, jindirizzaw u jissanzjonaw il-ksur u l-programmi ta' klemenza, li huwa fundamentali biex il-kumpaniji jiddikjaraw il-kartelli fl-Ewropa;

150. Itenni li l-indipendenza tal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni hija ta' importanza kbira, u li dan jinkludi l-assigurazzjoni li jkollhom ir-riżorsi li jeħtieġu biex iwettqu l-kompiti tagħhom;

151. Jilqa', b'rabta ma' dan, il-proċedura ta' konsultazzjoni mnedija mill-Kummissjoni, li x'aktarx twassal għal proposta leġiżlattiva dwar it-tisħiħ tal-għodod ta' infurzar u sanzjonar disponibbli għall-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni, l-ħekk imsejħa ECN+; itenni li l-infurzar min-naħa ta' diversi awtoritajeit fl-istess każijiet jew f'każijiet relatati joħloq riskju ta' duplikazzjoni u azzjoni potenzjalment inkonsistenti li tnaqqas iċ-ċertezza legali u toħloq spejjeż bla bżonn għan-negozji; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, tressaq proposta għal azzjoni proattiva tal-UE li tiżgura li l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni jinfurzaw ir-regoli b'mod aktar effikaċi u jaġixxu b'mod koerenti u konverġenti, sabiex ikun jista' jintlaħaq il-potenzjal sħiħ tas-sistema deċentralizzata tal-infurzar tal-kompetizzjoni tal-UE; jitlob li l-Parlament ikun involut bis-sħiħ fil-qafas tal-proċedura ta' kodeċiżjoni;

152. Jenfasizza li l-kooperazzjoni internazzjonali bejn l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni hija essenzjali f'dinja globalizzata; jappoġġja, għaldaqstant, il-parteċipazzjoni attiva tal-Kummissjoni u tal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni fin-Netwerk Internazzjonali dwar il-Kompetizzjoni; jistieden lill-Kummissjoni teżamina l-possibbiltà ta' aktar ftehimiet tal-kompetizzjoni ma' pajjiżi terzi li jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet investigattivi; jenfasizza li, f'dan ir-rigward, il-ftehimiet dwar il-kompetizzjoni diġà konklużi mal-Iżvizzera u l-Kanada jistgħu jservu bħala eżempju għal ftehimiet oħrajn ta' din ix-xorta; iqis ukoll li l-ftehimiet ta' kummerċ u investiment internazzjonali għandu jkollhom taqsima b'saħħitha dwar il-kompetizzjoni;

153. Jistieden lill-Kummissjoni biex, mingħajr ma tikkompromietti l-indipendenza tal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni, tivvaluta l-livelli differenti ta' sanzjonijiet nazzjonali għall-ksur fl-Istati Membri u tivvaluta l-possibbiltà u l-opportunità li ssir razzjonalizzazzjoni tad-differenzi;

154. Iqis li hu essenzjali li l-Kummissjoni tkompli tippromwovi kooperazzjoni aħjar fost l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni fl-UE;

155. Jenfasizza li l-indipendenza tad-DĠ Kompetizzjoni hija tal-akbar importanza biex ikun jista' jilħaq b'suċċess l-għanijiet tiegħu; jitlob mill-ġdid separazzjoni stretta bejn id-dipartimenti li jfasslu l-linji gwida u dawk li huma responsabbli biex japplikaw dawk il-linji gwida; jistieden lill-Kummissjoni tirrialloka riżorsi finanzjarji u umani suffiċjenti lid-DĠ Kompetizzjoni; jitlob li l-Kummissjoni jkollha biżżejjed iniġiniera b'ħiliet tekniċi meta tinvestiga kumpaniji b'teknoloġija avvanzata; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tallinja r-regoli etiċi għat-tim tal-ekonomista prinċipali tad-DĠ Kompetizzjoni mal-prattiki għall-uffiċjali l-oħra tal-Kummissjoni;

It-tisħiħ demokratiku tal-politika tal-kompetizzjoni

156. Jilqa' l-isforzi tas-Sa Vestager, il-Kummissarju attwali reponsabbli mill-kompetizzjoni, biex ikun hemm djalogu strutturat regolari mal-Parlament, b'mod partikolari mal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni; jitlob lill-Kummissjoni tagħti rispons aktar komprensiv dwar it-talbiet speċifiċi magħmula mir-rapport annwali tal-Parlament dwar il-kompetizzjoni; jemmen li djalogu strutturat dedikat jista' jikkontribwixxi għal proċess ta' segwitu aktar dettaljat fir-rigward tar-rapporti annwali rispettivi dwar il-kompetizzjoni;

157. Jilqa' l-inizjattivi tal-Kummissjoni għal konsultazzjoni pubblika fl-applikazzjoni tal-kontroll tal-fużjonijiet u jistedinha tiddiskuti r-riżultati mal-Parlament;

158. Jitlob estensjoni tad-djalogu bejn l-istituzzjonijiet Ewropej u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni, b'mod partikolari biex jiġu introdotti skambji ta' fehmiet mal-kumitati parlamentari tal-Parlament Ewropew;

159. Itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tinkorpora l-linji gwida dwar l-iffissar ta' multi f'dispożizzjonijiet legali vinkolanti;

Id-dimensjoni internazzjonali tal-politika tal-kompetizzjoni

160. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni hija impenjata favur skambju miftuħ u kostruttiv dwar kwistjonijiet ta' kompetizzjoni fil-livell globali; jilqa' l-progress li sar fuq id-dispożizzjonijiet dwar il-kompetizzjoni f'ċerti Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles (FTAs), iżda jħeġġeġ ukoll lill-Kummissjoni tkompli bil-ħidmna tagħha dwar l-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-kompetizzjoni u l-għajnuna mill-Istat fin-negozjati dwar l-FTAs kollha;

161. Jenfasizza li l-kompetizzjoni ġusta fil-qasam tal-kummerċ, is-servizzi u l-investiment għandha impatt pożittiv fuq l-iżvilupp soċjali u ekonomiku tal-Istati Membri u tas-sħab kummerċjali tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jiffinalizzaw malajr ħidmiethom b'rabta mal-modernizzazzjoni tal-istrumenti għad-difiża tan-negozju, li huma meħtieġa biex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta fis-suq tal-UE, u huwa tal-fehma li l-ftehimiet kummerċjali għandhom sistematikament jindirizzaw l-isfida ta' prattiki kummerċjali żleali minn pajjiżi terzi;

162. Jistieden lill-Kummissjoni taħdem flimkien mas-sħab kummerċjali bil-ħsieb li tiżgura li s-swieq tagħhom ikunu aktar miftuħa għall-kumpaniji tal-UE, b'mod partikolari rigward l-enerġija, it-trasport, it-telekomunikazzjoni, l-akkwist pubbliku u s-servizzi, inklużi s-servizzi pprovduti fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' professjonijiet regolati;

163. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi dispożizzjonijiet ambizzjużi dwar il-kompetizzjoni fil-ftehimiet kummerċjali kollha u twettaq monitoraġġ effettiv biex taċċerta jekk dawk id-dispożizzjonijiet humiex implimentati b'mod adegwat mill-partijiet għal dak li jirrigwarda r-regoli kollha, inkluż l-għoti ta' għajnuna mill-istat, u l-operaturi ekonomiċi kollha, inklużi intrapriżi proprjetà tal-istat;

164. Jenfasizza l-importanza li jingħata appoġġ lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-isforzi tagħhom biex jippromwovu u jimplimentaw regoli tal-kompetizzjoni fil-prattika;

165. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja l-isforzi biex tiġi stabbilita bażi ta' data komprensiva u faċli biex tintuża li fiha dispożizzjonijiet dwar il-kompetizzjoni miġbura minn ftehimiet ta' kummerċ ħieles, li tista' tkun immexxija mis-segretarjat tad-WTO;

166. Jilqa' l-progress li sar waqt il-Konferenza Ministerjali tad-WTO f'Nairobi dwar it-tnaqqis tas-sussidju fuq l-esportazzjoni, li għandu l-għan li jiżgura kompetizzjoni mingħajr distorsjonijiet fis-swieq internazzjonali għall-prodotti agrikoli; jenfasizza f'dan il-kuntest is-sensittività tas-settur agrikolu u l-ħtieġa li jittieħdu miżuri ċari u effettivi, inkluż fil-qafas tal-ftehimiet tad-WTO, biex b'hekk il-produtturi Ewropej ikunu jistgħu jibqgħu kompetittivi fis-swieq internazzjonali;

167. Itenni li l-aċċess ugwali għar-riżorsi naturali, inklużi sorsi tal-enerġija, għandu impatt fundamentali fuq kompetizzjoni ġusta u ugwali fis-suq globali u jistieden lill-Kummissjoni biex fil-ftehimiet kummerċjali tinkludi dispożizzjonijiet li jtejbu l-aċċess għal dawn ir-riżorsi, inklużi dispożizzjonijiet dwar prattiki ta' intrapriżi proprjetà tal-istat li jmorru kontra l-kompetizzjoni u dwar in-nondiskriminazzjoni u t-tranżitu;

168. Jenfasizza li politika tal-kompetizzjoni hija parti importanti tas-suq intern, kif previst fit-Trattat; itenni li hemm bżonn ta' suq uniku kompetittiv u li jiffunzjona sew biex tingħata spinta lit-tkabbir sostenibbli, lill-impjiegi u l-innovazzjoni fl-UE u li huwa fl-interess tal-konsumaturi, tal-istartups u tal-SMEs li jsiru sforzi biex titħares il-kompetizzjoni ġusta fl-UE kollha; jemmen li l-infurzar tal-leġiżlazzjoni Ewropea m'għandux jiddgħajjef minħabba l-użu tal-EU Pilot minflok proċeduri formali ta' ksur u jemmen li hu meħtieġ li tiġi mħarsa l-kompetizzjoni;

169. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex ma tikkonċentrax l-isforzi kollha tagħha sabiex tiżgura kompetizzjoni ġusta fuq każijiet ta' profil għoli kontra kumpaniji kbar magħrufa u prominenti; ifakkar lill-Kummissjoni li l-infurzar tal-kompetizzjoni ġusta hi wkoll importanti għall-SMEs;

It-Tlieta 14 ta' Frar 2017

170. Jitlob it-tisħiħ tal-libertà tal-għażla għall-konsumaturi; iqis li d-dritt għall-portabbiltà tad-data li tinsab fir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data jirrappreżenta approċċ tajjeb biex jissaħħu kemm id-drittijiet tal-konsumatur kif ukoll il-kompetizzjoni; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi eżaminat kif tista' tiġi żgurata l-interoperabbiltà bejn in-netwerks diġitali permezz ta' interfaces u standards miftuħa;

171. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina u tikkoreġi s-sitwazzjoni ta' bejjiegħa bl-imnut indipendenti, li d-dritt tal-kompetizzjoni jippermettilhom jaħdmu flimkien permezz tal-istabbilimenti tradizzjonali tagħhom, iżda li huma akkużati b'kompetizzjoni inġusta jekk jipprovdu offerti konġunti ta' kummerċ elettroniku;

172. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li r-regoli l-ġodda tal-UE dwar l-akkwist pubbliku jiġu implimentati f'waqthom, b'referenza partikolari għat-tnedija tal-akkwist elettroniku u d-dispożizzjonijiet il-ġodda li jinkoraġġixxu t-tqassim ta' kuntratti f'lottijiet, għaliex dan huwa essenzjali sabiex jitrawmu l-innovazzjoni u l-kompetizzjoni u jingħata appoġġ lill-SMEs fis-swieq tal-akkwist;

173. Jistieden lill-Kummissjoni tevita li jinħolqu monopolji jew ktajjen tal-valur magħluqa permezz tal-istandardizzazzjoni; jemmen li għandu jiġi introdott proċess ta' appell biex jirrieżamina l-istandards meta hemm possibbiltà li dawn iġorru riskju ta' impatt fuq il-kompetittività;

174. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-livell ta' konċentrazzjoni f'xi setturi, bħas-settur tal-kimika, fid-dawl ta' dawn l-aħħar fużjonijiet; jitlob lill-Kummissjoni tispjega kif hi tippermetti l-possibbiltà ta' dħul fis-suq, partikolarment minn startups; jitlob lill-Kummissjoni teżamina jekk is-saħħa ta' impriża fis-suq li hi riżultat ta' informazzjoni u data, u l-mod li bih tiġi trattata tali informazzjoni u data, kif ukoll l-għadd ta' utenti, għandhomx ikunu kkunsidrati fil-kriterji tat-test għall-kontroll tal-fużjoni; jitlob li jiġi meqjus jekk l-amalgamazzjoni ta' data u informazzjoni, partikolarment dwar il-konsumaturi, tistax twassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni;

175. Iqis il-kompetizzjoni fis-settur tat-telekomunikazzjoni bħala kruċjali biex tingħata spinta lill-innovazzjoni u l-investiment fin-netwerks, kif ukoll għall-għażla tas-servizzi għall-konsumaturi; iqis l-espansjoni rapida tal-broadband bħala element ewlieni biex ikun kompletat is-suq uniku diġitali; jilqa', f'dan il-kuntest, il-fatt li l-Kummissjoni se tikkunsidra l-objettivi strateġiċi ta' konnettività, kif stabbiliti fil-Pakkett tat-Telekomunikazzjoni, meta jiġu applikati l-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat għall-Broadband;

176. Jirreferi għall-aktar rapport reċenti tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar in-nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat fil-politika ta' koeżjoni, li juri livell sinifikanti ta' nuqqas ta' konformità u jitlob biex jiġu implimentati għadd ta' rakkomandazzjonijiet; jesprimi tħassib dwar dawn ir-riżultati, minħabba li huma ta' ħsara għal suq intern li jiffunzjona sew, u għalhekk, jitlob lill-Kummissjoni tqis ir-rakkomandazzjonijiet li saru mill-Qorti u żżid l-isforzi tagħha biex tevita aktar żbalji;

177. Jappoġġja l-azzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-infurzar kontra l-kartelli, bħal dak li seħħ reċentement fis-setturi tal-ikel bl-imnut u tad-diska riġida ottika, bil-ħsieb li jkunu garantiti prezzijiet ġusti għall-konsumaturi;

178. Jitlob lill-Kummissjoni teżamina jekk hemmx xi diskrepanzi fil-bejgħ ta' prodotti fis-suq uniku, li jista' jkollhom impatt negattiv fuq il-produtturi lokali, speċjalment l-SMEs;

179. Jinnota li, fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar ir-rapport annwali dwar il-politika tal-kompetizzjoni għall-2014, il-Parlament talab lill-Kummissjoni biex tissorvelja mill-qrib l-alleanzi bejn id-distributuri ewlenin fl-Ewropa, u jilqa' r-rieda tal-Kummissjoni li tiddiskuti l-impatt ta' tali alleanzi fuq il-produtturi u l-konsumaturi fin-Netwerk Ewropew għall-Kompetizzjoni;

o

o o

180. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-awtoritajiet nazzjonali u – fejn applikabbli – reġjonali, tal-kompetizzjoni.

It-Tlieta 14 ta' Frar 2017

P8_TA(2017)0028

Promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fis-saħħa mentali u r-riċerka klinika

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Frar 2017 dwar il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fir-riċerka dwar is-saħħa mentali u dik klinika (2016/2096(INI))

(2018/C 252/10)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 u l-Artikolu 168 tiegħu, li jistabbilixxi "livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem" fost l-objettivi tal-politiki kollha tal-UE,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari tal-Artikoli 21, 23 u 35 tagħha,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 536/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar il-provi kliniċi fuq prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, u li jħassar id-Direttiva 2001/20/KE,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2001/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' April 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li jirrelataw għall-implimentazzjoni ta' prattika korretta ta' klinika fit-twettiq ta' provi kliniċi fuq prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem ('id-Direttiva dwar il-Provi Kliniċi),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 intitolata "Ewropa 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" (COM(2010)2020),

— wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni bit-titlu 'It-titjib tas-saħħa mentali tal-popolazzjoni – Lejn strateġija għall-Unjoni Ewropea dwar is-saħħa mentali', (COM(2005)0484),

— wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-UE dwar is-saħħa u l-benesseri mentali,

— wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni Komprensiv tas-Saħħa Mentali 2013-2020 tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO),

— wara li kkunsidra l-Istrateġija Globali tad-WHO tas-Saħħa tan-Nisa, tat-Tfal u tal-Adoloxxenti 2016–2030,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tas-Saħħa Mentali għall-Ewropa tal-2005, iffirmata mid-WHO, il-Kummissjoni u l-Kunsill tal-Ewropa,

— wara li kkunsidra li l-Pjan ta' Azzjoni Ewropew tad-WHO għas-Saħħa Mentali, 2013-2020,

— wara li kkunsidra l-Patt Ewropew għas-Saħħa u l-Benesseri Mentali tal-2008,

— wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kummissjoni dwar is-Saħħa u l-Benesseri Mentali (2013-2016),

— wara li kkunsidra l-Kumment Ġenerali Nru 14 tal-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, "The right to the highest attainable standard of health" (Id-Dritt għall-Ogħla Standard Possibbli tas-Saħħa), (Dok. NU E/C.12/2000/4) u l-Kumment Ġenerali Nru 20 dwar "Non-discrimination in economic, social and cultural rights" (In-nondiskriminazzjoni fid-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali) (Dok. NU E/C.12/GC/2009),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2010)5 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa lill-Istati Membri dwar miżuri għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni abbażi ta' orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru,

It-Tlieta 14 ta' Frar 2017

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A8-0380/2016),

A. billi d-dritt għall-ogħla standard possibbli ta' saħħa fiżika u mentali huwa dritt fundamentali tal-bniedem u jinkludi obbligu ta' nondiskriminazzjoni; filwaqt li kulħadd għandu jkollu aċċess għall-kura tas-saħħa; billi l-aċċess għall-kura tas-saħħa mentali huwa kwistjoni ta' importanza kruċjali bl-għan li tittejjeb il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini Ewropej, titkattar l-inklużjoni soċjali u jiġi żgurat l-iżvilupp ekonomiku u kulturali fl-Unjoni;

B. billi f'kuntest globali kkaratterizzat minn kriżi ekonomika attwali u żieda qawwija fil-qgħad, b'mod partikolari fost iż-żgħażagħ u n-nisa, l-inċidenza ta' problemi ta' saħħa mentali bħad-depressjoni, disturbi bipolari, l-iskiżofrenja, l-ansjetà u d-dimenzja qed tiżdied b'mod kostanti;

C. billi d-WHO tiddefinixxi s-saħħa mentali bħala benesseri fiżiku, mentali u soċjali, u mhux biss in-nuqqas ta' mard jew ta' infermità; billi skont id-WHO, "disturbi mentali" tfisser firxa ta' disturbi mentali u ta' mġiba, bħalma hi d-depressjoni, disturb affettiv bipolari, l-iskiżofrenja, disturbi ta' ansjetà, id-demenzja u l-awtiżmu; billi d-WHO tiddefinixxi s-saħħa mentali bħala stat ta' benesseri emozzjonali u psikoloġiku li fih individwu jkun jista' juża l-kapaċitajiet konjittivi u emozzjonali tiegħu, jaħdem fis-soċjetà, jissodisfa d-domandi normali tal-ħajja ta' kuljum, jistabbilixxi relazzjonijiet sodisfaċenti u maturi ma' oħrajn, jagħti kontribut kostruttiv għall-bidla soċjali u jadatta għal kundizzjonijiet esterni u kunflitti interni;

D. billi s-saħħa mentali trid titqies u tiġi indirizzata b'mod olistiku, billi jittieħed kont ta' fatturi soċjali, ekonomiċi, u ambjentali, u teħtieġ approċċ psikosoċjali mis-soċjetà kollha sabiex jintlaħaq l-ogħla livell possibbli ta' benesseri mentali għaċ-ċittadini kollha;

E. billi strateġija olistika dwar is-saħħa u l-benesseri mentali trid tinkludi perspettiva taċ-ċiklu tal-ħajja, filwaqt li jitqiesu diversi fatturi li jaffettwaw lil persuni ta' etajiet differenti; billi għandhom jitqiesu l-vulnerabbiltajiet speċifiċi ta' tfajliet u nisa ikbar fl-età;

F. billi s-saħħa fiżika u dik mentali huma interkonnessi, u t-tnejn huma ċentrali għall-benesseri ġenerali; billi huwa rikonoxxut li n-nuqqas ta' saħħa mentali saħħa mentali ħażina jista' jwassal għal kundizzjonijiet fiżiċi kroniċi u li dawk b'kundizzjonijiet fiżiċi kroniċi għandhom aktar ċans li jiżviluppaw kondizzjonijiet ta' saħħa mentali; billi minkejja rabtiet magħrufa bejn it-tnejn, ir-riċerka dwar is-saħħa fiżika ta' spiss hija prijorità fuq dik dwar is-saħħa mentali;

G. billi s-saħħa mentali tan-nisa u l-bniet tiġi affettwata ħażin minn għadd ta' fatturi, inklużi l-istereotipi u d-diskriminazzjoni prevalenti tas-sessi, l-oġġettifikazzjoni, il-vjolenza u l-fastidju abbażi tal-ġeneru, l-ambjent tax-xogħol, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, il-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi, in-nuqqas jew kwalità fqira ta' edukazzjoni dwar is-saħħa mentali, u aċċess limitat għal kura tas-saħħa mentali;

H. billi kważi 9 minn kull 10 persuni li jsofru minn problemi ta' saħħa mentali jgħidu li ġew affettwati minn stigma u diskriminazzjoni, u aktar minn 7 minn 10 jirrappurtaw li l-istigma u d-diskriminazzjoni jnaqqsu l-kwalità tal-ħajja tagħhom;

I. billi trid tingħata attenzjoni lil fatturi ġeografiċi tas-saħħa u l-benesseri mentali u lid-differenzi bejn l-ambjenti urbani u dawk rurali, fost oħrajn f'termini ta' demografija, aċċess għall-kura u l-provvista tas-servizz;

J. billi t-tibdil ormonali matul il-perimenopawża, u ż-żmien wara l-menopawża, jista' jaffettwa s-saħħa emozzjonali tan-nisa u jwassal għal problemi ta' saħħa mentali, inkluża d-depressjoni u l-ansjetà; billi l-ipersensittività għal sintomi tista' xxekkel l-iskoperta f'waqtha u trattament xieraq;

K. billi fatturi determinanti tas-saħħa u l-benesseri mentali jvarjaw bejn l-irġiel u n-nisa u bejn gruppi ta' età. billi fatturi li jinkludu l-inugwaljanza bejn is-sessi, id-differenzi fid-dħul, l-esponiment ikbar tan-nisa għall-faqar u wisq xogħol, id-diskriminazzjoni soċjoekonomika, il-vjolenza bbażata fuq il-ġeneru, il-malnutrizzjoni u l-ġuħ tesponi lin-nisa għal aktar problemi ta' saħħa mentali; billi skont id-WHO, m'hemm l-ebda differenza sinifikanti bejn is-sessi fil-każ ta' disturbi mentali serji iżda n-nisa għandhom rati ogħla ta' depressjoni, ansjetà, stress, somatizzazzjoni u disturbi alimentari, filwaqt li l-irġiel għandhom rati ogħla ta' abbuż mid-droga u l-mard antisoċjali; billi d-depressjoni tirrappreżenta d-disturb newropsikjatriku l-aktar komuni u x'aktarx li taffettwa lin-nisa iktar milli lill-irġiel; billi hija wkoll l-aktar marda komuni fost in-nisa ta' bejn il-15 u l-44 sena;

L. billi l-kundizzjonijiet tas-saħħa u l-benesseri mentali huma spiss injorati jew imrażżna, minħabba l-istigma, il-preġudizzju jew in-nuqqas ta' sensibilizzazzjoni jew riżorsi; billi dan iwassal biex ħafna minn dawk li għandhom kundizzjonijiet tas-saħħa mentali ma jitolbux il-kura, u biex it-tobba jonqsu milli jagħmlu dijanjożi tal-marda tal-pazjent, jew xi drabi jagħmlu dijanjożi ħażina; billi d-dijanjożi ta' kondizzjonijiet ta' saħħa mentali hija ferm imqassma skont il-ġeneru, fejn in-nisa huma iktar suxxettibbli li jiġu dijanjostikati b'ċerti kundizzjonijiet mill-irġiel;

M. billi b'mod partikolari n-nisa lesbjani u bisesswali, kif ukoll il-persuni transġeneru u intersesswali, jiffaċċjaw problemi ta' saħħa mentali speċifiċi kkawżati minn stress ta' minoranzi, definiti bħala livelli għoljin ta' stress u ansjetà minħabba preġudizzju, stigmatizzazzjoni u esperjenza ta' diskriminazzjoni, kif ukoll il-medikalizzazzjoni u l-patoloġizzazzjoni; billi l-persuni LGBTI jistgħu jħabbtu wiċċhom ma' sfidi speċifiċi ta' saħħa u benesseri mentali li għandhom jitqiesu f'kull strateġija dwar is-saħħa mentali;

N. billi l-forom ta' somatizzazzjoni l-aktar frekwenti fost in-nisa u aktarx li jinsabu fid-dijanjożi fin-nisa iktar milli fl-irġiel jinkludu l-fibromjalġija u l-għeja kronika, fejn is-sintomi ewlenin huma l-uġigħ u l-eżawriment, għalkemm in-nisa għandhom ħafna sintomi oħrajn li huma komuni għal mard ieħor;

O. billi l-identitajiet transġeneru mhumiex patoloġiċi, imma sfortunatament għadhom jitqiesu bħala disturbi tas-saħħa mentali, u l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jitolbu tali dijanjożi għall-aċċess għal rikonoxximent legali tal-ġeneru jew għal kura tas-saħħa marbuta mat-transġeneru, għalkemm ir-riċerka wriet li d-dijanjożi ta' "disturb tal-identità tal-ġeneru" hija sors ta' diffikultà sinifikanti għal persuni transġeneru;

P. billi l-mard relatat mad-depressjoni jammonta għal 41,9 % tal-każijiet kollha ta' diżabilità li tirriżulta minn mard newropsikjatriku fost in-nisa, meta mqabbla ma' 29,3 % fost l-irġiel;

Q. billi d-WHO kkalkulat li d-depressjoni taffettwa 350 miljun ruħ; billi sal-2020 din il-marda se tkun it-tieni l-akbar kawża ta' inkapaċità għax-xogħol;

R. billi t-tfal fil-fażi qabel il-pubertà għadhom soġġetti għal prattiki dijanjostiċi żejda u li jagħmlu l-ħsara, filwaqt li kull tifel jew tifla għandhom ikunu jistgħu jesploraw b'mod sikur l-identità u l-espressjoni tal-ġeneru tagħhom;

S. billi, minħabba diversi fatturi, prinċipalment dwar ir-rwoli tas-sessi differenti u l-inugwaljanzi bejn is-sessi u d-diskriminazzjoni, id-depressjoni hija bejn wieħed u ieħor darbtejn aktar prevalenti fost in-nisa milli fost l-irġiel, u persuni transġeneru b'mod sinifikanti juru livelli għoljin ta' ħsibijiet u tentattivi ta' suwiċidju; billi l-istudji juru li r-rwoli tradizzjonali tas-sessi imposti jaffettwaw b'mod negattiv is-saħħa u l-benesseri mentali tan-nisa;

T. billi ma tingħatax biżżejjed attenzjoni lis-saħħa u l-benesseri mentali fis-sistemi edukattivi fl-Istati Membri, jew fuq il-post tax-xogħol, minħabba li s-saħħa mentali ta' spiss hija stigmatizzata ħafna jew tabù; billi l-edukazzjoni dwar is-saħħa mentali tiġġieled l-istigma dwar is-suġġett, u għandha tindirizza vulnerabbiltajiet speċifiċi għall-ġeneru, l-istereotipi tas-sessi u d-diskriminazzjoni li jiffaċċaw in-nisa u l-bniet;

It-Tlieta 14 ta' Frar 2017

U. billi l-irġiel u s-subien jesperjenzaw kundizzjonijiet tas-saħħa mentali bbażati fuq il-ġeneru; billi fl-Ewropa, huwa 5 darbiet iktar possibbli li l-irġiel iwettqu suwiċidju minn nisa u s-suwiċidju huwa l-akbar kawża ta' mewt tal-irġiel ta' anqas minn 35 sena; billi hemm probabbiltà ta' 3 darbiet aktar li l-irġiel isiru dipendenti fuq ix-xorb min-nisa u huma iktar suxxettibbli għall-użu ta' (u l-mewt minn użu ta') drogi illegali; billi huwa inqas probabbli li l-irġiel ikollhom aċċess għal terapiji psikoloġiċi min-nisa; billi l-irġiel u s-subien jiffaċċaw l-istereotipi tas-sessi tal-maskulinità li jistgħu jinkoraġġixxu r-repressjoni tal-emozzjonijiet jew li jirrikorru għal rabja, u dawn għandhom impatt fuq is-saħħa mentali tal-irġiel, kif ukoll fuq il-fenomenu tal-vjolenza sessista;

V. billi hemm madwar 58 000 suwiċidju fis-sena fl-UE u kwart ta' dawk li jwettqu suwiċidju huma nisa, u billi s-suwiċidju għadu kawża ewlenija ta' mewt;

W. billi approċċ psikosoċjali mis-soċjetà kollha għas-saħħa mentali jeħtieġ koerenza politika għall-benesseri, il-koordinazzjoni tal-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, l-impjieg, il-politiki ekonomiċi u soċjali bl-għan li jinkisbu l-oġħla livelli ġenerali ta' benesseri mentali;

X. billi d-disturbi tal-alimentazzjoni bħall-anoressija u l-bulimja qed jiżdiedu fost l-adolexxenti u l-bniet postadolexxenti;

Y. billi l-effetti fit-tul fuq is-saħħa fiżika u mentali ta' disturbi assoċjati mad-dieta bħall-anoressija u l-bulimja ġew dokumentati sew, kif ukoll id-dimensjoni tal-ġeneru tal-kawżi tagħhom;

Z. billi fuq il-post tax-xogħol, in-nisa huma aktar esposti għal fastidju psikoloġiku u/jew sesswali, li jikkawża problemi psikofiżiċi fost dawk soġġetti għalih;

AA. billi mudelli tal-kura soċjali li jindirizzaw il-mard mentali permezz tal-isport, l-arti, jew attivitajiet soċjali għandhom jiġu kkunsidrati fil-programmi dwar is-saħħa pubblika fir-rigward tal-prevenzjoni, it-trattament u r-riabilitazzjoni;

AB. billi l-persuni b'diżabilità jirriskjaw li jbatu minn kundizzjonijiet tas-saħħa mentali aggravati;

AC. billi l-edukazzjoni dwar is-sess u r-relazzjonijiet hija kruċjali biex jingħelbu l-istereotipi tas-sessi, tiġi indirizzata l-vjolenza sessista, u jittejbu s-saħħa u l-benesseri mentali kemm għall-bniet u s-subien kif ukoll għan-nisa u l-irġiel;

AD. billi l-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali u l-mard huma waħda mill-kawżi prinċipali ta' inkapaċità, jaffettwaw b'mod negattiv is-saħħa, l-edukazzjoni, l-ekonomija, is-suq tax-xogħol u s-sistemi soċjali tal-UE, li jikkawżaw spejjeż ekonomiċi fuq skala kbira u impatt negattiv sinifikanti fuq l-ekonomija tal-UE, filwaqt li jagħtu aktar impetu lill-ħtieġa li tiġi indirizzata l-kura tas-saħħa mentali b'mod olistiku, komprensiv, u b'mod sensittiv għall-ġeneru; billi, skont studju li twettaq mill-Assoċjazzjoni Ewropea tad-Depressjoni (EDA), wieħed minn kull 10 ħaddiema fl-UE ħa l-leave mix-xogħol minħabba d-depressjoni, li kien jiswa madwar EUR 92 biljun għas-soċjetà, l-aktar minħabba telf fil-produttività;

AE. billi lil hinn mill-karatteristiċi bijoloġiċi, is-saħħa mentali tan-nisa tiddependi minn fatturi bħall-edukazzjoni li ngħataw, sa fejn dawn ikunu internalizzaw valuri, normi u stereotipi soċjali u kulturali, il-mod li bih għexu u assimilaw l-esperjenzi tagħhom, l-attitudnijiet li għandhom għalihom infushom u għall-oħrajn, ir-rwoli li jkollhom, kif ukoll l-ostakoli u l-pressjonijiet li jiffaċċaw;

AF. billi l-kunsiderazzojni tad-diversità tan-nisa u d-distinzjoni fiżjoloġika tagħhom mill-irġiel, filwaqt li dawn il-fatturi jiġu inkorporati f'politiki tas-saħħa orjentati lejn it-trattament kif ukoll lejn il-prevenzjoni li jkunu indirizzati lejn in-nisa, b'miżuri speċifiċi mmirati lejn gruppi vulnerabbli u marġinalizzati, issaħħaħ l-effettività ta' dawk il-politiki;

AG. billi għal diversi raġunijiet is-suġġetti ta' sess femminili kienu esklużi mir-riċerka tossikoloġika u bijomedika u minn provi kliniċi, u billi differenzi bejn is-sessi fir-riċerka jillimitaw kemm aħna nafu dwar id-differenza bejn is-saħħa tan-nisa u tal-irġiel; billi, bħala riżultat, ir-riċerka bijomedika kellha t-tendenza li tirrifletti b'mod predominanti perspettiva maskili, li tassumi, bi żball, li n-nisa u l-irġiel huma identiċi f'oqsma fejn jeżistu differenzi fiżjoloġiċi; billi hemm nuqqas ta' riċerka dwar il-ħtiġijiet speċifiċi ta' nisa intersesswali;

AH. billi l-esklużjoni u s-sottorappreżentanza tan-nisa bħala suġġetti, u tal-ġeneru u s-sess bħala fatturi fir-riċerka bijomedika u provi kliniċi qiegħdu l-ħajja u s-saħħa tan-nisa f'riskju;

AI. billi r-Regolament (UE) Nru 536/2014 dwar provi kliniċi ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem introduċa rekwiżiti biex jitqies il-ġeneru fil-provi, iżda hemm bżonn li l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament tiġi evalwata; billi r-Regolament ma jispeċifikax xi kunsiderazzjonijiet rigward in-nisa għajr għal nisa tqal u li qed ireddgħu;

AJ. billi strateġiji speċifiċi biex jimplimentaw il-linji gwida għall-istudju u l-evalwazzjoni tad-differenzi bejn is-sessi fl-evalwazzjoni klinika tad-drogi ma ġewx żviluppati mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMEA), minkejja l-fatt li rrikonoxxiet li "ċerti fatturi li jinfluwenzaw l-effett ta' mediċina fil-popolazzjoni jistgħu jkunu importanti meta wieħed iqis id-differenzi fil-potenzjal fir-risposti bejn l-irġiel u n-nisa" u li "l-influwenzi speċifiċi għall-ġeneru jista' jkollhom ukoll rwol sinifikanti fl-effett tad-drogi" ([1]);

AK. billi l-impatti ta' tali drogi jew mediċini bħala mezzi kontraċettivi, antidepressanti u kalmanti fuq is-saħħa fiżika u mentali tan-nisa għadhom mhux mifhuma sew, u jeħtieġu aktar riċerka bl-għan li jiġu eliminati effetti sekondarji ta' ħsara u titjib tal-għoti tal-kura;

AL. billi d-dimensjonijiet tas-sess u tal-ġeneru tas-saħħa jimplikaw li n-nisa jiffaċċjaw għadd ta' riskji speċifiċi għas-saħħa matul ħajjithom;

AM. billi hemm nuqqas ta' data komparabbli dwar kura tas-saħħa speċifika għall-persuni transġeneru disponibbli, aċċessibbli u ta' kwalità, u l-prodotti użati f'terapija ormonali sostituttivi ma jiġux ittestjati u liċenzjati sew;

AN. billi l-imwiet marbuta mal-maternità huma meqjusa bħala indikatur ewlieni tal-prestazzjoni, l-effiċjenza u l-kwalità tas-sistemi tas-saħħa;

AO. billi n-nuqqas ta' aċċess għal drittijiet sesswali u riproduttivi, inklużi servizzi ta' abort sikuri u legali, jipperikola l-ħajja u s-saħħa tan-nisa u l-bniet u l-persuni kollha b'kapaċità riproduttiva, iżid l-imwiet u l-morbożità marbuta mal-maternità, u jwassal għal ċaħda ta' kura li ssalva l-ħajja u għal żieda fl-għadd ta' aborti klandestini;

AP. billi fil-pajjiżi kollha fejn hemm data disponibbli, jeżistu differenzi sinifikanti fis-saħħa bejn il-gruppi soċjoekonomiċi u bejn in-nisa u l-irġiel, fis-sens li nies b'livelli baxxi ta' edukazzjoni, impjieg u/jew dħul għandhom tendenza li jkollhom rati ogħla ta' morbożità u mortalità b'mod sistematiku; billi dawn l-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa llum il-ġurnata huma waħda mill-isfidi ewlenin fil-politiki tas-saħħa pubblika; billi l-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi negattivi, il-faqar u l-esklużjoni soċjali għandhom impatt negattiv sinifikanti fuq is-saħħa u l-benesseri mentali;

AQ. billi edukazzjoni sesswali komprensiva, adattata għall-età, ibbażata fuq l-evidenza, xjentifikament preċiża u ħielsa minn kull ġudizzju, servizzi ta' ppjanar tal-familja ta' kwalità u aċċess għall-kontraċezzjoni jgħinu fil-prevenzjoni ta' tqaliet mhux intenzjonati u mhux mixtieqa, inaqqsu l-bżonn għall-abort, u jikkontribwixxu għall-prevenzjoni tal-HIV u l-STIs; billi t-tagħlim biex iż-żgħażagħ jieħdu responsabbiltà għas-saħħa sesswali u riproduttiva tagħhom stess għandu effetti pożittivi fuq medda twila ta' żmien, li jdumu matul ħajjithom kollha u għandhom impatt pożittiv fuq is-soċjetà;

([1]) EMEA/CHMP/3916/2005 – ICH http://www.ema.europa.eu/docs/en_GB/document_library/Scientific_guideline/2010/01/WC500059887.pdf

It-Tlieta 14 ta' Frar 2017

AR. billi tarbija waħda minn kull erbgħa fl-UE titwieled b'ċesarja u, statistikament, il-problemi tas-saħħa mistennija għall-ommijiet u t-tfal qed jiżdiedu;

AS. billi diġà hemm nuqqasijiet ta' provvista perikoluży f'ċerti Stati Membri minħabba l-għeluq ta' sptarijiet tal-maternità u t-tnaqqis konsiderevoli fl-għadd ta' qwiebel u l-ostetriċi;

AT. billi r-restrizzjonijiet u t-tnaqqis fil-baġit imposti mill-gvernijiet nazzjonali fil-qasam tas-saħħa pubblika u l-edukazzjoni wkoll jagħmlu l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa u tas-saħħa mentali aktar diffiċli u dan għandu impatt sproporzjonat fuq in-nisa, speċjalment l-ommijiet waħedhom u familji kbar;

AU. billi l-migranti, ir-rifuġjati u dawk li jfittxu l-asil ta' sess femminili jistgħu wkoll ibatu minn kundizzjonijiet mediċi serji ħafna bħala riżultat ta' nuqqas ta' trattament xieraq jew minħabba li jiffaċċaw problemi speċifiċi relatati mas-saħħa riproduttiva, bħal kumplikazzjonijiet fit-tqala u fit-twelid u trawma psikoloġika addizzjonali potenzjali bħal depressjoni qabel u wara t-twelid, kif ukoll ir-riskju ta' esponiment trawmatiku għal, jew il-konsegwenzi ta', vjolenza u abbuż (sesswali), u riskji speċifiċi għas-saħħa u l-benesseri mentali tagħhom; billi hemm diversi sfidi speċifiċi fil-provvista tal-kura tas-saħħa mentali għal dawn il-kategoriji, li l-kobor tagħhom ivarja skont għadd ta' fatturi, inkluż minn fejn ikunu ġejjin il-persuni u l-ammont ta' żmien li jqattgħu fil-pajjiż ospitanti;

AV. billi n-nisa jbatu minn ċerti forom ta' kanċer tal-utru, tas-sider u l-kanċer ċervikali li jeżistu l-iktar fost jew huma esklussivi għan-nisa;

AW. billi n-nisa milquta mill-kanċer li ġew operati u ngħataw trattamenti invażivi bħalma huma r-radjoterapija u l-kimoterapija b'mod ġenerali huma iktar suxxettibbli għad-dipressjoni;

AX. billi għaxar Stati Membri tal-UE iffissaw il-mira tal-iskrinjar 100 % tal-popolazzjoni femminili għall-kanċer tas-sider, u filwaqt li tmienja għandhom mira ta' dan it-tip għall-iskrinjar tal-kanċer ċervikali;

AY. billi l-mard bħall-osteoporożi, il-problemi muskoloskeletali u l-mard tas-sistema nervuża ċentrali bħalma huma l-marda ta' Alzheimer u/jew tad-dimenzja huma marbuta ma' bidliet ormonali li n-nisa jesperjenzaw fi żmien il-menopawża, jew qabel minħabba trattamenti ormonali; billi, għalkemm hu magħruf li n-nisa huma milquta minn dan il-mard bi frekwenza ogħla mill-irġiel, id-dimensjoni tal-ġeneru fir-riċerka dwar kwistjonijiet bħal dawn hija dgħajfa;

AZ. billi l-endomitrijożi hija marda bla fejqan li taffettwa madwar waħda minn kull għaxar nisa u bniet (jiġifieri madwar 180 miljun mara madwar id-dinja u 15-il miljun fl-UE); billi ħafna drabi din il-marda twassal għall-infertilità u ta' spiss tikkawża livelli għoljin ta' wġigħ u problemi ta' saħħa mentali, biex b'hekk toħloq inkapaċità kbira għal diversi aspetti tax-xogħol u tal-ħajja personali u soċjali;

BA. billi l-vjolenza fiżika u psikoloġika bbażata fuq il-ġeneru u l-vjolenza kontra n-nisa u l-impatt tagħhom fuq is-saħħa tal-vittma jikkostitwixxu ostaklu fundamentali għall-kisba tal-ugwaljanza bejn is-sessi u fuq it-tgawdija sħiħa min-nisa tal-libertajiet garantiti mid-drittijiet fundamentali tal-bniedem;

BB. billi n-nisa u l-bniet li huma vittmi ta' mutilazzjoni ġenitali femminili huma esposti għall-effetti serji fuq żmien qasir u fit-tul fuq is-saħħa fiżika, psikoloġika, sesswali u tas-saħħa riproduttiva;

BC. billi l-persuni intersesswali suġġetti għall-mutilazzjoni ġenitali jesperjenzaw ukoll effetti fuq is-saħħa fiżika, psikoloġika, sesswali u riproduttiva;

BD. billi l-persuni transġeneru għadhom esposti għal sterilizzazzjoni furzata fi proċeduri għar-rikonoxximent tal-ġeneru fi 13-il Stat Membru;

BE. billi l-ġbir tad-data sistematiku u adegwat dwar il-vjolenza kontra n-nisa huwa kruċjali biex jiġi żgurat tfassil ta' politika effettiv fil-qasam, kemm fil-livell ċentrali kif ukoll fil-livelli reġjonali u lokali, u biex tiġi monitorjata l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni;

BF. billi n-nisa vittmi ta' vjolenza sessista jbatu l-konsegwenzi, ħafna drabi għall-ħajja, fis-saħħa fiżika u mentali tagħhom; billi, skont ir-Rapport tad-WHO dwar il-Vjolenza u s-Saħħa ([1]), ir-riperkussjonijiet tal-vjolenza sessista fuq in-nisa jistgħu jieħdu diversi forom: l-effetti fiżiċi (tbenġil, ksur, uġigħ kroniku, diżabilità, tal-fibromjalġija, problemi diġestivi, eċċ.); l-effetti psikoloġiċi u ta' mġiba (l-abbuż mix-xorb u d-droga, id-depressjoni u l-ansjetà, disturbi tal-alimentazzjoni u tal-irqad, sentimenti ta' ħtija u mistħija, fobiji u attakki ta' paniku, stima personali baxxa, disturb ta' stress posttrawmatiku, disturbi psikosomatiċi, imġiba suwiċidali u awtodistruttiva, in-nuqqas ta' sigurtà f'relazzjonijiet aktar tard fil-ħajja, eċċ.); effetti riproduttivi u sesswali: disturbi ġinekoloġiċi, infertilità, kumplikazzjonijiet waqt it-tqala, korrimenti ta' tqala, disfunzjoni sesswali, mard trażmess sesswalment, tqala mhux mixtieqa, eċċ.); u effetti fatali (qtil, suwiċidju, mewt minn mard trażmess sesswalment, eċċ);

L-ugwaljanza bejn is-sessi fis-saħħa mentali

1. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsegwu l-Azzjoni Konġunta tal-UE dwar is-saħħa u l-benesseri mentali bi strateġija ambizzjuża ġdida dwar is-saħħa mentali, il-promozzjoni ta' approċċ psikosoċjali olistiku mis-soċjetà kollha, li jinkludi aspett tal-ġeneru b'saħħtu u jiżgura l-koerenza tal-politika dwar is-saħħa mentali;

2. Jinnota li fl-UE 27 % tal-popolazzjoni adulta, kemm tal-irġiel kif ukoll tan-nisa, ġarrbu mill-inqas episodju wieħed ta' mard mentali;

3. Jistieden lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri u jallokaw riżorsi suffiċjenti biex jiżguraw aċċess għall-kura tas-saħħa u b'mod speċifiku għas-servizzi tas-saħħa mentali – inklużi rifuġju għan-nisa – għan-nisa kollha, indipendentement mill-istatus legali jew ta' diżabilità, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru, il-karatteristiċi tas-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, l-età jew ir-reliġjon tagħhom; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jindirizzaw l-inugwaljanza fl-aċċess għal servizzi tal-kura tas-saħħa mentali;

4. Jinnota li hemm bżonn ta' aktar riċerka dwar l-impatt fuq is-saħħa mentali ta' vjolenza sessista, inklużi l-vjolenza bil-fomm u dik psikoloġika, il-fastidju u l-intimidazzjoni;

5. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali sabiex jiżguraw li l-istrateġiji tas-saħħa mentali tagħhom jindirizzaw l-isfidi tas-saħħa mentali li jistgħu jiġu ffaċċati mill-persuni LGBTI; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fid-dokument CM/Rec(2010)5 tal-Kunsill tal-Ewropa, u biex iqisu l-ħtiġijiet speċifiċi ta' persuni lesbjani u bisesswali u transġeneru meta jiżviluppaw politiki, programmi u protokolli tas-saħħa;

6. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu t-twaqqif ta' ċentri ta' appoġġ psikoloġiku għall-pazjenti bil-kanċer sabiex jipprovdulhom appoġġ psikoloġiku matul il-proċess ta' trattament u riabilitazzjoni;

7. Jiġbed l-attenzjoni lejn is-sitwazzjoni serja li jħabbtu wiċċhom magħhom in-nisa b'diżabilità, li spiss huma f'riskju ta' diffikultajiet li huma direttament relatati mhux biss mad-diżabilitajiet tagħhom, iżda wkoll ma' żieda fl-iżolament soċjali u fl-inattività involontarja; jistieden lill-Istati Membri biex sistematikament iżidu l-aċċessibbiltà ta' kura psikoloġika preventiva għan-nisa b'diżabilitajiet, u biex jipprovdu appoġġ psikoloġiku għal nisa li jieħdu ħsieb tfal b'diżabilità serja; jenfasizza l-ħtieġa għal strateġija u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki dwar is-saħħa u l-benesseri mentali tan-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet;

8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jippromwovu kampanji ta' informazzjoni u ta' prevenzjoni u inizjattivi oħra biex iqajmu kuxjenza pubblika dwar il-problemi tas-saħħa mentali u biex tingħeleb l-istigma; iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jinvestu fl-edukazzjoni formali, informali u nonformali għas-saħħa u l-benesseri mentali għall-gruppi tal-età kollha, b'enfasi fuq il-kondizzjonijiet ta' saħħa mentali sensittivi għall-ġeneru bħad-depressjoni, l-ansjetà jew l-użu ta' drogi; jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-iskejjel ikollhom oqfsa xierqa biex jidentifikaw u jgħinu lil dawk li jbatu minn problemi bis-saħħa mentali, inklużi l-aspetti tal-ġeneru, u biex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà ta' servizzi tas-saħħa mentali; jinnota li 70 % tat-tfal u ż-żgħażagħ li jesperjenzaw xi problema tas-saħħa mentali ma ngħatawx intervent adegwat f'età bikrija biżżejjed;

([1]) Krug, Dahlberg, Mercy, Zwi u Lozano, 2002.

It-Tlieta 14 ta' Frar 2017

9. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) biex iżidu l-ġbir regolari ta' data dwar is-saħħa mentali fuq livell tal-UE u nazzjonali, u b'mod partikolari dwar il-prevalenza tad-depressjoni, u billi d-data miġbura tkun tal-anqas maqsuma skont is-sess, il-ġeneru, l-età u l-istatus soċjoekonomiku u tinkludi indikaturi tas-saħħa sesswali u riproduttiva;

10. Jemmen li l-azzjoni meħuda fil-livell tal-UE dwar is-saħħa u l-benesseri mentali jenħtieġ li tinvolvi personalitajiet politiċi, tas-saħħa, tal-edukazzjoni u soċjali, flimkien mas-shab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; iqis li huwa essenzjali li s-saħħa mentali ma tibqax tabù f'ċerti ambjenti soċjali;

11. Jinsisti li r-rabta bejn kundizzjonijiet soċjoekonomiċi, is-saħħa u l-benesseri mentali hi kruċjali għall-koerenza tal-politiki dwar is-saħħa mentali, peress li l-faqar u l-esklużjoni soċjali jwasslu għal aktar problemi ta' saħħa mentali; jinnota li l-femminizzazzjoni tal-faqar u l-politiki ta' awsteritàli jaffettwaw b'mod sproporzjonat lin-nisa jqiegħdu f'riskju akbar il-benesseri mentali tan-nisa;

12. Jenfasizza l-importanza ta' trattament u kura tas-saħħa mentali soċjali, bħal permezz tal-isport, il-mużika, l-arti u attivitajiet kulturali, bħala element importanti fl-għoti tas-servizzi tas-saħħa, u wieħed li jnaqqas l-ispejjeż ekonomiċi u umani li l-problemi tas-saħħa mentali jista' joħolqu għall-individwi u s-soċjetà kollha kemm hi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinvestu aktar fi programmi ta' kura tas-saħħa mentali soċjali, bħal riċetti tat-tabib soċjali;

13. Jinnota bi tħassib li 13-il Stat Membru tal-UE biss huma magħrufa li għandhom strateġija nazzjonali għall-prevenzjoni tas-suwiċidju; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jistabbilixxu u jimplimentaw strateġija nazzjonali għall-prevenzjoni tas-suwiċidju u biex jieħdu miżuri biex jitnaqqsu l-fatturi ta' riskju ta' suwiċidju, bħalma huma l-abbuż mix-xorb, id-drogi, l-esklużjoni soċjali, id-depressjoni, u l-istress; jappella wkoll għal stabbiliment ta' sistemi li jipprovdu appoġġ wara tentattivi ta' suwiċidju;

14. Jirrikonoxxi l-impatt tal-midja, u b'mod partikolari tal-internet u l-midja soċjali, fuq is-saħħa u l-benesseri mentali, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ nisa u bniet, u jinnota li jeħtieġ issir aktar riċerka dwar is-suġġett; jinnota li l-kulturi tal-midja li jenfasizzaw l-età u l-apparenza fiżika tan-nisa jista' jkolljom effetti negattivi fuq is-saħħa u l-benesseri mentali tan-nisa u l-bniet bħall-ansjetà, id-depressjoni, jew imġiba ossessiva; jenfasizza li għodod effettivi, inklużi miżuri legali, għandhom jiġu żviluppati sabiex jindirizzaw il-bullying, il-fastidju u l-oġġettifikazzjoni fuq l-internet; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żviluppata strateġija ambizzjuża dwar is-saħħa u l-benesseri mentali diġitali, u biex jiġu promossi l-partijiet interessati filwaqt li ssir ħidma magħhom sabiex jiġu żviluppati terapiji diġitali emerġenti; jirrikonoxxi li strateġija tal-midja dwar is-saħħa mentali għandha tinvolvi lill-partijiet interessati kollha, inklużi l-industrija tal-pubblikazzjoni u tar-reklamar, li jridu jadottaw standards ta' etika sabiex tiġi evitata l-oġġettifikazzjoni tan-nisa u l-promozzjoni ta' stereotipi tas-sessi;

15. Jirrimarka li xi nisa għandhom perċezzjoni mgħawġa ta' kif jidhru minħabba pressjoni mill-midja, ir-reklamar stereotipiku u pressjoni soċjali, u jiżviluupaw disturbi fl-alimentazzjoni u fl-imġiba, pereżempju l-anoressija, il-bulimja l-ortoressija, il-konsum frenetiku tal-ikel, jew il-bigoressija; jappoġġa approċċ sensittiv għall-ġeneru għal disturbi assoċjati mad-dieta u l-ħtieġa li dan jiġi integrat fi ħdan id-diskors dwar is-saħħa u b'informazzjoni indirizzata lill-pubbliku ġenerali; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu punti ta' kuntatt għall-għajnuna u l-appoġġ psikoloġiku fl-iskejjel li jipprovdu appoġġ lill-istudenti, b'mod partikolari t-tfajliet, li huma iktar suxxettibbli li jiżviluppaw disturbi relatati mal-alimentazzjoni;

16. Jilqa' l-fatt li, għall-ewwel darba, il-mexxejja dinjija qed jirrikonoxxu l-promozzjoni tas-saħħa u tal-benesseri mentali u l-prevenzjoni u t-trattament tal-abbuż mid-droga bħala prijoritajiet tas-saħħa fi ħdan l-aġenda tal-iżvilupp globali;

17. Iqajjem tħassib serju dwar l-għoti tal-kura u faċilitajiet tas-saħħa mentali u faċilitajiet lir-rifuġjati nisa u bniet fl-Ewropa, b'mod partikolari dawk li jgħixu f'kundizzjonijiet temporanji fl-Istati Membri; jenfasizza li d-detenzjoni tar-rifuġjati u dawk li jfittxu l-asil mingħajr ipproċessar effikaċi u effiċjenti tal-applikazzjonijiet għall-asil tagħhom, tikser id-dritt internazzjonali u għandha impatt negattiv fuq is-saħħa u l-benesseri mentali tagħhom; jistieden lill-Istati Membri jipproteġu lin-nisa applikanti għal asil li jinsabu fid-detenzjoni u jenfasizza li dawn in-nisa għandhom jingħataw minnufih protezzjoni, inkluż il-helsien mid-detenzjoni, it-tħaffif tar-rilokazzjoni u l-promozzjoni tal-appoġġ u pariri; jistieden lill-Istati Membri biex iħollu l-politiki tas-saħħa mill-kontroll tal-immigrazzjoni billi jippermettu l-aċċess għal servizzi bażiċi tal-kura tas-

saħħa u billi ma jimponux id-dmir lill-professjonisti fil-kura tas-saħħa biex jirrapportaw migranti mingħajr dokumenti; jitlob, barra minn hekk, lill-Istati Membri biex jimplimentaw il-linji gwida tad-diversi aġenziji dwar il-ħarsien u l-appoġġ għas-saħħa mentali u l-benesseri psikosoċjali tar-rifuġjati, ta' dawk li jfittxu l-asil u l-migranti fl-Ewropa, kif imħejjija mid-WHO/Ewropa, l-UNHCR u l-IOM;

18. Jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li n-nisa spiss ikollhom ġurnata ta' xogħol "two-in-one", jiġifieri, ġurnata xogħol fuq il-post tax-xogħol tagħhom u ġurnata waħda ta' xogħol mid-dar, billi l-irġiel ma jiddedikawx ruħhom biżżejjed għar-responsabbiltà tal-faċendi u t-trobbija tat-tfal, li jwassal biex ħafna nisa jbatu minn depressjoni, ansjetà u stress, flimkien ma' sens ta' ħtija li jonqsu milli jieħdu ħsieb il-familja b'mod adegwat, minħabba r-rwol tradizzjonalment assenjat lin-nisa;

19. Jikkundanna stereotip sessista ġdid mifrux fejn jingħad li l-mara tal-lum għandha tirnexxi fl-istudji tagħha u fuq ix-xogħol, iżda għandha tissodisfa l-aspettattivi tradizzjonali billi tkun mara miżżewġa u domestika tajba u omm perfetta filwaqt li żżomm ruħha, tip ta' mġiba li jirriżulta biex bosta nisa jħossu l-istress u l-ansjetà;

20. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali biex jiżviluppaw politiki mfassla speċifikament sabiex jipprovdu servizzi tas-saħħa mentali għal gruppi ta' nisa vulnerabbli fil-komunitajiet emarġinati u dawk li jiffaċċaw diskriminazzjoni intersezzjonali, bħal nisa migranti u rifuġjati, nisa li jħabbtu wiċċhom mal-faqar u l-esklużjoni soċjali, persuni intersesswali u transġeneru, nisa minn minoranzi etniċi, nisa b'diżabilitajiet, in-nisa ikbar fl-età, u n-nisa li jgħixu f'żoni rurali;

21. Jenfasizza l-importanza ta' approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja lejn is-saħħa mentali, fejn il-ħtiġijiet ta' kull grupp ta' età jiġu indirizzati b'mod koerenti u komprensiv, b'enfasi fuq tfajliet u nisa ikbar fl-età, li bħala medja jirrapportaw rata aktar baxxa ta' sodisfazzjon tal-ħajja mill-irġiel tal-istess grupp ta' età;

22. Jirrakkomanda li fil-każ ta' tqala, il-kura tas-saħħa mentali għandha tibda malajr kemm jista' jkun fl-ewwel trimestru, sabiex ikun possibbli li jiġu identifikati kondizzjonijiet speċifiċi li jistgħu jirrikjedu s-sorveljanza, biex jiġu rikonoxxuti l-problemi soċjali li għalihom in-nisa jista' jkollhom bżonn l-għajnuna minn servizzi soċjali jew tas-saħħa mentali u biex in-nisa jkunu infurmati dwar kwistjonijiet relatati mat-tqala; jitlob li l-għoti ta' kura ostetriċja aktar komprensiva u lokali, li testendi għall-qwiebel u l-ostetriċi, tiġi garantita fl-Istati Membri kollha tal-UE, u jenfasizza l-importanza partikolari ta' din l-isfida għaż-żoni rurali; jenfasizza li kura tas-saħħa psikoloġika hija importanti daqs dik fiżika u jinnota li bejn 10 u 15 % tan-nisa fl-UE li li jkunu għadhom kif welldu jbatu minn depressjoni ta' wara t-twelid; jenfasizza l-importanza li n-nisa jkollhom aċċess għal kura medika u psikoloġika wara korrimenti fit-tqala u l-ħtieġa ta' approċċ sensittiv u personali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu, jiżviluppaw u jipprovdu l-possibilità li l-psikożi u depressjoni ta' wara t-twelid jiġu skoperti kmieni u jiġu trattati;

23. Jenfasizza li l-politiki soċjali u tal-impjiegi, b'mod partikolari fir-rigward tal-politiki dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, iridu jadottaw approċċ olistiku li jqis is-saħħa u l-benesseri mentali tan-nisa, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jaħdmu flimkien mat-trade unions, min iħaddem, il-professjonisti tas-saħħa u s-soċjetà ċivili sabiex jiġi żviluppat approċċ olistiku u sensittiv għall-perspettiva tal-ġeneru lejn il-benesseri mentali fuq il-post tax-xogħol; jinnota l-importanza li jiġi pprovdut taħriġ tas-saħħa mentali lil dawk f'pożizzjonijiet maniġerjali kemm fis-settur privat kif ukoll f'dak pubbliku;

24. Jirrikonoxxi r-rwol importanti tal-persuni li jindukraw oħrajn b'mod formali u informali, li huma fil-maġġoranza kbira nisa, fil-kura tas-saħħa mentali; jitlob li tingħata attenzjoni partikolari lir-rwol ta' dawk li jindukraw oħrajn b'mod formali u informali fis-saħħa mentali, u b'mod partikolari lir-rwol tan-nisa li jieħdu ħsieb it-tfal, kif ukoll l-azzjoni għall-ħarsien tas-saħħa u l-benesseri mentali tal-persuni stess li jindukraw oħrajn;

25. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkludu l-isfidi tas-saħħa u l-benesseri mentali li jiffaċċaw l-irġiel u s-subien minħabba l-istereotipi tal-ġeneru li jwasslu għal probabbiltà akbar ta' abbuż mid-droga u s-suwiċidju milli huwa l-każ fin-nisa; jenfasizza li l-politiki dwar is-saħħa mentali tal-irġiel għandhom iqisu wkoll il-perspettivi tal-età u t-tul ta' ħajja, il-kundizzjoni soċjoekonomika, l-esklużjoni soċjali, u l-fatturi ġeografiċi;

It-Tlieta 14 ta' Frar 2017

L-ugwaljanza bejn is-sessi fi provi kliniċi

26. Jenfasizza l-fatt li huma meħtieġa provi kliniċi ta' prodotti farmaċewtiċi kemm fuq l-irġiel kif ukoll fuq in-nisa u li dawn għandhom ikunu inklużivi, mhux diskriminatorji u jitwettqu f'kundizzjonijiet ta' ugwaljanza, inklużjoni u nonmarġinalizzazzjoni, kif ukoll jirriflettu raġonevolment il-popolazzjoni li tuża l-prodotti; jissuġġerixxi li l-provi kliniċi jqisu wkoll gruppi tal-popolazzjoni vulernabbli speċifiċi bħal pazjenti pedjatriċi u ġerjatriċi u persuni minn minoranzi etniċi; huwa tal-opinjoni li data diżaggregata skont il-ġeneru għandha tingħabar ukoll wara l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti, sabiex jiġu rreġistrati l-effetti sekondarji differenti, flimkien mar-riċerka u d-data dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE mill-Istati Membri;

27. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar il-fatt li n-nuqqas ta' titjib fir-rappreżentanza tan-nisa fil-provi kliniċi u r-riżultati tar-riċerka bijomedika jpoġġu s-saħħa tan-nisa u ħajjithom f'riskju, u jenfasizza li l-metodoloġiji tal-provi kliniċi għandhom jitfasslu b'mod li jippermetti analiżi stratifikata skont l-età u l-ġeneru; jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa urġenti li d-differenzi bejn is-sessi jiġu inkorporati fil-proċeduri kliniċi fil-qasam tas-saħħa mentali;

28. Jenfasizza l-importanza tal-pubblikazzjoni tar-riżultati ta' provi kliniċi sabiex il-metodoloġija tkun trasparenti u aċċessibbli;

29. Ifakkar li l-mard infettiv (pereżempju l-HIV u l-malarja) u r-riżultat tat-tqala avvers (pereżempju t-twelid ta' trabi mejtin) huma l-ogħla f'pajjiżi b'introjtu baxx u medju; jappella biex in-nisa tqal jiġu inklużi fil-provi kliniċi bħala mezz biex jitnaqqsu l-morbidità u l-mortalità tal-ommijiet u tat-trabi;

30. Jitlob li t-tikketti fuq il-prodotti farmaċewtiċi jindikaw b'mod ċar jekk sarux il-provi fuq in-nisa, u jekk l-irġiel u n-nisa għandhomx jistennew effetti sekondarji differenti; jistieden lill-Istati Membri biex jinkoraġġixxu r-riċerka dwar l-effetti fuq perjodu twil ta' prodotti użati fit-terapija ormonali ta' sostituzzjoni;

31. Jitlob lill-Kummissjoni biex tinċentivizza proġetti fil-livell tal-UE ffukati fuq kif in-nisa jiġu trattati fir-riċerka klinika; iqis li dawn il-proġetti għandhom jinvolvu lill-awtoritajiet tas-saħħa fil-livelli kollha u l-industrija farmaċewtika, permezz tal-iżvilupp ta' strateġiji speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-linji gwida dwar l-istudju u l-valutazzjoni tad-differenzi bejn is-sessi fi provi kliniċi;

32. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinvestu f'kampanji ta' sensibilizzazzjoni biex jinkoraġġixxu lin-nisa jipparteċipaw fil-provi kliniċi;

33. Iħeġġeġ lill-EMEA biex tfassal linji gwida separati għan-nisa bħala popolazzjoni speċjali fi provi kliniċi;

34. Jistieden lill-Istati Membri, biex meta japplikaw ir-Regolament (UE) Nru 536/2014 fi provi kliniċi ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, jużaw approċċ metodoloġiku għall-provi kliniċi li jiggarantixxi rappreżentanza adegwata ta' rġiel u nisa, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali għat-trasparenza fir-rigward tal-kompożizzjoni tas-sessi tal-parteċipanti, u, meta tkun qed tiġi kkunsidrata l-implimentazzjoni xierqa ta' dan ir-Regolament, jissorveljaw b'mod speċifiku l-livell ta' rappreżentanza tal-irġiel u n-nisa;

35. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, lill-EMEA u lill-partijiet interessati rilevanti sabiex jiżguraw li jiġu introdotti fatturi tas-sess u tal-ġeneru fl-istadji bikrija tar-riċerka u l-iżvilupp ta' mediċini, qabel l-istadju tal-provi kliniċi; jenfasizza l-ħtieġa li jittejjeb l-iskambju tal-aħjar prattika bejn l-istituzzjonijiet ta' riċerka u l-fornituri tal-kura tas-saħħa madwar l-Ewropa dwar is-suġġett;

36. Jenfasizza li hija meħtieġa azzjoni urġenti biex tikkoreġi d-differenzi bejn is-sessi fi provi kliniċi f'oqsma tas-saħħa fejn dawk id-differenzi huma partikolarment ta' ħsara, bħal fil-mediċini għall-marda ta' Alzheimer, il-kanċer, it-trattament ta' attakki ta' puplesija, il-kalmanti u l-mard kardjovaskulari;

37. Jenfasizza li trid tittieħed azzjoni konġunta mir-riċerkaturi u l-partijiet interessati rilevanti kollha biex jiġu eliminati l-effetti sekondarji ta' ħsara ta' mediċini li jaffettwaw lin-nisa b'mod speċifiku, bħal fil-każ ta' kalmanti, kontraċettivi u mediċini oħra, sabiex titjieb is-saħħa tan-nisa u l-kwalità tal-kura tas-saħħa;

38. Jinnota bi tħassib li hemm diskriminazzjoni u inugwaljanza bejn is-sessi fir-riċerka dwar is-saħħa u l-kura soċjali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u b'hekk dan jaffettwa l-iżvilupp ta' trattamenti xierqa u mmirati; jirrimarka, b'mod partikolari, li l-pazjenti fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw mhumiex rappreżentati biżżejjed fir-riċerka farmakoloġika; jinnota li l-popolazzjonijiet speċjali, inklużi tfal u nisa tqal, ġew traskurati fl-iżvilupp tal-mediċina kontra t-tuberkulożi; jenfasizza l-ħtieġa li, fi provi kliniċi fil-ġejjieni, jinġabru u jinħażnu kampjuni għall-istudju farmakoġenetiku bbażati fuq il-ġeneru; ifakkar li l-binja bijoloġika u fiżjoloġika differenti tan-nisa tirrikjedi informazzjoni adegwata dwar l-effett tal-mediċini fuq ġisimhom;

39. Jinnota bi tħassib li ż-żieda fl-esternalizzazzjoni tal-ittestjar tal-mediċini lejn l-Afrika u lejn reġjuni sottożviluppati oħra għandha mnejn twassal għal ksur serju ta' etika u ta' prinċipji fundamentali tal-UE bħalma huma d-dritt għall-protezzjoni tas-saħħa u l-kura tas-saħħa; jirrimarka li n-nuqqas ta' aċċess għal servizzi ta' kura tas-saħħa, bi prezz raġonevoli, assigurazzjoni tas-saħħa jew mediċini bi prezz raġonevoli, jħalli lill-persuni vulnerabbli, b'mod partikolari n-nisa, l-ebda għażla oħra ħlief li jipparteċipaw fi provi kliniċi sabiex jirċievu kura medika, u possibbilment mingħajr ma jkunu konxji tar-riskji involuti;

40. Jinnota li huwa fatt li n-nisa jieħdu kwantitajiet akbar ta' sustanzi psikotropiċi mill-irġiel, iżda li hemm ftit wisq studji dwar id-differenzi bejn is-sessi rigward l-effett ta' dawn il-mediċini, li huma ordnati għal nisa u rġiel mingħajr distinzjoni u bl-istess doża; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li n-nisa jbatu aktar minn effetti negattivi ta' sustanzi psikotropiċi għaliex huma esklużi minn provi kliniċi u ma titqiesx, għalhekk, il-fiżjoloġija femminili; jinnota wkoll li n-nisa jippruvaw aktar spiss mill-irġiel li jsolvu l-problemi mentali tagħhom bl-għajnuna ta' psikoterapija;

Kummenti ġenerali

41. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri:

(a) biex jippromwovu kura tas-saħħa billi jiżguraw aċċess faċli għas-servizzi u l-provvista adegwata ta' informazzjoni mfassla apposta għall-bżonnijiet speċifiċi tal-irġiel u tan-nisa u l-iskambju tal-aħjar prattika fil-qasam tas-saħħa mentali u r-riċerka klinika;

(b) biex iqisu l-ħtiġijiet speċifiċi tas-saħħa tan-nisa u tal-irġiel u biex tiġi żgurata l-integrazzjoni ta' perspettiva tal-ġeneru fil-politiki, il-programmi u r-riċerka tas-saħħa tagħhom, mill-iżvilupp u t-tfassil tagħhom sal-valutazzjoni tal-impatt u l-ibbaġitjar tagħhom;

(c) biex jiżguraw li l-istrateġiji ta' prevenzjoni jimmiraw b'mod speċifiku lejn in-nisa li huma f'riskju ta' diskriminazzjoni intersezzjonali bħan-nisa Rom, in-nisa b'diżabilità, nisa lesbjani u bisesswali, nisa migranti u rifuġjati nisa u nisa li jgħixu fil-faqar, kif ukoll il-persuni transġeneru u intersesswali;

(d) biex jirrikonoxxu l-vjolenza sessista u l-vjolenza kontra n-nisa bħala kwistjoni ta' saħħa pubblika, kif iddikjarat fir-Riżoluzzjoni tad-WHO WHA49.25 tal-25 ta' Mejju 1996, li għandha impatt dirett fuq is-saħħa u l-benesseri mentali tan-nisa;

(e) biex jiżguraw żvilupp rapidu ta' stħarriġ madwar l-UE dwar il-prevalenza tal-vjolenza sessista għall-implimentazzjoni fi ħdan is-Sistema Statistika Ewropea, kif ikkonfermat fil-programm ta' ħidma tal-Eurostat għall-2016, u biex jiġbru data diżaggregata b'mod regolari, b'mod partikolari dwar il-prevalenza tad-depressjoni, u billi din id-data tkun tal-anqas maqsuma skont is-sess, l-età u l-istatus soċjoekonomiku;

(f) biex jappoġġaw lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u dawk tan-nisa li jippromwovu d-drittijiet tan-nisa, u biex jaħdmu ħalli jkun żgurat li n-nisa jsemmgħu leħinhom fil-kwistjonijiet ta' politika tas-saħħa Ewropej u nazzjonali u li l-politiki tas-saħħa Ewropej u nazzjonali jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom;

(g) biex jinċentivizzaw programmi li jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa rigward mard bħall-osteoporożi, problemi muskoloskeletali u mard tas-sistema nervuża ċentrali bħalma huma l-marda ta' Alzheimer u/jew id-dimenzja, inklużi dawk li jinfurmaw lin-nisa dwar metodi ta' prevenzjoni u biex joffru taħriġ għall-persunal mediku;

(h) biex jagħtu aktar attenzjoni lill-ħtiġijiet speċjali ta' nisa dijanjostikati b'għeja kronika u l-fibromjalġija billi jingħataw servizzi tal-kura tas-saħħa adegwati u ta' kwalità għolja;

(i) biex iżidu l-finanzjament għat-tkattir tar-riċerka dwar il-kawżi u t-trattament possibbli tal-endomitrijożi, kif ukoll it-tfassil ta' linji gwida kliniċi u l-ħolqien ta' ċentri ta' referenza; biex jippromwovu kampanji ta' informazzjoni, prevenzjoni u ta' sensibilizzazzjoni dwar l-endometrijożi, u biex jipprovdu mezzi għat-taħriġ ta' professjonisti tas-saħħa speċjalizzati u għal inizjattivi ta' riċerka;

42. Jistieden lill-Istati Membri jadottaw politiki li jtejbu l-livell tas-saħħa medja tal-popolazzjoni permezz tal-eliminazzjoni tal-inugwaljanzi tas-saħħa li jaffettwaw lill-gruppi soċjoekonomiċi żvantaġġati; jitlob, f'dan il-kuntest, għal impenn attiv f'firxa ta' setturi ta' politika, mhux biss fir-rigward tas-saħħa pubblika u s-sistemi tal-kura tas-saħħa, iżda wkoll l-edukazzjoni, is-sigurtà soċjali, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u l-ippjanar tal-bliet, dejjem bl-involviment tal-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi;

43. Jistieden lill-gvernijiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jintegraw il-ġeneru fil-politika dwar is-saħħa mentali, u biex jiżviluppaw politiki u programmi li jindirizzaw kemm il-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa għall-kura tas-saħħa mentali kif ukoll l-oriġini soċjali ta' tbatija psikoloġika; jinnota bi tħassib li, speċjalment fil-pajjiżi l-anqas żviluppati, l-esklużjoni tan-nisa mir-riċerka bijomedika ta' spiss tirriżulta minn nuqqas ta' informazzjoni u ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni, ir-rwol tagħhom bħala ommijiet u dawk li jieħdu ħsiebhom u n-nuqqas ta' libertà fit-teħid ta' deċiżjonijiet fi djarhom; jemmen bil-qawwa li bilanċ aħjar bejn ir-rwoli u l-obbligi tal-ġeneru, is-sigurtà tal-introjtu, l-aċċess ugwali għall-edukazzjoni, l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, miżuri aktar effikaċi għall-promozzjoni tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, partikolarment għall-ommijiet li jrabbu t-tfal waħedhom, l-iżvilupp ta' sistemi ta' protezzjoni soċjali u t-tnaqqis tal-faqar ikomplu joffru rimedju għall-inugwaljanzi bejn is-sessi fil-qasam tas-saħħa mentali;

44. Iqis li d-drittijiet sesswali u riproduttivi jinkludu l-aċċess għal aborti legali u sikuri, kontraċezzjoni affidabbli, sikura u bi prezz raġonevoli u edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità u r-relazzjonijiet;

45. Iqis li huwa ta' dispjaċir li d-drittijiet sesswali u riproduttivi huma limitati ħafna u/jew japplikaw biss skont ċerti kundizzjonijiet f'diversi Stati Membri tal-UE;

46. Huwa tal-fehma li n-numru dejjem jikber ta' professjonisti mediċi li jirrifjutaw li jwettqu l-abort fl-Istati Membri jirrappreżenta theddida oħra għas-saħħa u d-drittijiet tan-nisa; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiżguraw li jkun hemm mill-inqas numru minimu ta' professjonisti tas-saħħa li jwettqu l-abort fl-isptarijiet;

47. Jistieden lill-Istati Membri biex jipprevjenu u jipprojbixxu l-isterilizzazzjoni forzata tan-nisa, kif ukoll iħarrku lil min iwettaqha, peress li l-fenomenu jolqot b'mod partikolari n-nisa b'diżabilità, persuni transġeneru u intersesswali, u n-nisa Rom;

48. Jenfasizza l-fatt li l-proċeduri tal-iskrinjar fl-istadji bikrija tal-kanċer, flimkien ma' programmi ta' informazzjoni, huma meqjusa fost l-aktar miżuri effettivi għall-prevenzjoni tal-kanċer, u jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw li n-nisa u l-bniet ikollhom aċċess għal tali skrinjar;

49. Jenfasizza li l-għoti ta' setgħa lin-nisa u l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi hija kruċjali biex jitħaffef l-iżvilupp sostenibbli u biex b'hekk tintemm kull forma ta' diskriminazzjoni kontra n-nisa u l-bniet, inkluża dik li sseħħ fil-qasam tas-saħħa mentali u tar-riċerka klinika, u li dan mhux biss huwa dritt bażiku tal-bniedem, iżda għandu wkoll effett multiplikatur fl-oqsma l-oħra kollha tal-iżvilupp (Oġġettiv 5 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli);

50. Iqis li l-Istati Membri għandhom obbligu li jiggarantixxu l-għoti ta' kura obstetrika lokali bħala servizz pubbliku u li jiżguraw li l-qwiebel ikunu disponibbli f'żoni rurali u reġjuni muntanjużi;

51. Jistieden lill-awtoritajiet tas-saħħa tal-Istati Membri biex jirrikonoxxu l-endometrijożi bħala marda inkapaċitanti, peress li dan jippermetti lin-nisa milquta jiġu ttrattati bla ħlas, anki fil-każ ta' trattamenti u/jew kirurġija għaljin, u jippermetti leave speċjali mix-xogħol għal raġunijiet ta' mard waqt l-aktar perjodi akuti, biex b'hekk tiġi evitata l-istigmatizzazzjoni fuq il-post tax-xogħol;

52. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-aġenziji rilevanti sabiex jiżguraw aċċess sħiħ għall-kura tas-saħħa fiżika u mentali ta' kwalità għolja għar-rifuġjati, il-persuni li jfittxu asil u l-migranti vulnerabbli kollha, b'mod partikolari n-nisa u l-bniet, bħala kwistjoni ta' drittijiet tal-bniedem universali u, fuq terminu twil, biex jippreparaw b'mod adegwat is-sistemi nazzjonali tas-saħħa tagħhom meta jilqgħu lir-rifuġjati u lill-persuni li qed ifittxu asil; jenfasizza l-ħtieġa għal taħriġ sensittiv għad-differenza bejn is-sessi fis-saħħa mentali tal-immigrazzjoni, l-asil, u persunal ta' infurzar tal-liġi u l-uffiċjali li jaħdmu mar-rifuġjati, dawk li qed ifittxu l-ażil u għall-immigranti, speċjalment dawk li jaħdmu ma' nisa u bniet vulnerabbli; iqis li

dawn il-miżuri tal-kura tas-saħħa neċessarji għandhom jinkludu dispożizzjonijiet bħall-akkomodazzjoni sikura u faċilitajiet sanitarji għan-nisa u t-tfal, il-konsulenza legali u l-aċċess għas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi, inklużi l-kontraċezzjoni, l-appoġġ għal vittmi ta' vjolenza sesswali, u l-abort sikur u legali;

53. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri biex iwaqqfu minnufih il-politiki attwali ta' awsterità u t-tnaqqis fl-infiq pubbliku li jaffettwaw lis-servizzi li huma kruċjali għall-kisba ta' livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa għan-nisa u l-irġiel u l-bniet u s-subien kollha fl-UE, irrispettivament mill-oriġini jew l-istatus legali tagħhom;

54. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw aċċess b'xejn għas-servizzi tas-saħħa għal nisa qiegħda, nisa f'żoni rurali u l-pensjonanti nisa bi dħul baxx li ma jistgħux iħallsu għal eżamijiet mediċi u l-kura;

55. Jirrakkomanda li wara t-twelid ta' tarbija b'diżabilità jew tarbija b'mard ta' theddida għall-ħajja, in-nisa għandhom jingħataw appoġġ speċjali, inkluż aċċess b'xejn fit-tul għall-kura pedjatrika d-dar, kura pedjatrika palljattiva u appoġġ psikoloġiku speċjaizzat u faċilment aċċessibbli;

56. Jenfasizza li l-kisba tad-dritt għas-saħħa għal kulħadd tiġi qabel il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u tiddependi mill-investiment fir-riċerka dwar is-saħħa Ewropea, inklużi teknoloġiji tas-saħħa u l-mediċini għal mard relatat mal-faqar u li ġie traskurat (PRNDs);

57. Jiddeplora t-tnaqqis fil-baġits tas-saħħa pubblika tal-Istati Membri, u jinsab diżappuntat mill-fatt li l-baġits annwali għall-programmi maħsuba biex jipprevjenu l-vjolenza sessista u l-vjolenza kontra n-nisa fl-Istati Membri kollha huma ħafna inqas mill-ispiża attwali ta' tali vjolenza, sew jekk hix ta' natura ekonomika, soċjali jew morali; jappoġġa lill-Istati Membri fiż-żieda fin-nefqa fuq programmi ta' appoġġ bl-għan li tiġi prevenuta l-vjolenza kontra n-nisa u jiġu megħjuna u protetti b'mod effikaċi l-vittmi;

58. Jistieden lill-Istati Membri jieħdu miżuri fil-qasam relatat mas-saħħa tal-identifikazzjoni bikrija u l-appoġġ għal vittmi ta' vjolenza sessista, u biex japplikaw protokolli tas-saħħa f'każijiet ta' attakk, li għandhom jitressqu quddiem il-qrati xierqa bl-iskop li titħaffef il-proċedura legali; jistieden ukoll lill-Istati Membri sabiex jiggarantixxu d-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni u l-assistenza soċjali integrata, biex tingħata permezz ta' servizzi ta' kura urġenti permanenti li jispeċjalizzaw f'servizzi professjonali multidixxiplinari;

59. Jilqa' l-azzjonijiet tal-Kummissjoni favur ir-ratifika mill-UE tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, u jiddispjaċih li ħafna Stati Membri għadhom ma rratifikawhiex; iħeġġeġ lill-Kunsill jiżgura l-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni ta' Istanbul mill-aktar fis possibbli;

60. Jenfasizza li l-prostituzzjoni hija wkoll kwistjoni ta' saħħa, peress li għandha impatt ta' detriment għas-saħħa tal-persuni fil-prostituzzjoni, li għandhom possibbiltà akbar li jbatu minn trawmi sesswali, fiżiċi u mentali, dipendenza mid-drogi u l-alkoħol, telf ta' rispett proprju, kif ukoll rata ta' mortalità akbar minn tal-popolazzjoni ġenerali; iżid jgħid u jenfasizza li bosta mix-xerrejja tas-sess jitolbu sess kummerċjali mingħajr protezzjoni, u dan iżid ir-riskji ta' impatt negattiv fuq is-saħħa, kemm għall-persuni fil-prostituzzjoni kif ukoll għax-xerrejja;

61. Jistieden lill-Istati Membri jipprevjenu, jipprojbixxu u jressqu fil-qrati każijiet ta' mutilazzjoni ġenitali tan-nisa u l-mutilazzjoni ġenitali li taffettwa lill-persuni intersesswali, u biex jipprovdu appoġġ għas-saħħa mentali, flimkien mal-kura fiżika, lill-vittmi u lil dawk l-individwi li x'aktarx ikunu fil-mira;

62. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħtu attenzjoni speċjali lill-aktar gruppi vulnerabbli jew żvantaġġati, u biex iniedu programmi ta' intervent għalihom;

63. Iqis li n-nuqqas ta' data diżaggregata skont is-sess, komprensiva, komparabbli, affidabbli u regolarment aġġornata jirriżulta f'diskriminazzjoni għas-saħħa tan-nisa;

It-Tlieta 14 ta' Frar 2017

64. Ifakkar li l-kura tas-saħħa u l-politika tas-saħħa huma kompetenzi tal-Istati Membri u li r-rwol tal-Kummissjoni huwa kumplimentari għall-politiki nazzjonali;

o

o o

65. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

P8_TA(2017)0033

Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Mongolja (Riżoluzzjoni)

Riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Mongolja, min-naħa l-oħra (08919/2016 – C8-0218/2016 – 2015/0114(NLE) – 2016/2231(INI))

(2018/C 252/11)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (08919/2016),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Mongolja, min-naħa l-oħra (07902/1/2011),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikoli 207 u 209 u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0218/2016),

— wara li kkunsidra l-iffirmar tal-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni (jew "Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni" – FSK) fit-30 ta' April 2013 f'Ulan Bator, fil-preżenza tal-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ), Catherine Ashton,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni Ekonomika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Mongolja, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 1993,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tal-15 ta' Novembru 2005 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar emenda għall-Ftehim li jistabbilixxi l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ), li tippermetti li l-Bank jiffinanzja operazzjonijiet fil-Mongolja ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' April 2016 dwar implimentazzjoni u rieżami tal-Istrateġija tal-UE għall-Asja Ċentrali ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2015 dwar ir-relazzjonijiet UE-Ċina ([3]) u dik tal-14 ta' Marzu 2013 dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u ċ-Ċina ([4]), u b'mod partikolari il-premessa Y tal-aħħar riżoluzzjoni,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Ġunju 2015 dwar l-istat tar-relazzjonijiet UE-Russja ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2012 dwar il-pożizzjoni tal-Parlament fuq id-19-il Sessjoni tal-Kunsill tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem ([6]), u b'mod partikolari l-paragrafu 30 tagħha,

([1]) ĠU C 280 E, 18.11.2006, p. 49.
([2]) Testi adottati, P8_TA(2016)0121.
([3]) Testi adottati, P8_TA(2015)0458.
([4]) ĠU C 36, 29.1.2016, p. 126.
([5]) ĠU C 407, 4.11.2016, p. 35.
([6]) ĠU C 249 E, 30.8.2013, p. 41.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Jannar 2013 dwar ir-rakkomandazzjonijiet tal-Konferenza għar-Reviżjoni tat-Trattat tan-Nonproliferazzjoni rigward l-istabbiliment ta' Lvant Nofsani ħieles mill-armi ta' qerda massiva ([1]), u b'mod partikolari l-premessa F tagħha,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Ottubru 2016 dwar is-sigurtà nukleari u n-nonproliferazzjoni ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tal-15 ta' Frar 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ([3]),

— wara li kkunsidra l-inklużjoni tal-Mongolja fl-Arranġament ta' Inċentiv Speċjali għal Żvilupp Sostenibbli u Governanza Tajba tal-Iskema ta' Preferenzi tariffarji Ġeneralizzati (SPĠ+) tal-UE,

— wara li kkunsidra r-relazzjonijiet fit-tul bejn id-delegazzjonijiet tal-Parlament Ewropew u l-Khural il-Kbir tal-Istat (il-parlament tal-Mongolja), u b'mod partikolari d-dikjarazzjoni konġunta tal-10 Laqgħa Interparlamentari li saret fis-17 ta' Frar 2015 f'Ulan Bator,

— wara li kkunsidra l-fatt li l-Mongolja ppresediet u ospitat il-ħdax-il Summit Asja-Ewropa (ASEM) li sar f'Ulan Bator fil-15 u s-16 ta' Lulju 2016 u d-Disa' laqgħa tas-Sħubija Parlamentari Asja-Ewropa (ASEP), li saret f'Ulan Bator fil-21 u t-22 ta' April 2016, kif ukoll id-dikjarazzjonijiet rispettivi li ġew adottati minn dawn iż-żewġ laqgħat,

— wara li kkunsidra r-rwol attiv tal-Mongolja fl-Assemblea Parlamentari tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE), inkluż il-fatt li hija ospitat il-Laqgħa tal-Ħarifa tal-OSKE bejn il-15 u t-18 ta' Settembru 2015 f'Ulan Bator,

— wara li kkunsidra l-elezzjoni tal-Mongolja għall-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU għall-perjodu 2016-2018, u l-fatt li hija ddikjarat l-aspirazzjoni tagħha li ssir membru tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU fl-2022,

— wara li kkunsidra l-presidenza tal-Mongolja tal-Komunità tad-Demokraziji fl-2012-2013, u tal-koalizzjoni "Libertà Online" fl-2015,

— wara li kkunsidra r-riżultati u l-konklużjonijiet preliminari tal-missjoni internazzjonali ta' osservazzjoni elettorali dwar l-elezzjonijiet parlamentari li saru fid-29 ta' Ġunju 2016 fil-Mongolja, li involviet lill-Uffiċċju tal-OSKE għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem (OSKE/ODIHR) u lill-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra d-diskors tal-President tal-Mongolja, Tsakhiagiin Elbegdorj meta indirizza lill-plenarja tal-Parlament Ewropew fid-9 ta' Ġunju 2015,

— wara li kkunsidra d-diversi laqgħat u żjarat reċiproċi ta' livell għoli, inkluża dik ta' Novembru 2013 mill-President tal-Kummissjoni Ewropea, José Barroso, fil-Mongolja,

— wara li kkunsidra il-politika barranija tal-Mongolja dwar "ġirien terzi", li tirrigwarda relazzjonijiet mal-UE, mal-Istati Uniti, mal-Ġappun, mar-Repubblika tal-Korea, mal-Indja, mal-Iran, mal-pajjiżi tal-Asja Ċentrali u oħrajn,

— wara li kkunsidra s-sħubijiet strateġiċi tal-Mongolja mar-Russja u maċ-Ċina,

— wara li kkunsidra l-istatus ta' osservatur tal-Mongolja fl-Organizzazzjoni ta' Kooperazzjoni ta' Shanghai (SCO),

— wara li kkunsidra l-laqgħat trilaterali ta' livell għoli li jsiru fuq bażi regolari bejn il-Mongolja, ir-Russja u ċ-Ċina, u bejn il-Mongolja, il-Ġappun u l-Istati Uniti,

([1]) ĠU C 440, 30.12.2015, p. 97.
([2]) Testi adottati, P8_TA(2016)0424.
([3]) Testi adottati, P8_TA(2017)0032.

— wara li kkunsidra l-inizjattivi biex jiġu integrati diversi proġetti ekonomiċi fir-reġjun, inklużi ż-Żona Ekonomika tat-Triq tal-Ħarir taċ-Ċina, l-Iżvilupp ta' Żona Trans-Ewrasjatika tar-Russja, u t-Triq tal-Isteppa tal-Mongolja,

— wara li kkunsidra l-Programm Individwali ta' Sħubija u Kooperazzjoni tal-Mongolja man-NATO, li ġie maqbul fl-2012,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Mongolja ta' Settembru 2015 dwar l-intenzjoni tagħha li tħaddan status permanenti ta' newtralità,

— wara li kkunsidra l-istatus awtoproklamat tal-Mongolja li hija pajjiż ħieles minn armi nukleari, li ġie rikonoxxut min-NU f'Settembru 2012,

— wara li kkunsidra l-Fond Internazzjonali ta' Kooperazzjoni tal-Mongolja, li għandu l-għan li jaqsam l-esperjenzi ma' pajjiżi li għaddejjin minn trasformazzjoni demokratika, bħall-Myanmar, il-Kirgiżistan u l-Afganistan,

— wara li kkunsidra l-isforzi ta' bini ta' fiduċja, inkluż id-Djalogu ta' Ulan Bator dwar is-Sigurtà tal-Asja tal-Grigal, li jinvolvi lill-Korea ta' Fuq, kif ukoll il-Forum tal-Asja,

— wara li kkunsidra l-osservazzjonijiet konklużivi tal-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Tortura dwar it-tieni rapport perjodiku tal-Mongolja adottat f'Awwissu 2016,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 99(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A8-0383/2016),

A. billi l-Mongolja tista' sservi bħala mudell demokratiku mhux biss għad-demokraziji emerġenti l-oħra tar-reġjun iżda wkoll għar-reġimi b'tendenzi awtoritarji;

B. billi l-Komunitajiet Ewropej stabbilixxew relazzjonijiet diplomatiċi mal-Mongolja fl-1 ta' Awwissu 1989;

C. billi l-UE u l-Mongolja jgawdu minn relazzjonijiet ta' ħbiberija bbażati fuq rabtiet politiċi, soċjetali, ekonomiċi, kulturali u storiċi;

D. billi l-UE u l-Mongolja għandhom ħafna pożizzjonijiet konverġenti fir-rigward tal-maġġor parti tal-isfidi internazzjonali l-kbar u l-Mongolja tiżvolġi rwol kostruttiv fir-relazzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari fl-ambitu tal-organizzazzjonijiet multilaterali;

E. billi r-relazzjonijiet tal-UE mal-Mongolja jikkonċentraw l-aktar fuq il-proġetti ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp immirati biex jippermettu lill-pajjiż jidderieġi t-trasformazzjoni rapida li għaddejja bħalissa lejn l-iżvilupp soċjalment inklużiv u ekonomikament sostenibbli tas-soċjetà tiegħu;

F. billi l-Mongolja hija interessata fi żvilupp ulterjuri tar-relazzjonijiet mal-UE u f'espansjoni tal-kooperazzjoni eżistenti lil hinn mill-kooperazzjoni għall-iżvilupp; billi l-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni jissottolinja ż-żieda fl-importanza tar-relazzjonijiet UE-Mongolja fuq il-bażi ta' prinċipji kondiviżi bħall-ugwaljanza, il-vantaġġi reċiproċi, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, u joffri formalment liż-żewġ naħat il-possibbiltà li jiżviluppaw ambiti ta' kooperazzjoni ġodda f'oqsma bħan-negozju, il-kummerċ, l-iżvilupp, l-agrikoltura, l-ambjent, l-enerġija, il-modernizzazzjoni tal-Istat kif ukoll l-edukazzjoni, il-kultura u t-turiżmu;

G. billi l-iżvilupp tar-relazzjonijiet tal-UE mal-Mongolja għadu fi ħdan ir-responsabbiltà tad-Delegazzjoni tal-UE f'Beijing; billi attwalment il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, r-Renju Unit u l-Italja fetħu l-ambaxxati tagħhom f'Ulan Bator;

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Japprezza r-relazzjonijiet kostruttivi u ta' ħbiberija bejn l-UE u l-Mongolja;

2. Jirrikonoxxi l-pożizzjoni ġeografika speċifika tal-Mongolja bejn iċ-Ċina, ir-Russja u l-pajjiżi tal-Asja Ċentrali u tal-Asja tal-Grigal, bil-potenzjal kbir tagħhom għall-ekonomija globali, l-importanza tagħha għall-istabbiltà fir-reġjun, il-kredenzjali demokratiċi u reġjonali stabbiliti tagħha, li huma pjuttost eċċezzjonali, u r-rwol kostruttiv li tiżvolġi billi tassisti u tiffaċilita soluzzjonijiet paċifiċi għall-kunflitti u l-konfrontazzjoni fir-reġjun u billi tippromwovi l-integrazzjoni ekonomika reġjonali;

3. Jirrikonoxxi li t-trasformazzjoni demokratika li bdiet fis-snin disgħin għadha għaddejja b'mod konsistenti; jirrikonoxxi l-progress tanġibbli li sar f'termini ta' riformi soċjoekonomiċi; jieħu nota, madankollu, tal-isfidi li jeżistu fl-oqsma tal-iżvilupp sostenibbli u tal-ekonomija, tal-finanzi, tal-governanza tajba, tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, tas-sigurtà soċjali u tal-protezzjoni ambjentali u tal-polarizzazzjoni politika, li huma aggravati b'kuntest ambjentali internazzjonali li huwa dejjem aktar esiġenti;

Qafas istituzzjonali u rappreżentanza diplomatika

4. Jilqa' b'sodisfazzjon l-approfondiment u l-espansjoni tar-relazzjoni bejn l-UE u l-Mongolja, kif evidenzjati fil-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni, li jinkludi oqsma fosthom id-djalogu politiku u d-drittijiet tal-bniedem, il-kummerċ u l-assistenza għall-iżvilupp, kif ukoll il-kooperazzjoni fl-oqsma tal-agrikoltura u tal-iżvilupp rurali, tal-enerġija, tat-tibdil fil-klima, tar-riċerka u tal-innovazzjoni u tal-edukazzjoni u tal-kultura, li huma ta' importanza kbira għad-diversifikazzjoni ekonomika u għar-riżoluzzjoni tal-problemi ekonomiċi attwali, kif ukoll għat-trasformazzjoni fit-tul ta' soċjetà li orġinarjament hija nomada;

5. Jilqa' pożittivament l-istabbiliment tal-Kumitat Konġunt li jakkumpanja, skont l-Artikolu 56 tal-ftehim l-implimentazzjoni tal-FSK, u jħeġġu jirrapporta b'mod regolari kemm lill-Parlament Ewropew kif ukoll lill-Parlament tal-Mongolja;

6. Iħeġġeġ lit-tliet Stati Membri li għadhom ma ffinalizzawx il-proċessi ta' ratifika nazzjonali tagħhom biex jagħmlu dan b'mod rapidu sabiex jippermettu l-konklużjoni u d-dħul fis-seħħ tal-FSK, li ilhom żmien twil mistennija;

7. Jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ aktar id-dimensjoni parlamentari tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Mongolja; jiddispjaċih tal-assenza ta' artikoli mit-test tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jipprevedu l-istabbiliment ta' Kumitat ta' Kooperazzjoni Parlamentari fil-qafas tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni, li jwettaq skrutinju demokratiku tal-implimentazzjoni tal-ftehim u jsaħħaħ id-djalogu politiku bejn iż-żewġ parlamenti; jinkoraġġixxi, għaldaqstant, in-negozjati għal protokoll ġdid biex jirmedja s-sitwazzjoni ħalli ssir mill-aktar fis possibbli, skont l-Artikolu 57 tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni dwar il-kooperazzjoni futura, kif preċedentement ħeġġew il-Parlament Ewropew u tal-Mongolja fid-Dikjarazzjoni Konġunta tal-10 Laqgħa Interparlamentari;

8. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li r-relazzjonijiet diplomatiċi mal-Mongolja bħalissa qegħdin jitmexxew mid-Delegazzjoni tal-UE għaċ-Ċina; iħeġġeġ lill-Kunsill u lill-VP/RGħ jittrasformaw l-Uffiċċju ta' Kollegament tal-UE f'Ulan Bator f'Delegazzjoni tal-UE vera u proprja, miżura din li hija ta' importanza fundamentali bl-għan li jiġu ffaċilitati d-djalogu politiku u l-kooperazzjoni fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija, tingħata spinta lill-kapaċità li jiġu implimentati u sorveljati l-proġetti ta' assistenza tal-UE, u li jiġi promoss il-kummerċ ta' prodotti u servizzi, kif ukoll l-iskambji ta' persuni u kulturali;

Demokrazija, stat tad-dritt, governanza tajba u drittijiet tal-bniedem

9. Jilqa' pożittivament l-isforzi tal-Mongolja għall-konsolidament tal-progress demokratiku u tal-istat tad-dritt, inkluż elezzjonijiet multipartitiċi, aktar indipendenza tal-mezzi tal-komunikazzjoni u soċjetà ċivili dinamika; jilqa' favorevolment, minn din il-prospettiva, il-parteċipazzjoni tal-Mongolja fil-Komunità tad-Demokraziji;

10. Jissottolinja li r-rispett tal-libertà tal-mezzi tal-komunikazzjoni u tal-libertà ta' espressjoni huma essenzjali għall-konsolidament ulterjuri tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet tal-bniedem fil-Mongolja; jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet tal-Mongolja jittrattaw il-kwistjonijiet relatati mar-rapporti ta' ndħil fix-xogħol tal-mezzi tal-komunikazzjoni b'finijiet politiċi u ma jippenalizzawx jew jillimitaw il-mezzi ta' komunikazzjoni kritiċi tal-gvern online u offline; jinkoraġġixxi lill-Parlament tal-Mongolja jikkodifika tali drittijiet fundamentali b'mod espliċitu u jimplimentahom taħt skrutinju rigoruż;

11. Huwa konvint li t-trasformazzjoni demokratika tal-Mongolja tista' tqanqal effett ta' propagazzjoni pożittiv f'reġjun li qiegħed jgħaddi minn proċessi kumplessi ta' trasformazzjoni, u li l-Mongolja tista' f'dan is-sens tikkontribwixxi b'mod kostruttiv għall-istabbiltà u għall-benessri komuni tar-reġjun; jistieden lill-UE tqis dan l-aspett hija u tipprogramma l-kooperazzjoni reġjonali, speċjalment mal-pajjiżi tar-reġjun tal-Asja Ċentrali, kif ukoll tar-reġjun tal-madwar;

12. Japprezza l-fatt li r-rispett ġenerali tar-regoli elettorali ntwera fl-okkażjoni tal-elezzjonijiet li saru dan l-aħħar; jistieden lill-awtoritajiet tal-Mongolja jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-OSKE/ODIHR, b'segwitu għall-elezzjonijiet parlamentari tad-29 ta' Ġunju 2016, inkluż l-istabbilizzazzjoni tal-liġi elettorali, ir-restrizzjonijiet fuq il-kampanji elettorali, l-indipendenza tal-mezzi tal-komunikazzjoni u l-imparzjalità u l-komprensività tal-informazzjoni disponibbli għall-votanti;

13. Jesprimi interess biex jibgħat missjoni ta' osservazzjoni tal-Parlament Ewropew għall-elezzjonijiet presidenzjali pprogrammati għan-nofs l-2017;

14. Jinkoraġġixxi lill-Mongolja tindirizza l-isfidi pendenti fir-rigward tar-rispett tal-indipendenza tal-ġudikatura;

15. Jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi leġiżlattivi li m'ilux li bdew biex tissaħħaħ il-bażi ġuridika għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni mifruxa, li magħha ġġib ir-riskju reali u kbir li tkun kompromessa l-koeżjoni soċjali tal-pajjiż, kif ukoll l-isforzi biex jittrattaw id-drittijiet tal-bniedem u l-kunflitti soċjali; jinkoraġġixxi lill-Mongolja tadotta riformi sostanzjali u timplimentahom fi żmien propizju; jagħmel riferiment, f'dan il-kuntest, lill-esperjenza tiegħu stess meta l-persuni kkundannati fuq korruzzjoni jinżammu konsistentement responsabbli; jirrakkomanda li l-pajjiż isaħħaħ l-kooperazzjoni tiegħu mal-UE, mal-OSKE u man-NU dwar il-mod kif jieħu ħsieb il-korruzzjoni; huwa konvint li l-involviment attiv fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet internazzjonali dwar ir-responsabbiltà soċjali tal-kumpaniji fis-settur tal-produzzjoni ekonomika u fil-ħajja pubblika u amministrattiva tal-Mongolja jista' jiżvolġi rwol pożittiv u sostanzjali f'dawn l-impriżi;

16. Jirrikonoxxi l-impenji u l-qafas ġuridiku tal-pajjiż bil-għan li jinqered it-traffikar tal-bnedmin, iżda jibqa' mħasseb dwar is-sitwazzjoni konkreta, u jħeġġeġ lill-Mongolja timplimenta bis-sħiħ il-liġi tal-2012 kontra t-traffikar kif ukoll il-pjanijiet nazzjonali relatati;

17. Jinsab kuntent li, bejn l-UE u l-Mongolja, fil-prinċipju ntlaħaq qbil u li x-xogħol preparatorju huwa għaddej biex jitnieda djalogu regolari dwar id-drittijiet tal-bniedem bejn l-UE u l-Mongolja fl-2017;

18. Jilqa' pożittivament il-fatt li, wara li rratifika l-Protokoll Fakultattiv tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, il-Parlament tal-Mongolja, f'Diċembru 2015, adotta Kodiċi Kriminali rivedut, li, fost riformi ġuridiċi importanti oħrajn bħall-projbizzjoni tat-tortura, jinkludi l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt għad-delitti kollha; josserva li l-Parlament li għadu kemm ġie elett ippospona l-implimentazzjoni tal-Kodiċi Kriminali rivedut, u jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet tal-tal-Mongolja jimplimentaw din ir-riforma importanti mingħajr aktar dewmien;

19. Josserva l-progress li għamlet il-Mongolja biex ittejjeb il-qafas ġuridiku tagħha konformement mal-obbligi internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, mar-riforma istituzzjonali, inkluża l-Kummissjoni Nazzjonali Indipendenti għad-Drittijiet tal-Bniedem tagħha, u l-isforzi mmirati biex jibnu l-kapaċitajiet u jissensibilizzaw dwar it-tema tad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll l-impenn kontinwu biex jiġu indirizzati l-isfidi li fadal marbutin mal-protezzjoni u mal-promozzjoni tal-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, bħal dawk enfasizzati fl-2015 fit-tieni Eżami Perjodiku Universali tan-NU (EPU-NU), inklużi l-prevenzjoni u l-investigazzjoni tal-allegazzjonijiet kollha ta' tortura, il-ħarsien tad-drittijiet tan-nisa u tat-tfal kif ukoll dawk tal-ħabsin;

20. Jesprimi tħassib dwar ir-rapporti ta' każijiet ta' arrest mingħajr mandat u ta' tortura u impunità fil-ħabsijiet tal-Mongolja; jingħaqad mal-appell tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti (UNHRC) għal miżuri effikaċi biex ikun garantit li d-detenuti kollha jingħataw fil-prattika s-salvagwardji ġuridiċi fundamentali kollha skont l-istandards internazzjonali; jistieden lill-Mongolja tagħti segwitu lill-impenji tagħha biex tistabbilixxi mekkaniżmu indipendenti bil-għan li tinvestiga l-allegazzjonijiet ta' tortura u maltrattament fil-pront u b'mod effikaċi;

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

21. Ifaħħar il-proġett li l-UE tappoġġa favur id-drittijiet tal-persuni LGBTI fil-Mongolja; huwa madankollu inkwetat bid-diskriminazzjoni u l-vessazzjonijiet li jitwettqu kontinwament kontra l-komunità LGBTI;

22. Jirrakkomanda lill-Mongolja, bi qbil mal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal li diġà rratifikat, tipprojbixxi bil-liġi l-piena korporali mhux biss fl-istituti edukattivi iżda fi kwalunkwe kuntest, u taffronta b'miżuri mmirati u speċifiċi r-rati, li mhuma qegħdin juru l-ebda sinjal li se jonqsu, tal-vjolenzi kontra t-tfal, tal-isfruttament ekonomiku tat-tfal u tal-inċidenti li jikkawżaw il-mewt jew ferimenti gravi ta' tfal; jistieden lill-istituzzjonijiet kollha rilevanti tal-UE jagħtu assistenza rigward din il-kwistjoni;

23. Jirrakkomanda li tissaħħaħ il-qagħda fil-qasam tas-saħħa u s-sikurezza billi tkun implimentata l-Konvenzjoni C176 tal-ILO, kif ukoll il-konvenzjonijiet l-oħra tal-ILO fil-qasam tas-saħħa u s-sikurezza li għadhom ma ġewx ratifikati;

24. Isostni l-isforzi kontinwi u onesti tal-Mongolja biex teqred progressivament il-forom kollha ta' tħaddim tat-tfal u tiggarantixxi drittijiethom;

25. Jilqa' favorevolment il-qafas ġuridiku tal-Mongolja intiż li jirrealizza drittijiet indaqs tan-nisa u tal-irġiel adottat fl-2011 u l-eliminazzjoni progressiva tad-diskriminazzjoni kontra n-nisa;

Żvilupp sostenibbli

26. Jilqa' pożittivament il-progress sostanzjali li sar mill-Mongolja sa mis-snin disgħin fl-iżvilupp ekonomiku u fit-tnaqqis tal-faqar konformement mal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju (MDGs); jappoġġa lill-Mongolja fil-kisba tagħha tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU (SDGs), f'konformità mal-prinċipji dwar l-effikaċja tal-għajnuna u t-trasparenza;

27. Jirrikonoxxi li integrazzjoni ekonomika reġjonali aktar fil-fond se tiftaħ opportunitajiet għall-Mongolja f'termini ta' futur aktar prosperu u suċċess ekonomiku; jieħu nota tal-fatt li l-Mongolja kontemporanjament qiegħda tfittex alleanzi u sħab ekonomiċi li jippermettulha tisfrutta bis-sħiħ il-potenzjal ta' kooperazzjoni tagħha billi, fl-istess ħin, jirrispettaw l-interessi politiċi u ekonomiċi nazzjonali leġittimi tagħha, l-impenn fit-tul għal diplomazija multidirezzjonali, l-identità u stil ta' ħajja tradizzjonali jew il-pedamenti demokratiċi tas-soċjetà tal-Mongolja;

28. Huwa mħasseb, madankollu, bil-fatt li f'xi nħawi l-faqar qiegħed irabbi l-għeruq u li l-boom ekonomiku rrapportat fl-2010-2012 ma kkontribwixxiex biżżejjed biex jitnaqqas il-faqar fil-pajjiż;

29. Iħeġġeġ lill-Mongolja fl-isforzi tagħha biex tikseb tkabbir ekonomiku sostenibbli; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar it-tnaqqis f'daqqa fir-ritmu tat-tkabbir tal-PDG, li fl-2011 laħaq livelli rekord (17,3 %) iżda fl-2015 kien biss ta' 2,3 %, waqt li kien imbassar li ċ-ċifra għall-2016 kienet se tkun ta' 1,3 %; huwa mħasseb bil-fatt li d-defiċit fil-baġit, li tela' għal 20 % tal-PDG, jista' jħalli riperkussjonijiet negattivi fuq t-taffija tal-faqar, kif ukoll fuq l-inklużjoni soċjali u l-koeżjoni tas-sistema tal-protezzjoni soċjali;

30. Jilqa' favorevolment il-fatt li l-għajnuna għall-iżvilupp tal-UE għall-pajjiż għall-2014-2020, li tammonta għal EUR 65 miljun, hija aktar mid-doppju meta mqabbla maċ-ċifra ta' EUR 30 miljun għall-perjodu 2007-2013, b'enfasi fuq titjib tal-governanza ekonomika u tat-taħriġ vokazzjonali għal opportunitajiet aħjar ta' impjieg; iħeġġeġ il-parteċipazzjoni tal-Mongolja fil-programmi reġjonali ffinanzjati mill-UE; jinnota l-implimentazzjoni relattivament tajba tal-proġetti u l-programmi tal-UE li jgħinu l-iżvilupp u l-modernizzazzjoni tal-Mongolja;

31. Jenfasizza l-importanza ta' riforma amministrattiva kontinwa li tikkonċentra prinċipalment fuq il-konsolidament ta' amministrazzjoni professjonali ħafna kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak lokali; jinkoraġġixxi lill-istituzzjonijiet tal-UE jgħinu lill-Mongolja fl-iżvilupp tar-riżorsi u tal-kompetenzi neċessarji, fl-interess li l-pajjiż ikun mgħammar aħjar biex jilqa' l-isfidi tal-proċessi kumplessi ta' trasformazzjoni ekonomika u soċjetali, u jżidu l-kapaċità ta' assorbiment tal-fondi tal-UE fil-pajjiż;

32. Jistieden għal żieda fl-iskambju ta' opportunitajiet għall-istudenti u għad-dinja akkademika fl-ambitu tal-programmi Erasmus+ u Marie Skłodowska-Curie kif ukoll għat-twessigħ tal-kuntatti interpersonali, anki għall-artisti, bejn l-UE u l-Mongolja; jistieden lill-UE tinkludi r-riċerka u l-innovazzjoni fl-oqsma tagħha ta' kooperazzjoni mal-Mongolja;

33. Jilqa' pożittivament d-depożitu puntwali mill-Mongolja fil-21 ta' Settembru 2016 tal-istrument ta' ratifika tal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima; huwa mħasseb bil-fatt li l-effetti kombinati tat-tibdil fil-klima, iż-żieda estensiva tat-trobbija tal-bhejjem, żieda drammatika tal-migrazzjoni mill-kampanja għall-belt kapitali kif ukoll l-użu massiċċ u l-isfruttament rapidu tar-riżorsi naturali bħall-ilma u l-ħamrija għall-estrazzjoni uffiċjali u mhux uffiċjali mill-minjieri tar-ram, tal-faħam u ta' materji primi oħra, wasslu għal deterjorament drastiku tal-qagħda ambjentali tal-Mongolja, riskju akbar ta' kunflitti għall-ilma mal-ġirien tagħha u okkorrenza dejjem akbar ta' fenomeni klimatiċi bħad-"dzud", li huwa kkaratterizzati minn ċikli ta' nixfa fit-tul u xtiewi kefrin u dan jirriżulta f'telf massiċċ ta' bhejjem, fawna u bijodiversità inġenerali; jistieden lill-Gvern tal-Mongolja jintensifika l-isforzi għad-diversifikazzjoni tal-ekonomija tal-pajjiż, u jappella lill-UE tforni assistenza għal dan il-proċess permezz ta' attivitajiet iddedikati u miżuri preventivi u ta' xorta oħra, pereżempju fil-kuntest ta' koordinament aktar strett tal-politiki ambjentali taż-żewġ naħat; jistieden lill-awtoritajiet u lill-parlament tal-Mongolja, kif ukoll lill-Istati Membri tal-UE, jikkooperaw u jikkontribwixxu għal tisħiħ sostanzjali tar-reġim klimatiku internazzjonali fl-ambitu tal-wegħdiet li ttieħdu fil-COP 22 ta' Marrakexx;

34. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Mongolja rratifikat il-konvenzjonijiet SPĠ+ rilevanti kollha dwar il-ħarsien tal-ambjent u t-tibdil fil-klima u li hija konformi magħhom; iħeġġeġ lill-Mongolja, madankollu, tikkonforma mal-obbligi tagħha ta' rapportar fl-ambitu tal-Konvenzjonijiet dwar il-Ħarsien tal-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima (Konvenzjonijiet CITES, Basel u Stokkolma) u ssaħħaħ il-qafas ġuridiku tal-pajjiż fil-qasam ambjentali;

35. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, fl-2014, l-industriji estrattivi fil-Mongolja rrappreżentaw 17 % tal-PDG u 89 % tal-esportazzjonijiet totali tal-pajjiż; jilqa' pożittivament, f'dan il-kuntest, il-parteċipazzjoni attiva tal-Mongolja fl-Inizjattiva għat-trasparenza tal-industriji estrattivi (EITI), li għanda l-għan li tagħmel lil dan is-settur aktar responsabbli u trasparenti;

36. Jissottolinja li l-minjiera tar-ram u tad-deheb Oyu Tolgoi hija l-akbar proġett tal-minjieri individwali, li mill-2020 mistennija tirrappreżenta terz tal-PDG tal-Mongolja u Tavan Tolgoi hija l-akbar minjiera tal-faħam tad-dinja li mhijiex żviluppata; japprezza d-dibattiti pubbliċi dwar l-impatt ambjentali tal-minijieri kif ukoll il-parteċipazzjoni pubblika fil-ġestjoni tar-riżorsi fil-livelli lokali;

37. Jinkoraġġixxi lill-Mongolja tiżviluppa, għall-ġid taċ-ċittadini tagħha, l-isfruttament tar-riżorsi naturali tagħha, partikolarment tal-minerali rari, inkwantu għandhom valur dejjem akbar fl-industrija diġitali; jiġbed l-attenzjoni lejn ir-rwol ta' sostenn li l-UE tista' tiżvolġi hija u tagħti għajnuna teknoloġika u finanzjarja favur tali estrazzjoni tal-minerali indipendenti;

38. Huwa tal-fehma li l-investimenti fit-teknoloġiji u fid-diġitalizzazzjoni futuri jafu jgħinu jnaqqsu d-distakk li hemm fil-qasam tal-iżvilupp bejn id-diversi reġjuni tal-Mongolja kif ukoll jiddiversifika l-ekonomija; jinkoraġġixxi lill-UE u lill-Istati Membri jintensifikaw il-kooperazzjoni fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni u tat-teknoloġiji l-ġodda;

39. Jirrikonoxxi l-isfidi konsiderevoli tal-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga; jirrakkomanda li l-UE tassisti fit-tisħiħ tal-istituzzjonijiet u tar-riżorsi pubbliċi biex tali kwistjonijiet jiġu affrontati;

Relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi

40. Jinnota li l-UE saret it-tielet l-akbar sieħeb kummerċjali tal-Mongolja, u li l-prodotti tal-Mongolja diġà bdew jidħlu fis-suq tal-UE prattikament eżenti mid-dazji skont is-Sistema ta' Preferenzi Ġeneralizzata attwali;

41. Jilqa' pożittivament l-inklużjoni tal-Mongolja fl-iskema SPĠ+;

42. Josserva li l-investiment Ewropew fil-Mongolja s'issa għadu limitat, minħabba l-insigurtà tal-ambjent tan-negozju u n-nuqqas ta' informazzjoni;

43. Jinkoraġġixxi lill-UE u lill-Mongolja jintensifikaw r-relazzjonijiet kummerċjali u ta' investiment tagħhom, li jinkludu l-promozzjoni permezz ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni, f'konformità mad-dispożizzjonijiet ġuridiċi tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni; jisħaq fuq il-fatt li tali intensifikazzjoni jenħtieġ li tkun konformi mal-obbligi li jirriżultaw mill-konvenzjonijiet internazzjonali dwar l-istandards tax-xogħol, il-governanza tajba, id-drittijiet tal-bniedem u l-istandards ambjentali, u tirrispettahom kompletament;

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

44. Iħeġġeġ, f'dan il-kuntest, aktar żvilupp tal-attivitajiet tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) u tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ) fil-Mongolja;

45. Jenfasizza l-importanza ta' ambjent ġuridiku u ta' negozju stabbli għal żieda fl-investimenti mill-UE;

46. Jieħu nota tat-tnaqqis tal-investiment dirett barrani (IDB), relatat mas-settur tal-minjieri li jiddomina l-ekonomija, li għadu fattur kontroversjali kruċjali;

47. Iħeġġeġ lill-Mongolja, bl-għajnuna ta' investiment barrani u ambjent ġuridiku aktar trasparenti, tiddiversifika l-ekonomija tagħha b'mod li tgħinha tevita l-vulnerabbiltà għas-swieq tal-minerali volatili; jilqa' pożittivament, f'dan il-kuntest, il-leġiżlazzjoni l-ġdida dwar l-IDB;

48. Jinkoraġġixxi l-integrazzjoni ulterjuri tal-Mongolja fl-ekonomija globali u reġjonali, fi ħdan oqfsa bħal dawk tat-triq tal-isteppa, tat-triq tal-ħarir/l-inizjattiva "Zona Waħda, Triq Waħda" jew iż-Żona Trans-Ewrasjatika, skont l-interessi u l-prijoritajiet strateġiċi tal-pajjiż; jitlob lill-UE tikkunsidra li tipparteċipa fi programmi infrastrutturali u ta' investiment, inkluż fis-settur tal-minjieri, fir-reġjun;

Sfidi u kooperazzjoni reġjonali u globali

49. Jirrikonoxxi r-rwol ċentrali li l-Mongolja tista' tiżvolġi bejn l-ekonomiji dinamiċi taċ-Ċina, tar-Russja, tal-Korea t'Isfel u tal-Ġappun u l-pajjiżi tal-Asja Ċentrali, u fl-istess ħin bħala intermedjarju bejn l-Ewropa u r-reġjun tal-Asja tal-Lvant;

50. Jirrileva l-kunċett tal-politika barranija tal-Mongolja dwar "ġar terz", li jinkludi r-relazzjonijiet mal-UE, ibbilanċjati ma' relazzjonijiet kostruttivi u intensi mas-sħab strateġiċi u influwenti u l-ġirien diretti tagħha, ir-Russja u ċ-Ċina;

51. Jieħu nota tar-relazzjonijiet ta' ħbiberija, kif ukoll kompetittivi f'termini ekonomiċi, tal-Mongolja mal-pajjiżi l-oħra fir-reġjun;

52. Josserva li l-Mongolja qiegħda tevalwa bis-serjetà l-impatt ta' sħubija potenzjali fl-Unjoni Ekonomika Ewrasjatika (EAEU); jinsab imħasseb li dan il-pass jaf ifixkel ir-relazzjonijiet politiċi u kummerċjali ulterjuri mal-UE;

53. Jifraħ lill-Mongolja għar-rwol pożittiv tagħha hija u tippresiedi l-laqgħat ASEM u ASEP tal-2016 f'Ulan Bator, għas-solidifikazzjoni tad-dimensjoni parlamentari u għat-tisħiħ tas-sħubija bejn iż-żewġ reġjuni fuq il-bażi tal-prinċipji universalment rikonoxxuti tal-ugwaljanza, tar-rispett reċiproku kif ukoll tal-promozzjoni u tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali; jilqa' favorevolment il-proposta tal-Mongolja biex jitwaqqaf Ċentru ASEM li jkun iħaddan fih faċilità virtwali/online;

54. Jilqa' b'mod pożittiv il-fatt li l-Mongolja ddikjarat lilha nnifisha bħala żona mingħajr armi nukleari, kif rikonoxxut uffiċjalment min-NU; japprezza, partikolarment, ir-rwol kostruttiv u attiv li tiżvolġi fil-fora multilaterali fil-promozzjoni tal-kooperazzjoni favur diżarm nukleari globali, kif ukoll il-fatt li ffirmat il-"Humanitarian Pledge" (Wegħda Umanitarja) ([1]);

55. Jilqa' b'sodisfazzjon l-impenn reċiproku għall-promozzjoni tal-paċi u s-sigurtà internazzjonali, u f'dan il-kuntest, jilqa' pożittivament ir-rwol attiv tal-Mongolja fil-mekkaniżmi multilaterali internazzjonali bħan-NU u l-OSKE, u l-kontribut tagħha għall-inizjattivi li jappoġġaw il-paċi u l-istabbiltà fl-Asja tal-Grigal u lil hinn, bħad-Djalogu ta' Ulan Bator għas-Sigurtà tal-Asja tal-Grigal;

56. Josserva l-kontribut tal-Mongolja favur l-operazzjonijiet għaż-żamma tal-paċi tan-NU fid-dinja kif ukoll il-forniment ta' faċilitajiet ta' taħriġ għal tali missjonijiet, flimkien mal-fatt li tipprova dejjem iżjed issaħħaħ, parallelament, l-opportunitajiet politiċi u diplomatiċi u r-responsabbiltà tan-NU għall-prevenzjoni u għar-riżoluzzjoni tal-kunflitti;

([1]) http://www.icanw.org/pledge/

57. Jilqa' pożittivament l-allinjament mill-qrib tal-Mongolja mal-UE fin-negozjati u fil-pożizzjonijiet tal-vot tagħha fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti u fora multilaterali oħrajn; jissottolinja, f'dan il-kuntest, l-importanza tal-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni dwar il-kooperazzjoni internazzjonali;

58. Jirrikonoxxi r-rwol tal-Mongolja fil-promozzjoni tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem bħala membru ġdid tal-UNHRC fil-perjodu 2016-2018 u jappella għal kooperazzjoni stretta bejn l-UE u l-Mongolja fit-tħejjija u fl-implimentazzjoni tal-ħidma tal-UNHRC;

59. Jilqa' favorevolment ir-ratifika min-naħa tal-Mongolja tal-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI) u jinkoraġġixxi lill-Mongolja tirratifika l-Emendi ta' Kampala, li fornew, b'mod puntwali, definizzjoni u proċedura għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti fuq id-delitt ta' aggressjoni;

60. Ifaħħar lill-isforzi li għamlet il-Mongolja biex tippromwovi d-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi fil-viċinat tal-Mongolja li jaspiraw għall-bidla demokratika; jistieden lill-UE tinvolvi wkoll lill-Mongolja u ssib sinerġiji fuq bażi *ad hoc* fil-programmi reġjonali fi ħdan l-Asja Ċentrali b'enfasi fuq tali żviluppi;

61. Ifaħħar lir-rwol tal-Mongolja biex tlaqqa' lill-esponenti akkademiċi miż-żewġ Korej, miċ-Ċina u mir-Russja, kif ukoll talli ospitat riunifikazzjonijiet ta' familji li nfirdu minħabba d-diviżjoni tal-peniżola Koreana;

62. Isostni l-aspirazzjoni dikjarata tal-Mongolja li ssir membru tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU fl-2022;

o

o o

63. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-VP/RGħ, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, kif ukoll lill-Gvern u lill-Khural il-Kbir tal-Istat (Parlament) tal-Mongolja.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

P8_TA(2017)0036

Rapport dwar l-Albanija 2016

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2017 dwar ir-Rapport tal-Kummissjoni 2016 dwar l-Albanija (2016/2312(INI))

(2018/C 252/12)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Albanija, min-naħa l-oħra,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Thessaloniki tad-19 u l-20 ta' Ġunju 2003 dwar il-prospettiva tal-adeżjoni tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent mal-UE,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tas-26 u s-27 ta' Ġunju 2014 li l-Albanija tingħata l-istatus ta' pajjiż kandidat għal sħubija mal-UE u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2015,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Presidenza tat-13 ta' Diċembru 2016,

— wara li kkunsidra t-tmien laqgħa, li saret fi Brussell fit-8 ta' Settembru 2016, tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni bejn l-Albanija u l-UE,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Finali tal-President tas-Summit dwar il-Balkani tal-Punent, li sar f'Pariġi fl-4 ta' Lulju 2016, u r-rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili għas-Summit ta' Pariġi tal-2016,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Novembru 2016 bit-titolu "Komunikazzjoni dwar il-Politika tat-Tkabbir tal-UE 2016" (COM(2016)0715), akkumpanjata mid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar ir-Rapport 2016 dwar l-Albanija (SWD(2016)0364),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet konġunti tas-sitt Djalogu ta' Livell Għoli dwar il-Prijoritajiet Ewlenin adottati f'Tirana fit-30 ta' Marzu 2016,

— wara li kkunsidra r-rapporti finali tal-OSKE/ODIHR dwar l-elezzjonijiet parlamentari tal-2013 u l-elezzjonijiet lokali tal-2015,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-OSKE intitolat "Monitoring of Administrative Trials 2015 (il-Monitoraġġ ta' Proċessi Amministrattiv 2015)",

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet adottati fil-11-il laqgħa tal-Kumitat Parlamentari ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (SAPC) UE-Albanija, li saret fi Brussell fis-7 u t-8 ta' Novembru 2016,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Albanija,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A8-0023/2017),

A. billi l-Albanija għamlet progress biex tissodisfa l-kriterji politiċi għas-sħubija u għamlet progress deċiż fil-ħames prijoritajiet ewlenin għall-ftuħ tan-negozjati dwar l-adeżjoni. billi l-implimentazzjoni ulterjuri tal-pakkett ta' riforma ġudizzjarja, ir-riforma elettorali u l-ħekk imsejħa liġi tad-dekriminalizzazzjoni, fost oħrajn, huma importanti sabiex tissaħħaħ il-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet pubbliċi u fir-rappreżentanti politiċi tagħhom;

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

B. billi għad fadal sfidi u hemm bżonn li dawn jiġu indirizzati rapidament u b'effikaċja, fi spirtu ta' djalogu, kooperazzjoni u kompromess bejn il-gvern u l-oppożizzjoni, sabiex jiġi garantit progress ulterjuri fit-triq tal-Albanija lejn l-adeżjoni mal-UE;

C. billi huwa essenzjali li jkun hemm djalogu politiku konstruttiv u sostenibbli dwar riformi relatati mal-UE bejn il-forzi politiċi, bil-ħsieb li jsir aktar progress fil-proċess tal-adeżjoni mal-UE;

D. billi fl-Albanija jeżisti kunsens politiku u appoġġ pubbliku wiesa' għall-proċess tal-adeżjoni mal-UE;

E. billi n-negozjati ta' adeżjoni huma inċentiv qawwi biex jiġu adottati u implimentati riformi relatati mal-adeżjoni;

F. billi r-riforma ġudizzjarja tibqa' kruċjali biex isir progress fil-proċess ta' adeżjoni mal-UE tal-Albanija;

G. billi fl-2017, fl-Albanija se jsiru l-elezzjonijiet presidenzjali u parlamentari;

H. billi l-protezzjoni tal-libertà reliġjuża, il-wirt kulturali, id-drittijiet tal-minoranzi u l-amministrazzjoni tal-proprjetà huma fost il-valuri fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

I. billi l-UE enfasizzat il-ħtieġa li jissaħħu l-governanza ekonomika, l-istat tad-dritt u l-kapaċitajiet tal-amministrazzjoni pubblika fil-pajjiżi kollha tal-Balkani tal-Punent;

J. billi l-awtoritajiet Albaniżi għandhom approċċ pożittiv lejn kooperazzjoni reġjonali biex jippromwovu l-iżvilupp tal-infrastruttura, miżuri għall-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kummerċ u l-mobilità taż-żgħażagħ;

1. Jilqa' l-progress kontinwu li sar mill-Albanija dwar riformi relatati mal-UE, b'mod partikolari l-adozzjoni kunsenswali f'Lulju 2016 tal-emendi kostituzzjonali li jwittu t-triq lejn riforma ġudizzjarja komprensiva; jenfasizza li biex isir aktar progress fil-proċess ta' adeżjoni tal-UE mhux biss hemm bżonn ta' adozzjoni konsistenti tar-riformi tal-ħames prijoritajiet kollha iżda anke implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tagħhom, kif ukoll impenn politiku sostnut; iħeġġeġ lill-Albanija tistabbilixxi riżultati konkreti f'tali riformi;

2. Jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-ftuħ ta' negozjati ta' adeżjoni mal-Albanija; jappoġġa bis-sħiħ l-adeżjoni tal-Albanija mal-UE, u jitlob li jinfetħu n-negozjati ta' adeżjoni malli jkun hemm progress kredibbli u sostenibbli fl-implimentazzjoni tar-riforma ġudizzjarja komprensiva u fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni, sabiex jinżamm il-momentum tar-riforma; jistenna lill-Albanija tikkonsolida l-progress miksub u żżomm il-pass tal-progress dwar l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet ewlenin kollha;

3. Itenni li djalogu kostruttiv, il-kooperazzjoni politika sostenibbli u r-rieda għal kompromess huma kruċjali għas-suċċess tar-riformi u tal-proċess ta' adeżjoni kollu mal-UE; jilqa', f'dan ir-rigward, l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni dwar l-esklużjoni ta' trasgressuri kriminali minn karigi pubbliċi; jistieden lill-partiti politiċi kollha jagħmlu sforzi akbar biex jistabbilixxu djalogu politiku ġenwin u biex tinkiseb kooperazzjoni kostruttiva;

4. Ifaħħar l-adozzjoni kunsenswali tal-emendi kostituzzjonali għar-riforma ġudizzjarja u l-adozzjoni ta' liġijiet dwar ir-riorganizzazzjoni istituzzjonali tal-ġudikatura, l-uffiċċju tal-prosekutur u l-Qorti Kostituzzjonali; jitlob l-adozzjoni rapida u l-implimentazzjoni kredibbli ta' liġijiet ta' akkumpanjanti rilevanti kollha u tal-liġijiet sekondarji, b'mod partikolari l-liġi dwar l-evalwazzjoni mill-ġdid (skrutinju) tal-imħallfin, il-prosekuturi u l-konsulenti legali u l-pakkett ta' abbozzi ta' liġijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-riforma tas-sistema ġudizzjarja; jinnota s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali dwar il-kostituzzjonalità tal-liġi ta' skrutinju wara opinjoni pożittiva mill-Kummissjoni ta' Venezja; itenni li riforma ġudizzjarja komprensiva hija rekwiżit ewlieni taċ-ċittadini tal-Albanija biex terġa' tissawwar il-fiduċja fir-rappreżentanti politiċi u fl-istituzzjonijiet pubbliċi tagħhom, u li l-kredibilità u l-effettività tal-proċess globali ta' riforma, inkluża l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, jiddependu mis-suċċess tal-proċess ta' skrutinju u r-riforma ġudizzjarja; ifakkar li l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' din ir-riforma hi strumentali fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, u huma essenzjali għall-konsolidazzjoni tal-istat tad-dritt u għat-tisħiħ tal-infurzar tad-drittijiet fundamentali fil-pajjiż, ukoll bl-għan li tiżdied il-fiduċja fis-sistema ġudizzjarja fost iċ-ċittadini kollha;

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

5. Jilqa' b'sodisfazzjon l-istrateġija ta' riforma ġudizzjarja l-ġdida għall-2017-2020 u l-pjan ta' azzjoni tagħha mmirati biex jiksbu aktar professjonaliżmu, effiċjenza u indipendenza tas-sistema ġudizzjarja, inkluż il-qrati u s-sistema ta' tal-qrati u l-evalwazzjoni mill-ġdid tal-membri kollha tal-ġudikatura, kif ukoll żieda fil-mezzi baġitarji għall-implimentazzjoni; jiddispjaċih li l-amministrazzjoni tal-ġustizzja għadha qed tipproċedi bil-mod u b'ineffiċjenza; jinnota n-nuqqas ta' progress fil-mili ta' postijiet tax-xogħol battala fil-Qorti Suprema u fil-qrati amministrattivi u l-użu effettiv tas-sistema unifikata ta' ġestjoni tal-kawżi; jitlob li jiġi indirizzat ulterjorment kwalunkwe nuqqas fil-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja, inkluż in-nuqqas ta' indipendenza minn fergħat tas-setgħa oħra, il-ġustizzja selettiva, l-obbligu limitat ta' rendikont, il-mekkaniżmi ineffettivi ta' sorveljanza, il-korruzzjoni, it-tul kumplessiv tal-proċeduri ġudizzjarji u l-infurzar; jiddispjaċih għall-interferenza politika fl-investigazzjonijiet u l-każijiet fil-qorti, u għalhekk jitlob li l-indipendenza tal-ġudikatura tissaħħaħ fil-prattika; jitlob għal aktar involviment fiż-żona ta' ġustizzja amministrattiva, li tindirizza suġġetti bħal aċċess effettiv għall-qrati u l-allokazzjoni ta' riżorsi lill-qrati biex ikunu jistgħu jaħdmu b'mod effiċjenti; itenni li r-riforma tas-sistema tal-ġustizzja kriminali għandha timmira li l-ħatja jinżammu responsabbli u biex tkun promossa l-promozzjoni tar-rijabilitazzjoni u l-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom, filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet tal-vittmi u tax-xhieda ta' reati;

6. Jitlob li l-Kumitat Parlamentari Ad Hoc dwar ir-Riforma Elettorali biex jiffinalizza malajr l-evalwazzjoni tiegħu tal-kodiċi elettorali, filwaqt li jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet preċedenti kollha tal-OSKE/ODIHR u t-tisħiħ tat-trasparenza tal-finanzjament tal-partiti u l-integrità tal-proċess elettorali; jistieden lill-awtoritajiet kompetenti jiżguraw l-implimentazzjoni fil-ħin qabel l-elezzjonijiet parlamentari li jmiss f'Ġunju 2017, kif ukoll l-indipendenza u d-depolitiċizzazzjoni tal-amministrazzjoni elettorali; ifakkar li l-partiti politiċi kollha huma responsabbli biex jiżguraw li jitwettqu elezzjonijiet demokratiċi f'konformità mal-istandards internazzjonali; jistieden lill-awtoritajiet biex jinkoraġġixxu lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊs) jipparteċipaw b'mod attiv fis-superviżjoni tal-proċess elettorali kollu; ifakkar li elezzjonijiet ħielsa u ġusti huma kruċjali għal aktar progress fil-proċess ta' adeżjoni mal-UE; jisħaq dwar il-ħtieġa li jiġi indirizzat it-tħassib marbut mal-finanzjament tal-partiti politiċi u dwar is-sistema ta' awditu responsabbli;

7. Jistieden l-partiti politiċi tal-Albanija biex jirrispettaw kemm l-ispirtu u n-natura tal-leġiżlazzjoni dwar l-esklużjoni ta' trasgressuri kriminali minn karigi pubbliċi fit-tfassil tal-listi tal-kandidati tagħhom għall-elezzjonijiet li jmiss; jitlob li jkun hemm implimentazzjoni sħiħa ta' din il-liġi;

8. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Albaniżi jieħdu miżuri biex jiffaċilita l-possibilità li ċittadini Albaniżi li jirrisjedu barra mill-pajjiż jivvutaw f'elezzjonijiet Albaniżi barra mill-pajjiż;

9. Jilqa' t-titjib fit-trasparenza u l-inklużività tal-attivitajiet parlamentari, iżda jitlob li jissaħħu l-kapaċitajiet parlamentari sabiex tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni tar-riformi u l-konformità tagħhom mal-istandards tal-UE u biex isir użu aħjar tad-diversi mekkaniżmi u istituzzjonijiet ta' sorveljanza sabiex il-gvern jinżamm responsabbli; jitlob li jiġi approvat kodiċi ta' etika parlamentari u biex ir-regoli ta' proċedura jirriflettu l-liġi dwar ir-rwol tal-parlament fil-proċess ta' integrazzjoni mal-UE; joffri li jesplora modi ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-Parlament tal-Albanija fi ħdan il-qafas tal- programm ta' appoġġ tal-Parlament Ewropew għall-parlamenti tal-pajjiżi kandidati, sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tiegħu li jipproduċi leġiżlazzjoni ta' kwalità f'konformità mal-acquis tal-UE u jeżerċita r-rwol ta' sorveljanza tiegħu fl-implimentazzjoni tar-riformi;

10. Jinnota l-isforzi sabiex ikun hemm amministrazzjoni pubblika aktar aċċessibbli għaċ-ċittadini u biex isir progress kostanti fl-implimentazzjoni tar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika u tar-riforma tal-ġestjoni tal-finanzjament pubbliku; jappella għal aktar progress fit-tisħiħ tal-implimentazzjoni tal-Liġi dwar is-Servizz Ċivili u tal-Kodiċi tal-Proċedura Amministrattiva, biex jitjiebu l-proċeduri ta' reklutaġġ u ta' promozzjonijiet abbażi tal-mertu u l-prestazzjoni, u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet istituzzjonali u tar-riżorsi umani, bl-għan li jiġi kkonsolidat il-progress li jkun sar lejn l-iżgurar ta' suq aktar effiċjenti, u depolitiċizzat, u amministrazzjoni pubblika trasparenti u professjonali, li tippermetti wkoll l-iżvolġiment tajjeb tan-negozjati ta' adeżjoni mal-UE; jitlob għat-tisħiħ tal-awtorità, l-awtonomija, l-effiċjenza u r-riżorsi tal-istrutturi tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż l-uffiċċju tal-Ombudsman; ifaħħar lill-Kunsill Nazzjonali għall-Integrazzjoni Ewropea għall-inizjattivi tiegħu biex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-amministrazzjoni pubblika u tas-soċjetà ċivili fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' riformi marbutin mal-adeżjoni; jenfasizza l-bżonn li tiġi ssalvagwardjata l-indipendenza tal-korpi regolatorji u ta' superviżjoni;

11. Jieħu nota tal-implimentazzjoni tar-riforma territorjali; jenfasizza li hemm bżonn sforzi sostanzjali biex tiżdied il-kapaċità finanzjarja u amministrattiva tal-unitajiet tal-gvern lokali li għadhom kif ġew stabbiliti;

12. Jilqa' l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni prinċipali kontra l-korruzzjoni, inkluż dwar il-protezzjoni tal-informaturi; jibqa' mħasseb, madankollu, li l-korruzzjoni għadha għolja u mifruxa f'ħafna oqsma u għadha problema serja, li tnaqqas il-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet pubbliċi; jinsab imħasseb, li istituzzjonijiet kontra l-korruzzjoni ewlenin għadhom suġġetti għal indħil politiku u għandhom kapaċitajiet amministrattivi limitati; jinnota li kooperazzjoni interistituzzjonali fqira u l-iskambju ta' informazzjoni għadhom qed ixekklu l-investigazzjonijiet proattivi u l-prosekuzzjoni effettiva tal-korruzzjoni; jenfasizza l-ħtieġa ta' qafas ġuridiku aktar adegwat għall-kunflitti ta' interess, li jiġi rregolat l-illobjar u li jkun hemm kooperazzjoni interistituzzjonali aħjar, speċjalment bejn il-pulizija u s-servizzi ta' prosekuzzjoni, bil-għan li jitjieb ir-rekord tagħhom fir-rigward ta' investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet u kundanni, inkluż f'każijiet ta' livell għoli;

13. Jilqa' l-implimentazzjoni kontinwa tal-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-intensifikazzjoni fil-kooperazzjoni internazzjonali tal-pulizija; jitlob ukoll li jiġu żarmati n-netwerks ta' kriminalità organizzata u biex jiżdied l-għadd ta' kundanni finali f'każijiet ta' kriminalità organizzata, billi jissaħħu l-kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet internazzjonali, il-pulizija u s-servizzi tal-prosekuzzjoni u l-kapaċitajiet istituzzjonali u operazzjonali; jinsab imħasseb li r-rekord tal-iffriżar u l-konfiska ta' assi akkwistati illegalment għadha baxx ħafna, u jitlob żieda fil-kapaċità u użu akbar ta' investigazzjonijiet finanzjarji biex jitjieb ir-rekord tagħhom f'dawn l-oqsma; jinnota li minkejja t-tendenza 'l fuq fl-investigazzjoni ta' każijiet li jinvolvu l-ħasil tal-flus, l-għadd ta' kundanni finali jibqa' limitat;

14. Jitlob, filwaqt li jilqa' l-operazzjonijiet reċenti kontra l-pjantaġġuni tal-kannabis, għat-tisħiħ ta' miżuri biex tinqered il-kultivazzjoni, il-produzzjoni u t-traffikar tad-droga fl-Albanija u netwerks relatati ta' kriminalità organizzata, inkluż bit-tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali u reġjonali; jinnota, madankollu, li l-pulizija u l-prosekuturi naqsu milli jidentifikaw n-netwerks kriminali wara l-kultivazzjoni tad-drogi;

15. Jitlob għal sforzi intensifikati biex tiġi indirizzata l-proliferazzjoni bla kontroll tat-traffikar illeċitu ta' armi, inkluż billi tiżdied il-kooperazzjoni mal-UE f'dan is-sens, kif ukoll billi jinqerdu l-ħażniet li jifdal ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir u t-titjib tal-kundizzjoni ta' faċilitajiet ta' ħażna; jinsab imħasseb dwar ir-rata għolja ferm ta' qtil b'arma tan-nar fl-Albanija;

16. Jitlob t-tisħiħ tal-kapaċità tal-gvern biex ifittex, jaħtaf u jikkonfiska r-rikavat tal-kriminalità ċibernetika u biex jipprevjeni l-ħasil tal-flus fuq l-internet;

17. Iħeġġeġ lill-Albanija tkompli ttejjeb il-qafas legali tagħha għad-determinazzjoni tal-istatus ta' protezzjoni internazzjonali tar-refuġjati; ifaħħar l-isforzi tal-pulizija Albaniża biex iżidu l-kondiviżjoni tal-informazzjoni mal-Frontex, u jappella għal aktar tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Albanija sabiex tipproteġi d-drittijiet tar-refuġjati f'konformità mal-istandards internazzjonali u mal-valuri fundamentali tal-UE; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar iż-żieda reċenti f'każijiet ta' traffikar tal-bnedmin; jitlob li jiġu intensifikati l-isforzi biex ma jitħalliex iseħħ it-traffikar tal-bnedmin, bl-għoti ta' attenzjoni partikolari għall-vittmi ewlenin ta' dan it-traffikar, speċjalment il-minuri mhux akkumpanjati, in-nisa u l-bniet;

18. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-popolazzjoni eċċessivament kbira fil-ħabsijiet u (rapporti ta') l-inadegwatezza tal-kura medika f'postijiet ta' detenzjoni, kif ukoll it-trattament ħażin tal-persuni suspettati fl-għases tal-pulizija; jirrakkomanda reviżjoni tal-approċċ repressiv, riklassifikazzjoni ta' reati kriminali u użu akbar ta' alternattivi għall-priġunerija;

19. Jinnota t-titjib fil-kooperazzjoni relatata mal-UE bejn l-istituzzjonijiet tal-istat u l-OSĊs, inkluża l-parteċipazzjoni tagħhom fil-laqgħat tal-Kunsill Nazzjonali għall-Integrazzjoni Ewropea (NCEI); jinnota li soċjetà ċivili msaħħa hija element kruċjali ta' kwalunkwe sistema demokratika; jenfasizza l-ħtieġa għal koordinazzjoni aktar mill-qrib fil-livelli kollha ta' gvern, inkluż fil-livell lokali, mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; jilqa' f'dan ir-rigward il-ħolqien tal-Kunsill Nazzjonali għas-Soċjetà Ċivili (NCCS); jitlob l-implimentazzjoni effettiva tad-dritt għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni pubblika u għal regolamentazzjoni aħjar tal-qafas fiskali li jaffettwa lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

20. Ifakkar, fost il-prijoritajiet ewlenin, il-ħtieġa biex tissaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet tal-minoranzi u tal-politiki kontra d-diskriminazzjoni, inkluż billi jissaħħaħ l-infurzar tagħhom; iħeġġeġ lill-awtoritajiet kompetenti jkomplu jtejbu l-atmosfera ta' inklużjoni u tolleranza għall-minoranzi kollha fil-pajjiż, bi qbil mal-istandards Ewropej għall-Protezzjoni tal-Minoranzi, inkluż billi jissaħħaħ ir-rwol tal-Kumitat tal-Istat għall-Minoranzi; jilqa' b'sodisfazzjon l-ewwel passi mmirati li jtejbu l-qafas legali għall-protezzjoni tal-minoranzi, u jappella lill-Albanija tadotta liġi qafas dwar il-protezzjoni tal-minoranzi u biex tirratifika l-Karta Ewropea għal-Lingwi Reġjonali u Minoritarji; jinnota li

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

proċess ta' konsultazzjoni wiesgħa li tinvolvi istituzzjonijiet indipendenti, l-assoċjazzjonijiet tal-minoranzi u l-assoċjazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; jenfasizza l-ħtieġa li jitjiebu l-kundizzjonijiet tal-għajxien tar-Roma, l-Eġizzjani u tal-minoranzi etniċi oħra; jappella għal azzjonijiet konkreti bħar-reġistrazzjoni ċivika (ċertifikati tat-twelid u tal-Karti tal-Identità) tar-Roma u tal-Eġizzjani; jappella għal sforzi kontinwi biex ittejjeb l-aċċess tagħhom għall-impjiegi u tal-entitajiet kollha pubbliċi u ta' servizzi soċjali, l-edukazzjoni, is-saħħa, l-akkomodazzjoni soċjali u l-għajnuna legali; jinsab imħasseb li, minkejja t-titjib, l-inklużjoni tat-tfal Roma fis-sistema edukattiva għadha l-aktar baxxa fir-reġjun;

21. Ifaħħar l-isforzi tal-uffiċċju tal-Ombudsman biex itejjeb l-leġiżlazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem, speċjalment fil-qafas tar-riforma tal-ġudikatura; jilqa' l-promozzjoni attiva tad-drittijiet ta' gruppi vulnerabbli u tal-prinċipji tad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, l-ugwaljanza u l-istat tad-dritt; jiddispjaċih li l-ħidma tal-uffiċċju tal-Ombudsman għadha limitata minħabba nuqqas ta' finanzjament u ta' persunal fl-uffiċċji ċentrali u lokali tiegħu; jappella għal titjib tal-awtorità, tal-awtonomija, l-effiċjenza u tar-riżorsi għall-kariga tiegħu;

22. Jibqa' mħasseb dwar id-diskriminazzjoni u n-nuqqas ta' miżuri xierqa għall-protezzjoni tan-nisa u l-bniet li jagħmlu parti minn gruppi żvantaġġati u emarġinati, kif ukoll in-numru għoli ta' każijiet ta' vjolenza domestika kontra n-nisa u l-bniet; jenfasizza l-ħtieġa għal sforzi addizzjonali sabiex jiġi żviluppat reġistri ta' każijiet kontra d-diskriminazzjoni; jistieden lill-awtoritajiet kompetenti jkomplu bis-sensibilizzazzjoni u l-prevenzjoni dwar il-vjolenza domestika, u biexjitjieb l-appoġġ għall-vittmi; itenni l-appell tiegħu għall-implimentazzjoni sħiħa tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul); iħeġġeġ lill-awtoritajiet jindirizzaw il-preġudizzji stereotipiċi bbażati fuq is-sess permezz ta' edukazzjoni sistematika, id-dibattitu pubbliku u l-miżuri governattivi;

23. Jappella għal mekkaniżmi istituzzjonali għall-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal u għall-prevenzjoni tat-tħaddim tat-tfal;

24. Jinnota li huma meħtieġa aktar sforzi biex jiġu protetti d-drittijiet tal-minoranzi kollha fl-Albanija, permezz tal-implimentazzjoni kompleta tal-leġiżlazzjoni rilevanti; jirrakkomanda li d-drittijiet ta' nies b'etniċitajiet Bulgari fir-reġjuni Prespa, Golo Brdo u Gora jkunu stabbiliti fil-liġi u garantiti fil-prattika;

25. Jilqa' t-titjib tal-protezzjoni tad-drittijiet ta' persuni LGBTI, u l-adozzjoni ta' Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-persuni LGBTI 2016-2020, u jħeġġeġ lill-gvern biex ikompli jimplimenta miżuri tal-programm, u biex ikompli jikkonsolida l-kooperazzjoni tiegħu mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili LGBTI; iħeġġeġ, barra minn hekk, lill-gvern u lil dawk li jfasslu l-liġijiet jiżguraw li l-kondizzjonijiet ta' rikonoxximent tal-ġeneru, jilħqu l-istandards stipulati fir-Rakkomandazzjoni CM/Rec (2010)5 mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa lill-Istati Membridwar miżuri li jiġġieldu d-diskriminazzjoni abbażi ta' orjentazzjoni sesswali jew ta' identità tal-ġeneru;

26. Jiddispjaċih li l-awtoritajiet kompetenti s'issa naqsu milli jwettqu investigazzjoni kriminali effettiva għat-telf ta' ħajja fil-protesta tal-21 ta' Jannar 2011; jistieden lill-awtoritajiet kompetenti jipproċedu mingħajr dewmien bla bżonn biex issir ġustizzja mal-vittmi tal-ġrajjiet ta' dak il-jum;

27. Ifaħħar it-tolleranza reliġjuża u l-kooperazzjoni tajba fost il-komunitajiet reliġjużi; iħeġġeġ lill-awtoritajiet kompetenti u l-komunitajiet reliġjużi jikkooperaw biex jippreservaw u jrawmu l-armonija reliġjuża f'konformità mal-Kostituzzjoni; iqis li huwa essenzjali li tiġi evitata r-radikalizzazzjoni Iżlamika permezz ta' approċċ immirat mis-servizzi tal-intelligence, mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u mill-istituzzjonijiet ġudizzjarji, inkluż permezz ta' diżimpenn u l-integrazzjoni mill-ġdid ta' ġellieda barranin li jirritornaw lejn pajjiżhom, li jiġi miġġieled l-estremiżmu vjolenti f'kooperazzjoni mal-OSĊs u l-komunitajiet reliġjużi, u biex tiġi intensifikata l-kooperazzjoni reġjonali u internazzjonali f'dan il-qasam; ifaħħar il-qafas ġuridiku komprensiv tal-pajjiż għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu; iħeġġeġ li l-miżuri kollha għandhom jiżguraw, fiċ-ċirkostanzi kollha, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali skont l-istandards internazzjonali; jenfasizza l-importanza tal-programmi ta' edukazzjoni speċjali għall-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni, kif ukoll għar-rijabilitazzjoni u l-integrazzjoni soċjali mill-ġdid tal-individwi kkonċernati;

28. Jiddispjaċih dwar il-progress limitat li sar fil-qasam tal-libertà tal-mezzi ta' komunikazzjoni fis-sena li għaddiet; itenni l-importanza kbira ta' midja privata u tas-servizz pubbliku professjonali u indipendenti; jinsab imħasseb dwar l-influwenza politika fil-midja u l-awtoċensura mifruxa fost il-ġurnalisti; jinnota l-implimentazzjoni kajmana tal-liġi dwar il-midja awdjoviżiva u d-dewmien biex jimtlew postijiet tax-xogħol battala fl-Awtorità tal-Midja Awdjoviżiva (AMA); jitlob miżuri li jgħollu l-istandards professjonali u etiċi u l-prevalenza ta' kuntratti ta' xogħol regolari għall-ġurnalisti, it-titjib tat-

trasparenza tar-reklamar tal-gvern fil-midja u biex tiġi żgurata l-indipendenza, l-imparzjalità u l-kontabilità tal-awtoritajiet regolatorji u tax-xandar pubbliku, speċjalment fid-dawl tal-elezzjonijiet parlamentari; itenni l-ħtieġa li jiġu ffinalizzati u adottati l-istatuti intern tax-xandar pubbliku RTSH u biex jiġi ffinalizzat il-proċess ta' bidla għax-xandir diġitali;

29. Jilqa' t-titjib fil-konsolidazzjoni fiskali u l-punteġġi ogħla fir-rigward ta' kif isir in-negozju u fl-isforzi fil-ġlieda kontra l-ekonomija informali; jinnota, madankollu, li n-nuqqasijiet persistenti fl-istat tad-dritt u l-ambjent regolatorju kumpless jiskoraġġixxu l-investiment; huwa mħasseb li r-rimessi tal-emigranti jikkostitwixxi mutur importanti tad-domanda domestika; iħeġġeġ lill-awtoritajiet kompetenti jieħdu miżuri biex jitjiebu l-infurzar tal-kuntratti u l-ġbir tat-taxxa, u biex ikomplu jimplimentaw ir-riforma ġudizzjarja bil-ħsieb li jitjieb l-ambjent tan-negozju; jinsab imħasseb dwar il-livell għoli ta' akkwist pubbliku dirett u l-offerti mhux kompetittivi u l-esternalizzazzjoni ta' kuntratti tat-tip PPP fuq terminu twil li għandhom impatt dubjuż fir-rigward tal-interess pubbliku;

30. Jirrakkomanda li l-awtoritajiet iħaffu l-kostruzzjoni ta' proġetti infrastrutturali kbar bħal dak tal-konnessjoni ferrovjarja u l-awtostrada moderna bejn Tirana u Skopje bħala parti minn Kuritur VIII;

31. Jinnota bi tħassib in-natura limitata tal-kapaċitajiet amministrattivi għall-infurzar tal-liġi ambjentali, kif ukoll il-ġestjoni fqira tal-iskart u tal-ilma, li ta' spiss jirriżultaw f'reati ambjentali li jheddu r-riżorsi ekonomiċi tal-Albanija u jikkostitwixxu ostaklu għal ekonomija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi; jissottolinja l-ħtieġa li titjieb il-kwalità tal-valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali kif ukoll biex tiġi garantita l-parteċipazzjoni u konsultazzjoni pubblika tas-soċjetà ċivili fi proġetti irilevanti; jenfasizza l-importanza kruċjali li jintlaħqu l-objettivi tat-tibdil fil-klima mingħajr ma jkun hemm impatt negattiv fuq il-bijodiversità, il-pajsaġġ, ir-riżorsi tal-ilma, il-flora u fawna, tal-popolazzjonijiet lokali milquta; jinsab imħasseb ħafna dwar il-fatt li, skont il-Kummissjoni, 44 minn 71 proġett għal impjant idroelettriku qed jinbnew f'żoni protetti;

32. Jenfasizza li l-impatt ambjentali tal-impjanti idroelettriċi spiss mhuwiex valutat b'mod xieraq sabiex tkun żgurata l-konformità mal-istandards internazzjonali u l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE dwar in-natura; jagħti parir lill-gvern jikkunsidra l-istabbiliment ta' Park Nazzjonali f'Vjosa tul il-medda kollha tax-xmara u biex jabbanduna l-pjanijiet għal impjanti idroelettriċi ġodda tul ix-xmara Vjosa u t-tributarji tagħha; iħeġġeġ allinjament ulterjuri mal-leġiżlazzjoni tal-UE fil-qasam tal-enerġija, partikolarment dwar l-adozzjoni ta' strateġija nazzjonali għall-enerġija, bil-għan li tiżdied l-indipendenza u l-effiċjenza enerġetika; jilqa' l-pjan ta' azzjoni nazzjonali 2015-2020 għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli (RESs);

33. Jirrimarka li l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intelletwali għad irid jiġi żgurat b'mod effettiv; iħeġġeġ li tittieħed azzjoni biex jitlesta l-proċess ta' reġistrazzjoni tal-proprjetà, ir-restituzzjoni u l-kumpens u biex tiġi aġġornata u implimentat-a b'mod effikaċi tal-istrateġija 2012-2020 dwar id-drittijiet tal-proprjetà intelletwali; iħeġġeġ ulterjorment lill-awtoritajiet biex jiżviluppaw pjan direzzjonali li jistabbilixxi responsabbiltajiet ċari u skadenzi f'dan ir-rigward, u biex imexxu kampanja ta' informazzjoni pubblika li tinforma lis-sidien preċedenti dwar id-drittijiet u d-dmirijiet tagħhom rigward r-restituzzjoni ta' proprjetà; jitlob li jkun hemm aktar trasparenza, ċertezza legali u trattament ugwali fir-rigward tal-liġi dwar il-kumpens għal proprjetajiet ikkonfiskati matul il-perjodu komunista; jitlob li jinħatar koordinatur nazzjonali għad-drittijiet tal-propjetà intelletwali u biex jitħaffef il-pass tal-proċess ta' reġistrazzjoni tal-proprjetà u tal-immappjar tal-proprjetà, inkluża d-diġitalizzazzjoni tal-proprjetà;

34. Jisħaq dwar l-importanza tar-riċerka fil-proċess li jiżvela reati mwettqa minn dak li kien ir-reġim komunista, kif ukoll ir-responsabilità morali, politiku u ġuridika tal-istituzzjonijiet tal-istat f'dan il-proċess; jistieden lill-awtoritajiet ifasslu miżuri leġiżlattivi xierqa biex jgħinu r-rijabilitazzjoni tal-vittmi, inklużi l-kumpens ta' individwi u tal-familji tagħhom, u li jirrevokaw id-deċiżjonijiet kollha tal-qrati politikament immotivati, li għadhom fis-seħħ; iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet tal-istat jinvestigaw u jressqu quddiem il-ġustizzja lil dawk li jwettqu reati kontra l-umanità taħt id-dittatura komunista;

35. Jinnota li hu ta' importanza ewlenija li jiġi indirizzat il-passat kommunista f'termini ta' ffaċċjar tal-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u l-kisba tal-verità u l-ġustizzja għall-vittmi; jilqa' l-liġi li tistabbilixxi awtorità għall-ftuħ tar-reġistri Sigurimi; jilqa' l-istħarriġ ppubblikat mill-OSKE Presence u mill-Ambaxxata Ġermaniża dwar l-għarfien u l-perċezzjonjiet pubbliċi tal-passat komunista fl-Albanija u l-istennijiet għall-futur; iqis li dawn l-isforzi ser jgħinu biex jinħoloq djalogu dwar il-passat u biex jinbnew l-istennijiet għall-futur;

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

36. Jenfasizza l-importanza tat-tisħiħ tad-djalogu soċjali, il-parteċipazzjoni tal-OSĊs, il-kapaċitajiet tas-sħab soċjali, u tal-mekkaniżmi ta' infurzar għad-drittijiet soċjali; iħeġġeġ lill-gvern jimmodernizza s-sistema edukattiva bil-għan li tinbena soċjetà aktar esklussiva, jitnaqqsu l-inugwaljanzi u d-diskriminazzjoni u biex ż-żgħażagħ jingħataw aħjar b'ħiliet u b'għarfien; jenfasizza l-importanza ta' appoġġ skont l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) għall-edukazzjoni, l-impjiegi u l-politiki soċjali;

37. Jappella lill-awtoritajiet Albaniżi jsaħħu l-politiki tagħhom fir-rigward tal-persuni b'diżabilità, li jkomplu jiffaċċjaw diffikultajiet fl-aċċess għall-edukazzjoni, l-impjiegi, il-kura tas-saħħa, is-servizzi soċjali u t-teħid ta' deċiżjonijiet, inkluż l-ostakoli li ma jħalluhomx jeżerċitaw b'mod ħieles id-dritt għall-vot;

38. Jinnota bi tħassib li n-numru ta' applikazzjonijiet għall-asil minn Albaniżi lejn l-Istati Membri tal-UE li kienu ġew meqjusa bħala infondati reġgħu bdew jiżdiedu; iħeġġeġ lill-gvern jieħu azzjoni immedjata u determinata biex jiġi indirizzat dan il-fenomenu u biex tiġi intensifikata s-sensibilizzazzjoni tal-għarfien, l-appoġġ soċjoekonomiku u l-prevenzjoni tal-idforzi f'dan ir-rigward, kif ukoll biex jindirizzaw fatturi ta' spinta marbutin mal-qgħad u man-nuqqasijiet strutturali fil-politiki għall-protezzjoni soċjali, l-edukazzjoni u s-saħħa; jenfasizza l-bżonn li jiġu pprovduti biżżejjed riżorsi umani lid-Direttorat Ġenerali għall-Fruntieri u l-Migrazzjoni u l-Pulizija tal-Fruntiera, kif ukoll biex titjieb il-kooperazzjoni interistituzzjonali relevanti sabiex tiġi miġġielda aħjar l-migrazzjoni irregolari;

39. Ifaħħar lill-Albanija għall-allinjament sħiħ kontinwu tagħha mad-dikjarazzjonijiet rilevanti tal-UE u l-konklużjonijiet tal-Kunsill, u b'hekk uriet l-impenn ċar tagħha favur l-integrazzjoni Ewropea u s-solidarjetà; jisħaq fuq l-importanza u l-ħtieġa ta' kontribut kostruttiv kontinwu tal-Albanija għall-istabbiltà politika fir-reġjun;

40. Jilqa' d-deċiżjoni tal-awtoritajiet Albaniżi li jallinjaw il-politika estera tal-pajjiż mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1671, li ġġedded il-miżuri restrittivi tal-UE kontra r-Russja;

41. Jissottolinja l-importanza li jkunu garantiti relazzjonijiet tajba mal-viċinat, li jibqgħu essenzjali bħala parti integrali tal-proċess ta' tkabbir kif ukoll il-kundizzjonalità tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni; jilqa' l-pożizzjoni kostruttiva u proattiva tal-Albanija fil-promozzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali u tar-relazzjonijiet tajba ta' viċinat ma' pajjiżi oħra tat-tkabbir u mal-Istati Membri ġirien tal-UE; jilqa' l-parteċipazzjoni tal-Albanija fl-inizjattiva tas-Sitt Pajjiżi tal-Balkani tal-Punent;

42. Ifaħħar kemm lill-Albanija u s-Serbja għall-impenn kontinwu tagħhom biex itejbu r-relazzjonijiet bilaterali u jsaħħu l-kooperazzjoni reġjonali fuq livell politiku u tas-soċjetà, pereżempju permezz tal-Uffiċċju Reġjonali tal-Kooperazzjoni taż-Żgħażagħ (RYCO) bil-kwartieri ġenerali f'Tirana; iħeġġeġ liż-żewġ pajjiżi jkomplu l-kooperazzjoni tajba tagħhom għall-promozzjoni tar-rikonċiljazzjoni fir-reġjun, partikolarment permezz ta' programmi għaż-żgħażagħ, bħal dawk disponibbli fil-qafas tal-Aġenda Pożittiva għaż-Żgħażagħ fil-Balkani tal-Punent;

43. Jinnota li t-tensjonijiet reċenti fir-relazzjonijiet bejn l-Albanija u l-Greċja, u jirrakkomanda li ż-żewġ naħat jastjenu minn azzjonijiet jew minn dikjarazzjonijiet li jista' jkollhom impatt negattiv fuq ir-relazzjonijiet;

44. Itenni t-talba tiegħu li fir-rapporti tagħha, il-Kummissjoni tinkludi informazzjoni dwar l-appoġġ tal-IPA għall-Albanija u l-effettività tal-miżuri implimentati, partikolarment l-appoġġ tal-IPA allokat għall-implimentazzjoni tal-prijoritajiet ewlenin u tal-proġetti rilevanti;

45. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Gvern u lill-Parlament tal-Albanija.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

P8_TA(2017)0037

Rapport dwar il-Bożnija-Ħerzegovina 2016

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2017 dwar ir-Rapport tal-Kummissjoni 2016 dwar il-Bożnija-Ħerzegovina (2016/2313(INI))

(2018/C 252/13)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (FSA) bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Bożnija-Ħerzegovina, min-naħa l-oħra,

— wara li kkunsidra l-Protokoll dwar l-Adattament tal-FSA bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u l-Bożnija-Ħerzegovina, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, li ġie inizjalat fit-18 ta' Lulju 2016, u ffirmat fil-15 ta' Diċembru 2016,

— wara li kkunsidra l-applikazzjoni tal-Bożnija-Ħerzegovina biex tissieħeb mal-Unjoni Ewropea fil-15 ta' Frar 2016,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-19-20 ta' Ġunju 2003 dwar il-Balkani tal-Punent u l-anness tagħhom bit-titolu "L-Aġenda ta' Thessaloniki għall-Balkani tal-Punent: lejn integrazzjoni Ewropea",

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Settembru 2016 dwar l-applikazzjoni tal-Bożnija-Ħerzegovina għal sħubija fl-UE,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-UE tat-13 ta' Diċembru 2016,

— wara li kkunsidra l-ewwel laqgħa tal-Kumitat Parlamentari ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni UE–Bożnija-Ħerzegovina li saret f'Sarajevo fil-5-6 ta' Novembru 2015 u l-ewwel laqgħat tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u tal-Kumitat ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Bożnija-Ħerzegovina u l-UE li saru fil-11 u fis-17 ta' Diċembru 2015, rispettivament,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Finali tal-President tas-Summit ta' Pariġi dwar il-Balkani tal-Punent tal-4 ta' Lulju 2016, u r-Rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili għas-Summit ta' Pariġi tal-2016,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tal-1 ta' Awwissu 2016 mill-Viċi President/Rappreżentant Għoli (VP/RGħ) u mill-Kummissarju għall-Politika Ewropea tal-Viċinat u n-Negozjati għat-Tkabbir rigward il-ftehim tal-awtoritajiet tal-Bożnija-Ħerzegovina dwar il-miżuri essenzjali biex il-pajjiż ikompli fi triqtu lejn l-UE,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tas-17 ta' Settembru 2016 mill-VP/RGħ u mill-Kummissarju għall-Politika Ewropea tal-Viċinat u n-Negozjati għat-Tkabbir b'segwitu għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tal-Bożnija-Ħerzegovina fir-rigward ta' Jum ir-Repubblika Srpska,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Novembru 2016 bit-titolu "Komunikazzjoni dwar il-Politika tat-Tkabbir tal-UE 2016" (COM(2016)0715), akkumpanjata mid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni bit-titolu "Rapport 2016 dwar il-Bożnija-Ħerzegovina" (SWD(2016)0365),

— wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titolu "Assistenza ta' qabel l-adeżjoni mogħtija mill-UE għat-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva fil-Balkani tal-Punent: Metaawditu" ([1]),

([1]) QEA 2016 Nru. 21.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

— wara li kkunsidra l-Ħamsin Rapport lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU mir-Rappreżentant Għoli għall-Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Paċi dwar il-Bożnija-Ħerzegovina ([1]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Novembru 2016 f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha mill-Eċċellenza Tiegħu s-Sur João Vale de Almeida, il-Kap tad-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea għan-Nazzjonijiet Uniti, waqt id-Dibattitu tal-Kunsill tas-Sigurtà dwar "Is-sitwazzjoni fil-Bożnija-Ħerzegovina",

— wara li kkunsidra l-Aġenda ta' Riforma għall-Bożnija-Ħerzegovina 2015-2018 li ġiet adottata f'Lulju 2015, u l-Mekkaniżmu ta' Koordinament adottat mill-Kunsill tal-Ministri tal-Bożnija-Ħerzegovina u mill-gvernijiet tal-Federazzjoni tal-Bożnija-Ħerzegovina u r-Repubblika Srpska fit-23 ta' Awwissu 2016,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-pajjiż,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A8-0026/2017),

A. billi l-UE għadha impenjata favur il-perspettiva tal-Bożnija-Ħerzegovina lejn l-UE, u l-integrità territorjali, is-sovranità u l-unità tagħha; billi sar progress fit-triq lejn l-integrazzjoni mal-UE; billi l-Kunsill talab lill-Kummissjoni tħejji l-opinjoni tagħha dwar l-applikazzjoni mill-Bożnija-Ħerzegovina għas-sħubija;

B. billi fid-9 ta' Diċembru 2016 f'Sarajevo, il-Kummissarju għall-Politika Ewropea tal-Viċinat u n-Negozjati għat-Tkabbir bagħat il-kwestjonarju lill-awtoritajiet tal-Bożnija-Ħerzegovina;

C. billi s-sospensjoni tal-Miżuri Kummerċjali Awtonomi se titneħħa ladarba l-Protokoll dwar l-Adattament tal-FSA jkun ġie ffirmat u jkun qed jiġi applikat b'mod provviżorju;

D. billi, bl-Aġenda ta' Riforma għall-Bożnija-Ħerzegovina 2013-2018, l-awtoritajiet fil-livelli kollha għarfu l-ħtieġa urġenti li jinbeda proċess ta' riabilitazzjoni u modernizzazzjoni tal-ekonomija bl-għan li jinħolqu impjiegi ġodda u jitrawwem tkabbir ekonomiku sostenibbli, effiċjenti, soċjalment ġust u stabbli; billi l-Bożnija-Ħerzegovina wriet l-impenn u r-rieda li tidħol għar-riformi soċjoekonomiċi ulterjuri li huma meħtieġa biex titnaqqas ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ, li għadha għolja wisq;

E. billi ġudikatura indipendenti, funzjonali u stabbli hija importanti sabiex tiggarantixxi l-istat tad-dritt u l-progress fit-triq lejn l-adeżjoni mal-UE;

F. billi għad fadal sfidi fir-rigward tas-sostenibbiltà tal-proċess ta' rikonċiljazzjoni; billi l-progress fil-proċess ta' adeżjoni mal-UE se jiffaċilita rikonċiljazzjoni ulterjuri;

G. billi l-Bożnija-Ħerzegovina għadha ma implimentatx id-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawżi *Sejdić-Finci*, *Zornić* u *Pilav*;

H. billi l-korruzzjoni, inkluż fl-oġħla livell, għadha mifruxa;

I. billi għad hemm 74 000 persuna spostati internament u għadd sinifikanti ta' rifuġjati mill-Bożnija-Ħerzegovina fil-pajjiżi ġirien, madwar l-Ewropa kollha u madwar id-dinja, kif ukoll 6 808 persuni neqsin;

J. billi l-edukazzjoni hija essenzjali biex toħloq u tippromwovi soċjetà tolleranti u inklużiva, kif ukoll trawwem fehim kulturali, reliġjuż u etniku fil-pajjiż;

K. billi l-Bożnija-Ħerzegovina hija pajjiż firmatarju għall-Konvenzjoni dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali f'Kuntest Transkonfinali (Espoo, 1991);

([1]) S/2016/911.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

L. billi l-pajjiżi kandidati (potenzjali) jiġi ġġudikati fuq il-merti tagħhom stess, u billi r-rapidità u l-kwalità tar-riformi meħtieġa jiddeterminaw il-kalendarju għall-adeżjoni;

1. Jilqa' l-kunsiderazzjoni mill-Kunsill tal-applikazzjoni tal-Bożnija-Ħerzegovina għas-sħubija mal-UE u r-radda tal-kwestjonarju, u jistenna bil-ħerqa l-opinjoni tal-Kummissjoni dwar il-merti tal-applikazzjoni għas-sħubija; jappella lill-awtoritajiet kompetenti tal-Bożnija-Ħerzegovina fil-livelli kollha biex jimpenjaw ruħhom b'mod attiv favur dan il-proċess, u biex jikkooperaw u jikkoordinaw meta jipparteċipaw fil-proċess tal-Opinjoni tal-Kummissjoni billi jipprovdu sett uniku u koerenti ta' tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kummissjoni; jinxika li dan l-eżerċizzju se jservi wkoll bħala prova tal-funzjonalità tal-istat; itenni li l-proċess ta' adeżjoni mal-UE huwa wieħed inklużiv u jinvolvi lill-partijiet ikkonċernati kollha;

2. Japprezza u jilqa' r-rwol importanti li tiżvolġi l-Presidenza tripartitika fil-ħolqien tal-inċentiv għall-atturi istituzzjonali l-oħra kollha fil-livelli kollha biex jinvolvu rwieħhom fi sforzi sabiex iwettqu r-rwoli rispettivi tagħhom fil-proċess kumplessiv tal-approssimazzjoni tal-pajjiż lejn l-UE;

3. Jilqa' l-progress li sar fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Riforma 2015-2018, kif ukoll id-determinazzjoni tal-pajjiż li jkompli b'riformi istituzzjonali u soċjoekonomiċi ulterjuri; ifakkar li l-approċċ imġedded tal-UE lejn il-Bożnija-Ħerzegovina tqanqal mis-sitwazzjoni soċjoekonomika diffiċli u ż-żieda fin-nuqqas ta' sodisfazzjon fost iċ-ċittadini; jinnota li s-sitwazzjoni tjiebet kemmxejn, iżda jisħaq li hemm bżonn ta' implimentazzjoni armonizzata u effikaċi tal-Aġenda ta' Riforma bi qbil mal-pjan ta' azzjoni sabiex tinkiseb bidla reali madwar il-pajjiż u jsir titjib tanġibbli fil-ħajja taċ-ċittadini kollha tal-Bożnija-Ħerzegovina;

4. Jappella biex jinżamm il-momentum tar-riforma sabiex il-Bożnija-Ħerzegovina tiġi ttrasformata fi stat effikaċi, inklużiv u funzjonali għalkollox, ibbażat fuq l-istat tad-dritt, u li jiggarantixxi l-ugwaljanza u r-rappreżentanza demokratika tal-popli u ċ-ċittadini kostitwenti kollha tiegħu; jiddispjaċih li l-isforzi ta' riforma komuni spiss għadhom jiġu mxekkla mill-firdiet etniċi u politiċi, ikkawżati mit-tendenzi diżintegrattivi b'għeruq fil-fond li jrażżnu l-iżvilupp demokratiku normali, u permezz tal-politiċizzazzjoni ulterjuri tal-amministrazzjonijiet pubbliċi; jisħaq ukoll li l-kandidatura tal-Bożnija-Ħerzegovina għas-sħubija mal-UE mhijiex se tirnexxi sakemm jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet istituzzjonali xierqa; iħeġġeġ lill-mexxejja politiċi kollha jaħdmu fuq l-introduzzjoni tal-bidliet meħtieġa, inkluża r-riforma tal-liġi elettorali, filwaqt li jqisu wkoll il-prinċipji espressi fir-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu, inklużi l-prinċipji tal-federaliżmu, id-deċentralizzazzjoni u r-rappreżentanza leġittima, sabiex jiggarantixxu li ċ-ċittadini kollha jkunu jistgħu joħorġu bħala kandidati, ikunu eliġibbli biex jiġu eletti u jservu fil-livelli politiċi kollha, fuq bażi ndaqs; jikkunsidra li huwa essenzjali li jinżamm il-kunsens dwar l-integrazzjoni mal-UE u li jsir progress b'mod ikkoordinat fir-rigward tal-istat tad-dritt, inklużi l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, ir-riforma tal-ġudikatura u l-amministrazzjoni pubblika; jirrileva bl-istess mod il-ħtieġa li l-attenzjoni tkompli tiġi ffokata fuq ir-riformi soċjali u ekonomiċi, li jkun tajjeb li jibqgħu prijorità;

5. Jilqa' l-ftehim dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' koordinament rigward il-kwistjonijiet relatati mal-UE li huwa mmirat biex itejjeb il-funzjonalità u l-effiċjenza fil-proċess ta' adeżjoni, anke fir-rigward tal-assistenza finanzjarja mill-UE, u biex jippermetti interazzjoni aħjar mal-UE; jappella biex jiġi implimentat malajr; jappella, barra minn hekk, favur kooperazzjoni u komunikazzjoni effikaċi bejn il-livelli kollha tal-gvern u mal-UE b'mod li jiġu ffaċilitati l-allinjament u l-implimentazzjoni tal-*acquis* u jiġu pprovduti tweġibiet sodisfaċenti għall-mistoqsijiet tal-Kummissjoni fil-proċess tal-Opinjoni kollu kemm hu; iqis li huwa inaċċettabbli li l-Gvern tar-Repubblika Srpska qed jipprova jistabbilixxi kanali paralleli ta' komunikazzjoni billi jadotta dispożizzjonijiet dwar ir-rappurtar dirett lill-Kummissjoni; japella biex ir-rwol u l-kapaċitajiet tad-Direttorat għall-Integrazzjoni Ewropea jkomplu jissaħħu bil-ħsieb li dan jassumi l-funzjonijiet ta' koordinament kollha tiegħu fi ħdan l-implimentazzjoni tal-FSA u, kumplessivament, fil-proċess ta' adeżjoni;

6. Jesprimi sodisfazzjon dwar l-iffirmar tal-Protokoll dwar l-adattament tal-FSA li beda jiġi applikat b'mod provviżorju mill-1 ta' Frar 2017, u li reġa' daħħal awtomatikament il-miżuri kummerċjali awtonomi li kienu ilhom sospiżi mill-1 ta' Jannar 2016; jistenna bil-ħerqa r-ratifikazzjoni rapida u mingħajr intoppi tal-Protokoll;

7. Jiddispjaċih li r-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Parlamentari ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għadhom ma ġewx adottati, minħabba t-tentattivi biex fihom jiġi introdott imblokkar etniku li l-konsegwenza tagħhom hija li l-Bożnija-Ħerzegovina baqgħet l-uniku pajjiż tat-tkabbir fejn korp ta' dan it-tip ma setax jiġi kkostitwit kif suppost; iħeġġeġ lill-korpi li jippresjedu l-Parlament tal-Bożnija-Ħerzegovina biex, mingħajr dewmien, isibu soluzzjoni sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-qafas istituzzjonali u ġuridiku tal-UE u jipprovdu sorveljanza parlamentari sinifikanti tal-proċess ta' adeżjoni; ifakkar li l-FSA jirrikjedi li jiġu adottati r-Regoli ta' Proċedura u, jekk dan ma jsirx, ikun qed isir ksur dirett tal-implimentazzjoni tal-FSA;

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

8. Jilqa' xi titjib li sar għal-leġislazzjoni elettorali bi qbil mar-rakkomandazzjonijiet tal-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem fl-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE-ODIHR); jinnota li l-elezzjonijiet lokali tat-2 ta' Ottubru 2016 ġeneralment tmexxew b'mod ordnat; jiddispjaċih li, wara sitt snin, iċ-ċittadini ta' Mostar għadhom ma jistgħux jeżerċitaw id-drittijiet demokratiċi tagħhom li jeleġġu r-rappreżentanti lokali tagħhom minħabba li għad hemm nuqqas ta' qbil bejn il-mexxejja politiċi; iħeġġeġ biex is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali dwar Mostar tiġi implimentata malajr billi jiġu emendati l-leġiżlazzjoni elettorali u l-Istatut tal-belt; jikkundanna b'qawwa l-vjolenza inaċċettabbli kontra l-uffiċjali elettorali fi Stolac u jappella lill-awtoritajiet kompetenti biex isolvu s-sitwazzjoni billi jirrispettaw l-istat tad-dritt, inkluż billi jinvestigaw l-atti ta' vjolenza u l-irregolaritajiet elettorali kollha, kif ukoll billi jħarrku lil min wettaqhom; jinnota li l-elezzjonijiet fi Stolac tħassru mill-Kummissjoni Elettorali Ċentrali tal-Bożnija-Ħerzegovina u jappella biex l-elezzjonijiet ġodda jsiru skont standards demokratiċi, b'mod paċifiku u f'atmosfera ta' tolleranza;

9. Jiddispjaċih li l-impenn politiku imħabbar favur il-ġlieda kontra l-korruzzjoni ma ssarrafx f'riżultati tanġibbli; jissottolinja n-nuqqas storiku ta' każijiet ta' profil għoli, kif ukoll id-dgħufija u l-inadegwatezza tal-qafas ġuridiku u istituzzjonali biex tiġi miġġielda l-korruzzjoni sistemika, bħal fir-rigward tal-finanzjament tal-partiti politiċi, l-akkwist pubbliku, il-kunflitti ta' interess, u d-dikjarazzjonijiet tal-assi; jirrikonoxxi l-progress li sar fl-adozzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni kontra l-korruzzjoni u fit-twaqqif tal-korpi għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni fid-diversi livelli ta' governanza, u jappella biex dawn id-deċiżjonijiet jiġu implimentati b'mod konsistenti u malajr; jinnota bi tħassib li l-frammentazzjoni u l-kooperazzjoni dgħajfa bejn l-aġenziji jxekklu l-effikaċja tal-miżuri kontra l-korruzzjoni; jappella għal aktar speċjalizzazzjoni professjonali fi ħdan il-pulizija u l-ġudikatura permezz tal-kanali xierqa ta' koordinament; jisħaq fuq il-bżonn li jibda jsir b'mod konsistenti skrutinju effikaċi tal-finanzjament tal-partiti politiċi u tal-kampanji elettorali, li jiġu żviluppati proċeduri ta' impjieg trasparenti fis-settur pubbliku aktar estensiv, kif ukoll li tiġi eliminata l-korruzzjoni fiċ-ċiklu tal-akkwist pubbliku;

10. Jisħaq li r-riżultati taċ-ċensiment tal-2013 huma bażi importanti sabiex jiġi pprovdut rispons adegwat għall-kwestjonarju tal-Kummissjoni u huma essenzjali għal ippjanar soċjoekonomiku effikaċi; jilqa' l-valutazzjoni finali li għamlet l-Operazzjoni Internazzjonali ta' Monitoraġġ li kkonkludiet li ċ-ċensiment fil-Bożnija-Ħerzegovina kumplessivament twettaq f'konformità mal-istandards internazzjonali; jiddispjaċih li r-Repubblika Srpska rrifjutat li tirrikonoxxi l-leġittimità tar-riżultati taċ-ċensiment, u li l-awtoritajiet tar-Repubblika Srpska ppubblikaw riżultati għalihom, li huma differenti minn dawk ikkonfermati mill-Aġenzija għall-Istatistika tal-Bożnija-Ħerzegovina; iħeġġeġ lill-awtoritajiet tar-Repubblika Srpska jerġgħu jikkunsidraw l-approċċ tagħhom; jappella lill-aġenziji tal-istatistika fil-Bożnija-Ħerzegovina biex jagħmlu progress sinifikanti f'dan il-qasam kruċjali, u jallinjaw l-istatistika u l-metodoloġiji tagħhom mal-istandards tal-Eurostat;

11. Ifakkar li amministrazzjoni pubblika professjonali, effikaċi u meritokratika hija s-sinsla tal-proċess ta' integrazzjoni għal kwalunkwe pajjiż li jkollu l-aspirazzjoni li jsir membru tal-UE; jinsab imħasseb dwar il-frammentazzjoni u l-politiċizzazzjoni li għadhom jeżistu fl-amministrazzjoni pubblika, li jxekklu r-riformi istituzzjonali u leġiżlattivi, u jrendu ineffiċjenti u għalja l-prestazzjoni tas-servizzi pubbliċi għaċ-ċittadini; jappella, bħala kwistjoni ta' urġenza, għal approċċ aktar armonizzat lejn l-iżvilupp tal-politiki u l-koordinament bejn il-livelli kollha tal-gvern, id-depolitiċizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika u tas-settur pubbliku, ippjanar aħjar fuq żmien medju u strateġija ċara dwar il-ġestjoni finanzjarja pubblika;

12. Itenni t-tħassib tiegħu dwar il-frammentazzjoni f'erba' ordinamenti ġuridiċi differenti li għadha teżisti; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi indirizzat malajr kwalunkwe nuqqas pendenti tal-ġudikatura, li jissaħħu l-effiċjenza u l-indipendenza ġudizzjarji, anke permezz tad-depolitiċizzazzjoni tal-ġudikatura, li tiġi miġġieda l-korruzzjoni fil-ġudikatura u li jiġu implimentati proċeduri adegwati għall-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet tal-qrati; iħeġġeġ biex il-pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tar-riforma tas-settur tal-ġustizzja 2014–2018 jiġi adottat rapidament; jappella għal implimentazzjoni sħiħa tal-liġijiet dwar il-protezzjoni tat-tfal u għal aċċess effikaċi għall-ġustizzja min-naħa tat-tfal; jilqa' l-adozzjoni tal-liġi dwar l-għajnuna legali mingħajr ħlas fil-livell statali, u l-introduzzjoni mill-Kunsill Ġudizzjarju u ta' Prosekuzzjoni Għoli ta' linji gwida dwar il-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess, l-abbozzar ta' pjanijiet dwar l-integrità u l-miżuri dixxiplinari;

13. Jappella biex tiġi msaħħa l-effiċjenza globali tal-ġudikatura, biex jiżdiedu t-trasparenza u l-oġġettività tal-proċess għall-għażla ta' mħallfin u prosekuturi ġodda, kif ukoll biex jissaħħu l-mekkaniżmi ta' responsabbiltà u integrità fil-ġudikatura; jissottolinja l-ħtieġa li jissaħħu l-mekkaniżmi għall-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess u għall-istabbiliment tal-mekkaniżmi għat-trasparenza tar-rapporti finanzjarji u d-dikjarazzjonijiet tal-assi fil-ġudikatura; jinnota r-rwol importanti tad-Djalogu Strutturat dwar il-Ġustizzja biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fil-ġudikatura tal-Bożnija-Ħerzegovina; jappella għal soluzzjoni leġiżlattiva li kieku tippermetti li jinżamm rendikont tal-effiċjenza tat-trattament tal-kawżi fit-territorju kollu tal-Bożnija Ħerzegovina;

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

14. Jiddispjaċih li għadd kbir ta' deċiżjonijiet mill-qrati kostituzzjonali mhumiex qed jiġu implimentati, inkluża d-deċiżjoni rigward ir-rispett tad-drittijiet demokratiċi bażiċi taċ-ċittadini ta' Mostar li jivvotaw fl-elezzjonijiet lokali; jappella biex dawn id-deċiżjonijiet kollha jiġu implimentati minnufih; jirrileva, b'mod partikolari, id-deċiżjoni tal-qorti kostituzzjonali dwar Jum ir-Repubblika Srpska, li ġiet ikkontestata fir-referendum li sar fil-25 ta' Settembru 2016; jikkunsidra li dan huwa ksur serju tal-Ftehim ta' Paċi ta' Dayton u attakk fuq il-ġudikatura u l-istat tad-dritt; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' djalogu aktar milli inizjattivi unilaterali; jenfasizza li r-retorika u l-azzjonijiet nazzjonalistiċi u populisti huma ostakli serji għall-iżvilupp u li r-rispett għall-istat tad-dritt u għall-qafas kostituzzjonali tal-pajjiż huwa tal-ogħla importanza sabiex isir progress fit-triq lejn l-UE u għaż-żamma tal-paċi u l-istabbiltà fil-Bożnija-Ħerzegovina;

15. Jikkundanna b'qawwa l-Liġi dwar l-Ordni fir-Repubblika Srpska li għadha fis-seħħ u li ddgħajjef id-drittijiet demokratiċi fundamentali tal-libertà tal-għaqda, il-libertà tal-assoċjazzjoni u l-libertà tal-media, kif ukoll id-dispożizzjoni dwar il-piena tal-mewt fir-Repubblika Srpska; iħeġġeġ għal implimentazzjoni sħiħa tal-Att dwar il-Libertà tal-Aċċess għall-Informazzjoni; iħeġġeġ lill-awtoritajiet jimplimentaw malajr il-Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar iċ-Ċiberkriminalità, fir-rigward tal-kriminalizzazzjoni tal-atti ta' natura razzista u ksenofoba mwettqa permezz ta' sistemi ta' kompjuter;

16. Iħeġġeġ lill-mexxejja fuq kull naħa joqogħdu lura minn retorika diviżiva, nazzjonalista u seċessjonista li tippolarizza lis-soċjetà, kif ukoll minn azzjonijiet li jirrappreżentaw sfida għall-koeżjoni, is-sovranità u l-integrità tal-pajjiż; iħeġġeġ minflok biex dawn jinvolvu rwieħhom bis-serjetà f'riformi li jtejbu s-sitwazzjoni soċjoekonomika taċ-ċittadini kollha tal-Bożnija-Ħerzegovina, joħolqu stat demokratiku, inklużiv u funzjonali u jqarrbu lill-pajjiż lejn l-UE;

17. Jenfasizza l-importanza tad-deċiżjoni reċenti tal-Qorti Kostituzzjonali dwar il-prinċipju ta' status kostitwenti u l-ugwaljanza bejn it-tliet popli kostituttivi biex jeleġġu lir-rappreżentanti politiċi leġittimi tagħhom stess abbażi ta' rappreżentanza leġittima u proporzjonali fil-Kamra tal-Popli tal-Parlament tal-Federazzjoni tal-Bożnija-Ħerzegovina;

18. Jinnota l-kooperazzjoni sodisfaċenti fir-rigward tal-kawżi dwar delitti tal-gwerra li kien hemm mat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li kienet il-Jugoslavja u jħeġġeġ għal aktar kooperazzjoni reġjonali fir-rigward tal-ipproċessar tal-kawżi dwar delitti tal-gwerra; jesprimi tħassib dwar il-fatt li, meta jiġu proċessati l-kawżi dwar delitti tal-gwerra, jiġu applikati standards legali differenti; jilqa' l-fatt li l-kawżi arretrati dwar delitti tal-gwerra domestiċi qed jiġu indirizzati u li nkiseb xi progress ulterjuri rigward il-prosekuzzjoni b'suċċess tad-delitti tal-gwerra li jinvolvu l-vjolenza sesswali; jilqa' b'sodisfazzjon il-ftehim bejn id-Delegazzjoni tal-UE u l-Ministeru għall-Finanzi u t-Teżor tal-Bożnija-Ħerzegovina biex jiġu ffinanzjati l-attivitajiet tal-uffiċċji tal-prosekuturi u l-qrati fil-Bożnija-Ħerzegovina fir-rigward tal-ipproċessar ta' delitti tal-gwerra;

19. Jikkundanna b'qawwa d-deċiżjoni tal-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika Srpska f'Ottubru 2016 li tesprimi apprezzament lill-ex mexxejja tar-Repubblika Srpska li ġew ikkundannati għal delitti tal-gwerra; jappella biex, bħala kwistjoni ta' urġenza, jiġu promossi r-rispett għall-vittmi tad-delitti tal-gwerra u r-rikonċiljazzjoni; ifakkar lill-mexxejja u l-istituzzjonijiet politiċi kollha fil-Bożnija-Ħerzegovina dwar ir-responsabbiltà tagħhom li jivvalutaw b'mod oġġettiv l-avvenimenti fi żmien ta' gwerra fl-interess tal-verità u r-rikonċiljazzjoni, u li jevitaw l-użu ħażin tal-ġudikatura għal skopijiet politiċi;

20. Ifaħħar il-progress li sar fir-rigward tal-prosekuzzjoni tad-delitti tal-gwerra li jinvolvu vjolenza sesswali u jħeġġeġ lill-awtoritajiet kompetenti jqawwu ulterjorment l-aċċess għall-ġustizzja għall-vittmi ta' vjolenza sesswali relatata mal-kunflitti, anke billi jqiegħdu għad-dispożizzjoni għajnuna legali bla ħlas, isaħħu s-servizzi psikosoċjali u tas-saħħa, kif ukoll jagħtu kumpens u segwitu aħjar; jappella għal garanziji li d-drittijiet għal riparazzjoni ta' dawn il-vittmi jiġu rikonoxxuti b'mod konsistenti;

21. Jinnota li sar xi progress fir-rigward tar-rifuġjati u l-persuni spostati internament, li ġew spostati bħala riżultat tal-gwerra fil-Bożnija, f'termini tal-impussessar mill-ġdid tal-proprjetà u d-drittijiet ta' okkupanza, kif ukoll tar-rikostruzzjoni tad-djar; jappella lill-awtoritajiet kompetenti biex jiffaċilitaw ir-ritorn sostenibbli tagħhom, l-aċċess għall-kura tas-saħħa, l-impjiegi, il-protezzjoni soċjali u l-edukazzjoni, u biex jiddedikaw attenzjoni ulterjuri għall-kumpens għal ħsara lil proprjetà li ma tistax tintradd;

22. Jinsab imħasseb dwar l-għadd dejjem għoli ta' persuni neqsin bħala riżultat tal-gwerra; jappella lill-awtoritajiet kompetenti biex jindirizzaw b'aktar qawwa l-kwistjoni tad-destin mhux magħruf tagħhom, anke billi jintensifikaw il-kooperazzjoni bejn iż-żewġ entitajiet; jisħaq li r-riżoluzzjoni ta' din il-kwistjoni hija tal-ogħla importanza għar-rikonċiljazzjoni u l-istabbiltà fir-reġjun;

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

23. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-istat tas-sistema tas-saħħa fil-Bożnija-Ħerzegovina, waħda mis-sistemi l-aktar soġġetti għall-korruzzjoni fil-pajjiż; jappella lill-awtoritajiet biex joqgħodu għassa ħalli jipprevjenu d-diskriminazzjoni fl-aċċess għall-kura medika;

24. Jinnota li sar xi progress fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata; jinsab imħasseb, madankollu, dwar in-nuqqas ta' approċċ konsistenti fl-indirizzar tal-kriminalità organizzata minħabba l-pjanijiet ta' azzjoni numerużi mid-diversi aġenziji tal-infurzar tal-liġi fil-livelli differenti; jirrileva l-ħtieġa li l-qafas għall-kooperazzjoni bejn l-aġenziji jissaħħaħ ulterjorment; jilqa' l-investigazzjonijiet konġunti, iżda jappella għal aktar operazzjonijiet ikkoordinati u skambju aħjar ta' informazzjoni; jappella għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-korpi tal-infurzar tal-liġi, anke fir-rigward tal-ġlieda kontra t-terroriżmu; jappella lill-awtoritajiet kompetenti biex jieħdu miżuri biex jiġġieldu l-finanzjament tat-terroriżmu u l-ħasil tal-flus, u biex isaħħu l-kapaċità għat-twettiq ta' investigazzjonijiet finanzjarji; jilqa' l-iffirmar tal-ftehim ta' kooperazzjoni operattiva u strateġika mal-Europol, li għandu l-għan li jiġġieled kontra l-kriminalità transkonfinali permezz ta', *inter alia*, skambju ta' informazzjoni u ppjanar konġunt tal-attivitajiet operattivi; iħeġġeġ biex jiġi konkluż ftehim ta' kooperazzjoni mal-Eurojust ukoll;

25. Jissottolinja l-ħtieġa li tittejjeb il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin; jappella lill-entità Federali biex tagħmel tibdil rapidu għall-kodiċi kriminali li jipprojbixxi l-forom kollha ta' traffikar tal-bnedmin, li 80 % tal-vittmi tiegħu huma nisa u bniet;

26. Jappella biex jissaħħu l-mekkaniżmi għall-ġbir, il-kondiviżjoni u l-analiżi tad-data dwar il-migrazzjoni, peress li l-istatistika turi xejra li qed tikber ta' persuni li qed jaslu fil-Bożnija-Ħerzegovina minn pajjiżi b'riskju migratorju għoli; jappella lill-awtoritajiet kompetenti biex jipproċessaw lir-rifuġjati u l-migranti kollha li japplikaw għall-asil jew li jgħaddu mit-territorju tagħhom bi qbil mad-dritt internazzjonali u tal-UE, kif ukoll biex jiżviluppaw ulterjorment il-qafas regolatorju dwar il-migrazzjoni u l-asil, isaħħu l-koordinament interistituzzjonali u jibnu l-kapaċitajiet meħtieġa; jappella lill-Kummissjoni biex tkompli taħdem rigward il-kwistjonijiet relatati mal-migrazzjoni flimkien mal-pajjiżi kollha tal-Balkani tal-Punent b'mod li tiżgura l-konformita man-normi u l-istandards Ewropej u internazzjonali;

27. Jindika li l-polarizzazzjoni tal-pajjiż, flimkien mad-deterjorament tas-sitwazzjoni soċjoekonomika, speċjalment għaż-żgħażagħ, qed iżżid il-periklu li jinfirex ir-radikaliżmu; jappella, bħala kwistjoni ta' urġenza, biex tingħata spinta lill-isforzi għall-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u għal miżuri ulterjuri li jidentifikaw, jimpedixxu u jisfrattaw il-fluss ta' ġellieda barranin, kif ukoll il-kanali ta' flus mhux traċċabbli maħsuba għal radikalizzazzjoni ulterjuri, anke permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib mas-servizzi rilevanti tal-Istati Membri u l-pajjiżi fir-reġjun, kif ukoll billi jiġu inforzati l-liġijiet rilevanti; jappella għal koordinament aħjar bejn is-servizzi tas-sigurtà u tal-intelligence u l-pulizija; iħeġġeġ biex il-każijiet ta' diskors ta' mibegħda u t-trażmissjoni ta' ideoloġiji estremisti permezz tal-media soċjali jiġu riżolti u sanzjonati b'mod deċiż; jappella għall-introduzzjoni rapida ta' programmi dwar id-deradikalizzazzjoni u l-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni taż-żgħażagħ f'kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili permezz ta' edukazzjoni komprensiva dwar id-drittijiet tal-bniedem b'mod li jikkontribwixxu għad-dekostruzzjoni tan-narrattivi dwar ir-radikalizzazzjoni u jibnu l-koeżjoni soċjali fost it-tfal u ż-żgħażagħ; jinkoraġġixxi, f'dan ir-rigward, aktar parteċipazzjoni min-naħa taż-żgħażagħ fil-proċess politiku demokratiku; iħeġġeġ lill-awtoritajiet kompetenti jiġġieldu kontra l-estremiżmu reliġjuż; jinnota bi tħassib l-eżistenza ta' komunitajiet radikalizzati madwar il-pajjiż u jirrileva r-rwol importanti tal-mexxejja reliġjużi, tal-għalliema u kumplessivament tas-sistema edukattiva f'dan ir-rigward; jisħaq ulterjorment fuq il-ħtieġa li jiġu pprovduti għodod għar-riintegrazzjoni u r-riabilitazzjoni fis-soċjetà u t-titjib u t-tisħiħ tal-għodod ta' deradikalizzazzjoni;

28. Jinnota l-impenn attiv tal-Kumitat Parlamentari Konġunt għas-Sigurtà u d-Difiża fl-iżgurar tal-kontroll demokratiku fuq il-forzi armati tal-Bożnija-Ħerzegovina; jinnota bi tħassib li hemm ħażniet kbar ta' armi tan-nar u munizzjon mhux irreġistrati li qed jinżammu illegalment mill-popolazzjoni u jħeġġeġ favur il-qerda totali ta' dawn l-armamenti; jinsab ugwalment imħasseb dwar il-preżenza ta' ħażniet kbar ta' munizzjon u armi li qed jinżammu b'mod inadegwat taħt ir-responsabbiltà tal-forzi armati; jissottolinja l-importanza li jiġi indirizzat it-traffikar tal-armi u jappella għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Bożnija-Ħerzegovina għal dan l-għan; iħeġġeġ favur approċċ komprensiv biex jiġu indirizzati l-isfidi li għad fadal biex jitneħħew il-mini kollha mill-pajjiż sal-2019;

29. Iqis li huwa essenzjali li tissaħħaħ il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid tad-deċiżjonijiet u li ċ-ċittadini, inklużi ż-żgħażagħ, jiġu involuti b'mod aktar effikaċi fil-proċess ta' adeżjoni mal-UE; itenni l-appelli tiegħu biex jiġu implimentati mekkaniżmi ta' konsultazzjoni pubblika trasparenti u inklużivi mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ) fil-livelli governattivi kollha, kif ukoll biex jiġu introdotti proċeduri trasparenti u mhux diskriminatorji għall-allokazzjoni ta' finanzjament pubbliku lill-OSĊ; jinnota li s-soċjetà ċivili hija frammentata, istituzzjonalment u finanzjarjament dgħajfa, u li dan għandu impatt fuq is-sostenibbiltà u l-indipendenza tagħha; jappella għal appoġġ ulterjuri min-naħa tal-UE, mekkaniżmi ta' kooperazzjoni aħjar bejn il-gvern u l-OSĊ, inkluż l-iżvilupp ta' qafas strateġiku għall-kooperazzjoni, kif

ukoll involviment aktar konkret tal-OSĊ fil-qasam ċivili fil-proċess ta' adeżjoni mal-UE; jikkundanna l-kampanji ta' malafama ripetuti u l-attakki vjolenti fuq ir-rappreżentanti tal-OSĊ u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem;

30. Jissottolinja l-ħtieġa għal titjib sostanzjali fl-oqfsa strateġiċi, ġuridiċi, istituzzjonali u politiċi fir-rigward tal-osservanza tad-drittijiet tal-bniedem; jappella għall-adozzjoni ta' strateġija għall-pajjiż kollu dwar id-drittijiet tal-bniedem u n-nondiskriminazzjoni u għal miżuri ulterjuri biex jiżguraw l-implimentazzjoni effikaċi tal-istrumenti internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem li ġew iffirmati u rratifikati mill-Bożnija-Ħerzegovina; jappella għall-adozzjoni rapida tal-liġi dwar ir-riforma tal-Ombudsman tal-Bożnija-Ħerzegovina; jappella biex, meta tiġi adottata l-liġi, jiġu segwiti r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Internazzjonali ta' Koordinazzjoni u l-Kummissjoni ta' Venezja; jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-Uffiċċju tal-Ombudsman mhux qed jiffunzjona kif suppost, prinċipalment minħabba nuqqas ta' riżorsi umani adegwati u restrizzjonijiet finanzjarji serji; jappella lill-awtoritajiet tal-Bożnija-Ħerzegovina fil-livell federali u fir-Repubblika Srpska biex jiffaċilitaw il-ħidma tal-Ombudsman għad-Drittijiet tal-Bniedem;

31. Jinsab imħasseb dwar id-diskriminazzjoni kontinwa kontra l-persuni b'diżabbiltà fl-oqsma tal-impjiegi, l-edukazzjoni u l-aċċess għall-kura tas-saħħa; jappella biex jiġi adottat pjan ta' azzjoni nazzjonali uniku dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà; jappella għall-iżvilupp ta' strateġija komprensiva u integrata dwar l-inklużjoni soċjali u r-rappreżentanza tal-komunità tar-Rom; jappella biex l-assistenza soċjali tiġi mmirata aħjar b'mod li tilħaq lill-popolazzjonijiet l-aktar vulnerabbli; jilqa' l-fatt li xi gvernijiet u parlamenti bdew jiddiskutu d-drittijiet tal-persuni LGBTI u jfasslu miżuri speċifiċi għall-protezzjoni tagħhom; jappella biex jiġu ggarantiti s-sikurezza u d-dritt ta' għaqda tal-gruppi ta' persuni LGBTI; jilqa' l-bidliet għal-liġi kontra d-diskriminazzjoni tal-Bożnija-Ħerzegovina li estendew il-motivazzjonijiet elenkati għal diskriminazzjoni biex jinkludu l-età, id-diżabbiltà, l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru; jappella biex din tiġi infurzata kif suppost; jilqa' l-introduzzjoni tal-projbizzjoni tar-reati ta' mibegħda f'emendi għall-Kodiċi Kriminali tal-Bożnija-Ħerzegovina; jinkoraġġixxi l-inklużjoni ta' korsijiet dwar ir-reati ta' mibegħda fil-kurrikuli u l-programmi ta' taħriġ għall-uffiċjali tal-pulizija, il-prosekuturi u l-imħallfin, u jappella biex tittejjeb il-kooperazzjoni bejn il-pulizija u l-korpi ġudizzjarji fil-prosekuzzjoni tal-kawżi dwar reati ta' mibegħda; iħeġġeġ għal darba oħra r-revoka tad-dispożizzjoni dwar il-piena tal-mewt fil-kostituzzjoni tal-entità tar-Repubblika Srpska;

32. Jappella favur sforzi biex jissaħħu sistemi ulterjuri għall-protezzjoni tat-tfal b'mod li jipprevjenu u jindirizzaw il-vjolenza kontra t-tfal u l-abbuż, it-traskurar u l-isfruttament tat-tfal; jirrakkomanda li tiżdied l-allokazzjoni tar-riżorsi għall-prevenzjoni u li jissaħħaħ ulterjorment il-koordinament bejn il-komunitajiet u l-gvern fil-protezzjoni tat-tfal; jappella biex jiġi implimentat il-Pjan ta' Azzjoni tal-Bożnija-Ħerzegovina dwar it-Tfal 2015-2018;

33. Jinnota li l-qafas ġuridiku għall-protezzjoni tal-minoranzi fil-biċċa l-kbira qiegħed fis-seħħ u huwa konformi mal-Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Ħarsien tal-Minoranzi Nazzjonali; jilqa l-attivazzjoni mill-ġdid tal-entità Federali, il-Kunsill tal-Minoranzi Nazzjonali fil-Bożnija-Ħerzegovina; jinsab imħasseb dwar il-fatt li minħabba li għad hemm nuqqas ta' koordinament bejn l-istat u l-entitajiet, il-liġijiet eżistenti mhumiex qed jiġu implimentati u l-pjattaforma strateġika fil-livell statali dwar il-minoranzi nazzjonali għadha ma ġietx adottata; jiddispjaċih li l-minoranzi nazzjonali għad għandhom livell baxx ta' preżenza u parteċipazzjoni fid-dibattiti politiċi u pubbliċi u fil-media;

34. Jappella għal sforzi ulterjuri biex tiġi promossa l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-ħajja politika u pubblika u fl-impjiegi, biex tittejjeb is-sitwazzjoni soċjoekonomika tagħhom u jissaħħu d-drittijiet tan-nisa b'mod ġenerali; jinnota li d-dispożizzjonijiet legali li jistitwixxu l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel ġeneralment qegħdin fis-seħħ, imma li l-implimentazzjoni tagħhom tibqa' waħda ineffikaċi; jinnota bi tħassib li għad fadal diskriminazzjoni relatata mal-maternità fl-impjiegi u li l-entitajiet u l-kantuni m'għandhomx l-ebda leġiżlazzjoni armonizzata rigward il-maternità u l-liv tal-ġenituri; jirrileva barra minn hekk li l-miżuri attivi eżistenti fis-suq tax-xogħol li huma mmirati biex isostnu l-impjieg tal-gruppi vulnerabbli u qiegħda fuq żmien twil, bħall-persuni b'diżabbiltà, mhumiex qed jiġu implimentati b'mod effikaċi; jissottolinja l-importanza li tissaħħaħ ir-rata tal-bniet li jispiċċaw l-iskola primarja u sekondarja, b'mod partikolari dawk mill-komunità tar-Rom;

35. Jirrileva l-importanza li l-leġiżlazzjoni dwar il-prevenzjoni tal-vjolenza abbażi ta' ġeneru u l-protezzjoni minnha tiġi implimentata b'mod effikaċi, bi qbil mal-konvenzjonijiet internazzjonali li jittrattaw il-prevenzjoni tal-vjolenza domestika u l-protezzjoni minnha li ffirmat u rratifikat il-Bożnija-Ħerzegovina; jilqa' l-impenn li ħadu l-awtoritajiet kompetenti li jimplimentaw il-Konvenzjoni ta' Istanbul tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika; jappella biex il-leġiżlazzjoni u l-politiki pubbliċi jiġu armonizzati ma' din il-konvenzjoni; jappella biex in-nisa superstiti tal-vjolenza jiġu informati rigward il-forom ta' appoġġ u assistenza disponibbli u biex jiġu stabbiliti

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

ċentri ta' kriżi għall-vittmi ta' stupru jew forom oħra ta' vjolenza sesswali; jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-vjolenza abbażi ta' ġeneru ma tiġix reġistrata b'mod sistematiku;

36. Jiddeplora l-fatt li l-Bożnija-Ħerzegovina għadha fi ksur tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem peress li ma implimentatx id-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, fil-kawżi *Sejdić-Finci*, *Zornić* u *Pilav*; jappella bis-sħiħ u bħala kwistjoni ta' urġenza biex isir progress f'dan ir-rigward b'mod li tiġi promossa l-perspettiva tal-pajjiż lejn l-UE; jisħaq li l-implimentazzjoni ta' dawn id-deċiżjonijiet kieku tikkontribwixxi biex tiġi stabbilita soċjetà demokratika li tiffunzjona tajjeb fejn ikunu ggarantiti drittijiet indaqs għal kulħadd; itenni li jekk dawn id-deċiżjonijiet ma jiġux implimentati, tkun qed tiġi permessa d-diskriminazzjoni manifesta taċ-ċittadini fil-Bożnija-Ħerzegovina u tinħoloq sitwazzjoni ta' inkompatibbiltà mal-valuri tal-UE;

37. Jinsab imħasseb dwar il-każijiet ta' pressjoni politika u l-intimidazzjoni tal-ġurnalisti, inklużi attakki fiżiċi u verbali, anke dawk imwettqa minn uffiċjali ta' livell għoli jew *ex* uffiċjali, kif ukoll dwar in-nuqqas ta' trasparenza fis-sjieda tal-media; jinsab ukoll imħasseb dwar l-użu ta' kawżi ċivili ta' libell kontra l-mezzi tax-xandir u l-ġurnalisti li jikkritikaw; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu investigati l-attakki kontra l-ġurnalisti u li jiġi żgurat is-segwitu ġudizzjarju xieraq; jappella lill-awtoritajiet biex jikkundannaw b'mod inekwivoku l-attakki kollha kontra l-ġurnalisti u l-mezzi tax-xandir, u biex jiżguraw li l-każijiet ta' dan it-tip jiġu kompletament investigati u li min ikun responsabbli jitressaq quddiem il-ġustizzja; jappella għall-miżuri ulterjuri meħtieġa biex jiggarantixxu r-rispett sħiħ tal-libertà tal-espressjoni, tal-istampa u tal-aċċess għall-informazzjoni, kemm fuq l-internet u kemm le; jappella lill-awtoritajiet tal-Bożnja-Ħerzegovina biex jieħdu miżuri urġenti biex isalvaw lill-media tas-servizz pubbliku mill-kollass; jappella lill-awtoritajiet kompetenti biex jiżguraw l-indipendenza u l-istabbiltà finanzjarja tat-tliet xandara tas-servizz pubbliku, kif ukoll l-indipendenza politika, operattiva u finanzjarja, flimkien mat-trasparenza tal-Awtorità Regolatorja tal-Komunikazzjonijiet; jappella lill-awtoritajiet kompetenti biex jiggarantixxu l-pluraliżmu medjatiku u jiżguraw xandir fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Bożnija-Ħerzegovina; jappella biex it-tranżizzjoni diġitali tiġi ffinalizzata u biex titwaqqaf strateġija dwar il-broadband;

38. Għadu mħasseb minħabba t-tkomplija tal-frammentazzjoni, is-segregazzjoni, l-ineffiċjenza u l-kumplessità fis-sistema edukattiva; jappella biex jiġi adottat kurrikulu bażiku komuni għall-pajjiż kollu li jkun jikkontribwixxi għall-koeżjoni tal-pajjiż; jappella biex ikun hemm koordinament aħjar bejn il-livelli differenti tal-governanza edukattiva, b'mod li tiġi promossa sistema edukattiva inklużiva u nondiskriminatorja u titrawwem il-kooperazzjoni trasversalment bejn linji kulturali, reliġjużi u etniċi; jappella lill-awtoritajiet biex jippromwovu l-prinċipji tat-tolleranza, id-djalogu u l-fehim interkulturali bejn il-gruppi etniċi differenti; iħeġġeġ favur l-adozzjoni ta' miżuri konkreti biex itejbu l-effiċjenza tas-sistema edukattiva u jeliminaw il-prattiki ta' segregazzjoni, filwaqt li jiggarantixxu d-dritt għal opportunitajiet indaqs għall-edukazzjoni fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Bożnija-Ħerzegovina; għadu mħasseb dwar il-proporzjon għoli ta' dawk li jitilqu mill-edukazzjoni u mit-taħriġ qabel iż-żmien, u r-rati persistentement għoljin ta' studenti Rom li ma jkomplux bl-iskola; jiddispjaċih li għaddej bil-mod il-progress biex jiġu indirizzati u riżolti l-kwistjonijiet ta' "żewġt iskejjel taħt saqaf wieħed", skejjel monoetniċi u forom oħra ta' segregazzjoni u diskriminazzjoni fl-iskejjel;

39. Jilqa' l-miżuri biex jimmodernizzaw il-leġiżlazzjoni dwar ix-xogħol, itejbu l-ambjent tan-negozju u jindirizzaw id-dgħufijiet fis-settur finanzjarju fi ħdan il-qafas tal-Aġenda ta' Riforma; jinnota b'mod pożittiv ukoll iż-żieda fl-impjiegi rreġistrati u l-passi li ttieħdu biex jissaħħaħ il-koordinament tal-politika ekonomika; jilqa' l-programm fuq tliet snin tal-Faċilità ta' Fond Estiża miftiehem mal-FMI, li huwa mistenni li jkompli jtejjeb il-klima kummerċjali, inaqqas id-daqs tal-gvern u jissalvagwardja lis-settur finanzjarju; għadu jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' żona ekonomika unika magħquda li jxekkel l-ambjent tan-negozju, l-investiment dirett barrani u l-impriżi ta' daqs żgħir u medju; jappella biex dawn il-kwistjonijiet jiġu indirizzati permezz ta' politiki industrijali u dwar l-impriżi ta' daqs żgħir u medju li jkunu armonizzati u kkoordinati fil-livell tal-pajjiż kollu kemm hu; jappella biex, bħala kwistjoni ta' urġenza, l-awtoritajiet kompetenti jfasslu miżuri kkoordinati bil-ħsieb li jsaħħu l-istat tad-dritt, jissemplifikaw il-proċeduri għall-infurzar tal-kuntratti u jiġġieldu kontra l-korruzzjoni fl-ekonomija;

40. Jilqa' l-fatt li l-qgħad naqas ħarira; jibqa' mħasseb, madankollu, dwar il-fatt li, fil-biċċa l-kbira tiegħu, il-qgħad għadu ta' natura strutturali u li l-qgħad fost iż-żgħażagħ għadu għoli, u dan jirriżulta fl-eżodu ta' ħafna mħuh; jinkoraġġixxi lill-Bożnija-Ħerzegovina tieħu sehem attiv fid-diversi programmi mfassla għaż-żgħażagħ fir-reġjun, bħal dawk fil-qafas tal-Aġenda Pożittiva għaż-Żgħażagħ fil-Balkani tal-Punent jew l-Uffiċċju Reġjonali għall-Kooperazzjoni rigward iż-Żgħażagħ; jappella lill-awtoritajiet kompetenti biex iqawwu ulterjorment lil-liġijiet eżistenti u jintroduċu politiki attivi tas-suq tax-xogħol immirati b'mod partikolari lejn iż-żgħażagħ, in-nisa, il-gruppi vulnerabbli, inklużi r-Rom, u dawk qiegħda fuq żmien twil, kif ukoll biex isaħħu l-kapaċitajiet tas-servizzi tal-impjiegi;

41. Jiddispjaċih li l-liġijiet dwar ix-xogħol fiż-żewġ entitajiet ġew adottati permezz tal-proċedura urġenti u mingħajr id-djalogu xieraq mas-sħab soċjali; jinnota li d-drittijiet tax-xogħol u tat-trade unions għadhom limitati u jisħaq fuq l-importanza li dawn il-liġijiet ikomplu jissaħħu u jiġu armonizzati madwar il-pajjiż; ifakkar li l-Bożnija-Ħerzegovina ffirmat għadd ta' Konvenzjonijiet tal-ILO, li *inter alia* jirrikonoxxu l-prinċipji tad-djalogu soċjali u l-importanza ta' kooperazzjoni mas-sħab soċjali; jisħaq fuq l-importanza li l-liġijiet dwar is-saħħa u s-sikurezza jkomplu jissaħħu u jiġu armonizzati madwar il-pajjiż; jirrileva wkoll il-ħtieġa li s-sistemi frammentati għall-protezzjoni soċjali jiġu riformati u armonizzati, li tiġi promossa l-koeżjoni soċjali u li tiġi żgurata l-protezzjoni soċjali għal min huwa l-aktar vulnerabbli;

42. Jinnota li nkiseb xi progress fl-allinjament ulterjuri tal-politiki u l-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-protezzjoni ambjentali; jappella favur sforzi sinifikanti fir-rigward tal-implimentazzjoni u l-infurzar adegwati u sistematiċi tal-leġiżlazzjoni eżistenti; jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi adottata strateġija għall-pajjiż kollu dwar l-approssimazzjoni tal-*acquis* ambjentali, li jissaħħaħ il-qafas ġuridiku, u li jitqawwew il-kapaċitajiet amministrattivi u ta' monitoraġġ; jinidika li l-leġiżlazzjoni li tirregola l-aċċess għall-informazzjoni ambjentali u l-parteċipazzjoni pubblika fil-proċessi deċiżjonali trid issir konformi mal-*acquis*; jappella, bħala kwistjoni ta' urġenza, biex fil-qasam tal-protezzjoni tan-natura jkun hemm allinjament mal-*acquis* tal-UE; jissottolinja li l-ippjanar u l-bini tal-impjanti u l-proġetti idroelettriċi jridu jkunu konformi mal-leġiżlazzjoni ambjentali internazzjonali u tal-UE; iħeġġeġ biex il-proġetti idroelettriċi ma jitwettqux f'ambjenti naturali protetti u ma jagħmlux ħsara lin-natura; jisħaq fuq il-ħtieġa għal parteċipazzjoni pubblika fil-proġetti rilevanti u għal konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili dwarhom; jesprimi tħassib dwar in-nuqqas ta' progress fir-riżoluzzjoni tal-problema ta' tniġġis ambjentali eċċessiv u transkonfinali kkawżat mill-operazzjonijiet tar-raffinerija f'Bosanski Brod;

43. Jirrileva li l-proġetti prijoritarji maqbula tal-UE għall-interkonnessjoni tat-trażmissjoni tal-elettriku u tal-gass mal-pajjiżi ġirien qed jiddewmu minħabba n-nuqqas ta' qbil politiku rigward strateġija dwar l-enerġija għall-pajjiż kollu kemm hu; iħeġġeb biex, f'dan ir-rigward, jiġu adottati strateġija dwar l-enerġija għall-pajjiż kollu kemm hu, kif ukoll qafas ġuridiku għall-gass, bi qbil mat-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija, sabiex ikunu jistgħu jitneħħew is-sanzjonijiet tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija; iħeġġeġ biex tiġi mgħoddija liġi dwar il-gass naturali bil-ħsieb li tiżdied is-sigurtà tal-provvista; iħeġġeġ lill-awtoritajiet biex jiżguraw l-allinjament mal-istandards u l-objettivi politiċi tal-UE u dawk internazzjonali fl-oqsma tal-enerġija u tat-tibdil fil-klima;

44. Jinnota d-defiċjenzi infrastrutturali tal-pajjiż u jargumenta li għandu jitkompla l-investiment fil-proġetti għat-titjib tal-konnessjonijiet tat-trasport kemm fil-Bożnija-Ħerzegovina u kemm mal-pajjiżi ġirien; jinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni sħiħa tal-Bożnija-Ħerzegovina fl-implimentazzjoni tal-aġenda tal-UE dwar il-konnettività; ifaħħar l-adozzjoni tal-Istrateġija Qafas dwar it-Trasport għall-pajjiż kollu kemm hu għall-perjodu 2015-2030 f'Lulju 2016; jissottolinja li din tippermetti li l-Bożnija-Ħerzegovina jkollha aċċess għall-finanzjament mill-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni II; jappella lill-awtoritajiet biex jallinjaw il-qafas ġuridiku dwar it-trasport mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE, joħolqu ktajjen ta' trasport funzjonali, ineħħu l-punti ta' konġestjoni fil-kuritur Vc, kif ukoll josservaw ir-regoli dwar il-preżentazzjoni ta' offerti fi proċeduri ta' akkwist u l-prinċipju ta' trasparenza fl-għażla tal-kuntratturi, b'mod li jipprevjenu l-abbuż u l-korruzzjoni;

45. Jilqa' r-rwol kostruttiv u proattiv li għad għandha l-Bożnija-Ħerzegovina fil-promozzjoni tal-kooperazzjoni bilaterali u reġjonali; jappella favur sforzi ulterjuri għar-riżoluzzjoni tal-kwistjonijiet bilaterali pendenti, inklużi d-demarkazzjoni tal-fruntieri mas-Serbja u l-Kroazja u l-każijiet ta' tniġġis transkonfinali; ifaħħar lill-Bożnija-Ħerzegovina talli kompliet iżżid ir-rata tal-allinjament tagħha mad-dikjarazzjonijiet u d-deċiżjonijiet rilevanti tal-UE skont il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) minn 62 % għal 77 %; jiddispjaċih dwar id-deċiżjoni mill-awtoritajiet tal-Bożnija-Ħerzegovina li ma jappoġġawx il-miżuri restrittivi tal-UE kontra r-Russja, wara li din tal-aħħar għaqqdet magħha lill-Krimea illegalment; ifakkar lill-Bożnija-Ħerzegovina dwar il-ħtieġa għal politika barranija unifikata u li l-allinjament tal-politika barranija huwa parti essenzjali mis-sħubija mal-UE; jikkunsidra li huwa importanti li l-politika barranija tal-Bożnija-Ħerzegovina tiġi koordinata mal-politika barranija tal-UE u li l-UE tibqa' attivament involuta fiż-żamma tas-sikurezza u s-sigurtà fil-Bożnija-Ħerzegovina; Jilqa' l-preżenza kontinwa tal-Operazzjoni Althea, li għad kapaċi tikkontribwixxi għall-kapaċità ta' deterrenza tal-awtoritajiet tal-Bożnija-Ħerzegovina jekk is-sitwazzjoni tkun tirrikjedi dan, filwaqt li tiffoka fuq il-bini tal-kapaċitajiet u t-taħriġ. jilqa' ugwalment il-fatt li, f'Novembru 2016, il-mandat tal-EUFOR ittawwal għal sena oħra mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU;

46. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-VP/RGħ, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Presidenza tal-Bożnija-Ħerzegovina, lill-Kunsill tal-Ministri tal-Bożnija-Ħerzegovina, lill-Assemblea Parlamentari tal-Bożnija-Ħerzegovina u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Federazzjoni tal-Bożnija-Ħerzegovina u lill-entitajiet tar-Repubblika Srpska u tad-Distrett ta' Brčko u lill-gvernijiet tal-għaxar kantuni.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

P8_TA(2017)0038

Semestru Ewropew għall-Koordinazzjoni tal-Politika Ekonomika: Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2017

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2017 dwar is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika: Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2017 (2016/2306(INI))

(2018/C 252/14)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2), 126, 136, u l-Protokoll Nru 12 dwar il-proċedura ta' defiċit eċċessiv,

— wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti Nazzjonali fl-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità,

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1175/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet tal-budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ([1]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE tat-8 ta' Novembru 2011 dwar ir-rekwiżiti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri ([2]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1174/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar miżuri ta' infurzar biex jikkoreġu żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi fiż-żona tal-euro ([3]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1177/2011 tat-8 ta' Novembru 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1467/97 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv ([4]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ([5]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1173/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar l-infurzar effettiv tas-sorveljanza baġitarja fiż-żona tal-euro ([6]),

([1]) ĠU L 306, 23.11.2011, p. 12.
([2]) ĠU L 306, 23.11.2011, p. 41.
([3]) ĠU L 306, 23.11.2011, p. 8.
([4]) ĠU L 306, 23.11.2011, p. 33.
([5]) ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.
([6]) ĠU L 306, 23.11.2011, p. 1.

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 473/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar dispożizzjonijiet komuni għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjanijiet baġitarji u l-iżgurar tal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro ([1]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom ([2]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2016 dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2016,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Marzu 2016 rigward ir-Rapport dwar is-Sostenibbiltà Fiskali 2015,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17 u t-18 ta' Marzu 2016,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Grupp tal-Euro tad-9 ta' Settembru 2016 dwar prinċipji komuni biex tittejjeb l-allokazzjoni tal-infiq,

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali 2015 tal-BĊE,

— wara li kkunsidra t-Tbassir Ekonomiku Ewropew tal-ħarifa 2016, maħruġ mill-Kummissjoni Ewropea fid-9 ta' Novembru 2016,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Jannar 2015 bit-titolu "L-aħjar użu tal-flessibbiltà fir-regoli eżistenti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir" (COM(2015)0012),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Novembru 2016 bit-titolu "Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2017" (COM(2016)0725),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Novembru 2016 dwar ir-rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro (COM(2016)0726),

— wara li kkunsidra rapport mill-Kummissjoni tas-16 ta' Novembru 2016 bit-titolu "Lejn pożizzjoni fiskali pożittiva għaż-żona tal-euro" (COM(2016)0727),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Novembru 2016 bit-titolu "Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2017" (COM(2016)0728),

— wara li kkunsidra d-dibattitu mal-parlamenti nazzjonali fil-kuntest tal-edizzjoni tal-2017 tal-Ġimgħa Parlamentari Ewropea,

— wara li kkunsidra r-Rapport bit-titolu "Nikkompletaw l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Ewropa" ("Ir-Rapport tal-Ħames Presidenti"),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Ottubru 2015 "Dwar passi lejn l-Ikkompletar tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja" (COM(2015)0600),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Ġunju 2015 dwar ir-rieżami tal-qafas ta' governanza ekonomika: analiżi u sfidi ([3]);

— wara li kkunsidra r-rapport annwali 2015 tal-Osservatorju Ewropew tar-Ristrutturar tal-Eurofound,

([1]) ĠU L 140, 27.5.2013, p. 11.
([2]) ĠU L 140, 27.5.2013, p. 1.
([3]) ĠU C 407, 4.11.2016, p. 86.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

— wara li kkunsidra l-Komunikat tal-Mexxejja tal-G20 adottat fis-Summit ta' Hangzhou tal-4 u l-5 ta' Settembru 2016,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni magħmula mill-President tal-BĊE fl-34 laqgħa tal-Kumitat Monetarju u Finanzjarju Internazzjonali fis-7 ta' Ottubru 2016,

— wara li kkunsidra l-ftehim tal-COP 21 adottat waqt il-Konferenza ta' Pariġi dwar il-Klima fit-12 ta' Diċembru 2015,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar is-Semestru Ewropew 2016 u fid-dawl tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2017 (12 ta' Ottubru 2016),

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali 2015/2016 dwar l-SMEs Ewropej,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tas-26 ta' Awwissu 2016 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2011/7/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar il-ġlieda kontra l-ħlas tard fi tranżazzjonijiet kummerċjali (COM(2016)0534),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Baġits, tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A8-0039/2017),

A. billi l-ekonomija tal-Unjoni Ewropea qed tirkupra bil-mod il-mod u qed tikber b'pass moderat, għalkemm mhux b'mod uniformi fl-Istati Membri kollha;

B. billi, skont il-projezzjonijiet tal-Kummissjoni, it-tkabbir reali tal-PDG fl-2016 mistenni jkun ta' 1,8 % għall-UE u ta' 1,7 % għaż-żona tal-euro, u fl-2017 ta' 1,6 % u 1,7 % rispettivament, filwaqt li d-dejn tal-gvern fl-2016 mistenni jkun ta' 86,0 % fl-UE u 91,6 % fiż-żona tal-euro; billi d-defiċit taż-żona tal-euro mistenni jkun ta' 1,7 % tal-PDG fl-2016 u ta' 1,5 % fl-2017 u fl-2018;

C. billi l-infiq tal-konsumaturi huwa l-motivatur ewlieni attwali tat-tkabbir u fl-2017 mistenni jibqa' l-istess; billi, madankollu, l-Ewropa għadha qed tiffaċċja diskrepanza importanti fl-investiment, li għadu ferm taħt il-livelli ta' qabel il-kriżi;

D. billi r-rata ta' impjieg fl-UE qed tiżdied, għalkemm b'pass insuffiċjenti u mhux b'mod uniformi, u b'hekk il-qgħad fiż-żona tal-euro naqas għal 10,1 % fl-2016, iżda mhux biżżejjed biex il-qgħad fost iż-żgħażagħ u l-qgħad fit-tul jitnaqqsu b'mod sinifikanti;

E. billi dan l-irkupru fis-swieq tax-xogħol u fit-tkabbir ivarja minn Stat Membru għal ieħor u għadu fraġli, u billi hemm il-ħtieġa li titrawwem konverġenza 'l fuq fl-UE;

F. billi t-tkabbir ekonomiku sa ċertu punt serraħ fuq politiki monetarji mhux konvenzjonali, li mhumiex għal dejjem; billi dan jappoġġja l-appell għal approċċ ta' politika fuq tliet pilastri: investiment li jiffavorixxi t-tkabbir, riformi strutturali sostenibbli u finanzi pubbliċi responsabbli permezz ta' implimentazzjoni konsistenti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (SGP) fl-Istati Membri kollha, b'rispett sħiħ tal-klawsoli ta' flessibbiltà eżistenti tiegħu;

G. billi xi Stati Membri għad għandhom dejn pubbliku u privat għoli ħafna, aktar minn 60 % tas-soll tal-PDG kif stabbilit fl-SGP;

H. billi mill-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-abbozzi ta' pjanijiet baġitarji (DBPs) għall-2017 tal-Istati Membri taż-żona tal-euro, jirriżulta li l-ebda DBP għall-2017 ma kien f'xi nonkonformità partikolarment serja mar-rekwiżiti tal-SGP, iżda li f'bosta każijiet, madankollu, l-aġġustamenti fiskali ppjanati ma jissodisfawx, jew jirriskjaw li ma jissodisfawx, ir-rekwiżiti tal-SGP;

I. billi mill-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-abbozzi ta' pjanijiet baġitarji għall-2017 tal-Istati Membri taż-żona tal-euro jirriżulta li disa' Stati Membri huma konformi mar-rekwiżiti skont l-SGP;

J. billi s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi tal-Istati Membri tal-UE hija kwistjoni ta' tħassib għall-ġustizzja interġenerazzjonali;

K. billi d-daqs tad-dejn tal-gvern jista' jiġi affettwat minn responsabbiltajiet kemm kontinġenti kif ukoll impliċiti;

L. billi xi Stati Membri jirreġistraw eċċessi għoljin ħafna fil-kont kurrenti u l-iżbilanċi makroekonomiċi Ewropej għadhom kbar;

M. billi l-UE teħtieġ sforzi ta' investiment pubbliku u privat addizzjonali importanti, b'mod partikolari fl-edukazzjoni, ir-riċerka, l-ICT u l-innovazzjoni, kif ukoll impjiegi, negozji u kumpaniji ġodda, sabiex twettaq il-potenzjal ta' tkabbir tagħha u tnaqqas id-diskrepanza attwali fl-investiment, li għadu taħt il-livelli ta' qabel il-kriżi; billi dan jirrikjedi, b'mod partikolari, titjib fl-ambjent regolatorju;

N. billi l-livell għoli ta' self improduttiv għadu sfida serja f'numru ta' Stati Membri; billi t-tkabbir tal-kreditu qed jirkupra gradwalment iżda għadu taħt il-livelli ta' qabel il-kriżi;

O. billi sabiex jitjieb il-livell insuffiċjenti ta' kompetittività globali tal-UE u jiżdied it-tkabbir ekonomiku tagħha, huma meħtieġa implimentazzjoni aħjar tat-taħlita ta' politika l-ġdida, riformi strutturali intelliġenti fl-Istati Membri, u l-ikkompletar tas-suq uniku;

P. billi l-ekonomiji b'sistemi aktar punittivi għall-falliment jirrinunzjaw għat-tkabbir potenzjali fil-valur miżjud u l-impjiegi u dan jitlob li jkun hemm l-implimentazzjoni sħiħa tal-prinċipju li jirrigwarda t-tieni opportunità tal-"Att dwar in-Negozji ż-Żgħar" mill-Istati Membri kollha;

Q. billi l-kompetittività Ewropea tiddependi ħafna wkoll fuq l-elementi li ma għandhomx x'jaqsmu mal-prezzijiet u li jirrelataw mal-innovazzjoni, it-teknoloġija u l-kapaċitajiet organizzattivi, pjuttost milli fuq il-prezzijiet, l-ispejjeż u l-pagi biss;

R. billi d-direttiva dwar il-ħlas tard 2011/7/UE ġiet imfassla biex tgħin lill-kumpaniji li qegħdin jiffaċċjaw spejjeż għoljin jew anke fallimenti minħabba l-ħlasijiet tard minn kumpaniji privati u pubbliċi; billi l-evalwazzjoni ex post esterna żvelat li l-entitajiet pubbliċi f'aktar minn nofs l-Istati Membri kollha għadhom mhumiex jirrispettaw il-limitu ta' ħlas ta' 30 ġurnata impost mil-liġi; billi r-rapport identifika li l-Istati Membri taħt il-programmi ta' aġġustament għandhom diffikultajiet biex japplikaw id-direttiva meta l-ħlas fil-pront tal-fatturi attwali jrid jiġi bbilanċjat mal-ħlas lura tad-dejn akkumulat;

1. Jilqa' l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2017 tal-Kummissjoni li jafferma mill-ġdid l-istrateġija ta' trianglu virtuż ta' investiment privat u pubbliku, riformi strutturali soċjalment ibbilanċjati u finanzi pubbliċi responsabbli, u jitlob implimentazzjoni aħjar ta' din it-taħlita ta' politika; jaqbel li meħtieġ progress aktar mgħaġġel fl-adozzjoni tar-riformi, bi qbil mar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, sabiex jinkisbu riżultati b'rabta mat-tkabbir u l-impjiegi, ħalli jiġi appoġġjat l-irkupru ekonomiku; jiddeplora, għalhekk, ir-rata baxxa ħafna tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, li minn 11 % fl-2012 naqset għal 4 % biss fl-2015; jenfasizza li l-Istati Membri se jkollhom bżonn iżidu l-isforzi tagħhom biex jirriformaw jekk jixtiequ jirritornaw lura għat-tkabbir u joħolqu l-impjiegi; jappoġġja l-prijorità tal-Kummissjoni li tingħata spinta lill-impjiegi, lit-tkabbir u lill-investiment għall-Unjoni;

2. Josserva d-dipendenza eċċessiva attwali fuq il-politika monetarja tal-Bank Ċentrali Ewropew u jinnota li l-politika monetarja waħidha mhijiex biżżejjed biex tistimula t-tkabbir fin-nuqqas ta' investimenti u riformi strutturali sostenibbli;

3. Jaqbel mal-Kummissjoni li ż-żona tal-euro teħtieġ tiddependi dejjem aktar fuq id-domanda domestika; iqis li domanda domestika aktar b'saħħitha tkun aħjar għat-tkabbir sostenibbli taż-żona tal-euro;

4. Jinnota li t-tkabbir fl-2016 qed ikompli b'pass pożittiv moderat u qabeż il-livell ta' qabel il-kriżi, iżda li t-tkabbir modest irid jitqies mill-perspettiva ta' politika monetarja straordinarja, u li dan għadu dgħajjef u mhux uniformi bejn l-Istati Membri; jinnota bi tħassib li r-rati ta' tkabbir tal-PDG u tal-produttività għadhom ma laħqux il-potenzjal sħiħ, u għalhekk ma hemm l-ebda lok għal kompjaċenza, u li dan l-irkupru moderat jirrikjedi sforzi bla waqfien sabiex tinkiseb reżiljenza akbar permezz ta' livell ogħla ta' tkabbir u impjiegi;

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

5. Jinnota li r-referendum fir-Renju Unit ħoloq inċertezzi għall-ekonomija Ewropea u għas-swieq finanzjarji; jinnota li l-eżitu tal-elezzjoni presidenzjali reċenti fl-Istati Uniti tal-Amerka ħoloq inċertezza politika li mistennija taffettwa l-ekonomija Ewropea, mhux l-inqas fir-rigward tar-relazzjonijiet kummerċjali internazzjonali;

6. Jinnota bi tħassib ir-reazzjonijiet negattivi kontra l-globalizzazzjoni u ż-żieda fil-protezzjoniżmu;

7. Josserva li filwaqt li l-qgħad, bħala medja, qiegħed jonqos b'mod gradwali, u r-rati ta' attività qed jiżdiedu, l-isfidi strutturali għadhom jippersistu f'ħafna Stati Membri; jinnota, madankollu, li r-rati ta' qgħad fit-tul u fost iż-żgħażagħ għadhom għoljin; jenfasizza li fl-Istati Membri kkonċernati huma meħtieġa riformi tas-suq tax-xogħol inklużivi, b'rispett sħiħ tad-djalogu soċjali, sabiex jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet strutturali;

8. Jenfasizza li r-rata tal-investiment fl-UE, u fiż-żona tal-euro, għadha ferm taħt il-livelli ta' qabel il-kriżi; jemmen li din id-"diskrepanza fl-investiment" trid tiġi aġġustata permezz ta' investimenti privati u pubbliċi, u jenfasizza li l-investiment immirat biss jista' jġib miegħu riżultati viżibbli fi żmien qasir u fuq skala xierqa; jaqbel mal-Kummissjoni li l-ambjent bi spiża ta' finanzjament baxxa jiffavorixxi l-frontloading tal-investimenti, b'mod partikolari fl-infrastruttura;

Investiment

9. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-aċċess għall-finanzi u t-tisħiħ tas-suq uniku huma kruċjali biex in-negozji jkunu innovattivi u jikbru; jenfasizza li r-rekwiżiti l-ġodda ta' kapital u ta' likwidità, minkejja li huma meħtieġa biex tittejjeb ir-reżiljenza tas-settur bankarju, m'għandhomx ixekklu l-kapaċità tal-banek li jsellfu lill-ekonomija reali; jemmen li jenħtieġ li jsiru aktar sforzi biex tingħata spinta lill-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, iżżid l-isforzi tagħha biex ittejjeb l-ambjent finanzjarju;

10. Jenfasizza li l-investimenti pubbliċi fil-kapital uman u fl-infrastruttura huma ta' importanza assoluta; iqis li hemm bżonn qawwi li jiġi ffaċilitat l-investiment f'oqsma bħall-edukazzjoni, l-innovazzjoni u r-riċerka u l-iżvilupp, li huma fatturi kruċjali għal ekonomija Ewropea aktar kompetittiva;

11. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex testendi t-tul, u tirdoppja l-ammont, tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS); jenfasizza li l-kopertura ġeografika u settorjali trid tittejjeb b'mod sinifikanti biex l-objettivi stabbiliti f'dan ir-regolament jinkisbu; jenfasizza li l-FEIS għandu wkoll jattira finanzjament għal proġetti b'dimensjoni transfruntiera, ibbilanċjat madwar l-Unjoni; jenfasizza l-importanza ta' koordinazzjoni aħjar bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni u ċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investiment;

12. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jħaffu u jimmassimizzaw l-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FEIS) sabiex jisfruttaw il-motivaturi kollha tat-tkabbir intern, u jippromwovu konverġenza 'l fuq;

13. Jinnota li sistema finanzjarja kredibbli u l-istituzzjonijiet tagħha huma kruċjali biex jiġu attirati l-investiment u t-tkabbir fl-ekonomija Ewropea; jenfasizza li s-sikurezza u l-istabbiltà fis-sistema finanzjarja attwali żdiedu meta mqabbla mal-livell ta' qabel il-kriżi; jinnota, madankollu, li ċerti sfidi urġenti għadhom ma ġewx indirizzati, bħall-istokk ta' self improduttiv akkumulat matul il-kriżi finanzjarja;

14. Jenfasizza li Unjoni tas-Swieq Kapitali li tiffunzjona kompletament tista', fuq perjodu ta' żmien itwal, tipprovdi finanzjament alternattiv għall-SMEs, filwaqt li tikkomplementa dak tas-settur bankarju, u toħloq sorsi aktar diversifikati ta' finanzjament għall-ekonomija b'mod ġenerali; jistieden lill-Kummissjoni tħaffef il-ħidma tagħha fuq l-Unjoni tas-Swieq Kapitali biex tinħoloq allokazzjoni aktar effiċjenti tal-kapital madwar l-UE kollha, tittejjeb il-profondità tas-swieq kapitali tal-UE, tiżdied id-diversifikazzjoni għall-investituri, jiġi stimulat l-investiment fit-tul u jsir użu sħiħ mill-istrumenti finanzjarji innovattivi tal-UE mfassla biex jappoġġjaw l-aċċess tal-SMEs għas-swieq kapitali; jenfasizza li l-ikkompletar tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali m'għandux idgħajjef il-kisbiet li saru s'issa, iżda għandu jistinka biex ikun ta' benefiċċju aħħari għaċ-ċittadini Ewropej;

15. Jenfasizza li hemm bżonn ta' żieda fil-finanzjament tal-investimenti; jitlob sistema finanzjarja li tiffunzjona tajjeb, fejn iż-żieda fl-istabbiltà u l-istituzzjonijiet transfruntiera eżistenti jistgħu jiffaċilitaw il-likwidità u l-ġenerazzjoni tas-suq, b'mod speċjali għall-SMEs; jinnota wkoll, f'dan ir-rigward, li kumpaniji b'rata għolja ta' tkabbir għandhom diffikultajiet bl-aċċess għall-finanzi; jistieden lill-Kummissjoni tidentifika u timplimenta proġetti li jappoġġjaw u jattiraw investiment ibbażat fuq is-suq għal tali kumpaniji; jenfasizza li r-riformi li jirrigwardaw l-istruttura bankarja ma jridux ifixklu l-ġenerazzjoni ta' likwidità;

16. Iħeġġeġ l-ikkompletar bir-reqqa u pass pass tal-Unjoni Bankarja u l-iżvilupp tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali, bl-għan li tiżdied ir-reżiljenza fis-settur bankarju, billi jingħata kontribut għall-istabbiltà finanzjarja, jinħoloq ambjent stabbli għall-investiment u t-tkabbir, u tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq finanzjarju taż-żona tal-euro; jenfasizza, f'dan il-kuntest, il-prinċipju tar-responsabbiltà, u jissottolinja li l-periklu morali jrid jiġi evitat, b'mod partikolari sabiex jiġu protetti ċ-ċittadini; iħeġġeġ ir-rispett tar-regoli komuni eżistenti;

17. Jenfasizza li l-investiment pubbliku u privat huwa kruċjali biex tkun tista' sseħħ it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari u b'livell baxx ta' karbonju; ifakkar fl-impenji tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari fil-Ftehim ta' Pariġi, biex jiġi ffinanzjat l-użu tat-teknoloġiji nodfa, it-tkabbir fl-iskala tal-enerġiji rinnovabbli u l-effiċjenza fl-enerġija, u t-tnaqqis ġenerali tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra;

18. Jenfasizza li investiment affidabbli jeżiġi ambjent regolatorju stabbli li jippermetti redditu fuq l-investiment; iqis li regoli prevedibbli, amministrazzjonijiet pubbliċi effiċjenti u trasparenti, sistemi ġuridiċi effikaċi, kundizzjonijiet ekwi u tnaqqis fil-piż amministrattiv huma fatturi kruċjali biex jiġi attirat l-investiment; jenfasizza li 40 % tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi għall-2016 jindirizzaw ostakoli għall-investiment, li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jgħinu biex jitneħħew; jistieden lill-Kummissjoni, barra minn hekk, tieħu l-azzjoni meħtieġa abbażi tas-"Sejħa għal Evidenza: Qafas Regolatorju tal-UE għal servizzi finanzjarji", bl-għan li tnaqqas il-burokrazija żejda, tissimplifika r-regolamentazzjoni u ssaħħaħ l-ambjent finanzjarju;

19. Jirrikonoxxi l-potenzjal mhux sfruttat għat-tkabbir tal-produttività u l-investiment li jista' jiġi sfruttat jekk ir-regoli tas-suq uniku jkunu infurzati bis-sħiħ, u jekk is-swieq tal-prodotti u s-servizzi jkunu integrati aħjar; ifakkar l-importanza tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż biex jindikaw l-oqsma ewlenin għal azzjonijiet fl-Istati Membri;

20. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-benefiċċji tal-kummerċ mhumiex dejjem rikonoxxuti fid-dibattitu pubbliku, u jenfasizza li l-kummerċ internazzjonali jista' jkun sors sinifikanti ta' impjiegi għall-Ewropej u kontribut kruċjali għat-tkabbir; itenni li aktar minn 30 miljun impjieg issa huma appoġġjati minn esportazzjonijiet mill-UE; jissottolinja li l-ftehimiet ta' kummerċ internazzjonali m'għandhomx idgħajfu l-istandards regolatorji, soċjali u ambjentali Ewropej, iżda pjuttost isaħħu l-istandards globali;

21. Jinnota bi tħassib li s-sehem tal-UE tal-flussi tal-investiment dirett barrani globali naqas b'mod sinifikanti minn mindu bdiet il-kriżi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-isforzi biex itejbu l-ambjent tan-negozju għall-investimenti, fost oħrajn billi jimplimentaw u jinfurzaw bis-sħiħ il-leġiżlazzjoni tas-Suq Uniku tal-UE; jaqbel li progress aktar mgħaġġel fl-adozzjoni tar-riformi strutturali sostenibbli, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, huwa bżonnjuż biex itejjeb il-kompetittività tal-UE, jippromwovi ambjent favorevoli għan-negozji (speċjalment l-SMEs) u l-investiment, u jikseb tkabbir u impjiegi, kif ukoll irawwem konverġenza 'l fuq bejn l-Istati Membri;

22. Jinsisti fuq il-bżonn li jitħarsu l-kapaċitajiet ta' investiment fit-tul tal-istituzzjonijiet finanzjarji, il-profittabbiltà ta' tfaddil b'riskju baxx, u ta' prodotti tal-pensjoni fit-tul, sabiex ma tiġix ipperikolata s-sostenibbiltà tad-dispożizzjonijiet tat-tfaddil u tal-pensjonijiet taċ-ċittadini Ewropej;

23. Jenfasizza li hemm bżonn li riformi strutturali sostenibbli jiġu kkumplimentati minn investiment fit-tul fl-edukazzjoni, ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-kapital uman, l-aktar fl-edukazzjoni u t-taħriġ maħsuba biex jipprovdu għarfien u ħiliet ġodda; jemmen li s-sħubiji bejn dawk li jfasslu l-politika, il-leġiżlaturi, ir-riċerkaturi, il-produtturi u l-innovaturi jistgħu jitqiesu wkoll bħala għodda biex jippromwovu l-investiment, jiksbu tkabbir intelliġenti u sostenibbli, u jikkumplimentaw programmi ta' investiment;

Riformi strutturali

24. Jaqbel li r-riformi strutturali sostenibbli fis-swieq tal-prodotti u s-servizzi, kif ukoll fis-swieq tax-xogħol, tas-saħħa, tal-akkomodazzjoni u tal-pensjoni, għadhom prijorità fl-Istati Membri biex b'mod effiċjenti jiġi appoġġjat l-irkupru, jiġi indirizzat il-livell għoli ta' qgħad, tingħata spinta lill-kompetittività, lill-kompetizzjoni ġusta u lill-potenzjal ta' tkabbir, u biex titjieb l-effiċjenza tas-sistemi tar-riċerka u l-innovazzjoni, mingħajr ma jiddgħajfu d-drittijiet tal-ħaddiema, il-ħarsien tal-konsumatur jew l-istandards ambjentali;

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

25. Iqis li swieq tax-xogħol li jaħdmu sew u li huma produttivi, flimkien ma' livell adegwat ta' protezzjoni soċjali u djalogu, urew li huma aktar veloċi biex jirkupraw mill-kriżi ekonomika; jistieden lill-Istati Membri jnaqqsu s-segmentazzjoni tas-swieq tax-xogħol, iżidu l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u jtejbu l-ħiliet, anke permezz ta' enfasi aktar qawwija fuq it-taħriġ u t-tagħlim matul il-ħajja biex jissaħħu l-impjegabbiltà u l-produttività; josserva li xi Stati Membri għad għandhom bżonn konsiderevoli ta' riforma sabiex jagħmlu s-swieq tax-xogħol tagħhom aktar reżiljenti u inklużivi;

26. Jissottolinja l-importanza tat-tnedija jew it-tkomplija tal-implimentazzjoni tar-riformi strutturali koerenti u sostenibbli għall-istabbiltà fuq perjodu ta' żmien medju u twil; jenfasizza li l-UE u l-Istati Membri tagħha ma jistgħux jikkompetu fuq il-kriterju tal-kostijiet ġenerali jew lavorattivi biss, iżda għandhom bżonn jinvestu aktar fir-riċerka, l-innovazzjoni u l-iżvilupp, l-edukazzjoni u l-ħiliet, u l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak Ewropew;

27. Jinsab imħasseb dwar l-effetti tal-iżviluppi demografiċi fuq il-finanzi pubbliċi u t-tkabbir sostenibbli, ikkundizzjonati minn, fost oħrajn, rati baxxi tat-twelid, soċjetajiet li qed jixjieħu u emigrazzjoni; jirrimarka b'mod partikolari l-impatt ta' popolazzjonijiet li qed jixjieħu fuq is-sistemi tal-pensjonijiet u tal-kura tas-saħħa fl-UE; jinnota li, minħabba strutturi demografiċi differenti, l-effetti ta' dawn l-iżviluppi se jvarja bejn l-Istati Membri, imma jwissi li l-ispejjeż ta' finanzjament diġà prevedibbli se jkollhom impatt sinifikanti fuq il-finanzi pubbliċi;

28. Ifakkar li fattur importanti għall-iżgurar tas-sostenibbiltà tas-sistemi tal-pensjonijiet huwa li tinkiseb u tinżamm rata għolja ta' impjiegi; jirrimarka wkoll, f'dan il-kuntest, l-importanza li jintużaw aħjar il-ħiliet tal-migranti sabiex ikun hemm adattament għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol;

29. Jinnota li l-Istati Membri bħalissa jonfqu bejn 5-11 % tal-PDG rispettiv tagħhom fuq il-kura tas-saħħa, sehem li huwa mistenni li jiżdied b'mod konsiderevoli fid-deċennji li ġejjin minħabba t-tibdil demografiku; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiffoka l-isforzi fuq infiq kosteffettiv fuq kura tas-saħħa ta' kwalità għolja, u fuq l-aċċess universali għaliha, permezz tal-kooperazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki fil-livell tal-UE u billi tindirizza s-sostenibbiltà tas-sistemi tal-kura tas-saħħa ta' kwalità f'rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż;

30. Jistieden lill-Kummissjoni tippubblika regolarment valutazzjonijiet tas-sostenibbiltà fiskali għal kull Stat Membru, filwaqt li tqis il-fatturi kollha speċifiċi għal kull pajjiż, bħal pereżempju l-iżviluppi demografiċi, u l-obbligi kontinġenti, l-obbligi impliċiti u obbligi oħra li ma jidhrux fil-baġit li jaffettwaw is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi; jirrakkomanda li dawn ir-rapporti jkunu parti mir-rapporti annwali tal-pajjiżi; jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tiżviluppa indikatur biex tivvaluta l-effett tal-finanzi pubbliċi u tal-baġits annwali fuq il-ġenerazzjonijiet futuri, billi tqis ir-responsabbiltajiet futuri u l-obbligi baġitarji impliċiti; jaqbel li l-piż amministrattiv għal dawn il-valutazzjonijiet għandu jinżamm limitat;

31. Jilqa' l-fatt li, fuq medja, il-qgħad fost iż-żgħażagħ qed jonqos, minkejja li għadu għoli ħafna; jinnota li għad hemm differenzi kbar fost l-Istati Membri li jitolbu riformi kontinwi biex jiffaċilitaw id-dħul taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol, sabiex b'hekk tiġi żgurata ġustizzja interġenerazzjonali; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u jitlob li jkun hemm finanzjament tal-UE kontinwu għal dan il-programm kruċjali; jaqbel mal-Kummissjoni li hemm bżonn ta' aktar azzjoni mill-Istati Membri biex jiġġieldu l-qgħad fost iż-żgħażagħ, b'mod partikolari billi jtejbu l-effettività tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ;

32. Jenfasizza l-importanza tal-iżviluppi tal-pagi responsabbli u favur it-tkabbir, li jipprovdu standard tajjeb ta' għajxien, f'konformità mal-produttività, filwaqt li jittieħed kont tal-kompetittività, u l-importanza ta' djalogu soċjali effettiv għal ekonomija soċjali tas-suq li tiffunzjona tajjeb;

33. Jaqbel li t-tassazzjoni għandha tappoġġja l-investimenti u l-ħolqien tal-impjiegi; jappella għal riformi fit-tassazzjoni maħsuba biex jindirizzaw il-piż għoli tat-taxxa fuq ix-xogħol fl-Ewropa, itejbu l-ġbir tat-taxxa, jiġġieldu l-evitar tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa, u jagħmlu s-sistemi tat-taxxa aktar sempliċi, aktar ġusti u aktar effiċjenti; jenfasizza l-bżonn ta' koordinazzjoni aħjar tal-prattiki amministrattivi fil-qasam tat-tassazzjoni; jitlob li jkun hemm aktar trasparenza fost l-Istati Membri fil-qasam tat-tassazzjoni korporattiva;

Responsabbiltà fiskali u l-istruttura tal-finanzi pubbliċi

34. Jinnota li l-Kummissjoni tqis li s-sostenibbiltà fiskali għadha prijorità, u li l-isfidi naqsu minn meta l-kriżi laħqet l-ogħla livell tagħha, u jistgħu ma jirrappreżentawx riskji maġġuri għaż-żona tal-euro kollha fi żmien qasir;

35. Jinnota wkoll li l-Kummissjoni tqis li għad hemm sfidi, u li l-wirt li ntiret mill-kriżi, kif ukoll nuqqasijiet strutturali, għadhom hemm u jridu jiġu indirizzati sabiex jiġu evitati r-riskji fit-tul;

36. Jenfasizza l-fatt li l-Istati Membri kollha huma obbligati jikkonformaw mal-SGP, b'rispett sħiħ tal-klawsoli ta' flessibbiltà eżistenti tiegħu; jirrimarka wkoll, f'dan ir-rigward, l-importanza tat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza (TSKG), u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tressaq valutazzjoni komprensiva tal-esperjenza tagħha fl-implimentazzjoni tat-Trattat, bħala bażi sabiex jittieħdu l-passi neċessarji f'konformità mat-TUE u t-TFUE, bl-għan li s-sustanza ta' dan it-Trattat tiġi inkorporata fil-qafas legali tal-UE;

37. Jinnota li filwaqt li sitt Stati Membri għadhom taħt il-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv (EDP), hemm tnaqqis tal-livell tad-defiċit pubbliku medju, li huwa mistenni li baqa' taħt it-2 % fl-2016 u li jkompli jonqos fis-snin li ġejjin, u li żewġ Stati Membri biss huma mistennija li jibqgħu taħt l-EDP fl-2017; jinnota li, f'bosta każijiet, iż-żieda kbira fid-dejn fil-passat reċenti hija wkoll ir-riżultat ta' rikapitalizzazzjoni tal-banek u tkabbir baxx; jenfasizza li meta r-rati tal-imgħax jerġgħu jibdew jogħlew, jistgħu jiżdiedu diffikultajiet fit-titjib tal-finanzi pubbliċi;

38. Jenfasizza r-rwol tal-Kummissjoni bħala l-gwardjan tat-trattati; jenfasizza l-ħtieġa għal evalwazzjoni oġġettiva u trasparenti tal-applikazzjoni u l-infurzar ta' leġiżlazzjoni miftiehma b'mod komuni;

39. Jinsisti li m'għandu jkun hemm l-ebda trattament differenti bejn l-Istati Membri; jinnota li politika fiskali li tirrispetta u ssegwi l-liġi tal-Unjoni biss tista' twassal għal kredibbiltà u fiduċja bejn l-Istati Membri, u sservi bħala pedament għat-tlestija tal-UEM u għall-fiduċja tas-swieq finanzjarji;

40. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill ikunu kemm jista' jkun speċifiċi meta jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet fiskali mill-aspett preventiv u korrettiv tal-SGP sabiex tiżdied it-trasparenza u l-infurzabbiltà tar-rakkomandazzjonijiet; jenfasizza l-bżonn li tiġi inkluża fir-rakkomandazzjonijiet, mill-aspett preventiv, kemm id-data fil-mira tal-objettiv ta' terminu medju speċifiku għall-pajjiż kif ukoll l-aġġustament fiskali meħtieġ biex jintlaħaq jew jinżamm;

41. Iqis li l-iżbilanċi makroekonomiċi fl-Istati Membri għandhom jiġu indirizzati skont il-proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku (MIP) permezz ta' sforzi li jinvolvi l-Istati Membri kollha u li jkunu bbażati fuq riformi u investimenti rilevanti; jenfasizza li kull Stat Membru jrid iwettaq ir-responsabbiltajiet individwali tiegħu f'dan il-kuntest; jinnota li l-eċċessi għolja fil-kontijiet kurrenti jimplikaw il-possibbiltà ta' domanda domestika akbar; jenfasizza li l-livelli għoljin ta' dejn pubbliku u privat jirrappreżentaw dgħufija sinifikanti u li jinħtieġu politiki fiskali responsabbli u tkabbir ogħla biex dawn jitnaqqsu aktar malajr;

42. Jinnota li, filwaqt li l-finanzi pubbliċi tjiebu tul dawn l-aħħar snin, wara l-valutazzjoni tad-DBPs għall-2017, tmien Stati Membri huma meqjusa li jinsabu f'riskju ta' nuqqas ta' konformità; iqis li l-perkorsi ta' aġġustament fiskali maqbula jeħtieġ li jiġu rrispettati;

43. Jilqa' t-tnaqqis medju tad-defiċit u tad-dejn pubbliku, imma jaqbel li l-kwadri aggregati jaħbu differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri; jenfasizza li l-kwadri aggregati għandhom dejjem jitqiesu flimkien mal-eżami tal-baġits individwali, u jissottolinja l-ħtieġa ta' politiki fiskali sodi b'antiċipazzjoni taż-żieda fir-rati tal-imgħax; iqis li jenħtieġ li tintlaħaq konverġenza 'l fuq, b'mod partikolari bejn l-Istati Membri taż-żona tal-euro;

Pożizzjoni fiskali għaż-żona tal-euro

44. Jinnota li skont it-tbassir ekonomiku tal-ħarifa 2016 tal-Kummissjoni, il-pożizzjoni fiskali fiż-żona tal-euro mxiet minn waħda restrittiva għal dik newtrali fl-2015 u hi mistennija li tkun moderatament espansjonarja matul il-perjodu previst ta' tbassir; jieħi nota, barra minn hekk, tal-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-fatt li t-twettiq sħiħ tar-rekwiżiti fiskali li hemm fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-Kunsill iwassal, f'livell aggregat, għal orjentament fiskali moderatament restrittiv għaż-żona tal-euro b'mod ġenerali fl-2017 u fl-2018, kif ukoll tas-sejħiet tal-Kummissjoni għal orjentament fiskali pożittiv u espansjonarju filwaqt li tirrikonoxxi r-restrizzjonijiet ekonomiċi u legali f'dan ir-rigward;

45. Iqis il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-orjentament fiskali pożittiv bħala żvilupp importanti; jilqa' l-intenzjoni tal-komunikazzjoni li tikkontribwixxi biex itejjeb il-koordinament tal-politiki ekonomiċi fiż-żona tal-euro u biex tenfasizza l-opportunitajiet tal-istimulu fiskali fl-Istati Membri li jħallu spazju għal dan il-għan; jenfasizza li r-rekwiżiti fiskali huma bbażati fuq regoli fiskali maqbula b'mod komuni; ifakkar li l-Istati Membri huma obbligati jikkonformaw mal-

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

SGP, indipendentement mir-rakkomandazzjonijiet aggregati; jinnota li hemm fehmiet diverġenti rigward il-potenzjal, u l-livell, ta' objettiv ta' orjentament fiskali aggregat; jilqa' l-ħidma li għaddejja tal-Bord Fiskali Ewropew indipendenti dwar din il-kwistjoni;

46. Hu tal-fehma li t-titjib tal-istruttura tal-baġits pubbliċi hi waħda mil-lievi ewlenin biex tiżgura l-konformità mar-regoli fiskali tal-UE u biex tippermetti l-finanzjament ta' nfiq indispendabbli, il-bini ta' riżorsi għal ħtiġijiet imprevisti u l-investimenti li jsaħħu t-tkabbir u, fl-aħħar nett, il-finanzjament tal-infiq inqas essenzjali, kif ukoll biex tikkontribwixxi għal użu aktar effiċjenti u responsabbli tal-fondi pubbliċi; ifakkar li l-kompożizzjoni tal-baġits nazzjonali hija deċiża fil-livell nazzjonali, filwaqt li jitqiesu r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż;

47. Jinnota li qed isir b'mod regolari dibattitu dwar l-allokazzjoni intelliġenti tal-infiq pubbliku u tal-prijoritajiet ta' politika relatati mal-baġit tal-UE, u li tali valutazzjoni kritika hija indispensabbli wkoll sabiex il-baġits nazzjonali jtejbu l-kwalità tal-baġits pubbliċi għal perjodu ta' żmien medju u twil u biex jevitaw it-tnaqqis baġitarju lineari;

48. Jilqa' r-rieżami li għadu għaddej tal-infiq pubbliku, u jinkoraġġixxi l-Istati Membri jivvalutaw b'mod kritiku l-kwalità u l-kompożizzjoni tal-baġits tagħhom; jappoġġja l-isforzi maħsuba biex jitjiebu l-kwalità u l-effiċjenza tan-nefqa pubblika; inkluż billi l-infiq mhux produttiv jiġi orjentat lejn investiment li jsaħħaħ it-tkabbir;

49. Jemmen li l-baġit tal-UE jista' jgħin biex itaffi l-pressjoni fuq il-baġits nazzjonali billi jserraħ fuq ir-riżorsi proprji minflok ma jiddependi b'mod estensiv fuq il-kontribuzzjonijiet nazzjonali;

50. Jilqa' d-diskussjonijiet tematiċi li saru u l-istandards tal-aħjar prattiki adottati mill-Grupp tal-Euro, bħal dawk dwar ir-rieżami tal-infiq, matul iċ-Ċiklu tas-Semestru 2016; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Grupp tal-euro jaraw li dawn ikunu aktar effettivi u trasparenti;

51. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jifformulaw rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż b'mod li l-progress jista' jitkejjel, partikolarment f'każijiet fejn ir-rakkomandazzjoni ta' politika b'mod repetut timmira l-istess qasam ta' politika u/jew fejn in-natura tar-riforma tirrikjedi implimentazzjoni lil hinn minn ċiklu wieħed tas-Semestru;

Koordinazzjoni tal-politiki nazzjonali u r-responsabbiltà demokratika

52. Jenfasizza l-importanza li l-parlamenti nazzjonali jiddibattu r-rapporti tal-pajjiżi, ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, il-programmi nazzjonali ta' riforma u l-programmi ta' stabbiltà u li jaġixxu fuqhom b'mod aktar attiv minn qabel;

53. Jemmen li implimentazzjoni aħjar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż teħtieġ prijoritajiet artikolati b'mod ċar fil-livell Ewropew u dibattitu pubbliku ġenwin fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali, li jwassal għal sjieda akbar; jistieden lill-Istati Membri jinvolvu lill-awtoritajiet lokali u reġjonali b'mod strutturat, fid-dawl tal-impatt u l-isfidi li nħassu fl-Istati Membri anke fil-livell sottonazzjonali, sabiex itejbu l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż;

54. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tniedi negozjati dwar ftehim interistituzzjonali rigward il-governanza ekonomika; jinsisti li dan il-FII għandu jiżgura li, fi ħdan il-qafas tat-Trattati, l-istruttura tas-Semestru Ewropew tippermetti skrutinju parlamentari sinifikanti u regolari tal-proċess, b'mod partikolari fir-rigward tal-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir u tar-rakkomandazzjonijiet għaż-żona tal-euro;

Il-kontribuzzjonijiet settorjali għar-Rapport tas-SAT 2017

Il-Baġits

55. Jikkunsidra li, jekk ikun hemm sinerġija akbar bejn l-istrumenti eżistenti u jekk tiġi introdotta rabta bejn il-baġits tal-Istati Membri, il-baġit tal-UE jista' jipprovdi valur miżjud għall-investiment u għar-riformi strutturali fl-Istati Membri; jemmen, għaldaqstant, li l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir (SAT), bħala dokument ta' politika importanti li jistipula l-kontenut bażiku għall-programmi nazzjonali ta' riforma, rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż u pjanijiet ta' implimentazzjoni, għandu jservi bħala linja gwida għall-Istati Membri u għat-tħejjija tal-baġits nazzjonali, bl-għan li jiġu introdotti soluzzjonijiet konġunti li jkunu viżibbli fil-baġits nazzjonali u marbuta mal-baġit tal-UE;

56. Ifakkar li t-titjib tas-sistemi għall-ġbir tal-VAT u d-dazji doganali għandu jkun fost l-ogħla prijorità għall-Istati Membri kollha; jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex tiġi stabbilita lista sewda tal-UE tar-rifuġji fiskali, li għandha tkun infurzata permezz ta' sanzjonijiet kriminali sabiex jiġu indirizzati l-kumpaniji multinazzjonali li jevadu t-taxxi;

L-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

57. Jenfasizza li użu mtejjeb u aktar effiċjenti tar-riżorsi, li jnaqqas id-dipendenza enerġetika fuq sorsi barranin u jintroduċi produzzjoni sostenibbli, abbażi ta' rekwiżiti ta' disinn aħjar għall-prodotti u xejriet tal-konsum aktar sostenibbli, jimplika l-promozzjoni tal-intraprenditorija u l-ħolqien tal-impjiegi, l-implimentazzjoni ta' miri internazzjonali u tal-objettivi ambjentali tal-Unjoni kif ukoll id-diversifikazzjoni tas-sorsi ta' dħul, f'kuntest ta' responsabbiltà fiskali u kompetittività ekonomika; iqis li s-Semestru Ewropew għandu jinkorpora wkoll rappurtar dwar l-effiċjenza tal-enerġija u l-interkonnettività enerġetika abbażi ta' miri stabbiliti fil-livell tal-UE;

o

o o

58. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet tal-Istati Membri, lill-parlamenti nazzjonali u lill-Bank Ċentrali Ewropew.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

P8_TA(2017)0039

Semestru Ewropew għall-Koordinazzjoni tal-Politika Ekonomika: Impjieg u aspetti soċjali fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2017

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2017 dwar is-Semestru Ewropew għall-Koordinazzjoni tal-Politika Ekonomika: Impjieg u aspetti soċjali fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2017 (2016/2307(INI))

(2018/C 252/15)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 9, 145, 148, 152, 153 u 174 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 349 tat-TFUE dwar statut speċifiku għar-reġjun ultraperiferiċi,

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-Titolu IV (Solidarjetà) tagħha,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Nru 102 tal-ILO dwar standards minimi għas-sigurtà soċjali, u r-Rakkomandazzjoni Nru 202 tal-ILO dwar il-Bażijiet ta' Protezzjoni Soċjali,

— wara li kkunsidra l-Karta Soċjali Ewropea riveduta,

— wara li kkunsidra l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli Nru 1 ("Jinqered il-faqar ta' kull tip kullimkien"), u b'mod partikolari l-Mira Nru 3 ("Jiġu implimentati sistemi u miżuri ta' protezzjoni soċjali, adegwati skont il-pajjiż, għal kulħadd, inklużi bażijiet, u sal-2030 tinkiseb kopertura sostanzjali tal-foqra u l-persuni vulnerabbli"),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2013/112/UE tal-20 ta' Frar 2013 bit-titolu "L-Investiment fit-Tfal: niksru ċ-ċiklu tal-iżvantaġġ",

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Novembru 2016 bit-titolu "Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2017" (COM(2016)0725),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Novembru 2016 għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro (COM(2016)0726),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Novembru 2016 bit-titolu "Lejn pożizzjoni fiskali pożittiva għaż-żona tal-euro" (COM(2016)0727),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tas-16 ta' Novembru 2016 bit-titolu "Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2017" (COM(2016)0728),

— wara li kkunsidra l-abbozz tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi mill-Kummissjoni u mill-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2016 li jakkumpanja l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2017 (COM(2016)0729),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Novembru 2016 bit-titolu "Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji għall-2017: Valutazzjoni Kumplessiva" (COM(2016)0730),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Ġunju 2016 bit-titolu "L-Ewropa tinvesti mill-ġdid – Rendikont tal-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa u l-passi li jmiss" (COM(2016)0359),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Novembru 2016 bit-titolu "Il-mexxejja li jmiss tal-Ewropa: l-Inizjattiva favur in-Negozji l-ġodda u n-Negozji li qed jespandu" (COM(2016)0733,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Settembru 2016 bit-titolu "It-Tiswiħ tal-Investimenti Ewropej għall-impjieġ u t-tkabbir: Lejn it-tieni fażi tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi u pjan ġdid ta' Investiment Estern għall-Ewropa" (COM(2016)0581),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Ottubru 2016 bit-titolu "Il-Garanzija għaż-Żgħażagħ u l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ: tliet snin wara" (COM(2016)0646),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-14 ta' Settembru 2016 għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (COM(2016)0604),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Settembru 2016 intitolata "Rieżami/reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020 – Baġit tal-UE iffukat fuq ir-riżultati" (COM(2016)0603),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Ġunju 2016 bit-titolu "Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa – Naħdmu flimkien biex insaħħu l-kapital uman, l-impjegabbiltà u l-kompetittività" (COM(2016)0381),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Ġunju 2016 bit-titolu "Aġenda Ewropea għall-ekonomija kollaborattiva" (COM(2016)0356),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Marzu 2016 dwar it-tnedija ta' konsultazzjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (COM(2016)0127) u l-annessi tagħha,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tas-26 ta' Novembru 2015 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali għall-perjodu mill-2017 sal-2020 u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 1305/2013 (COM(2015)0701),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Ottubru 2015 dwar passi lejn l-ikkompletar tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja (COM(2015)0600),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-15 ta' Frar 2016 għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar linji gwida għal-linji politiċi dwar l-impjiegi tal-Istati Membri (COM(2016)0071), u l-pożizzjoni dwarha tal-Parlament tal-15 ta' Settembru 2016 ([1]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Jannar 2015 bit-titolu "L-aħjar użu tal-flessibbiltà fir-regoli eżistenti tal-Patt tal-Istabbiltà u Tkabbir" (COM(2015)0012),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Novembru 2014 bit-titolu "Pjan ta' Investiment għall-Ewropa" (COM(2014)0903),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Ottubru 2013 bit-titolu "It-tiswiħ tad-dimensjoni soċjali tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja" (COM(2013)0690),

([1]) Testi adottati, P8_TA(2016)0355.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Frar 2013 bit-titolu "Lejn Investiment Soċjali għat-Tkabbir u l-Koeżjoni – inkluża l-implimentazzjoni tal-Fond Soċjali Ewropew 2014-2020" (COM(2013)0083),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' April 2012 bit-titolu "Lejn irkupru li jwassal għall-ħolqien abbundanti ta' impjiegi" (COM(2012)0173),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Diċembru 2011 bit-titolu "Inizjattiva għall-Opportunitajiet taż-Żgħażagħ" (COM(2011)0933),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 2010 bit-titolu 'Il-Pjattaforma Ewropea kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali: Qafas Ewropew għall-koeżjoni soċjali u territorjali" (COM(2010)0758), u r-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-15 ta' Novembru 2011 dwarha ([1]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 intitolata "Ewropa 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" (COM(2010)2020),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2008/867/KE tat-3 ta' Ottubru 2008 dwar l-inklużjoni attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol ([2]),

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Ħames Presidenti tat-22 ta' Ġunju 2015 bit-titolu "L-Ikkompletar tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja",

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-ekonomija soċjali bħala mutur ewlieni għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali fl-Ewropa (13414/2015),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar "Is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika: implimentazzjoni tal-prijoritajiet għall-2016" ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2016 dwar "Rifuġjati: inklużjoni soċjali u integrazzjoni fis-suq tax-xogħol" ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Frar 2016 dwar "Is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika: Aspetti soċjali u tal-impjieg fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2016" ([5]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali tal-24 ta' Settembru 2015 dwar is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika: implimentazzjoni tal-prijoritajiet għall-2015,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Marzu 2015 dwar is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika: Aspetti Soċjali u tal-Impjieg fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2015 ([6]),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tat-2 ta' Frar 2016 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Pjattaforma Ewropea biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni fil-prevenzjoni u l-iskoraġġiment ta' xogħol mhux iddikjarat ([7]),

([1]) ĠU C 153 E, 31.5.2013, p. 57.
([2]) ĠU L 307, 18.11.2008, p. 11.
([3]) Testi adottati, P8_TA(2016)0416.
([4]) Testi adottati, P8_TA(2016)0297.
([5]) Testi adottati, P8_TA(2016)0059.
([6]) ĠU C 316, 30.8.2016, p. 83.
([7]) Testi adottati, P8_TA(2016)0033.

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Novembru 2015 dwar it-tnaqqis tal-inugwaljanzi b'enfasi speċjali fuq il-faqar fost it-tfal ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Ottubru 2015 dwar il-politika ta' koeżjoni u r-rieżami tal-istrateġija Ewropa 2020 ([2]),

— wara li kkunsidra l-mistoqsija għal tweġiba orali O-000121/2015 – B8-1102/2015 lill-Kunsill u r-riżoluzzjoni relatata tiegħu tad-29 ta' Ottubru 2015 dwar rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-integrazzjoni tal-persuni qiegħda fit-tul fis-suq tax-xogħol ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Settembru 2015 dwar "il-ħolqien ta' suq tax-xogħol kompetittiv tal-UE għas-seklu 21: it-tlaqqigħ tal-ħiliet u l-kwalifiki mad-domanda u l-opportunitajiet ta' impjieg, bħala mod kif nirkupraw mill-kriżi" ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Settembru 2015 dwar l-Intraprenditorija Soċjali u l-Innovazzjoni Soċjali fil-ġlieda kontra l-qgħad ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2014 dwar impjiegi u aspetti soċjali tal-istrateġija Ewropa 2020 ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Lulju 2014 dwar l-impjieg taż-żgħażagħ ([7]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' April 2014 bit-titolu "L-Unjoni Ewropea kif tista' tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' ambjent ospitabbli biex l-intrapriżi, in-negozji u n-negozji ġodda joħolqu l-impjiegi?" ([8]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Frar 2009 dwar "L-Ekonomija Soċjali" ([9]),

— wara li kkunsidra l-osservazzjonijiet konklużivi tar-rapport tal-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità dwar ir-rapport inizjali tal-Unjoni Ewropea (Settembru 2015),

— wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali Nru 3/2015 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titolu "Il-Garanzija għaż-Żgħażagħ tal-UE: ittieħdu l-ewwel passi iżda hemm riskji fil-ġejjieni għall-implimentazzjoni" ([10]),

— wara li kkunsidra d-dokument "Employment and Social Developments in Europe – Quarterly Review – Autumn 2016" (Impjieg u Żviluppi Soċjali fl-Ewropa – Rieżami Trimestrali, Ħarifa 2016) tal-11 ta' Ottubru 2016,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Eurofound il-ħames edizzjoni u s-sitt edizzjoni tal-Istħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol (2010 u 2015) ([11]),

— wara li kkunsidra d-dokument tal-OECD "Employment Outlook 2016" (Prospetti ta' Impjieg 2016) tas-7 ta' Lulju 2016,

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-OECD tad-9 ta' Diċembru 2014 dwar "Trends in Income Inequality and its Impact on Economic Growth" (Tendenzi fl-Inugwaljanza tal-Introjtu u l-Impatt tagħha fuq it-Tkabbir Ekonomiku),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Protezzjoni Soċjali "Protezzjoni soċjali adegwata għal ħtiġijiet ta' kura fit-tul f'soċjetà li qed tixjieħ" tal-10 ta' Ottubru 2014,

([1]) Testi adottati, P8_TA(2015)0401.
([2]) Testi adottati, P8_TA(2015)0384.
([3]) Testi adottati, P8_TA(2015)0389.
([4]) Testi adottati, P8_TA(2015)0321.
([5]) Testi adottati, P8_TA(2015)0320.
([6]) ĠU C 289, 9.8.2016, p. 19.
([7]) ĠU C 224, 21.6.2016, p. 19.
([8]) Testi adottati, P7_TA(2014)0394.
([9]) ĠU C 76 E, 25.3.2010, p. 16.
([10]) http://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/SR15_03/SR15_03_MT.pdf
([11]) http://www.eurofound.europa.eu/european-working-conditions-surveys-ewcs

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

— wara li kkunsidra l-pjan direzzjonali u l-konsultazzjoni tal-Kummissjoni biex jiġu indirizzati l-isfidi ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata li jħabbtu wiċċhom magħhom il-familji tal-klassi tal-ħaddiema,

— wara li kkunsidra l-laqgħat tat-3 ta' Ottubru u tat-8 ta' Novembru 2016 fil-qafas tad-djalogu strutturat dwar is-sospensjoni tal-fondi għall-Portugall u għal Spanja,

— wara li kkunsidra d-dibattitu mar-rappreżentanti tal-parlamenti nazzjonali dwar il-prijoritajiet tas-Semestru Ewropew 2017,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Baġits u l-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, (A8-0037/2017),

A. billi l-qgħad fl-UE qed ilu jonqos bil-mod mit-tieni nofs tal-2013, inħolqu 8 miljun impjieg ġdid mill-2013 'l hawn, u f'Settembru 2016 ir-rata tal-qgħad kienet 8,6 %, li kien l-aktar livell baxx mill-2009; billi, madankollu, il-proporzjon ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) baqa' għoli u jirrappreżenta 14,8 % ta' dawk bejn il-15 u d-29 sena ([1]) ([2]); billi, minkejja li l-qgħad qed jonqos fil-livell aggregat, sfortunatament għadu għoli ħafna f'ċeri Stati Membri; billi, skont il-Kummissjoni, ir-rata ta' faqar fost dawk li jaħdmu għadha għolja;

B. billi r-rati ta' impjieg huma ġeneralment aktar baxxi fost in-nisa, u fl-2015, ir-rata ta' impjieg għall-irġiel ta' bejn l-20 u l-64 sena kienet ta' 75,9 % fl-UE-28, meta mqabbla ma' 64,3 % għan-nisa; billi d-disparità bejn is-sessi fl-aċċess għall-impjieg għadha wieħed mill-ostakli ewlenin biex tintlaħaq l-ugwaljanza bejn is-sessi, u jenħtieġu sforzi urġenti biex titnaqqas id-disparità fir-rata tal-impjieg bejn l-irġiel u n-nisa;

C. billi jekk it-tendenzi attwali jiġu msaħħa b'politiki pubbliċi adegwati, l-objettiv tal-Istrateġija Ewropa 2020 ta' rata ta' impjieg ta' 75 % jista' fil-fatt jintlaħaq;

D. billi r-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ hija ta' 18,6 % fl-UE u 21,0 % fiż-żona tal-euro; billi 4,2 miljun żagħżugħ u żagħżugħa huma qiegħda, inklużi 2,9 miljun fiż-żona tal-euro; billi l-livell ta' qgħad fost iż-żgħażagħ għadu ogħla sew mill-aktar punt baxx tiegħu tal-2008, u dan jenfasizza li l-implimentazzjoni u l-użu sħiħ tal-inizjattiva favur l-impjieg taż-żgħażagħ mill-Istati Membri jenħtieġ ikunu prijorità; billi l-pagi baxxi, xi kultant taħt il-livell tal-faqar, l-internships mhux imħallsa, in-nuqqas ta' taħriġ ta' kwalità u n-nuqqas ta' drittijiet fuq il-post tax-xogħol sfortunatament għadhom karatteristiċi tal-impjieg taż-żgħażagħ;

E. billi n-NEETs huma stmati li jiswew lill-UE EUR 153 biljun (1,21 % tal-PGD) fis-sena, f'benefiċċji u fi qligħ u taxxi mitlufin, filwaqt li l-istima tal-ispiża totali biex jiġu stabbiliti skemi ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ fiż-żona tal-euro se tkun EUR 21 biljun fis-sena, jew 0,22 % tal-PDG;

F. billi n-numru ta' NEETs, irreġistrati fl-2015, se jkompli jonqos; billi 6,6 miljun żagħżugħ u żagħżugħa ta' bejn il-15 u l-24 sena għadhom f'din is-sitwazzjoni, ċifra li hija ekwivalenti għal 12 % tal-popolazzjoni f'dan il-grupp ta' età;

G. billi r-responsabilità primarja għall-indirizzar tal-qgħad fost iż-żgħażagħ hija tal-Istati Membri f'termini tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' oqfsa regolatorji tas-suq tax-xogħol, sistemi ta' edukazzjoni u ta' taħriġ u politiki attivi dwar is-suq tax-xogħol;

([1]) https://www.eurofound.europa.eu/mt/young-people-and-neets-1
([2]) Ara r-rapport Eurofound dwar il-qgħad fost iż-żgħażagħ.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

H. billi l-persuni b'diżabilità għadhom qed jiġu esklużi b'mod sinifikanti mis-suq tax-xogħol, bi ftit li xejn titjib matul dawn l-aħħar għaxar snin, parzjalment minħabba nuqqas ta' investiment f'miżuri ta' appoġġ xierqa; jenfasizza li dan ta' sikwit iwassal għal faqar u esklużjoni soċjali u għalhekk għandu impatt negattiv fuq l-objettiv tal-Istrateġija Ewropa 2020;

I. billi l-isfidi strutturali fis-suq tax-xogħol, bħal pereżempju l-parteċipazzjoni baxxa kif ukoll in-nuqqas ta' tlaqqigħ tal-ħiliet u l-kwalifiki, għadhom sors ta' tħassib f'ħafna Stati Membri;

J. billi r-rata tal-qgħad fit-tul (jiġifieri qgħad li jdum aktar minn sena) naqset b'rata annwali ta' 0,7 % sal-ewwel kwart tal-2016, għal 4,2 % tal-forza tax-xogħol; billi r-rata tal-qgħad fit-tul ħafna (jiġifieri qgħad li jdum aktar minn sentejn) naqset għal 2,6 % tal-forza tax-xogħol; billi madankollu l-għadd ta' persuni qiegħda fit-tul għadu kbir, u jgħodd madwar 10 miljuni; billi l-qgħad fit-tul huwa partikolarment problema għal persuni iżgħar u akbar fl-età li jfittxu x-xogħol, bi 30 % ta' dawk bl-età ta' bejn il-15 sa l-24 sena u 64 % ta' dawk bl-età ta' bejn il-55 u l-64 sena ilhom ifittxu xogħol għal aktar minn sena; billi ħafna ħaddiema akbar fl-età li huma inatttivi mhumiex inklużi fl-istatistika dwar il-qgħad; billi l-livell ta' qgħad u l-konsegwenzi soċjali tiegħu jvarjaw bejn il-pajjiżi Ewropej u billi huwa essenzjali li jitqiesu ċ-ċirkostanzi mikroekonomiċi speċifiċi;

K. billi l-Istrateġija Ewropa 2020 għandha l-għan li tnaqqas il-faqar billi toħroġ tal-inqas 20 miljun persuna mir-riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali sal-2020; billi dan l-objettiv għadu 'l bogħod milli jintlaħaq u għalhekk jenħtieġu aktar sforzi; billi fl-2015 kien hemm 119-il miljun persuna f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali, madwar 3,5 miljun inqas mill-2014; billi fl-2012, fl-Unjoni Ewropea kien hemm 32,2 miljun persuna b'diżabilità f'din is-sitwazzjoni; billi fl-2013, 26,5 miljun tifel u tifla fl-UE-28 kienu f'riskju li jispiċċaw fil-faqar jew fl-esklużjoni soċjali; billi livelli għoljin ta' inugwaljanza jnaqqsu l-produzzjoni tal-ekonomija u l-potenzjal ta' tkabbir sostenibbli;

L. billi l-akkompanjament tal-persuni qiegħda għal żmien twil huwa kruċjali, għax inkella din is-sitwazzjoni tibda taffettwa l-kunfidenza fihom infushom, il-benessri u l-iżvilupp futur tagħhom, filwaqt li tpoġġihom f'riskju ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali, u tipperikola s-sostenibbiltà tas-sistemi tas-sigurtà soċjali nazzjonali, kif ukoll il-mudell soċjali Ewropew;

M. billi d-dgħufija tad-djalogu soċjali għandha impatt negattiv fuq id-drittijiet tal-ħaddiema, fuq il-kapaċità tal-akkwist taċ-ċittadini tal-UE u fuq it-tkabbir;

N. billi jeżistu għadd ta' żviluppi pożittivi fl-UE, li qed juru r-reżiljenza u l-irkupru tal-ekonomija Ewropea;

O. billi l-ekonomija soċjali, li tirrappreżenta 2 miljun intrapriża li jimpjegaw aktar minn 14,5 miljun persuna fl-Unjoni, kienet settur importanti, li kkontribwiet għar-reżiljenza u l-irkupru ekonomiku tal-Ewropa;

P. billi fil-parti l-kbira tal-Istati Membri t-tkabbir baqa' baxx, ir-rata ta' tkabbir tal-UE għall-2016 saħansitra naqset biex stabbiliet għal 2 % minkejja aspetti temporanji pożittivi u dan juri għalhekk li l-UE tista' tagħmel aktar biex tagħti spinta lill-irkupru ekonomiku u soċjali sabiex isir aktar sostenibbli fuq terminu medju;

Q. billi, kif iddikjarat mill-Kummissjoni ([1]), id-diverġenzi rigward l-impjiegi u d-diverġenzi soċjali fi ħdan u fost l-Istati Membri għadhom qed jippersistu u l-iżviluppi soċjali għadhom jindikaw diverġenza ulterjuri madwar l-UE li qed ixxekkel it-tkabbir, l-impjiegi u l-koeżjoni; billi s-soċjetajiet li huma kkaratterizzati minn livell għoli ta' ugwaljanza u investiment fin-nies għandhom prestazzjoni aħjar f'termini ta' reżiljenza tat-tkabbir u tal-impjiegi;

([1]) Rapport konġunt dwar l-impjiegi 2016, p. 2.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

R. billi x-xogħol mhux iddikjarat għadu realtà b'implikazzjonijiet baġitarji serji, li jwassal għal telf tad-dħul mit-taxxa u mill-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, kif ukoll għal effetti negattivi fuq l-impjieg, il-produttività, il-kwalità tax-xogħol u l-iżvilupp tal-ħiliet;

S. billi r-reġjuni ultraperiferiċi jiffaċċjaw diffikultajiet kbar relatati mal-ispeċifiċitajiet partikolari tagħhom, li jillimitaw il-potenzjal tagħhom għat-tkabbir u l-iżvilupp; billi l-qgħad, il-qgħad fost iż-żgħażagħ u l-qgħad fit-tul f'dawn ir-reġjuni huma fost l-ogħla fl-UE, u f'ħafna każijiet jaqbżu t-30 %;

T. billi l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) diġà approva 69 proġett fi 18-il pajjiż, u awtorizza 56 operazzjoni, u dan huwa mistenni li jirriżulta f'aktar minn EUR 22 biljun f'investiment u jinvolvi madwar 71 000 SMEs;

U. billi f'ħafna Stati Membri l-popolazzjoni fl-età tax-xogħol u l-forza tax-xogħol qed ikomplu jonqsu; billi l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol hija opportunità għall-Istati Membri biex jindirizzaw din il-kwistjoni u jsaħħu l-forza tax-xogħol fl-UE; billi l-wasla kontinwa ta' refuġjati u persuni li jfittxu l-asil tista' tgħin ukoll biex tissaħħaħ il-forza tax-xogħol;

V. billi l-UE qed tiffaċċja sfidi demografiċi li mhux biss huma relatati mat-tixjiħ tal-popolazzjoni u t-tnaqqis fir-rata tat-twelid, iżda jinkludu wkoll elementi oħra bħad-depopolazzjoni;

W. billi attwalment id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa hija ta' 16 % u d-diskrepanza fil-pensjonijiet bejn is-sessi hija ta' 38 %, u dan jesponi lin-nisa għal riskju ogħla ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali hekk kif jikbru fl-età;

X. billi l-provvista u l-ġestjoni ta' sistemi tas-sigurtà soċjali huma l-kompetenza tal-Istat Membri li l-Unjoni tikkoordina iżda ma tarmonizzax;

Y. billi l-aspettattiva tal-ħajja f'saħħitha għan-nisa qegħda tonqos minn 62,6 fl-2010 għal 61,5 fl-2013, b'żieda ħafifa fl-2014 u għall-irġiel ir-rata hija wieqfa f'livell ta' 61,4;

1. Jilqa' l-fatt li, fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, qed issir enfasi fuq l-importanza li tiġi żgurata l-ġustizzja soċjali bħala mezz biex jiġi stimulat aktar tkabbir inklużiv, kif ukoll fuq il-ħolqien tal-impjiegi ta' kwalità u inklużivi u t-tisħiħ tal-ħiliet u fuq il-ħtieġa li jissaħħu l-kompetittività, l-innovazzjoni u l-produttività; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSRs) relatati mar-riformi tas-suq tax-xogħol jenfasizzaw ukoll l-importanza ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema u l-protezzjoni tal-ħaddiema;

2. Jilqa' l-progress biex jintlaħaq bilanċ bejn id-dimensjonijiet ekonomiċi u dawk soċjali tal-proċess tas-Semestru Ewropew, wara li l-Kummissjoni laqgħet xi talbiet tal-Parlament; jenfasizza, madankollu, li hemm bżonn ta' aktar sforz biex jittejbu l-viżibilità politika u l-impatt tat-tabella ta' valutazzjoni ta' indikaturi ewlenin dwar l-impjiegi u l-qasam soċjali; jilqa' l-proposta tal-Kummissjonigħal emenda tar-Regolament (UE) Nru 99/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-programm statistiku Ewropew 2013-17, b'estensjoni għal-2018-2020 u b'indikaturi soċjali ġodda biex tippreżenta d-data dwar l-impjiegi u dawk soċjali relatati mal-evoluzzjoni tad-data makroekonomika, sabiex l-analiżi tippreżenta stampa komprensiva tal-interkonnessjoni u tal-impatti ta' għażliet ta' politika differenti; jenfasizza li l-indikaturi tal-impjieg jenħtieġ jitqiegħdu fuq bażi ugwali mal-indikaturi ekonomiċi, b'hekk ikunu jistgħu jwasslu għal analiżi profonda u għal azzjoni korrettiva fl-Istati Membri rilevanti;

3. Jenfasizza li ċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew għadu nieqes minn approċċ li jiffoka fuq it-tfal, li jinkludi impenn lejn id-drittijiet tat-tfal, l-integrazzjoni tal-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal u objettivi ta' benessri fl-oqsma ta' politika rilevanti kollha tat-tfassil tal-politika; jenfasizza li approċċ strateġiku b'objettivi u miri ċari huwa meħtieġ biex jinkiser iċ-ċiklu tal-iżvantaġġ;

4. Jitlob programmi li joffru appoġġ u opportunitajiet bħala parti minn pjan Ewropew integrat b'investiment fl-edukazzjoni bikrija tat-tfal u fil-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal, inkluż il-ħolqien ta' Garanzija għat-Tfal immirata biex timplimenta b'mod sħiħ ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni "Ninvestu fit-Tfal", li se tiżgura li kull tifel u tifla fl-Ewropa li jinsabu fir-riskju ta' faqar (inklużi r-refuġjati) ikollhom aċċess għal kura tas-saħħa, edukazzjoni, kura tat-tfal mingħajr ħlas, kif ukoll għal djar diċenti u għal nutrizzjoni adegwata;

5. Jenfasizza li investiment fl-iżvilupp soċjali jikkontribwixxi għat-tkabbir ekonomiku u l-konverġenza; jieħu nota ta' studji riċenti mill-OECD ([1]) u l-FMI ([2]) li jissottolinjaw li l-inugwaljanzi soċjali fl-Ewropa jfixklu l-irkupru ekonomiku; jitlob sforzi akbar biex jiġu miġġielda l-faqar u l-inugwaljanza li qed jiżdiedu, u, fejn meħtieġ, investiment akbar fl-infrastruttura soċjali u f'appoġġ għal dawk l-aktar milquta mill-kriżi ekonomika; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li s-CSRs jinkludu attenzjoni speċifika għall-ġlieda kontra l-inugwaljanzi;

6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill itejbu l-istrateġija li twassal għall-objettiv globali dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi; jappoġġja l-użu tar-rapporti tal-Kummissjoni dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-kuntest tas-Semestru Ewropew biex tissaħħaħ l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneru; jistieden lill-Istati Membri jinkorporaw id-dimensjoni tal-ġeneru u l-prinċipju ta' ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma u fil-programmi ta' stabbiltà u konverġenza tagħhom bl-istabbiliment ta' miri u ta' miżuri li jindirizzaw id-disparitajiet persistenti bejn is-sessi; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tipprovdi CSRs fir-rigward tat-titjib tas-servizzi tal-kura tat-tfal u tal-kura fit-tul li jista' jkollhom impatt pożittiv fuq il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol; itenni s-sejħa tiegħu lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jikkunsidraw l-użu ta' data diżaggregata skont il-ġeneru fejn xieraq fil-proċess ta' sorveljanza tas-Semestru Ewropew; jissuġġerixxi l-involviment aktar mill-qrib tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi fis-Semestru Ewropew;

7. Jenfasizza li d-dejn pubbliku u privat huwa għoli wisq f'xi Stati Membri u li dan ifixkel l-investiment, it-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi;

8. Huwa tal-opinjoni li d-data inkluża fit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-impjiegi u l-qasam soċjali hija utli iżda mhijiex biżżejjed biex tiġi vvalutata l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni tal-impjiegi u dik soċjali fl-UE; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkomplementaw it-Tabella ta' Valutazzjoni b'data dwar il-kwalità tal-impjiegi u l-faqar, b'enfasi speċjali fuq il-faqar multidimensjonali fost it-tfal;

9. Jistieden lill-Kummissjoni tiddefinixxi u tikkwantifika l-kunċett tagħha ta' ġustizzja soċjali, filwaqt illi tqis kemm il-politiki tal-impjieg kif ukoll dawk soċjali, li għandhom jinkisbu permezz tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2016 u s-Semestru Ewropew;

10. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jħaffu l-implimentazzjoni tal-programmi kollha li jistgħu jagħtu spinta lill-ħolqien ta' impjiegi deċenti, ta' kwalità u fit-tul għall-kategoriji kollha tal-popolazzjoni, u b'mod partikolari għaż-żagħżagħ; jenfasizza li l-qgħad fost iż-żgħażagħ għadu fil-livell ta' 18,6 %, minkejja li kien hemm tnaqqis żgħir fil-qgħad fl-UE; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw segwitu aktar proattiv min-naħa tal-awtoritajiet ta' ġestjoni tal-programmi;

11. Jenfasizza li l-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ għandha tissaħħaħ fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali u mtawla tal-inqas sal-2020 bil-parteċipazzjoni attiva tas-shab soċjali u tas-servizzi tal-impjieg pubbliku msaħħa, u jenfasizza l-importanza tagħha għat-tranżizzjonijiet mill-iskola għax-xogħol; iħeġġeġ lill-Kummissjoni twettaq studji tal-impatt bil-ħsieb li tistabbilixxi b'mod preċiż x'riżultati nkisbu s'issa u biex tieħu miżuri addizzjonali, kif ukoll biex tikkunsidra l-verifika mistennija mill-Qorti tal-Awdituri, u l-iskambju tal-aħjar prattiki u l-organizzazzjoni ta' workshops li jlaqqgħu flimkien l-atturi kollha kkonċernati, u li huma maħsuba biex dan l-istrument isir aktar effettiv; jenfasizza li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Garanzija għaż-Żgħażagħ tkun kompletament aċċessibbli, inkluż għal persuni vulnerabbli u persuni b'diżabilità; jenfasizza li dan mhuwiex il-każ fl-Istati Membri kollha u jitlob lill-Istati Membri jirrimedjaw din is-sitwazzjoni kemm jista' jkun malajr minħabba li tmur kontra l-Konvenzjoni tan-UN dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD); jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-Garanzija għaż-Żgħażagħ tilħaq liż-żgħażagħ li qed jiffaċċjaw esklużjonijiet

([1]) Rapport OECD: "In it together: why less inequality benefits all", 2015.
([2]) Rapport tal-IMF: "Causes and consequences of income inequality", Ġunju 2015.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

multipli u faqar estrem; jirrimarka li għandha tingħata attenzjoni speċjali għan-nisa żgħażagħ u l-bniet, li jistgħu jiffaċċjaw ostakli relatati mal-ġeneru; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu finanzjament adegwat għall-Garanzija għaż-Żgħażagħ sabiex tiġi implimentata fl-Istati Membri kollha u tgħin dejjem iżjed liż-żgħażagħ;

12. Jinnota l-adozzjoni ta' EUR 500 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn għall-YEI fl-2017; jenfasizza li dan l-ammont mhuwiex biżżejjed u jeħtieġ li jiżdied u jiġi garantit fil-QFP attwali; jinnota wkoll, madankollu, li fil-qafas tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu jrid jintlaħaq ftehim dwar finanzjament addizzjonali adegwat għall-YEI biex jiġi kopert il-kumplament tal-perjodu tal-QFP attwali;

13. Jenfasizza l-potenzjal tal-industriji kulturali u kreattivi (CCIs) fir-rigward tal-impjieg taż-żgħażagħ; jisħaq fuq il-punt li l-promozzjoni ulterjuri tas-settur kulturali u kreattiv u l-investiment ulterjuri fih jistgħu jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għall-investiment, it-tkabbir, l-innovazzjoni u l-impjiegi; jistieden lill-Kummissjoni, għaldaqstant, tikkunsidra l-opportunitajiet speċjali offruti mis-setturi kulturali u kreattivi kollha, inklużi l-NGOs u l-assoċjazzjonijiet iż-żgħar, pereżempju fl-ambitu tal-YEI;

14. Jissottolinja l-fatt li l-investiment insuffiċjenti fis-sistema tal-edukazzjoni pubblika jista' jhedded il-pożizzjoni kompetittiva tal-Ewropa u l-impjegabilità tal-forza tax-xogħol tagħha; jenfasizza l-ħtieġa li jsir investiment fin-nies minn kmieni kemm jista' jkun fiċ-ċiklu tal-ħajja biex titnaqqas l-inugwaljanza u titrawwem l-inklużjoni soċjali minn età żgħira; jenfasizza wkoll il-ħtieġa tal-ġlieda kontra l-isterjotipi mill-aktar età żgħira fl-iskola billi tiġi promossa l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-livelli kollha tal-edukazzjoni;

15. Jitlob lill-Istati Membri jintroduċu politiki biex jimplimentaw u jimmonitorjaw forom aktar inklużivi ta' sistemi ta' protezzjoni soċjali u sostenn tal-introjtu, sabiex jiġi żgurat li dawn is-sistemi joffru standard diċenti ta' għajxien għal persuni qiegħda u dawk f'riskju ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali, u jipprovdu aċċess għal edukazzjoni, taħriġ u opportunitajiet għad-dħul fis-suq tax-xogħol;

16. Jilqa' ż-żieda fir-rata tal-impjieg; jinnota, madankollu, li r-rata tal-impjiegi li qed tikber fl-Istati Membri kienet akkumpanjata minn forom ta' impjieg atipiċi u mhux formali li nibtu u kibru, inkluż b'kuntratti ta' żero sieħat; jenfasizza li s-sostenibbiltà u l-kwalità tal-impjiegi maħluqa għandhom ikunu prijorità; jinsab imħasseb ħafna dwar il-fatt li r-rata tal-qgħad għadha għolja b'mod speċjali f'pajjiżi li għadhom isofru mill-kriżi; jirrikonoxxi l-fenomenu ta' faqar fost dawk li jaħdmu bħala konsegwenza ta' kundizzjonijiet tal-pagi u tax-xogħol li qed jiddeterjoraw li jridu jiġu indirizzati bħala parti minn kwalunkwe azzjoni favur l-impjieg u l-ħarsien soċjali; jinkoraġġixxi l-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom, kif ukoll li jibqgħu jikkunsidraw soluzzjonijiet u approċċi ġodda sabiex tintlaħaq ir-rata mira tal-impjieg ta' 75 % tal-Ewropa 2020, inkluż billi tingħata attenzjoni lil gruppi li għandhom l-iktar parteċipazzjoni baxxa fis-suq tax-xogħol bħal nisa, ħaddiema akbar fis-żmien, ħaddiema bi ftit kompetenzi professjonali u persuni b'diżabbiltajiet; jistieden lill-Istati Membri jżidu l-offerta tagħhom f'termini ta' tagħlim tul il-ħajja u titjib tal-ħiliet effettiv;

17. Iqis li l-migrazzjoni jista' jkollha rwol importanti, inkluż permezz ta' skemi edukattivi, flimkien ma' spiża pubblika effiċjenti, bil-għan li jsiru investimenti soċjali u ambjentalment sostenibbli ta' kwalità għolja bil-ħsieb li l-ħaddiema jiġu integrati fis-suq tax-xogħol u jitnaqqas il-qgħad;

18. Jirrikonoxxi li n-nisa għadhom mhumiex rappreżentati biżżejjed fis-suq tax-xogħol; jitlob, għalhekk, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jdaħħlu fis-seħħ politiki proattivi u investiment xieraq maħsuba u mfassla biex jippromwovu l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol; jenfasizza li bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata huwa essenzjali biex tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol; jirrimarka f'dan ir-rigward ir-rwol importanti li, skont il-Kummissjoni, jista' jkollhom arranġamenti flessibbli ta' xogħol, bħat-telexogħol, il-ħin flessibbli u sieħat ta' xogħol imnaqqsa; jikkondividi l-fehma tal-Kummissjoni li l-possibbiltà ta' liv tal-maternità, tal-paternità u tal-ġenituri mħallas fl-Istati Membri għandha l-potenzjal li jżid il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol; jistieden ukoll lill-Istati Membri jistabbilixxu sett ta' politiki xierqa li jkunu ta' appoġġ għan-nisa u l-irġiel li jidħlu jew jirritornaw, jibqgħu u javanzaw fis-suq tax-xogħol wara perjodi ta' liv tal-familja jew tipi ta' liv ieħor relatati mal-kura, b'impjieg sostenibbli u ta' kwalità; jiddeplora l-inugwaljanzi bejn l-irġiel u n-nisa fir-rigward tar-rata tal-impjieg u d-diskrepanza tal-pagi u l-pensjonijiet; jitlob politiki li jinkoraġġixxu u jappoġġjaw in-nisa jibnu karriera fl-intraprenditorija, filwaqt li jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzi u għall-opportunitajiet tan-negozju u joffru taħriġ imfassal apposta;

19. Jirrikonoxxi, madankollu, li appoġġ għall-impjiegi u miżuri biex tittejjeb il-parteċipazzjoni attiva fis-suq tax-xogħol jeħtieġ li jkunu parti minn approċċ usa', iffukat fuq id-drittijiet, biex jiġu indirizzati l-esklużjoni soċjali u l-faqar, li jqis it-tfal u l-familji u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom;

20. Jistieden lill-Istati Membri jiskambjaw l-aħjar prattika u jqisu modi innovattivi ġodda ta' kif jiżviluppaw suq tax-xogħol adattabbli u flessibbli biex jissodisfa l-isfidi ta' ekonomija globali filwaqt li jiżgura standards tax-xogħol għolja għall-ħaddiema kollha;

21. Jilqa' t-tfakkira lill-Istati Membri li sistemi ta' protezzjoni soċjali jeħtieġ li jiġu ankrati fi standards soċjali b'saħħithom, u li l-promozzjoni tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u l-indirizzar tad-diskriminazzjoni jikkontribwixxu mhux biss għall-ġustizzja soċjali iżda anke għat-tkabbir; jissottolinja li l-integrazzjoni mill-ġdid tal-ġenituri fis-suq tax-xogħol għandha tiġi appoġġjata bil-ħolqien ta' kundizzjonijiet għal impjiegi u ambjent tax-xogħol ta' kwalità u inklużivi, li jippermetti lill-ġenituri jiksbu bilanċ bejn ir-rwol tagħhom tax-xogħol u dak bħala ġenitur;

22. Jirrikonoxxi li flimkien mal-ħolqien tal-impjiegi, l-integrazzjoni ta' individwi qiegħda fit-tul f'impjiegi ta' kwalità permezz ta' miżuri mfasslin individwalment, b'mod partikolari permezz ta' politiki attivi dwar l-impjiegi, hija fattur fundamentali biex jiġu miġġielda l-faqar u l-esklużjoni soċjali jekk ikun hemm disponibbli impjiegi deċenti biżżejjed; jirrimarka li għandu jkun hemm enfasi fuq it-titjib ta' miżuri mmirati lejn il-ħolqien ta' impjiegi deċenti; jenfasizza li l-integrazzjoni ta' dawk l-aktar 'il bogħod mis-suq tax-xogħol għandha effett doppju, li tkun ta' benefiċċju għall-individwu kif ukoll tistabbilizza s-sistemi tas-sigurtà soċjali u tappoġġja l-ekonomija; iqis li jeħtieġ li titqies is-sitwazzjoni soċjali ta' dawn iċ-ċittadini u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, u li l-politiki implimentati fil-livell nazzjonali jiġu mmonitorjati aħjar fil-livell Ewropew;

23. Jenfasizza l-importanza tal-ħiliet u l-kompetenzi miksuba f'ambjenti ta' tagħlim mhux formali u informali u l-validazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tagħhom, u tal-aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja, kif ukoll tal-impenji u tal-parametri referenzjarji tal-Qafas Strateġiku dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ tal-2020; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jibnu sistemi ta' rikonoxximent ta' kompetenzi mhux formali u informali; jistieden, barra minn hekk, lill-Istati Membri jimplimentaw politiki li jiżguraw mhux biss l-aċċess għal edukazzjoni u taħriġ inklużivi u ta' kwalità bi prezz raġonevoli, iżda wkoll l-implimentazzjoni tal-approċċ tal-qafas ta' tagħlim tul il-ħajja lejn direzzjoni ta' mogħdija edukattiva flessibbli li trawwem l-ekwità u l-koeżjoni soċjali u tippermetti opportunitajiet ta' xogħol għal kulħadd;

24. Jitlob l-istabbiliment u l-iżvilupp ta' sħubiji bejn l-impjegaturi, is-sħab soċjali, is-servizzi għall-impjiegi pubbliċi u privati, l-awtoritajiet pubbliċi, is-servizzi soċjali u l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni u ta' taħriġ sabiex jiġu provduti l-għodod meħtieġa biex iwieġbu aħjar għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u jiġi evitat il-qgħad fit-tul; ifakkar li s-segwitu personalizzat u individwalizzat, kapaċi li jwassal risposti effikaċi lill-persuni qiegħda għal żmien twil, huwa indispensabbli;

25. Jiddispjaċih għar-rati li għadhom baxxi ta' investiment pubbliku, peress li dan l-investiment jista' jkun kawża importanti għall-ħolqien tax-xogħol; jenfasizza li l-FEIS għadu ma żviluppax biżżejjed investimenti fl-infrastruttura soċjali u li din hija opportunità mitlufa li trid tiġi indirizzata b'mod urġenti;

26. Jitlob politiki li jirrispettaw u jippromwovu n-negozjar kollettiv u l-kopertura tiegħu biex jilħqu kemm jista' jkun ħaddiema filwaqt li fl-istess ħin jimmiraw lejn pagi bażiċi aħjar fil-forma ta' pagi minimi stabbiliti f'livelli deċenti u bl-involviment tas-sħab soċjali, dan kollu bil-għan li tintemm it-tellieqa kompetittiva sal-qiegħ, biex jiġu appoġġjati d-domanda aggregata u l-irkupru ekonomiku, biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi fil-pagi u biex jiġi miġġieled il-faqar fost dawk li jaħdmu;

27. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-persuni b'kuntratti temporanji jew part-time jew li jaħdmu għal rashom igawdu mill-istess trattament, anke fir-rigward tas-sensji u l-pagi u jkollhom protezzjoni soċjali adegwata kif ukoll aċċess għat-taħriġ, u li l-kundizzjonijiet qafas jkunu stabbiliti b'tali mod li jgħinuhom jagħmlu karriera; jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw ftehimiet oqfsa dwar xogħol part-time u impjieg b'terminu fiss u jinfurzaw b'mod effikaċi d-Direttiva li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol;

28. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri adegwati biex jgħinu lir-rifuġjati jistabbilixxu u jintegraw ruħhom, u jiżguraw ukoll li s-servizzi pubbliċi għandhom riżorsi suffiċjenti u li jkun hemm antiċipazzjoni bikrija tar-rekwiżiti biex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tagħhom;

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

29. Jiddeplora l-fatt li l-perċentwal tal-persuni li jinsabu f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali għadu għoli; jirrimarka li livelli għolja ta' inugwaljanza u faqar jaffettwaw il-koeżjoni soċjali filwaqt li jxekklu l-istabbiltà soċjali u politika; jiddispjaċih li l-politiki biex dan jiġi indirizzat b'mod effiċjenti huma nieqsa mill-ambizzjoni meħtieġa għal ingranaġġ ekonomiku suffiċjenti; jitlob lill-Istati Membri jaċċelleraw l-azzjonijiet tagħhom lejn il-kisba tal-mira tal-Ewropa 2020 biex jitnaqqas in-numru ta' persuni f'riskju ta' faqar b'20 miljun; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu prijorità lit-tnaqqis tal-inugwaljanza; jitlob għal appoġġ u rikonoxximent aħjar tal-ħidma ta' NGOs, organizzazzjonijiet kontra l-faqar u organizzazzjonijiet ta' persuni li jesperjenzaw il-faqar, filwaqt li jinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni tagħhom fl-iskambju tal-aħjar prattiki;

30. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar ir-rata ta' parteċipazzjoni baxxa fis-suq tax-xogħol tal-minoranzi etniċi, b'mod partikolari l-komunità Rom; jitlob l-implimentazzjoni xierqa tad-Direttiva 2000/78/KE; jenfasizza l-ħtieġa li jitrawwem ir-rwol tal-NGOs speċjalizzati fil-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol u l-appoġġ mhux biss tar-reġistrazzjoni tat-tfal fl-edukazzjoni iżda anke fl-evitar tat-tluq bikri mill-iskola, sabiex jinkiser iċ-ċirku tal-faqar;

31. Iqis li huwa importanti li tingħalaq id-diskrepanza fl-investiment b'tali mod li jinħoloq tkabbir sostenibbli filwaqt li s-sostenibbiltà ekonomika u soċjali tal-Istati Membri ma titpoġġiex f'riskju; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-emerġenza tal-garanzija tal-konsolidament tal-finanzi pubbliċi, li hija essenzjali biex ikompli jiġi pprovdut il-mudell soċjali Ewropew li jikkaratterizza l-UE;

32. Jiddispjaċih li l-aħħar rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni injoraw it-talba tal-Parlament li tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-Artikolu 349 tat-TFUE, jiġifieri billi jiġu adottati miżuri u programmi differenzjati biex jitnaqqsu l-asimetriji, kif ukoll biex tiġi massimizzata l-koeżjoni soċjali fl-UE; iħeġġeġ lill-Istati Membri, f'dan il-kuntest, jistabbilixxu programmi ta' investiment speċifiċi għas-subreġjuni tagħhom fejn ir-rati tal-qgħad jaqbżu t-30 %; itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tgħin lill-Istati Membri u lir-reġjuni Ewropej, b'mod partikolari dawk ultraperifiriċi, fid-disinn u l-finanzjament tal-programmi ta' investiment taħt il-QFP;

33. Jirrikonoxxi t-tkomplija tas-sitwazzjoni fraġli fis-suq Ewropew tax-xogħol, li minn naħa, mhux kapaċi jsolvi r-rati tal-qgħad li għadhom għoljin u, min-naħa l-oħra, il-kumpaniji qed jitolbu forza tax-xogħol imħarrġa u adatta; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi, fil-livell tal-Istat Membru, forom ta' kooperazzjoni li jinvolvu gvernijiet, intrapriżi, inklużi l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali, l-istituzzjonijiet edukattivi, is-servizzi ta' appoġġ individwalizzat, is-soċjetà ċivili u s-sħab soċjali, abbażi tal-iskambju tal-aħjar prattiki u bil-għan li jiġu adattati s-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ tal-Istati Membri fil-ġlieda kontra n-nuqqas ta' tlaqqigħ tal-ħiliet, biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol;

34. Jenfasizza li l-edukazzjoni hija dritt fundamentali li jenħtieġ li jiġi garantit għat-tfal kollha, u li l-inugwaljanzi fid-disponibbiltà u l-kwalità tal-edukazzjoni jenħtieġ li jiġu indirizzati biex tissaħħaħ l-edukazzjoni għal kulħadd u jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskola; jenfasizza li t-tlaqqigħ tal-ħiliet u l-kwalifiki mad-domanda u l-opportunitajiet ta' impjieg huma ta' appoġġ għall-ħolqien ta' suq tax-xogħol inklużiv tal-UE; jemmen li gwida u konsulenza li jindirizzaw il-ħtiġijiet individwali u jiffokaw fuq l-evalwazzjoni u l-espansjoni ta' ħiliet individwali jridu jkunu element ewlieni tal-politiki tal-edukazzjoni u l-ħiliet minn stadju bikri fl-edukazzjoni ta' kull persuna; jistieden lill-Istati Membri jallinjaw aħjar l-edukazzjoni u t-taħriġ għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol madwar l-UE u jissottolinja l-importanza li jiġu evalwati s-sitwazzjonijiet differenti ta' impjieg fl-Istati Membri biex jiġu żgurati l-ispeċifiċità u l-karatteristiċi partikolari tagħhom;

35. Jirrikonoxxi li avvanzi f'teknoloġiji ġodda u d-diġitalizzazzjoni tal-industrija Ewropea jippreżentaw sfidi sinifikanti għall-UE; jenfasizza li l-mudelli produttivi tal-UE u tal-Istati Membri, appoġġjati mill-mudelli edukattivi tagħhom, għandhom ikunu indirizzati lejn setturi ta' produttività għolja, b'mod partikolari dawk relatati mal-ICTs u d-diġitalizzazzjoni, sabiex tittejjeb il-kompetittività tal-UE fil-livell globali;

36. Jenfasizza li investiment insuffiċjenti u ffokat b'mod inadegwat fuq l-edukazzjoni tal-ħiliet diġitali, l-ipprogrammar u s-suġġetti STEM (xjenza, teknoloġija, inġinerija u matematika), qed jimmina l-pożizzjoni kompetittiva tal-Ewropa, id-disponibbiltà ta' forza tax-xogħol imħarrġa u l-impjegabbiltà tal-forza tax-xogħol; huwa tal-fehma li tlaqqigħ aħjar tal-ħiliet u r-rikonoxximent reċiproku mtejjeb tal-kwalifiki jkunu ta' benefiċċju biex jingħeleb id-diskrepanza f'termini tan-nuqqas tal-ħiliet u n-nuqqas tat-tlaqqigħ tagħhom fis-suq tax-xogħol Ewropew u l-persuni li jfittxu x-xogħol, b'mod partikolari ż-żgħażagħ; jistieden lill-Istati Membri jagħtu prijorità lit-taħriġ komprensiv fil-ħiliet diġitali, l-ipprogrammar u l-ħiliet li huma l-aktar imfittxija mill-impjegaturi għall-kulħadd, filwaqt li fl-istess ħin iżommu standards għolja fl-edukazzjoni

tradizzjonali, u jqisu l-bidla lejn l-ekonomija diġitali fil-kuntest tat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, li m'għandhiex tkun limitata għal għarfien mill-perspettiva tal-utent

37. Jinnota li f'ħafna Stati Membri jinħtieġ sforz akbar biex il-forza tax-xogħol tiġi edukata, inklużi l-edukazzjoni għall-adulti u l-opportunitajiet ta' taħriġ vokazzjonali; jenfasizza l-importanza tat-tagħlim tul il-ħajja, inkluż għall-ħaddiema akbar fl-età, sabiex il-kompetenzi jiġu adattati skont il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol; jitlob żieda fil-promozzjoni mmirata lejn in-nisa u l-bniet tas-suġġetti STEM biex jiġu indirizzati sterjotipi tal-edukazjoni eżistenti u jiġu miġġielda d-diskrepanzi bejn is-sessi fl-impjiegi, il-pagi u l-pensjonijiet;

38. Jirrikonoxxi l-valur ta' teknoloġiji ġodda u l-importanza tal-litteriżmu diġitali għall-ħajja privata u għall-integrazzjoni b'suċċess fis-suq tax-xogħol; jissuġġerixxi, għalhekk, li l-Istati Membri jżidu l-investimenti tagħhom f'infrastruttura u konnettività tal-ICT aħjar fl-istituzzjonijiet edukattivi u jiżviluppaw strateġiji effikaċi biex jisfruttaw il-potenzjal tal-ICTs fl-appoġġ tagħhom tat-tagħlim informali mill-adulti, u biex itejbu l-opportunitajiet edukattivi tagħhom kemm formali kif ukoll mhux formali;

39. Jilqa' l-kontribut tal-Erasmus+ fit-trawwim tal-mobilità u l-iskambji kulturali madwar l-UE u ma' pajjiżi terzi; jitlob li jiġu promossi u utilizzati aħjar l-għodod Ewropej għat-trasparenza, il-mobilità u r-rikonoxximent ta' ħiliet u kwalifiki, bil-ħsieb li tkun faċilitata l-mobilità fir-rigward tat-tagħlim u x-xogħol; jafferma mill-ġdid il-ħtieġa li jiġu żgurati opportunitajiet ta' mobilità għal taħriġ vokazzjonali, żgħażagħ żvantaġġati u persuni li jbatu minn diversi forom ta' diskriminazzjoni;

40. Jilqa' l-qafas ta' politika u ta' investiment ġdid previst mill-ftehim ta' Pariġi, li se jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' opportunitajiet ġodda ta' xogħol fis-setturi li jużaw ftit karbonju u b'emissjonijiet baxxi;

41. Jistieden lill-Kummissjoni tenfasizza l-importanza tal-mitigazzjoni tal-ostakli, kemm fiżiċi kif ukoll diġitali, li għadhom jiffaċċjaw persuni b'diżabilità fl-Istati Membri;

42. Jilqa' r-referenza espliċita għall-kura tat-tfal, l-akkomodazzjoni, il-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni fir-rigward tat-titjib tal-aċċess għal servizzi ta' kwalità;

43. Ifakkar li l-moviment liberu tal-ħaddiema huwa prinċipju fundamentali tat-Trattat; jilqa' l-fatt li fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2017, qed issir enfasi fuq l-importanza li tiġi żgurata l-ġustizzja soċjali permezz ta' kollaborazzjoni ġusta bejn id-diversi istituzzjonijiet tal-Istati Membri; jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri jipprovdu spettorati tax-xogħol jew korpi pubbliċi rilevanti oħra b'riżorsi adegwati, u jtejbu wkoll il-kooperazzjoni transfruntiera bejn is-servizzi ta' spezzjoni u l-iskambju elettroniku tal-informazzjoni u tad-data, sabiex itejbu l-effiċjenza tal-kontrolli maħsuba biex jiġġieldu u jipprevjenu l-frodi soċjali u x-xogħol mhux iddikjarat;

44. Jenfasizza l-ħtieġa li tingħata spinta lid-domanda domestika billi jiġu promossi l-investiment pubbliku u privat u r-riformi strutturali soċjalment u ekonomikament ibbilanċjati li jimmiraw li jnaqqsu l-inugwaljanzi u jippromwovu l-impjiegi ta' kwalità u sostenibbli, it-tkabbir sostenibbli u l-investiment soċjali u fil-konsolidazzjoni fiskali responsabbli, biex b'hekk tissaħħaħ mogħdija favorevoli lejn ambjent b'aktar koeżjoni u konverġenza soċjali 'l fuq għan-negozji u s-servizzi pubbliċi; jenfasizza r-rwol importanti tal-investiment fil-kapital uman bħala strateġija komuni; jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġu orjentati mill-ġdid il-politiki ekonomiċi tal-Unjoni lejn ekonomija soċjali tas-suq;

45. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri xierqa biex jiggarantixxu lill-ħaddiema diġitali l-istess drittijiet u livell ta' protezzjoni soċjali bħal dawk għal ħaddiema simili fis-settur ikkonċernat;

46. Jinnota li l-mikrointrapriżi u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (MSMEs), li jirrappreżentaw aktar minn 90 % tan-negozji kollha fl-Ewropa u huma l-mutur tal-ekonomija Ewropea, kif ukoll is-servizzi tas-saħħa u dawk soċjali u l-intrapriżi soċjali u ta' solidarjetà, jikkontribwixxu b'mod effikaċi għall-iżvilupp sostenibbli u inklużiv u għall-ħolqien tal-impjiegi ta' kwalità; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu kunsiderazzjoni akbar lill-interessi tal-MSMEs fil-proċess tat-tfassil tal-politika billi japplikaw it-test tal-SMEs matul il-proċess leġiżlattiv kollu, skont il-prinċipju "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir", u biex jippromwovu forom eżistenti ta' appoġġ finanzjarju għall-mikrointrapriżi, bħall-programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI); iqis li huwa ta' importanza kbira li jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq kumpaniji bħal dawn u li tiġi eliminata leġiżlazzjoni bla bżonn filwaqt li ma jiġux imminati d-drittijiet tax-xogħol u dawk soċjali; jenfasizza l-bżonn li

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

tiġi ffaċilitata t-tieni opportunità għall-intraprendituri li fallew fl-ewwel tentattiv tagħhom b'mod mhux frodulenti u rrispettaw id-drittijiet tal-impjegati;

47. Jenfasizza li l-intraprenditorija soċjali hija qasam li qed jikber li jista' jagħti spinta lill-ekonomija filwaqt li fl-istess ħin itaffi d-deprivazzjoni, l-esklużjoni soċjali u problemi soċjetali oħra; iqis, għaldaqstant, li l-edukazzjoni intraprenditorjali għandha tinkludi dimensjoni soċjali u għandha tindirizza kwistjonijiet bħall-kummerċ ġust, l-intrapriżi soċjali, u mudelli ta' negozju alternattivi, inklużi l-kooperattivi, bl-għan li tinkiseb ekonomija aktar soċjali, inklużiva u sostenibbli;

48. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jinvestigaw kif jistgħu jżidu l-produttività billi jinvestu fil-kapital uman, filwaqt illi jqisu li l-ħaddiema l-aktar kompetenti, integrati sew u sodisfatti huma dawk li jistgħu jindirizzaw bl-aħjar mod id-domandi u l-isfidi li l-intrapriżi u s-servizzi qed jiffaċċjaw;

49. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jiffukaw fuq l-istatus tal-imprendituri li jaħdmu għal rashom, sabiex jiżguraw li jkollhom protezzjoni soċjali adegwata fir-rigward tal-assigurazzjoni kontra l-mard, l-aċċidenti u l-qgħad u tad-drittijiet għall-pensjoni;

50. Ifakkar fl-importanza tal-implimentazzjoni ta' kultura vera ta' intraprenditorija, li tistimula liż-żgħażagħ minn età żgħira; jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri jadattaw il-programmi ta' edukazzjoni u ta' taħriġ tagħhom skont dan il-prinċipju; iwissi lill-Istati Membri dwar l-importanza tal-ħolqien ta' inċentivi għall-intraprenditorija, b'mod partikolari permezz tal-implimentazzjoni ta' regoli fiskali u t-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi; jistieden lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, tieħu miżuri biex tipprovdi informazzjoni aħjar dwar il-fondi u l-programmi Ewropej kollha bil-potenzjal li jagħtu spinta lill-intraprenditorja, l-investiment u l-aċċess għal finanzjament, bħal Erasmus għal Imprendituri Żgħażagħ;

51. Jenfasizza l-effett ta' lieva tal-baġit tal-UE fuq il-baġits nazzjonali; jenfasizza r-rwol komplementari li għandu l-baġit tal-UE sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni taħt il-politiki soċjali deskritti fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2017, bl-għan tal-ħolqien ta' aktar impjiegi u impjiegi aħjar fl-UE kollha;

52. Huwa mħasseb dwar id-dewmien fl-implimentazzjoni tal-programmi operattivi matul il-perjodu ta' programmazzjoni attwali; jinnota l-fatt li, sa Settembru 2016, 65 % biss tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kienu ġew maħtura, u jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu aktar attiv mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) u l-YEI biex jindirizzaw il-prijoritajiet soċjali u tal-impjieg u jappoġġjaw l-implimentazzjoni tas-CSRs li jindirizzaw, b'mod partikolari u b'mod inklużiv, il-kwistjonijiet soċjali u tal-impjieg; madankollu, jisssottolinja fl-istess ħin li dawn il-fondi m'għandhomx jintużaw biss biex jimplimentaw is-CSRs, peress li dan jista' potenzjalment iwassal biex jitħallew barra oqsma oħra importanti ta' investiment; jenfasizza li għandhom isiru aktar sforzi biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri, b'mod partikolari fil-każ tar-regoli finanzjarji orizzontali u settorjali, u biex jitneħħew l-ostakli għas-soċjetà ċivili biex jaċċessaw il-fondi;

53. Jinnota li t-tkabbir ekonomiku fl-UE u ż-żona tal-euro għadu modest; jenfasizza li hemm bżonn ta' investiment fir-riċerka, l-innovazzjoni u l-edukazzjoni; jinnota li l-baġit tal-UE għall-2017 jalloka EUR 21 312,2 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn għall-kompetittività, it-tkabbir u l-impjiegi, permezz ta' programmi bħal Orizzont 2020, COSME u Erasmus+;

54. Jenfasizza li l-fondi u l-programmi Ewropej bħal Erasmus għall-Imprendituri, is-Servizzi Ewropej tax-Xogħol (EURES), il-Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-SMEs (COSME), il-Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI) u l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS), jinkludu l-potenzjal li jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjament u jagħtu spinta lill-investiment u, għalhekk, lill-intraprenditorija; ifakkar fl-importanza tal-prinċipju ta' sħubija, tal-prinċipju ta' addizzjonalità, tal-approċċ minn isfel għal fuq u tal-allokazzjoni adegwata tar-riżorsi, kif ukoll ta' bilanċ tajjeb bejn id-dmirijiet ta' rapportar u l-ġbir ta' data minn dawk li jibbenefikaw mill-fondi; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura l-monitoraġġ mill-qrib tal-użu tal-fondi tal-UE biex ittejjeb l-effikaċja; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi CSRs dwar l-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE, sabiex iżżid il-kopertura u l-effikaċja tal-politiki soċjali u tas-suq tax-xogħol attiv fil-livell nazzjonali;

55. Jilqa' l-allokazzjoni fl-2017 ta' EUR 500 miljun addizzjonali minbarra l-abbozz ta' baġit għall-YEI u ta' EUR 200 miljun biex tingħata spinta lil inizjattivi fundamentali għall-ħolqien tat-tkabbir u l-impjiegi; ifakkar fil-ħtieġa li jsir użu aħjar mill-fondi u l-inizjattivi disponibbli relatati mal-edukazzjoni u t-taħriġ, il-kultura, l-isport u ż-żgħażagħ, u li jittejjeb l-investiment tagħhom f'dawn is-setturi fejn meħtieġ, speċjalment fir-rigward ta' oqsma tematiċi b'rilevanza diretta mal-Istrateġija Ewropa 2020, bħat-tluq bikri mill-iskola (ESL), l-edukazzjoni għolja, l-edukazzjoni taż-żgħażagħ, l-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ (VET), it-tagħlim tul il-ħajja u l-mobilità, bl-għan li tinbena r-reżiljenza u jitnaqqas il-qgħad, speċjalment fost iż-żgħażagħ u l-gruppi l-aktar vulnerabbli, issir prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tiġi żgurata inklużjoni soċjali fit-tul;

56. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex testendi l-FEIS u tirdoppja l-ammont tiegħu biex jilħaq EUR 630 biljun sal-2022, filwaqt li fl-istess ħin ittejjeb il-kopertura ġeografika u settorjali; jinnota li sal-lum il-FEIS ma tantx għamel suċċess b'mod partikolari fit-titjib tal-konverġenza ekonomika u soċjali bejn l-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom fl-Unjoni, u lanqas fl-indirizzar tal-infrastruttura soċjali; ifakkar li l-biċċa l-kbira tal-proġetti qed jiġu approvati fir-reġjuni li huma ekonomikament aktar b'saħħithom tal-Punent tal-Ewropa, u dan iwessa' d-diskrepanza fl-investiment bejn l-Istati Membri u jirrinforza l-iżbilanċi Ewropej; jitlob lill-Kummissjoni biex tgħin lir-reġjuni aktar dgħajfa bil-proċess tal-applikazzjoni, iżda biex ma timmodifikax il-premessa bażika li l-proġetti jintgħażlu biss abbażi tal-kwalità tagħhom; jistieden b'mod urġenti lill-Kummissjoni tappoġġja lill-intrapriżi soċjali u lill-SMEs biex ikunu jistgħu jaċċessaw il-FEIS; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment jieħdu passi addizzjonali u proattivi biex jiżguraw li l-Istati Membri u s-setturi kollha qed jiġu indirizzati b'mod xieraq fid-dawl tal-aċċess għall-FEIS, b'mod partikolari dawk li jikkontribwixxu b'mod dirett għall-indirizzar tal-faqar u l-esklużjoni soċjali; jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu l-kapaċitajiet amministrattivi bħaċ-Ċentru ta' Konsulenza; jiddispjaċih li ma hemmx dejta disponibbli dwar l-impjiegi li huma mistennija li jinħolqu b'riżultat tal-investimenti tal-FEIS; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja u tikkontrolla l-investimenti fl-ambitu tal-FEIS u tkejjel l-impatt ekonomiku u soċjali tagħhom, u tiżgura li l-FEIS ma jidduplikax il-programmi finanzjarji eżistenti jew jissostitwixxi l-infiq pubbliku dirett; itenni t-talba tiegħu biex isir investiment fil-kapital uman u soċjali f'oqsma bħall-kura tas-saħħa, l-indukrar tat-tfal u l-akkomodazzjoni bi prezzijiet raġonevoli;

57. Jindika li r-reġjuni ultraperiferiċi qed jiffaċċjaw sensiela ta' restrizzjonijiet strutturali, li l-permanenza u l-kombinazzjoni tagħhom tillimita b'mod sever l-iżvilupp tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tagħti spinta lill-applikazzjoni tal-Artikolu 349 TFUE;

58. Jenfasizza li l-ħtieġa li l-Kummissjoni u l-Istati Membri juru impenn aktar b'saħħtu biex jiġi applikat l-Artikolu 174 tat-TFUE; jenfasizza li aktar koeżjoni territorjali timplika aktar koeżjoni ekonomika u soċjali, u għalhekk jitlob li jkun hemm investiment strateġiku fir-reġjuni kkonċernati, b'mod partikolari fil-broadband, bl-għan li jsiru aktar kompetittivi, tittejjeb l-industrija u l-istruttura territorjali tagħhom u, fl-aħħar mill-aħħar, tiġi stabbilizzata l-popolazzjoni tagħhom;

59. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinvolvu l-livelli kollha ta' gvern u l-partijiet ikkonċernati rilevanti fl-identifikazzjoni tal-ostakli għall-investiment, filwaqt li jiffokaw kemm fuq dawk ir-reġjuni u s-setturi l-iktar fil-bżonn kif ukoll fuq id-disponibbiltà ta' strumenti adegwati li jlaqqgħu flimkien il-finanzjament pubbliku u dak privat;

60. Jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi politiki mfassla biex jiġġieldu kontra t-tnaqqis demografiku u t-tixrid tal-popolazzjoni; jenfasizza li l-politika ta' koeżjoni tal-UE għandha tipprijoritizza l-attenzjoni għal reġjuni li jbatu minn tnaqqis demografiku;

61. Jenfasizza li l-aċċess universali għal pensjonijiet tal-irtirar u tax-xjuħija pubbliċi, ibbażati fuq is-solidarjetà u adegwati jridu jingħataw lil kulħadd; jirrikonoxxi l-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom l-Istati Membri biex isaħħu s-sostenibbiltà tas-sistemi tal-pensjonijiet, iżda jenfasizza l-importanza li tiġi mħarsa s-solidarjetà fis-sistemi tal-pensjonijiet billi tissaħħaħ in-naħa tad-dħul mingħajr ma neċessarjament tiżdied l-età tal-irtirar; jissottolinja l-importanza ta' sistemi tal-pensjonijiet pubbliċi u okkupazzjonali li jipprovdu dħul tal-irtirar adegwat ferm 'il fuq mil-limitu tal-faqar u jippermettu lill-pensjonanti jżommu l-livell ta' għajxien tagħhom; jemmen li l-aħjar mod biex jiġu żgurati pensjonijiet sostenibbli, sikuri u adegwati għan-nisa u l-irġiel huwa li jiżdiedu kemm ir-rata ġenerali tal-impjiegi kif ukoll l-impjiegi ta' kwalità għall-etajiet kollha, jitjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg u li jiġi impenjat l-infiq pubbliku supplimentari meħtieġ; jemmen li r-riformi tas-sistemi tal-pensjoni għandhom jiffokaw, fost affarijiet oħra, fuq l-età effettiva tal-irtirar u jirriflettu x-xejriet tas-

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

suq tax-xogħol, ir-rati tat-twelid, is-sitwazzjoni tas-saħħa u tal-ġid, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-proporzjon ta' dipendenza fuq l-ekonomija; iqis li dawn ir-riformi jridu jqisu wkoll is-sitwazzjoni ta' miljuni ta' ħaddiema fl-Ewropa, b'mod partikolari n-nisa, iż-żgħażagħ u dawk li jaħdmu għal rashom, li jsofru minn perjodi ta' qgħad involontarju, ħin tax-xogħol imnaqqas u impjiegi mhux sikuri u atipiċi;

62. Jiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri, fid-dawl tat-tixjiħ taċ-ċittadini Ewropej u tal-impatt tiegħu f'termini taż-żieda fil-ħtiġijiet ta' kura informali u formali, għall-ħtieġa li jinvestu fil-promozzjoni tas-saħħa pubblika u l-prevenzjoni tal-mard filwaqt li jiżguraw u jtejbu s-sostenibbiltà, is-sikurezza, l-adegwatezza u l-effikaċja tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali u l-provvista ta' servizzi soċjali ta' kwalità fit-tul matul id-deċennji li ġejjin; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri, għalhekk, biex jiżviluppaw strateġiji biex jiżguraw il-finanzjament, il-persunal u l-iżvilupp adegwat għal dawn is-sistemi u s-servizzi u biex jestendu l-kopertura tas-sistemi tas-sigurtà soċjali għall-benefiċċju tas-soċjetà u tal-individwu; b'mod partikolari, iħeġġeġ lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lis-sħab soċjali biex:

— jinkoraġġixxu rati ogħla ta' impjieg għall-etajiet kollha;

— jaħdmu biex inaqqsu s-segregazzjoni bejn is-sessi u d-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa;

— jadattaw is-swieq tax-xogħol għall-ħaddiema akbar fl-età permezz ta' kundizzjonijiet tax-xogħol adattati għall-età biex ikunu jistgħu jaħdmu sal-età statutorja tal-irtirar;

— jiġġieldu kontra sterjotipi tal-età fis-swieq tax-xogħol;

— jiżguraw ċiklu tal-ħajja u approċċ preventiv għas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali;

— jiffokaw fuq il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għal persuni b'responsabbiltajiet ta' kura permezz ta' skemi xierqa ta' kura u ta' leave u billi jiġu appoġġjati dawk li jipprovdu l-kura b'mod informali;

— jappoġġjaw u jinfurmaw lill-impjegaturi, b'mod speċjali lill-SMEs, dwar kif l-ambjenti tax-xogħol jistgħu jittejbu biex ħaddiema ta' kull età jkunu jistgħu jibqgħu produttivi;

— jappoġġjaw is-servizzi pubbliċi tal-impjieg biex ikunu jistgħu jipprovdu assistenza sinifikanti lil dawk li jfittxu x-xogħol li huma akbar fl-età;

— jinvestu fit-taħriġ tul il-ħajja, u jippromwovuh, għall-ħaddiema ta' kull età, kemm fil-post tax-xogħol kif ukoll barra l-post tax-xogħol, u jiżviluppaw sistemi għall-validazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tal-ħiliet;

— jgħinu lill-ħaddiema akbar fl-età jibqgħu attivi aktar fit-tul u jippreparaw għall-irtirar permezz ta' kundizzjonijiet tax-xogħol flessibbli mmexxija mill-impjegati li jippermettulhom li jnaqqsu l-ħin tax-xogħol tagħhom matul it-tranżizzjoni bejn ix-xogħol u l-irtirar;

63. Jissottolinja l-ħtieġa għall-Kummissjoni li timmonitorja żviluppi fil-kundizzjoni ta' persuna mingħajr dar u l-esklużjoni tal-akkomodazzjoni, flimkien mal-evoluzzjoni tal-prezzijiet tad-djar fl-Istati Membri; jappella għal azzjoni urġenti biex jiġu indirizzati livelli li qed jiżdiedu tal-kundizzjoni ta' persuna mingħajr dar u l-esklużjoni tal-akkomodazzjoni f'ħafna Stati Membri; huwa mħasseb dwar il-konsegwenzi soċjali potenzjali tal-volum kbir ta' self improduttiv fuq karti bilanċjali tal-banek, u b'mod speċjali dwar id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li għandu jitħeġġeġ il-bejgħ lil istituzzjonijiet speċjalizzati mhux bankarji, li jista' jwassal għal għadd kbir ta' żgumbramenti; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-BEI jagħmlu użu mill-FEIS għall-infrastruttura soċjali, inkluża l-implimentazzjoni tad-dritt għal akkomodazzjoni adegwata u bi prezz raġonevoli għal kulħadd;

64. Jinnota bi ħassib li f'xi Stati Membri l-pagi mhumiex biżżejjed biex tkun żgurata ħajja deċenti, u b'hekk il-ħaddiema qed jiġu trasformati f'"ħaddiema foqra" u l-persuni qiegħda qed jiġu skoraġġiti milli jirritornaw fis-suq tax-xogħol; f'dan ir-rigward, jappoġġja t-tisħiħ tan-negozjar kollettiv;

65. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jimplimentaw il-miżuri meħtieġa għall-inklużjoni soċjali tar-rifuġjati kif ukoll tal-persuni ta' minoranza etnika jew ta' oriġini immigranti;

66. Jilqa' l-fatt li fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2017, saret enfasi fuq il-ħtieġa li jiġu promossi r-riformi tat-taxxa u r-riformi tal-benefiċċji li l-għan tagħhom huwa li jtejbu l-inċentivi tax-xogħol u jagħmlu li x-xogħol irendi, billi s-sistemi tat-taxxa jistgħu jikkontribwixxu wkoll għall-ġlieda kontra l-inugwaljanzi fid-dħul u l-faqar, kif ukoll għal żieda fil-kompetittività fuq livell globali; jistieden lill-Istati Membri jaqilbu b'mod gradwali t-taxxi mix-xogħol għal sorsi oħra;

67. Jappella għal riformi fis-sistemi tal-kura tas-saħħa u fit-tul biex jiffokaw fuq l-iżvilupp tal-prevenzjoni u l-promozzjoni tas-saħħa, iż-żamma ta' servizzi tal-kura tas-saħħa ta' kwalità u aċċessibbli b'mod universali, u t-tnaqqis tal-inugwaljanzi fl-aċċess għas-servizzi tal-kura tas-saħħa;

68. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaħdmu flimkien biex ineħħu l-ostakli għall-mobilità tas-suq tax-xogħol, filwaqt li jiżguraw li ħaddiema mobbli tal-UE jiġu trattati bl-istess mod bħalma jiġu trattati l-ħaddiema mhux mobbli;

69. Jistieden lill-Istati Membri jżidu l-kopertura, l-effiċjenza u l-effikaċja tal-politiki tas-suq tax-xogħol attivi u sostenibbli, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali; jilqa' l-appell li sar fis-SAT 2017 għal aktar sforzi biex jiġu żviluppati miżuri bl-għan li jappoġġjaw l-inklużjoni fis-suq tax-xogħol għal gruppi żvantaġġati, b'mod partikolari l-persuni b'diżabilità, fid-dawl tal-impatt ekonomiku u soċjali pożittiv fit-tul;

70. Jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu standards soċjali ambizzjużi bbażati fuq is-CSRs tagħhom stess, skont il-kompetenza nazzjonali u tas-sitwazzjoni finanzjarja u fiskali tagħhom, speċjalment bl-introduzzjoni ta' skemi ta' introjtu minimu adegwat għaċ-ċiklu kollu tal-ħajja, fejn tali skemi ma jeżistux, u billi jingħalqu d-diskrepanzi fl-iskemi ta' introjtu minimu adegwat maħluqa minn kopertura insuffiċjenti jew nuqqas ta' użu;

71. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni fir-rigward tal-varar ta' konsultazzjonijiet dwar it-twaqqif ta' pilastru Ewropew tad-drittijiet soċjali; iqis li din l-inizjattiva għandha tkun tista' tistimola l-iżvilupp ta' ħiliet u kompetenzi iktar flessibbli, azzjonijiet ta' tagħlim tul il-ħajja u appoġġ attiv għal impjiegi ta' kwalità;

72. Itenni t-talba li saret lill-Kummissjoni fl-aħħar opinjoni mħejjija mill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji biex tikkunsidra l-introduzzjoni ta' proċedura għall-iżbilanċi soċjali fit-tfassil tas-CSRs, sabiex tiġi evitata tellieqa sal-qiegħ, f'termini ta' standards ibbażati fuq l-użu effikaċi ta' indikaturi soċjali u tal-impjieg fil-qafas tas-sorveljanza makroekonomika;

73. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu enfasi akbar fuq il-ksur taċ-ċiklu tal-faqar u l-promozzjoni tal-ugwaljanza; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel rakkomandazzjonijiet aktar b'saħħithom lill-Istati Membri rigward l-inkużjoni u l-protezzjoni soċjali, filwaqt illi tħares ukoll lil hinn mill-forza tax-xogħol, u b'mod partikolari fuq l-investiment fit-tfal;

74. Jilqa' l-involviment, fil-proċess tas-Semestru Ewropew, tas-sħab soċjali, il-parlamenti nazzjonali u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra mis-soċjetà ċivili; itenni li d-djalogu soċjali u d-djalogu mas-soċjetà ċivili huma fundamentali biex tinkiseb bidla sostnuta għall-benefiċċju ta' kulħadd, u huma essenzjali għat-tisħiħ tal-effikaċja u l-adegwatezza tal-politiki Ewropej u nazzjonali, u għalhekk iridu jseħħu fil-fażijiet kollha tas-Semestru; jenfasizza l-ħtieġa li l-involviment isir aktar effikaċi billi jiġu żgurati timing utli, l-aċċess għad-dokumenti kollha u djalogu ma' interlokuturi fil-livell xieraq;

75. Ifakkar fid-diversi talbiet għal aġenda li fiha l-pożizzjoni tal-Parlament tissaħħaħ u titqies qabel ma l-Kunsill jieħu deċiżjoni; jitlob, barra minn hekk, li l-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jitqiegħed fuq l-istess livell, meta jitqiesu l-kompetenzi speċifiċi tagħhom, mal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, kull meta l-Parlament Ewropew jintalab jagħti l-opinjoni tiegħu fid-diversi stadji tas-Semestru Ewropew;

76. Iqis li għandha titlaqqa' konvenzjoni soċjali tal-UE li fiha rappreżentanti tas-sħab soċjali, tal-gvernijiet u l-parlamenti nazzjonali u tal-istituzzjonijiet tal-UE jiddiskutu l-ġejjieni u l-istruttura tal-mudell soċjali Ewropew, b'parteċipazzjoni pubblika;

77. Jitlob, għal darb'oħra, li jissaħħaħ ir-rwol tal-Kunsill EPSCO fis-Semestru Ewropew;

78. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

P8_TA(2017)0040

Governanza tas-Suq Uniku fi ħdan is-Semestru Ewropew 2017

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2017 dwar ir-Rapport Annwali dwar il-Governanza tas-Suq Uniku fi ħdan is-Semestru Ewropew 2017 (2016/2248(INI))

(2018/C 252/16)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Frar 2016 dwar il-governanza tas-Suq Uniku fi ħdan is-Semestru Ewropew 2016 ([1]), u r-rispons ta' segwitu tal-Kummissjoni adottat fis-27 ta' April 2016,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Marzu 2015 dwar il-governanza tas-Suq Uniku fi ħdan is-Semestru Ewropew 2015 ([2]), u r-rispons ta' segwitu tal-Kummissjoni adottat fit-3 ta' Ġunju 2015,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Frar 2014 dwar il-governanza tas-Suq Uniku fi ħdan is-Semestru Ewropew 2014 ([3]), u r-rispons ta' segwitu tal-Kummissjoni adottat fit-28 ta' Mejju 2014,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Frar 2013 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-governanza tas-Suq Uniku ([4]), u r-rispons ta' segwitu tal-Kummissjoni adottat fit-8 ta' Mejju 2013,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Mejju 2016 dwar l-Istrateġija tas-Suq Uniku ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Mejju 2016 dwar ostakli nontariffarji fis-Suq Uniku ([6]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Novembru 2015 dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2016 – Tisħiħ tal-irkupru u trawwim tal-konverġenza (COM(2015)0690),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Novembru 2016 dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2017 (COM(2016)0725),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Ottubru 2015 bit-titolu "Naġġornaw is-Suq Uniku: opportunitajiet aktar għaċ-ċittadini u għan-negozji" (COM(2015)0550) u r-rapport bit-titolu "Single Market Integration and Competitiveness in the EU and its Member States" (SWD(2015)0203),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2015 bit-titolu "Strateġija għal Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa" (COM(2015)0192),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-8 ta' Ġunju 2012 bit-titolu "Governanza Aqwa tas-Suq Uniku" (COM(2012)0259),

([1]) Testi adottati, P8_TA(2016)0060.
([2]) ĠU C 316, 30.8.2016, p. 98.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2014)0130.
([4]) ĠU C 24, 22.1.2016, p. 75.
([5]) Testi adottati, P8_TA(2016)0237.
([6]) Testi adottati, P8_TA(2016)0236.

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Ġunju 2012 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi (COM(2012)0261), kif aġġornata f'Ottubru 2015,

— wara li kkunsidra l-istudju ta' Settembru 2014 bit-titolu "The Cost of Non-Europe in the Single Market" (Il-Kost tan-Non-Ewropa fis-Suq Uniku) li ġie kkommissjonat mill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Ottubru 2015 dwar Passi lejn l-Ikkompletar tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja (COM(2015)0600),

— wara li kkunsidra l-istudju ta' Settembru 2014 bit-titolu "Indicators for Measuring the Performance of the Single Market– Building the Single Market Pillar of the European Semester" (L-indikaturi biex jitkejjel ir-rendiment tas-Suq Uniku – Nibnu l-Pilastru tas-Suq Uniku tas-Semestru Ewropew) li ġie kkommissjonat mill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur,

— wara li kkunsidra l-istudju ta' Settembru 2014 bit-titolu "Contribution of the Internal Market and Consumer Protection to Growth" (Il-Kontribut tas-Suq Intern u l-Protezzjoni tal-Konsumatur għat-Tkabbir) li ġie kkommissjonat mill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

— wara li kkunsidra l-edizzjoni online ta' Lulju 2016 tat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17-18 ta' Marzu 2016,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-28 ta' Ġunju 2016,

— wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti Nazzjonali fl-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A8-0016/2017),

A. billi l-kisba ta' suq uniku aktar approfondit u ġust ser tkun strumentali fil-ħolqien ta' impjiegi ġodda, fil-promozzjoni tal-produttività u fl-iżgurar ta' klima attraenti għall-investiment u l-innovazzjoni kif ukoll ta' ambjent li jaġevola lill-konsumatur;

B. billi dan jeħtieġ fokus imġedded fl-Ewropa kollha, inkluż it-tlestija fil-ħin u l-implimentazzjoni ta' strateġiji differenti tas-suq uniku, b'mod partikolari l-istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali;

C. billi dan il-fokus imġedded irid jinkludi wkoll l-implikazzjonijiet tal-Brexit, fost l-oħrajn għall-moviment liberu tal-merkanzija u tas-servizzi, id-dritt ta' stabbiliment, l-unjoni doganali u l-acquis tas-suq intern b'mod ġenerali;

D. billi, wara l-kriżi ekonomika li bdiet fl-2008, l-UE għadha qed ikollha tiffaċċja perjodu ta' staġnar u rkupru ekonomiku batut, rati għoljin ta' qgħad u vulnerabbiltajiet soċjali; billi, fuq nota aktar pożittiva, il-motto tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir (SAT) għall-2016 kien it-"tisħiħ tal-irkupru u t-trawwim tal-konverġenza";

E. billi s-SAT għall-2017 ifakkar il-ħtieġa li jinkiseb irkupru ekonomiku inklużiv li jikkunsidra d-dimensjoni soċjali tas-suq uniku, u billi s-SAT għall-2017 jenfasizza wkoll il-ħtieġa li l-Ewropa tinvesti sewwa fiż-żgħażagħ tagħha u f'dawk li qed ifittxu xogħol, kif ukoll fin-negozji ġodda u fl-SMEs;

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

F. billi, minkejja l-irkupru ekonomiku, f'ħafna partijiet tal-Ewropa l-qgħad għadu għoli wisq, u billi l-perjodu mtawwal ta' rata għolja ta' qgħad qed ikollu effett negattiv fuq is-soċjetajiet f'ħafna Stati Membri;

G. billi s-Semestru Ewropew għandu l-għan li jżid il-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi u fiskali mal-UE sabiex iżid l-istabilità, irawwem it-tkabbir u l-impjiegi u jsaħħaħ il-kompetittività, f'konformità mal-objettivi ta' ġustizzja soċjali u l-protezzjoni ta' dawk l-aktar vulnerabbli fis-soċjetà; billi din il-mira ma ntlaħqitx;

H. billi s-suq uniku huwa wieħed mill-pedamenti tal-UE u huwa wieħed mill-kisbiet ewlenin tagħha; billi s-Semestru Ewropew, biex tassew irawwem it-tkabbir ekonomiku u jistabbilizza l-ekonomiji, jeħtieġ jinkludi wkoll is-suq uniku u l-politiki mmirati għall-ikkompletar tiegħu;

It-tisħiħ tal-pilastru tas-suq uniku tas-Semestru Ewropew

1. Itenni li s-suq uniku huwa wieħed mill-pedamenti tal-UE u huwa s-sinsla tal-ekonomiji tal-Istati Membri u tal-proġett Ewropew b'mod ġenerali; jinnota li s-suq uniku għadu frammentat u mhux implimentat biżżejjed u li għandu potenzjal kbir ta' tkabbir, innovazzjoni u impjiegi; jenfasizza li sabiex l-UE jirnexxielha ssaħħaħ l-irkupru tagħha, trawwem konverġenza u tappoġġja l-investimenti kemm f'dawk li qed ifittxu x-xogħol u ż-żgħażagħ tagħha, kif ukoll fin-negozji l-ġodda u l-SMEs tagħha, is-suq uniku għandu rwol essenzjali; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura l-ikkompletar tad-dimensjonijiet kollha tas-suq uniku, fosthom il-prodotti, is-servizzi, il-kapital, ix-xogħol, l-enerġija, it-trasport, u b'mod partikolari s-settur diġitali;

2. Itenni t-talba tiegħu għall-ħolqien ta' pilastru sod tas-suq uniku b'dimensjoni soċjali fis-Semestru Ewropew, b'sistema ta' monitoraġġ regolari u identifikazzjoni tal-ostakli speċifiċi għall-pajjiżi fir-rigward tas-suq uniku, li dan l-aħħar kellhom it-tendenza li jiddaħħlu b'impatt, frekwenza u kamp ta' applikazzjoni ikbar fl-Istati Membri; jitlob li ssir evalwazzjoni fil-fond tal-integrazzjoni tas-suq uniku kif ukoll tal-kompetittività interna; jinsisti li l-evalwazzjoni tal-istat tal-integrazzjoni tas-suq uniku għandha ssir parti integrali mill-qafas tal-governanza ekonomika;

3. Ifakkar li s-Semestru Ewropew ġie introdott fl-2010 bil-għan li jiżgura li l-Istati Membri jiddiskutu l-pjanijiet baġitarji u ekonomiċi tagħhom mas-sħab tagħhom tal-UE fi żminijiet speċifiċi matul is-sena, li jippermettilhom li jikkummentaw dwar il-pjanijiet ta' xulxin u jissorveljaw il-progress b'mod kollettiv; jenfasizza l-importanza li jinżamm fokus fuq il-prestazzjoni soċjali kif ukoll fuq il-promozzjoni ta' konverġenza ekonomika u soċjali 'l fuq;

4. Jenfasizza li l-pilastru tas-suq uniku fis-Semestru Ewropew għandu jservi biex jidentifika l-oqsma ewlenin fir-rigward tad-dimensjonijiet kollha tas-suq uniku, għall-ħolqien tat-tkabbir u l-impjiegi; jenfasizza, barra minn hekk, li dan għandu jservi wkoll bħala punt ta' riferiment għall-impenn ta' riforma strutturali fl-Istati Membri;

5. Jenfasizza li l-pilastru tas-suq uniku fis-Semestru Ewropew jippermetti evalwazzjoni regolari tal-governanza tas-suq unika permezz ta' kontrolli sistematiċi tal-leġiżlazzjoni nazzjonali u għodod analitiċi tad-data għall-identifikazzjoni ta' nonkonformità, it-titjib tal-monitoraġġ tal-leġiżlazzjoni tas-suq uniku, li jagħtu lill-istituzzjoniet l-informazzjoni meħtieġa biex ifasslu mill-ġdid, jimplimentaw, japplikaw u jinfurzaw il-qafas regolatorju tas-suq uniku, biex b'hekk iwasslu riżultati konkreti liċ-ċittadini;

6. Jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni biex tiżgura li l-benefiċċji tal-globalizzazzjoni u tal-bidla teknoloġika jitqassmu b'mod ġust fost gruppi differenti tas-soċjetà, b'mod partikolari fost iż-żgħażagħ; jitlob li titqajjem kuxjenza fil-livelli kollha dwar l-impatt tal-politiki u r-riformi fuq id-distribuzzjoni tal-introjtu u fuq l-iżgurar tal-ugwaljanza, tal-ġustizzja u tal-inklużjoni;

7. Jemmen li, fir-rigward tal-miżuri nazzjonali jew l-implimentazzjoni, intervent bikri jista' jkun aktar effikaċi u bih jistgħu jinkisbu riżultati aħjar milli permezz ta' proċeduri ta' ksur; jenfasizza, madankollu, li jekk il-proċeduri ta' intervent bikri ma jagħtux riżultati, il-Kummissjoni trid tuża l-miżuri kollha disponibbli, inklużi proċeduri ta' ksur, biex tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni dwar is-suq uniku;

8. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tieħu kont sħiħ tal-oqsma ewlenin tat-tkabbir u tal-ħolqien ta' impjiegi għall-bini ta' suq uniku tal-UE adatt għas-seklu 21, kif ġie identifikat preċedentement mill-Kummissjoni u speċifikat b'mod ulterjuri fl-istudju ta' Settembru 2014 bit-titolu "The Cost of Non-Europe in the Single Market" (Il-Kost tan-Non-Ewropa fis-Suq Uniku) u inklużi s-servizzi, is-Suq Uniku Diġitali u, b'mod partikolari, il-kummerċ elettroniku, l-acquis tal-konsumaturi, l-akkwist pubbliku u l-konċessjonijiet, u l-moviment liberu ta' prodotti;

9. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni twettaq monitoraġġ sistematiku tal-implimentazzjoni u l-infurzar tar-regoli tas-suq uniku permezz tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, b'mod partikolari f'dawk il-każijiet fejn dawn ir-regoli jagħtu kontribut għar-riformi strutturali, u f'dan il-kuntest ifakkar fl-importanza tal-approċċ il-ġdid li ħadet il-Kummissjoni, li jenfasizza l-ġustizzja soċjali; jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament dwar il-progess li sar mill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi relatati mal-funzjonament tas-suq uniku u l-integrazzjoni tas-swieq tal-prodotti, l-merkanzija u s-servizzi, bħala parti mill-pakkett tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir;

10. Ifakkar li l-implimentazzjoni globali tar-riformi ewlenin deskritti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi għadha diżappuntanti f'ċerti oqsma u tvarja minn pajjiż għall-ieħor; jistieden lill-Istati Membri jħaffu l-progress fir-rigward tal-adozzjoni tar-riformi b'konformità mar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, flimkien ma' sekwenzar u implimentazzjoni xierqa, sabiex iżidu l-potenzjal tat-tkabbir u jrawmu l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali;

11. Jemmen li hemm bżonn li s-sens ta' pussess tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi mill-parlamenti nazzjonali jissaħħaħ; iħeġġeġ l-Istati Membri jipprovdu l-possibilità lill-Kummissjoni biex tippreżenta r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi fil-parlamenti nazzjonali; jistieden, barra minn hekk, lill-Istati Membri jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi; itenni t-talba tiegħu li l-Kummissjoni tirrapporta lill-kumitat kompetenti tal-Parlament dwar il-miżuri meħuda biex jiżguraw il-progress fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi u l-progress li nkiseb s'issa;

12. Jistieden lill-Kunsill tal-Kompetittività jieħu rwol attiv fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi mill-Istati Membri kif ukoll fil-proċess ta' formulazzjoni ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet;

13. Jenfasizza li fost il-miri tal-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa hemm it-tneħħija tal-ostakoli bla bżonn, iż-żieda tal-innovazzjoni u l-approfondiment tas-suq uniku, u fl-istess ħin il-promozzjoni tal-investimenti fil-kapital uman u fl-infrastruttura soċjali;

14. Jenfasizza li t-titjib tal-ambjent tal-investiment ifisser it-tisħiħ tas-suq uniku billi tkun ipprovduta aktar prevedibilità regolatorja u billi jissaħħu l-kundizzjonijiet ekwi fl-UE u jitneħħew l-ostakoli bla bżonn għall-investiment kemm minn ġewwa kif ukoll minn barra l-UE; ifakkar li investimenti sostenibbli jirrikjedu ambjent tan-negozju sod u prevedibbli; jinnota li diversi aspetti ta' ħidma tnedew fil-livell tal-UE, kif stipulat fl-Istrateġija tas-Suq Uniku, l-Unjoni tal-Enerġija u s-Suq Uniku Diġitali, u jqis li dan l-isforz tal-UE jeħtieġ li jkun akkumpanjat minn sforz fuq livell nazzjonali;

15. Ifakkar li s-sett il-ġdid ta' rakkomandazzjonijiet għaż-żona tal-euro jinkludi riformi mmirati biex jiżguraw swieq miftuħa u kompetittivi tal-prodotti u s-servizzi; ifakkar ukoll li l-innovazzjoni u l-kompetizzjoni nazzjonali u lil hinn mill-fruntiera huma ta' importanza ewlenija għal suq uniku li jiffunzjona u jemmen li l-leġiżlazzjoni Ewropea għandha tirsisti biex tiżgura dan;

16. Jappoġġja t-talba tal-Kummissjoni lill-Istati Membri biex jirdoppjaw l-isforzi tagħhom fir-rigward tat-tliet elementi tat-trijangolu tal-politika ekonomika, u dan filwaqt li jiffukaw fuq il-ġustizzja soċjali sabiex joħolqu tkabbir aktar inklużiv;

17. Jaqbel mal-fehma tal-Kummissjoni li l-isforzi ta' konverġenza kompatibbli mas-suq uniku għandhom ikunu bbażati fuq l-aħjar prattiki b'rabta mal-istrateġiji ta' tagħlim tul il-ħajja, politiki effettivi biex jgħinu lil dawk bla xogħol jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol, u sistemi ta' protezzjoni soċjali u tal-edukazzjoni li jkunu moderni u inklużivi;

L-isfruttament tal-potenzjal tas-suq uniku fl-oqsma prinċipali ta' tkabbir

18. Jenfasizza li, minkejja t-tneħħija tal-ostakli tariffarji fis-suq uniku, għad jeżisti għadd kbir ta' ostakli nontariffarji (ONT) varji bla bżonn; jenfasizza li t-tisħiħ tas-suq uniku jeħtieġ azzjoni urġenti kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell nazzjonali sabiex jiġu indirizzati dawk l-ONT bla bżonn b'mod li jkun kompatibbli mal-promozzjoni ta' standards soċjali, ambjentali u tal-konsumatur, sabiex tiġi ġġenerata aktar kompetizzjoni u jinħolqu tkabbir u impjiegi; jenfasizza li l-protezzjoniżmu u l-miżuri diskriminatorji mill-Istati Membri m'għandhomx jiġu ttollerati; ifakkar tit-talba tiegħu li l-Kummissjoni fl-2016 tippreżenta ħarsa ġenerali komprensiva tal-ONT fis-suq uniku u analiżi tal-mezzi għall-indirizzar tagħhom, billi toħloq distinzjoni ċara bejn ONT u regolamenti għall-implimentazzjoni ta' objettiv leġittimu ta' politika

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

pubblika ta' Stat Membru b'mod proporzjonat, inkluża proposta ambizzjuża biex telimina dawn l-ONT kemm jista' jkun malajr sabiex jiġi użat il-potenzjal li għadu mhux sfruttat tas-suq uniku;

19. Jenfasizza li l-ostakli relatati mal-provvista ħielsa tas-servizzi huma ta' ħassib partikolari peress li dawn ifixklu, fuq kollox, l-attività transfruntiera tal-intrapriżi żgħar u medji li huma l-mutur tal-iżvilupp tal-ekonomija tal-UE; jirrimarka li rekwiżiti, spezzjonijiet u sanzjonijiet amministrattivi sproporzjonati jistgħu jwasslu għal treġġigħ lura tal-kisbiet tas-suq uniku;

20. Jenfasizza l-Istrateġija tas-Suq Uniku u l-azzjonijiet fil-mira tagħha, li għandhom ikunu mmirati biex joħolqu opportunitajiet għall-konsumaturi, il-professjonisti u l-intrapriżi, speċjalmenmt għall-SMEs, iħeġġu u jippermettu l-modernizzazzjoni u l-innovazzjoni li teħtieġ l-Ewropa, u jiżguraw li jitwettqu b'mod konkret għall-ġid tal-konsumaturi u tan-negozji fil-ħajja tagħhom ta' kuljum; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw l-aħjar kundizzjonijiet possibbli sabiex l-ekonomija kollaborattiva tiżviluppa u tirnexxi; jenfasizza li l-ekonomija kollaborattiva għandha potenzjal enormi f'termini ta' tkabbir u għażla tal-konsumatur;

21. Jistieden lill-Istati Membri jdaħħlu riformi u politiki biex jiffaċilitaw it-tixrid ta' teknoloġiji ġodda sabiex jiżguraw li l-benefiċċji tagħhom ikunu jistgħu jgawdu minnhom firxa usa' ta' impriżi; jistieden lill-Kumissjoni tippreżenta minnufih il-proposti konkreti, imsemmija fis-SAT għall-2017, marbuta mal-infurzar tar-regoli tas-suq uniku kif ukoll miżuri fil-qasam tas-servizzi tan-negozju, inkluży l-iffaċilitar tal-forniment transfruntier tagħhom u l-ħolqien ta' sistema tal-VAT sempliċi, moderna u reżistenti għall-frodi;

22. Jilqa' t-tħabbira tal-Kummissjoni fis-SAT għall-2017, dwar il-ħidma li għaddejja fuq qafas ta' awtorizzazzjoni uniku tal-UE li jkun japplika direttament għal proġetti kbar b'dimensjoni transfruntiera jew għal pjattaformi ta' investiment kbar li jinvolvu kofinanzjament nazzjonali;

23. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li r-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku jiġu implimentati f'waqthom, b'mod partikolari fir-rigward tat-tnedija tal-akkwist elettroniku u d-dispożizzjonijiet il-ġodda li jinkoraġġixxu t-tqassim ta' kuntratti f'lottijiet, li huwa essenzjali sabiex jitrawmu l-innovazzjoni u l-kompetizzjoni u jingħata appoġġ lill-SMEs fis-swieq tal-akkwist;

24. Jenfasizza, fir-rigward tas-suq uniku għas-servizzi, li hemm ħtieġa ċara li jitjieb l-għoti ta' servizzi transfruntiera, filwaqt li tinżamm il-kwalità għolja ta' dawn is-servizzi; jieħu nota tal-proposta tal-Kummissjoni għal karta ta' servizzi Ewropea u għal formola ta' notifika armonizzata; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tirrevedi l-iżviluppi tas-suq u, jekk ikun meħtieġ, tieħu azzjoni b'rabta mar-rekwiżiti tal-assigurazzjoni għan-negozju u l-forniturи tas-servizzi tal-bini;

25. Jinnota li aktar minn 5 500 professjoni fl-Ewropa jeħtieġu kwalifiki speċifiċi jew titlu speċifiku, u jilqa', f'dan il-kuntest, l-evalwazzjoni reċiproka tal-professjonijiet regolati mwettqa mill-Kummissjoni mal-Istati Membri;

26. Jistieden lill-Kummissjoni taġixxi b'mod qawwi kontra l-protezzjoniżmu mill-Istati Membri; iqis li l-Istati Membri għandhom iżommu lura minn miżuri diskriminatorji, bħal liġijiet tal-kummerċ u tat-taxxa li jaffettwaw biss ċerti setturi jew mudelli ta' negozji u li jgħawġu l-kompetizzjoni, filwaqt li jagħmluha diffiċli li n-negozji barranin jistabbilixxu lilhom infushom fi Stat Membru partikolari, ħaġa li tikkostitwixxi ksur ċar tal-prinċipji tas-suq intern;

27. Jantiċipa, f'dak li għandu x'jaqsam mas-suq uniku fil-prodotti, proposta tal-Kummissjoni għal reviżjoni tar-Regolament dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku li għandu jiżgura li l-kumpaniji jkollhom dritt effettiv għal ċirkolazzjoni libera fl-UE ta' prodotti kkummerċjalizzati legalment fi Stat Membru; jenfasizza li l-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku mhuwiex applikat u rrispettat kif xieraq mill-Istati Membri, u li dan spiss iwassal biex il-kumpaniji jiffukaw fuq li jegħlbu d-diffikultajiet marbuta man-nuqqas ta' implimentazzjoni minflok fuq it-twettiq tan-negozju;

28. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli taħdem fuq il-viżjoni tagħha għal Sistema Ewropea ta' Standardizzazzjoni unika u koerenti li tadatta għall-ambjent li qed jinbidel, tappoġġja politiki multipli u ġġib magħha benefiċċji għall-konsumaturi u n-negozji; jenfasizza li l-istandards Ewropej ta' spiss jiġu adottati fid-dinja kollha, u mhux biss jipprovdu l-benefiċċji ta' interoperabilità u sikurezza, it-tnaqqis tal-ispejjeż u integrazzjoni eħfef tal-kumpaniji fil-katina tal-valur u l-kummerċ, iżda wkoll jagħtu s-setgħa lill-industrija permezz tal-internazzjonalizzazzjoni;

29. Huwa tal-opinjoni li l-avvanz tas-suq uniku diġitali huwa kruċjali biex jiġi stimulat it-tkabbir, jinħolqu impjiegi ta' kwalità, tiġi promossa l-innovazzjoni meħtieġa fis-suq tal-UE, filwaqt li l-ekonomija Ewropea tinżamm kompetittiva fil-livell dinji u jingħiebu benefiċċji kemm għan-negozji kif ukoll għall-konsumaturi; jistieden lill-Istati Membri jikkooperaw bis-sħiħ fl-implimentazzjoni tas-suq uniku diġitali;

It-tisħiħ tal-governanza tas-suq uniku

30. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex ittejjeb il-governanza tas-suq uniku billi tiżviluppa sett ta' strumenti analitiċi inklużi indikaturi soċjali biex tkejjel b'mod aħjar il-prestazzjoni tiegħu fi ħdan il-qafas tal-pilastru tas-suq uniku tas-Semestru Ewropew; jemmen li tali strument analitiku jista' jipprovdi input utli għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, is-SAT, il-gwida tal-Kunsill Ewropew lill-Istati Membri, u l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali li għandhom l-għan li jimplimentaw linji gwida tas-suq uniku;

31. Jitlob li jkun hemm infurzar tal-qafas għall-governanza tas-suq uniku u li jissaħħaħ l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni u applikazzjoni korretti, fil-mument opportun u effettivi tar-regoli tas-suq uniku; jistieden lill-Istati Membri jżidu l-prestazzjoni tagħhom fl-użu tal-għodod governattivi tas-Suq Uniku u jagħmlu użu aħjar tad-data tat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku disponibbli għal kull Stat Membru kif ukoll l-evoluzzjoni tagħhom f'termini ta' prestazzjoni tal-politika;

32. Għadu tal-opinjoni li jeħtieġ li tiġi definita sistema ta' kejl integrata, li tikkombina diversi metodoloġiji bħal indikaturi komposti, sett sistematiku ta' indikaturi u strumenti settorjali, sabiex titkejjel il-prestazzjoni tas-suq uniku bil-għan li tiddaħħal fis-Semestru Ewropew; jistieden lill-Kummissjoni, bil-għan li tkejjel u tipprovdi inċentiv għall-approfondiment tas-suq uniku fl-oqsma prijoritarji ewlenin, biex tikkunsidra indikatur ewlieni u mira għal dan l-indikatur fir-rigward tal-integrazzjoni tas-suq uniku;

33. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex iddaħħal, meta jkun ġustifikat, miri kwantitattivi għat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi fil-livell Ewropew; jitlob li dawn il-miri kwantitattivi jiġu kkunsidrati fl-inizjattiva l-ġdida tal-Kummissjoni dwar it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi;

34. Jemmen li l-Istati Membri għandhom iżidu l-isforzi tagħhom biex jimmodernizzaw l-amministrazzjonijiet pubbliċi tagħhom billi jipprovdu aktar servizzi diġitali li jkunu aċċessibbli aħjar għaċ-ċittadini u għan-negozji, u biex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni transfruntiera u l-interoperabilità tal-amministrazzjonijiet pubbliċi;

35. Jistieden lill-Kummissjoni tippreċedi kull inizjattiva leġiżlattiva b'valutazzjoni tal-impatt bir-reqqa li tqis il-konsegwenzi tal-att għall-ambjent tan-negozju fl-Istati Membri kollha u biex tivvaluta bir-reqqa l-bilanċ xieraq bejn l-ispejjeż u l-objettivi tal-proġett għall-UE fit-totalità tiegħu;

36. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli b'mod rigoruż l-azzjonijiet tagħha fil-qasam ta' infurzar intelliġenti u kultura ta' konformità, sabiex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni fejn mhux kull opportunità li joffri s-suq uniku fil-prinċipju hija realtà llum il-ġurnata għax il-liġi tal-UE għadha ma ġietx implimentata u infurzata għal kollox;

37. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-mekkaniżmu ta' sorveljanza tas-suq biex tidentifika prodotti li ma jkunux sikuri u konformi u tneħħihom mis-suq uniku; jitlob, għal darb'oħra, biex il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jadotta minnufih il-Pakkett dwar is-Sikurezza tal-Prodotti u s-Sorveljanza tas-Suq;

38. Jilqa' u jantiċipa bil-ħerqa l-inizjattiva tal-Kummissjoni biex jinħoloq Portal Diġitali Uniku biex jiġu żviluppati u mtejba l-għodod u s-servizzi eżistenti, bħall-Punti ta' Kuntatt Uniku, il-Punti ta' Kuntatt għall-Prodotti, il-Punti ta' Kuntatt tal-Prodott għall-Bini, il-portal l-Ewropa Tiegħek u SOLVIT, b'mod li jkun faċli biex jintuża għall-benefiċċju kemm taċ-ċittadini kif ukoll tan-negozji;

39. Jirrikonoxxi r-rwol pożittiv tal-azzjonijiet ta' "EU Sweeps", varati mill-Kummissjoni sabiex issaħħaħ l-infurzar permezz ta' azzjonijiet ta' kontroll ikkoordinati biex jiġi identifikat ksur tal-liġi tal-konsumatur fl-ambjent onlajn;

40. Jirrikonoxxi l-importanza tal-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar u tal-inizjattiva REFIT li jiżguraw aktar koerenza fil-leġiżlazzjoni attwali u futura filwaqt li tiġi ppreservata s-sovranità regolatorja u l-ħtieġa għal sigurtà u prevedibilità regolatorja;

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

41. Jenfasizza l-importanza tal-għajnuna u l-kooperazzjoni tal-Kummissjoni mal-Istati Membri fil-qasam ta' traspożizzjoni, implimentazzjoni u applikazzjoni aħjar tal-leġiżlazzjoni tas-suq uniku; jenfasizza, f'dan il-kuntest, il-ħtieġa għal aktar azzjoni fuq livell nazzjonali, inkluż bil-għan li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u jiġi evitat li jiżdiedu aktar rekwiżiti meta jkunu qed jittrasponu d-direttivi fil-liġi nazzjonali ("gold-plating"), bħalma huma l-ostakli tat-taxxa għall-investiment transfruntier;

42. Jenfasizza li s-suq uniku għandu jkompli jaħdem għall-atturi kollha – iċ-ċittadini tal-UE u b'mod partikolari l-istudenti, il-professjonisti u l-imprendituri, speċjalment l-SMEs – fl-Istati Membri kollha, li għandhom jibqgħu fi djalogu permanenti u għandhom jimpenjaw ruħhom biex jivvalutaw x'jaħdem u x'ma jaħdimx, u b'liema mod il-politika tas-suq uniku għandha tiġi żviluppata fil-futur; jenfasizza, f'dan il-kuntest, ir-rwol tal-Forum dwar is-Suq Uniku, organizzat kull sena mill-Kummissjoni b'kooperazzjoni mas-sħab lokali bħall-awtoritajiet nazzjonali, il-partijiet ikkonċernati tas-soċjetà ċivili, is-sħab soċjali, il-kmamar tal-kummerċ u l-assoċjazzjonijiet tan-negozju;

o

o o

43. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni, lill-Kunsill, lill-Kunsill Ewropew u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

P8_TA(2017)0041

L-Unjoni Bankarja – Rapport Annwali 2016

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2017 dwar l-Unjoni Bankarja – Rapport Annwali 2016 (2016/2247(INI))

(2018/C 252/17)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni dwar Unjoni tas-Swieq Kapitali tat-30 ta' Settembru 2015 (COM(2015)0468),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Jannar 2016 dwar "Analiżi u sfidi tar-Regolament tal-UE dwar is-Servizzi Finanzjarji: l-impatt u t-triq 'il quddiem lejn qafas tal-UE aktar effiċjenti u effikaċi għal Regolamentazzjoni Finanzjarja u Unjoni tas-Swieq Kapitali" ([1]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tas-Summit taż-Żona tal-Euro tad-29 ta' Ġunju 2012, li fiha l-parteċipanti saħqu l-intenzjoni tagħhom "li (j)kissru ċ-ċirku vizzjuż bejn il-banek u l-gvernijiet" ([2]),

— wara li kkunsidra l-ewwel EU Shadow Banking Monitor (eżerċizzju ta' monitoraġġ tal-ibbankjar parallel fl-UE) tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ta' Lulju 2016,

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-2016 tal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) dwar l-Istabbiltà Finanzjarja fid-Dinja,

— wara li kkunsidra r-riżultati tat-testijiet tal-istress imwettqa mill-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE) u ppubblikati fid-29 ta' Lulju 2016,

— wara li kkunsidra r-riżultati tal-eżerċizzju ta' monitoraġġ dwar is-CRD IV – CRR / Basel III tal-ABE, ibbażat fuq id-data ta' Diċembru 2015, ippubblikati f'Settembru 2016,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill ECOFIN tas-17 ta' Ġunju 2016 dwar pjan direzzjonali biex titlesta l-Unjoni Bankarja,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Novembru 2015 bit-titolu "Lejn it-tlestija tal-Unjoni Bankarja" (COM(2015)0587),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ([3]) (ir-Regolament dwar il-MSU),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi qafas għal kooperazzjoni fi ħdan il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u ma' awtoritajiet nazzjonali nominati ([4]) (ir-Regolament Qafas dwar il-MSU),

([1]) Testi adottati, P8_TA(2016)0006.
([2]) http://www.consilium.europa.eu/mt/european-council/pdf/20120629-euro-area-summit-statement-mt_pdf
([3]) ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63.
([4]) ĠU L 141, 14.5.2014, p. 1.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-MSU dwar il-prijoritajiet superviżorji tiegħu għall-2016,

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-BĊE, ippubblikat f'Marzu 2016, dwar l-attivitajiet superviżorji 2015 ([1]),

— wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali Nru 29/2016 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku ([2]);

— wara li kkunsidra r-rapport tal-ABE ta' Lulju 2016 dwar id-dinamiċi u l-motivaturi ta' skoperturi improduttivi fis-settur bankarju tal-UE,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku dwar it-trattament regolatorju ta' skoperturi sovrani ta' Marzu 2015,

— wara li kkunsidra l-approvazzjoni mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE fl-4 ta' Ottubru 2016 dwar il-prinċipji li jżidu t-trasparenza fl-iżvilupp tar-regolamenti tal-BĊE dwar l-istatistika Ewropea u filwaqt li jitqiesu l-prattiki ta' trasparenza tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni,

— wara li kkunsidra l-konsultazzjoni li saret mill-BĊE dwar l-abbozz tagħha ta' gwida għall-banek ta' Settembru 2016 dwar is-self improduttiv,

— wara li kkunsidra l-gwida tal-BĊE dwar l-opzjonijiet u d-diskrezzjonijiet disponibbli fil-liġi tal-Unjoni,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2016/445 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-14 ta' Marzu 2016 dwar il-mod kif jiġu eżerċitati l-opzjonijiet u d-diskrezzjonijiet disponibbli fil-liġi tal-Unjoni ([3]),

— wara li kkunsidra d-diskussjonijiet li għaddejjin fil-Kumitat ta' Basel u b'mod partikolari d-dokument konsultattiv ta' Marzu 2016 bit-titolu "Reducing variation in credit risk-weighted assets – constraints on the use of internal model approaches" (It-tnaqqis tal-varjazzjoni fl-assi mwieżna għar-riskju tal-kreditu – restrizzjonijiet fuq l-użu ta' mudelli interni),

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-ABE tat-3 ta' Awwissu 2016 dwar ir-rekwiżiti tal-Proporzjon ta' Ingranaġġ skont l-Artikolu 511 tar-Regolament dwar ir-Rekwiżiti Kapitali (CRR) (EBA-Op-2016-13),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill ECOFIN tat-12 ta' Lulju 2016 dwar il-finalizzazzjoni tar-riformi ta' Basel wara l-kriżi,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' April 2016 dwar ir-rwol tal-UE fil-qafas tal-istituzzjonijiet u l-korpi internazzjonali finanzjarji, monetarji u regolatorji ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Novembru 2016 dwar il-finalizzazzjoni ta' Basel III ([5]),

— wara li kkunsidra l-ħidma li għaddejja mill-Kummissjoni dwar ir-rieżami tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 ([6]) (CRR), b'mod partikolari fir-rigward tar-rieżami tal-Pilastru 2 u t-trattament tal-opzjonijiet u d-diskrezzjonijiet fil-livell nazzjonali,

([1]) https://www.bankingsupervision.europa.eu/ecb/pub/pdf/ssmar2015.mt.pdf
([2]) "Il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku – Bidu tajjeb iżda jenħtieġ aktar titjib", http://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/SR16_29/SR_SSM_MT.pdf
([3]) ĠU L 78, 24.3.2016, p. 60.
([4]) Testi adottati, P8_TA(2016)0108.
([5]) Testi adottati, P8_TA(2016)0439.
([6]) ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1.

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) (BRRD),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 ([2]) (ir-Regolament dwar l-SRM),

— wara li kkunsidra r-rapport annwali 2015 tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB) ta' Lulju 2016,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni, mill-1 ta' Awwissu 2013, tar-regoli tal-għajnuna mill-Istat għall-appoġġ ta' miżuri favur il-banek fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja (il-Komunikazzjoni Bankarja) ([3]),

— wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1450 tat-23 ta' Mejju 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li għandhom x'jaqsmu ma' metodoloġija għall-iffissar tar-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli ([4]),

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kummissjoni tat-28 ta' Lulju 2016 dwar valutazzjoni tar-regoli ta' remunerazzjoni skont id-Direttiva 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 575/2013 (COM(2016)0510,

— wara li kkunsidra d-dokument dwar il-kundizzjonijiet (term sheet) tal-kapaċità totali ta' assorbiment tat-telf maħruġ mill-Bord għall-Istabilità Finanzjarja (FSB) f'Novembru 2015,

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali (BĦI) Nru 558 ta' April 2016 dwar "Why bank capital matters for monetary policy" (Għaliex il-kapital bankarju huwa importanti għall-politika monetarja),

— wara li kkunsidra r-rapport interim tal-ABE tad-19 ta' Lulju 2016 dwar l-implimentazzjoni u t-tfassil tal-qafas MREL,

— wara li kkunsidra r-rapport analitiku supplimentari tal-Kummissjoni ta' Ottubru 2016 dwar l-effetti tal-proposta għal Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti (EDIS),

— wara li kkunsidra r-rapport finali tal-ABE tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar l-implimentazzjoni u t-tfassil tal-qafas MREL,

— wara li kkunsidra l-Ftehim dwar it-trasferiment u l-mutwalizzazzjoni tal-kontribuzzjonijiet għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Memorandum ta' Qbil tat-22 ta' Diċembru 2015 bejn il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni u l-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward tal-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2014/49/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar skemi ta' garanzija tad-depożiti ([5]) (id-DGSD),

([1]) ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190.
([2]) ĠU L 225, 30.7.2014, p. 1.
([3]) ĠU C 216, 30.7.2013, p. 1.
([4]) ĠU L 237, 3.9.2016, p. 1.
([5]) ĠU L 173, 12.6.2014, p. 149.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-24 ta' Novembru 2015 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 806/2014 sabiex tiġi stabbilita Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti (COM(2015)0586),

— wara li kkunsidra d-diversi linji gwida tal-ABE maħruġa fil-qafas tad-Direttiva dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti, b'mod partikolari r-rapporti finali dwar il-linji gwida fir-rigward ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni bejn l-iskemi ta' garanzija tad-depożiti ta' Frar 2016 u dwar il-linji gwida fir-rigward tat-testijiet tal-istress tal-iskemi ta' garanzija tad-depożiti ta' Mejju 2016,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Grupp tal-Euro u l-Ministri tal-ECOFIN tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar il-garanzija ta' kontinġenza tal-SRM,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2015 dwar l-Unjoni Bankarja u l-arranġamenti ta' finanzjament tranżitorju għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni,

— wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti Nazzjonali fl-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A8-0019/2017),

A. billi t-twaqqif tal-Unjoni Bankarja (UB) huwa komponent indispensabbli ta' unjoni monetarja u sies fundamentali fil-bini ta' Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM) ġenwina; billi huma meħtieġa aktar sforzi peress li l-Unjoni Bankarja tibqa' mhux kompluta sakemm din ma jkollhiex garanzija ta' kontinġenza fiskali u tielet pilastru, billi dan huwa approċċ Ewropew għall-assigurazzjoni/riassigurazzjoni tad-depożiti, li bħalissa qed jiġi diskuss fil-livell tal-kumitat; billi Unjoni Bankarja kompluta se tkun kontribut importanti biex jitkisser in-nexus tar-riskju sovran;

B. billi l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) jista' f'okkażjonijiet speċifiċi jsofri minn kunflitt ta' interess minħabba r-responsabbiltà doppja tiegħu kemm bħala awtorità politika monetarja kif ukoll bħala superviżur bankarju;

C. billi l-proporzjonijiet kapitali u tal-likwidità tal-banek fl-UE b'mod ġenerali tjiebu b'mod kostanti f'dawn l-aħħar snin; billi, madankollu, għad hemm riskji għall-istabbiltà finanzjarja; billi s-sitwazzjoni attwali titlob kawtela fl-introduzzjoni ta' bidliet regolatorji estensivi, b'mod partikolari fir-rigward tal-ambjent finanzjarju tal-ekonomija reali;

D. billi tindif xieraq tal-karti bilanċjali tal-bank wara l-kriżi ġie mdewwem, u dan ikompli jxekkel it-tkabbir ekonomiku;

E. billi mhuwiex ir-rwol tal-istituzzjonijiet Ewropej li jiżguraw il-profittabbiltà tas-settur bankarju;

F. billi l-għan tar-reġim ta' riżoluzzjoni l-ġdid li daħal fis-seħħ f'Jannar 2016 huwa sabiex ikun hemm bidla paradigmatika minn salvataġġ finanzjarju għal rikapitalizzazzjoni interna; billi l-parteċipanti fis-suq għad jeħtiġilhom jadattaw ruħhom għas-sistema l-ġdida;

G. billi l-parteċipazzjoni fl-Unjoni Bankarja hija miftuħa għall-Istati Membri li għadhom ma adottawx l-euro;

H. billi l-Istati Membri kollha li adottaw l-euro jiffurmaw l-Unjoni Bankarja; billi l-euro hija l-munita tal-Unjoni Ewropea; billi l-Istati Membri kollha, bl-eċċezzjoni ta' dawk li għandhom deroga, ħadu l-impenn li jissieħbu fl-euro u għalhekk li jissieħbu fl-Unjoni Bankarja;

I. billi t-trasparenza u r-responsabbiltà tal-Kummissjoni fil-konfront tal-Parlament Ewropew huma prinċipji ewlenin; billi dan jimplika segwitu xieraq tar-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament mill-Kummissjoni u valutazzjoni u monitoraġġ xieraq ta' dan is-segwitu mill-Parlament;

J. billi x-xogħol tagħna fuq l-Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU) ma għandux inaqqas il-pressjoni għat-tlestija tax-xogħol tagħna fuq l-Unjoni Bankarja, li tibqa' prerekwiżit għall-istabbiltà finanzjarja fil-pajsaġġ dipendenti fuq il-banek tal-Unjoni Ewropea;

K. Billi data riċenti turi li l-valur stmat ta' kull self improduttiv fiż-żona tal-euro huwa ta' EUR 1 132 biljun ([1]);

Is-superviżjoni

1. Jinsab imħasseb dwar il-livell għoli ta' self improduttiv, billi, skont id-data tal-BĊE, sa April 2016 il-banek fiż-żona tal-euro kellhom EUR 1 014 biljun f'self ta' dan it-tip; iqis li t-tnaqqis ta' dan il-livell huwa kruċjali; jilqa' l-isforzi li diġà qed isiru biex jitnaqqas il-livell ta' self improduttiv f'xi Stati Membri; jinnota, madankollu, li sa issa, il-kwistjoni kienet l-aktar indirizzata fil-livell nazzjonali; iqis li hemm bżonn li l-problema tiġi solvuta mill-aktar fis possibbli, iżda jirrikonoxxi li soluzzjoni definittiva se tieħu ż-żmien; iqis li kwalunkwe soluzzjoni ssuġġerita għandha tqis is-sors ta' self improduttiv, l-impatt fuq il-kapaċità tas-self tal-banek lill-ekonomija reali, u l-bżonn għall-iżvilupp ta' suq primarju u sekondarju ta' self improduttiv, possibbilment fil-forma ta' titolizzazzjoni sigura u trasparenti, li tinvolvi kemm il-livell tal-Unjoni kif ukoll dak nazzjonali; jirrakkomanda li l-Kummissjoni tassisti lill-Istati Membri, fost affarijiet oħra, fl-istabbiliment ta' kumpaniji speċifiċi ddedikati għall-ġestjoni tal-assi (jew "banek ħżiena") u superviżjoni msaħħa; itenni f'dan il-kuntest, l-importanza tal-kapaċità li jbiegħu self improduttiv sabiex jiġi lliberat il-kapital, li huwa partikolarment importanti għas-self bankarju lill-SMEs; jilqa' b'sodisfazzjon il-konsultazzjoni tal-BĊE dwar abbozz ta' gwida lill-banek fuq self improduttiv bħala l-ewwel pass, iżda jemmen li jrid isir aktar progress sostanzjali; jinnota l-proposta tal-Kummissjoni dwar l-insolvenza u r-ristrutturar, inkluż ir-ristrutturar kmieni u t-tieni opportunità, fil-qafas tas-CMU; jistieden lill-Istati Membri, sakemm tiġi adottata u sabiex tiġi kkomplementata, biex ittejjeb il-leġiżlazzjoni rilevanti tagħhom, speċjalment fir-rigward tat-tul tal-proċeduri ta' rkupru, il-funzjonament tas-sistemi ġudizzjarji, u b'mod iktar ġenerali, il-qafas legali tagħhom rigward ir-ristrutturar ta' dejn, u biex jiġu implimentati riformi strutturali sostenibbli mmirati lejn l-irkupru ekonomiku sabiex jiġi indirizzat is-self improduttiv; jinnota li, skont il-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali, xi banek fiż-żona euro dgħajfu l-bażijiet kapitali tagħhom, billi jħallsu dividendi sostanzjali li xi drabi jaqbeż il-livell ta' qligħ imfaddal, matul is-snin tal-kriżi; iqis li l-pożizzjoni kapitali tal-banek tista' tissaħħaħ billi jitnaqqsu l-ħlasijiet ta' dividendi u tiżdied l-ekwità l-ġdida;

2. Iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha li għadhom ma adottawx l-euro biex jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jagħmlu dan, jew jissieħbu mal-UB, sabiex b'mod progressiv jallinjaw l-UB mas-suq intern kollu;

3. Jinsab imħasseb dwar l-instabbiltà persistenti tal-pajsaġġ bankarju fl-Ewropa, kif enfasizzat inter alia fir-Rapport dwar l-Istabbiltà Finanzjarja fid-Dinja tal-FMI tal-2016 li jiddikjara li l-Ewropa anki taħt irkupru ċikliku, xorta jkollha proporzjon għoli ta' banek dgħajfa u bi sfidi; jinnota l-profittabbiltà baxxa ta' numru ta' istituzzjonijiet fiż-żona tal-euro; jirrimarka li spjegazzjonijiet għal din is-sitwazzjoni jinkludu, fost l-oħrajn, l-istokk ta' self improduttiv, l-ambjent ta' rata ta' imgħax, u kwistjonijiet possibbli min-naħa tad-domanda; jappoġġa s-sejħa li saret mill-FMI għal bidliet fundamentali kemm fil-mudelli kummerċjali tal-bank u anki fl-istruttura tas-sistema biex tiġi żgurata sistema bankarja Ewropea b'saħħitha;

4. Iqis li hemm riskji assoċjati mad-dejn sovran; jinnota wkoll li f'ċerti Stati Membri, l-istituzzjonijiet finanzjarji investew wisq f'bonds maħruġa mill-Gvern tagħhom stess, li jwasslu għal żieda eċċessiva f'"home bias", filwaqt li wieħed mill-objettivi prinċipali tal-UB huwa li titkisser in-nexus tar-riskju sovran tal-bank; jinnota li trattament prudenzjali xieraq tad-dejn sovran jista' joħloq inċentivi għall-banek biex jimmaniġġaw aħjar l-iskoperturi sovrani tagħhom; jinnota, madankollu, li l-bonds tal-gvern għandhom rwol essenzjali bħala sors ta' kollateral likwidu ta' kwalità għolja, u fit-twettiq tal-politika monetarja, u li l-modifika tat-trattament prudenzjali tagħhom, speċjalment jekk ma huwiex previst approċċ ta' introduzzjoni gradwali, jista' jkollha effett sinifikanti kemm fuq is-settur finanzjarju kif ukoll fuq is-settur pubbliku, u li dan jeħtieġ li jiġu kkunsidrati b'attenzjoni l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' reviżjoni tal-qafas attwali qabel ma ssir kwalunkwe proposta; jinnota d-diversi għażliet ta' politika stipulati fir-rapport tal-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli dwar it-trattament

([1]) Il-Ħames Rapport tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir indipendenti tal-2017, tat-23 ta' Novembru 2016.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

prudenzjali ta' skoperturi sovrani diskussi fil-laqgħa informali tal-ECOFIN tat-22 ta' April 2016; iqis li l-qafas regolatorju tal-UE jenħtieġ li jkun konsistenti mal-istandard internazzjonali; jistenna, għaldaqstant b'interess kbir ir-riżultati tal-ħidma tal-FSB dwar id-dejn sovran sabiex jiggwida d-deċiżjonijiet futuri; iqis li l-qafas Ewropew jenħtieġ li jippermetti d-dixxiplina fis-suq sabiex jitwasslu politiki sostenibbli u jiġu pprovduti assi likwidi u ta' kwalità għolja għas-settur finanzjarju u obbligazzjonijiet siguri għall-gvernijiet; jenfasizza li, b'mod parallel mar-riflessjonijiet fuq id-dejn sovran, għandha sseħħ riflessjoni fuq il-konverġenza fuq firxa usa' ta' kwistjonijiet ekonomiċi, dwar regoli tal-għajnuna mill-Istat u fuq riskji bħall-kondotta ħażina, inkluża l-kriminalità finanzjarja;

5. Iqis li huwa essenzjali għad-depożitanti, investituri u superviżuri biex jindirizzaw il-varjabbiltà eċċessiva fil-piżijiet ta' riskju applikati għal assi mwieżna għar-riskju tal-istess klassi fl-istituzzjonijiet; ifakkar li r-regoli attwali li jirregolaw l-użu tal-mudelli interni jipprovdu livell sinifikanti ta' flessibbiltà għall-banek u jżidu saff ta' riskju ta' mmudellar mill-perspettiva superviżorja; jilqa' f'dan ir-rigward il-ħidma mwettqa mill-ABE biex jiġu armonizzati preżunzjonijiet u parametri ewlenin, li d-diverġenza tagħhom ġiet identifikata bħala wieħed mill-muturi ewlenin tal-varjabilità, kif ukoll il-ħidma li saret fis-superviżjoni bankarja tal-BĊE fi ħdan ir-Reviżjoni Immirata ta' Mudelli Interni (TRIM) tal-BĊE, sabiex tiġi vvalutata u kkonfermata l-adegwatezza u x-xerqien ta' mudelli interni; jinkoraġġixxi aktar progress fuq dawn il-linji ta' ħidma; jistenna l-eżitu tal-ħidma li saret fil-livell internazzjonali sabiex jiġi standardizzat l-użu ta' mudelli interni f'każ ta' riskju operattiv u self lill-korporattivi, istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn, banek speċjalizzati tal-finanzi u l-ekwitajiet, sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid il-kredibbiltà ta' mudelli interni u li jiżguraw li dawn jiffukaw fuq l-oqsma fejn huma jagħtu valur miżjud; jilqa' wkoll l-introduzzjoni ta' proporzjon ta' ingranaġġ biex taġixxi bħala garanzija b'saħħitha, b'mod partikolari għal istituzzjonijiet globali sistemikament importanti (G-SIIs); jenfasizza l-bżonn ta' approċċ standard aktar sensittiv għar-riskji sabiex jiġi żgurat il-prinċipju tar-rispett tal-"istess riskji, l-istess regoli"; jistieden lis-superviżuri finanzjarji biex jippermettu mudelli interni ġodda fil-każ biss jekk dawn ma jwasslux għal piżijiet tar-riskju sinifikatament aktar baxxi mhux ġustifikati; itenni l-konklużjonijiet tar-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Novembru 2016 dwar il-finalizzazzjoni ta' Basel III; madankollu jfakkar li l-bidliet regolatorji ppjanati m'għandhomx jirriżultaw f'żidiet ġenerali fir-rekwiżiti kapitali, jew jippreġudikaw il-kapaċità tal-banek li jiffinanzjaw l-ekonomija reali, b'mod partikolari l-SMEs; jenfasizza li l-ħidma internazzjonali għandha tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità; ifakkar fl-importanza li ma jiġix ippenalizzat b'mod mhux xieraq il-mudell bankarju tal-UE u li tiġi evitata diskriminazzjoni bejn produtturi tal-UE u l-banek internazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li jiġu kkunsidrati l-ispeċifitajiet Ewropej meta jkunu qed jiġu żviluppati standards internazzjonali ġodda f'dan il-qasam, u biex jiġi debitament ikkunsidrat il-prinċipju tal-proporzjonalità u l-eżistenza ta' mudelli bankarji differenti meta jiġi vvalutat l-impatt ta' leġiżlazzjoni futura li timplimenta standards miftiehma internazzjonalment;

6. Jenfasizza li aċċess affidabbli għall-finanzi u l-allokazzjoni tajba tal-kapital fil-mudell ta' finanzjament ibbażat fuq il-banek tal-Ewropa jiddependi ħafna fuq karti bilanċjali robusti u kapitalizzazzjoni xierqa, li r-restawr tagħhom wara l-kriżi finanzjarja ma ġiex u mhuwiex assigurat b'mod uniformi madwar l-Unjoni, u b'ħekk ixekkel it-tkabbir ekonomiku;

7. Jenfasizza li s-settur bankarju Ewropew għandu rwol ewlieni fil-finanzjament tal-ekonomija Ewropea u li dan huwa appoġġjat minn sistema ta' superviżjoni b'saħħitha; jilqa' għalhekk l-intenzjoni tal-Kummissjoni li żżomm il-Fattur ta' Sostenn lill-SMEs fir-reviżjoni li jmiss tas-CRD/CRR u li testendih lil hinn mil-livell limitu attwali tiegħu;

8. Jirrimarka li l-gwida pprovduta minn fora internazzjonali għandha tiġi segwita kemm jista' jkun sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' frammentazzjoni regolatorja fejn jidħlu r-regolamentazzjoni u s-superviżjoni ta' banek kbar u attivi f'livell internazzjonali, mingħajr ma dan jipprevjeni approċċ kritiku meta jkun meħtieġ jew jipprekludu devjazzjonijiet mmirati minn standards internazzjonali meta u fejn il-karatteristiċi tas-sistema Ewropea mhumiex ikkunsidrati biżżejjed; ifakkar fil-konklużjonijiet tar-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' April 2016 dwar ir-rwol tal-UE fil-qafas tal-istituzzjonijiet u l-korpi internazzjonali finanzjarji, monetarji u regolatorji; jenfasizza, b'mod partikolari, l-importanza tar-rwol tal-Kummissjoni, il-BĊE u l-ABE f'termini ta' involviment fil-ħidma tal-BCBS u għoti lill-Parlament u lill-Kunsill b'aġġornamenti trasparenti u komprensivi dwar l-istat attwali tad-diskussjonijiet tal-BCBS; iqis li l-UE jenħtieġ li taħdem biex ikollha rappreżentazzjoni

xierqa fil-BCBS, b'mod partikolari għaż-żona tal-euro; jitlob li jkun hemm iktar viżibilità ta' dan ir-rwol matul il-laqgħat tal-ECOFIN, kif ukoll responsabbiltà msaħħa lill-Kumitat tal-Parlament għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji; jenfasizza li l-BCBS u fora oħra għandhom jgħinu jippromwovu kundizzjonijiet ekwi fil-livell globali billi jtaffu – aktar milli jkabbru – id-differenzi bejn il-ġurisdizzjonijiet;

9. Jindika r-riskji, inklużi r-riskji sistemiċi ta' settur bankarju parallel li qed jikber malajr kif muri fl-EU Shadow Banking Monitor (eżerċizzju ta' monitoraġġ tal-ibbankjar parallel fl-UE) tal-2016; jinsisti li kwalunkwe azzjoni dwar ir-regolamentazzjoni tas-settur bankarju trid tiġi akkumpanjata minn regolamentazzjoni xierqa tas-settur bankarju parallel; jitlob, għalhekk, azzjoni kkoordinata sabiex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta u stabbiltà finanzjarja;

10. Jenfasizza l-ħtieġa ta' stampa komprensiva tal-impatt kumulattiv tal-bidliet differenti fl-ambjent regolatorju, kemm jekk jikkonċernaw is-superviżjoni, l-assorbiment tat-telf, ir-riżoluzzjoni kif ukoll l-istandards kontabilistiċi;

11. Jenfasizza li l-opzjonijiet u d-diskrezzjonijiet nazzjonali jistgħu jxekklu l-ħolqien ta' kundizzjonijiet ekwi bejn l-Istati Membri u l-komparabbiltà tar-rapportaġġ finanzjarju mill-banek lill-pubbliku; jilqa' b'sodisfazzjon l-opportunità offruta mill-emenda ġdida li ġiet proposta lis-CRR sabiex jagħlaq jew jirrestrinġi l-użu ta' xi whud minnhom fil-livell tal-Unjoni sabiex jiġu indirizzati ostakli eżistenti u s-segmentazzjoni, u biex iżżomm dawk biss li huma strettament neċessarji minħabba d-diversità tal-mudelli bankarji; iħeġġeġ li din l-opportunità tiġi sfruttata bis-sħiħ; jilqa' b'sodisfazzjon il-gwida u r-regolament tal-BĊE li jarmonizzaw l-eżerċizzju ta' xi opzjonijiet nazzjonali u diskrezzjonijiet fi ħdan il-UB; ifakkar, madankollu, li meta jkun qed jaħdem fuq it-tnaqqis tal-opzjonijiet u d-diskrezzjonijiet, il-BĊE għandu jibqa' fi ħdan il-limiti tal-mandat tiegħu; jenfasizza li l-ħidma lejn l-approfondiment tal-ġabra unika tar-regoli hija kruċjali u jenfasizza l-ħtieġa li jiġi integrat it-trikkib u rbit flimkien attwali ta' leġiżlazzjoni eżistenti, emendata u ġdida; jistieden lill-BĊE biex jippubblika b'mod sħiħ il-Manwal ta' Superviżjoni li jistabbilixxi l-proċessi, il-proċeduri u l-metodi komuni għat-twettiq ta' proċess ta' rieżami superviżorju fiż-żona tal-euro kollha;

12. Jenfasizza li kien hemm fenomenu tat-tagħlim naturali għall-membri kollha tal-Bord Superviżorju sa mill-ħolqien tal-MSU li jittratta varjetà ta' mudelli ta' negozju differenti u entitajiet ta' daqsijiet differenti, u li dan jeħtieġ li jiġu appoġġjati u aċċelerati;

13. Jinnota l-kjarifiki fir-rigward tal-objettivi tal-Pilastru 2 u postu fil-ġerarkija tar-rekwiżiti kapitali proposti fl-emendi għad-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRD); jinnota li l-użu tal-gwida dwar il-kapital jingħad li jsib bilanċ bejn it-tħassib dwar l-istabbiltà finanzjarja u l-bżonn li jitħalla lok għal ġudizzju superviżorju u analiżi ta' każ b'każ; iħeġġeġ lill-BĊE biex jiċċara l-kriterji li jenfasizzaw il-gwida tal-Pilastru 2; ifakkar li din il-gwida ma tillimitax l-Ammont Massimu Distribwibbli (AMD), u għalhekk jenħtieġ li ma tiġix divulgata; jemmen li l-użu ta' gwida dwar il-kapital m'għandux jirriżulta fi tnaqqis li jista' jintwera tar-rekwiżiti tal-Pilastru 2; iqis li hija meħtieġa aktar konverġenza superviżorja għall-kompożizzjoni tal-fondi proprji biex jiġu koperti r-rekwiżiti u l-gwida tal-Pilastru 2; huwa sodisfatt, għalhekk, li din il-kwistjoni hija indirizzata fl-emenda proposta għas-CRD;

14. Jenfasizza r-riskji li jirriżultaw mill-parteċipazzjoni f'assi tal-livell 3 inklużi d-derivattivi, u b'mod partikolari mid-diffikultà tal-valutazzjoni tagħhom; jinnota li dawn ir-riskji għandhom jiġu mnaqqsa u li dan jeżiġi tnaqqis progressiv ta' dawn l-assi; jistieden lill-MSU biex jagħmel din il-kwistjoni waħda mill-prijoritajiet superviżorji tiegħu u biex jorganizza fuqha, flimkien mal-ABE, test tal-istress kwantitattiv;

15. Itenni l-bżonn li tiġi żgurata trasparenza ogħla fuq is-sett sħiħ ta' prattiki superviżorji, b'mod partikolari fiċ-ċiklu SREP; jitlob lil-BĊE biex jippubblika indikaturi u metriċi tal-prestazzjoni sabiex tintwera l-effettività superviżorja u titjieb ir-responsabbiltà esterna tiegħu; itenni t-talba tiegħu għal aktar trasparenza fir-rigward tad-deċiżjonijiet u l-ġustifikazzjonijiet tal-Pilastru 2; jistieden lill-BĊE biex jippubblika Standards Superviżorji Konġunti;

16. Jinnota r-riskji li jirriżultaw mill-istituzzjonijiet finanzjarji li huma "kbar wisq biex ifallu", interkonnessi wisq biex ifallu u kumplessi wisq biex jiġu riżolti; jinnota li ġie maqbul sett ta' miżuri ta' politika mfassla fil-livell internazzjonali biex jiġu indirizzati dawn ir-riskji (b'mod partikolari t-TLAC, ikklirjar ċentrali tad-derivattivi, u żieda fil-proporzjon tal-kapital u tal-ingranaġġ għal banek globalment sistemiċi); huwa impenjat li jaħdem malajr fuq il-proposti leġiżlattivi korrispendenti għall-implimentazzjoni tagħhom fl-Unjoni, u b'hekk jitnaqqsu aktar ir-riskji li jirriżultaw mill-kwistjoni "kbar wisq biex ifallu"; ifakkar fil-kliem ta' Mark Carney, President tal-FSB, li l-ftehim dwar il-proposti għal standard internazzjonali komuni dwar il-kapaċità tal-assorbiment tat-telf totali għall-G-SIBs huwa kruċjali sabiex jintemmu l-banek li huma kbar wisq biex

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

ifallu; jinnota wkoll li mekkaniżmu ta' rikapitalizzazzjoni interna effettiv u l-applikazzjoni ta' livell xieraq ta' MREL huma parti importanti mill-miżuri regolatorji biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni u biex jippermettu li l-banek globalment sistemiċi jiġu riżolti mingħajr użu ta' sussidju pubbliku u mingħajr tfixkil għas-sistema finanzjarja usa';

17. Jenfasizza l-limitazzjonijiet tal-metodoloġija tat-test tal-istress attwali; jilqa', għalhekk, l-isforzi tal-ABE u tal-BĊE biex jiġi segwit it-titjib fil-qafas tal-ittestjar tal-istress; jemmen, madankollu, li jenħtieġ li jsir aktar biex tiġi riflessa aħjar il-possibbiltà u r-realtà ta' sitwazzjonijiet reali ta' kriżi billi, inter alia, jiġu inkorporati aħjar l-elementi dinamiċi bħall-effetti ta' kontaġju fil-metodoloġija; iqis li n-nuqqas ta' trasparenza li tikkaratterizza t-testijiet ta' stress proprji tal-BĊE jimplika inċertezza fil-prattiki superviżorji; jistieden lill-BĊE jippubblika r-riżultati tal-eżerċizzju tat-test tal-istress tiegħu biex irawwem il-fiduċja tas-suq;

18. Iqis li meta Awtorità kompetenti nazzjonali tirrifjuta t-talba biex tqis ċirkostanzi speċifiċi fl-eżerċizzju tat-test tal-istress, dan jenħtieġ li jiġi kkomunikat lill-ABE u lill-MSU biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi;

19. Jilqa' l-progress li sar fil-preparazzjoni biex ikun hemm delegazzjoni fil-qasam tad-deċiżjonijiet adatti u xierqa; madankollu jirrimarka li hemm bżonn ta' bidla fir-regolamenti biex tiġi permessa aktar delegazzjoni u delegazzjoni aktar faċli tat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar ċerti kwistjonijiet ta' rutina mingħand il-Bord Superviżorju għal għand l-uffiċjali rilevanti; jilqa' bidla bħal din li tikkontribwixxi biex is-superviżjoni bankarja tal-BĊE tkun aktar effiċjenti u effettiva; jistieden lill-BĊE biex jispeċifika l-kompiti u l-qafas legali għad-delegazzjoni tat-teħid tad-deċiżjonijiet;

20. Jieħu nota tar-rapport tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar il-funzjonament tal-MSU; jieħu nota tas-sejbiet dwar il-livell insuffiċjenti ta' persunal; jistieden lill-Awtoritajiet kompetenti nazzjonali u lill-Istati Membri biex jipprovdu bis-sħiħ lill-BĊE r-riżorsi umani neċessarji u data ekonomika li tippermettilha tagħmel ix-xogħol tagħha, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam ma' spezzjonijiet fuq il-post; jistieden lill-BĊE biex jemenda r-Regolament Qafas tal-MSU sabiex jiġu fformalizzati impenji min-naħa tal-Awtoritajiet kompetenti nazzjonali u biex tiġi implimentata metodoloġija bbażata fuq ir-riskju biex jiġi ddeterminat l-għadd immirat ta' persunal u l-kompożizzjoni ta' ħiliet għal Timijiet Superviżorji Konġunti; huwa tal-fehma li aktar involviment ta' persunal tal-BĊE u inqas dipendenza fuq persunal minn Awtoritajiet kompetenti nazzjonali jtejbu l-indipendenza tas-superviżjoni, flimkien mal-użu ta' persunal minn l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru wieħed biex tiġi ssorveljata istituzzjoni minn Stat Membru ieħor, li jikkontribwixxi wkoll biex jindirizza b'mod effettiv ir-riskju ta' tolleranza superviżorja; jilqa' l-kooperazzjoni tal-BĊE mal-Parlament Ewropew fuq il-kundizzjonijiet tal-ħidma tal-persunal; jistieden lill-BĊE biex jippromwovi ambjent tax-xogħol tajjeb li jrawwem il-koeżjoni professjonali fi ħdanu; ifakkar il-kunflitt potenzjali ta' interess bejn il-kompiti ta' superviżjoni u r-responsabbiltà għall-politika monetarja, u l-ħtieġa għal separazzjoni ċara bejn iż-żewġ settijiet ta' data; jistieden lill-BĊE jwettaq analiżi ta' riskju fuq il-kunflitti ta' interess possibbli u jipprevedi linji ta' rapportar separati fejn huma kkonċernati riżorsi superviżorji speċifiċi; jemmen li, filwaqt li s-separazzjoni tal-politika monetarja u superviżorja hija prinċipju ċentrali, din jenħtieġ li ma tipprekludix li jkun hemm iffrankar tal-ispejjeż permezz tal-qsim tas-servizzi, dment li dawn is-servizzi ma jkunux kritiċi f'termini ta' tfassil tal-politika u jkunu stabbiliti garanziji xierqa; jistieden lill-BĊE biex iżomm konsultazzjonijiet pubbliċi meta jkunu qed jitfasslu miżuri kważi leġiżlattivi sabiex tiżdied l-akkontabilità tiegħu;

21. Jenfasizza li l-ħolqien tal-MSU kien akkumpanjat minn żieda ta' influwenza għall-Unjoni Ewropa fuq l-istadju internazzjonali meta mqabbel mas-sitwazzjoni li kienet diġà eżistenti;

22. Jenfasizza li s-separazzjoni tal-kompiti superviżorji mill-funzjonijiet tal-politika moneratarja jenħtieġ li tippermetti lill-MSU biex jieħu pożizzjoni indipendenti fuq il-kwistjonijiet kollha rilevanti, inkluż fuq l-effetti potenzjali tal-miri tar-rata tal-imgħax tal-BĊE fuq il-pożizzjoni finanzjarja tal-banek taħt superviżjoni;

23. Jaqbel mal-fehma tal-QEA li mill-bidu tat-twaqqif tal-MSU ħareġ distakk fl-awditjar; huwa kkonċernat li minħabba l-limitazzjonijiet imposti mill-BĊE fuq l-aċċess tal-QEA għad-dokumenti, l-oqsma importanti mhux qed jiġu awditjati; iħeġġeġ lill-BĊE biex jikkoopera bis-sħiħ mal-QEA biex tkun tista' teżerċita l-mandat tagħha u b'hekk tittejjeb l-akkontabbiltà;

24. Ifakkar fil-ħtieġa li, fir-regolamentazzjoni kif ukoll fl-eżerċizzju tas-superviżjoni, jintlaħaq bilanċ bejn il-bżonn ta' proporzjonalità u l-bżonn ta' approċċ konsistenti; jinnota, f'dan ir-rigward, il-bidliet proposti rigward l-obbligi ta' rapportar u remunerazzjoni fil-proposta tal-Kummissjoni li temenda d-Direttiva 2013/36/UE; jistieden lill-Kummissjoni biex tipprijoritizza l-ħidma fuq "kaxxa bankarja żgħira" u biex testendiha għal valutazzjoni tal-fattibbiltà ta' qafas regolatorju futur li jikkonsisti minn regoli prudenzjali inqas kumplessi u aktar xierqa u proporzjonali speċifiċi għal tipi differenti ta' mudell bankarju; jirrimarka li l-banek kollha jenħtieġ li jkunu soġġetti għal livell xieraq ta' superviżjoni; ifakkar li superviżjoni xierqa hija essenzjali biex jiġu ssorveljati r-riskji irrispettivament mid-daqs tal-banek; jirrispetta d-diviżjoni tar-rwoli u l-kompetenzi bejn l-SRB, l-ABE u awtoritajiet oħrajn fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja, filwaqt li jenfasizza l-importanza ta' kooperazzjoni effettiva; jara l-bżonn li tingħeleb il-proliferazzjoni ta' obbligi ta' rapportar u interpretazzjonijiet nazzjonali li jikkoinċidu ta' liġijiet Ewropej f'suq komuni; jappoġġa l-isforzi għal simplifikazzjoni li saru s'issa, bħall-idea wara l-Qafas Ewropew ta' Rapportar (ERF), u jinkoraġġixxi aktar sforzi f'din id-direzzjoni sabiex jiġi evitat rapportar doppju u spejjeż addizzjonali mhux meħtieġa tar-regolamentazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni biex tindirizza din il-kwistjoni fi żmien debitu, f'konformità mal-konklużjonijiet tiegħu mis-sejħa għal evidenza, pereżempju permezz ta' proposta għal proċedura ta' rapportar superviżorju unitarja u kkonsolidata komuni; jitlob ukoll li jkun hemm tħabbira fil-ħin ta' obbligi ta' rapportar ad hoc u permanenti sabiex jiġu żgurati kwalità għolja ta' data u sigurtà tal-ippjanar;

25. Jenfasizza li s-sigurtà u s-soliditá ta' bank ma jistgħux jiġu koperti minn valutazzjoni abbażi ta' punt fiż-żmien tal-karta bilanċjali tiegħu biss, peress li dawn jiġu żgurati permezz ta' interazzjonijiet dinamiċi bejn il-bank u s-swieq, u huma affettwati minn diversi elementi fl-ekonomija kollha kemm hi; jenfasizza għalhekk li qafas sod għall-istabbiltà u t-tkabbir finanzjarju jenħtieġ li jkun komprensiv u bilanċjat sabiex ikopri prattiki superviżorji dinamiċi u ma jiffukax biss fuq regolamentazzjoni statika li tirrigwarda, fil-biċċa l-kbira, aspetti kwantitattivi;

26. Jiġbed l-attenzjoni għad-diviżjoni tar-responsabbiltajiet bejn il-BĊE u l-ABE; jenfasizza li l-BĊE ma jenħtieġx li jsir entità de facto li tfassal l-istandards għall-banek li mhumiex MSU;

27. Jinnota li, fit-18 ta' Mejju 2016, il-Kunsill tal-BĊE adotta r-Regolament dwar il-ġbir ta' kreditu granulari u ta' data dwar ir-riskju tal-kreditu (AnaCredit); jistieden lill-BĊE jippermetti lill-banek ċentrali nazzjonali kemm jistgħu flessibbiltà meta jimplimentaw l-AnaCredit;

28. Jistieden lill-BĊE biex ma jibdiex ħidma fuq kwalunkwe stadju ulterjuri ieħor f'konnessjoni mal-AnaCredit sakemm ma sseħħx konsultazzjoni pubblika, b'involviment sħiħ tal-Parlament Ewropew u jitqies b'mod partikolari l-prinċipju ta' proporzjonalità;

29. Itenni l-importanza ta' sistemi tal-IT b'saħħithom u li jiffunzjonaw tajjeb li jikkorrispondu għall-ħtiġijiet tal-funzjonijiet superviżorji tal-MSU u t-tħassib dwar is-sigurtà; jiddispjaċih dwar rapporti reċenti ta' dgħufijiet persistenti fis-sistema tal-IT;

30. Jilqa' l-istabbiliment ta' Bordijiet Nazzjonali tar-Riskju Sistemiku, iżda jenfasizza li l-istabbiliment tal-Unjoni Bankarja jsaħħaħ il-bżonn li jissaħħu l-politika makroprudenzjali fil-livell Ewropew sabiex jiġu indirizzati b'mod xieraq l-effetti sekondarji transfruntiera potenzjali ta' riskju sistemiku; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tipproponi superviżjoni makroprudenzjali effettiva fir-rieżami ġenerali tagħha tal-qafas makroprudenzjali fl-2017; jistieden lill-Kummissjoni tkun speċjalment ambizzjuża sabiex issaħħaħ il-kapaċità istituzzjonali u analitika tal-BERS biex jivvaluta r-riskji u l-vulnerabbiltajiet fis-settur bankarju u lil hinn minnu biex jintervjeni kif xieraq; iqis li strumenti bbażati fuq is-self (bħal LTVs u DSTIs) jenħtieġ li jiġu integrati fil-leġiżlazzjoni Ewropea sabiex tiġi żgurata l-armonizzazzjoni fl-użu ta' dawn it-tipi addizzjonali ta' strumenti makroprudenzjali; jenfasizza l-ħtieġa li titnaqqas il-kumplessità istituzzjonali u l-proċess twil fl-interazzjoni bejn il-BERS, il-BĊE/MSU u l-awtoritajiet nazzjonali, u bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u maħtura, fil-qasam tas-superviżjoni makroprudenzjali; jilqa', f'dan ir-rigward, il-progress li diġà sar fil-koordinazzjoni transfruntiera permezz tar-rakkomandazzjoni tal-BERS dwar reċiproċità volontarja; itenni t-talba tiegħu għall-kjarifika ta' rabtiet bejn il-qafas makroprudenzjali u l-għodod mikroprudenzjali eżistenti, sabiex tiġi żgurata interazzjoni effettiva ta' strumenti ta' politika makroprudenzjali u mikroprudenzjali; jesprimi tħassib dwar id-dgħufijiet fis-settur tal-proprjetà immobbli identifikati mill-BERS; jinnota li l-ABE għadha trid tipprovdi RTSs fuq il-kondizzjoni tar-rekwiżiti tal-kapital għall-iskopertura tal-ipoteki skont l-Artikolu 124(4)(b) u 164(6) CRR; jinnota li s'issa, numru żgħir biss ta' membri tal-MSU attivaw jew qed jippjanaw li jattivaw buffers ġenerali ta' riskju sistemiku u buffer kapitali kontroċikliku; jinnota li l-BĊE s'issa

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

għadu ma eżerċitax bis-sħiħ il-poteri superviżorji makroekonomiċi tiegħu billi jrawwem l-adozzjoni ta' strumenti superviżorji makroprudenzjali mill-awtoritajiet nazzjonali;

31. Jenfasizza li l-andament tar-referendum dwar is-sħubija tar-Renju Unit fl-UE jirrikjedi evalwazzjoni sħiħa tas-Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji (SESF), inkluż il-modalitajiet tal-votazzjoni fi ħdan l-ASE, b'mod partikolari tal-mekkaniżmu tal-maġġoranza doppja prevista fl-Artikolu 44(1) tar-regolament tal-ABE; jenfasizza li l-possibbilitajiet ta' negozjati wara r-referendum m'għandhomx iwasslu għal kundizzjonijiet mhux ekwi bejn l-UE u l-istituzzjonijiet finanzjarji li mhumiex fl-UE, u ma għandhomx jintużaw biex tkun promossa t-tneħħija tar-regolamentazzjoni fis-settur finanzjarju;

32. Jilqa' x-xogħol eċċellenti tat-Timijiet Superviżorji Konġunti li huma eżempju tajjeb ta' kooperazzjoni Ewropea u bini tal-għarfien; jinnota li l-użu futur propost ta' sistema ta' rotazzjoni fl-organizzazzjoni tat-Timijiet Superviżorji Konġunti jenħtieġ li jiggarantixxi superviżjoni oġġettiva filwaqt li jitqies il-proċess twil ta' bini tal-għarfien fil-qasam kumpless ħafna tal-kompetenza;

33. Jilqa' l-fatt li l-Unjoni Bankarja eliminat b'mod wiesa' l-kwistjoni tal-post ta' oriġini u dak ospitanti fis-superviżjoni bl-istabbiliment ta' superviżur uniku u l-iskambju mtejjeb ħafna ta' informazzjoni rilevanti bejn l-awtoritajiet superviżorji, u b'hekk hija permessa superviżjoni aktar olistika ta' gruppi bankarji transfruntiera; jenfasizza li, minħabba l-istat attwali mhux komplut tal-Unjoni Bankarja, ir-reviżjoni tas-CRR dwar ir-rinunzji tal-likwidità u l-kapital teħtieġ li tqis b'mod xieraq it-tħassib tal-protezzjoni tal-konsumatur f'pajjiżi ospitanti;

34. Jilqa' l-inizjattiva tal-BĊE li tobbliga lill-banek taħt superviżjoni jirrapportaw ċiberattakki sinifikanti taħt servizz ta' twissija f'ħin reali kif ukoll l-ispezzjonijiet fuq il-post tal-SMU biex tiġi ssorveljata ċ-ċibersigurtà; jitlob it-twaqqif ta' qafas legali li jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni sensittiva rilevanti għall-prevenzjoni ta' ċiberattakki bejn il-banek;

35. Jenfasizza li r-rwol kruċjali taċ-ċibersigurtà għas-servizzi bankarji u l-ħtieġa li jiġu inċentivati l-istituzzjonijet finanzjarji biex ikunu ambizzjuži ħafna fil-ħarsien tad-data tal-konsumatur u l-garanzija taċ-ċibersigurtà;

36. Jinnota li l-MSU ġie assenjat il-kompitu ta' superviżjoni bankarja Ewropea għall-iskop li jassigura l-konformità mar-regoli prudenzjali tal-UE u li jassigura l-istabbiltà finanzjarja, filwaqt li kompiti superviżorji oħrajn li għandhom effett kollaterali Ewropej ċari baqgħu f'idejn is-superviżuri domestiċi; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-MSU jenħtieġ li jkollu poteri ta' monitoraġġ li jikkonċernaw attivitajiet tal-Ġlieda kontra l-Ħasil tal-Flus tas-superviżuri bankarji nazzjonali; jenfasizza li l-ABE jenħtieġ li tingħata wkoll poteri addizzjonali fil-qasam tal-Ġlieda kontra l-Ħasil tal-Flus, inklużi l-poteri biex twettaq valutazzjonijiet fuq il-post mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, li tirrikjedi l-produzzjoni ta' kwalunkwe informazzjoni li hija rilevanti għall-valutazzjoni tal-konformità, li toħroġ rakkomandazzjonijiet għal azzjoni korrettiva, li tagħmel dawk ir-rakkomandazzjonijiet pubbliċi u li tieħu miżuri li huma neċessarji biex jiġi żgurat li r-rakkomandazzjonijiet huma implimentati b'mod effettiv;

37. Itenni t-talba tiegħu lill-ABE biex tinforza u ssaħħaħ il-qafas tal-protezzjoni tal-konsumatur għas-servizzi bankarji f'konformità mal-mandat tagħha, filwaqt li tikkomplementa s-superviżjoni prudenzjali tal-MSU;

Ir-riżoluzzjoni

38. Ifakkar fil-bżonn ta' konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat meta jkunu qed jittrattaw kriżijiet tal-banek, u li ***l-eċċezzjoni ta'*** appoġġ pubbliku straordinarju għandu jkun biss ta' natura prekawzjonarja u temporanja, u ma jistax jintuża biex jikkumpensa għat-telf li l-istituzzjoni tkun ġarrbet jew x'aktarx se ġġarrab fil-futur qarib; jitlob li tingħata definizzjoni tal-proċeduri effiċjenti bejn l-SRB u l-Kummissjoni għat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-każ ta' riżoluzzjoni, b'mod partikolari dwar il-perjodu ta' żmien; huwa tal-fehma li l-flessibbiltà inkorporata fil-qafas attwali għandha tiġi ċċarata, u jfakkar li għandha tiġi sfruttata aħjar sabiex tindirizza sitwazzjonijiet speċifiċi mingħajr ma xxekkel riżoluzzjoni ġenwina tal-banek li huma insolventi, b'mod partikolari fil-każ ta' miżuri preventivi u miżuri alternattivi li jinvolvu l-użu tal-fondi tas-SGD previsti fl-Artikolu 11(3) u (6) tad-Direttiva dwar l-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti (DSGD); jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, biex tikkunsidra mill-ġdid l-interpretazzjoni tagħha tar-regoli rilevanti ta' għajnuna mill-Istat fi sforz biex tiggarantixxi li l-miżuri ta' prevenzjoni u alternattivi pprovduti mil-leġiżlatur Ewropew fid-DGSD jistgħu realment jiġu implimentati; jinnota li sitwazzjonijiet speċifiċi ġew indirizzati b'mod differenti mingħajr ġustifikazzjoni ċara;

ifakkar lill-Kummissjoni li rapport li jivvaluta l-ħtieġa kontinwa biex ir-rikapitalizzazzjonijiet prekawzjonarji u l-kondizzjonalità marbuta ma' tali miżuri jkunu permessi kellu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2015; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta tali rapport kemm jista' jkun malajr;

39. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta, fid-dawl tal-esperjenza u fi ħdan il-qafas tar-rieżami tar-Regolament (UE) Nru 806/2014, jekk l-SRB u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali humiex mgħammra b'poteri ta' intervent bikri suffiċjenti u bi strumenti ta' intervent bikri suffiċjenti, sabiex jiġu evitati flussi ta' ħruġ li huma ta' xkiel għall-kapital u l-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tal-banek matul kriżi;

40. Jenfasizza l-importanza li jiġu kkjarifikati l-kwistjonijiet prattiċi li qegħdin jaffettwaw direttament ir-riżoluzzjoni, bħad-dipendenza fuq il-forniturі tas-servizzi li jipprovdu servizzi kritiċi, bħal pereżempju fil-każ ta' servizzi tal-IT esternalizzati;

41. Jinnota l-proposti tal-Kummissjoni li jintroduċu fil-Pilastru 1 kapaċità totali ta' assorbiment minimu ("TLAC") għal banek globali sistemikament importanti, f'konformità ma' standards internazzjonali; jieħu nota tad-differenzi bejn t-TLAC u l-MREL; jenfasizza, madankollu, li ż-żewġ standards għandhom l-istess għan, jiġifieri li jiġi żgurat li l-banek għandhom biżżejjed kapital regolatorju u obbligazzjonijiet tal-assorbiment tat-telf sabiex ir-rikapitalizzazzjoni interna tkun strument effettiv f'riżoluzzjoni mingħajr ma jikkawżaw instabbiltà finanzjarja u mingħajr ma jkunu meħtieġa fondi pubbliċi, u b'hekk tiġi evitata s-soċjalizzazzjoni tar-riskji privati; jikkonkludi, għaldaqstant, li approċċ olistiku għall-assorbiment tat-telf jista' jintlaħaq billi jiġu kkombinati t-tnejn, fuq il-bażi ta' TLAC kif traspost fil-proposta attwali tal-Kummissjoni bħala l-istandard minimu, soġġett għall-ftehim li għandu jintlaħaq mill-koleġiżlaturi; jenfasizza li għandha tingħata debita konsiderazzjoni għaż-żamma taż-żewġ kriterji tad-daqs u tal-assi mwieżna għar-riskju, u jinnota l-interkonnessjoni bejn il-kriterju tal-assi mwieżna għar-riskju sottostanti għall-istandard TLAC u l-ħidma attwali fl-UE u fil-BCBS fuq mudelli interni u fuq l-iffinalizzar tal-qafas ta' Basel III; jenfasizza li jenħtieġ li tingħata attenzjoni xierqa fil-kalibrar u/jew id-dħul gradwali tar-rekwiżiti MREL ġodda, kif ukoll għall-ħtieġa li jinħoloq suq għall-obbligazzjonijiet MREL eliġibbli; jenfasizza l-importanza taż-żamma ta' diskrezzjoni għall-awtorità tar-riżoluzzjoni meta tistabbilixxi MREL, u li tiżgura li l-banek iżommu biżżejjed dejn subordinat jew dejn li jippermetti rikapitalizzazzjoni interna; jenfasizza li jenħtieġ li d-divulgazzjoni tas-suq issir b'mod xieraq, sabiex tiġi evitata l-interpretazzjoni ħażina tal-investituri rigward ir-rekwiżiti MREL;

42. Jiġbed l-attenzjoni għall-importanza li tiġi ċċarata, fil-leġiżlazzjoni, il-ġerarkija bejn is-CET1 eliġibbli għall-MREL u l-buffers kapitali; jinsisti dwar il-ħtieġa li tiġi adottata leġiżlazzjoni bil-għan li jiġu ċċarati r-responsabbiltajiet u s-setgħat, rispettivament, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u l-awtoritajiet kompetenti, fir-rigward ta' miżuri ta' intervent bikri li għandhom jittieħdu f'każijiet ta' ksur ta' rekwiżiti MREL; jinnota l-proposta tal-Kummissjoni għall-introduzzjoni ta' gwida MREL; itenni li jenħtieġ li l-kalibrazzjoni tal-MREL f'kull każ tkun marbuta mill-qrib u ġustifikata mill-istrateġija tar-riżoluzzjoni tal-bank partikolari;

43. Jiġbed l-attenzjoni għall-importanza li tiġi ċċarata, fil-leġiżlazzjoni, li s-CET1 eliġibbli għall-MREL jiżdied mal-buffers kapitali biex jiġi evitat li jingħadd darbtejn mal-kapital;

44. Jenfasizza li l-armonizzazzjoni tal-ġerarkija tat-talbiet fl-insolvenza tal-banek fl-Istati Membri hija kruċjali sabiex l-implimentazzjoni tal-BRRD issir aktar konsistenti u effikaċi u biex tingħata ċ-ċertezza lill-investituri transfruntiera; jilqa', għalhekk, il-proposta tal-Kummissjoni biex tmur lil hinn mill-armonizzazzjoni tal-ġerarkija tat-talbiet; jinnota li armonizzazzjoni aħjar tar-reġim ta' insolvenza regolari u tal-ġerarkija tat-talbiet se tkun essenzjali wkoll, kemm, fil-każ tal-banek, biex jiġu evitati d-diskrepanzi mar-reġim tar-riżoluzzjoni bankarja, kif ukoll, fil-każ ta' kumpaniji, biex jipprovdu ċarezza u ċertezza addizzjonali lill-investituri transkonfinali u tikkontribwixxi għall-indirizzar tal-kwistjoni ta' self improduttiv; jilqa' l-fatt li l-BRRD ġabet bidla importanti fil-ġerarkija tal-insolvenza, billi tat prijorità lid-depożiti assigurati, sabiex b'hekk dawn jiġu kklassifikati bħala superjuri għall-istrumenti kapitali kollha, għall-kapaċità ta' assorbiment tat-telf, dejn superjuri ieħor u għad-depożiti mhux assigurati; jistieden lill-SRB jippreżenta r-riżultati tal-valutazzjonijiet tar-riżolvibbiltà għall-G-SIBs u banek oħra, inkluż il-miżuri proposti biex jingħelbu l-impedimenti għal riżoluzzjoni;

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

45. Jinnota l-firxa ta' alternattivi legali disponibbli biex tiġi żgurata s-subordinazzjoni ta' dejn eleġibbli għat-TLAC; jirrimarka li l-ebda waħda ma hija preferuta mill-FSB; huwa tal-fehma li l-approċċ adottat għandu, l-ewwel nett, isib bilanċ bejn il-flessibbiltà, l-effettività, iċ-ċertezza legali u l-kapaċità tas-suq biex jassorbi kwalunkwe klassi ġdida ta' dejn;

46. Jitlob li jkun hemm riflessjoni dwar l-impatt negattiv possibbli fuq l-ekonomija reali mir-reviżjoni tar-regoli ta' Basel, l-introduzzjoni tar-rekwiżiti MREL, l-introduzzjoni tat-TLAC u l-IFRS 9; jitlob li jkun hemm soluzzjoni li l-għan tagħha jkun li ttaffi l-impatti;

47. Ifakkar li r-reġim ġdid ta' riżoluzzjoni introdott irriżulta f'ċerti strumenti offruti lill-investituri, b'mod partikolari l-investituri fil-livell tal-konsumatur, li jinvolvu riskju ikbar ta' telf taħt ir-reġim preċedenti; Ifakkar ukoll li strumenti li jistgħu jiġu rikapitalizzati internament għandhom l-ewwel nett jinbiegħu biss lil investituri xierqa li jistgħu jassorbu telf potenzjali tagħhom stess mingħajr ma jiġu mhedda fil-pożizzjoni finanzjarja soda tagħhom; għalhekk iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex trawwem l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti rilevanti, u jistieden lill-ASEs jikkontribwixxu għad-detezzjoni ta' prattiki ħżina ta' bejgħ;

48. Iwissi li l-implimentazzjoni tar-rekwiżit tal-BRRD ta' rikonoxximent kuntrattwali għas-setgħat ta' rikapitalizzazzjoni interna fuq l-obbligazzjonijiet irregolati mil-leġiżlazzjoni mhux tal-UE hija kkumplikata; iqis din il-kwistjoni bħala ta' tħassib immedjat; jinnota d-dritt introdott permezz tal-emendi proposti BRRD għall-awtoritajiet kompetenti biex iwarrbu dan ir-rekwiżit; iqis li dan l-approċċ jippermetti għal flessibbiltà u għal valutazzjoni każ b'każ tal-obbligazzjonijiet ikkonċernati; jistieden lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni biex jiżguraw li l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' eżenzjonijiet u d-deċiżjonijiet sussegwenti reali dwar l-eżenzjonijiet ma jipperikolawx ir-riżolvibbiltà tal-banek;

49. Jirrimarka li skambju ta' informazzjoni rapidu u effikaċi bejn l-awtoritajiet tas-superviżjoni u tar-riżoluzzjoni huwa fundamentali biex tiġi żgurata ġestjoni tal-kriżijiet bla xkiel; jilqa' l-konklużjoni tal-memorandum ta' qbil (MtQ) bejn il-BĊE u l-SRM fir-rigward tal-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni; jistieden lill-BĊE jispeċifika fil-MtQ il-proċeduri ta' komunikazzjoni bejn it-timijiet superviżorji konġunti u t-timijiet interni ta' riżoluzzjoni; jirrakkomanda li l-attendenza tal-BĊE bħala osservatur permanenti fil-Plenarja u s-Sessjonijiet Eżekuttivi tal-SRB għandha ssir b'mod għalkollox reċiproku, billi rappreżentat tal-SRB jitħalla jattendi fil-Bord Superviżorju tal-BĊE wkoll bħala osservatur permanenti;

50. Jieħu nota tar-rwol doppju tal-membri tal-Bord tal-SRB, li fl-istess ħin huma membri ta' korp eżekuttiv bi rwoli ta' teħid ta' deċiżjonijiet u maniġers anzjani responsabbli f'dik il-kapaċità lejn il-President tal-Bord, u jqis li jenħtieġ li ssir evalwazzjoni ta' din l-istruttura qabel ma jispiċċa l-mandat attwali;

51. Ifakkar li s-sustanza tal-Ftehim Intergovernattiv fir-rigward tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRF) hija li fl-aħħar mill-aħħar ikun inkorporat fil-qafas legali tal-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni tirrifletti fuq il-modi kif dan jista' jsir; jenfasizza li l-inkorporazzjoni imminenti tal-patt fiskali fid-dritt tal-UE tista' tikkostitwixxi mudell utli;

52. Jitlob li l-kontribuzzjonijiet ex-ante għall-SRF jiġu kkalkolati b'mod trasparenti ħafna bi sforzi biex tiġi armonizzata l-informazzjoni dwar ir-riżultati tal-kalkolu u jitjieb il-fehim dwar il-metodoloġija tal-kalkolu; jistieden lill-Kummissjoni twettaq ir-reviżjoni tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet għall-SRF prevista fil-Premessa 27 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/63 bl-akbar attenzjoni, u b'mod partikolari, teżamina l-adegwatezza tal-fattur ta' riskju sabiex jiġi żgurat li l-profil ta' riskju ta' istituzzjonijiet inqas kumplessi jitqies kif xieraq;

53. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Ministri tal-Finanzi tat-8 ta' Diċembru 2015 dwar is-sistema tal-arranġamenti ta' finanzjament tranżitorju għall-SRF; jinnota, f'dan ir-rigward, li 15 minn 19-il Stat Membru taż-żona tal-euro diġà ffirmaw Ftehim dwar Faċilità ta' Self mal-SRB; ifakkar li dawn il-linji ta' kreditu individwali se jkunu disponibbli biss bħala l-aħħar rimedju; huwa tal-opinjoni li din is-soluzzjoni mhijiex suffiċjenti biex jingħeleb iċ-ċirku vizzjuż bejn il-banek u s-sovrani u jintemmu s-salvataġġi ffinanzjati mill-kontribwenti tat-taxxa; jappella għal progress rapidu fil-ħidma mill-Kunsill u l-Kummissjoni dwar garanzija ta' kontinġenza fiskali komuni għall-SRF, ir-responsabbiltà aħħarija għall-iffinanzjar li għandha tkun f'idejn is-settur bankarju u li għandha tkun fiskalment newtrali fuq terminu medju, kif miftiehem fi ħdan il-ftehim dwar l-SRF u kkonfermat mill-Kunsill Ewropew f'Ġunju 2016;

L-assigurazzjoni tad-depożiti

54. Itenni s-sejħa tiegħu għat-tielet pilastru sabiex l-Unjoni Bankarja tiġi kkompletata; ifakkar li l-protezzjoni tad-depożiti hija ta' tħassib komuni għaċ-ċittadini kollha tal-UE; qiegħed attwalment jiddibatti l-proposta dwar l-EDIS fil-livell tal-kumitat;

55. Jenfasizza li l-introduzzjoni tal-EDIS u d-diskussjonijiet dwar dan il-proġett m'għandhomx iwasslu għal tnaqqis fl-isforzi lejn it-titjib tal-implimentazzjoni tad-DGSD; jilqa' l-ħidma li saret dan l-aħħar mill-ABE biex tippromwovi l-konverġenza f'dan il-qasam; jilqa' l-fatt li l-Istati Membri kollha ittrasponew il-BRRD; ifakkar lill-Istati Membri kollha dwar l-obbligu li japplikaw u jimplimentaw b'mod korrett il-BRDD u d-DGSD;

56. Ifakkar li r-rwol tal-Kummissjoni huwa li tiggarantixxi kundizzjonijiet ekwi fl-UE kollha u li jenħtieġ li tevita kwalunkwe frammentazzjoni fi ħdan is-suq intern;

o

o o

57. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-BĊE, lill-SRB, lill-parlamenti nazzjonali u lill-awtoritajiet kompetenti kif definit fil-punt 40 tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

P8_TA(2017)0042

Pestiċidi bijoloġiċi b'riskju baxx

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2017 dwar pestiċidi b'riskju baxx ta' oriġini bijoloġika (2016/2903(RSP))

(2018/C 252/18)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE ([1]) u 91/414/KEE, u b'mod partikolari l-Artikoli 22 u 47, l-Artikolu 66(2) u l-Anness II, il-punt 5 tagħha,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta1-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi ([2]), u b'mod partikolari l-Artikoli 12 u 14 tagħha,

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fir-rigward il-kriterji għall-approvazzjoni ta' sustanzi attivi b'riskju baxx (D046260/01,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ġunju 2016 dwar soluzzjonijiet teknoloġiċi għal agrikoltura sostenibbli ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ġunju 2016 dwar it-tisħiħ tal-innovazzjoni u tal-iżvilupp ekonomiku fil-ġestjoni futura tal-farms Ewropej ([4]),

— wara li kkunsidra l-"pjan ta' implimentazzjoni biex iżżid id-disponibbiltà tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti b'riskju baxx u tiġi aċċellerata l-implimentazzjoni tal-ġestjoni integrata tal-organiżmi ta' ħsara fi Stati Membri" żviluppat mill-Grupp ta' Esperti dwar il-protezzjoni tal-pjanti u approvata mill-Kunsill fit-28 ta' Ġunju 2016,

— wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni kontra t-theddid li qed jiżdied ta' Reżistenza Antimikrobika (COM(2011)0748), u l-Pjan segwenti dwar ir-Reżistenza Antimikrobika (AMR) Pjan ta' Azzjoni li se jiġi mniedi mill-Kummissjoni fl-2017,

— wara li kkunsidra l-mistoqsija lill-Kummissjoni dwar il-pestiċidi bijoloġiċi b'riskju baxx (O-000147/2016 – B8-1821/2016),

— wara li kkunsidra l-mozzjoni għal riżoluzzjoni mressqa mill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 128(5) u 123(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti konvenzjonali huwa dejjem aktar suġġet għal dibattitu pubbliku, minħabba r-riskji li dawn jippreżentaw għas-saħħa tal-bniedem, għall-annimali u għall-ambjent;

B. billi n-numru ta' sustanzi attivi disponibbli fis-suq tal-UE li jintużaw għall-protezzjoni tal-pjanti qiegħed jonqos; billi l-bdiewa tal-UE għadhom jeħtieġu varjetà ta' għodod għall-ħarsien tal-għelejjel;

([1]) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.
([2]) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71.
([3]) Testi adottati, P8_TA(2016)0251.
([4]) Testi adottati, P8_TA(2016)0252.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

C. billi huwa importanti li jiġi promoss l-iżvilupp ta' proċeduri jew tekniki alternattivi biex titnaqqas id-dipendenza fuq il-pestiċidi konvenzjonali;

D. billi l-evitar tal-ħela tal-ikel huwa prijorità fl-UE, u l-aċċess għal soluzzjonijiet xierqa ta' protezzjoni tal-pjanti huwa essenzjali fil-prevenzjoni tal-ħsara kkawżata minn pesti u mard li tirriżulta fl-iskart tal-ikel; billi skont il-FAO, 20 % tal-produzzjoni tal-frott u l-ħxejjex fl-Ewropa jintilfu fl-għelieqi ([1]);

E. billi huwa xorta possibbli li jinstabu residwi mhux mixtieqa ta' pestiċidi fil-ħamrija, fl-ilma u fl-ambjent in ġenerali, u anke ċertu perċentwal ta' prodotti agrikoli li joriġinaw mill-pjanti jew l-annimali jista' jkun fih residwi ta' pestiċidi ogħla mil-livelli massimi tar-residwi għall-pestiċidi;

F. billi r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jiddefinixxi kriterji għall-identifikazzjoni ta' sustanzi b'riskju baxx li japplikaw indipendentement mill-oriġini tas-sustanzi u billi l-pestiċidi b'riskju baxx jistgħu jkunu ta' oriġini kemm bijoloġika kif ukoll sintetika;

G. billi l-pestiċidi ta' oriġini bijoloġika huma ġeneralment meqjusin bħala pestiċidi bbażati fuq mikro-organiżmi, materjali botaniċi, kimiċi derivati bijoloġikament jew semjokimiċi (bħal feromoni u diversi żjutijiet essenzjali); billi l-qafas regolatorju attwali dwar il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ([2]) ma jagħmilx distinzjoni bejn prodotti kimiċi bijoloġiċi u dawk sintetiċi għall-protezzjoni tal-pjanti;

H. billi studji xjentifiċi reċenti ddikjaraw li l-esponiment subletali għal ċerti erbiċidi jista' jikkawża tibdil negattiv fis-suxxettibilità antibijotika fil-batterji ([3]) u li l-kombinazzjoni ta' użu kbir ta' erbiċidi u antibijotiċi fil-prossimità tal-annimali u l-insetti tal-irziezet tista' twassal għal użu akbar ta' antibijotiċi billi possibilment jiġu kompromessi l-effetti terapewtiċi tal-dawn l-istess antibijotiċi;

I. billi l-prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti b'riskju baxx ta' oriġini bijoloġika jistgħu jikkostitwixxu alternattiva vijabbli għall-prodotti konvenzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti, kemm għall-bdiewa konvenzjonali kif ukoll għal dawk organiċi, u jikkontribwixxu għal agrikoltura aktar sostenibbli; billi xi prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti ta' oriġini bijoloġika għandhom modi ġodda ta' kif jaħdmu, li huma ta' benefiċċju sabiex tevolvi r-reżistenza għall-pestiċidi konvenzjonali u tista' tillimita l-impatt fuq l-organiżmi li mhumiex fil-mira; billi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti b'riskju baxx ta' oriġini bijoloġika għandhom ikunu fost l-alternattivi ppreferuti għal utenti mhux professjonali u għal ġonna tad-dar, flimkien ma' metodi ta' kontroll jew ta' prevenzjoni mhux kimiċi oħrajn;

J. billi, sabiex jintlaħqu b'mod adegwat il-ħtiġijiet alimentari u tal-għalf, l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti huwa neċessarju u billi l-prinċipju ta' prekawzjoni ([4]) huwa applikat fil-proċedura għall-awtorizzazzjoni ta' tali prodotti u tas-sustanzi attivi tagħhom;

K. billi l-proċess twil ta' approvazzjoni u ta' reġistrazzjoni qabel ma jiġu kummerċjalizzati l-pestiċidi bijoloġiċi b'riskju baxx jirrappreżenta ostakolu ekonomiku importanti għall-manifatturi;

L. billi l-implimentazzjoni tal-ġestjoni integrata tal-organiżmi ta' ħsara hija obbligatorja fl-Unjoni skont id-Direttiva 2009/128/KE; billi l-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali għandhom ipoġġu aktar enfasi fuq l-użu sostenibbli ta' pestiċidi għall-protezzjoni tal-pjanti b'riskju baxx, inklużi alternattivi;

([1]) FAO (2011) "Global Food Losses and Food Waste" (It-telf u l-ħela tal-ikel fil-livell globali).

([2]) Il-kunċett ta' 'pestiċidi' jkopri wkoll il-prodotti bijoċidali li għalihom ma tapplikax din ir-riżoluzzjoni.

([3]) eż. Kurenbach B, Marjoshi D, Amábile-Cuevas CF, Ferguson GC, Godsoe W, Gibson P, Heinemann JA. 2015. Sublethal exposure to commercial formulations of the herbicides dicamba, 2,4-dichlorophenoxyacetic acid, and glyphosate cause changes in antibiotic susceptibility in *Escherichia coli* and *Salmonella enterica* serovar Typhimurium. mBio 6(2):e00009-15. doi:10.1128/mBio.00009-15.

([4]) L-Artikolu 1(4) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

M. billi skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009, is-sustanzi attivi huma approvati fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li l-awtorizzazzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom dawn is-sustanzi attivi huma f'idejn l-Istati Membri;

N. billi l-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jippermetti li sustanzi attivi jiġu approvati bħala sustanzi attivi b'riskju baxx fejn dawn jissodisfaw il-kriterji ġenerali u dawk speċifiċi tal-approvazzjoni u ta' riskju baxx speċifikati fl-Anness II, punt 5; billi l-Artikolu 47 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jiddisponi li l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom biss sustanzi attivi b'riskju baxx, li ma jkunx fihom sustanza ta' tħassib, ma jeħtiġux miżuri speċifiċi għat-taffija tar-riskji u jkunu effettivi biżżejjed għandhom jiġu awtorizzati bħala prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti b'riskju baxx;

O. billi, fil-preżent, huma biss sebgħa s-sustanzi attivi kklassifikati bħala "riskju baxx", li minnhom sitta huma sustanzi attivi ta' oriġini bijoloġika, li huma approvati fl-Unjoni; billi l-Kummissjoni tagħti prijorità għall-valutazzjoni ta' sustanzi attivi b'riskju baxx preżunt fil-programm għat-tiġdid tagħha;

P. billi l-pestiċidi bijoloġiċi b'riskju baxx ġew irrifjutati l-awtorizzazzjoni minn ċertu numru ta' Stati Membri minħabba l-perċezzjoni tal-effikaċja iktar baxxa tagħhom meta mqabbla ma' pestiċidi kimiċi sintetiċi, bla ebda kunsiderazzjoni tal-innovazzjoni li għaddejja fis-settur tal-pestiċidi bijoloġiċi b'riskju baxx, bla kunsiderazzjoni tal-benefiċċji tal-effiċjenza tar-riżorsi għall-biedja organika u bla kunsiderazzjoni tal-ispejjeż agrikoli u ambjentali ta' ċerti prodotti oħra għall-protezzjoni tal-pjanti;

Q. billi l-qafas regolatorju attwali jiddisponi ċerti inċentivi għal sustanzi attivi b'riskju baxx u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti b'riskju baxx, jiġifieri l-ewwel perjodu ta' approvazzjoni itwal għal sustanzi attivi b'riskju baxx ta' 15 snin skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, u inqas minn 120 jum għall-awtorizzazzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti b'riskju baxx skont l-Artikolu 47 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009; billi, madankollu, dawn l-inċentivi regolatorji japplikaw biss fi tmiem il-proċedura tal-approvazzjoni, ladarba sustanza attiva tiġi kklassifikata bħala ta' riskju baxx;

R. billi l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2009/128/KE jistipula li l-użu ta' pestiċidi għandu jkun minimizzat u projbit f'ċerti żoni speċifiċi, bħal żoni użati mill-pubbliku ġenerali u żoni protetti; billi f'tali każi għandhom jittieħdu miżuri xierqa għall-ġestjoni tar-riskju u l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti b'riskju baxx u miżuri ta' kontroll bijoloġiku għandu jitqies qabel kollox; billi xi Stati Membri għal żmien twil ipprojbixxew l-użu tal-pestiċidi f'tali żoni speċifiċi;

S. billi l-Kummissjoni ssottomettiet lill-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf (Kumitat dwar il-PAFF) abbozz ta' regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 rigward il-kriterji għall-approvazzjoni ta' sustanzi attivi b'riskju baxx; billi dan l-abbozz jipprovdi preżunzjoni ta' status ta' riskju baxx għas-sustanzi attivi li huma mikro-organiżmi;

Kunsiderazzjonijiet ġenerali

1. Jenfasizza l-ħtieġa li tiżdied id-disponibbiltà ta' pestiċidji b'riskju baxx ta' oriġini bijoloġika mingħajr fl-Unjoni, u dan mingħajr aktar dewmien;

2. Jenfasizza l-fatt li l-bdiewa għandu jkollhom aktar għodod disponibbli għalihom biex jipproteġu l-għelejjel tagħhom u biex jiddeċiedu liema miżura tipproteġi l-għelejjel tagħhom bl-aħjar mod u bl-aktar mod sostenibbli; jinkoraġġixxi, għaldaqstant, użu usa' ta' għodod differenti inklużi pestiċidi bijoloġiċi b'riskju baxx, b'osservanza tal-prinċipju ta' ġestjoni integrata tal-organiżmi ta' ħsara;

3. Jenfasizza l-ħtieġa li tiżied id-disponibilità ta' għodod ta' ġestjoni tal-organiżmi ta' ħsara għal biedja organika li jikkonformaw mar-rekwiżiti kemm tal-biedja organika, kif ukoll tal-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi;

4. Jenfasizza li d-domanda tal-konsumaturi għal ikel sikur li jkun kemm li wieħed jiflaħ iħallsu kif ukoll prodott b'mod sostenibbli għandha tiġi sodisfatta;

5. Jenfasizza li, sabiex jiġu promossi l-iżvilupp u l-użu ta' pestiċidi bijoloġiċi ġodda ta' riskju baxx; l-evalwazzjoni tal-effikaċja u tar-riskji tagħhom, kif ukoll dik tal-kapaċità tagħhom biex jaqdu l-bżonnijiet ambjentali, sanitarji u ekonomiċi tal-agrikoltura, meta mqabbla ma' pestiċidi kimiċi sintetiċi eżistenti għandha tkun imfassla b'tali mod li l-bdiewa jingħataw livell xieraq ta' protezzjoni tal-pjanti;

6. Jenfasizza l-importanza ta' dibattitu pubbliku dwar id-disponibbiltà ta' alternattivi konvenzjonali dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u għażla usa' ta' sustanzi disponibbli għall-bdiewa u l-produtturi agrikoli, inklużi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti b'riskju baxx ta' oriġini bijoloġika u miżuri ta' kontroll bijoloġiku oħra, sabiex jinstabu soluzzjonijiet li huma l-aktar vijabbli f'termini ekonomiċi, ambjentali u tas-saħħa; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żgurati s-sostenibbiltà tal-protezzjoni tal-għelejjel; jinkoraġġixxi aktar riċerka u innovazzjoni dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti b'riskju baxx ta' oriġini bijoloġika;

7. Jilqa' l-"pjan ta' implimentazzjoni biex iżżid id-disponibbiltà tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti b'riskju baxx u tiġi aċċellerata l-implimentazzjoni tal-ġestjoni integrata tal-organiżmi ta' ħsara fl-Istati Membri" kif approvat mill-Kunsill; jistieden lill-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Organizzazzjoni Ewropea u Mediterranja dwar il-Protezzjoni tal-Pjanti (EPPO) biex isegwu l-implimentazzjoni ta' dan il-pjan;

Azzjoni immedjata

8. Jitlob li jkun hemm adozzjoni rapida tal-abbozz ta' Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 rigward il-kriterji għall-approvazzjoni ta' sustanzi attivi b'riskju baxx li l-Kummissjoni ssottomettiet lill-Kumitat dwar il-PAFF; jistieden lill-Kummissjoni taġġorna b'mod kontinwu l-kriterji b'konformità mal-għarfien xjentifiku l-iktar aġġornat;

9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu prijorità lill-evalwazzjoni bijoloġika, l-awtorizzazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti b'riskju baxx, filwaqt li jżommu livell għoli ta' valutazzjoni tar-riskju;

10. Jistieden lill-Istati Membri jinkludu l-użu ta' pestiċidi bijoloġiċi b'riskju baxx fil-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali tagħhom dwar il-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem;

11. jinkoraġġixxi skambju ta' informazzjoni u ta' prattiki tajbin bejn l-Istati Membri dwar ir-riżultati tar-riċerka fil-ġlieda kontra l-organiżmi ta' ħsara, ħaġa li tippermetti li jinstabu soluzzjonijiet alternattivi vijabbli fil-qasam ambjentali, tas-saħħa u dak ekonomiku;

12. Jistieden lill-Kummissjoni tidentifika s-sustanzi b'riskju baxx li diġà jinsabu fis-suq;

Reviżjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti

13. Jilqa' l-inizjattiva REFIT tal-Kummissjoni għall-2016 li twettaq evalwazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009; jenfasizza li l-proċess REFIT m'għandux iwassal biex jitbaxxew l-istandards ta' sikurezza tal-ikel u tal-protezzjoni tal-ambjent; Huwa konxju mill-fatt li r-reviżjoni ġenerali tar-Regolament sħiħ (KE) Nru 1107/2009 b'konnessjoni mal-evalwazzjoni REFIT tiegħu tista' tieħu bosta snin;

14. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi rivedut ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 sabiex jitrawwem l-iżvilupp, l-awtorizzazzjoni u t-tqegħid fis-suq tal-UE ta' pestiċidi bijoloġiċi b'riskju baxx; jinsab imħasseb li l-proċess attwali ta' awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti huwa subottimali fil-każ tal-pestiċidi b'riskju baxx ta' oriġini bijoloġika; josserva li l-proċess attwali ta' reġistrazzjoni tas-sustanzi bażiċi b'riskju baxx xi kultant fil-prattika jiġi kkonfigurat bħala tip ta' privattiva, ħaġa li tagħmilha diffiċli li prodott ibbażat fuq l-istess sustanza mhux reġistrata jintuża fi Stat Membru ieħor;

15. Jistieden lill-Kummissjoni biex tissottometti, qabel tmiem l-2018, proposta leġiżlattiva speċifika li temenda r-Regolament (KE) Nru 1107/2009, barra r-reviżjoni ġenerali b'rabta inizjattiva REFIT, bil-ħsieb li tiġi stabbilita proċedura mgħaġġla, valutazzjoni, awtorizzazzjoni tar-reġistrazzjoni għal pestiċidi b'riskju baxx ta' oriġini bijoloġika;

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

16. Jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm definizzjoni, fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009, ta' "prodott ta' protezzjoni tal-pjanti ta' oriġini bijoloġika", li tkopri l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li s-sustanza attiva tagħhom li hija mikro-organiżmu jew molekula li teżisti fin-natura, jew miksuba minn proċess naturali jew sintetizzata bħala identika għall-molekula naturali, b'kuntrast ma' prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti li s-sustanza attiva tagħhomhija molekula sintetika li ma teżistix fin-natura,, irrispettivament mill-metodu ta' produzzjoni;

17. Jistieden lill-Kummissjoni, fir-rapport tiegħu dwar l-evalwazzjoni tal-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali meħtieġa skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2009/128/KE li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi, biex tidentifika diskrepanzi fl-implimentazzjoni tad-Direttiva mill-Istati Membri u biex tinkludi rakkomandazzjonijiet robusti lill-Istati Membri biex jieħdu azzjoni immedjata sabiex inaqqsu r-riskju u l-impatt tal-użu tal-pestiċidi fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent u biex jiżviluppaw u jintroduċu approċċi jew tekniki alternattivi bl-għan li titnaqqas id-dipendenza fuq l-użu tal-pestiċidi;

o

o o

18. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

P8_TA(2017)0043

Sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fin-Nikaragwa, il-każ ta' Francisca Ramirez

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2017 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fin-Nikaragwa – il-każ ta' Francisca Ramirez (2017/2563(RSP))

(2018/C 252/19)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar in-Nikaragwa, b'mod partikolari dik tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar l-attakki kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet ċivili u d-demokrazija fin-Nikaragwa ([1]) u dik tas-26 ta' Novembru 2009 ([2]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-kelliem tal-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ), Federica Mogherini, tas-16 ta' Awwissu 2016, dwar id-deċiżjoni ġudizzjarja reċenti li jitkeċċew xi Membri tal-Parlament tan-Nikaragwa, u d-dikjarazzjoni tal-VP/RGħ tad-19 ta' Novembru 2016 dwar ir-rizultati finali tal-elezzjonijiet fin-Nikaragwa,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-missjoni ta' osservazzjoni elettorali tal-UE fin-Nikaragwa dwar l-elezzjonijiet leġiżlattivi u presidenzjali tas-6 ta' Novembru 2011,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tas-Segretarjat Ġenerali tal-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani (OAS) tas-16 ta' Ottubru 2016 dwar il-proċess elettorali fin-Nikaragwa,

— wara li kkunsidra r-rapport tas-Segretarjat Ġenerali tal-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani u n-Nikaragwa tal-20 ta' Jannar 2017,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tal-2012 bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi tal-Amerka Ċentrali, li daħal fis-seħħ f'Awwissu 2013, inklużi l-klawsoli tiegħu relatati mad-drittijiet tal-bniedem,

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem ta' Ġunju 2004,

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar il-Politika tal-Artijiet tal-2004 li toffri gwida għall-iżvilupp u l-programmazzjoni tal-politika tal-artijiet fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem ta' Diċembru 1998,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Popli Indiġeni (UNDRIP),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-1989 dwar il-Popli Indiġeni u Tribali (Nru 169) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), ratifikata min-Nikaragwa,

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tal-1966,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,

([1]) ĠU C 45 E, 23.2.2010, p. 89.
([2]) ĠU C 285 E, 21.10.2010, p. 74.

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

— wara li kkunsidra l-Artikoli 135(5) u 123(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-iżvilupp u l-konsolidazzjoni tad-demokrazija u l-istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali jridu jkunu parti integrali mill-politiki esterni tal-UE, inkluż il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tal-2012 bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi tal-Amerka Ċentrali;

B. billi d-demokrazija u l-istat tad-dritt fin-Nikaragwa marru għall-agħar f'dawn l-aħħar snin;

C. billi fl-2013 in-Nikaragwa għaddiet il-Liġi 840 li tat lil kumpanija privata Ċiniża, l-HK Nicaragua Canal Development Investment Company Ltd (HKND), konċessjoni ta' 100 sena għall-kostruzzjoni ta' kanal transoċeaniku fin-Nikaragwa;

D. billi din il-liġi tat lill-HKND is-setgħa li tesproprja artijiet u eżentat lill-kumpanija mit-taxxi lokali u mir-regolamenti kummerċjali; billi ggarantiet ukoll lill-HKND li ma jittieħdu ebda passi kriminali f'każ ta' ksur tal-kuntratt;

E. billi bejn is-27 ta' Novembru u l-1 ta' Diċembru 2016, dimostranti min-Nikaragwa kollha nġabru fil-belt kapitali biex jopponu l-kostruzzjoni tal-kanal transoċeaniku, proġett enormi li jista' jisposta eluf ta' bdiewa żgħar u persuni indiġeni fiż-żoni ta' madwar il-proġett tal-kanal, u anke biex jikkundannaw in-nuqqas ta' trasparenza fl-elezzjonijiet presidenzjali tas-6 ta' Novembru 2016; billi d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem irrappurtaw li l-pulizija użaw il-gass tad-dmugħ u balal tal-lastku u taċ-ċomb fil-konfront tad-dimostranti;

F. billi, bi ksur tal-Konvenzjoni 169 tal-ILO, ma twettaq l-ebda studju tal-impatt ambjentali u ma saret l-ebda konsultazzjoni minn qabel mal-popli indiġeni; billi r-rotta proposta tal-kanal se tgħaddi minn artijiet indiġeni u jkollha tisposta bejn 30 000 u 120 000 persuna indiġena;

G. billi xi organizzazzjonijiet xjentifiċi esprimew tħassib kbir dwar il-fatt li l-kanal jaqsam il-Lag Nikaragwa, u b'hekk jipperikola l-akbar sors ta' ilma ħelu tal-Amerka Ċentrali; billi xi organizzazzjonijiet xjentifiċi talbu lill-gvern tan-Nikaragwa jissospendi l-proġett sakemm ikunu tlestew u ġew diskussi pubblikament studji indipendenti;

H. billi Francisca Ramirez, Koordinatur tal-Kunsill Nazzjonali għad-Difiża tal-Art, il-Lag u s-Sovranità, f'Diċembru 2016 ippreżentat ilment formali dwar atti ta' ripressjoni u aggressjonijiet li sofriet fi Nueva Guinea; billi Francisca Ramirez ġiet intimidata u miżmuma arbitrarjament u l-membri tal-familja tagħha ġew attakkati b'mod vjolenti bi tpattija għall-attiviżmu tagħha;

I. billi l-ġurnalisti fin-Nikaragwa huma vittmi ta' fastidju, intimidazzjoni u detenzjoni, u rċevew theddid ta' mewt;

J. billi, f'Awwissu 2016, iż-żjara fin-Nikaragwa tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, Michel Forst, tħassret minħabba l-ostakli imposti mill-Gvern tan-Nikaragwa;

K. billi l-esklużjoni severa ta' kandidati tal-oppożizzjoni turi b'mod ċar li ma kienx hemm il-kundizzjonijiet għal elezzjonijiet ħielsa u ekwi u li l-libertà ta' assoċjazzjoni, il-kompetizzjoni politika u l-pluraliżmu politiku qed jiġu kompromessi serjament;

L. billi r-Rapporteur Speċjali dwar l-indipendenza tal-imħallfin u l-avukati ġibed l-attenzjoni, fi proċedura ta' eżami perjodiku universali fl-2014, għall-ħatriet ta' mħallfin tal-Qorti Suprema, li huma influwenzati b'mod qawwi mill-politika; billi l-bidliet kostituzzjonali li saru fl-2013 għall-elezzjoni mill-ġdid tal-President twettqu billi l-liġi ġiet evitata b'mod mhux trasparenti; billi l-Artikolu 147 tal-Kostituzzjoni tan-Nikaragwa jipprojbixxi lill-persuni mħalltin mal-President jew bid-demm jew biż-żwieġ milli jkunu kandidati għall-kariga ta' president jew ta' viċi president;

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

M. billi l-korruzzjoni fis-settur pubbliku, anke minn membri tal-familja tal-President, għadha waħda mill-akbar sfidi; billi t-tixħim ta' uffiċjali pubbliċi, il-qbid illegali u l-valutazzjonijiet arbitrarji mill-awtoritajiet tad-dwana u tat-taxxa huma komuni ħafna;

1. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fin-Nikaragwa li qed tiddeterjora b'mod kostanti u jiddeplora l-attakki u l-atti ta' fastidju li l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u l-membri tagħhom u l-ġurnalisti indipendenti ġew soġġetti għalihom minn individwi, forzi politiċi u korpi marbuta mal-Istat;

2. Iħeġġeġ lill-gvern ma jibqax jagħti fastidju u juża atti ta' rappreżalja kontra Francisca Ramirez u difensuri oħra tad-drittijiet tal-bniedem talli jwettqu l-ħidma leġittima tagħhom; jistieden lill-awtoritajiet tan-Nikaragwa jtemmu l-impunità tal-awturi ta' delitti kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; jappoġġja d-dritt tad-difensuri tal-ambjent u tad-drittijiet tal-bniedem li jesprimu l-protesta tagħhom mingħajr ritaljazzjoni; jistieden lin-Nikaragwa biex tvara b'mod effikaċi valutazzjoni indipendenti tal-impatt ambjentali qabel ma tieħu passi ulterjuri u biex tagħmel il-proċess kollu pubbliku;

3. Jistieden lill-Gvern tan-Nikaragwa jirrispetta l-obbligi internazzjonali tiegħu rigward id-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari d-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni, iffirmata fl-2008, u l-Konvenzjoni 169 tal-ILO;

4. Jistieden lill-Gvern tan-Nikaragwa jipproteġi l-artijiet tal-popli indiġeni mill-impatt ta' megaproġetti ta' żvilupp li jaffettwaw il-kapaċità ta' sostenn tal-ħajja tat-territorji tagħhom, filwaqt li jqiegħdu lill-komunitajiet indiġeni f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt u jesponuhom għall-prattika tal-vjolenza;

5. Huwa imħasseb immens dwar it-tkeċċija tal-membri tal-oppożizzjoni mill-Assemblea Nazzjonali tan-Nikaragwa u dwar id-deċiżjoni li biddlet l-istruttura tat-tmexxija tal-partit tal-oppożizzjoni;

6. Jistieden lin-Nikaragwa tirrispetta bis-sħiħ il-valuri demokratiċi, inkluża s-separazzjoni tal-poteri, u treġġa' lura l-pożizzjoni tal-partiti kollha tal-oppożizzjoni politika billi tippermetti fehmiet kritiċi fis-sistema politika u fis-soċjetà inġenerali; ifakkar li l-parteċipazzjoni sħiħa tal-oppożizzjoni, id-depolarizzazzjoni tal-ġudikatura, it-tmiem tal-impunità, u soċjetà ċivili indipendenti huma fatturi essenzjali għas-suċċess ta' kwalunkwe demokrazija;

7. Ifakkar fil-passi illegali meħuda bi ksur tas-sistema ġudizzjarja li rriżultaw f'bidliet kostituzzjonali biex jitneħħew il-limiti tal-kariga presidenzjali, u li jippermettu lil Daniel Ortega jibqa' fil-poter għal ħafna snin;

8. Jirrimarka li l-elezzjonijiet fl-2011 u fl-2016 kienu kkritikati ferm għall-irregolaritajiet tagħhom mill-istituzzjonijiet tal-UE u mill-OAS; jinnota li bħalissa għaddej proċess ta' djalogu mal-OAS u li l-Memorandum ta' Qbil għandu jiġi ffirmat sat-28 ta' Frar 2017, u dan jista' jtejjeb is-sitwazzjoni;

9. Jafferma mill-ġdid li l-libertà tal-istampa u l-libertà tal-media huma elementi vitali għad-demokrazija u għal soċjetà miftuħa; jistieden lill-awtoritajiet tan-Nikaragwa jerġgħu jdaħħlu l-pluralità tal-media;

10. Jirrimarka li, fid-dawl tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi tal-Amerka Ċentrali, in-Nikaragwa trid tiġi mfakkra fil-ħtieġa li tirrispetta l-prinċipji tal-istat tad-dritt, tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem, kif osservati u promossi mill-UE; iħeġġeġ lill-UE tissorvelja s-sitwazzjoni u, jekk ikun meħtieġ, tivvaluta l-miżuri potenzjali li għandhom jittieħdu;

11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lis-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani, lill-Assemblea Parlamentari Ewro-Latino-Amerikana, lill-Parlament tal-Amerka Ċentrali, u lill-Gvern u lill-Parlament tar-Repubblika tan-Nikaragwa.

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

P8_TA(2017)0044

Eżekuzzjonijiet fil-Kuwajt u fil-Bahrain

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2017 dwar l-eżekuzzjonijiet fil-Kuwajt u fil-Bahrain (2017/2564(RSP))

(2018/C 252/20)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Bahrain, b'mod partikolari dawk tal-4 ta' Frar 2016 dwar il-każ ta' Mohammed Ramadan ([1]) u tas-7 ta' Lulju 2016 dwar il-Bahrain ([2]), u dik tat-8 ta' Ottubru 2015 dwar il-piena tal-mewt ([3]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-15 ta' Jannar 2017 tal-kelliem tal-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) Federica Mogherini dwar l-eżekuzzjonijiet imwettqa fil-Bahrain, u dik tal-25 ta' Jannar 2017 dwar l-eżekuzzjonijiet reċenti fl-Istat tal-Kuwajt,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tal-10 ta' Ottubru 2015 tal-VP/RGħ Federica Mogherini, f'isem l-UE, u s-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, Thorbjørn Jagland, dwar il-Jum Ewropew u Dinji kontra l-Piena tal-Mewt,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-25 ta' Jannar 2017 tar-Rapporteurs Speċjali tan-NU dwar l-Eżekuzzjonijiet Extraġudizzjarji, Sommarji jew Arbitrarji, Agnes Callamard, u dwar it-Tortura u Trattamenti jew Pieni Oħra Krudili, Inumani jew Degradanti, Nils Melzer, li titlob b'urġenza lill-Gvern tal-Bahrain ma jkomplix għaddej b'eżekuzzjonijiet ġodda, u d-dikjarazzjoni tas-17 ta' Jannar 2017 tal-kelliem tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem, Rupert Colville, dwar il-Bahrain,

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar il-Piena tal-Mewt, dwar it-Tortura, dwar il-Libertà ta' Espressjoni u dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra l-Qafas Strateġiku u l-Pjan ta' Azzjoni l-ġodda tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, li għandhom l-għan li jqiegħdu l-protezzjoni u s-sorveljanza tad-drittijiet tal-bniedem fil-qalba tal-politiki kollha tal-UE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Protokolli 6 u 13 tagħha,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 1 u 2 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri tagħha u l-pajjiżi tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni għall-Istati Għarab tal-Golf (GCC) tal-1988,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-25 Kunsill Konġunt u Laqgħa Ministerjali UE-GCC tat-18 ta' Lulju 2016,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar il-moratorju fuq l-użu tal-piena tal-mewt, b'mod partikolari dik tat-18 ta' Diċembru 2014 u l-iktar waħda reċenti tad-19 ta' Diċembru 2016,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra, il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Karta Għarbija tad-Drittijiet tal-Bniedem, li għalihom kollha l-Kuwajt u l-Bahrain huma firmatarji,

([1]) Testi adottati, P8_TA(2016)0044.
([2]) Testi adottati, P8_TA(2016)0315.
([3]) Testi adottati, P8_TA(2015)0348.

— wara li kkunsidra s-salvagwardji li jiggarantixxu l-protezzjoni tad-drittijiet ta' dawk li jiffaċċjaw il-piena tal-mewt, approvati permezz tar-Riżoluzzjoni 1984/50 tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-25 ta' Mejju 1984,

— wara li kkunsidra l-osservazzjonijiet konklużivi tal-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU dwar it-tielet rapport perjodiku tal-Kuwajt tal-11 ta' Awwissu 2016,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tagħha,

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR), b'mod partikolari l-Artikolu 18 tiegħu u t-tieni protokoll fakultattiv tiegħu dwar il-piena tal-mewt, kif ukoll il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjonijiet tan-NU tal-1954 dwar l-Istatus ta' Persuni Apolidi u tal-1961 dwar it-Tnaqqis tal-Apolidija,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 135(5) u 123(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi, skont l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR), iktar minn 160 stat membru tan-NU, li għandhom varjetà ta' ordinamenti ġuridiċi, tradizzjonijiet, kulturi u sfondi reliġjużi, jew abolixxew il-piena tal-mewt jew inkella ma japplikawhiex;

B. billi fil-25 ta' Jannar 2017 l-awtoritajiet tal-Kuwajt wettqu l-eżekuzzjoni ta' seba' persuni, inkluż membru tal-familja rjali: Mohammad Shahed Mohammad Sanwar Hussain, Jakatia Midon Pawa, Amakeel Ooko Mikunin, Nasra Youseff Mohammad al-Anzi, Sayed Radhi Jumaa, Sameer Taha Abdulmajed Abduljaleel u Faisal Abdullah Jaber Al Sabah, li ħafna minnhom instabu ħatja ta' qtil; billi ħamsa mill-priġunieri kienu ċittadini barranin: żewġ Eġizzjani, wieħed Bangladeshi, wieħed Filippin u wieħed Etjopjan, u tlieta minnhom kienu nisa; billi dawn kienu l-ewwel eżekuzzjonijiet li saru fil-pajjiż sa mill-2013, meta l-awtoritajiet Kuwajtin wettqu l-eżekuzzjoni ta' ħames persuni wara moratorju ta' sitt snin;

C. billi ċ-Ċentru tal-Golf għad-Drittijiet tal-Bniedem u organizzazzjonijiet oħra attivi fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem iddokumentaw ksur ta' proċess ġust fis-sistema tal-ġustizzja kriminali tal-Kuwajt li għamilha diffiċli għall-imputati li jirċievu proċess ġust; billi l-ħaddiema domestiċi barranin huma partikolarment vulnerabbli minħabba nuqqas ta' protezzjoni soċjali u legali;

D. billi fil-15 ta' Jannar 2017 il-Bahrain wettaq l-eżekuzzjoni ta' Ali Al-Singace, Abbas Al-Samea u Sami Mushaima permezz ta' fuċilazzjoni, u b'hekk temm moratorju ta' sitt snin;

E. billi, skont l-OHCHR, l-eżekuzzjonijiet twettqu bi ksur serju tal-istandards ta' proċess ġust; billi t-tlett irġiel ġew akkużati b'ibbumbardjar f'Manama fl-2014 li qatel diversi persuni, inklużi tliet uffiċjali tal-pulizija; billi, madankollu, it-tliet akkużati ġew allegatament ittorturati biex jagħmlu konfessjonijiet li mbagħad intużaw bħala evidenza primarja għall-kundanni tagħhom; billi dawn tneħħitilhom in-nazzjonalità tagħhom, ġew miċħuda l-aċċess għal avukat u sarulhom eżekuzzjonijiet inqas minn ġimgħa wara l-verdett, mingħajr ma ngħatat ebda informazzjoni minn qabel lill-familji tagħhom u mingħajr ma ngħataw ebda ċans biex japplikaw għal maħfra;

F. billi r-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar l-Eżekuzzjonijiet Extraġudizzjarji, Sommarji jew Arbitrarji ddikjarat dawn l-eżekuzzjonijiet bħala "qtil extraġudizzjarju" fuq il-bażi li t-tlett irġiel ma ngħatawx id-drittijiet għal proċess ġust kif minquxa fl-Artikolu 14 tal-ICCPR;

G. billi l-OHCHR qal li kien "ixxukkjat" bl-eżekuzzjonijiet u li kien hemm "dubji serji" li l-irġiel irċevew proċess ġust;

H. billi żewġt irġiel oħra, Mohammed Ramadan u Hussein Moussa, ukoll qed jiffaċċjaw il-piena tal-mewt fil-Bahrain; billi ż-żewġt irġiel jallegaw li kienu ttorturati biex jikkonfessaw b'mod falz għal delitti kapitali u tista' titwettaq eżekuzzjoni fuqhom f'kull mument;

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

I. billi ċ-ċittadin Bahraini-Daniż Abdulhadi al-Khawaja, direttur fundatur taċ-Ċentru tal-Golf għad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll Khalil Al Halwachi, għalliem tal-matematika li qabel kien jgħix l-Iżvezja, għadhom il-ħabs minħabba akkużi relatati mal-espressjoni paċifika tal-opinjoni tagħhom;

1. Jiddeplora bil-qawwa d-deċiżjoni tal-Kuwajt u tal-Bahrain li jmorru lura għall-prattika tal-piena kapitali; itenni l-kundanna tiegħu kontra l-użu tal-piena tal-mewt, u jappoġġja bis-sħiħ l-introduzzjoni ta' moratorju fuq il-piena tal-mewt bħala pass favur it-tneħħija tagħha;

2. Jistieden lill-Maestà Tiegħu Sheikh Hamad bin Isa Al Khalifa tal-Bahrain biex ma jipproċedix bl-eżekuzzjonijiet ta' Mohamed Ramadan u ta' Hussein Moosa, u jistieden lill-awtoritajiet Bahrainin jiżguraw proċess mill-ġdid f'konformità mal-istandards internazzjonali; ifakkar li l-allegazzjonijiet kollha ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa matul il-proċedimenti jridu jiġu investigati kif xieraq;

3. Jenfasizza li l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi espressament jipprojbixxu l-piena tal-mewt għal reati mwettqa minn persuni taħt l-età ta' 18-il sena;

4. Jistieden lill-Gvernijiet tal-Kuwajt u tal-Bahrain biex joħorġu stedina immedjata u miftuħa lir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar it-Tortura u Trattamenti jew Pieni Oħra Krudili, Inumani jew Degradanti ħalli jwettaq żjara fil-pajjiż, u biex jippermettu aċċess bla xkiel għad-detenuti u għall-postijiet kollha ta' detenzjoni;

5. Ifakkar li l-UE topponi l-piena kapitali u tqisha bħala kastig krudili u inuman li jonqos milli jaġixxi bħala deterrent għall-imġiba kriminali u huwa irriversibbli f'każ ta' żball;

6. Jistieden lill-Kuwajt u lill-Bahrain jiffirmaw u jirratifikaw it-Tieni Protokoll Fakultattiv tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi mmirat lejn l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt;

7. Iħeġġeġ lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u lill-Istati Membri jkomplu jiġġieldu kontra l-użu tal-piena tal-mewt; iħeġġeġ bil-qawwa lill-Bahrain u lill-Kuwajt jikkonformaw mal-istandards minimi internazzjonali u jnaqqsu l-kamp ta' applikazzjoni u l-użu tal-piena tal-mewt; iħeġġeġ lis-SEAE biex jibqa' viġilanti fir-rigward tal-iżviluppi f'dawn iż-żewġ pajjiżi u fir-reġjun tal-Golf b'mod ġenerali u biex juża l-mezzi kollha ta' influwenza għad-dispożizzjoni tiegħu;

8. Jafferma mill-ġdid li l-attivitajiet tal-intrapriżi Ewropej li joperaw f'pajjiżi terzi għandhom ikunu kompletament konformi mal-istandards internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem; jikkundanna bil-qawwa l-ftehimiet dwar il-kummerċ tal-armi u ta' teknoloġiji użati biex jinkisru d-drittijiet tal-bniedem

9. Iħeġġeġ lis-SEAE u lill-Istati Membri biex jintervjenu quddiem il-Gvern Bahraini ħalli jappellaw għall-ħelsien ta' Nabeel Rajab u ta' dawk kollha miżmuma unikament fuq il-bażi li eżerċitaw paċifikament il-libertà tagħhom ta' espressjoni u ta' assemblea, u biex iħeġġu lill-Gvern tal-Bahrain iwaqqaf l-użu eċċessiv tal-forza kontra d-dimostranti jew il-prattika tar-revoka arbitrarja taċ-ċittadinanza,

10. Jappella għall-ħelsien ta' Abdulhadi al-Khawija u Khalil Al Halwachi;

11. Jistieden lill-Gvern Bahraini jimplimenta bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapport tal-Kummissjoni ta' Inkjesta Indipendenti tal-Bahrain (BICI), l-Eżami Perjodiku Universali u l-Istituzzjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bnedmin; iħeġġeġ ukoll l-isforzi ta' riforma fil-Kuwajt;

12. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Bahrain ikomplu d-djalogu ta' kunsens nazzjonali bil-għan li tinstab rikonċiljazzjoni nazzjonali dejjiema u inklużiva kif ukoll soluzzjonijiet politiċi sostenibbli għall-kriżi; jinnota li fi proċess politiku sostenibbli, kritika leġittima u paċifika għandha tkun tista' tiġi espressa liberament;

13. Jieħu nota tal-protesti li qed isiru fil-Bahrain biex ifakkru s-sitt anniversarju tar-rewwixta tal-2011; jistieden lill-awtoritajiet tal-Bahrain jiżguraw li l-forzi tas-sigurtà jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet ta' dimostranti paċifiċi u joqogħdu lura mill-użu eċċessiv tal-forza, detenzjonijiet arbitrarji, tortura u atti oħrajn li jiksru d-drittijiet tal-bniedem;

14. Iħeġġeġ id-djalogu u inizjattivi bilaterali u multilaterali bejn l-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri tagħha u l-pajjiżi tal-Golf inklużi l-Kuwajt u l-Bahrain dwar kwistjonijiet relatati mad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll f'oqsma oħra ta' interess reċiproku; jistieden lis-SEAE u lill-VP/RGħ Federica Mogherini jinsistu dwar l-istabbiliment ta' djalogu formali dwar id-drittijiet tal-bniedem mal-awtoritajiet tal-Kuwajt u tal-Bahrain, skont il-Linji Gwida tal-UE dwar Djalogi fuq id-Drittijiet tal-Bniedem;

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Gvern u lill-Parlament tar-Renju tal-Bahrain, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Istat tal-Kuwajt u lill-membri tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf.

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

P8_TA(2017)0045

Gwatemala, b'mod partikolari s-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2017 dwar il-Gwatemala, partikolarment is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem (2017/2565(RSP))

(2018/C 252/21)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-konvenzjonijiet tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-protokolli fakultattivi tagħhom,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Karta Soċjali Ewropea u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE,

— wara li kkunsidra l-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp ta' Diċembru 2005,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi riżoluzzjonijiet tiegħu dwar dibattiti fuq każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-15 ta' Marzu 2007 dwar il-Gwatemala ([1]) u tal-11 ta' Diċembru 2012 ([2]) dwar il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Amerika Ċentrali,

— wara li kkunsidra ż-żjara tas-sottokumitat dwar id-Drittijiet Umani fil-Messiku u fil-Gwatemala ta' Frar 2016 u r-rapport finali tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tad-Delegazzjoni għar-relazzjonijiet mal-pajjiżi tal-Amerika Ċentrali dwar iż-żjara tagħha fil-Gwatemala u fil-Honduras mis-16 sal-20 ta' Frar 2015,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Jannar 2016 dwar il-prijoritajiet tal-UE għas-sessjonijiet tal-UNHCR fl-2016 ([3]),

— wara li kkunsidra r-rapport tar-Rapporteur Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-theddid globali li qed iħabbtu wiċċhom miegħu d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, u dwar is-sitwazzjoni tan-nisa difensuri tad-drittijiet tal-bniedem,

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-2016 tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem dwar l-attivitajiet tal-uffiċċju tiegħu fil-Gwatemala,

— wara li kkunsidra ż-żjara reċenti mir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem fil-Gwatemala,

— wara li kkunsidra l-Patt tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tal-1966,

— wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija (2015-2019),

— wara li kkunsidra l-Pjan Direzzjonali tal-UE għall-Impenn mas-Soċjetà Ċivili f'Pajjiżi Sħab 2014-2017,

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE għall-Protezzjoni tad-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Qafas Strateġiku dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, li jagħti impenn li jkun attiv fil-qasam tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem,

([1]) ĠU C 301 E, 13.12.2007, p. 257.
([2]) ĠU C 434, 23.12.2015, p. 181.
([3]) Testi adottati, P8_TA(2016)0020.

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni 26/9 tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU tas-26 ta' Ġunju 2014, li fiha l-UNHRC ddeċieda li jistabbilixxi grupp ta' ħidma intergovernattiv miftuħ inkarigat li jfassal strument ġuridikament vinkolanti f'livell internazzjonali dwar il-korporazzjonijiet transnazzjonali u impriżi kummerċjali oħra fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol tal-1989 dwar il-Popli Indiġeni u Tribali f'Pajjiżi Indipendenti (Konvenzjoni tal-ILO 169),

— wara li kkunsidra l-klawsoli dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Amerika Ċentrali u l-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni (FSK) UE-Amerika Ċentrali, fis-seħħ mill-2013;

— wara li kkunsidra l-Programm Indikattiv Pluriennali 2014-2020 għall-Gwatemala, u l-impenn tiegħu li jikkontribwixxi għar-riżoluzzjoni tal-kunflitti, għall-paċi u għas-sigurtà,

— wara li kkunsidra l-programmi ta' appoġġ tal-Unjoni Ewropea għas-settur tal-ġustizzja fil-Gwatemala, partikolarment is-SEJUST,

— wara li kkunsidra s-sentenza tal-2014 tal-Qorti Inter-Amerikana tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawża tad-*Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem et al. vs. il-Gwatemala*, u r-rapport tal-Kummissjoni Inter-Amerikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Gwatemala (OEA/Ser.L/V/II. Doc. 43/15) tal-31 ta' Diċembru 2015,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 25 tar-Regoli ta' Proċedura dwar il-miżuri ta' prekawzjoni tal-Kummissjoni Inter-Amerikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2009 dwar l-Appoġġ għad-Demokrazija fir-Relazzjonijiet Esterni tal-UE,

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-Kunsill tal-2009 dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Dritt Umanitarju Internazzjonali,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tad-9 ta' Diċembru 2016 mir-Rappreżentant Għoli Federica Mogherini f'isem l-Unjoni Ewropea f'Jum id-Drittijiet tal-Bniedem, l-10 ta' Diċembru 2016,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tas-17 ta' Awwissu 2016 mill-Kelliem tas-SEAE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-Gwatemala,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Santo Domingo tal-Laqgħa Ministerjali bejn l-UE u s-CELAC tal-25 u s-26 ta' Ottubru 2016,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-1 ta' Frar 2017 tal-Grupp ta' Tlettax dwar it-tisħiħ tal-istat tad-dritt u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-impunità,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 3(5), 18, 21, 27 u 47 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u l-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 135 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Gwatemala hija t-tielet l-akbar riċevitur ta' assistenza bilaterali għall-iżvilupp tal-UE fl-Amerika Ċentrali, fejn din l-għajnuna tammonta għal EUR 187 miljun għall-perjodu 2014-2020 u tiffoka fuq is-sigurtà tal-ikel, ir-riżoluzzjoni tal-kunflitti, il-paċi, is-sigurtà u l-kompetittività;

B. billi l-Gwatemala tinsab f'pożizzjoni strateġika fuq ir-rotta tal-forniment tad-drogi u tal-migrazzjoni illegali bejn l-Amerika Ċentrali u l-Istati Uniti; billi l-persuni mill-Gwatemala jibqgħu it-tieni l-akbar grupp ta' persuni deportati mill-Istati Uniti; billi għexieren ta' snin ta' kunflitt intern, rati għolja ta' faqar u kultura profonda ta' impunità wasslu għal livelli sostnuti ta' vjolenza u theddid għas-sigurtà fil-Gwatemala; billi s-soċjetà kollha hija affettwata minn rati għolja ta' kriminalità, iżda b'mod l-aktar speċifiku d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, l-NGOs u l-awtoritajiet lokali;

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

C. billi l-2017 timmarka l-20 anniversarju tal-Ftehimiet ta' Paċi għall-Gwatemala; billi l-ġlieda kontra l-impunità, inklużi r-reati serji mwettqa taħt l-eks reġimi mhux demokratiċi, hija essenzjali; billi hemm bżonn li l-awtoritajiet tal-Gwatemala jibagħtu messaġġ ċar lill-awturi fiżiċi u intellettwali tal-vjolenza kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li azzjonijiet bħal dawn se jiġu kkastigati;

D. billi erbatax-il omiċidji u seba' attentati ta' qtil ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-Gwatemala ġew irreġistrati bejn Jannar u Novembru 2016 mill-Unità għall-Protezzjoni tad-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Gwatemala (UDEFEGUA); billi, skont l-istess sorsi, fl-2016 kien hemm 223 aggressjoni inġenerali kontra difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi 68 kawża ġuridika ġdida miftuħa kontra difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; billi d-difensuri tad-drittijiet ambjentali u tal-art u dawk li jaħdmu fuq il-ġustizzja u l-impunità kienu l-aktar kategoriji fil-mira minn fost id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem;

E. billi fl-2017 diġà seħħ il-qtil tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem Laura Leonor Vásquez Pineda u Sebastián Alonzo Juan, minbarra l-ġurnalisti li ġew irrappurtati li nqatlu fl-2016 – Victor Valdés Cardona, Diego Esteban Gaspar, Roberto Salazar Barahona u Winston Leonardo Túnchez Cano;

F. billi s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem għadha serja ħafna; billi s-sitwazzjoni tan-nisa u n-nies indiġeni, b'mod speċjali dawk li jiddefendu d-drittijiet tal-bniedem, u dik tal-migranti, hija kwistjoni ta' tħassib serju, kif huma wkoll kwistjonijiet oħra bħall-aċċess għall-ġustizzja, il-kondizzjonijiet fil-ħabsijiet, l-aġir tal-pulizija u allegazzjonijiet ta' tortura, aggravati minn korruzzjoni, kollużjoni u impunità mifruxa ħafna;

G. billi l-Gwatemala rratifikat il-Konvenzjonijiet 169 tal-ILO dwar il-Popli Indiġeni u Tribali u l-Konvenzjoni 87 dwar il-Libertà ta' Assoċjazzjoni u l-Protezzjoni tad-Dritt ta' Organizzazzjoni; billi hemm xi sinjali pożittivi, bħal pereżempju l-ħolqien tal-Mesa Sindical del Ministerio Público; billi l-leġiżlazzjoni tal-Gwatemala ma tinkludix obbligu dwar it-twettiq ta' konsultazzjoni minn qabel, libera u infurmata mal-komunitajiet indiġeni, kif stipulat fil-Konvenzjoni 169 tal-ILO;

H. billi tal-Qorti Inter-Amerikana tad-Drittijiet tal-Bniedem ħarġet sentenza vinkolanti fl-2014 li tappella għal politika pubblika għall-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; billi għaddej il-proċess ta' konsultazzjoni ffinanzjat mill-UE għall-ħolqien tal-politika msemmija;

I. billi l-Prinċipji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem japplikaw għall-Istati kollha u għall-impriżi kummerċjali kollha, kemm transnazzjonali kif ukoll ta' natura oħra, indipendentement mid-daqs, mis-settur, mill-post, mis-sjieda u mill-istruttura tagħhom, għad li mekkaniżmi effettivi ta' kontroll u ta' sanzjonijiet għadhom jirrappreżentaw sfida fl-implimentazzjoni ta' dawn il-Prinċipji Gwida tan-NU fil-livell dinji; billi s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Gwatemala ser tiġi rieżaminata f'Novembru 2017 fil-qafas tal-Mekkaniżmu tal-Eżami Perjodiku Universali (EPU) tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem (KDB);

J. billi tal-Ombudsman tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Gwatemala, il-Ministeru Pubbliku u l-ġudikatura ħadu passi importanti kontra l-impunità u favur ir-rikonoxximent tad-drittijiet tal-bniedem;

K. billi l-Gwatemala ħadet xi passi pożittivi, bħalma hi l-estensjoni tal-mandat tas-CICIG (Kummissjoni Internazzjonali kontra l-Impunità fil-Gwatemala) sal-2019; billi f'Ottubru 2016, ġiet ippreżentata lill-Kungress mill-Presidenti tal-Eżekuttiv, tal-Kungress u tas-sistema ġudizzjarja tal-Gwatemala proposta għar-riforma kostituzzjonali tas-settur tal-ġustizzja bbażata, *inter alia*, fuq diskussjonijiet madwar mejda mas-soċjetà ċivili, u għandha l-għan li ssaħħaħ is-sistema tal-ġustizzja abbażi ta' prinċipji bħalma huma l-karriera ġudizzjarja, il-pluraliżmu ġuridiku u l-indipendenza tal-ġudikatura;

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

L. billi kampanja mmirata ta' fastidju kienet ta' impediment għal għadd ta' kawżi emblematiċi li jinvolvu l-korruzzjoni u l-ġustizzja transizzjonali, fejn difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jaħdmu f'dan il-kuntest, inklużi mħallfin u avukati, iffaċċjaw intimidazzjoni u lmenti legali foloz; billi Iván Velasquez, Direttur tal-Kummissjoni Internazzjonali kontra l-Impunità fil-Gwatemala (CICIG),li hija rikonoxxuta internazzjonalment, qed iħabbat wiċċu ma' akkużi u huwa suġġett għal kampanja ta' malafama li għadha għaddejja; billi kawżi emblematiċi fil-qasam tal-ġustizzja transizzjonali qed jimxu 'l quddiem, bħal dawk li jinvolvu lil Molina Theissen u CREOMPAZ, jew dawk dwar il-korruzzjoni fil-kawżi tal-La Linea y Coparacha, fost oħrajn;

M. billi xi Stati Membri tal-UE għadhom ma rratifikawx il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Amerika Ċentrali, li jfisser li l-pilastru tad-'Djalogu Politiku' għadu ma daħalx fis-seħħ; billi d-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt jinsabu fil-qalba tal-politika ta' azzjoni esterna tal-UE, flimkien mal-iżvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli;

1. Jikkundanna bl-aktar mod qawwi l-qtil reċenti ta' Laura Leonor Vásquez Pineda, Sebastian Alonzo Juan u l-ġurnalisti Victor Valdés Cardona, Diego Esteban Gaspar, Roberto Salazar Barahona u Winston Leonardo Túnchez Cano, kif ukoll kull wieħed mill-14-il assassinju ta' difensuri oħra tad-drittijiet tal-bniedem fil-Gwatemala mwettqa fl-2016; jestendi l-kondoljanzi sinċiera tiegħu lill-familji u lill-ħbieb ta' dawk id-difensuri kollha tad-drittijiet tal-bniedem;

2. Jenfasizza t-tħassib tiegħu li l-atti kontinwi ta' vjolenza u n-nuqqas ta' sigurtà għandhom impatt negattiv fuq kemm id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem huma kapaċi jwettqu l-attivitajiet tagħhom b'mod sħiħ u liberu; jagħti ġieħ lid-difensuri kollha tad-drittijiet tal-bniedem fil-Gwatemala u jitlob li ssir investigazzjoni immedjata, indipendenti, oġġettiva u bir-reqqa dwar id-delitti ta' qtil imsemmija hawn fuq u d-delitti ta' qtil preċedenti; jenfasizza li soċjetà ċivili vibranti hija essenzjali sabiex l-istat fil-livelli kollha tiegħu isir aktar obbligat li jagħti rendikont, aktar risponsiv, inklużiv, effikaċi u għalhekk iżjed leġittimu;

3. Jilqa' l-isforzi tal-Gwatemala fil-ġlieda tagħha kontra l-kriminalità organizzata, u jitlob li dawn l-isforzi jiġu intensifikati u jirrikonoxxi d-diffikultà enormi li hija tiffaċċja biex tipprovdi s-sigurtà u l-libertà liċ-ċittadini kollha tagħha f'sitwazzjoni ta' vjolenza strutturali bħalma hi dik ġenerata min-narkotiċi; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri tal-UE jipprovdu l-mezzi tekniċi u baġitarji lill-Gwatemala sabiex jassistuha fil-ġlieda tagħha kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, u jagħtu prijorità lil dawn l-isforzi fil-programmi ta' kooperazzjoni bilaterali;

4. Ifakkar fil-ħtieġa li tiġi żviluppata politika pubblika għall-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, kif iddikjarat mill-Qorti Inter-Amerikana tad-Drittijiet tal-Bniedem (IACHR) fl-2014; jieħu nota tad-Djalogu Nazzjonali li ġie varat dan l-aħħar, jistieden lill-awtoritajiet tal-Gwatemala jiżguraw li l-politika pubblika tiġi żviluppata permezz ta' proċess parteċipattiv wiesa' u li tindirizza l-kawżi strutturali li jżidu l-vulnerabbiltà tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, u jistieden lill-komunità kummerċjali tappoġġja dawn l-isforzi;

5. Jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni mid-Delegazzjoni tal-UE fil-Gwatemala li tikkontribwixxi finanzjarjament għall-proċess ta' diskussjoni u ta' konsultazzjoni dwar programm bħal dan u jinkoraġġixxi lid-Delegazzjoni tal-UE tkompli bl-appoġġ tagħha għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-awtoritajiet kompetenti jfasslu u jimplimentaw politika pubblika biex jipproteġu lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem b'kooperazzjoni mill-qrib ma' firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati, u jkomplu fit-triq tar-riformi lejn ġudikatura indipendenti, il-ġlieda kontra l-impunità u l-konsolidazzjoni tal-istat tad-dritt;

6. Jitlob li jiġu implimentati b'mod urġenti u mandatarju l-miżuri ta' prekawzjoni rrakkomandati mill-Kummissjoni Inter-Amerikana tad-Drittijiet tal-Bniedem (IACHR), u jistieden lill-awtoritajiet jaqilbu d-deċiżjoni li b'mod unilaterali tneħħi l-miżuri ta' prekawzjoni nazzjonali li jibbenefikaw lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem;

7. Ifakkar fir-riżultati tat-93 konsultazzjoni komunitarja li twettqu bi skop tajjeb fl-2014 u l-2015; ifakkar li bħalissa hemm għaddej proċess parteċipattiv u jistieden lill-awtoritajiet tal-Gwatemala jaċċeleraw il-proċeduri biex jiżguraw l-istabbiliment ta' mekkaniżmu nazzjonali għall-konsultazzjoni minn qabel, libera u infurmata, kif previst skont l-ILO 169; jistieden lill-Gvern tal-Gwatemala jvara konsultazzjonijiet soċjali usa' dwar l-impjanti idroelettriċi, il-proġetti ta' tħaffir ta' minjieri u l-kumpaniji taż-żejt, u jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jiżguraw li l-ebda assistenza Ewropea jew appoġġ Ewropew ma jippromwovu jew jippermettu proġetti ta' żvilupp mingħajr ma jissodisfaw l-obbligu tal-konsultazzjoni minn qabel, libera u infurmata mal-komunitajiet indiġeni;

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

8. Jilqa' l-inizjattiva dwar riforma tas-sistema ġudizzjarja ppreżentata mill-eżekuttiv, mill-ġudikatura u mis-setgħat leġiżlattivi lill-Kungress sabiex tkompli tiġi żviluppata ulterjorment sistema ġudizzjarja demokratika professjonali bbażata fuq indipendenza ġudizzjarja effettiva; jitlob li jsiru sforzi konġunti mill-Kungress tal-Gwatemala bl-għan li r-riforma ġudizzjarja tiġi konkluża fl-intier tagħha u f'integrità sħiħa fl-2017; għal dak l-għan, jistieden lill-awtoritajiet tal-Gwatemala jallokaw biżżejjed fondi u riżorsi umani lill-ġudikatura u b'mod partikolari lill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali; jappoġġja l-ħidma importanti tal-Kummissjoni Internazzjonali kontra l-Impunità fil-Gwatemala (CICIG);

9. Jilqa' s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti tal-Appell li biha hija reġgħet ikkonfermat in-nonapplikabilità tal-limitazzjonijiet statutorji għad-delitt tal-ġenoċidju u delitti kontra l-umanità fil-proċess tal-eks dittatur is-Sur Rios Montt bħala avveniment importanti fil-ġlieda kontra l-impunità;

10. Jistieden lill-Istat tal-Gwatemala jikkoopera mal-mekkaniżmu tal-Eżami Perjodiku Universali u jieħu l-passi kollha xierqa biex jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet tiegħu;

11. Jitlob lill-Unjoni Ewropea tappoġġja lill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali; iwarrab bil-qawwa kwalunkwe tip ta' pressjoni, intimidazzjoni u influwenza li tippreġudika l-indipendenza, il-pluraliżmu legali u l-oġġettività; iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Gwatemala jkomplu jrawmu l-kooperazzjoni bejn l-Unità tal-Ministeru tal-Intern għall-Analiżi ta' Attakki kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u t-Taqsima tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali;

12. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jaħdmu lejn il-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonalment vinkolanti, li se jsaħħu l-konformità mad-drittijiet tal-bniedem, speċifikament fil-każ ta' kumpaniji bbażati fl-UE li joperaw f'pajjiżi terzi;

13. Jistieden lil dawk l-Istati Membri li għadhom ma rratifikawx il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Amerika Ċentrali, biex jagħmlu dan minnufih; jitlob lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri tagħha jagħmlu użu mill-mekkaniżmi stabbiliti fil-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni u ta' Djalogu Politiku biex iħeġġu bil-qawwa lill-Gwatemala ssegwi aġenda ambizzjuża tad-drittijiet tal-bniedem u l-ġlieda kontra l-impunità; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jallokaw biżżejjed fondi u għajnuna teknika għal dan il-kompitu;

14. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani (OAS), lill-Assemblea Parlamentari Ewro-Latino-Amerikana, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament tar-Repubblika tal-Gwatemala, lis-SIECA u lill-Parlacen.

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

P8_TA(2017)0048

Evoluzzjonijiet u aġġustamenti possibbli tal-istruttura istituzzjonali attwali tal-Unjoni Ewropea

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2017 dwar evoluzzjonijiet u aġġustamenti possibbli tal-istruttura istituzzjonali attwali tal-Unjoni Ewropea (2014/2248(INI))

(2018/C 252/22)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra b'mod partikolari l-Artikoli 1, 2, 3, 6, 9, 10, 14, 15, 16, 17, 48 u 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (it-TUE) u l-Artikoli 119, 120-126, 127-133, 136-138, 139-144, 194 u 352 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE) u l-Protokolli tagħhom,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-rapport tat-22 ta' Ġunju 2015 tal-President tal-Kummissjoni Ewropea, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Presidenti tal-Kunsill Ewropew, il-Parlament Ewropew, il-Bank Ċentrali Ewropew u l-Grupp tal-Euro bit-titolu "Nikkompletaw l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Ewropa" ("ir-Rapport tal-Ħames Presidenti") ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tad-19 ta' Novembru 2013 dwar l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) għas-snin 2014-2020 ([2]), u d-deċiżjoni tiegħu tad-19 ta' Novembru 2013 dwar il-konklużjoni ta' ftehim interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba ([3]),

— wara li kkunsidra l-QFP ([4]) u l-Ftehim Interistituzzjonali ([5]) kif adottati fit-2 ta' Diċembru 2013,

— wara li kkunsidra r-rapport finali u r-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar ir-Riżorsi Proprji ta' Diċembru 2016 ([6]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-18-19 ta' Frar 2016 dwar soluzzjoni ġdida għar-Renju Unit fi ħdan l-Unjoni Ewropea, li saret bla effett bid-deċiżjoni tar-Renju Unit li jħalli l-Unjoni,

— wara li kkunsidra l-votazzjoni fir-referendum tar-Renju Unit dwar is-sħubija mal-UE biex iħalli l-UE,

— wara li kkunsidra l-Ewrobarometru Standard 84 tal-Ħarifa 2015 bit-titolu "L-opinjoni pubblika fl-Unjoni Ewropea" u l-Barometru Speċjali tal-Parlament Ewropew ta' Ġunju 2016 bit-titolu "L-Ewropej fl-2016: Il-perċezzjonijiet u l-aspettattivi, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u r-radikalizzazzjoni",

— wara li kkunsidra l-Opinjoni 2/13 tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea rigward l-abbozz ta' ftehim li jipprevedi l-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ("Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem" – KEDB) ([7]),

([1]) https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/5-presidents-report_mt.pdf
([2]) ĠU C 436, 24.11.2016, p. 49.
([3]) ĠU C 436, 24.11.2016, p. 47.
([4]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.
([5]) ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.
([6]) http://ec.europa.eu/budget/mff/hlgor/library/reports-communication/hlgor-report_20170104.pdf
([7]) Opinjoni tal-QĠE 2/13 tat-18 ta' Diċembru 2014.

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tat-28 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi l-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2013 dwar problemi kostituzzjonali ta' governanza b'diversi livelli fl-Unjoni Ewropea ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' April 2014 dwar il-QFP għall-perjodu 2014-2020: it-tagħlimiet li għandhom jittieħdu u t-triq 'il quddiem ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-22 ta' Novembru 2012 dwar l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew fl-2014 ([4]), u tal-4 ta' Lulju 2013 dwar it-titjib tal-modalitajiet prattiċi ta' organizzazzjoni tal-elezzjonijiet Ewropej tal-2014 ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Novembru 2013 dwar is-siti tas-sedi tal-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Ottubru 2015 dwar l-Inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej ([7]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Novembru 2015 dwar ir-riforma tal-liġi elettorali tal-Unjoni Ewropea, u l-proposta tiegħu għall-emendar tal-att dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett ([8]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Ġunju 2016 dwar id-deċiżjoni ta' ħruġ mill-UE bħala konsegwenza tar-referendum fir-Renju Unit ([9]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tas-16 ta' Frar 2017 dwar titjib tal-funzjonament tal-Unjoni Ewropea bl-isfruttament tal-potenzjal tat-Trattat ta' Lisbona ([10]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2017 dwar il-kapaċità baġitarja għaż-żona tal-euro ([11]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2016 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu tal-UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali ([12]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta ([13]),

— wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-16 ta' Settembru 2015 ([14]) u tal-Kumitat tar-Reġjuni tat-8 ta' Lulju 2015 ([15]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni "integrazzjoni Ewropea akbar: It-triq 'il quddiem" mill-Presidenti tal-Camera dei Deputati tal-Italja, l-Assemblée nationale ta' Franza, il-Bundestag tal-Ġermanja u x-Chambre des Députés tal-Lussemburgu, li ġie ffirmat fl-14 ta' Settembru 2015 u attwalment approvati minn bosta kmamar tal-parlamenti nazzjonali fl-UE,

([1]) ĠU L 181, 29.6.2013, p. 57.
([2]) ĠU C 468, 15.12.2016, p. 176.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2014)0378.
([4]) ĠU C 419, 16.12.2015, p. 185.
([5]) ĠU C 75, 26.2.2016, p. 109.
([6]) ĠU C 436, 24.11.2016, p. 2.
([7]) Testi adottati, P8_TA(2015)0382.
([8]) Testi adottati, P8_TA(2015)0395.
([9]) Testi adottati, P8_TA(2016)0294.
([10]) Testi adottati, P8_TA(2017)0049.
([11]) Testi adottati, P8_TA(2017)0050.
([12]) Testi adottati, P8_TA(2016)0409.
([13]) ĠU L 251, 16.9.2016, p. 1.
([14]) ĠU C 13, 15.1.2016, p. 183.
([15]) ĠU C 313, 22.9.2015, p. 9.

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-31 ta' Jannar 2013 bit-titolu "Insaħħu ċ-ċittadinanza tal-UE: il-promozzjoni tad-drittijiet elettorali taċ-ċittadini tal-UE" ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Baġits u l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A8-0390/2016),

A. billi din ir-riżoluzzjoni għandha l-għan li tipprovdi soluzzjonijiet li ma jistgħux jintlaħqu bl-użu tal-għodod previsti attwalment fit-Trattati u li għalhekk huma fattibbli biss permezz ta' bidla futura fit-Trattati meta l-prekundizzjonijiet ikunu ntlaħqu;;

B. billi l-inabilità tal-istituzzjonijiet tal-UE biex ilaħħqu mal-kriżijiet profondi u multipli li attwalment qiegħda tiffaċċja l-Unjoni, l-hekk imsejħa "polikriżi", inklużi l-konsegwenzi finanzjarji, ekonomiċi, soċjali u migratorji tagħha u l-qawmien ta' partiti populisti u movimenti nazzjonalisti, kollha wasslu għal żieda fl-iskuntentizza qalb sezzjoni dejjem tikber tal-popolazzjoni rigward il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea attwali;

C. billi dawn l-isfidi sinifikanti Ewropej ma jistgħux jiġu indirizzati minn Stati Membri individwali, iżda biss permezz ta' rispons konġunt mill-Unjoni Ewropea;

D. billi l-progress lejn Unjoni li tista' tassew twassal riżultati u tikseb l-għanijiet tagħha huwa mxekkel mill-falliment tal-governanza minħabba l-isforz kontinwu u sistematiku biex tintlaħaq unanimità fil-Kunsill (li għadu bbażat fuq l-hekk imsejjaħ Kompromess tal-Lussemburgu) u n-nuqqas ta' awtorità eżekuttiva unika kredibbli li tgawdi leġittimità demokratika shiha u li jkollha kompetenza biex tieħu azzjoni effettiva fuq firxa wiesgħa ta' politiki; billi eżempji reċenti, bħall-ġestjoni inadegwata tal-flussi tar-rifuġjati, ir-ritmu batut tat-tindif tal-banek tagħna wara li faqqgħet il-kriżi finanzjarja u n-nuqqas ta' rispons komuni immedjat għat-theddida interna u esterna tat-terroriżmu wrew biċ-ċar l-inabilità tal-Unjoni li tirreaġixxi b'mod effettiv u rapidu;

E. billi l-UE ma tistax tissodisfa l-aspettattivi taċ-ċittadini Ewropej, għaliex it-Trattati attwali mhumiex qed jiġu sfruttati bis-shiħ u ma jipprovdux l-istrumenti, il-kompetenzi u l-proċeduri ta' teħid ta' deċiżjonijiet kollha meħtieġa biex jindirizzaw b'mod effettiv dawn l-oġġettivi komuni;

F. billi din il-problema, flimkien ma' nuqqas ta' viżjoni komuni min-naħa tal-Istati Membri fir-rigwatd tal-futur tal-kontinent tagħna, wasslet għal livelli mingħajr preċedent ta' "ewroxettiċiżmu" li qed iwassal għar-ritorn tan-nazzjonaliżmu u qed jirriskja li jimmina l-Unjoni u possibilment anki jwassal għad-diżintegrazzjoni tagħha;

G. billi, minflok tagħti spinta 'l quddiem lill-Unjoni, is-sistema li biha l-Istati Membri jirrikorru għal soluzzjonijiet "à la carte", li kompliet tissaħħaħ fit-Trattat ta' Lisbona, żiedet il-kumplessità tal-Unjoni u aċċentwat id-differenzjazzjoni fi ħdanha; billi, minkejja l-flessibbiltà offruta mit-Trattati, għadd ta' possibilitajiet ta' opt-outs tad-dritt primarju ġew mogħtija lil diversi Stati Membri, u dan ħoloq sistema opaka ta' ċrieki ta' intersezzjoni ta' kooperazzjoni u fixkel il-kontroll u r-responsabilità demokratiċi;

H. billi t-Trattati joffru forom ta' integrazzjoni flessibbli u differenzjati fil-livell tad-dritt sekondarju permezz tal-istrumenti ta' kooperazzjoni msaħħa u strutturata li għandhom jiġu applikati biss għal numru limitat ta' linji politiċi waqt li jkunu inklużivi sabiex jippermettu lill-Istati Membri kollha jipparteċipaw; billi għoxrin sena wara l-introduzzjoni tagħha, l-impatt tal-kooperazzjoni msaħħa jibqa' limitat; billi l-kooperazzjoni msaħħa ngħatat fi tliet każijiet, jiġifieri fir-rigward ta' regoli komuni dwar il-liġijiet applikabbli għal divorzji ta' koppji internazzjonali, il-privattiva Ewropea b'effett unitarju u l-introduzzjoni ta' Imposta fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji (TTF); billi l-kooperazzjoni msaħħa trid tintuża bħala l-ewwel pass lejn integrazzjoni akbar tal-politiki bħal pereżempju l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) u mhux bħala mezz biex jiġu ffaċilitati soluzzjonijiet "à la carte";

I. billi l-metodu tal-Komunità jrid jiġi ppreservat u mhux imminat minn soluzzjonijiet intergovernattivi, anki f'oqsma fejn mhux l-Istati Membri kollha jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni;

([1]) ĠU C 62, 2.3.2013, p. 26.

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

J. billi, madankollu, l-euro hija l-munita tal-Unjoni (l-Artikolu 3(4) tat-TUE), ir-Renju Unit kiseb deroga permanenti milli jingħaqad maż-żona tal-euro (il-Protokoll Nru 15), id-Danimarka għandha eżenzjoni kostituzzjonali (il-Protokoll Nru 16), l-Isvezja waqfet milli ssegwi l-kriterji ta' konverġenza tal-euro u l-possibiltà li l-Greċja tħalli l-munita unika ġiet diskussa b'mod miftuħ fil-Kunsill Ewropew; billi l-Istati Membri kollha huma obbligati jissieħbu fil-munita ladarba jilħqu r-rekwiżiti kollha meħtieġa, filwaqt li ma ġiet iffissata l-ebda skeda ta' żmien għall-Istati Membri biex jissieħbu maż-żona tal-euro wara l-ħolqien tagħha;

K. billi, f'dak li għandu x'jaqsam ma' Schengen, il-moviment liberu tal-persuni u l-abolizzjoni tal-kontrolli tal-fruntieri interni li tirriżulta minnu, li huma kollha integrati formalment fit-Trattati, ir-Renju Unit u l-Irlanda ngħataw klawsola ta' "opt-out" (nonparteċipazzjoni); billi erba' Stati Membri oħra wkoll mhux qed jipparteċipaw, iżda għandhom l-obbligu li jagħmlu dan, filwaqt li ngħataw klawsoli ta' parteċipazzjoni lil tliet pajjiżi barra mill-Unjoni Ewropea; billi din il-frammentazzjoni mhux biss tipprevjeni l-abolizzjoni totali ta' uħud mill-fruntieri interni li għad baqa', iżda toħloq diffikultajiet ukoll għall-istabbiliment ta' suq intern reali u żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja integrata bis-sħiħ; ifakkar li l-integrazzjoni fiż-żona Schengen trid tibqa' l-objettiv għall-Istati Membri kollha tal-UE;

L. billi l-klawsoli ta' nonparteċipazzjoni għall-istati Membri individwali jipperikolaw l-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-UE, iwasslu għal kumplessità eċċessiva f'dak li jikkonċerna l-governanza, jipperikolaw il-koeżjoni tal-Unjoni u jimminaw is-solidarjetà fost iċ-ċittadini tagħha;

M. billi, wara t-Trattat ta' Lisbona, aċċelerat ulterjorment minħabba l-kriżijiet ekonomiċi u finanzjarji, u l-kriżijiet tal-migrazzjoni u tas-sigurtà, il-Kunsill Ewropew wessa' r-rwol tiegħu biex jinkludi l-ġestjoni ta' kuljum permezz tal-adozzjoni ta' strumenti intergovernattivi barra mill-qafas tal-UE, minkejja l-fatt li r-rwol tiegħu mhuwiex li jeżerċita funzjonijiet leġiżlattivi iżda li jipprovdi lill-Unjoni bl-impetu meħtieġ għall-iżvilupp tagħha u jiddefinixxi d-direzzjoni u l-prijoritajiet politiċi ġenerali (l-Artikolu 15(1) tat-TUE);

N. billi d-dipendenza fuq l-unanimità fil-Kunsill Ewropew u l-inkapaċità li jikseb tali unanimità wasslet għall-adozzjoni ta' strumenti intergovernattivi barra mill-qafas legali tal-UE bħall-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabilità u t-Trattat dwar l-Istabilità, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja (TSCG jew il-"Patt Fiskali"); billi l-istess japplika għall-ftehim mat-Turkija dwar il-kriżi tar-rifuġjati Sirjani;

O. billi, filwaqt li l-Artikolu 16 tat-TSCG jipprevedi li fi żmien ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ (qabel l-1 ta' Jannar 2018) il-passi meħtieġa jridu jkunu ttieħdu sabiex il-Patt Fiskali jiġi inkorporat fil-qafas legali tal-Unjoni, u filwaqt li dispożizzjonijiet simili huma inklużi fil-Ftehim Intergovernattiv dwar it-trasferiment u l-mutwalizzazzjoni ta' kontribuzzjonijiet lejn il-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni, huwa ċar li r-reżiljenza taż-żona tal-euro, inkluża t-tlestija tal-unjoni bankarja, ma tistax tintlaħaq mingħajr passi ulterjuri ta' approfondiment fiskali flimkien mal-istabbiliment ta' forma ta' governanza aktar affidabbli, effettiva u demokratika;

P. billi din is-sistema ġdida ta' governanza timplika li l-Kummissjoni għandha ssir gvern ġenwin, responsabbli lejn il-Parlament u mgħammar biex jifformula u jimplimenta l-politiki komuni fiskali u makroekonomiċi li ż-żona tal-euro teħtieġ, u trid tkun mogħnija b'teżor u b'baġit proporzjonati għall-iskala tal-kompiti assenjati lilha; billi dan jirrikjedi, minbarra l-miżuri fi ħdan id-dritt primarju eżistenti, riforma fit-Trattat ta' Lisbona;

Q. billi dan huwa wkoll il-każ għar-riforma u l-modernizzazzjoni meħtieġa tar-riżorsi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea kollha kemm hi; billi l-ftehim dwar il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) intlaħaq biss wara negozjati twal u diffiċli u kien akkumpanjat minn deċiżjoni li jiġi stabbilit grupp ta' livell għoli biex jirrevedi s-sistema ta' dħul ta' "riżorsi proprji" tal-Unjoni, li se jippreżenta r-rapport tiegħu fl-2016; billi l-QFP attwali jillimita serjament l-awtonomija finanzjarja u politika tal-Unjoni, peress li l-parti l-kbira tad-dħul jikkonsisti minn kontribuzzjonijiet nazzjonali mill-Istati Membri u parti kbira min-nefqa hija predeterminata permezz ta' flus restitwiti lil dawn l-istess Stati Membri; billi l-kontribuzzjonijiet nazzjonali bbażati fuq il-prodott nazzjonali gross/id-dħul nazzjonali gross saru l-akbar sors ta' dħul;

R. billi l-QFP attwali huwa inferjuri f'termini nominali meta mqabbel ma' dak preċedenti filwaqt li ċ-ċirkostanzi jeħtieġu sforzi kbar ħafna fil-baġit biex jgħinu lir-rifuġjati u jistimulaw it-tkabbir ekonomiku, il-koeżjoni soċjali u l-istabilità finanzjarja;

S. billi r-rekwiżit tal-unanimità għall-politika fiskali qiegħda tfixkel il-ġlieda kontra l-eżistenza ta' rifuġji fiskali fi ħdan l-Unjoni Ewropea u politiki fiskali dannużi tal-Istati Membri; billi ħafna minn dawn il-prattiki jxekklu l-funzjonament tas-suq intern, jipperikolaw id-dħul tal-Istati Membri, u fl-aħħar mill-aħħar jitfgħu l-piż fuq iċ-ċittadini u l-SMEs;

T. billi l-Unjoni Ewropea hija sistema kostituzzjonali msejsa fuq l-istat tad-dritt; billi t-Trattati jridu jinbidlu biex jagħtu lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠE) ġurisdizzjoni fuq l-aspetti kollha tal-liġi tal-UE, f'konformità mal-prinċipju tas-separazzjoni tas-setgħat;

U. billi l-UE hija msejsa wkoll fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi; billi l-istrumenti eżistenti tal-UE għall-valutazzjoni u s-sanzjonar ta' vjolazzjonijiet ta' dawn il-prinċipji mill-Istati Membri wrew li ma kinux biżżejjed; billi l-proċeduri ta' ksur imnedija kontra atti legali speċifiċi jew azzjonijiet minn Stat Membru li jmorru kontra d-dritt tal-UE mhumiex adegwati biex jindirizzaw ksur sistematiku tal-valuri fundamentali tal-UE; billi skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE, il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza ta' erbgħa minn ħamsa tal-membri tiegħu meta jistabbilixxi riskju ċar ta' ksur serju tal-valuri fundamentali, u skont l-Artikolu 7(2) tat-TUE, il-Kunsill Ewropew huwa obbligat jaġixxi b'mod unanimu meta jiddetermina l-eżistenza ta' ksur serju u persistenti; billi bħala konsegwenza la miżura preventiva skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE u lanqas il-mekkaniżmi ta' sanzjonijiet skont l-Artikolu 7(2) u (3) ma ġew invokati;

V. billi l-UE tidher li hija f'pożizzjoni aħjar biex tinfluwenza l-politiki dwar id-drittijiet fundamentali, l-istat tad-dritt u l-korruzzjoni meta pajjiżi għadhom kandidati għal sħubija fl-Unjoni; billi l-mekkaniżmu tal-istat tad-dritt jeħtieġ li jiġi applikat b'saħħa ugwali għall-Istati Membri kollha;

W. billi r-rieżami huwa meħtieġ ukoll biex jiġi bbilanċjat mill-ġdid u rinnovat b'mod fundamentali l-funzjonament tal-Unjoni, bl-għan ta' regolamentazzjoni anqas burokratika u tfassil ta' politika aktar effikaċi, eqreb lejn il-ħtiġijiet taċ-ċittadini; billi l-Unjoni tesiġi li l-kompetenzi meħtieġa jagħmlu progress lejn uħud mill-għanijiet iddikjarati tagħha bħalma huma t-tlestija tas-suq uniku, inkluża l-unjoni tal-enerġija, il-koeżjoni soċjali, filwaqt li timmira lejn impjieg sħiħ, migrazzjoni u ġestoni tal-asil ġusti u komuni, kif ukoll politika tas-sigurtà interna u esterna;

X. billi l-bini ta' djalogu sistematiku mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u t-tisħiħ tad-djalogu soċjali fil-livelli kollha, skont il-prinċipju stabbilit fl-Artikolu 11 tat-TFUE, huma kruċjali biex jingħeleb l-ewroxettiċiżmu u terġa' tiġi affermata l-importanza tad-dimensjoni tal-Ewropa bbażata fuq is-solidarjetà, il-koeżjoni soċjali u l-bini ta' demokrazija parteċipattiva u inklużiva, bħala suppliment għal demokrazija rappreżentattiva;

Y. billi f'dawn l-aħħar għaxar snin is-sitwazzjoni tas-sigurtà fl-Ewropa marret lura ħafna, speċjalment fil-viċinat tagħna: Stat Membru m'għadux jista' jiggarantixxi s-sigurtà interna u esterna tiegħu waħdu;

Z. billi d-deklin tal-kapaċitajiet tad-difiża tal-Ewropa jillimita l-kapaċità tagħha li twassal l-istabilità lil hinn mill-fruntieri immedjati tagħna; billi dan għandu jitqies flimkien man-nuqqas ta' rieda tal-alleati tagħna tal-Istati Uniti biex jintervjenu jekk l-Ewropa ma tkunx lesta tagħti s-sehem ġust tagħha ta' responsabilità; billi l-politika tal-UE għad-difiża għandha tissaħħaħ u għandha tiġi stabbilita sħubija komprensiva bejn l-UE u n-NATO, filwaqt li l-Unjoni tkun tista' taġixxi b'mod awtonomu f'operazzjonijiet barra l-pajjiż, primarjament bil-ħsieb li tistabbilizza l-viċinat; billi dan ifisser li hi meħtieġa kooperazzjoni aktar intensiva fost l-Istati Membri kif ukoll l-integrazzjoni ta' ċerti kapaċitajiet ta' difiża tagħhom f'komunità Ewropea għad-Difiża, it-tnejn f'konformità ma' strateġija Ewropea ta' sigurtà ġdida;

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

AA. billi l-ebda "klawsola passerelle" prevista fit-Trattat ta' Lisbona bl-għan li tissimplifika l-governanza tal-Unjoni ma ġiet introdotta, u x'aktarx mhux se jkun introdotta fiċ-ċirkostanzi preżenti; billi, għall-kuntrarju, minħabba d-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tat-18 u d-19 ta' Ġunju 2009 dwar it-tnaqqis fl-għadd ta' membri tal-Kummissjoni kif previst fit-Trattat ta' Lisbona, il-klawsola ta' ħruġ intużat immedjatament;

AB. billi, l-elezzjonijiet parlamentari Ewropej tal-2014 wasslu għall-ewwel darba direttament għan-nomina tal-kandidat għal President tal-Kummissjoni; billi, madankollu, iċ-ċittadini sfortunatament ma setgħux jivvutaw għall-kandidati direttament; billi l-karattru sovranazzjonali tal-elezzjonijiet Ewropej jenħtieġ li jiġi msaħħaħ aktar permezz tal-introduzzjoni ta' bażi legali ċara biex jiġi żgurat li din is-sistema l-ġdida tiġi ppreservata u żviluppata; billi, barra minn hekk, iċ-ċittadini bilkemm jistgħu jifhmu l-interrelazzjoni tal-Presidenti tal-Kummissjoni u l-Kunsill Ewropew;

AC. billi l-urġenza għal riforma tal-Unjoni żdiedet b'mod drammatiku bil-vot tar-referendum tar-Renju Unit biex iħalli l-Unjoni Ewropea; billi n-negozjati għall-istabbiliment tal-arranġamenti għall-irtirar tar-Renju Unit ukoll jeħtieġ li jqisu l-qafas għar-relazzjonijiet futuri tiegħu mal-Unjoni; billi dan il-ftehim irid jiġi nnegozjat f'konformità mal-Artikolu 218 (3) tat-TFUE u jiġi konkluż f'isem l-Unjoni mill-Kunsill, li jaġixxi bħala maġġoranza kkwalifikata, wara li jkun kiseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew; billi, għalhekk, il-Parlament għandu jkun involut bis-sħiħ matul il-proċess tan-negozjati;

AD. billi t-tluq tar-Renju Unit joħloq opportunità biex titnaqqas il-kumplessità tal-Unjoni u li jiġi ċċarat xi tfisser verament is-sħubija fl-Unjoni; billi qafas ċar huwa meħtieġ fil-futur għar-relazzjoni tal-UE ma' dawk li mhumiex Membri fil-viċinat tagħha (ir-Renju Unit, in-Norveġja, l-Isvizzera, it-Turkija, l-Ukraina, eċċ.); billi l-fundaturi tal-Unjoni diġà kienu pprevedew tip ta' "status ta' assoċjat";

AE. billi f'dan l-eżerċizzju importanti t-Trattati jagħtu sitt prerogattivi speċifiċi lill-Parlament Ewropew, jiġifieri: id-dritt li jipproponi emendi għat-Trattati (l-Artikolu 48(2) tat-TUE), id-dritt li jiġi kkonsultat mill-Kunsill Ewropew rigward l-emendi għat-Trattati (l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 48(3) tat-TUE), id-dritt li jinsisti biex tissejjaħ Konvenzjoni kontra x-xewqa tal-Kunsill Ewropew (it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 48(3) tat-TUE), id-dritt li jiġi kkonsultat rigward deċiżjoni meħuda mill-Kunsill Ewropew sabiex temenda id-dispożizzjonijiet kollha jew parzjalment tat-tielet parti tat-TFUE (it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 48(6) tat-TUE), id-dritt li jagħti bidu għar-riallokazzjoni tas-siġġijiet fil-Parlament qabel l-elezzjoni li jmiss (l-Artikolu 14(2) tat-TUE) u d-dritt li jipproponi proċedura elettorali uniformi (l-Artikolu 223(1) tat-TFUE);

AF. billi r-rwol tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) u l-Kumitat tar-Reġjuni (KtR) iridu jiġu salvagwardjati bħala rappreżentanti istituzzjonali tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-atturi reġjonali u lokali, peress li l-opinjonijiet tagħhom jikkontribwixxu biex tiżdied il-leġittimità demokratika ta' tfassil tal-politiki u ta' proċessi leġiżlattivi;

AG. billi maġġoranza ċara tal-Unjoni tal-gvernijiet reġjonali u lokali esprimew b'mod konsistenti l-opinjoni tagħhom, permezz tal-Kumitat tar-Reġjuni, favur UE aktar integrata b'governanza effettiva;

1. Iqis li ż-żmien tal-ġestjoni tal-kriżijiet permezz ta' deċiżjonijiet ad hoc u inkrementali għadda, peress li dan iwassal biss għal miżuri li jagħmlu ftit wisq, tard wisq; huwa konvint li wasal iż-żmien għal riflessjoni profonda dwar kif jiġu indirizzati n-nuqqasijiet tal-governanza tal-Unjoni Ewropea permezz ta' rieżami komprensiv u fil-fond tat-Trattat ta' Lisbona; iqis li soluzzjonijiet għal żmien qasir u medju jistgħu jintlaħqu billi t-Trattati eżistenti jiġu sfruttati sal-potenzjal sħiħ tagħhom f'dak iż-żmien;

2. Jinnota li d-direzzjoni tar-riforma tal-Unjoni jenħtieġ li twassal għall-immodernizzar tagħha billi tistabbilixxi strumenti ġodda, kapaċitajiet Ewropej effettivi ġodda, u billi l-proċessi tat-teħid ta' deċiżjoni jsiru aktar demokratiċi, pjuttost mir-rinazzjonalizzazzjoni tagħha permezz ta' aktar intergovernamentaliżmu;

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

3. Jissottolinja li stħarriġ reċenti tal-Ewrobarometru juri li, għall-kuntrarju ta' dak li huwa maħsub, iċ-ċittadini tal-UE għadhom konxji sew dwar l-importanza ta' soluzzjonijiet Ewropej ġenwini u jappoġġawhom bis-sħiħ ([1]), inter alia fil-qasam tas-sigurtà, id-difiża u l-migrazzjoni;

4. Josserva bi tħassib kbir il-proliferazzjoni ta' sottogruppi ta' Stati Membri li qed jimminaw l-unità tal-Unjoni billi jikkawżaw nuqqas ta' trasparenza, u kif ukoll qed inaqqsu l-fiduċja tal-poplu; iqis li l-format adattat biex titmexxa d-diskussjoni dwar il-ġejjieni tal-Unjoni huwa dak tas-27 Stat Membru tal-UE; jenfasizza li l-frammentazzjoni tad-diskussjoni f'formati varji jew gruppi ta' Stati Membri tkun kontroproduttiva;

5. Jenfasizza li riforma demokratika komprensiva tat-Trattati trid tinkiseb permezz ta' riflessjoni dwar il-futur tal-UE u ftehim dwar viżjoni għal ġenerazzjonijiet preżenti u futuri taċ-ċittadini Ewropej, u dan iwassal għal Konvenzjoni li tiggarantixxi li l-inklużività permezz tal-kompożizzjoni tiegħu ta' rappreżentanti tal-parlamenti nazzjonali, tal-gvernijiet tal-Istati Membri kollha, tal-Kummissjoni, tal-Parlament Ewropew u l-korpi konsultattivi tal-UE bħall-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, u tipprovdi wkoll pjattaforma xierqa għal tali riflessjoni u l-involviment maċ-ċittadini Ewropej u mas-soċjetà ċivili;

It-tmiem ta' "Ewropa à la carte"

6. Jiddeplora l-fatt li kull darba li l-Kunsill Ewropew jiddeċiedi li japplika metodi intergovernattivi u li jevita l-"metodu tal-Komunità jew tal-Unjoni" kif definit fit-Trattati, dan mhux biss iwassal għal tfassil tal-politiki inqas effettiv iżda wkoll jikkontribwixxi għal nuqqas dejjem jikber ta' trasparenza, responsabilità u kontroll demokratiku; jikkunsidra li triq differenzjata hija konċepibbli biss bħala pass temporanju lejn tfassil tal-politika tal-UE iktar effettiv u integrat;

7. Iqis li "l-metodu tal-Unjoni" huwa l-uniku metodu demokratiku ta' leġiżlazzjoni li jiżgura li jiġu kkunsidrati l-interessi kollha, speċjalment l-interess komuni Ewropew; jifhem b'"metodu tal-Unjoni" l-proċedura leġiżlattiva li biha l-Kummissjoni, bħala parti mill-kompetenza tagħha bħala l-eżekuttiv, tagħti bidu għal leġiżlazzjoni, il-Parlament u l-Kunsill, li jirrappreżentaw rispettivament liċ-ċittadini u l-istati, jiddeċiedu b'kodeċiżjoni bil-vot tal-maġġoranza filwaqt li l-obbligi ta' unanimità f'dan tal-aħħar isiru eċċezzjoni assoluta, u l-Qorti tal-Ġustizzja tissorvelja u tipprovdi kontroll ġudizzjarju finali; jinsisti li anke f'każijiet ta' urġenza "l-metodu tal-Unjoni" jenħtieġ li jiġi rispettat;

8. Iqis li huwa essenzjali li f'dawn iċ-ċirkostanzi tiġi affermata mill-ġdid il-missjoni ta' "għaqda dejjem iżjed ravviċinata fost il-popli tal-Ewropa" (l-Artikolu 1 tat-TUE) sabiex titnaqqas kwalunkwe tendenza lejn id-diżintegrazzjoni u biex għal darb'oħra jiġi ċċarat l-għan morali, politiku u storiku, kif ukoll in-natura kostituzzjonali tal-UE;

9. Jissuġġerixxi li r-rekwiżiti biex tiġi stabbilita u msaħħa kooperazzjoni strutturata jenħtieġ li jsiru inqas restrittivi, fost l-oħrajn billi jitnaqqas l-għadd minimu ta' Stati Membri parteċipanti;

10. Jipproponi li r-reviżjoni li jmiss tat-Trattati tirrazzjonalizza d-differenzjazzjoni diżordinata attwali billi tintemm, jew għall-inqas titnaqqas drastikament, il-prattika ta' nonparteċipazzjoni, ta' inklużjonijiet fakultattivi u ta' eċċezzjonijiet għall-Istati Membri individwali fil-livell tad-dritt primarju tal-UE;

11. Jirrakkomanda li sħubija tiġi definita u żviluppata sabiex jiġi stabbilit ċirku ta' sħab madwar l-UE għal stati li ma jistgħux jew mhumiex se jingħaqdu mal-Unjoni, iżda minkejja dan, iridu relazzjoni mill-qrib mal-UE; iqis li din ir-relazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn obbligi li jikkorrispondu għad-drittijiet rispettivi, bħal kontribuzzjoni finanzjarja u, aktar importanti, ir-rispett tal-valuri fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Istat tad-dritt;

12. Jemmen li l-qafas istituzzjonali uniku jenħtieġ li jiġi ppreservat sabiex jinkisbu l-objettivi komuni tal-Unjoni u biex jiġi ggarantit il-prinċipju ta' ugwaljanza taċ-ċittadini kollha u tal-Istati Membri;

Il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea

13. Jinnota li din il-forma ġdida ta' sħubija tista' tkun waħda mill-eżiti possibbli biex tiġi rrispettata r-rieda tal-maġġoranza taċ-ċittadini tar-Renju Unit biex joħorġu mill-UE; jenfasizza li l-irtirar tar-Renju Unit, bħala wieħed mill-Istati Membri l-kbar, u bħala l-akbar membri mhux fiż-żona tal-euro, jaffettwa s-saħħa u l-bilanċ istituzzjonali tal-Unjoni;

([1]) Ewrobarometru Standard 84 – Ħarifa 2015, u l-Ewrobarometru Speċjali tal-PE – Ġunju 2016.

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

14. Jafferma mill-ġdid li elementi kostituzzjonali tal-Unjoni, b'mod partikolari l-integrità tas-suq uniku u l-fatt li dan ma jistax jinfired mill-erba' libertajiet fundamentali tal-Unjoni (il-moviment ħieles tal-kapital, tal-persuni, tal-oġġetti u tas-servizzi), huma pilastri essenzjali u indiviżibbli tal-Unjoni, kif hija l-eżistenza ta' stat tad-dritt, kif iggarantit mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja; jafferma mill-ġdid li din l-unità kostituzzjonali ma tistax tiġi rrimedjata matul in-negozjati dwar il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni;

15. Jitlob li l-kwartieri ġenerali tal-Awtorità Bankarja Ewropea u l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, it-tnejn li huma bħalissa f'Londra, jiġu trasferiti lejn Stat Membru ieħor, minħabba l-għażla magħmula minn ċittadini tar-Renju Unit li joħroġ mill-UE;

Governanza ekonomika ġdida għat-tkabbir ekonomiku, il-koeżjoni soċjali u l-istabilità finanzjarja

16. Jinsab ferm imħasseb dwar diverġenzi ekonomiċi u soċjali li qed jikbru u n-nuqqas ta' riforma ekonomika u stabilità finanzjarja fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM) kif ukoll it-telf tal-kompetittività tal-ekonomiji ta' bosta Stati Membri tagħha; u dan huwa dovut, b'mod partikolari, għan-nuqqas ta' politika fiskali u ekonomika komuni; iqis, għalhekk, li l-politika fiskali u ekonomika komuni għandha tkun kompetenza kondiviża tal-Unjoni u l-Istati Membri;

17. Iqis li fil-forma attwali tagħhom mal-Patt ta' Stabilità u Tkabbir u l-klawżola "li tipprojbixxi s-salvataġġ finanzjarju" (Artikolu 125 tat-TFUE) sfortunatament ma jilħqux l-objettivi intenzjonati; jemmen li l-UE għandha tirrifjuta t-tentattivi li terġa' lura għal politiki nazzjonali protezzjonistiċi, u jenħtieġ tkompli tkun ekonomija miftuħa fil-ġejjieni; iwissi li dan ma jistax jinkiseb billi l-mudell soċjali jinħatt;

18. Jinnota, barra minn hekk, li s-sistema attwali ma tiżgurax b'mod suffiċjenti s-sjieda nazzjonali ta' Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż; huwa interessat f'dan ir-rigward fil-potenzjal offrut mill-Bord Ewropew ta' Konsulenza Fiskali u l-missjoni futura tagħha li tagħti pariri lill-Kummissjoni dwar qagħda fiskali li tkun xierqa għaż-żona tal-euro kollha kemm hi;

19. Huwa konxju tal-ħtieġa li jsir rieżami tal-effikaċja tal-bosta miżuri reċenti ta' ġestjoni tal-kriżijiet li ttieħdu mill-UE, u li fid-dritt primarju jiġu kkodifikati ċerti proċeduri ta' teħid ta' deċiżjonijiet kif ukoll il-ħtieġa li jissaħħu l-bażijiet ġuridiċi tal-qafas regolatorju l-ġdid għas-settur finanzjarju; jaqbel mar-Rapport tal-Ħames Presidenti li l-"metodu miftuħ ta' koordinazzjoni" bħala l-bażi għal strateġija ekonomika tal-Ewropa ma ħadimx;

20. Jipproponi, għalhekk, flimkien mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, l-adozzjoni ta' "kodiċi ta' konverġenza", bħala att legali skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, li jistabbilixxi miri konverġenti (it-tassazzjoni, is-suq tax-xogħol, l-investiment, il-produttività, il-koeżjoni soċjali u l-kapaċitajiet pubbliċi fl-oqsma tal-amministrazzjoni u l-governanza tajba); jinsisti li, fi ħdan il-qafas tal-governanza ekonomika, il-konformità mal-kodiċi ta' konverġenza għandha tkun kundizzjoni għall-parteċipazzjoni sħiħa fil-kapaċità fiskali taż-żona tal-euro, u jeħtieġ li kull Stat Membru jressaq proposti dwar kif jistgħu jiġu ssodisfati l-kriterji tal-kodiċi ta' konverġenza,; jenfasizza li l-istandards u l-inċentivi fiskali huma determinati fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar kapaċità baġitarja għaż-żona tal-euro;

21. Iqis li, bil-għan li tintlaħaq UEM komprensiva, huwa indispensabbli li jkun hemm dimensjoni soċjali b'saħħitha, u li l-Artikolu 9 tat-TFUE fil-forma attwali tiegħu mhuwiex biżżejjed biex jiggarantixxi bilanċ ġust bejn id-drittijiet soċjali u l-libertajiet ekonomiċi; jitlob, għaldaqstant, li dawn id-drittijiet jingħataw l-istess importanza u li d-djalogu bejn s-sħab soċjali jiġi salvagwardat;

22. Jappella għall-integrazzjoni tat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja (il-"Patt Fiskali") fil-qafas ġuridiku tal-UE u kif ukoll l-inklużjoni tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabilità u l-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni fid-dritt tal-UE, abbażi ta' valutazzjoni komprensiva tal-implimentazzjoni tagħhom u b'sorveljanza demokratika mill-Parlament biex jiżgura li l-kontroll u r-responsabiltà jkunu responabbli għalihom dawk li jikkontribwixxu għalihom; jappella wkoll għal aktar żvilupp tal-konferenza interparlamentari prevista fl-Artikolu 13 tal- Patt Fiskali, sabiex ikunu jistgħu jsiru diskussjonijiet sostanzjali u f'waqthom bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali fejn meħtieġ;

23. Huwa tal-fehma li, biex tiżdied l-istabilità finanzjarja, jittaffew l-iskossi asimmetriċi u simmetriċi transfruntiera, jitnaqqsu l-effetti tar-riċessjoni, u jiġi żgurat livell xieraq ta' investiment, iż-żona tal-euro teħtieġ kapaċità fiskali bbażata fuq riżorsi proprji ġenwini u teżor Ewropew mgħammar bil-kapaċità li jissellef; jinnota li dan it-teżor għandu jkun ibbażat fil-Kummissjoni u jkun soġġett għall-iskrutinju demokratiku u r-responsabilità ta' rendikont permezz tal-Parlament u l-Kunsill;

24. Jirrimarka li, minħabba l-fatt li l-konformità hija kruċjali għall-funzjonament tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja, huma meħtieġa funzjonijiet governattivi aktar b'saħħithom milli dawk attwalment ipprovduti mill-Kummissjoni u/jew mill-Grupp tal-euro, kif ukoll kontrolli u bilanċi demokratiċi sħaħ permezz tal-involviment tal-Parlament Ewropew fl-aspetti kollha tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja; jemmen li b'mod parallel, biex tittejjeb is-sjieda, ir-responsabilità trid tiġi żgurata fil-livell fejn jittieħdu jew jiġu implimentati d-deċiżjonijiet, bil-parlamenti nazzjonali jeżaminaw bir-reqqa l-gvernijiet nazzjonali u l-Parlament Ewropew li jeżamina bir-reqqa l-eżekuttiv Ewropew;

25. Jitlob, għaldaqstant, li l-awtorità eżekuttiva tkun ikkonċentrata fi ħdan il-Kummissjoni, fir-rwol ta' Ministru għall-Finanzi tal-UE, billi lill-Kummissjoni tingħata l-kapaċità li tifformula u timplimenta politika ekonomika komuni tal-UE billi tgħaqqad flimkien strumenti makroekonomiċi, fiskali u monetarji, bl-appoġġ ta' kapaċità baġitarja taż-żona tal-euro; il-Ministru għall-Finanzi jenħtieġ li jkun responsabbli għall-operat tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabilità u strumenti mutwalizzati oħra, inkluża l-kapaċità baġitarja, u jkun l-uniku rappreżentant estern taż-żona tal-euro f'organizzazzjonijiet internazzjonali, b'mod speċjali fis-settur finanzjarju;

26. Iqis li huwa meħtieġ li l-Ministru tal-Finanzi jkun mogħni b'poteri proporzjonati biex jintervjeni sabiex jimmonitorja l-kodiċi ta' konverġenza, u jkollu s-setgħa li juża l-inċentivi fiskali deskritti aktar 'il fuq;

27. Iqis li huwa neċessarju, mingħajr preġudizzju għall-kompiti tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali, li l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabilità jaġixxi bħala l-ewwel sellief tal-aħħar istanza għal istituzzjonijiet finanzjarji direttament taħt is-superviżjoni jew is-sorveljanza tal-Bank Ċentrali Ewropew; iqis neċessarju, barra minn hekk, li l-Bank Ċentrali Ewropew igawdi s-setgħat sħaħ ta' riżerva federali, filwaqt li jżomm l-indipendenza tiegħu;

28. Fl-aħħar nett, jitlob li l-Unjoni Bankarja u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali jitlestew pass pass, iżda kemm jista' jkun malajr fuq il-bażi ta' skeda ta' żmien mgħaġla;

29. Iqis li huwa neċessarju li titneħħa l-unanimità għal ċerti prattiki fiskali li jippermettu lill-UE tissalvagwardja l-funzjonament ġust u bla xkiel tas-suq intern u biex jiġu evitati politiki fiskali dannużi min-naħa tal-Istati Membri; jitlob li l-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa, l-evitar tat-taxxa u r-rifuġji fiskali ssir objettiv fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

Sfidi ġodda

30. Jirrikonoxxi l-ħtieġa ġeopolitika, ekonomika u ambjentali għall-ħolqien ta' unjoni tal-enerġija Ewropea ġenwina; jissottolinja li t-tibdil fil-klima huwa waħda mill-isfidi globali ewlenin li qed tiffaċċja l-UE; jenfasizza, flimkien mal-ħtieġa ta' ratifika u implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehim ta' Pariġi u l-adattament ta' miri u azzjonijiet vinkolanti tal-UE dwar il-klima, li r-restrizzjoni li l-politika tal-UE ma tridx taffettwa d-dritt ta' stat li jiddetermina l-kundizzjonijiet għall-isfruttament tar-riżorsi ta' enerġija tiegħu, l-għażla tiegħu bejn sorsi differenti ta' enerġija u l-istruttura ġenerali tal-provvista ta' enerġija tiegħu (Artikolu 194(2) tat-TFUE) jeħtieġ li tiġi emendata sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni b'suċċess ta' politiki nodfa u rinnovabbli komuni tal-enerġija;

31. Jenfasizza li l-iżvilupp ta' riżorsi tal-enerġija ġodda u rinnovabbli jenħtieġ li jiġu inkorporati fit-Trattati bħala objettiv ewlieni kemm għall-Unjoni kif ukoll għall-Istati Membri;

32. Jinnota li t-Trattati jipprovdu biżżejjed mezzi biex jistabbilixxu sistema ta' ġestjoni tal-migrazzjoni u tal-asil umani u li jiffunzonaw tajjeb, inkluż Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, u jilqa' l-progress li sar f'dan ir-rigward; jemmen, madankollu, li t-Trattati, b'mod partikolari l-Artikolu 79(5) tat-TFUE, huma restrittivi wisq fir-rigward ta' aspetti oħra tal-migrazzjoni, speċjalment f'dak li jikkonċerna l-istabbiliment ta' sistema ta' migrazzjoni legali Ewropea ġenwina; jissottolinja li s-sistema tal-migrazzjoni tal-UE għall-ġejjieni trid tifforma sinerġija mal-għajnuna barranija tagħha u l-politika barranija tagħha, u tgħaqqad il-kriterji nazzjonali għall-għoti tal-asil u l-aċċess għas-suq tax-xogħol; jinsisti li jeħtieġ li l-Parlament iwettaq skrutinju demokratiku fuq l-implimentazzjoni tal-kontroll fil-fruntieri, il-ftehimiet ma' pajjiżi terzi, inkluża l-kooperazzjoni dwar il-politiki ta' ammissjoni mill-ġdid u ritorn, l-asil u l-migrazzjoni, u li s-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali ma tistax tintuża bħala pretest biex tiġi evitata azzjoni Ewropea;

33. Iqis li, fid-dawl tal-intensità tat-theddida terroristika, huwa meħtieġ li jittejbu l-kapaċitajiet tal-UE fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata internazzjonali; jenfasizza li, minbarra t-tisħiħ tal-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-aġenziji fl-Istati Membri, l-Europol u l-Eurojust jenħtieġ li jingħataw kompetenzi u kapaċitajiet ġenwini ta' investigazzjoni u prosekuzzjoni, possibbilment permezz ta' trasformazzjoni f'Uffiċċju Ewropew ta' Investigazzjoni u Ħidma kontra t-Terroriżmu effettiv, bi skrutinju parlamentari dovut;

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

34. Jikkonkludi li l-attakki terroristiċi diversi mwettqa fuq art Ewropea wrew li s-sigurtà tkun żgurata aħjar kieku ma kinitx kompetenza esklużiva tal-Istati Membri; jipproponi, għalhekk, li ssir kompetenza kondiviża sabiex jiġi ffaċilitat it-twaqqif ta' kapaċità ta' investigazzjoni u intelligence Ewropea fi ħdan Europol u taħt il-kontroll tal-ġudikatura; jistipula li fil-frattemp, f'konformità mal-Artikolu 73 tat-TFUE m'hemm xejn li jimpedixxi lill-Istati Membri milli joħolqu dan it-tip ta' kooperazzjoni bejn is-servizzi tagħhom;

It-tisħiħ tal-politika barranija tagħna

35. Jiddispjaċih, kif iddikjarat fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2017 dwar it-titjib fil-funzjonament tal-Unjoni Ewropea bl-isfruttament tal-potenzjal tat-Trattat ta' Lisbona, li l-UE m'għamlitx aktar progress fl-iżvilupp tal-kapaċità tagħha biex taqbel dwar u timplimenta Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK); jinnota li l-isforzi tagħha biex tagħti bidu għal politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni ma kinux partikolarment ta' suċċess, speċjalment fir-rigward tal-qsim tal-ispejjeż u r-responsabilitajiet;

36. Jinnota li huwa biss bit-tisħiħ tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni li l-UE tista' tipprovdi tweġibiet kredibbli għal theddid u l-isfidi ġodda għas-sigurtà, u b'hekk jiġġieled it-terroriżmu u ġġib il-paċi, l-istabilità u l-ordni fil-viċinat tagħha;

37. Huwa tal-fehma, filwaqt li jtenni li jista' jsir u jenħtieġ li jsir aktar progress fil-qafas tat-Trattat ta' Lisbona, inkluż l-użu tad-dispożizzjonijiet li jippermettu li ssir votazzjoni b'maġġoranza kkwalifikata, li l-Viċi President / ir-Rappreżentant Għoli tiġi nominata bħala Ministru tal-Affarijiet Barranin tal-UE u tiġi appoġġata fl-isforzi tagħha li ssir ir-rappreżentant estern ewlieni tal-Unjoni Ewropea fil-fora internazzjonali, mhux l-inqas fil-livell tan-NU; iqis li l-Ministru tal-Affarijiet Barranin jenħtieġ li jkun jista' jaħtar deputati politiċi; jipproponi reviżjoni tal-funzjonalità tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, inkluż il-bżonn ta' riżorsi baġitarji xierqa;

38. Jenfasizza l-ħtieġa li l-istabbiliment rapidu ta' Unjoni Ewropea ta' Difiża li jsaħħaħ id-difiża tat-territorju tal-UE, li, fi sħubija strateġika man-NATO, jippermetti lill-Unjoni taġixxi b'mod awtonomu f'operazzjonijiet barra l-pajjiż, primarjament bl-għan li jiġi stabbilizzat il-viċinat tagħha u b'hekk jittejjeb ir-rwol tal-UE bħala garanti għad-difiża tagħha stess u bħala fornitur tas-sigurtà, f'konformità mal-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti; jiġbed l-attenzjoni lejn l-inizjattiva Franko-Ġermaniża ta' Settembru 2016, kif ukoll l-inizjattiva Taljana ta' Awwissu 2016, li tipprovdi kontributi siewja għal din il-kwistjoni; jenfasizza li l-Parlament Ewropew jeħtieġ li jkun involut bis-sħiħ fl-istadji kollha tal-ħolqien tal-Unjoni Ewropea ta' Difiża u jeħtieġ li jkollu d-dritt ta' approvazzjoni f'każ ta' operazzjonijiet barra mill-pajjiż; fid-dawl tar-rilevanza tagħha, it-Trattati jenħtieġ li jipprovdu speċifikament għall-possibilità li tiġi stabbilita Unjoni Ewropea ta' Difiża; barra minn hekk, flimkien mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, jenħtieġ li jiġi stabbilit Direttorat Ġenerali għad-Difiża (DG Defence) responsabbli għall-aspetti interni tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni;

39. Jenfasizza l-ħtieġa li jiżdiedu r-riżorsi allokati għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni, sabiex jiġi żgurat li l-ispiża tal-operazzjonijiet militari mwettqa fil-qafas tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni u l-Unjoni Ewropea ta' Difiża tinqasam b'mod iktar ġust;

40. Jipproponi li jitwaqqaf Uffiċċju ta' Intelligence Ewropew għall-appoġġ tal-PESK;

Nissalvagwardjaw id-Drittijiet Fundamentali

41. Itenni li l-Kummissjoni hija l-gwardjan tat-Trattati u tal-valuri tal-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 2 tat-TUE; jikkonkludi, fid-dawl ta' diversi vjolazzjonijiet possibbli tal-valuri tal-Unjoni f'għadd ta' Stati Membri, li l-proċedura attwali skont l-Artikolu 7 TUE hija defiċjenti u kkumplikata;

42. Jissottolinja li r-rispett u s-salvagwardjar tal-valuri fundamentali tal-UE huma l-pedament tal-Unjoni Ewropea bħala komunità bbażata fuq valuri u li jorbtu l-Istati Membri flimkien;

43. Jipproponi li l-Artikolu 258 tat-TFUE jiġi emendat sabiex espliċitament il-Kummissjoni tkun tista' tieħu "azzjoni ta' ksur sistemiku" kontra l-Istati Membri li jiksru l-valuri fundamentali; jifhem "azzjoni ta' ksur sistemiku" bħala l-akkumulazzjoni ta' għadd ta' azzjonijiet ta' vjolazzjonijiet individwali li jissuġġerixxu ksur serju u persistenti tal-Artikolu 2 tat-TUE minn Stat Membru;

44. Jipproponi l-estensjoni tad-dritt ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi li huma direttament u individwalment affetwati minn azzjoni biex jitressaq każ quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja għal ksur allegat tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jew minn istituzzjonijiet tal-UE jew minn Stat Membru, billi jiġu emendati l-Artikoli 258 u 259 tat-TFUE;

45. Jirrakkomanda l-abolizzjoni tal-Artikolu 51 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, u l-konverżjoni tagħha f'Karta tad-Drittijiet tal-Unjoni;

46. Jemmen, barra minn hekk, li ċ-ċittadini jenħtieġ ikunu mogħnija b'aktar strumenti ta' demokrazija parteċipattiva fil-livell tal-Unjoni; jipproponi, għalhekk, l-evalwazzjoni tal-introduzzjoni, fit-Trattati, tal-provvista għal referendum fil-livell tal-UE dwar materji rilevanti għal azzjonijiet u l-politiki tal-Unjoni;

Aktar demokrazija, trasparenza u responsabilità

47. Jipproponi li l-Kummissjoni tiġi ttrasformata fl-awtorità eżekuttiva prinċipali jew gvern tal-Unjoni bil-għan li jissaħħaħ "il-metodu tal-Unjoni", tiżdied it-trasparenza u tittejjeb l-effiċjenza u l-effikaċja tal-azzjoni meħuda fil-livell tal-Unjoni Ewropea;

48. Itenni t-talba tiegħu biex id-daqs tal-Kummissjoni mġedda jitnaqqas sostanzjalment u biex il-Viċi Presidenti tagħha jitnaqqsu għal tnejn: il-Ministru tal-Finanzi u l-Ministru tal-Affarijiet Barranin; jissuġġerixxi li l-istess tnaqqis jiġi applikat għall-Qorti tal-Awdituri;

49. Jilqa' l-proċedura l-ġdida ta' suċċess fejn il-partiti politiċi Ewropej jippromwovu l-kandidati prinċipali tagħhom għal President tal-Eżekuttiv Ewropew, elett mill-Parlament Ewropew fuq proposta mill-Kunsill Ewropew, iżda jemmen li dawn għandhom ikunu jistgħu joħorġu bħala kandidati uffiċjali fl-elezzjonijiet li jmiss fl-Istati Membri kollha;

50. Jenfasizza li l-involviment taċ-ċittadini fil-proċess politiku tal-pajjiż ta' residenza tagħhom jgħin biex tinbena d-demokrazija Ewropea, u jitlob li d-drittijiet elettorali taċ-ċittadini residenti fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini, kif stipulat fl-Artikolu 22 tat-TFUE, jiġu estiżi biex jinkludu l-bqija tal-elezzjonijiet;

51. Jappoġġa d-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tat-28 ta' Ġunju 2013 sabiex tiġi stabbilita sistema li tippermetti li, qabel kull elezzjoni ġdida għall-Parlament Ewropew, jerġgħu jiġu allokati s-siġġijiet bejn l-Istati Membri b'mod oġġettiv, ġust, durabbli u trasparenti, b'rispett tal-prinċipju ta' proporzjonalità digressiva, u dan filwaqt li jittieħed kont ta' kwalunkwe bidla fl-għadd ta' Stati Membri u t-tendenzi demografiċi;

52. Ifakkar fil-bosta dikjarazzjonijiet favur sede waħda għall-Parlament Ewropew, minħabba l-valur simboliku ta' deċiżjoni bħal din u l-iffrankar reali li jkun hemm kieku jsir dan;

53. Itenni t-talba tiegħu għal sede unika għall-Parlament Ewropew u l-impenn tiegħu li jagħti bidu għal proċedura ta' reviżjoni ordinarja tat-Trattati skont l-Artikolu 48 tat-TUE bil-ħsieb li jipproponi tibdil fl-Artikolu 341 tat-TFUE u fil-Protokoll Nru 6, meħtieġa biex jippermettu lill-Parlament jiddeċiedi dwar il-lokazzjoni tas-sede u l-organizzazzjoni interna tiegħu;

54. Jipproponi li l-konfigurazzjonijiet kollha u l-Kunsill Ewropew jiġu ttrasformati f'Kunsill tal-Istati fejn ir-responsabilità prinċipali tal-Kunsill Ewropew tkun li tipprovdi direzzjoni u koerenza ma' konfigurazzjonijiet oħra;

55. Iqis li dan il-Kunsill u l-konfigurazzjonijiet speċjalizzati tiegħu, bħala t-tieni kamra tal-leġiżlatura tal-UE, jenħtieġ li, fl-interess tal-ispeċjalizzazzjoni, il-professjonalità u l-kontinwità, jibdel il-prattika tal-presidenza li tinbidel kull sitt xhur għal sistema ta' presidenti permanenti magħżula minn fosthom; jissuġġerixxi li d-deċiżjonijiet tal-Kunsill jittieħdu minn Kunsill leġiżlattiv wieħed, filwaqt li l-konfigurazzjonijiet tal-Kunsill leġiżlattiv speċjalizzati eżistenti jinbidlu f'korpi preparatorji, simili għall-kumitati fil-Parlament;

56. Jissuġġerixxi li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiddeterminaw il-kompożizzjoni tar-rappreżentanza nazzjonali tagħhom fil-konfigurazzjonijiet, sew jekk jikkonsistu f'rappreżentanti mill-parlamenti jew gvernijiet nazzjonali rispettivi tagħhom jew kombinazzjoni tat-tnejn;

57. Jenfasizza li, wara l-ħolqien tar-rwol ta' Ministru tal-Finanzi tal-UE, il-Grupp tal-Euro għandu jitqies bħala konfigurazzjoni formali speċjalizzata tal-Kunsill b'funzjonijiet leġiżlattivi u ta' kontroll;

58. Jitlob tnaqqis addizzjonali fil-proċeduri ta' votazzjoni fil-Kunsill minn unanimità, kull fejn għadha tiġi applikata, pereżempju fi kwistjonijiet ta' affarijiet barranin u ta' difiża, affarijiet fiskali u l-politika soċjali, għal maġġoranza kwalifikata, sabiex il-proċeduri leġiżlattivi speċjali eżistenti jiġu kkonvertiti fi proċeduri leġiżlattivi ordinarji, u għas-sostituzzjoni sħiħa tal-proċedura ta' konsultazzjoni b'kodeċiżjoni bejn il-Parlament u l-Kunsill;

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

59. Jemmen li, fit-tisħiħ tal-governanza taż-żona tal-euro, għandu jingħata r-rispett dovut lill-interessi tal-Istati Membri li għadhom mhumiex parti miż-żona tal-euro (il-"pre-ins");

60. Jirrikonoxxi r-rwol sinifikanti li għandhom il-parlamenti nazzjonali fl-ordni istituzzjonali attwali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari r-rwol tagħhom fit-traspożizzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE fid-dritt nazzjonali u r-rwol li jkollhom kemm fil-kontroll ex ante u ex post tad-deċiżjonijiet leġiżlattivi u l-għażliet politiċi li jsiru mill-membri tal-Kunsill, inklużi l-konfigurazzjonijiet speċjalizzati tiegħu; jissuġġerixxi, għaldaqstant, li s-setgħat tal-parlamenti nazzjonali jiġu kkomplementati u mtejba permezz tal-introduzzjoni tal-proċedura "tal-karta ħadra", li biha l-parlamenti nazzjonali jkunu jistgħu jippreżentaw proposta leġiżlattiva lill-Kunsill biex jeżaminaha;

61. Filwaqt li jirrispetta r-rwol tal-parlamenti nazzjonali u l-prinċipju tas-sussidjarjetà, jirrikonoxxi l-kompetenzi esklużivi tal-UE dwar il-Politika Kummerċjali Komuni; jitlob li ssir delimitazzjoni ċara ta' kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri f'dan ir-rigward; jinnota li din id-delimitazzjoni jkollha effetti pożittivi fuq l-impjiegi u t-tkabbir kemm fl-UE kif ukoll fis-sħab kummerċjali tagħha;

62. Jipproponi, barra minn hekk, li f'konformità ma' prattika komuni f'għadd ta' Stati Membri, iż-żewġ kmamar tal-leġiżlatura tal-UE, il-Kunsill u, b'mod partikolari, il-Parlament, bħala l-unika istituzzjoni eletta direttament miċ-ċittadini, jenħtieġ li jingħataw id-dritt ta' inizjattiva leġiżlattiva, mingħajr preġudizzju għall-prerogattiva leġiżlattiva bażika tal-Kummissjoni;

63. Huwa tal-fehma li, skont l-Artikoli 245 u 247 tat-TFUE, mhux biss il-Kunsill u l-Kummissjoni, iżda wkoll il-Parlament Ewropew jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jressqu azzjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jekk Membru jew ex Membru tal-Kummissjoni Ewropea jikser l-obbligi tiegħu skont it-Trattati, huwa ħati ta' mġiba ħażina serja jew ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-qadi ta' dmirijietu;

64. Jinsisti li d-dritt ta' inkjesta tal-Parlament jenħtieġ li jissaħħaħ u li jingħata setgħat speċifiċi, ġenwini u delimitati b'mod ċar, li huma aktar konformi aktar mal-istatura u l-kompetenzi politiċi tiegħu, inkluż id-dritt li jsejjaħ xhieda, id-dritt li jkollu aċċess sħiħ għad-dokumenti, id-dritt li jmexxi investigazzjonijiet fuq il-post u d-dritt li jimponi sanzjonijiet f'każ ta' nuqqas ta' konformità;

65. Jinsab konvint li l-baġit tal-UE jeħtieġ jiġi mogħni b'sistema ġenwina ta' riżorsi proprji, u għandu jitmexxa skont il-prinċipji gwida tas-sempliċità, il-korrettezza u t-trasparenza; jappoġġa r-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar ir-Riżorsi Proprji, fir-rigward tad-diversifikazzjoni tad-dħul tal-baġit tal-UE, inklużi r-riżorsi proprji ġodda, bil-għan li titnaqqas il-proporzjon tal-kontribuzzjonijiet tad-dħul nazzjonali gross mill-baġit tal-UE bil-għan li jiġi abbandunat l-approċċ ta' "juste retour" tal-Istati Membri; jinsisti, f'dan il-kuntest, li jiġu eliminati gradwalment il-forom kollha ta' rifużjonijiet;

66. Jipproponi, f'dan ir-rigward, li l-proċeduri ta' teħid ta' deċiżjonijiet kemm għar-riżorsi proprji kif ukoll għall-QFP jinbidlu minn unanimità għal votazzjoni b'maġġoranza kkwalifikata, u b'hekk ikun hemm kodeċiżjoni reali bejn il-Kunsill u l-Parlament dwar l-aspetti baġitarji kollha; itenni t-talba tiegħu, barra minn hekk, biex il-QFP jikkoinċidi mal-mandati tal-Parlament u l-eżekuttiv Ewropew, u jinsisti li l-finanzi tal-aġenziji kollha tal-Unjoni jsiru parti integrali mill-baġit tal-UE;

67. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi applikata l-proċedura leġiżlattiva ordinarja għall-adozzjoni tar-Regolament QFP, sabiex jiġi allinjat mal-proċedura tat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' kważi l-programmi pluriennali kollha tal-UE, inklużi l-allokazzjonijiet finanzjarji rispettivi tagħhom, kif ukoll il-baġit tal-UE; jemmen li l-proċedura ta' approvazzjoni tiċħad lill-Parlament mis-setgħa tat-teħid ta' deċiżjonijiet li huwa jeżerċita fuq l-adozzjoni tal-baġits annwali, filwaqt li r-regola tal-unanimità fil-Kunsill tfisser li l-ftehim jirrappreżenta l-iżgħar denominatur komuni, abbażi tal-bżonn li jiġi evitat il-veto ta' Stat Membru wieħed;

68. Jinnota l-fatt li l-lista ta' istituzzjonijiet definita fl-Artikolu 13 tat-TUE hija differenti minn dik imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament Finanzjarju; iqis li r-Regolament Finanzjarju diġà jirrifletti l-prattika attwali;

69. Iqis li hemm ftit każijiet fejn id-diċitura tat-TFUE hija differenti mill-prattika u mill-ispirtu tat-Trattat; huwa tal-opinjoni li dawn l-inkoerenzi jeħtieġ li jiġu rettifikati skont il-prinċipji tad-demokrazija u t-trasparenza;

70. Ifakkar li kull waħda mill-istituzzjonijiet, kif definiti fl-Artikolu 2(b) tar-Regolament Finanzjarju, għandha l-awtonomija li timplimenta t-taqsima tagħha tal-baġit skont l-Artikolu 55 tar-Regolament Finanzjarju; jirrimarka li tali awtonomija tirrikjedi wkoll livell sostanzjali ta' responsabilità fir-rigward tal-użu tal-finanzjament allokat;

71. Jirrimarka li superviżjoni effettiva tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE mill-istituzzjonijiet u mill-korpi tirrikjedi kooperazzjoni bona fide u aktar effettiva mal-Parlament u trasparenza sħiħa fir-rigward tal-użu tal-finanzjament, kif ukoll dokument ta' segwitu annwali mill-istituzzjonijiet kollha dwar ir-rakkomandazzjonijiet ta' kwittanza tal-Parlament; jiddispjaċih li l-Kunsill mhuwiex qiegħed jaderixxi ma' din il-proċedura, u jqis li din is-sitwazzjoni li ilha għaddejja għal żmien twil mhijiex ġustifikata u timmina r-reputazzjoni tal-Unjoni kollha kemm hi;

72. Jinnota li l-proċedura li l-kwittanza tingħata b'mod separat għal kull istituzzjoni u korp tal-UE hija prattika li ilha teżisti u li ġiet żviluppata biex tiggarantixxi trasparenza u responsabilità demokratika lejn il-kontribwenti tat-taxxa fl-UE u hija mod kif jiġu vverifikati r-rilevanza u t-trasparenza tal-użu tal-finanzjament tal-UE; jissottolinja li dan effettivament jiggarantixxi d-dritt u d-dmir tal-Parlament li jiskrutinja l-baġit tal-UE kollu kemm hu; ifakkar fil-fehma tal-Kummissjoni, kif espressa f'Jannar 2014, li l-istituzzjonijiet kollha, mingħajr eċċezzjoni, huma parti sħiħa mill-proċess ta' segwitu għall-osservazzjonijiet magħmula mill-Parlament fl-eżerċizzju ta' kwittanza, u li lkoll għandhom jikkooperaw bis-sħiħ biex jiżguraw il-funzjonament mingħajr xkiel tal-proċedura ta' kwittanza;

73. Jirrikjedi li l-istituzzjonijiet jipprovdu direttament lill-Parlament ir-rapporti annwali tal-attività tagħhom u jagħtu lill-Parlament l-informazzjoni kollha għall-mistoqsijiet tiegħu matul il-proċess ta' kwittanza, b'mod li huwa jkun jista' jieħu deċiżjoni infurmata dwar l-għoti ta' kwittanza;

74. Huwa tal-opinjoni li t-TFUE jeħtieġ li jiggarantixxi d-dritt tal-Parlament li jiskrutinja l-baġit kollu tal-UE u mhux biss il-parti ġestita mill-Kummissjoni; iħeġġeġ, għalhekk, li l-Kapitolu 4 tat-Titolu II tat-TFUE – Dispożizzjonijiet Finanzjarji – jiġi aġġornat kif meħtieġ sabiex l-istituzzjonijiet u l-korpi kollha jiġu inklużi fir-rigward tad-drittijiet u l-obbligi previsti f'dan il-kapitolu u b'koerenza mar-Regolament Finanzjarju;

75. Jenfasizza li l-Istati Membri kollha għandhom ikunu obbligati jipprovdu dikjarazzjoni annwali li fiha jagħtu rendikont dwar l-użu li huma għamlu mill-fondi tal-UE;

76. Jirrikonoxxi r-rwol kruċjali tal-Qorti tal-Awdituri biex tiżgura nfiq aħjar u aktar intelliġenti tal-baġit tal-UE, biex tidentifika każijiet ta' frodi, korruzzjoni u użu illegali ta' fondi tal-UE, u biex tagħti opinjoni professjonali dwar kif il-finanzjament tal-UE jista' jiġi ġestit aħjar; ifakkar fl-importanza tar-rwol tal-Qorti bħala awtorità Ewropea ta' awditjar pubbliku;

77. Iqis li, fid-dawl tar-rwol importanti li għandha l-Qorti Ewropea tal-Awdituri fl-awditjar tal-ġbir u l-użu tal-fondi tal-UE, huwa assolutament essenzjali li l-istituzzjonijiet iqisu kompletament ir-rakkomandazzjonijiet tagħha;

78. Jinnota li l-kompożizzjoni tal-Qorti u l-proċedura tal-ħatra tagħha huma stabbiliti fl-Artikoli 285 u 286 tat-TFUE; iqis li l-Parlament u l-Kunsill għandhom ikunu fuq l-istess livell meta jaħtru l-Membri tal-Qorti tal-Awdituri, sabiex jiġu ggarantiti l-leġittimità demokratika, it-trasparenza u l-indipendenza sħiħa ta' dawn il-Membri; jappella lill-Kunsill biex jaċċetta bis-sħiħ id-deċiżjonijiet meħuda mill-Parlament wara s-smigħ tal-kandidati nnominati bħala Membri tal-Qorti tal-Awdituri;

79. Jiddeplora l-fatt li ċerti proċeduri tal-ħatra wasslu għal kunflitti bejn il-Parlament u l-Kunsill dwar il-kandidati; jenfasizza li, kif previst fit-Trattat, huwa d-dover tal-Parlament li jivvaluta l-persuni nominati; jenfasizza li dawn il-kunflitti jistgħu jagħmlu ħsara lir-relazzjonijiet ta' ħidma tajbin bejn il-Qorti u l-istituzzjonijiet imsemmija aktar 'il fuq, u possibbilment ikollhom konsegwenzi negattivi serji għall-kredibilità, u għaldaqstant għall-effikaċja tal-Qorti; huwa tal-opinjoni li, fl-ispirtu ta' kooperazzjoni tajba fost l-istituzzjonijiet tal-UE, il-Kunsill jenħtieġ li jaċċetta d-deċiżjonijiet meħuda mill-Parlament wara s-seduti ta' smigħ;

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

80. Jitlob l-introduzzjoni ta' bażi ġuridika sabiex jiġu stabbiliti aġenziji tal-Unjoni li jistgħu jwettqu funzjonijiet eżekuttivi u implimentattivi speċifiċi mogħtija lilhom mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja;

81. Jindika li, f'konformità mat-Trattati, il-Parlament jagħti kwittanza lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit; huwa tal-fehma li, peress li l-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-UE jamministraw il-baġits tagħhom b'mod indipendenti, il-Parlament jenħtieġ li jingħata kompetenza espliċita biex jagħti kwittanza lill-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-UE, u li dawn tal-aħħar jenħtieġ li jkunu obbligati jikkooperaw bis-sħiħ mal-Parlament;

82. Jemmen, fl-aħħar nett, li l-proċedura ta' ratifika tat-Trattat attwali hija riġida wisq biex tkun adattata għal entità sovranazzjonali bħalma hi l-Unjoni Ewropea; jipproponi li l-emendi għat-Trattati jitħallew jidħlu fis-seħħ, jekk mhux permezz ta' referendum mal-UE kollha permezz ta' ratifika minn maġġoranza kkwalifikata ta' erba' Stati Membri minn kull ħamsa, wara li tkun kisbet l-approvazzjoni tal-Parlament;

83. Jitlob li l-QĠE tikseb ġurisdizzjoni sħiħa fuq il-politiki kollha tal-UE dwar kwistjonijiet ta' natura legali, kif hu xieraq f'sistema demokratika bbażata fuq l-istat tad-dritt u s-separazzjoni tal-poteri;

Il-proċess kostitwenti

84. Jimpenja ruħu biex jaqdi rwol ewlieni f'dawn l-iżviluppi kostituzzjonali importanti, u jinsab determinat li jressaq il-proposti tiegħu stess għall-emenda tat-Trattat f'ħin opportun;

85. Huwa tal-fehma li s-60 anniversarju tat-Trattat ta' Ruma jkun mument xieraq biex tibda riflessjoni dwar il-futur tal-Unjoni Ewropea u jsir qbil dwar viżjoni għall-ġenerazzjonijiet attwali u futuri taċ-ċittadini Ewropej li jwasslu għal Konvenzjoni bl-għan li l-Unjoni Ewropea tkun tista' tiffaċċa d-deċennji li ġejjin;

o

o o

86. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Qorti tal-Awdituri, lill-Kumitat tar-Reġjuni, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-parlamenti u l-gvernijiet tal-Istati Membri.

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

P8_TA(2017)0049

It-titjib tal-funzjonament tal-Unjoni Ewropea bl-isfruttament tal-potenzjal tat-Trattat ta' Lisbona

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2017 dwar it-titjib tal-funzjonament tal-Unjoni Ewropea bl-isfruttament tal-potenzjal tat-Trattat ta' Lisbona (2014/2249(INI))

(2018/C 252/23)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra t-Trattat ta' Lisbona li jemenda t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li kien iffirmat fit-13 ta' Diċembru 2007,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tad-9 ta' Mejju 1950, li ddikjarat li l-ħolqien tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar irrappreżenta l-ewwel pass fil-federazzjoni tal-Ewropa,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Frar 2008 dwar it-Trattat ta' Lisbona ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Mejju 2009 dwar l-impatt tat-Trattat ta' Lisbona fuq l-iżvilupp tal-bilanċ istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Marzu 2014 dwar l-implimentazzjoni tat-Trattat ta' Lisbona fir-rigward tal-Parlament Ewropew ([3]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-16 ta' Settembru 2015 ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tat-8 ta' Lulju 2015 ([5]),

— wara li kkunsidra r-rapport lill-Kunsill Ewropew mill-Grupp ta' Riflessjoni dwar il-Futur tal-UE 2030,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-ħames Presidenti (il-Kummissjoni, il-Kunsill, il-Grupp tal-Euro, il-Parlament u l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE)) dwar l-ikkompletar tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' April 2016 dwar ir-rapporti annwali 2012-2013 dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità ([6]), u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali dwar dak ir-rapport,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Jannar 2017 dwar Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ([7]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Baġits u l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A8-0386/2016),

([1]) ĠU C 184 E, 6.8.2009, p. 25.
([2]) ĠU C 212 E, 5.8.2010, p. 82.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2014)0249.
([4]) ĠU C 13, 15.1.2016, p. 183.
([5]) ĠU C 313, 22.9.2015, p. 9.
([6]) Testi adottati, P8_TA(2016)0103.
([7]) Testi adottati, P8_TA(2017)0010.

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

A. billi l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha qegħdin jiffaċċjaw sfidi kbar, li ebda Stat Membru ma jista' jindirizza waħdu;

B. billi, minħabba l-kriżi ekonomika, finanzjarja u soċjali fost affarijiet oħra, l-UE qed tiffaċċja wkoll diżillużjoni taċ-ċittadini tagħha dwar il-proġett Ewropew, kif jidher ukoll mil-livell dejjem baxx ta' votanti fl-elezzjonijiet Ewropej u l-qawmien ta' forzi politiċi Ewroxettiċi jew espliċitament kontra l-Ewropa;

C. billi l-uniku mezz biex ikunu jistgħu jitwettqu ċerti proposti li għandhom l-għan li jindirizzaw l-isfidi li qed tiffaċċja l-Unjoni u biex isaħħu l-integrazzjoni tagħha bil-ħsieb li jittejjeb il-funzjonament tagħha għall-benefiċċju taċ-ċittadini tagħha huwa permezz ta' bidla fit-Trattat; billi għandha ssir dispożizzjoni għal approċċ f'żewġ stadji għar-riforma tal-UE (fi ħdan it-Trattati u lil hinn mit-Trattati); billi d-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Lisbona u l-protokolli tiegħu għadhom ma ġewx sfruttati fil-potenzjal kollu tagħhom, u din ir-riżoluzzjoni għandha l-għan uniku li tipprovdi valutazzjoni tal-possibilitajiet ġuridiċi fit-Trattati għal titjib tal-funzjonament tal-UE;

D. billi r-rwol dominanti tal-Kunsill Ewropew jikkostitwixxi ċaħda kontinwa tal-metodu Komunitarju bil-kunċett tiegħu tal-leġittimità doppja;

E. billi l-metodu Komunitarju jrid jiġi ppreservat u mhux jiddgħajjef b'rikors għal deċiżjonijiet intergovernattivi, inkluż f'oqsma fejn mhux l-Istati Membri kollha jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni; billi r-rwol tal-Kummissjoni għandu jissaħħaħ sabiex tkun tista' taqdi l-funzjoni tagħha bħala l-magna tal-metodu Komunitarju b'mod sħiħ u effettiv;

F. billi s-suq intern, li jiffaċilita l-moviment liberu ta' merkanzija, persuni, servizzi u kapital, huwa ġebla tax-xewka tal-UE;

G. billi l-Parlament Ewropew, elett demokratikament permezz ta' vot dirett universali, u għalhekk fil-qalba tad-demokrazija fil-livell tal-Unjoni huwa l-parlament tal-Unjoni kollha, u għandu rwol essenzjali fl-iżgurar tal-leġittimità u tal-obbligu ta' rendikont tad-deċiżjonijiet tal-UE, inkluża r-responsabilità demokratika ta' azzjonijiet u deċiżjonijiet speċifiċi għaż-żona tal-euro;

H. billi skont l-Artikolu 10(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) il-Parlament Ewropew jirrappreżenta liċ-ċittadini tal-Unjoni, indipendentement min-nazzjonalità tagħhom, u l-Kunsill jirrappreżenta liċ-ċittadini tal-Istati Membri permezz tal-gvernijiet nazzjonali;

I. billi għandu jissaħħaħ id-djalogu politiku bejn il-parlamenti nazzjonali u l-Parlament Ewropew, u għandhom jittejbu l-possibilitajiet prattiċi għall-użu tal-"karta safra" u "karta oranġjo";

J. billi l-metodi ta' ħidma tal-Kunsill Ewropew għandhom isiru aktar trasparenti vis-à-vis il-Parlament u l-kompiti tiegħu għandhom jitwettqu fil-limiti tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat;

K. billi sabiex tinħoloq sistema leġiżlattiva bikamerali ġenwina li tkun demokratika u trasparenti fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha, id-deċiżjonijiet tal-Kunsill għandhom jittieħdu b'vot leġiżlattiv wieħed tal-Kunsill, filwaqt li l-konfigurazzjonijiet leġiżlattivi speċjalizzati eżistenti tal-Kunsill għandhom jinbidlu f'korpi preparatorji, simili għall-kumitati fil-Parlament;

L. billi l-unità tar-responsabilità u l-kontroll hija prerekwiżit ewlieni għall-istabilità ta' kwalunkwe struttura istituzzjonali, u b'mod partikolari fir-rigward ta' kwistjonijiet ekonomiċi, fiskali u monetarji; billi l-politika ekonomika tal-UE hija mibnija fuq sjieda nazzjonali qawwija mill-Istati Membri, inkluż il-prinċipju tal-"ebda salvataġġ" tal-Artikolu 125 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE); billi ż-żieda tas-setgħat konferiti lill-livell Ewropew timplika ftehim dwar it-tnaqqis tas-sovranità nazzjonali tal-Istati Membri;

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

M. billi l-UE għandha tippromwovi l-ogħla livell ta' ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, u jrid jiġi żgurat li l-UE, l-istituzzjonijiet tagħha u l-Istati Membri jirrispettaw u jippromwovu dawk id-drittijiet u l-libertajiet;

N. billi r-rwol tal-Kummissjoni bħala l-eżekuttiv għandu jissaħħaħ fil-qasam tal-politika ekonomika u fiskali;

O. billi l-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 14 dwar il-Grupp tal-Euro ma jispeċifikax li l-President tal-Grupp tal-Euro għandu jiġi elett minn fost il-membri tiegħu;

P. billi għat-titjib tal-leġittimità politika tal-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-governanza ekonomika u tar-regoli fiskali, huwa fundamentali li l-President tal-Kummissjoni jintgħażel permezz ta' proċedura ċara u mifhuma sew fl-elezzjonijiet Ewropej;

Q. billi t-Trattat ta' Lisbona afferma mill-ġdid il-qafas legali tal-Qorti tal-Awdituri biex din tippromwovi r-responsabilità pubblika u tassisti lill-Parlament u lill-Kunsill fis-sorveljanza tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE, u b'hekk tikkontribwixxi għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji taċ-ċittadini; billi l-Artikolu 318 TFUE tiegħu jipprevedi aktar djalogu bejn il-Parlament u l-Kummissjoni u għandu jistimola kultura ta' prestazzjoni fl-eżekuzzjoni tal-baġit tal-UE;

R. billi l-istituzzjonijiet u l-korpi Ewropej, notevolment il-Kumitat tar-Reġjuni (KtR), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) u, b'mod speċjali, il-Parlament Ewropew, għandhom, fil-ħidma tagħhom ta' kuljum, jimmonitorjaw ir-rispett għall-prinċipju ta' sussidjarjetà vertikali u orizzontali fl-Unjoni Ewropea; billi l-istituzzjonijiet Ewropej għandhom iqisu r-rwol tal-KtR u l-KESE fil-qafas leġiżlattiv, u l-importanza li jqisu l-opinjonijiet tagħhom;

S. billi l-Artikolu 137 tat-TFUE u l-Protokoll Nru 14 jistabbilixxu l-Grupp tal-Euro bħala korp informali;

T. billi l-kompiti l-ġodda konferiti lill-Grupp tal-Euro permezz tar-regolamenti "Six-Pack" u "Two-Pack", flimkien mal-identità ta' dawk li jiffurmaw il-Grupp tal-Euro u l-Bord tal-Gvernaturi tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES) u l-identità tal-President tal-Grupp tal-Euro u l-President tal-Bord tal-Gvernaturi tal-MES, jagħtu lill-Grupp tal-Euro rwol de facto kruċjali fil-governanza ekonomika taż-żona tal-euro;

U. billi l-proċedura tal-iżbilanċi makroekonomiċi mhijiex tintuża biżżejjed; billi jekk tintuża sal-massimu tal-kapaċità tagħha, tista' tgħin biex jiġu kkoreġuti l-iżbilanċi ekonomiċi fi stadju bikri, tiġi pprovduta deskrizzjoni preċiża tas-sitwazzjoni f'kull Stat Membru u fl-Unjoni kollha kemm hi, jiġu evitati l-kriżijiet, u jsir kontribut għat-titjib tal-kompetittività; billi hemm bżonn ta' aktar konverġenza strutturali bejn il-membri, peress li din tgħin biex tikkontribwixxi għal tkabbir sostenibbli u koeżjoni soċjali; billi, għalhekk, it-tlestija tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM) hija meħtieġa b'mod urġenti, flimkien ma' sforzi sabiex l-istruttura istituzzjonali tagħha tkun aktar leġittima u demokratikament responsabbli;

V. billi l-istruttura istituzzjonali tal-UEM għandha tkun magħmula aktar effikaċi u demokratika, bil-Parlament u l-Kunsill jaġixxu bħala koleġiżlaturi ugwali, il-Kummissjoni tissodisfa r-rwol tal-eżekuttiv, il-parlamenti nazzjonali jiskrutinizzaw l-azzjonijiet tal-gvernijiet nazzjonali aħjar fil-livell Ewropew, il-Parlament Ewropew jiskrutinizza t-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livell tal-UE, u permezz ta' rwol imsaħħaħ tal-Qorti tal-Ġustizzja;

W. billi l-Unjoni teħtieġ applikazzjoni xierqa u infurzar tal-qafas attwali tal-politika ekonomika eżistenti, kif ukoll dispożizzjonijiet ġuridiċi ġodda dwar il-politika ekonomika u riformi strutturali kruċjali fl-oqsma tal-kompetittività, it-tkabbir u l-koeżjoni soċjali;

X. billi l-proċess tas-Semestru Ewropew għandu jiġi ssimplifikat u jsir aktar iffokat u demokratiku, permezz ta' tisħiħ tar-rwol ta' skrutinju tal-Parlament fuqu u b'investiment fih bi rwol aktar sostanzjali fid-diversi ċikli tan-negozjati;

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

Y. billi t-TFUE poġġa lill-Parlament fl-istess livell tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-proċedura annwali tal-baġit; billi t-Trattat ta' Lisbona huwa biss implimentat parzjalment fil-baġit minħabba b'mod partikolari l-assenza ta' riżorsi proprji veri;

Z. billi l-użu tal-baġit tal-Unjoni għandu jkun aktar issimplifikat, id-dħul tiegħu għandu joriġina minn riżorsi proprji ġenwini u mhux b'mod predominanti minn kontribuzzjonijiet ta' Dħul Nazzjonali Gross (DNG), filwaqt li l-proċedura għall-adozzjoni tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) tista', taħt it-Trattati, tinbidel minn votazzjoni ta' unanimità għal votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata;

AA. billi, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ir-Regolament Finanzjarju), il-prinċipju tal-universalità tal-baġit ma jipprekludix grupp ta' Stati Membri milli jassenjaw kontribuzzjoni finanzjarja għall-baġit tal-UE jew dħul speċifiku għal partita speċifika tan-nefqa, kif qed jiġri diġà, pereżempju, fil-każ tar-reattur ta' fluss għoli skont id-Deċiżjoni 2012/709/Euratom;

AB. billi d-dħul assenjat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju skont il-premessa 8 tar-Regolament tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (UE, Euratom) Nru 1311/2013, mhuwiex parti mill-QFP u bħala tali ma jaqax taħt il-limiti massimi tal-QFP;

AC. billi s-sistema ta' riżorsi proprji ma tipprojbixxix riżorsi proprji ffinanzjati biss minn grupp ta' Stati Membri;

AD. billi l-Unjoni għandha tiġi mogħnija b'kapaċità ta' investiment akbar permezz tal-iżgurar ta' użu ottimu tal-Fondi Strutturali eżistenti u billi jintuża l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, kif ukoll billi jiżdiedu l-kapaċitajiet tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), il-Fond Ewropew għall-Investiment (FEI) u l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS);

AE. billi l-istabbiliment ta' kapaċità fiskali fiż-żona tal-euro u l-qafas, il-finanzjament, il-modi ta' intervent u l-kundizzjonijiet ta' integrazzjoni tagħha fil-baġit tal-Unjoni qed jiġu kkunsidrati;

AF. billi l-potenzjal tat-tkabbir tas-suq intern għandu jiġi sfruttat aktar fl-oqsma tas-servizzi, tas-Suq Uniku Diġitali, tal-Unjoni tal-Enerġija, tal-Unjoni Bankarja u tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali;

AG. billi, skont it-Trattati, l-Unjoni għandha tiġġieled kontra l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni, u għandha tippromwovi l-ġustizzja u l-protezzjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet;

AH. billi t-tisħiħ tas-suq uniku għandu jkun akkumpanjat minn koordinazzjoni tat-tassazzjoni mtejba;

AI. billi d-dritt ta' moviment liberu u d-drittijiet tal-ħaddiema għandhom jiġu garantiti u sostnuti billi jiġi sfruttat b'mod sħiħ il-potenzjal tat-Trattat ta' Lisbona;

AJ. billi, il-leġiżlatur tal-Unjoni jista' jadotta l-miżuri meħtieġa fil-qasam tas-sigurtà soċjali għal ħaddiema li jeżerċitaw id-drittijiet ta' moviment liberu tagħhom fl-ambitu tal-Artikolu 48 tat-TFUE; billi hu jista' jadotta miżuri għall-protezzjoni tad-drittijiet soċjali tal-ħaddiema indipendentement mill-użu tad-drittijiet ta' moviment liberu fl-ambitu tal-Artikolu 153 tat-TFUE;

AK. billi abbażi tal-Artikolu 153(1)(a) sa (i) tat-TFUE, il-leġiżlatur tal-Unjoni jista' jadotta miżuri ta' armonizzazzjoni minima fil-qasam tal-politika soċjali; billi tali leġiżlazzjoni ma tistax taffettwa d-dritt tal-Istati Membri li jiddefinixxu l-prinċipji fundamentali tas-sistemi tas-sigurtà soċjali tagħhom; billi tali leġiżlazzjoni ma tistax taffettwa b'mod sinifikanti l-bilanċ finanzjarju tas-sistemi ta' sigurtà soċjali nazzjonali; billi dawn il-limiti għal armonizzazzjoni tal-politika soċjali għadhom jagħtu xi marġini mhux użati lil-leġiżlatur tal-Unjoni biex jadotta miżuri fil-qasam tal-politika soċjali;

AL. billi l-prinċipju ta' paga ugwali għall-ħaddiema rġiel u nisa għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali, kif stabbilit fl-Artikolu 157 tat-TFUE, għadu ma twettaqx;

AM. billi hemm nuqqasijiet fir-rigward tal-funzjonament u l-implimentazzjoni tal-istrument tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, u għalhekk hemm bżonn ta' titjib sabiex tkun tista' tiffunzjona b'mod effettiv u tkun verament strument għad-demokrazija parteċipattiva u ċ-ċittadinanza attiva;

AN. billi l-libertà ta' moviment, b'mod partikolari dik tal-ħaddiema, hija dritt minqux fit-Trattati (Artikolu 45 tat-TFUE) u jikkostitwixxi mutur fundamentali għat-tlestija tas-suq uniku;

AO. billi jeħtieġ li l-Unjoni żżid l-effikaċja, il-koerenza u l-obbligu ta' rendikont tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK), u dan jista' jsir billi jintużaw id-dispożizzjonijiet eżistenti tat-Trattat sabiex issir il-bidla mill-unanimità għal votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata (VMK) għal aktar u aktar oqsma ta' politiki esterni, kif ukoll billi jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet għal flessibilità u kooperazzjoni msaħħa, meta jkun hemm bżonn;

AP. billi l-isfidi riċenti għas-sigurtà, uħud minnhom fil-viċinanza immedjata tal-fruntieri tal-UE, urew il-ħtieġa li nimxu b'mod progressiv lejn l-istabbiliment ta' politika ta' difiża komuni u, eventwalment difiża komuni; billi t-Trattat diġà fih dispożizzjonijiet ċari dwar kif dan jista' jsir, b'mod partikolari fl-Artikoli 41, 42, 44 u 46 tat-TUE;

AQ. billi r-rappreżentanza esterna għandha tiġi żgurata fl-interess tal-Unjoni fejn huma kkonċernati kompetenzi esklussivi tal-Unjoni u l-kompetenzi komuni tal-Unjoni li diġà ġew eżerċitati mill-Unjoni; billi f'oqsma fejn l-Unjoni għadha ma użatx il-kompetenza kondiviża tagħha, l-Istati Membri għandhom id-dmir li jikkooperaw b'mod sinċier u biex jastjenu minn kwalunkwe miżura li tista' timmina l-interessi tal-Unjoni;

AR. billi hemm il-ħtieġa ta' pożizzjoni kkoordinata u strutturata tal-Unjoni u tal-Istati Membri f'organizzazzjonijiet internazzjonali u fora internazzjonali sabiex tissaħħaħ l-influwenza tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha f'dawk l-organizzazzjonijiet u l-fora;

AS. billi d-dħul tal-Unjoni jew tal-Istati Membri f'obbligi internazzjonali ma jistax inaqqas ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali u tal-Parlament Ewropew għal sempliċi approvazzjoni awtomatika;

AT. billi l-kriżi tar-rifuġjati esponiet il-ħtieġa għal politika komuni dwar l-asil u l-immigrazzjoni, li għandha tipprevedi wkoll distribuzzjoni ġusta tal-persuni li qegħdin ifittxu l-asil madwar l-UE;

AU. billi d-diskriminazzjoni bbażata fuq kwalunkwe raġuni, bħas-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin (politiku jew ieħor), l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabilità, l-età, l-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tas-sessi, għadha problema f'kull Stat Membru;

AV. billi l-kriżijiet reċenti wrew li l-approssimazzjoni ta' dispożizzjonijiet ġuridiċi mhijiex biżżejjed biex tiżgura l-funzjonament tas-suq intern jew taż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja minħabba differenzi fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġuridiċi armonizzati;

AW. billi l-leġiżlatur tal-Unjoni ma jistax jikkonferixxi setgħat diskrezzjonali lill-aġenziji tal-Unjoni li jeħtieġu għażliet politiċi;

AX. billi l-leġislatur tal-Unjoni jeħtieġlu jiżgura li jkun hemm biżżejjed kontroll politiku fuq id-deċiżjonijiet u l-attivitajiet tal-aġenziji tal-Unjoni;

AY. billi l-fatt li l-Istati Membri jonqsu milli jikkonformaw mal-ftehimiet adottati fis-summits Ewropej u fil-Kunsilli Ewropej ixekkel serjament il-kredibilità tal-istituzzjonijiet Ewropej, u għalhekk għandha tiġi garantita b'mod iktar effettiv l-implimentazzjoni tagħhom;

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

1. Jinnota li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha qegħdin jiffaċċjaw sfidi bla preċedenti, bħall-kriżi tar-rifuġjati, l-isfidi tal-politika barranija fil-viċinat immedjat u l-ġlieda kontra t-terroriżmu, kif ukoll il-globalizzazzjoni, it-tibdil fil-klima, l-iżviluppi demografiċi, il-qgħad, il-kawżi u l-konsegwenzi tal-kriżi finanzjarja u tad-dejn, in-nuqqas ta' kompetittività u l-konsegwenzi soċjali f'bosta Stati Membri, flimkien mal-ħtieġa li jissaħħaħ is-suq intern tal-UE, li kollha jeħtieġ li jiġu indirizzati b'mod iktar adegwat;

2. Jissottolinja li dawn l-isfidi ma jistgħux jiġu indirizzati b'mod adegwat mill-Istati Membri individwalment, iżda jeħtieġu reazzjoni kollettiva min-naħa tal-Unjoni, ibbażata fuq ir-rispett għall-prinċipju ta' governanza fuq livelli differenti;

3. Ifakkar li s-suq intern, li jiffaċilita l-moviment liberu ta' merkanzija, persuni, servizzi u kapital huwa ġebla tax-xewka tal-UE; ifakkar ukoll li l-eċċezzjonijiet għas-suq intern joħolqu tgħawwiġ tal-kompetizzjoni fi ħdan l-Unjoni u jeqirdu l-ambjent ekwu;

4. Jenfasizza li l-Unjoni għandha ġġib lura l-fiduċja mitlufa taċ-ċittadini tagħha billi ssaħħaħ it-trasparenza tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha u l-obbligu ta' rendikont tal-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi informali tagħha (bħall-Grupp tal-Euro), billi ssaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet, kif ukoll billi ttejjeb il-kapaċità tagħha li taġixxi;

5. Jirrimarka li mhux id-dispożizzjonijiet kollha tat-Trattat ta' Lisbona ġew sfruttati fil-potenzjal sħiħ tagħhom s'issa, minkejja li dawn fihom xi għodod neċessarji li setgħu ġew applikati sabiex jipprevjenu wħud mill-kriżijiet li qiegħda tħabbat wiċċha magħhom l-Unjoni, jew jistgħu jintużaw sabiex din tlaħħaq mal-isfidi attwali mingħajr ma jkollha bżonn tibda reviżjoni tat-Trattat fi żmien qasir;

6. Jenfasizza li l-metodu Komunitarju huwa l-aktar metodu adatt għall-funzjonament tal-Unjoni u għandu għadd ta' vantaġġi fuq il-metodu intergovernattiv, minħabba li huwa l-uniku wieħed li jippermetti iktar trasparenza, effiċjenza, VMK fil-Kunsill u d-dritt ugwali ta' koleġiżlazzjoni mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, kif ukoll il-prevenzjoni ta' frammentazzjoni tar-responsabilitajiet istituzzjonali u l-iżvilupp ta' istituzzjonijiet kompetituri;

7. Huwa tal-opinjoni li s-soluzzjonijiet intergovernattivi għandhom ikunu biss strument *ultima ratio*, soġġett għal kundizzjonijiet stretti, b'mod partikolari r-rispett għad-dritt tal-Unjoni, l-objettiv tal-approfondiment tal-integrazzjoni Ewropea, u r-rieda ta' aċċess għall-adeżjoni minn Stati Membri mhux parteċipanti, u jemmen li dawn għandhom jiġu sostitwiti bi proċeduri tal-Unjoni mill-iktar fis possibbli, anki f'oqsma fejn mhux l-Istati Membri kollha jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni, sabiex l-Unjoni tkun tista' twettaq il-kompiti tagħha fi ħdan qafas istituzzjonali uniku; jopponi f'dan il-kuntest il-ħolqien ta' istituzzjonijiet ġodda barra mill-qafas tal-Unjoni, u jkompli jistinka biex l-MES jiġi inkorporat fid-dritt tal-Unjoni dment li jkun hemm responsabbiltà demokratika xierqa, kif ukoll id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Patt Fiskali, kif maħsub fit-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza (TSKG) innifsu, abbażi ta' valutazzjoni tal-esperjenza bl-implimentazzjoni tiegħu; jinsisti li t-teħid tad-deċiżjonijiet u l-obbligazzjonijiet fiskali ma jridux ikunu separati minn xulxin;

8. Jenfasizza li l-Parlament Ewropew elett direttament għandu rwol essenzjali sabiex jiżgura l-leġittimità tal-Unjoni, u jagħmel is-sistema tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Unjoni responsabbli vis-à-vis iċ-ċittadini billi jiġi żgurat skrutinju parlamentari xieraq fuq l-eżekuttiv fil-livell tal-Unjoni u permezz tal-proċedura ta' kodeċiżjoni leġiżlattiva, li l-kamp ta' applikazzjoni tagħha għandu jiġi estiż;

9. Ifakkar li l-Parlament Ewropew huwa l-parlament tal-Unjoni kollha kemm hi, u jqis li trid tiġi żgurata responsabilità demokratika xierqa anki fl-oqsma fejn ma jipparteċipawx l-Istati Membri kollha, inklużi azzjonijiet u deċiżjonijiet speċifiċi għaż-żona tal-euro;

10. Huwa tal-fehma li d-djalogu politiku bejn il-parlamenti nazzjonali u l-Parlament Ewropew għandu jiġi intensifikat u jsir aktar sinifikanti u sostanzjali, mingħajr ma jinqabżu żżejjed il-limiti tal-kompetenzi kostituzzjonali rispettivi tagħhom; jirrimarka, f'dan ir-rigward, li l-parlamenti nazzjonali jinsabu fl-aħjar pożizzjoni sabiex jagħtu mandat u jiskrutinizzaw, fil-livell nazzjonali, l-azzjoni tal-gvernijiet rispettivi tagħhom fl-affarijiet Ewropej, filwaqt li l-Parlament Ewropew għandu jiggarantixxi r-responsabilità demokratika u l-leġittimità tal-eżekuttiv Ewropew;

11. Iqis li huwa essenzjali li jissaħħu t-trasparenza u l-ftuħ istituzzjonali fl-UE, kif ukoll il-mod li bih jiġi kkomunikat it-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi fl-UE; jinsisti li għandhom jiżdiedu l-isforzi bil-ħsieb tar-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, u tad-Direttiva 93/109/KE, dwar arranġamenti dettaljati sabiex jiġi eżerċitat id-dritt għall-vot u għall-kandidatura fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew għaċ-ċittadini tal-Unjoni li joqgħodu fi Stat Membru li ma jkunux ċittadini tiegħu;

12. Ifakkar li huwa possibbli li jissaħħaħ id-dritt ta' inkjesta tal-Parlament u l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (ECI) permezz tad-dritt sekondarju tal-Unjoni, u jtenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tipproponi reviżjoni tar-Regolament dwar l-ECI;

13. Iqis li huwa neċessarju li l-Kummissjoni tirriforma l-ECI bħala għodda li tiffunzjona għall-involviment demokratiku, filwaqt li jitqies ir-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Ottubru 2015 ([1]), u jistieden lill-Kummissjoni, fost l-oħrajn, biex tqajjem kuxjenza pubblika u tagħti prominenza lill-ECI; tagħmel is-softwer tagħha għall-ġbir tal-firem online aktar faċli għall-utent, filwaqt li tagħmlu aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità; tipprovdi gwida legali u prattika xierqa u komprensiva; tikkunsidra li twaqqaf uffiċċju dedikat tal-ECI fir-rappreżentanzi tagħha f'kull Stat Membru; tispjega fid-dettall ir-raġunijiet għar-rifjut ta' ECI, u tesplora modi kif tirreferi l-proposti magħmula fl-inizjattivi li jaf jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenzi tal-Kummissjoni lil awtoritajiet iktar xierqa;

14. Huwa tal-fehma li s-Servizz Volontarju Ewropew għandu rwol integrali fil-bini taċ-ċittadinanza Ewropea u għaldaqstant jirrakkomanda li l-Kummissjoni tikkunsidra kif jista' jsir aktar faċli għaż-żgħażagħ biex jipparteċipaw;

Il-qafas istituzzjonali, id-demokrazija u r-responsabilità

Il-Parlamenti

15. Jinsisti li s-setgħat leġiżlattivi u d-drittijiet ta' kontroll tal-Parlament għandhom jiġu ggarantiti, ikkonsolidati u msaħħa, inkluż permezz ta' ftehimiet interistituzzjonali u bl-użu tal-bażi ġuridika korrispondenti mill-Kummissjoni;

16. Iqis li huwa neċessarju li l-Parlament Ewropew jirriforma l-metodi ta' ħidma tiegħu sabiex ikun jista' jlaħħaq mal-isfidi li ġejjin, billi jsaħħaħ l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu ta' kontroll politiku fuq il-Kummissjoni, inkluż fir-rigward tal-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-acquis fl-Istati Membri, billi jillimita l-ftehimiet fl-ewwel qari għall-każijiet eċċezzjonali ta' urġenza u meta tkun ittieħdet deċiżjoni kkunsidrata u espliċita, u, f'dawn il-każijiet, itejjeb it-trasparenza tal-proċedura li twassal għall-adozzjoni ta' ftehimiet bħal dawn; ifakkar ukoll, f'dan il-kuntest, il-proposti tal-Parlament biex jarmonizza aktar il-proċedura elettorali tiegħu, elenkati fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Novembru 2015 dwar ir-riforma tal-liġi elettorali tal-Unjoni Ewropea ([2]);

17. Jesprimi l-intenzjoni tiegħu li jagħmel aktar użu minn rapporti ta' inizjattiva leġiżlattiva skont l-Artikolu 225 tat-TFUE;

18. Hu tal-fehma li l-Parlament għandu joħloq reġistru tad-dħul fis-sede tiegħu fid-delegazzjonijiet kollha fl-Istati Membri, biex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jagħtu d-dokumenti personalment, biċ-ċertifikazzjoni tal-kontenut;

19. Huwa tal-fehma li għandu jiġi introdott Ġurnal Uffiċjali tal-Parlament Ewropew elettroniku biex jawtentika r-riżoluzzjonijiet u r-rapporti kollha approvati minnu;

20. Jinkoraġġixxi djalogu politiku mal-parlamenti nazzjonali dwar il-kontenut tal-proposti leġiżlattivi, meta jkun rilevanti; jenfasizza, madankollu, li d-deċiżjonijiet iridu jittieħdu fil-livell tal-kompetenzi kostituzzjonali u li hemm delineazzjoni ċara tal-kompetenzi rispettivi ta' teħid tad-deċiżjonijiet tal-parlamenti nazzjonali u tal-Parlament Ewropew, fejn tal-ewwel iridu jeżerċitaw il-funzjoni Ewropea tagħhom fuq il-bażi tal-kostituzzjonijiet nazzjonali tagħhom, b'mod partikolari permezz tal-kontroll tal-gvernijiet nazzjonali tagħhom bħala membri tal-Kunsill Ewropew u tal-Kunsill, peress li dan huwa l-livell fejn huma jinsabu fl-aħjar pożizzjoni sabiex jinfluwenzaw direttament il-kontenut tal-proċess leġiżlattiv Ewropew u jeżerċitaw skrutinju fuqu; huwa għalhekk kontra l-ħolqien ta' korpi parlamentari konġunti ġodda b'setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet;

([1]) Testi adottati, P8_TA(2015)0382.
([2]) Testi adottati, P8_TA(2015)0395.

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

21. Jenfasizza l-importanza tal-kooperazzjoni bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali f'korpi konġunti bħall-Konferenza tal-Kumitati Parlamentari għall-Affarijiet Ewropej (COSAC) tal-Parlamenti tal-Unjoni Ewropea u l-Konferenza Interparlamentari dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK-KIP) u fil-qafas tal-Artikolu 13 tat-TSKG fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja, abbażi tal-prinċipji ta' kunsens, kondiviżjoni tal-informazzjoni u konsultazzjoni, sabiex ikun jista' jiġi eżerċitat kontroll fuq l-amministrazzjonijiet rispettivi tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jipparteċipaw f'livell politiku għoli fil-laqgħat interparlamentari; jenfasizza l-ħtieġa għal kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn il-kumitati tal-Parlament Ewropew u l-ekwivalenti nazzjonali tagħhom fi ħdan dawn il-korpi konġunti, billi jissaħħu l-koerenza, it-trasparenza u l-iskambju reċiproku ta' informazzjoni;

22. Jinkoraġġixxi l-iskambju tal-aqwa prassi fl-iskrutinju parlamentari bejn il-parlamenti nazzjonali, bħall-organizzazzjoni ta' dibattiti regolari bejn il-ministri rispettivi u l-kumitati speċjalizzati fil-parlamenti nazzjonali qabel u wara l-laqgħat tal-Kunsill, u mal-Kummissarji f'qafas ta' żmien xieraq, kif ukoll laqgħat mal-parlamenti nazzjonali għal skambji mal-Membri tal-Parlament Ewropew; jinkoraġġixxi l-istabbiliment ta' skambji ta' uffiċjali tal-istituzzjonijiet u tal-gruppi politiċi bejn l-amministrazzjonijiet tal-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali;

23. Hu tal-fehma li għandha tingħata attenzjoni sabiex jiġi evitat kwalunkwe regolamentazzjoni żejda tal-leġiżlazzjoni tal-UE min-naħa tal-Istati Membri, u li l-parlamenti nazzjonali għandhom rwol importanti x'jaqdu f'dan ir-rigward;

Il-Kunsill Ewropew

24. Jiddispjaċih li billi l-Kunsill ma jużax VMK, spiss wisq irrefera kwistjonijiet leġislattivi lill-Kunsill Ewropew; iqis li l-prattika tal-Kunsill Ewropew li jagħti l-kompitu lill-Kunsill tmur lil hinn mir-rwol fil-linji gwida strateġiċi li ġie attribwit lilu mit-Trattati, u għalhekk tmur kontra t-test u l-ispirtu tat-Trattati, kif ġie spjegat fl-Artikolu 15(1) tat-TUE, li jistipula li l-Kunsill Ewropew għandu jiddefinixxi d-direzzjonijiet u l-prijoritajiet politiċi ġenerali tal-Unjoni iżda m'għandux jeżerċita funzjonijiet leġiżlattivi; iqis li huwa meħtieġ li jitjiebu r-relazzjonijiet tax-xogħol bejn il-Kunsill Ewropew u l-Parlament;

25. Ifakkar li l-President tal-Kummissjoni se jiġi elett mill-Parlament Ewropew, fuq proposta tal-Kunsill Ewropew, filwaqt li jitqiesu l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, u wara konsultazzjonijiet xierqa, u li għaldaqstant, kif kien il-każ fl-2014, il-partiti politiċi Ewropej għandhom jippreżentaw kandidati ewlenin sabiex jagħtu lill-poplu għażla lil min jiġi elett bħala President tal-Kummissjoni; jilqa' l-proposta tal-President tal-Kummissjoni li jiġi emendat il-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea dwar il-parteċipazzjoni tal-Kummissarji bħala kandidati għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew;

26. Ifakkar, barra minn hekk, li, għalkemm mhuwiex fl-interess tal-Parlament Ewropew, huwa possibbli li l-funzjoni ta' President tal-Kunsill Ewropew tingħaqad ma' dik ta' President tal-Kummissjoni;

27. Jitlob lill-Kunsill Ewropew sabiex jagħmel użu mill-'klawżola passerelle' (l-Artikolu 48(7) tat-TUE) li tawtorizza lill-Kunsill biex juża l-VMK minflok l-unanimità f'każijiet applikabbli fejn it-Trattati attwalment jirrikjedu l-unanimità;

28. Jistieden lill-President tal-Parlament Ewropew biex jinforma lill-Konferenza tal-Presidenti minn qabel bl-opinjonijiet li hu għandu l-ħsieb li jesprimi fid-diskors tiegħu lill-Kunsill Ewropew;

Il-Kunsill

29. Jipproponi li l-Kunsill jiġi ttrasformat f'kamra verament leġiżlattiva billi jitnaqqas l-għadd ta' konfigurazzjonijiet tal-Kunsill permezz ta' deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew, sabiex b'hekk tinħoloq sistema leġiżlattiva ġenwinament bikamerali li tinvolvi lill-Kunsill u lill-Parlament, bil-Kummissjoni taġixxi bħala l-entità eżekuttiva; jissuġġerixxi l-involviment tal-konfigurazzjonijiet leġiżlattivi speċjalizzati tal-Kunsill attivi attwalment bħala korpi preparatorji għal laqgħa leġiżlattiva waħda tal-Kunsill fil-pubbliku, simili għall-funzjonament tal-kumitati fil-Parlament Ewropew;

30. Jinsisti fuq l-importanza tal-garanzija tat-trasparenza tat-teħid tad-deċiżjonijiet leġiżlattivi tal-Kunsill b'mod ġenerali, kif ukoll tat-titjib tal-iskambju ta' dokumenti u informazzjoni bejn il-Parlament u l-Kunsill u l-aċċess tar-rappreżentanti tal-Parlament bħala osservaturi fil-laqgħat tal-Kunsill u tal-korpi tiegħu, b'mod partikolari f'każijiet ta' leġiżlazzjoni;

31. Jemmen li huwa possibbli li jkun hemm fużjoni tal-pożizzjoni tal-President tal-Grupp tal-Euro u l-Kummissarju għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji, u f'dan il-każ, jipproponi li l-President tal-Kummissjoni jaħtar lil dan il-Kummissarju bħala Viċi President tal-Kummissjoni; iqis li dan il-Kummissarju jista', ġaladarba jiġu stabbiliti kapaċità fiskali u Fond Monetarju Ewropew, jingħata l-mezzi u l-kapaċitajiet kollha meħtieġa biex japplika u jinforza l-qafas ta' governanza ekonomika eżistenti, u biex jottimizza l-iżvilupp taż-żona tal-euro b'kooperazzjoni mal-ministri tal-finanzi tal-Istati Membri taż-żona tal-euro, kif dettaljat fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2017 dwar kapaċità baġitarja għaż-żona tal-euro ([1]);

32. Jitlob li, fi ħdan il-qafas attwali tat-Trattat, il-President u l-membri tal-Grupp tal-Euro jiġu soġġetti għal mekkaniżmi xierqa ta' responsabilità demokratika lejn il-Parlament Ewropew, partikolarment li l-President tiegħu jwieġeb għall-mistoqsijiet parlamentari; jitlob għall-adozzjoni ta' regoli ta' proċedura interni u l-pubblikazzjoni tar-riżultati;

33. Jitlob sabiex il-Kunsill jaqleb kompletament għal VMK kull meta jkun possibbli skont it-Trattati, u li jabbanduna l-prattika li jittrasferixxi l-oqsma leġiżlattivi kontenzjużi lill-Kunsill Ewropew, minħabba li din tmur kontra t-test u l-ispirtu tat-Trattat, li jistipula li l-Kunsill Ewropew jista' jiddeċiedi unanimament biss, u għandu jagħmel dan biss fuq miri politiċi wiesgħa, mhux fuq il-leġiżlazzjoni;

34. Huwa determinat li jimplimenta bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-kooperazzjoni mtejba billi jimpenja ruħu li ma jagħtix il-kunsens tiegħu għal kwalunkwe proposta ġdida ta' kooperazzjoni mtejba sakemm l-Istati Membri parteċipanti ma jkunux impenjaw ruħhom li jattivaw il-'klawżola passerelle' speċjali minquxa fl-Artikolu 333 tat-TFUE biex jaqilbu mill-unanimità għall-VMK, u minn proċedura leġiżlattiva speċjali għal waħda ordinarja;

35. Jenfasizza l-importanza li jittieħed vantaġġ sħiħ mill-proċedura ta' kooperazzjoni msaħħa kif stabbilita fl-Artikolu 20 tat-TUE, speċjalment fost l-Istati Membri taż-żona tal-euro, sabiex dawk l-Istati Membri li jixtiequ jistabbilixxu kooperazzjoni msaħħa bejniethom fil-qafas tal-kompetenzi mhux esklużivi tal-Unjoni jistgħu, permezz ta' dan il-mekkaniżmu, jippromwovu l-ksib tal-objettivi tal-Unjoni u jsaħħu l-proċess ta' integrazzjoni tagħhom soġġett għal-limiti u skont l-arranġamenti stabbiliti fl-Artikoli 326 sa 334 tat-TFUE;

Il-Kummissjoni

36. Huwa determinat li jsaħħaħ ir-rwol tal-Parlament fl-elezzjoni tal-President tal-Kummissjoni billi jirrinforza l-konsultazzjonijiet formali tal-gruppi politiċi tiegħu mal-President tal-Kunsill Ewropew, kif previst fid-Dikjarazzjoni 11 annessa mal-Att Finali tal-Konferenza Intergovernattiva li adottat it-Trattat ta' Lisbona, sabiex ikun żgurat li l-Kunsill Ewropew jieħu kont sħiħ tar-riżultati tal-elezzjoni meta jiġi ppreżentat kandidat sabiex jiġi elett mill-Parlament, kif kien il-każ fl-elezzjonijiet Ewropej tal-2014;

37. Itenni l-ħtieġa li l-proposti kollha tal-Kummissjoni jkunu ġġustifikati bis-sħiħ u akkumpanjati minn valutazzjoni tal-impatt dettaljata, inkluża valutazzjoni fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem;

38. Huwa tal-fehma li l-indipendenza tal-President tal-Kummissjoni tista' tiżdied kieku kull Stat Membru kellu jaħtar mill-inqas tliet kandidati taż-żewġ sessi li jistgħu jiġu kkunsidrati mill-President elett tal-Kummissjoni bl-għan li jikkostitwixxu l-Kummissjoni tiegħu jew tagħha;

39. Jinsisti fuq l-iżgurar ta' koordinazzjoni u, fejn possibbli, rappreżentanza mtejba tal-UE/taż-żona tal-euro fi ħdan l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, u jindika li l-Artikolu 138(2) tat-TFUE jipprovdi bażi ġuridika għall-adozzjoni ta' miżuri li jiżguraw rappreżentanza unifikata tal-UE/taż-żona tal-euro fi ħdan l-istituzzjonijiet u l-konferenzi internazzjonali;

40. Jappella għat-twaqqif ta' "djalogu" formali u regolari, li għandu jiġi organizzat fil-Parlament Ewropew dwar kwistjonijiet li jirrigwardaw ir-rappreżentanza esterna tal-Unjoni;

([1]) Testi adottati, P8_TA(2017)0050.

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

41. Ifakkar li l-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-Parlament u l-Kunsill jeħtiġilhom, kull wieħed fil-limiti tal-kompetenzi tiegħu, jgħinu biex jiġu żgurati applikazzjoni u implimentazzjoni ħafna aħjar tad-dritt tal-Unjoni Ewropea u tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali;

Il-Qorti tal-Awdituri

42. Jirrikonoxxi r-rwol kruċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri biex jiġi żgurat infiq aħjar u aktar intelliġenti tal-fondi Ewropej; ifakkar li minbarra d-dmir importanti tagħha li tipprovdi informazzjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, il-Qorti tal-Ġustizzja hija f'pożizzjoni preminenti biex tipprovdi lill-Parlament bl-informazzjoni li għandu bżonn biex iwettaq il-kompitu tiegħu u l-mandat ta' skrutinju demokratiku tal-baġit Ewropew, u biex joffri informazzjoni dwar ir-riżultati u l-eżiti miksuba mill-attivitajiet u l-politiki ffinanzjati mill-Unjoni, bl-għan li tittejjeb l-ekonomija, l-effiċjenza u l-effettività tagħhom; jirrakkomanda, għalhekk, li tissaħħaħ il-Qorti tal-Awdituri; jistenna li l-Qorti tibqa' impenjata lejn l-indipendenza, l-integrità, l-imparzjalità u l-professjonalità, filwaqt li tibni relazzjonijiet professjonali b'saħħithom mal-partijiet interessati tagħha;

43. Iqis li n-nuqqas ta' kooperazzjoni sostnuta mill-Kunsill jagħmilha impossibbli għall-Parlament li jieħu deċiżjoni infurmata dwar l-għoti tal-kwittanza, u li sussegwentement, dan iħalli effett negattiv fit-tul fuq il-perċezzjoni taċ-ċittadini dwar il-kredibilità tal-istituzzjonijiet tal-UE u dwar it-trasparenza fl-użu tal-fondi tal-UE; jemmen li dan in-nuqqas ta' kooperazzjoni għandu wkoll impatt negattiv fuq il-funzjonament tal-istituzzjonijiet u jiskredita l-proċedura ta' skrutinju politiku tal-ġestjoni tal-baġit stabbilita fit-Trattati;

44. Jenfasizza li l-kompożizzjoni tal-Qorti u l-proċedura tal-ħatra tagħha huma stabbiliti fl-Artikoli 285 u 286 tat-TFUE; iqis li l-Parlament u l-Kunsill għandhom ikunu fuq l-istess livell meta jaħtru l-Membri tal-Qorti tal-Awdituri, sabiex jiġu żgurati l-leġittimità demokratika, it-trasparenza u l-indipendenza sħiħa tal-Membri tagħha; jitlob lill-Kunsill jirrispetta d-deċiżjonijiet meħuda mill-Parlament wara s-smigħ tal-kandidati nnominati bħala Membri tal-Qorti tal-Awdituri;

Il-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

45. Jitlob lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex itejbu l-modalitajiet ta' kooperazzjoni mal-KtR u l-KESE, inkluż fl-istadju preleġiżlattiv waqt it-twettiq tal-valutazzjonijiet tal-impatt, sabiex jiġi żgurat li l-fehmiet u l-valutazzjonijiet tagħhom jistgħu jiġu kkunsidrati matul il-proċess leġiżlattiv;

L-Aġenziji

46. Jenfasizza li kwalunkwe għoti ta' setgħat ta' implimentazzjoni lil aġenziji tal-Unjoni jirrikjedi grad suffiċjenti ta' kontroll fuq id-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet tal-aġenziji tal-Unjoni mil-leġiżlatur tal-Unjoni; ifakkar li superviżjoni effettiva tkopri, inter alia, il-ħatra u t-tkeċċija tal-persunal maniġerjali tal-aġenzija tal-Unjoni, il-parteċipazzjoni fil-bord ta' superviżjoni tal-aġenzija tal-Unjoni, id-drittijiet ta' veto fir-rigward ta' ċerti deċiżjonijiet tal-aġenzija tal-Unjoni, l-obbligi ta' informazzjoni u r-regoli ta' trasparenza, u d-drittijiet baġitarji fir-rigward tal-baġit tal-aġenzija tal-Unjoni;

47. Iqis l-adozzjoni ta' regolament qafas għall-aġenziji tal-Unjoni li jistgħu jeżerċitaw setgħat ta' implimentazzjoni li jkopri l-mekkaniżmu ta' kontroll politiku meħtieġ mil-leġiżlatur tal-Unjoni u li jinkludi, fost l-oħrajn, id-dritt tal-Parlament Ewropew li jaħtar u jkeċċi l-persunal maniġerjali tal-aġenzija tal-Unjoni, li jipparteċipa fil-bord ta' superviżjoni tal-aġenzija tal-Unjoni, id-drittijiet ta' veto tal-Parlament Ewropew fir-rigward ta' ċerti deċiżjonijiet tal-aġenzija tal-Unjoni, l-obbligi ta' informazzjoni u trasparenza tar-regoli u d-drittijiet baġitarji tal-Parlament Ewropew fir-rigward tal-baġit tal-aġenzija tal-Unjoni;

Rispett għall-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità

48. Jenfasizza l-importanza tal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-TUE, li jorbot lill-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-Unjoni, kif ukoll tal-istrumenti inklużi f'Protokoll Nru 2) dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità; ifakkar, f'dan il-kuntest, ir-rwoli rispettivi assenjati lill-parlamenti nazzjonali u l-KtR; jissuġġerixxi flessibilità fir-rigward tad-data ta' trażmissjoni ta' abbozzi ta' atti leġiżlattivi minquxa fil-Protokoll, u jitlob lill-Kummissjoni sabiex ittejjeb il-kwalità tar-reazzjonijiet tagħha għal opinjonijiet motivati;

49. Ifakkar lill-parlamenti nazzjonali dwar ir-rwol ewlieni tagħhom fil-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà; jirrimarka li l-possibilitajiet formali għall-parlamenti nazzjonali li jiggarantixxu l-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità joffru ħafna opportunitajiet f'dan ir-rigward, iżda li l-kooperazzjoni prattika bejn il-parlamenti nazzjonali jeħtieġ li tissaħħaħ, inter alia bl-għan li huma jkunu jistgħu, b'kooperazzjoni mill-qrib bejniethom, jilħqu l-kworum neċessarju skont l-Artikolu 7(3) ta' Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità f'każ ta' allegazzjoni ta' ksur;

50. Jenfasizza l-importanza tal-Artikolu 9 tat-TFUE biex jiġi żgurat li l-konsegwenzi soċjali ta' miżuri legali u ta' politika tal-UE jkunu kkunsidrati;

Estensjoni u approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja

51. Ifakkar li l-iżvilupp ulterjuri tal-UEM irid ikun ibbażat fuq l-leġiżlazzjoni eżistenti u l-implimentazzjoni tagħha, u jibni fuqhom, u jrid ikun marbut ma' approfondiment tad-dimensjoni soċjali;

52. Jappella għal aktar riformi istituzzjonali sabiex jagħmlu l-UEM aktar effettiva u demokratika u b'kapaċitajiet imtejba biex tiġi integrata fil-qafas istituzzjonali tal-Unjoni, fejn il-Kummissjoni taġixxi bħala l-entità eżekuttiva u l-Parlament u l-Kunsill jaġixxu bħala koleġiżlaturi;

Att legali ġdid dwar il-politika ekonomika

53. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2013 dwar problemi kostituzzjonali ta' governanza b'diversi livelli fl-Unjoni Ewropea ([1]), li ħolqot l-idea ta' Kodiċi ta' Konverġenza adottat skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, bl-għan li jinħoloq qafas aktar effettiv għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika (b'għadd ta' kriterji ta' konverġenza, li għandhom jiġu determinati), miftuħ għall-Istati Membri kollha u appoġġjat minn mekkaniżmu bbażat fuq l-inċentivi;

54. Jemmen li għandu jiġi stabbilit għadd limitat ta' oqsma kruċjali għal riformi strutturali li jżidu l-kompetittività, il-potenzjal tat-tkabbir, il-konverġenza ekonomika reali u l-koeżjoni soċjali fuq perjodu ta' ħames snin bil-għan li tissaħħaħ l-ekonomija soċjali tas-suq Ewropew, kif spjegat fl-Artikolu 3(3) tat-TUE;

55. Jenfasizza l-importanza ta' diviżjoni ċara tal-kompetenzi bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri, u l-ħtieġa li l-Istati Membri jżidu s-sjieda tagħhom tal-programmi ta' implimentazzjoni u r-rwol tal-parlamenti nazzjonali fihom;

56. Jappella għal użu aħjar tal-istrumenti disponibbli flimkien mal-Artikolu 136 tat-TFUE sabiex jiġu ffaċilitati l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri ġodda fiż-żona tal-euro;

Proċess ta' Semestru Ewropew issimplifikat, aktar iffokat u aktar demokratiku

57. Jirrimarka l-ħtieġa għal inqas Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi (CSR), li għandhom ikunu aktar immirati, abbażi tal-qafas ta' politika stabbilit fil-Kodiċi ta' Konverġenza u fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir (SAT) u abbażi tal-proposti konkreti ppreżentati minn kull Stat Membru, skont l-għanijiet ewlenin ta' riforma rispettivi tagħhom, minn firxa wiesgħa ta' riformi strutturali, li jrawmu l-kompetittività, il-konverġenza ekonomika reali u l-koeżjoni soċjali;

58. Jenfasizza l-importanza tax-xejriet demografiċi għas-Semestru Ewropew, u jitlob li dan l-indikatur jingħata iktar importanza;

59. Ifakkar li mekkaniżmi tad-djalogu ekonomiku li diġà jeżistu, b'mod partikolari permezz tal-ħolqien tad-"djalogu ekonomiku" fil-qafas tal-leġiżlazzjoni "6-pack" u "-pack"; iqis li din hi għodda effettiva biex il-Parlament ikun jista' jingħata rwol aktar sostanzjali fil-qafas tas-Semestru Ewropew sabiex jissaħħaħ id-djalogu bejn il-Parlament, il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Grupp tal-Euro, u jipproponi l-formalizzazzjoni tar-rwol ta' skrutinju tal-Parlament fis-Semestru Ewropew permezz ta' ftehim interistituzzjonali (FII), bħalma talab il-Parlament f'diversi okkażjonijiet; barra minn hekk, jilqa' u jinkoraġġixxi l-involviment tal-parlamenti nazzjonali fil-livell nazzjonali u l-kooperazzjoni bejn il-parlamenti nazzjonali u l-Parlament Ewropew fil-qafas tas-Semestru Ewropew u l-governanza ekonomika b'mod aktar ġenerali, pereżempju permezz tal-"Ġimgħa Parlamentari Ewropea" u l-"Konferenza dwar l-Artikolu 13"; iqis, barra minn hekk, li jista' jittejjeb l-

([1]) ĠU C 468, 15.12.2016, p. 176.

involviment ta' sħab soċjali fil-proċess tas-Semestru Ewropew;

60. Jitlob li d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Patt Fiskali jiġu integrati fil-qafas ġuridiku tal-UE, abbażi ta' valutazzjoni komprensiva tal-implimentazzjoni tiegħu u sal-limitu li għadu mhux kopert minn leġiżlazzjoni sekondarja eżistenti;

Ir-rwol tal-baġit tal-UE fl-UEM

61. Jirrimarka dwar il-possibilità tal-bidla mill-unanimità għal VMK għall-adozzjoni tar-Regolament dwar il-QFP, bl-użu tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 312(2) tat-TFUE meta jiġi adottat ir-Regolament tal-QFP li jmiss; jenfasizza l-importanza li tiġi stabbilita rabta bejn it-tul tat-terminu leġiżlattiv tal-Parlament, il-mandat tal-Kummissjoni u t-tul tal-QFP, li jista' jitnaqqas għal ħames snin skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 312(1) tat-TFUE; jitlob li l-QFP futuri jiġu allinjati mal-mandat parlamentari li jmiss; jistieden lill-Kunsill jissottoskrivi dan ir-rekwiżit demokratiku;

62. Jilqa' r-rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar ir-Riżorsi Proprji; jixtieq jerġa' lura għat-test u l-ispirtu tat-Trattati u jibdel is-sistema attwali bbażata fuq il-kontribuzzjonijiet mill-ING għal waħda bbażata fuq ir-riżorsi proprji reali għall-UE u, eventwalment, baġit taż-żona tal-euro, li għalihom teżisti firxa sħiħa ta' ideat;

63. Ifakkar li skont l-Artikolu 24 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020, l-infiq u d-dħul kollu tal-Unjoni u l-Euratom għandhom jiġu inklużi fil-baġit ġenerali tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament Finanzjarju;

Kapaċità akbar tal-UE għall-investiment

64. Jappella għal użu aħjar tal-Fondi Strutturali eżistenti fid-direzzjoni tat-trawwim tal-kompetittività u l-koeżjoni tal-UE, u għal żieda fil-kapaċità ta' investiment tal-UE permezz tal-isfruttar ta' approċċi innovattivi bħal, pereżempju, il-FEIS, li jinkludi faċilitajiet speċifiċi għall-finanzjament u l-garanzija ta' proġetti infrastrutturali fl-interess tal-Unjoni;

65. Jinsisti dwar l-implimentazzjoni sħiħa tal-qafas "6-pack" u "2-pack" u s-Semestru Ewropew u dwar il-ħtieġa b'mod partikolari li jiġu indirizzati l-iżbilanċi makroekonomiċi u li jiġi żgurat kontroll fit-tul fuq id-defiċit u l-livelli ta' dejn li għadhom għoljin ħafna permezz ta' konsolidazzjoni fiskali li tiffavorixxi t-tkabbir u permezz ta' titjib fl-effiċjenza tal-infiq, bil-prijoritizzazzjoni tal-investimenti produttivi, bl-għoti ta' inċentivi għal riformi strutturali sostenibbli u ġusti, u filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet taċ-ċiklu kummerċjali;

It-twaqqif ta' kapaċità fiskali fiż-żona tal-euro permezz ta' parti mill-baġit tal-UE

66. Ifakkar li l-euro hija l-munita tal-Unjoni u li l-baġit tal-UE huwa maħsub biex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 3 tat-TUE, u biex jiġu ffinanzjati l-politiki komuni, jiġu megħjuna r-reġjuni dgħajfa billi jiġi applikat il-prinċipju ta' solidarjetà, jitlesta s-suq intern, jiġu promossi s-sinerġiji Ewropej, issir reazzjoni għall-isfidi preżenti u futuri li jitolbu approċċ pan-Ewropew, kif ukoll li dawn jikkontribwixxu għall-għajnuna lill-Istati Membri inqas żviluppati biex ilaħħqu mal-bqija u jkunu jistgħu jissieħbu fiż-żona tal-euro;

67. Jieħu nota tad-diversi proposti għall-istabbiliment ta' kapaċità baġitarja fiż-żona tal-euro; jindika li dawn il-proposti jassenjaw funzjonijiet differenti għal tali kapaċità u jista' jkollhom disinji differenti; ifakkar li l-Parlament insista li din il-kapaċità għandha tiġi żviluppata fi ħdan il-qafas tal-UE;

68. Jirrimarka li, filwaqt li jiddependi fuq id-disinn, il-funzjoni u d-daqs ta' kapaċità baġitarja ġdida jekk tali kapaċità tistax tiġi stabbilita fl-ambitu tal-qafas attwali tat-Trattat, huwa possibbli skont it-Trattati li jiżdiedu l-limiti massimi tar-riżorsi proprji, li jiġu stabbiliti kategoriji ġodda ta' riżorsi proprji (anki jekk dawn ir-riżorsi proprji jiġu biss minn numru ta' Stati Membri) u li jiġi assenjat ċertu dħul għall-finanzjament ta' nefqa speċifika; jirrimarka, barra minn hekk, li l-baġit tal-UE diġà jipprovdi garanziji għal operazzjonijiet speċifiċi ta' self u li jeżistu diversi strumenti ta' flessibilità li għalihom ikun jista' jiġi mobilizzat finanzjament lil hinn mil-limiti massimi tan-nefqa tal-QFP;

69. Itenni li hu favur l-integrazzjoni tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabilità fil-qafas legali tal-Unjoni sakemm ikun hemm responsabbiltà demokratika xierqa;

70. Jemmen li t-twaqqif ta' kapaċità fiskali Ewropea u l-Fond Monetarju Ewropew jistgħu jkunu passi fil-proċess għall-ħolqien ta' Teżor Ewropew, li għandu jagħti rendikont lill-Parlament Ewropew;

71. Jappella sabiex tingħata kunsiderazzjoni xierqa lis-sejbiet ewlenin tal-Grupp ta' Esperti maħluq mill-Kummissjoni bil-għan li jiġi stabbilit Fond ta' Tifdija;

Is-Suq Uniku u l-integrazzjoni finanzjarja

72. Jemmen li s-Suq Uniku huwa wieħed mill-ġebliet tax-xewka tal-UE u huwa essenzjali għall-prosperità, it-tkabbir u l-impjiegi fl-Unjoni; jindika li s-suq uniku, li joffri benefiċċji tanġibbli kemm lill-kumpaniji kif ukoll lill-konsumaturi, fih potenzjal ta' tkabbir li għadu ma ġiex sfruttat għalkollox, b'mod partikolari b'referenza għas-Suq Uniku Diġitali, is-servizzi finanzjarji, l-enerġija, l-unjoni bankarja u l-unjoni tas-swieq kapitali; jappella, għalhekk, għal kontroll iktar mill-qrib tal-applikazzjoni korretta u infurzar aħjar tal-acquis eżistenti f'dawn l-oqsma;

73. Jitlob li t-tlestija pass pass iżda rapida ta' unjoni bankarja msejsa fuq mekkaniżmu superviżorju uniku (MSU), Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRM) u skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti (EDIS) u sostnuta minn garanzija ta' kontinġenza adegwata u newtrali mil-lat fiskali; japprezza l-ftehim dwar mekkaniżmu ta' finanzjament tranżitorju sakemm jibda jopera l-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni, u jitlob għal Skema Ewropea ta' Insolvenza;

74. Ifakkar li l-Awtorità Superviżorja Ewropea għandha taġixxi bl-għan li ttejjeb l-operat tas-suq intern, b'mod partikolari billi jkun żgurat livell għoli, effikaċi u konsistenti ta' regolazzjoni u superviżjoni filwaqt li jitqiesu d-diversi interessi tal-Istati Membri kollha u n-natura differenti tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji; iqis li kwistjonijiet li jaffettwaw lill-Istati Membri kollha għandhom jitqajjmu, jiġu diskussi u deċiżi mill-Istati Membri kollha, u li biex jissaħħu l-kundizzjonijiet ekwi fis-suq uniku hi essenzjali ġabra unika tar-regoli applikabbli għall-parteċipanti kollha tas-suq finanzjarju fl-UE, sabiex tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq uniku fis-servizzi finanzjarji u l-kompetizzjoni inġusta minħabba n-nuqqas ta' kundizzjonijiet ekwi;

75. Jappella għat-twaqqif ta' unjoni vera tas-swieq kapitali;

76. Jappoġġja l-ħolqien ta' sistema ta' awtoritajiet tal-kompetittività li jkunu inkarigati li jlaqqgħu flimkien lill-korpi nazzjonali responsabbli li jsegwu l-progress fil-qasam tal-kompetittività f'kull Stat Membru u jipproponi li s-segwitu tal-progress ta' sistema bħal din għandu jsir taħt is-superviżjoni tal-Kummissjoni;

77. Huwa tal-fehma li jeħtieġ li jittejjeb l-iskambju awtomatiku tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet fiskali nazzjonali sabiex jiġu evitati l-frodi fiskali u l-evażjoni tat-taxxa, l-ippjanar fiskali, l-erożjoni tal-bażi tat-taxxa u t-trasferiment tal-profitt, kif ukoll għall-promozzjoni ta' azzjonijiet ikkoordinati maħsuba biex jiġġieldu r-rifuġju fiskali; jitlob għall-adozzjoni ta' direttiva dwar il-Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva li tistabbilixxi rata minima u li tiddeskrivi l-għanijiet komuni għal konverġenza progressiva; iqis li hemm bżonn li jsir rieżami komprensiv tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-VAT, li jindirizza, fost l-oħrajn, l-introduzzjoni tal-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini;

Struttura istituzzjonali aktar demokratika għall-UEM

78. Ifakkar fil-ħtieġa li jiġu żgurati r-responsabilità u l-leġittimità demokratika xierqa fil-livell tat-teħid tad-deċiżjonijiet, fejn il-parlamenti nazzjonali jiskrutinizzaw lill-gvernijiet nazzjonali u bi rwol ta' skrutinju msaħħaħ għall-Parlament Ewropew fil-livell tal-UE, inkluż rwol ċentrali, flimkien mal-Kunsill, fl-adozzjoni tal-Kodiċi ta' Konverġenza wara l-proċedura leġiżlattiva ordinarja;

79. Huwa favur l-użu ġenerali tal-"klawżola passerelle" minquxa fl-Artikolu 48(7) TUE; ifakkar li l-Kummissjoni Ewropea, fil-Pjan ta' Azzjoni tagħha għal UEM profonda u ġenwina, ([1]) ipproponiet it-twaqqif ta' Strument ta' Konverġenza u Kompetittività bbażat fuq l-Artikolu 136 tat-TFUE jew fuq l-Artikolu 352 tat-TFUE, jekk meħtieġ permezz tal-kooperazzjoni msaħħa; jirrimarka li f'każ ta' kooperazzjoni msaħħa, l-użu tal-Artikolu 333(2) tat-TFUE, li jipprevedi l-użu tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, isaħħaħ il-leġittimità demokratika u l-effikaċja tal-governanza tal-UE u r-rwol tal-Parlament fihom;

([1]) COM(2012)0777, tat-28 ta' Novembru 2012.

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

80. Itenni li l-kooperazzjoni interparlamentari m'għandhiex twassal għall-istabbiliment ta' korp parlamentari ġdid jew istituzzjoni ġdida, minħabba li l-euro hija l-munita tal-UE u l-Parlament Ewropew huwa l-parlament tal-UE; ifakkar li l-UEM hija stabbilita mill-Unjoni, li ċ-ċittadini tagħha huma direttament irrappreżentati fil-livell tal-Unjoni mill-Parlament, li għandu jsib u jkun kapaċi jimplimenta modi kif tiggarantixxi r-responsabilità demokratika parlamentari tad-deċiżjonijiet speċifiċi għaż-żona tal-euro;

81. Jinsisti li l-Kummissjoni għandha tiġi mogħnija bis-setgħat li timplimenta u tinforza kwalunkwe strument eżistenti jew ġejjieni adottat fil-qasam tal-UEM;

82. Iqis li huwa neċessarju li tiġi indirizzata d-dgħufija fl-istruttura istituzzjonali eżistenti tal-UEM, b'mod partikolari d-defiċit demokratiku tagħha, filwaqt li jitqies ukoll li ċerti partijiet tat-Trattat jistgħu jiġu ssorveljati mill-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li oħrajn huma esklużi minn tali skrutinju; iqis li hemm ħtieġa għal skrutinju parlamentari iktar sod għall-implimentazzjoni dettaljata tal-Artikolu 121(3) u (4) tat-TFUE, rigward koordinazzjoni iktar mill-qrib tal-politiki ekonomiċi;

83. Huwa tal-opinjoni li l-integrazzjoni differenzjata għandha tibqa' miftuħa għall-Istati Membri kollha;

84. Ifakkar li għandha tingħata prijorità lill-proċeduri leġiżlattivi u baġitarji ordinarji fil-livell tal-UE billi jsir użu fejn meħtieġ minn derogi u mit-twaqqif ta' linji baġitarji ddedikati; ifakkar li kwalunkwe dispożizzjoni oħra, bħad-dispożizzjonijiet dwar iż-żona tal-euro jew dwar il-kooperazzjoni msaħħa, għandhom jintużaw biss meta l-proċeduri msemmija qabel ma jkunux legalment jew politikament possibbli;

L-ikkompletar tas-suq intern bħala l-ewwel ġeneratur tat-tkabbir

85. Huwa konvint li l-approfondiment tal-UEM għandu jimxi id f'id mat-tlestija tas-suq intern billi jitneħħew l-ostakoli interni kollha li fadal, speċjalment fejn għandu x'jaqsam mal-Unjoni tal-Enerġija, is-suq diġitali komuni u s-suq tas-servizzi;

86. Jitlob għal infurzar sħiħ tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar is-suq intern tal-enerġija skont l-Artikolu 194 tat-TFUE, sabiex titwaqqaf Unjoni tal-Enerġija;

87. Jappoġġja t-tisħiħ tad-dmirijiet u l-kompetenzi tal-Aġenzija Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) lejn, fl-aħħar, il-ħolqien ta' Aġenzija Ewropea tal-Enerġija skont l-Artikolu 54 tat-Trattat Euratom, kif ukoll l-integrazzjoni tas-swieq tal-enerġija, it-twaqqif ta' riżerva strateġika Ewropea bbażata taħlita ta' riżervi nazzjonali u ta' ċentru ta' negozjar konġunt mal-forniturі, bl-għan li titlesta l-istruttura istituzzjonali tal-Unjoni tal-Enerġija;

88. Jinkoraġġixxi l-użu ta' "bonds tal-proġetti", b'kooperazzjoni mill-qrib mal-BEI, għall-finanzjament tal-proġetti tal-infrastruttura u tal-enerġija;

89. Jistieden lill-Kummissjoni tuża l-Artikolu 116 tat-TFUE li jipprovdi l-bażi ġuridika neċessarja biex il-Parlament u l-Kunsill jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja sabiex jiġu eliminati l-prattiki li jirriżultaw f'distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq intern permezz ta' politiki fiskali li jagħmlu l-ħsara;

Id-dimensjoni soċjali

90. Jenfasizza li d-drittijiet tal-ħaddiema, partikolarment meta jeżerċitaw id-dritt tagħhom tal-mobilità, għandhom jiġu garantiti, flimkien mad-drittijiet soċjali tagħhom, filwaqt li jsir użu sħiħ mill-istrumenti legali rilevanti previsti fit-Titoli IV, IX u X tal-Parti Tlieta tat-TFUE u skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, sabiex tiġi żgurata bażi soċjali stabbli għall-Unjoni; jindika f'dan il-kuntest b'mod partikolari d-drittijiet li jinstabu fid-Direttiva 2004/38/KE dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u r-Regolament (UE) Nru 492/2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni;

91. Jenfasizza l-importanza tal-ħolqien ta' Ewropa soċjali, sabiex il-proġett ta' integrazzjoni Ewropea jkompli jkollu l-appoġġ tal-ħaddiema;

92. Jindika l-importanza tal-promozzjoni tal-idea ta' paga minima determinata minn kull Stat Membru, josserva li l-esplorazzjoni tal-għażliet għal skema ta' benefiċċju minimu tal-qgħad tirrikjedi l-eżistenza ta' regoli u kundizzjonijiet komuni għal suq tax-xogħol tal-UE, u jissuġġerixxi li, skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat attwali, proposta leġiżlattiva tista' tiġi adottata sabiex jitnaqqsu l-ostakoli li għadhom jeżistu għall-impjegati;

93. Jinnota li l-faċilitajiet ipprovduti mill-Unjoni u l-ħtieġa li l-ħaddiema żgħażagħ jiġu inklużi b'mod attiv fis-suq tax-xogħol, u jinkoraġġixxi aktar l-iskambju ta' ħaddiema żgħażagħ, b'konformità mal-Artikolu 47 tat-TFUE;

94. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi kriterji tal-impjiegi fl-evalwazzjoni tal-prestazzjoni makro-ekonomika tal-Istati Membri, u għar-rakkomandazzjoni u l-appoġġ għal riformi strutturali wkoll bl-għan li jiġi żgurat użu aħjar tal-fondi soċjali u reġjonali;

95. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tivvaluta sew il-ħtieġa għal azzjoni tal-UE u l-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali potenzjali ta' għażliet alternattivi tal- politika qabel ma tipproponi inizjattiva ġdida (eż. proposti leġiżlattivi, inizjattivi mhux leġiżlattivi, atti delegati u ta' implimentazzjoni) b'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet;

96. Jitlob għall-ħolqien ta' patt soċjali ġdid (li jista' jieħu l-forma ta' protokoll soċjali) maħsub biex irawwem l-ekonomija tas-suq soċjali tal-Ewropa u biex inaqqas inugwaljanzi, bl-iżgurar li jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini kollha, inkluż inter alia d-dritt għal negozjar kollettiv u l-libertà ta' moviment; jirrimarka li patt bħal dan jista' jsaħħaħ il-koordinazzjoni tal-politiki soċjali tal-Istati Membri;

97. Jistieden lill-Kummissjoni biex terġa' tagħti l-ħajja lid-djalogu soċjali tal-UE permezz ta' ftehimiet vinkolanti bejn is-sħab soċjali f'konformità mal-Artikoli 151 sa 161 tat-TFUE;

Azzjoni Esterna

It-tkabbir tal-effikaċja, il-koerenza u r-responsabilità politika tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK)

98. Hu tal-fehma li l-approċċ komprensiv tal-Unjoni Ewropea għall-kunflitti u l-kriżijiet esterni għandu jkun imsaħħaħ billi jinġiebu eqreb ta' xulxin l-atturi u l-istrumenti differenti fil-fażijiet kollha taċ-ċiklu tal-kunflitt;

99. Jinsisti fuq l-użu tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22 tat-TUE sabiex jiġi stabbilit qafas strateġiku ġenerali għal, u jittieħdu deċiżjonijiet dwar, l-interessi strateġiċi u l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-TUE, li jistgħu jiġu estiżi lil hinn mill-PESK għal oqsma oħrajn ta' azzjoni esterna, u li jeħtieġ konsistenza ma' politiki oħra bħalma huma l-kummerċ, l-agrikoltura u l-għajnuna għall-iżvilupp; ifakkar li d-deċiżjonijiet meħuda abbażi ta' strateġija bħal din jistgħu jiġu implimentati b'VMK; Jinnota li l-leġittimità demokratika ta' dawn id-deċiżjonijiet tista' tissaħħaħ jekk il-Kunsill u l-Parlament jadottaw dokumenti strateġiċi konġunti fuq il-bażi tal-proposti mal-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ);

100. Jitlob sabiex tissaħħaħ is-superviżjoni parlamentari tal-azzjoni esterna tal-UE, inkluż billi jissoktaw il-konsultazzjonijiet fuq bażi regolari mal-VP/RGħ, mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u mal-Kummissjoni, kif ukoll sabiex jiġu konklużi n-negozjati fuq is-sostituzzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali tal-2002 dwar l-aċċess għal informazzjoni sensittiva tal-Kunsill fil-qasam tal-PESK;

101. Iqis li huwa neċessarju li r-Rappreżentanti Speċjali tal-UE jiġu integrati fis-SEAE, inkluż billi l-baġit tagħhom jiġi ttrasferit mil-linji tal-PESK għal-linji tas-SEAE, hekk kif dan huwa mistenni li jżid il-koerenza tal-isforzi tal-UE;

102. Jappella għall-użu tal-Artikolu 31(2) tat-TUE, li jippermetti lill-Kunsill jieħu ċerti deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet relatati mal-PESK b'VMK, u l-"klawżola passerelle" inkluża fl-Artikolu 31(3) tat-TUE sabiex issir il-bidla progressiva lejn VMK għad-deċiżjonijiet fil-qasam tal-PESK li ma jkollhomx implikazzjonijiet militari jew ta' difiża; ifakkar li l-Artikolu 20(2) tat-TUE, li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għal kooperazzjoni msaħħa, jipprovdi possibilitajiet addizzjonali għall-Istati Membri sabiex jimxu 'l quddiem bil-PESK u, għalhekk, għandu jintuża;

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

103. Jemmen li jeħtieġ li tiżdied il-flessibilità tar-regoli finanzjarji għall-azzjoni esterna sabiex ikun evitat kull dewmien fl-iżborżament operazzjonali tal-fondi tal-UE u b'hekk tiżdied il-kapaċità tal-UE li tirrispondi malajr u b'mod effettiv għall-kriżijiet; iqis li huwa neċessarju, f'dan ir-rigward, li tiġi stabbilita proċedura rapida għall-assistenza umanitarja sabiex ikun żgurat li l-għajnuna tiġi provduta bl-aktar mod effiċjenti u effettiv possibbli;

104. Iħeġġeġ lill-Kunsill, lis-SEAE u lill-Kummissjoni sabiex iħarsu l-obbligi rispettivi tagħhom li jgħarrfu minnufih u b'mod sħiħ lill-Parlament fl-istadji kollha tal-proċessi tan-negozjati u l-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali, kif stipulat fl-Artikolu 218(10) tat-TFUE u kif spjegat fid-dettall fil-ftehimiet interistituzzjonali mal-Kummissjoni u mal-Kunsill;

105. Jirrimarka li l-Qorti tal-Ġustizzja (QĠUE) ikkonfermat li l-Parlament għandu d-dritt skont l-Artikolu 218(10) tat-TFUE tal-Unjoni Ewropea i jiġi infurmat bis-sħiħ u minnufih fl-istadji kollha tal-proċedura għan-negozjati u għall-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali – anki fir-rigward tal-PESK – biex ikun jista' jeżerċita s-setgħat tiegħu b'għarfien sħiħ tal-azzjoni tal-Unjoni Ewropea kollha kemm hi; jistenna, għalhekk, li n-negozjati interistituzzjonali li għandhom isiru dwar arranġamenti prattiċi mtejba għall-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni fil-kuntest tan-negozjati u l-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali ser iqisu sew il-każistika tal-QĠUE;

Lejn politika tad-difiża komuni

106. Jitlob li jittieħdu passi progressivi lejn politika tad-difiża komuni (Artikolu 42(2) tat-TUE) u, eventwalment, difiża komuni, li tista' tiġi stabbilita permezz ta' deċiżjoni unanima tal-Kunsill Ewropew filwaqt li tissaħħaħ is-soċjetà ċivili fuq il-bażi ta' approċċi ta' prevenzjoni u riżoluzzjoni tal-konflitti bbażati fuq in-nonvjolenza, partikolarment permezz ta' żieda fir-riżorsi finanzjarji, amministrattivi u r-riżorsi umani bl-għan li jittrattaw il-medjazzjoni, id-djalogu, ir-rikonċiljazzjoni u r-rispons immedjat għall-kriżi bbażat fuq l-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili;

107. Jissuġġerixxi, bħala l-ewwel pass f'din id-direzzjoni, illi jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 46 tat-TUE rigward it-twaqqif ta' Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO) permezz ta' VMK fil-Kunsill, billi dan l-istrument jippermetti lill-Istati Membri aktar ambizzjużi jikkooperaw aktar mill-qrib b'mod koordinat fil-qasam tad-difiża taħt l-umbrella tal-UE, u jagħtihom is-setgħa li jużaw l-istituzzjonijiet, l-istrumenti u l-baġit tal-UE;

108. Jirrakkomanda t-twaqqif ta' Kunsill ta' Ministri tad-Difiża, li għandu jkun presedut mill-VP/RGħ bl-għan li ssir koordinazzjoni tal-politiki ta' difiża tal-Istati Membri, partikolarment fir-rigward taċ-ċibersigurtà u l-ġlieda kontra t-terroriżmu, u b'mod konġunt jiżviluppaw strateġija u prijoritajiet ta' difiża tal-UE;

109. Jinsisti fuq l-istabbiliment ta' ktieb abjad tal-UE dwar is-sigurtà u d-difiża fuq il-bażi tal-istrateġija globali tal-UE għal politika estera u ta' sigurtà ppreżentata mill-VP/RGħ kif ukoll l-aġenda ta' Bratislava, minħabba li dokument bħal dan ikompli jiddefinixxi l-objettivi strateġiċi tal-UE fil-qasam tas-sigurtà u tad-difiża u jidentifika l-kapaċitajiet eżistenti u dawk meħtieġa; jistieden lill-Kummissjoni biex tibbaża l-ħidma preparatorja li għaddejja tagħha fuq pjan ta' azzjoni għad-difiża Ewropea dwar ir-riżultati tal-ktieb abjad tal-UE futur dwar is-sigurtà u d-difiża, li għandu jindirizza wkoll il-kwistjoni dwar kif u taħt liema kundizzjonijiet l-użu ta' forza militari huwa xieraq u leġittimu;

110. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi definita politika Ewropea komuni dwar il-kapaċitajiet u l-armamenti (l-Artikolu 42(3) tat-TUE), li tkun tinkludi l-ippjanar konġunt, l-iżvilupp u l-akkwist ta' kapaċitajiet militari, kif ukoll proposti għar-reazzjoni għal theddidiet ċibernetiċi, ibridi u asimmetriċi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex taħdem fuq Pjan ta' Azzjoni ambizzjuż għad-Difiża Ewropea, kif imħabbar fil-Programm ta' Ħidma għall-2016;

111. Jenfasizza l-potenzjal kbir li għandha l-Aġenzija Ewropea tad-Difiża (EDA) biex tgħin tiżviluppa suq uniku tad-difiża li jkun kompetittiv, effiċjenti, imsejjes fuq ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni u ffokat fuq il-ħolqien ta' impjiegi speċjalizzati, u jappoġġa, għal dan l-għan, l-istudju tal-possibilità ta' sħubiji pubbliċi-privati; itenni l-ħtieġa urġenti li tissaħħaħ l-EDA billi tiġi pprovduta bir-riżorsi u s-sostenn politiku meħtieġa, sabiex b'hekk jippermettilha jkollha rwol ta' koordinazzjoni ewlieni fl-iżvilupp tal-kapaċità, fir-riċerka u fl-akkwist; itenni l-fehma tiegħu li dan isir l-aħjar permezz ta' finanzjament tal-persunal u tal-ispejjeż tal-Aġenzija mill-baġit tal-Unjoni;

112. Ifakkar fl-eżistenza tal-Artikolu 44 tat-TUE, li jipprovdi dispożizzjonijiet ta' flessibilità addizzjonali u jintroduċi l-possibilità li l-implimentazzjoni tal-kompiti tal-ġestjoni tal-kriżijiet tiġi fdata lil grupp ta' Stati Membri, li jwettqu dawn il-kompiti f'isem l-UE u taħt il-kontroll politiku u l-gwida strateġika tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) u tas-SEAE;

113. Jissuġġerixxi li l-Artikolu 41(3) tat-TUE jintuża sabiex jistabbilixxi fond ta' tnedija magħmul minn kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri sabiex jiġu ffinanzjati attivitajiet ta' tħejjija li jappartjenu għall-attivitajiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) mhux imħallsin mill-baġit tal-Unjoni;

114. Jenfasizza l-importanza tal-estensjoni tal-finanzjament komuni fil-qasam tal-PSDK militari, inkluż permezz tal-mekkaniżmu Athena, minħabba li dan inaqqas id-diżinċentivi finanzjarji min-naħa tal-Istati Membri fil-kontribuzzjoni għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK militari u, b'hekk, tittejjeb il-ħila tal-UE li tirreaġixxi għall-kriżijiet;

115. Jitlob għall-ħolqien ta' sede militari u ċivili permanenti, b'Kapaċità Militari ta' Ppjanar u ta' Kondotta (MPCC) u Kapaċità Ċivili ta' Ppjanar u Kondotta (CPCC); jitlob għall-istituzzjonalizzazzjoni tad-diversi strutturi militari Ewropej (fost l-oħrajn, il-gruppi tattiċi differenti, il-Euroforces, il-kooperazzjoni tad-difiża bejn Franza u r-Renju Unit u l-kooperazzjoni tad-difiża bl-ajru tal-Benelux) fil-qafas tal-UE, kif ukoll biex tiżdied il-possibilità tal-użu tal-gruppi tattiċi tal-UE, fost l-oħrajn, permezz tal-estensjoni tal-finanzjament komuni u tal-kunsiderazzjoni tal-iskjerament tagħhom, b'mod awtomatiku, bħala forza ta' intervent inizjali fix-xenarji futuri ta' ġestjoni tal-kriżijiet;

116. Jinnota li dawn il-kwartieri ġenerali permanenti jistgħu jiġu involuti f'ippjanar ta' kontinġenza permanenti u jkollhom rwol ta' koordinazzjoni ewlieni fl-applikazzjonijiet futuri tal-Artikolu 42(7) tat-TUE; huwa tal-fehma li l-"klawżola ta' difiża reċiproka", kif stipulata f'dak l-artikolu u invokata minn Franza matul il-Kunsill Affarijiet Barranin fis-17 ta' Novembru 2015, tista' tikkostitwixxi katalista għall-iżvilupp ulterjuri tal-politika ta' difiża u ta' sigurtà tal-UE, li twassal għal impenn aktar qawwi mill-Istati Membri kollha;

117. Iqis li jeħtieġ li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO fil-livelli kollha f'oqsma bħall-iżvilupp tal-kapaċità u l-ippjanar ta' kontinġenza għal theddidiet ibridi, kif ukoll li jiġu intensifikati l-isforzi sabiex jitneħħew l-ostakoli politiċi li jifdal; iħeġġeġ li tiġi stabbilita sħubija politika u militari komprensiva bejn l-UE u n-NATO;

118. Jitlob li tittieħed azzjoni deċiżiva biex tiġi żgurata koerenza tal-politiki għall-iżvilupp (PCD), b'konformità mal-Artikolu 208 tat-TFUE, u jitlob li titjieb is-sistema tal-valutazzjoni tal-impatt tal-PCD u l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' arbitraġġ biex jirrimedja kwalunkwe diskrepanza f'diversi politiki tal-UE, u billi l-President tal-Kummissjoni jingħata r-responsabilità politika għal-linji gwida ġenerali tagħha u s-soluzzjoni ta' kwistjonijiet f'konformità mal-impenji tal-UE dwar il-PCD;

Ġustizzja u Affarijiet Interni (ĠAI)

119. Jenfasizza li, filwaqt li jiġu rrispettati d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali u ssir insistenza fuq il-ħtieġa għal sorveljanza demokratika u ġudizzjarja tal-politiki kontra t-terroriżmu, fid-dawl tal-attakki reċenti u ż-żieda tat-theddida terroristika, skambju obbligatorju, sistematiku u strutturat ta' informazzjoni u data bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi u s-servizzi tal-intelligence, kif ukoll mal-Europol, il-Frontex u l-Eurojust, huwa assolutament essenzjali u jeħtieġ li jiġi implimentat mill-aktar fis possibbli;

120. Jirrimarka li, bħal fil-każ ta' attakki preċedenti, dawk li wettqu l-attakki ta' Pariġi kienu diġà magħrufa lill-awtoritajiet tas-sigurtà u kienu s-suġġett ta' investigazzjonijiet u miżuri ta' superviżjoni; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li d-data eżistenti dwar dawn l-individwi ma ġietx skambjata bejn l-Istati Membri, minkejja r-rekwiżiti tal-Artikolu 88 tat-TFUE; jistieden lill-Kunsill biex jadotta, abbażi tal-Artikolu 352 tat-TFUE, skambju obbligatorju ta' data bejn l-Istati Membri; huwa tal-fehma li l-potenzjal ta' kooperazzjoni msaħħa għandu jintuża jekk ma tintlaħaqx l-unanimità;

121. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex iwettqu evalwazzjoni komprensiva tal-miżuri tal-UE kontra t-terroriżmu u l-miżuri relatati b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tagħhom fil-liġi u fil-prattika fl-Istati Membri, sa liema punt hemm kooperazzjoni mal-aġenziji tal-UE f'dan il-qasam, b'mod partikolari l-Europol u l-Eurojust, u valutazzjoni korrispondenti tal-lakuni li fadal, kif ukoll il-konformità tagħhom mal-obbligi tal-UE rigward id-drittijiet fundamentali, bl-użu tal-proċedura prevista fl-Artikolu 70 tat-TFUE;

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

122. Ifakkar, f'dan il-kuntest, li l-Artikolu 222 tat-TFUE jipprevedi klawżola ta' solidarjetà li tista' u għandha tiġi attivata meta Stat Membru jkun fil-mira ta' attakk terroristiku jew il-vittma ta' diżastru naturali jew ikkawżat mill-bniedem;

123. Jiddispjaċih li d-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja ma ġietx attivata fid-dawl tal-kriżi tar-rifuġjati, minkejja li ġiet stabbilita biex tindirizza l-fluss ta' mases ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi;

124. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi stabbilita politika ta' komuni tal-UE dwar l-asil u l-immigrazzjoni ġusta u effettiva, ibbażata fuq il-prinċipji tas-solidarjetà, in-nondiskriminazzjoni, il-prinċipju tan-non-refoulement u kooperazzjoni sinċiera bejn l-Istati Membri kollha, li għandha tipprevedi wkoll distribuzzjoni mill-ġdid ġusta ta' dawk li qed ifittxu asil fi ħdan l-UE; huwa tal-fehma li tali politika għandha tinvolvi lill-Istati Membri kollha; ifakkar lill-Istati Membri dwar l-obbligi tagħhom f'dan ir-rigward, u jenfasizza li qafas ġdid għall-asil u l-migrazzjoni għandu jkun ibbażat fuq id-drittijiet fundamentali tal-migranti;

125. Jirrimarka li huma meħtieġa passi ulterjuri biex jiġi żgurat li s-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil ssir verament sistema uniformi; jistieden lill-Istati Membri jarmonizzaw il-leġiżlazzjoni u l-prattiki tagħhom fir-rigward tal-kriterji dwar min jikkwalifika bħala benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali, u fir-rigward ta' garanziji rigward il-proċeduri ta' protezzjoni internazzjonali u kundizzjonijiet ta' akkoljenza, f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) u QĠUE u l-aqwa prassi stabbiliti fi Stati Membri oħra;

126. Jilqa' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2016/1624 li jespandi l-kompiti u s-setgħat tal-Frontex u l-għoti tal-isem ġdid ta' Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta; iqis li l-aġenzija tista' tkun appoġġjata, fejn meħtieġ, minn strumenti militari bħal Forza Marittima Ewropea (Euromarfor) u Korp Ewropew (Eurocorps) ammeljorat, flimkien mar-riżorsi miġbura flimkien permezz tal-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti; jenfasizza li r-regolament jinsisti li l-Istati Membri għandhom, fl-interess tagħhom u fl-interess tal-Istati Membri l-oħra, idaħħlu d-data f'bażijiet ta' data Ewropej; jissuġġerixxi li għandhom jiġu previsti wkoll l-interoperabilità tal-bażijiet ta' data ta' aġenziji tal-fruntieri bħal Eurodac u l-interoperabilità tal-bażijiet ta' data tal-Europol;

127. Jappella għal rieżami urġenti tar-Regolament ta' Dublin permezz tat-twaqqif ta' sistema permanenti legalment vinkolanti fl-UE kollha għat-tqassim ta' persuni li jfittxu asil fost l-Istati Membri kollha, ibbażata fuq allokazzjoni ġusta u obbligatorja;

128. Jirrimarka li, minħabba l-flussi bla preċedent ta' migranti li waslu u li qed ikomplu jaslu fil-fruntieri esterni tal-Unjoni, u ż-żieda kostanti fl-għadd ta' persuni li jitolbu protezzjoni internazzjonali, l-Unjoni teħtieġ approċċ leġiżlattiv vinkolanti u obbligatorju għar-risistemazzjoni, kif stabbilit fl-Aġenda tal-Kummissjoni dwar il-Migrazzjoni;

129. Jappella għall-iffirmar ta' ftehimiet ma' pajjiżi terzi sikuri sabiex jiġu kkontrollati u jitnaqqsu l-flussi tal-immigrazzjoni qabel ma l-immigranti jaslu fil-fruntiera tal-UE; jinsisti, fl-istess waqt, fuq proċeduri stretti għall-applikanti li jirritornaw b'talbiet bla bażi;

130. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex iżidu l-infiq fuq it-taħriġ ta' professjonisti fil-qasam tal-asil u jtejbu l-effiċjenza tal-proċeduri tal-asil;

131. Iqis li d-dimensjoni esterna għandha tiffoka fuq kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi sabiex jiġu trattati u indirizzati l-kawżi fundamentali tal-flussi ta' migranti irregolari lejn l-Ewropa; huwa tal-fehma li s-sħubiji u l-kooperazzjoni mal-pajjiżi ta' oriġini, ta' tranżitu u ta' destinazzjoni ewlenin għandhom ikomplu jkunu ta' prijorità; jirrakkomanda li l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi għandha tinvolvi l-valutazzjoni tas-sistemi tal-asil ta' dawk il-pajjiżi, l-appoġġ tagħhom lir-rifuġjati, u l-ħila u r-rieda tagħhom li jiġġieldu t-traffikar u l-kuntrabandu ta' persuni lejn u f'dawk il-pajjiżi; jirrikonoxxi li hemm il-ħtieġa li tittejjeb l-effikaċja tas-sistema ta' ritorn tal-Unjoni, iżda jemmen li r-ritorn tal-migranti għandu jitwettaq biss b'kondizzjonijiet ta' sikurezza, b'konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali u proċedurali tal-migranti kkonċernati;

132. Jilqa' l-fatt li r-Regolament (UE) 2016/1624 il-ġdid dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u l-Kosta jipprevedi li jekk il-kontroll tal-fruntiera esterna isir ineffettiv b'tali mod li jissogra li jipperikola l-funzjonament taż-żona Schengen, minħabba li Stat Membru ma jiħux il-miżuri meħtieġa jew minħabba li ma jkunx talab appoġġ suffiċjenti minn Frontex jew mhux qed jimplimenta din l-għajnuna, il-Kummissjoni tista' tipproponi lill-Kunsill deċiżjoni li tidentifika l-miżuri li għandhom jiġu implimentati mill-Aġenzija u li titlob lill-Istat Membru kkonċernat biex jikkoopera mal-Aġenzija

fl-implimentazzjoni ta' dawk il-miżuri; jirrimarka, barra minn hekk, li ir-regolament jinkludi wkoll dispożizzjonijiet dwar ir-responsabilità ċivili u kriminali tal-membri tal-grupp u mekkaniżmu ta' lmenti għall-monitoraġġ u l-iżgurar tal-ħarsien tad-drittijiet fundamentali fl-attivitajiet kollha tal-Aġenzija;

133. Jemmen li jkun meħtieġ titjib tal-kapaċitajiet umani u finanzjarji tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO) jekk dan kellu jintalab jikkoordina l-applikazzjonijiet ta' asil tal-UE kollha waqt li joffri appoġġ lill-Istati Membri li jkunu taħt pressjoni partikolari ta' immigrazzjoni fl-ipproċessar tat-talbiet għal asil, inkluż fil-mandat tiegħu għat-twettiq ta' operazzjonijiet konġunti, proġetti pilota u interventi rapidi simili għal dawk miżjuda permezz tar-Regolament (UE) Nru 1168/2011 mal-mandat tal-Frontex;

134. Jenfasizza l-importanza ta' koordinazzjoni mtejba bejn l-EASO, il-Frontex u l-uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew sabiex jingħata lok għal adozzjoni aktar bla xkiel tar-Rapporti dwar Twissija Bikrija f'każ ta' pressjoni migratorja partikolari, li x'aktarx tpoġġi f'riskju r-rispett għal-libertajiet fundamentali tal-persuni li jfittxu asil; iqis li huwa possibbli għall-Kummissjoni li tuża dawn ir-Rapporti dwar Twissija Bikrija bħala bażi sabiex jiskattaw il-miżuri ta' kontinġenza previsti fl-Artikolu 78(3) tat-TFUE;

135. Isib li huwa imperattiv li jissaħħaħ ir-rwol tal-Parlament bħala koleġiżlatur, fuq bażi ugwali mal-Kunsill, permezz tal-użu tal-Artikolu 81(3) tat-TFUE, li jagħmilha possibbli li t-teħid tad-deċiżjonijiet fil-qasam tal-liġi tal-familja b'implikazzjonijiet transkonfinali jinqaleb għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja jekk il-Kunsill jiddeċiedi hekk b'mod unanimu, wara li jkun ikkonsulta mal-Parlament; jitlob li l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar il-politiki l-oħrajn kollha fil-qasam tal-ĠAI jinbidel għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja, bl-użu tal-"klawżola passerelle" stipulata fl-Artikolu 48(7) tat-TUE;

136. Jistieden lill-Kummissjoni biex, fuq il-bażi tal-Artikolu 83 tat-TFUE, tipproponi regoli minimi dwar id-definizzjonijiet u s-sanzjonijiet relatati mal-ġlieda kontra t-terroriżmu, it-traffikar ta' bnedmin u l-isfruttament sesswali tan-nisa u t-tfal, it-traffikar illeċitu ta' droga, it-traffiku illeċitu ta' armi, il-ħasil tal-flus, il-korruzzjoni, il-falsifikazzjoni ta' mezzi ta' pagament, il-kriminalità fl-informatika u l-kriminalità organizzata;

137. Jinsisti fuq it-tqegħid fil-prattika tal-prinċipji minquxa fit-Trattat ta' Lisbona, jiġifieri s-solidarjetà u l-kondiviżjoni tar-responsabilità bejn l-Istati Membri, il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku fl-implimentazzjoni tal-politiki tal-ĠAI (l-Artikolu 70 tat-TFUE) u d-dispożizzjonijiet tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE;

138. Iqis li l-UE trid tiggarantixxi l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u r-rispett kontinwat tal-kriterji ta' Kopenħagen, u tiżgura li l-Istati Membri kollha jirrispettaw il-valuri komuni stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-TUE;

139. Jenfasizza l-importanza li jitlesta l-"pakkett ta' garanziji proċedurali", b'mod partikolari billi titfassal leġiżlazzjoni dwar id-detenzjoni amministrattiva u d-detenzjoni tal-minuri, oqsma li fihom ir-regoli ta' ħafna Stati Membri mhumiex kompletament kompatibbli mad-drittijiet tal-bniedem u standards internazzjonali oħra;

140. Jenfasizza l-importanza li jsir aktar progress fl-iżvilupp tad-dritt kriminali Ewropew, partikolarment fir-rigward tar-rikonoxximent reċiproku u l-infurzar ta' sentenzi kriminali;

141. jenfasizza l-importanza tal-iżvilupp ta' kultura ġudizzjarja Ewropea, bħala prerekwiżit ewlieni biex iż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja ssir realtà għaċ-ċittadini u jkun żgurat applikazzjoni aħjar tad-dritt tal-UE;

142. Huwa tal-fehma li jeħtieġ li jinħatar Prosekutur Pubbliku Ewropew sabiex jiġġieled kontra l-kriminalità organizzata, il-frodi u l-korruzzjoni, jipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u jirrimedja l-frammentazzjoni fil-qasam tal-infurzar tal-liġi Ewropea;

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

143. Jenfasizza li, skont l-Artikolu 86 tat-TFUE, jista' jiġi stabbilit Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) biex jiġġieled ir-reati li jolqtu l-interessi finanzjarji tal-UE ("reati PIF") biss bl-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew; għalhekk itenni r-rakkomandazzjonijiet li saru fir-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-12 ta' Marzu 2014 ([1]) u tad-29 ta' April 2015 ([2]) dwar l-organizzazzjoni preċiża tal-UPPE, u jenfasizza li r-Regolament dwar l-UPPE għandu jiġi adottat mingħajr dewmien sabiex l-UPPE jista' jkollu s-setgħa li jinvestiga r-reati PIF kollha, inkluża l-frodi tal-VAT, u jiftaħ proċedura kontra dawk suspettati li wettqu xi reat;

144. Ifakkar fl-obbligu għall-adeżjoni tal-Unjoni mal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, skont l-Artikolu 6(2) tat-TUE, u jħeġġeġ it-tnedija mill-ġdid bla xkiel tan-negozjati mal-Kunsill tal-Ewropa għal dan il-għan, filwaqt li titqies l-opinjoni tal-QĠUE tat-18 ta' Diċembru 2014; ifakkar lill-Kummissjoni, fir-rwol tagħha bħala negozjatur ewlieni, li din l-adeżjoni se ttejjeb il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem taċ-ċittadini kollha Ewropej;

145. Itenni li din ir-riżoluzzjoni għandha l-għan biss li tipprovdi valutazzjoni dwar il-possibilitajiet ġuridiċi fit-Trattati u għandha tkun il-bażi għal titjib fil-funzjonament tal-Unjoni Ewropea fi żmien qasir; ifakkar li riforma aktar fundamentali fil-futur tkun teħtieġ reviżjoni tat-Trattati;

o

o o

146. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-parlamenti u l-gvernijiet tal-Istati Membri.

([1]) Testi adottati, P7_TA(2014)0234.
([2]) Testi adottati, P8_TA(2015)0173.

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

P8_TA(2017)0050

Kapaċità baġitarja għaż-żona tal-euro

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2017 dwar il-kapaċità baġitarja għaż-żona tal-euro (2015/2344(INI))

(2018/C 252/24)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra d-deliberazzjonijiet konġunti tal-Kumitat għall-Baġits u tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji skont l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits u tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali u tal-Kumitat għall-Kontroll Baġitarju (A8-0038/2017),

A. billi l-klima politika attwali u l-isfidi ekonomiċi u politiċi eżistenti f'dinja globalizzata jeħtieġu deċiżjonijiet u azzjonijiet konsegwenti u determinati min-naħa tal-UE f'ċerti oqsma bħalma huma s-sigurtà interna u esterna, il-ħarsien tal-fruntieri u l-politika migratorja, l-istabbilizzazzjoni tal-viċinat tagħna, it-tkabbir u l-impjiegi, b'mod partikolari l-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ, u l-implimentazzjoni tal-ftehimiet tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima tal-2015;

B. billi, wara bidu ta' suċċess għall-euro, iż-żona tal-euro wriet nuqqas ta' konverġenza, kooperazzjoni politika u sens ta' appartenenza;

C. billi d-diversi kriżijiet u sfidi globali jirrikjedu li ż-żona tal-euro tagħmel qabża kwalitattiva fl-integrazzjoni mill-aktar fis possibbli;

D. billi sħubija f'żona b'munita komuni tirrikjedi għodod komuni u solidarjetà fil-livell Ewropew u obbligi u responsabbiltajiet min-naħa ta' kull Stat Membru parteċipanti;

E. billi jeħtieġ li terġa' titrawwem il-fiduċja fiż-żona tal-euro;

F. billi jenħtieġ pjan direzzjonali definit sew li jirrifletti approċċ komprensiv biex jiġu realizzati l-benefiċċji kollha tal-munita komuni filwaqt li tiġi żgurata s-sostenibbiltà tagħha u jintlaħqu l-għanijiet ta' stabbiltà u livell massimu ta' impjiegi;

G. billi dan jinkludi t-tlestija miftiehma tal-Unjoni Bankarja, qafas fiskali msaħħaħ b'kapaċità li jassorbi x-xokkijiet u inċentivi għal riformi strutturali favorevoli għat-tkabbir li jikkomplementaw il-miżuri tal-politika monetarja attwali;

H. billi kapaċità fiskali u l-kodiċi ta' konverġenza relatat huma elementi fundamentali f'din l-operazzjoni, li tista' tkun ta' suċċess biss jekk ikun hemm rabta mill-qrib bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà;

I. billi l-istabbiliment ta' kapaċità fiskali għaż-żona tal-euro jikkostitwixxi biss parti waħda mill-istampa kollha, li jeħtieġ li jimxi id f'id ma' spirtu Ewropew ċar ta' rifondazzjoni fost il-membri tagħha u dawk li se jissieħbu fiż-żona tal-euro;

1. Jadotta l-pjan direzzjonali li ġej:

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

i. ***Prinċipji ġenerali***

It-trasferiment tas-sovranità fuq il-politika monetarja jeħtieġ mekkaniżmi ta' aġġustament alternattivi bħall-implimentazzjoni ta' riformi strutturali li jsaħħu t-tkabbir, is-suq uniku, l-Unjoni Bankarja, l-Unjoni tas-Swieq Kapitali, biex joħloq settur finanzjarju aktar sikur u kapaċità fiskali biex ikunu jistgħu jiġu ttrattati x-xokkijiet makroekonomiċi u tiżdied il-kompetittività u l-istabbiltà tal-ekonomiji tal-Istati Membri sabiex iż-żona tal-euro ssir żona monetarja ottimali.

Il-konverġenza, il-governanza tajba u l-kundizzjonalità infurzati permezz ta' istituzzjonijiet li jinżammu demokratikament responsabbli fil-livell taż-żona tal-euro u/jew f'dak nazzjonali huma fundamentali, b'mod partikolari fil-prevenzjoni tat-trasferimenti permanenti, il-periklu morali u l-kondiviżjoni tar-riskju pubbliku mhux sostenibbli.

Hekk kif jiżdiedu l-kobor u l-kredibbiltà tal-kapaċità fiskali, dan se jikkontribwixxi biex terġa' titrawwem il-fiduċja tas-suq finanzjarju fis-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fiż-żona tal-euro, li jagħmilha possibbli, fil-prinċipju, li l-kontribwenti jiġu protetti aħjar u li jitnaqqas ir-riskju pubbliku u privat.

Il-kapaċità fiskali għandha tinkludi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES) u kapaċità baġitarja addizzjonali speċifika għaż-żona tal-euro. Il-kapaċità baġitarja għandha tinħoloq b'żieda għall-MES u mingħajr preġudizzju għalih.

Bħala l-ewwel pass, il-kapaċità baġitarja speċifika taż-żona tal-euro jenħtieġ li tkun parti mill-baġit tal-Unjoni, lil hinn mil-limiti massimi attwali tal-qafas finanzjarju pluriennali, u jenħtieġ li tkun iffinanzjata mill-membri taż-żona tal-euro u minn membri parteċipanti oħra permezz ta' sors ta' dħul li għandu jintlaħaq qbil dwaru bejn l-Istati Membri parteċipanti u jitqies bħala dħul assenjat u garanziji; ladarba tkun fi stat stabbli, il-kapaċità fiskali tista' tiġi ffinanzjata permezz tar-riżorsi proprji, skont ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapport Monti dwar il-finanzjament futur tal-UE.

Il-MES, filwaqt li jkompli jaqdi dmirijietu, jenħtieġ li jiġi żviluppat ulterjorment u trasformat f'Fond Monetarju Ewropew (FME), mgħammar b'kapaċità adegwata ta' self u teħid ta' self u b'mandat definit b'mod ċar, biex jassorbi xokkijiet asimmetriċi u simmetriċi.

ii. ***It-tliet pilastri tal-kapaċità fiskali għall-konverġenza u l-istabbilizzazzjoni taż-żona tal-euro***

Il-kapaċità fiskali jenħtieġ li tissodisfa tliet funzjonijiet differenti:

— l-ewwel nett, il-konverġenza ekonomika u soċjali fiż-żona tal-euro jenħtieġ li tiġi inċentivata biex tħeġġeġ riformi strutturali, timmodernizza l-ekonomiji u ttejjeb il-kompetittività ta' kull Stat Membru u r-reżiljenza taż-żona tal-euro, biex b'hekk tikkontribwixxi wkoll għall-kapaċità tal-Istati Membri li jassorbu xokkijiet asimmetriċi u simmetriċi;

— it-tieni, li d-differenzi fiċ-ċikli ekonomiċi tal-Istati Membri taż-żona tal-euro li ġejjin minn differenzi strutturali jew vulnerabbiltà ekonomika ġenerali joħolqu neċessità li naffrontaw ix-xokkijiet asimmetriċi (sitwazzjonijiet li fihom event ekonomiku jaffettwa ekonomija partikolari aktar minn oħra, pereżempju meta d-domanda tikkollassa fi Stat Membru speċifiku u mhux fl-oħrajn wara xokk estern lil hinn mill-influwenza ta' Stat Membru);

— it-tielet, xokkijiet simmetriċi (sitwazzjonijiet meta event ekonomiku jaffettwa l-ekonomiji kollha bl-istess mod, pereżempju l-varjazzjoni fil-prezzijiet taż-żejt għall-pajjiżi fiż-żona tal-euro) jenħtieġ li jiġu indirizzati biex tiżdied ir-reżiljenza taż-żona tal-euro kollha kemm hi.

Fid-dawl ta' dawn l-objettivi, ikun meħtieġ li jitqies liema funzjonijiet jistgħu jinkisbu fi ħdan il-qafas ġuridiku eżistenti tal-Unjoni u liema se jeħtieġu aġġustament jew tibdil fit-Trattat.

L-ewwel pilastru: il-kodiċi ta' konverġenza

Is-sitwazzjoni ekonomika attwali teħtieġ strateġija ta' investiment parallela ma' konsolidazzjoni fiskali u responsabbiltà permezz ta' konformità mal-qafas tal-governanza ekonomika.

Minbarra l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, il-kodiċi ta' konverġenza, adottat skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja u b'kont meħud tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, jenħtieġ li jiffoka, fuq perjodu ta' ħames snin, fuq kriterji ta' konverġenza rigward it-tassazzjoni, is-suq tax-xogħol, l-investiment, il-produttività, il-koeżjoni soċjali, il-kapaċitajiet ta' amministrazzjoni pubblika u ta' governanza tajba fil-qafas tat-Trattati eżistenti.

Fil-qafas tal-governanza ekonomika, il-konformità mal-kodiċi ta' konverġenza jenħtieġ li tkun kundizzjoni għal parteċipazzjoni sħiħa fil-kapaċità fiskali, u jenħtieġ li kull Stat Membru jressaq proposti dwar kif jistgħu jinkisbu l-kriterji tal-kodiċi ta' konverġenza.

Kapaċità fiskali taż-żona tal-euro jenħtieġ li tkun ikkomplementata minn strateġija fit-tul għas-sostenibbiltà tad-dejn u t-tnaqqis tad-dejn u tisħiħ tat-tkabbir u l-investiment fil-pajjiżi taż-żona tal-euro, li jnaqqas l-ispejjeż globali ta' finanzjament mill-ġdid u l-proporzjonijiet ta' dejn/PDG.

It-tieni pilastru: assorbiment tax-xokkijiet asimmetriċi

Fid-dawl tal-integrazzjoni b'saħħitha tal-Istati Membri taż-żona tal-euro, xokkijiet asimmetriċi b'impatt fuq l-istabbiltà taż-żona tal-euro kollha kemm hi ma jistgħux jiġu eskluż għalkollox minkejja l-isforzi kollha fil-qasam tal-koordinazzjoni tal-politika, il-konverġenza u r-riformi strutturali sostenibbli tal-Istati Membri.

L-istabbilizzazzjoni pprovduta permezz tal-MES/FME jenħtieġ li tkun ikkomplementata minn mekkaniżmi awtomatiċi għall-assorbiment tax-xokkijiet.

L-istabbilizzazzjoni trid tinċentiva l-prattiki tajbin u tevita l-periklu morali.

Sistema bħal din jeħtieġ tinkludi regoli ċari dwar l-iskadenzi għall-ħlasijiet u r-rimborżi li jista' jkun hemm, u jeħtieġ tiġi definita b'mod ċar f'termini ta' daqs u mekkaniżmi ta' finanzjament, filwaqt li tkun newtrali f'termini ta' baġit fuq ċiklu itwal.

It-tielet pilastru: assorbiment tax-xokkijiet simmetriċi

Ix-xokkijiet simmetriċi li jista' jkun hemm fil-futur jistgħu jiddestabbilizzaw iż-żona tal-euro kollha kemm hi, billi ż-żona monetarja għadha mhijiex mgħammra bl-istrumenti meħtieġa biex issib tarf ta' kriżi oħra tal-istess kobor bħal dik preċedenti.

F'każ ta' xokkijiet simmetriċi kkawżati minn nuqqas ta' domanda interna, il-politika monetarja waħedha ma tistax terġa' tqajjem l-ekonomija, partikolarment f'kuntest ta' rati ta' mgħax qrib iż-żero. Il-baġit taż-żona tal-euro jenħtieġ li jkun kbir biżżejjed biex jindirizza dawn ix-xokkijiet simmetriċi billi jiffinanzja investiment immirat lejn l-aggregazzjoni tad-domanda u livell massimu ta' impjiegi f'konformità mal-Artikolu 3 tat-TUE.

iii. ***Governanza, responsabbiltà demokratika u kontroll***

Fil-governanza ekonomika għaż-żona tal-euro jenħtieġ li jintuża l-metodu Komunitarju.

Jenħtieġ li l-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali jeżerċitaw rwol aktar b'saħħtu fil-qafas il-ġdid tal-governanza ekonomika sabiex tiżdied ir-responsabbiltà demokratika. Dan jinkludi żieda fis-sens ta' appartenenza nazzjonali fir-rigward tas-semestru Ewropew u riforma tal-konferenza interparlamentari prevista fl-Artikolu 13 tal-Patt Fiskali biex tingħata aktar sustanza, sabiex tiġi żviluppata opinjoni parlamentari u pubblika aktar b'saħħitha. Biex jitjieb is-sens ta' appartenenza, jenħtieġ li l-parlamenti nazzjonali jiskrutinizzaw il-gvernijiet nazzjonali, bħalma l-Parlament Ewropew jenħtieġ li jiskrutinizza l-eżekuttivi Ewropej.

Jista' jkun hemm fużjoni tal-pożizzjonijiet tal-President tal-Grupp tal-Euro u tal-Kummissarju għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji, u f'dan il-każ jenħtieġ li l-President tal-Kummissjoni jaħtar lil dan il-Kummissarju bħala Viċi President tal-Kummissjoni.

Jenħtieġ li dan il-ministru responsabbli mill-finanzi, megħjun minn teżorerija fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea, ikun kompletament responsabbli demokratikament u mgħammar bil-mezzi u l-kapaċitajiet kollha meħtieġa biex japplika u jinforza l-qafas ta' governanza ekonomika eżistenti u jottimizza l-iżvilupp taż-żona tal-euro f'kooperazzjoni mal-ministri tal-finanzi tal-Istati Membri taż-żona tal-euro.

Jenħtieġ li l-Parlament Ewropew jagħmel rieżami tar-regoli u l-organizzazzjoni tiegħu biex jiżgura r-responsabbiltà demokratika sħiħa tal-kapaċità fiskali fil-konfront tal-Membri tal-PE mill-Istati Membri parteċipanti;

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

2. Jistieden:

— lill-Kunsill Ewropew jistabbilixxi linji gwida, kif deskritt hawn fuq, mhux aktar tard mil-laqgħa tal-UE f'Ruma (Marzu 2017), inkluż qafas għall-istabbilizzazzjoni sostenibbli fit-tul taż-żona tal-euro;

— lill-Kummissjoni tressaq White Paper b'kapitolu ewlieni ambizzjuż dwar iż-żona tal-euro u l-proposti leġiżlattivi rispettivi fl-2017 billi jintużaw il-mezzi kollha fi ħdan it-Trattati eżistenti, inklużi l-kodiċi ta' konverġenza, il-baġit taż-żona tal-euro u l-istabbilizzaturi awtomatiċi, u tistabbilixxi kalendarju preċiż għall-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri;

3. Jiddikjara d-disponibbiltà tiegħu li jiffinalizza l-miżuri leġiżlattivi kollha li ma jeħtiġux bidliet fit-Trattati sa tmiem il-mandat attwali tal-Kummissjoni u tal-Parlament Ewropew u li jħejji għat-tibdil neċessarju fit-Trattati li se jkun meħtieġ fuq perjodu medju u fit-tul sabiex ikun hemm żona tal-euro sostenibbli;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-President tal-Kunsill Ewropew, lill-Kummissjoni, lill-Kunsill, lill-Grupp tal-Euro, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lid-Direttur Maniġerjali tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

P8_TA(2017)0051

Regoli ta' Dritt Ċivili dwar ir-Robotika

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2017 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar Regoli ta' Dritt Ċivili dwar ir-Robotika (2015/2103(INL))

(2018/C 252/25)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE ([1]),

— wara li kkunsidra l-istudju dwar Ethical Aspects of Cyber-Physical Systems (Aspetti Etiċi ta' Sistemi Ċiberfiżiċi), imwettaq f'isem il-Panel tal-Valutazzjoni tal-Għażliet Xjentifiċi u Teknoloġiċi (STOA) tal-Parlament u ġestit mill-Unità tal-Prospettiva Xjentifika (STOA), DĠ Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew;

— wara li kkunsidra l-Artikoli 46 u 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A8-0005/2017),

Introduzzjoni

A. billi mill-Mostru ta' Frankenstein ta' Mary Shelley sal-mit klassiku ta' Pygmalion, mill-istorja tal-Golem ta' Praga sar-robot ta' Karel Čapek, li ħoloq il-kelma robot, in-nies iffantasizzaw dwar il-possibilità tal-bini ta' magni intelliġenti, ta' sikwit androids b'karatteristiċi umani;

B. billi issa li l-umanità qiegħda fil-bidu ta' era meta robots, bots u androids dejjem aktar sofistikati, u manifestazzjonijiet oħra ta' intelliġenza artifiċjali ("IA") jidher li se jwasslu għal revoluzzjoni industrijali ġdida, li x'aktarx ma tħalli l-ebda saff tas-soċjetà mhux mittiefes, huwa importanti ħafna li l-leġiżlatura tqis l-effetti u l-implikazzjonijiet legali u etiċi ta' dan, mingħajr ma tinħonoq l-innovazzjoni;

C. billi jeħtieġ tinħoloq definizzjoni aċċettata b'mod ġenerali ta' robot u ta' IA li tkun flessibbli u li ma tfixkilx l-innovazzjoni;

D. billi bejn l-2010 u l-2014 iż-żieda medja fil-bejgħ ta' robots kienet ta' 17 % kull sena u fl-2014, il-bejgħ żdied b'29 %, l-ogħla żieda minn sena għal sena s'issa, fejn il-muturi ewlenin tat-tkabbir kienu l-fornituri ta' partijiet tal-karozzi u l-industrija tal-elettriku/tal-elettronika; billi l-għadd ta' applikazzjonijiet annwali għall-privattivi ta' teknoloġija tar-robotika tripplika matul l-aħħar deċennju;

E. billi matul l-aħħar 200 sena, iċ-ċifri tal-impjieg żdiedu b'mod persistenti minħabba l-iżvilupp teknoloġiku; billi l-iżvilupp tar-robotika u tal-IA jaf ikollu l-potenzjal li jittrasforma l-prattiki tal-ħajja u tax-xogħol, iżid il-livelli tal-effiċjenza, tal-iffrankar u tas-sikurezza, u jipprovdi livell ta' servizzi mtejjeb; billi fuq perjodu ta' żmien qasir u medju r-robotika u l-IA jwiegħdu li joħolqu benefiċċji ta' effiċjenza u ta' ffrankar mhux biss fl-oqsma tal-produzzjoni u tal-kummerċ, iżda anki f'oqsma bħalma huma dawk tat-trasport, tal-kura medika, tas-salvataġġ, tal-edukazzjoni u tal-biedja, filwaqt li jippermettu li jiġi evitat li l-bniedem jiġi espost għal kundizzjonijiet perikoluż, bħal dawk iffaċċjati waqt it-tindif ta' siti mniġġsa b'mod tossiku;

([1]) Id-Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE tal-25 ta' Lulju 1985 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar responabbiltà għall-prodotti difettużi (ĠU L 210, 7.8.1985, p. 29).

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

F. billi t-tixjiħ huwa riżultat ta' stennija tal-għomor itwal minħabba l-progress fil-kundizzjonijiet tal-għajxien u fil-mediċina moderna, u huwa waħda mill-akbar sfidi politiċi, soċjali u ekonomiċi tas-seklu 21 għas-soċjetajiet Ewropej; billi sal-2025 aktar minn 20 % tal-Ewropej se jkollhom 65 sena jew aktar, b'żieda partikolarment rapida fl-għadd ta' persuni li għandhom 80 sena jew aktar, u dan se jwassal għal bilanċ fundamentalment differenti fost il-ġenerazzjonijiet fi ħdan is-soċjetajiet tagħna, u billi huwa fl-interess tas-soċjetà li l-persuni anzjani jibqgħu b'saħħithom u attivi kemm jista' jkun fit-tul;

G. billi fuq perjodu fit-tul, it-tendenza attwali, li xxaqleb lejn l-iżvilupp ta' magni intelliġenti u awtonomi bil-kapaċità li jaħsbu u jieħdu deċiżjonijiet b'mod indipendenti, ma tfissirx biss vantaġġi ekonomiċi iżda tfisser ukoll tħassib varju dwar l-effetti diretti u indiretti tagħhom fuq is-soċjetà kollha kemm hi;

H. billi t-tagħlim bl-użu tal-magni joffri benefiċċji ekonomiċi u innovattivi enormi għas-soċjetà minħabba li jtejjeb ħafna l-kapaċità ta' analiżi tad-data, filwaqt li jqajjem ukoll sfidi sabiex jiġu żgurati n-nondiskriminazzjoni, il-proċess dovut, it-trasparenza u l-intelliġibilità fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet;

I. billi, b'mod simili, għandhom jiġu vvalutati valutazzjonijiet ta' tibdil ekonomiku u l-impatt fuq l-impjiegi b'riżultat tar-robotika u tat-tagħlim bl-użu tal-magni; billi, minkejja l-vantaġġi inkontestabbli mogħtija mir-robotika, l-implimentazzjoni tagħha għaldaqstant tista' tinvolvi trasformazzjoni tas-suq tax-xogħol u ħtieġa li ssir riflessjoni dwar il-futur tal-politiki soċjali, tal-impjiegi u tal-edukazzjoni skont din l-implimentazzjoni;

J. billi l-użu mifrux tar-robots jaf ma jwassalx awtomatikament għas-sostituzzjoni tal-impjiegi, iżda huwa probabbli li impjiegi b'ħiliet aktar baxxi f'setturi li jirrikjedu ħafna ħaddiema jkunu aktar vulnerabbli għall-awtomatizzazzjoni; billi din it-tendenza jaf tkun tista' ġġib il-proċessi tal-produzzjoni lura fl-UE; billi r-riċerka wriet li l-impjiegi jikbru aktar rapidament b'mod sinifikanti f'okkupazzjonijiet li jużaw il-kompjuters aktar; billi l-awtomatizzazzjoni tal-impjiegi għandha l-potenzjal li teħles lill-bnedmin minn xogħol manwali monotonu u tippermettilhom ixaqilbu d-direzzjoni lejn kompiti aktar kreattivi u sinifikanti; billi l-awtomatizzazzjoni teħtieġ li l-gvernijiet jinvestu fl-edukazzjoni u f'riformi oħra sabiex itejbu r-riallokazzjoni tat-tipi ta' ħiliet li l-ħaddiema ta' għada se jeħtieġu;

K. billi fid-dawl tad-diviżjonijiet li qegħdin jiżdiedu fis-soċjetà, bi klassi tan-nofs li qiegħda tiċkien, importanti li wieħed iżomm f'moħħu li l-iżvilupp tar-robotika jista' jwassal għal konċentrazzjoni għolja ta' ġid u influwenza f'idejn minoranza;

L. billi l-iżvilupp tar-robotika u tal-IA żgur se jinfluwenza x-xenarju tal-post tax-xogħol u jaf joħloq tħassib ġdid dwar ir-responsabbiltà filwaqt li jelimina tħassib ieħor; billi jeħtieġ li tiġi ċċarata r-responsabbiltà ġuridika kemm mil-lat tal-mudell tal-viżjoni tan-negozju, kif ukoll mil-lat tal-organizzazzjoni tad-disinn tal-ħaddiema, f'każ li jinqalgħu xi emerġenzi jew problemi;

M. billi t-tendenza lejn l-awtomatizzazzjoni tirrikjedi li dawk involuti fl-iżvilupp u l-kummerċjalizzazzjoni tal-applikazzjonijiet ta' IA jibnu fuq bażi ta' sigurtà u etika mill-bidu nett, biex b'hekk jirrikonoxxu li jridu jkunu lesti jaċċettaw ir-responsabbiltà ġuridika għall-kwalità tat-teknoloġija li jipproduċu;

N. billi r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) jistabbilixxi qafas legali għall-protezzjoni tad-data personali; billi aspetti oħrajn tal-aċċess għad-data u tal-protezzjoni tad-data personali u tal-privatezza xorta waħda jaf jeħtieġ li jiġu indirizzati, minħabba li jaf jinħoloq tħassib dwar il-privatezza minn applikazzjonijiet u apparat li jikkomunikaw ma' xulxin u ma' databases mingħajr intervent uman;

O. billi l-żviluppi fir-robotika u fl-IA jistgħu u għandhom jitfasslu b'mod li jiġu ppreservati d-dinjità, l-awtonomija u l-awtodeterminazzjoni tal-individwu, speċjalment fl-oqsma tal-kura u l-kumpanija tal-bniedem, u fil-kuntest ta' apparati mediċi użati għat-"tiswija" jew it-titjib tal-bnedmin;

([1]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

P. billi fl-aħħar mill-aħħar hemm possibilità li fuq perjodu fit-tul, l-IA tista' tisboq il-kapaċità intellettwali tal-bniedem

Q. billi żvilupp ulterjuri u żieda fl-użu ta' teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzat u algoritmiku indubbjament għandhom impatt fuq l-għażliet li persuna privata (bħal negozju jew utent tal-internet) u awtorità amministrattiva, ġudizzjarja jew pubblika oħra jagħmlu biex jieħdu d-deċiżjoni finali tagħhom meta din tkun ta' natura awtorevoli, kummerċjali jew relatata mal-konsumatur; billi s-salvagwardji u l-possibilità ta' kontroll u verifika mill-bniedem għandhom jinbnew fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzat u algoritmiku;

R. billi ħafna ġurisdizzjonijiet barranin, bħall-Istati Uniti, il-Ġappun, iċ-Ċina u l-Korea t'Isfel, qegħdin jikkunsidraw, u sa ċertu punt diġà ħadu, azzjoni regolatorja dwar ir-robotika u l-IA, u billi xi Stati Membri bdew ukoll jirriflettu dwar il-possibilità tad-disinn ta' standards legali jew it-twettiq ta' tibdil leġiżlattiv sabiex jitqiesu l-applikazzjonijiet emerġenti ta' dawn it-teknoloġiji;

S. billi l-industrija Ewropea tista' tibbenefika minn approċċ effiċjenti, koerenti u trasparenti lejn regolamentazzjoni fil-livell tal-Unjoni, li tipprovdi kundizzjonijiet prevedibbli u ċari biżżejjed li skonthom l-intrapriżi jkunu jistgħu jiżviluppaw applikazzjonijiet u jippjanaw il-mudelli tan-negozju tagħhom fuq skala Ewropea filwaqt li jiġi żgurat li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jżommu l-kontroll fuq l-istandards regolatorji li għandhom jiġu stabbiliti sabiex ma jiġux sfurzati jadottaw u jaċċettaw standards stabbiliti minn oħrajn, jiġifieri l-pajjiżi terzi li huma wkoll fuq quddiem nett fl-iżvilupp tar-robotika u tal-IA;

Prinċipji ġenerali

T. billi l-Liġijiet ta' Asimov ([1]) iridu jitqiesu li huma diretti lejn id-disinjaturi, il-produtturi u l-operaturi tar-robots, inklużi r-robots b'awtonomija u awtotagħlim integrati, peress li dawk il-liġijiet ma jistgħux jinqalbu f'kodiċi tal-magna;

U. billi huma meħtieġa għadd ta' regoli dwar, b'mod partikolari, ir-responsabbiltà, it-trasparenza u l-akkontabilità, li jirriflettu l-valuri umanistiċi intrinsikament Ewropej u universali li jikkaratterizzaw il-kontribut tal-Ewropa lis-soċjetà; billi dawk ir-regoli m'għandhomx jaffettwaw il-proċess ta' riċerka, innovazzjoni u żvilupp fir-robotika;

V. billi l-Unjoni jista' jkollha rwol essenzjali fl-istabbiliment ta' prinċipji etiċi bażiċi li għandhom jiġu rispettati fl-iżvilupp, fl-ipprogrammar u fl-użu tar-robots u l-IA u fl-inkorporazzjoni ta' tali prinċipji fir-regolamenti u l-kodiċijiet ta' kondotta tal-Unjoni, bl-għan li tissawwar ir-revoluzzjoni teknoloġika sabiex taqdi lill-bniedem u sabiex il-benefiċċji tar-robotika avvanzata u tal-IA jkunu kondiviżi b'mod wiesa', filwaqt li jiġu evitati kemm jista' jkun ir-riskji potenzjali;

W. Billi ma' din ir-riżoluzzjoni hemm annessa Karta dwar ir-Robotika, imħejjija bl-assistenza tal-Unità tal-Prospettiva Xjentifika (STOA), DĠ Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew, li tipproponi kodiċi ta' kondotta etika għall-inġiniera tar-robotika, kodiċi għal kumitati tal-etika fir-riċerka, "liċenzja" għad-disinjaturi u "liċenzja" għall-utenti;

X. billi għandu jiġi adottat approċċ gradwali, pragmatiku u kawt tat-tip promoss minn Jean Monnet ([2]) għall-Unjoni fir-rigward ta' kwalunkwe inizjattiva futura dwar ir-robotika u l-IA, sabiex jiġi żgurat li ma noħonqux l-innovazzjoni;

Y. billi huwa xieraq, fid-dawl tal-istadju milħuq fl-iżvilupp tar-robotika u tal-IA, li l-ewwel jiġu indirizzati l-kwistjonijiet ta' responsabbiltà ċivili;

([1]) (1) Robot ma jistax jagħmel ħsara lill-bniedem jew, permezz ta' nuqqas ta' azzjoni, jippermetti li tiġri ħsara lill-bniedem. (2) Robot irid jobdi l-ordnijiet mogħtija lilu mill-bniedem sakemm dawn l-ordnijiet ma jmorrux kontra l-Ewwel Liġi. (3) Robot irid jipproteġi l-eżistenza tiegħu innifsu sakemm din il-protezzjoni ma tmurx kontra l-Ewwel jew it-Tieni Liġi (Ara: I. Asimov, Runaround, 1943) u (0) Robot ma għandux jagħmel ħsara lill-umanità, jew, permezz ta' nuqqas ta' azzjoni, jippermetti li tiġri ħsara lill-umanità.

([2]) Ara d-Dikjarazzjoni ta' Schuman (1950: "L-Ewropa mhux se tinbena kollha f'daqqa, jew skont pjan uniku. Se tinbena permezz ta' kisbiet konkreti li l-ewwel joħolqu solidarjetà de facto."

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

Responsabbiltà

Z. billi, grazzi għall-avvanzi teknoloġiċi impressjonanti tal-aħħar deċennju, ir-robots tal-lum mhux biss jistgħu jwettqu attivitajiet li kienu tipikament u esklużivament tal-bniedem, iżda l-iżvilupp ta' ċerti karatteristiċi awtonomi u konjittivi – eż. il-kapaċità ta' tagħlim mill-esperjenza u t-teħid kważi-indipendenti ta' deċiżjonijiet – għamlithom dejjem aktar simili għal aġenti li jinteraġixxu mal-ambjent tagħhom u huma kapaċi jibdluh b'mod sinifikanti; billi, f'tali kuntest, ir-responsabbiltà legali li tirriżulta permezz ta' azzjoni dannuża ta' robot issir kwistjoni kruċjali;

AA. billi l-awtonomija ta' robot tista' tiġi definita bħala l-abilità li jieħu deċiżjonijiet u jimplimentahom fid-dinja esterna, indipendentement minn kontroll jew influwenza esterna; billi din l-awtonomija hija biss ta' natura teknoloġika u l-livell tagħha jiddependi fuq kemm tkun tfasslet biex tkun sofistikata l-interazzjoni tar-robot mal-ambjent ta' madwaru;

AB. billi aktar ma r-robots ikunu awtonomi, anqas ikunu jistgħu jitqiesu li huma sempliċi għodda f'idejn atturi oħra (bħall-manifattur, l-operatur, is-sid, l-utent, eċċ.); billi dan, imbagħad, iqajjem dubji dwar jekk ir-regoli ordinarji dwar ir-responsabbiltà humiex suffiċjenti jew jekk hemmx bżonn ta' prinċipji u regoli speċifiċi li jipprovdu ċarezza dwar ir-responsabbiltà legali tal-atturi varji rigward ir-responsabbiltà għall-atti u l-omissjonijiet ta' robots meta l-kawża ma tkunx tista' tiġi rintraċċata lura għal attur uman speċifiku, u dwar jekk l-atti jew l-omissjonijiet ta' robots li jkunu kkawżaw ħsara setgħux jiġu evitati;

AC. billi, fl-aħħar mill-aħħar, l-awtonomija tar-robots tqajjem il-kwistjoni dwar jekk in-natura tagħhom għandhiex titqies fid-dawl tal-kategoriji legali eżistenti jew jekk għandhiex tinħoloq kategorija ġdida, bil-karatteristiċi u bl-implikazzjonijiet speċifiċi tagħha;

AD. billi skont il-qafas legali attwali, ir-robots infushom ma jistgħux jinżammu responsabbli għal atti jew omissjonijiet li jikkawżaw ħsara lil partijiet terzi; billi r-regoli eżistenti dwar ir-responsabbiltà jkopru każijiet fejn il-kawża tal-att jew l-omissjoni tar-robot tkun tista' tiġi attribwita lill-aġent bniedem speċifiku bħall-manifattur, l-operatur, is-sid jew l-utent u fejn dak l-aġent ikun seta' jantiċipa u jevita l-imġiba dannuża tar-robot; billi, barra minn hekk, il-manifatturi, l-operaturi, is-sidien jew l-utenti jistgħu jinżammu strettament responsabbli għal atti jew omissjonijiet ta' robot;

AE. billi skont il-qafas legali attwali għar-responsabbiltà għall-prodott – fejn il-produttur ta' prodott huwa responsabbli għal funzjonament ħażin – u r-regoli dwar ir-responsabbiltà għal azzjonijiet dannużi – fejn l-utent ta' prodott huwa responsabbli għal imġiba li twassal għal ħsara – japplikaw għal ħsara kkawżata minn robots jew IA;

AF. billi fix-xenarju fejn robot jista' jieħu deċiżjonijiet awtonomi, ir-regoli tradizzjonali mhux se jkunu biżżejjed biex jattivaw ir-responsabbiltà legali għal ħsara kkawżata minn robot, peress li dawn la jippermettu li tiġi identifikata l-parti responsabbli biex tipprovdi kumpens u lanqas li din il-parti tintalab tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata;

AG. billi n-nuqqasijiet tal-qafas legali attwali huma evidenti wkoll fil-qasam tar-responsabbiltà kuntrattwali, peress li l-magni mfasslin biex jagħżlu l-kontropartijiet tagħhom, jinnegozjaw it-termini kuntrattwali, jikkonkludu l-kuntratti u jiddeċiedu jekk għandhomx jimplimentawhom u kif għandhom jimplementawhom jagħmlu r-regoli tradizzjonali inapplikabbli; billi dan jenfasizza l-ħtieġa ta' regoli ġodda, effiċjenti u aġġornati, li għandhom jikkonformaw ma' żviluppi teknoloġiċi u innovazzjonijiet li tfaċċaw reċentement u qed jintużaw fis-suq;

AH. billi, fir-rigward tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali, id-Direttiva 85/374/KEE tista' tkopri biss ħsara kkawżata minn difetti tal-manifattura ta' robot u bil-kondizzjoni li l-persuna korruta tkun kapaċi ġġib prova tal-ħsara reali, tad-difett fil-prodott u tar-rabta kawżali bejn il-ħsara u d-difett, u għalhekk ir-responsabbiltà oġġettiva jew ir-responsabbiltà mingħajr ħtija jaf ma tkunx suffiċjenti;

AI. billi, minkejja l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 85/374/KEE, il-qafas legali attwali mhuwiex biżżejjed biex ikopri l-ħsara kkawżata mill-ġenerazzjoni l-ġdida ta' robots, minħabba li dawn jistgħu jiġu mgħammra b'ħiliet ta' adattament u ta' tagħlim li jinvolvi ċertu livell ta' imprevedibilità fir-rigward tal-imġiba tagħhom, peress li dawn ir-robots jitgħallmu b'mod awtonomu mill-esperjenza varjabbli tagħhom stess u jinteraġġixxu mal-ambjent ta' madwarhom b'mod uniku u imprevedibbli;

Prinċipji ġenerali dwar l-iżvilupp tar-robotika u tal-intelliġenza artifiċjali għal użu ċivili

1. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi definizzjonijiet komuni tal-Unjoni ta' sistemi ċiberfiżiċi, sistemi awtonomi, robots awtonomi intelliġenti u s-sottokategoriji tagħhom, billi tqis il-karatteristiċi li ġejjin ta' robot intelliġenti:

— l-akkwist ta' awtonomija permezz ta' sensuri u/jew permezz ta' skambju ta' informazzjoni mal-ambjent tiegħu (interkonnettività) u l-iskambju u l-analiżi ta' dik id-data;

— awtotagħlim mill-esperjenza u permezz tal-interazzjoni (kriterju fakultattiv)

— tal-inqas appoġġ fiżiku minuri;

— l-adattament tal-imġiba u l-azzjonijiet tiegħu skont l-ambjent;

— nuqqas ta' ħajja fis-sens bijoloġiku;

2. Iqis li sistema komprensiva tal-Unjoni għar-reġistrazzjoni ta' robots avvanzati għandha tiġi introdotta fi ħdan is-suq intern tal-Unjoni meta dan ikun rilevanti u meħtieġ għal kategoriji speċifiċi ta' robots, u jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi kriterji għall-klassifikazzjoni tar-robots li jkunu jridu jiġu rreġistrati; jistieden, f'dan il-kuntest, lill-Kummissjoni tinvestiga jekk ikunx mixtieq li s-sistema ta' reġistrazzjoni u r-reġistru jiġu ġestiti minn Aġenzija tal-UE responsabbli għar-Robotika u l-Intelliġenza Artifiċjali;

3. Jenfasizza li l-iżvilupp tat-teknoloġiji robotiċi għandu jiffoka fuq it-tisħiħ tal-kapaċitajiet umani u mhux fuq is-sostituzzjoni tagħhom; iqis essenzjali, fl-iżvilupp tar-robotika u tal-IA, li jiġi żgurat li l-bnedmin dejjem ikollhom kontroll fuq il-magni intelliġenti; iqis li għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-iżvilupp possibbli ta' rabta emottiva bejn il-bnedmin u r-robots – b'mod partikolari fi gruppi vulnerabbli (tfal, anzjani u persuni b'diżabilità) – u jenfasizza l-kwistjonijiet imqajma mill-impatt emottiv jew fiżiku serju li din ir-rabta emottiva jista' jkollha fuq il-bnedmin;

4. Jenfasizza li approċċ fuq livell tal-Unjoni jista' jiffaċilita l-iżvilupp billi tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq intern u, fl-istess ħin, jissottolinja l-importanza tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku fl-użu transfruntier ta' robots u sistemi robotiċi; ifakkar li l-ittestjar, iċ-ċertifikazzjoni u l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq għandhom ikunu meħtieġa fi Stat Membru wieħed biss; jenfasizza li dan l-approċċ għandu jkun akkumpanjat minn sorveljanza tas-suq effikaċi;

5. Jenfasizza l-importanza ta' miżuri li jgħinu lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju u n-negozji l-ġodda fis-settur tar-robotika biex joħolqu segmenti ġodda tas-suq f'dan is-settur jew jagħmlu użu mir-robots;

Riċerka u innovazzjoni

6. Jenfasizza li ħafna applikazzjonijiet robotiċi għadhom f'fażi sperimentali; jilqa' l-fatt li aktar u aktar proġetti ta' riċerka qed jiġu ffinanzjati mill-Istati Membri u mill-Unjoni; iqis li huwa essenzjali li l-Unjoni, flimkien mal-Istati Membri permezz ta' finanzjament pubbliku, jibqa' jkollha rwol ta' tmexxija fir-riċerka dwar ir-robotika u l-IA; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-istrumenti finanzjarji għal proġetti ta' riċerka fil-qasam tar-robotika u tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, inklużi sħubijiet pubbliċi-privati, u jimplimentaw fil-politiki ta' riċerka tagħhom il-prinċipji ta' xjenza miftuħa u innovazzjoni etika responsabbli; jenfasizza li hemm bżonn li jiġu dedikati biżżejjed riżorsi sabiex jinstabu soluzzjonijiet għall-isfidi soċjali, etiċi, ġuridiċi u ekonomiċi, maħluqa mill-iżvilupp teknoloġiku u l-applikazzjonijiet tiegħu;

7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu programmi ta' riċerka sabiex tiġi stimulata r-riċerka dwar ir-riskji u l-opportunitajiet possibbli fuq perjodu ta' żmien fit-tul tat-teknoloġiji tar-robotika u tal-IA, u jinkoraġġixxu t-tnedija ta' djalogu pubbliku strutturat dwar il-konsegwenzi tal-iżvilupp ta' dawk it-teknoloġiji kemm jista' jkun malajr; jistieden lill-Kummissjoni żżid l-appoġġ tagħha fir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

Programm SPARC iffinanzjat minn Orizzont 2020; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jgħaqqdu l-isforzi tagħhom sabiex jissorveljaw bir-reqqa u jiżguraw tranżizzjoni aktar faċli għal dawn it-teknoloġiji mir-riċerka sal-kummerċjalizzazzjoni u l-użu fis-suq wara li jkunu saru evalwazzjonijiet tas-sikurezza xierqa, b'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni;

8. Jenfasizza li l-innovazzjoni fir-robotika u fl-IA u l-integrazzjoni tat-teknoloġija tar-robotika u l-IA fi ħdan l-ekonomija u s-soċjetà jeħtieġu infrastruttura diġitali li tipprovdi konnettività minn kull lok; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi qafas li se jissodisfa l-ħtiġiet ta' konnettività għall-futur diġitali tal-Unjoni u tiżgura li l-aċċess għall-broadband u n-netwerks 5G huwa konformi b'mod sħiħ mal-prinċipju tan-newtralità tal-internet;

9. Jemmen bis-sħiħ li l-interoperabilità bejn is-sistemi, it-tagħmir u s-servizzi ta' cloud computing, abbażi tas-sigurtà u l-privatezza fid-disinn, hija indispensabbli biex tippermetti flussi ta' data f'ħin reali li jippermettu li r-robots u l-IA jsiru aktar flessibbli u awtonomi; jitlob lill-Kummissjoni tippromwovi ambjent miftuħ, inklużi standards miftuħa u mudelli ta' liċenzjar innovattivi, kif ukoll pjattaformi miftuħa u trasparenza, sabiex jiġi evitat lock-in teknoloġiku f'sistemi proprjetarji li jirrestringu l-interoperabilità;

Prinċipji etiċi

10. Jinnota li l-potenzjal ta' awtonomizzazzjoni permezz tal-użu tar-robotika huwa kkaratterizzat minn għadd ta' tensjonijiet jew riskji u għandu jiġi vvalutat b'mod serju mil-lat ta' sikurezza, saħħa u sigurtà tal-bniedem; libertà, privatezza, integrità u dinjità; awtodeterminazzjoni u nondiskriminazzjoni, u protezzjoni tad-data personali;

11. Iqis li l-qafas legali eżistenti tal-Unjoni għandu jiġi aġġornat u kkomplementat, fejn xieraq, b'linji gwida tal-etika skont il-kumplessità tar-robotika u l-bosta implikazzjonijiet bijoetiċi, mediċi u soċjali li ġġib magħha; huwa tal-fehma li meħtieġ qafas ta' gwida dwar l-etika li jkun ċar, rigoruż u effiċjenti għall-iżvilupp, id-disinn, il-produzzjoni, l-użu u l-modifika tar-robots sabiex jikkomplementa r-rakkomandazzjonijiet legali tar-rapport u l-*acquis* nazzjonali u tal-Unjoni eżistenti; jipproponi, fl-anness għar-Riżoluzzjoni, qafas fil-forma ta' karta magħmula minn kodiċi ta' kondotta għal inġiniera tar-robotika, kodiċi għall-kumitati tal-etika fir-riċerka meta jirrieżaminaw il-protokolli tar-robotika u liċenzji tal-mudelli għad-disinjaturi u l-utenti;

12. Jenfasizza l-prinċipju tat-trasparenza, jiġifieri li għandu jkun dejjem possibbli li tingħata r-raġuni wara kwalunkwe deċiżjoni meħuda bl-għajnuna ta' IA li jista' jkollha impatt sostanzjali fuq il-ħajja ta' persuna waħda jew aktar; iqis li dejjem irid ikun possibbli li l-komputazzjonijiet tas-sistema tal-IA jiġu ridotti għal forma li tinftiehem mill-bniedem; iqis li robots avvanzati għandhom ikunu mgħammra b'"kaxxa sewda" li tirreġistra d-data dwar kwalunkwe tranżazzjoni mwettqa mill-magna, inkluża l-loġika li kkontribwiet għad-deċiżjonijiet tagħha;

13. Jirrimarka li l-qafas ta' gwida dwar l-etika għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipji ta' beneficenza, nonkrudeltà, awtonomija u ġustizzja, fuq il-prinċipji u l-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, bħal pereżempju d-dinjità tal-bniedem, l-ugwaljanza, il-ġustizzja u l-ekwità, in-nondiskriminazzjoni, il-kunsens infurmat, il-ħajja privata u tal-familja u l-protezzjoni tad-data, kif ukoll fuq prinċipji u valuri bażiċi oħra tad-dritt tal-Unjoni, bħal nonstigmatizzazzjoni, trasparenza, awtonomija, responsabbiltà individwali u responsabbiltà soċjali, u fuq prattiki u kodiċijiet etiċi eżistenti;

14. Iqis li għandha tingħata attenzjoni speċjali lir-robots li jirrappreżentaw theddida sinifikanti għall-kunfidenzjalità minħabba t-tqegħid tagħhom fi sferi tradizzjonalment protetti u privati u minħabba li huma kapaċi li jagħmlu estrazzjoni u jibagħtu data personali u sensittiva;

Aġenzija Ewropea

15. Jemmen li kooperazzjoni msaħħa bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni hija neċessarja sabiex jiġu żgurati regoli tranfruntiera koerenti madwar l-Unjoni li jinkoraġġixxu l-kollaborazzjoni bejn l-industriji Ewropej u jippermettu l-użu fl-Unjoni kollha ta' robots li jkunu konsistenti kemm mal-livelli meħtieġa ta' sikurezza u sigurtà, kif ukoll mal-prinċipji etiċi minquxa fid-dritt tal-Unjoni;

16. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra l-ħolqien ta' Aġenzija Ewropea għar-Robotika u l-Intelliġenza Artifiċjali sabiex tipprovdi l-għarfien espert tekniku, etiku u regolatorju meħtieġ biex l-atturi pubbliċi rilevanti, kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll fil-livell ta' Stat Membru, jiġu appoġġjati fl-isforzi tagħhom biex jiżguraw reazzjoni tempestiva, etika u informata tajjeb għall-opportunitajiet u l-isfidi l-ġodda, b'mod partikolari dawk ta' natura transfruntiera, li jirriżultaw mill-iżviluppi teknoloġiċi tar-robotika, bħal fis-settur tat-trasport;

17. Iqis li l-potenzjal u l-problemi marbuta mal-użu tar-robotika u d-dinamiki attwali tal-investiment jiġġustifikaw li din l-Aġenzija Ewropea tiġi pprovduta b'baġit xieraq u b'persunal ta' regolaturi u esperti tekniċi u etiċi esterni ddedikati għas-sorveljanza transsettorjali u multidixxiplinari ta' applikazzjonijiet ibbażati fuq ir-robotika, li jidentifikaw l-istandards għall-aħjar prattika u, fejn xieraq, tirrakkomanda miżuri regolatorji, li jiddefinixxu prinċipji ġodda u jindirizzaw kwistjonijiet potenzjali ta' ħarsien tal-konsumatur u sfidi sistematiċi; jitlob lill-Kummissjoni (u lill-Aġenzija Ewropea, jekk tinħoloq) tirrapporta (jirrapportaw) lill-Parlament Ewropew dwar l-aħħar żviluppi fil-qasam tar-robotika u dwar kwalunkwe azzjoni li jeħtieġ tittieħed fuq bażi annwali;

Drittijiet ta' proprjetà intellettwali u l-fluss tad-data

18. Jinnota li m'hemm l-ebda dispożizzjoni legali li tapplika speċifikament għar-robotika, iżda li s-sistemi u d-duttrini legali eżistenti jistgħu jiġu applikati faċilment għar-robotika, għalkemm jidher li ċerti aspetti jeħtieġu kunsiderazzjoni speċifika; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja approċċ orizzontali u teknoloġikament newtrali fir-rigward tal-proprjetà intellettwali applikabbli għad-diversi setturi fejn jaf tintuża r-robotika;

19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li r-regolamenti tad-dritt ċivili fis-settur tar-robotika huma konsistenti mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data u konformi mal-prinċipji tan-neċessità u tal-proporzjonalità; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw l-evoluzzjoni teknoloġika mgħaġġla fil-qasam tar-robotika, inkluż l-iżvilupp ta' sistemi ċiberfiżiċi, u jiżguraw li d-dritt tal-Unjoni ma jibqax lura f'termini ta' żvilupp u użu teknoloġiku;

20. Jenfasizza li d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali kif minquxa fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta u fl-Artikolu 16 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) japplikaw għall-oqsma kollha tar-robotika u li l-qafas legali tal-Unjoni għall-protezzjoni tad-data jrid jitħares b'mod sħiħ; jitlob f'dan ir-rigward kjarifika fi ħdan il-qafas ta' implimentazzjoni tal-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data tar-regoli u l-kriterji rigward l-użu ta' kameras u sensuri fir-robots; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li jiġu segwiti l-prinċipji ta' protezzjoni tad-data bħalma huma l-privatezza fid-disinn u l-privatezza prestabbilita, il-minimizzazzjoni tad-data, il-limitazzjoni tal-iskop, kif ukoll mekkaniżmi ta' kontroll trasparenti għas-suġġetti tad-data u rimedji xierqa b'konformità mad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data filwaqt li jitrawmu standards u rakkomandazzjonijiet xierqa u jiġu integrati fil-politiki tal-Unjoni;

21. Jenfasizza li l-moviment liberu tad-data huwa tal-akbar importanza għall-ekonomija diġitali u għall-iżvilupp fil-qasam tar-robotika u tal-IA; jenfasizza li livell għoli ta' sigurtà fis-sistemi robotiċi, fosthom is-sistemi interni ta' data u flussi ta' data tagħhom, huwa kruċjali li għall-użu xieraq tar-robots u l-IA; jenfasizza li trid tiġi żgurata l-protezzjoni ta' netwerks ta' robots u IA interkonnessi sabiex jiġi evitat kwalunkwe ksur tas-sigurtà potenzjali; jenfasizza li livell għoli ta' sigurtà, protezzjoni tad-data personali flimkien ma' kunsiderazzjoni xierqa għall-privatezza fil-komunikazzjoni bejn il-bnedmin, ir-robots u l-IA huma fundamentali; jenfasizza r-responsabbiltà tad-disinjaturi tar-robotika u l-IA li jiżviluppaw prodotti li jkunu sikuri, siguri u tajbin għall-iskop tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw u jinċentivaw l-iżvilupp tat-teknoloġija meħtieġa, inkluża s-sigurtà fid-disinn;

Standardizzazzjoni, sikurezza u sigurtà

22. Jenfasizza li l-kwistjoni tal-istabbiliment ta' standards u l-għoti ta' interoperabbiltà hija fattur ewlieni għall-kompetizzjoni futura fil-qasam tat-teknoloġiji tal-IA u tar-robotika; jistieden lill-Kummissjoni tkompli taħdem fuq l-armonizzazzjoni internazzjonali ta' standards tekniċi, b'mod partikolari flimkien mal-Organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandardizzazzjoni u mal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni, sabiex titrawwem l-innovazzjoni, tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq intern u jiġi żgurat livell għoli ta' sikurezza tal-prodott u ta' protezzjoni tal-konsumatur inklużi, fejn xieraq, standards minimi ta' sikurezza fuq il-post tax-xogħol; jenfasizza l-importanza tal-inġinerija inversa legali u tal-istandards miftuħa, sabiex jiġi mmassimizzat il-valur tal-innovazzjoni u jiġi żgurat li r-robots jistgħu jikkomunikaw ma' xulxin; jilqa', f'dan ir-rigward, it-twaqqif ta' kumitati tekniċi speċjali, bħall-ISO/TC 299 Robotics, iddedikati b'mod esklużiv għall-iżvilupp ta' standards dwar ir-robotika;

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

23. Jenfasizza li l-ittestjar tar-robots f'xenarji reali huwa essenzjali għall-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskji li jistgħu jinvolvu, kif ukoll għall-iżvilupp teknoloġiku tagħhom lil hinn minn fażi sempliċement sperimentali fil-laboratorju; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-ittestjar tar-robots f'xenarji reali, b'mod partikolari fil-bliet u fit-toroq, iqajjem numru kbir ta' kwistjonijiet, inklużi ostakli li jnaqqsu r-ritmu tal-iżvilupp ta' dawk il-fażijiet tal-ittestjar u jirrikjedi strateġija u mekkaniżmu ta' sorveljanza effettivi; jistieden lill-Kummissjoni tfassal kriterji uniformi madwar l-Istati Membri kollha li l-Istati Membri individwali għandhom jużaw biex jidentifikaw oqsma fejn l-esperimenti bir-robots huma permessi, b'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni;

Mezzi ta' trasport awtonomi

a) *Vetturi awtonomi*

24. Jissottolinja li t-trasport awtonomu jkopri l-forom kollha ta' trasport bit-triq, bil-ferrovija, fuq l-ilma u bl-ajru, inklużi vetturi, ferroviji, bastimenti, vapur, inġenji tal-ajru, droni, ippilotati mill-bogħod, awtomatizzati, konnessi u awtonomi, kif ukoll kull forma futura ta' żvilupp u innovazzjoni f'dan is-settur;

25. Iqis li s-settur tal-karozzi huwa l-aktar fi bżonn urġenti ta' regoli tal-Unjoni u globali effiċjenti sabiex jiġi żgurat l-iżvilupp transfruntier ta' vetturi awtomatizzati u awtonomi sabiex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal ekonomiku tagħhom u jitgawda l-benefiċċju mill-effetti pożittivi tax-xejriet teknoloġiċi; jenfasizza li approċċi regolatorji frammentati jxekklu l-implimentazzjoni ta' sistemi tat-trasport awtonomi u jheddu l-kompetittività Ewropea;

26. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-ħin tar-reazzjoni tas-sewwieq, f'każ li jieħu kontroll tal-vettura b'mod mhux ippjanat, huwa ta' importanza vitali u jitlob, għaldaqstant, lill-partijiet interessati jipprovdu għal valuri realistiċi li jiddeterminaw kwistjonijiet ta' sikurezza u ta' responsabbiltà;

27. Huwa tal-fehma li l-bidla għal vetturi awtonomi se jkollha impatt fuq l-aspetti li ġejjin: ir-responsabbiltà ċivili (ir-responsabbiltà u l-assigurazzjoni), is-sikurezza fit-toroq, is-suġġetti kollha relatati mal-ambjent (eż. l-effiċjenza enerġetika, l-użu ta' teknoloġiji u sorsi tal-enerġija rinnovabbli), il-kwistjonijiet relatati mad-data (eż. l-aċċess għad-data, il-protezzjoni tad-data, il-privatezza u l-kondiviżjoni tad-data), il-kwistjonijiet relatati mal-infrastruttura tal-ICT (eż. densità għolja ta' komunikazzjoni effiċjenti u affidabbli) u l-impjiegi (eż. il-ħolqien u t-telf ta' impjiegi, it-taħriġ ta' sewwieqa ta' vetturi li jġorru merkanzija tqila dwar l-użu ta' vetturi awtomatizzati); jenfasizza li se jkunu meħtieġa investimenti sostanzjali fl-infrastruttura tat-toroq, tal-enerġija u tal-ICT; jistieden lill-Kummissjoni tqis l-aspetti msemmija hawn fuq fil-ħidma tagħha dwar vetturi awtonomi;

28. Jissottolinja l-importanza kritika ta' informazzjoni affidabbli dwar il-pożizzjonament u l-kronometraġġ ipprovduta mill-programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita Galileo u EGNOS għall-implimentazzjoni ta' vetturi awtonomi, u jħeġġeġ, f'dan ir-rigward, il-finalizzazzjoni u t-tnedija tas-satelliti meħtieġa sabiex tiġi kkompletata s-sistema Ewropea ta' pożizzjonament Galileo;

29. Jiġbed l-attenzjoni għall-valur miżjud għoli li ġej mill-vetturi awtonomi għal persuni b'mobilità mnaqqsa, peress li tali vetturi jippermettulhom jieħdu sehem b'mod aktar effettiv fi trasport bit-triq individwali u b'hekk jiffaċilitawlhom il-ħajja ta' kuljum tagħhom;

b) *Droni (Sistemi ta' inġenji tal-ajru ppilotati mill-bogħod – RPAS)*

30. Jirrikonoxxi l-avvanzi pożittivi fit-teknoloġija tad-droni, b'mod partikolari fil-qasam tat-tiftix u s-salvataġġ; jenfasizza l-importanza ta' qafas tal-Unjoni għall-użu ta' droni għall-protezzjoni tas-sikurezza, tas-sigurtà u tal-privatezza taċ-ċittadini tal-Unjoni, u jitlob lill-Kummissjoni segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tar-riżoluzzjoni tal-Parlament tad-29 ta' Ottubru 2015 dwar l-użu sikur ta' sistemi ta' inġenji tal-ajru ppilotati mill-bogħod (RPAS), komunement magħrufa bħala inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ (UAVs), fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili ([1]); iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipprovdi valutazzjonijiet tal-kwistjonijiet ta' sikurezza relatati mal-użu mifrux tad-droni; jistieden lill-Kummissjoni teżamina l-bżonn li tiġi introdotta

([1]) Testi adottati, P8_TA(2015)0390.

sistema obbligatorja ta' traċċar u ta' identifikazzjoni għall-RPAS li tippermetti t-traċċar f'ħin reali tal-inġenji tal-ajru waqt li jkunu qed jintużaw; ifakkar li l-omoġeneità u s-sikurezza tal-inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ għandhom jiġu żgurati permezz tal-miżuri stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

Robots tal-kura

31. Jissottolinja li r-riċerka u l-iżvilupp tar-robots għall-kura tal-anzjani, matul iż-żmien, saret aktar mifruxa u orħos, u b'hekk qed jinħadmu prodotti b'funzjonalità akbar u aċċettazzjoni usa' min-naħa tal-konsumatur'; jinnota l-firxa wiesgħa ta' applikazzjonijiet ta' tali teknoloġiji li jipprovdu prevenzjoni, assistenza, sorveljanza, stimulazzjoni, u kumpanija kemm lill-anzjani u lill-persuni b'diżabilità kif ukoll lill-persuni li jbatu b'demenzja, disturbi konjittivi jew telf ta' memorja;

32. Jirrimarka li l-kuntatt uman huwa wieħed mill-aspetti fundamentali tal-kura tal-bniedem; jemmen li s-sostituzzjoni tal-fattur uman bir-robots tista' tiddiżumanizza l-prattiki ta' kura u, min-naħa l-oħra, jirrikonoxxi li r-robotika tista' twettaq kompiti ta' kura awtomatizzati u tista' tiffaċilita l-ħidma tal-assistenti tal-kura, filwaqt li tikkomplementa l-kura tal-bniedem u tagħmel il-proċess ta' riabilitazzjoni aktar immirat, b'tali mod li l-persunal mediku u l-persuni li jipprovdu l-kura jkunu jistgħu jallokaw aktar ħin għad-dijanjosi u għal għażliet ta' trattament ippjanati aħjar; jenfasizza li minkejja li r-robotika għandha l-potenzjal li ttejjeb il-mobilità u l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabilità u l-anzjani, il-bnedmin se jibqgħu meħtieġa fl-għoti tal-kura u se jibqgħu jipprovdu sors importanti ta' interazzjoni soċjali li mhijiex totalment sostitwibbli;

Robots mediċi

33. Jenfasizza l-importanza ta' edukazzjoni, taħriġ u tħejjija adegwati għall-professjonisti tas-saħħa, bħat-tobba u l-assistenti tal-kura, sabiex jiġi żgurat l-ogħla livell possibbli ta' kompetenza professjonali, kif ukoll biex tiġi salvagwardjata u protetta saħħet il-pazjenti; jissottolinja l-ħtieġa li jiġu definiti rekwiżiti professjonali minimi li kirurgu għandu jissodisfa sabiex jopera u jitħalla juża robots kirurġiċi; iqis li huwa ta' importanza vitali li jiġi rrispettat il-prinċipju tal-awtonomija ssorveljata tar-robots, fejn l-ippjanar inizjali tat-trattament u d-deċiżjoni finali dwar l-eżekuzzjoni tiegħu jibqgħu dejjem f'idejn kirurgu uman; jenfasizza l-importanza speċjali tat-taħriġ sabiex l-utenti jkunu jistgħu jiffamiljarizzaw ruħhom mar-rekwiżiti teknoloġiċi f'dan il-qasam; jiġbed l-attenzjoni għat-tendenza dejjem tikber tal-awtodijanjosi permezz ta' robot mobbli u, konsegwentement, għall-ħtieġa li t-tobba jkunu mħarrġa kif jittrattaw każijiet ta' awtodijanjosi; iqis li l-użu ta' dawn it-teknoloġiji m'għandux inaqqas jew jagħmel ħsara lir-relazzjoni bejn it-tabib u l-pazjent, iżda għandu jagħti lit-tobba assistenza fid-dijanjosi u/jew fit-trattament tal-pazjenti bl-għan li jitnaqqas ir-riskju ta' żball uman u jiżdiedu l-kwalità tal-ħajja u l-istennija tal-għomor;

34. Jemmen li r-robots mediċi għadhom qed jiksbu progress fil-provvediment ta' kirurġija ta' preċiżjoni għolja u fit-twettiq ta' proċeduri ripetittivi u li dawn għandhom il-potenzjal li jtejbu l-eżiti fir-riabilitazzjoni, u jipprovdu appoġġ loġistiku effettiv ħafna fl-isptarijiet; jinnota li r-robots mediċi għandhom il-potenzjal li jnaqqsu wkoll l-ispejjeż tal-kura tas-saħħa billi jippermettu li l-professjonisti mediċi jdawru l-attenzjoni tagħhom mit-trattament għall-prevenzjoni u billi jagħmlu disponibbli aktar riżorsi baġitarji għal aġġustament aħjar għad-diversità tal-ħtiġijiet tal-pazjenti, għat-taħriġ kontinwu tal-professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa u għar-riċerka;

35. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-proċeduri għall-ittestjar ta' apparati mediċi robotiċi ġodda huma sikuri, b'mod partikolari fil-każ ta' apparati li jiġu impjantati fil-ġisem uman, qabel id-data li fiha r-Regolament (UE) 2017/745 dwar l-apparati mediċijsir applikabbli;

Tiswija u titjib tal-bniedem

36. Jinnota l-avvanzi kbar u l-potenzjal ulterjuri tar-robotika fil-qasam tat-tiswija u s-sostituzzjoni ta' organi u funzjonijiet tal-bniedem danneġġjati, iżda wkoll il-mistoqsijiet kumplessi maħluqa b'mod partikolari mill-possibilitajiet ta' titjib tal-bniedem, peress li r-robots mediċi u b'mod partikolari s-sistemi ċiberfiżiċi (SĊF) jistgħu jbiddlu l-kunċetti tagħna dwar il-ġisem ta' bniedem b'saħħtu, minħabba li jistgħu jintlibsu direttament fuq il-ġisem tal-bniedem jew jiġu impjantati fih; jenfasizza l-importanza tal-istabbiliment b'urġenza ta' kumitati dwar l-etika tar-robots b'persunal adegwat fl-isptarijiet u f'istituzzjonijiet oħra tal-kura tas-saħħa, bil-kompitu li jikkunsidraw u jassistu fis-soluzzjoni ta' problemi etiċi kumplessi mhux tas-soltu, li jinvolvu kwistjonijiet li jaffettwaw il-kura u t-trattament tal-pazjenti; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE (ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1).

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

Membri jiżviluppaw linji gwida biex jgħinu fl-istabbiliment u fil-funzjonament ta' tali kumitati;

37. Jindika li għall-qasam tal-applikazzjonijiet mediċi vitali, bħal dak tal-proteżijiet robotiċi, jeħtieġ li jiġi żgurat aċċess kontinwu u sostenibbli għall-manutenzjoni, it-titjib, u b'mod partikolari, l-aġġornamenti tas-softwer li jsewwu l-funzjonament ħażin u l-vulnerabilitajiet;

38. Jirrakkomanda l-ħolqien ta' entitajiet indipendenti affidabbli biex iżommu l-mezzi neċessarji biex jipprovdu servizzi lil persuni li jġorru apparati mediċi vitali u avvanzati, bħal manutenzjoni, tiswijiet u titjib, inklużi aġġornamenti tas-softwer, b'mod speċjali fil-każ fejn tali manutenzjoni ma tkunx għadha titwettaq mill-fornitur oriġinali; jissuġġerixxi l-ħolqien ta' obbligu li l-manifatturi jipprovdu lil dawn l-entitajiet indipendenti affidabbli b'istruzzjonijiet komprensivi tad-disinn inkluż il-kodiċi tas-sors, b'mod simili għad-depożitu ġuridiku tal-pubblikazzjonijiet f'bibljoteka nazzjonali;

39. Jiġbed l-attenzjoni għar-riskji assoċjati mal-possibilità li s-SĊF integrati fil-ġisem tal-bniedem jistgħu jiġu ħħekkjati jew mitfija jew jitħassrulhom il-memorji tagħhom, għaliex dan jista' jipperikola s-saħħa tal-bniedem, u f'każijiet estremi anke l-ħajja tal-bniedem, u jenfasizza għalhekk il-prijorità li għandha tkun marbuta mal-protezzjoni ta' tali sistemi;

40. Jissottolinja l-importanza li jkun żgurat aċċess ugwali għal kulħadd għal tali interventi, għodod u innovazzjonijiet teknoloġiċi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu l-iżvilupp ta' teknoloġiji ta' assistenza sabiex jiġu ffaċilitati l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' dawn it-teknoloġiji minn dawk li għandhom bżonnhom, b'konformità mal-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, li għaliha l-Unjoni hija parti;

Edukazzjoni u impjiegi

41. Jiġbed l-attenzjoni għall-previżjoni tal-Kummissjoni li sal-2020, l-Ewropa jaf tkun qed tiffaċċja nuqqas ta' professjonisti tal-ICT li jista' jammonta għal massimu ta' 825 000 u li 90 % tal-impjiegi se jirrikjedu tal-inqas ħiliet diġitali bażiċi; jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tipproponi pjan direzzjonali għall-użu u r-reviżjoni possibbli ta' qafas ta' Kompetenza Diġitali, u ta' deskritturi tal-Kompetenzi Diġitali għal-livelli kollha ta' studenti, u jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi appoġġ sinifikanti għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet diġitali fil-gruppi ta' kull età u irrispettivament mill-istatus ta' impjieg, bħala l-ewwel pass lejn l-allinjament aħjar tan-nuqqasijiet u tad-domanda tas-suq tax-xogħol; jenfasizza li t-tkabbir fir-robotika jirrikjedi li l-Istati Membri jiżviluppaw sistemi tat-taħriġ u tal-edukazzjoni aktar flessibbli sabiex jiżguraw li l-istrateġiji tal-ħiliet jikkorrispondu għall-ħtiġijiet tal-ekonomija robotika;

42. Iqis li l-attrazzjoni ta' aktar żgħażagħ nisa lejn karriera diġitali u aktar nisa f'impjiegi diġitali ikun ta' benefiċċju għall-industrija diġitali, għan-nisa nfushom u għall-ekonomija tal-Ewropa; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jniedu inizjattivi sabiex jappoġġjaw lin-nisa fl-ICT u jsaħħu l-kompetenzi diġitali tagħhom;

43. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq analiżi u sorveljanza aktar mill-qrib tat-tendenzi tal-impjiegi fuq perjodu ta' żmien medju u twil, b'attenzjoni speċjali fir-rigward tal-ħolqien, taċ-ċaqliq u tat-telf ta' impjiegi fl-oqsma ta' kwalifika differenti sabiex ikun magħruf f'liema oqsma qed jinħolqu l-impjiegi u liema huma dawk fejn qed jinqerdu l-impjiegi minħabba ż-żieda fl-użu tar-robots;

44. Jenfasizza l-importanza tal-previżjoni tal-bidliet fis-soċjetà, fid-dawl tal-effett potenzjali tal-iżvilupp u l-użu tar-robotika u l-IA; jitlob lill-Kummissjoni tanalizza xenarji possibbli differenti u l-konsegwenzi tagħhom fuq il-vijabilità tas-sistemi tas-sigurtà soċjali tal-Istati Membri

45. Jenfasizza l-importanza tal-flessibbiltà tal-ħiliet u tal-kompetenzi soċjali, kreattivi u diġitali fl-edukazzjoni; huwa ċert li, minbarra l-iskejjel li joffru għarfien akkademiku, it-tagħlim tul il-ħajja jeħtieġ li jinkiseb permezz ta' attività tul il-ħajja;

46. Jinnota l-potenzjal kbir tar-robotika għat-titjib tas-sikurezza fuq il-post tax-xogħol permezz tat-trasferiment ta' għadd ta' kompiti perikoluži u ta' ħsara lir-robots, iżda fl-istess ħin jinnota l-potenzjal tagħhom li joħolqu sett ta' riskji ġodda minħabba l-għadd dejjem jikber tal-interazzjonijiet bejn il-bniedem u r-robots fuq il-post tax-xogħol; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza li jiġu applikati regoli stretti u li jħarsu 'l quddiem għall-interazzjonijiet bejn il-bniedem u r-robots sabiex jiġu żgurati s-saħħa, is-sikurezza u r-rispett tad-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol;

Impatt ambjentali

47. Jinnota li l-iżvilupp tar-robotika u tal-IA għandu jsir b'tali mod li l-impatt ambjentali jkun limitat permezz tal-konsum effikaċi tal-enerġija, permezz tal-effiċjenza fl-enerġija bil-promozzjoni tal-użu ta' enerġija rinnovabbli u ta' materjali skarsi, permezz ta' rata minima ta' skart, bħal skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku, u permezz tal-possibilità ta' tiswija; għaldaqstant iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinkludi l-prinċipji ta' ekonomija ċirkolari fi kwalunkwe politika tal-Unjoni dwar ir-robotika; jinnota li l-użu tar-robotika se jkollu impatt pożittiv ukoll fuq l-ambjent, speċjalment fl-oqsma tal-agrikoltura, tal-provvista tal-ikel u tat-trasport, b'mod partikolari permezz tat-tnaqqis fid-daqs tal-makkinarju u t-tnaqqis fl-użu ta' fertilizzanti, enerġija u ilma, kif ukoll permezz ta' biedja ta' preċiżjoni u ottimizzazzjoni tar-rotot;

48. Jenfasizza li s-SĊF se jwasslu għall-ħolqien ta' sistemi tal-enerġija u tal-infrastruttura li kapaċi jikkontrollaw il-fluss ta' elettriku mill-produttur sal-konsumatur, u se jirriżultaw ukoll fil-ħolqien ta' "prosumaturi" tal-enerġija, li kemm jipproduċu kif ukoll jikkonsmaw l-enerġija; sabiex b'hekk jingħata lok għal benefiċċji ambjentali kbar;

Responsabbiltà

49. Iqis li r-responsabbiltà ċivili għal ħsara kkawżata mir-robots hija kwistjoni kruċjali li wkoll jeħtieġ tiġi analizzata u indirizzata fil-livell tal-Unjoni sabiex ikun żgurat l-istess livell ta' effiċjenza, trasparenza u konsistenza fl-implimentazzjoni ta' ċertezza legali madwar l-Unjoni Ewropea għall-benefiċċju kemm taċ-ċittadini, kemm tal-konsumaturi u kemm tan-negozji;

50. Jinnota li l-iżvilupp tat-teknoloġija tar-robotika se jirrikjedi fehim ulterjuri tal-bażi komuni meħtieġa għall-attività konġunta bejn il-bnedmin u r-robots, li għandha tkun stabbilita fuq żewġ relazzjonijiet interdipendenti ewlenin, jiġifieri l-kapaċità ta' previżjoni u l-kapaċità ta' direzzjoni; jindika li dawn iż-żewġ relazzjonijiet interdipendenti huma kruċjali biex jiġi ddeterminat liema informazzjoni jeħtieġ li tiġi kondiviża bejn il-bnedmin u r-robots u kif tista' tintlaħaq bażi komuni bejn il-bnedmin u r-robots bl-għan li tkun tista' tittieħed azzjoni konġunta mingħajr intoppi bejn il-bnedmin u r-robots;

51. Jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta, abbażi tal-Artikolu 114 tat-TFUE, proposta għal strument leġiżlattiv dwar kwistjonijiet legali marbuta mal-iżvilupp u l-użu tar-robotika u tal-IA prevedibbli f'dawn l-10 snin sa 15-il sena li ġejjin, ikkombinat ma' strumenti mhux leġiżlattivi bħal linji gwida u kodiċijiet ta' kondotta kif imsemmi fir-rakkomandazzjonijiet stipulati fl-Anness;

52. Iqis li, tkun xi tkun is-soluzzjoni ġuridika applikata għar-responsabbiltà ċivili għal ħsara kkawżata mir-robots f'każijiet oħra barra dawk ta' ħsara lil proprjetà, l-istrument leġiżlattiv futur ma għandu bl-ebda mod jirrestrinġi t-tip jew l-ammont ta' ħsarat li jistgħu jiġu rkuprati, u lanqas ma għandu jillimita l-forom ta' kumpens li jistgħu jiġu offruti lill-parti leża, sempliċement għar-raġuni li dik il-ħsara tkun ikkawżata minn aġent li mhux bniedem;

53. Iqis li l-istrument leġiżlattiv futur għandu jkun ibbażat fuq evalwazzjoni fil-fond mill-Kummissjoni li tiddetermina jekk għandhomx jiġu applikati r-responsabbiltà oġġettiva jew l-approċċ tal-ġestjoni tar-riskju;

54. Jinnota fl-istess ħin li r-responsabbiltà oġġettiva tirrikjedi biss il-prova li l-ħsara tkun seħħet u l-istabbiliment ta' rabta kawżali bejn il-funzjonament dannuż tar-robot u d-dannu soffert mill-parti leża;

55. Jinnota li l-approċċ tal-ġestjoni tar-riskju ma jiffokax fuq il-persuna "li aġixxiet b'mod negliġenti" bħala individwalment responsabbli iżda fuq il-persuna li tista', f'ċerti ċirkostanzi, timminimizza r-riskji u tindirizza l-impatti negattivi;

56. Iqis li, fil-prinċipju, ladarba l-partijiet finalment responsabbli jkunu ġew identifikati, ir-responsabbiltà tagħhom għandha tkun proporzjonata mal-livell reali ta' istruzzjonijiet mogħtija lir-robot u mal-livell ta' awtonomija tiegħu, b'tali mod li aktar ma tkun kbira l-kapaċità ta' tagħlim jew l-awtonomija tar-robot, u aktar ma jkun twil it-taħriġ tar-robot, aktar għandha tkun kbira r-responsabbiltà ta' min iħarrġu; jinnota, b'mod partikolari, li l-ħiliet li jirriżultaw minn "taħriġ" mogħti lil robot m'għandhomx ikunu konfużi mal-ħiliet li jiddependu strettament mill-awtotagħlim tiegħu, meta tkun qed tiġi identifikata l-persuna effettivament responsabbli għall-imġiba ta' ħsara tar-robot; jinnota li, tal-inqas fl-istadju attwali, ir-responsabbiltà tinkombi fuq il-bniedem u mhux fuq robot;

57. Jirrimarka li soluzzjoni possibbli għall-kumplessità tal-allokazzjoni ta' responsabbiltà għall-ħsara kkawżata minn robots dejjem aktar awtonomi tista' tkun skema ta' assigurazzjoni obbligatorja, kif diġà huwa l-każ, pereżempju, bil-karozzi; jinnota, madankollu, li b'differenza mis-sistema tal-assigurazzjoni għat-traffiku fit-toroq, fejn l-assigurazzjoni tkopri atti jew nuqqasijiet umani, sistema ta' assigurazzjoni għar-robotika għandha tqis ir-responsabbiltajiet potenzjali kollha fil-katina;

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

58. Iqis li, bħal fil-każ ta' assigurazzjoni ta' vetturi bil-mutur, tali sistema ta' assigurazzjoni tista' tiġi ssupplementata b'fond sabiex jiġi żgurat li jkun jista' jingħata kumpens għall-ħsara f'każijiet fejn ma tkun teżisti l-ebda kopertura tal-assigurazzjoni; jistieden lill-industrija tal-assigurazzjoni tiżviluppa prodotti ġodda u tipi ta' offerti li jkunu konformi mal-avvanzi fir-robotika;

59. Jistieden lill-Kummissjoni biex, meta tkun qed twettaq valutazzjoni tal-impatt tal-istrument leġiżlattiv futur tagħha, tesplora, tanalizza u tikkunsidra l-implikazzjonijiet tas-soluzzjonijiet legali kollha possibbli, bħal:

a) l-istabbiliment ta' skema ta' assigurazzjoni obbligatorja fejn rilevanti u meħtieġ għal kategoriji speċifiċi ta' robots li biha, b'mod simili għal dak li diġà jiġri fil-każ tal-karozzi, il-produtturi jew is-sidien tar-robots ikunu obbligati jissottoskrivu għal assigurazzjoni li tkopri l-ħsarat potenzjali kkawżati mir-robots tagħhom;

b) l-iżgurar ta' fond ta' kumpens mhux talli jservi biex jiggarantixxi kumpens jekk il-ħsara kkawżata minn robot ma kinitx koperta minn assigurazzjoni;

c) il-possibbiltà li l-manifattur, il-programmatur, is-sid jew l-utent jibbenefikaw minn responsabbiltà limitata jekk jikkontribwixxu għal fond ta' kompens, kif ukoll jekk jissottoskrivu b'mod konġunt għal assigurazzjoni biex ikopru ħsara ikkawżata mir-robots;

d) it-teħid ta' deċiżjoni biex jinħoloq fond ġenerali għar-robots awtonomi intelliġenti kollha jew biex jinħoloq fond individwali għal kull kategorija ta' robots, u jekk kontribuzzjoni għandhiex titħallas bħala tariffa unika meta r-robot jitqiegħed fis-suq jew jekk għandhomx jitħallsu kontribuzzjonijiet perjodiċi matul il-ħajja tar-robot;

e) l-iżgurar tar-rabta bejn robot u l-fond tiegħu issir viżibbli permezz ta' numru ta' reġistrazzjoni individwali li jidher f'reġistru speċifiku tal-Unjoni, li jippermetti li kull minn jinteraġixxi mar-robot ikun informat dwar in-natura tal-fond, il-limiti tar-responsabbiltà tiegħu fil-każ ta' ħsara lil proprjetà, l-ismijiet u l-funzjonijiet tal-kontributuri u d-dettalji rilevanti l-oħra kollha;

f) il-ħolqien ta' status legali speċifiku għar-robots, sabiex talanqas l-aktar robots awtonomi sofistikati jkunu jistgħu jiġu stabbiliti bħala li għandhom l-istatus ta' persuni elettroniċi responsabbli biex jagħmlu tajjeb għal kwalunkwe ħsara li jistgħu jikkawżaw, u possibbilment l-applikazzjoni ta' personalità elettronika għal każijiet fejn ir-robots jieħdu deċiżjonijiet awtonomi intelliġenti jew inkella jinteraġixxu ma' partijiet terzi b'mod indipendenti;

Aspetti internazzjonali

60. Jinnota li għalkemm ir-regoli ġenerali attwali tad-dritt internazzjonali privat dwar l-inċidenti tat-traffiku applikabbli fi ħdan l-Unjoni ma jeħtiġux modifika sostantiva urġenti biex jakkomodaw l-iżvilupp ta' vetturi awtonomi, is-semplifikazzjoni tas-sistema doppja attwali għad-definizzjoni tal-liġi applikabbli (abbażi tar-Regolament (KE) Nru 864/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u l-Konvenzjoni tal-Aja tal-4 ta' Mejju 1971 dwar il-liġi applikabbli għall-inċidenti tat-traffiku) ittejjeb iċ-ċertezza legali u tillimita l-possibilitajiet ta' għażla opportunistika tal-ġurisdizzjoni;

61. Jinnota l-ħtieġa li jiġu kkunsidrati emendi għal ftehimiet internazzjonali bħal pereżempju l-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar it-Traffiku fit-Toroq tat-8 ta' Novembru 1968 u l-Konvenzjoni tal-Aja dwar il-liġi applikabbli għall-inċidenti tat-traffiku;

62. Jistenna li l-Kummissjoni tiżgura li l-Istati Membri jimplimentaw id-dritt internazzjonali, bħal pereżempju l-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar it-Traffiku fit-Toroq, li jeħtieġ li tiġi emendata, b'mod uniformi sabiex is-sewqan mingħajr sewwieq isir possibbli, u jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-industrija jimplimentaw l-objettivi tad-Dikjarazzjoni ta' Amsterdam malajr kemm jista' jkun;

63. Jinkoraġġixxi bil-qawwa l-kooperazzjoni internazzjonali fl-iskrutinju tal-isfidi soċjetali, etiċi u ġuridiċi u mbagħad fl-iffissar ta' standards regolatorji taħt il-patroċinju tan-Nazzjonijiet Uniti;

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 864/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali (Ruma II) (ĠU L 199, 31.7.2007, p. 40).

64. Jinnota li r-restrizzjonijiet u l-kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament (KE) Nru 428/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) dwar l-użu doppju" dwar il-kummerċ ta' oġġetti b'użu doppju – oġġetti, softwer u teknoloġija li jistgħu jintużaw għal applikazzjonijiet kemm ċivili kif ukoll militari u/jew jistgħu jikkontribwixxu għall-proliferazzjoni ta' armi tal-qerda tal-massa – għandhom japplikaw għall-applikazzjonijiet tar-robotika wkoll;

Aspetti finali

65. Jitlob lill-Kummisjoni biex, fuq il-bażi tal-Artikolu 225 tat-TFUE, tippreżenta proposta fuq il-bażi tal-Artikolu 114 TFUE għal direttiva dwar regoli tad-dritt ċivili dwar ir-robotika, filwaqt li ssegwi r-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fl-Anness;

66. Jinnota li dawn ir-rakkomandazzjonijiet jirrispettaw id-drittijiet fundamentali u l-prinċipju ta' sussidjarjetà;

67. Hu tal-fehma li l-proposta mitluba jkollha implikazzjonijiet finanzjarji jekk titwaqqaf aġenzija Ewropea ġdida;

o

o o

68. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet fl-anness lill-Kummissjoni u lill-Kunsill.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju (ĠU L 134, 29.5.2009, p. 1).

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

ANNESS GĦAL RIŻOLUZZJONI:

RAKKOMANDAZZJONIJIET DWAR IL-KONTENUT TAL-PROPOSTA MITLUBA

Definizzjoni u klassifikazzjoni ta' "robots intelliġenti"

Għandha tiġi stabbilita definizzjoni Ewropea komuni ta' robots awtonomi "intelliġenti", li fejn ikun xieraq, tinkludi definizzjonijiet tas-sottokategoriji tagħha, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi li ġejjin:

— il-kapaċità li r-robot jikseb l-awtonomija permezz ta' sensers u/jew permezz tal-iskambju ta' data mal-ambjent tiegħu (l-interkonnettività) u l-analiżi ta' din id-data

— il-kapaċità li jitgħallem mill-esperjenza u l-interazzjoni;

— il-forma tal-appoġġ fiżiku tar-robot;

— il-kapaċità li jadatta l-imġiba u l-azzjonijiet tiegħu għall-ambjent tiegħu.

Reġistrazzjoni ta' robots intelliġenti

Għal skopijiet ta' traċċabilità u sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet ulterjuri, għandha tiġi introdotta sistema ta' reġistrazzjoni ta' robots avvanzati, abbażi tal-kriterji stabbiliti għall-klassifikazzjoni tar-robots. Is-sistema ta' reġistrazzjoni u r-reġistru għandhom ikunu mifruxa mal-Unjoni kollha, biex b'hekk ikopru s-suq intern, u jistgħu jiġu ġestiti minn Aġenzija tal-UE għar-Robotika u l-Intelliġenza Artifiċjali, jekk tinħoloq tali Aġenzija.

Responsabbiltà ċivili

Kwalunkwe soluzzjoni ġuridika li tintgħażel biex tiġi applikata għar-responsabbiltà tar-robots u tal-intelliġenza artifiċjali f'każijiet li jeskludu dawk ta' ħsara lil proprjetà, m'għandha bl-ebda mod tirrestrinġi t-tip jew l-ammont ta' ħsarat li jistgħu jiġu rkuprati, u lanqas m'għandha tillimita l-forom ta' kumpens li jistgħu jiġu offruti lill-parti leża, sempliċement għar-raġuni li dik il-ħsara hija kkawżata minn aġent li mhux bniedem.

L-istrument leġiżlattiv futur għandu jkun ibbażat fuq evalwazzjoni fil-fond mill-Kummissjoni li tiddefinixxi jekk għandhomx jiġu applikati r-responsabbiltà oġġettiva jew l-approċċ tal-ġestjoni tar-riskju;

Għandha tiġi stabbilita skema tal-assigurazzjoni obbligatorja, li tista' tkun ibbażata fuq l-obbligu tal-produttur li jkollu assigurazzjoni għar-robots awtonomi li jipproduċi.

Is-sistema ta' assigurazzjoni għandha tiġi supplementata b'fond sabiex jiġi żgurat li jkun jista' jingħata kumpens għall-ħsarat f'każijiet fejn ma tkun teżisti l-ebda kopertura tal-assigurazzjoni.

Kwalunkwe deċiżjoni ta' politika dwar ir-regoli ta' responsabbiltà ċivili applikabbli għar-robots u l-intelliġenza artifiċjali għandha tittieħed b'konsultazzjoni xierqa ta' proġett ta' riċerka u żvilupp madwar l-Ewropa kollha ddedikat għar-robotika u n-newroxjenza, ma' xjenzjati u esperti li huma kapaċi jivvalutaw ir-riskji u l-konsegwenzi kollha relatati;

Interoperabilità, aċċess għall-kodiċi u drittijiet tal-proprjetà intellettwali

Għandha tiġi żgurata l-interoperabilità ta' robots awtonomi konnessi permezz ta' netwerk li jinteraġixxu ma' xulxin. L-aċċess għall-kodiċi tas-sors, id-data tal-input, u d-dettalji tal-kostruzzjoni għandu jkun disponibbli meta meħtieġ, sabiex jiġu investigati inċidenti u ħsara kkawżati minn robots intelliġenti, kif ukoll sabiex jiġu żgurati l-operazzjoni, id-disponibbiltà, l-affidabbiltà, is-sikurezza u s-sigurtà kontinwi tagħhom.

Karta dwar ir-Robotika

Il-Kummissjoni, meta tipproponi leġiżlazzjoni dwar ir-robotika, għandha tqis il-prinċipji minquxa fil-Karta dwar ir-Robotika li ġejja.

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

KARTA DWAR IR-ROBOTIKA

Il-kodiċi ta' kondotta etika propost fil-qasam tar-robotika se jwitti t-triq għall-identifikazzjoni, is-sorveljanza u l-konformità ma' prinċipji etiċi fundamentali mill-fażi tad-disinn u tal-iżvilupp.

Il-qafas, abbozzat f'konsultazzjoni ma' proġett ta' riċerka u żvilupp madwar l-Ewropa kollha ddedikat għar-robotika u n-newroxjenza, għandu jitfassal b'mod riflessiv li jippermetti li jsiru aġġustamenti individwali fuq bażi ta' każ b'każ sabiex jiġi vvalutat jekk imġiba partikolari tkunx korretta jew żbaljata f'sitwazzjoni partikolari u biex jittieħdu deċiżjonijiet skont ġerarkija ta' valuri prestabbilita.

Il-kodiċi ma għandux jissostitwixxi l-ħtieġa li jiġu indirizzati l-isfidi legali prinċipali kollha f'dan il-qasam, iżda għandu jkollu funzjoni komplementari. Huwa, minflok, se jiffaċilita l-kategorizzazzjoni etika tar-robotika, se jsaħħaħ l-isforzi ta' innovazzjoni responsabbli f'dan il-qasam u se jindirizza t-tħassib tal-pubbliku.

Għandu jkun hemm enfasi speċjali fuq il-fażijiet ta' riċerka u żvilupp tat-trajettorja teknoloġika rilevanti (proċess tad-disinn, rieżami tal-etika, kontrolli tal-awditjaw, eċċ.). Għandu jkollu l-għan li jindirizza l-ħtieġa ta' konformità min-naħa tar-riċerkaturi, il-prattikanti, l-utenti u d-disinjaturi mal-istandards etiċi, iżda għandu jintroduċi wkoll proċedura għat-tħejjija ta' mod biex jissolvew id-dilemmi etiċi rilevanti u biex dawn is-sistemi jitħallew jiffunzjonaw b'mod etikament responsabbli.

KODIĊI TA' KONDOTTA ETIKA GĦALL-INĠINIERA TAR-ROBOTIKA

PREAMBOLU

Il-Kodiċi ta' Kondotta jistieden lir-riċerkaturi u lid-disinjaturi kollha biex jaġixxu b'mod responsabbli u b'konsiderazzjoni assoluta għall-ħtieġa tar-rispett tad-dinjità, il-privatezza u s-sikurezza tal-bniedem.

Il-Kodiċi jitlob kooperazzjoni mill-qrib fost id-dixxiplini kollha sabiex jiġi żgurat li r-riċerka robotika titwettaq fl-Unjoni Ewropea b'mod sikur, etiku u effettiv.

Il-Kodiċi ta' Kondotta jkopri l-attivitajiet kollha ta' riċerka u żvilupp fil-qasam tar-robotika.

Il-Kodiċi ta' Kondotta huwa fakultattiv u joffri ġabra ta' prinċipji ġenerali u linji gwida għal azzjonijiet li jridu jittieħdu mill-partijiet interessati kollha.

Korpi ta' finanzjament tar-riċerka fil-qasam tar-robotika, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka, ir-riċerkaturi u l-kumitati tal-etika huma mħeġġa jqisu, fl-istadji l-aktar bikrija, l-implikazzjonijiet futuri tat-teknoloġiji u tal-oġġetti li dwarhom qiegħda ssir ir-riċerka u jiżviluppaw kultura ta' responsabbiltà fir-rigward tal-isfidi u l-opportunitajiet li jistgħu jinqalgħu fil-futur.

Korpi ta' finanzjament pubbliċi u privati tar-riċerka fir-robotika għandhon jitolbu li l-valutazzjoni tar-riskju titwettaq u tiġi ppreżentata flimkien ma' kull proposta li titressaq għall-finanzjament ta' riċerka fir-robotika. Tali kodiċi għandu jqis lill-bniedem, mhux lir-robots, bħala l-aġent responsabbli.

Riċerkaturi fil-qasam tar-robotika għandhom jintrabtu bl-ogħla kondotta etika u professjonali u jirrispettaw il-prinċipji li ġejjin:

Beneficenza – ir-robots għandhom jaġixxu fl-aħjar interessi tal-bniedem;

Nonkrudeltà – id-duttrina ta' "l-ewwel, la tagħmilx ħsara", li permezz tagħha r-robots m'għandhomx jagħmlu ħsara lill-bniedem;

Awtonomija – il-kapaċità li jagħmel deċiżjoni informata, mhux koerċizzata dwar it-termini ta' interazzjoni mar-robots;

Ġustizzja – distribuzzjoni ġusta tal-benefiċċji assoċjati mar-robotika u l-affordabilità ta' robots tal-kura fid-dar u tal-kura tas-saħħa b'mod partikolari.

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

Drittijiet Fundamentali

L-attivitajiet ta' riċerka fir-robotika għandhom jirrispettaw id-drittijiet fundamentali u jsiru fl-interess tal-benesseri u tal-awtodeterminazzjoni tal-individwu u tas-soċjetà inġenerali fid-disinn, l-implimentazzjoni, it-tixrid u l-użu tagħhom. Id-dinjità u l-awtonomija tal-bniedem – kemm dik fiżika kif ukoll dik psikoloġika – għandha dejjem tiġi rispettata.

Prekawzjoni

L-attivitajiet ta' riċerka fir-robotika għandhom jitwettqu skont il-prinċipju tal-prekawzjoni, u jantiċipaw l-impatti potenzjali tar-riżultati fuq is-sikurezza u jieħdu prekawzjonijiet xierqa, proporzjonali mal-livell ta' protezzjoni, filwaqt li jinkoraġġixxu l-progress għall-benefiċċju tas-soċjetà u tal-ambjent.

Inklużività

L-inġiniera tar-robotika jiggarantixxu t-trasparenza u r-rispett għad-dritt leġittimu tal-aċċess għall-informazzjoni mill-partijiet interessati kollha. L-inklużività tippermetti l-parteċipazzjoni fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet mill-partijiet interessati kollha involuti jew konċernati fl-attivitajiet tar-riċerka fil-qasam tar-robotika.

Responsabbiltà

L-inġiniera tar-robotika għandhom jibqgħu responsabbli għall-impatti soċjali, ambjentali u fuq is-saħħa tal-bniedem li r-robotika jaf timponi fuq il-ġenerazzjonijiet preżenti u dawk futuri.

Sikurezza

Id-disinjaturi tar-robots għandhom iqisu u jirrispettaw il-benesseri fiżiku, is-sikurezza, is-saħħa u d-drittijiet tal-bniedem. Inġinier tar-robotika għandu jippreserva l-benesseri tal-bniedem, filwaqt li jirrispetta d-drittijiet tal-bniedem, u jiżvela fil-pront fatturi li jistgħu jipperikolaw lill-pubbliku jew lill-ambjent.

Riversibilità

Ir-riversibilità, peress li hija kundizzjoni meħtieġa tal-kontrollabilità, hija kunċett fundamentali meta r-robots jiġu pprogrammati biex iġibu ruħhom b'mod sikur u affidabbli. Il-mudell tar-riversibilità jgħid lir-robot liema azzjonijiet huma riversibbli u kif ireġġahom lura jekk ikunu riversibbli. Il-kapaċità li jneħħu l-aħħar azzjoni jew sekwenza ta' azzjonijiet tippermetti lill-utenti jneħħu l-azzjonijiet mhux mixtieqa u jerġgħu lura għall-istadju "tajjeb" ta' xogħolhom.

Privatezza

Id-dritt għall-privatezza għandu dejjem jiġi rispettat. Inġinier tar-robotika għandu jiżgura li l-informazzjoni privata tinżamm sikura u tintuża biss b'mod xieraq. Barra minn hekk, inġinier tar-robotika għandu jiżgura li l-individwi ma jkunux personalment identifikabbli, apparti f'ċirkostanzi straordinarji u dan biss b'kunsens ċar, mhux ambigwu, u informat. Il-kunsens informat tal-bniedem għandu jitfittex u jinkiseb qabel kull interazzjoni bejn bniedem u magna. Bħala tali, id-disinjaturi tar-robotika għandhom ir-responsabbiltà li jiżviluppaw u jsegwu proċeduri għall-kunsens validu, il-kunfidenzjalità, l-anonimità, it-trattament ġust u l-proċess korrett. Id-disinjaturi se jikkonformaw ma' kwalunkwe talba biex kwalunkwe data relatata tinqered, u titneħħa minn kwalunkwe ġabra ta' data.

Massimizzazzjoni tal-benefiċċji u minimizzazzjoni tal-ħsara

Ir-riċerkaturi għandhom ifittxu li jimmassimizzaw il-benefiċċji tax-xogħol tagħhom fl-istadji kollha, mill-bidu nett sad-disseminazzjoni. Għandha tiġi evitata kull ħsara lil parteċipanti fir-riċerka, suġġett uman, parteċipant jew suġġett f'esperiment, prova jew studju. Meta r-riskji jirriżultaw b'mod inevitabbli u jkunu parti integrali tar-riċerka, valutazzjoni robusta tar-riskju u protokolli ta' ġestjoni għandhom jiġu żviluppati u rispettati. Normalment, ir-riskju ta' ħsara m'għandux ikun akbar minn dak li jirriżulta fil-ħajja ordinarja, jiġifieri l-bnedmin ma għandhomx ikunu esposti għal riskji akbar minn

jew addizzjonali għal dawk li għalihom ikunu esposti fl-istili ta' ħajja normali tagħhom. It-tħaddim tas-sistema tar-robotika għandu dejjem ikun ibbażat fuq proċess ta' valutazzjoni bir-reqqa tar-riskju, li għandu jkun informat mill-prinċipji ta' prekawzjoni u ta' proporzjonalità.

KODIĊI GĦALL-KUMITATI TA' ETIKA FIR-RIĊERKA (KER)

Prinċipji

Indipendenza

Il-proċess ta' rieżami etiku għandu jkun indipendenti mir-riċerka nnifisha. Dan il-prinċipju jenfasizza l-ħtieġa li jiġu evitati kunflitti ta' interess bejn ir-riċerkaturi u dawk li jirrieżaminaw il-protokoll tal-etika, u bejn ir-rieżaminaturi u l-istrutturi ta' governanza organizzattiva.

Kompetenza

Il-proċess ta' rieżami etiku għandu jitwettaq minn rieżaminaturi li jkollhom l-għarfien espert xieraq, waqt li titqies il-ħtieġa ta' kunsiderazzjoni b'attenzjoni tal-firxa tas-sħubija u t-taħriġ speċifiku fl-etika tal-KER.

Trasparenza u responsabbilità

Il-proċess ta' rieżami għandu jsir b'mod responsabbli u miftuħ għal skrutinju. Jeħtieġ li l-KER jirrikonoxxu r-responsabbiltajiet tagħhom u jkunu f'pożizzjoni xierqa fl-istrutturi organizzattivi li jagħtu trasparenza lill-operat u l-proċeduri tal-KER sabiex iżommu u jirrieżaminaw l-istandards.

Ir-rwol ta' Kumitat ta' Etika fir-Riċerka

KER normalment ikun responsabbli biex jagħmel rieżami tar-riċerka kollha li tinvolvi parteċipanti umani mwettqa minn persuni impjegati fi ħdan jew mill-istituzzjoni kkonċernata; jiżgura li r-rieżami etiku jkun indipendenti, kompetenti u f'waqtu; jipproteġi d-dinjità, id-drittijiet u l-benesseri tal-parteċipanti fir-riċerka; iqis is-sigurtà tar-riċerkatur(i); iqis l-interessi leġittimi tal-partijiet interessati l-oħra; jilħaq ġudizzji informati dwar il-mertu xjentifiku tal-proposti; u li jagħmel rakkomandazzjonijiet informati lir-riċerkatur jekk jinstab li l-proposta jkollha xi nuqqas f'xi aspett.

Il-kostituzzjoni ta' Kumitat ta' Etika fir-Riċerka

KER normalment għandu jkun multidixxiplinarju; jinkludi kemm irġiel kif ukoll nisa; ikun magħmul minn membri b'esperjenza estensiva u għarfien espert fil-qasam tar-riċerka fir-robotika. Il-mekkaniżmu tal-ħatra għandu jiżgura li l-membri tal-Kumitat jipprovdu bilanċ xieraq ta' għarfien xjentifiku, sfond filosofiku, legali jew etiku, u jħejju opinjonijiet, u li jinkludu mill-inqas membru wieħed b'għarfien speċjalizzat fl-etika, utenti ta' servizzi speċjalizzati tas-saħħa u tal-edukazzjoni jew servizzi soċjali meta dawn ikunu l-qalba tal-attivitajiet ta' riċerka, u individwi b'għarfien espert metodoloġiku speċifiku rilevanti għar-riċerka li jirrieżaminaw; u jridu jkunu kostitwiti b'mod li jiġu evitati l-kunflitti ta' interess.

Sorveljanza

L-organizzazzjonijiet ta' riċerka kollha għandhom jistabbilixxu proċeduri xierqa biex jimmonitorjaw it-twettiq ta' riċerka li tkun irċeviet approvazzjoni etika qabel ma tkun tlestiet, u sabiex jiġi żgurat rieżami meta d-disinn tar-riċerka jantiċipa bidliet possibbli matul iż-żmien li jista' jeħtieġ li jiġu indirizzati. Is-sorveljanza għandha tkun proporzjonali man-natura u l-livell ta' riskju marbut mar-riċerka. Meta KER iqis li rapport ta' sorveljanza jqajjem tħassib sinifikanti dwar il-kondotta etika tal-istudju, dan għandu jitlob rendikont sħiħ u dettaljat tar-riċerka għal rieżami etiku sħiħ. Meta jitiqies li jkun qed isir istudju b'mod li ma jkunx etiku, għandu jiġi kkunsidrat l-irtirar tal-approvazzjoni tiegħu filwaqt li r-riċerka tiegħu għandha tiġi sospiża jew mitmuma.

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

LIĊENZJA GĦAD-DISINJATURI

— Għandek tqis il-valuri Ewropej tad-dinjità, l-awtonomija u l-awtodeterminazzjoni, il-libertà u l-ġustizzja qabel, matul u wara l-proċess tad-disinn, l-iżvilupp u t-tqassim ta' tali teknoloġiji, inkluża l-ħtieġa li ma jkunx hemm ħsara, korriment, qerq jew sfruttament tal-utenti (vulnerabbli).

— Għandek tintroduċi prinċipji affidabbli għad-disinn tas-sistema fl-aspetti kollha tal-operat tar-robot, għad-disinn kemm ta' hardwer kif ukoll ta' softwer, u għal kwalunkwe pproċessar ta' data fil-pjattaforma jew barra minnha għal skopijiet ta' sigurtà.

— Għandek tintroduċi karatteristiċi ta' privatezza fid-disinn sabiex jiġi żgurat li informazzjoni privata tinżamm sikura u tintuża biss b'mod xieraq.

— Għandek tintegra mekkaniżmi ta' esklużjoni fakultattiva ovvji (waqfien ta' emerġenza – kill switches) li għandhom ikunu konsistenti ma' objettivi raġonevoli ta' disinn.

— Għandek tiżgura li robot jopera b'mod li jkun f'konformità mal-prinċipji etiċi u legali lokali, nazzjonali u internazzjonali.

— Għandek tiżgura li l-passi deċiżjonali tar-robots ikunu miftuħa għar-rikostruzzjoni u t-traċċabilità.

— Għandek tiżgura li tkun meħtieġa trasparenza massima fl-ipprogrammar tas-sistemi robotiċi, kif ukoll il-prevedibilità tal-imġiba robotika.

— Għandek tanalizza l-prevedibilità ta' sistema umana-robotika billi tqis l-inċertezza fl-interpretazzjoni u l-azzjoni u l-fallimenti robotiċi jew umani possibbli.

— Għandek tiżviluppa għodod ta' traċċar fl-istadju tad-disinn tar-robot. Dawn l-għodod se jiffaċilitaw it-teħid tar-responsabbiltà u l-ispjegazzjoni tal-imġiba robotika, anki jekk limitata, fuq diversi livelli maħsuba għall-esperti, l-operaturi u l-utenti.

— Għandek tfassal protokolli għad-disinn u l-evalwazzjoni u tissieħeb ma' utenti potenzjali u partijiet interessati meta tevalwa l-benefiċċji u r-riskji tar-robotika, inklużi dawk konjittivi, psikoloġiċi u ambjentali.

— Għandek tiżgura li r-robots ikunu identifikabbli bħala robots meta jinteraġixxu mal-bnedmin.

— Għandek tissalvagwardja s-sikurezza u s-saħħa ta' dawk li jinteraġixxu u li jiġu f'kuntatt mar-robotika, peress li r-robots bħala prodotti għandhom jitfasslu bl-użu ta' proċessi li jiżguraw is-sikurezza u s-sigurtà tagħhom. Inġinier tar-robotika għandu jippreserva l-benesseri tal-bniedem filwaqt li jirrispetta d-drittijiet tal-bniedem u ma jistax juża robot mingħajr ma jissalvagwardja s-sikurezza, l-effikaċja u r-riversibilità tal-operazzjoni tas-sistema.

— Għandek tikseb opinjoni pożittiva minn Kumitat ta' Etika fir-Riċerka qabel l-ittestjar ta' robot f'ambjent reali jew li jinvolvi l-bnedmin fil-proċeduri tad-disinn u l-iżvilupp.

LIĊENZJA GĦALL-UTENTI

— Tista' tagħmel użu minn robot mingħajr riskju jew biża' ta' ħsara fiżika jew psikoloġika.

— Għandu jkollok id-dritt li tistenna li robot iwettaq kwalunkwe kompitu li għalih ikun tfassal espliċitament.

— Għandek tkun taf li kwalunkwe robot jista' jkollu limitazzjonijiet ta' perċezzjoni, konjittivi u ta' attwazzjoni.

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

— Għandek tirrispetta l-fraġilità umana, kemm fiżika kif ukoll psikoloġika, u l-ħtiġijiet emozzjonali tal-bniedem.

— Għandek tqis id-drittijiet ta' privatezza tal-individwi, inkluża d-diżattivazzjoni ta' moniters tal-vidjo matul proċeduri intimi.

— M'intix permess li tiġbor, tuża jew tiżvela informazzjoni personali mingħajr il-kunsens espliċitu tas-suġġett tad-data.

— M'intix permess tuża robot bi kwalunkwe mod li jirriżulta fi ksur ta' prinċipji u standards etiċi jew legali.

— M'intix permess timmodifika kwalunkwe robot sabiex dan ikun jista' jiffunzjona bħala arma.

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

P8_TA(2017)0052

Inizjattiva Ewropea dwar il-Cloud Computing

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2017 dwar l-Inizjattiva Ewropea dwar il-Cloud Computing (2016/2145(INI))

(2018/C 252/26)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' April 2016 bit-titolu "Inizjattiva Cloud Ewropea – Il-bini ta' dejta kompetittiva u ekonomija tal-għarfien fl-Ewropa" (COM(2016)0178) u d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanjaha (SWD(2016)0106),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2015 bit-titolu "Strateġija għal Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa" (COM(2015)0192) u d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanjaha (SWD(2015) 0100),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Lulju 2014 bit-titolu "Lejn ekonomija ta' suċċess immexxija mid-dejta" (COM(2014)0442),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Ottubru 2012 bit-titolu "Industrija Ewropea Aktar B'saħħitha għat-Tkabbir u l-Irkupru Ekonomiku" (COM(2012)0582),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Settembru 2012 bit-titolu "L-isfruttar tal-potenzjal tal-Cloud Computing fl-Ewropa" (COM(2012)0529),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Frar 2012 bit-titolu "Informatika ta' Prestazzjoni Għolja: post l-Ewropa f'Tellieqa Globali" (COM(2012)0045),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Mejju 2016 dwar it-tranżizzjoni lejn sistema tax-Xjenza Miftuħa,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-29 ta' Mejju 2015 dwar riċerka miftuħa, intensiva fid-data u organizzata f'netwerk, bħala mutur għal innovazzjoni aktar veloċi u mifruxa,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Mejju 2010 dwar Aġenda Diġitali ġdida għall-Ewropa: 2015.eu ([1]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni (UE) 2015/2240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 li tistabbilixxi programm dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà u oqfsa komuni għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, in-negozji u ċ-ċittadini Ewropej (Programm ISA[2]) bħala mezz għall-modernizzazzjoni tas-settur pubbliku ([2]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2013/37/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li temenda d-Direttiva 2003/98/KE dwar l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku ([3]) (id-Direttiva PSI),

([1]) ĠU C 81 E, 15.3.2011, p. 45.
([2]) ĠU L 318, 4.12.2015, p. 1.
([3]) ĠU L 175, 27.6.2013, p. 1.

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu 2016 bit-titolu "Lejn ekonomija ta' suċċess immexxija mid-data" ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Jannar 2016 bit-titolu "Lejn Att dwar is-Suq Uniku Diġitali" ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2014 bit-titolu "Ir-riindustrijalizzazzjoni tal-Ewropa biex jiġu promossi l-kompetittività u s-sostenibbiltà" ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Diċembru 2013 dwar l-isfruttar tal-potenzjal tal-Cloud Computing fl-Ewropa ([4]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-16 ta' Jannar 2013 dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bit-titolu "L-isfruttar tal-potenzjal tal-Cloud Computing fl-Ewropa." (TEN/494),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew bit-titolu "Inizjattiva tal-Cloud Ewropea – Il-bini ta' ekonomija ta' data u għarfien kompetittiva fl-Ewropa" (2016 TEN/952 EESC-2016),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni bit-titolu "Inizjattiva Ewropea dwar il-Cloud Computing u l-Prijoritajiet għall-Istandardizzazzjoni tal-ICT għas-Suq Uniku Diġitali 2016" (SEDEC-VI-012),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Ġunju 2016 bit-titolu "Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa: Naħdmu flimkien biex insaħħu l-kapital uman, l-impjegabbiltà u l-kompetittività" (COM(2016)0381),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) ([5]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni ([6]) (NIS Directive),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-14 ta' Settembru 2016 għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (COM(2016)0590),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Mejju 2016 bit-titolu "Il-Pjattaformi Online u s-Suq Uniku Diġitali Opportunitajiet u Sfidi għall-Ewropa" (COM(2016)0288),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Diċembru 2015 bit-titolu "Għal qafas aktar modern u Ewropew dwar id-drittijiet tal-awtur" (COM(2015)0626),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' April 2016 bit-titolu "L-istandards tal-ICT bħala l-Pedament tas-Suq Uniku Diġitali" (COM(2016)0176),

([1]) Testi adottati, P8_TA(2016)0089.
([2]) Testi adottati, P8_TA(2016)0009.
([3]) ĠU C 482, 23.12.2016, p. 89.
([4]) ĠU C 468, 15.12.2016, p. 19.
([5]) ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1.
([6]) ĠU L 194, 19.7.2016, p. 1.

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

— wara li kkunsidra r-rapport "Open Innovation, Open Science, Open to the World – A vision for Europe" ("Innovazzjoni Miftuħa, Xjenza Miftuħa, Miftuħin għad-Dinja – Viżjoni għall-Ewropa") ippubblikat mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (RTD) f'Mejju 2016,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjonijiet tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0006/2017),

A. billi l-kapaċità attwali tal-cloud computing disponibbli fl-UE mhijiex biżżejjed u għalhekk id-data prodotta mir-riċerka u mill-industrija tal-UE spiss qed tiġi pproċessata x'imkien ieħor, filwaqt li twassal biex ir-riċerkaturi u l-innovaturi tal-UE qed ifittxu postijiet oħra barra mill-UE, fejn il-kapaċità għolja tad-data u tal-informatika hi aktar disponibbli b'mod immedjat;

B. billi n-nuqqas ta' struttura ċara ta' inċentivi sabiex isir skambju ta' data, in-nuqqas ta' interoperabbiltà ta' sistemi ta' data xjentifika u l-frammentazzjoni ta' infrastrutturi tad-data xjentifika fost id-dixxiplini u l-fruntieri jxekklu l-potenzjal sħiħ ta' xjenza mmexxija mid-data;

C. billi l-UE għadha lura fl-iżvilupp tal-informatika ta' prestazzjoni għolja (HPC) bħala riżultat tan-nuqqas ta' investiment tagħha fl-istabbiliment ta' sistema kompleta tal-HPC, meta pajjiżi bħall-Istati Uniti tal-Amerka, iċ-Ċina, il-Ġappun u r-Russja qed jinvestu serjament f'dawn is-sistemi, u b'hekk qed jagħmluhom prijorità strateġika, bi programmi nazzjonali li qed jiżviluppawhom;

D. billi l-potenzjal sħiħ tal-cloud computing għall-Ewropa jista' jintlaħaq biss meta d-data tkun tista' tiċċirkola liberament fl-Unjoni kollha b'regoli ċari, u meta flussi ta' data internazzjonali li jiżvolġu rwol dejjem aktar importanti fl-ekonomija Ewropea u globali;

E. billi l-kapaċità li biha tiġi analizzata u sfruttata l-big data qed tbiddel il-mod li bih issir ir-riċerka xjentifika;

F. billi l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Inizjattiva Cloud Ewropea – Il-bini ta' dejta kompettitiva u ekonomija tal-għarfien fl-Ewropa" tirrikonoxxi l-potenzjal trasformattiv tax-xjenza miftuħa u tal-cloud computing bħala parti mill-ekonomija diġitali tal-Ewropa;

G. billi l-politiki ta' aċċess għan-netwerking, il-ħżin tad-data u l-informatika huma differenti bejn l-Istati Membri u b'hekk joħolqu nuqqas ta' kollaborazzjoni bejn il-partijiet u jtellfu ċ-ċirkolazzjoni tal-għarfien;

H. billi r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, id-Direttiva tal-NIS u l-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali jistgħu jipprovdu l-bażi għal ekonomija Ewropea kompetittiva u ta' suċċess li hija miftuħa għall-parteċipanti kollha tas-suq li jimxu mar-regoli;

I. billi d-data hija l-materja prima tal-ekonomija diġitali, u billi l-użu tad-data hu essenzjali għad-diġitalizzazzjoni tax-xjenza u l-industrija Ewropea, għall-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda;

J. billi r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data adottat reċentement jipprevedi salvagwardji b'saħħithom għall-protezzjoni tad-data personali, u billi jenħtieġ ikun żgurat approċċ armonizzat lejn l-implimentazzjoni tiegħu;

K. billi l-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali tal-Kummissjoni għall-2015 wegħdet li tindirizza r-restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu tad-data kif ukoll ir-restrizzjonijiet mhux ġustifikati fuq il-post fejn tinħażen jew tiġi pproċessata d-data;

L. billi hu meħtieġ li l-Kummissjoni tressaq proposti konkreti biex tneħħi restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu tad-data jekk trid toħloq u twassal l-aħjar Suq Uniku Diġitali possibbli;

M. billi l-applikazzjoni u l-iżvilupp tas-servizzi tal-cloud qed jiffaċċjaw sfidi minħabba d-disponibbiltà insuffiċjenti ta' infrastruttura u ta' netwerks b'veloċità għolja meħtieġa fl-Ewropa;

N. billi l-għan li jkunu ffaċilitati u appoġġjati l-implimentazzjoni u s-sostenibbiltà fuq terminu twil tal-infrastrutturi tar-riċerka u tad-data, inklużi ċ-Ċentri tal-Informatika ta' Prestazzjoni Għolja ta' klassi dinjija u netwerks oħra ta' infrastruttura tar-riċerka, permezz ta' kooperazzjoni intensiva u skambju ta' riżultati, se jgħinu l-isforzi biex jirrispondu għall-isfidi l-kbar li qed jiġu ffaċċjati fix-xjenza, l-industrija u s-soċjetà;

O. billi l-volum tad-data qed jikber b'rata bla preċedent, b'16-il triljun gigabyte ta' data li mistennija tkun disponibbli sal-2020, li jikkorrispondi ma' rata ta' tkabbir annwali ta' 236 % f'ġenerazzjoni ta' data;

P. billi ekonomija mmexxija mid-data tiddependi fuq ekosistema tal-ICT usa', inkluż internet tal-oġġetti (IoT) għall-forniment ta' netwerks tal-broadband b'veloċità għolja għat-trasport u cloud computing għall-ipproċessar tad-data kif ukoll xjenzati u impjegati kwalifikati;

Q. billi l-kooperazzjoni fost ix-xjenzati Ewropej, l-użu u l-iskambju tad-data, dejjem skont l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data, u l-użu ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi ġodda, inkluż il-cloud computing u d-diġitalizzazzjoni tax-xjenza Ewropea, huma essenzjali għall-iżvilupp tas-Suq Uniku Diġitali; billi l-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa (EOSC) se jkollu effetti pożittivi fuq l-iżvilupp xjentifiku fl-Ewropa; u billi l-EOSC jrid jiġi żviluppat u użat b'rispett dovut tad-drittijiet fundamentali minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (KDF);

Ġenerali

1. Jilqa' l-EOSC bħala mudell li fuqu jintuża cloud fis-setturi privati u pubbliċi; jilqa' l-pjan tal-Kummissjoni biex testendi l-bażi tal-utenti għall-industrija u l-gvernijiet malajr kemm jista' jkun;

2. Jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Inizjattiva Cloud Ewropea – Il-bini ta' dejta kompetittiva u ekonomija tal-għarfien fl-Ewropa", u jemmen li dan hu l-ewwel pass fit-twaqqif ta' bażi xierqa għal azzjonijiet miftuħa u kompetittivi Ewropej fil-qasam tal-cloud computing u tal-informatika ta' prestazzjoni għolja;

3. Jilqa' l-Inizjattiva Ewropea dwar il-Cloud Computing tal-Kummissjoni bħala parti mill-implimentazzjoni tal-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali (DSM) u tal-Pakkett dwar id-Diġitalizzazzjoni tal-Industrija Ewropea, fejn trawwem it-tkabbir tal-ekonomija diġitali Ewropea, tikkontribwixxi għall-kompetittività tan-negozji u s-servizzi Ewropej u ssaħħaħ il-pożizzjonament tagħhom fis-suq globali; jistieden lill-Kummissjoni biex, permezz ta' miżuri definiti b'mod ċar, tiżgura li din l-inizjattiva hija xierqa biex tilħaq l-iskop tagħha, tħares 'il barra, valida għall-futur u ma toħloqx ostakli sproporzjonati jew mhux ġustifikati;

4. Jissottolinja l-importanza li l-Unjoni Ewropea ssir ċentru għar-riċerka globali, takkwista massa kritika u toħloq raggruppamenti ta' eċċellenza; jenfasizza li, sabiex l-Unjoni tattira riċerka dinjija ewlenija, huma meħtieġa kemm il-kapaċità f'termini ta' riżorsi kif ukoll ambjent attraenti; jenfasizza, barra minn hekk, li sabiex l-UE ssir l-aktar ekonomija kompetittiva bbażata fuq l-għarfien fid-dinja, hu ta' importanza kbira li jkun hemm ftuħ għal riċerkaturi internazzjonali u b'hekk tattira investimenti internazzjonali;

5. Jenfasizza li jeħtieġ li tkun aċċelerata l-ħidma fuq l-istandardizzazzjoni fil-cloud computing; jenfasizza li standards u interoperabbiltà aħjar se jippermettu komunikazzjoni bejn id-diversi sistemi bbażati fuq il-cloud u se jevitaw l-effetti tal-lock-in tal-bejjiegħa għal prodotti u servizzi tal-cloud; jistieden lill-Kummissjoni tikkoopera mill-qrib mal-fornituri kummerċjali tal-cloud fl-iżvilupp ta' standards miftuħa għal dan il-qasam;

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

6. Jenfasizza li l-valur miżjud ta' din l-inizjattiva Ewropea hu bbażat fuq il-kondiviżjoni ta' data miftuħa u fuq l-iżvilupp ta' ambjent miftuħ u fdat għall-komunità biex jinħażnu, jkunu kondiviżi u użati mill-ġdid id-data u r-riżultati xjentifiċi;

7. Jenfasizza li l-ħolqien ta' aktar kuxjenza dwar il-benefiċċji tal-cloud computing hu kruċjali, minħabba li t-talba għas-servizzi tal-cloud għadha wisq baxxa fl-Ewropa; jirrimarka li l-cloud computing se jwassal għal tkabbir ekonomiku bħala riżultat tal-kosteffettività u l-iskalabbiltà tiegħu; itenni li l-SMEs huma l-mutur l-aktar importanti tal-Ewropa għat-tkabbir u l-impjiegi; jissottolinja li l-benefiċċji tal-cloud jistgħu partikolarment ikunu sostanzjali għall-SMEs minħabba li ta' spiss ma jkollhomx ir-riżorsi biex jinvestu f'sistemi fiżikament estensivi tal-IT fuq il-post;

8. Jilqa' l-approċċ ta' Xjenza Miftuħa u r-rwol li dan l-approċċ għandu fil-ħolqien ta' ekonomija tal-għarfien Ewropea, u fil-promozzjoni ulterjuri tal-kwalità tar-riċerka u tal-iżvilupp tagħha fl-Unjoni Ewropea; jenfasizza li, attwalment, il-valur tad-data tar-riċerka miġbura mhuwiex sfruttat bis-sħiħ mill-industrija b'mod ottimali, speċjalment mill-SMEs, minħabba n-nuqqas ta' flussi transfruntiera liberi tad-data u aċċess għal pjattaforma jew portal uniċi, u jinnota li l-Kummissjoni għandha l-għan li tagħmel id-data xjentifika kollha prodotta mill-Programm Orizzont 2020 miftuħa b'mod awtomatiku;

9. Jenfasizza li l-EOSC għandu jkun akkumpanjat minn strateġija ta' sigurtà ċibernetika komprensiva, peress li l-komunità xjentifika għandha l-ħtieġa ta' infrastruttura tad-data affidabbli li tista' tintuża mingħajr mar-riċerka tiġi esposta għal telf ta' data, korruzzjoni jew intrużjoni; jistieden lill-Kummissjoni tqis il-kwistjonijiet tas-sigurtà ċibernetika mill-ewwel fażi tal-inizjattivi kollha tagħha;

10. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tmexxi bl-eżempju u tara li d-data tar-riċerka kollha ffinanzjata mill-programmi Ewropej – bħal Orizzont 2020, il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS), il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) u oħrajn – u r-riżultati tagħha jkunu miftuħa b'mod awtomatiku, abbażi tal-prinċipji ta' traċċabbiltà, aċċessibbiltà, interoperabbiltà u użu mill-ġdid (il-prinċipji FAIR);

11. Jinsab imħasseb dwar id-diskrepanza fil-finanzjament ta' EUR 4,7 biljun tal-Inizjattiva Ewropea dwar il-Cloud Computing; jitlob lill-Kummissjoni tidentifika mekkaniżmi ta' finanzjament xierqa għall-EOSC u l-Infrastruttura tad-Data Ewropea (EDI); jitlob, barra minn hekk, lill-Kummissjoni tipprovdi biżżejjed riżorsi għal dan il-qasam ta' politika f'Orizzont 2020 u fil-proposta tagħha għad-Disa' Programm ta' Qafas;

12. Jirrakkomanda lill-Kummissjoni tiżgura li l-EOSC jibbenefika lir-reġjuni kollha tal-Unjoni, filwaqt li jesplora l-użu tal-fondi ta' żvilupp reġjonali għat-twessigħ tal-inizjattiva;

13. Jenfasizza li fil-preżent 12 % biss tal-finanzjament impenjat taħt il-FEIS imur għal azzjonijiet relatati mas-settur diġitali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta passi mmirati li jistgħu verament isaħħu l-involviment tal-fondi tal-UE kollha, b'mod partikolari l-FEIS, fi proġetti relatati mas-Suq Uniku Diġitali, inklużi inizjattivi ta' kondiviżjoni tad-data, aċċessibbiltà diġitali, infrastruttura u konnettività diġitali madwar l-Unjoni kollha, u biex talloka aktar riżorsi għat-tisħiħ tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni Ewropej, inkluż, fost affarijiet oħra, fil-qasam ta' teknoloġiji li jtejbu l-privatezza u s-sigurtà ta' sorsi miftuħa; jemmen li din l-inizjattiva għandha tiġi żviluppata f'sinerġija ma' programmi oħra ta' Orizzont 2020, inkluż dwar il-cloud computing privat u s-servizzi elettroniċi tal-gvern;

14. Jemmen li s-settur privat għandu jkun involut fil-bażi tal-utent tal-EOSC mill-bidu, pereżempju permezz ta' offerta ta' softwer bħala servizz (SaaS); jirrimarka li n-negozju Ewropew huwa mistenni jikkontribwixxi għat-tnaqqis fid-distakk finanzjarju ta' EUR 4,7 biljun tal-Inizjattiva Ewropea dwar il-Cloud Computing; jinnota li huwa improbabbli li l-intrapriżi se jinvestu fil-programm jekk mhumiex se jkunu kapaċi jgawdu mill-benefiċċji tiegħu wkoll;

15. Jenfasizza li infrastruttura ta' superkomputerizzazzjoni tal-ogħla livell hija kruċjali għall-kompetittività tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni twettaq id-disponibbiltà ta' kompjuters fuq skala exa operazzjonali fl-UE sas-sena 2022;

16. Jistieden lill-Kummissjoni tinċentiva l-parteċipazzjoni tal-SMEs u l-industriji Ewropej fil-manifattura ta' ħardwer u softwer tal-EDI, tagħti spinta lill-ekonomija tal-UE u tippromwovi t-tkabbir sostenibbli u l-ħolqien tal-impjiegi;

17. Jistieden lill-Kummissjoni taħdem mal-Istati Membri, u ma' dawk li jiffinanzjaw ir-riċerka, fid-disinn u l-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali għal governanza u finanzjament, filwaqt li tiżgura li riżorsi xierqa huma allokati għal din l-inizjattiva, u biex tiffaċilita l-koordinazzjoni ta' sforzi nazzjonali, filwaqt li tiġi evitata d-duplikazzjoni mhux meħtieġa u l-infiq;

18. Jaqbel li l-interoperabbiltà u l-portabbiltà tad-data huma essenzjali biex jiġu indirizzati sfidi soċjetali kbar li jirrikjedu kondiviżjoni effiċjenti tad-data u approċċ multidixxiplinarju u b'diversi atturi; jinnota li l-pjan ta' azzjoni previst fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Inizjattiva Ewropea dwar il-Cloud Computing (COM(2016)0178) huwa għodda meħtieġa biex titnaqqas il-frammentazzjoni u biex jiġi żgurat l-użu ta' data tar-riċerka skont il-prinċipju FAIR;

19. Jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta pjan ta' azzjoni, ibbażat fuq il-prinċipji ta' trasparenza u divulgazzjoni sħiħa, b'pakketti ta' ħidma u skedi ta' żmien ċari, li jiddefinixxu r-riżultati li għandhom jinkisbu, is-sorsi ta' finanzjament u l-partijiet interessati involuti matul il-proċess kollu;

20. Jappoġġja l-EOSC bħala parti mill-Inizjattiva Ewropea dwar il-Cloud Computing li se toħloq ambjent virtwali fejn ix-xjentisti u l-professjonisti mir-reġjuni kollha jistgħu jaħżnu, jikkondividu, jiġġestixxu, janalizzaw u jużaw mill-ġdid id-data tar-riċerka tagħhom, inkluża data tar-riċerka ffinanzjata minn fondi pubbliċi, b'mod interdixxiplinari u transfruntier, sabiex b'ħekk jingħata kontribut biex titneħħa l-frammentazzjoni tas-Suq Uniku; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tapplika approċċ komprensiv b'rabta max-xjenza miftuħa li jkun inklużiv fir-rigward tal-komunità tax-xjenza miftuħa u tax-xjentisti indipendenti, jipprovdi aktar ċarezza dwar id-definizzjonijiet użati fil-komunikazzjoni u, b'mod partikolari, joħloq distinzjoni ċara bejn l-Inizjattiva Ewropea dwar il-Cloud Computing u l-EUSC, u f'konformità ma' dan, jaġġorna l-leġiżlazzjoni biex jiffaċilita l-użu mill-ġdid tar-riżultati tar-riċerka;

21. Jemmen li l-Inizjattiva Ewropea dwar il-Cloud Computing tiżgura investimenti fl-oqsma tax-xjenza u r-riċerka sabiex jinħolqu l-inċentivi u l-għodda biex jaqsmu u jużaw id-data bl-aktar mod wiesa' possibbli, ibbażata fuq il-bini ta' cloud u infrastruttura tad-data sodi fl-Unjoni Ewropea;

22. Jenfasizza li l-SMEs huma fil-qalba tal-ekonomija tal-UE, u li hemm bżonn ta' aktar azzjonijiet sabiex tiġi promossa l-kompetittività globali tal-SMEs u n-negozji ġodda bil-għan li jinħoloq l-aħjar ambjent possibbli, b'data ta' kwalità għolja, analitika tad-data, servizzi siguri u kosteffiċjenza mistennija għall-użu ta' żviluppi teknoloġiċi ġodda promettenti;

23. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi bażi ekonomikament vijabbli għal Cloud Ewropea, u biex tieħu passi ċari biex jinkoraġixxu lill-SMEs joffru soluzzjonijiet kompetittivi għall-ipproċessar ta' data u ħżin f'faċilitajiet ibbażati fl-Istati Membri;

24. Ifakkar fir-riżultati pożittivi miksuba mill-istrutturi pan-Ewropej eżistenti u d-data miftuħa disponibbli fil-faċilitajiet nazzjonali tal-ħżin tad-data; jirrikonoxxi li għad hemm ħafna ostakli fis-Suq Uniku li mhux qed jippermettu l-użu sħiħ ta' din l-inizjattiva; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jeżaminaw il-potenzjal tad-data diġà disponibbli, u jiżguraw strateġija koerenti dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' din id-data madwar l-Istati Membri; jinnota li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jridu jesploraw il-ħtieġa ta' investimenti ulterjuri f'infrastruttura fiżika transfruntiera b'enfasi speċjali fuq il-kombinament ta' HPC, networks tal-broadband b'veloċità għolja u faċilitajiet ta' ħżin ta' data tal-massa sabiex tinħoloq ekonomija ta' suċċess immexxija mid-data Ewropea b'saħħitha; jistieden lill-Kummissjoni tanalizza sħubijiet globali mmexxija mill-industrija u sħubijiet internazzjonali oħra b'rabta ma' din il-kwistjoni;

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

25. Jinnota li l-użu tas-servizzi tal-cloud fost l-SMEs Ewropej jeħtieġ li jiġi inkoraġġit aktar; jinnota li fornituri tal-Cloud Ewropea jeħtieġu aktar appoġġ koordinat fil-parteċipazzjoni fid-dinja diġitali, fit-twessigħ tal-fiduċja min-naħa tal-utent u fit-tqajjim tal-kuxjenza dwar il-benefiċċji tal-adozzjoni tal-cloud computing;

26. Jenfasizza li l-aċċess għall-internet bil-broadband għan-negozji u ċ-ċittadini huwa element indispensabbli ta' data kompetittiva u ekonomija tal-għarfien fl-UE; jemmen, f'dan ir-rigward, li l-iżvilupp tal-cloud għandu jmur id f'id ma' inizjattivi li jżidu l-aċċess għall-internet bil-broadband għan-negozji u ċ-ċittadini, speċjalment f'żoni rurali;

27. Jinnota li l-azzjonijiet ta' edukazzjoni diġitali bejn il-ġenerazzjonijiet, inkluż il-ħiliet ċibernetiċi, huma kritiċi għall-iżvilupp tal-cloud sabiex jiġu indirizzati u tittieħed azzjoni fuq l-ogħla diskrepanzi fil-ħiliet tekniċi u f'dak li għandu x'jaqsam mal-effikaċja biex jinkisbu l-għanijiet diġitali; jilqa' l-proposti ppreżentati fi ħdan il-qafas tal-Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa tal-Kummissjoni adottata reċentament, u jissottolinja l-ħtieġa għal riżorsi finanzjarji xierqa;

28. Jemmen li negozji ġodda tal-cloud qed joħorġu b'soluzzjonijiet speċjalizzati biex jagħmlu l-cloud computing aktar rapidu, eħfef u aktar affidabbli, flessibbli u sigur;

29. Jenfasizza li l-HPC, li hija importanti għal żvilupp tal-cloud, għandha tiġi ttrattata bħala parti integrali mill-Infrastruttura Ewropea tad-Data matul l-ekosistema kollha, u li l-benefiċċji għandhom jiġu promossi b'mod wiesa';

30. Jinnota li l-involviment ta' istituzzjonijiet akkademiċi u ta' riċerka, u ta' partijiet interessati oħra, għandu jiġi mħeġġeġ bil-ħsieb li jinżammu u jiġu appoġġjati l-infrastrutturi integrati tad-data xjentifika u l-HPC;

31. Jinnota li, bis-servizzi eżistenti, u dawk li se jkunu offruti fil-futur mis-settur privat u mill-pajjiżi barra mill-UE, l-EOSC jeħtieġ jipprovdi kemm inċentivi kif ukoll servizzi ġodda li jkissru d-drawwa li ilha teżisti li jkun hemm dipendenza fuq prattiki ta' riċerka eżistenti;

32. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li jkun hemm enfasi fuq it-tkabbir Ewropew orjentat lejn il-futur biex tinbena industrija tal-cloud kompetittiva fl-UE; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li d-domanda tas-suq għal soluzzjonijiet cloud qed tkompli tiżdied, u li l-adozzjoni tal-cloud tiġi inkoraġġuta fl-industriji vertikali bħall-finanzi, it-tassazzjoni u s-sigurtà soċjali, il-manifattura, il-banek, is-saħħa, il-midja u d-divertiment, u l-agrikultura;

33. Jemmen li r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Datajipprovdi qafas għall-protezzjoni tad-data personali; jinnota, madankollu, li l-frammentazzjoni tal-implimentazzjoni tiegħu fl-Istati Membri se tagħmilha aktar diffiċli għar-riċerkaturi li jwettqu xogħolhom u jikkondividu s-sejbiet tagħhom, li min-naħa tagħhom se jimminaw l-isforzi biex jistabbilixxu l-kooperazzjoni bejn ir-riċerkaturi permessi permezz tal-cloud computing; jitlob, għalhekk, għall-implimentazzjoni u l-infurzar xierqa ta' dak ir-Regolament;

34. Jenfasizza li s-soluzzjonijiet taħt l-Inizjattiva Ewropea dwar il-Cloud Computing għandhom jiġu żviluppati filwaqt li jitqiesu d-drittijiet fundamentali minquxa fil-KDF, b'mod partikolari d-drittijiet tal-protezzjoni tad-data, il-privatezza, il-libertà u s-sigurtà;

35. Jinnota li l-ekonomija tad-data għadha fl-aktar stadji bikrija tagħha, li l-mudelli tan-negozju għadhom qed jiżviluppaw u li dawk li jeżistu diġà qegħdin jiġu mfixkla u fil-proċess ta' evoluzzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe leġiżlazzjoni f'dan il-qasam se tkun f'konformità mal-"prinċipju tal-innovazzjoni" teknoloġikament newtrali u mhux se timponi ostakli serji għall-innovazzjoni, id-diġitalizzazzjoni tal-industrija jew l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda bħall-IoT u l-intelliġenza artifiċjali (AI) fl-UE;

36. Jistieden lill-Kummissjoni taħdem mal-Istati Membri, u mal-partijiet interessati kollha, biex jipparteċipaw fl-identifikazzjoni tal-azzjonijiet ta' implimentazzjoni meħtieġa biex jiġi massimizzat il-potenzjal offrut mill-Inizjattiva Ewropea dwar il-Cloud Computing; jemmen li l-innovazzjoni miftuħa u x-xjenza miftuħa jinvolvu ħafna aktar atturi fil-proċess tal-innovazzjoni, mir-riċerkaturi għall-imprendituri, l-utenti, il-gvernijiet u s-soċjetà ċivili;

Il-cloud miftuħa tax-xjenza

37. Jinnota s-sottorappreżentanza ta' partijiet interessati ewlenin fid-diskussjonijiet u fi proġetti pilota fuq skala kbira; iqis li, filwaqt li jiġu evitati piżijiet amministrattivi, l-involviment attiv ta' partijiet interessati pubbliċi u privati, u tas-soċjetà ċivili fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-Unjoni jrid ikun prekundizzjoni għall-iskambju effikaċi tal-informazzjoni; jenfasizza li l-Inizjattiva Ewropea dwar il-Cloud Computing għandha tkun ta' benefiċċju u tissodisfa l-ħtiġijiet mhux biss tal-komunità xjentifika, iżda wkoll tal-industrija, inklużi l-SMEs u n-negozji l-ġodda, tal-amministrazzjonijiet pubbliċi u tal-konsumaturi;

38. Jenfasizza li l-iżvilupp tal-EOSC għandu jsir b'attenzjoni xierqa għad-drittijiet fundamentali minquxa fil-KDF, b'attenzjoni partikolari għad-drittijiet ta' protezzjoni tad-data, il-privatezza, il-libertà u s-sigurtà, u li huwa jrid jirrispetta l-prinċipji tal-privatezza fid-disinn u b'mod awtomatiku, u l-prinċipji tal-proporzjonalità, in-neċessità, il-minimizzazzjoni tad-data u l-limitazzjoni tal-fini; jirrikonoxxi li l-applikazzjoni ta' salvagwardji addizzjonali, bħall-psewdonimizzazzjoni, l-anonimizzazzjoni jew il-kriptografija, inkluż il-kriptaġġ, tista' tnaqqas ir-riskji u ssaħħaħ il-protezzjoni għas-suġġetti tad-data meta d-data personali tintuża f'applikazzjonijiet tad-data kbar jew mill-cloud computing; ifakkar li l-anonimizzazzjoni tikkostitwixxi proċess irreversibbli, u jitlob lill-Kummissjoni tħejji linji gwida dwar kif għandha tiġi anonimizzata d-data; itenni l-ħtieġa għal protezzjoni speċjali għal data sensittiva f'konformità ma' leġiżlazzjoni eżistenti; jenfasizza li l-prinċipji msemmija hawn fuq, flimkien ma' standards għolja ta' kwalità, affidabbiltà u kunfidenzjalità, huma meħtieġa biex tiġi żgurata l-fiduċja tal-konsumaturi fl-Inizjattiva Ewropea dwar il-Cloud Computing;

39. Jenfasizza li l-Inizjattiva Cloud Miftuħa tax-Xjenza għandha twassal għal cloud affidabbli għal kulħadd: ix-xjentisti, in-negozji u s-servizzi pubbliċi;

40. Jinnota li hemm ħtieġa li titrawwem pjattaforma kollaborattiva miftuħa, affidabbli għall-ġestjoni, l-analiżi, l-iskambju, l-użu mill-ġdid u l-preservazzjoni tad-data tar-riċerka li fuqha s-servizzi innovattivi jistgħu jiġu żviluppati u mwassla taħt ċerti termini u kundizzjonijiet;

41. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jesploraw oqfsa xierqa ta' governanza u finanzjament, iqisu biżżejjed l-inizjattivi eżistenti, is-sostenibbiltà tagħhom u l-abbiltà tagħhom li jrawmu kundizzjonijiet ekwi madwar l-Ewropa kollha; jenfasizza li l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw jintegraw il-programmi ta' finanzjament nazzjonali tagħhom mal-programmi ta' finanzjament tal-UE;

42. Jistieden lill-Kummissjoni tanalizza l-firxa sħiħa ta' sorsi finanzjarji għall-istabbiliment tal-EOSC u ssaħħaħ strumenti eżistenti biex tiżgura żvilupp iktar rapidu, b'enfasi partikolari fuq l-aħjar prattiki;

43. Jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li r-riċerka u d-data xjentifika kollha prodotta mill-programm Orizzont 2020 tkun miftuħa b'mod awtomatiku, u jitlob lill-Istati Membri jadattaw il-programmi ta' riċerka nazzjonali tagħhom f'dan is-sens;

44. Jifhem li l-EOSC se jippromwovi x-xjenza diġitali billi jintegra l-IT bħala servizz lis-settur tar-riċerka pubblika fl-UE; jappella għal "mudell federali tal-cloud tax-xjenza" li jiġbor flimkien l-organizzazzjonijiet tar-riċerka pubblika, il-partijiet interessati, l-SMEs, in-negozji l-ġodda u l-infrastrutturi elettroniċi b'fornituri kummerċjali sabiex tinbena pjattaforma komuni li toffri firxa ta' servizzi lill-komunitajiet ta' riċerka tal-UE;

45. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, b'kooperazzjoni ma' partijiet interessati oħra, jistabbilixxu pjan direzzjonali biex, malajr kemm jista' jkun, jagħtu skeda ta' żmien ċara għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet previsti fl-EOSC;

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

46. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta bir-reqqa l-ħtiġijiet tar-riċerkaturi pubbliċi Ewropej sabiex tidentifika lakuni possibbli fil-provvista tal-infrastruttura cloud fl-UE; jemmen li, jekk jiġu identifikati lakuni, il-Kummissjoni għandha tistieden lill-forniturі Ewropej tal-infrastruttura cloud jikkondividu l-pjanijiet direzzjonali ta' żvilupp b'tali mod li jivvalutaw jekk l-investimenti privati huma biżżejjed biex jindirizzaw tali lakuni, jew jekk hux meħtieġ aktar finanzjament pubbliku biex jingħalqu;

47. Jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li r-riċerka u d-data xjentifika kollha prodotta mill-programm Orizzont 2020 għandha tibbenefika lin-negozji Ewropej u l-pubbliku; huwa favur bidla fl-istrutturi tal-inċentivi għall-akkademiċi, l-industrija u s-servizzi pubbliċi biex jiskambjaw id-data tagħhom u t-titjib tal-ġestjoni tad-data, it-taħriġ, il-ħiliet fl-inġinerija u l-litteriżmu;

48. Jilqa' l-fatt li l-Inizjattiva tal-Cloud tiffoka fuq il-bini ta' netwerks fuq medda ta' frekwenza għolja, faċilitajiet ta' ħżin fuq skala kbira, informatika ta' prestazzjoni għolja u ekosistema Ewropea tal-big data;

49. Jenfasizza li l-iżvilupp tal-5G, kif ukoll ir-regoli tal-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, għandhom jagħmlu l-EOSC aktar attraenti billi joffru internet ta' kwalità għolja u infrastruttura ġdida u ta' kwalità għolja;

50. Japprova l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li l-Unjoni tkun kapaċi tiġġestixxi ammonti kbar ta' data, b'infrastrutturi mħaddma minn servizzi li jużaw data f'ħin reali minn sensuri jew applikazzjonijiet li jgħaqqdu d-data minn sorsi differenti; jinnota li l-Inizjattiva Ewropea dwar il-Cloud Computing għandha l-għan li tiżgura ħidma aħjar u aktar armonizzata fuq l-iżvilupp tal-infrastruttura;

51. Jappoġġja l-iżvilupp ulterjuri tan-netwerk GÉANT bil-għan li dan isir l-iktar netwerk internazzjonali avvanzat u ż-żamma tar-rwol tat-tmexxija tal-UE fir-riċerka;

52. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkoordinaw ma' partijiet interessati sabiex titnaqqas il-frammentazzjoni tal-infrastrutturi diġitali billi jistabbilixxu pjan direzzjonali għal azzjonijiet u għal struttura b'saħħitha ta' governanza li tinvolvi finanzjaturi, xerrejja u utenti, u jenfasizza l-ħtieġa li jiġu promossi l-prinċipji tax-xjenza miftuħa għall-ġestjoni u l-iskambju ta' data mingħajr ma tixxekkel l-innovazzjoni u mingħajr ma jkun hemm ksur tal-privatezza u tal-propjetà intellettwali fl-era diġitali;

53. Jenfasizza l-importanza li t-twaqqif tal-Inizjattiva Ewropea dwar il-Cloud Computing ikun ibbażat fuq l-elementi kostitwenti tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, b'mod partikolari l-karti tal-identità elettroniċi u l-firem elettroniċi, bil-għan li tissaħħaħ il-fiduċja tal-utenti fil-komunikazzjonijiet elettroniċi siguri, interoperabbli u mingħajr xkiel madwar l-Unjoni;

54. Jistieden lill-Kummissjoni talloka aktar riżorsi lejn it-tisħiħ tar-riċerka, l-iżvilupp, l-innovazzjoni u t-taħriġ Ewropej fil-qasam tal-cloud computing, filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa għal infrastruttura u proċessi li jissalvagwardjaw id-data miftuħa u l-privatezza tal-utenti;

55. Jinsisti li l-istandards għandhom jippermettu l-portabbiltà faċli u sħiħa, u grad għoli ta' interoperabbiltà, bejn is-servizzi tal-cloud;

56. Jemmen b'mod qawwi li l-inizjattiva Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa għandha tistrieħ fuq standards miftuħa biex tiżgura interoperabbiltà u komunikazzjoni bla xkiel, u biex jiġi evitat lock-in;

57. Jenfasizza li l-użu ta' standards miftuħa u ta' softwer mingħajr ħlas u minn sors miftuħ huwa partikolarment importanti biex tiġi żgurata t-trasparenza meħtieġa dwar kif data personali u tipi oħra ta' data sensittiva fil-fatt qed jiġu mħarsa;

58. Jinnota li l-ekonomija Ewropea qed isserraħ dejjem iktar fuq is-setgħa ta' superkompjuters biex toħloq soluzzjonijiet innovattivi, tnaqqas l-ispejjeż u tnaqqas iż-żmien fejn prodotti u servizzi jiġu kkumerċjalizzati; jappoġġja l-isforzi tal-Kummissjoni biex toħloq sistema ta' superkompjuter fuq skala exa bbażata fuq teknoloġija tal-ħardwer Ewropea;

59. Jemmen li l-Ewropa teħtieġ ekosistema HPC sħiħa biex jinkisbu superkompjuters tal-ogħla kwalità, tiżgura sistema tal-provvista HPC u tipprovdi servizzi HPC għall-industrija u l-SMEs għal simulazzjoni, viżwalizzazzjoni u prototipi; iqis li huwa ta' importanza fundamentali għall-UE li tikklassifika fost l-ewwel setgħat tas-superkomputerizzazzjoni fid-dinja sal-2022;

60. Jemmen li l-Pjattaforma Ewropea għat-Teknoloġija u s-Sħubija Pubblika-Privata kuntrattwali (cPPP) dwar l-HPC huma kruċjali għad-definizzjoni tal-prijoritajiet tar-riċerka tal-UE fl-iżvilupp ta' teknoloġija Ewropea fis-setturi kollha tas-soluzzjoni tal-HPC fil-katina tal-provvista;

61. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni, f'konformità mal-Quantum Manifesto, biex tniedi inizjattiva fuq skala ewlenija ta' EUR 1 biljun fit-teknoloġija quantum;

62. Ifakkar lill-Kummissjoni li l-industrija tas-servizzi tal-cloud diġà investiet biljuni ta' euro fil-bini ta' infrastruttura mill-aqwa fl-Ewropa; jirrimarka li x-xjenzati u r-riċerkaturi tal-UE llum jistgħu jużaw infrastruttura cloud li toffrilhom l-abbiltà li jesperimentaw u jinnovaw malajr billi jaċċessaw varjetà wiesgħa ta' servizzi, iħallsu biss għal dak li jużaw, biex b'ħekk inaqqsu d-dewmien għax-xjenza; jinnota li l-appoġġ kritiku tal-UE għar-riċerka u l-iżvilupp m'għandux jinħela fuq id-duplikazzjoni ta' riżorsi eżistenti, iżda minflok fuq l-inkoraġġiment ta' riżultati rivoluzzjonarji f'oqsma ġodda xjentifiċi li jistgħu jagħtu spinta lit-tkabbir u lill-kompetittività;

63. Jenfasizza li l-komunità xjentifika għandha bżonn ta' sors miftuħ, sikur u sigur ta' infrastruttura ta' kapaċità għolja bil-għan li tiġi avvanzata r-riċerka u jiġu evitati ksur tas-sigurtà potenzjali, attakki ċibernetiċi jew użu ħażin tad-data personali, speċjalment meta jinġabru, jinħażnu u jiġu pproċessati ammonti kbar ta' data; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw u jinċentivaw l-iżvilupp tat-teknoloġija meħtieġa, inklużi t-teknoloġiji ta' kriptografija, filwaqt li jitqies l-approċċ tas-"sigurtà bid-disinn"; jappoġġja l-isforzi tal-Kummissjoni għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni – fost l-awtoritajiet pubbliċi, l-industrija Ewropea (inklużi l-SMEs u n-negozji l-ġodda), ir-riċerkaturi u l-akkademiċi fil-qasam tal-ammonti kbar ta' data u ċ-ċibersigurtà – mill-istadji bikrija tal-proċess ta' riċerka u innovazzjoni, sabiex jippermetti l-ħolqien ta' soluzzjonijiet Ewropej innovattivi u affidabbli u opportunitajiet tas-suq, filwaqt li jiġi żgurat livell adegwat ta' sigurtà;

64. Jemmen li l-iżvilupp ta' standards ċari għall-interoperabbiltà cloud, il-portabbiltà tad-data u l-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz żgur se jiżguraw ċertezza u trasparenza kemm għall-forniturituri tal-cloud kif ukoll għall-utenti aħħarin;

65. Jenfasizza li l-affidabbiltà, is-sigurtà u l-protezzjoni tad-data personali huma meħtieġa biex tiġi żgurata l-fiduċja tal-konsumatur, b'din il-fiduċja tkun bażi għal kompetittività b'saħħitha;

66. Jinnota li l-industrija għandha taqdi rwol ewlieni fl-iżvilupp ta' standards aċċettati b'mod wiesa' adatti għall-era diġitali, u li tali standards jistgħu jagħtu lill-forniturituri tal-cloud il-kunfidenza biex jibqgħu jinnovaw, u lill-utenti l-kunfidenza biex jadottaw aktar is-servizzi tal-cloud fil-livell tal-Unjoni;

67. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu rwol ta' tmexxija fil-promozzjoni ta' interoperabbiltà intersettorjali, translingwistika u transfruntiera u ta' standards cloud, u fl-appoġġ ta' servizzi tal-cloud li jirrispettaw il-privatezza, affidabbli, siguri u effiċjenti fl-enerġija bħala parti integrali ta' strateġija komuni li tiffoka fuq il-massimizzazzjoni tal-opportunitajiet għall-iżvilupp ta' standards li għandhom il-kapaċità li jsiru standards dinjija;

68. Jinnota li huwa meħtieġ pjan ta' azzjoni dwar l-interoperabbiltà tad-data biex tiġi sfruttata l-kwantità għolja ta' data li x-xjentisti Ewropej jipproduċu u biex jittejjeb l-użu mill-ġdid ta' din id-data fix-xjenza u l-industrija; jistieden lill-Kummissjoni taħdem ma' partijiet interessati xjentifiċi ewlenin biex jipproduċu sistemi effikaċi li jagħmlu d-data – inkluża meta-data, speċifikazzjonijiet komuni u identifikaturi tal-oġġett tad-data – li tista' tinstab, aċċessibbli, interoperabbli u li tista' tintuża mill-ġdid (FAIR);

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

69. Jinnota li l-UE qiegħda tonqos milli tinvesti fl-ekosistema HPC tagħha sal-istess punt bħal kif qed isir f'reġjuni oħra tad-dinja, u dan mhuwiex f'konformità mal-potenzjal ekonomiku u ta' għarfien tagħha;

70. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-interoperabbiltà, u tevita sitwazzjonijiet ta' lock-in tal-bejjiegħa, billi tħeġġeġ fornituri diversi tal-cloud fl-Ewropa biex joffru għażla ta' servizzi tal-infrastruttura kompetittivi, interoperabbli u portabbli;

71. Jitlob għal miżuri biex tiġi ppreservata sistema ta' standardizzazzjoni ta' kwalità għolja li tista' tattira l-aħjar kontribuzzjonijiet fit-teknoloġija; jitlob lill-Kummissjoni tadotta politiki li jneħħu l-ostakli eċċessivi fis-setturi innovattivi sabiex tinċentivizza investimenti fir-riċerka u fl-iżvilupp, u fl-istandardizzazzjoni madwar l-Unjoni kollha;

72. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni timmassimizza l-isforzi tagħha biex ikun evitat il-lock-in tal-bejjiegħa fuq is-suq diġitali mill-bidu, speċjalment f'oqsma emerġenti bħall-Inizjattiva Ewropea dwar il-Cloud Computing;

73. Jirrikonoxxi l-importanza tal-interoperabbiltà u tal-istandards biex tingħata spinta lill-kompetittività fis-settur tal-ICT; jitlob lill-Kummissjoni tidentifika lakuni fl-istandards EOSC, inkluż fir-rigward tal-SMEs, in-negozji l-ġodda u s-setturi Ewropej ewlenin; jappoġġja l-iżvilupp ta' standards immexxija mis-suq, volontarji, newtrali mil-lat tat-teknoloġija, trasparenti, kompatibbli b'mod globali u rilevanti għas-suq;

74. Iqis li l-programm ISA[2] joffri opportunità li jiġu żviluppati standards ta' interoperabbiltà għall-ġestjoni tal-big data fi ħdan l-amministrazzjonijiet pubbliċi u fit-trattattivi tagħhom man-negozji u ċ-ċittadini;

75. Jirrikonoxxi li l-istandards għandhom jirriflettu l-ħtiġijiet reali tal-industrija u ta' partijiet ikkonċernati oħra; jenfasizza li huwa essenzjali li jiġu żviluppati standards komuni ta' livell għoli u li jintlaħaq qbil dwarhom sabiex jiġi żgurat użu effiċjenti u l-kondiviżjoni tad-data lil hinn mill-fruntieri nazzjonali, l-istituzzjonijiet u d-dixxiplini individwali; jistieden lill-Kummissjoni tidentifika, fejn xieraq, l-aħjar skemi ta' ċertifikazzjoni fl-Istati Membri, bil-għan li jiġu stabbiliti, bl-involviment ta' partijiet interessati rilevanti, sett ta' standards immexxija mid-domanda, pan-Ewropej li jiffaċilita l-iskambju tad-data u li huwa bbażat fuq standards miftuħa u globali kull meta ġġustifikat; jenfasizza li l-azzjonijiet meħuda fir-rigward tal-Inizjattiva Ewropea dwar il-Cloud Computing jridu jiżguraw li l-ħtiġijiet tas-Suq Uniku jittieħdu inkonsiderazzjoni u li dan is-suq jibqa' aċċessibbli b'mod globali u jkun risponsiv għall-evoluzzjoni teknoloġika;

76. Jappoġġja l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tneħħi l-ostakli, speċjalment dawk tekniċi u ġuridiċi, għall-moviment liberu tad-data u tas-servizzi tad-data, li tneħħi wkoll ir-rekwiżiti sproporzjonati tal-lokalizzazzjoni tad-data, u li tippromwovi l-interoperabbiltà tad-data billi torbot l-Inizjattiva Ewropea dwar il-Cloud Computing mal-Inizjattiva dwar il-Fluss Liberu tad-Data; iqis li, sabiex tinkiseb soċjetà diġitali, il-fluss liberu tad-data jrid jitqies bħala l-ħames libertà fi ħdan is-Suq Uniku; jinnota li qafas ġuridiku ċar, kompetenzi u riżorsi suffiċjenti relatati mal-ġestjoni ta' big data, kif ukoll ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali rilevanti huma prerekwiżiti biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-cloud computing; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkoopera mal-partijiet interessati, speċjalment mal-industrija, biex jiġu identifikati l-opportunitajiet ta' taħriġ fil-qasam tal-big data u tal-kodifikazzjoni anki fl-ambitu tal-Aġenda Ġdida għall-Ħiliet, u toħloq inċentivi għall-partijiet interessati, b'mod partikolari l-SMEs u n-negozji l-ġodda, biex jużaw, jifthu u jikkondividu data fis-Suq Uniku;

77. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni, f'konformità mal-Quantum Manifesto biex tniedi inizjattiva fuq skala ewlenija ta' EUR 1 biljun fit-teknoloġija quantum; jenfasizza, madankollu, li sabiex jitħaffef l-iżvilupp tagħhom u l-prodotti kummerċjali jitressqu lejn l-utenti pubbliċi u privati, konsultazzjoni mal-partijiet interessati li hija trasparenti u miftuħa hi kruċjali;

Il-kondiviżjoni tad-data miftuħa, il-kondiviżjoni tad-data tar-riċerka

78. Jilqa' l-fatt li l-iżvilupp tal-EOSC se jippermetti lir-riċerkaturi u lill-professjonisti tax-xjenza dwar post fejn jaħżnu, jikkondividu, jużaw u jużaw mill-ġdid id-data, u jista' jistabbilixxi l-pedament għal innovazzjoni mmexxija mid-data fl-UE; jenfasizza li l-benefiċċji ta' kondiviżjoni tad-data ġew rikonoxxuti b'mod wiesa';

79. Jinnota li d-data saret essenzjali għat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livell lokali, nazzjonali u globali; jinnota li l-kondiviżjoni tad-data għandha wkoll benefiċċji importanti għall-awtoritajiet lokali u reġjonali, u l-ftuħ tad-data tal-gvern isaħħaħ id-demokrazija u joħloq opportunitajiet kummerċjali ġodda;

80. Jappoġġja l-isforzi tal-Kummissjoni, flimkien ma' dawk tar-riċerkaturi u l-akkademiċi tal-industrija Ewropea, biex jiżviluppaw is-Sħubija Pubblika-Privata (PPP) tal-Valur tal-Big Data, f'sinerġija mas-cPPP dwar l-HPC li ssaħħaħ il-bini tal-komunità madwar id-data u l-HPC u tistabbilixxi l-bażi għal ekonomija ta' suċċess immexxija mid-data fl-UE; jappoġġja l-PPP taċ-ċibersigurtà li trawwem kooperazzjoni bejn atturi pubbliċi u privati fi stadji bikrija tal-proċess ta' riċerka u innovazzjoni sabiex ikun jistgħu jiġu aċċessati soluzzjonijiet Ewropej innovattivi u affidabbli;

81. Jenfasizza li l-Kummissjoni għandha tikkoordina mill-qrib, u kemm jista' jkun malajr, mas-sħab tal-industrija, speċjalment l-SMEs u n-negozji l-ġodda, sabiex tiggarantixxi li r-rekwiżiti tan-negozji u tal-industrija huma indirizzati u integrati b'mod adegwat fl-istadju aktar tard tal-inizjattiva;

82. Jinkoraġġixxi l-amministrazzjonijiet pubbliċi jikkunsidraw servizzi tal-cloud li huma sikuri, affidabbli u siguri billi jipprovdu qafas ġuridiku ċar u billi jaħdmu aktar biex jiżviluppaw skemi ta' ċertifikazzjoni speċifiċi għall-cloud; jinnota li n-negozji u l-konsumaturi għandhom bżonn li jħossuhom kunfidenti fl-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda;

83. Jemmen li l-amministrazzjonijiet pubbliċi għandu jkollhom aċċess miftuħ għal data pubblika tal-gvern b'mod awtomatiku; jitlob li jsir progress f'li jiġi determinat il-grad u l-pass tar-rilaxx tal-informazzjoni bħala data miftuħa, fl-identifikazzjoni ta' settijiet ta' data ewlenin li jsiru disponibbli u fil-promozzjoni tal-użu mill-ġdid tad-data miftuħa f'forma miftuħa;

84. Jinnota li t-tkabbir enormi fit-teknoloġiji diġitali huwa l-mutur ewlieni għall-ġenerazzjoni ta' flussi massivi ta' data mhux ipproċessata f'ambjenti cloud, u li dan il-ġbir enormi ta' flussi ta' data mhux ipproċessata f'sistemi ta' big data żied il-kumplessità komputazzjonali u l-konsum tar-riżorsi f'sistemi tal-estrazzjoni ta' data cloud-enabled; jinnota, barra minn hekk, li l-kunċett ta' kondiviżjoni tad-data ibbażat fuq mudell, jippermetti pproċessar tad-data lokali viċin is-sorsi tad-data u jittrasforma l-flussi ta' data mhux ipproċessata f'mudelli ta' għarfien azzjonabbli; ifakkar li dawn il-mudelli ta' għarfien għandhom utilità doppja f'dak li jikkonċerna d-disponibbiltà tal-mudelli ta' għarfien għal azzjonijiet immedjati kif ukoll għal kondiviżjoni ta' data parteċipatorja f'ambjenti cloud;

85. Japprova l-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Mejju 2016 dwar it-tranżizzjoni lejn sistema ta' xjenza miftuħa, b'mod partikolari l-konklużjoni li l-prinċipju sottostanti għall-aħjar użu mill-ġdid tad-data tar-riċerka għandu jkun "miftuħ kemm jista' jkun, magħluq kif meħtieġ";

Estrazzjoni ta' test u ta' data

86. Jenfasizza li d-disponibbiltà sħiħa tad-data pubblika fi ħdan l-EOSC mhix se tkun biżżejjed biex jitneħħew l-ostakli kollha bbażati fuq id-data tar-riċerka;

87. Jinnota li l-inizjattiva għandha bżonn tkun ikkumplimentata minn qafas modern tad-drittijiet tal-awtur li għandu jippermetti t-tneħħija tal-frammentazzjoni u n-nuqqas ta' interoperabbiltà mill-proċess Ewropew tad-data tar-riċerka;

88. Jemmen li l-inizjattiva għandha tippreserva l-bilanċ bejn id-drittijiet tar-riċerkaturi u dawk tad-detenturi tad-drittijiet u atturi oħra fil-qasam xjentifiku, bil-garanzija tar-rispett sħiħ tad-drittijiet tal-awturi u l-pubblikaturi, filwaqt li fl-istess ħin tiġi appoġġjata riċerka innovattiva fl-Ewropa;

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

89. Jemmen li d-data tar-riċerka tista' tiġi kondiviża fi ħdan l-EOSC mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-awtur li huma proprjetà tar-riċerkaturi jew tal-istituzzjonijiet ta' riċerka, billi jiġu stabbiliti mudelli ta' liċenzjar meta meħtieġ; jemmen li l-aħjar prattiki f'dan ir-rigward qed jiġu stabbiliti fi ħdan il-proġett pilota dwar l-aċċess miftuħ għad-data tar-riċerka (Open Research Data Pilot) ta' Orizzont 2020;

90. Jemmen li d-Direttiva Database 96/9/KE, li jeħtieġ li tiġi rieżaminata, tillimita l-użu ta' data mingħajr evidenza li toħloq valur ekonomiku jew xjentifiku miżjud;

Il-protezzjoni tad-data, id-drittijiet fundamentali u s-sigurtà tad-data

91. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu azzjoni biex tippromwovi l-armonizzazzjoni ulterjuri tal-liġijiet fl-Istati Membri biex tevita konfużjoni u frammentazzjoni ġurisdizzjonali, u biex tiżgura li jkun hemm trasparenza fis-suq uniku diġitali;

92. Jemmen li l-Unjoni Ewropea qiegħda fuq quddiem nett fir-rigward tal-protezzjoni tal-privatezza, u tirrakkomanda livell għoli ta' protezzjoni tad-data madwar id-dinja;

93. Jenfasizza li huwa meħtieġ approċċ ikkoordinat li għandu jittieħed mill-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data, dawk li jfasslu l-politika u l-industrija, għall-benefiċċju tal-organizzazzjonijiet f'din it-tranżizzjoni billi jipprovdu għodod ta' konformità u interpretazzjoni u applikazzjoni uniformi tal-obbligi, u billi jqajmu kuxjenza dwar il-kwistjonijiet ewlenin għaċ-ċittadini u n-negozji;

94. Jenfasizza li l-UE hija importatur u esportatur dinji ta' servizzi diġitali, u li teħtieġ cloud computing b'saħħtu u ekonomija mmexxija mid-data qawwija biex tkun kompetittiva; jistieden lill-Kummissjoni tieħu rwol ta' tmexxija fl-isforzi tagħha lejn il-ħolqien ta' standards aċċettati b'mod globali u uniformi tal-protezzjoni tad-data personali;

95. Jemmen li l-flussi tad-data globali huma indispensabbli għall-kummerċ internazzjonali u t-tkabbir ekonomiku, u li l-inizjattiva tal-Kummissjoni dwar il-fluss liberu tad-data għandha tippermetti lill-kumpaniji li joperaw fl-Ewropa – u b'mod partikolari fis-settur dejjem jikber tal-cloud computing – biex ikunu minn ta' quddiem fit-tellieqa globali tal-innovazzjoni; jenfasizza li l-inizjattiva għandha wkoll l-għan li tneħħi kwalunkwe restrizzjoni arbitrarja dwar fejn il-kumpaniji għandhom isibu l-infrastruttura jew jaħżnu d-data, peress li tali restrizzjonijiet ixekklu l-iżvilupp tal-ekonomija tal-Ewropa;

96. Jemmen li l-leġiżlazzjoni attwali tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data, b'mod partikolari r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data adottat reċentement u d-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data (id-Direttiva (UE) 2016/680) ([1]), tipprovdi salvagwardji b'saħħithom għall-protezzjoni tad-data personali, inkluża dik miġbura, aggregata u psewdonimizzata għal skopijiet ta' riċerka xjentifika u data sensittiva relatata mas-saħħa, flimkien ma' kundizzjonijiet speċifiċi rigward il-pubblikazzjoni u l-iżvelar tagħha, id-dritt tas-suġġetti tad-data li joġġezzjonaw għall-ipproċessar ulterjuri, u regoli dwar l-aċċess għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fil-kuntest ta' investigazzjonijiet kriminali; jistieden lill-Kummissjoni tqis dawn is-salvagwardji għall-iżvilupp tal-EOSC u l-implimentazzjoni ta' regoli li jirregolaw l-aċċess għal data maħżuna fih; jirrikonoxxi li approċċ armonizzat fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, inklużi l-linji gwida, l-għodod tal-konformità u l-kampanji ta' sensibilizzazzjoni għaċ-ċittadini, riċerkaturi u negozji, huwa kruċjali, speċjalment għall-iżvilupp tal-EOSC u l-faċilitazzjoni tal-kooperazzjoni fir-riċerka, inkluż permezz ta' informatika ta' prestazzjoni għolja;

97. Iqis li l-fluss liberu tad-data huwa ta' benefiċċju għall-ekonomija diġitali u l-iżvilupp tax-xjenza u r-riċerka; jenfasizza li l-inizjattiva tal-Kummissjoni dwar il-fluss liberu tad-data għandha tippermetti lis-settur Ewropew tal-cloud computing li dejjem jikber li jkun minn ta' quddiem fit-tellieqa globali għall-innovazzjoni, inkluż għal finijiet ta' xjenza u innovazzjoni; ifakkar li kwalunkwe trasferiment ta' data personali lejn l-infrastrutturi tal-cloud jew reċipjenti oħra li jinsabu 'l barra mill-Unjoni għandu jirrispetta r-regoli għat-trasferimenti previst fir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, u li l-inizjattiva tal-Kummissjoni dwar il-fluss liberu tad-data għandha tkun f'konformità ma' dawn id-dispożizzjonijiet; jenfasizza li l-inizjattiva għandha timmira wkoll li tnaqqas ir-restrizzjonijiet fir-rigward tal-post fejn il-kumpaniji għandhom

([1]) ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89.

infrastruttura jew jaħżnu data, peress li dawn ixekklu l-iżvilupp tal-ekonomija tal-Ewropa u jipprevjenu lil xjenzati milli jgawdu l-benefiċċji sħaħ ta' xjenza mmexxija mid-data, filwaqt li jinżammu restrizzjonijiet skont il-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data sabiex jiġu evitati abbużi possibbli fil-futur fir-rigward tal-EOSC;

98. Jemmen bis-sħiħ li l-Unjoni għandha tkun fuq quddiem fir-rigward tas-sigurtà u l-protezzjoni tad-data personali, inkluża data sensittiva, u għandha tippromwovi livell għoli ta' protezzjoni tad-data u ta' sigurtà tad-data madwar id-dinja; jemmen li l-qafas tal-protezzjoni tad-data tal-UE, flimkien ma' strateġija ta' ċibersigurtà inklużiva li tiżgura infrastrutturi affidabbli tad-data li huma protetti kontra t-telf tad-data, interferenza jew attakki, jistgħu jirrappreżentaw vantaġġ kompetittiv għal kumpaniji Ewropej fir-rigward tal-privatezza; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li l-EOSC jippreserva l-indipendenza u l-oġġettività xjentifika tar-riċerka, kif ukoll jipproteġi x-xogħol tal-komunità xjentifika fi ħdan l-Unjoni;

99. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li t-tħassib dwar id-drittijiet fundamentali, il-privatezza, il-protezzjoni tad-data, id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u l-informazzjoni sensittiva jiġu ttrattati b'konformità stretta mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data u mad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data (95/46/KE); jenfasizza li t-theddid għas-sigurtà tal-infrastruttura tal-cloud computing saru aktar internazzjonali, mifruxa u kumplessi, qed ixekklu l-użu aktar intensiv tagħha, u jirrikjedu kooperazzjoni Ewropea; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri biex, f'konsultazzjoni mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ENISA), jikkooperaw sabiex tiġi stabbilita infrastruttura diġitali sikura u affidabbli u jinkisbu livelli għolja ta' ċibersigurtà b'konformità mad-Direttiva dwar l-NIS;

100. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li din l-inizjattiva tkun adattata għall-iskop tagħha, tħares 'il barra, valida għall-futur u teknoloġikament newtrali, u jenfasizza l-fatt li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jridu jieħdu rwol ta' tmexxija fis-suq u mill-industrija tal-cloud computing innifisha sabiex jilħqu d-domandi attwali u futuri tas-settur bl-aħjar mod, u biex jixprunaw l-innovazzjoni f'teknoloġiji bbażati fuq il-cloud;

101. Jinnota l-potenzjal tal-big data biex toħloq innovazzjoni teknoloġika u tibni l-ekonomija tal-għarfien; jinnota li t-tnaqqis tal-ostakli u l-kondiviżjoni tal-għarfien se jagħti spinta lill-kompetittività tan-negozji filwaqt li jkun ta' benefiċċju wkoll għall-awtoritajiet lokali u reġjonali; jenfasizza l-importanza li tiġi ffaċilitata l-portabbiltà tad-data;

102. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaħdmu ma' inizjattivi li jiffissaw standards u li huma mmexxija mill-industrija biex jiżguraw li s-suq uniku jibqa' aċċessibbli għall-pajjiżi terzi u risponsiv għall-evoluzzjoni teknoloġika, jevita ostakli li se jxekklu l-innovazzjoni u l-kompetittività fl-Ewropa; jinnota li l-iffissar ta' standards f'dak li jirrigwardja l-privatezza u s-sigurtà tad-data huwa relatat mill-qrib mal-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni, u li l-awtoritajiet nazzjonali għandhom rwol ewlieni x'jaqdu;

103. Jisħaq li jrid ikun hemm kunsiderazzjoni tal-inizjattivi eżistenti biex tiġi evitata d-duplikazzjoni li tista' xxekkel il-ftuħ, il-kompetizzjoni u t-tkabbir, u li standards xprunati mis-suq, pan-Ewropej għall-kondiviżjoni tad-data jridu jkunu f'konformità mal-istandards internazzjonali;

104. Jenfasizza l-bżonn li jinstab bilanċ bejn it-tħassib leġittimu dwar il-protezzjoni tad-data u l-bżonn li jiġi żgurat "fluss liberu tad-data" mhux sfruttat; jisħaq dwar il-ħtieġa li regoli eżistenti dwar il-protezzjoni tad-data jiġu rrispettati f'suq miftuħ tal-big data;

105. Jappoġġja l-proposta li tagħmel id-data tar-riċerka miftuħa l-opzjoni awtomatika għal proġetti ġodda ta' Orizzont 2020, peress li d-data tar-riċerka ffinanzjata pubblikament hija ġid pubbliku, prodott fl-interess pubbliku u għandha tkun disponibbli b'mod miftuħ, b'kemm jista' jkun ftit restrizzjonijiet u mingħajr dewmien u b'mod responsabbli;

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

106. Jinnota li l-Inizjattiva Ewropea dwar il-Cloud Computing tiffoka fuq setturi potenzjalment sensittivi ta' R&D u e-Portals tal-gvern; itenni li l-aħjar mod li bih tiġi ttrattata ċ-ċibersigurtà għas-servizzi tal-cloud huwa permezz tal-qafas tad-Direttiva dwar l-NIS;

107. Jinnota l-importanza li tiġi ffaċilitata l-interoperabbiltà ta' tagħmir differenti fi ħdan in-netwerks, l-għoti ta' garanzija ta' sigurtà u l-promozzjoni ta' ktajjen tal-forniment tal-komponenti, kollha kemm huma importanti għall-kummerċjalizzazzoni tat-teknoloġija;

o

o o

108. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

P8_TA(2017)0053

Investiment fl-impjiegi u fit-tkabbir – il-massimizzazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2017 dwar l-investiment f'impjiegi u tkabbir – nimmassimizzaw il-kontribuzzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej: evalwazzjoni tar-rapport skont l-Artikolu 16(3) tas-CPR (2016/2148(INI))

(2018/C 252/27)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 174 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (minn hawn 'il quddiem 'ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni') ([1]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1301/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw l-Investiment li għandu fil-mira t-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1080/2006 ([2]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006 ([3]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 ([4]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea ([5]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1302/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1082/2006 dwar raggruppament Ewropew ta' kooperazzjoni territorjali (REKT) fir-rigward tal-kjarifika, is-simplifikazzjoni u t-titjib għat-twaqqif u l-funzjonament ta' tali raggruppamenti ([6]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 (UE) u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]),

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320.
([2]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 289.
([3]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 470.
([4]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487.
([5]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 259.
([6]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 303.
([7]) ĠU L 149, 20.5.2014, p. 1.

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investiment u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 – il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi ([1]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Ninvestu f'impjiegi u tkabbir – nimmassimizzaw il-kontribuzzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej" (COM(2015)0639),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-aċċellerazzjoni tal-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2016 dwar sinerġiji għall-innovazzjoni: il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, Orizzont 2020 u fondi ta' innovazzjoni Ewropej u programmi tal-UE oħra ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Novembru 2015 dwar "Lejn simplifikazzjoni u orjentament tal-prestazzjoni fil-politika ta' koeżjoni 2014-2020" ([4]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2016 bit-titolu "Ninvestu f'impjiegi u tkabbir — nimmassimizzaw il-kontribuzzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej",

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-25 ta' Mejju 2016 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Ninvestu f'impjiegi u tkabbir – nimmassimizzaw il-kontribuzzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej" ([5]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tad-9 ta' Lulju 2015 bit-titolu "Ir-riżultat tan-negozjati dwar il-ftehimiet ta' sħubija u l-programmi operattivi" ([6]),

— wara li kkunsidra s-Sitt Rapport dwar il-Koeżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali (COM(2014)0473),

— wara li kkunsidra l-analiżi tad-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tiegħu (Dipartiment Tematiku B: Politiki Strutturali u ta' Koeżjoni) ta' Ġunju 2016 bit-titolu "Maximisation of synergies between European Structural and Investment Funds and other EU instruments to attain the Europe 2020 goals" ("Massimizzazzjoni tas-sinerġiji bejn il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u strumenti oħra tal-UE biex jintlaħqu l-objettivi ta' Ewropa 2020"),

— wara li kkunsidra l-istudju tad-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tiegħu (Dipartiment Tematiku B: Politiki Strutturali u ta' Koeżjoni) ta' Settembru 2016 bit-titolu "Evaluation of the Report under Article 16(3) of the CPR" ("Evalwazzjoni tar-rapport skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni",

— wara li kkunsidra l-analiżi tad-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tiegħu (Dipartiment Tematiku B: Politiki Strutturali u ta' Koeżjoni) ta' Settembru 2016 bit-titolu "Strumenti finanzjarji fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-20: l-ewwel esperjenzi tal-Istati Membri",

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, il-Kumitat għall-Baġits, il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali u l-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A8-0385/2016),

A. billi l-politika ta' koeżjoni tirrappreżenta parti sinifikanti tal-baġit tal-UE, fejn tammonta għal madwar terz tal-infiq kollu;

([1]) ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1.
([2]) Testi adottati, P8_TA(2016)0217.
([3]) Testi adottati, P8_TA(2016)0311.
([4]) Testi adottati, P8_TA(2015)0419.
([5]) ĠU C 303, 19.8.2016, p. 94.
([6]) ĠU C 313, 22.9.2015, p. 31.

B. billi, b'baġit ta' EUR 454 biljun għall-perjodu 2014-2020, il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE) huma l-għodda ta' politika ta' investiment ewlenija tal-UE u huma għajn vitali ta' investiment pubbliku f'bosta Stati Membri, li jwasslu biex jiġu pprovduti aktar impjiegi, tkabbir u investiment fl-UE kollha, kif ukoll biex jitnaqqsu d-disparitajiet fil-livell reġjonali u lokali sabiex tiġi promossa l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali;

C. billi l-Ftehimiet ta' Sħubija (FS) jifformaw il-bażi tar-rapport dwar l-Artikolu 16(3) ippreżentat mill-Kummissjoni;

D. billi n-negozjati għall-FS u għall-programmi operattivi (PO) għall-perjodu 2014-2020 kienu eżerċizzju modernizzat, aġġustat b'mod qawwi u kien wieħed intensiv b'qafas ġdid għall-prestazzjoni, għall-kondizzjonalitajiet ex ante u għall-konċentrazzjoni tematika, iżda wasslu wkoll għal dewmien serju biex attwalment ingħata bidu għall-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni, ukoll minħabba nuqqasijiet fil-kapaċità amministrattiva ta' għadd ta' reġjuni u Stati Membri, fejn is-sitwazzjoni kompla jitnaqqsilha r-ritmu bil-proċedura għan-nomina tal-awtoritajiet ta' ġestjoni;

E. billi ma hemm l-ebda dubju li minħabba l-adozzjoni tard tal-qafas regolatorju fi tmiem l-2013 b'konsegwenza tan-negozjati twal u d-dewmien sakemm intlaħaq il-ftehim dwar il-QFP, il-programmi operattivi ma setgħux jiġu adottati fil-ħin; billi konsegwentement l-implimentazzjoni tal-programmi operattivi kellha bidu kajman, u b'hekk kien hemm impatt fuq l-adozzjoni tal-politika fil-prattika;

F. billi ġew stabbiliti dispożizzjonijiet komuni għall-ħames fondi SIE kollha, biex b'hekk issaħħu r-relazzjonijiet ta' bejniethom;

G. billi l-politika ta' koeżjoni fil-perjodu attwali qed tħabbat wiċċha ma' bosta sfidi politiċi u ekonomiċi, li jirriżultaw kemm mill-kriżi finanzjarja – li wasslet għal tnaqqis fl-investiment pubbliku f'ħafna Stati Membri, u ħalliet lill-Fondi SIE u l-kofinanzjament mill-Istati Membri bħala l-istrument prinċipali għall-investiment pubbliku f'ħafna Stati Membri – u kemm mill-kriżi tal-migrazzjoni;

H. billi fil-perjodu ta' programmazzjoni tal-2014-2020 il-politika ta' koeżjoni kisbet approċċ ta' politika aktar iffukat, permezz ta' konċentrazzjoni tematika u permezz tal-appoġġ għall-prijoritajiet u l-objettivi tal-Unjoni;

I. billi l-Fondi SIE fil-perjodu ta' finanzjament attwali huma orjentati lejn ir-riżultati b'mod aktar qawwi u huma mibnija fuq ambjent ta' investiment li jippermetti effikaċja akbar;

J. billi jrid ikun hemm allinjament aktar b'saħħtu tal-investiment taħt il-politika ta' koeżjoni mal-prijoritajiet tal-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv u mas-Semestru Ewropew;

K. billi t-Task Force għal Implimentazzjoni Aħjar għenet biex ittaffi l-konġestjonijiet u x-xogħol b'lura fl-allokazzjoni tal-fondi;

Il-qsim tar-riżultati, il-komunikazzjoni u l-viżibilità

1. Jinnota li l-Ewropa għaddejja minn fażi diffiċli mil-lat ekonomiku, dak soċjali u dak politiku, b'tali mod li hemm il-ħtieġa aktar minn qatt qabel ta' politika ta' investiment effettiva li tkun orjentata lejn it-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, tkun qrib iċ-ċittadini u aktar adattata għal vokazzjonijiet territorjali speċifiċi, u għandha tfittex li tindirizza b'mod determinat kemm il-qgħad u kemm l-inugwaljanzi soċjali fi ħdan l-Unjoni, u b'hekk toħloq valur miżjud Ewropew; jemmen li sabiex terġa' tikseb il-fiduċja taċ-ċittadini tagħha l-UE għandha tagħti bidu għal proċessi ta' aġġustament biex tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 9 tat-TFUE;

2. Jinnota li l-politika ta' koeżjoni tul il-perjodu tal-2014-2020 ġiet elaborata kompletament mill-ġdid, peress li kienet teħtieġ bidla fil-mentalità u fil-metodi ta' ħidma fil-livelli kollha ta' governanza, inkluża l-koordinazzjoni orizzontali u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati kif ukoll, sa fejn hu possibbli, tal-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità (CLLD); jirrimarka li r-riformi ta' dan l-aħħar li jħarsu 'l quddiem u li huma eżemplari spiss jiġu injorati, iżda li l-politika ta' koeżjoni spiss għadha titqies bħala politika tradizzjonali ta' nfiq aktar milli bħala politika ta' żvilupp u ta' investiment li toffri riżultati tanġibbli;

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

3. Iqis li l-komunikazzjoni ewlenija dwar il-proġetti ta' politika tal-koeżjoni għandha tiffoka fuq il-valur miżjud Ewropew, is-solidarjetà u l-viżibilità tal-istejjer ta' suċċess, filwaqt li jissottolinja l-importanza tal-iskambju tal-aħjar prattiki kif ukoll li wieħed jitgħallem mill-proġetti li ma jirnexxilhomx jilħqu l-objettivi tagħhom; jinsisti li l-komunikazzjoni dwar is-suġġett tal-fondi SIE għandha tiġi modernizzata u intensifikata; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu identifikati u implimentati għodod ġodda għall-komunikazzjoni tar-riżultati tal-politika ta' koeżjoni; iqis li hemm il-ħtieġa li jsir investiment fl-intelligence reġjonali u fil-ġbir ta' data, bħala parti minn sforz kontinwu biex jinħolqu u jiġu aġġornati l-bażijiet ta' data, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet, l-ispeċifiċitajiet u l-prijoritajiet lokali u reġjonali, bħal fil-każ tal-pjattaforma S3 li diġà teżisti, li jkun jippermetti lill-pubbliku interessat li effettivament jivverifika l-valur miżjud Ewropew tal-proġetti;

4. Jirrileva l-fatt li sabiex jittejbu l-komunikazzjoni dwar il-Fondi SIE u l-viżibilità tagħhom, għandu jitqiegħed fokus akbar fuq il-parteċipazzjoni mill-partijiet ikkonċernati u l-benefiċjarji, u fuq l-involviment taċ-ċittadini fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni b'mod li jkun sinifikattiv; barra minn hekk, iħeġġeġ lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, lir-reġjuni u lill-ibliet jikkomunikaw aktar kemm dwar il-kisbiet tal-politika ta' koeżjoni u kemm dwar it-tagħlimiet li għandhom jittieħdu, u jipproduċu pjan ta' azzjoni kkoordinat u mmirat;

Konċentrazzjoni tematika

5. Jilqa' l-konċentrazzjoni tematika, peress li ħarġet għodda utli għall-ħolqien ta' politika ffukata u effettività akbar għall-prijoritajiet tal-UE u għall-istrateġija Ewropa 2020, billi ssaħħaħ il-proċess li fih l-għarfien jinqaleb f'innovazzjoni, impjiegi u tkabbir; jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali biex jieħdu deċiżjonijiet ċari dwar il-prijoritajiet ta' investiment u biex jagħżlu l-proġetti abbażi tal-prijoritajiet stabbiliti għall-Fondi SIE, kif ukoll biex jużaw proċessi ta' implimentazzjoni simplifikati u effiċjenti;

6. Jinnota li analiżi tal-konċentrazzjoni tematika għandha tindika kif l-għażliet strateġiċi tal-Istati Membri u l-allokazzjoni tar-riżorsi bejn l-objettivi tematiċi (OT) kollha jissodisfaw il-ħtiġijiet speċifiċi tat-territorji; jiddispjaċih li dan l-aspett huwa inqas evidenti fir-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-Artikolu 16;

7. Iqis li r-riżultati u l-benefiċċji tal-politika ta' koeżjoni għandhom bżonn jiġu trażmessi b'mod aktar effettiv, mhux l-inqas sabiex terġa' tinkiseb il-fiduċja fil-proġett Ewropew;

8. Jinsisti li jenħtieġ li l-politika ta' koeżjoni jkompli jkollha fokus tematiku, filwaqt li jitħalla li jkun hemm grad ta' flessibilità li jkun biżżejjed sabiex jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull reġjun, b'mod speċjali l-ħtiġijiet speċifiċi tar-reġjuni li huma anqas żviluppati, kif stabbilit fir-regolamenti; jitlob li jkompli jsir investiment tal-Fondi SIE fir-reġjuni li għaddejjin minn tranżizzjoni sabiex jiġi priservat dak li nkiseb permezz tar-riżorsi u l-isforzi diġà implimentati;

9. Jenfasizza, b'mod partikolari, li jenħtieġ li tingħata konsiderazzjoni liċ-ċirkostanzi tar-reġjuni urbani jew rurali, l-hekk imsejħa "reġjuni li għadhom lura", ir-reġjuni li jinsabu fi tranżizzjoni u r-reġjuni bi żvantaġġi naturali jew ġeografiċi permanenti, u jenħtieġ li jiġu mfassla politiki ta' appoġġ xierqa għall-iżvilupp ta' dawn iż-żoni, li mingħajr il-politika ta' koeżjoni jista' jkun li ma kinux ikunu jistgħu jlaħħqu ma' reġjuni aktar żviluppati; jistieden lill-Kummissjoni tkompli ssegwi u tespandi strateġiji biex timplimenta l-aġenda urbana, flimkien mal-awtoritajiet lokali u r-reġjuni metropolitani konċepiti bħala ċentri ta' tkabbir tal-UE; ifakkar f'dan il-kuntest li huwa importanti li titħalla biżżejjed flessibilità biex l-Istati Membri u r-reġjuni jappoġġjaw l-isfidi ta' politika ġodda, bħalma huma dawk relatati mal-immigrazzjoni (filwaqt li wieħed jiftakar fl-għanijiet oriġinali u li għadhom rilevanti tal-politika ta' koeżjoni u l-ħtiġijiet speċifiċi tar-reġjuni), kif ukoll id-dimensjoni diġitali fis-sens wiesa' tagħha tal-politika ta' koeżjoni (inklużi l-kwistjonijiet tal-ICT u tal-aċċess għall-broadband, li huma marbuta mal-ikkompletar tas-Suq Uniku Diġitali); jiġbed l-attenzjoni lejn l-Istrateġija għal Unjoni tal-Enerġija, l-Istrateġija għal Ekonomija Ċirkolari, u l-impenji tal-UE taħt il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima, billi l-Fondi SIE għandhom rwol importanti x'jaqdu biex dawn jitwettqu;

10. Iqis li għandha tingħata aktar attenzjoni liż-żoni subreġjonali li għandhom akkumulazzjoni konsiderevoli ta' sfidi, li spiss jinstabu f'żoni ta' faqar, f'komunitajiet segregati u fi kwartieri li jgħixu fil-għaks fejn hemm sovrarappreżentanza ta' gruppi emarġinati bħalma huma r-Rom;

11. Jappoġġa l-bidla gradwali ta' konċentrazzjoni minn waħda bbażata fuq proġetti maġġuri relatati mal-infrastruttura lejn waħda bbażata fuq l-istimulazzjoni tal-ekonomija tal-għarfien, l-innovazzjoni u l-inklużjoni soċjali, kif ukoll fuq il-bini tal-kapaċità u l-awtonomizzazzjoni tal-atturi, inklużi mis-soċjetà ċivili, fil-politika ta' koeżjoni, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tar-reġjuni anqas żviluppati li għad għandhom bżonn l-appoġġ fil-qasam tal-iżvilupp infrastrutturali u li għalihom is-soluzzjonijiet ibbażati fuq is-suq mhumiex dejjem fattibbli, ukoll b'kunsiderazzjoni li għandu jkun hemm flessibilità sabiex kull Stat Membru jkun jista' jagħmel l-investimenti skont il-prijoritajiet tiegħu kif stabbilit fil-Ftehimiet ta' Sħubija sabiex jippromwovi l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali tiegħu;

12. Hu tal-fehma li l-Fondi SIE, inklużi b'mod partikolari l-Programmi ta' Kooperazzjoni Territorjali Ewropea, għandhom jintużaw biex joħolqu u jagħtu spinta lill-impjiegi ta' kwalità, kif ukoll lil sistemi ta' kwalità ta' tagħlim tul il-ħajja u ta' taħriġ vokazzjonali (mill-ġdid), inkluża l-infrastruttura tal-iskejjel, biex b'hekk il-ħaddiema jkunu jistgħu jadattaw ruħhom taħt kondizzjonijiet tajba għar-realtajiet li qed jinbidlu tad-dinja tax-xogħol, u biex jiġu stimulati t-tkabbir sostenibbli, il-kompetittività u l-iżvilupp u l-prosperità komuni mmirati biex tinkiseb Ewropa soċjalment ġusta, sostenibbli u inklużiva, filwaqt li jsir konċentrament fuq iż-żoni li huma l-anqas żviluppati u s-setturi li għandhom problemi strutturali u filwaqt li jingħata appoġġ lill-gruppi l-aktar vulnerabbli u esposti fis-soċjetà, b'mod partikolari ż-żgħażagħ (flimkien ma' programmi bħall-Erasmus+) u dawk bl-inqas ħiliet jew kwalifiki, jiġu promossi iktar impjiegi permezz ta' ekonomija ċirkolari, u jiġi pprevenut it-tluq bikri mill-iskola; jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li l-FSE huwa strument li jappoġġa l-implimentazzjoni ta' politiki ta' interess pubbliku;

13. Jesprimi tħassib dwar il-fatt li l-qgħad – b'mod partikolari l-qgħad fost iż-żgħażagħ u fost in-nisa, kif ukoll il-qgħad fiż-żoni rurali – għadu għoli ħafna f'bosta Stati Membri, minkejja l-isforzi kollha, u l-politika ta' koeżjoni għandha tipprovdi tweġibiet għal dan ukoll; jirrakkomanda lill-Kummissjoni tagħti aktar attenzjoni lill-impatt tal-politika ta' koeżjoni fuq il-promozzjoni tal-impjiegi u t-tnaqqis tal-qgħad; jinnota f'dan il-kuntest li l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI) ġiet integrata f'34 programm tal-FSE f'20 Stat Membru eliġibbli, u b'hekk se tippermetti liż-żgħażagħ qiegħda jibbenefikaw mill-YEI bil-ħsieb li jiksbu l-ħiliet u l-kwalifiki tagħhom; jinsab imħasseb, madankollu, dwar il-fatt li l-implimentazzjoni effettiva tal-YEI damet biex bdiet u dwar il-mod li bih il-Garanzija għaż-Żgħażagħ qiegħda tiġi implimentata f'ċerti reġjuni; iħeġġeġ lill-Istati Membri jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex jinkisbu effetti sostanzjali u tanġibbli malajr u b'suċċess mill-fondi investiti, b'mod partikolari fir-rigward tal-fondi li jkunu disponibbli fil-forma ta' pagamenti bil-quddiem, u sabiex il-YEI tkun implimentata b'mod korrett kif ukoll biex jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti għall-ħaddiema żgħażagħ; jitlob, b'mod partikolari, li jitqiesu l-ħtiġijiet reali tal-komunità tan-negozju fl-użu tal-Fondi SIE biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tat-taħriġ, bil-għan li jinħolqu opportunitajiet reali ta' impjiegi u tinkiseb l-okkupazzjoni fit-tul; iqis li l-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ, l-inklużjoni soċjali u l-isfidi demografiċi tal-ġejjieni li qed tiffaċċja l-Ewropa llum il-ġurnata u fuq perjodu medju fil-ġejjieni għandhom ikunu l-oqsma ewlenin li fuqhom għandha tkun iffukata l-politika ta' koeżjoni; jitlob li l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ titkompla lil hinn mill-2016, sabiex jiġu sostnuti l-isforzi favur il-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ, abbażi ta' analiżi operattiva bir-reqqa mfassla bil-għan li jintlaħqu l-korrezzjonijiet meħtieġa sabiex issir aktar effettiva;

14. Jesprimi tħassib serju li fil-każ tal-Iskema ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ, li fl-2014-2020 se tirċievi total ta' EUR 12,7-il biljun mill-FSE u mill-Inizjattiva speċjali favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ, u li, fuq il-bażi ta' dan il-finanzjament, diġà qed titqies bħala l-mutur wara l-isforzi li jsiru biex tingħata spinta lill-impjiegi fost iż-żgħażagħ, il-Kummissjoni ma wettqitx analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji, li hija proċedura standard għall-inizjattivi ewlenin kollha tal-Kummissjoni; għaldaqstant hemm nuqqas ta' informazzjoni dwar l-ispiża globali potenzjali tal-implimentazzjoni tal-garanzija fl-UE kollha u, kif enfasizzat il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, hemm ir-riskju li l-ammont totali tal-finanzjament jista' ma jkunx biżżejjed;

15. Jenfasizza l-importanza tal-komunikazzjoni, b'mod partikolari l-komunikazzjoni diġitali, li permezz tagħha l-informazzjoni dwar l-assistenza potenzjali biex jinstab taħriġ, traineeship jew xogħol kofinanzjati permezz tal-fondi tal-UE tista' tilħaq l-ikbar numru ta' żgħażagħ; jitlob aktar komunikazzjoni sabiex jiġu promossi l-portals bħal DROP'PIN u EURES u sabiex jiżdiedu l-opportunitajiet għall-mobilità fis-suq intern għaż-żgħażagħ, li huwa meqjus bħala l-potenzjal l-anqas sfruttat fil-ġlieda kontra l-qgħad fl-UE;

16. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-Istati Membri jirrispettaw il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità meta jkunu qed jimplimentaw proġetti appoġġati mill-Fondi SIE, inkluż l-għan li tiġi inkoraġġita bidla mill-għajxien fi strutturi istituzzjonali għall-għajxien fil-komunità għall-persuni b'diżabilità;

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

17. Ifakkar li t-tlestija għalkollox tan-netwerk ewlieni tat-TEN-T hija prijorità tal-politika Ewropea fil-qasam tat-trasport, u li l-Fondi SIE huma għodda importanti ħafna fl-implimentazzjoni ta' dan il-proġett; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi sfruttat il-potenzjal tal-Fondi SIE bil-għan li l-potenzjal tan-netwerk ewlieni u tan-netwerk komprensiv tat-TEN-T jiġi konness mal-infrastruttura tat-trasport reġjonali u lokali; jirrikonoxxi l-importanza tal-Fond ta' Koeżjoni għat-titjib tal-infrastruttura u l-konnettività fl-Ewropa, u jinsisti li dan il-fond jibqa' jinżamm fil-qafas finanzjarju l-ġdid ta' wara l-2020;

18. Jenfasizza li l-multimodalità tat-trasport għandha tkun fattur vitali fil-valutazzjoni tal-proġetti ta' infrastruttura ffinanzjati mill-Fondi SIE, iżda li m'għandhiex tkun l-uniku kriterju użat biex jiġu vvalutati l-proġetti proposti, b'mod speċjali fil-każ ta' Stati Membri bi ħtiġijiet mill-akbar ta' investiment fil-qasam tal-infrastruttura tat-trasport;

19. Jenfasizza l-ħtieġa li jibqgħu jinżammu snajja' tradizzjonali, inklużi t-tradizzjoni tal-artiġjanat u l-ħiliet assoċjati magħha, u li jiġu stabbiliti strateġiji biex jitrawwem it-tkabbir għall-intraprenditorija tas-snajja' tradizzjonali sabiex tibqa' tinżamm l-identità kulturali tas-setturi tas-snajja' tradizzjonali; jiġbed l-attenzjoni lejn kemm hu importanti li jiġi appoġġjat ix-xogħol marbut mat-taħriġ professjonali u mal-mobilità tal-irġiel u n-nisa żgħażagħ tas-sengħa,

Kondizzjonalitajiet ex ante

20. Jissottolinja li biex jiġu rreġistrati l-isforzi u l-kisbiet jenħtieġ monitoraġġ effettiv tal-kondizzjonalitajiet ex ante; iqis li l-kondizzjonalitajiet ex-ante, b'mod partikolari dik dwar l-Istrateġiji ta' Riċerka u Innovazzjoni għall-Ispeċjalizzazzjoni Intelliġenti (RIS3), urew is-siwi tagħhom, u jissuġġerixxi li dawn ikomplu jiġu mtejba; jirrimarka li għandha tingħata aktar attenzjoni lit-tisħiħ tal-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju;

21. Jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li proporzjon sinifikanti tal-kondizzjonalitajiet ex-ante għadhom ma ġewx issodisfati; jitlob, għalhekk, li ssir analiżi tas-sitwazzjoni attwali u li tiġi adottata azzjoni mmirata biex tpatti għal dan, filwaqt li matiġix kompromessa l-aħjar rata ta' utilizzazzjoni tal-fondi u lanqas ma ssir inqas effiċjenti l-politika ta' koeżjoni;

Ibbaġitjar ibbażat fuq il-prestazzjoni

22. Jenfasizza li l-qafas regolatorju għall-perijodu 2014-2020 u l-Ftehimiet ta' Sħubija wasslu għal konċentrazzjoni orjentata b'mod qawwi lejn ir-riżultati fil-programmi ta' koeżjoni, u li dan l-approċċ jista' jkun ta' eżempju għal partijiet oħra tan-nefqa tal-baġit tal-UE wkoll; jilqa' l-introduzzjoni ta' indikaturi komuni li jkunu jippermettu li jsir il-kejl u l-valutazzjoni komparattiva tar-riżultati; iqis li l-ħidma fuq l-indikaturi trid tkompli sabiex tittejjeb l-evidenza dwar l-infiq tal-Fondi SIE u tiġi ottimizzata l-għażla tal-proġetti;

23. Jirrimarka li innovazzjoni importanti kienet l-introduzzjoni tal-konċentrazzjoni tematika, li permezz tagħha l-investimenti huma ffukati fuq objettivi u prijoritajiet speċifiċi li jikkorrispondu għal indikaturi u miri li jkun sar qbil speċifiku dwarhom għat-temi kollha;

24. Ifakkar li ġiet introdotta riżerva għall-prestazzjoni għal kull Stat Membru, li tikkonsisti f'6 % tar-riżorsi allokati għall-Fondi SIE; ifakkar li, abbażi tar-rapporti nazzjonali tal-2017 u l-analiżi tal-prestazzjoni tal-2019, ir-riżerva għandha tiġi allokata biss lil dawk il-programmi u prijoritajiet li jkunu laħqu l-istadji importanti tagħhom; jappella għal flessibilità fil-varar ta' impenji ġodda mir-riżerva ta' prestazzjoni meta l-programmi jkunu laħqu l-miri u l-istadji importanti tagħhom fissnin li ġejjin; jitlob lill-Kummissjoni tivvaluta jekk ir-riżerva ta' prestazzjoni toħloqx fil-fatt valur miżjud jew jekk wasslitx għal aktar burokrazija;

Is-Semestru Ewropew

25. Jieħu nota tal-fatt li, hu u għaddej il-proċess ta' programmazzjoni, l-Istati Membri sabu li aktar minn żewġ terzi mir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li ġew adottati fl-2014 kienu rilevanti għall-investimenti tal-politika ta' koeżjoni, u jilqa' l-fatt li huma ħadu kont ta' dan fil-prijoritajiet ta' pprogrammar tagħhom; jirrikonoxxi li fil-ġejjieni qrib ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż jista' jkun li jiskattaw emendi għall-programm tal-Fondi SIE, u b'hekk jiġi żgurat li jkun hemm appoġġ għar-riformi strutturali fl-Istati Membri; jinnota li r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż u l-Programmi Nazzjonali ta' Riforma (PNR) jirrappreżentaw rabta ċara bejn il-Fondi SIE u l-proċess tas-Semestru Ewropew;

26. Jenfasizza kemm hu importanti li tiġi stabbilita rabta bilanċjata bejn il-politika ta' koeżjoni u s-Semestru Ewropew, peress li t-tnejn li huma jaħdmu biex jintlaħqu l-istess għanijiet skont l-istrateġija Ewropa 2020, mingħajr preġudizzju għall-ilħuq tal-objettivi soċjali, ekonomiċi u ta' koeżjoni territorjali bil-għan li jitnaqqsu d-disparitajiet kif stabbilit mit-Trattati; huwa tal-opinjoni li għandna naħsbu mill-ġdid ir-raġunament wara s-sospensjoni tal-Fondi SIE f'każ ta' devjazzjoni mill-objettivi tas-Semestru Ewropew, peress li din tista' tkun kontroproduttiva biex tingħata spinta lit-tkabbir u l-impjiegi;

Sinerġiji u Strumenti Finanzjarji

27. Jinnota li l-qafas regolatorju għall-Fondi SIE għall-perjodu 2014-2020 jappoġġja l-istrumenti finanzjarji; jenfasizza, madankollu, li l-użu ta' għotjiet għadu indispensabbli; josserva li jidher li hemm konċentrazzjoni fuq bidla gradwali minn għotjiet għal selfiet u garanziji; jenfasizza li din it-tendenza ssaħħet permezz tal-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa u l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) li għadu kif ġie stabbilit. jinnota wkoll li l-użu tal-approċċ ibbażat fuq bosta fondi jidher li għadu diffiċli; jenfasizza, minħabba l-kumplessità ta' dawn l-istrumenti, l-importanza vitali li jingħata appoġġ xieraq lill-istituzzjonijiet lokali u reġjonali fit-taħriġ tal-uffiċjali responsabbli mill-ġestjoni tagħhom; jirrimarka li l-istrumenti finanzjarji jistgħu joffru soluzzjonijiet għall-użu effiċjenti tal-baġit tal-UE, billi jikkontribwixxu flimkien mal-għotjiet biex jinħoloq l-investiment ħalli jiġi stimulat it-tkabbir ekonomiku u jinħolqu impjiegi sostenibbli;

28. Jirrimarka li qed tiġi segwita aġenda separata għall-FEIS, li huwa ppreżentat bħala storja ta' suċċess f'dak li għandu x'jaqsam ma' implimentazzjoni u riżultati rapidi fis-sura ta' operazzjonijiet eżistenti, minkejja nuqqasijiet konsiderevoli bħalma huwa n-nuqqas ta' addizzjonalità; f'dan il-kuntest, jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi data speċifika fuq l-impatt tal-FEIS f'dawk li huma tkabbir u impjiegi u tippreżenta, wara l-evalwazzjoni, punti ta' tagħlim biex il-Fondi SIE jkunu jistgħu jintużaw b'iktar suċċess fil-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid mill-2021'il quddiem; jitlob, minbarra l-opinjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri Nru 2/2016 ([1]), analiżi tal-kontribuzzjonijiet tal-FEIS għall-objettivi tal-Fondi SIE u rendikont ta' dak li l-FEIS kiseb f'dak li jirrigwarda l-prijoritajiet tiegħu stess;

29. Jinnota, madankollu, in-nuqqas ta' evidenza dwar l-eżiti u r-riżultati miksuba permezz ta' strumenti finanzjarji u r-rabta dgħajfa bejn dawk l-istrumenti finanzjarji u l-objettivi u l-prijoritajiet komprensivi tal-UE;

30. Jinnota li r-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-Artikolu 16 ftit jagħti informazzjoni dwar il-koordinazzjoni u s-sinerġiji fost il-programmi differenti u mal-istrumenti ta' oqsma ta' politika oħra, u b'mod partikolari mhux dejjem ippreżenta data affidabbli dwar ir-riżultati mistennija tal-programmi tal-FSE u tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ; jenfasizza li l-fatt li hemm regolament komuni għall-ħames Fondi SIE żied is-sinerġija bejniethom, inkluż fit-tieni pilastru tal-politika agrikola komuni; jinsab konvint li s-sinerġiji ma' politiki u strumenti oħra, inkluż il-FEIS u strumenti finanzjarji oħra, għandhom jiġu msaħħa sabiex jiġi mmassimizzat l-impatt tal-investiment; jenfasizza li r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat japplikaw għall-Fondi SIE, iżda mhux għall-FEIS jew għall-Orizzont 2020, u li dan il-fatt joħloq problemi fir-rigward tat-tiżjid tal-livell ta' sinerġija fost il-fondi, il-programmi u l-istrumenti; jenfasizza l-fatt li sabiex jiġu żgurati l-kumplementarjetà u s-sinerġija meħtieġa bejn il-FEIS, l-istrumenti finanzjarji u l-Fondi SIE, il-kwistjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat trid tkompli tiġi eżaminata aktar bl-għan li tiġi ċċarata, issimplifikata u adattata kif xieraq; jistieden lill-Kummissjoni tagħti gwida komprensiva lill-awtoritajiet ta' ġestjoni dwar l-ikkombinar tal-FEIS ma' strumenti ta' ġestjoni konġunta u diretta, inklużi l-Fondi SIE, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u Orizzont 2020;

31. Jargumenta favur li jkompli jsir użu bbilanċjat ta' strumenti finanzjarji fejn dawn għandhom valur miżjud u fejn mhumiex ta' preġudizzju għall-appoġġ tradizzjonali mogħti mill-politika ta' koeżjoni; jenfasizza, madankollu, li dan għandu jsir biss wara li ssir valutazzjoni bir-reqqa tal-kontribuzzjoni tal-istrumenti finanzjarji għall-objettivi tal-politika ta' koeżjoni; jenfasizza li r-reġjuni kollha jridu jżommu firxa diversifikata ta' għejun ta' finanzjament, filwaqt li s-sussidji jibqgħu l-istrumenti l-aktar adattati f'ċerti setturi biex jintlaħqu l-miri tat-tkabbir u l-impjiegi; jitlob lill-Kummissjoni tressaq inċentivi biex tiżgura li l-awtoritajiet ta' ġestjoni jkunu informati bis-sħiħ dwar l-opportunitajiet biex jintużaw l-istrumenti finanzjarji u l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom, u tanalizza l-kosti tal-ġestjoni tal-għotjiet u tal-assistenza li trid titħallas lura implimentati fil-programmi komuni u ġestiti b'mod ċentrali; jenfasizza li regoli ċari, konsistenti u ffukati dwar l-istrumenti finanzjarji biex ikun jista' jiġi ssimplifikat il-proċess tat-tħejjija u l-implimentazzjoni għall-ġesturi u l-benefiċjarji tal-fondi huma kruċjali biex tittejjeb l-implimentazzjoni effettiva tagħhom; jiġbed l-attenzjoni lejn ir-rapport fuq inizjattiva proprja li

([1]) L-Opinjoni Nru 2/2016 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar "il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) 2015/1017 u l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni li takkumpanjaha skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2015/1017".

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

jmiss tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali intitolat "It-taħlita ta' finanzjament it-tajba għar-reġjuni tal-Ewropa: ibbilanċjar tal-istrumenti u l-għotjiet finanzjarji fil-politika ta' koeżjoni tal-UE" (2016/2302(INI));

Is-simplifikazzjoni

32. Jinnota li wieħed mill-objettivi prinċipali tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 huwa li tkompli ssir aktar simplifikazzjoni għall-benefiċjarji tal-Fondi SIE, u jirrikonoxxi li s-simplifikazzjoni hija waħda mill-fatturi ewlenin għal aċċess aħjar għall-finanzjament;

33. Jilqa' l-fatt li l-qafas regolatorju modernizzat attwali għall-Fondi SIE jipprovdi possibilitajiet ġodda għas-simplifikazzjoni f'dawk li huma regoli komuni ta' eliġibilità, għażliet tal-kosti ssimplifikati u l-governanza elettronika; jiddispjaċih, madankollu, li l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Artikolu 16(3) tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni ma tinkludi l-ebda tagħrif speċifiku f'dak li jirrigwarda l-użu tal-Għażliet tal-Kosti Simplifikati; jissottolinja li jeħtieġ li jsiru aktar sforzi biex jiġi żviluppat il-potenzjal sħiħ tal-Għażliet tal-Kosti Simplifikati f'dik li hi t-taffija tal-piż amministrattiv; jinnota li għad hemm bżonn ta' miżuri sinifikanti ta' simplifikazzjoni kemm għall-benefiċjarji u kemm għall-awtoritajiet ta' ġestjoni, liema miżuri jiffokaw fuq l-akkwist pubbliku, il-ġestjoni tal-proġetti, u awditi matul u wara l-operazzjonijiet;

34. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi valutazzjoni kontinwa tal-piż amministrattiv, inklużi b'mod partikolari komponenti bħalma huma l-ħin, il-kosti u x-xogħol ta' dokumentazzjoni f'finanzjament mill-UE fis-sura ta' għotjiet u strumenti finanzjarji, abbażi tal-evidenza tar-riżultati mill-perjodu tal-2007-2013 u l-bidu tal-perjodu l-ġdid mill-2014;

35. Jirrakkomanda għall-perjodu ta' programmazzjoni prospettiv li jibda fl-2021 li l-livelli kollha tal-governanza jaħdmu favur sistema ta' verifika unika billi jeliminaw il-kontrolli doppji fost id-diversi livelli ta' gvern; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiċċara l-firxa u l-istatus ġuridiku tal-gwida eżistenti fil-Fondi SIE kollha, kif ukoll tiżviluppa, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet ta' ġestjoni u mal-livelli kollha rilevanti ta' awtorità tal-awditjar, interpretazzjoni konġunta tal-kwistjonijiet tal-awditjar; itenni li hemm bżonn ta' aktar progress fil-qasam tas-simplifikazzjoni, inkluż b'mod partikolari fil-programmi mmirati lejn iż-żgħażagħ, billi tiddaħħal inter alia proporzjonalità akbar fil-kontrolli; jilqa' l-eżitu preliminari tal-ħidma tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar is-Simplifikazzjoni stabbilit mill-Kummissjoni;

36. Jirrakkomanda li jiġu stabbiliti proċeduri standard għat-tfassil ta' programmi operattivi u għall-ġestjoni, speċjalment fejn huma kkonċernati l-bosta programmi ta' kooperazzjoni territorjali;

Il-kapaċità amministrattiva

37. Jinnota li l-Istati Membri għandhom kulturi amministrattivi u livelli ta' prestazzjoni amministrattiva differenti fil-qafas ta' politika tagħhom, sitwazzjoni li l-kondizzjonalitajiet ex ante għandhom jgħinu biex tingħeleb; jenfasizza l-ħtieġa li l-kapaċità amministrattiva tiġi msaħħa bħala prijorità fil-kuntest tal-politika ta' koeżjoni u l-eżerċizzju tas-Semestru Ewropew, b'mod partikolari fl-Istati Membri b'rata baxxa ta' assorbiment ta' fondi; jinnota l-ħtieġa li tingħata assistenza teknika, professjonali u għajnuna prattika lill-Istati Membri, lir-reġjuni u lil-lokalitajiet waqt l-applikazzjonijiet għall-finanzjament; japprezza l-impatt tal-faċilità Jaspers, u jtenni li l-ippjanar ħażin tal-investimenti jwassal għal dewmien mill-akbar fit-tlestija tal-proġetti u għall-użu ineffiċjenti tal-fondi;

38. Jinnota li l-bidu kajman ta' xi programmi, in-nuqqas ta' kapaċità ta' ġestjoni għal proġetti kumplessi, id-dewmien reġistrat fl-iffinalizzar ta' proġetti, il-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri, ir-regolamentazzjoni eċċessiva u l-iżbalji fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku huma l-ostakli prinċipali għall-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni; iqis li huwa essenzjali li jiġu identifikati u simplifikati l-proċessi u l-proċeduri kumplessi bla bżonn fil-ġestjoni kondiviża li joħolqu piżijiet addizzjonali fuq l-awtoritajiet u fuq il-benefiċjarji; jirrimarka li l-kapaċità amministrattiva għandha l-ħin kollu tiġi mtejba, immonitorjata u msaħħa; huwa tal-fehma għalhekk li f'dan ir-rigward hemm il-ħtieġa li jiġu sfruttati soluzzjonijiet funzjonali u flessibbli ta' gvern elettroniku, kif ukoll informazzjoni u koordinazzjoni aħjar bejn l-Istati Membri; barra minn hekk, jissottolinja l-ħtieġa li ssir konċentrazzjoni akbar fuq it-taħriġ tal-amministrazzjoni;

39. Jirrimarka li l-oqfsa regolatorji, il-kundizzjonijiet u s-soluzzjonijiet imfassla apposta, (bħalma hu l-mekkaniżmu ta' skambju bejn id-diversi reġjuni Taiex Regio Peer 2 Peer) immirati lejn is-simplifikazzjoni jistgħu jindirizzaw b'mod aktar effettiv il-ħtiġijiet u l-isfidi li jiffaċċjaw ir-reġjuni differenti fejn tidħol il-kapaċità amministrattiva;

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

Kooperazzjoni Territorjali Ewropea

40. Jenfasizza – speċjalment mil-lat tat-tnaqqis tad-disparitajiet bejn ir-reġjuni ta' mal-fruntieri – il-valur miżjud Ewropew tal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (KTE), li għandu jiġi rifless f'livell ikbar ta' approprjazzjonijiet għal dan objettiv tal-politika ta' koeżjoni, li għandu jiddaħħal malli jkun prattikabbli; jistieden fl-istess ħin lill-Istati Membri jipprovdu l-kofinanzjament meħtieġ; jissottolinja l-ħtieġa li dan l-istrument jiġi ppreservat bħala wieħed mill-elementi ċentrali tal-politika ta' koeżjoni wara l-2020;

41. Jenfasizza l-importanza tal-istrateġiji makroreġjonali, bħala strumenti li ħarġu utli għall-iżvilupp tal-kooperazzjoni territorjali u għall-iżvilupp ekonomiku taż-żoni kkonċernati; jirrileva r-rwol deċiżiv tal-awtoritajiet lokali u reġjonali għas-suċċess tal-miżuri inklużi f'dawk l-istrateġiji;

42. Jirrakkomanda li jsir użu aktar intensiv tal-istrument ġuridiku modifikat u mwessa' tar-REKT bħala l-bażi ġuridika għall-kooperazzjoni territorjali;

43. Jipproponi t-twaqqif ta' rabta permanenti bejn RIS3 u l-kooperazzjoni interreġjonali fuq skala tal-UE kollha, preferibbilment fil-forma ta' element permanenti tal-programm INTERREG;

44. Jenfasizza li l-kunċett ta' orjentazzjoni lejn ir-riżultati jirrikjedi li l-programmi tal-INTERREG jiżguraw kooperazzjoni ta' kwalità għolja fil-livell ta' proġett u l-adattament ta' metodi u kriterji ta' evalwazzjoni biex titqies in-natura speċifika ta' kull programm; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet ta' ġestjoni jaħdmu flimkien u jiskambjaw informazzjoni u prattiki tajba sabiex jiżguraw li l-orjentazzjoni lejn ir-riżultati tiġi implimentata u mmirata b'mod effettiv kemm jista' jkun, b'kunsiderazzjoni tal-ispeċifitajiet tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea;

45. Jenfasizza l-potenzjal tal-użu tal-istrumenti finanzjarji fil-programmi tal-INTERREG li, permezz ta' għotjiet kumplementari, jgħinu biex l-SMEs jingħataw appoġġ u jiġu żviluppati r-riċerka u l-innovazzjoni, billi jiżdied l-investiment, jinħolqu impjiegi ġodda, u b'hekk ikunu jistgħu jinkisbu riżultati aħjar u tingħata spinta lill-effikaċja tal-proġetti;

46. Jiddeplora s-sensibilizzazzjoni pubblika baxxa u nuqqas ta' viżibilità tal-programmi tal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea, u jitlob li jkun hemm komunikazzjoni aktar effikaċi dwar il-kisbiet tal-proġetti li tlestew; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet maniġerjali biex jistabbilixxu mekkaniżmi u pjattaformi ta' kooperazzjoni istituzzjonalizzata usa' sabiex tiġi żgurata viżibilità u sensibilizzazzjoni akbar; Jistieden lill-Kummissjoni timmappja l-kisbiet tal-programmi u l-proġetti tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea s'issa;

Il-prinċipju ta' sħubija u l-governanza f'diversi livelli

47. Jilqa' l-kodiċi ta' kondotta li sar qbil dwaru matul in-negozjati dwar il-perjodu ta' finanzjament attwali, li jiddeskrivi fil-qosor l-istandards minimi għal sħubija li tiffunzjona tajjeb; josserva li fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri l-kodiċi tejjeb l-implimentazzjoni tal-prinċipju tas-sħubija, iżda jiddispjaċih minħabba l-fatt li ħafna mill-Istati Membri ċċentralizzaw partijiet kbar tan-negozjar u tal-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' sħubija u tal-programmi operattivi; jenfasizza l-ħtieġa li b'mod attiv jiġu involuti fl-istadji kollha l-awtoritajiet reġjonali u lokali u partijiet ikkonċernati oħra, u għalhekk jitlob li l-parteċipazzjoni reali tagħhom tkun iggarantita fil-ġejjieni fil-proċess ta' negozjar u ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-istrutturi speċifiċi tal-pajjiżi; jemmen li ċ-ċentralizzazzjoni żejda u n-nuqqas ta' fiduċja wkoll kellhom rwol fid-dewmien fl-implimentazzjoni tal-Fondi SIE, fejn xi Stati Membri u awtoritajiet ta' ġestjoni kienu inqas ħerqana li jqiegħdu aktar responsabilità għall-ġestjoni tal-fondi tal-UE f'idejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali;

48. Jenfasizza li hemm il-ħtieġa li l-Kummissjoni tagħmel kjarifika dwar il-prestazzjoni tal-Istati Membri u r-reġjuni fir-rigward tal-prinċipji tal-Artikolu 5 tar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni, b'enfasi fuq kif gvern jista' jiġi mħeġġeġ japplika bis-sħiħ il-prinċipju tas-sħubija; jenfasizza li sjieda kondiviża hija prerekwiżit għal rikonoxximent aktar b'saħħtu tal-politika ta' koeżjoni tal-UE;

49. Jappoġġa l-approċċ il-ġdid tal-Kummissjoni li twaqqaf gruppi ta' ħidma speċjali, jiġifieri timijiet dwar il-proġetti bl-intenzjoni li jiżguraw ġestjoni aħjar tal-Fondi tal-SIE fl-Istati Membri, u jitlob li dan l-approċċ ikompli jiġi żviluppat aktar;

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

50. Jenfasizza li l-politika ta' koeżjoni tal-ġejjieni trid tinkorpora miżuri ta' appoġġ sabiex ir-rifuġjati jiġu megħjuna jintegraw b'suċċess fis-suq tax-xogħol tal-UE, u b'hekk jiġi promoss it-tkabbir ekonomiku u tkun tista' tiġi żgurata s-sikurezza ġenerali fl-UE;

Il-ġejjieni tal-politika ta' koeżjoni

51. Jenfasizza li l-Fondi SIE jikkontribwixxu għall-PDG, l-impjiegi u t-tkabbir fl-Istati Membri, li huma elementi essenzjali li jenħtieġ li jitqiesu waqt is-7 Rapport dwar il-Koeżjoni li mistenni joħroġ fl-2017; jirrimarka, barra minn hekk, li investimenti sostanzjali fir-reġjuni anqas żviluppati wkoll jikkontribwixxu għall-PDG f'dawk l-Istati Membri iktar żviluppati; huwa tal-fehma li jekk l-Artikolu 50 tat-TUE jiġi invokat formalment mill-Gvern tar-Renju Unit, is-7 Rapport dwar il-Koeżjoni għandu jqis ukoll l-effetti possibbli tal-"Brexit" fuq il-politika strutturali;

52. Hu tal-fehma li l-PDG jista' ma jkunx l-uniku indikatur leġittimu biex tiġi żgurata distribuzzjoni ġusta tal-fondi, u li meta tkun qed tittieħed deċiżjoni dwar l-allokazzjoni futura għandhom jitqiesu l-ħtiġijiet territorjali speċifiċi u l-importanza tal-prijoritajiet miftiehma tal-programmi għall-iżvilupp tal-oqsma tal-programmi; iqis li huwa importanti li jiġi kkunsidrat fil-ġejjieni li jiddaħħlu indikaturi dinamiċi ġodda minbarra l-PDG; jinnota li ħafna reġjuni fl-Ewropa qegħdin jiffaċċjaw rati għolja ta' qgħad u ta' tnaqqis fil-popolazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni biex tirrifletti dwar l-iżvilupp u l-introduzzjoni ta' "indikatur demografiku";

53. Ifakkar li jsir ammont sostanzjali ta' investiment pubbliku fil-livell lokali u f'dak reġjonali; jenfasizza li jenħtieġ li s-Sistema Ewropea tal-Kontijiet (ESA) ma tillimitax il-kapaċità tal-awtoritajiet lokali u reġjonali li jwettqu l-investimenti meħtieġa, peress li dan ikun jimpedixxi lill-Istati Membri milli joħorġu kofinanzjament għall-proġetti eliġibbli għall-finanzjament strutturali, u b'hekk ma jkunux jistgħu jużaw din l-għajn importanti ta' finanzjament biex ikunu jistgħu jsibu mod kif joħorġu mill-kriżi ekonomika u jagħtu imbottatura lit-tkabbir u l-impjiegi; iħeġġeġ bil-qawwa lill-Kummissjoni tivvaluta mill-ġdid l-approċċ strettament annwali tal-ESA, b'tali mod li n-nefqa pubblika ffinanzjata mill-Fondi SIE tiġi kkunsidrat bħala investiment kapitali u mhux sempliċement bħala dejn jew spejjeż operattivi;

54. Jenfasizza li l-kooperazzjoni territorjali Ewropea, li sservi l-prinċipju usa' tal-koeżjoni territorjali kif introdott mit-Trattat ta' Lisbona tista' tittejjeb; għalhekk iħeġġeġ lill-partijiet ikkonċernati kollha involuti fin-negozjati dwar il-politika futura jsaħħu din id-dimensjoni tal-koeżjoni territorjali; jistieden lill-Kummissjoni tagħti l-importanza meħtieġa lill-kooperazzjoni territorjali Ewropea fis-7 Rapport ta' Koeżjoni;

55. Iqis li l-konċentrazzjoni tematika għandha tibqa' tinżamm fil-futur, billi tat prova tal-vijabbiltà tagħha; jistenna li l-Kummissjoni tippreżenta ħarsa ġenerali tal-kisbiet li saru permezz tal-konċentrazzjoni tematika fil-politika ta' koeżjoni;

56. Jinsab konvint li l-politika ta' koeżjoni tal-ġejjieni orjentata lejn il-prestazzjoni trid tkun imsejsa fuq data u indikaturi li huma xierqa biex jitkejlu l-isforzi, l-eżiti u l-impatti miksuba, kif ukoll fuq l-esperjenza fil-livell reġjonali u lokali fil-qasam (ibbaġitjar ibbażat fuq il-prestazzjoni, kondizzjonalitajiet ex ante u konċentrazzjoni tematika), peress li dan jipprovdi gwida prattika ċara għall-awtoritajiet lokali u reġjonali – inklużi dawk li sa issa għadhom ma ppruvawx japplikaw dan l-approċċ – dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipji tagħha;

57. Jenfasizza li użu aktar mgħaġġel tal-fondi disponibbli u progressjoni aktar ibbilanċjata tan-nefqa matul iċ-ċiklu tal-programmazzjoni se jkunu meħtieġa fil-ġejjieni, anke sabiex jiġi evitat li wieħed ta' spiss idur għal "proġetti retrospettivi", li spiss huma mmirati biex jiġi evitat id-diżimpenn awtomatiku fi tmiem il-perjodu ta' programmazzjoni; huwa tal-fehma li wara l-adozzjoni tar-regolament ġenerali u tar-regolamenti speċifiċi għall-fondi, l-implimentazzjoni tal-programmi operattivi fil-perjodu ta' finanzjament li jmiss mill-2021 se tkun tista' tibda aktar malajr, peress li l-Istati Membri diġà se jkollhom esperjenza b'politika orjentata lejn il-prestazzjoni wara l-isforzi li jkunu saru għall-politika ta' koeżjoni fil-perjodu 2014-2020; jirrimarka f'dan ir-rigward li jenħtieġ li l-Istati Membri jevitaw id-dewmien fil-ħatra ta' awtoritajiet ta' ġestjoni għall-programmi operattivi;

58. Jinsisti li l-proċess leġiżlattiv għall-adozzjoni tal-QFP il-ġdid għandu jiġi konkluż sa tmiem l-2018, ħalli l-qafas regolatorju għall-politika ta' koeżjoni tal-ġejjieni jkun jista' jiġi adottat malajr wara dak u jkun jista' jidħol fis-seħħ mingħajr dewmien fl-1 ta' Jannar 2021;

59. Huwa tal-fehma li l-politika ta' koeżjoni għandha tkompli tkopri lill-Istati Membri kollha u lir-reġjuni kollha tal-Ewropa, u li s-simplifikar tal-arranġamenti għall-aċċess għall-fondi tal-UE hija prerekwiżit essenzjali għas-suċċess futur tal-politika;

60. Jemmen li l-ispirtu tal-innovazzjoni u tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti, flimkien mal-iżvilupp sostenibbli, jrid jibqa' mutur importanti tal-politika ta' koeżjoni; jenfasizza li l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti għandha tkun mekkaniżmu ewlieni għall-politika futura ta' koeżjoni;

61. Jissottolinja r-riskju kbir ta' akkumulazzjoni ta' talbiet għal pagament taħt l-Intestatura 1b fit-tieni nofs tal-QFP attwali u jappella għal livell suffiċjenti ta' approprjazzjonijiet ta' pagament li għandu jkun disponibbli fuq bażi annwali issa u sal-aħħar tal-perspettiva attwali sabiex tiġi evitata akkumulazzjoni ġdida ta' kontijiet mhux imħallsa; jenfasizza, għal dan il-għan, il-ħtieġa li t-tliet istituzzjonijiet tal-UE jiżviluppaw u jaqblu dwar pjan ta' pagament konġunt ġdid għall-2016-2020, li għandu jipprevedi strateġija ċara biex jintlaħqu l-ħtiġijiet kollha ta' pagamenti issa u sa tmiem il-QFP attwali;

62. Jirrakkomanda lill-Kummissjoni li tanalizza l-impatt reali tal-investiment tal-Fondi SIE matul il-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti u sa fejn intlaħqu l-objettivi Ewropej permezz tal-fondi investiti, u li tislet konklużjonijiet fir-rigward tal-esperjenzi pożittivi u negattivi, bħala punt tat-tluq sabiex iżżid il-valur lill-proċess tal-investiment;

o

o o

63. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kumitat tar-Reġjuni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti nazzjonali u reġjonali tal-Istati Membri.

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

P8_TA(2017)0054

Strateġija tal-Avjazzjoni għall-Ewropa

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2017 dwar Strateġija tal-Avjazzjoni għall-Ewropa (2016/2062(INI))

(2018/C 252/28)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Diċembru 2015 bl-isem 'Strateġija tal-Avjazzjoni għall-Ewropa' (COM(2015)0598),

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b'mod partikolari l-Artikoli 4(2)(b) u (g), l-Artikolu 16 u t-Titoli VI u X tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 2 tdwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-14 ta' Lulju 2016 dwar "Strateġija tal-Avjazzjoni għall-Ewropa" ([1]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/21/UE tal-20 ta' Diċembru 2011 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 106(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna mill-Istat taħt il-forma ta' kumpens għas-servizzi pubbliċi mogħti lil ċerti impriżi inkarigati mill-ġestjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali ([2]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ajruporti u l-linji tal-ajru" ([3]),

— wara li kkunsidra li l-avviż tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat kif imsemmi fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ([4]),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament (UE) Nru 651/2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat ([5]),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tas-7 ta' Diċembru 2015 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li tistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li tħassar ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (COM(2015)0613),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-konferenza ta' livell għoli "Aġenda Soċjali għat-Trasport", li saret fl-4 ta' Ġunju 2015 fi Brussell ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Frar 2016 dwar is-sitwazzjoni speċifika tal-gżejjer ([7]),

([1]) KESE, AC TEN/581.
([2]) ĠU L 7, 11.1.2012, p. 3.
([3]) ĠU C 99, 4.4.2014, p. 3.
([4]) ĠU C 262, 19.7.2016, p. 1.
([5]) ĠU C 382, 15.10.2016, p. 1.
([6]) https://ec.europa.eu/transport/media/events/event/high-level-conference-2015-social-agenda-transport_en
([7]) Testi adottati, P8_TA(2016)0049.

— wara li kkunsidra l-eżitu tad-39 Sessjoni tal-Assemblea tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO), li saret fl-2016,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 551/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-organizzazzjoni u l-użu tal-ispazju tal-arja fl-Ajru Uniku Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Novembru 2015 dwar l-avjazzjoni ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' Ottubru 2015 dwar l-allokazzjoni mill-Konferenza Dinjija dwar ir-Radjukomunikazzjoni, li saret f'Ġinevra mit-2 sas-27 ta' Novembru 2015, tal-banda tal-ispettru tar-radju meħtieġa biex tappoġġja l-iżvilupp futur ta' teknoloġija satellitari għall-implimentazzjoni ta' sistemi globali ta' rintraċċar tat-titjiriet ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ġunju 2011 dwar Ftehimiet Internazzjonali dwar l-Ajru skont it-Trattat ta' Lisbona ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' April 2007 dwar l-istabbiliment ta' Żona Ewropea ta' Avjazzjoni Komuni ([4]),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu adottata fl-ewwel qari fit-12 ta' Marzu 2014 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew (riformulazzjoni) ([5]),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu adottata fl-ewwel qari fit-12 ta' Marzu 2014 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 216/2008 fil-qasam tal-ajrudromi, tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru ([6]),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu adottata fl-ewwel qari tal-5 ta' Frar 2014 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 261/2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2027/97 dwar ir-responsabbilità ta' trasportaturi bl-ajru, fejn jidħol it-trasport bl-ajru tal-passiġġieri u l-bagalji tagħhom ([7]),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu adottata fl-ewwel qari fit-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Unjoni Ewropea (tfassil mill-ġdid) ([8]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' Ottubru 2015 dwar l-użu sikur ta' sistemi ta' inġenji tal-ajru ppilotati mill-bogħod (RPAS), komunement magħrufa bħala inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ (UAVs), fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili ([9]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-2 ta' Lulju 2013 dwar "Il-Politika Esterna tal-UE dwar l-Avjazzjoni – Nindirizzaw l-Isfidi tal-Futur" ([10]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tas-Summit Ewropew dwar l-Avjazzjoni fl-ajruport ta' Schiphol (in-Netherlands) fl-20 u l-21 ta' Jannar 2016 ([11]),

([1]) Testi adottati, P8_TA(2015)0394.
([2]) Testi adottati, P8_TA(2015)0392.
([3]) ĠU C 380 E, 11.12.2012, p. 5.
([4]) ĠU C 74 E, 20.3.2008, p. 658.
([5]) Testi adottati, P7_TA(2014)0220.
([6]) Testi adottati, P7_TA(2014)0221.
([7]) Testi adottati, P7_TA(2014)0092.
([8]) ĠU C 434, 23.12.2015, p. 217.
([9]) Testi adottati, P8_TA(2015)0390.
([10]) ĠU C 75, 26.2.2016, p. 2.
([11]) https://english.eu2016.nl/documents/reports/2016/01/20/report-aviation-summit-2016

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni ta' Chicago tas-7 ta' Diċembru 1944,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A8–0021/2017),

A. billi l-politika tat-trasport tal-UE fl-aħħar mill-aħħar għandha l-għan li taqdi l-interessi taċ-ċittadini u tan-negozji Ewropej billi tipprovdi konnettività dejjem akbar, l-ogħla livell ta' sikurezza u sigurtà u swieq mingħajr ostakli;

B. billi standards stretti ta' sikurezza għandhom jibqgħu objettiv ewlieni fil-ħidma favur il-kompetittività fit-trasport bl-ajru;

C. billi s-suq uniku tal-avjazzjoni tal-UE hu eżempju verament ta' suċċess ta' liberalizzazzjoni reġjonali tat-trasport bl-ajru, li kkontribwixxiet ħafna għal livelli mingħajr preċedent ta' konnettività bl-ajru billi espandiet l-opportunitajiet tal-ivvjaġġar fi ħdan l-Ewropa u lil hinn minnha filwaqt li baxxiet il-prezzijiet; billi s-settur tal-avjazzjoni huwa parti fundamentali min-netwerk Ewropew tat-trasport, indispensabbli biex jiġu żgurati l-konnettività u l-koeżjoni territorjali fi ħdan l-UE u madwar id-dinja; billi l-pożizzjoni ġeografika remota u iżolata tar-reġjuni ultraperiferiċi, għall-kuntrarju ta' reġjuni li jinsabu f'pożizzjoni aktar ċentrali u integrata tajjeb, ma toffri ebda alternattiva għat-trasport bl-ajru; billi l-għan li tiġi appoġġata aktar konnettività tal-ajru għandu jkun mhux biss l-espansjoni tan-netwerk ta' konnessjonijiet iżda wkoll l-iżgurar ta' konnettività ta' kwalità xierqa ta' konnettività f'termini ta' frekwenza tat-titjiriet, il-firxa tan-netwerk u l-konvenjenza tal-iskedi;

D. billi s-settur tal-avjazzjoni huwa mutur b'effett multiplikatur għat-tkabbir u għall-ħolqien tal-impjiegi u huwa pilastru importanti tal-ekonomija tal-UE, filwaqt li jrawwem l-innovazzjoni, il-kummerċ u l-kwalità tal-impjiegi, u dan għandu benefiċċji diretti u indiretti sinifikanti għaċ-ċittadini; billi t-tkabbir u d-disponibbiltà tat-traffiku tal-ajru u l-varjetà ta' titjiriet b'konnessjonijiet jippromwovu t-tkabbir ekonomiku, u jikkonfermaw li t-trasport bl-ajru jagħixxi bħala katalista għall-iżvilupp ekonomiku; billi l-ajruporti reġjonali u lokali wkoll jaqdu rwol sinifikanti fl-iżvilupp tar-reġjuni billi jżidu l-kompetittività tagħhom u jiffaċilitaw l-aċċess għat-turiżmu;

E. billi 4,7 miljun impjieg fl-Unjoni huma direttament (1,9 miljun) u indirettament (2,8 miljun) iġġenerati mit-trasport bl-ajru, l-ajruporti u l-industrija tal-manifattura relatata; billi 917 000 impjieg ieħor fl-ekonomija globali huma sostnuti mill-industrija tal-avjazzjoni Ewropea; billi n-natura mobbli u transnazzjonali tal-avjazzjoni tagħmilha diffiċli li jiġu identifikati l-abbużi soċjali u ċ-ċirkomvenzjoni tal-istandards tax-xogħol u dan ifisser li huwa impossibbli li l-problemi jiġu indirizzati biss fil-livell nazzjonali; billi s-sejbiet reċenti tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) juru deterjorament fil-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-settur tal-avjazzjoni; billi diversifikazzjoni akbar fil-kuntratti tista' tkun għodda għal aktar flessibbiltà, iżda tista' wkoll tintuża ħażin billi jintgħażlu l-aktar regoli vantaġġużi biex jiġi evitat il-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali;

F. billi n-nuqqas ta' implimentazzjoni xierqa tal-leġiżlazzjoni tal-UE u nuqqas ta' rieda politika fil-Kunsill, ma jħallux lis-settur tal-avjazzjoni jisfrutta l-potenzjal sħiħ tiegħu, u b'hekk jagħmlu ħsara lill-kompetittività tiegħu u jwasslu għal spejjeż ikbar għad-detriment tan-negozji, il-passiġġieri u l-ekonomija;

G. billi f'settur immexxi mit-teknoloġija u mir-riċerka u l-innovazzjoni, li jirrikjedu kemm investiment fuq skala kbira kif ukoll infrastruttura żviluppata, is-suċċess ta' strateġija jinsab fil-kapaċità tagħha li tadotta viżjoni fit-tul b'investiment ippjanat sew u li tqis għalkollox il-modi kollha tat-trasport;

H. billi t-trasport bl-ajru jiżvolġi rwol importanti fl-issodisfar tal-objettivi klimatiċi tal-UE billi jintroduċu miżuri biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra;

I. billi, minkejja li l-Ajru Uniku Ewropew jipprevedi t-twaqqif ta' blokok ta' spazju tal-ajru funzjonali, l-implementazzjoni ta' dawn il-blokok ta' spazju tal-ajru funzjonali s'issa sofriet dewmien konsiderevoli; billi, għalhekk, il-Kummissjoni stmat li madwar EUR 5 biljun kull sena qed jintilfu minħabba n-nuqqas ta' progress f'dan ir-rigward;

J. billi s-sigurtà hija waħda mill-isfidi li l-industrija tal-avjazzjoni tħabbat wiċċha magħha bl-aktar mod dirett;

1. Jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strateġija tal-Avjazzjoni għall-Ewropa u l-isforzi tagħha biex tidentifika s-sorsi għat-tisħiħ tas-settur billi jinstabu opportunitajiet ġodda fis-suq u jitneħħew l-ostakli, u biex il-proposti tagħha jilqgħu u jantiċipaw l-isfidi l-ġodda abbażi ta' viżjoni Ewropea komuni, permezz tal-iżvilupp ta' oqfsa regulatorji moderni; jemmen li, f'perspettiva aktar fit-tul għandu jkun hemm approċċ aktar olistiku u aktar ambizzjuż sabiex jipprovdi l-ispinta meħtieġa għal industrija tal-avjazzjoni Ewropea kompetittiva u sostenibbli;

2. Jemmen li s-sikurezza hi prinċipju gwida tal-Istrateġija tal-Avjazzjoni Ewropea u li din trid tittejjeb kontinwament; jilqa', għaldaqstant, ir-rieżami tar-Regolament Bażiku tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Ajru (EASA) (ir-Regolament (KE) Nru 216/2008), bl-għan li jinkisbu l-ogħla livelli ta' sikurezza fl-avjazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill, f'dan ir-rigward, biex jgħammru lill-EASA b'riżorsi u persunal suffiċjenti biex ikunu żgurati standards għoljin ta' sigurtà u biex jissaħħaħ ir-rwol tagħha fix-xena internazzjonali;

3. Iħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Istati Membri biex finalment jagħmlu progress b'ħeffa fuq fajls essenzjali oħra li bħalissa huma staġnati, bħar-Riformulazzjoni tar-Regolament dwar l-Implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew (SES2 +) u r-reviżjoni tar-Regolament dwar is-Slots u r-Regolament dwar id-Drittijiet tal-Passiġġieri bl-Ajru; Jistieden lill-Kummissjoni terġa' tikkunsidra l-inizjattivi li għaddejjin bħalissa u tipproponi alternattivi vijabbli biex jitneħħew in-nuqqasijiet tas-settur tal-avjazzjoni li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tardiva u mhux kompluta tal-leġiżlazzjoni tal-UE, bħall-Ajru Uniku Ewropew (SES); jenfasizza li ċ-ċarezza u ċ-ċertezza legali għandhom jiġu żgurati, il-pubblikazzjoni ta' linji gwida, għalkemm hija siewja, mhijiex sostitut għal reviżjoni xierqa tar-regolamenti eżistenti;

4. Jenfasizza li fajls tal-avjazzjoni bblokkjati fil-Kunsill huma maħsuba sabiex jgħammru lill-UE b'ċertezza legali aqwa u qafas imsaħħaħ għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru, użu aktar effiċjenti u razzjonali tal-ispazju tal-ajru tal-UE u dispożizzjonijiet imtejba għall-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew, li kollha huma elementi essenzjali għat-twettiq tal-Istrateġija tal-Avjazzjoni; jistieden lill-Kunsill jieħu passi biex jimxi 'l quddiem bin-negozjati dwar dawn il-fajls;

Id-dimensjoni internazzjonali tal-Istrateġija tal-Avjazzjoni

5. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex jiġi rivedut ir-Regolament (KE) Nru 868/2004, sabiex jiġu indirizzati l-prattiki inġusti attwali, bħal għajnuna inaċċettabbli mill-Istat, li la hu adegwat u lanqas effettiv, u b'hekk jintefa' dawl fuq it-tħassib ewlieni dwar distorsjonijiet potenzjali tal-kompetizzjoni taħt ir-regoli Ewropej; jenfasizza, madankollu, li la tendenza inaċċettabbli lejn il-protezzjoniżmu, u lanqas, waħedhom, il-miżuri biex jiżguraw il-kompetizzjoni ġusta jistgħu jiggarantixxu l-kompetittività tas-settur tal-avjazzjoni tal-UE;

6. Jemmen li s-settur tal-avjazzjoni Ewropew, għalkemm qed jiffaċċja aktar pressjoni minn kompetituri ġodda, li ħafna minnhom użaw it-trasport bl-ajru bħala għodda strateġika għall-iżvilupp internazzjonali, jista' jdaħħal lilu nniffsu f'ambjent globali kompetittiv billi jkompli jibni fuq l-assi tiegħu u jiżviluppahom, assi bħal standards għolja ta' sikurezza u sigurtà, ir-rwol tal-EASA, il-pożizzjonar ġeografiku, industrija innovattiva u għanijiet soċjali u ambjentali; jemmen bis-sħiħ li l-kompetizzjoni minn pajjiżi terzi, jekk tkun ġusta, għandha titqies bħala opportunità biex jiġi żviluppat aktar mudell tal-avjazzjoni Ewropew innovattiv li għandu l-potenzjal li jipprovdi rispons uniku u kompetittiv għall-ispeċifiċitajiet tal-kompetituri;

7. Jemmen li l-possibilità li nattiraw l-investiment barrani huwa importanti għall-kompetittività tal-kumpaniji tal-ajru tal-UE, u m'għandhiex tiġi mxekkla; jilqa', għalhekk, l-intenzjoni tal-Kummissjoni li toħroġ linji gwida li se jġibu ċ-ċarezza rigward ir-regoli tas-sjieda u tal-kontroll, kif stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1008/2008, b'referenza partikolari għall-kriterji ta' "kontroll effettiv", sabiex tiġi żgurata l-effikaċja ta' dawn ir-regoli;

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

8. Jilqa' l-inizjattivi biex jiġu negozjati ftehimiet dwar it-trasport bl-ajru fil-livell tal-UE u ftehimiet bilaterali dwar is-sikurezza tal-avjazzjoni ma' pajjiżi terzi li jirrappreżentaw swieq emerġenti u strateġiċi (iċ-Ċina, il-Ġappun, l-ASEAN, it-Turkija, il-Qatar, l-Emirati Għarab Magħquda, l-Armenja, il-Messiku, iċ-Ċina, il-Bahrain, il-Kuwajt, l-Oman u l-Arabja Sawdija), u jinkoraġġixxi negozjati kostruttivi bla telf ta' żmien; ifakkar li ftehimiet ġodda għandhom jiġu implimentati u infurzati b'mod korrett mill-partijiet kollha u jeħtieġ li tiddaħħal klawżola dwar il-kompetizzjoni ġusta fuq il-bażi ta' standards internazzjonali (ICAO, ILO); jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill, abbażi tar-rispett tal-Artikolu 218 tat-TFUE, sabiex jinvolvu bis-sħiħ lill-Parlament Ewropew fl-istadji kollha tan-negozjati;

9. Jistieden lill-Kummissjoni biex tinnegozja ftehim dwar it-trasport bl-ajru ma' pajjiżi terzi bil-kundizzjoni li l-istandards għoljin ta' sikurezza, standards xierqa tax-xogħol u soċjali u l-parteċipazzjoni fl-istruttment ibbażat fuq is-suq dwar it-tibdil fil-klima għall-emissjonijiet mit-trasport bl-ajru u, fi ftehimiet dwar it-trasport bl-ajru, biex jiġi żgurat l-aċċess indaqs għas-suq, l-istess kundizzjonijiet ta' sjieda u kundizzjonijiet ekwi tal-kompetizzjoni bbażati fuq ir-reċiproċità;

10. Jitlob lill-Kummissjoni li jkun hemm konklużjoni rapida tan-negozjati li għaddejjin bħalissa, u fil-futur biex tniedi djalogi ġodda dwar l-avjazzjoni ma' sħab strateġiċi oħra tal-avjazzjoni; jenfasizza li l-ftehimiet dwar servizzi tal-ajru jikkontribwixxu wkoll għall-promozzjoni tal-progress teknoloġiku, kif ukoll għall-implimentazzjoni u t-tisħiħ ta' politiki Ewropej oħra, bħall-politika tal-viċinat;

Il-konsolidament tas-suq uniku tal-avjazzjoni tal-UE

11. Ifakkar li l-ispazju tal-ajru huwa wkoll parti mis-suq uniku tal-UE, u li kwalunkwe frammentazzjoni li tirriżulta mill-użu ineffiċjenti tagħha, kif ukoll minn prattiki nazzjonali diverġenti (rigward, pereżempju, il-proċeduri operattivi, it-taxxi, l-imposti, eċċ), tikkawża ħinijiet ta' titjir itwal, dewmien, konsum żejjed ta' fjuwil, u livelli ogħla ta' emissjonijiet ta' CO_2, minbarra li jkollha impatt negattiv fuq il-bqija tas-suq u xxekkel il-kompetittività tal-UE;

12. Jinnota li l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 551/2004 jipprevedi, mingħajr preġudizzju għas-sovranità tal-Istati Membri fuq l-ispazju tal-ajru tagħhom, l-istabbiliment ta' reġjun uniku Ewropew ta' informazzjoni dwar titjir aktar 'il fuq (EUIR), u jistieden lill-Kummissjoni timplimentah, minħabba li dan jippermetti li jingħelbu l-konġestjonijiet reġjonali u jagħti lok għall-kontinwità tas-servizzi tal-ajru fl-iktar partijiet densi tal-ispazju tal-arja fil-każ ta' ċirkostanzi mhux previsti jew interruzzjonijiet tat-traffiku tal-ajru; jemmen li l-EUIR se jippermetti l-istabbiliment gradwali ta' Awtostrada tal-Ajru Trans-Ewropea, li tkun pass ieħor lejn it-tlestija tal-Ajru Uniku Ewropew u ġestjoni kosteffikaċi tal-ispazju tal-ajru tal-UE; jilqa' l-progress li diġà sar fil-qasam tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru bl-għan li jżidu l-effiċjenza u jnaqqsu l-ispejjeż u l-emissjonijiet, partikolarment bis-saħħa ta' ħidmet il-Maniġer tan-Netwerk, u jistieden lill-Istati Membri biex ilestu l-blokok ta' spazju tal-ajru funzjonali mingħajr aktar dewmien biex jiffaċilitaw aktar progress lejn l-Ajru Uniku Ewropew;

13. Jemmen bis-sħiħ li s-settur tal-avjazzjoni għandu jibbenefika għalkollox minn teknoloġiji bbażati fuq satelliti Ewropej, bħal pereżempju EGNOS u Galileo, li jippermettu navigazzjoni u proċeduri ta' approċċ aktar sikura u aktar effiċjenti filwaqt li jippermettu l-użu sħiħ tal-proġett SESAR; għalhekk jinsisti fuq il-ħtieġa għall-implimentazzjoni wiesgħa ta' dawn it-teknoloġiji; jirrimarka li biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tal-proġett SESAR, u fl-interess li tinkiseb l-interoperabbiltà globali, għandu jiġi allokat baġit speċifiku u ambizzjuż – apparti l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) — għall-implimentazzjoni tiegħu;

14. Jieħu nota tal-volum ta' traffiku bl-ajru, li attwalment huwa konsiderevoli u huwa previst li jiżdied fil-ftit snin li ġejjin, kif ukoll ir-restrizzjonijiet tal-kapaċità tal-ajruporti Ewropej biex jakkomodaw madwar 2 miljun titjira sal-2035; jenfasizza li dan se jirrikjedi użu kkoordinat u effiċjenti tal-kapaċità tal-ajruporti u tal-ispazju tal-ajru sabiex tittaffa l-konġestjoni;

15. Jenfasizza l-importanza vitali tas-settur tal-avjazzjoni għat-tkabbir ekonomiku, il-ħolqien tal-impjiegi u l-iżvilupp tat-turiżmu; jenfasizza li ajruporti żgħar u reġjonali jaqdu rwol prinċipali fil-promozzjoni tal-konnettività, il-koeżjoni territorjali, l-inklużjoni soċjali u t-tkabbir ekonomiku, speċjalment għar-reġjuni ultraperiferiċi u għall-gżejjer; iqis, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa għal ippjanar strateġiku għas-sistema tal-ajruporti Ewropea li jista' jidentifika l-kapaċitajiet attwali, id-domanda prevista, l-ostakli attwali u l-ħtiġijiet tal-infrastruttura ġejjiena fil-livell Ewropew, u li jista' jżomm l-aċċess għaċ-ċittadini tal-UE għas-servizzi tal-avjazzjoni;

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

16. Jirrikonoxxi d-distakk sinifikanti tal-konnettività fi ħdan l-UE, ikkaratterizzat minn għadd inqas ta' konnessjonijiet bl-ajru f'ċerti partijiet tal-Unjoni, u l-importanza tal-konnettività reġjonali (inklużi żoni ġeografiċi esklużi mit-TEN-T); jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tkompli tissorvelja u tindirizza l-konnettività bl-ajru fi ħdan l-UE;

17. Jemmen li ħafna mil-limiti sinifikanti għat-tkabbir, kemm fl-ajru kif ukoll fuq l-art (eż. il-kriżi tal-kapaċità, l-użu nieqes jew żejjed tal-infrastrutturi, il-Fornitur ta' Servizz tan-Navigazzjoni bl-Ajru (ANSP) differenti jew investiment limitat), kif ukoll id-distakki fil-konnettività bl-ajru bejn ir-reġjuni differenti tal-UE, jistgħu jiġu indirizzati billi l-konnettività titqies – fil-livelli kollha (nazzjonali, Ewropew u internazzjonali) – bħala waħda mill-indikaturi ewlenin waqt il-valutazzjoni u l-ippjanar ta' azzjonijiet fis-settur;

18. Iqis li l-konnettività m'għandhiex biss tkun limitata għall-għadd, il-frekwenza u l-kwalità tas-servizzi tat-trasport bl-ajru, iżda għandha tiġi vvalutata wkoll fil-kuntest ta' netwerk tat-trasport modern integrat u għandha tinkludi wkoll kriterji oħra, bħalma huma l-ħin, il-kontinwità territorjali, integrazzjoni akbar tan-netwerk, l-aċċessibbiltà, id-disponibbiltà ta' alternattivi tat-trasport, prezz li jintlaħaq u l-prezz ambjentali, sabiex tirrifletti l-valur miżjud reali ta' rotta; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni tesplora l-possibbiltà li jiġi żviluppat indikatur tal-UE bbażat fuq indiċijiet oħra eżistenti u fuq il-ħidma esploratorja li diġà twettqet mill-Eurocontrol u mill-Osservatorju tal-Ajruporti;

19. Jemmen li tali indiċi tal-konnettività, inkluża analiżi pożittiva tal-kostijiet u l-benefiċċji, għandha tikkunsidra l-konnessjonijiet bl-ajru minn perspettiva wiesgħa, filwaqt li ma timminax l-objettiv tal-UE ta' koeżjoni territorjali, li ser tittejjeb permezz tal-linji gwida interpretattivi li se joħorġu dalwaqt dwar ir-regoli tal-Obbligi tas-Servizz Pubbliku; jenfasizza li dan l-indiċi jista' jaqdi l-interessi tal-ippjanar strateġiku ġenerali, sabiex jiġi evitat li jinħlew il-flus ta' dawk li jħallsu t-taxxa billi ssir id-distinzjoni bejn l-opportunitajiet vijabbli minn proġetti li ma jrendux profitti, sabiex, fost affarijiet oħrajn, tingħata prijorità lill-ispeċjalizzazzjoni bi profitt tal-ajruporti, inklużi raggruppamenti jew netwerks ta' ajruporti, tiġi evitata l-emerġenza futura ta' "ajruporti fantażma", u jkun żgurat l-użu effiċjenti tal-kapaċità tal-ajruport u l-ispazju tal-ajru, u wkoll billi jiġu identifikati soluzzjonijiet intermodali, kosteffikaċi u sostenibbli;

20. Jemmen li l-benefiċċji tal-komplementarjetà tal-modi kollha tat-trasport, mingħajr eċċezzjoni għandhom jiġu sfruttati sabiex tittejjeb il-mobilità u tinkiseb netwerk tat-trasport reżiljenti fl-interess tal-utenti, kemm għat-trasport tal-passiġġieri kif ukoll tal-merkanzija; jindika li l-intermodalità, billi tippermetti bidla modali, hija l-uniku mod kif jista' jiġi żgurat l-iżvilupp dinamiku u sostenibbli ta' settur tal-avjazzjoni kompettitiv fl-UE; jenfasizza li l-intermodalità tippermetti użu aktar effiċjenti tal-infrastruttura, billi tespandi u tqis ż-żoni koperti minn ajruport u tevita t-trikkib tagħhom, bir-riżultat li jkunu liberati xi slots u jingħata kontribut lill-ħolqien ta' ambjent favorevoli għall-kummerċ, it-turiżmu u l-operazzjonijiet tal-merkanzija; jirrikonoxxi s-suċċessi li nkisbu f'dan il-qasam permezz tal-integrazzjoni tal-infrastrutturi ferrovjarji u dawk tal-ajru, u jinkoraġġixxi aktar progress f'dan ir-rigward;

21. Itenni li l-kurituri tat-TEN-T huma s-sinsla għall-iżvilupp ta' għażliet multimodali fejn l-ajruporti huma ċentri ewlenin; jiddispjaċih li l-inizjattivi multimodali fl-Ewropa huma frammentati u limitati fl-għadd; jenfasizza l-ħtieġa ta' konnessjonijiet rapidi, effiċjenti u faċli biex jintużaw bejn in-netwerks tat-trasport pubbliku u l-infrastruttura tal-ajruporti; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu prijorità akbar lill-objettiv multimodali tal-kurituri tat-TEN-T filwaqt li jitneħħew il-konġestjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta minnufih il-proposta tagħha għal approċċ multimodali u interoperabbli għat-trasport, bl-integrazzjoni sħiħa tas-settur tal-avjazzjoni, u jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu aħjar mill-istrumenti finanzjarji għad-dispożizzjoni tagħhom biex jippromwovu l-konnessjonijiet intermodali;

22. Iqis li sabiex it-trasport intermodali madwar l-Ewropa jsir aktar attraenti, soluzzjonijiet mingħajr ostakli, informazzjoni fil-ħin reali u servizzi integrati (eż. biljetti integrati) għandhom ikunu offruti lill-passiġġieri kollha (inklużi l-persuni b'mobbiltà mnaqqsa); jirrimarka li l-proġetti ffinanzjati mill-UE wrew il-vijabbiltà teknika tal-iżvilupp ta' sistemi multimodali ta' informazzjoni u ta' ħruġ ta' biljetti; jistieden lill-Kummissjoni, għaldaqstant, tappoġġja t-twassil tagħhom lill-passiġġieri madwar l-UE;

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

23. Jemmen li l-operaturi tat-trasport u l-fornituri tas-servizz se jimpenjaw ruħhom biex isibu soluzzjonijiet intermodali u multimodali jekk, permezz ta' qafas regolatorju tal-UE, jiġu provudi kjarifika u ċertezza legali f'dak li jirrigwarda d-drittijiet tal-passiġġieri, ir-responsabilità, id-dewmien u l-kanċellazzjonijiet, approvazzjoni tas-sigurtà, id-data miftuħa u l-istandards tal-kondiviżjoni tad-data; jistieden lill-Kummissjoni biex taġixxi f'dan ir-rigward;

24. Jinnota li l-finanzjament kemm pubbliku kif ukoll privat fis-settur tal-avjazzjoni huwa essenzjali biex tiġi żgurata l-koeżjoni territorjali, titrawwem l-innovazzjoni u jinżamm jew jerġa' jinkiseb rwol mexxej Ewropew tal-industrija tagħna; ifakkar li kwalunkwe finanzjament irid josserva l-linji gwida tal-UE dwar l-għajnuna mill-istat u l-liġi tal-kompetizzjoni; isostni li meta jingħata appoġġ pubbliku għandu jiġi żgurat li l-investiment konċernat ser jkun kosteffettiv u tajjeb għall-iskop tiegħu;

25. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, b'konformità mal-"Linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ajruporti u l-linji tal-ajru" tal-Kummissjoni u l-avviż tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat kif imsemmi fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, biex isostnu strateġija fit-tul biex jindirizzaw, minnaħa l-waħda, l-ajruporti żejda li qed jagħmlu t-telf f'reġjuni fejn huma disponibbli mezzi oħra ta' trasport, u min-naħa l-oħra, il-kontribut tal-ajruporti sekondarji għall-iżvilupp, il-kompetittività u l-integrazzjoni tar-reġjuni tal-UE;

26. Jinnota l-importanza ta' qafas regolatorju favorevoli għall-ajruporti biex jiġi attirat u mobilizzat l-investiment privat; iqis li l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tad-Direttiva dwar l-Imposti tal-Ajruporti, flimkien ma' konsultazzjoni effettiva mal-linji tal-ajru u mal-ajruporti, għandha tgħin biex jiġi ċċarat jekk id-dispożizzjonijiet attwali humiex għodda effettiva biex tkun promossa l-kompetizzjoni kontra r-riskju ta' abbuż ta' poter monopolistiku u biex jiġu estiżi l-interessi tal-konsumaturi Ewropej u tkun promossa l-kompetizzjoni, jew jekk hemmx bżonn ta' riforma; jirrikonoxxi l-kontribut taddħul minn attivitajiet mhux ajrunawtiċi għall-vijabbiltà kummerċjali tal-ajruporti;

27. Jinnota li l-Kummissjoni ħabbret, fl-Istrateġija tal-Avjazzjoni tagħha ppubblikata f'Diċembru 2015, evalwazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE dwar is-servizzi ta' groundhandling fl-ajruporti tal-UE; jappoġġja l-inklużjoni tal-groundhandling fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EASA, bl-għan li tkun koperta l-katina kollha tas-sikurezza tal-avjazzjoni;

L-Istrateġija tal-Avjazzjoni: il-ġejjieni

28. Jemmen li l-katina tal-valur kollha tal-avjazzjoni għandha l-potenzjal li tkun settur strateġiku għall-investiment, li jeħtieġ li jiġi sfruttat iktar billi jiġu stabbiliti objettivi fit-tul u billi jingħataw inċentivi għal inizjattivi intelliġenti li jissodisfaw dawk l-objettivi, bħal ajruporti jew inġenji tal-ajru iktar ekoloġiċi, it-tnaqqis tal-istorbju, il-konnessjoni bejn il-faċilitajiet tal-ajruporti u t-trasport pubbliku; jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jikkunsidraw aktar miżuri biex jippromovu inizjattivi bħal dawn, anke permezz tal-użu effettiv tal-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (FEIS), u biex ikomplu jippromwovu u jiffinanzjaw programmi bħal Clean Sky u SESAR; jenfasizza li l-industrija ajrunawtika hija kontributur ewlieni għall-kompetittività fis-settur tal-avjazzjoni tal-UE, u tagħti appoġġ qawwi lill-promozzjoni ta' teknoloġiji aktar nodfa u appoġġ lil SESAR;

29. Jieħu nota tal-emissjonijiet ta' CO_2 iġġenerati mis-settur tal-avjazzjoni; jenfasizza l-firxa wiesgħa ta' azzjonijiet meħuda diġà jew li ser jittieħdu biex jinkiseb tnaqqis fl-emissjonijiet ta' CO_2 u ta' gassijiet b'effett ta' serra, kemm mil-lat tekniku permezz tal-iżvilupp ta' fjuwils alternattivi u inġenji tal-ajru aktar effiċjenti kif ukoll mil-lat politiku permezz tal-osservanza tal-ftehimiet internazzjonali; jilqa' b'sodisfazzjon il-ftehim li ntlaħaq mid-39 Assemblea tal-ICAO fis-6 ta' Ottubru 2016, bl-adozzjoni ta' miżura globali bbażata fuq is-suq (GMBM) sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-avjazzjoni internazzjonali, u l-impenn meħud minn 65 pajjiż li jipparteċipaw fil-fażi volontarja sal-2027, li jfisser li madwar 80 % tal-emissjonijiet ogħla mil-livelli tal-2020 se jiġu kkumpensati mill-iskema sal-2035; jenfasizza l-importanza li tinżamm wara l-31 ta' Diċembru 2016 id-deroga mogħtija taħt l-Iskema tal-Iskambju tal-Emissjonijiet (ETS) għal emissjonijiet minn titjiriet minn jew lejn ajruport f'reġjun ultraperiferiku kif definit fl-Artikolu 349 tat-TFUE; jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tirrevedi l-miżuri tal-UE għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' CO_2 mill-avjazzjoni fid-dawl ta' dan il-ftehim;

30. Huwa tal-fehma li, fid-dawl ukoll tal-Pakkett tal-Ekonomija Ċirkolari tal-Kummissjoni, għandhom jiġu mħeġġa inizjattivi ulterjuri bl-għan li tiżdied il-kapaċità ambjentali u jitnaqqsu l-emissjonijiet u l-istorbju minn attivitajiet operazzjonali minn, lejn u fl-ajruporti, bħall-pereżempju permezz tal-adozzjoni ta' fjuwils rinnovabbli (eż. bijofjuwils), billi jiġu żviluppati sistemi effiċjenti għal riċiklaġġ, żarmar u użu mill-ġdid tal-inġenji tal-ajru ċertifikat li ma jagħmilx ħsara lill-

ambjent, billi jkunu promossi l-ajruporti ekoloġiċi u t-trasport ekoloġiku lejn l-ajruport, u billi tinkiseb il-ġestjoni loġistika l-aktar effiċjenti;

31. Jappella li jiġu miġbura u disseminati l-aħjar prattiki ta' tnaqqis fl-emissjonijiet fi ħdan is-settur, filwaqt li nżommu f'moħħna li l-istandards ambjentali għoljin għandhom jiġu ppreservati u mtejba matul iż-żmien sabiex ikun żgurat li l-avjazzjoni tiżviluppa b'mod sostenibbli;

32. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jissorveljaw b'mod strett il-proċeduri l-ġodda li ilhom fis-seħħ minn Ġunju 2016 biex jitnaqqas l-istorbju u l-partikoli ultrafini fl-emissjonijiet tal-gass tal-exhaust minn inġenji tal-ajru li jitilqu minn ajruporti viċin il-bliet u l-inħawi popolati, sabiex tittejjeb il-kwalità tal-ħajja u speċjalment il-kwalità tal-arja;

33. Jirrikonoxxi l-ispiża sostanzjali tal-miżuri ta' sigurtà; jenfasizza li l-isfidi tas-sigurtà, inkluża s-sigurtà ċibernetika, li qed iħabbat wiċċu magħha s-settur tal-avjazzjoni se jiżdiedu fil-futur, u jirrikjedu bidla immedjata lejn approċċ aktar ibbażat fuq ir-riskju u l-intelliġenza u sistema tas-sigurtà reattiva li jtejjeb is-sigurtà tal-faċilitajiet fl-ajruporti u jagħmel possibbli l-adattament għal theddidiet li jevolvu mingħajr rispons kostanti b'miżuri ġodda jew sempliċement ċaqliq tar-riskju minflok it-tnaqqis tar-riskju;

34. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal sistema ta' ċertifikazzjoni tal-UE għal tagħmir ta' skrinjar tas-sigurtà tal-avjazzjoni; jinsisti fuq il-ħtieġa għal implimentazzjoni konsistenti tar-regoli eżistenti dwar ir-reklutaġġ u t-taħriġ tal-persunal; jistieden lill-Kummissjoni tistudja l-possibilità li tapprofondixxi l-kunċett ta' kontroll uniku tas-sigurtà (one-stop-security) u li tiżviluppa sistema tal-UE ta' kontroll minn qabel li tippermetti lill-vjaġġaturi tal-UE rreġistrati minn qabel jgħaddu mill-approvazzjoni tas-sigurtà b'mod aktar effiċjenti; iħeġġeġ lill-Istati Membri jimpenjaw ruħhom li jikkondividu l-intelliġenza b'mod sistematiku u jiskambjaw l-aħjar prattiki dwar is-sistemi tas-sigurtà tal-ajruporti;

35. Jieħu nota tar-Rapport ta' Livell Għoli dwar iż-Żoni ta' Kunflitt, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport, inkluża l-kondiviżjoni tal-informazzjoni sabiex ikun żgurat l-iżvilupp ta' valutazzjoni tar-riskju tal-UE u l-ħila ta' skambjar ta' informazzjoni b'mod rapidu; jissottolinja wkoll li t-tħassib dwar is-sigurtà li jirriżulta minn titjiriet militari mhux kooperattivi mingħajr transponders attivi jridu jkomplu jiġu indirizzati;

36. Jissottolinja li l-innovazzjoni hija prerekwiżit għal industrija tal-avjazzjoni Ewropea kompetittiva; jinnota li meta jitqabbel ma' modi oħra tat-trasport, l-avjazzjoni diġà huwa settur minn ta' quddiem fl-użu tal-benefiċċji tad-diġitalizzazzjoni, it-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni u d-data miftuħa, u jħeġġeġ lis-settur ikompli jieħu rwol ewlieni f'dan il-proċess, filwaqt li jiżgura l-kompetizzjoni ġusta, l-interoperabbiltà tas-sistemi, in-newtralità, u t-trasparenza ta' aċċess għal informazzjoni ċara u fil-qosor għall-utenti kollha, bħal, pereżempju, konsumaturi li jibbukkjaw vjaġġ sħiħ jew kumpaniji tal-merkanzija involuti f'operazzjonijiet tat-trasport tal-merkanzija bl-ajru; jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal proġett Big Data dwar l-avjazzjoni u jitlob kjarifiki dwar l-implimentazzjoni tiegħu;

37. Ifakkar fl-"indaġni" tas-siti web tas-servizz tal-ivvjaġġar fl-Unjoni, imwettqa mill-Kummissjoni u mill-korpi nazzjonali tal-infurzar fl-2013; jinnota li din l-indaġni kixfet problemi sinifikanti f'iktar minn żewġ terzi tas-siti li ġew kontrollati; jitlob lill-Kummissjoni tirrapporta b'mod aktar sħiħ dwar il-progress li sar biex is-siti web tal-ivvjaġġar isiru konformi mad-dritt tal-UE, u dwar il-pjanijiet futuri tagħha għall-infurzar f'dan il-qasam, kemm fir-rigward tal-bejgħ online kif ukoll tal-bejgħ offline ta' biljetti tal-ajru; ifakkar li l-konsumaturi għandu dejjem ikollhom disponibbli aċċess għal sistema biex iressqu l-ilmenti tagħhom lill-kummerċjanti u jitolbu rifużjonijiet; jemmen li tali aċċess għandu jkun disponibbli b'mod li ma jiddiswadix lill-konsumaturi milli jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom u dan l-aċċess għandu jiġi indikat lill-konsumaturi b'mod ċar; jistieden lill-Kummissjoni taħdem mill-qrib mal-korpi nazzjonali tal-infurzar sabiex tiżgura li l-operaturi jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti;

38. Jilqa' b'sodisfazzjon l-innovazzjoni u l-iżvilupp ekonomiku li jistgħu jiġu promossi permezz tal-iżvilupp ulterjuri tal-użu ċivili ta' sistemi ta' inġenji tal-ajru ppilotati mill-bogħod (RPAS); jinnota li s-suq għall-RPAS qed jikber b'mod mgħaġġel, u li tali inġenji tal-ajru qed jintużaw dejjem aktar għal skopijiet privati, f'attivitajiet kummerċjali u mill-awtoritajiet pubbliċi

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

fit-twettiq tal-kompiti tagħhom; jenfasizza l-ħtieġa urġenti għal adozzjoni rapida ta' qafas regolatorju ċar, proporzjonat, armonizzat u msejjes fuq ir-riskju għall-RPASs, sabiex jiġu stimulati l-investiment u l-innovazzjoni fis-settur u jiġi sfruttat għalkollox il-potenzjal enormi tiegħu filwaqt li jinżammu l-ogħla standards ta' sikurezza possibbli;

39. Ifakkar li r-regolamentazzjoni tas-settur tal-avjazzjoni għandha tqis il-bżonnijiet speċifiċi tal-avjazzjoni ġenerali, fuq bażi li tipprovdi għal soluzzjonijiet tat-trasport tal-ajru individwali, kif ukoll għal attivitajiet sportivi bl-ajru;

L-aġenda soċjali tal-Istrateġija tal-Avjazzjoni

40. Jirrikonoxxi l-ħtieġa li jiġi ċċarat il-kriterju ta' "bażi ta' residenza' u d-definizzjoni ta' 'post prinċipali tan-negozju' sabiex jiġi żgurat li jkunu jistgħu jiġu applikati b'mod konsistenti u jiġi prevenut b'mod effettiv l-użu ta' bnadar ta' konvenjenza" u l-prattiki tal-għażla tal-aktar regoli vantaġġużi; ifakkar li waħda mir-responsabbiltajiet prinċipali tal-EASA huwa li toħroġ kemm Ċertifikati tal-Operazzjonijiet tal-Ajru kif ukoll awtorizzazzjonijiet ta' Operaturi ta' Pajjiżi Terzi, bl-għan li jiggarantixxu s-sikurezza u jikkontribwixxu għal titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol;

41. Jistieden lill-EASA u l-Istati Membri ikomplu bl-iskrutinju mudelli ġodda ta' negozju u ta' impjieg sabiex tiġi żgurata s-sikurezza tal-avjazzjoni, u jitlob lill-Kummissjoni biex tirregola fejn meħtieġ; jinnota li għandha tingħata attenzjoni partikolari, fost affarijiet oħra, lil kuntratti li ma jispeċifikawx l-ammont ta' sigħat (zero-hour), skemi pay-to-fly, impjiegi indipendenti fittizju u s-sitwazzjoni ta' ekwipaġġ minn pajjiżi terzi fuq inġenji tal-ajru reġistrati fl-UE; jenfasizza l-importanza tar-Regolament dwar ir-Rappurtar ta' Okkorrenzi fl-Avjazzjoni u l-prattiki ta' "kultura ġusta" għat-tishiħ u t-titjib tal-istandards tas-sikurezza, kif ukoll is-saħħa u l-kundizzjonijiet tax-xogħol;

42. Ifakkar li taħriġ b'livell għoli ta' kwalità jikkontribwixxi għas-sikurezza tal-avjazzjoni; jenfasizza l-kontribut importanti tal-EASA għall-istabbiliment ta' standards komuni ta' taħriġ u sikurezza għall-piloti, il-membri tal-ekwipaġġ u l-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru, anke permezz tal-Akkademja Virtwali tagħha, u jistieden lill-Istati Membri jinvestu fl-edukazzjoni u t-taħriġ tul il-ħajja għall-partijiet kollha tal-katina tal-valur tal-avjazzjoni, għax is-suċċess tal-avjazzjoni Ewropea jiddependi ħafna fuq ħaddiema tas-sengħa u l-innovazzjoni; jirrikonoxxi l-ħtieġa li tiġi indirizzata kwalunkwe lakuna li jista' jkun hemm mil-lat ta' ħiliet; jenfasizza l-importanza ta' sħubiji bejn l-istituzzjonijiet edukattivi, iċ-ċentri tar-riċerka u s-sħab soċjali sabiex jiġu aġġornati l-programmi ta' taħriġ u jiġi żgurat li dawn jirriflettu l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol;

43. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jespandu l-mudelli ta' taħriġ doppju fl-inġinerija ajrunawtika, u biex jestenduhom permezz tal-kooperazzjoni internazzjonali;

44. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tressaq inizjattivi konkreti sabiex tipproteġi d-drittijiet tal-ħaddiema; jistieden lill-Istati Membri jiggarantixxu lill-ħaddiema kollha fis-settur tal-avjazzjoni kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti, inklużi s-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, irrispettivament mid-daqs u mit-tip ta' kumpanija li timpjegahom, mill-post tax-xogħol jew mill-kuntratt sottostanti;

45. Jinnota li l-linji tal-ajru kollha li joperaw fl-Unjoni Ewropea jridu jkunu kompletament konformi mar-rekwiżiti soċjali u tal-impjieg tal-UE u tal-Istati Membri; jindika li hemm differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-protezzjoni soċjali u li l-impriżi jisfruttaw il-libertà ta' stabbiliment sabiex inaqqsu l-ispejjeż; jistieden lill-Istati Membri jrażżnu din il-kompetizzjoni dannuża; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippreżentaw proposti dwar kif jevitaw li impjiegi indiretti jintużaw ħażin biex jaħarbu l-leġiżlazzjoni tal-UE u dik nazzjonali dwar it-taxxa u s-sigurtà soċjali fis-settur tal-avjazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprevjenu l-abbużi soċjali u ċ-ċirkomvenzjoni tal-istandards tax-xogħol billi jiggarantixxu protezzjoni għal dawk li jipprovdu l-informazzjoni, jiffaċilitaw ir-rappurtar miftuħ u jsaħħu l-kooperazzjoni bejn l-ispettorati tax-xogħol tal-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw l-applikazzjoni u l-infurzar korrett tal-liġi dwar ix-xogħol, il-leġiżlazzjoni soċjali u l-ftehimiet kollettivi għal-linji tal-ajru li joperaw fi Stat Membru partikolari;

46. Jenfasizza li d-dritt li tifforma u tingħaqad ma' trejdjunjin u li tieħu azzjoni kollettiva huwa dritt fundamentali u li jrid jiġi rispettat, kif stabbilit fl-Artikolu 12 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea; jiċħad kull tentattiv biex jiddgħajjef id-dritt tal-istrajkjar fis-settur tal-avjazzjoni; jenfasizza l-importanza ta' sħab soċjali b'saħħithom u indipendenti fis-settur tal-avjazzjoni, djalogu soċjali regolari u istituzzjonalizzat fil-livelli kollha, u l-parteċipazzjoni u r-rappreżentazzjoni tal-impjegati fil-kwistjonijiet tal-kumpanija; jinsisti fuq proċess ta' konsultazzjoni xieraq u djalogu

soċjali msaħħaħ qabel kwalunkwe inizjattiva tal-UE li tikkonċerna s-settur tal-avjazzjoni; jilqa' l-isforzi tas-sħab soċjali biex jinnegozjaw ftehim dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u d-drittijiet soċjali tal-ħaddiema fis-settur Ewropew tal-avjazzjoni; iħeġġiġhom jinnegozjaw ftehimiet kollettivi fil-partijiet kollha tas-settur f'konformità mal-liġijiet u l-prattiki nazzjonali, peress li tali ftehimiet huma strument effettiv fil-ġlieda kontra l-ġirja lejn l-aktar livell baxx fir-rigward tal-istandards soċjali, tax-xogħol u tal-impjieg u fl-iżgurar ta' renumerazzjoni deċenti għall-ħaddiema kollha;

47. Jemmen li l-ebda impjegat ma għandu jiġi f'dubju dwar il-leġiżlazzjoni applikabbli tax-xogħol jew dwar fejn hu jew hi huma intitolati għas-sigurtà soċjali; jiġbed l-attenzjoni dwar is-sitwazzjoni speċjali ta' ħaddiema mobbli ħafna fis-settur tal-avjazzjoni f'dan il-kuntest, u jappella għal koordinazzjoni aħjar tas-sistemi tas-sigurtà soċjali fl-UE; jinsisti li l-ħtieġa ta' kjarifika ulterjuri tal-liġi applikabbli u tal-qrati kompetenti fir-rigward ta' kuntratti tal-impjieg ta' ħaddiema mobbli fl-avjazzjoni għandha tiġi vvalutata b'kooperazzjoni mill-qrib mar-rappreżentanti ta' dawk il-ħaddiema;

o

o o

48. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

P8_TA(2017)0055

Dewmien fl-implimentazzjoni tal-programmi operazzjonali tal-Fondi SIE – l-impatt fuq il-politika ta' koeżjoni u t-triq 'il quddiem

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2017 dwar dewmien fl-implimentazzjoni tal-programmi operattivi tal-Fondi SIE – l-impatt fuq il-politika ta' koeżjoni u t-triq 'il quddiem (2016/3008(RSP))

(2018/C 252/29)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-aċċellerazzjoni tal-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Novembru 2014 dwar dewmien fil-ftuħ tal-politika ta' koeżjoni 2014-2020 ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Jannar 2014 dwar l-istat ta' tħejjija tal-Istati Membri tal-UE għal bidu effikaċi u f'waqtu tal-perjodu l-ġdid ta' programmazzjoni tal-politika ta' koeżjoni ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP 2014-2020 ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2017 dwar l-investiment f'impjiegi u tkabbir – nimmassimizzaw il-kontribuzzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej: evalwazzjoni tar-rapport skont l-Artikolu 16(3) tas-CPR ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Novembru 2015, "Lejn simplifikazzjoni u orjentament tal-prestazzjoni fil-politika ta' koeżjoni 2014-2020" ([6]),

— wara li kkunsidra l-mistoqsija indirizzata lill-Kummissjoni dwar dewmien fl-implimentazzjoni tal-programmi operattivi tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (SIE) – l-impatt fuq il-politika ta' koeżjoni u t-triq 'il quddiem (O-000005/2017 – B8-0202/2017),

— wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 128(5) u 123(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi, il-konklużjoni tardiva tan-negozjati tal-QFP 2014-2020 u l-adozzjoni tardiva tal- Fondi SIE wasslet għal dewmien fil-proċess tal-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' sħubija u tal-programmi operattivi, fid-dežinjazzjoni tal-awtoritajiet ta' ġestjoni, ċertifikazzjoni u awditjar, fil-proċess tad-definizzjoni u t-twettiq tal-kundizzjonalitajiet ex ante, u fl-implimentazzjoni tal-proġetti fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali; billi, għad li m'hemm l-ebda informazzjoni fattwali u analiżi dwar ir-raġunijiet għalih, dan id-dewmien qed ikollu impatt, fl-ewwel parti tal-perjodu ta' programmazzjoni, fuq il-potenzjal tal-Fondi SIE biex iqawwu l-kompetittività u jsaħħu l-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali;

([1]) Testi adottati, P8_TA(2016)0217.
([2]) ĠU C 289, 9.8.2016, p. 50.
([3]) ĠU C 482, 23.12.2016, p. 56.
([4]) Testi adottati, P8_TA(2016)0412.
([5]) Testi adottati, P8_TA(2017)0053.
([6]) Testi adottati, P8_TA(2015)0419.

B. billi issa ġew adottati 564 programm operattiv tal-Fondi SIE u l-Kummissjoni Ewropea rċeviet notifika ta' dożinjazzjoni tal-awtoritajiet għal 374 programm operattiv; billi pagamenti interim ma jistgħux isiru mingħajr id-dożinjazzjoni ta' awtoritajiet ta' ġestjoni; billi, skont id-dejta disponibbli fil-30 ta' Novembru 2016, ġew eżegwiti EUR 14,750 f'pagamenti interim, bl-implikazzjoni li l-ħtiġijiet ta' pagament huma aktar baxxi minn dawk oriġinarjament previsti;

C. billi, fl-istess fażi matul l-aħħar perjodu ta' programmazzjoni, minkejja dewmien u ostakoli tekniċi simili marbuta mar-rekwiżit dwar is-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll, użu tal-pagamenti interim kien diġa ġie rreġistrat f'Lulju 2009 u, skont l-approprjazzjonijiet ta' pagament previsti fil-baġit għall-2010, kien mistenni li l-implimentazzjoni tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni tilħaq ir-ritmu sħiħ tagħha dik is-sena;

D. billi l-livell kurrenti tal-pagamenti interim jirrappreżenta sehem relattivament baxx tal-allokazzjoni globali għall-programm fil-kuntest tal-progress tal-perjodu ta' programmazzjoni; billi l-Parlament Ewropew huwa mħasseb jara li, skont it-tbassir tal-Istati Membri fil-ħarifa tal-2016, dan mistenni jkompli għaddej bl-istess rata;

E. billi l-implimentazzjoni tardiva u t-tnaqqis konsegwenti tal-ħtiġijiet ta' pagament diġà wasslu għal tnaqqis ta' EUR 7,2 biljun fil-pagamenti taħt l-Intestatura 1b fl-2016, permezz tal-Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 4/2016; billi fl-istess stadju tal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 ma kien jeħtieġ l-ebda abbozz ta' baġit emendatorju simili; billi għall-2017 hemm tnaqqis ta' kważi 24 % f'approprjazzjonijiet ta' pagament, meta mqabbla mal-2016;

F. billi huwa ferm rakkomandat li jkun hemm kooperazzjoni aktar stretta bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet Ewropej bil-għan li jiġi żgurat li l-approprjazzjonijiet ta' pagament għall-politika ta' koeżjoni fil-baġit tal-UE għall-2018 jistabbilizzaw ruħhom f'livell sodisfaċenti u li l-pjan ta' pagament għall-perjodu 2014-2020 jkun irrispettat jew, fejn ikun f'loku, jiġi adattat skont is-sitwazzjoni reali;

G. billi l-kapaċità amministrattiva, kemm fil-livell nazzjonali u kemm f'dawk reġjonali u lokali, hija prekundizzjoni fundamentali biex l-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni tirnexxi;

1. Itenni li l-investimenti magħmula mill-Fondi SIE jgħinu biex inaqqsu d-disparitajiet ekonomiċi, soċjali u territorjali fi ħdan u bejn ir-reġjuni Ewropej, kif ukoll biex jiġġeneraw tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv u joħolqu l-impjiegi; jesprimi tħassib, għaldaqstant, għall-fatt li aktar dewmien fl-implimentazzjoni tal-programmi operattivi tal-politika ta' koeżjoni se jħalli impatt negattiv fuq l-ilħiq ta' dawn l-għanijiet, u li barra minn hekk se jkompli jwessa' d-differenzi fl-iżvilupp tar-reġjuni;

2. Jirrikonoxxi li l-introduzzjoni ta' diversi rekwiżiti ġodda, bħall-konċentrazzjoni tematika, il-kondizzjonalitajiet ex ante u l-ġestjoni finanzjarja, minkejja li żgurat li l-programmi jkollhom prestazzjoni mtejba, fil-kuntest tal-adozzjoni tardiva tal-qafas leġiżlattiv ikkontribwiet għal dewmien fl-implimentazzjoni; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li hemm is-sogru li l-pass kurrenti tal-implimentazzjoni jwassal għal ammonti kbar ta' diżimpenji fis-snin ta' wara, u jenfasizza li għandhom jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex dan jiġi evitat; jitlob li l-Kummissjoni tindika x'azzjonijiet tipprevedi f'dan ir-rigward;

3. Jenfasizza li, minħabba dan id-dewmien fl-implimentazzjoni, l-użu tal-istrumenti finanzjarji fl-ambitu tal-programmi operattivi tal-Fondi SIE jista' jkabbar is-sogru diġà eżistenti ta' rati baxxi ta' żborż, dotazzjonijiet eċċessivi ta' kapital, inabbiltà li nattiraw livelli sodisfaċenti ta' kapital privat, effett baxx ta' ingranaġġ u rotazzjoni problematika; jinnota li aktar kjarifiki u azzjonijiet huma meħtieġa biex jinkiseb l-istess livell ta' kapaċità ta' tħaddim ta' strumenti finanzjarji bħall-għodod ta' lieva fl-Istati Membri, u jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu ekwilibrat ta' dawn l-istrumenti implimentati mill-Kummissjoni u mill-BEI; ifakkar ukoll fil-possibbiltà li l-finanzjament mill-Fondi SIE jiġi kkombinat ma' dak mill-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (FEIS) biex jiġi indirizzat it-tnaqqis fl-investiment, b'mod partikolari f'setturi li qegħdin fl-aħjar pożizzjoni biex jagħtu spinta lit-tkabbir u l-impjiegi;

4. Jitlob li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-flessibilità disponibbli taħt il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, fid-dawl tal-fatt li f'ħafna Stati Membri l-kriżi ekonomika ġabet magħha problemi ta' likwidità u wasslet biex il-gvernijiet ikollhom anqas flus disponibbli għall-investiment pubbliku, u li l-finanzjament mill-politika ta' koeżjoni qed isir is-sors prinċipali tal-investiment pubbliku;

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

5. Jitlob, għaldaqstant, li l-Kummissjoni, f'kooperazzjoni stretta mal-Istati Membri u abbażi ta' analiżi oġġettiva tal-fatturi li jikkontribwixxu għad-dewmien tal-lum, tippreżenta "Pjan għall-aċċellerazzjoni tal-koeżjoni" fl-ewwel trimestru tal-2017, biex tiffaċilita implimentazzjoni aċċellerata tal-programmi operattivi tal-Fondi SIE; jissottolinja f'dan il-kuntest, madankollu, il-ħtieġa li jiġu żgurati rati ta' żball baxxi, il-ġlieda kontra l-frodi, u t-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva fil-livelli nazzjonali, reġjonali, kif ukoll lokali bħala prekundizzjoni biex jinkisbu riżultati f'waqthom u ta' suċċess; jemmen li miżuri mfassla apposta għandhom jimxu fuq l-analiżi tar-Rapport Sommarju tar-rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni tal-programm fl-2014-2015, li l-Kummissjoni għamlitu disponibbli fi tmiem l-2016, u jistieden lill-Istati Membri jagħmlu monitoraġġ kontinwu tal-progress fl-implimentazzjoni tal-proġetti; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa u l-valur miżjud ta' konċentrament tal-isforzi fuq is-setturi prijoritarji tal-objettivi tematiċi; barra minn hekk, jitlob li l-Kummissjoni tkompli tipprovdi sostenn permezz tat-Task Force għal Implimentazzjoni Aħjar u tqieged pjan ta' azzjoni tal-attivitajiet tiegħu għad-dispożizzjoni tal-Parlament;

6. Huwa mħasseb dwar id-dewmien fid-deżinjazzjoni tal-awtoritajiet ta' ġestjoni, ċertifikazzjoni u awditjar, li jwasllu għal dewmien fit-tressiq ta' applikazzjonijiet għall-pagament; jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri biex jikkompletaw il-proċess ta' deżinjazzjoni, u lill-Kummissjoni biex tagħti l-assistenza teknika u s-servizzi ta' konsulenza li jeħtieġu l-awtoritajiet ta' ġestjoni, ċertifikazzjoni u awditjar, bil-għan li tiffaċilita u tħaffef l-implimentazzjoni tal-programmi operazzjonali fil-post, inkluż għall-preparazzjoni ta' azzjonijiet sekwenzjali fil-proġetti, is-semplifikazzjoni u l-aċċellerazzjoni tas-sistema ta' ġestjoni finanzjarja u ta' kontroll finanzjarju, kif ukoll għal proċeduri tal-għoti ta' kuntratti u ta' monitoraġġ;

7. Jirrikonoxxi li implimenatzzjoni aktar rapida u effikaċi tal-programmi operattivi tal-Fondi ESI torbot direttament ma' aktar semplifikazzjoni; jieħu nota, f'dan ir-rigward, tal-prijoritajiet stabbiliti fil-qafas tal-proposta Omnibus; jinnota, madankollu, li għandhom isiru aktar sforzi, b'mod speċjali fl-indirizzar tal-ispejjeż tal-ġestjoni tal-proġetti, l-eteroġeneità u t-tibdil frekwenti ta' regoli, proċeduri kumplessi ta' approvazzjoni għal proġetti maġġuri, l-akkwist pubbliku, relazzjonijiet patrimonjali mhux solvuti, proċeduri twal għall-ksib ta' permessi u ta' deċiżjonijiet, il-kwistjoni tal-applikazzjoni retroattiva ta' regoli ta' awditjar u kontroll, pagamenti tardivi lill-benefiċjarji, diffikultajiet fil-kombinazzjoni ta' finanzjament mill-FSIE ma' dak minn sorsi oħrajn, ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat u r-riżoluzzjoni xejn rapida tat-tilwim; jitlob li l-Kummissjoni tiżgura koordinazzjoni xierqa, tagħmel ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat wisq aktar sempliċi, u tiżgura li dawn ikunu konsistenti mal-politika ta' koeżjoni; ifakkar li jeħtieġ ukoll li jsiru sforzi biex tittejjeb il-komunikazzjoni tar-riżultati tal-investimenti tal-Fondi SIE;

8. Jitlob li l-Kummissjoni tikkunsidra u tiżviluppa soluzzjonijiet, inklużi forom addizzjonali ta' flessibbiltà, bħal flessibbiltà fost il-prijoritajiet u fost il-programmi operattivi fuq talba tal-awtoritajiet ta' ġestjoni rilevanti, f'konformità mal-objettivi tal-istrateġija Ewropa 2020, u dan filwaqt li tiżgura l-istabbiltà u l-prevedibbiltà meħtieġa, u r-rifużjoni diġà proposta ta' diżimpenji, inkluż mill-Intestatura 1b, bħala riżultat tan-nuqqas ta' implimentazzjoni totali jew parzjali, fil-baġit tal-UE, bil-ħsieb ukoll tal-perjodu ta' programmazzjoni ġejjieni;

9. Jitlob li jiġu intensifikati l-isforzi bil-ħsieb li jiżguraw u jiffaċilitaw sinerġiji bejn l-opportunitajiet ta' finanzjament tal-UE, bħalma huma l-Fondi SIE, Orizzont 2020 u l-FEIS, permezz ta' finanzjament konġunt, kooperazzjoni stretta bejn l-awtoritajiet kompetenti, sostenn għal azzjonijiet fl-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti, u permezz ta' koordinament aktar strett ma' korpi nazzjonali li jissottoskrivu self preferenzjali għal proġetti f'konformità mal-objettivi tal-programmi operattivi;

10. Jitlob li jkun hemm komunikazzjoni aħjar bejn l-istrutturi tal-Kummissjoni (id-Direttorati Ġenerali rispettivi), bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, kif ukoll mal-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali, peress li dan huwa prerekwiżit kruċjali biex tiżdied ir-rata ta' assorbiment u tittejjeb il-kwalita tal-azzjonijiet taħt il-politika ta' koeżjoni;

11. Itenni li l-adozzjoni ta' approċċ orjentat lejn il-prestazzjoni għandha valur miżjud, u jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi tal-Kummissjoni biex tiżgura l-prestazzjoni tal-politika fil-prattika; jieħu nota tal-konklużjonijiet tar-Rapport Sommarju tar-rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni tal-programm fl-2014-2015 u jistenna r-Rapport Strateġiku tal-Kummissjoni, li huwa ppjanat għal tmiem l-2017, li sejjer jipprovdi aktar informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet b'referenza għad-dejta finanzjarja, indikaturi komuni u indikaturi speċifiċi għal kull programm flimkien ma' valuri kwantifikati tal-miri u tal-progress lejn il-miri intermedji, kif ukoll stampa tas-sitwazzjoni rigward l-ikkompletar tal-pjanijiet ta' azzjoni marbuta ma' kundizzjonalitajiet ex ante pendenti ([1]);

([1]) Aġġornament meħtieġ wara l-pubblikazzjoni tar-Rapport Sommarju tar-rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni tal-programm fl-2014-2015.

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

12. Jindika l-pjan ta' pagamenti eżistenti 2014-2020; fil-qies tar-regoli dwar id-diżimpenn, jitlob li l-Kummissjoni tistabbilixxi pjan ta' pagamenti adegwat sal-2023, filwaqt li tipproponi limiti massimi ogħla ta' pagamenti taħt l-Intestatura 1b, jekk ikunu meħtieġa, sa tmiem il-perjodu ta' programmazzjoni kurrenti; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħmlu l-Koeżjoni elettronika operattiva għal kollox u ta' użu faċli, bil-għan li jaġġustaw il-pjan ta' pagamenti skont l-iżviluppi konkreti, kif ukoll biex iħejju l-"Pjan għall-aċċellerazzjoni tal-koeżjoni"; jitlob, għalhekk, li l-Istati Membri jdaħħlu d-dejta rigward l-azzjonijiet sekwenzjali fil-proġetti, pjanijiet ta' akkwist b'dati ppjanati u reali għall-ħruġ ta' sejħiet għall-offerti, l-għoti ta' kuntratti u l-implimentazzjoni, kif ukoll kull dejta finanzjarja u ta' kontabbiltà relatata ma' fatturi, kofinanzjament, eliġibbiltà ta' nefqiet, eċċ.;

13. Jistenna li l-Kummissjoni tkompli d-diskussjoni dwar dawn il-kwistjonijiet fil-Forum tal-Koeżjoni u tressaq soluzzjonijiet fis-Seba' Rapport dwar il-Koeżjoni, bil-għan li tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tal-politika ta' koeżjoni u taqdi l-ħtiġijiet ta' investiment tal-UE; jitlob ukoll li jittieħdu l-passi meħtieġa biex il-perjodu ta' programmazzjoni ta' wara l-2020 jinbeda f'waqtu;

14. Jitlob li l-Kummissjoni tislet tagħlimiet abbażi tal-informazzjoni fir-rapporti annwali bil-ħsieb tad-dibattitu dwar il-Politika ta' Koeżjoni ta' wara l-2020;

15. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tressaq pakkett leġiżlattiv rigward il-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss sa mhux aktar tard mill-bidu tal-2018, u tiffaċilita negozjati bla intoppi u f'waqthom tal-QFP ta' wara l-2020, inkluż marġni ta' sikurezza regolatorju u proċedurali, bil-għan li ma jseħħux xokkijiet tas-sistema fl-investimenti u fl-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni; jemmen li r-riżultati tar-referendum tar-Renju Unit u l-arranġamenti li jridu jsiru dwar il-Brexit għandhom jiġu kkunsidrati debitament;

16. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni, lill-Kunsill, lill-Kumitat tar-Reġjuni, lill-Istati Membri u lill-parlamenti nazzjonali u reġjonali tagħhom.

It-Tlieta 14 ta' Frar 2017

RAKKOMANDAZZJONIJIET

IL-PARLAMENT EWROPEW

P8_TA(2017)0029

Prijoritajiet għall-61 sessjoni tal-Kummissjoni tan-NU dwar l-Istatus tan-Nisa

Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Frar 2017 lill-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE għall-61 Sessjoni tal-Kummissjoni tan-NU dwar l-Istatus tan-Nisa (2017/2001(INI))

(2018/C 252/30)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta għal rakkomandazzjoni lill-Kunsill magħmula minn Constance Le Grip, f'isem il-Grupp PPE, u Maria Arena, f'isem il-Grupp S&D, dwar il-prijoritajiet tal-UE għall-61 sessjoni tal-Kummissjoni tan-NU dwar l-Istatus tan-Nisa (B8-1365/2016),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2015 dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fl-Iżvilupp u dwar Sħubija Globali Ġdida għall-Qerda tal-Faqar u l-Iżvilupp Sostenibbli wara l-2015, u tas-16 ta' Diċembru 2014 dwar aġenda trasformattiva għal wara l-2015,

— wara li kkunsidra l-61 sessjoni tal-Kummissjoni tan-NU dwar l-Istatus tan-Nisa (CSW) u t-tema prijoritarja tagħha "L-awtonomizzazzjoni ekonomika tan-nisa fid-dinja tax-xogħol li qed tinbidel",

— wara li kkunsidra r-Raba' Konferenza Dinjija dwar in-Nisa, li saret f'Beijing f'Settembru 1995, id-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni adottati f'Beijing u d-dokumenti ta' eżitu sussegwenti tas-Sessjonijiet Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti Beijing+5, + 10, + 15, + 20 dwar aktar azzjonijiet u inizjattivi għall-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing, adottati fid-9 ta' Ġunju 2000, fil-11 ta' Marzu 2005, fit-2 ta' Marzu 2010 u fid-9 ta' Marzu 2015 rispettivament,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU tal-1979 dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 113 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A8-0018/2017),

A. billi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija prinċipju fundamentali tal-UE, minqux fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u wieħed mill-objettivi u l-kompiti tagħha, u billi l-UE hija ggwidata wkoll minn dan il-prinċipju fl-azzjoni esterna tagħha peress li ż-żewġ dimensjonijiet jenħtieġ li jiġu kkoordinati;

B. billi d-drittijiet tal-bniedem tan-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi mhumiex biss drittijiet fundamentali tal-bniedem, iżda huma prekundizzjonijiet għall-avvanz tal-iżvilupp u t-tnaqqis tal-faqar u pedament meħtieġ għal dinja paċifika, prospera u sostenibbli;

C. billi l-fastidju u l-vjolenza kontra n-nisa jinkludu firxa wiesgħa ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem; billi kwalunkwe wieħed minn dawn l-abbużi jista' jħalli ġrieħi psikoloġiċi profondi u jinvolvi ħsara jew sofferenza fiżika jew sesswali, theddid ta' tali atti u koerċizzjoni, ħsara għas-saħħa ġenerali tan-nisa u l-bniet, inkluża s-saħħa riproduttiva u sesswali tagħhom, u f'xi każijiet iwassal għall-mewt;

D. billi fit-23 ta' Jannar 2017 il-President tal-Istati Uniti tal-Amerika Donald Trump reġa' daħħal l'ħekk imsejħa regola "global gag", li tipprevjeni li l-organizzazzjonijiet internazzjonali jirċievu kwalunkwe assistenza tas-saħħa globali tal-Istati Uniti jekk dawn jipprovdu servizzi ta' abort, jagħtu pariri dwarhom, jirreferu nisa għalihom jew jissuġġeruhom, anke jekk jagħmlu dan bil-fondi tagħhom stess, u mhux b'dawn tal-Istati Uniti, u anke jekk l-abort ikun legali fil-pajjiż tagħhom; billi issa se jiġu affettwati programmi li jindirizzaw l-HIV/AIDS, is-saħħa tal-ommijiet u tat-tfal, l-isforzi tar-rispons għaż-Żika u oqsma oħra ta' saħħa u mard; billi din ir-regola ser tibgħat lura snin ta' gwadann li sar fl-avvanz tas-saħħa u l-benesseri tal-komunitajiet fid-dinja kollha, speċjalment fil-qasam tad-drittijiet tan-nisa u tal-bniet, u tista' taqta' l-aċċess għall-kura tas-saħħa għal miljuni ta' nies fid-dinja;

E. billi l-ħames Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG5) huwa l-kisba tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-awtonomizzazzjoni tan-nisa u l-bniet kollha madwar id-dinja; billi l-SDG5 huwa għan awtonomu, fis-sens li għandu jiġi integrat għalkollox fl-Aġenda 2030 u fit-twettiq tal-SDGs kollha; billi l-awtonomizzazzjoni tan-nisa tfisser li jingħatawlhom l-għodod meħtieġa biex isiru ekonomikament indipendenti, ikunu rappreżentati b'mod ugwali fil-livelli kollha tas-soċjetà, ikollhom rwol indaqs fl-isferi kollha tal-ħajja, u jakkwistaw aktar setgħa fil-ħajja pubblika u fil-kontroll tad-deċiżjonijiet kollha li jolqtu lil ħajjithom;

F. billi n-nisa huma aġenti ekonomiċi importanti madwar id-dinja kollha u l-parteċipazzjoni ekonomika tan-nisa tista' tistimola l-ekonomija, toħloq l-impjiegi u tibni l-prosperità inklużiva; billi l-pajjiżi li jagħtu valur lin-nisa u jawtonomizzawhom biex jipparteċipaw bis-sħiħ fis-suq tax-xogħol u fit-teħid tad-deċiżjonijiet huma aktar stabbli, prosperi u siguri; billi l-ibbaġitjar li jqis l-ugwaljanza bejn is-sessi hija politika ekonomika intelliġenti u jiżgura li l-infiq pubbliku jservi l-avvanz tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel;

G. billi l-kreattività u l-potenzjal intraprenditorjali tan-nisa mhumiex sfruttati biżżejjed bħala sorsi ta' tkabbir ekonomiku u ta' impjiegi li jenħtieġ li jiġu żviluppati ulterjorment;

H. billi 20 sena wara Beijing, minkejja provi sodi li l-awtonomizzazzjoni tan-nisa hija ċentrali għat-tnaqqis tal-faqar, għall-promozzjoni tal-iżvilupp u għall-indirizzar tal-isfidi l-aktar urġenti tad-dinja, il-gvernijiet tal-UE rrikonoxxew li l-ebda pajjiż ma kien kiseb b'mod sħiħ l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u l-awtonomizzazzjoni tan-nisa u l-bniet, li l-progress kien mexa bil-mod u mhux b'mod uniformi, li kien għad fadal lakuni u forom ta' diskriminazzjoni mill-akbar u li kienu tfaċċaw sfidi ġodda fl-implimentazzjoni tat-12-il qasam kritiku ta' tħassib tal-Pjattaforma ta' Azzjoni;

I. billi l-UE taqdi rwol importanti fit-trawwim tal-awtonomizzazzjoni tan-nisa u l-bniet, kemm fi ħdan l-UE kif ukoll madwar id-dinja kollha, permezz ta' mezzi politiċi u finanzjarji; billi l-UE għandu jkollha rwol ċentrali ta' gwardjan tal-lingwaġġ dwar id-drittijiet tal-bniedem tan-nisa li ntlaħaq qbil dwaru bejn in-NU u l-UE;

J. billi n-nisa għadhom qed jipproduċu madwar 80 % tal-ikel fil-pajjiżi l-aktar foqra u bħalissa huma l-gwardjani ewlenin tal-bijodiversità u taż-żrieragħ tal-għelejjel;

K. billi l-art mhijiex biss mezz ta' produzzjoni, iżda post ta' kultura u identità; billi l-aċċess għall-art huwa għalhekk komponent fundamentali tal-ħajja u dritt inaljenabbli għal nisa bdiewa u indiġeni;

1. Jindirizza lill-Kunsill ir-rakkomandazzjoni li ġejja:

Kundizzjonijiet ġenerali għall-awtonomizzazzjoni tan-nisa u l-bniet

(a) Jikkonferma l-impenn tiegħu favur il-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u favur il-firxa ta' azzjonijiet għad-drittijiet tal-bniedem tan-nisa u għall-ugwaljanza bejn is-sessi li hemm deskritta fiha; jikkonferma l-impenn tiegħu favur l-approċċ fuq żewġ binarji għad-drittijiet tal-bniedem tan-nisa, permezz tal-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-oqsma kollha tal-politika u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi għad-drittijiet tal-bniedem tan-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi;

(b) Jinkoraġġixxi politiki li jinvestu f'aċċess ugwali għal edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali ta' kwalità għolja għan-nisa u l-bniet, inkluża l-edukazzjoni formali, informali u mhux formali, u li jeliminaw id-differenzi bejn is-sessi f'dawn l-oqsma u fis-setturi kollha, partikolarment dawk li tradizzjonalment huma ddominati mill-irġiel;

It-Tlieta 14 ta' Frar 2017

(c) Jiġġieled kontra kull forma ta' vjolenza kontra n-nisa u l-bniet fl-isfera pubblika u f'dik privata bħala ksur serju tal-integrità fiżika u psikoloġika tagħhom li żżommhom milli jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom; javvanza lejn ir-ratifika sħiħa tal-Konvenzjoni ta' Istanbul mill-partijiet kollha;

(d) Iqis li n-NU, l-UE u l-Istati Membri tagħha, biex isiru atturi aktar effiċjenti fuq livell globali, jeħtiġilhom jintensifikaw l-isforzi interni tagħhom biex jeliminaw il-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza abbażi tas-sess; għaldaqstant itenni t-talba tiegħu li l-Kummissjoni tipproponi strateġija tal-UE kontra l-vjolenza fuq in-nisa, inkluża direttiva li tistabbilixxi standards minimi; f'dan il-kuntest, jistieden ukoll kemm lill-partijiet kollha jiffirmaw u jirratifikaw il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika;

(e) Ifassal politiki li jippromwovu u jappoġġjaw ix-xogħol deċenti u l-impjieg sħiħ għan-nisa kollha;

(f) Jiżgura aċċess universali għall-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva u għad-drittijiet riproduttivi kif miftiehem skont il-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp, il-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u d-dokumenti ta' eżitu tal-konferenzi ta' rieżami tagħhom; jipprovdi edukazzjoni sesswali adattata skont l-età għal bniet u subien, tfajliet u ġuvintur sabiex titnaqqas it-tqala mhux mixtieqa u t-tixrid ta' mard trażmess sesswalment;

(g) Jikkundanna bil-qawwa r-regola "global gag" li tipprojbixxi li l-organizzazzjonijiet internazzjonali jirċievu finanzjament għall-ippjanar tal-familja mill-Istati Uniti jekk dawn jipprovdu servizzi ta' abbort, jagħtu parir dwarhom, jirreferu nisa għalihom jew jissuġġeruhom; iqis li din ir-regola hija attakk dirett fuq il-gwadann li nkiseb favur id-drittijiet tan-nisa u tal-bniet u pass lura f'dan ir-rigward; jitlob, bħala kwistjoni ta' urġenza, lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jikkontrabattu l-impatt tar-regola gag billi jżidu b'mod sinifikanti l-finanzjament għas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi u jnedu fond internazzjonali li jiffinanzja l-aċċess għall-kontraċettivi u abort sikur u legali, bl-użu ta' finanzjament kemm nazzjonali kif ukoll għall-iżvilupp tal-UE, sabiex jimtela' n-nuqqas fil-finanzjament wara l-mossi tal-amministrazzjoni ta' Trump li jwaqqfu l-finanzjament lill-organizzazzjonijiet kollha barra mill-pajjiż li jipprovdu servizzi dwar is-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi;

(h) Jelimina d-differenza fil-pagi, fil-qligħ tul il-ħajja u fil-pensjonijiet bejn l-irġiel u n-nisa;

(i) Itemm kull forma ta' diskriminazzjoni kontra n-nisa fil-liġijiet u fil-politiki fil-livelli kollha;

(j) Jiġġieled kontra l-forom kollha ta' sterjotipi tal-ġeneri li jipperpetwaw l-inugwaljanza, il-vjolenza u d-diskriminazzjoni, fl-isferi kollha tas-soċjetà;

(k) Jappoġġja organizzazzjonijiet tan-nisa fil-livelli kollha fil-ħidma tagħhom; jinvolvihom bħala sħab fit-tfassil tal-politika u jiżgura finanzjament adegwat;

(l) Japplika l-ibbaġitjar li jqis l-ugwaljanza bejn is-sessi, bħala għodda tal-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi, f'kull nefqa pubblika;

It-tisħiħ tal-awtonomizzazzjoni ekonomika tan-nisa u t-tegħlib tal-ostakli fis-suq tax-xogħol

(m) Jappella lill-partijiet kollha biex jirratifikaw u jimplimentaw is-CEDAW, b'attenzjoni speċjali għall-Artikoli 1, 4, 10, 11, 13, 14 u 15;

(n) Iħeġġeġ lill-partijiet kollha jadottaw politiki u liġijiet li jiżguraw paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali;

(o) Ikompli u jintensifika l-ħidma favur politiki li jappoġġjaw u jippromwovu l-intraprenditorija tan-nisa fil-kuntest ta' xogħol deċenti u t-tneħħija ta' kull xkiel u preġudizzju soċjali fl-istabbiliment u t-tmexxija ta' negozju, inkluż it-titjib tal-aċċess għal servizzi finanzjarji, kreditu, kapital ta' riskju u swieq b'kundizzjonijiet ugwali u jħeġġeġ l-aċċess għal informazzjoni, taħriġ u netwerks b'finijiet ta' negozju; f'dan il-kuntest, jirrikonoxxi u jippromwovi r-rwol tal-impriżi soċjali, tal-kooperattivi u l-mudelli ta' negozju alternattivi għall-awtonomizzazzjoni tan-nisa;

(p) Jirrikonoxxi li l-politiki makroekonomiċi, partikolarment dwar id-dixxiplina baġitarja u s-servizzi pubbliċi, għandhom impatt sproporzjonat fuq in-nisa, u li dawn l-impatti fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi jridu jitqiesu minn dawk li jfasslu l-politika;

(q) Jippromwovi investiment ġdid fl-infrastruttura tal-kura soċjali, l-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa u l-għoti pubbliku ta' servizzi ta' kura aċċessibbli, bi prezz li jintlaħaq u ta' kwalità tul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja, inklużi kura għat-tfal, għall-persuni dipendenti u għall-anzjani; jiżgura protezzjoni soda u drittijiet tal-ħaddiema għan-nisa tqal matul u wara t-tqala tagħhom;

(r) Jappoġġja politiki li jiffavorixxu l-kondiviżjoni ugwali tar-responsabilitajiet domestiċi u tal-kura bejn in-nisa u l-irġiel;

(s) Jappoġġja l-istabbiliment ta' konvenzjoni tal-ILO li tipprovdi standard internazzjonali li jindirizza l-vjolenza abbażi tas-sess fuq il-post tax-xogħol;

(t) Jimplimenta politiki li jindirizzaw il-fenomenu tal-vjolenza politika kontra n-nisa, inklużi l-vjolenza fiżika, l-intimidazzjoni u l-fastidju online;

(u) Jieħu miżuri effettivi biex jiġi eliminat it-tħaddim tat-tfal, minħabba li miljuni ta' bniet jiġu sfruttati; jintroduċi mekkaniżmi ġodda fil-leġiżlazzjoni attwali tal-UE sabiex tiġi evitata l-importazzjoni ta' prodotti manifatturati permezz tat-tħaddim tat-tfal;

(v) Jinkoraġġixxi lin-nisa u lill-bniet, permezz ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni u programmi ta' appoġġ, biex jidħlu f'karrieri akkademiċi u ta' riċerka fl-oqsma xjentifiċi kollha, b'enfasi speċjali fuq it-teknoloġika u l-ekonomija diġitali;

(w) Jiżgura l-koerenza bejn il-politiki interni u esterni tal-UE u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli;

L-iżgurar tas-sehem indaqs tan-nisa fil-livelli kollha tat-teħid ta' deċiżjonijiet

(x) Iħares id-drittijiet ċivili u politiċi u jappoġġja l-iżgurar tal-bilanċ bejn is-sessi fit-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livelli kollha, inklużi t-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi, politiki u programmi ekonomiċi, il-postijiet tax-xogħol, in-negozju jew fl-isfera akkademika;

(y) Jinvolvi s-sħab soċjali, is-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet tan-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet ekonomiċi;

(z) Isaħħaħ it-tmexxija u l-parteċipazzjoni tan-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt u ta' wara l-kunflitt u jiżgura l-aċċess tan-nisa għall-impjiegi, is-swieq u l-parteċipazzjoni politika u t-tmexxija f'pajjiżi li ħerġin minn konflitt, li kollha huma essenzjali għall-istabilità;

Kif jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-aktar nisa emarġinati

(aa) Jiffaċilita s-sjieda tal-art u l-aċċess għall-kreditu għal nisa rurali u jippromwovi, jinkoraġġixxi u jappoġġja inizjattivi intraprenditorjali tan-nisa fiż-żoni rurali, sabiex in-nisa jkunu jistgħu isiru ekonomikament indipendenti u jipparteċipaw b'mod sħiħ u jibbenefikaw minn żvilupp sostenibbli u rurali; il-protezzjoni u l-promozzjoni ta' katini tal-provvista alimentari qosra, permezz ta' politiki attivi kemm fuq livell intern kif ukoll estern fl-UE;

It-Tlieta 14 ta' Frar 2017

(ab) Jistabbilixxi regoli interni u regoli internazzjonali li jiggarantixxu limitu f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħtif ta' artijiet estensiv li jmur kontra l-interessi ta' sidien żgħar, speċjalment nisa;

(ac) Jitlob l-involviment ta' organizzazzjonijiet tan-nisa rurali fit-tfassil tal-politika u l-appoġġ lokali, reġjonali, nazzjonali u globali ta' netwerks tan-nisa ta' skambju ta' esperjenza u prattika tajba, b'mod partikolari fejn il-ħajjiet tan-nisa jistgħu jiġu affettwati mid-deċiżjonijiet rilevanti;

(ad) Jistieden lill-pajjiżi kollha jirratifikaw u jimplimentaw il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, inkluż l-Artikolu 6 tagħha intitolat "In-nisa b'diżabilità";

(ae) Jenfasizza d-dritt tal-ħaddiema nisa migranti, u speċjalment il-ħaddiema domestiċi migranti u rifuġjati, għal kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u protezzjoni soċjali ugwali; jitlob ir-ratifika u l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni 189 tal-ILO;

(af) Iħeġġeġ lill-partijiet kollha jimplimentaw politiki li jiggarantixxu d-drittijiet u t-trattament uman tar-rifuġjati nisa u bniet;

(ag) Jiżgura li l-persekuzzjoni abbażi tas-sess tiġi meqjusa bħala bażi għal talba għal asil skont il-Konvenzjoni tan-NU tal-1951 dwar l-Istatus tar-Rifuġjati;

(ah) Jenfasizza l-ħtieġa tal-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tan-nisa LGBTI;

(ai) Jistieden lis-CSW, flimkien mal-Kumitat CEDAW, biex jistituzzjonalizzaw aproċċ intersezzjonali għall-analiżi tagħhom, u biex jippromwovu l-kunċett tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni multipla permezz ta' analiżi intersezzjonali fil-korpi kollha tan-NU;

(aj) Ifittex li jwettaq politiki li jindirizzaw is-sitwazzjoni ta' nisa li qed jiffaċċjaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali;

(ak) Jirrikonoxxi r-rwol tan-nisa bħala dawk li jagħtu l-kura b'mod formali u informali, u jimplimenta politiki li jtejbu l-kundizzjonijiet li fihom jipprovdu l-kura;

Kif dawn l-impenji jiġu tradotti f'infiq u kif isiru aktar viżibbli

(al) Jimmobilizza r-riżorsi meħtieġa biex jitwettqu d-drittijiet ekonomiċi tan-nisa u titnaqqas l-inugwaljanza bejn is-sessi, inkluż permezz tal-użu tal-istrumenti eżistenti fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri bħall-valutazzjoni tal-impatt fir-rigward tas-sessi; juża bbaġitjar abbażi tal-ugwaljanza bejn is-sessi għall-infiq pubbliku biex tiġi żgurata l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u titneħħa kull inugwaljanzi bejn is-sessi;

(am) Jiżgura l-involviment sħiħ tal-Parlament u tal-Kumitat tiegħu għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-pożizzjoni tal-UE fil-61 sessjoni tal-Kummissjoni tan-NU dwar l-Istatus tan-Nisa;

(an) Jesprimi l-appoġġ qawwi tiegħu għax-xogħol ta' UN Women, li huwa attur ċentrali fis-sistema tan-NU għall-eliminazzjoni tal-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet madwar id-dinja u li jlaqqa' flimkien il-partijiet interessati kollha ħalli jiġġenera bidla tal-politiki u jikkoordina l-azzjonijiet; jistieden lill-istati membri tan-NU, kif ukoll lill-UE, biex iżidu l-finanzjament tagħhom għall-UN Women;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-rakkomandazzjoni lill-Kunsill u, għal skopijiet ta' informazzjoni, lill-Kummissjoni.

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

III

(Atti preparatorji)

IL-PARLAMENT EWROPEW

P8_TA(2017)0014

Klawsola ta' salvagwardja bilaterali u mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim Kummerċjali UE-Kolombja u Perù***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Frar 2017 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 19/2013 li jimplimenta l-klawsola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 20/2013 li jimplimenta l-klawsola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Amerika Ċentrali, min-naħa l-oħra (COM(2015)0220 – C8-0131/2015 – 2015/0112(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2018/C 252/31)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2015)0220),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 207(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0131/2015),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-20 ta' Diċembru 2016, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A8-0277/2016),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Japprova d-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni mehmuża ma' din ir-riżoluzzjoni;

3. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

P8_TC1-COD(2015)0112

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-2 ta' Frar 2017 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2017/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 19/2013 li jimplimenta l-klawsola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fuq naħa, u l-Kolombja u l-Perù fuq in-naħa l-oħra, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 20/2013 li jimplimenta l-klawsola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerika Ċentrali, min-naħa l-oħra

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġiżlattiv finali, ir-Regolament (UE) 2017/540.)

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

ANNESS GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA

tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu dwar l-importanza tal-kooperazzjoni mill-qrib fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra [1] ***kif emendat mill-Protokoll ta' Adeżjoni għall-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra, biex tittieħed inkonsiderazzjoni l-adeżjoni tal-Ekwador*** [2]***, ir-Regolament (UE) Nru 19/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 li jimplimenta l-klawsola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fuq naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, fuq in-naħa l-oħra*** [3] ***u r-Regolament (UE) Nru 20/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 li jimplimenta l-klawsola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerika Ċentrali, min-naħa l-oħra*** [4]***. Għaldaqstant jaqblu dwar dan li ġej:***

— ***Fuq talba mill-kumitat responsabbli tal-Parlament Ewropew, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapportalu kwalunkwe tħassib speċifiku relatat mal-implimentazzjoni, mill-Kolombja, mill-Ekwador jew mill-Perú, tal-impenji tagħhom fil-qasam tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli.***

— ***Jekk il-Parlament Ewropew jadotta rakkomandazzjoni biex tinbeda investigazzjoni ta' salvagwardja, il-Kummissjoni għandha teżamina bir-reqqa jekk humiex sodisfati l-kondizzjonijiet taħt ir-Regolament (UE) Nru 19/2013 jew taħt ir-Regolament (UE) Nru 20/2013 għal inizjazzjoni ex officio. Jekk il-Kummissjoni tqis li l-kondizzjonijiet ma ġewx sodisfati, hi ser tippreżenta rapport lill-kumitat responsabbli tal-Parlament Ewropew li jkun jinkludi spjegazzjoni tal-fatturi kollha rilevanti għall-inizjazzjoni ta' tali investigazzjoni.***

— ***Il-Kummissjoni, sal-1 ta' Jannar 2019, ser tivvaluta s-sitwazzjoni tal-produtturi tal-banana tal-Unjoni. Jekk jinstab li jkun seħħ deterjorament serju fl-istat tas-suq jew fis-sitwazzjoni tal-produtturi tal-banana tal-Unjoni, tista' tiġi kkunsidrata estensjoni fil-perjodu ta' validità tal-mekkaniżmu, bil-qbil tal-partijiet ta' dan il-Ftehim.***

Il-Kummissjoni ser tkompli twettaq analiżijiet regolari tal-istat tas-suq u tas-sitwazzjoni tal-produtturi tal-banana tal-Unjoni wara l-iskadenza tal-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni. Jekk jinstab li jkun seħħ deterjorament serju fl-istat tas-suq jew fis-sitwazzjoni tal-produtturi tal-banana tal-Unjoni, minħabba l-importanza tas-settur tal-banana għar-reġjuni ultraperiferiċi, il-Kummissjoni ser teżamina s-sitwazzjoni, flimkien mal-Istati Membri u l-persuni interessati, u tiddeċiedi għandhomx jiġu kkunsidrati miżuri xierqa. Il-Kummissjoni tista' wkoll issejjaħ laqgħat regolari ta' monitoraġġ mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati.

Il-Kummissjoni żviluppat għodod ta' statistika li jippermettu l-monitoraġġ u l-valutazzjoni tat-tendenzi fl-importazzjonijiet tal-banana u tas-sitwazzjoni tas-suq tal-banana tal-Unjoni. Il-Kummissjoni ser tagħti attenzjoni speċjali lir-rieżami tal-format tad-data tas-sorveljanza tal-importazzjoni sabiex tagħmel informazzjoni aġġornata regolarment disponibbli b'mod li jkun aktar faċli għall-utent.

([1]) ***ĠU L 354, 21.12.2012, p. 3.***

([2]) ***ĠU L 356, 24.12.2016, p. 3.***

([3]) ***Ir-Regolament (UE) Nru 19/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 li jimplimenta l-klawsola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fuq naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù fuq in-naħa l-oħra (ĠU L 17, 19.1.2013, p. 1).***

([4]) ***Ir-Regolament (UE) Nru 20/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 li jimplimenta l-klawsola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerika Ċentrali, min-naħa l-oħra (ĠU L 17, 19.1.2013, p. 13).***

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

P8_TA(2017)0015

Ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Frar 2017 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 (COM(2015)0636 – C8-0393/2015 – 2015/0289(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2018/C 252/32)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2015)0636),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0393/2015),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-25 ta' Mejju 2016 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A8-0377/2016),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P8_TC1-COD(2015)0289

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-2 ta' Frar 2017 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2017/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

([1]) ĠU C 303, 19.8.2016, p. 116.
([2]) ĠU C 303, 19.8.2016, p. 116.

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([1]),

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 ([2]) ("il-FAR") stabbilixxa sistema dwar l-awtorizzazzjonijiet għall-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni barra mill-ilmijiet tal-Unjoni u l-aċċess ta' bastimenti ta' pajjiżi terzi għall-ilmijiet tal-Unjoni,

(2) L-Unjoni hija parti kontraenti għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 ([3]) (UNCLOS) u rratifikat il-Ftehim tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Implimentazzjoni tad-Dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-1995 relatat mal-konservazzjoni u l-ġestjoni ta' stokkijiet ta' ħut tranżonali u stokkijiet ta' ħut li jpassi ħafna tal-4 ta' Awwissu 1995 (il-Ftehim tan-NU dwar l-Istokkijiet tal-Ħut) ([4]). Dawk id-dispożizzjonijiet internazzjonali jistabbilixxu l-prinċipju l-Istati kollha għandhom jadottaw miżuri xierqa sabiex jiżguraw ġestjoni ***u konservazzjoni*** sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar u sabiex jikkooperaw bejniethom għal dak il-fini. **[Em. 1]**

(3) Aċċettat ukoll il-Ftehim għall-Promozzjoni tal-Konformità mal-Miżuri Internazzjonali ta' Konservazzjoni u Ġestjoni minn Bastimenti tas-Sajd fl-Ibħra Miftuħa tal-24 ta' Novembru 1993 tal-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Alimentazzjoni u l-Agrikoltura (il-Ftehim ta' Konformità tal-FAO) ([5]). Il-Ftehim ta' Konformità tal-FAO jistipula li parti kontraenti għandha tastjeni milli tagħti l-awtorizzazzjoni għall-użu ta' bastiment għas-sajd fl-ibħra miftuħa jekk ċerti kundizzjonijiet ma jiġux sodisfatti, kif ukoll timplimenta sanzjonijiet jekk ċerti obbligi ta' rappurtar ma jkunux sodisfatti.

(3a) It-Tribunal Internazzjonali għal-Liġi tal-Baħar ta opinjoni fit-2 ta' April 2015 bi tweġiba għat-talba ppreżentata mill-Kummissjoni Subreġjonali tas-Sajd għall-Afrika tal-Punent. Dak il-parir konsultattiv ikkonferma li l-Unjoni terfa' r-responsabbiltà għall-attivitajiet tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istati Membri u d-diliġenza dovuta li l-Unjoni trid teżerċita f'dan ir-rigward. **[Em. 2]**

(4) L-Unjoni approvat il-Pjan ta' Azzjoni Internazzjonali tal-FAO biex is-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux iddikjarat ikun prevenut, skoraġġut u eliminat (IPOA-IUU) adottat fl-2001. Il-Linjigwida Volontarji tal-IPOA-IUU u l-FAO għall-prestazzjoni tal-istat tal-bandiera approvati fl-2014 jenfasizzaw ir-responsabbiltà tal-Istat tal-bandiera li jiżgura l-konservazzjoni fuq terminu twil u l-użu sostenibbli ta' riżorsi ħajjin tal-baħar u l-ekosistemi tal-baħar. L-IPOA-IUU jipprevedi li Stat tal-bandiera jenħtieġ joħroġ awtorizzazzjonijiet għas-sajd f'ilmijiet 'il barra mis-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tiegħu lil bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu. Il-Linji Gwida Volontarji jirrakkomandaw ukoll li tingħata awtorizzazzjoni mill-Istati tal-bandiera u l-istat kostali meta l-attivitajiet tas-sajd isiru taħt ftehim ta' aċċess għas-sajd jew anki barra ftehim bħal dan. Jenħtieġ li t-tnejn li huma jkunu sodisfati li attivitajiet bħal dawn mhumiex se jdgħajfu s-sostenibbiltà tal-istokkijiet fl-ilmijiet tal-istat tal-kosta (il-paragrafi 40 u 41).

(4a) Fl-2014, il-membri kollha tal-FAO, inklużi l-Unjoni u l-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp sħab tagħha, adottaw b'mod unanimu l-Linji Gwida Volontarji għall-Iżgurar tas-Sostenibbiltà tas-Sajd fuq Skala Żgħira fil-kuntest tas-Sigurtà Alimentari u l-Qerda tal-Faqar, inkluż il-punt 5.7 tiegħu, li jenfasizza li s-sajd fuq skala żgħira għandu jingħata l-kunsiderazzjoni dovuta qabel ma jsiru ftehimiet dwar l-aċċess għar-riżorsi ma' pajjiżi terzi u partijiet terzi. **[Em. 3]**

([1]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Frar 2017 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' … .

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 dwar l-awtorizzazzjonijiet għall-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità barra mill-ilmijiet tal-Komunità u l-aċċess ta' bastimenti ta' pajjiżi terzi għall-ilmijiet tal-Komunità, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93 u (KE) Nru 1627/94 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 3317/94 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 33).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/392/KE tat-23 ta' Marzu 1998 li tirrigwarda l-konklużjoni mill-Komunità Ewropea tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-Liġi tal-Baħar u l-Ftehim tat-28 ta' Lulju 1994 li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni tal-Parti XI tiegħu (ĠU L 179, 23.6.1998, p. 1).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/414/KE tat-8 ta' Ġunju 1998 dwar ir-ratifika mill-Komunità Ewropea tal-Ftehim sabiex jimplimenta d-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 li għandha x'taqsam mal-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-istokk tal-ħut fuq iż-żewġ naħat tal-istess żona u l-istokks tal-ħut li jpassi bil-qawwi (ĠU L 189, 3.7.1998, p. 14).

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/428/KE tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar l-aċċettazzjoni mill-Komunità tal-Ftehim li jippromwovi l-osservanza tal-miżuri internazzjonali ta' konservazzjoni u maniġġar minn bastimenti tas-sajd fl-ibħra internazzjonali (ĠU L 177, 16.7.1996, p. 24).

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

(4b) ***Il-Linji Gwida Volontarji tal-FAO għall-Iżgurar tas-Sostenibbiltà tas-Sajd fuq Skala Żgħira fil-kuntest tas-Sigurtà Alimentari u l-Qerda tal-Faqar jitolbu li jiġu adottati miżuri għall-konservazzjoni fit-tul u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd u li jiġi żgurat il-pedament ekoloġiku għall-produzzjoni tal-ikel, filwaqt li jenfasizzaw l-importanza tal-istandards ambjentali għall-attivitajiet tas-sajd barra l-ilmijiet tal-Unjoni li jinkludu approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd flimkien mal-approċċ prekawzjonarju, sabiex l-istokkijiet sfruttati jerġgħu jinbnew u jinżammu f'livelli ogħla mil-livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sal-2015 fejn hu possibbli, u sa mhux aktar tard mill-2020 għall-istokkijiet kollha.*** **[Em. 4]**

(5) Il-kwistjoni tal-obbligi u r-responsabiltajiet u l-imputabiltajiet konkomitanti tal-Istat tal-bandiera u, fejn ikun f'loku, l-organizzazzjoni internazzjonali tal-bandiera, għall-konservazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi ħajjin tal-ibħra miftuħa li jaqgħu taħt UNCLOS iktar m'għada żmien iktar ġibed attenzjoni fil-livell internazzjonali. Dan kien ukoll il-każ, taħt l-intestatura ta' obbligu ta' diliġenza dovuta li tirriżulta minn UNCLOS, għall-ġurisdizzjoni ta' Stat kostali u ġurisdizzjoni tal-Istat tal-bandiera fl-istess wawt u, kif xieraq, ġurisdizzjoni tal-organizzazzjoni internazzjonali tal-bandiera ***u kostali***, biex tkun żgurata l-konservazzjoni b'saħħitha tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar f'żoni tal-baħar li jaqgħu taħt ġurisdizzjoni nazzjonali. ***L-Opinjoni Konsultattiva tat-2 ta' April 2015 tat-Tribunal Internazzjonali għal-Liġi tal-Baħar (ITLOS), mogħtija b'risposta għad-domandi mqajma mill-Kummissjoni Subreġjonali tas-Sajd għall-Afrika tal-Punent, ikkonfermat li l-Unjoni għandha responsabbiltà internazzjonali quddiem il-pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali għall-attivitajiet tal-bastimenti tas-sajd tagħha, u li tali responsabbiltà tfisser li jeħtiġilha taġixxi bid-diliġenza dovuta.*** Obbligu ta' diliġenza dovuta huwa obbligu għal Stat li jeżerċita l-aħjar sforzi possibbli u biex jagħmel ħiltu biex jippreveni s-sajd illegali, li jinkludi l-obbligu li jadotta l-miżuri amministrattivi u ta' infurzar meħtieġa biex ikun żgurat li bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tiegħu, iċ-ċittadini tiegħu, jew bastimenti tas-sajd involuti fl-ilmijiet tiegħu ma jkunux involuti f'attivitajiet li jiksru l-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni applikabbli. Għal dawk ir-raġunijiet, ***u b'mod ġenerali, biex tissaħħaħ l-ekonomija "blu",*** huwa importanti li jiġu organizzati kemm l-attivitajiet tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni barra l-ilmijiet tal-Unjoni kif ukoll is-sistema ta' governanza marbuta miegħu b'tali mod li l-obbligi internazzjonali tal-Unjoni jkunu jistgħu jitwettqu b'mod effikaċi u effettiv u li sitwazzjonijiet fejn l-Unjoni tkun tista' tiġi kkritikata għal atti internazzjonalment ħżiena jiġu evitati. **[Em. 5]**

(5a) ***L-Unjoni impenjat ruħha, waqt is-Summit tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Iżvilupp Sostenibbli fil-25 ta' Settembru 2015, li timplimenta r-riżoluzzjoni li tinkludi d-dokument ta' eżitu intitolat "Transforming our world: the 2030 Agenda for Sustainable Development" (It-trasformazzjoni tad-dinja tagħna: l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli", inkluż l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 14 "Il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-oċeani, l-ibħra u r-riżorsi tal-baħar għall-iżvilupp sostenibbli", kif ukoll l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 12 "L-iżgurar ta' tendenzi ta' konsum u produzzjoni sostenibbli" u l-miri tagħhom.*** **[Em. 6]**

(6) Ir-riżultati tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Iżvilupp Sostenibbli għall-Konferenza tan-NU "Rio + 20" tal-2012 ([1]) kif ukoll ***l-adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE biex tindirizza l-kummerċ illegali ta' flora u fawna selvaġġi, u*** l-iżviluppi internazzjonali rigward il-ġlieda kontra l-kummerċ illegali ta' flora u fawna selvaġġi ***u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli l-Ġodda (17-il għan biex jittrasformaw id-dinja tagħna, inkluż l-Għan 14: il-Ħajja taħt l-ilma), adottati f'Settembru 2015 min-Nazzjonijiet Uniti*** jenħtieġ jiġu riflessi fil-politika tal-Unjoni dwar il-politika esterna tas-sajd ***u fil-politika kummerċjali tagħha***. **[Em. 7]**

(7) L-għan tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS), kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) (ir-"Regolament Bażiku"), huwa li jiġi żgurat li l-attivitajiet tas-sajd huma ambjentalment, ekonomikament u soċjalment sostenibbli u jiġu ġestiti b'mod konsistenti mal-għanijiet tal-kisba ta' benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjiegi, u ***tar-restawr u s-sostenn ta' stokkijiet tal-ħut f'livelli ogħla minn dawk li jistgħu jipproduċu rendiment massimu sostenibbli, u*** li jikkontribwixxu għad-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel. ***Huwa meħtieġ ukoll, fl-implimentazzjoni ta' din il-politika, li jitqiesu l-objettivi tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 208(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).*** **[Em. 8]**

(7a) ***Ir-Regolament Bażiku jeħtieġ ukoll li ftehimiet ta' shubija dwar is-sajd sostenibbli (SFPAs) jkunu limitati għall-qabdiet żejda kif imsemmi fl-Artikolu 62(2) u (3) tal-UNCLOS.*** **[Em. 9]**

([1]) Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti A/Res/66/288 tas-27 ta' Lulju 2012 dwar ir-riżultat tal-Konferenza Rio + 20, intitolata "Il-Futur Li Rridu".

([2]) Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

(8) Ir-Regolament ~~(UE) Nru 1380/2013~~ ***Bażiku*** jenfasizza l-ħtieġa tal-promozzjoni tal-għanijiet tal-PKS internazzjonalment, u li jkun żgurat li l-attivitajiet tas-sajd tal-Unjoni barra l-ilmijiet tal-Unjoni huma bbażati fuq l-istess prinċipji u standards bħal dawk applikabbli taħt il-liġi tal-Unjoni, filwaqt li jkunu promossi kundizzjonijiet ugwali għal operaturi mill-Unjoni u operaturi minn pajjiżi terzi. ***Il-leġiżlazzjoni soċjali u ambjentali adottata minn pajjiżi terzi taf tkun differenti minn dik tal-Unjoni, u b'hekk jinħolqu standards differenti għall-flotot tas-sajd. Dik issitwazzjoni tista' twassal għall-awtorizzazzjoni ta' attivitajiet tas-sajd li jkunu inkonsistenti mal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar. Għaldaqstant jeħtieġ li tiġi żgurata konsistenza mal-attivitajiet ambjentali, tas-sajd, tal-kummerċ u tal-iżvilupp tal-Unjoni, b'mod speċjali meta dawn jolqtu s-sajd f'pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp b'livell baxx ta' kapaċità amministrattiva u fejn ir-riskju ta' korruzzjoni huwa kbir.*** **[Em. 10]**

(9) Ir-Regolament (KE) Nru 1006/2008 kien maħsub biex jistabbilixxi bażi komuni għall-awtorizzazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd li jitwettqu minn bastimenti tal-Unjoni barra l-ilmijiet tal-Unjoni bil-għan li tiġi appoġġata l-ġlieda kontra s-sajd IUU u li jkun hemm kontroll u monitoraġġ aħjar tal-flotta ~~tal-UE~~***tal-Unjoni*** madwar id-dinja***, kif ukoll kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-bastimenti ta' pajjiżi terzi li jistadu fl-ilmijiet tal-Unjoni.*** **[Em. 11]**

(10) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 ([1]) dwar is-sajd IUU kien adottat b'mod parallel mar-Regolament (KE) Nru 1006/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 ("ir-Regolament tal-Kontroll") ([2]) kien adottat sena wara. Dawn ir-Regolamenti huma t-tliet pilastri ta' implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' kontroll u infurzar tal-PKS.

(11) Madankollu, dawk it-tliet Regolamenti ma kinux implimentati b'mod konsistenti; b'mod partikolari kien hemm inkonsistenzi bejn il-FAR u r-Regolament tal-Kontroll, li kien adottat wara r-Regolament tal-FAR. Permezz tal-implimentazzjoni tal-FAR feġġew għadd ta' lakuni, peress li xi sfidi f'termini ta' kontroll, bħall-kiri (chartering), l-għoti ta' bandiera ġdida u l-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd maħruġa minn awtorità kompetenti ta' pajjiż terz lil bastiment tas-sajd tal-Unjoni barra mill-qafas tal-SFPA ("awtorizzazzjonijiet diretti"), ma kinux koperi. Barra minn hekk, xi obbligi ta' rappurtar rriżultaw li kienu diffiċili, u l-istess jista' jingħad għat-tqassim tal-irwoli amministrattivi bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni.

(12) Il-prinċipju ewlieni ta' dan ir-Regolament preżenti huwa li kwalunkwe bastiment tal-Unjoni li jistad barra l-ilmijiet tal-Unjoni għandu jkun awtorizzat mill-Istat Membru tal-bandiera tiegħu u sorveljat kif xieraq, irrispettivament minn fejn jopera u l-qafas li jopera taħtu. Il-ħruġ ta' awtorizzazzjoni għandu jiddependi mill-ilħieq ta' sett bażiku ta' kriterji ta' eliġibbiltà komuni. It-tagħrif miġbur mill-Istati Membri u mogħti lill-Kummissjoni jenħtieġ jippermetti lill-Kummissjoni li tintervjeni fis-sorveljanza tal-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd kollha tal-Unjoni fi kwalunkwe żona partikolari barra l-ilmijiet tal-Unjoni fi kwalunkwe ħin. ***Dan hu neċessarju biex l-Kummissjoni tkun tista' tissodisfa l-obbligi tagħha bħala Gwardjan tat-Trattati.*** **[Em. 12]**

(12a) Dawn l-aħħar snin raw titjib konsiderevoli fil-politika esterna tas-sajd tal-Unjoni, f'termini ta' kundizzjonijiet u termini ta' SFPAs u d-diliġenza li biha d-dispożizzjonijiet huma infurzati. Jenħtieg li ż-żamma tal-opportunitajiet tas-sajd għall-flotta tal-Unjoni fi ħdan il-qafas ta' ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli tkun objettiv ta' prijorità tal-Unjoni dwar il-politika esterna tas-sajd u kundizzjonijiet simili għandhom jiġu applikati lill-attivitajiet tal-Unjoni barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-SFPAs. **[Em. 13]**

(12b) Jenħtieg li l-Kummissjoni taqdi rwol ta' medjatur meta l-possibilità li tirtira, tissospendi jew timmodifika awtorizzazzjoni tas-sajd hija magħmula abbażi ta' evidenza ta' theddida serja għall-isfruttament tar-riżorsi tas-sajd. **[Em. 14]**

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

([2]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

(13) Il-bastimenti ta' appoġġ jista' jkollhom impatt sostanzjali fuq il-mod kif il-bastimenti tas-sajd jistgħu jwettqu l-attivitajiet tas-sajd tagħhom u dwar il-kwantità ta' ħut li jkunu jistgħu jirkupraw. Huwa għaldaqstant meħtieġ li jitqiesu fil-proċessi tal-awtorizzazzjoni u tar-rappurtar stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(14) L-operazzjonijiet ta' għoti ta' bandiera ġdida jsiru problematiċi meta l-għan tagħhom ikun li jiġu evitati r-regoli tal-PKS jew miżuri eżistenti ta' konservazzjoni u ġestjoni. Għaldaqstant, l-Unjoni jenħtieġ tkun tista' tiddefinixxi, issib u tostakola operazzjonijiet bħal dawn. It-traċċabilità u s-segwiment xieraq ta' storja ta' konformità jenħtieġ jiġu żgurati tul il-ħajja kollha ta' bastiment ***li jkun il-proprjetà ta' operatur tal-Unjoni irrispettivament mill-bandiera jew il-bnadar li jopera taħthom***. Ir-rekwiżit li jingħata numru uniku tal-bastiment mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) għandu jkollu dak il-għan ukoll. **[Em. 15]**

(15) F'ilmijiet ta' pajjiżi terzi, il-bastimenti tal-Unjoni jistgħu joperaw jew skont id-dispożizzjonijiet tal-SFPAs bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi jew bil-kisba ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd diretti minn pajjiżi terzi jekk ma jkun fis-seħħ l-ebda ftehim tal-SFPA. Fiż-żewġ każijiet dawn l-attivitajiet jenħtieġ jitwettqu b'mod trasparenti u sostenibbli. Din hija r-raġuni għaliex l-Istati Membri tal-bandiera jenħtieġ jingħataw is-setgħa li jawtorizza taħt sett definit ta' kriterji u soġġett għas-sorveljanza, il-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom biex ifittxu u jiksbu awtorizzazzjonijiet diretti minn stati terzi tal-kosta. L-attività tas-sajd jenħtieġ tiġi awtorizzata ladarba l-Istat Membru tal-bandiera jkun sodisfatt li dan mhux se jdgħajjef is-sostenibbiltà. Sakemm il-Kummissjoni ma jkollha l-ebda oġġezzjoni oħra ***ġustifikata kif dovut***, l-operatur li jkun ingħata l-awtorizzazzjoni kemm mill-Istat Membru tal-bandiera u mill-istat kostali jenħtieġ jitħalla jibda l-operazzjoni tas-sajd tiegħu. **[Em. 16]**

(16) Kwistjoni speċifika dwar l-SFPAs hija l-allokazzjoni mill-ġdid ta' opportunitajiet tas-sajd mhux utilizzati biżżejjed li jseħħu meta l-opportunitajiet tas-sajd allokati lill-Istati Membri bir-Regolamenti tal-Kunsill relevanti ma jintużawx kollha. Billi l-ispejjeż tal-aċċess stabbiliti fl-SFPAs huma fil-biċċa l-kbira ffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni, sistema ***temporanja*** ta' allokazzjoni mill-ġdid hija importanti biex jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u jiġi żgurat li l-ebda opportunità ta' sajd li jkun sar ħlas għaliha tinħela. Għaldaqstant huwa neċessarju li s-sistema ta' allokazzjoni mill-ġdid, li jenħtieġ tkun mekkaniżmu aħħari, tiġi kjarifikata u mtejba. L-applikazzjoni tagħha ~~għandu jkun temporanju~~***għandha tkun temporanja*** u ma ~~għandux jaffettwa~~ ***għandhiex taffettwa*** l-allokazzjoni inizjali tal-opportunitajiet ta' sajd fost l-Istati Membri***, li jfisser li ma tkunx ta' ħsara għall-istabilità relattiva***. ***Bħala sistema aħħarija,*** l-allokazzjoni mill-ġdid għandha sseħħ biss ladarba l-Istati Membri rilevanti jkunu ċedew id-drittijiet tagħhom li jiskambjaw l-opportunitajiet tas-sajd bejniethom. **[Em. 17]**

***(16a) "Ftehimiet inattivi" huwa t-terminu użat fejn pajjiżi adottaw ftehim ta' sħubija fis-settur tas-sajd mingħajr protokoll fis-seħħ, għal raġunijiet strutturali jew ċirkostanzjali. L-Unjoni għandha diversi "ftehimiet inattivi" ma' pajjiżi terzi. Jenħtieġ għalhekk li l-bastimenti tal-Unjoni majitħallewx jistadu f'ilmijiet taħt il-ftehimiet inattivi. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħmel sforz biex "tqajjem" lil dawn il-ftehimiet jew twaqqaf il-ftehim ta' sħubija kkonċernat.* [Em. 18]**

(17) Attivitajiet tas-sajd taħt l-awspiċji tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMOs) u ***sajd mhux irregolat*** fl-ibħra internazzjonali għandhom ukoll ikunu awtorizzati mill-Istat Membru tal-bandiera u jikkonformaw ma' regoli speċifiċi tal-RFMOs jew leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tirregola l-attivitajiet tas-sajd fl-ibħra miftuħa. **[Em. 19]**

(18) Arranġamenti tal-kiri (chartering) li jistgħu jimminaw l-effikaċja ta' miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni, kif ukoll iħallu impatt negattiv fuq l-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi ħajjin tal-baħar. Għaldaqstant huwa meħtieġ li jiġi stabbilit qafas legali li jgħin lill-Unjoni biex tissorvelja aħjar l-attivitajiet ~~ta' bastimenti~~***tal-bastimenti tas-sajd li jtajru bandiera tal-Unjoni u li jkunu*** mikrija (chartered) ~~tal-Unjoni~~ ***minn operaturi minn pajjiżi terzi*** abbażi ta' dak li ġie adottat mill-RFMO. **[Em. 20]**

(19) Il-proċeduri għandhom ikunu trasparenti***, pratikabbli*** u prevedibbli għall-operaturi tal-Unjoni u ta' pajjiżi terzi, kif ukoll għall-awtoritajiet kompetenti rispettivi tagħhom. **[Em. 21]**

***(19a) Jenħtieġ li l-Unjoni tfittex li tikseb kundizzjonijiet internazzjonali ekwi fejn il-flotta tas-sajd tal-Unjoni tista' tikkompeti ma' nazzjonijiet oħra tas-sajd, billi tadatta r-regoli ta' aċċess għas-suq kif xieraq kull meta jiġu adottati regoli stretti għall-flotta tal-Unjoni.* [Em. 22]**

(20) Jenħtieġ jiġi żgurat l-iskambju ta' dejta f'forma elettronika bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, kif previst fir-Regolament tal-Kontroll. L-Istati Membri għandhom jiġbru d-dejta kollha mitluba dwar il-flotot u l-attivitajiet tas-sajd tagħhom, jġestu din id-dejta u jagħmluha disponibbli għall-Kummissjoni. Barra minn hekk, għandhom jikkoperaw ma' xulxin, mal-Kummissjoni u ma' pajjiżi terzi fejn rilevanti biex jikkoordinaw dawk l-attivitajiet ta' ġbir tad-data.

(21) Bil-ħsieb li tittejjeb it-trasparenza u l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd tal-Unjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ tistabbilixxi reġistru elettroniku tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd, li jinkludi kemm parti pubblika kif ukoll waħda sikura. L-informazzjoni fir-reġistru tal-awtorizzazzjoni tas-sajd tal-Unjoni tinkludi dejta personali. L-ipproċessar ta' dejta personali abbażi ta' dan ir-Regolament jenħtieġ jikkonforma mar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u mad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) u liġi nazzjonali applikabbli.

(22) Bil-għan li tindirizza b'mod xieraq l-aċċess għall-ilmijiet tal-Unjoni ta' bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' pajjiż terz, ir-regoli rilevanti jenħtieġ ikunu konsistenti ma' dawk applikabbli għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, b'konformità mar-Regolament tal-Kontroll. B'mod partikolari, l-Artikolu 33 ta' dak ir-Regolament dwar ir-rappurtar ta' dejta dwar il-qabdiet u relatata mal-qabdiet jenħtieġ tapplika wkoll għal bastimenti ta' pajjiżi terzi li jistadu fl-ilmijiet tal-Unjoni.

(23) Bastimenti tas-sajd minn pajjiżi terzi mingħajr awtorizzazzjoni taħt dan ir-Regolament jenħtieġ, waqt in-navigazzjoni fl-ilmijiet tal-Unjoni, ikunu obbligati li jiżguraw li l-irkaptu tagħhom tas-sajd ikun stivat b'tali mod li ma jkunx jista' jintuża faċilment f'operazzjonijiet tas-sajd.

(24) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu responsabbli mill-kontroll tal-attivitajiet tas-sajd ta' bastimenti ta' pajjiżi terzi fl-ilmijiet tal-Unjoni u, f'każ ta' ksur, mir-reġistrazzjoni tagħhom fir-reġistru nazzjonali previst fl-Artikolu 93 tar-Regolament tal-Kontroll.

(25) Sabiex tissimplifika l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jużaw sistema komuni ta' skambju tad-dejta u ta' ħażna tad-dejta biex jipprovdu informazzjoni u aġġornamenti meħtieġa, filwaqt li jkun qed jitnaqqas il-piż amministrattiv. F'dan ir-rigward, id-dejta li tinsab fir-reġistru tal-flotot tal-Unjoni jenħtieġ tintuża b'mod sħiħ.

(26) Sabiex jitqies il-progress teknoloġiku u rekwiżiti tal-liġi internazzjonali ġodda sussegwenti possibbli, jenħtieġ li s-setgħa tal-adozzjoni tal-atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE tkun delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-adozzjoni ta' modifiki tal-Annessi ta' dan ir-Regolament li jistabbilixxi l-lista ta' informazzjoni li għandha tingħata mill-operatur biex jikseb awtorizzazzjoni tas-sajd. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol preparatorju tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([3]). B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(27) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni fir-rigward tar-reġistrazzjoni, tal-format u tat-trażmissjoni ta' dejta relatata ma' awtorizzazzjonijiet tas-sajd mill-Istati Membri lill-Kummissjoni u lir-reġistru tal-awtorizzazzjoni tas-sajd tal-Unjoni, kif ukoll biex tkun stabbilita metodoloġija għall-allokazzjoni mill-ġdid ta' opportunitajiet tas-sajd mhux użati. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

([2]) Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/46/KE tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

([3]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

(28) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta immedjatament l-atti ta' implimentazzjoni applikabbli fejn, f'każijiet debitament ġustifikati relatati mal-allokazzjoni mill-ġdid ta' opportunitajiet tas-sajd, raġunijiet imperattivi ta' urġenza jirrikjedu dan.

(29) Minħabba l-għadd u l-importanza tal-emendi li għandhom isiru, ir-Regolament (KE) Nru 1006/2008 għandu jitħassar,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

TITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għall-ħruġ u l-ġestjoni ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd għal:

(a) bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li ~~joperaw~~***jwettqu attivitajiet tas-sajd*** fl-ilmijiet li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiż terz, taħt l-awspiċi tal-RFMO ***li l-Unjoni hija parti kontraenti tagħhom***, fi jew barra mill-ilmijiet tal-Unjoni, jew f'ibħra miftuħa; kif ukoll

(b) bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi li ~~joperaw~~ ***jwettqu attivitajiet tas-sajd*** fl-ilmijiet tal-Unjoni. **[Em. 23]**

Artikolu 2

Rabta mal-liġi internazzjonali u tal-Unjoni

Dan ir-Regolament għandu japplika mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet:

(a) fl-SFPAs u ftehimiet simili dwar is-sajd konklużi bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi;

(b) adottati mill-RFMOs jew organizzazzjoni simili tas-sajd li l-Unjoni hija parti kontraenti jew parti kooperanti mhux kontraenti tagħhom;

(c) fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li timplimenta jew tittrasponi d-dispożizzjonijiet imsemmija fil-punti (a) u (b).

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament japplikaw id-definizzjonijiet fl-Artikolu 4 tar-Regolament Bażiku. Barra minn hekk, japplikaw ukoll id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "bastiment ta' appoġġ" tfisser bastiment li mhux mgħammar b'tagħmir tas-sajd ***maħsub biex jaqbad jew jattira l-ħut u*** li jiffaċilita, jgħin jew iħejji l-attivitajiet tas-sajd; **[Em. 24]**

(b) "awtorizzazzjoni tas-sajd" tfisser awtorizzazzjoni ***tas-sajd*** maħruġa fir-rigward ta' bastiment tas-sajd tal-Unjoni jew bastiment tas-sajd ta' pajjiż terz, li ~~jagħtih~~ ***flimkien mal-liċenzja tas-sajd tiegħu, tagħtih*** id-dritt li jwettaq attivitajiet tas-sajd speċifiċi tul il-perjodu speċifikat, f'żona partikolari jew għal sajd partikolari f'kundizzjonijiet speċifiċi; **[Em. 25]**

(c) "reġistru tal-awtorizzazzjoni tas-sajd" tfisser is-sistema ta' ġestjoni tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd u tal-bażi tad-dejta assoċjata;

(d) "awtorizzazzjoni diretta" tfisser awtorizzazzjoni tas-sajd maħruġa minn awtorità kompetenti ta' pajjiż terz lil bastiment tas-sajd tal-Unjoni barra mill-qafas ta' SFPA;

(e) "ilmijiet ta' pajjiżi terzi" tfisser ilmijiet li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiż terz;

(f) "programm ta' osservatur" tfisser skema taħt l-awspiċi ta' RFMO***, SFPA, pajjiż terz jew Stat Membru*** li ~~tipprovdi~~ ***jipprovdu*** osservaturi abbord bastimenti tas-sajd b'ċerti kundizzjonijiet biex ~~jivverifikaw il-konformità~~ ***tingħabar iddejta u/jew biex tiġi verifikata l-konformità*** tal-bastiment mar-regoli adottati minn dik l-organizzazzjoni***, SFPA jew pajjiż***; **[Em. 26]**

(fa) "parti kontraenti" tfisser parti kontraenti tal-konvenzjoni jew ftehim internazzjonali li jistabbilixxi RFMO, kif ukoll Stati, entitajiet tas-sajd jew entitajiet oħra li jikkooperaw ma' tali organizzazzjoni u li ngħataw status ta' parti mhux kontraenti f'kooperazzjoni fir-rigward ta' tali organizzazzjoni; *[Em. 27]*

(fb) "nolleġġjar" tfisser arranġament li permezz tiegħu bastiment tas-sajd li jtajjar bandiera ta' Stat Membru huwa mogħti b'kuntratt għal perjodu definit minn operatur fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz mingħajr ma jibdel il-bandiera; *[Em. 77]*

TITOLU II

ATTIVITAJIET TAS-SAJD MINN BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI BARRA MILL-ILMIJIET TAL-UNJONI

Kapitolu I

Dispożizzjonijiet komuni

Artikolu 4

Prinċipju ġenerali

Mingħajr preġudizzju għall-obbligu li tinkiseb awtorizzazzjoni mill-organizzazzjoni kompetenti jew mill-pajjiż terz, bastiment tas-sajd tal-Unjoni ma jistax iwettaq attivitajiet tas-sajd barra l-ilmijiet tal-Unjoni sakemm ma tkunx inħarġitlu awtorizzazzjoni tas-sajd mill-Istat Membru tal-bandiera tiegħu.

Artikolu 5

Kriteriji ta' eliġibbiltà

1. Stat Membru tal-bandiera jista' joħroġ biss awtorizzazzjoni tas-sajd għal attivitajiet tas-sajd barra l-ilmijiet tal-Unjoni jekk:

(a) jirċievi informazzjoni kompleta u preċiża, f'konformità ~~mal-Annessi 1 u 2~~***mal-Anness***, dwar il-bastiment tas-sajd u l-bastiment ta' appoġġ assoċċjat, inklużi bastimenti ta' appoġġ mhux tal-Unjoni; **[Em. 28]**

(b) il-bastiment tas-sajd ikollu liċenzja tas-sajd valida skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

(c) il-bastiment tas-sajd u kwalunkwe bastiment ta' appoġġ ~~assoċċjat~~***assoċjat*** ikollhom numru tal-OMI***, meta dan ikun meħtieġ mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni***; **[Em. 29]**

(d) ~~l-operatur u l-bastiment~~***il-kaptan tal-bastiment tas-sajd, kif ukoll il-bastiment*** tas-sajd ***ikkonċernat,*** ma jkunux ***ġew*** soġġetti għal sanzjoni għal ksur serju ~~skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru skont l-Artikolu 42 tar- Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 u l-Artikolu 90 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009~~ matul it-12-il xahar ta' qabel l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tas-sajd; **[Em. 78]**

(e) il-bastiment tas-sajd ma jkunx inkluż f'lista ta' bastimenti IUU adottata minn RFMO u/jew mill-Unjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1005/2008;

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

(f) fejn japplika, l-opportunitajiet tas-sajd ikunu disponibbli għall-Istat Membru tal-bandiera skont il-ftehim tas-sajd ikkonċernat jew id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-RFMO; kif ukoll

(g) fejn applikabbli, il-bastiment tas-sajd jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 6.

2. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 43, għall-fini l-Anness jiġi modifikat.

Artikolu 6

Operazzjonijiet ta' għoti ta' bandiera ġdida

1. Dan l-Artikolu japplika għal bastimenti li ~~fi żmien ħames snin mid-data tal-applikazzjoni~~***matul is-sentejn li jippreċedu l-applikazzjoni*** għal awtorizzazzjoni tas-sajd ikunu:

(a) ħarġu mir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni u ngħataw bandiera ġdida f'pajjiż terz; kif ukoll

(b) sussegwentement marru lura għar-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni ~~fi żmien 24 xahar minn meta jkunu ħarġu~~.

2. Stat Membru tal-bandiera jista' joħroġ awtorizzazzjoni tas-sajd biss jekk ikun ~~sodisfatt~~***ivverifika*** li, matul il-perjodu li l-bastiment imsemmi fil-paragrafu 1 ikun opera taħt bandiera ta' pajjiz terz:

(a) ma jkunux involut f'attivitajiet tas-sajd IUU; u li

(b) ma jkunx opera f'ilmijiet ***jew*** ta' pajjiż terz li ma jikkooperax skont l-Artikoli 31 u 33 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 ***jew ta' pajjiż terz li jkun ġie identifikat bħala pajjiż li jippermetti sajd mhux sostenibbli skont il-punt (a) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 1026/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*** ([1]).

3. Għal dak l-għan, l-operatur għandu jipprovdi ***l-***informazzjoni ***li ġejja*** relatata mal-perjodu ~~rilevanti~~ ***li matulu l-bastiment ikun opera taħt bandiera ta' pajjiż terz*** meħtieġa mill-Istat Membru tal-bandiera~~, inkluż mill-inqas kull wieħed minn dawn li ġejjin~~:

(a) dikjarazzjoni tal-qabdiet u tal-isforzi tas-sajd matul il-perjodu rilevanti;

(b) kopja tal-awtorizzazzjoni tas-sajd maħruġa mill-Istat tal-bandiera għall-perjodu rilevanti;

(c) kopja ta' kull awtorizzazzjoni tas-sajd li tippermetti operazzjonijiet tas-sajd fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi matul il-perjodu rilevanti;

(d) stqarrija uffiċjali mill-pajjiż terz fejn il-bastiment ikun ingħata bandiera ġdida li telenka s-sanzjonijiet il-bastiment jew l-operatur kien soġġett għalihom matul il-perjodu rilevanti.

(da) l-istorja shiha tal-bandiera matul il-perjodu li fih il-bastiment ikun halla r-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni.

4. Stat Membru tal-bandiera ma għandux joħroġ awtorizzazzjoni tas-sajd għal bastiment li jkun ingħata bandiera ġdida:

(a) f'pajjiż terz li ġie identifikati jew elenkat bħala pajjiż li ma jikkooperax fil-ġlieda kontra s-sajd IUU skont l-Artikoli 31 u 33 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008; jew

([1]) Regolament (UE) Nru 1026/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ċerti miżuri għall-iskop tal-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-hut fir-rigward ta' pajjiżi li jippermettu sajd mhux sostenibbli (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 34).

(b) f'pajjiż terz li ġie identifikati bħala pajjiż li jippermetti s-sajd mhux sostenibbli skont il-punt (a) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 1026/2012.

5. Il-paragrafu 4 ma għandux japplika jekk l-Istat Membru tal-bandiera jkun sodisfatt li, hekk kif il-pajjiż ġie identifikat bħala pajjiż li ma jikkooperax IUU jew bħala li jippermetti sajd mhux sostenibbli, l-operatur:

(a) temm l-operazzjonijiet tas-sajd; kif ukoll

(b) beda ~~l~~***immedjatament il-***proċeduri amministrattivi rilevanti biex ineħħi l-bastiment mir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-pajjiż terz. **[Em. 31]**

Artikolu 7

Is-sorveljanza tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd

1. Meta ssir applikazzjoni għal awtorizzazzjoni tas-sajd, operatur għandu jipprovdi lill-Istat Membru tal-bandiera b'dejta kompleta u preċiża.

2. Operatur għandu immedjatament jinforma lill-Istat Membru dwar kull bdil fid-dejta relatata.

3. L-Istat Membru tal-bandiera għandu jissorvelja ***mill-inqas darba fis-sena*** jekk il-kundizzjonijiet li abbażi tagħhom tkun inħarġet awtorizzazzjoni tas-sajd baqgħux jiġu ssodisfati matul il-perjodu ta' validità ta' dik l-awtorizzazzjoni.

4. Jekk kundizzjoni li abbażi tagħha tkun inħarġet awtorizzazzjoni tas-sajd ma tkunx għadha sodisfati, Stat Membru tal-bandiera għandu ***jieħu azzjoni xierqa, inkluż li*** jemenda jew jirtira l-awtorizzazzjoni u jinnotifika ***immedjatament*** lill-operatur u lill-Kummissjoni ***u, jekk rilevanti, lis-segretarjat tal-RFMO jew lill-pajjiż terz ikkonċernat*** b'dan.

5. Fuq talba ***ġustifikata kif xieraq*** tal-Kummissjoni, Stat Membru tal-bandiera għandu jiċħad, jissospendi jew jirtira l-awtorizzazzjoni f'każijiet:

(a) ~~ta' raġunijiet prevalenti ta' politika b'rabta mal-isfruttar~~***ta' raġunijiet imperattivi ta' urġenza relatati ma' theddida serja għall-isfruttar*** sostenibbli, il-ġestjoni u l-konservazzjoni ta' riżorsi bijoloġiċi tal-baħar;

(b) ta' ksur serju tal-Artikolu 42 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 jew tal-Artikolu 90(1) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, fil-qafas ~~jew il-prevenzjoni jew it-twaqqif~~ ta' sajd illegali, mhux irrappurtat jew mhux irregolat ***(IUU)***, ***jew sabiex tevita, f'każ ta' riskju għoli; jew***,

(c) ~~fil-każijiet~~ fejn l-Unjoni ddeċidiet li tissospendi jew taqta' r-relazzjonijiet mal-pajjiż terz ikkonċernat.

It-talba ġustifikata kif xieraq imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tkun sostnuta b'informazzjoni relevanti u xierqa. Il-Kummissjoni għandha tinforma immedjatament lill-operatur meta jagħmel tali talba ġustifikata kif xieraq. Talba bħal din mill-Kummissjoni għandha tkun segwita minn perjodu ta' 15-il jum ta' konsultazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru tal-bandiera.

6. Jekk ~~Stat~~***, fi tmiem il-perjodu ta' 15-il jum imsemmi fil-paragrafu 5, il-Kummissjoni tikkonferma t-talba tagħha u l-Istat*** Membru tal-bandiera jonqos milli jirrifjuta, jemenda, jissospendi jew jirtira l-awtorizzazzjoni f'konformità mal-paragrafi 4 u 5, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi ***wara ħamest ijiem ulterjuri,*** li tirtira l-awtorizzazzjoni u tinnotifika lill-Istat Membru tal-bandiera u l-operatur dwar ~~dan~~***id-deċiżjoni tagħha***. **[Em. 32]**

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

Il-Kapitolu II

Attivitajiet tas-sajd minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet ta' pajjiż terz

TAQSIMA 1

ATTIVITAJIET TAS-SAJD TAĦT L-SFPA

Artikolu 8

Sħubija fl-RFMO

Bastiment tas-sajd tal-Unjoni jista' jwettaq biss attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet ta' pajjiż terz fuq stokkijiet li ġestiti minn RFMO jekk dak il-pajjiż huwa parti kontraenti jew parti mhux kontraenti kooperanti ta' dak l-RFMO. ***Meta l-ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli konklużi qabel… [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], dan il-paragrafu għandu japplika minn… [erba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].*** **[Em. 33]**

L-Unjoni tista' talloka proporzjon tal-finanzjament għall-appoġġ settorjali lil pajjiżi terzi li magħhom għandha ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli, sabiex tgħin lil dawk il-pajjiżi terzi jingħaqdu ma' RFMOs. **[Em. 34]**

Artikolu 9

Kamp ta' applikazzjoni

Din it-Taqsima għandha tapplika għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni f'ilmijiet ta' pajjiżi terzi taħt SFPA.

L-Unjoni għandha tiżgura li l-SFPAs huma konsistenti ma' dan ir-Regolament. **[Em. 35]**

Artikolu 10

Awtorizzazzjoni tas-sajd

Bastiment tas-sajd tal-Unjoni ma jistax iwettaq attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet ta' pajjiż terz skont l-SFPA sakemm ma tkunx inħarġitilu awtorizzazzjoni tas-sajd:

(a) mill-~~Istat Membru tal-bandiera tiegħu~~***pajjiż terz li jkollu sovranità jew ġurisdizzjoni fuq l-ilmijiet fejn jitwettqu l-attivitajiet tas-sajd***; kif ukoll **[Am. 36]**

(b) mill-~~pajjiż terz b'sovranità jew ġurisdizzjoni fuq l-ilmijiet fejn jitwettqu l-attivitajiet~~***Istat Membru tal-bandiera tiegħu.*** **[Am. 37].**

Artikolu 11

Kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet tas-sajd mill-Istat Membru tal-bandiera

Stat Membru tal-bandiera jista' joħroġ awtorizzazzjoni tas-sajd għal attivitajiet tas-sajd imwettqa f'ibħra ta' pajjiżi terzi taħt l-SFPA biss jekk:

(a) il-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti fl-Artikoli 5 huma sodisfatti;

(b) il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-SFPA rilevanti huma ssodisfati;

(c) l-operatur ikun ħallas it-tariffi kollha;

(ca) l-operatur ikun ħallas l-penali finanzjarji ***applikabbli*** kollha ***imposti*** ~~mitluba~~ mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz ~~matul l-aħħar 12-il xahar~~***, wara l-konklużjoni tal-proċeduri ġuridiċi applikabbli; u*** **[Em. 38]**

(cb) il-bastiment tas-sajd ikollu awtorizzazzjoni mill-pajjiż terz ikkonċernat. *[Em. 39]*

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

Artikolu 12

Ġestjoni tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd

1. Ġaladarba ~~joħroġ awtorizzazzjoni tas-sajd~~***ikun ivverifika li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 11 ikunu sodisfatti***, l-Istat Membru tal-bandiera għandu jibgħat lill-Kummissjoni l-applikazzjoni korrispondenti ~~għall-awtorizzazzjoni~~***biex jikseb l-awtorizzazzjoni*** tal-pajjiż terz.

2. L-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkun fiha l-informazzjoni msemmija ~~fl-Annessi 1 u 2~~***fl-Anness***, flimkien ma' kwalunkwe dejta oħra meħtieġa skont l-SFPA.

3. L-Istat Membru tal-bandiera għandu jibgħat l-applikazzjoni lill-Kummissjoni mill-inqas ~~10 ijiem~~ ***15-il jum*** kalendarju qabel l-iskadenza għat-trasmissjoni ta' applikazzjonijiet stabbiliti fl-SFPA. Il-Kummissjoni tista' ~~titlob~~ ***tibgħat talba ġustifikata kif xieraq*** lill-Istat Membru tal-bandiera għal kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li tqis meħtieġa.

4. ~~Meta tkun sodisfatta li l-kundizzjonijiet fl-Artikolu 11 huma~~***Fi żmien 10 ijiem kalendarji minn meta tasal l-applikazzjoni jew, fil-każ*** li ***jintalab tagħrif addizzjonali skont il-paragrafu 3, fi żmien 15-il jum tal-kalendarju minn meta tirċievi l-applikazzjoni, il-Kummissjoni għandha tagħmel eżami preliminari sabiex jiġi stabbilit jekk il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu*** 11 ***humiex*** sodisfati. Il-Kummissjoni għandha ***mbagħad*** tibgħat it-talba lill-pajjiż terz ***jew tinnotifika lill-Istat Membru li l-applikazzjoni ġiet irrifjutata***.

5. Jekk pajjiż terz jinforma lill-Kummissjoni li ddeċieda li joħroġ, jirrifjuta, jissospendi jew jirtira awtorizzazzjoni tas-sajd għal bastiment tas-sajd tal-Unjoni ***skont il-ftehim***, il-Kummissjoni għandha tinforma ***immedjatament*** lill-Istat Membru tal-bandiera b'dan ***mingħajr dewmien, jekk possibbli b'mezzi elettroniċi. L-Istat Membru tal-bandiera għandu immedjatament jittrażmetti dik l-informazzjoni lis-sid ta' dak il-bastiment.*** **[Em. 40]**

Artikolu 13

Allokazzjoni mill-ġdid ta' opportunitajiet tas-sajd mhux użati fil-qafas tal-SFPA

1. ~~Matul sena speċifika jew kwalunkwe perjodu~~***Fi tmiem l-ewwel nofs tal-perjodu*** rilevanti ieħor tal-implimentazzjoni ta' protokoll tal-SFPA, il-Kummissjoni tista' tidentifika opportunitajiet ta' sajd mhux użati u tinforma lill-Istati Membri li jibbenefikaw mill-ishma korrispondenti tal-allokazzjoni b'dan.

2. Fi żmien ~~10 jiem~~***20 jum*** mill-wasla ta' din l-informazzjoni mill-Kummissjoni, l-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu:

(a) jinfurmaw lill-Kummissjoni li se jużaw l-opportunitajiet tas-sajd tagħhom aktar tard ~~matul is-sena jew il-perjodu~~***fit-tieni nofs tal-perjodu*** rilevanti ta' implimentazzjoni billi jipprovdu pjan tas-sajd b'informazzjoni dettaljata dwar l-għadd ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd mitluba, il-qabdiet stmati, iż-żona u l-perjodu tas-sajd; jew

(b) jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-iskambji ta' opportunitajiet tas-sajd, skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament Bażiku.

3. Jekk ċerti Stati Membri ma jinfurmawx lill-Kummissjoni dwar waħda mill-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 u, jekk b'riżultat ta' dan l-opportunitajiet tas-sajd jibqgħu ma jintużawx, il-Kummissjoni***, matul perjodu ta' għaxart ijiem wara l-perjodu msemmi fil-paragrafu 2,*** tista' tniedi sejħa għall-interess għall-opportunitajiet tas-sajd mhux użati disponibbli fost l-Istati Membri l-oħra li jibbenefika minn sehem tal-allokazzjoni.

4. Fi żmien 10 ijiem mill-wasla ta' dik is-sejħa għall-interess, dawk l-Istati Membri jistgħu jikkomunikaw l-interess tagħhom f'opportunitajiet tas-sajd mhux użati lill-Kummissjoni. B'appoġġ għat-talba tagħhom, huma għandhom jipprovdu pjan tas-sajd b'informazzjoni dettaljata dwar l-għadd ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd mitluba, il-qabdiet stmati, iż-żona u l-perjodu tas-sajd.

5. Jekk meqjus meħtieġ għall-valutazzjoni tat-talba, il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istati Membri kkonċernati għal aktar informazzjoni ***dwar l-għadd ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd mitluba, il-qabdiet stmati, iż-żona u l-perjodu tas-sajd***.

6. Fin-nuqqas ta' interess fl-opportunitajiet tas-sajd mhux użati mill-Istati Membri li jibbenefikaw minn sehem tal-allokazzjoni ***fi tmiem il-perjodu ta' għaxart ijiem***, il-Kummissjoni tista' tniedi sejħa għall-interess għall-Istati Membri kollha. Stat Membru jista' jikkomunika l-interess tiegħu ta' opportunitajiet tas-sajd mhux użati skont il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 4.

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

7. Abbażi tal-informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri f'konformità mal-paragrafi 4 jew 5 ***u f'kooperazzjoni mill-qrib magħhom,*** il-Kummissjoni għandha talloka mill-ġdid, ***unikament fuq bażi temporanja,*** l-opportunitajiet tas-sajd mhux użati ~~fuq bażi temporanja~~ billi tapplika l-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 14.

7a. L-allokazzjoni mill-ġdid imsemmija fil-paragrafu 7 għandha tapplika biss matul it-tieni nofs tal-perjodu ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 u għandha sseħħ darba biss matul dak il-perjodu.

7b. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri rigward:

(a) l-iStati Membri li għalihom tkun saret l-allokazzjoni mill-ġdid;

(b) il-kwantitajiet allokati lill-Istati Membri li lilhom tkun saret l-allokazzjoni mill-ġdid; kif ukoll

(c) il-kriterji ta' allokazzjoni użati għall-allokazzjoni mill-ġdid. *[Em. 41]*

Artikolu 13a

Simplifikazzjoni tal-proċeduri ta' tiġdid annwali eżistenti ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd matul il-perjodu li fih il-protokoll għal SFPA fis-seħħ japplika

Proċeduri aktar mgħaġġla, eħfef u aktar flessibbli għat-tiġdid tal-liċenzji ta' dawk il-bastimenti li l-istatus tagħhom (karatteristiċi, bandiera, proprjetarju jew konformità) ma nbidilx minn sena għal oħra għandhom ikunu permessi matul il-perjodu fis-seħħ ta' SFPA tal-Unjoni. **[Em. 42]**

Artikolu 14

~~Metidoloġija~~ ***Metodoloġija temporanja*** tal-allokazzjoni mill-ġdid

1. Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, metodoloġija ***temporanja*** għall-allokazzjoni mill-ġdid ta' opportunitajiet tas-sajd mhux użati. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 45(2).

2. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati b'rabta maż-żmien limitat li jkun fadal biex jiġu sfruttati l-opportunitajiet tas-sajd mhux użati, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 45(3). Dawk l-atti jibqgħu fis-seħħ għal perjodu li ma jaqbiżx is-sitt xhur.

3. Meta tistabbilixxi l-metodoloġija tal-allokazzjoni mill-ġdid, il-Kummissjoni għandha tapplika l-kriterji ***trasparenti u oġġettivi*** li ġejjin***, b'kont meħud ta' fatturi ambjentali, soċjali u ekonomiċi***:

(a) l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-allokazzjoni mill-ġdid;

(b) l-għadd ta' Stati Membri li jagħmlu t-talba;

(c) is-sehem assenjat għal kull Stat Membru li jagħmel it-talba fl-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd inizjali;

(d) il-qabda storika u l-livelli tal-isforz ta' kull Stat Membru li jagħmel it-talba;

(e) l-għadd, it-tip u l-karatteristiċi tal-bastimenti u l-irkaptu użat;

(f) il-konsistenza tal-pjan tas-sajd provdut mill-Istati Membri li jagħmel it-talba mal-elementi elenkati fil-punti (a) sa (e).

Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-ġustifikazzjoni tagħha għall-allokazzjoni mill-ġdid. **[Em. 43]**

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

Artikolu 15

Allokazzjoni ta' kwota ta' kull sena maqsuma f'għadd ta' limiti tal-qabda suċċessivi

~~1. Fejn~~ ***L-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd f'sitwazzjoni fejn*** il-Protokoll għal ftehim ta' sħubija tas-sajd sostenibbli jistabbilixxi limiti tal-qbid ta' kull xahar jew ta' kull tliet xhur jew subdiviżjonijiet oħra ta' kwota annwali, ~~il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi metodoloġija għall-allokazzjoni, kull xahar, kull tliet xhur jew perjodu ieħor, tal-opportunitajiet tas-sajd bejn~~ ***l-opportunitajiet tas-sajd korrispondenti bejn l-Istati Membri għandhom ikunu konsistenti mal-opportunitajiet annwali tas-sajd allokati lil Stati Membri skont l-att legali rilevanti tal-Unjoni. Dan il-prinċipju ma għandux japplika biss meta*** l-Istati Membri ***kkonċernati qablu dwar pjanijiet konġunti tas-sajd li jqisu l-limiti tal-qbid*** ta' ***kull xahar jew ta' kull tliet xhur jew subdiviżjonijiet oħra ta' kwota annwali***. ~~Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 45(2).~~ **[Em. 44]**

~~2. L-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun konsistenti mal-opportunitajiet annwali tas-sajd allokati lil Stati Membri skont ir-Regolament tal-Kunsill rilevanti.~~ **[Em. 45]**

TAQSIMA 2

ATTIVITAJIET TAS-SAJD TAĦT AWTORIZZAZZJONI DIRETTA

Artikolu 16

Kamp ta' applikazzjoni

Din it-Taqsima għandha tapplika għal attivitajiet ta' sajd imwettqa minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni barra mill-qafas ta' SFPA fl-ilmijiet ta' pajjiż terz.

Artikolu 17

Awtorizzazzjoni tas-sajd

Bastiment tas-sajd tal-Unjoni ma jistax iwettaq attivitajiet tas-sajd f'ilmijiet ta' pajjiż terz barra l-qafas ta' SFPA sakemm ma tkunx inħarġitlu awtorizzazzjoni tas-sajd mill-:

(a) ***pajjiż terz li jkollu sovranità jew ġurisdizzjoni fuq l-ilmijiet fejn jitwettqu l-attivitajiet***; kif ukoll **[Em. 46]**

(b) ~~pajjiż terz li jkollu sovranità jew ġurisdizzjoni fuq l-ilmijiet fejn jitwettqu l-attivitajiet~~***Istat Membru tal-bandiera tiegħu***. **[Em. 47]**

Stat Membru tal-bandiera jista' joħroġ awtorizzazzjoni tas-sajd għal attivitajiet tas-sajd imwettqa f'ibħra ta' pajjiżi terzi kull meta l-Protokoll ta' SFPA partikolari li jkopri dawk l-ilmijiet ma kienx fis-seħħ mal-pajjiż terz rilevanti għal mill-anqas it-tliet snin preċedenti.

Fil-każ ta' tiġdid tal-Protokoll, l-awtorizzazzjoni tas-sajd għandha tiġi awtomatikament irtirata mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dak il-Protokoll.

Artikolu 18

Kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet tas-sajd mill-Istat Membru tal-bandiera

Stat Membru tal-bandiera jista' joħroġ awtorizzazzjoni tas-sajd għal attivitajiet tas-sajd imwettqa f'ibħra ta' pajjiżi terzi barra l-qafas ta' ftehim ta' SFPA:

(a) ma hemmx SFPA fis-seħħ mal-pajjiż terz rilevanti~~, jew il-ftehim ta' sħubija tas-sajd sostenibbli fis-seħħ jipprovdi espressament għall-possibbiltà ta' awtorizzazzjonijiet diretti~~;

(b) il-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti fl-Artikoli 5 huma sodisfatti;

(ba) hemm eċċess tal-qabda permissibbli kif meħtieġ taħt l-Artikolu 62(2) tal-UNCLOS;

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

(c) l-operatur ikun ipprovda kull wieħed minn dawn li ġejjin:

(i) ***kopja tal-leġiżlazzjoni dwar is-sajd applikabbli kif ipprovduta lill-operatur mill-Istat tal-kosta;***

(ii) ~~konferma bil-miktub mill-pajjiż terz, wara d-diskussjonijiet bejn l-operatur u dan tal-aħħar, tat-termini tal-awtorizzazzjoni diretta maħsuba li tagħti lill-operatur l-aċċess~~***awtorizzazzjoni tas-sajd valida mogħtija mill-pajjiż terz għall-attivitajiet proposti ta' sajd*** li ***fiha t-termini ta' aċċess*** għar-riżorsi tas-sajd tiegħu, inkluż it-tul, il-kundizzjonijiet u l-opportunitajiet tas-sajd espressi bħala sforzi jew limiti tal-qabda;

(iii) evidenza tas-sostenibbiltà tal-attivitajiet ippjanati tas-sajd, abbażi ta':

— valutazzjoni xjentifika mogħtija mill-pajjiż terz u/jew minn RFMO ***u/jew minn korp reġjonali tas-sajd b'kompetenza xjentifika rikonoxxuta mill-Kummissjoni***; kif ukoll

— ***fil-każ ta' evalwazzjoni mill-pajjiż terz,*** eżami ta' din tal-aħħar mill-Istat Membru tal-bandiera abbażi tal-valutazzjoni tal-istitut xjentifiku nazzjonali tiegħu ***jew, kif xieraq, l-istitut xjentifiku ta' Stat Membru b'kompetenza fis-sajd rilevanti***;

— ~~kopja tal-leġiżlazzjoni tas-sajd tal-pajjiż terz;~~

(iv) uffiċjal maħtur, in-numru tal-kont tal-bank pubbliku għall-ħlas tal-miżati kollha; kif ukoll

(d) fil-każ li l-attivitajiet tas-sajd iridu jitwettqu fuq speċji ġestiti minn RFMO, il-pajjiż terz huwa parti kontraenti jew parti mhux kontraenti kooperanti ta' dik l-organizzazzjoni. **[Em. 49]**

Artikolu 19

Ġestjoni tal-awtorizzazzjonijiet diretti

1. Ġaladarba jkun ~~ħareġ awtorizzazzjoni tas-sajd~~***stabbilixxa l-konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 18***, l-Istat Membru tal-bandiera għandu jibgħat lill-Kummissjoni l-informazzjoni rilevanti elenkata ~~fl-Annessi 1 u 2~~***fl-Anness***, u fl-Artikolu 18.

2. ~~Jekk il-Kummissjoni ma tkunx talbet~~***Il-Kummissjoni għandha tagħmel eżami preliminari*** tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1. ***Hija tista' titlob*** aktar informazzjoni jew ġustifikazzjoni ***fir-rigward*** tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1fi żmien ***perjodu ta'*** 15-il jum ~~kalendarju mit-trażmissjoni~~, ~~l-Istat Membru tal-bandiera għandu jinforma lill-operatur li jista' jibda l-attivitajiet tas-sajd inkwistjoni, sakemm ikun ingħata l-awtorizzazzjoni diretta mill-pajjiż terz ukoll.~~

3. Jekk, wara t-talba għal aktar informazzjoni jew ġustifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni ssib li l-kundizzjonijiet fl-Artikolu 18 ma jkunux sodisfatti, tista' toġġezzjona għall-għoti tal-awtorizzazzjoni tas-sajd fi żmien ~~xahrejn~~ ***xahar*** minn meta tirċievi ***inizjalment*** l-informazzjoni kollha meħtieġa jew ġustifikazzjoni.

3a. Minkejja l-paragrafi 1 sa 3 ta' dan l-Artikolu, jekk awtorizzazzjoni tas-sajd se tiġġedded fi żmien perjodu ta' mhux iktar minn sentejn mill-ħruġ tal-ewwel awtorizzazzjoni fuq l-istess termini u kundizzjonijiet kif ġew miftiehma fl-awtorizzazzjoni inizjali, l-Istat Membru jista' joħroġ l-awtorizzazzjoni direttament ladarba jkun stabbilixxa l-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 18 u għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar dan mingħajr dewmien. Il-Kummissjoni għandu jkollha 15-il jum biex toġġezzjona skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 7.

4. Jekk pajjiż terz jinforma lill-Kummissjoni li ddeċieda li joħroġ, jirrifjuta, jissospendi jew jirtira awtorizzazzjoni diretta għal bastiment tas-sajd tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tinforma ***immedjatament*** lill-Istat Membru tal-bandiera b'dan***, li għandhom jinformaw lill-proprjetarju tal-bastiment***.

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

5. Jekk pajjiż terz jinforma lill-Istat Membru tal-bandiera li ddeċieda li joħroġ, jirrifjuta, jissospendi jew jirtira awtorizzazzjoni diretta għal bastiment tas-sajd tal-Unjoni, l-Istat Membru tal-bandiera għandu jinforma ***immedjatament*** lill-Kummissjoni ***u lill-propretarju tal-bastiment*** b'dan.

6. Operatur għandu jipprovdi lill-Istat Membru tal-bandiera b'kopja tal-kundizzjonijiet finali miftiehem bejnu u l-pajjiż terz, inkluża kopja tal-awtorizzazzjoni diretta. **[Em. 50]**

Kapitolu III

Attivitajiet tas-sajd mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni taħt l-awspiċi tal-RFMOs

Artikolu 20

Kamp ta' applikazzjoni

Dan il-Kapitolu għandu japplika għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fuq stokkijiet taħt l-awspiċi ta' RFMO, fl-ilmijiet tal-Unjoni, fl-inħra miftuħa u f'ilmijiet ta' pajjiżi terzi.

Artikolu 20a

L-applikazzjoni tal-impenji internazzjonali tal-Unjoni fl-RFMOs

Sabiex tapplika l-impenji internazzjonali tal-Unjoni fl-RFMOs u skont l-objettivi msemmija fl-Artikolu 28 tar-Regolament Bażiku, l-Unjoni għandha tinkoraġġixxi valutazzjonijiet perjodiċi tal-prestazzjoni minn korpi indipendenti, u għandu jkollha rwol attiv fil-ħolqien u t-tishih ta' kumitati ta' implimentazzjoni fl-RFMOs kollha li għalihom hija parti kontraenti. B'mod partikolari għandu jiġi żgurat li dawk il-kumitati ta' implimentazzjoni jwettqu s-superviżjoni ġenerali tal-implimentazzjoni tal-implimentazzjoni tal-politika esterna tas-sajd u tal-miżuri deċiżi fil-qafas tal-RFMO. **[Em. 51]**

Artikolu 21

Awtorizzazzjoni tas-sajd

Bastiment tas-sajd tal-Unjoni ma jistgħux iwettqu attivitajiet tas-sajd fuq stokkijiet li huma ġestiti minn RFMO sakemm:

(-a) l-Unjoni hija parti kontraenti għall-RFMO; **[Em. 52]**

(a) ma jkunx ingħata awtorizzazzjoni tas-sajd mill-Istat Membru tal-bandiera tiegħu;

(b) ma jkunx ġie inkluż fir-reġistru jew il-lista rilevanti ***tal-bastimenti awtorizzati*** tal-RFMO; kif ukoll **[Em. 53]**

(c) fejn l-attivitajiet tas-sajd jitwettqu fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi: ikun ingħata awtorizzazzjoni tas-sajd mill-pajjiżi terzi rilevanti f'konformità mal-Kapitolu II.

Artikolu 22

Kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet tas-sajd mill-Istat Membru tal-bandiera

Stat Membru tal-bandiera jista' joħroġ awtorizzazzjoni tas-sajd biss jekk:

(a) il-kriterji ta' eliġibbiltà fl-Artikolu 5 huma ssodisfati;

(b) ir-regoli stabbiliti mill-RFMO jew il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tat-traspożizzjoni jiġu rispettati; kif ukoll

(c) fejn l-attivitajiet tas-sajd jitwettqu fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi: il-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 11 jew 18 huma rrispettati.

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

Artikolu 23

Reġistrazzjoni minn RFMOs

1. Stat Membru tal-bandiera għandu jibgħat lill-Kummissjoni lista/i ta' bastimenti ***tas-sajd kif definita fir-Regolament Bażiku li huma attivi u, fejn applikabbli, għandu jkollu reġistru assoċjat tal-qabdiet,*** li jkun awtorizza għal attivitajiet tas-sajd taħt l-awspiċi ta' RFMO.

2. Il-lista/i msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jitfasslu f'konformità ma' ħtiġiet ta' RFMO u akkumpanjati mill-informazzjoni ~~fl-Annessi 1 u 2~~***fl-Anness***.

3. Il-Kummissjoni tista' titlob kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li jidhrilha li hi meħtieġa mill-Istat Membru tal-bandiera ***fi żmien 10 ijiem wara li tirċievi l-lista msemmija fil-paragrafu 1. Hija għandha tipprovdi ġustifikazzjoni għal kull talba bħal din.***

4. Meta tkun sodisfatta li l-kundizzjonijiet fl-Artikolu 22 huma ssodisfati***, u fi żmien perjodu ta' 15-il jum wara li tirċievi l-lista msemmija fil-paragrafu 1***, il-Kummissjoni għandha tibgħat il-lista/i ta' bastimenti awtorizzati lill-RFMO.

5. Jekk ir-reġistru jew il-lista tal-RFMO ma jkunux pubbliċi, il-Kummissjoni għandha ~~tinnotifika lill-Istat Membru tal-bandiera bil-bastimenti inklużi fihom~~ ***tgħaddi l-lista ta' bastimenti awtorizzati lill-Istati Membri involuti fis-sajd rilevanti***. **[Em. 54]**

Kapitolu IV

Attivitajiet tas-sajd minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-ibħra miftuħa

Artikolu 24

Kamp ta' applikazzjoni

Dan il-Kapitolu għandu japplika għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa fl-ibħra miftuħa ~~miftuħa minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul totali ta' aktar minn 24-il metru~~. **[Em. 55]**

Artikolu 25

Awtorizzazzjoni tas-sajd

Bastiment tas-sajd tal-Unjoni ma jistax iwettaq attivitajiet tas-sajd f'ibħra internazzjonali sakemm:

(a) ma jkunx ingħata awtorizzazzjoni tas-sajd mill-Istat Membru tal-bandiera ***ta' dak il-bastiment abbażi ta' evalwazzjoni xjentifika li tivvaluta s-sostenibbiltà tal-attivitajiet proposti ta' sajd li tkun ġiet ivvalidata mill-istitut xjentifiku nazzjonali*** tiegħu ***jew, kif xieraq, l-istitut xjentifiku ta' Stat Membru b'kompetenza fis-sajd rilevanti***; kif ukoll **[Em. 56]**

(b) l-awtorizzazzjoni tas-sajd tkun ġiet notifikata lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 27.

Artikolu 26

Kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet tas-sajd mill-Istat Membru tal-bandiera

Stat Membru tal-bandiera jista' ***biss*** joħroġ awtorizzazzjoni tas-sajd biss għal attivitajiet tas-sajd fl-ibħra miftuħa jekk:

(a) il-kriterji ta' eliġibbiltà fl-Artikolu 5 huma sodisfatti;

(b) l-attivitajiet tas-sajd ippjanati huma:

— ***ibbażati fuq approċċ imsejjes fuq l-ekosistemi għall-ġestjoni tas-sajd, kif definit fil-punt 9 tal-Artikolu 4 tar-Regolament Bażiku; kif ukoll***

— ***skont evalwazzjoni xjentifika, li tqis il-konservazzjoni tar-riżorsi ħajjin tal-baħar u l-ekosistemi tal-baħar, ipprovduta mill-istitut xjentifiku nazzjonali tal-Istat Membru tal-bandiera.*** *[Em. 57]*

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

Artikolu 27

Notifika lill-Kummissjoni

L-Istat Membru tal-bandiera għandu jinnotifika l-awtorizzazzjoni tas-sajd lill-Kummissjoni mill-inqas ~~15-il jum~~***8,5 jiem*** kalendarju qabel ma jibdew l-attivitajiet ippjanati tas-sajd fl-ibħra miftuħa, u jipprovdi l-informazzjoni ~~fl-Annessi 1 u 2~~***stabbilita fl-Anness***. **[Em. 58]**

Kapitolu V

Kiri (chartering) ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni

Artikolu 28

Prinċipji

1. Bastiment tas-sajd tal-Unjoni ma ~~jistgħux~~ ***jistax iwettaq*** attivitajiet tas-sajd taħt arranġamenti ta' kiri (chartering) fejn ikun fis-seħħ ftehim ta' SFPA~~, sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-ftehim~~.

2. Bastiment tal-Unjoni li ma jistax iwettaq attivitajiet tas-sajd taħt aktar minn arranġament wieħed ta' kiri (chartering) fl-istess żmien jew jieħu sehem f'kiri sekondarju (sub-chartering).

2a. Il-bastimenti tal-Unjoni għandhom joperaw taħt ftehimiet ta' kiri f'ilmijiet taħt l-awspiċi ta' RFMO unikament jekk l-Istat fejn il-bastiment ikun mikri jkun parti kontraenti għal dik l-organizzazzjoni.

3. Bastiment mikri (chartered) tal-Unjoni ma jistax juża l-opportunitajiet tas-sajd tal-Istat Membru tal-bandiera tiegħu ***matul il-perjodu tal-Karta***. Il-qabdiet ta' bastiment mikri (chartered) għandhom jingħaddu mal-opportunitjiet tas-sajd tal-Istat kerrej (chartering).

3a. Xejn f'dan ir-Regolament ma għandu jnaqqas ir-responsabbiltajiet tal-Istat Membru tal-bandiera fir-rigward tal-obbligi tiegħu skont id-dritt internazzjonali, ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009, ir-Regolament (KE) Nru 1005/2008 jew dispożizzjonijiet oħra tal-Politika Komuni tas-Sajd, inklużi rekwiżiti ta' rappurtar. **[Em. 59]**

Artikolu 29

Il-ġestjoni tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd taħt ftehim ta' kiri (chartering)

Meta joħorġu awtorizzazzjoni tas-sajd għal bastiment skont l-Artikoli 11, 18, 22 jew 26, u meta l-attivitajiet tas-sajd rilevanti jitwettqu taħt arranġament ta' kiri (chartering), l-Istat Membru tal-bandiera għandu jivverifika li:

(a) l-awtorità kompetenti tal-Istat kerrej (chartering) tkun ikkonfermata uffiċjalment li l-arranġament huwa f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu; kif ukoll

(b) ~~il-ftehim ta'~~ ***id-dettalji tal-ftehim ta'*** kiri (chartering) ~~huwa speċifikata fl-awtorizzazzjoni~~ ***huma speċifikati fl-awtorizzazzjoni tas-sajd inklużi l-perjodu taż-żmien, l-opportunitajiet tas-sajd u ż-żona*** tas-sajd. **[Em. 60]**

Kapitolu VI

Obbligi ta' kontroll u rappurtar

Artikolu 30

Dejta tal-programm ta' osservatur

Jekk id-dejta tingħabar abbord bastiment tas-sajd tal-Unjoni taħt programm ta' osservazzjoni ***f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew tal-RFMO***, l-operatur ta' dak il-bastiment għandu jibgħat dik l-informazzjoni lill-Istat Membru tal-bandiera tiegħu. **[Em. 61]**

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

Artikolu 31

Informazzjoni lil pajjiżi terzi

1. Meta jkun qed iwettaq attivitajiet tas-sajd taħt dan it-Titolu, ~~u jekk il-ftehim ta' sħubija tas-sajd sostenibbli mal-pajjiżi terzi jipprevedi hekk,~~ operatur ta' bastiment tas-sajd tal-Unjoni għandu jibgħat ~~d-dikjarazzjonijiet~~***id-dikjarazzjonijiet*** tal-qabdiet rilevanti u d-dikjarazzjonijiet tal-ħatt l-art ~~lill-pajjiż terz, u jibgħat~~ ***kemm*** lill-Istat Membru tal-bandiera tiegħu ~~kopja ta' dik il-komunikazzjoni~~***u kemm lill-pajjiż terz***.

2. L-Istat Membru tal-bandiera għandu jivvaluta l-konsistenza tad-dejta mibgħuta lill-pajjiż terz, kif imsemmi fil-paragrafu 1, bid-dejta li jkun irċeva f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1224/2009. ***F'każ ta' inkonsistenza tad-dejta, l-Istat Membru għandu jinvestiga jekk tali inkonsistenza tikkostitwixxix sajd IUU skont it-tifsira tal-punt (b) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 u jieħu azzjoni xierqa, skont l-Artikoli 43 sa 47 ta' dak ir-Regolament.***

3. In-nuqqas ta' trażmissjoni ta' dikjarazzjonijiet tal-qabdiet u tad-dikjarazzjonijiet tal-ħatt l-art lill-pajjiż terz imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jitqies bħala ksur serju għall-fini tal-applikazzjoni tas-sanzjonijiet u ta' miżuri oħra previsti mill-politika komuni tas-sajd. Il-gravità tal-ksur għandha tkun deċiża mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru, u għandhom jitqiesu kriterji bħalma huma n-natura tal-ħsara, il-valur tagħha, is-sitwazzjoni ekonomika tal-awtur tal-ksur u l-livell tal-ksur jew ir-ripetizzjoni tiegħu. **[Em. 62]**

Artikolu 31a

Rekwiżiti tas-sħubija fl-RFMO

Bastiment tas-sajd ta' pajjiż terz jista' jwettaq attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-Unjoni fuq stokkijiet li huma ġestiti minn RFMO biss jekk il-pajjiż terz huwa parti kontraenti f'dik l-RFMO. **[Em. 63]**

TITOLU III

ATTIVITAJIET TAS-SAJD MINN BASTIMENTI TAS-SAJD TA' PAJJIŻ TERZ FL-ILMIJIET TAL-UNJONI

Artikolu 32

Prinċipji ġenerali

1. Bastiment tas-sajd ta' pajjiż terz ma jistax jipparteċipaw f'attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-Unjoni sakemm ma tkunx inħarġitlu awtorizzazzjoni tas-sajd mill-Kummissjoni. ***Għandu jinħareġ biss tali awtorizzazzjoni jekk jissodisfa l-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 5.*** **[Em. 64]**

2. Bastiment ~~tas-sajd~~ ta' pajjiż terz awtorizzat li jistad fl-ilmijiet tal-Unjoni għandu jikkonforma mar-regoli li jirregolaw l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd li fiha ***hija*** topera~~, u d-dispożizzjonijiet~~***. Jekk id-dispożizzjonijiet*** stabbiliti fil-ftehim tas-sajd rilevanti ***jkunu differenti, id-dispożizzjonijiet għandhom ikunu ddikjarati b'mod espliċitu f'dan il-ftehim jew permezz ta' regoli maqbula mal-pajjiż terz li jimplimenta l-ftehim***. **[Em. 65]**

3. Jekk bastiment tas-sajd ta' pajjiż terz ikun qed ibaħħar fl-ilmijiet tal-Unjoni mingħajr awtorizzazzjoni maħruġa skont dan ir-Regolament, l-irkaptu tas-sajd tiegħu għandu jintrabat u jiġi stivat sabiex ma jkunx jista' jintuża faċilment f'operazzjonijiet tas-sajd.

Artikolu 33

Il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet tas-sajd

Il-Kummissjoni tista' toħroġ biss awtorizzazzjoni għal bastiment tas-sajd ta' pajjiż terz għal attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet fl-ilmijiet tal-Unjoni jekk:

(-a) hemm eċċess tal-qabda permissibbli li jkopri l-opportunitajiet tas-sajd proposti kif meħtieġ skont l-Artikolu 62(2) u (3) tal-UNCLOS;

(a) l-informazzjoni ~~fl-Annessi 1 u 2~~ ***fl-Anness*** dwar il-bastiment tas-sajd u l-bastiment(i) ta' appoġġ assoċjat(i) hija sħiħa u preċiża; il-bastiment u kwalunkwe bastiment(i) ta' appoġġ assoċċjat(i) ikollhom numru tal-OMI ***meta jkun meħtieġ skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni***;

(b) ~~l-operatur u l-bastiment~~ ***il-kaptan tal-bastiment tas-sajd, kif ukoll il-bastiment*** tas-sajd ***ikkonċernat*** ma jkunux ġew soġġetti għal sanzjoni għal ksur serju ~~f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru skont l-Artikolu 42 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 u l-Artikolu 90 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009~~***ikkonċernat,*** matul it-12-il xahar ta' qabel l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tas-sajd;

(c) il-bastiment tas-sajd mhux fuq xi lista ***ta' bastimenti*** IUU ***adottata minn pajjiż terz, RFMO jew mill-Unjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1005/2008*** u/jew il-pajjiż terz mhuwiex identifikat jew elenkat bħala pajjiż terz li ma jikkooperax skont ir-Regolament (KE) Nru 1005/2008 jew bħala li jippermetti sajd mhux sostenibbli skont ir-Regolament (UE) Nru 1026/2012;

(d) il-bastiment tas-sajd huwa eliġibbli taħt il-ftehim tas-sajd mal-pajjiż terz ikkonċernat u, fejn xieraq, ~~qed~~ ***qiegħed*** fuq il-lista ta' bastimenti taħt dak il-ftehim. **[Em. 66]**

Artikolu 34

Proċedura għall-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd

1. Il-pajjiż terz għandu jibgħat lill-Kummissjoni l-applikazzjonijiet għall-bastimenti tas-sajd tiegħu qabel l-iskadenza stabbilita fil-ftehim ikkonċernat jew dak stabbilit mill-Kummissjoni.

2. Il-Kummissjoni tista' titlob lill-pajjiż terz għal kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li tqis meħtieġa.

3. Meta tkun sodisfatta li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 33 intlaħqu, il-Kummissjoni għandha toħroġ awtorizzazzjoni tas-sajd u tinforma lill-pajjiż terz u lill-Istati Membri konċernati b'din.

Artikolu 35

Is-sorveljanza tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd

1. Jekk kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 33 ma tkunx għadha ssodisfata, il-Kummissjoni għandha temenda jew tirtira l-awtorizzazzjoni u tinforma lill-pajjiż terz u lill-Istati Membri konċernati b'dan.

2. Il-Kummissjoni tista' tirrifjuta, tissospendi jew tirtira l-awtorizzazzjoni f'każijiet ~~fejn tkun sehhet bidla fundamentali fiċ-ċirkostanzi jew f'każijiet fejn raġunijiet prevalenti ta' politika~~

(a) relatati, fost l-oħrajn, mal-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem;

(b) ta' raġunijiet imperattivi ta' urġenza relatati ma' theddida serja għall-isfruttar sostenibbli, il-ġestjoni u l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar;

(c) ~~jew mal-ġlieda kontra~~***fejn hija meħtieġa azzjoni biex tipprevjeni ksur serju skont l-Artikolu 42 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 u l-Artikolu 90(1) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, dwar*** sajd illegali, mhux irrappurtat jew mhux irregolat***; jew***

(d) ~~jitolbu tali azzjoni jew f'każijiet~~ fejn, għal tali jew kwalunkwe raġuni oħra prevalenti ta' politika l-Unjoni ddeċidiet li tissospendi jew taqta' r-relazzjonijiet mal-pajjiż terz ikkonċernat.

Il-Kummissjoni għandha tinforma immedjatament lill-pajjiż terz fil-każ li tirrifjuta, tissospendi jew tirtira l-awtorizzazzjoni f'konformità mal-ewwel subparagrafu. **[Em. 67]**

Artikolu 36

Għeluq tal-attivitajiet tas-sajd

1. Meta l-opportunitajiet tas-sajd mogħtija lil pajjiż terz jitqiesu li ġew eżawriti, il-Kummissjoni għandha immedjatament tinnotifika lill-pajjiż terz ikkonċernat u lill-awtoritàjiet kompetenti ta' spezzjoni tal-Istati Membri b'dan. Sabiex ikun jista' jsir sajd kontinwu ta' opportunitajiet tas-sajd mhux eżawriti, li jistgħu jaffettwaw ukoll l-opportunitajiet eżawriti, il-pajjiż terz

għandu jippreżenta lill-Kummissjoni l-miżuri tekniċi li jipprevjenu kull impatt negattiv fuq l-opportunitajiet tas-sajd eżawriti. Mid-data tan-notifika msemmija fil-paragrafu 1, l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd maħruġa għal bastimenti li jtajru l-bandiera ta' dak il-pajjiż terz għandhom jitqiesu sospiżi għall-attivitajiet tas-sajd ikkonċernati u l-bastimenti ma għandhomx jibqgħu awtorizzati biex jipparteċipaw f'dawk l-attivitajiet tas-sajd.

2. L-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għandhom jitqiesu meta sospensjoni ta' attivitajiet tas-sajd f'konformità mal-paragrafu 2 tikkonċerna l-attivitajiet kollha li jkunu ngħataw għalihom.

3. Il-pajjiż terz għandu jiżgura li l-bastimenti tas-sajd ikkonċernati jiġu infurmati minnufih li qed jiġi applikat dan l-Artikolu u li huma jwaqqfu l-attivitajiet tas-sajd kollha kkonċernati.

Artikolu 37

Sajd żejjed tal-kwoti f'ilmijiet tal-Unjoni

1. Meta l-Kummissjoni tistabbilixxi li pajjiż terz ikun qabeż il-kwoti li jkun ġie allokat għal stokk jew grupp ta' stokkijiet, il-Kummissjoni għandha tagħmel tnaqqis mill-kwoti allokati lil dak il-pajjiż għal dak l-istokk jew grupp ta' stokkijiet fis-snin sussegwenti. ***L-ammont tat-tnaqqis għandu jkun konsistenti mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 105 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.*** **[Em. 68]**

2. Jekk tnaqqis skont il-paragrafi 1ma jistax jiġi magħmul fuq il-kwota għal stokk jew grupp ta' stokkijiet li kien mistad iżżejjed minħabba li dik il-kwota għal stokk jew grupp ta' stokkijiet ma tkunx disponibbli biżżejjed għall-pajjiż terz ikkonċernat, il-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Istat Membru kkonċernat, tista' tnaqqas il-kwoti, fis-snin ta' wara għal stokkijiet jew gruppi ta' stokkijiet oħra disponibbli għal dak il-pajjiż terz fl-istess żona ġeografika, jew għall-valur kummerċjali korrispondenti.

Artikolu 38

Kontroll u infurzar

1. Bastiment ta' pajjiż terz awtorizzat li jistad fl-ilmijiet tal-Unjoni għandu jikkonforma mar-regoli ta' kontroll li jirregolaw l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd li fiha hija jopera.

2. Bastiment ta' pajjiż terz awtorizzat li jistad fl-ilmijiet tal-Unjoni għandu jipprovdi lill-Kummissjoni jew lill-entità nnominata minnha u, fejn rilevanti, lill-Istat Membru kostali, id-dejta li bastimenti tal-Unjoni huma meħtieġa jibagħtu lill-Istat Membru tal-bandiera skont ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

3. Il-Kummissjoni, jew il-korp maħtur minnha, għandhom jibagħtu d-dejta msemmija fil-paragrafu 2 lill-Istat Membru kostali.

4. Bastiment ta' pajjiż terz awtorizzat li jistad fl-ilmijiet tal-Unjoni għandu jipprovdi, fuq talba lill-Kummissjoni jew lill-korp maħtur minnha, ir-rapporti tal-osservaturi prodotti taħt programmi ta' osservatur applikabbli.

5. Stat Membru kostali għandu jirreġistra kull ksur imwettaq minn bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi, inklużi s-sanzjonijiet relatati, fir-reġistru nazzjonali previst fl-Artikolu 93 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

6. Il-Kummissjoni għandha tibgħat l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 5 lill-pajjiż terz biex jiżgura li jittieħdu miżuri xierqa mill-pajjiż terz.

Il-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-konsultazzjonijiet bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 44, biex timplimenta fil-liġi tal-Unjoni r-riżultat ta' konsultazzjonijiet ma' pajjiżi terzi f'dak li għandu x'jaqsam ma' arranġamenti ta' aċċess.

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

TITOLU IV

DEJTA U INFORMAZZJONI

Artikolu 39

Reġistru ta' awtorizzazzjoni ta' sajd tal-Unjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm aġġornat reġistru elettroniku ta' awtorizzazzjoni tas-sajd tal-Unjoni ***li jkun fih l-awtorizzazzjonijiet kollha tas-sajd mogħtija skont it-Titolu II u t-Titolu III***, magħmul minn parti pubblika u parti sikura. Dak ir-reġistru għandu:

(a) jirreġistra l-informazzjoni kollha ~~fl-Annessi 1 u 2~~ ***stabbilita fl-Anness*** u juri l-istatus ta' kull awtorizzazzjoni f'ħin reali;

(b) jintuża għall-iskambju ta' dejta u ta' informazzjoni bejn il-Kummissjoni u Stat Membru; kif ukoll

(c) jintuża għall-finijiet ta' ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd biss.

2. Il-lista ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd fir-reġistru għandha tkun pubblikament aċċessibbli u għandu jkun fiha l-informazzjoni kollha li ġejja:

(a) l-isem u l-bandiera tal-bastiment ***u n-numru CFR u IMO fejn meħtieġ skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni***;

(aa) l-isem, il-belt u l-pajjiż ta' residenza tal-kumpanija proprjetarja u tas-sid benefiċjarju;

(b) it-tip ta' awtorizzazzjoni***, inklużi l-opportunitajiet tas-sajd***; kif ukoll

(c) żona u ħin permessi tal-attività tas-sajd (dati tal-bidu u tat-tmiem; iż-żona tas-sajd).

3. Stat Membru għandu juża r-reġistru biex iressaq l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd lill-Kummissjoni u biex iżżomm id-dettalji aġġornati, kif rikjest mill-Artikoli 12, 19, 23 u 27. **[Em. 69]**

Artikolu 40

Rekwiżiti tekniċi

L-iskambju ta' informazzjoni msemmija fit-Titoli II, III u IV għandu jitwettaq f'format elettroniku. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), li jistabbilixxu rekwiżiti operattivi tekniċi għar-reġistrar, l-ifformattjar u t-trażmissjoni tal-informazzjoni msemmija f'dawk it-Titoli. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 45(2).

Biex isir operazzjonali reġistru tal-awtorizzazzjoni tas-sajd tal-Unjoni u biex jiġi permess lil dawn l-Istati Membri li jilħqu r-rekwiżiti ta' trażmissjoni teknika, il-Kummissjoni għandha tipprovdi assistenza teknika lill-Istati Membri kkonċernati. Għal dan l-għan, hija għandha tgħin lill-awtoritajiet nazzjonali jibagħtu l-informazzjoni li l-operaturi huma mitluba jipprovdu għal kull tip ta' awtorizzazzjoni u, sa… [sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], tiżviluppa applikazzjoni tal-IT biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jittrasferixxu lejn ir-reġistru tal-awtorizzazzjoni tas-sajd tal-Unjoni b'mod awtomatiku u f'ħin reali informazzjoni dwar l-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjonijiet u l-karatteristiċi tal-bastimenti. **[Em. 70]**

([1]) Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (Inspire) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

Għal appoġġ tekniku u finanzjarju għat-trasferiment tal-informazzjoni, l-Istati Membri jistgħu jużaw l-għajnuna finanzjarja mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 76(2) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1]**. [Em. 71]**

Artikolu 41

Aċċess għad-dejta

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 110 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, l-Istati Membri jew il-Kummissjoni għandhom jagħtu aċċess għall-parti sikura tar-reġistru tal-awtorizzazzjoni tas-sajd tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 39 tas-servizzi amministrattivi kompetenti rilevanti involuti fil-ġestjoni tal-flotot tas-sajd.

Artikolu 42

Ġestjoni tad-dejta, ħarsien tad-dejta personali u kunfidenzjalità

Id-dejta miksuba taħt dan ir-Regolament għandha tiġi ttrattata f'konformità mal-Artikoli 109, 110, 111, u 113 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Direttiva 95/46/KE u r-regoli ta' implimentazzjoni nazzjonali tagħha.

Artikolu 43

Relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi u RFMOs

1. Meta Stat Membru jirċievi informazzjoni minn pajjiż terz jew RFMO li hija rilevanti għall-applikazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament, dan għandu jikkomunika dik l-informazzjoni lill-Istati Membri l-oħra kkonċernati u lill-Kummissjoni jew lill-korp maħtur minnha, sakemm jitħalla jagħmel dan mill-ftehim bilaterali ma' dak il-pajjiż terz jew mir-regoli tal-RFMO kkonċernata.

2. Il-Kummissjoni jew il-korp maħtur minnha, tista', fil-qafas ta' ftehimiet dwar is-sajd konklużi bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi, taħt l-awspiċi tal-RFMOs jew organizzazzjonijiet simili tas-sajd li l-Unjoni hija parti kontraenti jew parti kooperanti mhux kontraenti tagħhom, tikkomunika l-informazzjoni rilevanti dwar nuqqas ta' konformità mar-regoli ta' dan ir-Regolament, jew infrazzjonijiet serji msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 u fl-Artikolu 90(1) tar- Regolament (KE) Nru 1224/2009, lil partijiet oħra għal dawk il-ftehimiet jew organizzazzjonijiet soġġett għall-kunsens tal-Istat Membru li forna l-informazzjoni u f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 45/2001. **[Em. 72]**

TITOLU V

PROĊEDURI, DELEGA U IMPLIMENTAZZJONI TAL-MIŻURI

Artikolu 44

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati tingħata lill-Kummissjoni soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti ddelegati msemmijin fl-Artikolu 5(2) għandha tiġi kkonferita lill-Kummissjoni ***għal perjodu ta' ħames snin minn… [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu***. **[Em. 73]**

---

[1] ***Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 (UE) u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 149, 20.5.2014, p. 1).***

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 5(2) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

3a. Qabel ma' tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti innominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att iddelegat adottat skont l-Artikolu 5(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni jew mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jagħlaq dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 45

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura stabbilit skont l-Artikolu 47 tar-Regolament Bażiku. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fit-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 8 flimkien mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

TITOLU VI

DISPOSIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 46

Tħassir

1. Ir-Regolament (KE) Nru 1006/2008 huwa mħassar.

2. Referenzi għar-Regolament li ġie mħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 47

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum mill-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi …,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

~~Anness 1~~

~~Lista tal-informazzjoni li għandha tingħata għall-ħruġ ta' awtorizzazzjoni tas-sajd~~

~~I~~	~~APPLIKANT~~
~~1~~	~~Isem l-operatur ekonomiku (*)~~
~~2~~	~~Posta elettronika (*)~~
~~3~~	~~Indirizz~~
~~4~~	~~Faks~~
~~5~~	~~Numru tat-taxxa (SIRET, NIF…) (*)~~
~~6~~	~~Telefon~~
~~7~~	~~Isem l-aġent (skont id-dispożizzjonijiet tal-protokoll) (*)~~
~~8~~	~~Posta elettronika (*)~~
~~9~~	~~Indirizz~~
~~10~~	~~Faks~~
~~11~~	~~Telefon~~
~~12~~	~~Isem l-assoċjazzjoni jew l-aġent li jirrappreżenta lill-operatur ekonomiku (*)~~
~~13~~	~~Posta elettronika (*)~~
~~14~~	~~Indirizz~~
~~15~~	~~Faks~~
~~16~~	~~Telefon~~
~~17~~	~~Ismijiet tal-kaptani (*)~~
~~18~~	~~Posta elettronika (*)~~
~~19~~	~~Nazzjonalità (*)~~
~~20~~	~~Faks~~
~~21~~	~~Telefon~~

~~II~~	~~IDENTIFIKAZZJONI TAL-BASTIMENT, KARATTERISTIĊI TEKNIĊI U TAGĦMIR TAL-BASTIMENT~~
~~22~~	~~Isem il-bastiment (*)~~
~~23~~	~~Stat tal-Bandiera (*)~~

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

~~II~~	~~IDENTIFIKAZZJONI TAL-BASTIMENT, KARATTERISTIĊI TEKNIĊI U TAGĦMIR TAL-BASTIMENT~~
~~24~~	~~Data meta nkisbet il-bandiera attwali (*)~~
~~25~~	~~Immarkar estern (*)~~
~~26~~	~~Numru OMI (UVI) (*)~~
~~27~~	~~Numru CFR (*)~~
~~28~~	~~Sinjal internazzjonali tas-sejħa bir-radju (IRCS) (*)~~
~~29~~	~~Frekwenza tas-sejħa (*)~~
~~30~~	~~Numru tat-telefon bis-satellita~~
~~31~~	~~MMSI (*)~~
~~32~~	~~Sena u post tal kostruzzjoni (*)~~
~~33~~	~~Bandiera preċedenti u data tal akkwist (fejn applikabbli) (*)~~
~~34~~	~~Materjal tal-buq: azzar / injam / poliesteru / oħrajn (*)~~
~~35~~	~~Transponder tal-VMS (*)~~
~~36~~	~~Mudell (*)~~
~~37~~	~~Numru tas-serje (*)~~
~~38~~	~~Verżjoni tas-softwer (*)~~
~~39~~	~~Operatur tas-satellita (*)~~
~~40~~	~~Manifattur tal-VMS (l-isem)~~
~~41~~	~~Tul totali tal-bastiment (*)~~
~~42~~	~~Wisa' tal-bastiment (*)~~
~~43~~	~~Pixka (*)~~
~~44~~	~~Tunnellaġġ (ITC) (*)~~
~~45~~	~~Qawwa tal-Magna Ewlenija (kW) (*)~~
~~46~~	~~Tip ta' magna~~
~~47~~	~~Marka~~
~~48~~	~~Numru tas-serje tal-magna (*)~~

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

~~III~~	~~KATEGORIJA TAS-SAJD LI GĦALIHA HIJA MITLUBA AWTORIZZAZZJONI TAS-SAJD~~
~~49~~	~~Tip ta' bastiment (kodiċi FAO) (*)~~
~~50~~	~~Tip ta' tagħmir (kodiċi FAO) (*)~~
~~53~~	~~Żoni tas-Sajd (kodiċi FAO) (*)~~
~~54~~	~~Diviżjonijiet tas-Sajd — FAO jew l-Istat Kostali (*)~~
~~55~~	~~Portijiet tal-ħatt l-art~~
~~56~~	~~Portijiet tat-trażbord~~
~~57~~	~~Kodiċi tal-FAO tal-ispeċijiet fil-mira jew Kategorija tas-sajd (SFPA) (*)~~
~~58~~	~~Perjodu tal-awtorizzazzjoni mitlub (dati tal-bidu u tat-tmiem)~~
~~59~~	~~Numru tar-reġistru tal-RFMOs (*) (jekk magħruf)~~
~~60~~	~~Data tad-dħul fir-reġistru tal-RFMO (*) (jekk magħrufa)~~
~~61~~	~~Daqs totali massimu tal-membri tal-ekwipaġġ (*):~~
~~62~~	~~Minn [PAJJIŻ SIEĦEB]:~~
~~63~~	~~Mill-ACP:~~
~~64~~	~~Metodu ta' ppreservazzjoni/transformazzjoni tal-ħut abbord (*): Ħut frisk / Tkessiħ / Friżar / Ħut miħun / Żejt/ Iffilitjar~~
~~65~~	~~Lista ta' bastimenti ta' appoġġ: isem / numru OMI / numru CFR~~

~~IV~~	~~KIRI (Chartering)~~
~~66~~	~~Bastiment li qed jopera taħt arranġament ta' kiri (*): Iva / Le~~
~~67~~	~~Tip ta' arranġament ta' kiri~~
~~68~~	~~Perjodu tal-kiri (dati tal-bidu u tat-tmiem) (*)~~
~~69~~	~~Opportunitajiet tas-sajd (tunnellati) allokati lill-bastiment mikri (*)~~
~~70~~	~~Il-pajjiż terz li jalloka l-opportunitajiet tas-sajd lill-bastiment mikri (*)~~

(*) ~~partijiet obbligatorji (għall-punti 22 sa 25 u 28 sa 48, jistgħu ma jimtlewx jekk l-informazzjoni tista' tinsilet awtomatikament mir-reġistru tal-flotta tal-Unjoni bin-numru CFR jew OMI)~~

~~Dokumenti mehmuża (f'lista):~~ **[Em. 74]**

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

~~Anness 2~~

~~Lista ta' informazzjoni li għandha tingħata għall-bastiment ta' appoġġ li jappoġġa l-bastiment tas-sajd deskritt fl-Anness 1~~

~~I~~	~~OPERATUR U BASTIMENT TA' APPOĠĠ~~
~~1~~	~~Isem l-operatur ekonomiku (*)~~
~~2~~	~~Posta elettronika (*)~~
~~3~~	~~Indirizz~~
~~4~~	~~Faks~~
~~5~~	~~Numru tat-taxxa (SIRET, NIF…) (*)~~
~~6~~	~~Telefon~~
~~7~~	~~Isem l-aġent (skont id-dispożizzjonijiet tal-protokoll) (*)~~
~~8~~	~~Posta elettronika (*)~~
~~9~~	~~Indirizz~~
~~10~~	~~Faks~~
~~11~~	~~Telefon~~
~~12~~	~~Isem l-assoċjazzjoni jew l-aġent li jirrappreżenta lill-operatur ekonomiku (*)~~
~~13~~	~~Posta elettronika (*)~~
~~14~~	~~Indirizz~~
~~15~~	~~Faks~~
~~16~~	~~Telefon~~
~~17~~	~~Ismijiet tal-kaptani (*)~~
~~18~~	~~Posta elettronika (*)~~
~~19~~	~~Nazzjonalità (*)~~
~~20~~	~~Faks~~
~~21~~	~~Telefon~~

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

~~II~~	~~IDENTIFIKAZZJONI TAL-BASTIMENT TA' APPOĠĠ, KARATTERISTIĊI TEKNIĊI U TAGĦMIR TAL-BASTIMENT~~
~~22~~	~~Isem il-bastiment (*)~~
~~23~~	~~Stat tal-Bandiera (*)~~
~~24~~	~~Data meta nkisbet il-bandiera attwali (*)~~
~~25~~	~~Immarkar estern (*)~~
~~26~~	~~Numru OMI (UVI) (*)~~
~~27~~	~~Numru CFR (għall-bastimenti tal-Unjoni, jekk magħruf) (*)~~
~~28~~	~~Sinjal internazzjonali tas-sejħa bir-radju (IRCS) (*)~~
~~29~~	~~Frekwenza tas-sejħa (*)~~
~~30~~	~~Numru tat-telefon bis-satellita~~
~~31~~	~~MMSI (*)~~
~~32~~	~~Sena u post tal-kostruzzjoni~~
~~33~~	~~Bandiera preċedenti u data tal-akkwist (fejn applikabbli) (*)~~
~~34~~	~~Materjal tal-buq: azzar / injam / poliesteru / oħrajn~~
~~35~~	~~Transponder tal-VMS~~
~~36~~	~~Mudell~~
~~37~~	~~Numru tas-serje~~
~~38~~	~~Verżjoni tas-softwer~~
~~39~~	~~Operatur tas-satellita~~
~~40~~	~~Manifattur tal-VMS (l-isem)~~
~~41~~	~~Tul totali tal-bastiment~~
~~42~~	~~Wisa' tal-bastiment~~
~~43~~	~~Pixka~~
~~44~~	~~Tunnellaġġ (fGT)~~
~~45~~	~~Qawwa tal-Magna Ewlenija (fkW)~~
~~47~~	~~Tip ta' magna~~
~~48~~	~~Marka~~
~~49~~	~~Numru tas-serje tal-magna~~

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

~~III~~	~~INFORMAZZJONI DWAR L-ATTIVITAJIET TAS-SAJD APPOĠĠATI~~
~~50~~	~~Żoni tas-Sajd (kodiċi FAO)~~
~~51~~	~~Diviżjonijiet tas-sajd — FAO~~
~~52~~	~~speċijiet fil-mira (kodiċi FAO)~~
~~53~~	~~Numru tar-reġistru tal-RFMO (*)~~
~~54~~	~~Data tad-dħul fir-reġistru tal-RFMO~~

(*) ~~partijiet obbligatorji (għall-punti 22 sa 25 u 28 sa 33, jistgħu ma jimtlewx għal bastiment ta' appoġġ b'bandiera mill-Unjoni jekk l-informazzjoni tista' tinsilet awtomatikament mir-reġistru tal-flotta tal-Unjoni bin-numru CFR)~~

~~Dokumenti mehmuża (f'lista):~~

[Em. 75]

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

Anness

Lista tal-informazzjoni li għandha tingħata għall-ħruġ ta' awtorizzazzjoni tas-sajd

I	*APPLIKANT*
1	***Identifikatur tal-bastiment (numru IMO, numru CFR, eċċ.)***
2	***Isem il-bastiment***
3	***Isem l-operatur ekonomiku*** (*)
4	***Posta elettronika*** (*)
5	***Indirizz***
6	***Fax***
7	***Numru tat-taxxa (SIRET, NIF…)*** (*)
8	***In-numru tat-telefown***
9	***Isem is-sid***
10	***Posta elettronika*** (*)
11	***Indirizz***
12	***Fax***
13	***In-numru tat-telefown***
14	***Isem l-assoċjazzjoni jew l-aġent li jirrappreżenta lill-operatur ekonomiku*** (*)
15	***Posta elettronika*** (*)
16	***Indirizz***
17	***Fax***
18	***In-numru tat-telefown***
19	***Isem/ismijiet tal-kaptan/i*** (*)
20	***Posta elettronika*** (*)
21	***Nazzjonalità*** (*)
22	***Fax***
23	***In-numru tat-telefown***

II	***KATEGORIJA TAS-SAJD LI GĦALIHA HIJA MITLUBA AWTORIZZAZZJONI TAS-SAJD***
Tip ta' awtorizzazzjoni (ftehim dwar is-sajd, awtorizzazzjoni diretta, RFMO, ibħra internazzjonali, il-Karta, bastiment ta' appoġġ)	
24	***Tip ta' bastiment (kodiċi FAO)*** (*)
25	***Tip ta' tagħmir (kodiċi FAO)*** (*)
26	***Żoni tas-Sajd (kodiċi FAO)*** (*)
27	***Kodiċi FAO tal-ispeċijiet fil-mira jew Kategorija tas-sajd (SFPA)*** (*)
28	***Perjodu tal-awtorizzazzjoni mitlub (dati tal-bidu u tat-tmiem)***
29	***Numru tar-reġistru tal-RFMOs*** (*)***(jekk magħruf)***
30	***Lista ta' bastimenti ta' appoġġ: isem / numru IMO / numru CFR***

III	***KIRI (Chartering)***
31	***Bastiment li qed jopera taħt arranġament ta' kiri:*** (*) ***Iva / Le***
32	***Tip ta' arranġament ta' kiri***
33	***Perjodu tal-kiri (dati tal-bidu u tat-tmiem)*** (*)
34	***Opportunitajiet tas-sajd (tunnellati) allokati lill-bastiment mikri*** (*)
35	***Il-pajjiż terz li jalloka l-opportunitajiet tas-sajd lill-bastiment mikri*** (*)

(*) ***partijiet obbligatorji (għall-punti 22 sa 25 u 28 sa 48, jistgħu ma jimtlewx jekk l-informazzjoni tista' tinsilet awtomatikament mir-reġistru tal-flotta tal-Unjoni bin-numru CFR jew IMO)***

[Em. 76]

Il-Ħamis 2 ta' Frar 2017

P8_TA(2017)0016

Pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom huma soġġetti għal jew eżenti minn ħtieġa ta' viża: il-Georgia ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Frar 2017 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 539/2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk iċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa (il-Georgia) (COM(2016)0142 – C8-0113/2016 – 2016/0075(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2018/C 252/33)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2016)0142),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 77(2)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0113/2016),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-20 ta' Diċembru 2016, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A8-0260/2016),

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P8_TC1-COD(2016)0075

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-2 ta' Frar 2017 bil-ħsieb li tadotta r-Regolament (UE) Nru …/2017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 539/2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżenti minn dik il-ħtieġa (Georgia)

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġiżlattiv finali, ir-Regolament (UE) 2017/372.)

It-Tlieta 14 ta' Frar 2017

P8_TA(2017)0019

Ftehim ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli bejn l-UE u l-Gżejjer Cook ***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Frar 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (07592/2016 – C8-0431/2016 – 2016/0077(NLE))

(Approvazzjoni)

(2018/C 252/34)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (07592/2016),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (07594/2016),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 43(2) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a)(v), u (7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0431/2016),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva tiegħu tal-14 ta' Frar 2017 ([1]) dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1) u (4), u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp kif ukoll tal-Kumitat għall-Baġits (A8-0010/2017),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Gżejjer Cook.

([1]) Testi adottati, P8_TA(2017)0020.

It-Tlieta 14 ta' Frar 2017

P8_TA(2017)0023

Lista ta' Stati terzi u organizzazzjonijiet li magħhom il-Europol għandu jikkonkludi ftehimiet *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Frar 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill li jemenda d-Deċiżjoni 2009/935/ĠAI fir-rigward tal-lista ta' Stati terzi u organizzazzjonijiet li magħhom il-Europol għandu jikkonkludi ftehimiet (15778/2016 – C8-0007/2017 – 2016/0823(CNS))

(Konsultazzjoni)

(2018/C 252/35)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-abbozz tal-Kunsill (15778/2016),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 39(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, kif emendata bit-Trattat ta' Amsterdam, u l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 36 dwar id-dispożizzjonijiet transitorji, skont liema l-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament (C8-0007/2017),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI tas-6 ta' April 2009 li tistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 26(1)(a) tiegħu, skont liema l-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament (C8-0007/2017),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/934/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 li tadotta r-regoli implimentattivi li jirregolaw ir-relazzjonijiet tal-Europol mal-imsieħba, inkluż l-iskambju ta' data personali u informazzjoni kklassifikata ([2]), b'mod partikolari l-Artikoli 5 u 6 tagħha,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/935/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 li tiddetermina l-lista ta' Stati terzi u organizzazzjonijiet li magħhom l-Europol għandu jikkonkludi ftehimiet ([3]), kif emendati bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/269/UE,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni mill-President tal-Kunsill Ewropew, mill-President tal-Kummissjoni u mill-Prim Ministru tad-Danimarka tal-15 ta' Diċembru 2016, li enfasizzat il-ħtiġijiet operazzjonali, iżda wkoll in-natura eċċezzjonali u tranżitorja, tal-arranġament previst bejn l-Europol u d-Danimarka,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni msemmija hawn fuq, li enfasizzat li l-arranġament previst huwa kundizzjonali fuq is-sħubija kontinwa tad-Danimarka mal-Unjoni u maż-żona Schengen, l-obbligu tad-Danimarka li timplimenta b'mod sħiħ fid-dritt Daniż id-Direttiva (UE) 2016/680 ([4]) dwar il-protezzjoni tad-data fi kwistjonijiet marbuta mal-pulizija sal-1 ta' Mejju 2017 u l-approvazzjoni tad-Danimarka għall-applikazzjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u tal-kompetenza tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data,

— wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 22 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-eżitu r-referendum Daniż tat-3 ta' Diċembru 2015 b'rabta mal-Protokoll Nru 22 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 78c tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0035/2017),

([1]) ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37.
([2]) ĠU L 325, 11.12.2009, p. 6.
([3]) ĠU L 325, 11.12.2009, p. 12.
([4]) Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).

It-Tlieta 14 ta' Frar 2017

1. Japprova l-abbozz tal-Kunsill;

2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda t-test approvat mill-Parlament b'mod sustanzjali;

4. Jistieden lill-Kunsill biex, fi ħdan id-dispożizzjonijiet tal-arranġament futur bejn l-Europol u d-Danimarka, jipprovdi data ta' skadenza ta' ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu, sabiex tiġi żgurata n-natura tranżitorja tiegħu bil-ħsieb ta' sħubija sħiħa jew tal-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali skont l-Artikolu 218 tat-TFUE;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-Europol.

It-Tlieta 14 ta' Frar 2017

P8_TA(2017)0024

Is-soġġettar tas-sustanza psikoattiva ġdida metil-2-[[1-(ċikloħeksilmetil)-1H-indol-3-karbonil] amino]-3,3-dimetilbutanoat (MDMB-CHMICA) għal miżuri ta' kontroll *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Frar 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill dwar is-soġġettar tas-sustanza psikoattiva ġdida metil-2-[[1-(ċikloħeksilmetil)-1H-indol-3-karbonil]amino]-3,3-dimetilbutanoat (MDMB-CHMICA) għal miżuri ta' kontroll (12356/2016 – C8-0405/2016 – 2016/0262(NLE))

(Konsultazzjoni)

(2018/C 252/36)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-abbozz tal-Kunsill (12356/2016),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 39(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, kif emendat mit-Trattat ta' Amsterdam, u l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 36 dwar id-dispożizzjonijiet transitorji, skont liema artikoli ġie kkonsultat mill-Kunsill (C8-0405/2016),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI tal-10 ta' Mejju 2005 dwar l-iskambju ta' informazzjoni, il-valutazzjoni tar-riskju u l-kontroll fuq sustanzi psikoattivi ġodda ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(3) tagħha,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 78c tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0024/2017),

1. Japprova l-abbozz tal-Kunsill;

2. Jistieden lill-Kunsill jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob lill-Kunsill jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda t-test approvat mill-Parlament b'mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU L 127, 20.5.2005, p. 32.

It-Tlieta 14 ta' Frar 2017

P8_TA(2017)0025

Mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni – EGF/2016/005 NL/Drenthe Overijssel Retail

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Frar 2017 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (applikazzjoni min-Netherlands – EGF/2016/005 NL/Drenthe Overijssel Retail) (COM(2016)0742 – C8-0018/2017 – 2017/2014(BUD))

(2018/C 252/37)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2016)0742 – C8-0018/2017),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 ([1]) ("ir-Regolament dwar il-FEG"),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba ([3]) (il-FII tat-2 ta' Diċembru 2013), u b'mod partikolari l-punt 13 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-proċedura ta' trilogu prevista fil-punt 13 tal-FII tat-2 ta' Diċembru 2013,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A8-0036/2017),

A. billi l-Unjoni stabbiliet strumenti leġiżlattivi u baġitarji biex tipprovdi appoġġ addizzjonali lill-ħaddiema li jkunu qed ibatu l-konsegwenzi ta' bidliet strutturali kbar fix-xejriet tal-kummerċ dinji jew tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali u biex tassistihom fir-riintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol;

B. billi jenħtieġ li l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja tkun dinamika u titqiegħed għad-dispożizzjoni kemm jista' jkun malajr u bl-aktar mod effiċjenti possibbli, bi qbil mad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, adottata waqt il-laqgħa ta' konċiljazzjoni tas-17 ta' Lulju 2008, u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-FII tat-2 ta' Diċembru 2013 fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet biex jiġi utilizzat il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (il-"FEG");

C. billi l-adozzjoni tar-Regolament dwar il-FEG tirrifletti l-ftehim li ntlaħaq bejn il-Parlament u l-Kunsill biex jiġi introdott mill-ġdid il-kriterju tal-mobilizzazzjoni f'każ ta' kriżi, biex il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni tiġi stabbilita għal 60 % tal-istima tal-ammont totali kemm se jiġu jiswew il-miżuri proposti, biex tiżdied l-effiċjenza għat-trattament tal-applikazzjonijiet għall-FEG fil-Kummissjoni u mill-Parlament u mill-Kunsill billi jitqassar iż-żmien għall-valutazzjoni u għall-approvazzjoni, biex l-azzjonijiet u l-benefiċjarji eliġibbli jiġu estiżi għall-persuni li jaħdmu għal rashom u għaż-żgħażagħ, u biex jiġu ffinanzjati l-inċentivi għat-twaqqif ta' impriżi proprji;

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.
([2]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.
([3]) ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

It-Tlieta 14 ta' Frar 2017

D. billi n-Netherlands ippreżentat l-applikazzjoni EGF/2016/005 NL/Drenthe Overijssel Retail għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, b'segwitu għal sensji fis-settur ekonomiku kklassifikat taħt id-Diviżjoni 47 ta' NACE Reviżjoni 2 (Negozju bl-imnut, għajr ta' vetturi bil-mutur u muturi), prinċipalment fir-reġjuni fil-livell NUTS 2 ta' Drenthe (NL13) u ta' Overijssel (NL21) u billi hu mistenni li 800 mill-1 096 ħaddiem eliġibbli għall-kontribuzzjoni mill-FEG se jieħdu sehem fil-miżuri;

E. billi l-applikazzjoni ġiet ippreżentata skont il-kriterju ta' intervent tal-punt (b) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament dwar il-FEG, li jirrikjedi li jkun hemm tal-anqas 500 sensja matul perjodu ta' referenza ta' disa' xhur f'impriżi li joperaw fl-istess settur ekonomiku definit f'Diviżjoni ta' NACE Reviżjoni 2 u li jinsabu f'żewġ reġjuni kontigwi definiti fil-livell NUTS 2 fi Stat Membru;

F. billi kien hemm bidliet sinifikanti fl-atteġġament tal-konsumaturi, bħat-tnaqqis tal-bejgħ fil-kategorija ta' prezzijiet medji u l-popolarità dejjem tikber tax-xiri min fuq l-internet; billi anke l-iżvilupp ta' ħafna żoni kummerċjali ġodda f'ħafna bliet tan-Netherlands barra miċ-ċentri tal-bliet u l-fiduċja dejjem tonqos tal-konsumaturi ([1]) fl-ekonomija laqtu b'mod ħażin il-qagħda tas-settur tal-bejgħ bl-imnut konvenzjonali;

G. billi n-Netherlands qed targumenta li s-settur finanzjarju tagħha, bħala attur fil-livell globali, huwa marbut mir-regoli internazzjonali, inklużi r-regoli għar-riżervi finanzjarji, u li, peress li qed ikollhom jirrispettaw l-istandards internazzjonali ġodda, il-banek għandhom inqas riżorsi milli kellhom qabel biex jiffinanzjaw lill-ekonomija;

H. billi bejn l-1 ta' Awwissu 2015 u l-1 ta' Mejju 2016 ingħataw 1 096 sensja fis-settur tal-bejgħ bl-imnut fir-reġjuni ta' Drenthe u Overijssel, fin-Netherlands;

I. billi, għalkemm is-servizzi tal-bejgħ bl-imnut u bl-ingrossa jipprovdu 11 % tal-PDG tal-Unjoni u 15 % tal-impjiegi totali fl-Unjoni, is-settur xorta waħda għadu jbati mill-kriżi;

1. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (b) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament dwar il-FEG ġew sodisfatti, u li għalhekk in-Netherlands hija intitolata għal kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 1 818 750 skont dan ir-Regolament, li tirrappreżenta 60 % tal-ispiża totali ta' EUR 3 031 250;

2. Jinnota li n-Netherlands ippreżentat l-applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG fil-12 ta' Lulju 2016, u li l-valutazzjoni ta' din l-applikazzjoni ġiet iffinalizzata mill-Kummissjoni fid-29 ta' Novembru 2016 u ġiet innotifikata lill-Parlament fit-23 ta' Jannar 2017;

3. Jinnota li s-settur tan-negozju bl-imnut, għajr ta' vetturi bil-mutur u muturi, kien is-suġġett ta' 6 applikazzjonijiet oħra għall-FEG, li kollha kienu bbażati fuq il-kriżi finanzjarja u ekonomika globali ([2]);

4. Jinnota li l-pożizzjoni finanzjarja dgħajfa tal-akbar department stores għamlithielhom impossibbli li jinvestu f'mudelli ta' ħwienet oħra sabiex jiksbu l-bidliet meħtieġa u jerġgħu jsiru kompetittivi;

5. Jindika li, fin-Netherlands, is-suq tax-xogħol qed jirkupra bil-mod mill-kriżi u li l-effetti għadhom viżibbli f'ċerti setturi u li huwa biss dan l-aħħar li xi setturi, bħal dak tan-negozju bl-imnut, bdew ibatu tassew mill-konsegwenzi tal-kriżi ekonomika u finanzjarja;

([1]) https://www.cbs.nl/nl-nl/nieuws/2016/11/consumentenvertrouwen-daalt-opnieuw

([2]) EGF/2010/010 CZ/Unilever, COM(2011)0061; EGF/2010/016 ES/Aragón retail, COM(2010)0615; EGF/2011/004 EL/ALDI Hellas, COM(2011)0580; EGF/2014/009_EL/Sprider stores, COM(2014)0620; EGF/2014/013_EL/Odyssefs Fokas, COM(2014)0702; EGF/2015/011_GR/Supermarket Larissa, COM(2016)0210.

6. Jinnota l-ħafna sensji li ngħataw fis-settur tal-bejgħ bl-imnut fin-Netherlands f'dawn l-aħħar xhur, bil-fallimenti tad-department stores ewlenin tas-settur li wasslu biex b'kollox ingħataw 27 052 sensja ([1]) fil-perjodu 2011-2015; jinnota b'dispjaċir li l-volum tal-prodotti mibjugħa fis-settur tal-bejgħ bl-imnut segwa din ix-xejra, u niżel minn - 2 % fl-2011 għal - 4 % fl-2013, bix-xiri għadu 2,7 % taħt il-livell tal-2008 ([2]);

7. Jenfasizza li s-settur tal-bejgħ bl-imnut jirrappreżenta sehem konsiderevoli tal-impjiegi (17-19 %) fir-reġjuni fil-livell NUTS 2 ta' Drenthe u Overeijssel; jinnota li fallew 5 200 ħanut li jbigħu bl-imnut mill-bidu tal-kriżi, imma kien biss dan l-aħħar li bdew jintlaqtu l-akbar department stores; jiddispjaċih li dan wassal biex bejn Jannar 2015 u Marzu 2016 l-għadd tal-persuni li jirċievu l-benefiċċji tal-qgħad f'dawn ir-reġjuni fis-settur tal-bejgħ bl-imnut żdied bi 3 461 ([3]);

8. Jiddispjaċih li l-aktar li qed jintlaqtu huma l-ħaddiema żgħażagħ: mill-benefiċjarji indirizzati, 67,1 % għandhom anqas minn 30 sena;

9. Jisħaq fuq il-perjodu twil li l-benefiċjarji indirizzati jqattgħu mingħajr ma jaħdmu jew mingħajr ma jkunu f'edukazzjoni jew f'taħriġ, kif ukoll il-perjodu twil ta' iżjed minn sena bejn id-data meta ngħatat l-aħħar sensja (fl-1 ta' Mejju 2016) u ż-żmien meta l-Istat Membru applikant se jibda jirċievi l-għajnuna mill-FEG;

10. Jirrikonoxxi l-fatt li n-Netherlands indikat li l-applikazzjoni, b'mod partikolari l-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati, tfasslet f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, mas-sħab soċjali u ma' rappreżentanti tas-settur tal-bejgħ bl-imnut u tar-reġjuni kkonċernati;

11. Jinnota li l-applikazzjoni ma tinkludi l-ebda allowance jew inċentiv minn dawk msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 7 (1) tar-Regolament dwar il-FEG; jilqa' d-deċiżjoni li l-ispejjeż tal-assistenza teknika jiġu limitati għal 4 % tal-ispejjeż totali, b'mod li jibqa' 96 % biex jintużaw għall-pakkett ta' servizzi personalizzati;

12. Jappella lill-Kummissjoni biex teżamina metodi ġodda biex tnaqqas id-dewmien fl-għoti tal-appoġġ mill-FEG billi tnaqqas il-burokrazija marbuta mal-proċedura ta' applikazzjoni;

13. Jinnota li s-servizzi personalizzati kofinanzjati mill-FEG għall-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja jinkludu valutazzjonijiet tal-kapaċitajiet, il-potenzjalitajiet u l-prospettivi ta' impjieg tal-parteċipanti; għajnuna għat-tfittix ta' impjieg u ġestjoni tal-każijiet; "riżerva ta' mobilità" flessibbli b'impjiegi temporanji għal min ikun qed ifittex xogħol u għall-impjegaturi; għajnuna għar-rikollokament: taħriġ u taħriġ mill-ġdid inklużi taħriġ, trawwim u għotjiet għall-promozzjoni tal-intraprenditorija;

14. Ifakkar li, bi qbil mal-Artikolu 7 tar-Regolament dwar il-FEG, jenħtieġ li t-tfassil tal-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati jantiċipa l-perspettivi futuri tas-suq tax-xogħol u l-ħiliet meħtieġa, u li jkun kompatibbli mal-bidla lejn ekonomija li hija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u sostenibbli;

15. Jinnota li l-awtoritajiet Netherlandiżi pprovdew assigurazzjonijiet li l-azzjonijiet proposti mhux se jirċievu appoġġ minn strumenti finanzjarji jew fondi oħra tal-Unjoni, li kull finanzjament doppju se jiġi evitat, li dawn se jkunu komplimentari ma' azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali u li r-rekwiżiti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-Unjoni li jirrigwardaw sensji kollettivi se jiġu rrispettati;

16. Ifakkar fl-importanza li tittejjeb l-impjegabilità tal-ħaddiema kollha permezz ta' taħriġ adattat u r-rikonoxximent tal-ħiliet u l-kompetenzi miksuba tul il-karriera professjonali ta' ħaddiem; jistenna li t-taħriġ offrut fil-pakkett ikkoordinat jiġi adattat mhux biss għall-bżonnijiet tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja, iżda anke għall-ambjent kummerċjali nnifsu;

([1]) http://www.consultancy.nl/nieuws/11992/de-25-grootste-faillissementen-van-retailketens-en-winkels

([2]) Fokus fuq il-konsum, Aġenzija Ekonomika ABN-AMRO, Mathijs Deguelle u Nico Klene. Żvilupp tal-volum tas-settur tal-bejgħ bl-imnut. 24 ta' Jannar 2014. Pronjożijiet għas-settur tal-bejgħ bl-imnut, Aġenzija ABN-AMRO, Sonny Duijn, paragrafu 1. 22 ta' Jannar 2016.

([3]) Ċifri mill-aġenzija UWV, April 2016.

It-Tlieta 14 ta' Frar 2017

17. Itenni l-fatt li l-assistenza mill-FEG ma tistax tissostitwixxi la l-azzjonijiet li jkunu r-responsabilità tal-kumpaniji bis-saħħa tad-dritt nazzjonali jew ta' ftehimiet kollettivi, u lanqas il-miżuri għar-ristrutturar ta' kumpaniji jew setturi;

18. Jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li l-pubbliku jkollu aċċess għad-dokumenti relatati mal-każijiet tal-FEG;

19. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

20. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

21. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

It-Tlieta 14 ta' Frar 2017

ANNESS

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wara applikazzjoni min-Netherlands – EGF/2016/005 NL/Drenthe Overijssel Retail

(It-test ta' dan l-anness mhux riprodott hawnhekk billi jikkorrispondi mal-att finali, Deċiżjoni (UE) 2017/559.)

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

P8_TA(2017)0030

Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv bejn il-Kanada u l-UE ***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra (10975/2016 – C8-0438/2016 – 2016/0205(NLE))

(Approvazzjoni)

(2018/C 252/38)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (10975/2016),

— wara li kkunsidra l-abbozz tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra (10973/2016),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 43(2), l-Artikolu 91, l-Artikolu 100(2), l-Artikolu 153(2), l-Artikolu 192(1), l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), il-punt (a)(v) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(6), u l-Artikolu 218(7), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0438/2016),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1) u (4), u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali kif ukoll tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A8-0009/2017),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Kanada.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

P8_TA(2017)0031

Ftehim ta' Sħubija Strateġika bejn l-UE u l-Kanada ***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Sħubija Strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kanada, min-naħa l-oħra (14765/2016 – C8-0508/2016 – 2016/0373(NLE))

(Approvazzjoni)

(2018/C 252/39)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (14765/2016),

— wara li kkunsidra l-abbozz tal-Ftehim ta' Sħubija Strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kanada, min-naħa l-oħra (5368/2016),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 31(1) u l-Artikolu 37 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 212(1), Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), u l-Artikolu 218(8), it-tieni subparagrafu, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0508/2016),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1) u (4) u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A8-0028/2017),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Kanada.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

P8_TA(2017)0032

Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Mongolja ***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Mongolja, min-naħa l-oħra (08919/2016 – C8-0218/2016 – 2015/0114(NLE))

(Approvazzjoni)

(2018/C 252/40)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (08919/2016),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Mongolja, min-naħa l-oħra (07902/1/2011),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikoli 207 u 209 u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0218/2016),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva tiegħu tal-15 ta' Frar 2017 ([1]) dwar l-abbozz ta' deċiżjoni,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1) u (4) u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A8-0382/2016),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Mongolja.

([1]) Testi adottati, P8_TA(2017)0033.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

P8_TA(2017)0034

Ftehim dwar il-Kummerċ f'Inġenji tal-Ajru Ċivili (Anness dwar il-Prodotti Koperti) ***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll (2015) li jemenda l-Anness għall-Ftehim dwar Kummerċ f'Inġenji tal-Ajru Ċivili (11018/2016 – C8-0391/2016 – 2016/0202(NLE))

(Approvazzjoni)

(2018/C 252/41)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (11018/2016),

— wara li kkunsidra l-Protokoll (2015) li jemenda l-Anness għall-Ftehim dwar Kummerċ f'Inġenji tal-Ajru Ċivili (11019/2016),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 207(4) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0391/2016),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1) u (4) u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A8-0007/2017),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Protokoll;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

P8_TA(2017)0035

Tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u investimenti b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju ***I

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fil-15 ta' Frar 2017 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex ittejjeb it-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u investimenti b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju (COM(2015)0337 – C8-0190/2015 – 2015/0148(COD)) [1]

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2018/C 252/42)

Emenda 1

Proposta għal direttiva

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [15] stabbiliet skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni sabiex tippromwovi ***t-tnaqqis*** tal-gassijiet serra b'mod kosteffettiv u ekonomikament effiċjenti.	(1) Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [15] stabbiliet skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni sabiex tippromwovi ***kemm it-tnaqqis*** tal-gassijiet serra b'mod kosteffettiv u ekonomikament effiċjenti ***kif ukoll it-tishiħ sostenibbli tal-industrija tal-Unjoni kontra r-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u tal-investiment***.
[15] Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).	[15] Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

[1] Il-każ ġie mgħoddi lura għal negozjati interistituzzjonali lill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 59(4), ir-raba'subparagrafu (A8-0003/2017).

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 2

Proposta għal direttiva

Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Il-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2014 impenja ruħu biex inaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra kumplessivi tal-Unjoni tal-anqas b'40 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2030. Is-setturi kollha tal-ekonomija għandhom jikkontribwixxu għall-ilħuq ta' dan it-tnaqqis ta' emissjonijiet u l-mira ***għandha*** tintlaħaq b'mod kosteffettiv permezz tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-Unjoni (EU ETS) bi tnaqqis ta' 43 % taħt il-livelli tal-2005 sal-2030. Dan kien ikkonfermat fl-impenn ta' tnaqqis maħsub iddeterminat fuq livell nazzjonali tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha ppreżentat lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni Qafas ***tan-NU*** dwar it-Tibdil fil-Klima fis-6 ta' Marzu 2015 ([16]).	(2) Il-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2014 impenja ruħu biex inaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra kumplessivi tal-Unjoni tal-anqas b'40 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2030. Is-setturi kollha tal-ekonomija għandhom jikkontribwixxu għall-ilħuq ta' dan it-tnaqqis ta' emissjonijiet u l-mira ***trid*** tintlaħaq b'mod kosteffettiv permezz tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-Unjoni (EU ETS) bi tnaqqis ta' 43 % taħt il-livelli tal-2005 sal-2030. Dan kien ikkonfermat fl-impenn ta' tnaqqis maħsub iddeterminat fuq livell nazzjonali tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha ppreżentat lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni Qafas ***tan-Nazzjonijiet Uniti*** dwar it-Tibdil fil-Klima fis-6 ta' Marzu 2015***. L-isforz tat-tnaqqis fl-emissjonijiet għandu jiġi kondiviż b'mod ġust bejn is-setturi koperti mill-EU ETS.***

([16]) ***http://www4.unfccc.int/submissions/indc/Submission%20Pages/submissions.aspx***

Emenda 3

Proposta għal direttiva

Premessa 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Sabiex jiġi onorat l-impenn miftiehem li s-setturi kollha tal-ekonomija jikkontribwixxu għat-twettiq tal-mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra kumplessivi tal-Unjoni tal-anqas b'40 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2030, huwa importanti li l-EU ETS, għalkemm hija l-għodda ewlenija tal-Unjoni biex jinkisbu l-objettivi tal-Unjoni fir-rigward tal-klima u l-enerġija fuq perijodu twil, tiġi kkomplementata b'azzjonijiet ekwivalenti addizzjonali meħuda permezz ta' atti u strumenti legali oħra li jindirizzaw l-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn setturi li mhumiex koperti mill-EU ETS.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 4

Proposta għal direttiva

Premessa 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2b) Skont il-Ftehim adottat f'Pariġi fil-21 Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC tat-12 ta' Diċembru 2015 (il-"Ftehim ta' Pariġi"), il-pajjiżi huma meħtieġa jimplimentaw politiki sabiex jiksbu aktar minn 180 Kontribut Maħsub Determinat fil-Livell Nazzjonali (INDCs) li jkopru madwar 98 % tal-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra. Il-Ftehim ta' Pariġi għandu l-għan li jillimita ż-żieda fit-temperatura medja globali għal ferm inqas minn 2 °C iktar mil-livelli preindustrijali u li jara li jsiru l-isforzi ħalli ż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal 1,5 °C iktar mil-livelli preindustrijali. Ħafna minn dawn il-politiki huma mistennija li jinvolvu l-ipprezzar tal-karbonju jew miżuri simili, u għalhekk għandha tiġi stabbilita klawsola ta' reviżjoni f'din id-Direttiva sabiex il-Kummissjoni tkun tista', fejn xieraq, tipproponi tnaqqis aktar strett tal-emissjonijiet wara l-ewwel eżerċizzju ta' rendikont skont il-Ftehim ta' Pariġi fl-2023, aġġustament tad-dispożizzjonijiet b'rabta mar-rilokazzjoni tranżitorja tal-emissjonijiet tal-karbonju sabiex jirriflettu l-iżvilupp ta' mekkaniżmi tal-ipprezzar tal-karbonju barra l-Unjoni, u għodod u miżuri ta' politika addizzjonali li jsaħħu l-impenji ta' tnaqqis tal-gassijiet serra tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha. Il-klawsola ta' reviżjoni għandha tiżgura wkoll li tiġi adottata komunikazzjoni fi żmien sitt xhur mid-djalogu faċilitattiv, li għandu jsir taħt l-UNFCCC fl-2018, li tivvaluta l-konsistenza tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar it-tibdil fil-klima mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 5

Proposta għal direttiva

Premessa 2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2c) B'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi u b'konformità mal-impenn tal-koleġiżlaturi espress fid-Direttiva 2009/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1a]) u d-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1b]), is-setturi kollha tal-ekonomija huma meħtieġa jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju (CO_2). Għal dan l-għan qed isiru, u għandhom ikunu mħeġġa, sforzi sabiex jiġu limitati l-emissjonijiet marittimi internazzjonali permezz tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI), bl-għan li jiġi stabbilit pjan ta' azzjoni ċar tal-OMI għal miżuri tal-politika dwar il-klima biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO2 mit-tbaħħir f'livell globali. L-adozzjoni ta' miri ċari biex jitnaqqsu l-emissjonijiet marittimi internazzjonali permezz tal-OMI saret kwistjoni ta' urġenza kbira u prerekwiżit għall-Unjoni biex ma tieħux azzjoni ulterjuri dwar l-inklużjoni tas-settur marittimu fi ħdan l-EU ETS. Jekk, madankollu, tali ftehim ma jintlaħaqx sa tmiem l-2021, is-settur għandu jiġi inkluż taħt l-EU ETS u għandu jiġi stabbilit fond għall-kontribuzzjonijiet tal-operaturi tal-vapuri u għall-konformità kollettiva b'rabta mal-emissjonijiet tas-CO2 diġà koperti mis-sistema tal-Unjoni għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika (is-sistema MRV) stabbilita fir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1c]) (emissjonijiet rilaxxati f'portijiet tal-Unjoni u matul vjaġġi lejn u minn dawn il-portijiet). Sehem mid-dħul mill-irkantar tal-kwoti lis-settur marittimu għandu jintuża biex titjieb l-effiċjenza fl-enerġija u jiġu appoġġjati investimenti f'teknoloġiji innovattivi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO2 fis-settur marittimu, inklużi t-trasport marittimu fuq distanzi qosra u l-portijiet.

([1a]) ***Id-Direttiva 2009/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE għat-titjib u l-estensjoni tal-iskema Komunitarja għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 63).***

([1b]) ***Id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 23 ta' April 2009 dwar l-isforz tal-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra biex jonoraw l-impenji tal-Komunità għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2020 (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 136).***

([1c]) ***Ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 55).***

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 143

Proposta għal direttiva

Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) ***Il-Kunsill Ewropew ikkonferma li*** EU ETS riformata li tiffunzjona sew bi strument biex jistabbilizza s-suq ***sejra tkun l-istrument ewlieni Ewropew*** biex tintlaħaq din il-mira, b'fattur ta' tnaqqis annwali ta' 2,2 % mill-2021 'il quddiem, bl-allokazzjoni bla ħlas li ma ***tiskadiex*** iżda bil-miżuri ***eżistenti*** li jkomplu wara l-2020 għall-prevenzjoni tar-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju minħabba l-politika dwar ***it-tibdil fil-klima***, sakemm ma jitwettqux sforzi komparabbli f'ekonomiji oħra ewlenin***, mingħajr ma jitnaqqas is-sehem ta' kwoti li jridu jiġu rkantati***. Is-sehem tal-irkant għandu jkun espress bħala figura perċentwali fil-leġiżlazzjoni, biex tittejjeb iċ-ċertezza tal-ippjanar fir-rigward tad-deċiżjonijiet ta' investiment, biex tiżdied it-trasparenza ***u sabiex*** is-sistema globali ssir aktar sempliċi u faċli tifhimha.	(3) EU ETS riformata li tiffunzjona sew bi strument ***imsaħħaħ*** biex jistabbilizza s-suq ***se jkunu l-istrumenti ewlenin Ewropej*** biex tintlaħaq din il-mira, b'fattur ta' tnaqqis annwali ta' 2,2 % mill-2021 'il quddiem, bl-allokazzjoni bla ħlas li ma ***tiskadix*** iżda bil-miżuri li jkomplu wara l-2020 għall-prevenzjoni tar-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju minħabba l-politika dwar ***il-klima***, sakemm ma jitwettqux sforzi komparabbli f'ekonomiji oħra ewlenin. Is-sehem tal-irkant għandu jkun espress bħala figura perċentwali fil-leġiżlazzjoni, ***li għandha titnaqqas bl-applikazzjoni ta' fattur ta' korrezzjoni transsettorjali*** biex tittejjeb iċ-ċertezza tal-ippjanar fir-rigward tad-deċiżjonijiet ta' investiment, biex tiżdied it-trasparenza***, biex*** is-sistema globali ssir aktar sempliċi u faċli tifhimha***, u biex dawk is-setturi l-iktar f'riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju jiġu protetti minn fattur ta' korrezzjoni transsettorjali. Dawk id-dispożizzjonijiet għandhom jinżammu taħt rieżami b'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi u għandhom jiġu aġġustati kif xieraq jekk dan ikun meħtieġ biex jiġu ssodisfati l-obbligi tal-Unjoni b'rabta mat-tibdil fil-klima skont dak il-ftehim.***

Emenda 7

Proposta għal direttiva

Premessa 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Il-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati (LDCs) huma partikolarment vulnerabbli għall-effetti tat-tibdil fil-klima u huma responsabbli biss għal livelli baxxi ħafna ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra. Għalhekk, għandha tingħata prijorità partikolari sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-LDCs billi l-kwoti tal-EU ETS jintużaw sabiex tiġi ffinanzjata azzjoni klimatika, b'mod partikolari b'rabta mal-adattament għall-impatti tat-tibdil fil-klima, permezz tal-Fond Ekoloġiku għall-Klima tal-UNFCCC.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 8

Proposta għal direttiva

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Hija prijorità prinċipali tal-Unjoni li tistabbilixxi Unjoni tal-Enerġija reżiljenti biex tipprovdi enerġija sikura, sostenibbli, kompetittiva u affordabbli liċ-ċittadini tagħha. L-ilħuq ta' dan jeħtieġ kontinwazzjoni tal-azzjoni klimatika ambizzjuża bl-EU ETS bħala l-pedament tal-politika dwar it-tibdil fil-klima ***tal-Ewropa***, u progress fuq l-aspetti l-oħra tal-Unjoni tal-Enerġija ([17]). L-implimentazzjoni tal-ambizzjoni deċiża fil-qafas għall-2030 ***tikkontribwixxi*** għat-twassil ta' prezz tal-karbonju sinifikanti u ***l-kontinwazzjoni*** tal-istimulazzjoni tat-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra.	(4) Hija prijorità prinċipali tal-Unjoni li tistabbilixxi Unjoni tal-Enerġija reżiljenti biex tipprovdi enerġija sikura, sostenibbli, kompetittiva u affordabbli liċ-ċittadini ***u lill-industriji*** tagħha. L-ilħuq ta' dan jeħtieġ kontinwazzjoni tal-azzjoni klimatika ambizzjuża bl-EU ETS bħala l-pedament tal-politika dwar it-tibdil fil-klima ***tal-Unjoni***, u progress fuq l-aspetti l-oħra tal-Unjoni tal-Enerġija ([17]). ***Jeħtieġ li tiġi kkunsidrata l-interazzjoni tal-EU ETS ma' politiki nazzjonali u tal-Unjoni oħrajn dwar il-klima u l-enerġija li għandhom impatt fuq id-domanda għall-kwoti tal-EU ETS.*** L-implimentazzjoni tal-ambizzjoni deċiża fil-qafas għall-2030 ***u l-indirizzar adegwat tal-progress f'aspetti oħra tal-Unjoni tal-Enerġija jikkontribwixxu*** għat-twassil ta' prezz tal-karbonju sinifikanti u ***għall-kontinwazzjoni*** tal-istimulazzjoni tat-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra.
([17]) COM(2015)0080, li tistabbilixxi Qafas Strateġiku għal Unjoni tal-Enerġija Reżiljenti b'Politika dwar il-Bidla fil-Klima li tħares 'il quddiem	([17]) COM(2015)0080, li tistabbilixxi Qafas Strateġiku għal Unjoni tal-Enerġija Reżiljenti b'Politika dwar il-Bidla fil-Klima li tħares 'il quddiem

Emenda 9

Proposta għal direttiva

Premessa 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Jekk tiżdied l-ambizzjoni ta' effiċjenza fl-enerġija apparagun tal-mira ta' 27 % adottata mill-Kunsill, dan għandu jirriżulta f'iktar kwoti mingħajr ħlas għas-setturi tal-industrija f'riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 10

Proposta għal direttiva

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
(5) L-Artikolu 191(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jeħtieġ li l-politika tal-Unjoni tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas u, fuq il-bażi ta' dan, id-Direttiva 2003/87/KE tipprovdi għal tranżizzjoni lejn irkantar sħiħ maż-żmien. L-evitar tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju hija ġustifikazzjoni biex ***tiġi posposta t-tranżizzjoni sħiħa***, u l-allokazzjoni bla ħlas u mmirata tal-kwoti lill-industrija hija ġġustifikata sabiex jiġu indirizzati r-riskji ġenwini ta' żidiet fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra f'pajjiżi terzi fejn l-industrija mhijiex soġġetta għal restrizzjonijiet tal-karbonju komparabbli sakemm miżuri ta' politika dwar it-tibdil fil-klima komparabbli ma jitwettqux minn ekonomiji ewlenin oħra.	(5) L-Artikolu 191(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jeħtieġ li l-politika tal-Unjoni tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas u, fuq il-bażi ta' dan, id-Direttiva 2003/87/KE tipprovdi għal tranżizzjoni lejn irkantar sħiħ maż-żmien. L-evitar tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju hija ġustifikazzjoni biex ***jiġi pospost temporanjament l-irkantar sħiħ***, u l-allokazzjoni bla ħlas u mmirata tal-kwoti lill-industrija hija ***eċċezzjoni*** ġġustifikata ***mill-prinċpju li min iniġġes għandu jħallas, sakemm ma jkun hemm l-ebda allokazzjoni żejda,*** sabiex jiġu indirizzati r-riskji ġenwini ta' żidiet fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra f'pajjiżi terzi fejn l-industrija mhijiex soġġetta għal restrizzjonijiet tal-karbonju komparabbli sakemm miżuri ta' politika dwar it-tibdil fil-klima komparabbli ma jitwettqux minn ekonomiji ewlenin oħra. ***Għal dak l-għan, l-allokazzjoni ta' kwoti mingħajr ħlas għandha tkun iżjed dinamika bi qbil mas-sollijiet previsti f'din id-Direttiva.***

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 11

Proposta għal direttiva

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
(6) L-irkantar tal-kwoti ***tibqa'*** r-regola ġenerali, bl-allokazzjoni bla ħlas bħala l-eċċezzjoni. Konsegwentement, ***u kif ikkonfermat mill-Kunsill Ewropew,*** is-sehem tal-kwoti li jrid jiġi rkantat, li ***kien*** 57 % matul il-perjodu mill-***2013*** sal-***2020***, ma għandux jitnaqqas. Il-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Kummissjoni ([18]) tagħti dettalji dwar is-sehem tal-irkant u tispeċifika li dan is-sehem ta' 57 % huwa magħmul ***mill-kwoti*** rkantati f'isem l-Istati Membri, inklużi l-kwoti miżmuma għal dawk li jidħlu ġodda iżda mhux allokati, il-kwoti għall-immodernizzar tal-ġenerazzjoni tal-elettriku f'ċerti Stati Membri u ***l-kwoti*** li jridu jiġu rkantati aktar 'il quddiem minħabba t-tqegħid tagħhom fir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq stabbilita bid-Deċiżjoni (UE) 2015/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([19]).	(6) L-irkantar tal-kwoti ***għadu*** r-regola ġenerali, bl-allokazzjoni bla ħlas bħala l-eċċezzjoni. Konsegwentement, is-sehem tal-kwoti li jrid jiġi rkantat, li jenħtieġ ***ikun*** 57 % matul il-perjodu mill-***2021*** sal-***2030***, jenħtieġ jitnaqqas ***mal-applikazzjoni ta' fattur ta' korrezzjoni transsettorjali biex jipproteġi dawk is-setturi l-aktar esposti għarriskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju***. Il-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Kummissjoni tagħti dettalji dwar is-sehem tal-irkant u tispeċifika li dan is-sehem ta' 57 % huwa magħmul ***minn kwoti*** rkantati f'isem l-Istati Membri, inklużi l-kwoti miżmuma għal dawk li jidħlu ġodda iżda mhux allokati, il-kwoti għall-immodernizzar tal-ġenerazzjoni tal-elettriku f'ċerti Stati Membriu l-kwoti li jridu jiġu rkantati aktar 'il quddiem minħabba t-tqegħid tagħhom fir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq stabbilita bid-Deċiżjoni (UE) 2015/***1814*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([19]). Jenħtieġ ***jiġi stabbilit Fond ta' Tranżizzjoni ġust biex jappoġġa r-reġjuni b'sehem kbir ta' ħaddiema f'setturi li jiddependu mill-faħam u b'PDG per capita ħafna inqas mill-medja tal-Unjoni.***
([18]) ***SEC(2015)XX***	([19]) Id-Deċiżjoni (UE) 2015/***1814*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***tas-6 ta' Ottubru 2015*** dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema ta' negozjar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni u li temenda d-Direttiva 2003/87/KE (***ĠU L 264, 9.10.2015, p. 1***).
([19]) Id-Deċiżjoni (UE) 2015/…tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***tal-…*** li tikkonċerna l-istabbiliment u t-tħaddim ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema tal-UE għan-negozjar ta' emissjonijiet u li t**Emenda** d-Direttiva 2003/87/KE (***ĠU L […], […], p. […]***).	

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 12

Proposta għal direttiva

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
(7) Sabiex jiġi ppreservat il-benefiċċju ambjentali tat-tnaqqis tal-emissjonijiet fl-Unjoni filwaqt li l-azzjonijiet minn pajjiżi oħra ma jagħtux inċentivi komparabbli lill-industrija biex tnaqqas l-emissjonijiet, l-allokazzjoni bla ħlas għandha tkompli għall-installazzjonijiet fis-setturi u s-sottosetturi bir-riskju ġenwin ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. L-esperjenza miġbura matul it-tħaddim tal-EU ETS ikkonfermat li s-setturi u s-sottosetturi huma fir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju sa livelli differenti, u li l-allokazzjoni bla ħlas ippreveniet ir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Filwaqt li ċerti setturi u sottosetturi jistgħu jitqiesu f'riskju ogħla ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, oħrajn jistgħu jgħaddu sehem konsiderevoli tal-ispejjeż tal-kwoti biex ikopru l-emissjonijiet tagħhom fil-prezzijiet tal-prodotti mingħajr ma jitilfu s-sehem fis-suq u jġarrbu biss il-parti li jifdal tal-ispejjeż u għalhekk huma f'riskju baxx ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina u tiddifferenzja s-setturi rilevanti abbażi tal-intensità tal-kummerċ u l-intensità tal-emissjonijiet tagħhom biex tidentifika aħjar is-setturi f'riskju ġenwin ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Fejn, abbażi ta' dawn il-kriterji, jinqabeż livell limitu iddeterminat filwaqt li titqies il-possibbiltà rispettiva għas-setturi u s-sottosetturi kkonċernati li jgħaddu l-ispejjeż fil-prezzijiet tal-prodotti, is-settur jew is-sottosettur għandhom jitqiesu f'riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Oħrajn għandhom jitqiesu f'riskju baxx jew fl-ebda riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Il-kunsiderazzjoni tal-possibbiltajiet għas-setturi u s-sottosetturi barra mill-ġenerazzjoni tal-elettriku li jgħaddu l-ispejjeż fil-prezzijiet tal-prodotti għandha tnaqqas ukoll il-qligħ mhux mistenni.	(7) Sabiex jiġi ppreservat il-benefiċċju ambjentali tat-tnaqqis tal-emissjonijiet fl-Unjoni filwaqt li l-azzjonijiet minn pajjiżi oħra ma jagħtux inċentivi komparabbli lill-industrija biex tnaqqas l-emissjonijiet, l-allokazzjoni bla ħlas għandha tkompli ***temporanjament*** għall-installazzjonijiet fis-setturi u s-sottosetturi bir-riskju ġenwin ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. L-esperjenza miġbura matul it-tħaddim tal-EU ETS ikkonfermat li s-setturi u s-sottosetturi huma fir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju sa livelli differenti, u li l-allokazzjoni bla ħlas ippreveniet ir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Filwaqt li ċerti setturi u sottosetturi jistgħu jitqiesu f'riskju ogħla ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, oħrajn jistgħu jgħaddu sehem konsiderevoli tal-ispejjeż tal-kwoti biex ikopru l-emissjonijiet tagħhom fil-prezzijiet tal-prodotti mingħajr ma jitilfu s-sehem fis-suq u jġarrbu biss il-parti li jifdal tal-ispejjeż u għalhekk huma f'riskju baxx ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina u tiddifferenzja s-setturi rilevanti abbażi tal-intensità tal-kummerċ u l-intensità tal-emissjonijiet tagħhom biex tidentifika aħjar is-setturi f'riskju ġenwin ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Fejn, abbażi ta' dawn il-kriterji, jinqabeż livell limitu iddeterminat filwaqt li titqies il-possibbiltà rispettiva għas-setturi u s-sottosetturi kkonċernati li jgħaddu l-ispejjeż fil-prezzijiet tal-prodotti, is-settur jew is-sottosettur għandhom jitqiesu f'riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Oħrajn għandhom jitqiesu f'riskju baxx jew fl-ebda riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Il-kunsiderazzjoni tal-possibbiltajiet għas-setturi u s-sottosetturi barra mill-ġenerazzjoni tal-elettriku li jgħaddu l-ispejjeż fil-prezzijiet tal-prodotti għandha tnaqqas ukoll il-qligħ mhux mistenni. ***Ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju f'setturi u sottosetturi li għalihom l-allokazzjoni bla ħlas tiġi kkalkulata abbażi tal-valuri tal-parametri referenzjarji għall-aromatiċi, l-idroġenu u l-gass sintetiku għandhom jiġu vvalutati wkoll fid-dawl tal-fatt li dawn il-prodotti huma magħmula kemm f'impjanti kimiċi u kemm f'raffineriji.***

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 13

Proposta għal direttiva

Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
(8) Sabiex jiġi rifless il-progress teknoloġiku fis-setturi kkonċernati u sabiex dawn jiġu aġġustati għall-perjodu rilevanti tal-allokazzjoni, għandha ssir dispożizzjoni biex il-valuri tal-parametri referenzjarji għall-allokazzjonijiet bla ħlas lill-installazzjonijiet, iddeterminati fuq il-bażi tad-dejta mis-snin 2007-***8***, jiġu aġġornati b'konformità mat-titjib medju osservat. Għal raġunijiet ta' prevedibbiltà, dan għandu jitwettaq permezz tal-applikazzjoni ta' fattur li jirrappreżenta ***l-aħjar valutazzjoni*** tal-progress fis-setturi, li mbagħad għandha tikkunsidra dejta robusta, oġġettiva u verifikata mill-installazzjonijiet sabiex is-setturi li r-rata ta' titjib tagħhom tvarja b'mod konsiderevoli minn dan il-fattur ikollhom valur tal-parametru referenzjarju li jqarreb iżjed ir-rata ta' titjib attwali tagħhom. Fejn id-dejta turi differenza mit-tnaqqis tal-fattur li ***hija*** ogħla jew aktar baxxa ***minn 0,5 % tal-valur tal-2007-8 fis-sena*** matul il-perjodu rilevanti, il-valur tal-parametru referenzjarju relatat għandu jkun aġġustat b'dak il-perċentwal. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-produzzjoni tal-aromatiċi, l-idroġenu u l-gass sintetiku fir-raffineriji u l-impjanti kimiċi, il-valuri tal-parametri referenzjarji għall-aromatiċi, l-idroġenu u l-gass sintetiku għandhom ikomplu jkunu allinjati mal-parametri referenzjarji tar-raffineriji.	(8) Sabiex jiġi rifless il-progress teknoloġiku fis-setturi kkonċernati u sabiex dawn jiġu aġġustati għall-perjodu rilevanti tal-allokazzjoni, għandha ssir dispożizzjoni biex il-valuri tal-parametri referenzjarji għall-allokazzjonijiet bla ħlas lill-installazzjonijiet, iddeterminati fuq il-bażi tad-dejta mis-snin 2007 ***u 2008***, jiġu aġġornati b'konformità mat-titjib medju osservat. Għal raġunijiet ta' prevedibbiltà, dan għandu jitwettaq permezz tal-applikazzjoni ta' fattur li jirrappreżenta ***l-valutazzjoni reali*** tal-progress ***mill-10 % tal-installazzjonijiet l-iktar effiċjenti*** fis-setturi, li mbagħad għandha tikkunsidra dejta robusta, oġġettiva u verifikata mill-installazzjonijiet sabiex is-setturi li r-rata ta' titjib tagħhom tvarja b'mod konsiderevoli minn dan il-fattur ikollhom valur tal-parametru referenzjarju li jqarreb iżjed ir-rata ta' titjib attwali tagħhom. Fejn id-dejta turi differenza mit-tnaqqis tal-fattur ***ta' iktar minn 1,75 % tal-valur*** li ***jikkorrispondi għas-snin 2007 u 2008*** (ogħla jew aktar baxxa) ***fis-sena matul il-perjodu rilevanti, il-valur tal-parametru referenzjarju relatat għandu jkun aġġustat b'dak il-perċentwal. Fejn, madankollu, id-dejta turi rata ta' titjib ta' 0,25 jew anqas matul il-perjodu rilevanti, il-valur tal-parametru referenzjarju relatat għandu jkun aġġustat b'dak il-perċentwal.*** Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-produzzjoni tal-aromatiċi, l-idroġenu u l-gass sintetiku fir-raffineriji u l-impjanti kimiċi, il-valuri tal-parametri referenzjarji għall-aromatiċi, l-idroġenu u l-gass sintetiku għandhom ikomplu jkunu allinjati mal-parametri referenzjarji tar-raffineriji.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 14

Proposta għal direttiva

Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
(9) ***L-Istati*** Membri għandhom jikkumpensaw parzjalment, ***skont ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat***, ċerti installazzjonijiet fis-setturi jew sottosetturi li ġew iddeterminati li huma esposti għal riskju sinifikanti ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju minħabba l-ispejjeż relatati mal-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jiġu mgħoddija fil-prezzijiet tal-elettriku. ***Il-Protokoll u d-deċiżjonijiet ta' akkumpanjament adottati mill-Konferenza tal-Partijiet f'Pariġi jeħtieġu jipprovdu għall-mobilizzazzjoni dinamika tal-finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, it-trasferiment tat-teknoloġija u l-bini tal-kapaċitajiet għall-Partijiet eliġibbli, b'mod partikolari dawk bl-inqas kapaċitajiet.*** Il-finanzjament mingħand is-settur pubbliku għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima se jkompli jaqdi rwol importanti fil-mobilizzazzjoni tar-riżorsi wara l-2020. Għalhekk, id-dħul mill-irkant għandu jintuża wkoll għal azzjonijiet ta' finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima f'pajjiżi terzi vulnerabbli, inkluż l-adattament għall-impatti ***tal-klima***. L-ammont ta' finanzjament għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima li jrid jiġi mmobilizzat se jiddependi wkoll fuq l-ambizzjoni u l-kwalità ***tal-kontributi maħsuba determinati fil-livell nazzjonali (INDCs)*** proposti, il-pjanijiet ta' investiment sussegwenti u l-proċessi ta' ppjanar għall-adattament nazzjonali. L-Istati Membri għandhom jużaw id-dħul mill-irkantar għall-promozzjoni tal-formazzjoni tal-ħiliet u r-riallokazzjoni tal-ħaddiema affettwati mit-tranżizzjoni tal-impjiegi f'ekonomija ta' dekarbonizzazzjoni.	(9) ***Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, l-Istati*** Membri għandhom jikkumpensaw parzjalment, ***permezz ta' sistema ċentralizzata fil-livell tal-Unjoni***, ċerti installazzjonijiet fis-setturi jew sottosetturi li ġew iddeterminati li huma esposti għal riskju sinifikanti ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju minħabba l-ispejjeż relatati mal-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jiġu mgħoddija fil-prezzijiet tal-elettriku. Il-finanzjament mingħand is-settur pubbliku għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima se jkompli jaqdi rwol importanti fil-mobilizzazzjoni tar-riżorsi wara l-2020. Għalhekk, id-dħul mill-irkant għandu jintuża wkoll għal azzjonijiet ta' finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima f'pajjiżi terzi vulnerabbli, inkluż l-adattament għall-impatti ***tat-tibdil fil-klima***. L-ammont ta' finanzjament għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima li jrid jiġi mmobilizzat se jiddependi wkoll fuq l-ambizzjoni u l-kwalità ***tal-INDCs*** proposti, il-pjanijiet ta' investiment sussegwenti u l-proċessi ta' ppjanar għall-adattament nazzjonali. L-Istati Membri għandhom ***jindirizzaw ukoll l-aspetti soċjali tad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomiji tagħhom u*** jużaw id-dħul mill-irkantar għall-promozzjoni tal-formazzjoni tal-ħiliet u r-riallokazzjoni tal-ħaddiema affettwati mit-tranżizzjoni tal-impjiegi f'ekonomija ta' dekarbonizzazzjoni. ***Għandu jkun possibbli li l-Istati Membri jżidu mal-kumpens mogħti permezz tas-sistema ċentralizzata fil-livell tal-Unjoni. Tali miżuri finanzjarji m'għandhomx jaqbżu l-livelli msemmija fil-linji gwida rilevanti dwar l-għajnuna mill-Istat.***

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 15

Proposta għal direttiva

Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
(10) L-inċentiv ewlieni fuq terminu twil minn din id-Direttiva għall-qbid u l-ħżin ***tad-diossidu*** tal-karbonju (CCS), teknoloġiji ġodda ta' enerġija rinnovabbli u l-innovazzjoni rivoluzzjonarja fit-teknoloġiji u l-proċessi b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju huwa s-sinjal tal-prezz tal-karbonju li toħloq u li l-kwoti ma jkunux jeħtieġu li jiġu ċeduti għal emissjonijiet ta' diossidu tal-karbonju li jinħażnu b'mod permanenti jew jiġu evitati. Barra minn hekk, sabiex ikunu ssupplimentati r-riżorsi li diġà qed jintużaw biex jaċċelleraw id-dimostrazzjoni ta' faċilitajiet tas-CCS kummerċjali u teknoloġiji innovattivi ta' enerġija rinnovabbli, il-kwoti tal-EU ETS għandhom jintużaw biex jagħtu gwadanji ggarantiti għall-iskjerament tal-faċilitajiet tas-CCS, teknoloġji ġodda ta' enerġija rinnovabbli u innovazzjoni industrijali fit-teknoloġiji u l-proċessi b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju fl-Unjoni għal diossidu tal-karbonju maqbud jew evitat fuq skala suffiċjenti, sakemm ikun hemm ftehim dwar il-kondiviżjoni tal-għarfien. Il-maġġoranza ta' dan l-appoġġ għandha tiddependi fuq l-evitar ivverifikat tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, filwaqt li ċertu appoġġ jista' jingħata meta jintlaħqu ċerti tragwardi predeterminati filwaqt li tiġi kkunsiderata t-teknoloġija skjerata. Il-perċentwal massimu tal-ispejjeż tal-proġetti li jridu jiġu appoġġjati jista' jvarja skont il-kategorija ta' proġett.	(10) L-inċentiv ewlieni fuq terminu twil minn din id-Direttiva għall-qbid u l-ħżin tal-karbonju (CCS***) u l-qbid u l-użu tal-karbonju (CCU***), teknoloġiji ġodda ta' enerġija rinnovabbli u l-innovazzjoni rivoluzzjonarja fit-teknoloġiji u l-proċessi b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju huwa s-sinjal tal-prezz tal-karbonju li toħloq u li l-kwoti ma jkunux jeħtieġu li jiġu ċeduti għal emissjonijiet ta' diossidu tal-karbonju li jinħażnu b'mod permanenti jew jiġu evitati. Barra minn hekk, sabiex ikunu ssupplimentati r-riżorsi li diġà qed jintużaw biex jaċċelleraw id-dimostrazzjoni ta' faċilitajiet tas-CCS ***u tas-CCU*** kummerċjali u teknoloġiji innovattivi ta' enerġija rinnovabbli, il-kwoti tal-EU ETS għandhom jintużaw biex jagħtu gwadanji ggarantiti għall-iskjerament tal-faċilitajiet tas-CCS ***u tas-CCU***, teknoloġji ġodda ta' enerġija rinnovabbli u innovazzjoni industrijali fit-teknoloġiji u l-proċessi b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju fl-Unjoni għal diossidu tal-karbonju maqbud jew evitat fuq skala suffiċjenti, sakemm ikun hemm ftehim dwar il-kondiviżjoni tal-għarfien. Il-maġġoranza ta' dan l-appoġġ għandha tiddependi fuq l-evitar ivverifikat tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, filwaqt li ċertu appoġġ jista' jingħata meta jintlaħqu ċerti tragwardi predeterminati filwaqt li tiġi kkunsiderata t-teknoloġija skjerata. Il-perċentwal massimu tal-ispejjeż tal-proġetti li jridu jiġu appoġġjati jista' jvarja skont il-kategorija ta' proġett.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 16

Proposta għal direttiva

Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
(11) Għandu jiġi stabbiliti Fond għall-Modernizzazzjoni mit-2 % tal-kwoti totali tal-EU ETS, u għandu jiġi rkantat skont ir-regoli u l-modalitajiet għall-irkanti li jseħħu fuq il-Pjattaforma Komuni tal-Irkant stabbilita fir-Regolament 1031/2010. L-Istati Membri li fl-2013 kellhom PDG per capita skont ir-rati tal-kambju tas-suq ta' inqas minn 60 % taħt il-medja tal-Unjoni għandhom ikunu eliġibbli għall-finanzjament mill-Fond għall-Modernizzazzjoni ***u jingħataw deroga*** sal-2030 mill-prinċipju ta' rkantar sħiħ għall-ġenerazzjoni tal-elettriku billi jużaw l-għażla ta' allokazzjoni bla ħlas sabiex jippromwovu b'mod trasparenti l-investimenti reali li jimmodernizzaw is-settur tal-enerġija tagħhom filwaqt li jevitaw distorsjonijiet tas-suq tal-enerġija intern. Ir-regoli għall-kontroll tal-Fond għall-Modernizzazzjoni għandhom jipprovdu qafas koerenti, komprensiv u trasparenti biex jiżguraw l-implimentazzjoni l-aktar effiċjenti possibbli, filwaqt li jikkunsidraw il-ħtieġa li l-parteċipanti kollha jkollhom aċċess faċli. ***Il-funzjoni tal-istruttura ta' governanza għandha tkun proporzjonata*** bl-iskop li jiġi żgurat l-użu xieraq tal-fondi. L-istruttura ta' governanza għandha tkun komposta minn bord għall-investimenti u kumitat ta' ġestjoni ***u*** għandha tingħata l-kunsiderazzjoni dovuta lill-kompetenzi tal-BEI fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet sakemm ma jingħatax appoġġ lil proġetti żgħar permezz ta' self minn banek promozzjonali nazzjonali jew permezz ta' għotjiet permezz ta' programm nazzjonali li jikkondividi l-għanijiet tal-Fond għall-Modernizzazzjoni. L-investimenti ffinanzjati permezz tal-fond għandhom ikunu proposti mill-Istati Membri. Sabiex ikun żgurat li l-ħtiġijiet ta' investiment fl-Istati Membri bi dħul baxx ikunu indirizzati kif xieraq, id-distribuzzjoni tal-fondi għandha tikkunsidra f'ishma ugwali l-emissjonijiet verifikati u l-kriterji tal-PDG. L-għajnuna finanzjarja mill-Fond għall-Modernizzazzjoni tista' tingħata permezz ta' forom differenti.	(11) Għandu jiġi stabbiliti Fond għall-Modernizzazzjoni mit-2 % tal-kwoti totali tal-EU ETS, u għandu jiġi rkantat skont ir-regoli u l-modalitajiet għall-irkanti li jseħħu fuq il-Pjattaforma Komuni tal-Irkant stabbilita fir-Regolament ***(UE) Nru*** 1031/2010. L-Istati Membri li fl-2013 kellhom PDG per capita skont ir-rati tal-kambju tas-suq ta' inqas minn 60 % taħt il-medja tal-Unjoni għandhom ikunu eliġibbli għall-finanzjament mill-Fond għall-Modernizzazzjoni***. L-Istati Membri li fl-2014 kellhom PDG per capita f'EUR bi prezzijiet tas-suq taħt is-60 % tal-medja tal-Unjoni għandhom ikunu jistgħu,*** sal-2030***, jidderogaw*** mill-prinċipju ta' rkantar sħiħ għall-ġenerazzjoni tal-elettriku billi jużaw l-għażla ta' allokazzjoni bla ħlas sabiex jippromwovu b'mod trasparenti l-investimenti reali li jimmodernizzaw ***u jiddiversifikaw*** is-settur tal-enerġija tagħhom***, skont l-għanijiet tal-Unjoni għall-2030 u l-2050 dwar il-klima u l-enerġija,*** filwaqt li jevitaw distorsjonijiet tas-suq tal-enerġija intern. Ir-regoli għall-kontroll tal-Fond għall-Modernizzazzjoni għandhom jipprovdu qafas koerenti, komprensiv u trasparenti biex jiżguraw l-implimentazzjoni l-aktar effiċjenti possibbli, filwaqt li jikkunsidraw il-ħtieġa li l-parteċipanti kollha jkollhom aċċess faċli. ***Dawn ir-regoli għandhom ikunu trasparenti, ibbilanċjati u proporzjonati*** bl-iskop li jiġi żgurat l-użu xieraq tal-fondi. L-istruttura ta' governanza għandha tkun komposta minn bord għall-investimenti***, bord konsultattiv*** u kumitat ta' ġestjoni. Għandha tingħata l-kunsiderazzjoni dovuta lill-kompetenzi tal-BEI fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet sakemm ma jingħatax appoġġ lil proġetti żgħar permezz ta' self minn banek promozzjonali nazzjonali jew permezz ta' għotjiet permezz ta' programm nazzjonali li jikkondividi l-għanijiet tal-Fond għall-Modernizzazzjoni. L-investimenti ffinanzjati permezz tal-fond għandhom ikunu proposti mill-Istati Membri ***u kwalunkwe finanzjament mill-Fond għandu jikkonforma ma' kriterji speċifiċi ta' eliġibbiltà***. Sabiex ikun żgurat li l-ħtiġijiet ta' investiment fl-Istati Membri bi dħul baxx ikunu indirizzati kif xieraq, id-distribuzzjoni tal-fondi għandha tikkunsidra f'ishma ugwali l-emissjonijiet verifikati u l-kriterji tal-PDG. L-għajnuna finanzjarja mill-Fond għall-Modernizzazzjoni tista' tingħata permezz ta' forom differenti.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 17

Proposta għal direttiva

Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
(12) Il-Kunsill Ewropew ikkonferma li l-modalitajiet, inkluża t-trasparenza, tal-allokazzjoni bla ħlas mhux obbligatorja għall-immodernizzar tas-settur tal-enerġija f'ċerti Stati Membri għandhom jittejbu. L-investimenti b'valur ta' EUR10 miljun jew iżjed għandhom jintgħażlu mill-Istat Membru kkonċernat permezz ta' proċess ta' offerti kompetittiv fuq il-bażi ta' regoli ċari u trasparenti biex jiġi żgurat li l-allokazzjoni bla ħlas tintuża biex tippromwovi investimenti reali għall-immodernizzar tas-settur tal-enerġija b'konformità mal-għanijiet tal-Unjoni tal-Enerġija. Investimenti b'valur ta' inqas minn EUR10 miljun ukoll għandhom ikunu eliġibbli għall-finanzjament mill-allokazzjoni bla ħlas. L-Istat Membru kkonċernat għandu jagħżel investimenti bħal dawn fuq il-bażi ta' kriterji ċari u trasparenti. ***Ir-riżultati*** ta' ***dan il-proċess*** ta' għażla ***għandhom ikunu soġġetti għal konsultazzjoni pubblika***. Il-pubbliku għandu jkun informat kif dovut fl-istadju tal-għażla tal-proġetti ta' investiment kif ukoll dwar l-implimentazzjoni tagħhom.	(12) Il-Kunsill Ewropew ikkonferma li l-modalitajiet, inkluża t-trasparenza, tal-allokazzjoni bla ħlas mhux obbligatorja għall-immodernizzar ***u d-diversifikazzjoni*** tas-settur tal-enerġija f'ċerti Stati Membri għandhom jittejbu. L-investimenti b'valur ta' EUR10 miljun jew iżjed għandhom jintgħażlu mill-Istat Membru kkonċernat permezz ta' proċess ta' offerti kompetittiv fuq il-bażi ta' regoli ċari u trasparenti biex jiġi żgurat li l-allokazzjoni bla ħlas tintuża biex tippromwovi investimenti reali għall-immodernizzar ***jew id-diversifikazzjoni*** tas-settur tal-enerġija b'konformità mal-għanijiet tal-Unjoni tal-Enerġija***, inkluż l-għan tal-promozzjoni tat-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija***. Investimenti b'valur ta' inqas minn EUR10 miljun ukoll għandhom ikunu eliġibbli għall-finanzjament mill-allokazzjoni bla ħlas. L-Istat Membru kkonċernat għandu jagħżel investimenti bħal dawn fuq il-bażi ta' kriterji ċari u trasparenti. ***Il-proċess ta' għażla għandu jkun soġġett għal konsultazzjoni pubblika u r-riżultati*** ta' ***tali proċess*** ta' għażla***, inklużi l-proġetti rrifjutati, għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku***. Il-pubbliku għandu jkun informat kif dovut fl-istadju tal-għażla tal-proġetti ta' investiment kif ukoll dwar l-implimentazzjoni tagħhom. ***L-Istati Membri għandu jkollhom il-possibilità li jittrasferixxu, parzjalment jew kompletament, il-kwoti korrispondenti lill-Fond għall-Modernizzazzjoni jekk ikunu eliġibbli biex jużaw iż-żewġ strumenti. Id-deroga għandha tintemm sa tmiem il-perjodu ta' negozjar fl-2030.***

Emenda 18

Proposta għal direttiva

Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
(13) Il-finanzjament tal-EU ETS għandu jkun koerenti ma' programmi oħra ta' finanzjament tal-Unjoni, inklużi ***l-Fondi*** Strutturali u ta' Investiment Ewropej, sabiex tiġi żgurata l-effikaċja tan-nefqa pubblika.	(13) Il-finanzjament tal-EU ETS għandu jkun koerenti ma' programmi oħra ta' finanzjament tal-Unjoni, inklużi ***Orizzont 2020, il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, il-Fondi*** Strutturali u ta' Investiment Ewropej ***u l-Istrateġija dwar il-Klima tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI)***, sabiex tiġi żgurata l-effikaċja tan-nefqa pubblika.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 19

Proposta għal direttiva

Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
(14) Id-dispożizzjonijiet eżistenti li huma fis-seħħ għal installazzjonijiet żgħar li għandhom jiġu esklużi mill-EU ETS ***jippermettu lill-installazzjonijiet li huma eskluži li jibqgħu tali,*** u għandu jkun possibbli għall-Istati Membri li jaġġornaw il-lista tagħhom ta' installazzjonijiet eskluži u għall-Istati Membri li fil-preżent mhux qed jużaw din l-għażla biex jagħmlu hekk fil-bidu ta' kull perjodu ta' negozjar.	(14) Id-dispożizzjonijiet eżistenti li huma fis-seħħ għal installazzjonijiet żgħar li għandhom jiġu eskluži mill-EU ETS ***għandhom jiġu estiżi biex ikopru installazzjonijiet imħaddma minn intrapriżi żgħar*** u ***medji (SMEs) b'emissjonijiet ta' inqas minn 50 000 tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO2 f'kull waħda mit-tliet snin ta' qabel is-sena tal-applikazzjoni għall-esklużjoni.*** Għandu jkun possibbli għall-Istati Membri li jaġġornaw il-lista tagħhom ta' installazzjonijiet eskluži u għall-Istati Membri li fil-preżent mhux qed jużaw din l-għażla biex jagħmlu hekk fil-bidu ta' kull perjodu ta' negozjar ***u f'nofs il-perjodu. Għandu jkun possibbli wkoll li l-installazzjonijiet li jipproduċu anqas minn 5 000 tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO2 f'kull waħda mit-tliet snin ta' qabel il-bidu ta' kull perjodu ta' negozjar li jkunu eskluži mill-EU ETS, b'soġġett għal reviżjoni kull ħames snin. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri alternattivi ekwivalenti għall-installazzjonijiet li għażlu li jibqgħu barra ma jirriżultawx fi spiża ta' konformità ikbar. Ir-rekwiżiti ta' monitoraġġ, rapportar u verifika għandhom jiġu ssimplifikati għal emittenti żgħar koperti bl-EU ETS.***

Emenda 20

Proposta għal direttiva

Premessa 16a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
	(16a) Sabiex jitnaqqas b'mod konsiderevoli l-piż amministrattiv li jiffaċċjaw il-kumpaniji, il-Kummissjoni għandu jkollha l-possibilità li tqis miżuri bħal pereżempju l-awtomatizzar tas-sottomissjoni u l-verifika tar-rapporti dwar l-emissjonijiet, filwaqt li tisfrutta bis-sħiħ il-potenzjal tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni;

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 21

Proposta għal direttiva

Premessa 17a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
	(17a) L-atti delegati msemmija fl-Artikoli 14 u 15 għandhom jissimplifikaw ir-regoli ta' monitoraġġ, rappurtar u verifika kemm jista' jkun sabiex titnaqqas il-burokrazija żejda għall-operaturi. L-att delegat imsemmi fl-Artikolu 19(3) għandu jiffaċilita l-aċċess għar-reġistru u l-użu tiegħu, speċjalment għall-operaturi ż-żgħar.

Emenda 22

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt - 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
	(-1) Fit-test kollu tad-Direttiva, it-terminu "skema Komunitarja" huwa sostitwit b'"EU ETS" u din is-sostituzzjoni hija akkumpanjata minn kwalunkwe bidla grammatikali neċessarja.

Emenda 23

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt - 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
	(-1a) Fit-test kollu tad-Direttiva, it-terminu "il-Komunità kollha" huwa sostitwit b'"l-Unjoni kollha";

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 24

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt - 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
	(-1b) Fit-test kollu tad-Direttiva, ħlief fil-każijiet imsemmija fil-punti (-1) u (-1a) u fl-Artikolu 26(2), it-terminu "Komunità" huwa sostitwit b'"Unjoni" u din is-sostituzzjoni hija akkumpanjata minn kwalunkwe bidla grammatikali neċessarja;

Emenda 25

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt - 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
	(-1c) Fit-test kollu tad-Direttiva, il-kliem "il-proċedura riferita fl-Artikolu 23(2)" huwa sostitwit bil-kliem "proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 30c(2)";

Emenda 26

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt - 1d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
	(-1d) Fl-Artikolu 3 g, fil-punt (d) tal-Artikolu 5(1), fil-punt (c) tal-Artikolu 6(2), fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 10a(2), fl-Artikolu 14(2), (3) u (4), fl-Artikolu 19(1) u (4) u fl-Artikolu 29a(4) il-kelma "regolament" hija sostitwita bil-kelma "att" u dawn is-sostituzzjonijiet huma akkumpanjati minn kwalunkwe bidla grammatikali neċessarja;

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 28

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt - 1f (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 3 – punt h

Test fis-seħħ	***Emenda***
	(-1f) Fl-Artikolu 3, il-punt (h) huwa sostitwit b'dan li ġej:
"(h) 'istallazzjoni li daħlet ġdida fis-suq' tfisser:	"(h) 'istallazzjoni li daħlet ġdida fis-suq' tfisser:
— kwalunkwe istallazzjoni li tagħmel attività waħda jew iżjed indikati fl-Anness I, li tkun akkwistat permess tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-ewwel darba, wara t-30 ta' Ġunju ***2011***,	— kwalunkwe istallazzjoni li tagħmel attività waħda jew iżjed indikati fl-Anness I, li tkun akkwistat permess tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-ewwel darba, wara t-30 ta' Ġunju ***2018***,
— kwalunkwe istallazzjoni li tagħmel attività li tiġi inkluża fl-iskema ***Komunitarja taħt*** l-Artikolu 24(1) jew (2), għall-ewwel darba, jew	— kwalunkwe istallazzjoni li tagħmel attività li tiġi inkluża fl-iskema ***tal-Unjoni skont*** l-Artikolu 24(1) jew (2), għall-ewwel darba, jew
— kull istallazzjoni li twettaq attività waħda jew iżjed indikati fl-Anness I jew attività li tiġi inkluża fl-iskema ***Komunitarja taħt*** l-Artikolu 24(1) jew (2), li kellha estensjoni sinifikanti wara t-30 ta' Ġunju ***2011***, safejn hija kkonċernata din l-estensjoni;"	— kull istallazzjoni li twettaq attività waħda jew iżjed indikati fl-Anness I jew attività li tiġi inkluża fl-iskema ***tal-Unjoni skont*** l-Artikolu 24(1) jew (2), li kellha estensjoni sinifikanti wara t-30 ta' Ġunju ***2018***, safejn hija kkonċernata din l-estensjoni;"

Emenda 29

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt - 1 g (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 3 – punt ua (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
	(-1 g) Fl-Artikolu 3, jiżdied il-punt li ġej:

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
	"(ua) 'emittent żgħir' tfisser installazzjoni b'emissjonijiet baxxi li tkun operata minn intrapriża żgħira jew ta' daqs medju [1a] ***u li tissodisfa mill-inqas wieħed mill-kriterji li ġejjin:***
	— l-emissjonijiet medji annwali vverifikati ta' dik l-istallazzjoni rrapportati lill-awtorità kompetenti rilevanti matul il-perjodu ta' negozjar immedjatament qabel il-perjodu ta' negozjar attwali, bl-esklużjoni tas-CO2 li jirriżulta mill-bijomassa u qabel kwalunkwe tnaqqis tas-CO2 trasferit, ikunu inqas minn 50 000 tunnellata ta' ekwivalenti għad-diossidu tal-karbonju fis-sena;
	— l-emissjonijiet medji annwali msemmija fl-ewwel inċiż ma jkunux disponibbli għal dik l-istallazzjoni jew ma jkunux għadhom applikabbli għal dik l-istallazzjoni minħabba tibdil fil-konfini tal-istallazzjoni jew tibdil fil-kundizzjonijiet operattivi tal-istallazzjoni, imma l-emissjonijiet annwali ta' dik l-istallazzjoni għall-ħames snin li jmiss, bl-esklużjoni tas-CO2 li jirriżulta mill-bijomassa u qabel it-tnaqqis tas-CO2 trasferit, ikunu mistennija li jammontaw għal inqas minn 50 000 tunnellata ta' diossidu tal-karbonju fis-sena."
	[1a] ***Kif definit fl-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE***

Emenda 30

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt - 1h (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 3c – paragrafu 2

Test fis-seħħ	***Emenda***
	(-1h) Fl-Artikolu 3c, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
"2. Għall-perijodu msemmi fl-Artikolu 13***(1)*** li jibda fl-1 ta' Jannar 2013, u, fin-nuqqas ta' kwalunkwe emenda wara r-reviżjoni msemmija fl-Artikolu 30(4), għal kull perijodu sussegwenti, il-kwantità totali tal-kwoti li għandhom jiġu allokati lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru għandha tkun ekwivalenti għal 95 % tal-emissjonijiet storiċi mill-avjazzjoni mmultiplikati bin-numru ta' snin f'dak il-perijodu.	"2. Għall-perijodu msemmi fl-Artikolu 13 li jibda fl-1 ta' Jannar 2013, u, fin-nuqqas ta' kwalunkwe emenda wara r-reviżjoni msemmija fl-Artikolu 30(4), għal kull perijodu sussegwenti, il-kwantità totali tal-kwoti li għandhom jiġu allokati lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru għandha tkun ekwivalenti għal 95 % tal-emissjonijiet storiċi mill-avjazzjoni mmultiplikati bin-numru ta' snin f'dak il-perijodu.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Test fis-seħħ	***Emenda***
	Il-kwantità totali tal-kwoti li għandhom jiġu allokati lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru fl-2021 għandha tkun 10 % anqas mill-allokazzjoni medja għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2016, u mbagħad tonqos kull sena bl-istess rata bħal dik tal-limitu massimu totali tal-EU ETS imsemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 10(1), sabiex il-limitu massimu għas-settur tal-avjazzjoni jsir aktar konformi mas-setturi l-oħra tal-EU ETS sal-2030.
	Għall-attivitajiet tal-avjazzjoni minn u lejn ajrudromi li jinsabu barra ż-ŻEE, il-kwantità ta' kwoti li jridu jiġu allokati mill-2021'il quddiem tista' tiġi aġġustata b'kont meħud tal-mekkaniżmu globali bbażat fuq is-suq futur li ntlaħaq qbil dwaru fl-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) fid-39 assemblea tagħha. Sal-2019, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar dawk l-attivitajiet wara l-40 assemblea tal-ICAO.
Dan il-persentaġġ jista' jkun rivedut bħala parti mir-reviżjoni ġenerali ta' din id-Direttiva."	Dan il-persentaġġ jista' jkun rivedut bħala parti mir-reviżjoni ġenerali ta' din id-Direttiva."

Emenda 31

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt - 1i (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 3c – paragrafu 4

Test fis-seħħ	***Emenda***
	(-1i) Fl-Artikolu 3c(4), l-aħħar sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:
Dik id-deċiżjoni għandha tiġi kkunsidrata fil-Kumitat imsemmi fl-Artikolu ***23***(1).	Dik id-deċiżjoni għandha tiġi kkunsidrata fil-Kumitat imsemmi fl-Artikolu ***30c***(1).

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 32

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt - 1j (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 3d – paragrafu 2

Test fis-seħħ	***Emenda***
	(-1j) Fl-Artikolu 3d, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
"2. Mill-1 ta' Jannar ***2013***, ***15*** % tal-kwoti għandhom ikunu rkantati***. Dan il-persentaġġ jista' jiġi miżjud, bħala parti mill-reviżjoni ġenerali ta' din id-Direttiva***."	"2. Mill-1 ta' Jannar ***2021***, ***50*** % tal-kwoti għandhom ikunu rkantati."

Emenda 33

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 1

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 3d – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
(1) Fl-Artikolu 3d(3), it-tieni subparagrafu huwa mibdul b'dan li ġej:	(1) Fl-Artikolu 3d, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
"Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att delegat skont l-Artikolu 23".	***"3.*** Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu ***30b, biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi l-arranġamenti dettaljati għall-irkantar mill-Istati Membri tal-kwoti li mhux meħtieġa jinħarġu bla ħlas skont il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu jew l-Artikolu 3f(8). In-numru ta' kwoti li għandhom jiġu rkantati f'kull perijodu minn kull Stat Membru għandu jkun proporzjonat għas-sehem tiegħu tat-total tal-emissjonijiet attribwiti għall-avjazzjoni tal-Istati Membri kollha għas-sena ta' referenza rrappurtati skont l-Artikolu 14(3) u vverifikati skont l-Artikolu 15. Għall-perijodu msemmi fl-Artikolu 3c(1), is-sena ta' referenza għandha tkun l-2010 u għal kull perijodu sussegwenti msemmi fl-Artikolu 3c is-sena ta' referenza għandha tkun is-sena kalendarja li tispiċċa 24 xahar qabel il-bidu tal-perijodu li għalih jirreferi l-irkant."***

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 34

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 1a (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test fis-seħħ	***Emenda***
	(1a) Fl-Artikolu 3d(4), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
"4. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-użu li għandu jsir mid-dħul iġġenerat mill-irkant ta' kwoti tal-avjazzjoni. Dak id-dħul ***għandu*** jintuża biex jitratta t-tibdil fil-klima fl-UE u f'pajjiżi terzi, inter alia biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra, biex ikunu adattati l-impatti tat-tibdil fil-klima fl-UE u f'pajjiżi terzi, speċjalment fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, biex jiġu ffinanzjati r-riċerka u l-iżvilupp għall-mitigazzjoni u l-adattament, inkluż b'mod partikolari fl-oqsma tal-aeronawtika u tat-trasport bl-ajru, biex jitnaqqsu l-emissjonijiet permezz ta' mezzi tat-trasport b'emissjonijiet baxxi, u biex ikopri l-ispejjeż amministrattivi tal-iskema ***Komunitarja***. Id-dħul mill-bejgħ bl-irkant ***għandu*** jintuża wkoll sabiex jiffinanzja kontribuzzjonijiet għall-Fond Globali għall-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija u għall-Enerġija Rinnovabbli, u għal miżuri biex tiġi evitata d-deforestazzjoni."	"4. Id-dħul ***kollu jrid*** jintuża biex jitratta t-tibdil fil-klima fl-UE u f'pajjiżi terzi, inter alia biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra, biex ikunu adattati l-impatti tat-tibdil fil-klima fl-UE u f'pajjiżi terzi, speċjalment fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, biex jiġu ffinanzjati r-riċerka u l-iżvilupp għall-mitigazzjoni u l-adattament, inkluż b'mod partikolari fl-oqsma tal-aeronawtika u tat-trasport bl-ajru, biex jitnaqqsu l-emissjonijiet permezz ta' mezzi tat-trasport b'emissjonijiet baxxi, u biex ikopri l-ispejjeż amministrattivi tal-iskema ***tal-Unjoni***. Id-dħul mill-bejgħ bl-irkant ***jista'*** jintuża wkoll sabiex jiffinanzja kontribuzzjonijiet għall-Fond Globali għall-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija u għall-Enerġija Rinnovabbli, u għal miżuri biex tiġi evitata d-deforestazzjoni."

Emenda 35

Proposta għal direttiva

Artikol 1, punt 1b (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 3e – paragrafu 1a (ġdid)

Test fis-seħħ	***Emenda***
	(1b) Fl-Artikolu 3e, jiżdied il-paragrafu li ġej:
	"1a. Mill-2021 'il quddiem, ma għandha tingħata l-ebda kwota bla ħlas skont din id-Direttiva lis-settur tal-avjazzjoni sakemm din ma tkunx ikkonfermata b'deċiżjoni sussegwenti adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, peress li r-Riżoluzzjoni tal-ICAO A-39/3 tipprevedi li mill-2021 tibda tapplika miżura globali bbażata fuq is-suq. F'dan ir-rigward, il-koleġiżlaturi għandhom iqisu l-interazzjoni bejn dik il-miżura bbażata fuq is-suq u l-EU ETS."

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 36

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 2a (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Kapitolu IIa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
	(2a) Jiddaħħal il-Kapitolu li ġej:
	"KAPITOLU IIa
	L-inklużjoni tat-trasport bil-baħar fin-nuqqas ta' progress fil-livell internazzjonali
	Artikolu 3ga
	Introduzzjoni
	Mill-2021, fin-nuqqas ta' sistema komparabbli li topera taħt l-OMI, l-emissjonijiet tas-CO2 li jseħħu fil-portijiet tal-Unjoni u matul vjaġġi lejn u minn portijiet tal-Unjoni, għandhom jittieħdu inkonsiderazzjoni permezz tas-sistema stabbilita f'dan il-Kapitolu, li għandha tkun operattiva mill-2023.
	Artikolu 3gb
	Kamp ta' applikazzjoni
	Sal-1 ta' Jannar 2023, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu għandhom japplikaw għall-allokazzjoni u l-ħruġ tal-kwoti fir-rigward tal-emissjonijiet tas-CO2 minn vapuri li jkunu f'portijiet, li jaslu f'portijiet jew li jitilqu minn portijiet taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru b'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2015/757. L-Artikoli 12 u 16 għandhom japplikaw għall-attivitajiet marittimi bl-istess mod bħal għal attivitajiet oħrajn.
	Artikolu 3gc
	Kwoti żejda għas-settur marittimu
	Sal-1 ta' Awwissu 2021, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 30b sabiex tissupplemeta din id-Direttiva billi tistabbilixxi l-kwantità totali ta' kwoti għas-settur marittimu b'konformità ma' setturi oħra, il-metodu ta' allokazzjoni ta' kwoti għal dak is-settur permezz tal-irkantar u d-dispożizzjonijiet speċjali rigward l-Istat Membru li jamministra. Meta s-settur marittimu jiġi inkluż fl-EU ETS, l-ammont totali ta' kwoti għandu jiżdied b'dak l-ammont.
	20 % tad-dħul iġġenerat mill-irkantar tal-kwoti msemmija fl-Artikolu 3gd għandu jintuża permezz tal-fond stabbilit skont dak l-Artikolu ('Il-Fond tal-Klima Marittima') għat-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija u biex jiġu appoġġjati investimenti f'teknoloġiji innovattivi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO2 fis-settur marittimu, inkluži t-trasport marittimu fuq distanzi qosra u l-portijiet.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
	Artikolu 3gd
	Fond tal-Klima Marittima
	1. Għandu jiġi stabbilit fond bl-għan li jikkumpensa għall-emissjonijiet marittimi, itejjeb l-effiċjenza fl-enerġija u jiffaċilita l-investimenti fit-teknoloġiji innovattivi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mis-settur marittimu fil-livell tal-Unjoni.
	2. L-operaturi tal-vapuri jistgħu jħallsu, fuq bażi volontarja, kontribuzzjoni ta' sħubija annwali lill-fond, b'konformità mal-emissjonijiet totali tagħhom irrappurtati għas-sena kalendarja preċedenti skont ir-Regolament (UE) 2015/757. B'deroga mill-Artikolu 12(3), il-fond għandu jirrinunzja l-kwoti b'mod kollettiv f'isem l-operaturi ta' vapuri li jkunu membri tal-fond. Il-kontribuzzjoni għal kull tunnellata ta' emissjonijiet għandha tiġi stabbilita mill-fond sat-28 ta' Frar kull sena, u m'għandhiex tkun inqas mil-livell tal-prezz tas-suq għall-kwoti fis-sena preċedenti.
	3. Il-fond għandu jikseb kwoti ekwivalenti għall-kwantità totali kollettiva tal-emissjonijiet tal-membri tiegħu waqt is-sena kalendarja preċedenti u jirrinunzjahom fir-reġistru stabbilit fl-Artikolu 19 sat-30 ta' April kull sena għal kanċellazzjoni sussegwenti. Il-kontribuzzjonijiet għandhom isiru pubbliċi.
	4. Il-fond għandu jtejjeb ukoll l-effiċjenza fl-enerġija u jiffaċilita l-investimenti fit-teknoloġiji innovattivi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju fis-settur marittimu, inklużi t-trasport marittimu fuq distanzi qosra u l-portijiet, permezz tad-dħul imsemmi fl-Artikolu 3gc. L-investimenti kollha appoġġjati mill-fond għandhom ikunu pubbliċi u konsistenti mal-għanijiet ta' din id-Direttiva.
	5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat skont l-Artikolu 30b biex tissupplementa din id-Direttiva rigward l-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu.
	Artikolu 3ge
	Kooperazzjoni internazzjonali
	F'każ li jintlaħaq ftehim internazzjonali dwar miżuri globali biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-trasport marittimu, il-Kummissjoni għandha tirrevedi din id-Direttiva u jekk ikun xieraq għandha tipproponi emendi sabiex tiżgura allinjament ma' dak il-ftehim internazzjonali."

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 37

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 2b (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 5 – subparagrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
	(2b) Fl-Artikolu 5, subparagrafu 1, jiżdied il-punt li ġej:
	"(da) it-teknoloġiji CCU kollha li se jintużaw fl-istallazzjoni sabiex jgħinu biex jitnaqqsu l-emissjonijiet",

Emenda 38

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 2c (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 6 – paragrafu 2 – punti ea u eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
	(2c) Fl-Artikolu 6(2), jiżdiedu l-punti li ġejjin:
	"(ea) ir-rekwiżiti legali kollha dwar ir-responsabbiltà soċjali u r-rapportar sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni ugwali u effettiva ta' regolamenti ambjentali u jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti u l-partijiet interessati, inklużi r-rappreżentanti tal-ħaddiema, ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u l-komunitajiet lokali, ikollhom aċċess għall-informazzjoni rilevanti kollha (kif stipulat fil-Konvenzjoni Aarhus u kif implimentat fid-dritt tal-Unjoni u nazzjonali, inkluż f'din id-Direttiva;
	(eb) obbligu li kull sena tiġi ppubblikata informazzjoni komprensiva fir-rigward tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-konformità mad-direttivi tal-Unjoni fil-qasam tal-ambjent, is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali; u li din l-informazzjoni tkun aċċessibbli għar-rappreżentanti tal-ħaddiema u għar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili mill-komunitajiet lokali fil-viċinanza tal-istallazzjoni."

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 39

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 2d (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 7

Test fis-seħħ	***Emenda***
	(2d) L-Artikolu 7 jinbidel b'dan li ġej:
"l-Artikolu 7	*"l-Artikolu 7*
"L-operatur għandu jinforma lill-awtorità kompetenti dwar kwalunkwe ***bidliet ippjanti*** fin-natura jew fl-operazzjoni, jew dwar estensjoni, jew tnaqqis sinifikanti fil-kapaċità, tal-installazzjoni li tista' tkun teħtieġ aġġornament tal-permess tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra. Fejn xieraq, l-awtorità kompetenti għandha taġġorna l-permess. Meta jkun hemm tibdil fl-identità tal-operatur tal-installazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha taġġorna l-permess ***biex tinkludi l-isem*** u ***l-indirizz*** tal-operatur il-ġdid."	"***Mingħajr dewmien żejjed,*** l-operatur għandu jinforma lill-awtorità kompetenti dwar kwalunkwe ***bidla ppjanata*** fin-natura jew fl-operazzjoni, jew dwar estensjoni, jew tnaqqis sinifikanti fil-kapaċità, tal-installazzjoni li tista' tkun teħtieġ aġġornament tal-permess tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra. Fejn xieraq, l-awtorità kompetenti għandha taġġorna l-permess. Meta jkun hemm tibdil fl-identità tal-operatur tal-installazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha taġġorna l-permess ***bl-informazzjoni rilevanti dwar l-identità*** u ***l-kuntatt*** tal-operatur il-ġdid."

Emenda 142

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 3

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 9 – paragrafi 2 u 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sa mill-2021, il-fattur lineari għandu jkun 2,2 %.	Sa mill-2021, il-fattur lineari għandu jkun 2,2 % ***u għandu jinżamm taħt rieżami bil-ħsieb li jiżdied għal 2,4 %, l-iktar kmieni sal-2024***.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 41

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 4 – punt a

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
(a) tliet subparagrafi ġodda huma miżjuda mal-paragrafu 1:	***(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:***
	"1. Mill-2019 'il quddiem, l-Istati Membri għandhom jirkantaw jew jikkanċellaw il-kwoti li ma jiġux allokati mingħajr ħlas skont l-Artikoli 10a u 10c u li ma jitqiegħdux fir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq."

Emenda 42

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 4 – punt a

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
Mill-2021 'il quddiem, is-sehem tal-kwoti li għandu jiġi rkantat ***mill-Istati Membri*** għandu jkun 57 %.	Mill-2021 'il quddiem, is-sehem tal-kwoti li għandu jiġi rkantat ***jew ikkanċellat*** għandu jkun 57 %***, u dak is-sehem għandu jonqos b'mhux aktar minn ħames punti perċentwali matul il-perjodu kollu ta' għaxar snin li jibda fl-1 ta' Jannar 2021 skont l-Artikolu 10a(5). Tali aġġustament għandu jsir biss fis-sura ta' tnaqqis fil-kwoti rkantati skont il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2. Meta ma jseħħ l-ebda aġġustament jew meta jkunu meħtieġa inqas minn ħames punti perċentwali biex isir aġġustament, il-kwantità li jifdal tal-kwoti għandha tiġi kkanċellata. Dan it-tħassir m'għandux jaqbeż il-200 miljun kwota.***

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 43

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 4 – punt a

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
2 % tal-kwantità totali tal-kwoti fil-perjodu ta' bejn l-2021 u l-2030 għandhom ikunu rkantati ***biex*** jiġi stabbilit fond għat-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija u l-immodernizzar tas-sistemi tal-enerġija ta' ċerti Stati Membri kif stabbilit fl-Artikolu 10d ta' din id-Direttiva ("il-Fond għall-Modernizzazzjoni").	2 % tal-kwantità totali tal-kwoti fil-perjodu ta' bejn l-2021 u l-2030 għandhom ikunu rkantati ***sabiex*** jiġi stabbilit fond għat-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija u l-immodernizzar tas-sistemi tal-enerġija ta' ċerti Stati Membri kif stabbilit fl-Artikolu 10d ta' din id-Direttiva ("il-Fond għall-Modernizzazzjoni"). ***Il-kwantità stabbilita f'dan is-subparagrafu għandha tifforma parti mis-sehem ta' 57 % tal-kwoti li jrid jiġi rkantat kif stabbilit fit-tieni subparagrafu.***

Emenda 44

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 4 – punt a

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
	Barra minn hekk, 3 % tal-kwantità totali tal-kwoti li jridu jinħarġu bejn l-2021 u l-2030 għandhom jiġu rkantati sabiex jiġu kkumpensati setturi jew sottosetturi esposti għal riskju ġenwin ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju minħabba spejjeż indiretti sinifikanti effettivament imġarrba b'riżultat ta' spejjeż relatati mal-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jiġu mgħoddija fil-prezzijiet tal-elettriku kif stabbilit fl-Artikolu 10a(6) ta' din id-Direttiva. Żewġ terzi tal-kwantità stabbilita f'dan is-subparagrafu għandhom jiffurmaw parti mis-sehem ta' 57 % tal-kwoti li jrid jiġi rkantat kif stabbilit fit-tieni subparagrafu.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 45

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 4 – punt a

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
	Mill-1 ta' Jannar 2021 se jinħoloq Fond ta' Tranżizzjoni Ġusta biex jikkomplementa l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond Soċjali Ewropew u dan għandu jkun iffinanzjat mill-ġbir komuni ta' 2 % tad-dħul mill-irkant;
	Id-dħul minn dawn l-irkantijiet għandu jibqa' fil-livell tal-Unjoni, u għandu jintuża biex jiġu appoġġjati reġjuni li għandhom kemm sehem għoli ta' ħaddiema f'setturi li jiddependu mill-karbonju kif ukoll PDG per capita inqas sew mill-medja tal-Unjoni. Dawn il-miżuri għandhom jirrispettaw il-prinċipju tas-sussidjarjetà.
	Id-dħul mill-irkant immirat lejn tranżizzjoni ġusta jista' jintuża f'modi differenti, bħal pereżempju:
	— ħolqien ta' ċelluli ta' riallokazzjoni u/jew mobilità,
	— inizjattivi ta' edukazzjoni/taħriġ biex il-ħaddiema jitħarrġu mill-ġdid jew itejbu l-ħiliet tagħhom,
	— għajnuna fit-tfittxija ta' impjieg,
	— ħolqien ta' negozju, u
	— miżuri ta' monitoraġġ u miżuri preventivi biex jiġi evitat jew minimizzat l-impatt negattiv tal-proċess ta' ristrutturar fuq is-saħħa fiżika u mentali.
	Peress li l-attivitajiet prinċipali li jridu jiġu ffinanzjati mill-Fond ta' Tranżizzjoni Ġusta huma relatati ħafna mas-suq tax-xogħol, is-sħab soċjali għandhom ikunu involuti b'mod attiv fil-ġestjoni tal-fond – abbażi tal-mudell tal-Kumitat tal-Fond Soċjali Ewropew – filwaqt li l-parteċipazzjoni tas-sħab soċjali lokali għandha tkun rekwiżit ewlieni għall-proġetti biex iġibu l-finanzi.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 46

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 4 – punt a

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
Il-kwantità totali li jifdal tal-kwoti li jridu jiġu rkantati mill-Istati Membri għandha tkun distribwita skont il-paragrafu 2.	Il-kwantità totali li jifdal tal-kwoti li jridu jiġu rkantati mill-Istati Membri***, wara li titnaqqas il-kwantità tal-kwoti msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10a(8),*** għandha tkun distribwita skont il-paragrafu 2.

Emenda 47

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 4 – punt a

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
	Fl-1 ta' Jannar 2021, għandhom jitħassru 800 miljun kwota mir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq.

Emenda 48

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 4 – punt b – punt ii

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
(b) 10 % tal-kwantità totali tal-kwoti li jridu jiġu rkantati għandhom ikunu distribwiti fost ċerti Stati Membri għal skopijiet ta' solidarjetà u tkabbir fil-Komunità, li jżid l-ammont ta' kwoti li dawk l-Istati Membri jirkantaw taħt il-punt (a) bil-perċentwali speċifikati fl-Anness IIa.	(b) 10 % tal-kwantità totali tal-kwoti li jridu jiġu rkantati għandhom ikunu distribwiti fost ċerti Stati Membri għal skopijiet ta' solidarjetà u tkabbir fil-Komunità, li jżid l-ammont ta' kwoti li dawk l-Istati Membri jirkantaw taħt il-punt (a) bil-perċentwali speċifikati fl-Anness IIa. ***Fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri li huma eliġibbli biex jibbenefikaw mill-Fond għall-Modernizzazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 10d, is-sehem tagħhom tal-kwoti speċifikat fl-Anness IIa għandu jiġi ttrasferit għas-sehem tagħhom fil-Fond għall-Modernizzazzjoni.***

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 49

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 4 – punt ba (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test fis-seħħ	***Emenda***
	(ba) fil-paragrafu 3, il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:
"3. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-użu li għandu jsir ***minn dħul ġenerat*** mill-irkant ta' kwoti. ***Talanqas 50*** % tad-dħul ***ġenerat*** mill-irkant tal-kwoti ***msemmija*** fil-paragrafu 2***, inkluż id-dħul kollu mill-irkant imsemmi fil-punti (b) u (c) tal-paragrafu 2,*** jew l-ekwivalenti fil-valur finanzjarju ta' dan id-dħul, ***għandhom jiġu użati*** għal wieħed jew iżjed minn dan/dawn li ġej/ġejjin:"	"3. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-użu li għandu jsir ***mid-dħul iġġenerat*** mill-irkant ta' kwoti. ***100*** % tad-dħul ***totali ġġenerat*** mill-irkant tal-kwoti ***msemmi*** fil-paragrafu 2 jew l-ekwivalenti fil-valur finanzjarju ta' dan id-dħul, ***għandu jintuża*** għal wieħed jew iżjed minn dan/dawn li ġej/ġejjin:"

Emenda 50

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 4 – punt bb (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt b

Test fis-seħħ	***Emenda***
	(bb) fil-paragrafu 3, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:
"(b) biex jiġu żviluppati enerġiji rinnovabbli biex jissodisfaw l-impenn ***tal-Komunità tal-użu ta' 20 % ta' enerġiji*** rinnovabbli sal-***2020***, kif ukoll biex jiġu żviluppati teknoloġiji oħra li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni għal ekonomija sikura u sostenibbli b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju u biex jgħinu fis-sodisfazzjon tal-impenn ***tal-Komunità*** li ***tiżdied*** l-effiċjenza fl-enerġija ***b'20 % sal-2020***;"	"(b) biex jiġu żviluppati enerġiji rinnovabbli biex jissodisfaw l-impenn ***tal-Unjoni fil-qasam tal-enerġiji*** rinnovabbli sal-***2030***, kif ukoll biex jiġu żviluppati teknoloġiji oħra li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni għal ekonomija sikura u sostenibbli b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju u biex jgħinu fis-sodisfazzjon tal-impenn ***tal-Unjoni*** li***, sal-2030,*** l-effiċjenza fl-enerġija ***tiżdied għal-livelli maqbula fl-atti leġiżlattivi xierqa***;"

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 51

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 4 – punt bc (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt f

Test fis-seħħ	***Emenda***
	(bc) fil-paragrafu 3, il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:
"(f) biex jinkoraġġixxu ċaqliq lejn emissjonijiet baxxi u forom pubbliċi ta' trasport;"	"(f) biex jinkoraġġixxu ċaqliq lejn emissjonijiet baxxi u forom pubbliċi ta' trasport ***u jappoġġjaw – sakemm l-ispejjeż tas-CO2 ma jkunux riflessi b'mod simili għal modi oħra tat-trasport bis-superfiċje – modi ta' trasport elettrifikati bħalma huma l-ferroviji jew modi oħra tat-trasport bis-superfiċje elettrifikati b'kont meħud tal-ispejjeż indiretti tagħhom b'rabta mal-UE ETS***;"

Emenda 52

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 4 – punt bd (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt h

Test fis-seħħ	***Emenda***
	(bd) fil-paragrafu 3, il-punt (h) huwa sostitwit b'dan li ġej:
"(h) miżuri maħsuba biex iżidu l-effiċjenza fl-enerġija u l-insulazzjoni jew jipprovdu appoġġ finanzjarju sabiex jiġu indirizzati aspetti soċjali f'familji bi dħul baxx u medju;"	"(h) miżuri maħsuba biex iżidu l-effiċjenza fl-enerġija***, is-sistemi ta' tisħin distrettwali*** u l-insulazzjoni jew jipprovdu appoġġ finanzjarju sabiex jiġu indirizzati aspetti soċjali f'familji bi dħul baxx u medju;"

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 53

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 4 – sottopunt c

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
(j) għall-finanzjament ta' miżuri finanzjarji li jiffavorixxu setturi jew sottosetturi li huma esposti għal riskju ġenwin ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju minħabba spejjeż indiretti sinifikanti li huma effettivament imġarrba mill-ispejjeż tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jgħaddu fil-prezzijiet tal-elettriku, sakemm dawn il-miżuri jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 10a(6);	(j) għall-finanzjament ta' miżuri finanzjarji li jiffavorixxu setturi jew sottosetturi li huma esposti għal riskju ġenwin ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju minħabba spejjeż indiretti sinifikanti li huma effettivament imġarrba mill-ispejjeż tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jgħaddu fil-prezzijiet tal-elettriku, sakemm ***ma jintużax aktar minn 20 % tad-dħul għal dan l-iskop, u*** sakemm dawn il-miżuri jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 10a(6);

Emenda 54

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 4 – punt c

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt l

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
(l) ***għall-promozzjoni*** tal-formazzjoni tal-ħiliet u r-riallokazzjoni tal-ħaddiema affettwati mit-tranżizzjoni tal-impjiegi ***f'ekonomija ta' dekarbonizzazzjoni,*** f'koordinazzjoni mill-qrib mal-imsieħba soċjali.	(l) ***għall-indirizzar tal-impatt soċjali tad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomiji tagħhom u għall-promozzjoni*** tal-formazzjoni tal-ħiliet u r-riallokazzjoni tal-ħaddiema affettwati mit-tranżizzjoni tal-impjiegi f'koordinazzjoni mill-qrib mal-imsieħba soċjali.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 55

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 4 – punt ca (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
	(ca) fil-paragrafu 3, jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:
	"Din l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta permezz ta' formola standardizzata mħejjija mill-Kummissjoni, li tinkludi informazzjoni dwar l-użu tad-dħul mill-irkantar għall-kategoriji differenti u l-addizzjonalità tal-użu tal-fondi. Il-Kummissjoni għandha tagħmel din l-informazzjoni pubblika fuq is-sit web tagħha."

Emenda 56

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 4 – punt cb (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test fis-seħħ	***Emenda***
	(cb) fil-paragrafu 3, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
"L-Istati Membri ***ikunu kunsidrati*** bħala li ssodisfaw id-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu jekk jistabbilixxu u jimplimentaw politika ta' appoġġ fiskali jew finanzjarju, inkluż b'mod partikolari fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, jew linji politiċi regolatorji domestiċi li ***jaffettwaw l-appoġġ*** finanzjarju, stabbiliti għar-raġunijiet stipulati fl-ewwel subparagrafu u li jkollhom valur ***ekwivalenti*** għal ***mill-inqas 50*** % tad-dħul ġenerat mill-irkant tal-kwoti ***msemmija*** fil-paragrafu 2***, inkluż id-dħul kollu mill-irkant imsemmi fil-punti (b) u (c) tal-paragrafu 2***."	"L-Istati Membri ***jkunu kkunsidrati*** bħala li ssodisfaw id-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu jekk jistabbilixxu u jimplimentaw politika ta' appoġġ fiskali jew finanzjarju, inkluż b'mod partikolari fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, jew linji politiċi regolatorji domestiċi li ***jippromwovu appoġġ*** finanzjarju ***addizzjonali***, stabbiliti għar-raġunijiet stipulati fl-ewwel subparagrafu u li jkollhom valur għal ***100*** % tad-dħul ġenerat mill-irkant tal-kwoti ***msemmi*** fil-paragrafu 2 ***u jkunu rrappurtaw dawn il-politiki permezz ta' formola standardizzata pprovduta mill-Kummissjoni***."

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 57

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 4 – punt d

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafi 1, 2 u 3

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
(d) ***it-tielet subparagrafu tal-paragrafu*** 4 ***huwa mibdul*** b'dan li ġej:	(d) ***fil-paragrafu*** 4, ***l-ewwel, it-tieni u t-tielet subparagrafi huma sostitwiti*** b'dan li ġej:
"Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta ***att delegat*** skont l-Artikolu ***23"***.	"***4***. ***Il-Kummissjoni*** tingħata s-setgħa li tadotta ***atti delegati,*** skont l-Artikolu ***30b, biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi arranġamenti dettaljati għall-ħinijiet, l-amministrazzjoni u aspetti oħra tal-irkantar sabiex jiġi żgurat li jitwettaq b'mod miftuħ, trasparenti, armonizzat u mhux diskriminatorju. Għal dan il-għan, il-proċess għandu jkun prevedibbli, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħinijiet u s-sekwenzjar tal-irkanti u l-volumi stmati ta' kwoti li jridu jsiru disponibbli. Meta valutazzjoni tas-setturi industrijali individwali turi li ma jkunux mistennija impatti sinifikanti fuq setturi jew sottosetturi esposti għal riskju sinifikanti ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, il-Kummissjoni tista', f'ċirkostanzi eċċezzjonali, tadatta l-iskeda għall-perjodu msemmi fl-Artikolu 13(1) li jibda fl-1 ta' Jannar 2013 biex tiżgura l-funzjonament xieraq tas-suq. Il-Kummissjoni m'għandhiex tagħmel aktar minn adattament wieħed bħal dan, għal għadd massimu ta' 900 miljun kwota.*** ***L-irkanti għandhom jitfasslu biex jiżguraw li:*** ***(a) l-operaturi, u b'mod partikolari kwalunkwe SME koperta mill-EU ETS, ikollhom aċċess sħiħ, ġust u ekwitabbli,*** ***(b) il-parteċipanti kollha jkollhom aċċess għall-istess informazzjoni fl-istess ħin u li l-parteċipanti ma jimminawx il-proċess tal-irkant,*** ***(c) l-organizzazzjoni u l-parteċipazzjoni fl-irkanti jkunu kosteffikaċi u l-ispejjeż amministrattivi mhux meħtieġa jiġu evitati; u*** ***(d) l-emittenti ż-żgħar ikollhom aċċess għall-kwoti."***

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 58

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 4 – punt da (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
	(da) fil-paragrafu 4, jiżdied is- subparagrafu li ġej:
	"Kull sentejn l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni l-għeluq tal-kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-elettriku fit-territorju tagħhom minħabba miżuri nazzjonali. Il-Kummissjoni għandha tikkalkula l-ammont ekwivalenti ta' kwoti li dan l-għeluq jirrappreżenta u tinforma lill-Istati Membri. L-Istati Membri jistgħu jikkanċellaw volum korrispondenti ta' kwoti mill-kwantità totali mqassma skont il-paragrafu 2."

Emenda 59

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 4 – punt db (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafu 5

Test fis-seħħ	***Emenda***
	(db) il-paragrafu 5 huwa mibdul b'dan li ġej:
"5. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-funzjonament ***tas-suq Ewropew tal-karbonju***. Kull sena, hija għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-funzjonament ***tas-suq tal-karbonju inkluż*** l-implimentazzjoni tal-irkanti, il-likwidità u l-volumi kkummerċjati. ***Jekk huwa meħtieġ***, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe informazzjoni rilevanti ***hija mressqa*** quddiem il-Kummissjoni mill-inqas xahrejn qabel l-adozzjoni tar-rapport mill-Kummissjoni."	"5. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-funzjonament ***tas-sistema EU ETS***. Kull sena, hija għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-funzjonament ***tagħha inkluża*** l-implimentazzjoni tal-irkanti, il-likwidità u l-volumi kkummerċjati. ***Ir-rapport għandu jindirizza wkoll l-interazzjoni tal-EU ETS ma' politiki oħra tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija, inkluż kif dawn il-politiki għandhom impatt fuq il-bilanċ bejn il-provvista u d-domanda tal-EU ETS u l-konformità tagħhom mal-għanijiet tal-Unjoni għall-2030 u l-2050 fir-rigward tal-klima u l-enerġija. Ir-rapport għandu jqis ukoll ir-riskju tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u l-impatt fuq l-investiment fi ħdan l-Unjoni.*** L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe informazzjoni rilevanti ***titressaq*** quddiem il-Kummissjoni mill-inqas xahrejn qabel l-adozzjoni tar-rapport mill-Kummissjoni."

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 60

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 5 – punt a

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 1 – subparagrafi 1 u 2

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
(a) ***it-tieni paragrafu tal-paragrafu 1 huwa mibdul*** b'dan li ġej:	(a) ***fil-paragrafu 1, l-ewwel u t-tieni subparagrafi huma mibdula*** b'dan li ġej:
"Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att delegat skont l-Artikolu ***23***. Dan l-att għandu jistipula wkoll allokazzjoni addizzjonali mir-riżerva ta' dawk li jidħlu ġodda għal ***żidiet*** sinifikanti fil-produzzjoni ***bl-applikazzjoni tal-istess livelli limitu u aġġustamenti fl-allokazzjoni li japplikaw fir-rigward*** ta' ***ċessjonijiet parzjali tal-operazzjoni."***	***"1. Il-Kummissjoni*** tingħata s-setgħa li tadotta att delegat, skont l-Artikolu ***30b, biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi miżuri fl-Unjoni kollha u kompletament armonizzati għall-allokazzjoni tal-kwoti msemmija fil-paragrafi 4, 5, u 7, inkluża kwalunkwe dispożizzjoni neċessarja għall-applikazzjoni armonizzata tal-paragrafu 19***. Dan l-att għandu jistipula wkoll allokazzjoni addizzjonali mir-riżerva ta' dawk li jidħlu ġodda għal ***tibdil*** sinifikanti fil-produzzjoni***. L-att għandu, b'mod partikolari, jipprovdi li kwalunkwe żieda jew tnaqqis ta' mill-inqas 10 % fil-produzzjoni espressa bħala l-medja rikorrenti ta' dejta tal-produzzjoni verifikata għas-sentejn preċedenti meta mqabbla mal-attività tal-produzzjoni rrapportata skont l-Artikolu 11 tiġi aġġustata b'ammont korrispondenti*** ta' ***kwoti billi l-kwoti jitqiegħdu fi, jew jiġu rilaxxati, mir-riżerva msemmija fil-paragrafu 7.*** ***Meta tkun qed tħejji l-att delegat imsemmi fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tqis il-ħtieġa li tillimita l-kumplessità amministrattiva u li tevita l-manipulazzjoni tas-sistema. Għal dan il-għan hija tista', skont kif ikun xieraq, tuża flessibbiltà fl-applikazzjoni tal-livelli limitu stabbiliti f'dan il-paragrafu, meta dan ikun iġġustifikat minħabba ċirkostanzi speċifiċi.***"

Emenda 61

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 5 – punt aa (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test fis-seħħ	***Emenda***
	(aa) fil-paragrafu 1, it-tielet subparagrafu huwa mibdul b'dan li ġej:

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Test fis-seħħ	***Emenda***
"Il-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom, safejn ikun fattibbli, jiddeterminaw parametri referenzjarji ex ante ***Komunitarji*** sabiex jiżguraw li l-allokazzjoni sseħħ b'mod li tagħti inċentivi għal tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra u għal teknika ta' effiċjenza fl-enerġija ***filwaqt li tipprovdi prevedibbiltà lill-installazzjonijiet industrijali***, billi tqis it-teknika l-aktar effiċjenti, is-sostituti, il-proċessi alternattivi ta' produzzjoni, il-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, l-irkupru effiċjenti tal-enerġija mill-gassijiet tal-iskart, l-użu tal-bijomassa ***u tal-ġabra*** u ***l-ħażna tas-CO2***, fejn dawn il-faċilitajiet ikunu disponibbli, u ma għandhiex tipprovdi inċentivi biex jiżdiedu l-emissjonijiet. M'għandha ssir ebda allokazzjoni ***gratis*** fir-rigward ta' kwalunkwe produzzjoni tal-elettriku, ħlief għall-każijiet li jaqgħu taħt l-Artikolu 10c u l-elettriku prodott mill-gassijiet tal-iskart."	"Il-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom, safejn ikun fattibbli, jiddeterminaw parametri referenzjarji ex ante ***madwar l-Unjoni*** sabiex jiżguraw li l-allokazzjoni sseħħ b'mod li tagħti inċentivi għal tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra u għal teknika ta' effiċjenza fl-enerġija, billi tqis it-teknika l-aktar effiċjenti, is-sostituti, il-proċessi alternattivi ta' produzzjoni, il-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, l-irkupru effiċjenti tal-enerġija mill-gassijiet tal-iskart, l-użu tal-bijomassa***, is-CCS*** u ***s-CCU***, fejn dawn il-faċilitajiet ikunu disponibbli, u ma għandhiex tipprovdi inċentivi biex jiżdiedu l-emissjonijiet. M'għandha ssir ebda allokazzjoni ***bla ħlas*** fir-rigward ta' kwalunkwe produzzjoni tal-elettriku, ħlief għall-każijiet li jaqgħu taħt l-Artikolu 10c u l-elettriku prodott mill-gassijiet tal-iskart."

Emenda 62

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 5 – punt b

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 2 – subparagrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
Il-valuri tal-parametri referenzjarji għall-allokazzjoni bla ħlas għandhom ikunu aġġustati sabiex jiġi evitat qligħ mhux mistenni u jirriflettu l-progress teknoloġiku fil-perjodu bejn l-2007 u l-2008 u kull perjodu ta' wara li għalihom l-allokazzjonijiet bla ħlas huma determinati skont l-Artikolu 11 (1). Dan l-aġġustament għandu jnaqqas il-valuri tal-parametri referenzjarji stabbiliti bl-att adottat skont l-Artikolu 10a b'1 % tal-valur li kien stabbilit fuq il-bażi tad-dejta tal-2007-8 fir-rigward ta' kull sena bejn l-2008 u n-nofs tal-perjodu rilevanti għall-allokazzjoni bla ħlas, sakemm:	***Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 30b, biex tissupplimenta din id-Direttiva sabiex tiddetermina l-valuri riveduti tal-parametru referenzjarju għall-allokazzjoni bla ħlas. Dawk l-atti għandhom ikunu konformi mal-atti delegati adottati skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u għandhom jaderixxu ma' dan li ġej:***

Emenda 63

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 5 – punt b

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 2 – subparagrafu 3 – punt -i (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
	(-i) Għall-perijodu mill-2021 sal-2025, il-valuri tal-parametru referenzjarju għandhom jiġu determinati abbażi tal-informazzjoni ppreżentata skont l-Artikolu 11 għas-snin 2016-2017;

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 64

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 5 – punt b

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 2 – subparagrafu 3 – punt -ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
	(-ia) Abbażi ta' tqabbil tal-valuri tal-parametru referenzjarju bbażati fuq din l-informazzjoni mal-valur tal-parametru referenzjarju li jinsab fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/278/UE, il-Kummissjoni għandha tiddetermina r-rata tat-tnaqqis annwali għal kull valur tal-parametru referenzjarju u tapplikaha għall-valuri tal-parametru referenzjarju applikabbli fil-perijodu 2013-2020 fir-rigward ta' kull sena bejn l-2008 u l-2023 biex tiddetermina l-valuri tal-parametru referenzjarju għas-snin 2021-2025;

Emenda 65

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 5 – punt b

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 2 – subparagrafu 3 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
(i) Fuq il-bażi tal-informazzjoni sottomessa skont l-Artikolu 11, il-Kummissjoni għandha tidentifika jekk il-valuri għal kull parametru referenzjarju kkalkulati bl-użu tal-prinċipji fl-Artikolu 10a ivarjawx mit-tnaqqis annwali msemmi hawn fuq b'iżjed jew inqas minn 0,5 % tal-valur tal-2007-8 fis-sena. Jekk dan huwa l-każ, il-valur tal-parametru referenzjarju għandu jkun aġġustat jew b'0,5 % jew b'1,5 % fir-rigward ta' kull sena bejn l-2008 u n-nofs tal-perjodu li għalih issir l-allokazzjoni bla ħlas;	***(i) Meta, abbażi tal-informazzjoni ppreżentata skont l-Artikolu 11 ir-rata ta' titjib ma tkunx ogħla minn 0,25 %, il-valur tal-parametru referenzjarju għandu għalhekk jitnaqqas b'dak il-perċentwal fil-perjodu 2021-2025, fir-rigward ta' kull sena bejn l-2008 u l-2023;***

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 66

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 5 – punt b

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 2 – subparagrafu 3 – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
(ii) Permezz ta' deroga rigward il-valuri tal-parametri referenzjarji għall-aromatiċi, l-idroġenu u l-gass sintetiku, dawn il-valuri tal-parametri referenzjarji għandhom ikunu aġġustati bl-istess perċentwal bħall-parametri referenzjarji tar-raffineriji sabiex jiġu ppreservati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-produtturi ta' dawn il-prodotti.	***(ii) Meta, abbażi tal-informazzjoni ppreżentata skont l-Artikolu 11 ir-rata ta' titjib ma tkunx ogħla minn 1,75 %, il-valur tal-parametru referenzjarju għandu għal-hekk jitnaqqas b'dak il-perċentwal fil-perjodu 2021-2025, fir-rigward ta' kull sena bejn l-2008 u l-2023;***

Emenda 67

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 5 – punt b

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 2 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni għal dan l-iskop skont l-Artikolu 22a.	***imħassar***

Emenda 68

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 5 – punt ba (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 2 – subparagrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
	(ba) fil-paragrafu 2, jiżdied is-subparagrafu li ġej:
	"Għall-perijodu bejn l-2026 u l-2030, il-valuri tal-parametru referenzjarju għandhom jiġu determinati bl-istess mod abbażi tal-informazzjoni ppreżentata skont l-Artikolu 11 għas-snin 2021-2022 u bir-rata ta' tnaqqis annwali tapplika fir-rigward ta' kull sena bejn l-2008 u l-2028."

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 69

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 5 – punt bb (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 2 – subparagrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
	(bb) fil-paragrafu 2, jiżdied is-subparagrafu li ġej:
(ii) Permezz ta' deroga rigward il-valuri tal-parametri referenzjarji għall-aromatiċi, l-idroġenu u l-gass sintetiku, dawn il-valuri tal-parametri referenzjarji għandhom ikunu aġġustati bl-istess perċentwal bħall-parametri referenzjarji tar-raffineriji sabiex jiġu ppreservati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-produtturi ta' dawn il-prodotti.	Permezz ta' deroga rigward il-valuri tal-parametri referenzjarji għall-aromatiċi, l-idroġenu u l-gass sintetiku, dawn il-valuri tal-parametri referenzjarji għandhom ikunu aġġustati bl-istess perċentwal bħall-parametri referenzjarji tar-raffineriji sabiex jiġu ppreservati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-produtturi ta' dawn il-prodotti.

Emenda 165

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 5 – punt ba (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(bc) fil-paragrafu 3, jiżdied is-subparagrafu b'dan li ġej:
Suġġett għall-paragrafi 4 u 8, u minkejja l-Artikolu 10c, ma għandha tingħata l-ebda allokazzjoni bi ħlas għal ġeneraturi tal-elettriku, għal installazzjonijiet għall-ġbir tas-CO2, għal pajpijiet għat-trasport tas-CO2 jew għal siti tal-ħażna tas-CO2.	Suġġett għall-paragrafi 4 u 8, u minkejja l-Artikolu 10c, ma għandha tingħata l-ebda allokazzjoni bi ħlas għal ġeneraturi tal-elettriku, għal installazzjonijiet għall-ġbir tas-CO2, għal pajpijiet għat-trasport tas-CO2 jew għal siti tal-ħażna tas-CO2. ***Ġeneraturi tal-elettriku li jipproduċu l-elettriku minn gass ta' skart mhumiex ġeneraturi tal-elettriku fis-sens tal-Artikolu (3)(u) ta' din id-Direttiva. Fil-kalkoli tal-parametru referenzjarju għandu jittieħed in konsiderazzjoni l-kontenut sħiħ ta' karbonju tal-gassijiet ta' skart użati għall-produzzjoni tal-elettriku.***

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 70

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 5 – punt b d (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 4

Test fis-sehh	***Emenda***
	(bd) il-paragrafu 4 huwa mibdul b'dan li ġej:
"4. Għandha tingħata allokazzjoni bla ħlas għal tisħin distrettwali kif ukoll għal koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja kif definita bid-Direttiva 2004/8/KE għal domanda li tkun ekonomikament iġġustifikata fir-rigward tal-produzzjoni tat-tisħin u t-tkessiħ. ***F'kull sena wara l-2013, l-allokazzjoni totali għal istallazzjonijiet bħal dawn fir-rigward tal-produzzjoni tas-sħana għandha tiġi aġġustata bil-fattur lineari msemmi fl-Artikolu 9.***"	"4. Għandha tingħata allokazzjoni bla ħlas għal tisħin distrettwali kif ukoll għal koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja kif definita bid-Direttiva 2004/8/KE għal domanda li tkun ekonomikament iġġustifikata fir-rigward tal-produzzjoni tat-tisħin u t-tkessiħ."

Emenda 71

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 5 – punt c

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
Sabiex jiġi rispettat is-sehem tal-irkantar stabbilit fl-Artikolu 10, is-somma ta' allokazzjonijiet bla ħlas ***f'kull sena fejn is-somma tal-allokazzjonijiet bla ħlas*** ma tilħaqx il-livell massimu li jirrispetta s-sehem tal-irkantar ***tal-Istat Membru***, il-kwoti li jifdal sa dak il-livell għandhom jintużaw għall-prevenzjoni jew il-limitazzjoni tat-tnaqqis tal-allokazzjonijiet bla ħlas ***sabiex jiġi rispettat is-sehem tal-irkantar tal-Istat*** Membri ***fis-snin*** ta' ***wara***. ***Fejn***, madankollu, ***jintlaħaq il-livell massimu***, l-allokazzjonijiet bla ħlas għandhom ikunu aġġustati kif xieraq. ***Kull aġġustament bħal dan għandu jitwettaq b'mod uniformi***.	***5. Meta s-somma*** ta' allokazzjonijiet bla ħlas ***f'sena partikolari*** ma tilħaqx il-livell massimu li jirrispetta s-sehem tal-irkantar ***tal-Istati Membri stipulat fl-Artikolu 10(1)***, il-kwoti li jifdal sa dak il-livell għandhom jintużaw għall-prevenzjoni jew il-limitazzjoni tat-tnaqqis tal-allokazzjonijiet bla ħlas ***fi snin sussegwenti. Meta, madankollu, il-livell massimu jintlaħaq, ammont ta' kwoti ekwivalenti għal tnaqqis sa ħames punti perċentwali tas-sehem tal-kwoti li għandhom jiġu rkantati mill-Istati*** Membri ***matul il-perjodu kollu ta' għaxar snin li jibda fl-1*** ta' ***Jannar 2021, skont l-Artikolu 10(1), għandu jiġi distribwit bla ħlas għal setturi u sottosetturi skont l-Artikolu 10b***. ***Meta***, madankollu, ***dan it-tnaqqis ma jkunx biżżejjed biex ilaħħaq mad-domanda ta' dawk is-setturi jew sottosetturi skont l-Artikolu 10b***, l-allokazzjonijiet bla ħlas għandhom ikunu aġġustati kif xieraq ***permezz ta' fattur ta' korrezzjoni transsettorjali uniformi għas-setturi b'intensità ta' kummerċ ma' pajjiżi terzi ta' inqas minn 15 % jew b'intensità tal-karbonju inqas minn 7 kg CO2/Euro VMG***.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 72

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 5 – punt d

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri finanzjarji li jiffavorixxu setturi jew ***sottosetturi*** li huma esposti għal riskju ġenwin ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju minħabba spejjeż indiretti sinifikanti li huma effettivament imġarrba mill-ispejjeż tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jgħaddu għall-prezzijiet tal-elettriku***, b'kunsiderazzjoni ta' kull effett fuq is-suq intern. Miżuri finanzjarji bħal dawn biex jikkumpensaw parti minn dawn l-ispejjeż għandhom ikunu skont ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat.***	***6. Għandu jiġi adottat arranġament ċentralizzat fil-livell tal-Unjoni sabiex jikkumpensa s-setturi*** jew ***is-sottosetturi*** li huma esposti għal riskju ġenwin ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju minħabba spejjeż indiretti sinifikanti li huma effettivament imġarrba mill-ispejjeż tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jgħaddu għall-prezzijiet tal-elettriku.
	Il-kumpens għandu jkun proporzjonat għall-ispejjeż relatati mal-emissjonijiet ta' gassijiet serra li effettivament jgħaddu għall-prezzijiet tal-elettriku u għandu jiġi applikat skont il-kriterji stipulati fil-linji gwida relevanti dwar l-għajnuna mill-Istat sabiex jiġu evitati kemm effetti negattivi fuq is-suq intern kif ukoll kumpens żejjed tal-ispejjeż imġarrba.
	Meta l-ammont ta' kumpens disponibbli ma jkunx biżżejjed biex jikkumpensa għall-ispejjeż indiretti eliġibbli, l-ammont ta' kumpens disponibbli għall-istallazzjonijiet eliġibbli kollha għandu jitnaqqas b'mod uniformi.
	Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 30b biex tissupplimenta din id-Direttiva għall-iskop imsemmi f'dan il-paragrafu billi ddaħħal fis-seħħ arranġamenti għall-ħolqien u l-funzjonament tal-fond.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 73

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 5 – punt da (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 6 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
	(da) fil-paragrafu 6, jiddaħħal subparagrafu ġdid:
	"L-Istati Membri jistgħu jadottaw ukoll miżuri finanzjarji nazzjonali li jiffavorixxu setturi jew sottosetturi li huma esposti għal riskju ġenwin ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju minħabba spejjeż indiretti sinifikanti li huma effettivament imġarrba mill-ispejjeż tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jgħaddu għall-prezzijiet tal-elettriku, b'kunsiderazzjoni ta' kwalunkwe effett fuq is-suq intern. Miżuri finanzjarji bħal dawn biex jikkumpensaw parti minn dawk l-ispejjeż għandhom ikunu skont ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat u skont l-Artikolu 10(3) ta' din id-Direttiva. Dawk il-miżuri nazzjonali, flimkien mal-appoġġ imsemmi fl-ewwel subparagrafu, m'għandhomx jaqbżu l-livell massimu ta' kumpens imsemmi fil-linji gwida rilevanti dwar l-għajnuna mill-Istat u m'għandhomx joħolqu distorsjonijiet ġodda tas-suq. Il-limiti massimi eżistenti dwar kumpens permezz ta' għajnuna mill-Istat għandhom ikomplu jonqsu tul il-perjodu ta' negozjar."

Emenda 74

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 5 – punt e – punt i

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 7 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
Il-kwoti mill-ammont massimu msemmi fl-Artikolu 10a(5) ta' din id-Direttiva li ma kinux allokati mingħajr ħlas sal-2020 għandhom jitwarrbu għal min jidħol ġdid u żidiet sinifikanti fil-produzzjoni***, flimkien ma' 250 miljun kwota pożġuti fir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq skont l-Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni (UE) 2015/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(*).***	***7. Għandhom jitwarrbu 400 miljun kwota*** għal min jidħol ġdid u ***għal*** żidiet sinifikanti fil-produzzjoni.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 75

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 5 – punt e – punt i

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 7 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
Sa mill-2021, ***il-kwoti*** mhux ***allokati*** għall-installazzjonijiet minħabba l-applikazzjoni tal-paragrafi 19 u 20 ***għandhom jiżdiedu*** mar-riżerva."	Sa mill-2021 ***'il quddiem***, ***kwalunkwe kwota*** mhux ***allokata*** għall-installazzjonijiet minħabba l-applikazzjoni tal-paragrafi 19 u 20 ***għandha tiżdied*** mar-riżerva.

Emenda 76

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 5 – punt f – parti introduttorja

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
(f) ***fil-paragrafu*** 8***, l-ewwel, it-tieni u t-tielet subparagrafi tal-paragrafu 8 jinbidlu*** b'dan li ġej:	(f) ***il-paragrafu*** 8 ***huwa mibdul*** b'dan li ġej:

Emenda 77

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 5 – punt f – subparagrafu 1

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 8 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
400 miljun kwota għandhom ikunu disponibbli biex ***jappoġġjaw l-innovazzjoni*** fit-teknoloġiji u l-proċessi b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju fis-setturi industrijali elenkati fl-Anness I, u biex jgħinu jistimulaw il-kostruzzjoni u t-tħaddim ta' proġetti ta' dimostrazzjoni kummerċjali li għandhom l-għan ta' ***qbid*** u ***ħżin ġeoloġiku (CCS)*** ambjentalment ***sikur tad-diossidu tal-karbonju*** kif ukoll ***ta'*** proġetti ta' dimostrazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi ta' enerġija rinnovabbli, fit-territorju tal-Unjoni.	***8. 600*** miljun kwota għandhom ikunu disponibbli biex ***jiġu promossi investimenti fl-innovazzjoni*** fit-teknoloġiji u l-proċessi b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju fis-setturi industrijali elenkati fl-Anness I, ***inklużi prodotti u materjali b'bażi bijoloġika li jissostitwixxu materjali b'intensità qawwija tal-karbonju,*** u biex jgħinu jistimulaw il-kostruzzjoni u t-tħaddim ta' proġetti ta' dimostrazzjoni kummerċjali li għandhom l-għan ta' ***CCS*** u ***CCU*** ambjentalment ***sikuri*** kif ukoll proġetti ta' dimostrazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi ta' enerġija rinnovabbli ***u ta' ħżin tal-enerġija***, fit-territorju tal-Unjoni.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 78

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 5 – punt f

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 8 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
Il-kwoti għandhom ikunu disponibbli għall-innovazzjoni fit-teknoloġiji u l-proċessi industrijali b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju u biex jappoġġjaw proġetti ta' dimostrazzjoni għall-iżvilupp ta' firxa wiesgħa ta' ***CCS u*** teknoloġiji innovattivi ta' enerġija rinnovabbli li għadhom mhux kummerċjalment vijabbli ***f'postijiet ibbilanċjati ġeografikament***. Sabiex ikunu promossi proġetti innovattivi, jistgħu jiġu appoġġjati sa ***60*** % tal-ispejjeż rilevanti tal-proġetti, li minnhom sa ***40*** % ma jeħtieġux prevenzjoni verifikata tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra sakemm jintlaħqu t-tragwardi predeterminati u jittieħed kont tat-teknoloġija użata.	Il-kwoti għandhom ikunu disponibbli għall-innovazzjoni fit-teknoloġiji u l-proċessi industrijali b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju u biex jappoġġjaw proġetti ta' dimostrazzjoni għall-iżvilupp ta' firxa wiesgħa ta' teknoloġiji innovattivi ta' enerġija rinnovabbli***, CCS u CCU*** li għadhom mhux kummerċjalment vijabbli***. Il-proġetti għandhom jintgħażlu fuq il-bażi tal-impatt tagħhom fuq is-sistemi tal-enerġija jew il-proċessi industrijali fi ħdan Stat Membru, grupp ta' Stati Membri jew l-Unjoni.*** Sabiex ikunu promossi proġetti innovattivi, jistgħu jiġu appoġġjati sa ***75*** % tal-ispejjeż rilevanti tal-proġetti, li minnhom sa ***60*** % ma jeħtieġux prevenzjoni verifikata tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra sakemm jintlaħqu t-tragwardi predeterminati u jittieħed kont tat-teknoloġija użata. ***Il-kwoti għandhom jiġu allokati lil proġetti skont il-ħtiġijiet tagħhom biex jilħqu stadji importanti predeterminati.***

Emenda 79

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 5 – punt f

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 8 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
Barra minn hekk, 50 miljun kwota mhux allokati mir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq ***stabbilita bid-Deċiżjoni (UE) 2015/…*** għandhom jissupplimentaw kull riżorsa eżistenti li jifdal skont dan il-paragrafu għall-proġetti msemmija ***hawn fuq***, bi proġetti fl-Istati Membri kollha inklużi proġetti fuq skala żgħira, qabel l-2021. Il-proġetti għandhom jintgħażlu fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u trasparenti.	Barra minn hekk, 50 miljun kwota mhux allokati mir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq għandhom jissupplimentaw kull riżorsa eżistenti li jifdal skont dan il-paragrafu ***bħala konsegwenza ta' fondi li jirriżultaw mill-irkanti tal-kwoti NER300 għall-perijodu bejn l-2013 u l-2020 li ma ntużawx,*** għall-proġetti msemmija ***fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi***, bi proġetti fl-Istati Membri kollha inklużi proġetti fuq skala żgħira, qabel l-2021 ***u mill-2018 'il quddiem***. Il-proġetti għandhom jintgħażlu fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u trasparenti***, b'kont meħud tar-relevanza tagħhom b'rabta mad-dekarbonizzazzjoni tas-setturi kkonċernati***. ***Il-proġetti appoġġjati skont dan is-subparagrafu jistgħu jirċievu wkoll appoġġ addizzjonali skont l-ewwel u t-tieni subparagrafi.***

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 80

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 5 – punt f

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 8 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
Il-Kummissjoni ***għandha*** tingħata s-setgħa li tadotta ***att delegat*** skont l-Artikolu ***23.***	Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta ***atti delegati*** skont l-Artikolu ***30b biex tissupplimenta din id-direttiva billi tistabbilixxi l-kriterji li għandhom jintużaw għall-għażla ta' proġetti li huma eliġibbli biex jibbenefikaw mill-kwoti addizzjonali msemmija f'dan il-paragrafu, b'kont meħud tal-prinċipji li ġejjin:***
	(i) Il-proġetti għandhom jiffokaw fuq it-tfassil u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet rivoluzzjonarji u fuq l-implimentazzjoni ta' programmi ta' dimostrazzjoni;
	(ii) L-attivitajiet għandhom joperaw qrib tas-suq f'impjanti ta' produzzjoni sabiex juru l-vijabbiltà tat-teknoloġiji rivoluzzjonarji biex jingħelbu l-ostakoli kemm teknoloġiċi kif ukoll dawk mhux teknoloġiċi;
	(iii) Il-proġetti għandhom jindirizzaw soluzzjonijiet teknoloġiċi li jkollhom il-potenzjal ta' applikazzjoni mifruxa, u jistgħu jikkombinaw teknoloġiji differenti;
	(iv) Idealment, is-soluzzjonijiet u t-teknoloġiji għandu jkollhom il-potenzjal li jiġu trasferiti fi ħdan is-settur u possibbilment lil setturi oħrajn.
	(v) Il-proġetti fejn l-emissjonijiet mistennija jkunu ferm inqas mill-valur ta' parametru referenzjarju rilevanti għandhom jingħataw prijorità. Il-proġetti eliġibbli għandhom jikkontribwixxu għat-tnaqqis fl-emissjonijiet taħt il-valuri tal-parametru referenzjarju msemmija fil-paragrafu 2 jew għandu jkollhom prospetti futuri biex inaqqsu b'mod sinifikanti l-ispiża tat-transizzjoni lejn produzzjoni tal-enerġija b'emissjonijiet baxxi; u
	(vi) Il-proġetti CCU għandhom iwasslu għal tnaqqis nett fl-emissjonijiet u ħażna permanenti tas-CO2 tul il-ħajja kollha tagħhom.

Emenda 82

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt ia (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 20

Test fis-seħħ	***Emenda***
	(ia) il-paragrafu 20 huwa mibdul b'dan li ġej:

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Test fis-seħħ	***Emenda***
"20. Il-Kummissjoni għandha, bħala parti mill-miżuri adottati taħt il-paragrafu 1, tinkludi miżuri għad-definizzjoni tal-istallazzjonijiet li jkunu waqqfu l-operazzjonijiet tagħhom parzjalment jew tnaqqas il-kapaċità tagħhom b'mod sinifikanti u miżuri għall-adattament, kif xieraq, tal-livell tal-kwoti gratis mogħtija lilhom kif ikun jeħtieġ il-każ."	"20. Il-Kummissjoni għandha, bħala parti mill-miżuri adottati taħt il-paragrafu 1, tinkludi miżuri għad-definizzjoni tal-istallazzjonijiet li jkunu waqqfu l-operazzjonijiet tagħhom parzjalment jew tnaqqas il-kapaċità tagħhom b'mod sinifikanti u miżuri għall-adattament, kif xieraq, tal-livell tal-kwoti gratis mogħtija lilhom kif ikun jeħtieġ il-każ. ***Dawn il-miżuri għandhom jipprovdu flessibbiltà lis-setturi tal-industrija meta l-kapaċità hija trasferita b'mod regolari bejn l-installazzjonijiet operattivi fl-istess kumpanija."***

Emenda 83

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 6

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10b – titolu

Test fis-seħħ	***Emenda***
Miżuri li jappoġġjaw ċerti industriji enerġetikament intensivi f'każ ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju	Miżuri ***tranżitorji*** li jappoġġjaw ċerti industriji enerġetikament intensivi f'każ ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju

Emenda 85

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 6

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10b – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
	1a. Wara l-adozzjoni tar-reviżjoni tad-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*)***, il-Kummissjoni għandha tivvaluta mill-ġdid is-sehem tat-tnaqqis fl-emissjonijiet fl-EU ETS u d-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*** (**)***. Biex tiġi protetta l-industrija f'riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju jew ta' investiment għandu jintuża tnaqqis addizzjonali b'mira oħla relatata mal-effiċjenza fl-enerġija.***

(*) ***Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li thassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1).***

(**) ***Id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-isforz tal-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra biex jonoraw l-impenji tal-Komunità għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2020 (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 136).***

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 144

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 6

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10b – paragrafi 1b u 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1b) B'segwitu għall-Artikolu 6(2) tal-Ftehim ta' Pariġi, il-Kummissjoni għandha tivvaluta fir-rapport tagħha, li għandu jitħejja skont l-Artikolu 28aa, l-iżvilupp tal-politiki dwar il-mitigazzjoni tal-klima, inklużi l-approċċi bbażati fuq is-suq, f'reġjuni u pajjiżi terzi u l-effett ta' dawn il-politiki fuq il-kompetittività tal-industrija Ewropea.
	(1c) Jekk dan ir-rapport jikkonkludi li għad hemm riskju sinifikanti ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, il-Kummissjoni għandha, jekk ikun xieraq, tressaq proposta leġiżlattiva li tintroduċi aġġustament għall-karbonju fil-fruntieri, kompatibbli bis-sħiħ mar-regoli tad-WTO, abbażi ta' studju tal-fattibbiltà li għandu jibda mal-pubblikazzjoni ta' din id-Direttiva fil-ĠU. Dan il-mekkaniżmu jkun jinkludi, fl-EU ETS, importaturi ta' prodotti li jiġu prodotti minn setturi jew subsetturi determinati skont l-Artikolu 10a;

Emenda 86

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 6

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10b – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
2. Setturi u sottosetturi fejn il-prodott mill-multiplikazzjoni tal-intensità tal-kummerċ tagħhom ma' pajjiżi terzi bl-intensità tal-emissjonijiet tagħhom huwa ogħla minn 0,***18*** jistgħu jkunu inklużi fil-grupp imsemmi fil-paragrafu 1, fuq il-bażi ta' valutazzjoni kwalitattiva bl-użu tal-kriterji li ġejjin:	2. Setturi u sottosetturi fejn il-prodott mill-multiplikazzjoni tal-intensità tal-kummerċ tagħhom ma' pajjiżi terzi bl-intensità tal-emissjonijiet tagħhom huwa ogħla minn 0,***12*** jistgħu jkunu inklużi fil-grupp imsemmi fil-paragrafu 1, fuq il-bażi ta' valutazzjoni kwalitattiva bl-użu tal-kriterji li ġejjin:
(a) il-limitu sa fejn huwa possibbli għal installazzjonijiet individwali fis-settur jew sottosetturi kkonċernati li jnaqqsu l-livelli tal-emissjonijiet jew il-konsum tal-elettriku;	(a) il-limitu sa fejn huwa possibbli għal installazzjonijiet individwali fis-settur jew sottosetturi kkonċernati li jnaqqsu l-livelli tal-emissjonijiet jew il-konsum tal-elettriku***, b'kunsiderazzjoni ta' żidiet assoċjati fl-ispejjeż tal-produzzjoni***;
(b) il-karatteristiċi tas-suq attwali u previsti;	(b) il-karatteristiċi tas-suq attwali u previsti;

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
(c) il-marġni ta' profitt bħala indikatur potenzjali ta' deċiżjonijiet ta' investiment jew rilokazzjoni fit-tul.	(c) il-marġni ta' profitt bħala indikatur potenzjali ta' deċiżjonijiet ta' investiment jew rilokazzjoni fit-tul;
	(ca) komoditajiet li huma negozjati fi swieq madwar id-dinja kollha għal prezz ta' referenza komuni.

Emenda 87

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 6

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10b – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
3. ***Setturi u sottosetturi oħrajn huma meqjusin*** li ***jistgħu jgħaddu*** aktar mill-ispejjeż tal-kwoti fil-prezzijiet tal-prodotti, u ***għandhom ikunu allokati*** kwoti bla ħlas ***għall-perjodu*** sal-2030 għal 30 % tal-kwantità determinata skont il-miżuri adottati skont l-Artikolu 10a.	3. ***Is-settur tat-tisħin distrettwali huwa meqjus*** li ***jista' jgħaddi*** aktar mill-ispejjeż tal-kwoti fil-prezzijiet tal-prodotti, u ***għandu jiġi allokat*** kwoti bla ħlas ***għall-perijodu*** sal-2030 għal 30 % tal-kwantità determinata skont il-miżuri adottati skont l-Artikolu 10a. ***Is-setturi u s-sottosetturi l-oħrajn m'għandhom ikunu allokati l-ebda kwota bla ħlas.***

Emenda 88

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 6

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10b – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
4. Sal-31 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni għandha tadotta ***att delegat għall-paragrafi preċedenti għall-attivitajiet*** fil-livell ta' 4 figuri (kodiċi NACE-4) ***sa fejn jirrigwardaw il-paragrafu 1, skont l-Artikolu 23***, abbażi ta' dejta ***għat-tliet*** snin kalendarji l-aktar reċenti disponibbli.	4. Sal-31 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni għandha tadotta ***atti delegati skont l-Artikolu 30b biex tissupplimenta din id-Direttiva b'rabta mal-paragrafu 1 fir-rigward tal-attivitajiet*** fil-livell ta' 4 figuri (kodiċi NACE-4) ***jew, meta jkun ġustifikat abbażi ta' kriterji oġġettivi żviluppati mill-Kummissjoni, fil-livell rilevanti ta' diżaggregazzjoni*** abbażi ta' dejta ***pubblika u speċifika skont is-settur sabiex jiġu inklużi dawk l-attivitajiet koperti mill-EU ETS. Il-valutazzjoni tal-intensità tal-kummerċ għandha tkun ibbażata fuq dejta għall-ħames*** snin kalendarji l-aktar reċenti disponibbli.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 89

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 6

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10c – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 10a(1) sa (5), l-Istati Membri li fl-2013 kellhom PDG per capita f'EUR għall-prezzijiet tas-suq taħt is-60 % tal-medja tal-Unjoni jistgħu jagħtu allokazzjoni bla ħlas tranżitorja lil installazzjonijiet għall-produzzjoni tal-elettriku għall-modernizzazzjoni tas-settur tal-enerġija.	1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 10a(1) sa (5), l-Istati Membri li fl-2013 kellhom PDG per capita f'EUR għall-prezzijiet tas-suq taħt is-60 % tal-medja tal-Unjoni jistgħu jagħtu allokazzjoni bla ħlas tranżitorja lil installazzjonijiet għall-ġenerazzjoni tal-elettriku għall-modernizzazzjoni, id-diversifikazzjoni u t-trasformazzjoni sostenibbli tas-settur tal-enerġija. ***Din id-deroga għandha tintemm fil-31 ta' Diċembru 2030.***

Emenda 90

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 6

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10c – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
	1a. L-Istati Membri li mhumiex eliġibbli skont il-paragrafu 1, iżda li fl-2014 kellhom PDG per capita f'EUR għall-prezzijiet tas-suq taħt is-60 % tal-medja tal-Unjoni wkoll jistgħu jagħmlu użu mid-deroga msemmija f'dak il-paragrafu sal-kwantità totali msemmija fil-paragrafu 4, sakemm in-numru korrispondenti ta' kwoti jiġi ttrasferit lill-Fond għall-Modernizzazzjoni u d-dħul jintuża biex jiġu appoġġjati l-investimenti f'konformità mal-Artikolu 10d.

Emenda 91

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 6

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10c – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
	1b. L-Istati Membri li huma eliġibbli skont dan l-Artikolu jagħtu allokazzjoni mingħajr ħlas lil installazzjonijiet għall-ġenerazzjoni tal-enerġija, jistgħu jagħżlu li jittrasferixxu l-għadd korrispondenti tal-kwoti jew parti minnhom lill-Fond għall-Modernizzazzjoni u jallokawhom skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10d. F'tali każ, huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni qabel it-trasferiment.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 92

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 6

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10c – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
(b) jiżgura li jkunu biss dawk il-proġetti li jikkontribwixxu għad-diversifikazzjoni tat-taħlita tal-enerġija u s-sorsi tal-provvista tagħhom, ***ir-ristrutturar*** meħtieġ, ***l-aġġornament*** ambjentali u r-rinnovazzjoni tal-infrastruttura, ***teknoloġiji*** ndaf ***u l-modernizzazzjoni tas-setturi*** tal-produzzjoni, ***it-trażmissjoni*** u d-distribuzzjoni tal-enerġija li jkunu eliġibbli biex iressqu offerta;	(b) jiżgura li jkunu biss dawk il-proġetti li jikkontribwixxu għad-diversifikazzjoni tat-taħlita tal-enerġija u s-sorsi tal-provvista tagħhom, ***għar-ristrutturar*** meħtieġ, ***għall-aġġornament*** ambjentali u r-rinnovazzjoni tal-infrastruttura, ***għat-teknoloġiji*** ndaf ***(bħat-teknoloġiji rinnovabbli) jew għall-modernizzazzjoni*** tal-produzzjoni ***tal-enerġija***, ***in-netwerks tat-tisħin distrettwali, l-effiċjenza fl-enerġija, il-ħażna tal-enerġija u s-setturi tat-trażmissjoni*** u d-distribuzzjoni tal-enerġija li jkunu eliġibbli biex iressqu offerta;

Emenda 93

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 6

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10c – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
(c) jiddefinixxi kriterji tal-għażla ċari, oġġettivi, trasparenti u nondiskriminatorji għall-klassifikazzjoni tal-proġetti, sabiex jiżgura li jintgħażlu proġetti li:	(c) jiddefinixxi kriterji tal-għażla ċari, oġġettivi, trasparenti u nondiskriminatorji***, b'konformità mal-objettivi tal-politika tal-UE dwar il-klima u l-enerġija għall-2050*** għall-klassifikazzjoni tal-proġetti, sabiex jiżgura li jintgħażlu proġetti li:

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 94

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 6

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10c – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt c – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
(i) fuq il-bażi ta' analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji, jiżguraw gwadann nett pożittiv f'termini ta' tnaqqis ta' emissjonijiet u jirrealizzaw livell sinifikanti determinat minn qabel ta' tnaqqis ta' diossidu tal-karbonju;	(i) fuq il-bażi ta' analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji, jiżguraw gwadann nett pożittiv f'termini ta' tnaqqis ta' emissjonijiet u jirrealizzaw livell sinifikanti determinat minn qabel ta' tnaqqis ta' diossidu tal-karbonju li jkun proporzjonat għad-daqs tal-proġetti; ***Meta l-proġetti jkollhom x'jaqsmu mal-produzzjoni tal-elettriku, l-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra għal kull kilowatt-siegħa ta' elettriku prodott fl-installazzjoni ma għandhomx ikunu iktar minn 450 gramma ta' ekwivalenti ta' CO2 wara t-tlestija tal-proġett. Sal-1 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat skont l-Artikolu 30b sabiex tEmenda din id-Direttiva billi tiddefinixxi, għall-proġetti relatati mal-produzzjoni tas-sħana, il-massimu totali ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra għal kull kilowatt-siegħa ta' sħana prodotta fl-installazzjoni li m'għandux jinqabeż.***

Emenda 95

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 6

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10c – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt c – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
(ii) huma addizzjonali, ***jwieġbu*** b'mod ċar għall-ħtiġijiet ta' sostituzzjoni u modernizzazzjoni u ma jipprovdux żieda mmotivata mis-suq fid-domanda għall-enerġija;	(ii) huma addizzjonali, ***għalkemm jistgħu jintużaw biex jintlaħqu l-miri rilevanti stabbiliti skont il-Qafas ta' Politika għall-Klima u l-Enerġija għall-2030, iwieġbu*** b'mod ċar għall-ħtiġijiet ta' sostituzzjoni u modernizzazzjoni u ma jipprovdux żieda mmotivata mis-suq fid-domanda għall-enerġija;

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 96

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 6

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10c – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt c – punt iiia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
	(iiia) ma jikkontribwixxux għal produzzjoni ġdida ta' enerġija mill-faħam u lanqas ma jżidu d-dipendenza fuq il-faħam;

Emenda 97

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 6

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10c – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
Sat-30 ta' Ġunju 2019, ***kull*** Stat Membru li ***beħsiebu*** juża allokazzjoni bla ħlas mhux obbligatorja għandu jippubblika qafas nazzjonali dettaljat li jistabbilixxi l-proċess ta' offerti kompetittiv u l-kriterji tal-għażla għal konsultazzjoni pubblika.	Sat-30 ta' Ġunju 2019, ***kwalunkwe*** Stat Membru li ***jkun beħsiebu*** juża allokazzjoni bla ħlas ***tranżitorja u*** mhux obbligatorja ***għall-immodernizzar tas-settur tal-enerġija*** għandu jippubblika qafas nazzjonali dettaljat li jistabbilixxi l-proċess ta' offerti kompetittiv u l-kriterji tal-għażla għal konsultazzjoni pubblika.

Emenda 98

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 6

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10c – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
Fejn investimenti b'valur ta' inqas minn EUR10 miljun huma appoġġjati b'allokazzjoni bla ħlas, l-Istat Membru għandu jagħżel il-proġetti fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u trasparenti. Ir-riżultati ta' dan il-proċess ta' għażla għandhom jiġu ppubblikati ***għall-kummenti tal-pubbliku***. Fuq il-bażi ta' dan, l-Istat Membru kkonċernat għandu jistabbilixxi u jissottometti lista ta' investimenti lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2019.	Fejn investimenti b'valur ta' inqas minn EUR10 miljun huma appoġġjati b'allokazzjoni bla ħlas, l-Istat Membru għandu jagħżel il-proġetti fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u trasparenti***, b'mod konsistenti mal-ilħuq tal-għanijiet fit-tul tal-klima u tal-enerġija tal-Unjoni. Dawk il-kriterji għandhom ikunu soġġetti għal konsultazzjoni pubblika, sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u l-aċċessibbiltà totali tad-dokumenti rilevanti, u għandhom iqisu l-kummenti mqajma mill-partijiet interessati.*** Ir-riżultati ta' dan il-proċess ta' għażla għandhom jiġu ppubblikati ***għal raġunijiet ta' konsultazzjoni pubblika***. Fuq il-bażi ta' dan, l-Istat Membru kkonċernat għandu jistabbilixxi u jissottometti lista ta' investimenti lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2019.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 99

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 6

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10c – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
3. Il-valur tal-investimenti maħsuba għandu jkun tal-anqas ugwali għall-valur tas-suq tal-allokazzjoni bla ħlas, filwaqt li tingħata kunsiderazzjoni lill-ħtieġa li jiġu limitati ż-żidiet fil-prezzijiet konnessi direttament. Il-valur tas-suq għandu jkun il-medja tal-prezz tal-kwoti fuq il-pjattaforma komuni tal-irkant fis-sena kalendarja preċedenti.	3. Il-valur tal-investimenti maħsuba għandu jkun tal-anqas ugwali għall-valur tas-suq tal-allokazzjoni bla ħlas, filwaqt li tingħata kunsiderazzjoni lill-ħtieġa li jiġu limitati ż-żidiet fil-prezzijiet konnessi direttament. Il-valur tas-suq għandu jkun il-medja tal-prezz tal-kwoti fuq il-pjattaforma komuni tal-irkant fis-sena kalendarja preċedenti. ***Jistgħu jiġu appoġġjati sa 75 % tal-ispejjeż rilevanti ta' investiment.***

Emenda 100

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 6

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10c – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
6. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-ġeneraturi ***tal-elettriku*** u l-operaturi tan-netwerks li jibbenefikaw jirrapportaw ***sat-28 ta' Frar*** ta' kull sena dwar l-implimentazzjoni tal-investimenti magħżula tagħhom. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw dwar dan lill-Kummissjoni, u l-Kummissjoni għandha tagħmel it-tali rapporti ***pubbliċi***.	6. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-ġeneraturi ***tal-enerġija*** u l-operaturi tan-netwerks li jibbenefikaw jirrapportaw ***kull sena, sal-31 ta'Marzu*** ta' kull sena, dwar l-implimentazzjoni tal-investimenti magħżula tagħhom***, inklużi l-bilanċ bejn l-allokazzjoni bla ħlas u n-nefqa tal-investiment imġarrba, it-tipi ta' investimenti appoġġjati u l-mod kif kisbu l-għanijiet stabbiliti fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2***. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw dwar dan lill-Kummissjoni, u l-Kummissjoni għandha tagħmel it-tali rapporti ***disponibbli għall-pubbliku. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jimmonitorjaw u janalizzaw arbitraġġ potenzjali fir-rigward tal-livell limitu ta' EUR 10 miljuni għal proġetti żgħar u għandhom jipprevjenu l-qsim mhux ġustifikat ta' investiment fi proġetti iżgħar billi jiġi eskluż li jsir aktar minn investiment wieħed fl-istess installazzjoni benefiċjarja.***

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 101

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 6

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10c – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
	6a. F'każ ta' suspett raġonevoli ta' irregolaritajiet jew nuqqas minn Stat Membru li jirrapporta skont il-paragrafi 2 sa 6, il-Kummissjoni Ewropea tista' twettaq investigazzjoni indipendenti, u fejn meħtieġ tkun assistita minn parti terza kontraenti. Il-Kummissjoni għandha tinvestiga wkoll ksur possibbli ieħor, bħan-nuqqas ta' implimentazzjoni tat-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija. L-Istat Membru kkonċernat għandu jipprovdi kemm l-informazzjoni kollha dwar l-investimenti kif ukoll l-aċċess sħiħ li l-investigazzjoni teżiġi, inkluż l-aċċess għall-installazzjonijiet u s-siti tal-bini. Il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport dwar dik l-investigazzjoni.

Emenda 102

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 6

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10c – paragrafu 6b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
	6b. Fil-każ ta' ksur tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija, inkluż it-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija, jew tal-kriterji stabbiliti f'dan l-Artikolu, il-Kummissjoni tista' teħtieġ li l-Istat Membru jissospendi l-allokazzjoni bla ħlas.

Emenda 149

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 7

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10d – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fond li jappoġġja ***l-investiment*** fl-immodernizzar tas-sistemi tal-enerġija u ***t-titjib*** tal-effiċjenza fl-enerġija fl-Istati Membri ***li kellhom PDG*** per capita taħt is-60 % tal-medja tal-Unjoni fl-2013, għandu jiġi stabbilit għall-perjodu 2021-***30*** u jkun iffinanzjat kif stabbilit fl-Artikolu 10.	1. ***Għandu jiġi stabbilit*** fond li jappoġġja ***u jingrana l-investimenti*** fl-immodernizzar tas-sistemi tal-enerġija***, inkluż it-tisħin distrettwali,*** u ***fit-titjib*** tal-effiċjenza fl-enerġija fl-Istati Membri ***b'PDG*** per capita taħt is-60 % tal-medja tal-Unjoni fl-2013, ***fl-2014, jew fl-2015,*** għall-perjodu 2021-***2030*** u li jkun iffinanzjat kif stabbilit fl-Artikolu 10.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 104

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 7

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10d – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
L-investimenti appoġġjati għandhom ikunu konsistenti mal-għanijiet ta' din id-Direttiva u l-Fond Ewropew għal Investiment Strateġiċi.	L-investimenti appoġġjati għandhom ikunu ***konformi mal-prinċipji ta' trasparenza, nondiskriminazzjoni, trattament ugwali u ġestjoni finanzjarja tajba, u għandhom joffru l-aħjar valur għall-flus. Huma għandhom*** ikunu konsistenti mal-għanijiet ta' din id-Direttiva ***u mal-għanijiet fit-tul tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija*** u ***mal-Fond*** Ewropew għal Investiment Strateġiċi***, u għandhom***:
	(i) Jikkontribwixxu għall-iffrankar tal-enerġija, għas-sistemi tal-enerġija rinnovabbli, għall-ħżin tal-enerġija u għas-setturi tal-interkonnessjoni, tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-elettriku; meta l-proġetti jkollhom x'jaqsmu mal-produzzjoni tal-elettriku, l-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra għal kull kilowatt-siegħa ta' elettriku prodott fl-installazzjoni ma għandhomx ikunu iktar minn 450 gramma ta' ekwivalenti ta' CO2 wara t-tlestija tal-proġett. Il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat skont l-Artikolu 30b sal-1 ta' Jannar 2021 sabiex tEmenda din id-Direttiva billi tiddefinixxi, għall-proġetti relatati mal-produzzjoni tas-sħana, il-massimu totali ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra għal kull kilowatt-siegħa ta' sħana prodotta fl-installazzjoni li m'għandux jinqabeż.
	(ii) Abbażi ta' analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji, jiżguraw gwadann nett pożittiv f'termini ta' tnaqqis ta' emissjonijiet u jirrealizzaw livell sinifikanti determinat minn qabel ta' tnaqqis ta' diossidu tal-karbonju;
	(iii) Ikunu addizzjonali, għalkemm jistgħu jintużaw biex jintlaħqu l-miri rilevanti stabbiliti skont il-Qafas ta' Politika għall-Klima u l-Enerġija għall-2030, jirreaġixxu b'mod ċar għall-ħtiġijiet ta' sostituzzjoni u modernizzazzjoni u ma jwasslux għal żieda mmexxija mis-suq fid-domanda għall-enerġija;
	(iv) Ma jikkontribwixxux għal produzzjoni ġdida ta' enerġija mill-faħam u lanqas ma jżidu d-dipendenza fuq il-faħam;

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 105

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 7

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10d – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
	Il-Kummissjoni għandha żżomm taħt rieżami r-rekwiżiti stipulati f'dan il-paragrafu, b'kunsiderazzjoni tal-Istrateġija dwar il-Klima tal-BEI. Jekk, abbażi tal-progress teknoloġiku, wieħed jew aktar mir-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-paragrafu jsiru irrilevanti, il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat skont l-Artikolu 30b sa l-2024 bl-għan li tEmenda din id-Direttiva billi tiddefinixxi rekwiżiti ġodda jew aġġornati.

Emenda 106

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 7

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10d – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
2. Il-fond għandu jiffinanzja wkoll proġetti ta' investiment ta' skala żgħira fil-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-enerġija u l-effiċjenza fl-enerġija. Għal dan il-għan, il-bord għall-investimenti għandu jiżviluppa linji gwida u kriterji ta' għażla ***għall-investiment*** speċifiċi għal proġetti bħal dawn.	2. Il-fond għandu jiffinanzja wkoll proġetti ta' investiment ta' skala żgħira fil-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-enerġija u l-effiċjenza fl-enerġija. Għal dan il-għan, il-bord għall-investimenti għandu jiżviluppa linji gwida ***għall-investiment*** u kriterji ta' għażla speċifiċi għal proġetti bħal dawn***, b'konformità mal-objettivi ta' din id-Direttiva u mal-kriterji stipulati fil-paragrafu 1. Dawk il-kriterji ta' għażla għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.***
	Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, proġett ta' investiment fuq skala żgħira jfisser proġett iffinanzjat permezz ta' self ipprovdut minn bank promozzjonali nazzjonali jew permezz ta' għotjiet li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' programm nazzjonali li jservi għanijiet speċifiċi konformi ma' dawk tal-Fond għall-Modernizzazzjoni, sakemm ma jintużax aktar minn 10 % tas-sehem tal-Istati Membri stabbilit fl-Anness IIb.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 107

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 7

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10d – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
	3a. Kwalunkwe Stat Membru benefiċjarju li jkun iddeċieda li jagħti allokazzjoni tranżitorja bla ħlas skont l-Artikolu 10c jista' jittrasferixxi dawk il-kwoti għas-sehem tiegħu tal-Fond għall-Modernizzazzjoni stabbilit fl-Anness IIb u jallokahom skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10d.

Emenda 108

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 7

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10d – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
4. ***Il-fond għandu jkun ikkontrollat minn bord għall-investimenti*** u ***kumitat ta' ġestjoni***, ***li għandhom ikunu komposti*** minn ***rappreżentanti mill-Istati Membri li qed jibbenefikaw***, il-Kummissjoni***, il-BEI*** u tliet ***rappreżentanti eletti mill-Istati Membri l-oħra għal perjodu ta' 5 snin***. Il-bord għall-investimenti għandu jkun responsabbli biex jiddetermina politika ta' investiment fil-livell tal-Unjoni, ***strumenti ta' finanzjament xierqa*** u ***kriterji ta' għażla għall-investimenti***.	4. ***L-Istati Membri benefiċjarji għandhom ikunu responsabbli għall-governanza tal-fond,*** u ***għandhom jistabbilixxu***, ***b'mod konġunt, bord għall-investimenti magħmul*** minn ***rappreżentant wieħed għal kull Stat Membru benefiċjarju***, il-Kummissjoni u tliet ***osservaturi minn partijiet interessati bħalma huma l-federazzjonijiet industrijali, it-trade unions jew l-NGOs***. Il-bord għall-investimenti għandu jkun responsabbli biex jiddetermina politika ta' investiment fil-livell tal-Unjoni, ***li għandha tkun konformi mar-rekwiżiti stipulati f'dan l-Artikolu*** u ***konsistenti mal-politiki tal-Unjoni***.
	Għandu jiġi stabbilit bord konsultattiv, li jkun indipendenti mill-bord għall-investimenti. Il-bord konsultattiv għandu jkun magħmul minn tliet rappreżentanti mill-Istati Membri benefiċjarji, tliet rappreżentanti mill-Istati Membri mhux benefiċjarji, rappreżentant tal-Kummissjoni, rappreżentant tal-BEI u rappreżentant tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ), magħżula għal perjodu ta' ħames snin. Ir-rappreżentanti tal-bord konsultattiv għandu jkollhom livell għoli ta' esperjenza tas-suq rilevanti rigward l-istrutturar u l-finanzjament tal-proġetti. Il-bord konsultattiv għandu jipprovdi pariri u rakkomandazzjonijiet lill-bord għall-investimenti dwar l-eliġibilità ta' proġett għall-għażla, dwar id-deċiżjonijiet ta' investiment u ta' finanzjament, u dwar kwalunkwe għajnuna għall-iżvilupp ulterjuri skont kif ikun meħtieġ.
Il-kumitat ta' ġestjoni għandu jkun responsabbli għall-ġestjoni ta' kuljum tal-fond.	***Għandu jiġi stabbilit kumitat ta' ġestjoni.*** Il-kumitat ta' ġestjoni għandu jkun responsabbli għall-ġestjoni ta' kuljum tal-fond.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 109

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 7

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10d – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
Il-bord għall-investimenti għandu ***jeleġġi rappreżentant mill-Kummissjoni bħala president***. Il-bord għall-investimenti għandu jistinka biex jieħu deċiżjonijiet b'kunsens. ***Jekk*** il-bord ***għall-investimenti ma jistax jiddeċiedi b'kunsens fl-iskadenza stabbilita mill-president, il-bord għall-investimenti għandu jieħu deċiżjoni*** permezz ta' maġġoranza sempliċi.	***Il-president tal-bord*** għall-investimenti għandu ***jkun elett minn fost il-membri tiegħu għal perjodu ta' sena***. Il-bord għall-investimenti għandu jistinka biex jieħu deċiżjonijiet b'kunsens. Il-bord ***konsultattiv għandu jadotta l-opinjoni tiegħu*** permezz ta' maġġoranza sempliċi.

Emenda 110

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 7

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10d – paragrafu 4 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
Il-kumitat ta' ġestjoni ***għandu jkun magħmul mir-rappreżentanti maħtura mill-bord*** għall-investimenti. ***Id-deċiżjonijiet tal-kumitat ta' ġestjoni*** għandhom ***jittieħdu permezz*** ta' ***maġġoranza sempliċi***.	***Il-bord għall-investimenti, il-bord konsultattiv u l-kumitat*** ta' ġestjoni ***għandhom joperaw b'mod miftuħ u trasparenti. Il-minuti tal-laqgħat taż-żewġ bordijiet għandhom jiġu ppubblikati. Il-kompożizzjoni tal-bord*** għall-investimenti ***u tal-bord konsultattiv għandha tiġi ppubblikata u s-CVs u d-dikjarazzjonijiet tal-interessi tal-membri għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku u għandhom jiġu aġġornati regolarment. Il-bord għall-investimenti u l-bord konsultattiv għandhom, fuq bażi kontinwa, jivverifikaw li ma jkun hemm l-ebda kunflitt ta' interess. Kull sitt xhur, il-bord konsultattiv għandu jippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, lista tal-konsulenza pprovduta għall-proġetti.***

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 111

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 7

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10d – paragrafu 4 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
Jekk il-BEI jirrakkomanda ***li*** investiment ma jiġix iffinanzjat u jagħti raġunijiet ***għal din ir-rakkomandazzjoni***, ***deċiżjoni*** għandha tiġi adottata biss jekk maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri kollha jivvotaw favur tagħha. L-Istat Membru li fih ikun se jitwettaq l-investiment u l-BEI ma għandhomx ikunu intitolati li jivvotaw f'dan il-każ. ***Iż-żewġ sentenzi ta' qabel ma għandhomx japplikaw għal proġetti żgħar iffinanzjati permezz ta' self ipprovdut minn bank promozzjonali nazzjonali jew permezz ta' għotjiet li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' programm nazzjonali li jservi għanijiet speċifiċi f'konformità mal-għanijiet tal-Fond għall-Modernizzazzjoni, sakemm taħt il-programm ma jintużax iżjed minn 10 % tas-sehem tal-Istati Membri stabbilit fl-Anness IIb.***	Jekk il-BEI jirrakkomanda ***lill-bord konsultattiv biex*** investiment ma jiġix iffinanzjat u jagħti raġunijiet ***għalfejn dan l-investiment mhuwiex konformi mal-politika ta' investiment adottata mill-bord għall-investimenti u mal-kriterji ta' għażla stipulati fil-paragrafu 1***, ***opinjoni pożittiva*** għandha tiġi adottata biss jekk maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri kollha jivvotaw favur tagħha. L-Istat Membru li fih ikun se jitwettaq l-investiment u l-BEI ma għandhomx ikunu intitolati li jivvotaw f'dan il-każ.

Emenda 112

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 7

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10d – paragrafu 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
5. L-Istati Membri ***li jibbenefikaw*** għandhom jirrapportaw kull sena ***lill-kumitat ta' ġestjoni*** dwar l-investimenti ffinanzjati mill-fond. Ir-rapport għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku u għandu jinkludi:	5. L-Istati Membri ***benefiċjarji*** għandhom jirrapportaw kull sena ***lill-bord għall-investimenti u lill-bord konsultattiv*** dwar l-investimenti ffinanzjati mill-fond. Ir-rapport għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku u għandu jinkludi:

Emenda 113

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 7

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10d – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
6. Kull sena, ***il-kumitat ta' ġestjoni*** għandu jirrapporta lill-Kummissjoni dwar l-esperjenza bl-evalwazzjoni u l-għażla tal-investimenti. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-bażi li fuqha jkunu ntgħażlu l-proġetti sal-31 ta' Diċembru 2024 u, fejn xieraq, tagħmel proposti ***lill-kumitat ta' ġestjoni***.	6. Kull sena, ***il-bord konsultattiv*** għandu jirrapporta lill-Kummissjoni dwar l-esperjenza bl-evalwazzjoni u l-għażla tal-investimenti. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-bażi li fuqha jkunu ntgħażlu l-proġetti sal-31 ta' Diċembru 2024 u, fejn xieraq, tagħmel proposti ***lill-bord għall-investimenti u lill-bord konsultattiv***.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 114

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 7

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10d – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
7. Il-Kummissjoni ***għandha*** tingħata s-setgħa li tadotta ***att delegat*** skont l-Artikolu ***23*** biex ***timplimenta dan l-Artikolu***.	7. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta ***atti delegati,*** skont l-Artikolu ***30b,*** biex ***tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi arranġamenti dettaljati għall-operazzjoni effettiva tal-Fond għall-Modernizzazzjoni***.

Emenda 115

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8a (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
	(8a) Fl-Artikolu 11(1), jiżdied is- subparagrafu li ġej:
	"Mill-2021 'il quddiem, l-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li matul kull sena kalendarju kull operatur jirrapporta l-attività tal-produzzjoni għall-aġġustamenti tal-allokazzjoni b'konformità mal-Artikolu 10a paragrafu 7."

Emenda 116

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 8b (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 11 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
	(8b) Fl-Artikolu 11, jiżdied il-paragrafu li ġej:
	"3a. F'każ ta' suspett raġonevoli ta' irregolaritajiet jew nuqqas minn Stat Membru li jipprovdi l-lista u l-informazzjoni stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 3, il-Kummissjoni tista' tibda investigazzjoni indipendenti, u fejn meħtieġ tkun assistita minn parti terza kontraenti. L-Istat Membru kkonċernat għandu jipprovdi l-informazzjoni kollha u l-aċċess kollu meħtieġa għall-investigazzjoni, inkluż aċċess għall-installazzjonijiet u għad-data tal-produzzjoni. Il-Kummissjoni għandha tirrispetta l-istess regoli ta' kunfidenzjalità dwar informazzjoni kummerċjalment sensittiva bħall-Istat Membru kkonċernat u għandha tippubblika rapport dwar dik l-investigazzjoni."

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 117

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 10a (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 12 – paragrafu 3a

Test fis-seħħ	***Emenda***
	(10a) Fl-Artikolu 12, il-paragrafu 3a huwa sostitwit b'dan li ġej:
"3a. M'għandux jinħoloq obbligu biex wieħed iċedi l-kwoti rigward emissjonijiet verifikati bħala emissjonijiet maqbuda u trasportati għal ħażna permanenti lejn faċilità li għaliha jkun hemm permess fis-seħħ taħt id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-23 ta' April 2009 dwar il-ħażna ġeoloġika tad-dijossidu tal-karbonju[1]."	"3a. M'għandux jinħoloq obbligu biex wieħed iċedi l-kwoti rigward emissjonijiet verifikati bħala emissjonijiet maqbuda u trasportati għal ħażna permanenti lejn faċilità li għaliha jkun hemm permess fis-seħħ taħt id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-23 ta' April 2009 dwar il-ħażna ġeoloġika tad-dijossidu tal-karbonju[1], ***u lanqas fir-rigward tal-emissjonijiet ivverifikati bħala maqbuda u/jew użati mill-ġdid f'applikazzjoni li tiżgura rabta permanenti tas-CO2, għall-iskop tal-qbid u l-użu mill-ġdid tal-karbonju***."

Emenda 118

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 12

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
(12) Fl-Artikolu 14***(1)***, ***it-tieni subparagrafu*** huwa ***mibdul*** b'dan li ġej:	***(12) Fl-Artikolu 14, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
"Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta ***att delegat*** skont l-Artikolu ***23***.";	***"1. Il-Kummissjoni*** tingħata s-setgħa li tadotta ***atti delegati*** skont l-Artikolu ***30b biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi arranġamenti dettaljati għall-monitoraġġ u r-rappurtar ta' emissjonijiet u, fejn ikun rilevanti, dejta tal-attivitajiet, mill-attivitajiet elenkati fl-Anness I, il-monitoraġġ u r-rappurtar tad-dejta dwar it-tunellati-kilometri għall-iskop ta' applikazzjoni skont l-Artikoli 3e jew 3f, li għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipji għall-monitoraġġ u r-rappurtar stabbiliti fl-Anness IV u l-ispeċifikazzjoni għall-potenzjal għat-tisħin globali ta' kull gass serra fir-rekwiżiti għall-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet għal dak il-gass***.";
	"Sal-31 ta' Diċembru 2018, il-Kummissjoni għandha taġġusta r-regoli eżistenti dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet kif definit fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012 (*) ***sabiex jitneħħew l-ostakoli regolatorji għall-investiment f'teknoloġiji aktar riċenti b'emissjoni baxxa ta' karbonju bħall-qbid u l-użu tal-karbonju (CCU). Dawk ir-regoli l-ġodda għandhom ikunu effettivi għat-teknoloġiji CCU kollha sa mill-1 ta' Jannar 2019.***
	Dak ir-regolament għandu jiddetermina wkoll proċeduri ta' monitoraġġ, rappurtar u verifika simplifikati għall-emittenti ż-żgħar.
	(*) ***Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012 tal-21 ta' Ġunju 2012 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 181, 12.7.2012, p. 30)."***

Emenda 119

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 13

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 15 – paragrafi 4 u 5

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
(13) Fl-Artikolu 15, ***il-ħames subparagrafu huwa mibdul*** b'dan li ġej:	(13) Fl-Artikolu 15, ***ir-raba' u l-ħames paragrafi huma sostitwiti*** b'dan li ġej:

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
"Il-Kummissjoni ***għandha*** tingħata s-setgħa li tadotta ***att delegat*** skont l-Artikolu ***23***.";	"Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta ***atti delegati,*** skont l-Artikolu ***30b, biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi arranġamenti dettaljati għall-verifika ta' rapporti dwar l-emissjonijiet abbażi tal-prinċipji stipulati fl-Anness V, u għall-akkreditament u s-superviżjoni tal-verifikaturi. Hi għandha tispeċifika l-kondizzjonijiet għall-akkreditament u t-tneħħija tal-akkreditament, għar-rikonoxximent reċiproku u l-evalwazzjoni bejn il-pari tal-entitajiet tal-akkreditament, kif ikun xieraq."***

Emenda 120

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 13a (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 16 – paragrafu 7

Test fis-seħħ	***Emenda***
	(13a) Fl-Artikolu 16, il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:
7. Meta talbiet bħal dawk imsemmijin fil-paragrafu 5 huma indirizzati lill-Kummissjoni, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħrajn permezz tar-rappreżentanti tagħhom fil-Kumitat imsemmi fl-Artikolu ***23***(1) skont ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat.	7. Meta talbiet bħal dawk imsemmijin fil-paragrafu 5 huma indirizzati lill-Kummissjoni, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħrajn permezz tar-rappreżentanti tagħhom fil-Kumitat imsemmi fl-Artikolu ***30c***(1) skont ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat.

Emenda 121

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 14

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 16 – paragrafu 12

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
12. Fejn xieraq, għandhom jiġu stabbiliti regoli dettaljati rigward il-proċeduri msemmija f'dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu ***22a***.	12. Fejn xieraq, għandhom jiġu stabbiliti regoli dettaljati rigward il-proċeduri msemmija f'dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu adottati skont il-proċedura ***ta' eżami*** msemmija fl-Artikolu ***30c(2)***.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 122

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 15

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 19 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
(15) Fl-Artikolu 19***(3)***,***(ii) it-tielet sentenza hija mibdula*** b'dan li ġej:	(15) Fl-Artikolu 19, ***il-paragrafu 3 huwa sostitwit*** b'dan li ġej:
"Għandu jinkludi wkoll dispożizzjonijiet biex jimplimentaw regoli dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-kwoti fi ftehimiet biex jiġu konnessi l-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet. ***Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att delegat skont l-Artikolu 23.";***	***"3. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 30b sabiex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi arranġamenti dettaljati għall-istabbiliment ta' sistema standardizzata u sigura ta' uffiċċji tar-reġistrazzjonijiet fil-forma ta' databases elettroniċi u standardizzati li jkun fihom elementi ta' dejta komuni sabiex jittraċċjaw il-ħruġ, iż-żamma, it-trasferiment u l-kanċellazzjoni tal-kwoti, sabiex jipprovdu l-aċċess lill-pubbliku u l-kunfidenzjalità kif xieraq u sabiex jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda trasferiment li jkun inkompatibbli mal-obbligi li jirriżultaw mill-Protokoll ta' Kyoto. Dawk l-atti delegati għandhom jinkludi wkoll dispożizzjonijiet dwar l-użu u l-identifikazzjoni ta' CERs u ERUs fl-EU ETS u dwar il-monitoraġġ tal-livell ta' tali użu. Dawk l-atti għandhom jinkludu*** wkoll dispożizzjonijiet biex jimplimentaw regoli dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-kwoti fi ftehimiet biex jiġu konnessi l-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet."

Emenda 123

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 15a (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 21 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	***Emenda***
	(15a) Fl-Artikolu 21, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Test fis-seħħ	***Emenda***
"1. Kull sena l-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Dan ir-rapport għandu jagħti attenzjoni partikolari lill-arranġamenti għall-allokazzjoni tal-kwoti, il-ħidma tal-uffiċċji tar-reġistrazzjonijiet, l-applikazzjoni tal-miżuri għall-implimentazzjoni tal-monitoraġġ u tar-rappurtaġġ, il-verifika u l-akkreditament u l-kwistjonijiet relatati mal-konformità ma' din id-Direttiva u t-trattament fiskali tal-kwoti, jekk ikun hemm minnhom. L-ewwel rapport għandu jiġi ssottomess lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2005. Ir-rapport għandu jiġi mfassal fuq il-bażi ta' kwestjonarju jew deskrizzjoni fil-qosor abbozzati mill-Kummissjoni skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 91/692/KEE. Il-kwestjonarju jew id-deskrizzjoni fil-qosor għandhom jintbagħtu lill-Istati Membri mill-inqas sitt xhur qabel it-temma taż-żmien għas-sottomissjoni tal-ewwel rapport."	"1. Kull sena l-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Dan ir-rapport għandu jagħti attenzjoni partikolari lill-arranġamenti għall-allokazzjoni tal-kwoti, ***il-miżuri finanzjarji skont l-Artikolu 10a(6),*** il-ħidma tal-uffiċċji tar-reġistrazzjonijiet, l-applikazzjoni tal-miżuri għall-implimentazzjoni tal-monitoraġġ u tar-rappurtaġġ, il-verifika u l-akkreditament u l-kwistjonijiet relatati mal-konformità ma' din id-Direttiva u t-trattament fiskali tal-kwoti, jekk ikun hemm minnhom. L-ewwel rapport għandu jiġi ssottomess lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2005. Ir-rapport għandu jiġi mfassal fuq il-bażi ta' kwestjonarju jew deskrizzjoni fil-qosor abbozzati mill-Kummissjoni skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 91/692/KEE. Il-kwestjonarju jew id-deskrizzjoni fil-qosor għandhom jintbagħtu lill-Istati Membri mill-inqas sitt xhur qabel it-temma taż-żmien għas-sottomissjoni tal-ewwel rapport."

Emenda 124

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 15b (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 21 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
	(15b) Fl-Artikolu 21, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	"2a. Ir-rapport għandu, bl-użu ta' dejta pprovduta permezz tal-kooperazzjoni msemmija fl-Artikolu 18b, jinkludi lista tal-operaturi suġġetti għar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva li ma jkunux fetħu kont ta' reġistru."

Emenda 125

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 15c (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 21 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
	(15c) Fl-Artikolu 21, jiżdied il-paragrafu li ġej:
	"3a. F'każ ta' suspett raġonevoli ta' irregolaritajiet jew nuqqas minn Stat Membru li jirrapporta skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista' twettaq investigazzjoni indipendenti, u fejn meħtieġ tkun assistita minn parti terza kontraenti. L-Istat Membru għandu jipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa u l-aċċess kollu li l-investigazzjoni teżiġi, inkluż l-aċċess għall-installazzjonijiet. Il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport dwar l-investigazzjoni."

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 126

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 16

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 22 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
Il-Kummissjoni ***għandha*** tingħata s-setgħa li tadotta ***att delegat*** skont l-Artikolu ***23***.	Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta ***atti delegati*** skont l-Artikolu ***30b biex temenda din id-direttiva billi tistabbilixxi elementi mhux essenzjali tal-Annessi ta' din id-Direttiva, bl-eċċezzjoni tal-Annessi I, IIa u IIb***.

Emenda 127

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 17

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 22a – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
(17) Jiddaħħal l-Artikolu ***22a*** li ġej:	(17) Jiddaħħal l-artikolu li ġej:
"Artikolu ***22a***	"Artikolu ***30c***
Il-proċedura ta' kumitat"	Il-proċedura ta' kumitat"

Emenda 128

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 18

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 23 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
"Artikolu ***23***	"Artikolu ***30b***
L-eżerċitar tad-delega"	L-eżerċitar tad-delega"

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 129

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 19 – punt a

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 24 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
Mill-2008, l-Istati Membri jistgħu japplikaw l-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet, skont din id-Direttiva, għall-attivitajiet u għall-gassijiet serra li mhumiex imniżżla fl-Anness I, filwaqt li jitqiesu l-kriterji kollha rilevanti, speċjalment l-effetti fuq is-suq intern, id-distorsjonijiet potenzjali tal-kompetizzjoni, l-integrità ambjentali ***tal-iskema Komunitarja*** u l-affidabbiltà tas-sistema ta' monitoraġġ u ta' rrappurtar li tkun ippjanata, bil-kondizzjoni li l-inklużjoni ta' ***dawn l-attivitajiet*** u gassijiet serra tkun approvata mill-Kummissjoni.	Mill-2008, l-Istati Membri jistgħu japplikaw l-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet, skont din id-Direttiva, għall-attivitajiet u għall-gassijiet serra li mhumiex imniżżla fl-Anness I, filwaqt li jitqiesu l-kriterji kollha rilevanti, speċjalment l-effetti fuq is-suq intern, id-distorsjonijiet potenzjali tal-kompetizzjoni, l-integrità ambjentali ***tal-EU ETS*** u l-affidabbiltà tas-sistema ta' monitoraġġ u ta' rrappurtar li tkun ippjanata, bil-kondizzjoni li l-inklużjoni ta' ***tali attivitajiet*** u ***ta' tali*** gassijiet serra tkun approvata mill-Kummissjoni. ***Kwalunkwe inklużjoni unilaterali bħal din għandha tiġi proposta u approvata sa mhux aktar tard minn 18-il xahar qabel il-bidu ta' perijodu ġdid ta' skambju fl-EU ETS.***

Emenda 130

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 19 – punt a

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 24 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
Skont l-atti delegati li l-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta skont l-Artikolu ***23,*** jekk l-inklużjoni tirreferi għal attivitajiet u gassijiet serra li mhumiex elenkati fl-Anness I.	***Il-Kummissjoni*** tingħata s-setgħa li tadotta ***atti delegati*** skont l-Artikolu ***30b biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi arranġamenti dettaljati għall-approvazzjoni tal-inklużjoni tal-attivitajiet u l-gassijiet serra msemmija fl-ewwel subparagrafu fl-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet*** jekk ***dik*** l-inklużjoni tirreferi għal attivitajiet u gassijiet serra li mhumiex elenkati fl-Anness I.

Emenda 131

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 19 – punt b

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 24 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
(b) ***it-tieni subparagrafu tal-paragrafu*** 3 huwa ***mibdul*** b'dan li ġej:	(b) ***il-paragrafu*** 3 huwa ***sostitwit*** b'dan li ġej:

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
"Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati ***għal regolament bħal dan*** għall-monitoraġġ u ***r-rapportar tal-emissjonijiet*** u ***d-dejta tal-attività skont l-Artikolu 23***.";	***"3. Il-Kummissjoni*** tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati***, skont l-Artikolu 30b, biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi arranġamenti ddettaljati*** għall-monitoraġġ u ***r-rappurtar ta' attivitajiet, installazzjonijiet*** u ***gassijiet serra li m'humiex elenkati bħala kombinament fi grupp wieħed fl-Anness I, jekk il-monitoraġġ u r-rappurtar jistgħu jitwettqu bi preċiżjoni suffiċjenti***.";

Emenda 132

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 20 – punt a

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 24a – paragrafu 1 – subparagrafi 1 u 2

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
(a) ***it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 huwa mibdul*** b'dan li ġej:	(a) ***fil-paragrafu 1, l-ewwel u t-tieni subparagrafi huma sostitwiti*** b'dan li ġej:
"Miżuri bħal dawn għandhom ikunu konsistenti mal-atti adottati skont l-Artikolu 11b(7). Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att delegat skont l-Artikolu 23.";	***"1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati,*** skont l-Artikolu ***30***b***, biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi, apparti l-inklużjonijiet previsti fl-Artikolu 24, arranġamenti dettaljati għall-ħruġ ta' kwoti jew krediti fir-rigward tal-proġetti amministrati minn Stati Membri li jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra li ma jkunux koperti mill-EU ETS***."

Emenda 133

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 22

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 25a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
1. Meta pajjiż terz jadotta miżuri għat-tnaqqis tal-impatt tat-tibdil fil-klima minn titjiriet li jitilqu minn dak il-pajjiż li jinżlu ***fil-Komunità***, il-Kummissjoni, wara li tkun ikkonsultat mal-pajjiż terz, u mal-Istati Membri fil-Kumitat imsemmi fl-Artikolu ***23***(1), għandha tqis l-għażliet disponibbli sabiex tistipula l-aħjar interazzjoni bejn ***l-iskema tal-Komunità*** u l-miżuri ta' dak il-pajjiż.	1. Meta pajjiż terz jadotta miżuri għat-tnaqqis tal-impatt tat-tibdil fil-klima minn titjiriet li jitilqu minn dak il-pajjiż li jinżlu ***fl-Unjoni***, il-Kummissjoni, wara li tkun ikkonsultat mal-pajjiż terz, u mal-Istati Membri fil-Kumitat imsemmi fl-Artikolu ***30c*** (1), għandha tqis l-għażliet disponibbli sabiex tistipula l-aħjar interazzjoni bejn ***l-EU ETS*** u l-miżuri ta' dak il-pajjiż ***terz***.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni tista' ***taddotta emendi*** biex tipprovdi għal ***tijiriet*** li jaslu mill-pajjiż terz ikkonċernat sabiex dawn jiġu eskluży mill-attivitajiet tal-avjazzjoni elenkati fl-Anness I jew biex tipprovdi għal kull emenda oħra għall-attivitajiet tal-avjazzjoni elenkati fl-Anness I ***li hija*** meħtieġa minn ***ftehim skont ir-raba' subparagrafu. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta emendi bħal dawn skont l-Artikolu 23.***	Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni tista' ***tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill*** biex tipprovdi għal ***titjiriet*** li jaslu mill-pajjiż terz ikkonċernat sabiex dawn jiġu eskluży mill-attivitajiet tal-avjazzjoni elenkati fl-Anness I jew biex tipprovdi għal kull emenda oħra għall-attivitajiet tal-avjazzjoni elenkati fl-Anness I meħtieġa minn ***tali ftehim***.

Emenda 134

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 22a (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 27 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	***Emenda***
	(22a) Fl-Artikolu 27, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
"1. Wara li jikkonsultaw lill-operatur, l-Istati Membri jistgħu jeskludu***, mill-iskema Komunitarja,*** installazzjonijiet li rrappurtaw lill-awtoritajiet kompetenti emissjonijiet ta' inqas minn ***25*** 000 tunnellata ekwivalenti ta' dijossidju tal-karbonju ***u, meta jwettqu attivitajiet ta' kombustjoni, ikollhom kapaċità termika nominali ta' inqas minn 35 MW***, eskluży l-emissjonijiet mill-bijomassa f'kull waħda mit-3 snin li jippreċedu n-notifika msemmija fil-punt (a), u li huma suġġetti għal miżuri li jiksbu kontribut ekwivalenti għal tnaqqis tal-emissjonijiet, jekk l-Istat Membru kkonċernat jikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:	"1. Wara li jikkonsultaw lill-operatur ***u bi ftehim mal-operatur***, l-Istati Membri jistgħu jeskludu ***mill-EU ETS*** installazzjonijiet ***operati minn SME*** li rrappurtaw lill-awtoritajiet kompetenti emissjonijiet ta' inqas minn ***50*** 000 tunnellata ekwivalenti ta' dijossidju tal-karbonju, eskluży l-emissjonijiet mill-bijomassa f'kull waħda mit-3 snin li jippreċedu n-notifika msemmija fil-punt (a), u li huma suġġetti għal miżuri li jiksbu kontribut ekwivalenti għal tnaqqis tal-emissjonijiet, jekk l-Istat Membru kkonċernat jikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:
(a) jinnotifika l-Kummissjoni dwar kull waħda minn dawn l-installazzjonijiet, filwaqt li jispeċifika l-miżuri ekwivalenti li japplikaw għal dik l-installazzjoni li se tikseb kontribut ekwivalenti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet li qegħdin fis-seħħ, qabel ma l-lista ta' installazzjonijiet taħt l-Artikolu 11(1) tkun trid tiġi ppreżentata u mhux aktar tard minn meta din il-lista tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni;	(a) jinnotifika l-Kummissjoni dwar kull waħda minn dawn l-installazzjonijiet, filwaqt li jispeċifika l-miżuri ekwivalenti li japplikaw għal dik l-installazzjoni li se tikseb kontribut ekwivalenti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet li qegħdin fis-seħħ ***u jispeċifika kif dawk il-miżuri mhux se jirriżultaw fi spejjeż ta' konformità oħla għal dawn l-installazzjonijiet***, qabel ma l-lista ta' installazzjonijiet taħt l-Artikolu 11(1) tkun trid tiġi ppreżentata u mhux aktar tard minn meta din il-lista tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni;

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Test fis-seħħ	***Emenda***
(b) jikkonferma li hemm arranġamenti ta' monitoraġġ fis-seħħ li jivvalutaw jekk kwalunkwe installazzjoni tkunx is-sors ta' ***25*** 000 tunnellata ta' emissjonijiet jew aktar tal-ekwivalenti tad-dijossidju tal-karbonju, eskluži l-emissjonijiet mill-bijomassa, fi kwalunwe sena kalendarja; L-Istati Membri ***jistgħu*** jippermettu li jkun hemm miżuri simplifikati ta' monitoraġġ, rappurtar u verifika għall-installazzjonijiet b'emissjonijiet annwali vverifikati bejn l-2008 u l-2010 li jkunu inqas minn 5 000 tunnellata fis-sena, skont l-Artikolu 14;	(b) jikkonferma li hemm arranġamenti ta' monitoraġġ fis-seħħ li jivvalutaw jekk kwalunkwe installazzjoni tkunx is-sors ta' ***50*** 000 tunnellata ta' emissjonijiet jew aktar tal-ekwivalenti tad-dijossidju tal-karbonju, eskluži l-emissjonijiet mill-bijomassa, fi kwalunwe sena kalendarja; L-Istati Membri***, fuq talba ta' operatur, għandhom*** jippermettu li jkun hemm miżuri simplifikati ta' monitoraġġ, rappurtar u verifika għall-installazzjonijiet b'emissjonijiet annwali vverifikati bejn l-2008 u l-2010 li jkunu inqas minn 5 000 tunnellata fis-sena, skont l-Artikolu 14;
(c) jikkonferma li jekk xi installazzjoni tkun sors ta' ***25*** 000 tunnellata ta' emissjonijiet jew aktar tal-ekwivalenti tad-dijossidju tal-karbonju, eskluži l-emissjonijiet mill-bijomassa, fi kwalunwe sena kalendarja jew li l-miżuri li japplikaw għal dik l-istallazzjoni li se tikseb kontribut ekwivalenti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ma għadhomx fis-seħħ, l-installazzjoni tiġi introdotta mill-ġdid ***fl-iskema Komunitarja***;	(c) jikkonferma li jekk xi installazzjoni tkun sors ta' ***50*** 000 tunnellata ta' emissjonijiet jew aktar tal-ekwivalenti tad-dijossidju tal-karbonju, eskluži l-emissjonijiet mill-bijomassa, fi kwalunwe sena kalendarja jew li l-miżuri li japplikaw għal dik l-istallazzjoni li se tikseb kontribut ekwivalenti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ma għadhomx fis-seħħ, l-installazzjoni tiġi introdotta mill-ġdid ***fl-EU ETS***;
(d) ***jippubblika*** l-informazzjoni msemmija fil-punti (a) (b) u (c) ***għall-kummenti mill-pubbliku***.	(d) ***jagħmel*** l-informazzjoni msemmija fil-punti (a) (b) u (c) ***disponibbli għall-pubbliku***.
L-isptarijiet jistgħu ***ikunu*** eskluži jekk jieħdu miżuri ekwivalenti."	L-isptarijiet jistgħu ***jkunu*** eskluži jekk jieħdu miżuri ekwivalenti."

Emenda 135

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 22b (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 27a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
	(22b) Jiddaħħal l-artikolu li ġej:
	"Artikolu 27a
	Esklużjoni ta' installazzjonijiet żgħar mhux soġġetti għal miżuri ekwivalenti
	1. Wara konsultazzjoni mal-operatur, l-Istati Membri jistgħu jeskludu mill-EU ETS, installazzjonijiet li rrappurtaw lill-awtoritajiet kompetenti emissjonijiet ta' anqas minn 5 000 tunnellata ta' ekwivalenti tad-diossidu tal-karbonju, eskluži emissjonijiet mill-bijomassa, f'kull sena mit-tliet snin qabel innotifika skont il-punt (a), jekk l-Istat Membru kkonċernat jikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
	(a) jinnotifika lill-Kummissjoni dwar kull waħda minn dawn l-installazzjonijiet qabel ma l-lista ta' installazzjonijiet skont l-Artikolu 11(1) tkun trid tiġi ppreżentata jew mhux aktar tard minn meta din il-lista tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni;
	(b) jikkonferma li hemm arranġamenti ta' monitoraġġ fis-seħħ li jivvalutaw jekk kwalunkwe installazzjoni tkunx issors ta' 5 000 tunnellata ta' emissjonijiet jew aktar talekwivalenti tad-dijossidju tal-karbonju, eskluż l-emissjonijiet mill-bijomassa, fi kwalunwe sena kalendarja;
	(c) jikkonferma li jekk kwalunkwe installazzjoni tkun is-sors ta' 5 000 tunnellata ta' emissjonijiet jew aktar talekwivalenti tad-dijossidju tal-karbonju, eskluż l-emissjonijiet mill-bijomassa, fi kwalunkwe sena kalendarja, l-installazzjoni tiddaħħal mill-ġdid fl-EU ETS, sakemm ma jkunx japplika l-Artikolu 27;
	(d) jagħmel l-informazzjoni msemmija fil-punti (a) (b) u (c) disponibbli għall-pubbliku.
	2. Meta installazzjoni tiddaħħal mill-ġdid fl-EU ETS skont il-paragrafu 1(c), għandha tingħata kwalunkwe kwota maħruġa skont l-Artikolu 10a b'effett mis-sena tad-dħul mill-ġdid. Il-kwoti maħruġa lil dawn l-installazzjonijiet għandhom jitnaqqsu mill-ammont li jkun se jiġi rkantat skont l-Artikolu 10(2) mill-Istat Membru li fih tkun tinsab l-installazzjoni."

Emenda 136

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 22c (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 29

Test fis-seħħ	***Emenda***
	(22c) L-Artikolu 29 huwa Emenda t kif ġej:
"Rapport biex jiżgura li s-suq tal-karbonju jiffunzjona aħjar	"Rapport biex jiżgura li s-suq tal-karbonju jiffunzjona aħjar

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Test fis-seħħ	***Emenda***
Jekk, fuq il-bażi tar-rapporti regolari dwar is-suq tal-karbonju msemmi fl-Artikolu 10(5), il-Kummissjoni jkollha prova li s-suq tal-karbonju mhux qed jiffunzjona sewwa, hija għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Ir-rapport ***jista'*** jkun akkumpanjat, jekk ikun il-każ, minn proposti li jkollhom l-objettiv li tiżdied it-trasparenza ***tas-suq tal-karbonju*** u miżuri biex jittejjeb il-funzjonament ***tiegħu***."	Jekk, fuq il-bażi tar-rapporti regolari dwar is-suq tal-karbonju msemmi fl-Artikolu 10(5), il-Kummissjoni jkollha prova li s-suq tal-karbonju mhux qed jiffunzjona sewwa, hija għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. ***Dan*** ir-rapport ***għandu jinkludi taqsima ddedikata għall-interazzjoni bejn l-EU ETS u politiki oħra nazzjonali u tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija, fir-rigward tal-volumi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet, il-kosteffettività ta' tali politiki u l-impatt li għandhom fuq id-domanda għall-kwoti tal-EU ETS. Ir-rapport għandu*** jkun akkumpanjat, jekk ikun il-każ, minn proposti ***leġiżlattivi*** li jkollhom l-objettiv li tiżdied it-trasparenza ***tal-EU ETS, li tiġi indirizzata l-kapaċità li jkun hemm kontribut għall-għanijiet tal-Unjoni għall-2030*** u ***l-2050 fir-rigward tal-klima u l-enerġija u li jiġu indirizzati*** miżuri biex jittejjeb il-funzjonament ***tagħha, inklużi miżuri li jqisu l-impatt ta' politiki komplementari madwar l-Unjoni dwar l-enerġija u l-klima fuq il-bilanċ bejn il-provvista u d-domanda tal-EU ETS***."

Emenda 137

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 22d (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 30a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
	(22d) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:
	"Artikolu 30a
	Aġġustamenti b'segwitu għal analiżi globali skont l-UNFCCC u l-Ftehim ta' Pariġi
	Fi żmien sitt xhur mid-djalogu faċilitattiv skont l-UNFCCC fl-2018 il-Kummissjoni għandha tippubblika komunikazzjoni li tivvaluta l-konsistenza tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar it-tibdil fil-klima mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi. B'mod partikolari, il-komunikazzjoni għandha teżamina r-rwol u l-adegwatezza tal-EU ETS biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi.
	Fi żmien sitt xhur mill-eżerċizzju ta' rendikont globali fl-2023 u mir-rendikonti globali sussegwenti minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport li jivvaluta l-ħtieġa li l-azzjoni klimatika tal-Unjoni tiġi aġġustata kif ikun jeħtieġ il-każ.

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
	Ir-rapport għandu jikkunsidra l-aġġustamenti għall-EU ETS fil-kuntest tal-isforzi ta' mitigazzjoni globali u l-isforzi mwettqa minn ekonomiji ewlenin oħra. B'mod partikolari, ir-rapport għandu jivvaluta l-ħtieġa ta' tnaqqis tal-emissjonijiet aktar strett, il-ħtieġa li jiġu aġġustati d-dispożizzjonijiet dwar ir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, u jekk humiex meħtieġa għodod u miżuri ta' politika addizzjonali sabiex jiġu ssodisfati l-impenji fir-rigward tal-gassijiet serra tal-Unjoni u tal-Istati Membri.
	Ir-rapport għandu jqis ir-riskju ta' rilokazzjoni ta' emissjonijiet tal-karbonju, il-kompetittività tal-industriji Ewropej, l-investimenti fi ħdan l-Unjoni u l-politika ta' industrijalizzazzjoni tal-Unjoni.
	Ir-rapport għandu jiġi akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva, jekk ikun xieraq, u f'tali każ il-Kummissjoni għandha tippubblika, b'mod parallel, valutazzjoni sħiħa tal-impatt."

Emenda 138

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – punt 22e (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Anness I – paragrafu 3

Test fis-seħħ	***Emenda***
	(22e) L-Anness I(3) huwa sostitwit b'dan li ġej:
"3. Meta l-input termiku nominali totali ta' installazzjoni jiġi kkalkulat sabiex jiġi deċiż jekk tiddaħħalx ***fl-iskema Komunitarja***, l-inputs termiċi nominali ***tal-junits*** tekniċi kollha li jagħmlu parti minnha u li fihom jinħarqu ***karburanti*** fi ħdan l-istallazzjoni, jingħaddu flimkien. ***Dawn il-junits*** jistgħu jinkludu kull tip ta' bojlers, berners, turbini, ħiters, fran tal-funderiji, inċineraturi, ***kalkari tal-ġir***, kalkari, fran, ***impjanti nixxiefa*** (dryers), magni, ċelluli ***tal-karburanti***, ***junits*** tal-kombustjoni ***'chemical looping'***, ***torċi (flares)***, u ***impjanti*** termiċi jew katalitiċi ***tal-post-kombustjoni***. ***Junits*** b'input termiku nominali taħt it-3 MW u ***junits*** li jużaw biss il-bijomassa ma ***jitqisux*** għall-finijiet ta' dan il-kalkolu. ***'Junits*** li jużaw biss il-bijomassa' jinkludu ***impjanti*** li jużaw ***il-karburanti*** fossili meta jitqabbdu jew meta jintfew biss."	***"3.*** Meta l-input termiku nominali totali ta' installazzjoni jiġi kkalkulat sabiex jiġi deċiż jekk tiddaħħalx ***fl-EU ETS***, l-inputs termiċi nominali ***tal-kompartimenti*** tekniċi kollha li jagħmlu parti minnha u li fihom jinħarqu ***l-karburanti*** fi ħdan l-istallazzjoni, jingħaddu flimkien. ***Dawk il-kompartimenti*** jistgħu jinkludu kull tip ta' bojlers, berners, turbini, ħiters, fran tal-funderiji, inċineraturi, ***kalċinaturi***, kalkari, fran, ***apparat tat-tnixxif*** (dryers), magni, ċelluli ***tal-fjuwil***, ***kompartimenti*** tal-kombustjoni ***'chemical looping'***, ***apparat tal-ivvampjar***, u ***kompartimenti*** termiċi jew katalitiċi ***tal-postkombustjoni***. ***Il-kompartimenti*** b'input termiku nominali taħt it-3 MW***, il-kompartimenti ta' emerġenza li jintużaw biss biex jipproduċu l-elettriku għal konsum fuq il-post fil-każ ta' qtugħ tal-elettriku*** u ***l-kompartimenti*** li jużaw biss il-bijomassa ma ***għandhomx jitqiesu*** għall-finijiet ta' dan il-kalkolu. ***'Il-kompartimenti*** li jużaw biss il-bijomassa' jinkludu ***kompartimenti*** li jużaw ***il-fjuwils*** fossili meta jitqabbdu jew meta jintfew biss."

L-Erbgħa 15 ta' Frar 2017

Emenda 139

Proposta għal direttiva

Artikolu 1a (ġdid)

Deċiżjoni (UE) 2015/1814

Artikolu 1 – paragrafu 5 – subparagrafi 1a u 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	***Emenda***
	Artikolu 1a
	L-emendi għad-Deċiżjoni (UE) 2015/1814
	Id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 hija emendata kif ġej:
	Fl-Artikolu 1(5), jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin mal-ewwel subparagrafu:
	"Permezz ta' deroga, sal-perijodu ta' reviżjoni msemmi fl-Artikolu 3, il-perċentwali msemmija f'dan is-subparagrafu għandhom jiġu rdoppjati. Ir-reviżjoni għandha tikkunsidra li tirdoppja r-rata ta' ammissjoni sakemm jerġa' jiġi stabbilit il-bilanċ tas-suq.
	Barra minn hekk, ir-reviżjoni għandha tintroduċi limitu fuq ir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq u, jekk ikun xieraq, ir-reviżjoni għandha tkun akkumpanjata minn proposta leġiżlattiva.".

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

P8_TA(2017)0046

Ġlieda kontra t-terroriżmu ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2017 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u s-sostituzzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru 2002/475/ĠAI dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu (COM(2015)0625 – C8-0386/2015 – 2015/0281(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2018/C 252/43)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2015)0625),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 83(1) u 82(2)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0386/2015),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar il-bażi legali proposta,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) u l-Artikolu 83(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-17 ta' Marzu 2016 ([1]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1373(2001) tat-28 ta' Settembru 2001, 2178(2014) tal-24 ta' Settembru 2014, 2195(2014) tad-19 ta' Diċembru 2014, 2199(2015) tat-12 ta' Frar 2015, 2249 (2015) tal-20 ta' Novembru 2015 u 2253(2015) tas-17 ta' Diċembru 2015,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu tas-16 ta' Mejju 2005 u l-Protokoll Addizzjonali tagħha tad-19 ta' Mejju 2015,

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjonijiet tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF),

— wara li kkunsidra l-Communiqué tal-Laqgħa Għolja ta' Sigurtà Nukleari, Washington tal-1 ta' April 2016,

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-30 ta' Novembru 2016, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 59 u 39 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0228/2016),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Japprova d-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni mehmuża ma' din ir-riżoluzzjoni;

3. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

([1]) ĠU C 177, 18.5.2016, p. 51.

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

P8_TC1-COD(2015)0281

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-16 ta' Frar 2017 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2017/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġiżlattiv finali, d-Direttiva (UE) 2017/541.)

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

ANNESS GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni wara l-adozzjoni tad-Direttiva dwar il-Ġlieda kontra t-Terroriżmu

L-attakki terroristiċi reċenti fl-Ewropa enfasizzaw il-ħtieġa li nsaħħu l-isforzi biex tiġi salvagwardjata s-sigurtà filwaqt li nippromwovu r-rispett tal-valuri komuni tagħna li jinkludu l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. Bil-għan li jingħata rispons komprensiv għat-theddida terroristika dejjem tinbidel, il-qafas imsaħħaħ ta' kriminalizzazzjoni għall-ġlieda kontra t-terroriżmu jeħtieġ li jiġi kkomplementat minn miżuri effettivi dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni li twassal għat-terroriżmu u l-iskambju effiċjenti ta' informazzjoni dwar reati terroristiċi.

Huwa f'dan l-ispirtu li l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri jesprimu l-impenn tagħhom kollettivament – fil-qasam ta' kompetenza rispettiv tagħhom – biex ikomplu jiżviluppaw u jinvestu f'miżuri preventivi effettivi, bħala parti minn approċċ transsettorjali komprensiv li jinvolvi l-politiki rilevanti kollha, inkluż b'mod partikolari fil-qasam tal-edukazzjoni, l-inklużjoni soċjali u l-integrazzjoni, u l-partijiet ikkonċernati kollha, inkluż l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-komunitajiet lokali jew is-sħab fl-industrija.

Il-Kummissjoni ser tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri, b'mod partikolari billi toffri appoġġ finanzjarju għal proġetti mmirati li jiżviluppaw għodod li jindirizzaw ir-radikalizzazzjoni u permezz ta' inizjattivi u netwerks fil-livell tal-UE, bħan-Netwerk ta' Sensibilizzazzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni.

Il-Parlament Ewropew, Kunsill u l-Kummissjoni jenfasizzaw il-ħtieġa ta' skambju effettiv u f'waqtu tal-informazzjoni kollha rilevanti għall-prevenzjoni, id-detezzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi bejn l-awtoritajiet kompetenti fl-Unjoni. F'dan ir-rigward, hu essenzjali li jsir użu sħiħ mill-istrumenti, il-mezzi u l-aġenziji eżistenti kollha tal-Unjoni għall-iskambju ta' informazzjoni kif ukoll li l-leġislazzjoni adottata kollha tal-Unjoni f'dan il-qasam tiġi implimentata rapidament.

It-tliet istituzzjonijiet jaffermaw mill-ġdid il-ħtieġa li l-funzjonament tal-qafas ġenerali tal-UE għall-iskambju ta' informazzjoni jiġi vvalutat u li n-nuqqasijiet possibbli jiġu indirizzati b'azzjonijiet tanġibbli, inkluż fid-dawl tal-Pjan direzzjonali għat-titjib tal-iskambju ta' informazzjoni u tal-ġestjoni tal-informazzjoni, inkluż soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà fil-qasam tal-ĠAI.

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

P8_TA(2017)0047

Tisħiħ tal-kontrolli fil-fruntieri esterni abbażi ta' bażijiet tad-dejta rilevanti ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2017 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 562/2006 dwar it-tisħiħ tal-kontrolli fil-fruntieri esterni abbażi ta' bażijiet tad-dejta rilevanti (COM(2015)0670 – C8-0407/2015 – 2015/0307(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2018/C 252/44)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2015)0670),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 77(2)(b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0407/2015),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-7 ta' Diċembru 2016, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A8-0218/2016),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P8_TC1-COD(2015)0307

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-16 ta' Frar 2017 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2017/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 dwar it-tisħiħ tal-verifiki fuq il-fruntieri esterni ma' bażijiet ta' data rilevanti

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġiżlattiv finali, ir-Regolament (UE) 2017/458.)

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT